Vol. 1



# Fonti għall-ħajja ta' San Franġisk t'Assisi

**Il-Kitbiet ta' San Franġisk**

**Fonti Medjevali tal-ħajja ta' San Franġisk**

# FONTI GĦALL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK T’ASSISI

IL-KITBIET TA’ SAN FRANĠISK
FONTI MEDJEVALI TAL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK

Volum I

Traduzzjoni mill-Edizzjoni Kritika Latina

Noel Muscat OFM
Marjanu Vella OFM
Ġużepp Beneditt Xuereb OFM

Introduzzjonijiet u apparat kritiku

Noel Muscat OFM

Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri
Edizzjoni TAU, 2005

Ippubblikat mill-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri

© Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 2005

Il-jeddijiet kollha miżmuma.  Ebda silta minn dan il-ktieb
ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor
fotostatiku, elettroniku, mekkaninku, jew irrekordjat
mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-Edizzjoni TAU.

ISBN: 99909-48-29-1

Stampat mill-P.E.G. Ltd., San Ġwann, Malta
Disinn tal-qoxra minn Tandem Ltd., Qormi, Malta

# DAĦLA

Fl-okkażjoni tat-8 ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk, fis-sena 1982, fi ħdan il-Provinċja Franġiskana tal-Patrijiet Minuri f'Malta kienet twaqqfet l-Edizzjoni TAU, bl-iskop li tippubblika materjal ta' natura Biblika u Franġiskana, marbut maż-żewġ oqsma ewlenin tal-preżenza u l-ħidma evanġelizzatriċi tal-Franġiskani, jiġifieri l-kamp ta' studji bibliċi u arkejoloġiċi li jmexxu fl-Art Imqaddsa, u dak ta' l-istudji franġiskani li hu marbut ma' Assisi u l-postijiet li fihom għex San Franġisk.

Il-ħidma intensa ta' pubblikazzjonijiet, li diġà kellha storja fil-Provinċja Franġiskana, issukktat b'ritmu tajjeb u kontribuzzjonijiet ta' natura xjentifika għolja. Biżżejjed insemmu r-Rivista Biblika *L-Art Imqaddsa* u dik Franġiskana *Spirtu u Ħajja*. Ħarġu diversi pubblikazzjonijiet fil-kamp bibliku u franġiskan. Fosthom ta' min isemmi t-traduzzjoni bil-Malti tal-Kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara, u t-traduzzjonijiet ta' xi wħud mill-Fonti ewlenin tal-ħajja ta' San Franġisk u Santa Klara, bħalma huma l-*Legenda Maior* ta' San Bonaventura, il-*Fioretti*, il-*Leggenda dei Tre Compagni*, il-*Proċess ta' Kanonizzazzjoni* u l-*Leġġenda ta' Santa Klara*, dawn it-tnejn ta' l-aħħar frott iċ-ċelebrazzjonijiet tat-8 ċentinarju mit-twelid ta' Klara ta' Assisi fl-1993.

Kienet ilha tinħass ix-xewqa li dan il-materjal jinġabar u jiġi ipperfezzjonat f'edizzjoni waħda u tajba li fiha jinġabru l-Fonti Franġiskani. Kien hemm ħafna xogħol xi jsir u ma kienx faċli li wieħed jagħżel metodu li jkun xjentifiku u fl-istess ħin tajjeb għall-konsultazzjoni mill-pubbliku in ġenerali. Kien għalhekk li ġie deċiż li l-Provinċja Franġiskana Maltija tidħol għal biċċa ħidma iebsa, imma importanti, li toffri lill-pubbliku Malti t-traduzzjoni tal-Fonti ewlenin tal-ħajja ta' San Franġisk. Imma l-iskop tagħna ma jieqafx hawn, għax il-pjan ġenerali ta' l-opra jipprevedi li sejrin noħorġu 4 volumi. Dan li għandna f'idejna hu l-ewwel wieħed, u hu iċċentrat fuq il-Fonti medjevali tal-ħajja ta' San Franġisk. L-oħrajn se jkunu iddedikati lill-Fonti għall-ħajja ta' Santa Klara, lill-Fonti għall-ħajja ta' Sant'Antnin, u lill-Kitbiet ta' Qaddisin u Mistiċi Franġiskani tas-sekli XIII u XIV.

Dan il-volum għandu l-iskop li jiftaħ din is-sensiela ta' pubblikazzjonijiet, bħala tifkira ta' żewġ ġrajjiet li sejrin niċċelebraw fis-snin li ġejjin, waħda fix-xena lokali u l-oħra fix-xena internazzjonali tal-familja Franġiskana. Fis-sena 2007 l-Edizzjoni TAU tagħlaq 25 sena minn mindu twaqqfet, u hekk hu xieraq li dan il-volum ikun xhieda tas-sehem siewi u formattiv li l-pubblikazzjonijiet ta' natura biblika u franġiskana taw lill-Franġiskani reliġjużi u sekulari, irġiel u nisa, Maltin. Imbagħad, mis-sena 2006 l-Ordni Franġiskan se jibda t-tħejjija li twassal għaċ-ċelebrazzjoni tat-800 sena mill-fundazzjoni tiegħu fl-1209, is-sena li fiha San Franġisk u l-ewwel aħwa marru Ruma quddiem il-Papa Innoċenz III jippreżentawlu l-*forma vitae* ta' l-Evanġelju li huma ħaddnu għall-approvazzjoni tiegħu. Fl-ittra li Fra José Rodríguez Carballo OFM, Ministru Ġeneral ta' l-Ordni kollu tal-Patrijiet Minuri, bagħat għall-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk fl-4 ta' Ottubru 2004, hu ħabbar il-pjan ta' ċelebrazzjonijiet ta' din it-tifkira, bl-iskop li jkunu okkażjoni ta' tiġdid u formazzjoni għall-Franġiskani kollha:

«Dawn ir-riflessjonijiet qegħdin nagħmluhom fil-kuntest ta' l-itinerarju ċelebrattiv tat-Tmien Ċentinarju tal-Fundazzjoni ta' l-Ordni, li sejrin nibdew fis-sena 2006 u li jakkumpanjana sas-sena 2009. Dan hu żmien ta' grazzja li l-Mulej qiegħed jagħtina biex nibdew proċess ta' dixxerniment tal-ħajja u l-missjoni tagħna; biex nerġgħu nieħdu f'idejna l-proġetti ta' ħajja personali u fraterni tagħna, u wkoll biex niċċelebraw bil-ferħ il-grazzja tal-bidu tagħna. B'dan il-mod aħna nixtiequ nwieġbu b'mod krejattiv u xieraq għall-isfidi li qed jaslulna mill-Knisja u mid-dinja tallum, filwaqt li nintebħu bil-wirt għani ta' natura spiritwali u kulturali, li bosta patrijiet ħallewlna matul l-istorja ta' tant sekli li għaddew».

Il-pubblikazzjoni ta' dan il-volum iddedikat lill-Fonti għall-ħajja ta' San Franġisk għandha l-iskop li twieġeb għal din l-istedina u li tkun kontribut siewi għall-istudji franġiskani fil-kuntest lokali. B'hekk il-ħajja u l-messaġġ ta' San Franġisk ikunu magħrufin mhux biss minn uliedu patrijiet, sorijiet u sekulari, imma wkoll minn tant persuni oħrajn li japprezzaw is-sehem ta' dan il-qaddis u tal-familja tiegħu fis-sawrien ta' kultura umana u kristjana fl-Ewropa u fid-dinja.

Biex din l-opra setgħet issir rejaltà kien ta' għajnuna kbira l-appoġġ li ingħata mill-Provinċja Franġiskana tal-Patrijiet Minuri f'Malta, kif ukoll il-ħidma ta' dawk il-patrijiet li ittraduċew u ħadmu fuq it-testi latini medjevali tal-Fonti, partikularment Noel Muscat OFM, il-mibki poeta Marjanu Vella OFM, u Ġużepp Beneditt Xuereb OFM. B'sens ta' ġustizzja nirringrazzjaw lill-idejatur u fundatur ta' l-Edizzjoni TAU, Raymond Camilleri OFM, u lill-istoriku u arkivista tal-Provinċja Franġiskana, Ġorġ Aquilina OFM, li nissel f'tant patrijiet l-imħabba għal dak kollu li hu Franġiskan. Il-Mulej iħallashom kif jaf Hu tal-ħidma tagħhom.

Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, Valletta<br>4 ta' Ottubru 2004<br>Solennità ta' Missierna San Franġisk

# NOTA DWAR DIN L-EDIZZJONI

## GĦALL-UŻU PRATTIKU TA' DAN IL-VOLUM

It-traduzzjonijiet tal-Fonti li jiġu ppreżentati f'dan il-volum saru mill-edizzjoni kritika tal-*Fontes Franciscani* ippubblikata mill-Patrijiet Franġiskani ta' Quaracchi fil-Volum 10 ta' l-*Analecta Franciscana*. Għall-Fonti li ġejjin mit-tradizzjoni tal-aħwa li għexu ma' San Franġisk, intużat l-edizzjoni kritika tal-*Fontes Franciscani*, ippubblikata mill-Edizioni Porziuncola, Assisi, fl-1995, taħt il-kura ta' Enrico Menestò u Stefano Brufani. Sar ukoll konfront ma' l-edizzjonijiet tal-Fonti bl-Ingliż (*Francis of Assisi. Early Documents*) u bit-Taljan (*Fonti Francescane*).

L-għażla tad-dokumenti medjevali li ġew tradotti kienet magħmula fuq kriterju ta' analiżi storiko-xjentifika ta' l-ewwel seklu u nofs ta' l-Ordni tal-Minuri. Hekk l-ark ta' żmien li jkopru l-Fonti jitlaq mill-*Vita Sancti Francisci* ta' Fra Tommaso da Celano (1228-1229) u jibqa nieżel sa l-edizzjoni tal-*Fioretti*, fl-aħħar kwart tas-seklu 14. Il-volum hu maqsum fi tnejn. Fl-ewwel taqsima nsibu l-edizzjoni tal-Kitbiet ta' San Franġisk, li ilhom ippubblikati bil-Malti sa mill-1982, u li saru fuq l-edizzjoni kritika ta' Kajetan Esser, li sallum għadha l-edizzjoni prinċipali u awtorevoli tal-Kitbiet. It-tieni taqsima tagħti t-traduzzjonijiet tal-Fonti, li jsegwu ordni kronoloġiku, skond l-aktar studji reċenti dwar il-formazzjoni tagħhom. Fl-aħħar tat-tieni taqsima, imma dejjem bħala parti minnha, hemm traduzzjonijiet ta' dokumenti medjevali li huma marbutin mal-Fonti Franġiskani u jkompli jixħtu dawl dwar l-istorja ta' l-Ordni fl-ewwel seklu u nofs ta' l-eżistenza tiegħu. Fosthom insibu dokumenti papali u dokumenti ġejjin minn persuni li ma kienux fl-Ordni, imma li kitbu dwaru. Minħabba raġunijiet ta' spazju kellna nħallu barra tliet kwalitajiet ta' Fonti oħrajn importanti, jiġifieri l-Kronaki ta' Thomas of Eccleston, Giordano da Giano u Salimbene, il-kitbiet ta' l-Ispiritwali, partikolarment Ubertino da Casale u Angelo Clareno, u l-kitbiet dwar il-konformità ta' San Franġisk ma' Kristu, partikolarment Arnald de Sarrant u Bartolomeo da Pisa. Dawn id-dokumenti voluminużi jixirqilhom traduzzjoni partikulari li tista' jsir fil-ġejjini.

Kemm il-Kitbiet ta' San Franġisk kif ukoll il-Fonti tal-Ħajja ta' San Franġisk huma mimlijin riferimenti bibliċi diretti u indiretti. Hemm rabta kbira bejn il-kapaċità ta' l-aġjografi li kitbu dwar San Franġisk u l-formazzjoni tagħhom fil-*lectio divina*, hekk li huma kienu jaħsbu u jiktbu dejjem bl-Iskrittura f'moħħhom. Ir-riferenzi diretti jew indiretti għall-Iskrittura jinsabu annotati fit-testi. Meta r-riferenza hi ċara intuża t-test ta' l-Iskrittura mit-traduzzjoni uffiċjali ta' l-Għaqda Biblika Maltija. Fil-każi numerużi ta' riferenzi indiretti t-traduzzjoni hi magħmula direttament mil-Latin mingħajr ma tirreferi neċessarjament għall-kliem eżatt ta' l-Iskrittura. F'diversi mill-Fonti ewlenin, fi tmiem il-paragrafi, wieħed isib riferimenti għal testi paralleli li hemm fil-Fonti l-oħrajn. Ir-riferimenti huma indikati bejn il-parentesi u bl-abbrevjazzjoni ta' l-isem tagħhom. Ir-riferimenti l-oħrajn kollha wieħed isibhom fin-noti fil-qiegħ tal-paġna.

L-ismijiet uffiċjali tal-Fonti jingħataw bil-Latin. Dan biex wieħed jitgħallem jirreferi għalihom bit-titlu oriġinali tagħhom. Għamilna eċċezzjoni għal żewġ Fonti li isimhom hu popolari ħafna bit-Taljan, jiġifieri l-*Anonimo Perugino* u l-*Leggenda dei Tre Compagni*, kif ukoll għall-*Fioretti* li, fil-fatt, inkitbu bid-djalett Toskan. Fl-Introduzzjonijiet għal kull waħda mill-Fonti, li huma indispensabbli biex wieħed jifhimhom aħjar, wieħed jista' jsib spjegazzjoni ta' l-isem Latin.

Il-Fonti kollha wieħed jista' jirreferi għalihom permezz tan-numru marġinali li hemm qabel ħafna mill-paragrafi. Dan il-metodu li ġie adottat mill-edizzjoni Taljana tal-*Fonti Francescane* ħassejna li hu l-aħjar wieħed għal riferimenti ta' malajr u ċari. Hekk isir fl-Indiċijiet fi tmiem il-

volum, b'eċċezzjoni ta' l-Indiċi ta' riferimenti mill-Iskrittura li, minħabba l-voluminożità ta' dan l-impenn, kellna nillimitawhom biss għall-Kitbiet ta' San Franġisk. F'dan il-każ ir-riferimenti jingħataw mhux skond in-numru marġinali tal-paragrafi imma skond l-abbrevjazzjoni ta' l-isem tal-Kitba partikulari li għaliha jirreferu. Bħala suġġeriment prattiku, wieħed jista' jirreferi għal Fonti partikulari bl-indikazzjoni tat-titlu tagħha abbrevjat, tan-numru tal-paragrafu, u tan-numru marġinali ta' din l-edizzjoni bis-sigla FSF (Fonti ta' San Frangisk), eż: 1C 1 [FSF 201]. Dan il-metodu għażilnieh bil-ħsieb li jibqa' jiġi segwit fl-edizzjonijiet oħrajn tal-Fonti tal-Ħajja ta' Santa Klara [FSK] u tal-Fonti tal-Ħajja ta' Sant'Antnin [FSA] li huma programmati biex ikomplu din is-sensiela ta' Fonti Franġiskani fil-ġejjieni.

# PJAN ĠENERALI

Abbrevjazzjonijiet
Kronoloġija għall-Ħajja ta' San Franġisk

I TAQSIMA – IL-KITBIET TA' SAN FRANĠISK
Introduzzjoni għall-Kitbiet ta' San Franġisk
Il-Kitbiet ta' San Franġisk

II TAQSIMA – FONTI GĦALL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK
Introduzzjoni għall-Fonti tal-Ħajja ta' San Franġisk

Vita Sancti Francisci ta' Tommaso da Celano (1228-1229)
Legenda ad usum Chori (1230)

Officium Rhythmicum Sancti Francisci (1230-1235)
Vita Sancti Francisci ta' Julian minn Speyer (1234-1235)

Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate (1237-1239)

Anonimo Perugino (1240-1241)

Leggenda dei Tre Compagni (1241-1247)

Compilatio Assisiensis (1244-1260)

Memoriale in Desiderio Animae ta' Tommaso da Celano (1245-1247)

Tractatus Miraculorum Sancti Francisci ta' Tommaso da Celano (1250-1252)

Legenda Maior Sancti Francisci ta' San Bonaventura (1260-1263)
Legenda minor Sancti Francisci ta' San Bonaventura (1260-1266)

Liber de Laudibus Sancti Francisci ta' Bernard de Besse (1277-1283) [siltiet]

Speculum Perfectionis (Edizzjoni ta' Paul Sabatier) (1318)

Actus Beati Francisci et Sociorum Eius (1328-1337) [siltiet]
Il-Fioretti ta' San Franġisk (tieni nofs seklu 14)

Ittri ta' Jacques de Vitry

Dokumenti Papali

Legenda Choralis Umbra (1253-1259)

Ittra ta’ Fra Elia fuq it-Transitu ta’ San Franġisk (1253)

Jacobus de Voragine, Vita Sancti Francisci in Legenda Aurea

Legenda Monacensis

Diploma ta’ l-Indulġenza tal-Porziuncola ta’ Teobaldo, Isqof ta’ Assisi (1310)

Biblijografija

Indiċi ta’ Riferimenti Bibliċi
Indiċi ta’ Ismijiet
Indiċi ta’ Postijiet
Indiċi Analitiku-Tematiku

# ABBREVJAZZJONIJIET

## SKRITTURA MQADDSA

| | |
|---|---|
| Ġen | Ġenesi |
| Eż | Eżodu |
| Lev | Levitiku |
| Num | Numri |
| Dt | Dewteronomju |
| Ġoż | Ġożwè |
| Mħ | Mħallfin |
| Rut | Rt |
| 1Sam | 1 Samwel |
| 2Sam | 2 Samwel |
| 1Slat | 1 Slaten |
| 2Slat | 2 Slaten |
| 1Kron | 1 Kronaki |
| 2Kron | 2 Kronaki |
| Esd | Esdra |
| Neħ | Neħemija |
| Tobit | Tob |
| Ġud | Ġuditta |
| Est | Ester |
| 1Mak | 1 Makkabin |
| 2Mak | 2 Makkabin |
| Ġob | Ġob |
| S | Salmi |
| Prov | Proverbji |
| Koħ | Koħelet |
| Għan | Għanja ta’ l-Għanjiet |
| Għerf | Għerf |
| Sir | Bin Sirak |
| Is | Isaija |
| Ġer | Ġeremija |
| Lam | Lamentazzjonijiet |
| Bar | Bàruk |
| Eżek | Eżekjel |
| Dan | Danjel |
| Hos | Hosegħa |
| Ġoel | Ġoel |
| Għam | Għamos |
| Għabd | Għabdija |
| Ġona | Ġona |
| Mik | Mikea |
| Naħ | Naħum |

| | |
|---|---|
| Ħab | Ħabakkuk |
| Sof | Sofonija |
| Ħag | Ħaggaj |
| Żak | Żakkarija |
| Mal | Malakija |
| | |
| Mt | San Mattew |
| Mk | San Mark |
| Lq | San Luqa |
| Ġw | San Ġwann |
| Atti | Atti ta’ l-Appostli |
| Rum | Rumani |
| 1Kor | 1 Korintin |
| 2Kor | 2 Korintin |
| Gal | Galatin |
| Efes | Efesin |
| Fil | Filippin |
| Kol | Kolossin |
| 1Tess | 1 Tessalonkin |
| 2Tess | 2 Tessalonkin |
| 1Tim | 1 Timotju |
| 2Tim | 2 Timotju |
| Tit | Titu |
| Film | Filemon |
| Lhud | Lhud |
| Ġak | Ġakbu |
| 1Pt | 1 Pietru |
| 2Pt | 2 Pietru |
| Ġuda | Ġuda |
| 1Ġw | 1 Ġwanni |
| 2Ġw | 2 Ġwanni |
| 3Ġw | 3 Ġwanni |
| Apk | Apokalissi |

## KITBIET TA’ SAN FRANĠISK

| | |
|---|---|
| Adm | Admonitiones. |
| CantAudPov | Cantico di esortazione Audite Poverelle. |
| CantSol | Canticum fratris Solis. |
| LaudDei | Laudes Dei Altissimi. |
| BenLeo | Benedictio fratri Leoni data. |
| EpAnt | Epistola ad sanctum Antonium. |
| EpCler I | Epistola ad Clericos (Redactio prior). |
| EpCler II | Epistola ad Clericos (Redactio posterior). |
| EpCust I | Epistola ad Custodes I. |

| | |
|---|---|
| EpCust II | Epistola ad Custodes II. |
| EpFid I | Epistola ad Fideles I. |
| EpFid II | Epistola ad Fideles II. |
| EpLeo | Epostola ad fratrem Leonem. |
| EpMin | Epistola ad Ministrum. |
| EpOrd | Epistola toti Ordini missa. |
| EpRect | Epistola ad populorum rectores. |
| ExhLD | Exhortatio ad Laudem Dei. |
| ExpPat | Expositio in Pater noster. |
| FormViv | Forma vivendi sanctae Clarae data. |
| Fragm | Fragmenta alterius Regulae non bullatae. |
| LaudHor | Laudes ad omnes horas dicendae. |
| OffPass | Officium Passionis Domini. |
| OrCruc | Oratio ante crucifixum. |
| RegB | Regula bullata. |
| RegNB | Regula non bullata. |
| RegEr | Regula pro eremitoriis data. |
| SalBMV | Salutatio beatae Mariae Virginis. |
| SalVirt | Salutatio virtutum. |
| Test | Testamentum. |
| UltVol | Ultima voluntas sanctae Clarae scripta. |

## FONTI TAL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK

| | |
|---|---|
| 1C | Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci*. |
| LCh | Tommaso da Celano, *Legenda ad usum chori*. |
| OR | Julian minn Speyer, *Officium Rhythmicum Sancti Francisci*. |
| LJS | Julian minn Speyer, *Vita Sancti Francisci*. |
| SC | *Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate*. |
| AP | Giovanni da Perugia, *Anonimo Perugino.* |
| L3C | *Leggenda dei Tre Compagni*. |
| CA | *Compilatio Assisiensis*. |
| 2C | Tommaso da Celano, *Memoriale in Desiderio Animae*. |
| 3C | Tommaso da Celano, *Tractatus de Miraculis Sancti Francisci*. |
| LM | S. Bonaventura, *Legenda Maior Sancti Francisci*. |
| LMin | S. Bonaventura, *Legenda minor Sancti Francisci*. |
| LdL | Bernard de Besse, *Liber de Laudibus Sancti Francisci*. |
| SP (Sabatier) | *Speculum Perfectionis* (ed. Paul Sabatier). |
| SP (Lemmens) | *Speculum Perfectionis* (ed. Leonhard Lemmens). |
| ABF | *Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. |
| Fior | *Fioretti di San Francesco*. |
| Vitry | Jacques de Vitry. |
| LChUmb | *Legenda Choralis Umbra.* |
| EpTrans | Ittra attribwita lil fra Elia dwar it-Transitu ta' San Franġisk. |
| Vor | Jacobo da Voragine, *Vita Sancti Francisci in Legenda Aurea*. |

| | |
|---|---|
| LMon | *Legenda Monacensis*. |
| IndulPorz | *Diploma di Teobaldo sull'Indulgenza della Porziuncola*. |

## KITBIET U FONTI TAL-ĦAJJA TA' SANTA KLARA

| | |
|---|---|
| BenCl | Barka ta' S. Klara. |
| EpAgn I-IV | Ittri lil S. Agnese ta' Praga. |
| LegCl | *Legenda Sanctae Clarae Virginis*. |
| PrivPaup | *Privilegium Paupertatis*. |
| ProcCan | Proċess ta' Kanonizzazzjoni. |
| RegCl | Regola ta' S. Klara. |
| TestCl | Testment ta' S. Klara. |

## ABBREVJAZZJONIJIET OĦRAJN

| | |
|---|---|
| AASS | *Acta Sanctorum* (Bollandisti). |
| AB | *Analecta Bollandiana*. |
| AF | *Analecta Franciscana*. |
| AFH | *Archivum Franciscanum Historicum*. |
| AM | Wadding, *Annales Minorum*. |
| BBT | *Biblioteca Biobibliografica della Terra Santa*. |
| BF | *Bullarium Franciscanum*. |
| CF | *Collectanea Franciscana*. |
| DAF | *Documenta Antiqua Franciscana*. |
| EF | *Etudes Franciscaines*. |
| FSF | *Fonti għall-Ħajja ta' S. Franġisk* (b'riferimenti għan-numri marġinali). |
| FS | *Franciscan Studies*. |
| FrStud | *Franziskanische Studien*. |
| GFR | *Greyfriars Review*. |
| MF | *Miscellanea Francescana*. |
| MGH | *Montumenta Germaniae Historica, Scriptores*. |
| OCH | *Opuscules de Critique Historique*. |
| PG | *Patrologia Greca* (Migne). |
| PL | *Patrologia Latina* (Migne). |
| SF | *Studi Francescani*. |
| SĦ | *Spirtu u Ħajja*. |
| TM | *Testimonia minora* (Lemmens). |
| WW | *Wissenschaft und Weisheit*. |

# KRONOLOĠIJA GĦALL-FONTI TAL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK

| | |
|---|---|
| 1181/82 | Franġisku twieled f'Assisi, iben Pietro di Bernardone u Madonna Pica.<br>Mgħammed f'San Rufino bl-isem ta' Giovanni.<br>Missieru jbiddillu ismu f'dak ta' Francesco malli jirritorna minn Franza. |
| 1193/94 | Klara titwieled f'Assisi, bint Favarone di Offreduccio u Ortolana. |
| 1198 [8 Jan] | Il-Kardinal Lotario dei Conti di Segni elett Papa bl-isem ta' Innoċenz III.<br>Iċ-ċittadini ta' Assisi jeqirdu l-fortizza tar-Rocca, simbolu tal-qawwa imperjali. Gwerra ċivili f'Assisi. In-nobbli jaħarbu Perugia, fosthom il-familja ta' Klara. |
| 1202 [Nov] | Battalja Collestrada bejn Assisi u Perugia. Franġisku jinqabad priġunier. |
| 1202-1203 | Franġisku priġunier f'Perugia.<br>Jinħeles minn missieru li jħallas rahan għalih u għax kien marid ħafna. |
| 1204 | Franġisku marid id-dar, ifiq bil-kura ta' ommu Pica. |
| 1205 [bidu] | Franġisku jmur fuq spedizzjoni fil-Puglie, ma' Walter de Brienne.<br>Fi Spoleto jkollu ħolma, u jirritorna lejn Assisi. Bidu tal-konverżjoni. |
| 1205 [Ġun] | Franġisku jieħu sehem f'ikla ta' l-aħħar ma' ħbiebu.<br>Imur Ruma u jittallab il-karità fid-daħla ta' San Pietru. |
| 1205 [ħarifa] | Jiltaqa' ma' lebbruż ħdejn San Lazzaro dell'Arce, fil-Valle Umbra.<br>Franġisku jitlob quddiem il-kurċifiss ta' San Damiano.<br>Ġesù mill-kurċifiss jistiednu jsewwi l-knisja.<br>Franġisku jgħix bħala oblat mal-qassis ta' San Damiano.<br>Imur lura d-dar u missieru jippersegwitah. |
| 1206 [Jan] | Proċess quddiem l-isqof Guido ta' Assisi.<br>Franġisku jiċħad għall-wirt ta' missieru quddiem l-isqof. Iħalli Assisi.<br>Liebes imċerċer imur fl-abbazija Benedittina ta' San Verecondo fi triqtu lejn Gubbio. Ma jiġix milqugħ tajjeb u jkompli triqtu lejn Gubbio.<br>F'Gubbio jilqgħu ħabibu Federico Spadalunga. Jaqdi lill-lebbrużi. |
| 1206[sajf] | Jirritorna lejn Assisi. Jgħix f'San Damiano bħala penitenti. |
| 1206-1208 | Isewwi l-knejjes ta' San Damiano, San Pietro della Spina u Santa Maria degli Angeli (Porziuncola). |
| 1208 [24 Frar] | Festa ta' San Mattija Appostlu.<br>Fil-Porziuncola jisma' l-Evanġelju tal-missjoni ta' l-Appostli.<br>Jilbes tonka u jitħażżem b'ħabel u jibda jxandar il-penitenza. |
| 1208 [16 Apr] | Bernardo da Quintavalle u Pietro Cattanio jingħaqdu ma' Franġisku fil-Porziuncola, wara li jikkonsultaw il-ktieb ta' l-Evanġelji fil-knisja ta' San Niccolò f'Assisi. |
| 1208 [23 Apr] | Jingħaqad magħhom Egidio. L-ewwel missjoni lejn il-Marche d'Ancona. |
| 1208[sajf] | Filippo Longo, Sabbatino, Giovanni u Morico jingħaqdu ma' Franġisku. |
| 1208[ħarifa] | It-tieni missjoni fil-Valle Reatina (Poggio Bustone).<br>Franġisku żgurat dwar il-maħfra tiegħu u l-ġejjieni ta' l-aħwa.<br>Bernardo u Egidio jmorru Firenze u San Giacomo di Compostella. |
| 1209[xitwa] | It-8 aħwa jinġabru fil-Porziuncola. 4 oħra jingħaqdu magħhom. |

1209/10 Franġisku u l-aħwa jmorru Ruma quddiem il-Papa Innoċenz III.
Il-Papa japprova bil-fomm il-*Forma Vitae* ta' l-Evanġelju ta' Franġisku.
L-aħwa jmorru lura lejn Assisi, jgħaddu minn Orte u jieqfu Rivotorto.
1209 [Sett] L-Imperatur Ottone IV jgħaddi minn Rivotorto fi triqtu lejn Ruma biex jiġiinkurunat minn Innoċenz III. Franġisku jħabbarlu t-tmiem tiegħu.
Lejl minnhom f'Rivotorto l-aħwa jaraw lil Franġisku riekeb karru tan-nar.
1210 Wara ftit taż-żmien l-aħwa imorru lura definittivament fil-Porziuncola.
L-abbati tal-monasteru ta' San Benedetto al Subasio joffri lil Franġisku l-użu tal-Porziuncola.
1211[sajf] Franġisku jipprova jmur is-Sirja imma jispiċċa fuq il-kosta tad-Dalmazja.
Jiġi lura Ancona billi jinħeba fuq ġifen.
1212[18-19 Mar] Ħadd il-Palm. Klara taħrab mid-dar u tinżel il-Porziuncola.
Tintbagħat fil-monasteru ta' San Paolo delle Abbadesse f'Bastia Umbra. Il-qraba tagħha jippruvaw jeħduha d-dar bil-forza.
Minn hemm tgħaddi fil-monasteru ta' Sant'Angelo di Panzo.
Oħtha Caterina (Agnese) tingħaqad magħha.
Franġisku jibgħat lil Klara f'San Damiano.
Twaqqif ta' l-Ordni tal-*Povere Dame di San Damiano*.
1213 [8 Mej] Waqt festa ta' investitura ta' kavallier fil-kastell ta' San Leo fir-Romagna, l-Konti Orlando di Chiusi jagħti lil Franġisku l-Monte della Verna.
1213-1214 Franġisku jmur lejn Spanja, bl-iskop li jgħaddi fil-Marokk.
Fi Spanja jimrad u jkollu jirritorna lejn Assisi.
Jidħol fl-Ordni grupp ta' irġiel letterati, fosthom Tommaso da Celano.
1215 [Nov] Innoċenz III jiftaħ il-Konċilju Lateran IV f'Ruma. Franġisku preżenti għall-Konċilju. Laqgħa tradizzjonali ma' San Duminku (?).
1216 [16 Lul] Innoċenz III imut f'Perugia.
1216 [19 Lul] Il-Kardinal Cencio Savelli jiġi elett Papa Onorju III.
Okkażjoni probabbli għall-Indulġenza tal-Porziuncola.
1216 [Ott] Jacques de Vitry jikteb dwar il-Patrijiet u s-Sorijiet Minuri.
1217 [5 Mej] Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin fil-Porziuncola.
L-ewwel missjoni lejn il-Ġermanja, Tuniżi (Egidio) u Sirja (Elia).
Franġisku xtaq imur Franza. Jasal sa Firenze.
Il-Kardinal Ugolino, Legat Papali fit-Toscana u l-Lombardia, iwaqqfu.
Franġisku jirritorna Assisi.
1217 Bonaventura jitwieled f'Civita di Bagnoregio. Ta' tifel jiġi mfejjaq għall-merti ta' San Franġisk.
1218 [11 Ġun] Bulla Papali *Cum dilecti* ta' Onorju III dwar il-kattoliċita' tal-Minuri.
1219 [26 Mej] Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin fil-Porziuncola.
Missjonijiet fil-Ġermanja, Franza, Ungerija, Spanja u Marokk.
1219 [24 Ġun] Franġisku jitlaq lejn il-lvant. Jieqaf Akri u Damiata (Eġittu).
Il-ħames Kruċjata tattakka Damiata biex tirbaħha mill-Misilmin.
Franġisku jiltaqa' mas-Sultan Malik-al-Kamil.
1219 [5 Nov] Il-Kruċjati jirbħu Damiata. Franġisku jirritorna lejn l-Italja (?)
1220 [16 Jan] L-ewwel martri ta' l-Ordni fil-Marokk, fra Berardo u sħabu.
Ferdinando minn Lisbona (Antnin ta' Padova) jidħol fl-Ordni f'Coimbra.
1220 [Mar] Jacques de Vitry jikteb Ittra minn Damiata b'riferiment għall-Franġisku.

1220 [bidu] Wara li joqgħod f'Akri u jżur l-Art Imqaddsa (?)
Franġisku jirritorna lejn l-Italja ma' Pietro Cattanio, Elia u Caeser minn Speyer. Jasal fl-Isola del Deserto, Venezia.
Jitlob lill-Papa li jagħtih lill-Kardinal Ugolino bħala Protettur ta' l-Ordni.
1220[22 Sett] Bulla *Cum secundum consilium* twaqqaf is-sena tan-novizzjat.
1220[29 Sett] Fil-Kapitlu tal-Porziuncola Franġisku jiċħad it-tmexxija ta' l-Ordni.
Jaħtar lil Pietro Cattanio bħala Vigarju.
1221 [10 Mar] Pietro Cattanio imut fil-Porziuncola. Fra Elia maħtur Vigarju.
1221 [30 Mej] Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin, magħruf bħala Kapitlu tal-Ħsajjar (?)
Approvata r-*Regola non Bullata*.
Missjoni ġdida lejn il-Ġermanja immexxija minn Caeser minn Speyer.
Tommaso da Celano u Giordano da Giano jmorru l-Ġermanja.
1221 Onorju III japprova l-*Memoriale Propositi* għall-Ordni tal-Penitenti.
1221-1225 Jacques de Vitry jsemmi l-Patrijiet Minuri fl-*Historia Occidentalis*.
1221-1222 Franġisku jippriedka fl-Italja ċentrali.
1222[15 Aw] Franġisku jippriedka f'Bologna. Xhieda ta' Tommaso da Spalato.
1223 Antnin jgħallem it-tejoloġija f'Bologna. Franġisku jiktiblu biljett.
1223 [xitwa] Franġisku jmur Fonte Colombo u jikteb ir-Regola.
Jgħinuh fra Bonizo da Bologna, fra Leone u l-Kardinal Ugolino.
1223[11 Ġun] Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin, japprova r-Regola.
1223[29 Nov] Onorju III jikkonferma r-*Regola Bullata* bil-Bulla *Solet annuere*.
1223[25 Diċ] Ċelebrazzjoni tal-Milied fi Greccio.
1224[2 Ġun] Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin fil-Porziuncola. Missjoni lejn l-Ingilterra.
1224[sajf] Franġisku jqatta' perjodu ta' talb bejn il-festi ta' l-Assunta u San Mikiel fuq il-Monte dellaVerna.
1224[10 Sett] L-ewwel aħwa jaslu Dover, fl-Ingilterra, u jkomplu lejn Canterbury.
1224[14 Sett] Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib. Franġisku jirċievi l-istimmati fuq La Verna.
1224 [Ott] Franġisku jirritorna lejn il-Porziuncola minn Borgo San Sepolcro, Monte Casale, Città di Castello.
1225[xitwa] Franġisku jmur jippriedka fl-Umbria u l-Marche.
1225[bidu] Franġisku joqgħod San Damiano. Jikteb il-*Cantico delle Creature*.
Il-marda t'għajnejh tiggrava.
1225[Ġun] Iħabbeb lill-isqof Guido ma' Bernardo, il-Podestà ta' Assisi, wara li jikteb l-istrofa dwar il-maħfra fil-*Cantico delle Creature*..
1225[sajf] Imur Rieti għall-kura ta' għajnejh. Milqugħ mill-Kardinal Ugolino.
Fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo jagħmel l-operazzjoni ta' għajnejh.
1225[ħarifa] Joqgħod f'San Fabiano della Foresta.
Id-dielja tal-qassis ta' San Fabiano tagħmel ħafna frott.
1226[Apr] Franġisku jmur Siena għall-kura ta' għajnejh.
Wara taqliba għall-mewt jiddetta t-Testment ta' Siena.
Imur f'Le Celle di Cortona. Jiddetta t-Testment (?)
1226[sajf] Franġisku jittieħed fuq l-għoljiet ta' Bagnara, ħdejn Nocera Umbra.
1226[Awissu] Franġisku jittieħed lura Assisi, fil-palazz ta' l-isqof.
L-isqof Guido imur pellegrinaġġ lejn Monte Gargano.
1226[Sett] Franġisku jitlobhom iġorruh fil-Porziuncola. Ibierek lil Assisi.

Fil-Porziuncola jiddetta t-Testment (?)
1226[3 Ott] Franġisku jmut fil-Porziuncola s-Sibt 3 ta' Ottubru, wara l-Għasar.
1226[4 Ott] Il-ġisem mejjet ta' Franġisku jittieħed għad-difna f'Assisi.
Klara u l-*Povere Dame* ta' San Damiano jaraw lil Franġisku għall-aħħar darba.
Franġisku jiġi midfun fil-knisja ta' San Giorgio.
Fra Elia jħabbar il-mewt ta' San Franġisk lill-Ordni kollu.
1227[19 Mar] Il-Kardinal Ugolino elett Papa bl-isem ta' Girgor IX.
1227[30 Mej] Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin. Giovanni Parenti elett Ministru Ġeneral.
1228[29 Apr] Bulla *Recolentes* ta' Girgor IX tħabbar il-bini ta' knisja speċjali
(*specialis ecclesia*) bħala santwarju għar-relikwi ta' Franġisku.
1228[16 Lul] F'Assisi Girgor IX jiddikjara lil Franġisku qaddis.
1228[19 Lul] Girgor IX jippubblika l-Bulla ta' kanonizzazzjoni *Mira circa nos*.
1228-1229 Tommaso da Celano jikteb il-*Vita Sancti Francisci*.
1229[25 Frar] Il-Papa Girgor IX japprova l-*Vita Sancti Francisci*.
1230[25 Mej] Kapitlu Ġenerali f'Assisi.
Il-fdalijiet ta' San Franġisk meħudin minn San Giorgio lejn il-bażilika.
1230[28 Sett] Girgor IX jinterpreta r-Regola u t-Testment ta' San Franġisk fil-Bulla
*Quo elongati*.
1230-1235 Fra Julian minn Speyer f'Pariġi jikkomponi l-*Officium Rhythmicum* ta'
San Franġisk u l-*Vita Sancti Francisci*.
1231 [13 Ġun] Fra Antnin imut f'Padova.
1232 [30 Ġun] Girgor IX jiddikjara qaddis lil Sant'Antnin ta' Padova.
1232 Fil-Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin jiġi elett fra Elia bħala Ministru Ġeneral.
1232-1239 Henri d'Avranches jikkomponi l-*Legenda Versificata* ta' San Franġisk.
1237-1239 Kompożizzjoni tas-*Sacrum Commercium Sancti Francisci cum
Domina Paupertate*.
1239 [15 Mej] Fil-Kapitlu Ġenerali ta' Ruma fra Elia jiġi depost minn Ministru Ġeneral.
Elett floku fra Alberto da Pisa, li jmut sena wara, fl-1240.
1240 Elett Ministru Ġeneral fra Haymo of Faversham.
1240-1241 Fra Giovanni da Perugia jikteb il-Leġġenda ta' l-*Anonimo Perugino*.
1243 Elett Ministru Ġeneral fra Crescenzio da Iesi.
1244 [4 Ott] Fil-Kapitlu ta' Genova Crescenzio da Iesi jistieden lill-aħwa biex jibgħatu
bil-miktub it-tifkiriet tagħhom ta' San Franġisk.
1246 [11 Aw] Fra Leone, fra Angelo, u fra Rufino, jibgħatu minn Greccio ittra lill-
Ministru Ġeneral Crescenzio da Iesi, b'materjal dokumentarju (*florilegium*) dwar
it-tifkiriet tagħhom ta' San Franġisk.
1241-1246 Kompożizzjoni tal-*Leggenda dei Tre Compagni*.
1244-1260 Kompożizzjoni tal-*Compilatio Assisiensis*.
1245 [14 Nov] Innoċenz IV jikteb il-Bulla *Ordinem vestrum*.
1246-1247 Tommaso da Celano jikteb il-*Memoriale in Desiderio Animae* (2C).
1247 [Lul] Il-Kapitlu Ġenerali ta' Lyons japprova 2C.
1247 [13 Lul] Giovanni Buralli da Parma elett Ministru Ġeneral fil-Kapitlu Ġenerali.
1252-1253 Tommaso da Celano jikteb it-*Tractatus de Miraculis* ta' San Franġisk (3C).
1254 Il-Kapitlu Ġenerali ta' Metz japprova 3C.
1253-1259 Kompożizzjoni tal-*Legenda Choralis Umbra*.
1253 [23 Apr] Fra Elia jmut f'Cortona, rikonċiljat ma' l-Ordni u mal-Knisja.

| | |
|---|---|
| 1253 [9 Aw] | Il-Papa Innoċenz IV japprova r-Regola ta' Santa Klara. |
| 1253 [11 Aw] | Klara tmut f'San Damiano. Jiftaħ il-Proċess ta' Kanonizzazzjoni. |
| 1255 [15 Aw] | Klara dikjarata qaddisa mill-Papa Alessandru IV f'Anagni. |
| 1255-1267 | Jacopo da Voragine jikteb il-*Vita Sancti Francisci in Legenda Aurea*. |
| 1257 [2 Frar] | Fra Giovanni da Parma jħalli l-uffiċċju ta' Ministru Ġeneral. Fil-Kapitlu Ġenerali ta' Aracoeli jiġi elett fra Bonaventura bħala Ministru. |
| 1258-1259 | Fra Thomas of Eccleston jikteb it-*Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam*. |
| 1260 | Il-Kapitlu Ġenerali ta' Narbonne jitlob lil Bonaventura jikteb ħajja ġdida ta' San Franġisk. |
| 1260-1263 | Fra Bonaventura jikteb il-*Legenda Maior Sancti Francisci,* u l-*Legenda minor*. |
| 1262 | Fra Giordano da Giano jtemm il-*Chronica* tiegħu. |
| 1263 | Il-Kapitlu Ġenerali ta' Pisa japprova l-*Legenda Maior*. |
| 1263 [18 Ott] | Il-Papa Urbano IV japprova Regola ġdida għall-Ordni ta' Santa Klara bil-Bulla *Beata Clara.* |
| 1266 | Il-Kapitlu Ġenerali ta' Pariġi jiddikjara l-*Legenda Maior* bħala l-ħajja uffiċjali ta' San Franġisk u jordna l-qerda tal-Leġġendi ta' qabilha. |
| 1275c. | Kompożizzjoni tal-*Legenda Monacensis*. |
| 1277-1283 | Fra Bernard de Besse jikteb il-*Liber de Laudibus Sancti Francisci*. |
| 1282-1287 | Fra Salimbene de Adam da Parma jikkomponi l-*Cronaca* tiegħu. |
| 1289 [18 Aw] | Il-Papa Niccolò IV japprova r-Regola ta' l-Ordni tal-Penitenza bil-Bulla *Supra Montem*. |
| 1305 | Fra Ubertino da Casale jtemm il-kitba ta' l-*Arbor Vitae Crucifixae Jesu*. |
| 1310 [10 Aw] | Diploma ta' Teobaldo Isqof ta' Assisi fuq l-Indulġenza tal-Porziuncola. |
| 1318 | Kompożizzjoni ta' *Speculum Perfectionis* skond il-kodiċi ta' Ognissanti. |
| 1323-1325 | Angelo Clareno jikteb li *Historia Septem Tribulationum Ordinis Minorum*. |
| 1327-1337 | Fra Ugolino Boniscambi da Monte Santa Maria (Monte Giorgio) jikteb l-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. |
| 1365 | Fra Arnald de Sarrant jikteb il-*Liber de Cognatione Sancti Francisci*. |
| 1378 | Fra Arnald itemm il-kitba tal-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Minorum*. |
| 1338-1380c. | Kompożizzjoni tal-*Fioretti di San Francesco*. |
| 1399 | Il-Kapitlu Ġenerali ta' Assisi japprova l-*Liber de conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Iesu*. |

## I TAQSIMA

# IL-KITBIET TA’ SAN FRANĠISK

# INTRODUZZJONI
# GĦALL-KITBIET TA’ SAN FRANĠISK

L-edizzjonijiet kritiċi tal-Kitbiet ta’ San Franġisk

L-għarfien dwar il-ħajja u l-kariżma ta’ San Franġisk t’Assisi, sa bejn wieħed u ieħor l-1970, kien limitat għal ftit għejun medjevali, l-aktar il-*Fioretti* u l-*Legenda Maior Sancti Francisci*, miktuba minn San Bonaventura. Ftit kienu dawk il-persuni, barra minn grupp ta’ studjużi, li kienu jafu li San Franġisk hu, fil-fatt, awtur ta’ kitbiet, li minnhom tlieta huma awtobijografiċi.

L-istudjuż Franġiskan Luke Wadding ippubblika għall-ewwel darba l-kitbiet ta’ San Franġisk f’edizzjoni kritika fl-1623[1]. Wadding ippubblika ħafna mill-Ittri ta’ San Franġisk, flimkien mat-*Testment* u t-*Twissijiet*, ir-*Regola mhux Bullata*, ir-*Regola Bullata*, il-*Għanja tal-ħlejjaq*, l-*Uffiċċju tal-Passjoni*, u xi talbiet oħrajn, flimkien ma’ xi dokumenti oħra li mhumiex parti mill-kitbiet ta’ San Franġisk, bħalma huma r-*Regola ta’ Santa Klara*, u l-*Memoriale Propositi* tal-Kardinal Ugolino lill-Ordni tal-Penitenti. L-edizzjoni ta’ Wadding, magħrufa bħala *editio princeps*, introduċiet il-kelma *opuscula* meta titkellem dwar il-kitbiet. Din il-kelma (singular *opusculum*) tindika kitbiet qosra, li twieldu minn xi kliem, jew talb li kien sawwar San Franġisk, u li mbagħad ġew miktubin minn nies li kienu jafuh. Bil-lingwi moderni l-kelma Latina *opusculum* tiġi tradotta bil-kliem *schriften* (Ġermaniż), *escritos* (Spanjol), *scritti* (Taljan), *écrits* (Franċiż), u *writings* (Ingliż).

L-edizzjoni ta’ Wadding baqgħet l-unika edizzjoni kritika tal-kitbiet ta’ San Franġisk sal-bidu tas-seklu 20. Il-pubblikazzjoni tal-ħajja moderna ta’ San Franġisk minn Paul Sabatier, *Vie de Saint François d’Assise*, fl-1894, immarkat il-bidu tar-riċerka moderna fil-kitbiet ta’ San Franġisk u l-*fontes* tal-ħajja tiegħu. Fl-1904 dehru tliet edizzjonijiet tal-kitbiet, waħda minn Leonhard Lemmens, studjuż Franġiskan fil-Collegio San Bonaventura ta’ Quaracchi, waħda minn Heinrich Boehmer, f’Tübingen, il-Ġermanja, u oħra minn W. Goetz[2].

Fi żminijiet aktar reċenti l-kitbiet ta’ San Franġisk kienu oġġett ta’ studju skond metodi ta’ riċerka aktar sofistikati. Fl-1976 l-Université Catholique de Louvain ippubblikat il-konkordanzi elettroniċi tat-testi tal-kitbiet ta’ San Franġisk u Santa Klara, xogħol ta’ Jean-François Godet u Georges Mailleux[3]. Fl-istess sena Giovanni M. Boccali, Franġiskan tal-Provinċja Serafika ta’

---

[1] L. Wadding, *B.P. Francisci Assisiatis Opuscula.* Nunc primum collecta tribus tomis distincta, notis et commentariis asceticis illustrata, Antwerp 1623.

[2] L. Lemmens, *Opuscula sancti patris Francisci Assisiensis* (Bibliotheca Franciscana Ascetica Medii Aevi I), Quaracchi 1904; H. Boehmer, *Analekten zur Geschichte des Franziskus von Assisi*, Tübingen und Leipzig 1904; W. Goetz, *Die Quellen zur Geschichte des heiligen Franz von Assisi. Eine kritische Untersuchung*, Gotha 1904.

[3] J.F. Godet – G. Mailleux, *Opuscula sancti Francisci. Scripta sanctae Clarae. Concordance, Index, Listes de fréquence, Tables comparatives,* Louvain 1976 (Corpus des sources franciscaines, 5. Travaux publiés par le Centre de traitement électronique des documents de l’Université Catholique de Louvain).

Assisi, ippubblika l-*Concordantiae verbales* tal-kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara[4]. Boccali wkoll ippubblika l-edizzjoni tiegħu tal-kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara, sentejn wara l-edizzjoni famuża ta' Kajetan Esser (ara aktar 'l isfel), li fiha hu inkluda l-Kantiku ta' Eżortazzjoni *Audite Poverelle*, li San Franġisk kiteb lil Klara u l-*Povere Dame* ta' San Damiano, u li Boccali skopra fl-1976 fil-monasteru tal-Klarissi ta' Verona[5].

L-aktar edizzjoni famuża tal-kitbiet ta' San Franġisk fi żminijiet reċenti hi dik ta' Kajetan Esser, Franġiskan mill-Provinċja ta' Köln fil-Ġermanja, li ippubblikaha għall-ewwel darba fl-1976, ftit qabel ma miet. Patri Esser qatta' snin twal minn ħajtu ma' grupp ta' Franġiskani riċerkaturi fil-Collegio San Bonaventura fi Grottaferrata. Edizzjoni oħra aġġornata ta' l-istess edizzjoni kritika saret fl-1978 minn Englebert Grau[6]. Din l-edizzjoni tifforma l-bażi ta' l-aktar traduzzjonijiet moderni tal-kitbiet ta' San Franġisk fl-ilsna Ewropej ewlenin[7].

Fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-pubblikazzjoni tal-Kitbiet ta' San Franġisk minn Kajetan Esser, sar Kungress Internazzjonali fil-Pontificio Ateneo Antonianum ta' Ruma, bejn l-10 u t-12 ta' April 2002, bit-tema *Verba Domini Mei*. L-atti ta' dan il-Kungress ġew ippubblikati u fihom diversi studji mill-aqwa studjużi tal-Franġiskaneżimu ta' żminijietna[8]. L-iskop ta' dawn l-istudji hu dak li jipperfezzjonaw il-ħidma ta' Esser, filwaqt li jammettu li sallum il-ġurnata l-edizzjoni tal-Franġiskan Ġermaniż għad għandha valur imprezzabbli bħala l-bażi għal kull studju serju li jsir dwar il-Kitbiet ta' San Franġisk t'Assisi.

## L-awtentiċità tal-Kitbiet ta' San Franġisk

Jeħtieġ nagħmlu xi osservazzjonijiet preliminari rigward il-Kitbiet ta' San Franġisk. Il-Kitbiet huma kollha bil-Latin, bl-eċċezzjoni ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq*, u tal-*Kantiku ta' Eżortazzjoni lill-Povere Dame ta' San Damiano*. Aħna nafu li San Franġisk, meta kien tifel, kien mar l-iskola tal-kattidral fil-knisja ta' San Giorgio, imma li mbagħad ma kellux edukazzjoni aktar profonda, u l-Latin li kien jaf kien x'aktarx fqir. Hu stess jgħid fl-*Ittra lill-Ordni*: "Jien injurant u bla skola"[9].

---

[4] G. Boccali, *Concordantiae verbales Opusculorum s. Francisci et s. Clarae Assisiensium*, Editio textus aliaque multae adnotationes cura et studio G. Boccali dispositae, Assisi 1976.

[5] G. Boccali, *Opuscula s. Francisci et scripta s. Clarae Assisiensium*, variis adnotationibus et indicibus cura et studio I.M. Boccali ofm ornata, con traduzione italiana a fronte, presentazione e note a cura di L. Canonici ofm, Assisi 1978 (Pubblicazioni della Biblioteca Francescana Chiesa Nuova – Assisi, I).

[6] K. Esser, *Die Opuscula des heiligen Franziskus von Assisi*. Neue textkritische Edition, Grottaferrata 1976 (Spicilegium Bonaventurianum, XIII); *Opuscula sancti patris Francisci Assisiensis*, denuo edidit iuxta codices mss. K. Esser, Grottaferrata 1978 (Bibliotheca Franciscana Ascetica Medii Aevi, XII); K. Esser, *Die Opuscula des heiligen Franziskus von Assisi.* Neue textkritische Edition. Zweite, erweiterte und verbesserte Auflage, besorgt von E. Grau, Grottaferrata (Roma) 1989 (Spicilegium Bonaventurianum, XIII).

[7] L-edizzjoni ingliża tal-kitbiet l-aktar reċenti hi dik ippubblikata minn R.J. Armstrong – I. Brady, *Francis and Clare. The Complete Works*, New York (Paulist Press) 1982. L-edizzjoni taljana hi intitolata: Kajetan Esser, *Gli Scritti di San Francesco d'Assisi.* Nuova edizione critica e versione italiana, Edizioni Messaggero Padova 1982. Bl-ilsien Malti wkoll ġew ippubblikati l-Kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara skond l-edizzjoni kritika ta' Esser: *Il-Kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara*, Traduzzjoni ta' G.B. Xuereb, M. Vella u I. Bellizzi, Introduzzjoni ta' N. Muscat, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 1986 (1 edizzjoni), 1993 (2 edizzjoni).

[8] *«Verba Domini Mei». Gli Opuscula di Francesco d'Assisi a 25 anni dalla edizione di Kajetan Esser OFM*, a cura di Alvaro Cacciotti, PAA – Edizioni Antonianum, Roma 2003.

[9] EpOrd 39: *Ignorans sum et idiota*. Cfr. O. Schmucki, "St. Francis's Level of Education", *Greyfriars Review* 10,2 (1996) 153-170.

Din l-espressjoni tfisser li Franġisku ma kienx irċieva edukazzjoni aktar għolja. Aħna għandna biss tliet awtografi ta' San Franġisk, jiġifieri t-*Tifħir lil Alla l-għoli* u l-*Barka lil fra Leone*, it-tnejn li huma fil-parċmina ta' La Verna (1224), illum imħarsa fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi, u l-*Ittra lil fra Leone*, imħarsa fil-kattidral ta' Spoleto. Li naraw f'dawn il-kitbiet hu li San Franġisk kien iħallat il-Latin mad-djalett ta' l-Umbria li kien jitkellem. Mill-banda l-oħra, il-*Għanja tal-ħlejjaq*, miktuba bid-djalett ta' l-Umbria, hi meqjusa bħala kapolavur tal-letteratura taljana fil-bidu tagħha.

Esser ġabar 28 *opuscula*, jew kitbiet, ta' San Franġisk, flimkien ma' grupp ta' kitbiet li hu sejħilhom *dictata* (dettati). Il-kitbiet huma l-aktar ta' natura leġislattiva, eżortattiva, u poetika, flimkien ma' grupp ta' ittri. Esser sab li dawn il-kitbiet jinsabu f'numru konsiderevoli ta' manuskritti. Dan jurina li kienu jiġu ikkupjati u użati mill-patrijiet f'diversi postijiet fejn tferrex l-Ordni tal-patrijiet Minuri. X'aktarx li Franġisku ħalla wkoll xi kitbiet oħrajn, imma li ma waslux għandna. Mill-*Fontes* nafu li hu ta' spiss kien jagħti konferenzi lill-aħwa, l-aktar waqt il-Kapitli Ġenerali fil-Porziuncola. Mill-istil u l-kontenut tal-kitbiet nistgħu nikkonkludu li Franġisku kien normalment jiddetta l-kliem tiegħu lil xi segretarju-skriba, li x'aktarx kien fra Leone.

It-tradizzjoni manuskritta tal-kitbiet hi abbundanti. Kajetan Esser studja mhux inqas minn 97 manuskritti u kodiċijiet. L-eqdem u l-aktar famuż fost il-kodiċijiet hu l-Codex 338 tal-Biblioteca Comunale ta' Assisi, miktub qrib nofs is-seklu 13. Ilum hu mħares fil-Biblioteca tas-Sacro Convento ta' Assisi. Manuskritt importanti ieħor hu l-Codex 225 tal-Bibliteca Guarnacci ta' Volterra, ukoll miktub qrib nofs is-seklu 13. Manuskritti oħrajn ġejjin minn Berlin, Barcellona, London (British Museum), Bruxelles, Düsseldorf, Dublin, Firenze (Codex 19 tal-kunvent ta' Ognissanti), Ruma (Kulleġġ Irlandiż ta' Saint Isidore, imwaqqaf minn Luke Wadding), Oxford (Bodleian Library), Madrid, Munich, Napli, Paris, il-Vatikan, Vienna, biex inkunu semmejna biss l-aktar importanti.

Il-limitazzjonijiet ta' San Franġisk bħala kittieb ma għandhomx iġiegħeluna naħsbu li dawn il-kitbiet m'għandhomx kontenut tejoloġiku. Fl-*Ittra lill-Insara II*,2-3, Franġisku jgħid: "Bħala qaddej ta' kulħadd, jien fid-dmir li naqdi lil kulħadd u nagħti lil kulħadd il-kliem li jfewwaħ tal-Mulej Sidi. Jien ħsibt u rajt li, minħabba l-mard u d-dgħufija ta' ġismi, mhux possibbli għalija, kif nixtieq, li nżurkom wieħed wieħed. Għalhekk qtajtha li b'din l-ittra u messaġġ tiegħi, nerġa' nwasslilkom il-kliem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li hu l-Verb tal-Missier, u l-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu, li hu spirtu u ħajja". Lejn it-tmiem ta' ħajtu Franġisku beda jħossu ħafna marid. Aħna nafu li t-tbatijiet li sofra wara li rċieva l-istimmati, kif ukoll il-fatt li tilef id-dawl, ma kienux iħalluh jivvjaġġa u jippriedka kif kien jagħmel qabel. Din kienet ir-raġuni għala Franġisku iddeċieda li jikkomunika l-ħsibijiet tiegħu bil-kitba.

Il-fatt li San Franġisk kien megħjun minn kollaboraturi meta hu ikkompona r-Regoli, l-Ittri, it-Twissijiet, jidher mill-ħafna kwotazzjonijiet mill-Iskrittura u mil-Liturġija li nsibu f'ħafna mill-kitbiet tiegħu. Billi bosta mill-kitbiet ta' San Franġisk mhumiex oriġinali għaliex jiddependu ħafna mill-Iskrittura u minn testi patristiċi u liturġiċi oħrajn, dan ifisser allura li mhumiex awtentiċi? L-istudjużi tal-Franġiskaneżimu iddiskutew din il-problema fit-tul. Hu fatt aċċettat li bosta mill-kitbiet, saħansitra t-*Testment*, li hu kitba awtobijografika, ma nistgħux inqisuhom bħala oriġinali fis-sens li huma issawru direttament minn San Franġisk kelma b'kelma. Imma lanqas ma nistgħu nikkonkludu li mhumiex awtentiċi, għaliex huma jesprimu l-idejali u l-valuri li kienu

għeżież għal San Franġisk. Edizzjoni kritika tal-kitbiet tista' tasal biex tiddefinixxi l-limiti ta' l-oriġinalità tagħhom, imma mbagħad hi l-interpretazzjoni kritika li tasal għall-awtentiċità tal-kitbiet. Minn studju tal-*Fontes* Franġiskani, nafu li Franġisku ikkompona grupp ta' kitbiet. Tommaso da Celano jgħidilna li "meta kien jikteb xi ittri jew tislijiet jew kliem ta'tħeġġiġ, ma kienx ikun irid li titneħħa xi ittra jew sillaba, ukoll jekk tkun żejda jew żbaljata"[10]. Celano nnifsu jsemmi xi wħud mill-kitbiet ta' San Franġisk, u hekk jipprova l-awtentiċità tagħhom: "Kien iqis li d-dutturi tat-tejoloġija mqaddsa jisħoqqilhom ġieħ partikulari. U għalhekk ried li bħala norma ġenerali l-aħwa jiktbu dawn il-kliem: «Għandna nqimu u nweġġħu lit-tejoloġi kollha u lil dawk li jgħaddulna l-kelma ta' Alla bħala dawk li jagħtuna *l-ispirtu u l-ħajja*» (cfr. Ġw 6,64). U darba minnhom, meta kiteb lill-imqaddes Antonju, hekk beda l-ittra tiegħu: «Lil fra Antonju, isqof tiegħi»[11].

Franġisku seta' kien "injurant u bla skola", imma hu ċertament mimli qima lejn il-kliem miktuba tal-Mulej. Il-qima tiegħu lejn il-kelmiet miktuba li setgħu jkollhom fihom l-ismijiet jew il-kliem qaddis tal-Mulej tidher f'dak li jgħid fit-*Testment*: "Kulfejn insib f'postijiet mhux xierqa, l-ismijiet l-aktar qaddisa u l-kliem tiegħu miktub, dawn jien irrid niġbor u nitlob li jinġabru u jitqegħedu f'post xieraq"[12].

## Il-Kitbiet ta' San Franġisk skond l-istil u l-kontenut tagħhom

Mhijiex biċċa xogħol faċli li wieħed jikklassifika l-kitbiet ta' San Franġisk. Saru diversi tentattivi biex jiġu ikklassifikati f'ordni kronoloġiku, imma qatt ma wasslu għal riżultati soddisfaċenti, għaliex ma nafux id-data ta' kompożizzjoni ta' diversi mill-kitbiet. Mod ieħor ta' klassifikazzjoni hi dik li wieħed jistudja l-kitbiet skond l-istil u l-kontenut tagħhom. Dan il-mod jgħin ħafna għal skopijiet didattiċi, imma xorta waħda fih id-difetti tiegħu. Fil-fatt, nistgħu ngħidu li l-kitbiet ta' San Franġisk huma ta' natura leġislattiva, eżortattiva, episolari, u poetika. Ir-Regoli jidħlu mal-grupp ta' kitbiet leġislattivi, it-*Testment* u t-*Twissijiet* ma' dawk eżortattivi, l-Ittri ma' dawk epistolari u t-talb ma' dawk poetiċi. Imma li tgħid li r-Regoli huma dokumenti leġislattivi mhux eżatt, għax fil-fatt insibu diversi partijiet eżortattivi fihom. Kien għalhekk li, meta Kajetan Esser ippubblika l-edizzjoni kritika tiegħu tal-kitbiet, hu għażel sempliċement li jsegwi l-ordni alfabetiku, skond l-ismijiet uffiċjali tal-kitbiet bil-Latin (*Admonitiones, Canticum fratris solis*, eċċ). Imbagħad jinkludi l-kitbiet "iddettati" f'sezzjoni għalihom. Fl-edizzjoni bil-Malti tal-kitbiet ta' San Franġisk, kif ukoll f'din l-edizzjoni tal-kitbiet fil-*Fontes* Franġiskani, aħna wkoll nagħżlu l-metodu ta' Esser u nikklassifikaw il-kitbiet skond l-ordni alfabetiku bl-ismijiet Latini, it-traduzzjoni Maltija u l-abbrevjazzjoni tagħhom:

*Admonitiones* [Twissijiet] = *Adm*
*Cantico di Esortazione "Audite Poverelle"* [Kantiku "Audite Poverelle"] = *CantAudPov*
*Cantico di frate Sole* [L-Għanja tal-ħlejjaq] = *CantSol*
*Chartula fratri Leoni data* [Parċmina mogħtija lil fra Leone]
- a) *Laudes Dei altissimi* [Tifħir lil Alla l-għoli] = *LaudDei*
- b) *Benedictio fratri Leoni* [Barka lil fra Leone] = *BenLeo*

[10] 1C 82.
[11] 2C 163. Iż-żewġ riferimenti huma għat-*Testment* 13 u għall-*Ittra lil Sant'Antnin*.
[12] *Test* 12.

*Epistola ad sanctum Antonium* [Ittra lil Sant'Antnin] = *EpAnt*
*Epistola ad Clericos I* [Ittra lill-Kjerċi I] = *EpCler I*
*Epistola ad Clericos II* [Ittra lill-Kjerċi II] = *EpCler II*
*Epistola ad Custodes I* [Ittra lill-Kustodji I] = *EpCust I*
*Epistola ad Custodes II* [Ittra lill-Kustodji II] = *EpCust II*
*Epistola ad Fideles I* [Ittra lill-Insara I] = *EpFid I*
*Epistola ad Fideles II* [Ittra lill-Insara II] = *EpFid II*
*Epistola ad fratrem Leonem* [Ittra lil fra Leone] = *EpLeo*
*Epistola ad Ministrum* [Ittra lil Ministru] = *EpMin*
*Epistola toti Ordini missa* [Ittra lill-Ordni kollu] = *EpOrd*
*Epistola ad Populorum Rectores* [Ittra lill-Mexxejja tal-Ġnus] = *EpRect*
*Exhortatio ad laudem Dei* [Kliem ta' ħeġġa għat-tifħir lil Alla] = *ExhLD*
*Expositio in Pater Noster* [Parafrasi tal-Missierna] = *ExpPat*
*Forma Vivendi sanctae Clarae data* [Forma ta' Ħajja mogħtija lil S. Klara] = *FormViv*
*Fragmenta alterius Regulae non bullatae* [Frammenti ta' Regola mhux bullata] = *Fragm*
*Laudes ad omnes horas dicendae* [Tifħir qabel is-sigħat ta' l-Uffiċċju Divin] = *LaudHor*
*Officium Passionis Domini* [Uffiċċju tal-Passjoni tal-Mulej] = *OffPass*
*Oratio ante Crucifixum* [Talba quddiem il-Kurċifiss] = *OrCruc*
*Regula bullata* [Regola bullata] = *RegB*
*Regula non bullata* [Regola mhux bullata] = *RegNB*
*Regula pro eremitoriis data* [Regola għall-eremitaġġi] = *RegEr*
*Salutatio beatae Mariae Virginis* [Tislima lill-Verġni mqaddsa Marija] = *SalBMV*
*Salutatio Virtutum* [Tislima lill-Virtujiet] = *SalVirt*
*Testamentum* [Testment] = *Test*
*Ultima voluntas sanctae Clarae scripta* [L-aħħar rieda miktuba lil S. Klara] = *UltVol*

Kitbiet iddettati:
*Benedictio fr. Bernardo data* [Barka mogħtija lil fra Bernardo]
*Benedictio s. Clarae et sororibus in scriptis missa* [Barka lil S. Klara u s-Sorijiet]
*Epistola civibus Bononiensis scripta* [Ittra miktuba lin-nies ta' Bologna]
*Epistola s. Clarae de ieiunio scripta* [Ittra lil S. Klara dwar is-sawm]
*Epistola dominae Jacobae scripta* [Ittra lis-sinjura Jacopa dei Settesoli]
*Epistola fratribus Franciae missa* [Ittra miktuba lill-aħwa fi Franza]
*Testamentum Senensis factum* [Testment miktub fi Siena]
*De vera et perfecta laetitia* [Dwar il-ferħ veru u perfett]

## Ir-Regoli u t-Testment

Fl-edizzjoni tal-Kitbiet ta' San Franġisk insibu żewġ Regoli, magħrufin bħala r-*Regula non Bullata*, approvata mill-Kapitlu Ġenerali ta' l-1221, u r-*Regula Bullata*, ikkonfermata mill-Papa Onorju III bil-Bulla *Solet annuere* tad-29 ta' Novembru 1223. Minn dak li jgħid San Franġisk fit-*Testment* nafu wkoll bl-eżistenza ta' l-ewwel *Forma Vitae*, jew Protoregola, li l-qaddis kien ippreżenta quddiem il-Papa Innoċenz III fl-1209-1210, u li l-Papa kien approva biss bil-fomm. Din l-ewwel Regola ma waslitx għandna, imma l-kontenuti tagħha huma x'aktarx miġburin fir-Regola ta' l-1221, li ġġib is-siltiet ta' l-Evanġelju li Franġisku kien daħħal fl-ewwel *Forma Vitae*,

wara li kien ikkonsulta l-ktieb ta' l-Evanġelji fil-knisja ta' San Nicolò flimkien ma' Bernardo da Quintavalle u Pietro Cattanio.

Fl-edizzjoni kritika tal-Kitbiet, Kajetan Esser jinkludi wkoll dawk li hu sejjaħ *Fragmenta alterius Regulae non Bullatae*. Skond l-istudjużi David Flood u Thaddée Matura[13] kien hemm żewġ verżjonijiet tar-Regola qabel l-1223, li jirrappreżentaw l-iżviluppi li saru fl-isteżura tar-Regola sa l-1215, is-sena li fiha ġie iċċelebrat il-Konċilju Lateran IV. Dawn il-Frammenti juru kif ir-Regola ġiet miktuba bil-mod il-mod, skond iċ-ċirkustanzi u l-iżviluppi fl-Ordni. Hemm tliet dokumenti li jġibu dawn il-Frammenti: il-kodiċi tal-librerija tal-kattidral ta' Worcester, is-siltiet meħudin mill-*Expositio Regulae* ta' Hugh de Digne (1245-1255), u xi siltiet meħudin mill-*Memoriale in Desiderio Animae* ta' Tommaso da Celano.

Ir-*Regula non Bullata* ġiet approvata mill-Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin tas-sena 1221. Tissejjaħ "mhux bullata" għax qatt ma rċeviet il-konferma tal-Papa permezz ta' Bulla pontifiċja. Hi dokument pjuttost twil, u ta' rikkezza kbira fuq il-livell bibliku u spiritwali, hekk li wieħed jieħu l-impressjoni li mhix dokument ġuridiku, imma aktarx spiritwali. Għal din ir-raġuni hi ma ġietx meqjusa bħala r-Regola li torbot lill-aħwa ta' l-I Ordni għall-osservanza tagħha. Ir-*RegNB* fiha b'kollox 24 kapitlu. Hi Regola li turi li għaddiet minn diversi stadji fil-formazzjoni tagħha, hekk li nistgħu ngħidu li xi partijiet minnha jeħduna lura għall-approvazzjoni tal-*Forma Vitae* ta' l-1209, oħrajn għaż-żmien tal-Konċilju Lateran IV ta' l-1215, u oħrajn għall-perjodu ta' wara l-20 ta' Settembru 1220, meta l-Papa Onorju III ta lill-Ordni l-Bulla *Cum secundum consilium*, li biha iffissa s-sena tan-novizzjat fl-Ordni.

Skond Flood u Matura, l-ewwel 17 il-kapitlu tar-*RegNB* ġew iffurmati qabel il-Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin ta' l-1217, li fih intbagħtu l-ewwel missjunarji Franġiskani. Din it-taqsima turi li Franġisku ħa in kunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet tal-Konċilju Lateran IV. Hekk f'din l-ewwel parti hu jitkellem dwar il-forma tal-ħajja evanġelika (kap. 1), id-dħul fin-novizzjat (kap. 2), l-uffiċċju divin u s-sawm (kap. 3), il-ministri (kap. 4), il-korrezzjoni fraterna (kap. 5), il-minorità (kap. 6), il-ħidma ta' l-aħwa (kap. 7), projbizzjoni dwar l-użu tal-flus (kap. 8), il-karità li jittallbu l-aħwa (kap. 9), l-aħwa morda (kap. 10), l-imħabba fraterna (kap. 11), il-kastità (kap. 12-13), l-itineranza (kap. 14-15), il-missjonijiet (kap. 16) u l-predikazzjoni (kap. 17). Il-kapitlu 1 u 14 fihom is-siltiet evanġeliċi tal-*Forma Vitae* oriġinali, filwaqt li l-kapitli 16 u 17 huma ritratt tal-qagħda ta' l-Ordni fl-1217, bl-ewwel missjonijiet fi Spanja-Marokk, Ġermanja-Ungerija, Franza, u l-Art Imqaddsa.

Il-kapitli 18-20 jirriflettu l-qagħda ta' l-Ordni wara l-Konċilju Lateran IV, u jitkellmu dwar il-kapitli ġenerali, il-kattoliċità ta' l-Ordni, u d-dixxiplina tas-sagramenti tal-penitenza u ewkaristija. Il-kapitli 21-23 huma differenti fil-kontenut. Il-kapitlu 21 hu eżortazzjoni għall-penitenza, u jipprovdi eżempju ċar ta' kif kienu jippriedkaw l-ewwel aħwa. Il-kapitlu 22 hu kliem ta' twissija għall-aħwa, li xi studjużi jqisuh bħala "testment" li Franġisku ħalla lill-Ordni qabel ma telaq lejn Damiata fl-Eġittu, fis-sajf ta' l-1219. Il-kapitlu 23 hu talba sabiħa ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla, mibni fuq mudell liturġiku. Il-kapitlu 24 jipprovdi l-konklużjoni tar-*RegNB*.

---

[13] D. Flood – Th. Matura, *The Birth of a Movement. A Study of the First Rule of Saint Francis*, (Franciscan Herald Press), Chicago 1975, 16-17.

Ir-*RegNB* hi mimlija siltiet bibliċi. Studju bir-reqqa tagħhom juri l-familjarità kbira li Franġisku kellu ma' l-Iskrittura[14]. Nafu li hu inqeda bl-għajnuna esperta ta' fra Caeser minn Speyer, li kien studjuż tal-Bibbja, li skond Giordano da Giano, fil-*Cronaca* tiegħu, ġie magħżul minn Franġisku "biex iżejjen bil-kliem ta' l-Evanġelju" r-*Regula non Bullata*.

Ir-*Regola Bullata*, approvata minn Onorju III fl-1223, hi r-Regola li jipprofessaw sallum il-Franġiskani irġiel kollha ta' l-I Ordni. L-oriġinal tagħha hu mħares bħala relikwa fil-Bażilika inferjuri ta' San Franġisk f'Assisi, u jġib is-siġill tal-Bulla *Solet annuere* tal-Papa Onorju III (29 ta' Novembru 1223). Kopja tagħha hi mħarsa wkoll fl-Arkivji Vatikani.

Fil-*Legenda Maior* IV,11, San Bonaventura jirrakkonta kif San Franġisk kiteb ir-RegB fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo. Hu juri kif hemm xebħ bejn il-formazzjoni tar-Regola Bullata u l-għoti tal-Liġi ta' Alla lil Mosè fuq is-Sinaj. Nafu li Franġisku kien megħjun mill-id esperta tal-Kardinal Ugolino u tal-kanonista fra Bonizo da Bologna. Fil-Bulla *Quo elongati* tat-28 ta' Settembru l-Papa Girgor IX jagħti xhieda li hu kien akkumpanja lil Franġisku bil-pariri tiegħu meta dan kiteb ir-*RegB*.

Ir-*RegB* hi iqsar mir-*RegNB*. Fiha 12 il-kapitlu u hi dokument li hu aktar leġislattiv, għalkemm fih Franġisku jinsisti dwar il-fatt li l-essenzjal tal-ħajja Franġiskana hu miġbur fir-*regula et vitam fratrum minorum*, li tikkonsisti fl-espressjoni *sanctum evangelium observare* (regola u ħajja tal-patrijiet minuri li jħarsu l-Evanġelju mqaddes). Il-kontenuti tar-*RegB* jinkludu l-essenzjal tal-ħajja evanġelika (kap. 1), in-novizzjat (kap. 2), l-uffiċċju divin u s-sawm (kap.3), il-projbizzjoni li l-aħwa jirċievu flus (kap. 4), il-ħidma ta' l-aħwa (kap. 5), li l-aħwa ma jkollhom xejn tagħhom, li jittallbu l-karità, li jikkuraw lill-aħwa morda (kap. 6), il-penitenza lill-aħwa li jidinbu (kap. 7), l-elezzjoni tal-Ministru Ġeneral u l-kapitlu ta' Għid il-Ħamsin (kap. 8), il-predikaturi (kap. 9), twissija u korrezzjoni ta' l-aħwa (kap. 10), il-projbizzjoni li l-aħwa jidħlu fil-monasteri tas-sorijiet (kap.11), l-aħwa missjunarji fost is-Saraċini u infidili, u l-kardinal protettur (kap. 12)[15].

It-*Testment* ta' San Franġisk hu kitba awtobijografika ta' importanza kbira. Hu l-aħħar rieda ta' Franġisku, li hu iddetta lill-aħwa ftit jiem qabel miet, fl-1226, fil-Porziuncola (għalkemm xi studjużi jsostnu li t-*Testment* inkiteb ftit qabel fl-eremitaġġ ta' Le Celle di Cortona). L-aktar studju profond tat-*Test* sar minn Kajetan Esser[16].

Iċ-ċirkustanzi li fihom ġie kompost it-*Test* jeħduna lura għall-aħħar perjodu tal-ħajja ta' San Franġisk. F'April 122, meta l-qaddis kien jinsab għall-kura fi Siena, wara lejl imqalleb li fih kien għoddu se jmut, iddetta lill-aħwa biljett ċkejken bl-aħħar rieda tiegħu, magħruf bħala t-*Testment ta' Siena* (ara l-kitbiet iddettati). Din l-aħħar rieda tiegħu imbagħad reġa' esprimiha b'mod aktar dettaljat f'Settembru 1226 fit-*Test* li hu dokument mill-aktar awtentiku ta' valur kbir awtobijografiku.

---

[14] D. Dozzi, *Il Vangelo nella Regola non Bollata di San Francesco d'Assisi*, (Istituto Storico dei Cappuccini), Roma 1989.

[15] M. Conti, *Il Codice di Comunione dei Frati Minori*, (Pontificium Athenaeum Antonianum), Roma 1999.

[16] K. Esser, *Das Testament des Heiligen Franziskus von Assisi. Eine Untersuchung über seine Echtheit und seine Bedeutung*, Münster/Westf. 1949; *The Testament of Saint Francis. A Commentary by Kajetan Esser*, Translated by M. Karecki, (Franciscan Publishers, Pulaski), Wisconsin, USA 1982.

It-*Test* jitkellem dwar is-sejħa ta' Franġisku għall-penitenza fil-laqgħa mal-lebbrużi, il-fidi tiegħu fil-knejjes u s-saċerdoti fqajrin li jgħixu f'għaqda mal-Knisja Rumana, il-qima lejn il-kliem miktubin tal-Mulej u lejn it-tejoloġi, il-bidu ta' l-aħwa u l-forma ta' ħajja ta' l-Evanġelju approvata mill-Papa Innoċenz III, ritratt tal-fraternità tal-bidu li taħdem u tittallab l-għajxien tagħha, it-tislima tal-paċi, l-aħwa bħala pellegrini u barranin mingħajr proprjetà, il-projbizzjoni li l-aħwa jitolbu privileġġi mill-Kurja Rumana, l-ubbidjenza lejn il-Ministru Ġeneral, il-gwardjani u l-fedeltà lejn l-uffiċċju divin, it-Testment mhux Regola oħra, imma kliem ta' twissija u tħeġġiġ, u l-aħħar rieda ta' Franġisku imħollija lill-aħwa.

Bħala dokument it-*Test* dejjem kien għajn ta' tensjoni u diskussjoni fl-Ordni, bejn il-fedeltà lejn il-kariżma oriġinali ta' Franġisku u l-bżonn li l-Ordni jadatta ruħu għall-esiġenzi ġodda li minnhom kien għaddej. Sa mill-ewwel interpretazzjoni tar-Regola u t-Testment mogħtija minn Girgor IX fil-*Quo elongati* (1230), it-*Test* baqa' dejjem id-dokument li ispira r-riformi kollha fl-istorja twila tal-moviment Franġiskan.

Għalkemm mhix Regola fis-sens ġuridiku tal-kelma, tajjeb li hawnhekk nintroduċu r-*Regola pro eremitoriis data* (Regola għall-Eremitaġġi). Din hi dokument ċkejken li joffri programm ta' ħajja lill-aħwa li jgħixu fir-*romitori*, jew eremitaġġi, li kienu numerużi fil-bidunett ta' l-Ordni. Eżempji għadhom jeżistu sallum: Le Carceri, La Verna, Monte Casale, Le Celle, Greccio, Fonte Colombo, Sant'Urbano, Poggiobustone, San Fabiano della Foresta. Fil-Fonti Franġiskani nsibu xhieda ta' l-eżistenza ta' dawn il-fraternitajiet fl-eremitaġġi, fosthom f'2C 178. Il-kontenuti tar-*RegEr* jinbnew fuq il-mudell evanġeliku ta' Lq 10,38-42, fejn Ġesù jiġi milqugħ fid-dar ta' Marta u Marija. Ir-rwol ta' Marta hu dak tal-ħajja attiva, filwaqt li dak ta' Marija hu dak tal-ħajja kontemplattiva. L-istruttura materjali ta' l-eremitaġġ hi dik li nsibu fi SP 10. Ir-*RegEr* tibni l-ħajja ta' l-aħwa fl-eremitaġġ fuq is-sigħat kanoniċi ta' l-uffiċċju divin, u fuq is-sens ta' dipendenza ta' l-ulied (rwol ta' Marija) fuq l-ommijiet (rwol ta' Marta), fil-ħarsien tas-silenzju u l-ubbidjenza lejn il-ministri u l-kustodji. Id-datazzjoni tar-*RegEr* hi wara l-1217, għaliex jissemmew il-ministri u l-kustodji, u qabel l-1222, għaliex fir-*RegNB* jissemmew l-eremitaġġi bħala abitazzjonijiet ta' l-aħwa, u għaliex sa din id-data l-aħwa ma kellhomx il-permess li jiċċelebraw il-quddiesa fl-oratorji tagħhom (ma tissemmiex il-quddiesa fir-*RegEr*). Ir-*RegEr* hi dokument ta' ispirazzjoni għall-ħajja Franġiskana, u turi kif il-ħajja fl-eremitaġġi hi tassew *religiose stare* (ħajja reliġjuża), li tista' tkun ta' għajnuna għal dawk il-Franġiskani li llum iridu jinqatgħu fi fraternità eremitika biex jgħixu aħjar id-dimensjoni kontemplattiva tas-sejħa tagħhom[17].

## Twissijiet u Ittri

L-*Admonitiones*, jew Twissijiet (*Adm*) huma grupp ta' 28 *dicta*, jew ġabra ta' kliem, li San Franġisk kien iwissi bihom lill-aħwa f'diversi okkażjonijiet, l-aktar waqt il-Kapitli Ġenerali.

---

[17] K. Esser, "The *Regula pro eremitoriis data* of Saint Francis of Assisi", *Franciscan Solitude*, edited by A. Cirino and J. Raischl, (Franciscan Institute Publications), St. Bonaventure University, NY 1995, 147-205; O. Schmucki, "Place of Solitude: An Essay on the External Circumstances of the Prayer Life of St. Francis of Assisi", *Greyfriars Review* 2,1 (1988) 77-132; "*Mentis Silentium*. Contemplation in the Early Franciscan Order", *Greyfriars Review* 4,2 (1990), 35-71.

Kajetan Esser hekk jiddeskrivi l-*Adm*: "The Admonitions of Saint Francis are the *Magna Charta* of a life in the Christian spirit of brotherhood, which is firmly rooted in a life of sublime poverty. On the basis of the Admonitions, the often terse words of the Rules are to be interpreted, so that they may begin to glow in the typical meaning Francis gave them. We are also shown in them again and again that the Christian spirit of brotherhood is to be lived, not only within the communities of the Friars Minor themselves, but in the whole range of man's relationships. In his words of admonition Francis very often puts the biblical expression 'servant of God' at the beginning of his beatitudes. The Lord himself likes to use this expression in his parables of the kingdom of God. Hence, this reveals an awareness in Francis that the kingdom of heaven is promised to that poverty of spirit which is made perfect in the spirit of brotherhood"[18].

L-istil ta' l-*Adm* hu dak tal-*collationes* ta' l-ambjenti monastiċi. Fil-fatt l-*Adm* għandhom xi elementi li ġejjin mill-Ordnijiet monastiċi. Eżempju hi l-1 Twissija, dwar il-Ġisem tal-Mulej, li hi mibnija fuq it-*Tractatus de corpore Domini* ta' raħeb Ċisterċensi, attribwit lil San Bernard. Eżempji oħrajn jinkludu l-użu ta' l-espressjoni *praelatus* (prelat) flok *minister* (ministru), kif ukoll l-espressjoni *servus Dei* (qaddej ta' Alla). L-*Adm* 13-26 huma kummentarji qosra dwar id-diskors tal-muntanja, u b'mod partikulari dwar il-Bejatitudni, filwaqt li l-*Adm* 27 hi innu lill-virtujiet, li jixbaħ lis-*Salutatio Virtutum* ta' San Franġisk (ara sezzjoni dwar Talb).

L-Ittri ta' San Franġisk huma ġabra ta' kitbiet qosra li inkitbu kollha f'xi ċirkustanzi partikulari tal-ħajja tal-qaddis. Nagħtu biss xi ħjiel dwar kull waħda minnhom u ċ-ċirkustanzi storiċi li fihom inkitbet.

L-*Ittra lil Sant'Antnin ta' Padova* hi biljett qasir indirizzat lil fra Antnin, li kien professur (*lector*) tat-tejoloġija fl-*Istudium* ta' l-aħwa fil-belt universitarja ta' Bologna. Antnin kien daħal fl-Ordni fl-1220 u intbagħat fil-provinċja tar-Romagna, fejn fl-1222 insibuh jgħallem f'Bologna. Hemm xhieda dwar l-eżistenza ta' din l-Ittra f'2C 163, fejn insibu wkoll l-espressjoni *episcopo meo* (isqof tiegħi), li biha San Franġisk kien isejjaħ lil Antnin b'sinjal ta' rispett. Il-biljett hu stedina lil Antnin biex jgħallem it-tejoloġija mingħajr ma jitfi fih l-ispirtu tat-talb u d-devozzjoni (riferiment għar-RegB 5).

L-*Ittra lill-Kjeriċi* għandha żewġ redazzjonijiet, waħda qabel l-1219 u l-oħra wara l-1220. Din hi waħda mill-hekk imsejħin "kitbiet ewkaristiċi" ta' San Franġisk, u xi manuskritti jsejħulha *De reverentia corporis Domini et de munditia altaris* (Dwar il-qima lejn il-Ġisem tal-Mulej u l-indafa ta' l-altari)[19]. L-eqdem kopja ta' l-Ittra instabet f'missal fl-abbazija Benedittina ta' Subiaco, u ġġib id-data 1238. Fiha s-sinjal tat-*Tau*, li bih Franġisku kien jiffirma l-ittri tiegħu. Il-Fonti Franġiskani ta' spiss jitkellmu mill-qima li Franġisku kien irid li l-kjeriċi juru lejn l-Ewkaristija. Il-*Compilatio Assisiensis* 60 turi kif Franġisku kien dejjem ikellem lill-kleru dwar l-importanza tal-kura tal-knejjes u l-altari b'sinjal ta' rispett lejn il-misteru ewkaristiku. It-tieni edizzjoni ta' l-Ittra tirrifletti b'mod espliċitu d-digriet *Sane cum olim* ta' Onorju III (22 ta' Novembru 1219), li jisħaq dwar ir-rispett lejn l-Ewkaristija.

---

[18] K. Esser, *Origins of the Franciscan Order*, (Franciscan Herald Press), Chicago 1970, 247-248; "The Admonitions of Saint Francis", *Greyfriars Review*, Vol. 6, Supplement (1992), 1-174.

[19] B. Cornet, "Le 'De reverentia Corporis Domini', exhortation et lettre de S. François", *Études Franciscaines* 6 (1955) 65-91. 167-180; 7 (1956) 20-35. 155-177; 8 (1957) 33-58.

L-*Ittra lill-Kustodji* wkoll għandha żewġ redazzjonijiet. L-ewwel waħda ġiet ippubblikata minn Paul Sabtier fl-1902, mill-manuskritt tal-Libreria Guarnacci ta' Volterra (Codex 255 – nofs is-seklu 13). L-Ittra hi indirizzata lil *universis custodibus fratrum minorum* (kustodji kollha tal-patrijiet minuri). Il-kelma latina *custos* (kustodju) bdiet tintuża fl-Ordni wara l-1217, meta l-Ordni inqasam fi Provinċji. Il-kustodju seta' kien il-ministru ta' parti minn xi provinċja. Il-kelma daħlet sewwa fl-Ordni wara d-dokument *Sane cum olim* ta' Onorju III (1220), li jitkellem minn *dilectis filiis prioribus seu custodibus fratum minorum* (maħbubin ulied prijuri jew kustodji tal-patrijiet minuri). It-tieni redazzjoni ta' l-Ittra ġiet ippubblikata minn Luke Wadding, li jgħid li ħadha minn oriġinal bl-ispanjol f'Saragozza, li kien ta' fra Giovanni Parenti, l-ewwel Ministru Ġeneral ta' l-Ordni wara l-mewt ta' San Franġisk (1227-1232). Wadding ittraduċa din l-Ittra bil-latin, filwaqt li l-oriġinal spanjol tagħha hu mitluf. L-Ittra hi wkoll waħda mill-kitbiet "ewkaristiċi" tal-qaddis, li turi l-qima li hu kellu lejn il-Ġisem tal-Mulej, u wkoll lejn il-kelmiet imqaddsa tiegħu.

L-*Ittra lill-Insara* tidher f'żewġ dokumenti differenti minn xulxin, imsejħin *Epistola ad Fideles I* u *II* (*EpFid*). L-*EpFid I* ġiet ippubblikata minn Paul Sabatier fl-1900 mill-kodiċi ta' Volterra. Id-destinatarji ta' l-Ittra huma l-*fideles,* imma Esser hu tal-fehma li l-kelma tinkludi fiha kategorija partikulari ta' insara, jiġifieri l-membri ta' l-Ordni tal-Penitenza. Kien għalhekk li Esser għażel l-isem *Exhortatio ad fratres et sorores de poenitentia*. Fil-fatt l-Ittra hi maqsuma f'żewġ partijiet: dwar dawk li jagħmlu penitenza u dwar dawk li ma jagħmlux penitenza. Jekk din l-opinjoni hi korretta, mela l-Ittra inkitbet qabel l-1221, id-data li fiha l-Kardinal Ugolino ta lill-Penitenti l-*Memoriale Propositi*. Fil-Fonti Franġiskani nsibu diversi riferimenti għall-Ordni tal-Penitenti, li mbagħad żviluppa fit-Terz Ordni Franġiskan (illum Ordni Franġiskan Sekular). Eżempji huma 1C 37; LJS 23; AP 41; L3C 60; LM IV,6. F'dan il-kuntest storiku din l-Ittra intagħżlet bħala prologu għar-Regola ta' l-Ordni Franġiskan Sekular mogħtija minn Pawlu VI fl-24 ta' Ġunju 1978.

L-*EpFid II* hi żvilupp ulterjuri fuq il-kontenut ta' l-*EpFid I*. Imma din l-Ittra tidher li hi aktar universali fl-għażla tad-destinatarji tagħha, għaliex fiha San Franġisk ikellem lill-insara kollha, kjeriċi u lajċi, irġiel u nisa (*universis christianis*). Skond Kajetan Esser l-Ittra inkitbet fl-1220, wara li San Franġisk reġa' ġie lura mil-Lvant. L-Ittra tagħti importanza kbira lill-prassi sagramentali ta' l-insara kif kienet riflessa fid-digrieti tal-Konċilju Lateran IV, l-aktar fid-dixxiplina dwar is-sagramenti tal-penitenza u ta' l-ewkaristija, fil-kanoni 21, li hu l-bażi tal-"preċett ta' l-Għid il-Kbir". L-insistenza dwar ir-rabta bejn il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u l-Ewkaristija hi wkoll karatteristika importanti, li turi l-ħeġġa ta' Franġisku li jgħallem il-verità tal-fidi li kienu jiċħdu l-predikaturi itineranti Katari u Valdiżi ta' żmienu.

L-*Ittra lil Frate Leone* hi awtografu ta' San Franġisk, li hu mħares bħala relikwa fil-kattidral ta' Spoleto. Fl-1640 il-Klarissi ta' Spoleto kienu għaddew dan il-biljett lill-Patrijiet Minuri Konventwali ta' San Simone. Meta dan il-kunvent ittieħed mill-Istat fl-1860 id-dokument għadda f'idejn il-*Comune* ta' Spoleto. Fl-1895 l-Ittra sabet ruħha f'idejn qassis, Clito Cardinali, li ried ibiegħha fl-Istati Uniti! M. Faloci Pulignani wera dan id-dokument lill-Papa Ljun XIII, li offra li jixtrih hu u jżommu fil-Librerija Vatikana. Il-*Comune* ta' Spoleto reġa' talabha lura lill-Papa, u dan taha lill-belt fl-1902, bil-patt li tinżamm bħala relikwa fil-kattidral, fejn għadha sallum. L-Ittra inkitbet fl-1225-1226, ftit qabel ma San Franġisk miet, u hi indirizzata lil fra Leone, wieħed mill-akbar kollaboraturi tal-qaddis. Hi eżempju mill-akbar tal-ħlewwa u l-kura materna ta' Franġisku, li jagħti direzzjoni spiritwali lil fra Leone.

L-*Ittra lil Ministru* hi eżempju ieħor ta' akkumpanjament u direzzjoni spiritwali min-naħa ta' San Franġisk. Hi miktuba lil ċertu ministru li ma nafux min kien, u li kien għaddej minn problemi ta' relazzjonijiet ma' l-aħwa. San Franġisk ikellem lil dan ħuh dwar il-qagħda ta' ruħu. Hu jurih li l-imħabba lejn l-aħwa, ukoll jekk dawn jippersegwitawh, hi aktar importanti milli li jingħalaq f'eremitaġġ. L-Ittra hi importanti għax issemmi r-rwol tal-*guardianus*, li jidher għall-ewwel darba fir-*Regola ta' l-Eremitaġġi*. Ir-riferiment għall-Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin, li fih jieħdu sehem il-Ministri, hu ta' għajnuna għad-data ta' l-Ittra, li tirriżulta li inkitbet bejn l-1217 (is-sena li fiha saru l-Ministri provinċjali) u l-1221 (is-sena li fiha fil-Kapitlu ta' Pentekoste bdew jieħdu sehem biss il-Ministri).

L-*Ittra lill-Ordni kollu* hi magħrufa b'modi differenti. Wadding isejħilha *Epistola ad capitulum generale* (Ittra lill-Kapitlu Ġenerali), segwit minn Lemmens u Boehmer, filwaqt li Esser jippreferi l-isem *Epistola toti Ordini missa* (Ittra mibgħuta lill-Ordni kollu). Din l-Ittra hi waħda mill-kitbiet "ewkaristiċi" ta' San Franġisk, u tirreferi b'mod partikulari għad-dinjità tal-ministeru saċerdotali ta' l-aħwa, skond dak li tixhed għalih ukoll il-*Compilatio Assisiensis* 108. Rigward id-data ta' kompożizzjoni ta' l-Ittra jidher li din tħoss l-influss tad-digriet *Sane cum olim* ta' Onorju III, imma b'mod partikulari tad-digriet *Quia populares tumultus* li Onorju III indirizza lill-Ordni fit-3 ta' Diċembru 1224, meta ta l-permess lill-aħwa li jiċċelebraw l-Ewkaristija fl-oratorji u l-knejjes tagħhom. Il-kontenuti ta' l-Ittra jinkludu introduzzjoni (v. 1-4); eżortazzjoni għall-ubbidjenza lejn l-Iben ta' Alla (v. 5-11); qima lejn il-Ġisem tal-Mulej (v. 12-13); eżortazzjoni lill-aħwa saċerdoti biex jiċċelebraw il-quddiesa b'safa u qima (v. 14-20); twissija lis-saċerdoti biex iħarsu d-dinjità tas-sejħa tagħhom (v. 21-25); kliem ta' tifħir lill-umiltà ta' Alla fil-misteri ta' l-Inkarnazzjoni u l-Ewkaristija (v. 26-29); quddiesa waħda kuljum fil-fraternità (v. 30-33); qima lejn il-kliem divini tal-Mulej (v. 34-37); stqarrija tad-dnubiet minn San Franġisk (v. 38-39); eżortazzjoni biex l-aħwa jitolbu l-uffiċċju divin bil-qima (v. 40-42); ħeġġa ta' Franġisku biex iħares dan kollu (v. 43); kliem kontra l-aħwa li mhumiex kattoliċi u jiġġerrew barra l-ubbidjenza (v. 44-46); eżortazzjoni lill-ministri, kustodji u gwardjani biex iħarsu l-kliem ta' l-Ittra u jgħożżuh (v. 47-49). Tikkonkludi l-Ittra t-talba *Omnipotens aeternae* (v. 50-52), li tidher magħquda ma' l-Ittra fil-Kodiċi 338 ta' Assisi.

L-*Ittra lill-Mexxejja tal-Ġnus* instabet minn Luke Wadding fl-opra ta' Francisco Gonzaga, Ministru Ġeneral ta' l-Ordni (1579-1587) *De origine seraphicae religionis franciscanae*. Gonzaga jgħid li fra Giovanni Parenti, Ministru Ġeneral wara San Franġisk, kien ġab din l-Ittra miegħu minn Spanja. L-Ittra hi indirizzata lill-*populorum rectores* (mexxejja tal-ġnus). Dawn x'aktarx kienu l-*consules* u *potestates*, jiġifieri l-konsli u l-*podestà* tal-*Comuni* ta' l-Italja ta' żmien San Franġisk. L-Ittra tistedinhom għall-qima lejn il-Ġisem tal-Mulej, u turi wkoll ix-xewqa ta' Franġisku li jitkellem mal-mexxejja ta' żmienu, kif jixhdu l-episodju tal-laqgħa tiegħu mas-sultan al Malik al Kamil fl-1219 u l-episodju tal-mogħdija ta' Ottone IV minn Rivo Torto (1C 43). L-Ittra hi interessanti għax fiha Franġisku jistieden lill-awtoritajiet biex jagħtu sinjali f'ħinijiet determinati tal-ġurnata biex in-nies jitolbu. X'aktarx li din l-ideja ħadha mis-*salât* tal-Misilmin meta kien fl-Eġittu.

Talb u Tifħir

L-eqdem talba li sawwar San Franġisk hi l-*Oratio ante Crucifixum* (*OrCruc*), jew it-talba quddiem il-Kurċifiss ta' San Damiano. Il-L3C 13 tgħidilna li Franġisku kien jidħol jitlob quddiem il-Kurċifiss biżantin ta' San Damiano fl-1205-1206, fl-ewwel fażi tal-konverżjoni tiegħu. Il-Kodiċi ta' Bodleian Library jagħtina rubrika interessanti li tixhed għaċ-ċirkustanzi ta' kompożizzjoni ta' din it-talba: "L-imqaddes Franġisku kien jitlob fil-knisja ta' San Damiano quddiem ix-xbieha ta' Ġesù msallab, li minnha sema' għal tliet darbiet leħen jgħidlu: Franġisku, mur u sewwi l-knisja tiegħi". F'din it-talba Franġisku jitlob l-illuminazzjoni divina biex ikun jista' jwettaq ir-rieda (*mandatum*) tal-Mulej. L-*OrCruc* irridu narawha f'relazzjoni ma' talba oħra li nsibu fit-*Testment* ta' San Franġisk, magħrufa bħala *Adoramus te* (Nadurawk). Hi talba mibnija mit-testi liturġiċi tal-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes, u Franġisku kien jgħallimha lill-aħwa biex jgħiduha kull meta jidħlu fi knisja jew jaraw Kurċifiss (2C 45)[20].

Il-*Chartula fratri Leoni data* hi parċmina li hi mħarsa b'għożża bħala relikwa fil-bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Fiha żewġ awtografi ta' San Franġisk, il-*Laudes Dei altissimi* (*LaudDei*), jew Tifħir lil Alla l-għoli, fuq naħa waħda, u l-*Benedictio fratri Leoni data* (*BenLeo*), il-Barka mogħtija lil frate Leone, fuq in-naħa l-oħra. F'din il-barka naraw il-firma ta' San Franġisk, permezz tas-sinjal tat-*Tau cum capite* li bih kien jimmarka l-biljetti tiegħu. Iċ-ċirkustanzi ta' kompożizzjoni ta' dan it-tifħir u barka naqrawhom fir-rubriki li fra Leone nnifsu kiteb fuq il-parċmina, li kien għożża b'imħabba sal-mewt. Fuq naħa minnhom kiteb: "Sentejn qabel ma miet, l-imqaddes Franġisku għadda erbgħin jum fuq il-Monte della Verna mill-festa ta' l-Assunzjoni tal-Verġni mqaddsa Marija sal-festa ta' Settembru ta' San Mikiel, ad unur tal-Verġni mqaddsa Marija, l-Omm ta' Alla, u ta' San Mikiel. U l-id tal-Mulej kienet fuqu. Wara l-viżjoni u l-messaġġ tas-Serafin u wara li Kristu stampa l-istimmati fuq ġismu, hu sawwar dan it-tifħir li hemm miktub fuq naħa ta' din il-parċmina, u kiteb b'idejh, filwaqt li radd ħajr lil Alla tat-tjieba li wera miegħu". Fuq in-naħa l-oħra fra Leone kiteb: "L-imqaddes Franġisku kiteb din il-barka lili b'idejh stess. Bl-istess mod għamel b'idejh stess ukoll ix-xbieha tat-*Tau* bir-ras tal-mewt". Iċ-ċirkustanzi tal-kompożizzjoni ta' din il-parċmina nsibuhom fil-LegM ta' San Bonaventura XI,9, li jgħidilna li l-qaddis kiteb dan l-awtografu lil frate Leone fuq La Verna fl-1224, meta irċieva l-istimmati. Il-*LaudDei* huma talba twila ta' attributi ta' tifħir lil Alla, filwaqt li l-*BenLeo* hi meħuda mill-Iskrittura (Num 6,25-26: il-barka ta' Aaron)[21].

Il-*Cantico di frate Sole* (*CantSol*), jew Għanja tal-ħlejjaq, hu l-aktar talba poetika magħrufa ta' San Franġisk. Din il-poeżija, miktuba bil-lingwa *volgare* ta' l-Umbria, hi meqjusa bħala l-eqdem kompożizzjoni lirika tal-letteratura Taljana. Iċ-ċirkustanzi tal-kompożizzjoni tagħha nafuhom minn 1C 80-81, li jgħidilna li Franġisku kien isejjaħ lill-ħlejjaq kollha bl-isem ta' *frater* u *soror*, filwaqt li 1C 109 jgħidilna li, meta Franġisku intebaħ li s-siegħa tal-mewt tiegħu qorbot, hu talab lill-aħwa biex ikantawlu l-*CantSol* bil-ferħ. Il-Kodiċi 338 ta' Assisi jagħtina l-eqdem verżjoni tal-*CantSol*, bir-rubrika: "Hawnhekk jibda t-tifħir tal-ħlejjaq li l-imqaddes Franġisku kiteb għat-tifħir u l-ġieħ ta' Alla meta kien marid, fiż-żmien li kien jinsab f'San Damiano". Minn SP 100 nafu li Franġisku kien jinsab San Damiano fl-ewwel xhur ta' l-1225, meta kien marid

---

[20] L. Lehmann, "Prayer before the Crucifix", *Greyfriars Review* 11,1 (1997) 1-12; "We Adore You Lord Jesus Christ", *Greyfriars Review* 11,2 (1997) 101-112.

[21] D. Lapsanski, "The Autographs of the *Chartula* of Saint Francis of Assisi", *Archivum Franciscanum Historicum* 67 (1967) 18-37.

b’għajnejh u ma setax jara iżjed. L-AC 83 jgħidulna li, wara lejl imqalleb, Franġisku qam filgħodu u iddeċieda li jikkomponi dan it-tifħir lil Alla għall-ħlejjaq tiegħu. Parti oħra mill-*CantSol* titkellem dwar il-maħfra. Din inkitbet f’ċirkustanza oħra. SP 101 turina kif darba minnhom l-isqof Guido ta’ Assisi kien iġġieled mal-*podestà* Bernardo de Oportulo, u San Franġisk talabhom jiltaqgħu flimkien u bagħat lill-aħwa biex ikantawlhom il-*CantSol*, li miegħu żied l-istrofa tal-maħfra, biex hekk huma irrikonċiljaw ruħhom ma’ xulxin. L-aħħar sezzjoni tal-*CantSol* inkitbet fl-aħħar jiem tal-ħajja ta’ San Franġisk, meta hu faħħar lil Alla għal *sora nostra morte corporale*. Fi SP 120 insibu t-test sħiħ tal-*CantSol*, li hu oġġett ta’ studji profondi sallum. Fl-edizzjoni tagħna tal-Kitbiet ta’ San Franġisk ippreferejna nġibu mhux traduzzjoni letterali tal-*CantSol*, imma kompożizzjoni poetika ta’ l-istess opra magħmula mill-poeta Franġiskan, il-mibki Patri Marjanu Vella OFM.

Il-*Cantico di Esortazione delle Povere Dame di San Damiano*, popolarment magħruf bħala *Audite Poverelle* (*CantAudPov*) instab mhux minn Kajetan Esser, imma minn Giovanni Boccali, f’manuskritt fil-monasteru tal-Klarissi ta’ San Fidenzio di Novaglie, qrib Verona[22]. Franġisku ikkompona din il-għanja meta kien marid f’San Damiano fl-1225, kif insibu miktub fil-CA 85, biex jagħti kliem ta’ faraġ lil Klara u lill-*Povere Dame* li kienu imnikktin minħabba l-istat ta’ saħħtu. Fil-kantiku hu jħeġġiġhom jibqgħu fidili lejn is-sejħa tagħhom ta’ faqar, qawwijin fit-tiġrib u fil-mard, u dejjem mimlijin sens ta’ rikonoxxenza u radd il-ħajr lill-Mulej, u jiżgurahom li jekk jagħmlu hekk sejrin jiġu inkurunati fis-sema mill-Verġni Marija.

L-*Expositio in Pater Noster* (*ExpPat*) hi parafrasi tat-talba tal-Missierna, jew mod kif San Franġisk kien jitlob il-Missierna bi spirtu ta’ riflessjoni profonda fuq kull espressjoni tat-talba tal-Mulej. Id-devozzjoni tal-qaddis lejn it-talba tal-Mulej nafuha minn 1C 45, fil-kuntest li fih il-qaddis jgħallem lill-aħwa jitolbu. Din it-talba tidher li kienet komuni fil-medjuevu, għaliex insibu talbiet simili komposti minn San Bernard ta’ Clairvaux u Hugh ta’ Saint Victor. SP 82 turina li San Franġisk kien ta’ spiss juża din it-talba u jorbotha mat-tifħir li kien jgħid qabel l-Uffiċċju Divin.

L-*Exhortatio ad Laudem Dei* (*ExhLD*) hu kliem ta’ tħeġġiġ għat-tifħir lil Alla. Ma jinstabx fl-edizzjoni kritika ta’ Luke Wadding (1623), imma fl-ewwel volum ta’ l-*Annales Minorum* (1625). Wadding jgħid li sabu fil-Kronaka ta’ fra Mariano da Firenze (+1523), li min-naħa tiegħu jgħid li kien ikkumpja dan il-kantiku minn *antependium*, jew ventartal, li kien hemm fl-1500 fil-knisja ta’ l-eremitaġġ Franġiskan ta’ Cesi di Terni. L-*ExhLD* għandha stil ta’ *lauda* medjevali, li fiha nsibu riferimenti Skritturistiċi u liturġiċi, kif ukoll riferiment għall-Verġni Marija, patruna tal-kappella ta’ l-eremitaġġ, iddedikata lil Santa Marija ta’ l-Anġli, u lil San Mikiel Arkanġlu.

Il-*Laudes ad omnes horas dicendae* (*LaudHor*) huma wkoll ġabra ta’ kliem ta’ tifħir lil Alla li San Franġisk kien jitlob qabel jibda l-Uffiċċju Divin. Huma kompożizzjoni libera meħuda minn vrus ta’ l-Iskrittura u l-liturġija. Mhux possibbli li nkunu nafu meta San Franġisk ikkompona dan it-tifħir, imma nafu li hu marbut intimament mar-reċita ta’ l-Uffiċċju Divin fuq ix-xhieda li jagħtina l-kodiċi ta’ Bodleian Library ta’ Oxford. Dwar il-qima li biha San Franġisk kien jitlob l-Uffiċċju Divin għandna x-xhieda ta’ 2C 96[23].

---

[22] G. Boccali, “Parole di esortazione alle poverelle di San Damiano”, *Forma Sororum* 14 (1977) 54-70; “Canto di esortazione di San Francesco”, *Collectanea Franciscana* 48 (1978) 5-29.
[23] L. Lehmann, “Francis’s Praises to be said at all the Hours”, *Greyfriars Review* 13,2 (1999) 135-149.

L-*Officium Passionis Domini* (*OffPass*) hu Uffiċċju liturġiku li San Franġisk kiteb minn diversi siltiet ta' salmi u testi liturġiċi, u li kien jużah privatament għad-devozzjoni tiegħu. Hu magħruf b'diversi ismijiet. Wadding isejjaħlu *Officium Passionis Dominicae*, Lemmens u Boehmer sejħulu *Officium Passionis Domini*. L-ewwel taqsima hi magħmula minn seba' salmi li Franġisku kien jitlobhom fil-Ġimgħa mqaddsa u fil-ġranet oħrajn matul is-sena, filwaqt li fis-sezzjonijiet l-oħrajn insibu salmi oħrajn li l-qaddis kien jitlobhom fi żminijiet liturġiċi diversi. Il-*Legenda Sanctae Clarae Virginis* 30 tgħidilna li Klara kienet tgħallmet l-Uffiċċju tas-salib ta' San Franġisk. It-tradizzjoni ta' Uffiċċji ta' natura devozzjonali kienet komuni fil-medjuevu, bħal fil-każ ta' l-Uffiċċju votiv tal-Verġni Marija. Qabel kull salm Franġisku kien ukoll jitlob antifona lill-Verġni Marija. L-*OffPass* nistgħu inqisuh bħala ċelebrazzjoni tal-misteru tas-salvazzjoni li Franġisku kien jimmedita fuqu l-ħin kollu, u partikolarment skond ir-ritmu liturġiku tal-Knisja[24].

Is-*Salutatio Beatae Mariae Virginis* (*SalBMV*) tesprimi l-qima li Franġisku kellu lejn il-Verġni Mqaddsa Marija skond kif jurina 2C 198. Din hi tassew tislima li biha Franġisku juri l-qima tiegħu lejn il-Verġni Marija, fuq l-istil tal-*lauda* medjevali. Hu jsejjaħ lil Marija b'diversi titli, fosthom dak ta' *Virgo ecclesia facta* (Verġni li sirt Knisja)[25]. Is-*SalBMV* hi talba ta' tifħir għar-rwol ta' Marija fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, kif ukoll issemmi lista ta' virtujiet li kienu jiddu fil-ħajja tal-Verġni mqaddsa. Fuq kollox hi talba li tqiegħed lil Marija fid-dawl tal-misteru tat-Trinità, li hu karatteristiku fl-ispiritwalità ta' San Franġisk.

Is-*Salutatio Virtutum* (*SalVirt*) hi wkoll kompożizzjoni lirika fuq stil ta' *lauda* medjevali, li fiha San Franġisk ifaħħar il-virtujiet, kif juri 2C 189. Il-Kodiċi ta' Assisi u Angelo Clareno jixhdu li Franġisku kien sawwar din it-Tislima lill-Virtujiet. Hu jitkellem mill-virtujiet bħala koppji li huma aħwa, hekk li jsejħilhom *sorores* u *dominae*. Hekk l-Għerf hu oħt is-Sempliċità, il-Faqar hu oħt l-Umiltà, u l-Karità hi oħt l-Ubbidjenza. Dan l-istil ta' tifħir lill-virtujiet seta' kien mod ta' predikazzjoni popolari kif kien jagħmilha San Franġisk, li jħeġġeġ lill-aħwa fir-Regola biex jitkellmu man-nies dwar il-vizzji u l-virtù[26].

Kitbiet iddettati

Jacques Cambell introduċa l-isem *opuscula dictata* (kitbiet iddettati). Fil-letteratura medjevali Franġiskani xi kultant insibu li San Franġisk iddetta xi ittri jew kitbiet oħrajn li jiġu deskritti l-kontenuti tagħhom, imma mingħajr ma waslu għandna t-testi oriġinali tagħhom. Huma jiġu aċċettati bħala Kitbiet ta' San Franġisk, li nafu l-eżistenza tagħhom imma mhux il-kontenut.

---

[24] D. Gagnan, "The Office of the Passion", *Greyfriars Review*, Vol. 7 (1993) Supplement, 1-89; L. Lehmann, "Francis's Office of the Passion", *Greyfriars Review*, 12,2 (1998) 143-168.

[25] H. Pyfferoen, "Ave Dei Genitrix Maria, quae es Virgo ecclesia facta", *Laurentianum* 12 (1971) 412-434; L. Lehmann, "Francis's Marian Prayers", *Greyfriars Review* 13,1 (1999) 1-19.

[26] L. Lehmann, "The Salutation of Virtues", *Greyfriars Review* 11,3 (1997) 229-241.

*Barka mogħtija lil fra Bernardo*

Hemm diversi xhieda fost il-Fonti Franġiskani li jgħidulna li Franġisku kien ta barka speċjali lil fra Bernardo da Quintavalle, l-ewwel dixxiplu tiegħu. Il-*Compilatio Assisiensis* 12 tgħid:

"(Fra Bernardo) qagħad bilqiegħda maġenb il-friex li fuqu kien mixħut Franġisku, u qallu: 'Missier, nitolbok, sabiex inti tberikni u turini l-imħabba tiegħek, għaliex jekk inti tħobbni b'imħabba ta' missier, jiena nemmen li l-istess Alla u l-aħwa l-oħrajn kollha jħobbuni aktar' ... Fra Bernardo, mela, resaq aktar qrib tiegħu. L-imqaddes Franġisku qiegħed idejh fuq rasu u bierku. Imbagħad qal lil wieħed mill-aħwa: 'Ikteb dak li se ngħidlek. L-ewwel wieħed fost l-aħwa li tani l-Mulej kien fra Bernardo, u kien hu l-ewwel wieħed li ħaddan sa l-aħħar il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, billi qassam ġidu kollu lill-foqra. Minħabba f'hekk u minħabba ħafna grazzji oħrajn li rċieva jiena rrid inħobbu aktar mill-aħwa l-oħrajn kollha ta' dan l-Ordni. Għaldaqstant irrid u nikkmanda, kif nista', li ikun min ikun ministru ġeneral, għandu jħobbu u jqimu daqslikieku qiegħed iħobb u jqim lili, u wkoll il-ministri provinċjali l-oħrajn u l-aħwa kollha ta' din ir-Reliġjon għandhom iqimuh f'ismi'. Fra Bernardo imtela b'faraġ kbir, kif ukoll l-aħwa l-oħrajn li kienu qegħdin jaraw dak li kien qed jiġri".

Testi paralleli għal dan jinsabu fi *Speculum Perfectionis* 17 (Lemmens) u *Speculum Perfectionis* 107 (Sabatier). Skond il-Fonti, din il-barka ġiet mogħtija waqt l-istess żjara li għamlet Donna Jacopa dei Settesoli lil San Franġisk, fl-aħħar ġimgħa qabel ma miet fil-Porziuncola.

*Barka miktuba lil Santa Klara u lis-Sorijiet tagħha*

Il-*Compilatio Assisiensis* 13 tagħtina din l-informazzjoni rigward ittra li San Franġisk kiteb lil Santa Klara ftit qabel ma miet:

"F'dik l-istess ġimgħa li fiha miet l-imqaddes Franġisku, is-sinjura Klara, l-ewwel xitla ta' l-Ordni tas-sorijiet, abbadessa tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, li kienet tixbaħ f'kollox lil San Franġisk fil-ħarsien dejjiemi tal-faqar ta' l-Iben ta' Alla, billi kienet marida ħafna u kienet tibża' li se tmut qabel l-imqaddes Franġisku, bdiet tibki ħafna b'ruħha kollha mrar u ma setgħetx titfarraġ, għax qabel tmut ma setgħetx aktar tara lil dak li wara Alla kien il-missier waħdieni tagħha, jiġifieri l-imqaddes Franġisku, li għaliha kien ta' faraġ fil-ġisem u fir-ruħ, kif ukoll kien dak li kien waqqafha fis-sod fil-grazzja ta' Alla. Għalhekk, permezz ta' wieħed mill-aħwa, għarrfet b'dan lill-imqaddes Franġisku. San Franġisk, meta sema' dan, billi hu kien iħobb lilha u lil ħutha s-sorijiet b'imħabba ta' missier minħabba l-ħajja qaddisa tagħhom, tqanqal bil-ħniena, l-aktar għaliex wara ftit snin li matulhom beda jkollu miegħu l-aħwa, bil-għajnuna tal-Mulej u bil-parir tiegħu, Klara wkoll kienet ingħatat lil Alla. Il-konverżjoni tagħha mhux biss kienet ta' eżempju kbir għall-Ordni ta' l-aħwa, imma wkoll għall-Knisja kollha ta' Alla. Imma l-imqaddes Franġisku fehem li dak li hi xtaqet, jiġifieri li tarah, ma kienx jista' jseħħ, għaliex it-tnejn li huma kienu morda ħafna, u għalhekk biex ifarragħha kitbilha ittra bil-barka tiegħu u ħafrilha kull nuqqas li setgħet għamlet rigward dak li hu kien ikkmanda jew ried, kif ukoll rigward il-kmand u r-rieda ta' l-Iben ta' Alla. Fuq kollox, biex hi tkun tista' tneħħi kull niket u titfarraġ fil-Mulej, mhux hu, imma l-Ispirtu s-Santu tkellem fih permezz ta' dawn il-kelmiet li hu qal lil dak

il-patri li kienet bgħatitlu: 'Mur u ħu din l-ittra lil oħtna Klara u għidilha biex twarrab minnha kull niket u tbatija, billi għalissa ma tistax tarani. Imma għidilha li għandha tkun taf fis-sewwa li, qabel ma tmut, kemm hi kif ukoll ħutha s-sorijiet, għad jarawni u jirċievu faraġ kbir minħabba fija'".

Testi paralleli jinsabu fi *Speculum Perfectionis* 18 (Lemmens) u *Speculum Perfectionis* 108 (Sabatier).

*Ittra miktuba lin-nies ta' Bologna*

Ir-riferenza għal din l-ittra tinsab fil-Kronaka ta' Thomas of Eccleston, *De Adventu Fratrum Minorum in Angliam* (Il-Miġja tal-Patrijiet Minuri fl-Ingilterra). L-informazzjoni jagħtiha fra Martin of Barton, li kien vigarju ta' l-Ingilterra u kustodju ta' York. It-terremot li għalih tirreferi l-ittra kien reġistrat minn ħafna kronaki ta' l-epoka, u jidher li l-belt ta' Brescia, fil-Lombardija, kienet sfat meqruda. L-ittra turi li San Franġisk kellu kuntatti mal-belt universitarja ta' Bologna, fejn il-patrijiet Minuri kellhom skola tat-tejoloġija fl-1222.

*Ittra miktuba lil Santa Klara dwar is-sawm*

Ir-riferenza għal din l-ittra tingħatalna minn Klara nnifisha fit-Tielet Ittra lil Sant'Anjeże ta' Praga, miktuba x'aktarx fl-1238. Għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju dwar l-awtentiċità tagħha. Nafu li Sant'Anjeże ta' Praga, prinċipessa rjali tal-Boemja, kienet waqqfet monasteru tas-Sorijiet Foqra fi Praga, fejn kienet daħlet hi wkoll, u kienet qegħda tinsisti li l-osservanza tiegħu tkun tixbaħ lil dik tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi. Anjeże kienet talbet lil Klara biex tinfurmaha dwar il-prattika tas-sawm li kienu jħarsu s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Klara tweġibha billi tirreferi għall-parir li kien ta lilha u lis-Sorijiet San Franġisk innifsu f'waħda mill-kitbiet tiegħu, u hekk din il-kitba iddettata tagħtina l-kelmiet eżatt li Klara tikteb lil Anjeże.

*Dwar l-Ittra miktuba lil Donna Jacopa dei Settesoli*

Din l-ittra hija waħda mill-aktar popolari u dokumentati fost l-ittri li jingħad li San Franġisk kien kiteb. Ix-xhieda tagħha huma diversi, fosthom fra Tommaso da Celano, fit-*Tractatus Miraculorum Sancti Francisci*, 37-38; il-*Compilatio Assisiensis*, 8; li *Speculum Perfectionis* (Lemmens), 11 u (Sabatier) 112; l-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*, 18; u Bartolomeo da Pisa, *Liber de conformitate vitae* (*Analecta Franciscana*, V,180-181). Luke Wadding ukoll jagħtina t-test ta' din l-ittra fl-*Opuscula S.P. Francisci*, 69. F'din l-edizzjoni nġibu r-rakkont ta' fra Tommaso da Celano u ta' l-*Actus Beati Francisci*:

"Jacopa dei Settesoli, li kienet magħrufa fil-belt ta' Ruma għan-nobbiltà u l-qdusija tagħha, stħaqqilha l-mertu tal-privileġġ li l-qaddis juri mħabba partikulari lejha. Ma hemmx bżonn li nkun jiena li ntenni, b'tifħir tagħha, id-dinjità nobbli tal-familja tagħha, l-għana kbir li kellha, u fuq kollox il-perfezzjoni ta' l-għaġeb tal-virtujiet tagħha, u l-kastità tagħha fiż-żmien twil li għexet bħala armla. Billi l-qaddis kien marid ħafna b'dik il-marda li kellha twasslu, permezz tal-mewt

hienja, biex itemm il-ġirja ta' ħajtu, ftit ġranet qabel ma miet, ried li l-aħwa javżaw lil Donna Jacopa li kienet tinsab f'Ruma, u jgħidulha biex tiġi tħaffef jekk riedet tara lil dak li hi tant kienet ħabbitu bħala pellegrin fuq din l-art u li issa kien imhejji biex imur lejn is-sema pajjiżu. Hekk hu talab lill-aħwa jiktbu ittra, u wara li sabu lil xi ħadd biex iwassalha, dan telaq b'ġirja waħda. Imma f'daqqa waħda instema' barra mill-bieb il-ħoss ta' ħafna żwiemel, l-istorbju ta' kavallieri, u s-sinjali tal-wasla ta' xi ħadd nobbli. Wieħed mill-aħwa mar jiftaħ il-bieb, dak l-istess wieħed li kien qiegħed jispjega lil dak li kellu jwassal l-ittra, u malli resaq lejn id-daħla sab quddiemu lill-istess mara li l-aħwa kienu qegħdin ifittxuha. Hu baqa' miblugħ bil-għaġeb, u mar jiġri għand il-qaddis, u ma jiflaħx aktar iġorr fih dak il-ferħ kbir, qallu: 'Missier, għandi aħbar mill-isbaħ x'nagħtik'. Il-qaddis, li kien diġà jaf fl-ispirtu dak li ġara, ħaffef iwieġbu u qal: 'Imbierek Alla li wassal lil Donna frate Jacopa għandna! Iftħu l-bieb, u ħalluha tidħol hawn ġewwa, għaliex għal frate Jacopa ma għandux jiġi osservat id-digriet tal-klawsura li fiha ma jidħlux in-nisa!' Fost dawk il-mistednin nobbli kien hemm ferħ kbir, kif ukoll ixxerred id-dmugħ tal-ferħ u tal-faraġ. Mhux biss, imma biex ikun jidher tassew veru dak il-miraklu, dik il-mara qaddisa ġabet lill-missier dak kollu li kien jeħtieġ għall-funeral tiegħu, skond kif hu kien ried li jiktbulha fl-ittra li ried jibgħatilha. Għaliex hi kienet ġabet magħha d-drapp ta' lewn l-irmied, biex bih tkeffen il-ġisem dgħajjef ta' dak li kien se jmut, flimkien ma' ħafna xemgħat, maktur biex bih tgħattilu wiċċu, imħadda għal taħt rasu, u ċertu ħelu li l-qaddis kien xtaq jiekol, u dak kollu li dan il-bniedem fl-ispirtu tiegħu kien talab u li Alla kien nebbaħha biex iġġiblu" (3C 37-38).

"Lis-sinjura Jacopa, qaddejja ta' l-Aktar Għoli, fra Franġisku, il-fqajjar ċkejken ta' Kristu, jixtieqlek saħħa u għaqda flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu fil-Mulej Ġesù Kristu. Kun af, l-aktar għażiża, li Kristu l-imbierek bil-grazzja tiegħu lili urieni li t-tmiem tal-ħajja tiegħi jinsab fil-qrib. Għaldaqstant jekk inti trid issibni ħaj, malli taqra din l-ittra, ejja ħaffef lejn Santa Marija ta' l-Anġli. Għax jekk inti ma tasalx sa dak il-jum, ma tkunx tista' ssibni għadni ħaj. U ġib miegħek drapp minn lewn l-irmied biex tkeffinli ġismi fih, u x-xemgħa għad-difna tiegħi. Nitolbok ukoll li ġġibli minn dak il-ħelu li inti kont dejjem tagħtini meta kont inkun marid f'Ruma" (ABF 18).

*Ittra miktuba lill-aħwa fi Franza*

Thomas of Eccleston mill-ġdid hu x-xhud ta' l-eżistenza ta' din l-ittra fit-*Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam*. Martin of Barton kien tah din l-informazzjoni. Eccleston jikteb li l-imqaddes Franġisku kiteb ittra b'idejh stess (*propria manu*) ... lill-ministru u lill-aħwa ta' Franza, u ħeġġiġhom biex, malli jirċievu dik l-ittra, jimtlew bil-ferħ u jfaħħru lil Alla Trinità, billi jgħidu: "Inbierku lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu". Nafu li l-patrijiet Minuri kienu waslu fi Franza fl-1219 permezz ta' fra Pacifico, u li kienu joqogħdu f'Pariġi u daħlu jistudjaw fl-Università famuża ta' din il-belt. Imma ma nafux eżatt din l-ittra lil min intbagħtet. Il-provinċja ta' Franza kienet tkopri mhux biss Franza kif nafuha llum, imma wkoll il-Belġju.

*Testment miktub fi Siena*

Fil-*Compilatio Assisiensis*, 59 insibu rakkontati ċ-ċirkostanzi tal-kompożizzjoni kif ukoll il-kontenuti ta' din il-kitba importanti ta' San Franġisk. Il-mument li fih San Franġisk iddetta dan

it-Testment kien meta kien jinsab fi Siena f'April 1226, fl-aħħar sena ta' ħajtu, wara li tagħtu taqliba kbira bil-lejl li fiha kien għoddu se jmut:

"Fl-istess ġranet u fl-istess ċella li fiha l-imqaddes Franġisku qal dawn il-kelmiet lil *messere* Bonaventura, lejl minnhom, minħabba l-marda li kellu fl-istonku, billi ried jirremetti, ġralu li, minħabba l-isforz kbir li għamel fuqu nnifsu, irremetta d-demm, u hekk baqa' jirremetti l-lejl kollu, sa ma sebaħ l-għada. Meta l-aħwa li kienu miegħu raw li minħabba d-dgħufija kbira u l-uġiegħ tal-marda tiegħu kien wasal f'xifer il-mewt, tnikktu ħafna u kollha dmugħ bdew jgħidulu: 'Missier, issa x'se nagħmlu? Bierek lilna u lill-aħwa l-oħrajn tiegħek. Nitolbuk ukoll biex tħalli lill-aħwa tiegħek xi kliem ta' tifkira ta' l-aħħar rieda tiegħek sabiex, jekk il-Mulej irid isejjaħlek minn din id-dinja, l-aħwa jkollhom dejjem it-tifkira tiegħek u jkunu jistgħu jgħidu: Missierna ħallielna dawn il-kelmiet tiegħu qabel miet, bħala uliedu u ħutu'. Franġisku għaldaqstant qalilhom: 'Sejħuli lil fra Benedetto de Pirato'. Dan kien wieħed mill-aħwa saċerdoti, raġel prudenti u qaddis, li kien fost l-ewwel aħwa li daħlu fl-Ordni, u li kien jiċċelebra l-quddiesa fiċ-ċella ta' l-imqaddes Franġisku; għaliex, għalkemm hu kien marid ħafna, dejjem u sakemm seta', kien ikun irid jisma' l-quddiesa bil-qalb. Malli dak wasal ħdejh, l-imqaddes Franġisku qallu: 'Ikteb li jiena nbierek l-aħwa kollha tiegħi, li jinsabu fl-Ordni u li għad iridu jidħlu fih sa l-aħħar taż-żminijiet'. Għaliex meta l-aħwa kienu jinġabru għall-kapitlu, l-imqaddes Franġisku dejjem kien ibierek u jassolvi l-aħwa kollha preżenti fi tmiem il-kapitlu, kif ukoll l-aħwa l-oħrajn kollha li kienu fl-Ordni, u kien ukoll ibierek lil dawk kollha li kellhom jidħlu f'dan l-Ordni; u dan kien jagħmlu mhux biss fil-kapitli imma wkoll ħafna drabi oħrajn kien ibierek lill-aħwa kollha li kien fl-Ordni u lil dawk li kellhom jiġu fil-ġejjieni.

L-imqaddes Franġisku kompla jgħidlu: 'Billi minħabba d-dgħufija u l-uġiegħ tal-mard ma nistax nitkellem, bi kliem qasir sejjer inħalli lill-aħwa din l-aħħar rieda tiegħi fi tliet kelmiet, u jiġifieri: li bħala sinjal tat-tifkira tal-barka u tat-testment tiegħi dejjem iħobbu lil xulxin, dejjem juru mħabba u jħarsu bil-fedeltà lil *Madonna Povertà*, u dejjem ikunu ubbidjenti u fidili lejn il-prelati u l-kjeriċi l-oħrajn kollha ta' ommna l-Knisja mqaddsa'" (CA 59).

Siltiet paralleli jinsabu fi *Speculum Perfectonis* (Lemmens) 36 u Sabatier (87). Hu fra Tommaso da Celano, fil-*Vita Sancti Francisci*, 105, li jindikalna li San Franġisk kien fi Siena sitt xhur qabel miet minħabba l-kura ta' għajnejh. Il-kontenuti ewlenin ta' dan it-Testment li inkiteb fi Siena huma mbagħad żviluppati sewwa fit-*Testment ta' San Franġisk*, jiġifieri l-imħabba ta' l-aħwa, il-faqar imqaddes, u l-ubbidjenza lejn il-Knisja.

*Dwar il-ferħ veru u perfett*

Luke Wadding kien ippubblika dan l-*opusculum*, billi ibbaża ruħu fuq dak li jingħad fl-*Actus Beati Francisci et Sociorium Eius* 7 u l-*Fioretti* 8. Ix-xhud għal dan l-episodju famuż tal-ħajja ta' San Franġisk hu fra Leonardo minn Assisi, li skond 2C 31 kien wieħed minn sħab San Franġisk wara li dan kien ġie lura mill-Orjent, u għalhekk kien xhud dirett ta' ħafna episodji mill-ħajja tal-qaddis. L-episodji fl-*Actus-Fioretti* huma żvilupp tar-rakkont aktar sempliċi kif jagħtihulna fra Leonardo, u li ġie inkluż fl-edizzjoni kritika tal-Kitbiet ta' San Franġisk minn Luke Wadding.

# IL-KITBIET TA' SAN FRANĠISK

## ADMONITIONES (TWISSIJIET)

Kapitlu I: Dwar il-ġisem tal-Mulej[27]

[1] 1 Il-Mulej Ġesù jgħid lid-dixxipli tiegħu: *Jiena t-triq, il-verità u l-ħajja; ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.* 2 *Kieku għaraftu lili, kontu tagħarfu wkoll lil Missieri; minn issa 'l quddiem tagħrfuh, anzi diġà rajtuh.* 3 *Qallu Filippu: Mulej, urina l-Missier, u dan ikun biżżejjed għalina.* 4 *Qallu Ġesù: Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili, ra lil Missieri* (Ġw 14,6-9). 5 Il-Missier jgħammar *f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh* (cfr. 1Tim 6,16), u *Alla hu spirtu* (Ġw 4,24), u *lil Alla ħadd qatt ma rah* (Ġw 1,18). 6 Għaliex ħadd ma jista' jarah jekk mhux fl-ispirtu, *għaliex hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja; il-ġisem ma jiswa għal xejn* (Ġw 6,64). 7 Imma wkoll l-iben, billi hu daqs il-Missier, ħadd ma jista' jarah bħalma jarah il-Missier u bħalma jarah l-Ispirtu s-Santu. 8 Għaldaqstant dawk kollha li raw lill-Mulej Ġesù skond l-umanità tiegħu u ma rawx u ma emmnux skond l-ispirtu u d-divinità, li hu tabilħaqq l-Iben ta' Alla, huma ikkundannati. 9 Bl-istess mod dawk kollha li jaraw is-sagrament, li jiġi mqaddes bil-kelma tal-Mulej fuq l-altar fl-idejn tas-saċerdot taħt ix-xbiħat tal-ħobż u ta' l-inbid, u ma jarawx u lanqas jemmnu skond l-ispirtu u d-divinità, li hu tassew il-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, huma ikkundannati, għaliex Hu nnifsu jagħti xhieda, meta jgħid: 10 *Dan hu ġismi u dan hu demmi tal-patt il-ġdid, li jixxerred għall-kotra* (Mk 14,22.24); u: 11 *Min jiekol* ġismi *u jixrob* demmi, *għandu l-ħajja ta' dejjem* (cfr. Ġw 6,55). 12 Għalhekk l-Ispirtu tal-Mulej, li jgħix f'dawk li jemmnu fih, hu dak li jirċievi l-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej. 13 L-oħrajn kollha, li ma għandhomx sehem minn dan l-Ispirtu u jażżardaw jirċevuh, ikunu jieklu u jixorbu *l-kundanna tagħhom stess* (cfr. 1Kor 11,29). 14 Għaldaqstant: *intom ulied il-bnedmin, kemm se ddumu twebbsu qalbkom?* (S 4,3). 15 Għaliex ma tagħarfux fil-verità u ma temmnux *fl-Iben ta' Alla* (cfr. Ġw 9,35)? 16 Ara, ta' kuljum Hu jxejjen lilu nnifsu (cfr. Fil 2,8), bħal meta *mit-tron tas-saltna tiegħu* (Għerf 18,15) niżel fil-ġuf tal-Verġni; 17 ta' kuljum jiġi għandna taħt dehra tassew umli; 18 ta' kuljum jinżel minn ħdan il-Missier fuq l-altar f'idejn is-saċerdot. 19 U kif Hu wera ruħu lill-appostli qaddisa fil-ġisem veru tiegħu, hekk juri ruħu lilna fil-ħobż imqaddes. 20 Kif huma għarafu li bl-għajnejn tal-ġisem ma kienux biss jaraw il-ġisem tiegħu, imma kienu jemmnu li hu tassew Alla meta kienu jikkontemplawh bl-għajnejn ta' l-ispirtu, 21 hekk ukoll aħna naraw il-ħobż u l-inbid bl-għajnejn tal-ġisem, imma nemmnu bil-qawwa li dawn huma tassew il-ġisem u d-demm l-aktar qaddisa tiegħu ħaj u veru. 22 U b'hekk il-Mulej hu dejjem ma' dawk li jemmnu fih, kif hu nnifsu jgħid: *Ara jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien* (cfr. Mt 28,20)[28].

---

[27] L-I *Twissija* tirrifletti t-*Tractatus de Corpore Domini* miktub minn raħeb Ċisterċensi anonomu, li hu magħruf bħala Pseudo-Bernardo (*Patrologia Latina* 184, 1149-1150). Jista' jkun li hi effett tal-preżenza tal-Kardinal Rainerio Capocci, li kien raħeb Ċisterċensi, u prefett Papali fl-Umbria. Hu kien preżenti fil-Kapitlu ta' l-1221 [Giordano da Giano, *Chronica*, 16], kif ukoll waqt il-kanonizzazzjoni ta' S. Franġisk.

[28] Id-devozzjoni ewkaristika ta' S. Franġisk hi żviluppata l-aktar minn B. Cornet OFM, «Le 'De Reverentia Corporis Domini', Exhortation et Lettre de S. François», *Etudes Franciscaines* 6 (1955) 65-91, 167-180; 7 (1956) 20-35, 155-171; 8 (1957) 35-58; E.Franceschini, «L'Eucaristia negli scritti di San Francesco», *L'Eucaristia nella spiritualità francescana* (Quaderni di Spiritualità Francescana, Vol. 3), Santa Maria degli Angeli – Assisi 1962, 38-49.

Kapitlu II: Dwar il-ħażen tar-rieda tagħna nfusna

[2] 1 Il-Mulej qal lil Adam: Minn *kull siġra tista' tiekol, imma mis-siġra ta' l-għarfien tat-tajjeb u l-ħażin la tiekolx* (cfr. Ġen 2,16.17). 2 Minn kull siġra tal-ġenna ta' l-art seta' jiekol, hekk li, sakemm ma marx kontra l-ubbidjenza, ma dinibx. 3 Ikun għalhekk qiegħed jiekol mis-siġra ta' l-għarfien tat-tajjeb, dak li jżomm għalih, bħallikieku proprjetà tiegħu, r-rieda tiegħu nnifsu u jiftaħar bit-tajjeb, li l-Mulej jgħid u jwettaq permezz tiegħu; 4 u hekk imxewwex mix-xitan biex jikser il-kmand ta' Alla, il-frotta li issa jiekol issir l-għarfien tal-ħażin. 5 Minn hawn jiġi li jkollu ta' bilfors jieħu l-kastig.

Kapitlu III: Dwar l-ubbidjenza perfetta

[3] 1 Il-Mulej jgħid fl-Evanġelju: *Min ma jiċħadx għal ġidu kollu, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi* (Lq 14,33); 2 u: *Min irid isalva ħajtu għandu jitlifha* (Lq 9,24). 3 Dak il-bniedem li jħalli kull ma għandu, u jitlef il-ġisem tiegħu, hu dak li jingħata kollu kemm hu għall-ubbidjenza f'idejn il-prelat[29] tiegħu biex jagħmel dak li jgħidlu hu. 4 U kull ma jagħmel jew jgħid, u kull ma hu jaf, dment li ma jkunx kontra r-rieda tal-prelat tiegħu, u dment li jkun ħaġa tajba, dan ikun tabilħaqq ubbidjenza. 5 U jekk xi darba s-sudditu jara ħwejjeġ aħjar u aktar ta' siwi għal ruħu minn dawk li jkun qabbdu jagħmel il-prelat tiegħu, hu għandu jissagrifika r-rieda tiegħu lil Alla; filwaqt li jfittex li jwettaq l-għemejjel li jkun talbu jagħmel il-prelat tiegħu. 6 Għax din hi *l-ubbidjenza kollha mħabba* (cfr. 1Pt 1,22) li togħġob lil Alla u lill-proxxmu. 7 Imma jekk il-prelat jikkmandah xi ħaġa li hi kontra l-kuxjenza tiegħu, hu ma għandux jobdih, imma lanqas ma għandu jinfired minnu. 8 U jekk ikollu jsofri persekuzzjoni minn xi wħud minħabba f'hekk, ħa juri lejhom imħabba akbar f'ġieħ Alla. 9 Tabilħaqq, dak li jsofri persekuzzjoni, biex ma jinfiridx mill-aħwa, dan tassew jibqa' sħiħ fl-ubbidjenza perfetta, għaliex *joffri ħajtu* (cfr. Ġw 15,13) għall-aħwa tiegħu. 10 Għaliex huma ħafna dawk ir-reliġjużi li, taħt l-iskuża li jaraw ħwejjeġ aħjar minn dawk li jikkmandawhom il-prelati tagħhom, iħarsu lura (cfr. Lq 9,62) u jerġgħu jduru *għat-tqalligħ* tar-rieda tagħhom (cfr. Prov 26,11; 2Pt 2,22). 11 Dawn huma nies qattiela, għax iġegħelu li ħafna erwieħ jintilfu minħabba l-eżempji ħżiena tagħhom.

Kapitlu IV: Dwar li ħadd ma għandu jaħtaf is-superjorat

[4] 1 Jiena ma ġejtx *biex inkun moqdi, imma biex naqdi* (cfr. Mt 20,28), jgħid il-Mulej. 2 Dawk li huma maħturin biex imexxu lill-oħrajn, għandhom jiftaħru bis-superjorat tagħhom, daqslikieku kienu jiftaħru li kellhom jiġu magħżula biex jaħslu r-riġlejn ta' l-aħwa. 3 U li kellhom jitħawdu aktar li tneħħielhom l-uffiċċju ta' superjorat milli l-uffiċċju li jaħslu r-riġlejn ta' ħuthom, b'din l-imġieba jkunu qed jimlew il-*boroż* tagħhom b'periklu kbir għal ruħhom (cfr. Ġw 12,6).

---

[29] Il-kelma Latina *praelatus*, li aħna nippreferu nittraduċuha "prelat", u mhux "superjur", fil-Medjuevu ma kellhiex it-tifsira li għandha llum, jiġifieri, saċerdot imqiegħed f'awtorità. Din il-kelma kienet użata fit-tradizzjoni tar-rħieb Ċisterċensi, u kienet tirreferi għas-superjur tal-monateru, jew l-*abbas* (abbati) jew il-*prior* (prijur jew pirjol). Insibuha seba' darbiet fil-kitbiet ta' S. Franġisk, li ħamsa minnhom huma f'din it-*Twissija*. Din il-kelma turi l-influss li kellha l-leġislazzjoni taċ-Ċisterċensi fuq it-tradizzjoni Franġiskana.

Kapitlu V: Dwar li ħadd ma għandu jitkabbar, imma għandu jiftaħar bis-salib tal-Mulej

[5] 1 Oqgħod aħseb ftit, o bniedem, u agħraf kemm għollik il-Mulej Alla, li ħalqek u sawwrek *għax-xbieha* ta' l-Iben maħbub tiegħu skond il-ġisem u *għas-sura* tiegħu skond l-ispirtu (cfr. Ġen 1,26). 2 U l-ħlejjaq kollha, li huma taħt is-sema, kull waħda minnhom skond in-natura tagħha, jaqdu, jagħarfu u jobdu lill-Ħallieq tagħhom aħjar minnek. 3 U saħansitra x-xjaten ma kienux huma li sallbuh, imma kont int li flimkien magħhom sallabtu u għadek issallbu meta titgħaxxaq bil-vizzji u d-dnubiet. 4 Għalhekk biex tista' tiftaħar? 5 Għax kieku kont intelliġenti u għaref hekk li jkollok *l-għarfien kollu* (cfr. 1Kor 13,2) u tkun taf *tfisser l-ilsna kollha* (cfr. 1Kor 12,28) u tgħarbel b'għaqal kbir dak kollu li hu fid-dinja jew fis-sema, f'dan kollu ma tistax tiftaħar; 6 għaliex xitan wieħed jista' jkun jaf dwar il-ħwejjeġ tas-sema u dawk ta' l-art aktar mill-bnedmin kollha f'daqqa, għad li seta' kien hawn xi ħadd li l-Mulej għoġbu jagħtih tagħrif speċjali ta' l-ogħla għerf. 7 Inżid ma' dan u ngħidlek li, li kieku inti kont l-isbaħ u l-aktar għani u tagħmel ukoll għeġubijiet, hekk li saħansitra tħarrab lix-xjaten, dawn il-ħwejjeġ kollha kienu jkunu għalik ta' ħsara, u xorta waħda xejn ma hu tiegħek u f'ebda ħaġa minn dawn kollha ma tista' tiftaħar; 8 imma f'dan nistgħu niftaħru, *b'dak li hu dgħajjef fina* (cfr. 2Kor 12,5), u li nġorru ta' kuljum is-salib imqaddes tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu (Lq 14,27).

Kapitlu VI: Dwar l-imitazzjoni tal-Mulej

[6] 1 Ħuti, ejjew ilkoll kemm aħna nsammru l-ħarsa tagħna fuq ir-ragħaj it-tajjeb, li biex isalva n-nagħaġ tiegħu sofra l-passjoni fuq is-salib. 2 In-nagħaġ tal-Mulej imxew warajh fit-tiġrib u fil-persekuzzjoni, fil-għajb u fil-ġuħ, fil-mard u fit-tentazzjoni u f'kull prova oħra; u ta' dan kollu ħadu bħala premju mingħand il-Mulej il-ħajja ta' dejjem. 3 Għaldaqstant, hu ta' għajb kbir għalina, qaddejja ta' Alla, li waqt li kienu l-qaddisin li għamlu l-għemejjel tajba, aħna rridu nieħdu l-glorja u l-ġieħ sempliċement billi nirrakkontaw dak li għamlu huma.

Kapitlu VII: Dwar kif l-għemil it-tajjeb jiġi wara l-għarfien

[7] 1 L-appostlu jgħid: *L-ittra toqtol, imma l-ispirtu jagħti l-ħajja* (2Kor 3,6). 2 Huma maqtulin mill-ittra dawk li jixtiequ jkunu jafu biss il-kliem, sabiex l-oħrajn iqisuhom bħala aktar għorrief u jistgħu jiksbu għana kbir ħalli jkollhom xi jqassmu lill-qraba u lill-ħbieb. 3 Huma maqtulin mill-ittra wkoll dawk ir-reliġjużi li ma jridux jimxu skond l-ispirtu tal-kitba mqaddsa, imma jikkuntentaw ruħhom biss billi jkunu jafu l-kliem u kif ifissruh lill-oħrajn. 4 U jirċievu l-ħajja mill-ispirtu tal-kelma divina, dawk li ma jdawwrux għall-vantaġġ tagħhom kull kelma li jkunu jafu jew jixtiequ jafu, iżda bil-kliem u bl-eżempju tagħhom jroddu kollox lura lill-Mulej Alla l-aktar għoli li minnu jiġi kull ġid.

Kapitlu VIII: Dwar kif għandna nħarsu ruħna mid-dnub ta' l-għira

[8] 1 L-appostlu jgħid: *Ħadd ma jista' jgħid: Ġesù hu l-Mulej, jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu* (1Kor 12,3); 2 u: *Ma hemm ħadd la jagħmel is-sewwa, lanqas biss wieħed* (Rum 3,12). 3 Kull min jgħir għal ħuh minħabba t-tajjeb li l-Mulej jgħid u jagħmel permezz tiegħu, ikun qiegħed

jidneb b'dagħwa, għaliex ikun jgħir għall-Aktar Għoli nnifsu (cfr. Mt 20,15), li jgħid u jagħmel it-tajjeb kollu.

Kapitlu IX: Dwar l-imħabba ta' l-għedewwa

[9] 1 Il-Mulej jgħid: *Ħobbu l-għedewwa tagħkom, u agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom u jgħidu fuqkom* (Mt 5,44). 2 Ikun mela tassew iħobb lill-għadu tiegħu, dak li ma jbatix minħabba l-inġurja li jkun irċieva mingħandu, 3 imma li f'ruħu jsofri għall-imħabba ta' Alla minħabba d-dnub li jkun tebba' r-ruħ ta' dak li jkun naqsu. 4 U jfittex li jurih li jħobbu bl-għemejjel tajba li jagħmel miegħu.

Kapitlu X: Dwar it-tgħakkis tal-ġisem

[10] 1 Huma ħafna dawk, li meta jidinbu jew jirċievu t-tgħajjir, ta' spiss iwaħħlu fl-għadu jew fil-proxxmu. 2 Imma dan mhux minnu: għaliex kull wieħed għandu taħt il-ħakma tiegħu lill-għadu, jiġifieri lill-ġisem, li bih jidneb. 3 Għalhekk *hieni dak il-qaddej* (Mt 24,46) [30] li dejjem iżomm maħkum f'idejh dan il-għadu li jitħalla fil-qawwa tiegħu, u jħares lilu nnifsu bil-għaqal kollu mill-qerq tiegħu; 4 għaliex, sakemm hu jagħmel hekk, l-ebda għadu ieħor li jidher jew li ma jidhirx ma jkun jista' qatt jagħmillu ħsara.

Kapitlu XI: Dwar li ħadd ma għandu jitħawwad bid-dnub ta' ħaddieħor

[11] 1 Xejn aktar ma għandu jnikket il-qaddej ta' Alla ħlief id-dnub. 2 U jekk ikun hemm xi persuna li tkun dinbet, kien liema kien id-dnub tagħha, minħabba f'hekk il-qaddej ta' Alla la għandu jitħawwad u lanqas jitlagħlu, ħlief jekk dan jagħmlu imqanqal mill-imħabba, għax inkella jkun jaħżen fih innifsu l-ħtija (cfr. Rum 2,5). 3 Dak il-qaddej ta' Alla, li ma jitlagħlux u lanqas jitħawwad minn xejn, hu tassew wieħed li jgħix ħajja tajba u ma għandu xejn li hu tiegħu[31]. 4 U mbierek dak li ma jżomm xejn għalih innifsu, imma *jagħti lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla* (Mt 22,21).

Kapitlu XII: Dwar kif wieħed jagħraf l-ispirtu tal-Mulej

[12] 1 Minn dan wieħed jista' jagħraf jekk il-qaddej ta' Alla għandux fih l-ispirtu tal-Mulej: 2 jiġifieri li meta l-Mulej jaħdem permezz tiegħu kull ġid, jekk il-ġisem tiegħu ma jiftaħarx, 3 għaliex il-ġisem hu dejjem kuntrarju għal kull ġid, imma quddiem għajnejh stess iqis lilu nnifsu ta' min jistmerru u l-iżgħar wieħed fost il-bnedmin l-oħrajn kollha.

[30] Din it-Twissija tiftaħ is-sensiela li jitkellmu dwar "il-qaddej ta' Alla". Skond Kajetan Esser il-bażi biblika ta' din l-espressjoni hi Mt 24,45-46. Tista' wkoll tirreferi għas-siltiet Skritturistiċi minn Isaija li jitkellmu dwar il-qaddej ta' Jaħweh. Fil-manuskritti tas-seklu 12 tar-Regola ta' Santu Wistin, din l-espressjoni ta' spiss tintuża biex tiddeskrivi lir-reliġjużi. S. Franġisk juża l-espressjoni 19-il darba fit-*Twissijiet*.
[31] L-ewwel darba li niltaqgħu ma' l-espressjoni *sine proprio*, "bla xejn tiegħu/tagħhom", fil-Kitbiet ta' S. Franġisk.

Kapitlu XIII: Dwar is-sabar

[13] 1 *Henjin dawk li jġibu l-paċi, għaliex huma jissejħu wlied Alla* (Mt 5,9). Ma tistax tagħraf kemm il-qaddej ta' Alla għandu sabar u umiltà fih innifsu, sakemm kollox imurlu ħarir. 2 Imma meta jasal il-waqt li fih dawk li għandhom jogħoġbuh, jagħmlulu kollox bil-maqlub, hu jkollu sabar u umiltà daqskemm juri dak il-ħin u mhux aktar minn daqshekk.

Kapitlu XIV: Dwar il-faqar ta' l-ispirtu

[14] 1 *Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet* (Mt 5,3). 2 Huma bosta dawk li jingħataw għat-talb u l-għemejjel tajba u jagħmlu ħafna penitenzi u jgħakksu lil ġisimhom;3 imma mbagħad, għal kelma waħda biss, li huma jħossuha tweġġagħhom, jew inkella minħabba xi ħaġa li titteħdilhom, arahom malajr jitħawwdu u jitfixklu. 4 Dawn ma humiex foqra fl-ispirtu, għax dak li hu tabilħaqq fqir fl-ispirtu jobgħod lilu nnifsu u jħobb lil dawk li jagħtuh bil-ħarta fuq wiċċu (cfr. Mt 5,39).

Kapitlu XV: Dwar is-sliem

[15] 1 *Henjin dawk li jġibu l-paċi, għaliex huma jissejħu wlied Alla* (Mt 5,9). 2 Iħobbu tassew il-paċi dawk kollha li, f'din id-dinja, f'dak kollu li jbatu għall-imħabba tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, jżommu l-paċi fir-ruħ u fil-ġisem.

Kapitlu XVI: Dwar is-safa tal-qalb

[16] 1 *Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla* (Mt 5,8). 2 Huma tassew safja f'qalbhom dawk li jmaqdru l-ħwejjeġ tad-dinja u jfittxu dawk tas-sema, u qatt ma jieqfu jaduraw u jikkontemplaw lill-Mulej Alla, ħaj u veru, b'qalb nadifa u ruħ safja.

Kapitlu XVII: Dwar il-qaddej umli ta' Alla

[17] 1 *Hieni dak il-qaddej* (Mt 24,46), li ma jitkabbarx bit-tajjeb li l-Mulej jgħid u jaħdem permezz tiegħu, aktar minn kemm kien jitkabbar għal dak li l-Mulej jgħid u jaħdem permezz ta' l-oħrajn. 2 Ikun qed jidneb dak il-bniedem li jistenna li jieħu mingħand il-proxxmu tiegħu aktar milli hu stess lest li jagħti minnu nnifsu lill-Mulej Alla.

Kapitlu XVIII: Dwar il-ħniena lejn il-proxxmu

[18] 1 Hieni l-bniedem li jistabar bil-proxxmu tiegħu minħabba id-dgħufija tiegħu, bħalma jixtieq li l-proxxmu tiegħu jistabar bih, jekk isibu ruħu fl-istess qagħda. 2 Hieni dak il-qaddej li

jrodd lill-Mulej Alla kull ġid, għaliex kull min iżomm xi ħaġa għalih innifsu jkun *jaħbi l-flus tal-Mulej* Alla *tiegħu* (Mt 25,18) u *dak kollu* li jaħseb *li għandu, jitteħidlu* (Lq 8,18).

## Kapitlu XIX: Dwar il-qaddej umli ta' Alla

[19] 1 Hieni l-qaddej, li meta l-bnedmin ifaħħruh u jkabbruh, ma jqisx ruħu aħjar minn meta huma jqisuh bħala bniedem baxx, sempliċi u ta' min jistmerru, 2 għaliex il-bniedem jiswa daqskemm jiswa quddiem Alla u mhux aktar[32]. 3 Ħażin għal dak ir-reliġjuż li l-oħrajn iqiegħduh fil-għoli u bir-rieda tiegħu ma jkunx irid jinżel minn hemm. 4 U *hieni dak il-qaddej* (Mt 24,46), li ma joqgħodx fil-għoli bir-rieda tiegħu, u dejjem ikun jixtieq li jkun imqiegħed taħt riġlejn l-oħrajn.

## Kapitlu XX: Dwar ir-reliġjuż tajjeb u dwar ir-reliġjuż fieragħ

[20] 1 Hieni dak ir-reliġjuż, li ma jkollux ferħ u hena ħlief fil-kliem l-aktar qaddisa u fl-għemejjel tal-Mulej, 2 u permezz tagħhom iwassal lill-bnedmin għall-imħabba ta' Alla bil-ferħ u l-hena (cfr. S 50,10). 3 Ħażin għal dak ir-reliġjuż, li jsib il-għaxqa tiegħu fil-kliem vojt u fieragħ u permezz tiegħu iwassal lill-bnedmin għad-daħq.

## Kapitlu XXI: Dwar ir-reliġjuż fieragħ u li jgħid ħafna

[21] 1 Hieni l-qaddej, li meta jitkellem, ma jikxifx lilu nnifsu bl-iskop li jieħu xi ħlas u ma jkunx ħafif biex jitkellem (cfr. Prov 29,30), imma bil-għaqal kollu joqgħod iqis kif għandu jitkellem u jwieġeb. 2 Ħażin għal dak ir-reliġjuż li ma jagħrafx iżomm f'qalbu l-ħwejjeġ tajba li l-Mulej jgħarraflu (cfr. Lq 2,19.51), u ma jurihomx lill-oħrajn permezz ta' l-għemejjel tiegħu, imma jkun mimli bix-xewqa li jurihom quddiem il-bnedmin ħalli b'hekk jikseb ħlas kbir. 3 Dan ikun kiseb *il-ħlas tiegħu* (cfr. Mt 6,2; 6,16) u dawk li jisimgħuh ftit jiksbu frott.

## Kapitlu XXII: Dwar il-korrezzjoni

[22] 1 Hieni l-qaddej li jilqa' l-korrezzjoni, l-akkuża u ċ-ċanfira li jagħmillu xi ħadd ieħor u jsofrihom bis-sabar kollu, daqslikieku kienu ġejjin minnu nnifsu. 2 Hieni l-qaddej li meta jċanfruh jilqa' ċ-ċanfir bil-qalb it-tajba, joqgħod għall-mistħija, jistqarr il-ħtija tiegħu bl-umiltà u minn rajh ifittex li jpatti għall-ħażen li jkun għamel. 3 Hieni l-qaddej, li ma jkunx mgħaġġel biex jiskuża lilu nnifsu u bl-umiltà jilqa' fuqu l-mistħija u ċ-ċanfir li jsirulu minħabba xi dnub li fil-fatt hu ma jkun għamel qatt.

---

[32] Din it-*Twissija* tiġi ikkwotata minn S. Bonaventura, fil-*Legenda Maior* VI,1. Interessanti wkoll li nsibuha fil-ktieb *Imitazzjoni ta' Kristu*, ta' Thomas a Kempis, III, 50,8.

Kapitlu XXIII: Dwar l-umiltà

[23] 1 Hieni l-qaddej, li jinstab umli fost is-sudditi tiegħu, daqskemm kien jinstab umli fost is-sidien tiegħu. 2 Hieni l-qaddej, li dejjem joqgħod taħt il-ħatar tal-korrezzjoni. 3 Il-qaddej fidil u għaqli (cfr. Mt 24,45), quddiem il-ħtijiet tiegħu ma jieqafx li jikkastiga lilu nnifsu minn ġewwa bl-indiema, u minn barra billi jqerr u jpatti għalli jkun għamel.

Kapitlu XXIV: Dwar l-imħabba vera

[24] 1 Hieni l-qaddej, li tant iħobb lil ħuh, meta dan ikun marid, u ma jistax ipattilu talli jagħmel miegħu, daqskemm iħobbu meta kien għadu f'saħħtu, u jkun jista' jagħmillu l-ġid.

Kapitlu XXV: Dwar l-istess argument

[25] 1 Hieni l-qaddej, li jħobb u jirrispetta lil ħuh, meta dan ikun jinsab 'il bogħod minnu, daqskemm meta kien qrib tiegħu, u li ma jgħid xejn minn wara dahru, li bil-karità ma jistax jgħid quddiemu.

Kapitlu XXVI: Dwar kif il-qaddejja ta' Alla għandhom iqimu l-kjeriċi

[26] 1 Hieni l-qaddej, li għandu fidi fil-kjeriċi, li jgħixu ħajja tajba skond il-forma tal-Knisja ta' Ruma. 2 U ħażin għal dawk li jistmerruhom; għax għalkemm jistgħu jkunu midinbin, imma wieħed ma għandux jiġġudikahom, għaliex hu biss il-Mulej li jagħmel ħaqq minnhom. 3 Għaliex aktar ma hu kbir il-ministeru li ġie afdat lilhom, meta jqassmu l-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li huma biss jirċievu u huma biss iqassmu lill-oħrajn, 4 daqstant ieħor ikun kbir id-dnub ta' dawk li joħduha kontrihom, aktar milli jidinbu l-bnedmin l-oħrajn kollha ta' din id-dinja.

Kapitlu XXVII: Dwar il-virtù li jħarrab il-vizzju

[27] 1 Fejn hemm l-imħabba u l-għerf, ma hemmx la biża' u lanqas injuranza. 2 Fejn hemm is-sabar u l-umiltà, ma hemmx la korla u lanqas taħwid. 3 Fejn hemm il-faqar flimkien mal-ferħ, ma hemm la regħba u lanqas xeħħa. 4 Fejn hemm il-ħemda u l-meditazzjoni, ma hemmx tħassib u lanqas tixrid il-moħħ. 5 Fejn hemm il-biża' ta' Alla li tgħasses wara l-bieb (cfr. Lq 11,21), hemmhekk il-għadu ma jistax isib minn fejn jidħol. 6 Fejn hemm il-ħniena u l-prudenza, ma hemmx la ħela u lanqas qalb iebsa.

Kapitlu XXVIII: Dwar kif wieħed għandu jaħbi l-ġid biex ma jitilfux

[28] 1 Hieni l-qaddej, li *jaħżen teżori fis-sema* (cfr. Mt 6,20) mill-ġid li l-Mulej juri miegħu u li ma jixtieqx jurih lill-bnedmin biex jikseb il-ħlas, 2 għaliex l-Aktar Għoli juri l-ħidma tiegħu ma'

dawk li jogħoġbuh.  3 Hieni l-qaddej li jżomm *moħbija f'qalbu* (cfr. Lq 2,19.51) il-misteri tal-Mulej[33].

---

[33] Hawnhekk S. Franġisk qiegħed jipproponi lil Marija, bħala l-mara ta' fidi li żżomm f'qalbha l-Kelma ta' Alla u ssir mudell għall-insara.  Hekk hi ippreżentata bħala l-qaddejja idejali ta' Alla, meta tħares lejn Kristu Binha bl-għajnejn tal-fidi.

## CANTICO DI ESORTAZIONE PER LE POVERELLE DI SAN DAMIANO (KANTIKU LIS-SORIJIET FOQRA TA' SAN DAMIANO)

[29] Isimgħuni, xbejbiet fqajrin imsejħin mill-Mulej,
li minn bosta nħawi u provinċji flimkien inġbartu:
għixu dejjem fil-verità
sabiex hekk tmutu fl-ubbidjenza.
La tħarsux lejn il-ħajja ta' hemm barra,
għaliex dik ta' l-ispirtu hi aħjar minnha.
Jiena nitlobkom b'imħabba kbira
biex troddu ħajr għall-karità li jagħtikom il-Mulej.
Dawk fostkom li huma mtaqqlin bil-mard
u l-oħrajn li jitħabtu biex jieħdu ħsiebhom,
ilkoll kemm intom ilqgħu kollox bis-sliem.
Għax għad tbiegħu bil-għali dan it-taħbit,
hekk li kull waħda minnkom għad tkun sultana
u fis-sema tkun inkurunata mal-Verġni Marija.

## CANTICUM FRATRIS SOLIS (GĦANJA TAL-ĦLEJJAQ)

[30] Twajjeb, Mulej, Int l-ogħla, tista' kollox.
Għalik il-barka, s-sebħ, tifħir u ġieħ;
jixirqu lilek biss, u l-ebda bniedem
ma jlissen b'ħila l-ġmiel t'ismek sabiħ.

Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha,
u l-aktar id-dawl sfiq ta' oħtna x-xemx
li twelled il-jum ġdid, u bl-isfa dija
turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx.

Mulejja, tkun imfaħħar f'ħuna l-qamar,
fil-kwiekeb sbieħ ġo sema kbir, leqqien;
u f'ħuna r-riħ, fis-sħab, f'taqlib, fi bnazzi
li bihom tgħajjex, b'seħer, il-ħolqien.

Mulejja, ħa tkun imfaħħar f'ħuna l-ilma,
irżin u safi wisq, meħtieġ qatigħ;
u f'ħuna n-nar li jagħti d-dawl fl-iljieli,
sbejjaħ, kollu ħajja, qawwi, sħiħ.

U f'oħtna l-art, Mulej, ħa tkun imfaħħar;
aħna nqisuha lkoll b'ommna ħanina
la hi minn ħdanha trodd, biex aħna ngħixu,
ħxejjex, ilwien ta' ward u l-frotta bnina.

Mulej, ħa tkun imfaħħar f’dawk li jaħfru
u f’dawk li jġarrbu l-mard u kull tbatija
bla jgemgmu xejn, u dejjem għal imħabbtek;
tagħtihom int kuruna ta’ tgawdija.

Ħa tkun imfaħħar f’oħtna l-mewt tal-ġisem
li jaħrab minnha qatt ma jista’ l-bniedem.
Ħażin għal dak li jmut fid-dnub il-mejjet,
imbierek min imut fis-sliem u niedem.

Imbierek min il-mewt issibu jagħmel
ir-rieda mqaddsa tiegħek bl-akbar ħrara,
għax jiġi ġo saltnatek; il-mewt l-oħra
titwarrab minnu bla tagħmillu ħsara.

Ejjew infaħħru lill-Mulej u Sidna
u niżżuh ħajr, għal dejjem inberkuh;
bla xejn kburija f’qalbna, b’qima kbira
ninxteħtu lkoll f’riġlejh sabiex naqduh.

CHARTULA FRATRI LEONI DATA
(PARĊMINA MOGĦTIJA LIL FRA LEONE)

LAUDES DEI ALTISSIMI (TIFĦIR LIL ALLA L-GĦOLI)

[31] 1 Int waħdek qaddis, Mulej *Alla, li tagħmel ħwejjeġ ta' l-għaġeb* (S 76,15).
2 Int qawwi, int kbir (cfr. S 85,10), int l-aktar għoli, int is-sultan li tista' kollox,
*Missier qaddis* (Ġw 17,11), sultan *tas-sema u ta' l-art* (cfr. Mt 11,25).
3 Inti wieħed fi tliet persuni, Mulej Alla fuq l-allat (cfr. S 135,2).
Inti tjieba, kull tjieba, fuq kull tjieba, Mulej Alla ħaj u veru (cfr. 1Tes 1,9).
4 Inti mħabba, int karità;
int għerf, int umiltà, *int sabar* (S 70,5), int sbuħija, int ta' qalb ħelwa;
int sigurtà, int ħemda, int ferħ, int it-tama u l-ferħ tagħna,
int ġustizzja, int qjies, inti l-għana kollu li biha nixbgħu.
5 Int ġmiel, int ħlewwa, *int ħarries* (S 30,5), int li tgħasses fuqna u tħarisna;
int qawwa (cfr. S 42,2), int is-serħan tal-qalb.
6 Int it-tama tagħna, int il-fidi tagħna, int l-imħabba tagħna,
int il-ħlewwa kollha tagħna, int il-ħajja ta' bla tmiem tagħna.
Mulej Alla, li tista' kollox, kbir u ta' l-għaġeb, Feddej ta' ħniena.

BENEDICTIO FRATRI LEONI DATA
(BARKA MOGĦTIJA LIL FRA LEONE)

[32] *Il-Mulej ibierkek u jħarsek.*
*Jurik id-dija ta' wiċċu u jkollu ħniena minnek.*
*Idawwar lejk il-ħarsa tiegħu u jagħtik is-sliem* (cfr. Num 6,24-26).
Il-Mulej ibierek, fra Leone, lilek (cfr. Num 6,27b)[34].

[34] S.J.P. van Dijk jaħseb li S. Franġisk kien sar familjari ma' din il-formula ta' barka mhux mit-Testment il-qadim, imma pjuttost mil-liturġija ta' l-ordinazzjoni. Cfr. S.J.P. van Dijk, "Saint Francis' Blessing of Brother Leo", *Archivum Franciscanum Historicium* 47 (1954) 201.

## EPISTOLA AD SANCTUM ANTONIUM (ITTRA LIL SANT'ANTNIN)

[33] 1 Lil fra Antnin, isqof tiegħi, fra Franġisk jixtieqlek saħħa. 2 Għandi pjaċir li inti tgħallem it-tejoloġija mqaddsa lill-aħwa, imma basta li int, minħabba fl-istudju, ma titfix fik l-ispirtu tat-talb u tad-devozzjoni, kif hemm miktub fir-Regola.

## EPISTOLA AD CLERICOS I (ITTRA LILL-KJERIĊI I)

[34] 1 Aħna, l-kjeriċi kollha, imissna noqogħdu naħsbu u nirriflettu fuq id-dnub kbir u l-injuranza li xi wħud huma ħatjin tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ma' l-ismijiet u l-kelmiet miktuba l-aktar qaddisa tiegħu, li bihom jiġi ikkonsagrat il-ġisem tiegħu. 2 Aħna nafu li ma jistax ikun hemm preżenti il-ġisem ta' Kristu, ħlief bil-qawwa tal-kelmiet tiegħu li bihom jiġi ikkonsagrat. 3 Għaliex, f'din id-dinja, aħna ma għandna xejn u ma naraw xejn bl-għajnejn tal-ġisem mill-Aktar Għoli nnifsu, għajr il-ġisem u d-demm, l-ismijiet divini u l-kelmiet, li bihom aħna ġejna maħluqa u bihom ġejna mifdija *mill-mewt għall-ħajja* (1Ġw 3,14). 4 Dawk kollha, għalhekk, li jaqdu dawn il-misteri l-aktar qaddisa, l-aktar dawk li jamministrawhom ħażin, ħa jidħlu fihom infushom u jaraw f'liema qagħda tal-biki jinsabu l-kalċijiet, il-korporali u t-trieħi, li fuqhom jiġi ikkonsagrat il-ġisem u d-demm tal-Mulej. 5 U huma ħafna dawk li jqiegħdu l-Ewkaristija u jħalluha f'postijiet mhux xierqa, li jġorruha b'mod tal-biki, li jirċievuha mingħajr ma jistħoqqilhom u li jamministrawha lill-oħrajn bl-addoċċ, lil min kien kien[35]. 6 L-ismijiet u l-kelmiet miktuba xi mindaqqiet jirtifsu mir-riġlejn u jitkażbru; 7 għaliex *il-bniedem li jgħix skond il-ġisem ma jagħrafx il-ħwejjeġ ta' Alla* (1Kor 2,14). 8 Ma nitqanqlux għall-ħniena b'dan kollu, meta l-istess Mulej innifsu jerħi lilu nnifsu f'idejna u aħna mmissuh u nirċevuh ta' kuljum fil-fomm tagħna? 9 Jew forsi ninsew li ġurnata aħna wkoll għad naqgħu f'idejh? 10 Għalhekk ejjew bil-qawwa kollha u malajr nindmu minn dan kollu; 11 u kull fejn insibu l-ġisem l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu mixħut u mħolli bl-addoċċ f'postijiet mhux xierqa, ejjew inneħħuh minn hemm u nqiegħduh u nħalluh f'postijiet għonja[36]. 12 L-istess, kull meta nsibu l-ismijiet u l-kelmiet miktuba tal-Mulej imħollijin f'postijiet mhux xierqa, ejjew niġbruhom u nqiegħduhom f'postijiet fejn jixirqilhom. 13 Il-kjeriċi kollha tad-dinja huma obbligati li jħarsu dan kollu sa l-aħħar. 14 U dawk li ma jagħmlux hekk, għandhom ikunu jafu li jridu jagħtu kont quddiem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu *f'jum il-ħaqq* (cfr. Mt 12,36). 15 U dawk li jagħmlu kopji ta' din il-kitba, sabiex hekk iħarsu aħjar dan kollu, jkunu imberkin mill-Mulej Alla.

---

[35] Din id-direttiva tirrifletti l-influss tal-Konċilju Lateran IV (1215), fil-kanoni 19: "Nikkmandaw ukoll li l-knejjes, reċipjenti sagri, korporali u paramenti li semmejna għandhom jinżammu indaf".

[36] Din id-direttiva wkoll hi frott il-kanoni 20 tal-Konċilju Lateran IV: "Niddikjaraw li fil-knejjes kollha l-griżma u l-Ewkaristija għandhom jinżammu f'postijiet imħarsin sewwa u li jkunu jistgħu jinqaflu bl-imfietaħ".

## EPISTOLA AD CLERICOS II (ITTRA LILL-KJERIĊI II)

[35] 1 Aħna, l-kjeriċi kollha, imissna noqogħdu naħsbu u nirriflettu fuq id-dnub kbir u l-injuranza li xi wħud huma ħatjin tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ma' l-ismijiet u l-kelmiet miktuba l-aktar qaddisa tiegħu, li bihom jiġi ikkonsagrat il-ġisem tiegħu. 2 Aħna nafu li ma jistax ikun hemm preżenti il-ġisem ta' Kristu, ħlief bil-qawwa tal-kelmiet tiegħu li bihom jiġi ikkonsagrat. 3 Għaliex, f'din id-dinja, aħna ma għandna xejn u ma naraw xejn bl-għajnejn tal-ġisem mill-Aktar Għoli nnifsu, għajr il-ġisem u d-demm, l-ismijiet divini u l-kelmiet, li bihom aħna ġejna maħluqa u bihom ġejna mifdija *mill-mewt għall-ħajja* (1Ġw 3,14). 4 Dawk kollha, għalhekk, li jaqdu dawn il-misteri l-aktar qaddisa, l-aktar dawk li jamministrawhom ħażin, ħa jidħlu fihom infushom u jaraw f'liema qagħda tal-biki jinsabu l-kalċijiet, il-korporali u t-trieħi, li fuqhom jiġi ikkonsagrat il-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna. 5 U huma ħafna dawk li jqiegħdu l-Ewkaristija u jħalluha f'postijiet mhux xierqa, li jġorruha b'mod tal-biki, li jirċievuha mingħajr ma jistħoqqilhom u li jamministrawha lill-oħrajn bl-addoċċ, lil min kien kien. 6 L-ismijiet u l-kelmiet miktuba xi mindaqqiet jirtifsu mir-riġlejn u jitkażbru; 7 għaliex *il-bniedem li jgħix skond il-ġisem ma jagħrafx il-ħwejjeġ ta' Alla* (1Kor 2,14). 8 Ma nitqanqlux għall-ħniena b'dan kollu, meta l-istess Mulej innifsu jerħi lilu nnifsu f'idejna u aħna mmissuh u nirċevuh ta' kuljum fil-fomm tagħna? 9 Jew forsi ninsew li ġurnata aħna wkoll għad naqgħu f'idejh? 10 Għalhekk ejjew bil-qawwa kollha u malajr nindmu minn dan kollu; 11 u kull fejn insibu l-ġisem l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu mixħut u mħolli bl-addoċċ f'postijiet mhux xierqa, ejjew inneħħuh minn hemm u nqiegħduh u nħalluh f'postijiet għonja. 12 L-istess, kull meta nsibu l-ismijiet u l-kelmiet miktuba tal-Mulej imħollijin f'postijiet mhux xierqa, ejjew niġbruhom u nqiegħduhom f'postijiet fejn jixirqilhom. 13 Ħa nkunu nafu li aħna fid-dmir li nħarsu dan kollu, fuq kull ħaġa oħra, skond il-preċetti tal-Mulej innifsu, u l-liġijiet ta' Ommna l-Knisja mqaddsa[37]. 14 U dawk li ma jagħmlux hekk, għandhom ikunu jafu li jridu jagħtu kont quddiem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu *f'jum il-ħaqq* (cfr. Mt 12,36). 15 U dawk li jagħmlu kopji ta' din il-kitba, sabiex hekk iħarsu aħjar dan kollu, jkunu imberkin mill-Mulej Alla.

## EPISTOLA AD CUSTODES I (ITTRA LILL-KUSTODJI I)

[36] 1 Lill-kustodji[38] kollha tal-patrijiet minuri, li lilhom tasal din l-ittra, fra Franġisk, qaddej ċkejken tagħkom fil-Mulej Alla, jibgħat iselli għalikom bis-sinjali ġodda li Hu jwettaq fis-sema u fl-art, li huma kbar u mill-aktar prezzjużi quddiem Alla, imma li minn bosta reliġjużi u nies oħrajn ma huma stmati xejn.

2 Nitlobkom bil-ħeġġa kollha, aktar milli kieku qed nagħmlu għalija stess, biex meta intom jidhrilkom li jkun xieraq u meħtieġ, titolbu bl-umiltà lill-kjeriċi, biex fuq kollox iqimu l-ġisem u d-demm l-aktar qaddisa tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u l-ismijiet u l-kelmiet miktubin qaddisa

[37] Din l-edizzjoni ta' l-EpCust iżżid din l-espressjoni "skond il-preċetti tal-Mulej innifsu, u l-liġijiet ta' Ommna l-Knisja mqaddsa", u tidher li saret wara l-Konċilju Lateran IV (1215), biex timplementa d-direttivi tiegħu.

[38] Il-kelma *custos* jew *custodes*, tradotta bil-kelma "kustodju/kustodji" tindika uffiċċju partikulari ta' l-aħwa fil-bidunett ta' l-Ordni. Skond Kajetan Esser il-kelma setgħet tindika l-ogħal uffiċċju ta' l-Ordni, jiġifieri dak tal-Ministru Ġenerali, jew dak fi provinċja, jiġifieri l-uffiċċju ta' Ministru Provinċjal. Fit-*Testment* jidher li dan hu uffiċċju determinat, u forsi jindika s-superjur ta' sezzjoni minn Provinċja li kien responsabbli minn grupp ta' kunventi. Din is-sezzjoni kienet tissejjaħ "kustodja". Cfr. K. Esser, *Origins of the Franciscan Order,* Franciscan Herald Press, Chicago 1970, 67-68.

tiegħu, li bihom jiġi ikkonsagrat il-ġisem tiegħu. 3 Il-kalċijiet, il-korporali, it-tiżjin ta' l-altar u dak kollu, li għandu x'jaqsam mas-sagrifiċċju, għandhom ikunu ta' materjal prezzjuż. 4 U jekk isibu l-ġisem l-aktar qaddis tal-Mulej ikun imqiegħed f'xi post li ma jkunx xieraq, għandhom jaraw li skond il-liġijiet tal-Knisja jqiegħeduh f'postijiet prezzjużi, u għandhom jerfgħuh u jħarsuh tajjeb, u jġorruh b'qima kbira u jqassmuh lill-oħrajn b'għaqal kbir. 5 Kull fejn isibu l-ismijiet u l-kliem miktubin tal-Mulej f'postijiet mhumiex indaf, għandhom jiġbruhom u jqiegħduhom f'postijiet xierqa. 6 U f'kull predikazzjoni li tagħmlu, għandkom twissu lill-poplu dwar il-penitenza, u tgħidulhom li ħadd ma jista' jsalva, jekk ma jirċevix il-ġisem u d-demm l-aktar qaddisa tal-Mulej (cfr. Ġw 6,54). 7 U meta s-saċerdot joffri s-sagrifiċċju fuq l-altar jew iġorru xi mkien, in-nies kollha għandhom jinżlu għarrkobbtejhom u jroddu tifħir, glorja u ġieħ lill-Mulej Alla ħaj u veru[39]. 8 U għandkom tħabbru u tippriedkaw it-tifħir tiegħu quddiem il-bnedmin kollha, biex f'kull siegħa, u meta jindaqqu l-qniepen, fid-dinja kollha kif iddur, il-popli kollha jagħtu tifħir u radd il-ħajr lil Alla li jista' kollox.

9 U, kull wieħed mill-aħwa tiegħi kustodji li jirċievi din il-kitba u jagħmel kopji tagħha u jżommhom għall-aħwa, li għandhom l-uffiċċju tal-predikazzjoni u l-ħarsien ta' l-aħwa, u li jagħmlu kopji tagħha u jippriedkaw dak kollu li fiha din il-kitba sa l-aħħar, għandhom ikunu jafu li jirċievu l-barka mingħand il-Mulej Alla u mingħandi. 10 U għandhom iqisu din il-kitba bħala ubbidjenza vera u qaddisa mogħtija lilhom. Amen.

## EPISTOLA AD CUSTODES II (ITTRA LILL-KUSTODJI II)

[37] 1 Lill-kustodji kollha tal-patrijiet minuri, li taslilhom din l-ittra, fra Franġisk, l-iżgħar wieħed fost il-qaddejja tal-Mulej, jixtieqilkom is-saħħa u s-sliem qaddis fil-Mulej.

2 Għandkom tkunu tafu, li quddiem Alla hemm xi ħwejjeġ li huma għolja u mill-aktar nobbli, li xi mindaqqiet il-bnedmin iqisuhom bħala bla siwi u ta' min imaqdarhom; 3 u hemm ħwejjeġ oħrajn li huma prezzjużi u ta' ġieħ fost il-bnedmin, li quddiem Alla huma miżmumin bħala mill-aktar ta' bla siwi u ta' min jistmerrhom. 4 Nitlobkom bil-ħila kollha tiegħi quddiem il-Mulej Alla tagħna, li dik l-ittra, li titkellem dwar il-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna, tgħadduha lill-isqfijiet u lill-kjeriċi l-oħrajn; 5 u li żżommu tajjeb f'moħħkom dak kollu li ħeġġiġtkom biex tagħmlu dwar din il-ħaġa. 6 Qed nibgħatilkom ittra oħra, li għandkom tagħtuha lill-*podestà*, lill-konsli u lill-mexxejja, li fiha hemm miktub li għandu jsir tifħir 'l Alla fost il-poplu u fil-pjazez. 7 Fittxu li mill-aktar fis tagħmlu ħafna kopji tagħha, u bil-għaqal kollu ħudu ħsieb li twassluha għand dawk il-persuni li għalihom ktibtha.

---

[39] Jidher li dawn il-kelmiet jirriflettu d-Digriet *Sane cum olim* tal-Papa Onorju III: "Kull saċerdot għandu ta' spiss jgħallem lill-poplu li għandhom imilu f'riverenza kull meta l-Ostja mqaddsa tiġi elevata fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddies, u l-istess għandhom jgħallmuhom jagħmlu meta s-saċerdot ikun qiegħed iġorr it-tqarbin lill-morda".

## EPISTOLA AD FIDELES I
## Exhortatio ad fratres et sorores de Poenitentia
## (ITTRA LILL-INSARA I)
## (Kliem ta' tħeġġiġ lill-aħwa irġiel u nisa ta' l-Ordni tal-Penitenza)

### [38] Dwar dawk li jagħmlu penitenza[40]

1 Dawk li *jħobbu* lill-Mulej *b'qalbhom kollha, b'ruħhom kollha u b'moħħhom kollu, u bis-saħħa tagħhom kollha* (cfr. Mk 12,30), 2 u li jħobbu lill-proxxmu tagħhom bħalhom infushom (cfr. Mt 22,39), 3 u li jobogħdu lil ġisimhom bil-vizzji u d-dnubiet, u li jirċievu l-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, 4 u li jagħmlu frott xieraq ta' penitenza. 5 O kemm huma henjin u mberkin dawk l-irġiel u n-nisa, dment li jagħmlu dan kollu u jżommu sħaħ sa l-aħħar, 6 għaliex *fuqhom jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej* (cfr. Is 11,2) u jagħmel *għandhom post fejn jgħammar* (cfr. Ġw 14,23), 7 u huma wlied il-Missier tas-sema (cfr. Mt 5,45) li jagħmlu l-għemejjel tiegħu, u huma għarajjes, aħwa u ommijiet tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu (cfr. Mt 12,50). 8 Aħna għarajjes, meta r-ruħ ta' dawk li huma mimlijin bil-fidi tingħaqad mal-Mulej tagħna Ġesù Kristu fl-Ispirtu s-Santu. 9 Aħna ħutu, meta nagħmlu *r-rieda ta' Missieru li hu fis-smewwiet* (Mt 12,50). 10 Aħna ommijietu, meta nġorruh fil-qalb u fil-ġisem tagħna (cfr. 1Kor 6,20) bl-imħabba divina u bil-kuxjenza safja u sinċiera; inwellduh bl-għemejjel qaddisa[41], li għandhom jiddu quddiem l-oħrajn bħala eżempju (cfr. Mt 5,16). 11 O kemm hi ħaġa glorjuża li jkollok Missier qaddis u kbir li fis-sema! 12 O kemm hu qaddis, paraklitu, sabiħ u ta' l-għaġeb li jkollna Għarus bħal dan! 13 O kemm hu qaddis u ta' min iħobbu, kemm jogħġob, kemm hu umli, mimli sliem, ħelu u ta' min iħobbu u jixtiequ fuq kollox li jkollna ħuna u Iben bħal dan: il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li offra ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (cfr. Ġw 10,15) 14 u talab lill-Missier filwaqt li qal: *Missier, qaddis, ħarishom f'ismek* (Ġw 17,11), *lil dawk li tajtni* fid-*dinja; kienu tiegħek u inti tajthom lili* (Ġw 17,6). 15 U *l-kelma li inti tajt lili, jiena tajtha lilhom; u huma laqgħu u* emmnu *tassew, li jiena ħriġt minnek u* għarfu *li kont int li bgħattni* (Ġw 17,8). 16 Nitlob għalihom *u mhux għad-dinja* (cfr. Ġw 17,9). 17 Berikhom u *qaddishom* (Ġw 17,17), *u jiena minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi* (Ġw 17,19). 18 *Ma nitlobx biss għalihom, imma għal dawk li emmnu fija bis-saħħa tal-kelma* tagħhom (Ġw 17,20), *biex ikunu* mqaddsin *f'ġisem wieħed* (cfr. Ġw 17,23) *bħalna* (Ġw 17,11). 19 Missier, irrid, *li fejn inkun jien ikunu huma wkoll miegħi, biex jaraw il-glorja tiegħi* (Ġw 17,24) *fis-saltna tiegħek* (Mt 20,21). Amen.

### [39] Dwar dawk li ma jagħmlux penitenza

[40] Għal studji dwar il-movimenti penitenzjali tal-Medjuevu fil-bidu tas-seklu 13, cfr. G.B. Meerseeman OP, *Dossier de l'Ordre de la Penitence au XIII Siècle*, Friburg 1961; Kajetan Esser OFM, "La Lettera di San Francesco ai fedeli", *Collectanea Franciscana* 43 (1973) 65-75; Octavian Schmucki OFMCap, "Il Terzo Ordine Francescano nelle biografie di San Francesco", *Collectanea Franciscana* 43 (1973) 117-132; *L'Ordine della Penitenza di San Francesco d'Assisi nel secolo XIII*, Atti del Convegno di studi francescani, Roma 1973; *I Frati Penitenti di San Francesco nella società del Due e Trecento,* Atti del secondo Convegno di studi francescani, Roma 1977.

[41] L-espressjoni *sancta operatio*, "għemejjel qaddisa", tintuża ta' spiss fil-Kitbiet ta' S. Franġisk (cfr. EpFid I,21; EpFid II,53; RegB X,8; Test 39). Hi marbuta ma' l-Ispirtu tal-Mulej u mal-fatt li, skond S. Franġisk, il-kliem tal-Mulej huma "spirtu u ħajja" (Ġw 6,64). Hekk S. Franġisk jisħaq dwar il-prinċipju dinamiku tal-ħajja spiritwali, l-Ispirtu s-Santu, li jaħdem fil-ħajja tan-nisrani.

20 Dawk kollha irġiel u nisa, li ma jgħixux fil-penitenza, 21 u li ma jirċevux il-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, 22 u li jagħmlu għemejjel ta' vizzji u dnubiet u li jimxu wara l-ġibdiet u x-xewqa ħżiena ta' ġisimhom, 23 u li ma jħarsux dak kollu li wiegħdu lill-Mulej, 24 u li jaqdu d-dinja skond il-ġisem, bix-xewqat u t-tħassib tal-ħwejjeġ tad-dinja u l-kura tal-ħwejjeġ ta' din il-ħajja li tgħaddi: 25 dawn huma lsira tax-xitan, li tiegħu huma wlied u li jwettqu l-għemejjel tiegħu (cfr. Ġw 8,41), 26 huma għomja, għaliex ma jarawx id-dawl veru tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 27 Ma għandhomx l-għerf spiritwali, għaliex ma għandhomx lill-Iben ta' Alla li hu l-għerf veru tal-Missier, 28 li dwarhom jingħad: *L-għerf tagħhom għeb fix-xejn* (S 106,27); u: *Misħutin dawk li jitbiegħdu mill-kmandamenti tiegħek* (S 118,21). 29 Jaraw u ma jagħrfux, jafu u jagħmlu l-ħażin u jibqgħu jagħmluh u hekk, b'għajnejhom miftuħin beraħ, jagħmlu ħerba sħiħa minn ruħhom. 30 Iftħu għajnejkom, ja għomja, intom li intom imqarrqin mill-għedewwa tagħkom: mill-ġisem, mid-dinja u mix-xitan; għaliex hu ħelu għall-ġisem li jagħmel id-dnub u hi ħaġa morra li hu jaqdi lill-Mulej; 31 għaliex kull vizzju u d-dnubiet kollha joħorġu *mill-qalb tal-bniedem,* kif jgħid il-Mulej fl-Evanġelju (cfr. Mk 7,21). 32 U hekk ma għandkom xejn la f'din id-dinja u lanqas fl-oħra li għad trid tiġi. 33 U intom taħsbu li se tgħożżu għal żmien twil il-ħwejjeġ fiergħa ta' din id-dinja, imma mortu mqarrqa, għaliex għad jiġi l-jum u s-siegħa, li intom ma taħsbux fuqha, ma tagħrfuhiex u ma tafhiex; il-ġisem jimrad, il-mewt toqrob u hekk il-bniedem jagħmel mewta tal-biki. 34 U l-bniedem li jmut fid-dnub il-mejjet, imut fejn imut, imut x'ħin imut, u jmut kif imut, jekk dan imut bla indiema u bla tpattija għal dnubietu, jiġifieri jista' jpatti u ma jpattix, ix-xitan jaħtaflu ruħu minn ġismu b'tant dwejjaq u tiġrib, li ħadd ma jista' jkun jaf dan, ħlief dawk li jgħaddu minnu. 35 U jitteħdulhom (cfr. Lq 8,18; Mk 4,25) it-talenti u s-setgħa u *x-xjenza u l-għerf* (2 Kron 1,12), li hu ħasbu li kellhom. 36 U jħallu ġidhom lill-qrabathom u lil ħbiebhom u dawn jaqsmu bejniethom il-ġid u mbagħad jgħidu: Misħuta ruħu, għaliex seta' tana aktar u seta' qala' aktar u ma qalgħux. 37 Imbagħad il-ġisem jiekluh id-dud, u f'dan it-telfien il-ġisem u r-ruħ fi żmien qasir imorru fl-infern, fejn jinħarqu fin-nar li ma jintemmx.

38 Lil dawk kollha li taslilhom din l-ittra, nitlob f'ġieħ *l-imħabba li hu Alla* (cfr. 1 Ġw 4,16), biex jilqgħu bil-ħlewwa u b'imħabba divina dawn il-kliem ifuħu tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 39 U dawk li ma jafux jaqraw, ta' spiss jitolbu li jaqrawhomlhom; 21 u għandhom jgħożżuhom bil-ħidma qaddisa sat-tmiem, għaliex *huma spirtu u ħajja* (Ġw 6,64). 40 U dawk li ma jagħmlux dan, għandhom ikunu jafu li jridu jagħtu kont *fil-jum tal-ħaqq* (cfr. Mt 12,36) *quddiem it-tribunal* tal-Mulej tagħna Ġesù *Kristu* (cfr. Rum 14,10).

## EPISTOLA AD FIDELES II (ITTRA LILL-INSARA II)

[40] Fl-isem tal-Mulej Missier u Iben u Spirtu s-Santu. Amen.

1 Lill-insara kollha[42] reliġjużi, kjeriċi u lajċi, irġiel u nisa, u lil dawk kollha li jgħixu fid-dinja kollha, fra Franġisk, qaddej u sudditu tagħhom, irid juri qima u ġieħ, u jixtieq lil kulħadd il-veru sliem tas-sema u mħabba sinċiera fil-Mulej.

---

[42] Id-destinatarji ta' din l-Ittra huma *universis christianis,* l-insara kollha. Billi immedjatament wara hemm il-kelma *religiosis,* mingħajr il-'comma', wieħed jista' jaħseb li l-Ittra hi indirizzata lir-reliġjużi. X'aktarx li l-intenzjoni ta' S. Franġisk hi dik li jindirizza l-Ittra lill-insara kollha li jgħixu l-impenn evanġeliku b'mod x'aktarx radikali, bħar-reliġjużi, konversi, membri tal-moviment ta' penitenza, eċċ.

2 Bħala qaddej ta' kulħadd, jiena fid-dmir li naqdi lil kulħadd u li nqassam lil kulħadd il-kliem kollha fwieħa tal-Mulej tiegħi. 3 Għaldaqstant billi jiena naf li ma nistax inżurkom wieħed, wieħed, minħabba li jiena marid u minħabba d-dgħufija ta' ġismi, jiena qtajtha li permezz ta' din l-ittra u messaġġ tiegħi, nerġa' nwasslilkom il-kliem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li hu l-Verb tal-Missier, u li nagħtikom il-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu, li *huma spirtu u ħajja* (Ġw 6,64).

[41] 4 Il-miġja mis-sema ta' dan l-istess Verb tal-Missier, hekk miqjum, hekk qaddis u glorjuż, kienet imħabbra mill-Missier l-aktar għoli nnifsu permezz ta' l-anġlu qaddis tiegħu Gabrijel lill-qaddisa u glorjuża Verġni Marija. Mill-ġuf tagħha ħa ġisem veru bħal tagħna u libes l-istess dgħufija tagħna l-bnedmin[43]. 5 Hu, *għad li kien għani* bil-bosta (2Kor 8,9), ried b'danakollu, flimkien mal-Verġni l-aktar qaddisa, ommu, jagħżel il-faqar. 6 U meta qorbot il-passjoni tiegħu iċċelebra l-Għid mad-dixxipli tiegħu, u waqt li ħa l-ħobż, radd il-ħajr u bierku u qasmu, filwaqt li qal: 7 *Ħudu u kulu, dan hu ġismi* (Mt 26,26). *U ħa l-kalċi f'idejh* u qal: *Dan hu demmi tal-patt il-ġdid, li jixxerred* għalikom *u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet* (Mt 26,27). 8 Imbagħad talab lill-Missier u qal: *Missier, jekk jista' jkun, warrab minni dan il-kalċi.* 9 *U l-għaraq tiegħu sarlu bħall-qtar tad-demm iċarċar sa l-art* (Lq 22,44). 10 Imma hu reħa r-rieda tiegħu fir-rieda tal-Missier u qal: *Missier, ikun dak li trid int* (Mt 26,42); *mhux dak li rrid jien, imma dak li trid int* (Mt 26,39). 11 Ir-rieda tal-Missier kienet din, li l-Iben tiegħu imbierek u glorjuż, li ġie mogħti lilna u li twieled għalina, joffri lilu nnifsu bid-demm tiegħu stess b'sagrifiċċju u vittma fuq l-altar tas-salib. 12 Dan għamlu mhux għalih innifsu, hu li bih sar kollox (cfr. Ġw 1,3), imma għal dnubietna, 13 u hekk iħallielna eżempju, biex nimxu fuq il-passi tiegħu (cfr. 1Pt 2,21). 14 U jrid li aħna lkoll insalvaw permezz tiegħu u li nirċevuh f'qalb nadifa u fil-ġisem safi tagħna. 15 Imma ftit huma dawk, li jridu jirċevuh u jsalvaw permezz tiegħu, għalkemm *il-madmad tiegħu ħelu u t-toqol* tiegħu *ħafif* (cfr. Mt 11,30).

[42] 16 Dawk li ma jridux iduqu kemm hu *tajjeb il-Mulej* (cfr. S 33,9) u jħobbu *d-dlam aktar mid-dawl* (Ġw 3,19) u ma jridux iwettqu l-kmandamenti ta' Alla, huma misħutin. 17 Dwar dawn il-profeta jgħid: *Misħutin dawk li jitbiegħdu mill-preċetti tiegħek* (S 118,21). 18 Imma, kemm huma hienja u mberkin dawk li jħobbu lil Alla u jagħmlu skond dak li jgħid l-istess Mulej fl-Evanġelju: *Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'moħħok kollu, u l-proxxmu tiegħek bħal innifsek* (Mt 22,37.39).

[43] 19 Ejjew mela nħobbu lill-Mulej u nadurawh b'qalb nadifa u ruħ safja, għaliex hu, li jfittex dan qabel kollox, jgħidilna: *Dawk li tassew iqimu lill-Missier għandhom iqimuh fl-ispirtu u l-verità* (Ġw 4,23). 20 Dawk kollha mela, *li jadurawh, jeħtieġ li jqimuh fl-ispirtu* tal-verità (cfr. Ġw 4,24). 21 U għandna ngħidulu tifħir u talb *bin-nhar u bil-lejl* (S 31,4) filwaqt li ngħidu: *Missierna, li inti fis-smewwiet* (Mt 6,9), għaliex *jeħtieġ* li aħna *dejjem nitolbu dejjem bla ma nieqfu qatt* (Lq 18,1).

---

[43] Dan il-paragrafu jibda b'affermazzjoni ta' fidi dwar il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Jista' jkun li S. Franġisk qiegħed jinqeda b'dan il-kliem bħala katekeżi biex jeħodha kontra l-idejiet tal-Katari, li kienu setta li jistqarru li Kristu ma kienx Alla, u li ma jistax ikun li n-natura divina tiegħu ingħaqdet ma' dik umana, għax il-materja hi impura. Hekk il-Katari kienu jqisu lil Kristu bħal xi anġlu superjuri li deher biss fl-apparenza ta' bniedem, imma ma kienx bniedem veru. Kienu jgħixu ħajja ta' faqar u predikazzjoni itineranti, u kienu jixbħu lill-Aħwa tal-Penitenza fil-mod ta' ħajja penitenzjali tagħhom.

[44] 22 Aħna wkoll fid-dmir li nistqarru d-dnubiet kollha tagħna għand is-saċerdot; 23 u għandna nirċievu mingħandu l-ġisem u d-demm tal-Mulej Ġesù Kristu[44]. Min ma jiekolx il-ġisem tiegħu u ma jixrobx demmu (cfr. Ġw 6,55.57) *ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla* (Ġw 3,5). 24 Imma jeħtieġ li wieħed jiekol u jixrob kif jixraq, għax min ma jirċevix *kif jixraq*, u hekk ma jagħrafx *il-ġisem tal-Mulej minn ikel ieħor, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess* (1Kor 11,29). 25 Fuq kollox għandna *nagħmlu frott xieraq ta' penitenza* (Lq 3,8). 26 U għandna nħobbu l-proxxmu bħalna nfusna (cfr. Mt 22,39). 27 U jekk wieħed ma jridx iħobb il-proxxmu tiegħu bħalu nnifsu, ta' l-inqas ma għandux jagħmillu d-deni, imma l-ġid.

[45] 28 Dawk li irċevew is-setgħa li jagħmlu ħaqq mill-oħrajn, għandhom jagħmlu l-ħaqq bil-ħniena, skond kif iridu li huma jiksbu ħniena mingħand il-Mulej. 29 *Għax il-ħaqq ikun bla ħniena għal dawk li ma* jagħmlux *ħniena* (Ġak 2,13). 30 Ħa jkollna mela l-imħabba u l-umiltà; u għandna nagħmlu karità, għaliex din taħsel lill-erwieħ mill-ħmieġ tad-dnubiet (cfr. Tob 4,11; 12,9). 31 Għax il-bnedmin għad jitilfu dak kollu li huma jħallu warajhom fid-dinja; magħhom iġorru biss l-imħabba tal-ħniena u tal-karità li jkunu għamlu, u ta' dawn jirċievu mingħand il-Mulej il-premju u l-ħlas mistħoqq.

[46] 32 Għandna wkoll insumu u niċċaħħdu mill-vizzji u d-dnubiet (cfr. Sir 3,32), u mill-ikel u x-xorb żejjed, u nkunu kattoliċi. 33 Għandna ta' spiss inżuru l-knejjes u nqimu lill-kjeriċi u nuruhom ġieħ, mhux tant minħabba fihom infushom, jekk ikunu midinbin, imma minħabba l-uffiċċju u l-ministeru tal-ġisem u d-demm l-aktar qaddis ta' Kristu, li huma jiċċelebraw fis-sagrifiċċju ta' l-altar u jirċievu u jqassmu lill-oħrajn. 34 U bil-qawwa kollha għandna nkunu nafu, lkoll kemm aħna, li ħadd ma jista' jsalva, ħlief bil-kliem qaddisa u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li l-kjeriċi jlissnu, ixandru u jamministraw[45]. 35 U huma biss iridu jamministrawhom, u mhux oħrajn. 36 Ir-reliġjużi, mbagħad, li ħallew id-dinja, huma miżmumin b'mod speċjali biex jagħmlu ħwejjeġ aktar u aħjar, mingħajr ma jħallu dawn li semmejna (cfr. Lq 11,42).

[47] 37 Għandna nobogħdu lil ġisimna bil-vizzji u d-dnubiet, għaliex il-Mulej jgħid fl-Evanġelju: Il-ħażen kollu, il-vizzji u d-dnubiet, *joħorġu mill-qalb* (Mt 15,18-19; Mk 7,23). 38 Għandna nħobbu *l-għedewwa* tagħna u nagħmlu l-ġid *lil dawk* li jobogħduna (cfr. Mt 5,44; Lq 6,27). 39 Għandna nħarsu l-preċetti u l-kunsilli tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 40 Għandna wkoll niċħdu lilna nfusna (cfr. Mt 16,24) u nqiegħdu lil ġisimna taħt il-madmad tal-qadi u ta' l-ubbidjenza qaddisa, skond kif kull wieħed minna wiegħed lill-Mulej. 41 U l-ebda bniedem ma hu obbligat li joqgħod taħt ubbidjenza għal xi ħadd li jikkmandah iwettaq ħaġa ħażina jew jidneb.

[48] 42 Dak li hi mħollija f'idejh l-ubbidjenza u li *hu l-kbir, għandu jkun iż-żgħir* (Lq 22,26) u l-qaddej ta' l-aħwa l-oħrajn. 43 U għandu juri u jkollu ħniena minn kull wieħed mill-aħwa tiegħu, skond kif hu jkun irid li jsir miegħu, kieku kellu jsib ruħu fl-istess qagħda. 44 U lanqas ma għandu jitlagħlu minħabba d-dnub ta' ħuh, imma għandu jwissih u jwieżnu bil-ħlewwa u b'kull sabar u umiltà.

---

[44] S. Franġisk jisħaq dwar l-importanza tas-saċerdot fl-amministrazzjoni tas-sagramenti tal-Penitenza u ta' l-Ewkaristija. Dan forsi biex jeħodha kontra setta oħra eretika, dik tal-Valdiżi, segwaċi ta' Pietro Valdo, li kienu jgħidu li l-kjeriċi li jgħixu ħajja skandaluża ma setgħux jamministraw is-sagramenti, u kienu jħeġġu lill-insara biex ma jmorrux għall-Ewkaristija u l-Penitenza għand dawn is-saċerdoti, għax kienet invalida.

[45] Il-Valdiżi kienu wkoll isostnu li l-lajċi kellhom id-dritt li jamministraw u jikkonsagraw l-Ewkaristija, kif ukoll li jippriedkaw. Hu kontra dawn il-pożizzjonijiet żbaljati li S. Franġisk iwissi lill-insara ta' żmienu.

[49] 45 Ma għandniex inkunu għorrief u għaqlin skond il-ġisem, imma aktar għandna nkunu sempliċi, umli u safja. 46 U għandna nżommu lil ġisimna fi stmerrija u bla ġieħ, għaliex aħna lkoll kemm aħna, bi ħtija tagħna aħna ta' min jitħassarna u mimlijin ġrieħi, nintnu u dud, skond kif jgħid il-Mulej permezz tal-profeta: *Jiena dudu ta' l-art, u mhux bniedem, żeblieħ tan-nies u tkasbir tal-poplu* (S 21,7). 47 Lanqas ma għandna nixtiequ li nkunu fuq l-oħrajn, imma aktar għandna nkunu qaddejja u noqogħdu taħt *kull bniedem minħabba Alla* (1Pt 2,13). 48 U dawk kollha, irġiel u nisa, dment li jagħmlu dan kollu u jżommu sħaħ sa l-aħħar, *jistrieħ fuqhom l-Ispirtu tal-Mulej* (Is 11,2) u jagħmel fihom post fejn jgħammar (cfr. Ġw 14,23). 49 U jkunu ulied il-Missier tas-sema (cfr. Mt 5,45), li jagħmlu l-għemejjel tiegħu. 50 U jkunu għarajjes, aħwa u ommijiet tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu (cfr. Mt 12,50). 51 Aħna nkunu għarajjes, meta r-ruħ fidila tingħaqad ma' Ġesù bir-rabta ta' l-Ispirtu s-Santu. 52 Aħna ħutu, meta nagħmlu r-rieda ta' Missieru, li hu fis-smewwiet (cfr. Mt 12,50). 53 Aħna ommijietu, meta nġorruh fil-qalb u fil-ġisem tagħna (cfr. 1Kor 6,20) bl-imħabba u f'kuxjenza safja u sinċiera; inwelldu bl-għemejjel qaddisa tagħna, li għandhom jiddu quddiem l-oħrajn bħala eżempju (cfr. Mt 5,16).

54 O kemm hu glorjuż u qaddis u kbir li jkollna fis-sema Missier! 55 O kemm hu qaddis, paraklitu, sabiħ u ta' l-għaġeb li jkollna Għarus! 56 O kemm hu qaddis u kemm hu ta' min iħobbu, kemm jogħġob, kemm hu umli, mimli sliem, ħelu u ta' min iħobbu u ta' min jixtiequ fuq kollox li jkollha ħuna u Iben bħal dan, li offra ħajtu għan-ngħaġ tiegħu (cfr. Ġw 10,15) u talab lill-Missier għalina, meta qal: *Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni* (Ġw 17,11). 57 Missier, dawk *li inti tajtni fid-dinja, kienu tiegħek u inti tajthom lili* (Ġw 17,6). 58 U *l-kliem, li inti tajt lili, jiena tajthom lilhom; u huma laqgħu u għarfu tassew, li jiena ħriġt minnek, u emmnu li kont int li bgħattni* (Ġw 17,8). Jiena nitlob għalihom *u mhux għad-dinja* (cfr. Ġw 17,9); berikhom u *qaddishom* (Ġw 17,17). 59 *U jiena minħabba fihom inqaddes lili nnifsi, biex huma jkunu mqaddsin* (Ġw 17,19) *u jkunu ħaġa waħda bħalna* (Ġw 17,11). 60 Missier, irrid *li fejn* inkun jien *hemm ikunu huma wkoll miegħi, biex jaraw il-glorja tiegħi* (Ġw 17,24) *fis-saltna tiegħek* (Mt 20,21).

61 U għax tant sofra għalina, li tant għamel ġid magħna u għad jagħmel ġid fil-ġejjieni, kull ħlejqa, li hi fis-sema, fl-art, fil-baħar u fil-qiegħ ta' l-art, għandha trodd tifħir lil Alla, glorja, ġieħ u barka (cfr. Apk 5,13), 62 għaliex hu l-qawwa u s-setgħa tagħna, hu li hu waħdu tajjeb, waħdu l-aktar għoli, waħdu li jista' kollox, ta' l-għaġeb, glorjuż u waħdu qaddis, ta' min ifaħħru u mbierek għal dejjem ta' dejjem. Amen.

[50] 63 Dawk kollha, iżda, li ma jgħixux fil-penitenza u ma jirċevux il-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, 64 u jgħixu fil-vizzji u d-dnubiet u jimxu wara l-ġibdiet ħżiena u x-xewqat ħżiena, u li ma jħarsux dak li wiegħdu, 65 u li jaqdu lid-dinja bix-xewqat tal-ġisem, bit-tħassib tal-ħwejjeġ tad-dinja u l-kura tal-ħwejjeġ ta' din il-ħajja, 66 dawn huma mqarrqin mix-xitan, għax huma uliedu u jagħmlu l-għemejjel tiegħu (cfr. Ġw 8,41), huma għomja, għaliex ma jarawx id-dawl veru tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 67 Ma għandhomx l-għerf spiritwali, għaliex fihom infushom ma għandhomx lill-Iben ta' Alla, li hu l-għerf veru tal-Missier, u dwarhom jingħad: *Il-għerf tagħhom jisfa fix-xejn* (S 106,27). 68 Jaraw u jagħarfu, jafu u jagħmlu l-ħażen; u hekk jitilfu ruħhom b'għajnejhom miftuħa. 69 Araw, ja għomja, li intom imqarrqin mill-għedewwa tagħna, jiġifieri l-ġisem, id-dinja u x-xitan, għaliex għall-ġisem hi ħaġa ħelwa li jagħmel id-dnub u hi ħaġa morra li jaqdi lill-Mulej, għaliex *kull ħażen*, il-vizzji u d-dnubiet,

*joħorġu mill-qalb tal-bniedem* (cfr. Mk 7,21.23), skond kif jgħid il-Mulej fl-Evanġelju. 70 U xejn ma jkollhom f'din id-dinja u lanqas fid-dinja li għad trid tiġi. 71 Intom taħsbu li għal żmien twil se żżommu l-frugħat ta' din id-dinja, imma intom imqarrqin, għaliex għad jiġi l-jum u s-siegħa, li intom ma tintebħux bihom, ma tafuhomx u ma tagħtux kashom.

[51] 72 Il-ġisem jimrad, il-mewt toqrob, jiġu l-qraba u l-ħbieb u jgħidu: Aħseb dwar kif se tħalli ħwejġek. 73 U ara, martu u uliedu u l-qraba u l-ħbieb jagħmlu ta' birruħhom li qiegħdin jibku. 74 U meta dak jarahom jibku, jitqanqal minn ħsieb ħażin; filwaqt li jibda jaħseb fih innifsu u jgħid: Ara, ruħi u ġismi u dak kollu li għandi nħallihom f'idejkom. 75 Tassew, dan il-bniedem ikun misħut, għaliex hu jafda u jħalli lil ruħu u lil ġismu u dak kollu li għandu f'idejn dawk in-nies; 76 għalhekk il-Mulej jgħid permezz tal-profeta: *Misħut il-bniedem li jqiegħed il-fiduċja tiegħu fil-bnedmin* (Ġer 17,5). 77 U malajr iġibulu saċerdot, u dan jgħidlu: "Trid tilqa' l-penitenza għad-dnubiet kollha tiegħek?" 78 U dak iwieġbu: "Irrid". "Trid tpatti mill-ġid li għandek għal dak kollu li int għamilt meta sraqt jew qarraqt bil-bnedmin?" 79 U dak iwieġeb: "Ma nistax". U s-saċerdot jgħidlu: "Għaliex ma tistax?" 80 "Għaliex jiena ħallejt kull ma għandi f'idejn il-qraba u l-ħbieb". 81 U jibda jitlef il-kelma u hekk imut dak l-imsejken.

82 Imma kulħadd għandu jkun jaf, li f'kull post, f'kull żmien u b'kull mod li bih il-bniedem imut fid-dnub il-mejjet mingħajr ma jkun għamel tpattija, jew inkella jkun seta' jpatti imma ma jpattix, ix-xitan jaħtaflu ruħu minn ġismu b'tant dwejjaq u tiġrib, li ħadd ma jista' jkun jaf x'jiġifieri, ħlief dawk li jgħaddu minn dan kollu. 83 U *jittieħdulu* (Mk 4,25) t-talenti u s-setgħa u l-għerf li kien jaħseb li kellu (cfr. Lq 8,18). 84 U jħalli kollox lill-qraba u lill-ħbieb, u huma jieħdu u jaqsmu bejniethom il-ġid tiegħu u mbagħad jgħidu: "Misħuta ruħu, għaliex seta' tana u kiseb ħafna aktar milli kiseb". 85 Imbagħad il-ġisem jiekluh id-dud; u hekk jitlef il-ġisem u r-ruħ tiegħu fi żmien qasir u jmur fl-infern, fejn jinħaraq fin-nar għal dejjem.

86 Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Amen. 87 Jiena, fra Franġisk, il-qaddej ċkejken tagħkom, nitlob u nitniehed fit-talb quddiemkom għall-imħabba, li hu Alla (cfr. 1 Ġw 4,16), waqt li nixtieq inbusilkom riġlejkom, sabiex tilqgħu bl-umiltà u bl-imħabba dawn il-kelmiet u kliem oħrajn tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u twettquhom fl-għemil u tħarsuhom. 88 U dawk kollha, irġiel u nisa, li jilqgħuhom bit-tjieba, u jifhmuhom u li jgħaddu kopji tagħhom lill-oħrajn, u li *jżommu sħaħ fihom sa l-aħħar* (Mt 24,13), iberikhom il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Amen.

## EPISTOLA AD FRATREM LEONE (ITTRA LIL FRA LEONE)

[52] 1 Fra Leone, ħuk fra Franġisk jixtieqlek is-saħħa u s-sliem[46]. 2 Ibni, jiena se nitkellem miegħek, bħal omm: dawk il-kelmiet kollha, li aħna għidna lil xulxin fit-triq, jiena rrid niġborhom fil-qosor f'dawn il-kelmiet u f'dan il-parir, ukoll jekk wara dan inti jkun jeħtieġlek tiġi għandi, biex jiena nagħtik il-parir tiegħi. 3 F'dak kollu li lilek jidhrilek li tista' bl-aħjar mod togħġob lill-Mulej Alla u timxi fuq il-passi u l-faqar tiegħu, agħmel dan bil-barka tal-Mulej Alla u bl-

[46] Għal studju dwar din l-EpLeo, cfr. Michele Faloci-Pulignani, "Un autografo di San Francesco d'Assisi a Spoleto", *Miscellanea Franciscana* 9 (1902) 106-107. Il-Latin tal-bidu ta' l-Ittra hu kemmxejn żbaljat: *Frater Leo frater Francisco tuo salutem et pacem*. Dan jista' juri l-awtentiċità ta' l-Ittra minħabba li nafu li S. Franġisk ftit kien jaf Latin, kif ukoll turi l-awtentiċità il-kitba ta' dan il-biljett awtografu, li turi id li mhijiex imdorrija tikteb ħafna.

ubbidjenza tiegħi. 4 U, jekk inti tħoss li jkun jeħtieġlek għal ruħek biex tikseb aktar faraġ, u tkun trid tiġi għandi, fra Leone, ejja.

## EPISTOLA AD MINISTRU (ITTRA LIL MINISTRU)

[53] 1 Lil fra N. ministru[47], il-Mulej ibierkek (cfr. Num 6,24a). 2 Nixtieq inkellmek, kif nista', dwar il-qagħda ta' ruħek. Għandek tilqa' bħala grazzja dak kollu li jfixklek milli tħobb lill-Mulej Alla, u dak kollu li jkun għalik ta' tfixkil mill-aħwa jew minn xi ħadd ieħor, ukoll jekk dawn isawwtuk. 3 U għandek tkun trid dan kollu u mhux ħaġa oħra. 4 U dan għandu jkun għalik bħala ubbidjenza vera tal-Mulej Alla u tiegħi, għaliex jiena bil-qawwa kollha naf li din hi l-ubbidjenza vera. 5 U għandek tħobb lil dawk li jagħmlulek dan kollu. 6 U ma għandek tistenna xejn aktar minnhom, ħlief dak li jagħtik Alla. 7 U f'dan inti għandek tħobbhom; u ma għandekx tippretendi li jkunu insara aħjar. 8 U dan kollu jkun ta' aktar ġid għalik milli kieku tmur tgħix f'eremitaġġ. 9 U jiena f'dan irrid inkun naf jekk tħobbx lill-Mulej u lili qaddej tiegħu u tiegħek, jekk inti tagħmel dak li se ngħidlek: jiġifieri li ma jkunx hemm l-ebda wieħed mill-aħwa fid-dinja kollha, li jidneb, u li għamel kemm għamel dnubiet, jekk imbagħad iħares f'għajnejk, ma jmurx lura mingħajr il-ħniena tiegħek, jekk jitolbok il-maħfra. 10 U wkoll jekk hu ma jitolbokx maħfra, inti għandek titolbu jekk iridx jirċievi maħfra. 11 U jekk hu jidneb għal elf darba quddiem għajnejk, inti għandek tħobbu aktar minni, biex hekk inti tiġbdu lejn il-Mulej; 12 u dejjem għandek turi ħniena ma' aħwa bħal dawn. U meta tkun tista', uri lill-gwardjani li inti lest li bil-qawwa kollha timxi b'dan il-mod.

[54] 13 Dwar dawk il-kapitli kollha li hemm fir-Regola, u li jitkellmu dwar id-dnubiet mejta[48], bl-għajnuna tal-Mulej u bil-parir ta' l-aħwa, narawhom flimkien fil-kapitlu ta' Għid il-Ħamsin, u niġbruhom f'dawn il-kelmiet. 14 Jekk xi ħadd mill-aħwa, imxewwex mill-għadu, jaqa' fid-dnub il-mejjet, hu obbligat b'ubbidjenza li jirrikorri għand il-gwardjan tiegħu. 15 U l-aħwa kollha, li jkunu jafu li hu dineb, ma għandhomx iġiegħeluh jistħi u lanqas joqogħodu jqassu fuqu, imma għandhom juru ħniena kbira lejh u għandhom iżommu mistur ħafna d-dnub ta' ħuhom; *għaliex mhux* dawk li huma f'saħħithom *għandhom bżonn it-tabib, imma l-morda* (Mt 9,12). 16 L-istess huma obbligati b'ubbidjenza li, flimkien ma' wieħed mill-aħwa, jibgħatuh għand il-kustodju tiegħu. 17 U dan l-istess kustodju għandu jġib ruħu miegħu bil-ħniena, bl-istess mod li hu jkun irid li jġibu ruħhom miegħu, jekk hu jkun jinsab fl-istess qagħda. 18 U jekk xi ħadd mill-aħwa jaqa' fi dnub venjal, għandu jqerr għand wieħed mill-aħwa saċerdoti. 19 U jekk hemmhekk ma jkunx hemm saċerdot, għandu jistqarr dnubu lil ħuh, sakemm hu jsib saċerdot li jkun jista' jassolvih kanonikament, kif diġà għidna. 20 U l-aħwa ma jistgħux jagħtu penitenza oħra ħlief din: *Mur u la tidnibx* aktar (cfr. Ġw 8,11).

---

[47] Il-manuskritti jagħtu diversi titli lil din l-Ittra: (1) "Ittra ta' San Franġisk lil ċertu ministru"; (2) "Din hi ittra li San Franġisk bagħat lill-Ministru Ġeneral, jiġifieri lil fra Elia"; (3) "Ittra li San Franġisk bagħat lil fra Elia"; (4) "Ittra li San Franġisk bagħat lill-Ministru Ġeneral dwar il-mod kif jaqdi lill-aħwa li huma taħtu u li jaqgħu fid-dnub il-mejjet, jew il-venjal". X'aktarx li l-aħjar titlu hu dan ġeneriku: "Lil fra N. Ministru", għax l-ittra tidher mibgħuta lil xi ministru li ma nafux min kien. Kienu diversi l-interpretazzjonijiet li ngħataw. Eduard d'Alençon OFMCap jgħid li l-ittra intbagħtet lil fra Pietro Cattanio, Vigarju tal-qaddis (1220-1221). Paul Sabatier jgħid li intbagħtet lil fra Elia, ukoll Vigarju tal-qaddis (1221-1227). Leonard Lemmens OFM jgħid li dan seta' kien Ministru li kien preżenti għall-Kapitlu Ġenerali ta' Pentekoste sa l-1221, jiġifieri sas-sena li fiha l-aħwa kollha setgħu jmorru għall-Kapitlu.

[48] S. Franġisk qiegħed jirreferi għar-RegNB, fil-kapitli 5, 13 u 22, li jitkellmu mill-aħwa li jaqgħu fid-dnub. L-istess tema nsibuh fir-RegB, kap. 7 u 10.

21 Din il-kitba żommha miegħek sa Għid il-Ħamsin, biex tkun tista' tiġi mħarsa, sakemm tiġi għall-kapitlu flimkien ma' l-aħwa. 22 U dwar dan u dwar dak kollu, li għadu mhux żviluppat fir-Regola, bl-għajnuna tal-Mulej Alla, araw li bir-reqqa taslu biex twettquh.

## EPISTOLA TOTI ORDINI MISSA, UNA CUM ORATIONE: OMNIPOTENS, AETERNE DEUS (ITTRA LILL-ORDNI KOLLU, FLIMKIEN MAT-TALBA: O ALLA TA' DEJJEM LI TISTA' KOLLOX)

[55] 1 Fl-isem tat-Trinità l-aktar għolja u ta' l-Unità qaddisa tal-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Amen.

2 Lill-aħwa mxerrdin mad-dinja kollha, miqjumin u wisq ta' min iħobbhom, lil fra N., ministru ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri[49], li hu s-sid tiegħu, u lill-ministri ġenerali l-oħrajn li għad jiġu warajh, u lill-ministri u l-kustodji u s-saċerdoti ta' l-istess fraternità, li huma umli fi Kristu, u lill-aħwa kollha li jgħixu fis-sempliċità u fl-ubbidjenza, kemm dawk li kienu minn ta' l-ewwel kif ukoll dawk li daħlu dan l-aħħar, 3 fra Franġisk, raġel li ma jiswa għal xejn u dgħajjef, qaddej ċkejken tagħkom, jixtieqilkom saħħa f'dak li fdiena u *ħasilna fid-demm* l-aktar prezzjuż *tiegħu* (cfr. Apk 1,5). 4 Malli tisimgħu ismu għandkom tadurawh bil-biża' u bil-qima *billi tinxteħtu għal tulkom fl-art* (cfr. Neħ 8,6), għax hu l-Mulej Ġesù Kristu, li ismu hu *l-Iben ta' l-Aktar Għoli* (cfr. Lq 1,32), *li hu mbierek għal dejjem* (Rum 1,25).

[56] 5 Isimgħuni, intom sidien u aħwa tiegħi, *u agħtu widen għal kliemi* (Atti 2,14). 6 *Dawwru l-widnejn* (Is 55,3) tal-qalb tagħkom u isimgħu mil-leħen ta' l-Iben ta' Alla. 7 Obdu bil-qalb kollha tagħkom il-kmandamenti tiegħu u wettqu b'ruħkom kollha u sa l-aħħar it-twissijiet tiegħu. 8 *Stqarruh għax hu tajjeb* (S 135,1), u *agħtuh ġieħ fl-għemejjel tagħkom* (Tob 13,6); 9 *għaliex għalhekk* hu bagħatkom (cfr. Tob 13,4) fid-dinja kollha, sabiex bil-kelma u bl-għemil intom tagħtu xhieda tal-leħen tiegħu u tgħarrfu lil kulħadd li *ma hemm ħadd aktar ħliefu li jista' kollox* (cfr. Tob 13,4). 10 *Żommu sħaħ fid-dixxiplina* u fl-ubbidjenza qaddisa (Lhud 12,7), u wettqu bil-qawwa dak li intom wegħedtu sa l-aħħar. 11 Il-Mulej *Alla joffri* lilu nnifsu lilna *bħala wlied* (Lhud 12,7).

[57] 12 Nitlob bil-ħniena lilkom kollha, ħuti, filwaqt li nbusilkom riġlejkom bl-imħabba kollha li nista' nurikom, sabiex kemm tistgħu, turu kull qima u kull ġieħ lejn il-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, 13 li fih il-ħwejjeġ kollha tas-sema u ta' l-art huma magħqudin fis-sliem u jerġgħu jiksbu l-ħbiberija ma' Alla li jista' kollox (cfr. Kol 1,20).

[58] 14 Nitlob ukoll fil-Mulej lill-aħwa kollha tiegħi li huma saċerdoti, li huma u li se jkunu, jew li jixtiequ jkunu saċerdoti ta' l-Aktar Għoli, sabiex kull meta jkunu jridu jiċċelebraw il-quddiesa, għandhom jiċċelebraw bis-safa kollu u bil-qima s-sagrifiċċju veru u l-aktar qaddis tal-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu b'intenzjoni qaddisa u nadifa, mhux għal xi skop

---

[49] Hu diffiċli li nkunu nafu hawnhekk min hu dak li jirċievi din l-Ittra. Nafu biss li hu Ministru Ġeneral. Issa meta S. Franġisk kien għadu ħaj ma kienx hemm Ministri Ġenerali, imma Vigarji tal-qaddis. Nafu li Pietro Cattanio miet fl-10 ta' Marzu 1221 u warajh laħaq Vigarju fra Elia. Fil-versetti 38, 40 u 47 hemm indikazzjoni ta' ismu bl-ittra latina H = *Helias*.

ta’ din id-dinja u lanqas minħabba l-biża’ jew l-imħabba lejn xi ħadd mill-bnedmin, donnhom biex jogħoġbu lill-bnedmin (cfr. Ef 6,6; Kol 3,22); 15 imma għandhom idawwru r-rieda kollha tagħhom, sakemm tgħinhom il-grazzja, lejn Alla, filwaqt li jkunu jixtiequ li b’hekk jogħoġbu biss lill-istess Mulej l-aktar għoli, għaliex hu waħdu jħaddem kollox skond ma jogħġob lilu; 16 għaliex, kif hu stess jgħid: *Agħmlu dan b’tifkira tiegħi* (Lq 22,19; 1Kor 11,24). Jekk wieħed jagħmel mod ieħor, hu jsir Ġuda t-traditur, u *jkun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej* (cfr. 1Kor 11,27).

17 Ftakru, l-aħwa tiegħi saċerdoti, f’dak li hu miktub fil-liġi ta’ Mosè, fejn jingħad li min jikser imqar il-preċetti materjali tagħha kien jiġi ikkastigat *mingħajr l-ebda ħniena* bil-ħaqq tal-Mulej (cfr. Lhud 10,28). 18 *Kemm kastigi* akbar u *agħar* ikun jistħoqqlu, *min ikażbar lill-Iben ta’ Alla u jniġġes id-demm tal-patt, li bih jiġi mqaddes, u joffendi lill-ispirtu tal-grazzja* (Lhud 10,29)? 19 Għax il-bniedem jiddisprezza, iniġġes u jkażbar lill-Ħaruf ta’ Alla meta, kif jgħid l-appostlu, *ma jagħżilx* (1Kor 11,29) u ma jagħrafx jagħmel dixxerniment tal-ħobż qaddis ta’ Kristu mill-ikel l-ieħor, jew inkella jieklu mingħajr ma jkun jistħoqqlu, jew ukoll, ukoll jekk ikun jistħoqqlu, jieklu b’mod fieragħ u bla ġieħ, kif jgħid il-Mulej permezz tal-profeta: *Misħut* il-bniedem *li jwettaq kif ġie ġie* l-għemil ta’ Alla (cfr. Ġer 48,10). 20 U lis-saċerdoti li ma jridux iqiegħdu dan kollu f’qalbhom fil-verità hu jikkundannahom billi jgħidilhom: *Nisħet il-barkiet tagħkom* (Mal 2,2).

[59] 21 Isimgħu, ħuti. Jekk il-Verġni mqaddsa jistħoqqilha tant ġieħ, kif jixraq, għaliex hi ġarritu fil-ġuf l-aktar qaddis tagħha; jekk l-imqaddes Battista triegħed u ma riedx jażżarda jmiss ir-ras ta’ Alla; jekk il-qabar, li fih hu ġie midfun għal ftit żmien, tingħatalu tant qima; 22 mela kemm għandu jkun qaddis, ġust u jixraqlu, dak li jmiss b’idejh, jirċievi fil-qalb u bil-fomm tiegħu, u jqassam lill-oħrajn biex jiekluh, mhux aktar lil Dak li se jmut, imma li hu rebbieħ u igglorifikat għal dejjem, u li *l-anġli jixxenqu jħarsu lejh* (1Pt 1,12)[50].

23 *Ħarsu* d-dinjità *tagħkom, aħwa* (cfr. 1Kor 1,26) saċerdoti, u kunu qaddisin, għaliex hu nnifsu hu qaddis (cfr. Lev 19,2). 24 U bħalma lilkom il-Mulej Alla takom ġieħ fuq kulħadd minħabba dan il-ministeru li hu fdalkom, hekk ukoll intom għandkom tħobbuh, tqimuh u tagħtuh ġieħ fuq kulħadd. 25 Hu għajb kbir u dgħufija ta’ min jitħassarha li, waqt li intom ikollkom lilu preżenti fostkom, moħħkom jibqa’ jitħasseb fuq il-ħwejjeġ tad-dinja, ikunu liema jkunu. 26 Il-bnedmin kollha jibżgħu, id-dinja kollha titriegħed u s-sema jifraħ, meta *Kristu, l-Iben ta’ Alla l-ħaj* (Ġw 11,27) jinżel fuq l-altar f’idejn is-saċerdot! 27 O għoli ta’ l-għaġeb u x’għaġeb ta’ tbaxxija! O umiltà mill-aktar għolja! O x’kobor mill-aktar umli, li l-Mulej ta’ kulħadd, Alla u l-Iben ta’ Alla, hekk ixejjen lilu nnifsu, li għas-salvazzjoni tagħna jinħeba taħt ix-xbieha ta’ farka ħobż! 28 L-aħwa tiegħi, araw l-umiltà ta’ Alla u *sawwbu l-qlub tagħkom quddiemu* (S 61,9); umiljaw ruħkom, sabiex hu jerfagħkom (cfr. 1Pt 5,6; Ġak 4,10). 29 La żżommu xejn minnkom għalikom infuskom, sabiex hu jilqagħkom kollha kemm intom, hu li jingħata kollu kemm hu għalikom.

[60] 30 Għaldaqstant inwissi u nħeġġeġ fil-Mulej, sabiex fil-postijiet li fihom jgħixu l-aħwa, huma jiċċelebraw quddiesa waħda biss kuljum skond ir-rit tal-Knisja mqaddsa. 31 Jekk f’dak il-post ikun hemm għadd ta’ saċerdoti, għall-imħabba tal-karità wieħed għandu jikkuntenta ruħu billi

---

[50] Jidher li hawnhekk ukoll hawn riferiment għall-kitba ta’ raħeb Ċisterċensi, hekk imsejjaħ Pseudo-Bernard ta’ Cluny, *Tractatus de Corpore Domini* (PL 182, 1149-1150), kif ukoll għal opra oħra ta’ l-istess awtur: *Instructio Sacerodtis praeparationis eius ad digne celebrandum tantum mysterium* (PL 184, 787A). Forsi hemm ukoll riferimenti għal S. Bernard ta’ Clairvaux, *Sermo I, Epiphania Domini* (PL 183, 146A).

jisma' ċ-ċelebrazzjoni ta' saċerdot sieħbu[51]; 32 għaliex il-Mulej Ġesù Kristu jimla bil-grazzja tiegħu lil dawk li jistħoqqilhom, kemm dawk li jkunu preżenti kif ukoll dawk li jkunu assenti. 33 Għaliex hu, għalkemm jidher f'diversi postijiet, jibqa' dejjem l-istess wieħed li ma jinfiridx, u *ma jagħrafx tnaqqis bl-ebda mod*[52], imma jibqa' l-istess wieħed kullimkien, skond kif jogħoġbu, u jaħdem flimkien mal-Mulej Alla Missier u Spirtu s-Santu Paraklitu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

[61] 34 U, billi *min hu minn Alla, jisma' l-kliem ta' Alla* (cfr. Ġw 8,47), aħna li ġejna magħżulin b'mod speċjali għall-uffiċċji divini, għandna mhux biss nisimgħu imma nwettqu dak li jgħid il-Mulej, u wkoll biex nimtlew fina nfusna bil-kobor tal-Ħallieq tagħna u nuruh li rridu noqogħdu għalih, aħna għandna nħarsu l-kalċijiet sagri u l-kotba liturġiċi li fihom insibu l-kliem qaddis tiegħu. 35 Għaldaqstant inwissi lill-aħwa kollha tiegħi, u nħeġġiġhom fi Kristu biex, kull fejn isibu l-kliem divin miktub, kif jistgħu, għandhom juruh qima, 36 u rigward dak li għandu x'jaqsam mad-dmir tagħhom, jekk dawn il-kelmiet isibuhom mhux imħarsin sewwa jew b'mod dinjituż, jew mitluqin u mxerrdin x'imkien, huma għandhom jiġbruhom u jqiegħduhom f'post xieraq biex hekk jobdu l-kliem tal-Mulej *f'dak li hu jgħid* (1Slat 2,4). 37 Għaliex ħafna huma l-ħwejjeġ li jiġu mqaddsin bil-kelma ta' Alla (cfr. 1Tim 4,5), u hu bil-qawwa tal-kliem ta' Kristu li jiġi ikkonsagrat is-sagrament ta' l-altar.

[62] 38 Nistqarr għalhekk quddiem il-Mulej Alla Missier u Iben u Spirtu s-Santu, quddiem l-imqaddsa Marija dejjem Verġni, u quddiem il-qaddisin kollha fis-sema u fl-art, u quddiem fra N. Ministru ta' l-Ordni tagħna, bħala sid tiegħi miqjum, u quddiem is-saċerdoti ta' l-Ordni tagħna u quddiem l-aħwa l-oħrajn kollha imberkin, id-dnubiet kollha tiegħi. 39 Jiena offendejt bi ħtija kbira f'ħafna affarijiet, l-aktar għaliex ma ħaristx ir-Regola, li jiena wegħidt lill-Mulej, u lanqas ma għidt l-Uffiċċju skond ma hemm miktub fir-Regola, minħabba t-traskuraġni jew minħabba l-mard tiegħi, billi jiena bniedem injurant u bla skola. 40 Għaldaqstant għal dan kollu nitlob kif nista' lil fra N., ministru ġeneral u sid tiegħi, biex jara li r-Regola tiġi mħarsa minn kulħadd bla ebda ksur; 41 u li l-kjeriċi jgħidu l-uffiċċju bil-qima qudidem il-Mulej, filwaqt li jagħtu kas mhux tant tal-melodija tal-vuċi, daqskemm tal-ġabra tar-ruħ, biex hekk il-leħen jaqbel mar-ruħ u r-ruħ taqbel ma' Alla[53]. 42 B'hekk ikunu jistgħu jogħoġbu lil Alla bil-qalb safja tagħhom, u mhux ipaxxu l-widnejn tan-nies bil-ħlewwa ta' leħinhom. 43 U jiena nwiegħed li dan kollu rrid inħarsu bil-qawwa kollha, skond il-grazzja li jagħtini Alla; u l-istess l-aħwa, li huma miegħi, jiena nħallilhom l-obbligu li jħarsu dan li jingħad dwar l-Uffiċċju u dwar dak li hemm fir-Regola. 44 Jekk xi wħud mill-aħwa ma jkunux iridu jħares dan kollu, ma rridx inqisuhom bħala kattoliċi u lanqas bħala ħuti; jiena ma

---

[51] Dawn il-kliem juru, qabel xejn, li Franġisku jinsisti fuq ir-rit (*forma*) tal-Knisja Mqaddsa. Imbagħad naraw projbizzjoni li tidher stramba. Franġisku ma jridx li l-aħwa jqaddsu quddies privat, imma li wieħed biss iqaddes u l-oħrajn jisimgħu l-quddiesa tiegħu bl-umiltà kollha, Fis-seklu 13 ma kienx hemm il-konċelebrazzjoni kif nafuha llum, u għalhekk dawn il-kelmiet ma nistgħux napplikawhom għad-drawwa tal-quddiesa konċelebrata tal-komunità. Fl-istess ħin, dawn il-kliem ta' S. Franġisk juru li jmorru kontra dak li l-missal ta' Onorju III kien jgħid: *Sed si sunt plures sacerdotes in loco, secrete possunt cantare missam quam volunt* ("Jekk ikun hemm bosta saċerdoti fil-post, jistgħu jiċċelebraw għalihom waħedhom il-quddiesa li jridu huma"). Din kienet il-prassi komuni fil-palazz tal-Lateran fost il-kappillani papali. Jidher li S. Franġisk kien qed jagħmel eċċezzjoni lill-patrijiet tiegħu dwar din il-ħaġa li kienet aċċettata fil-Knisja kollha. Cfr. S.J.P. Van DIJK, *Sources of the Modern Roman Liturgy. The Ordinal of Haymo of Faversham and Related Documents (1243-1307),* Leiden 1963, Vol. I, 40-55.

[52] Prekonju *Exsultet* tal-Vġili ta' l-Għid: *detrimenta non novit*.

[53] Hemm xebħ kbir bejn dak li jgħid S. Franġisk hawnhekk u dak li tgħid ir-Regola ta' S. Benedittu, kap. 19. S. Franġisk jgħid: *dicant officium ut vox concordet menti, mens vero concordet cum Deo*, filwaqt li S. Benedittu jikteb: *et sic stemus ad psallendum, ut mens nostra concordet voci nostrae* (noqgħodu nitolbu s-salmi, biex ir-ruħ tagħna taqbel mal-leħen tagħna).

rridx narahom u lanqas nitkellem magħhom, sakemm ma jagħmlux penitenza. 45 Dan ukoll ngħidu dwar l-oħrajn kollha, li joħorġu jimirħu 'l barra mill-ubbidjenza, u ma jagħtux kas tad-dixxiplina tar-Regola; 46 għaliex il-Mulej tagħna Ġesù Kristu offra ħajtu, biex ma jitlifx l-ubbidjenza tal-Missier l-aktar qaddis tiegħu (cfr. Fil 2,8).

[63] 47 Jiena fra Franġisk, bniedem li ma niswa għal xejn u ħlejqa li ma jistħoqqilhiex tal-Mulej Alla, permezz tal-Mulej Ġesù Kristu ngħid lil fra N., ministru ta' l-Ordni kollu tagħna u lill-ministri ġenerali, li għad jiġu warajh, u lill-kumplament tal-kustodji u tal-gwardjani[54] ta' l-aħwa, li huma u li għad iridu jkunu, biex dejjem iżommu magħhom din il-kitba, u jwettquha u jagħmlu bil-ħeġġa kopji tagħha. 48 U nitlobhom li, dak kollu li hemm miktub fiha, jħarsuh bil-ħerqa u jaraw li jitħares bil-kura kollha skond ma jogħġob lil Alla li jista' kollox, issa u għal dejjem, sakemm iddum din id-dinja.

49 *Imberkin intom mill-Mulej* (S 113,13) jekk tagħmlu dan kollu u l-Mulej ikun magħkom għal dejjem. Amen.

[64] Talba

50 O Alla ta' dejjem li tista' kollox, etern, ġust ta' ħniena, minħabba fik innifsek, agħti lilna msejknin li nagħmlu dejjem dak li nafu li jogħġob lilek, u dejjem irridu dak li jogħġob lir-rieda tiegħek. 51 Hekk, imnaddfin minn ġewwa, imdawwlin fir-ruħ u mixgħulin bin-nar ta' l-Ispirtu s-Santu, nkunu nistgħu nimxu fuq il-passi ta' l-Iben maħbub tiegħek, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, 52 u bil-grazzja tiegħek biss naslu għandek, l-Aktar Għoli. Int li fi Trinità perfetta u Unità sempliċi, tgħix u ssaltan fil-glorja, Alla li tista' kollox, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## EPISTOLA AD POPULORUM RECOTRES
## (ITTRA LILL-MEXXEJJA TAL-ĠNUS)

[65] 1 Lill-*podestà* u l-konsli kollha, lill-imħallfin u lill-mexxejja ta' kull naħa tad-dinja, u lill-oħrajn kollha, li taslilhom din l-ittra, fra Franġisk, qaddej ċkejken tagħkom fil-Mulej Alla, u raġel li ma jiswa għal xejn, jixtieq lilkom ilkoll kull saħħa u sliem.

2 Oqgħodu qisu u araw, kif il-jum tal-mewt joqrob (cfr. Ġen 47,29). 3 Nitlob għalhekk lilkom bil-qima, kemm nista', li minħabba l-kura u t-tħassib tal-ħwejjeġ tad-dinja, li intom għandkom, ma tħallux lilkom infuskom tinsew lill-Mulej u titwarrbu mill-kmandamenti tiegħu, għaliex dawk kollha li jinsewh u *li jitwarrbu mill-kmandamenti tiegħu, huma misħutin* (cfr. S 118,21) u hu wkoll *jinsihom* (Eżek 33,13). 4 U, meta jasal il-jum tal-mewt, dak kollu li kienu jaħsbu li kellhom, jitteħdilhom (cfr. Lq 8,18). 5 U aktar ma kienu għorrief u qawwijin f'din id-dinja, akbar tkun it-tbatija li jkollhom ibatu fl-infern (cfr. Għerf 6,7).

[54] Il-kelma "gwardjan" fil-bidunett kienet tindika pjuttost kwalità tal-ministeru lejn l-aħwa, aktar milli xi uffiċċju determinat. Il-funzjoni tal-ministru kienet dik ta' ħarries jew gwardjan ta' l-aħwa. Meta mbagħad l-aħwa kienu bdew joqogħdu f'residenzi fissi, l-aktar wara l-mewt ta' S. Franġisk, jidher li l-ministru lokali tal-post fejn jgħixu l-aħwa ħa l-isem ta' Gwardjan, kif nafuh illum. Cfr. Kajetan Esser OFM, *Origins of the Franciscan Order*, Franciscan Herald Press, Chicago 1970, 172-175.

6 Għaldaqstant bil-qawwa inwissikom, bħala sidien tiegħi, li tqiegħdu kull kura u tħassib tagħkom fil-ġenb, u li tirċievu l-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu b'tifkira qaddisa tiegħu. 7 U għandkom tagħtu ġieħ kbira lill-Mulej quddiem il-poplu li hu fdalkom f'idejkom, hekk li ta' kull filgħaxija tħabbru permezz ta' xandâr jew permezz ta' xi sinjal ieħor, sabiex il-poplu kollu jagħti tifħir u radd il-ħajr lill-Mulej Alla li jista' kollox. 8 U jekk intom ma tagħmlux dan, kunu afu li tridu *tagħtu kont* quddiem il-Mulej tagħkom Ġesù Kristu *f'jum il-ħaqq* (cfr. Mt 12,36).

9 Dawk imbagħad li jżommu din il-kitba u jħarsu dak li hemm fiha, għandkom ikunu jafu li jkun mberkin mill-Mulej Alla.

## EXHORTATIO AD LAUDEM DEI
## (KLIEM TA’ ĦEĠĠA GĦAT-TIFĦIR ‘L ALLA)

[66] 1 *Ibżgħu mill-Mulej u agħtuh glorja* (Apk 14,7).
2 *Jistħoqqlu* l-Mulej li *jirċievi* t-tifħir u *l-ġieħ* (cfr. Apk 4,11).
3 Intom ilkoll *li* tibżgħu *mill-Mulej, faħħruh* (cfr. S 21,24).
4 *Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek* (Lq 1,28).
5 Faħħruh intom smewwiet u art (cfr. S 68,35 – Salterju Ruman).
6 Faħħru l-Mulej, intom xmajjar kollha (cfr. Dan 3,78).
7 *Bierku, ulied* Alla, *lill-Mulej* (cfr. Dan 3,82).
8 *Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih* (S 117,24 – Salterju Ruman). Hallelujah. Hallelujah. Hallelujah! *Is-Sultan ta’ Israel* (Ġw 12,13).
9 *Kull ma jieħu n-nifs, ħa jfaħħar lill-Mulej* (S 150,6).
10 *Faħħru ‘l Mulej, għaliex hu tajjeb* (S 146,1); intom ilkoll li taqraw din il-kitba, *bierku ‘l-Mulej* (S 102,21 – Salterju Ruman).
11 Intom ħlejjaq kollha, bierku ‘l Mulej (cfr. S 102,22).
12 Intom ilkoll, *għasafar tas-sema* faħħru ‘l Mulej (Dan 3,80; cfr. S 148,7-10).
13 Intom ilkoll, *tfal żgħar*, faħħru *l-Mulej* (cfr. S 112,1).
14 *Intom żgħażagħ u xbejbiet*, faħħru ‘l Mulej (cfr. S 148,12).
15 *Jistħoqqlu l-ħaruf, li kien maqtul*, li jirċievi t-tifħir, il-glorja u l-ġieħ (cfr. Apk 5,12).
16 *Imbierka t-Trinità qaddisa u l-Unità mhux mifruda*.
17 *San Mikel Arkanġlu ħarisna fit-taqbida*.

## EXPOSITIO IN PATER NOSTER
## (PARAFRASI TAL-MISSIERNA)

[67] 1 O *Missierna* l-aktar qaddis, ħallieq, feddej, konsolatur u salvatur tagħna.
2 *Li inti fis-smewwiet*: fl-anġli u fil-qaddisin; biex iddawwalhom ħalli jagħarfuk, għaliex int, Mulej, int dawl; li tħeġġiġhom biex iħobbuk, għaliex int, Mulej, int imħabba; li tgħammar fihom u tfawwarhom bil-hena, għaliex int, Mulej, int l-ogħla tjieba, it-tjieba eterna, li minnek ġejja kull tjieba, u li mingħajrek xejn ma hu tajjeb.
3 *Jitqaddes ismek*: ħa jissebbaħ fina l-għarfien tiegħek, ħalli hekk nagħrfu kemm huma wesgħin (cfr. Ef 3,18) il-benefiċċji tiegħek, kemm huma twal il-wegħdiet tiegħek, kemm hi għolja l-majestà tiegħek, u kemm huma profondi l-ġudizzji tiegħek.
4 *Tiġi saltnatek*: u inti saltan fina bil-grazzja tiegħek u agħmel li aħna niġu fis-saltna tiegħek, fejn nikkontemplawk wiċċ imb’wiċċ, fejn inħobbuk b’mod perfett, fejn nithennew fil-kumpanija tiegħek, fejn ingawduk għal dejjem.
5 *Ikun dak li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art*: sabiex inħobbuk b’qalbna kollha (cfr. Lq 10,27) u dejjem naħsbu fik; b’ruħna kollha, billi nixtiequk il-ħin kollu; b’moħħna kollu, billi ndawru lejk il-fehmiet tagħna, u dejjem infittxu l-glorja tiegħek f’kollox, u dejjem naħlu l-enerġija tagħna bil-qawwa tagħna kollha u bis-sensi kollha tar-ruħ u tal-ġisem fil-qadi għall-imħabba tiegħek u f’xejn aktar; u li nħobbu l-proxxmu tagħna bħalna nfusna, billi niġbdu bil-qawwa lil kulħadd lejk għall-imħabba tiegħek, skond kif nistgħu, u nifirħu bit-tajjeb ta’ l-oħrajn bħallikieku kien tagħna stess, u li nħennu għall-oħrajn fid-deni u li qatt ma nfixklu jew noffendu lil ħadd (cfr. 2Kor 6,3).

6 *Ħobżna ta' kuljum*: Ibnek il-maħbub, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, *agħtina llum*: biex niftakru u nifhmu u nqimu l-imħabba li Hu kellu għalina u dak kollu li, minħabba fina, qal, għamel u sofra.
7 *U aħfrilna dnubietna*: għall-ħniena tiegħek li ma titfissirx, bil-qawwa tal-passjoni ta' l-Iben il-maħbub tiegħek, u permezz tal-Verġni l-aktar qaddisa u għall-merti u l-interċessjoni tal-magħżulin kollha tiegħek.
8 *Bħalma naħfru li min hu ħati għalina*: u dak li ma nistgħux naħfruh għal kollox, Mulej, agħmel li naħfruh minn qalbna, sabiex inħobbu tassew l-għedewwa tagħna minħabba fik u nidħlu bil-qima għalihom quddiemek, u ma nroddu lil ħadd id-deni għad-deni li nirċievu (cfr. 1Tes 5,15) u li dejjem nitħabtu biex nagħmlu l-ġid lil kulħadd minħabba fik.
9 *U la ddaħħalniex fit-tiġrib*: moħbi jew li jidher, li jiġi fuqna ħabta u sabta jew li jħabbatna bla heda.
10 *Iżda eħlisna mid-deni*: ta' l-imgħoddi, ta' issa u ta' li ġej. Glorja lill-Missier...

## FORMA VIVENDI SANCTAE CLARAE DATA
## (FORMA TA' ĦAJJA MOGĦTIJA LIL SANTA KLARA)

[68] Għaliex intom, imnebbħin minn Alla, għamiltu lilkom infuskom ulied u qaddejja tas-Sultan l-aktar għoli, il-Missier tas-sema, u tgħarrastu ma' l-Ispirtu s-Santu billi għażiltu li tgħixu skond ma titlob il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes: jiena rrid u nwiegħed li jien, flimkien ma' l-aħwa tiegħi, nibqa' dejjem nieħu ħsiebkom kif imiss, u li nuri lejkom, bħalma nuri lejhom stess, ħerqa speċjali.

FRAGMENTA ALTERIUS REGULAE NON BULLATAE
(FRAMMENTI TA' REGOLA OĦRA MHUX BULLATA)

Frammenti tal-Kodiċi ta' Worcester

[69] 1 Ħuti, ejjew nisimgħu dak li jgħid il-Mulej: *Ħobbu* l-għedewwa tagħom u agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom (cfr. Mt 5,44), għaliex il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li rridu nimxu fuq il-passi tiegħu (cfr. 1Pt 2,21), lil dak li ittradih sejjaħlu *ħabib u* reħa ruħu minn jeddu *f'idejn dawk li sallbuh*. 2 Il-ħbieb tagħna, għalhekk, huma dawk kollha li *jġibu fuqna* t-tiġrib *mingħajr ma jistħoqqilna*, li jġiegħluna ngħaddu minn dwejjaq, mistħija, tgħajjir, tbatijiet u turmenti, martirju u mewt; lil dawn għandna nħobbuhom ħafna, għaliex minn dak li jagħmlulna, niksbu l-ħajja ta' dejjem. 3 U għandna ngħakksu lil ġisimna billi nsallbuh flimkien mal-vizzji u l-ġibdiet ħżiena u d-dnubiet, għaliex il-ħajja skond il-ġisem trid taħtfilna l-imħabba ta' Ġesù Kristu u l-ħajja ta' dejjem u tibgħatna flimkien ma' ruħna fl-infern; 4 għaliex aħna, bi ħtija tagħna sirna mħassrin, aħna kuntrarji għal kull tjieba, u lesti biex nagħmlu l-ħażen minn jeddna; 5 għaliex il-Mulej jgħid: *Mill-qalb tal-bniedem joħorġu l-ħsibijiet ħżiena* (Mk 7,21) u l-bqija…

[70] 6 Imma aħna, wara li ħallejna d-dinja, ma nkunux irridu nagħmlu xejn aktar, ħlief li nkunu mimlijin ħeġġa li nimxu wara r-rieda tiegħu u li nogħoġbuh; 7 għandna nħarsu ħafna rwieħna li ma mmorrux inkunu bħall-ħamrija fil-mogħdija mimlija ġebel u xewk, skond dak li jgħid il-Mulej fl-Evanġelju: *Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla* (Lq 8,11); *dik li taqa' mal-mogħdija tirtifes mir-riġlejn* (cfr. Lq 8,5) 8 u l-bqija sal-kliem: *jagħmlu frott fis-sabar* (Lq 8,15).

[71] 9 Għaldaqstant l-aħwa kollha, kif jgħid il-Mulej: *Ħallu l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom* (cfr. Mt 8,22); 10 u għandna nħarsu ħafna rwieħna mill-ħażen u mill-qerq tax-xitan, għaliex dan ma jridx li l-bniedem bil-qawwa tiegħu u bil-qalb tiegħu idur lejn il-Mulej Alla; 11 u hu jdur madwarna u jrid il-qalb tal-bniedem billi jġiegħlu jaħseb li jikseb xi qliegħ jew għajnuna u hekk joħnoqlu l-kelma u l-preċetti tal-Mulej u jħassarhomlu mill-memorja, u hu jrid jagħmi l-qalb tal-bniedem bil-ħafna tħassib u kura tal-ħwejjeġ ta' din id-dinja, 12 kif jgħid il-Mulej: *Meta l-ispirtu mniġġes* (Mt 12,43) 13 u l-bqija sal-kliem: *Il-qagħda ta' l-aħħar ta' dak il-bniedem tkun agħar minn dik ta' l-ewwel* (Mt 12,45).

[72] 14 Għalhekk, l-aħwa tiegħi kollha, ejjew inħarsu ħafna rwieħna, li ma mmorrux taħt id-dehra ta' xi għemil jew qliegħ jew għajnuna nitilfu jew inwarrbu l-moħħ u l-qalb tagħna mill-Mulej. 15 Imma fl-imħabba, li hi Alla (cfr. 1Ġw 4,16), nitlob lill-aħwa kollha kemm ministri kif ukoll l-oħrajn, li jbiegħdu minnhom kull ma jista' jfixkilhom, ukoll mill-bogħod, u kull kura u tħassib, u kemm jistgħu, iħobbu, jaqdu u jaduraw lill-Mulej Alla b'qalb nadifa u ruħ safja, għaliex hu fuq kollox dan ifittex, 16 u dejjem għandna nħejjulu dar u post fejn jgħammar (cfr. Ġw 14,23), għaliex hu l-Mulej Alla li jista' kollox, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, li jgħid: *Ishru mela u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu jistħoqqilkom taħarbu minn kull ħażen li għad irid jiġi u tidhru quddiem Bin il-bniedem* (Lq 21,36); *u meta tkunu titolbu* (Mt 11,25), *għidu* (Lq 11,2): *Missierna* (Mt 6,9). 17 U għandna nadurawh b'qalb safja, *għaliex jeħtieġ nitolbu dejjem u ma ngħajjewx* (Lq 18,1); *għaliex il-Missier ifittex* aduraturi *bħal dawn* (cfr. Ġw 4,23). 18 *Alla u spirtu, u dawk li jqimuh għandhom iqimuh fl-Ispirtu u l-verità* (Ġw 4,24). 19 U għandna mmorru għandu għaliex *hu r-ragħaj u l-għassies ta' rwieħna* (1Pt 2,25), li jgħid: *Jiena r-ragħaj it-tajjeb* (Ġw 10,11), u l-bqija,

sal-kliem: *għan-ngħaġ tiegħi jiena nagħti ħajti* (Ġw 10,15). 20 *Intom ilkoll aħwa u ssejjħu lil ħadd missierkom fuq din l-art* (Mt 23,8-9), u l-bqija. 21 U la tħallux min *isejħilkom mgħallmin* (Mt 23,10) u l-bqija. 22 *Jekk tibqgħu fija u l-kliem tiegħi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu u dan ikun mogħti lilkom* (Ġw 15,7). 23 *Kullfejn tnejn jew tlieta jinġabru f'ismi* (Mt 18,20) u l-bqija. 24 *Ara, jiena magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien* (Mt 28,20) u l-bqija. 25 *Il-kliem li jiena għidtilkom, huma spirtu u ħajja* (Ġw 6,64). 26 *Jiena t-triq, il-verità u l-ħajja* (Ġw 14,6).

[73] 27 Għandna mela nżommu l-kliem, it-tagħlim, il-ħajja u l-evanġelju mqaddes tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li stħaqqlu jitlob għalina lill-Missier u jurina l-isem tiegħu u qal: *Missier, jiena għarraft ismek lill-bnedmin* (Ġw 17,6) u l-bqija, sal-kliem: 28 *Missier, irrid li dawk li inti tajtni jkunu miegħi huma wkoll, biex jaraw il-glorja tiegħi* (cfr. Ġw 17,24) fis-saltna tiegħek. 29 Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu. Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

[74] 30 L-aħwa għandhom juru lill-foqra l-istess imħabba li għandhom lejn xulxin, skond kif jgħid l-appostlu: *Ma nħobbux bil-kliem u lanqas bit-tpaċpiċ* (1 Ġw 3,18) u l-bqija.

[75] 31 L-aħwa kollha, kull fejn jinsabu, għandhom iħarsu rwieħhom mill-ħars ħażin u mill-ħbiberija man-nisa, u ħadd ma għandu jagħtihom parir waħdu. 32 U aktar 'il quddiem: Għandna nżommu l-membri kollha ta' ġisimna safjin ħafna, għaliex il-Mulej jgħid: *Kull min iħares lejn mara u jixtieqha* (Mt 5,28) u l-bqija. U aktar 'il quddiem.

[76] 33 Meta l-aħwa joħorġu fid-dinja ma għandhom iġorru xejn magħhom għat-triq, u la ħorġa (cfr. Lq 10,4) *la borża, la ħobż u lanqas flus* (cfr. Lq 9,3), *la ħatar u lanqas qrieq* (cfr. Mt 10,10). U aktar 'il quddiem.

[77] 34 Ma għandhomx jieqfu lill-ħażin, imma lil kull min jagħtihom daqqa ta' ħarta fuq ħaddejhom, *għandhom idawwrulu l-ieħor ukoll* (cfr. Mt 5,39). 35 U min jeħdilhom il-libsa, ma għandhomx jiċħdulu l-mantell (cfr. Lq 6,29), *u min jeħdilhom dak li hu tagħhom*, ma għandhomx jitolbuhulu lura (cfr. Lq 6,30).

[78] 36 L-aħwa li bil-permess tal-ministru tagħhom imorru fost l-infidili, jistgħu jġibu ruħhom magħhom b'żewġ modi. 37 L-ewwel mod hu, li ma jitlewwmux u lanqas joqogħdu jħaqquha, imma li joqogħdu *għal kull ħlejqa minħabba f'Alla* (1Pt 2,13) u jistqarru li huma nsara. 38 It-tieni mod hu, li meta jaraw li jogħġob lil Alla, iħabbru l-kelma ta' Alla, sabiex jemmnu f'Alla Missier li jista' kollox, u Iben u Spirtu s-Santu. U aktar 'il quddiem:

[79] 39 U l-aħwa kollha, kull fejn jinsabu, għandhom jiftakru, li huma erħew u ħallew lilhom infushom u l-ġisem tagħhom f'idejn il-Mulej Ġesù Kristu. 40 U għall-imħabba tiegħu għandhom isofru l-persekuzzjoni u l-mewt kemm mill-għedewwa li jidhru kif ukoll minn dawk li ma jidhrux; u l-bqija. U aktar 'il quddiem.

[80] 41 L-aħwa kollha għandhom jippriedkaw bl-eżempju. 42 L-ebda ministru jew predikatur ma għandu jaħtaf għalih innifsu l-ministeru ta' l-aħwa jew l-uffiċċju tal-predikazzjoni, imma kull meta jiġi mitlub li jagħmel dan, għandu jħalli l-uffiċċju tiegħu. 43 Għaldaqstant nitlob bil-ħniena fl-imħabba, li hi Alla (cfr. 1 Ġw 4,16), lill-aħwa tiegħi kollha li jippriedkaw, li jitolbu, li jaħdmu,

kemm kjeriċi kif ukoll lajċi, biex jaraw bir-reqqa li jiċċekknu f'kollox, 44 li ma jitkabbrux, li ma jifirħux fihom infushom u lanqas ma jitgħollew minħabba kliem jew għemejjel tajbin, anzi minħabba l-ebda ġid, li l-Mulej jagħmel jew jgħid jew jaħdem fihom jew permezz tagħhom, skond kif jgħid il-Mulej: *Għax tassew ma għandkomx tifirħu f'dan, jiġifieri li l-ispirti joqogħdu għalikom* (Lq 10,20), u l-bqija.

[81] 45 U bil-qawwa kollha nafu, li aħna ma għandna xejn tagħna ħlief il-vizzji u d-dnubiet; 46 u għalhekk jeħtieġ li nifirħu aktar meta jiġi fuqna bosta tiġrib (cfr. Ġak 1,2), u kull meta nsofru minn dwejjaq fir-ruħ u fil-ġisem f'din id-dinja, minħabba fil-ħajja ta' dejjem.

[82] 47 Aħna l-aħwa kollha kemm aħna rridu nħarsu ruħna mill-kburija u mill-ftaħir fieragħ; 48 aħna nħarsu rwieħna ħafna mill-għerf ta' din id-dinja u mill-għaqal tal-ġisem. Għax l-ispirtu tal-ġisem irid u jitħabat ħafna biex jikseb il-kliem, imma ftit biex iwettaq l-għemil; 49 u jfittex mhux ir-reliġjon u l-qdusija ta' l-ispirtu, imma jrid u jixtieq ir-reliġjon u l-qdusija li jidhru minn barra quddiem il-bnedmin. 50 U dawn huma dawk li dwarhom il-Mulej jgħid: *Tassew ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh* (Mt 6,2). 51 Imma l-Ispirtu tal-Mulej irid li l-ġisem jgħix fit-tgħakkis u fl-istmerrija, u li jiġi meqjus bla siwi u ta' min jobogħdu. 52 U jitħabat biex jikseb l-umiltà u s-sabar, is-sempliċità safja u l-paċi vera ta' l-ispirtu. 53 U fuq kollox jixtieq li jkollu l-biża' qaddis u l-għerf divin u l-imħabba divina tal-Missier, Iben u Spirtu s-Santu.

[83] 54 U għandna nroddu t-tajjeb kollu lill-Mulej Alla l-aktar għoli u kbir u nagħarfu li kull ġid ġej minnu. 55 U hu jilqa' l-ġieħ u l-qima kollha, kull tifħir u barka, kull radd il-ħajr u glorja, għaliex minnu ġej kull ġid, hu li hu waħdu tajjeb (cfr. Lq 18,19).

[84] 56 U meta nisimgħu lill-bnedmin jitkellmu ħażin jew jidgħu kontra l-Mulej, aħna għandna nagħmlu l-ġid u nbierku u nfaħħru lill-Mulej, *li hu mbierek għal dejjem* (Rum 1,25).

[85] 57 Għandna nqisu lill-kjeriċi u r-reliġjużi kollha bħala sidien tagħna f'dak li għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni tar-ruħ, u li ma jmurx kontra l-ispirtu ta' l-Ordni tagħna; u nordna li għandna nqimu l-ministeru u l-uffiċċju tagħhom fil-Mulej. U aktar 'il quddiem.

[86] 58 L-aħwa kollha jistgħu dejjem jgħid dan il-kliem ta' tħeġġiġ jew tifħir kull meta jnebbaħhom il-Mulej, u jxandruh fost il-bnedmin kollha bil-barka ta' Alla u bil-permess tal-ministri tagħhom: 59 Ibżgħu u qimu, faħħru u bierku, *roddu ħajr* (1Tes 5,18) u qimu lill-Mulej Alla tagħna, li jista' kollox, Alla wieħed fi tliet persuni, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, ħallieq ta' kollox. 60 *Agħmlu penitenza* (cfr. Mt 3,2), u *agħmlu frott xieraq ta' penitenza* (cfr. Lq 3,8), għaliex għandkom tkunu tafu li dalwaqt immutu. 61 *Agħtu u jingħatalkom* (Lq 6,38). 62 *Aħfru u tkunu maħfura* (cfr. Lq 6,37). 63 U *jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom* (Mt 6,14), il-Mulej *ma jaħfirx lilkom id-dnubiet tagħkom* (Mk 11,25). Qerru d-dnubiet kollha tagħkom (cfr. Ġak 5,16). 64 Henjin dawk li jmutu fil-penitenza, għaliex tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet. 65 Misħutin dawk li ma jmutux fil-penitenza, għaliex huma *ulied ix-xitan li jagħmlu l-għemejjel tiegħu* (Ġw 8,41) u jmorru fin-nar ta' dejjem. 66 Ħarsu rwieħkom u iċċaħħdu minn kull ħażen u żommu sħaħ sa l-aħħar fit-tajjeb.

[87] 67 L-aħwa, jinsabu fejn jinsabu, fl-eremitaġġi jew f'postijiet oħrajn, għandhom iħarsu rwieħhom li ma jaħkmux l-ebda post jew l-ebda ħaġa bħala proprjetà tagħhom u lanqas iħarsuha

mill-oħrajn. 68 U kull min jiġi għandhom, kemm ħabib kif ukoll għadu, ma għandhomx joqogħdu jħaqquha miegħu bl-ebda mod. 69 U kull fejn ikunu l-aħwa u f'kull post li fih jiltaqgħu flimkien, għandhom jifirħu spiritwalment li jaraw lil xulxin bl-imħabba u jagħtu ġieħ *wieħed lill-ieħor mingħajr tgemgim* (1Pt 4,9). 70 U għandhom iħarsu ruħhom, li ma jurux lilhom infushom imnikktin, b'wiċċhom imqarras, jew b'bixra ta' wiċċ b'ieħor; imma għandhom jidhru li huma *ferħanin fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4) u mimlijin hena u ferrieħa u mimlijin kortesija lejn xulxin, kif jixraq.

[88] 71 Nitlob lil kull wieħed mill-aħwa tiegħi morda, biex ta' kollox jiżżi ħajr lill-Ħallieq, u li f'kollox ikun jixtieq li jkun skond kif iridu Alla, kemm jekk ikun f'saħħtu kif ukoll jekk ikun marid, għaliex dawk kollha, li l-Mulej iddestinahom minn qabel *għall-ħajja ta' dejjem* (cfr. Atti 13,48) jgħallimhom bis-swat u bin-niggieża tal-mard jew bl-indiema ta' l-ispirtu; kif hu miktub: *Jiena dawk li nħobb* (Apk 3,19) u l-bqija. 72 Għaldaqstant nitlob lill-aħwa tiegħi morda, li f'kull marda tagħhom, ma għandhomx jitlagħlhom u lanqas jitħawwdu kontra Alla jew kontra l-aħwa, u lanqas ma għandhom joqogħdu jitolbu l-mediċini b'ħerqa żejda għax jixtiequ jeħilsu lil ġisimhom li dalwaqt imut mit-tbatija, għaliex dan hu għadu tar-ruħ.

[89] 73 L-aħwa kollha għandhom jaraw li jimxu bir-reqqa wara l-umiltà u l-faqar tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u għandhom jiftakru, li ma għandniex nixtiequ li jkollna xejn mill-ħwejjeġ ta' din id-dinja, ħlief, kif jgħid l-appostlu, li jkollna x'nieklu u x'nilbsu, *u dan għandu jkun biżżejjed għalina* (1Tim 6,8). 74 U għandhom jifirħu meta jgħixu fost nies baxxi u ta' min jistmerrhom, qalb il-foqra u d-dgħajfin u l-morda u l-lebbrużi u qalb it-tallâba fit-toroq. 75 U meta jsibu ruħhom fil-ħtieġa, għandhom joħorġu jittallbu l-karità. 76 U ma għandhomx għax jistħu, għax il-Mulej tagħna Ġesù *Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj* (Ġw 11,27) li jista' kollox, *għamel wiċċu bħaż-żnied* (Is 50,7) u ma staħax. 77 U kien fqir u pellegrin, u kien jgħix bil-karità, hu u l-Verġni mbierka ommu, l-imqaddsa Marija, u d-dixxipli tiegħu. 78 U meta l-bnedmin iġiegħluhom jistħu u ma jkunux iridu jagħtuhom karità, huma għandhom iroddu ħajr ta' dan lill-Mulej, għaliex bil-mistħija tagħhom huma jiksbu ġieħ kbir quddiem it-tribunal tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

[90] 79 U għandhom ikunu jafu, li l-mistħija ma jridx jagħti kont tagħha min isofriha, imma min jagħmilha lil ħaddieħor; 80 għaliex il-karità hi l-wirt li għandu jingħata b'ġustizzja lill-foqra, u li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu kisbilna. 81 U l-aħwa, li jaħdmu biex jiksbuha, għad ikollhom ħlas kbir permezz tagħhom jiksbu qliegħ kbir dawk li jkunu għamlu karità magħhom; għaliex dak kollu, li l-bnedmin iħallu warajhom fid-dinja, għad jintemm, imma għad ikollhom ħlas fil-ħajja ta' dejjem ta' l-imħabba li juru u tal-karità li jkunu għamlu.

### Frammenti ta' Ugo da Digne, *Expositio super Regulam Fratrum Minorum*

[91] 1 Il-qaddis hekk kien jgħid fir-Regola mhux bullata dwar dan: Għandhom iħarsu ruħhom l-aħwa u l-ministri ta' l-aħwa, li ma jindaħlux bl-ebda mod fil-ħwejjeġ materjali ta' dawn it-talin. [RegNB II,5]

[92] 2 Fir-Regola mhux bullata l-Qaddis kien iżid jgħid: U għalkemm isejħilhom nies ta' wiċċ b'ieħor, ma għandhomx jieqfu li jagħmlu l-ġid. [RegNB II,15]

[93] 3 Fir-Regola mhux bullata kien hemm dawn il-kelmiet: Fi żminjiet oħrajn mhumiex obbligati li jsumu skond din il-forma ta' ħajja, ħlief nhar ta' Ġimgħa. [RegNB III,12]

[94] 4 Għax il-Qaddis, fir-Regola ta' qabel kien jgħid: Għandhom jiftakru l-ministri li tħalliet f'idejhom il-kura ta' l-erwieħ ta' l-aħwa, hekk li, jekk xi wieħed minnhom jintilef minħabba ħtija tagħhom jew minħabba eżempju ħażin, huma jridu jagħtu kont quddiem il-Mulej Ġesù Kristu. [RegNB IV,6]

[95] 5 Il-Qaddis hekk kien jgħid fir-Regola oriġinali: L-aħwa kollha, kemm il-ministri kif ukoll l-oħrajn, għandhom iħarsu rwieħhom, li minħabba d-dnub ta' xi ħadd ieħor jew minħabba l-eżempju ħażin, ma għandhomx jitħawwdu u lanqas jitlagħlhom, għaliex ix-xitan minħabba dnub wieħed irid iħassar lil ħafna; imma spiritwalment, kif jistgħu.għandhom jgħinuh, lil dak li dineb, għaliex mhux min hu f'saħħtu għandu bżonn it-tabib, imma l-morda (cfr. Mk 2,17). [RegNB V,7-8]

[96] 6 Skond dak il-kliem tal-Mulej, li l-imqaddes Franġisku kien itenni lill-aħwa: *Il-mexxejja tan-nazzjonijiet jaħkmu fuqhom, u dawk li huma mexxejja jħaddmu l-qawwa tagħhom fuqhom; imma mhux hekk għandu jkun fostkom* (Mt 20,25-26a). [RegNB V,10]

[97] 7 Skond kif il-Qaddis kien iħeġġeġ fir-Regola mhux bullata: Għall-imħabba ta' l-ispirtu għandhom jaqdu u jħobbu lil xulxin bil-qalb (cfr. Gal 5,13). Għax din hi l-ubbidjenza vera u sħiħa tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. [RegNB V,14b-15]

[98] 8 Għalhekk hekk kien jgħid fir-Regola ta' qabel: L-aħwa, f'kull post li fih jinsabu, u li ma jistgħux iħarsu spiritwalment il-ħajja tagħna, għandhom jgħarrfu b'dan lill-ministru tagħhom. Il-ministru mbagħad għandu jara kif jgħinhom, bl-istess mod kif hu jkunu jixtieq min jagħmel miegħu. [RegNB VI,1-2]

[99] 9 Jew, skond kif jingħad fl-ewwel Regola: F'kull post li fih jinsabu l-aħwa. [RegNB VI,1]

[100] 10 Skond kif jingħad fir-Regola ta' qabel: L-aħwa kollha, fil-postijiet kollha li fihom jinsabu jew joqgħodu għand ħaddieħor, ma għandhomx ikunu teżoriera jew kanċillieri jew jikkmandaw iċ-ċerimonji ta' dawk li jaqduhom; u ma għandhom jilqgħu l-ebda uffiċċju, li jnissel skandlu jew li jkun ta' ħsara għal ruħhom (cfr. Mk 8,36); imma għandhom ikunu minuri u joqogħdu f'kollox taħt kull persuna li tkun tgħix f'dik id-dar. [RegNB VII,1-2]

[101] 11 Skond kif jingħad fir-Regola ta' qabel: L-aħwa li jafu jaħdmu, għandhom jaħdmu f'dik is-sengħa li jafu jħaddmu, jekk din ma tkunx kontra s-salvazzjoni ta' ruħhom. [RegNB VII,3]

[102] 12 U wara ftit: Kull wieħed għandu jibqa' (cfr. 1Kor 7,24) f'dik is-sengħa u f'dak l-uffiċċju li għalih ġie msejjaħ, skond ma jaraw l-aħjar il-Ministri. [RegNB VII,6]

[103] 13 Hekk kiteb fir-Regola mhux bullata: Il-qaddejja ta' Alla għandhom ikunu l-ħin kollu mehdijin fit-talb u f'xi ħidma tajba. [RegNB VII,12]

[104] 14 Kien hemm dawn il-kliem fir-Regola mhux bullata: L-aħwa għandhom iħarsu rwieħhom li ma jaħkmux għalihom infushom xi post jew ħaġa bħala proprjetà u lanqas jiddefenduh mill-oħrajn. [RegNB VII,13]

[105] 15 Hekk kien jitkellem il-Qaddis fir-Regola ta' qabel... U wkoll: Kull fejn jinsabu l-aħwa u f'kull post li fih jiltaqgħu, għandhom jaraw lil xulxin mill-ġdid spiritwalment u bl-imħabba u juru qima wieħed lill-ieħor mingħajr tgemgim (1Pt 4,9). U l-aħwa għandhom iħarsu ħafna rwieħhom, li ma jurux lilhom infushom imdejjqin jew b'bixra ta' wiċċ b'ieħor, imma għandhom juru ruħhom ferħanin fil-Mulej u ferrieħa u mimlijin hena u kortesija kif jixraq. [RegNB VII,15-16]

[106] 16 Dwar il-flus li jinstabu l-Qaddis hekk kien jgħid: Jekk insibu l-flus, ma għandniex nagħtu kashom aktar milli kieku kienu trab, li ngħaffġuh taħt riġlejna. [RegNB VIII,6]

[107] 17 [Franġisku] kien jinsisti li l-aħwa jistgħu jittallbu l-karità għal-lebbrużi li jinsabu fi ħtieġa kbira, imma li għandhom iħarsu ruħhom ħafna mill-flus. U għalkemm l-aħwa kienu jħobbu l-postijiet qaddisa, li fihom kienu jiġu milqugħin jew li fihom kienu jgħixu, b'danakollu ma kienx ikun iridhom li bl-ebda mod ma jittallbu flus jew jaraw li jsibu min jittallab għalihom minħabba xi post li jkunu fih, jew ukoll li joħorġu flimkien ma' dawk li jittallbu għalihom.

[108] 18 Fl-ewwel Regola nsibu dawn il-kelmiet: Meta jkunu jinsabu fil-ħtieġa, l-aħwa għandhom joħorġu jittallbu l-karità. [RegNB IX,3]

[109] 19 Fir-Regola oriġinali kien jesprimi ruħu b'aktar kliem: Meta jkunu fil-ħtieġa, l-aħwa għandhom joħorġu jittallbu l-karità. U ma għandhomx għax jistħu, imma għandhom jiftakru fuq kollox li l-Mulej tagħna Ġesù *Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj* (Ġw 11,27) u li jista' kollox, *għamel wiċċu bħaż-żnied* (Is 50,7), u ma staħax; u kien fqir u pellegrin u kien jgħix bil-karità hu u d-dixxipli tiegħu. U meta l-bnedmin iġiegħeluhom jistħu u ma jkunux iridu jagħtuhom karità, għandhom iroddu ħajr lil Alla; għaliex il-mistħija tagħtihom ġieħ kbir quddiem it-tribunal tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. U għandhom ikunu jafu li l-mistħija tħammar wiċċ min jagħmilha u mhux min jirċeviha. U l-karità hi l-wirt u l-ġustizzja li għandha tingħata lill-foqra, għaliex lilna akkwistahielna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu. U dawk l-aħwa li jaħdmu biex jiksbuha, jirċievu ħlas kbir u jkunu jistgħu jaħżnu bosta ġid; għaliex il-bnedmin kollox ikollhom iħallu warajhom mill-ħwejjeġ li jintemmu f'din id-dinja, imma jkollhom il-premju mingħand il-Mulej għall-karità li huma jkunu għamlu. [RegNB IX,3-9]

[110] 20 Hekk kien jitkellem il-Qaddis fl-ewwel Regola: Kull wieħed mill-aħwa għandu juri bil-fiduċja lill-ieħor il-ħtiġijiet tiegħu, sabiex hekk dejjem ikollu l-meħtieġ għalih u jkun jista' jqassam lill-oħrajn. [RegNB IX,10]

[111] 21 Il-Qaddis hekk kien iwissi fir-Regola mhux bullata: Nitlob lil ħija marid, li għandu jrodd ħajr ta' kollox lill-Ħallieq, u għandu jrid li jkun skond kif ikun iridu l-Mulej, kemm jekk ikun f'saħħtu kif ukoll jekk ikun marid. [RegNB X,3]

[112] 22 U wara ftit: Nitlob lill-aħwa tiegħi kollha, biex fil-mard ma jitlagħlhomx u lanqas jitħawwdu kontra Alla jew kontra l-aħwa, u lanqas ma għandhom joqogħdu jitolbu l-mediċini

b’ħerqa żejda, u lanqas ma għandhom joqogħdu jixtiequ jeħilsu lill-ġisem li dalwaqt imut, u li hu l-għadu tar-ruħ. [RegNB X,4]

[113] 23 Kienu jqisuha ħaġa mill-agħar li wieħed jgħajjar lil ħuh ġifa jew iblah biex iweġġgħu, skond kif jingħad fl-ewwel Regola li tesprimi dawn il-kelmiet ta’ l-Evanġelju (cfr. Mt 5,22).

[114] 24 L-Evanġelju jgħallem li wieħed ma għandux jitlewwem, li ma għandux iħaqqaqha fuq dak li hu tiegħu, li ma għandux jieqaf lill-ħażin, u dan kollu tesprimih b’mod speċjali r-Regola mhux bullata; imma issa dan jintwera bi kliem imqassar u ġenerali.

[115] 25 Il-Qaddis fl-ewwel Regola wera ż-żewġ modi li bihom l-aħwa setgħu jgħixu qalb dawk li ma jemmnux: L-aħwa, imbagħad, li jmorru, jistgħu jgħixu ħajja spiritwali fost dawn in-nies b’żewġ modi. Qabel xejn, huma ma għandhomx jitlewwmu u lanqas jargumentaw ma’ ħadd, imma għandhom joqogħdu *għal kull ħlejqa umana minħabba f’Alla* (1Pt 2,13), u għandhom jistqarru li huma insara. It-tieni mod hu li, meta huma jaraw li jogħġob lill-Mulej, għandhom ixandrulhom il-kelma ta’ Alla, sabiex jemmnu f’Alla li jista’ kollox, il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, ħallieq ta’ kollox, u fl-Iben li hu feddej u salvatur, u sabiex jitgħammdu u jsiru insara, għaliex ma jkunux jistgħu jsalvaw, ħlief dawk li jitgħammdu u jsiru insara veri u spiritwali, għaliex *min ma jitwelidx mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, ma jistax jidħol fis-saltna ta’ Alla* (cfr. Ġw 3,5). [RegNB XVI,5-7]

[116] 26 U wara xi ħwejjeġ oħrajn, kiteb: U l-aħwa għandhom jiftakru, li huma ingħataw b’ruħhom u ġisimhom u ħallew il-ġisem tagħhom minħabba l-Mulej Alla Ġesù Kristu. U għall-imħabba tiegħu huma għandhom isofru t-tiġrib, il-persekuzzjoni u l-mewt, għaliex il-Mulej jgħid: *Min jitlef ħajtu minħabba fija, dan isibha* (cfr. Lq 9,24). *Ngħidilkom għalhekk, ħbieb tiegħi, la tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem* (Lq 12,4). *Jekk jippersegwitawkom f’belt, aħarbu f’oħra* (cfr. Mt 10,23). [RegNB XVI, 10-11.17.14]

[117] 27 Kif iħeġġeġ il-Qaddis fl-ewwel Regola: L-aħwa kollha għandhom jippriedkaw bl-għemil. [RegNB XVII,3]

[118] 28 Il-Qaddis kien irid li l-aħwa juru qima speċjali lejn il-persuni ekkleżjastiċi: Għandna nqisu bħala sidien tagħna lill-kjeriċi u lir-reliġjużi kollha, li ma jmorrux kontra l-Ordni tagħna, u għandna nqimu l-ordni u l-ministeru li għandhom fil-Mulej. [RegNB XIX,3]

[119] 29 Biex ninbnew fir-ruħ u biex ikollna aktar ċar quddiemna l-kuntest [tar-Regola], għandna nistudjaw kif bdiet. Infakkar li l-qaddis kien jitlob li dawk l-aħwa kollha li jħarsu dak kollu li hu miktub fir-Regola, li jgħallmuh, li jitgħallmuh, u li jaħsbu fuqu bir-reqqa l-ħin kollu, jkunu mberkin mill-Mulej.

## Frammenti minn 2 Celano

[120] 1 [Il-Ministri] jkunu miżmumin li jagħtu kont lilek, Mulej, f’jum il-ħaqq, jekk xi ħadd mill-aħwa jintilef minħabba t-traskuraġni tagħhom jew minħabba l-eżempju ħażin jew minħabba l-korrezzjoni bl-aħrax. [2C 143]

[121] 2 Biex iwissi lil kulħadd waqt kapitlu ġenerali hu ried li jinkitbu dawn il-kelmiet: L-aħwa għandhom iħarsu rwieħhom li minn barra ma jidhrux imnikktin jew bil-bixra ta' wiċċ b'ieħor, imma għandhom juru ruħhom ferħanin fil-Mulej, ferrieħa u hienja u mimlijin kortesija kif jixraq. [2C 128]

[122] 3 Ifakkar lil dak li jażżarda jeħodha kontra l-kliem tar-Regola, li fiha jidher ċar li meta l-aħwa jsibu l-flus għandhom jgħaffġuhom taħt riġlejhom bħat-trab. [2C 66]

[123] 4 F'waħda mir-Regoli tiegħu hu kiteb hekk: Nitlob lill-aħwa tiegħi kollha morda, li fil-mard tagħhom ma għandhomx jitlagħlhom u lanqas jitħawwdu kontra Alla jew kontra l-aħwa. U lanqas ma għandhom joqogħdu jitolbu l-mediċini b'ħerqa kbira, u wisq anqas ma għandhom joqgħodu jixtiequ jeħilsu 'l ġisimhom li dalwaqt imut, u li hu l-għadu tar-ruħ. Għandhom iroddu ħajr ta' kollox, u għandhom jixtiequ li jkunu skond kif iridhom Alla. Dawk li Alla ippredestinahom għall-ħajja ta' dejjem (cfr. Atti 13,48), jgħallimhom bis-swat u bin-niggieża tal-mard, għaliex u stess jgħid: *Jiena lil dawk li nħobb, nwiddibhom u nikkastigahom* (Apk 3,19). [2C 175]

LAUDES AD OMNES HORAS DICENDAE
(TIFĦIR GĦAS-SIGĦAT TA' L-UFFIĊĊJU DIVIN)

[124] Jibda t-tifħir li sawwar il-missier l-aktar qaddis tagħna Franġisku u li hu nnifsu kien jgħid f'kull siegħa kanonika ta' bin-nhar u bil-lejl u qabel l-Uffiċċju ta' l-imqaddsa Verġni Marija, bil-kliem li jibdew: *Missierna l-aktar qaddis, li inti fis-smewwiet,* bil-*Glorja*. Imbagħad kien jgħid dan it-tifħir:

1 Qaddis, qaddis, qaddis, il-Mulej Alla li jista' kollox, li *hu* u li *kien* u li għad irid jiġi (cfr. Apk 4,8): Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
2 Jistħoqqlu l-Mulej, Alla tagħna, li jirċievi *t-tifħir,* il-glorja u l-ġieħ *u l-barka* (cfr. Apk 4,11): Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
3 Jistħoqqlu l-ħaruf, li kien maqtul, li jirċievi l-qawwa u d-divinità u l-għerf u s-setgħa u l-ġieħ u l-glorja u l-barka (Apk 5,12): Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
4 Inbierku l-Missier u 'l Iben flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu: Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
5 Bierku għemejjel kollha tal-Mulej, il-Mulej (Dan 3,57): Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
6 Faħħru 'l Alla tagħna, intom il-qaddejja kollha tiegħu, li tibżgħu *minn Alla*, iż-żgħar u l-kbar (cfr. Apk 19,5): Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
7 Ħa jfaħħruh is-sema u l-art, hu li hu *glorjuż* (cfr. S 68,35; Salterju Ruman): Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
8 Ħa jfaħħruh *il-ħlejjaq kollha* li huma fis-sema u fuq l-art u *taħt l-art u fil-baħar b'kull ma fih* (cfr. Apk 5,13): Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
9 Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu: Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.
10 Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen: Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.

11 Talba: O Alla li tista' kollox, l-aktar qaddis, l-aktar għoli u kbir, int tjieba, l-ogħla tjieba, kull tjieba, inti waħdek tajjeb (cfr. Lq 18,19), nagħtuk kull tifħir, kull glorja, kull grazzja, kull ġieħ, kull barka u nroddulek kull ma hu tajjeb. Hekk ikun. Hekk ikun. Amen.

OFFICIUM PASSIONIS DOMINI (UFFIĊĊJU TAL-PASSJONI TAL-MULEJ)

[Introduzzjoni]

[125] Jibdew is-salmi, li l-wisq qaddis missier tagħna Franġisku sawwar għall-qima u t-tifkira u t-tifħir tal-passjoni tal-Mulej[55]. Dawn għandhom jingħadu f'kull siegħa ta' l-Uffiċċju divin ta'

[55] Jacques de Schampheleer OFM, *L'Office de la Paque. Commentaire de l'"Officium Passionis" de Saint François*, Les Editiones Franciscaines, Paris 1963; L. Gallant OFM, *"Dominus regnavit a ligno". L'Officium Passionis de Saint François d'Assise, édition critique et étude*, Institut Catholique, Paris 1978; Traduzzjoni bl-ingliż: "The Office of the Passion", *Greyfriars Review*, Vol. 7 (1993), Supplement, 1-89; Octavian Schmucki OFMCap, "The Passion of Christ in the Life of Saint Francis of Assisi", *Greyfriars Review*, Vol. 4 (1990) Supplement, 1-101.

bin-nhar u bil-lejl. U jibdew mill-kumpieta tal-Ġimgħa tal-Passjoni, [ta' Ħamis ix-xirka], f'dak il-lejl li fih il-Mulej tagħna Ġesù Kristu ġie ittradut u maqbud. U ara li l-imqaddes Franġisku hekk kien jgħid dan l-Uffiċċju: l-ewwel kien jgħid it-talba, li għallimna l-Mulej u l-Imgħallem tagħna: *Missierna l-aktar qaddis, eċċ,* flimkien mat-tifħir, jiġifieri: *Qaddis, qaddis, qaddis,* skond kif hu miktub aktar 'il fuq. Wara li kien itemm dan it-tifħir bit-talba kien jibda din l-antifona, jiġifieri: *Qaddisa Marija*. L-ewwel kien jgħid is-salmi ta' l-Uffiċċju tal-Verġni Marija; imbagħad kien jgħid salmi oħrajn li kien jagħżel hu, u fit-tmiem tas-salmi kollha, li kien jgħid, kien jitlob is-salm tal-passjoni. Wara li jtemm is-salm kien jgħid din l-antifona, jiġifieri: *Qaddisa Marija Verġni*. Wara li jtemm l-antifona, hekk kien itemm l-Uffiċċju.

[I Taqsima: Għat-Tridu Mqaddes ta' l-Għid u għall-ferji matul is-sena]

Kumpieta

Antifona: Qaddisa Marija Verġni.

[126] Salm I

1 O Alla jiena urejtek il-ħajja tiegħi + u qegħidt id-dmugħ tiegħi quddiem wiċċek (S 55,8-9).
2 L-għedewwa tiegħi kollha jnassu ħsibijiet ħżiena għalija (S 40,8a – R) + u flimkien jiftiehmu kontrija (cfr. S 70,10c – G).
3 U pattewli bil-ħażin it-tajjeb tiegħi + u tawni l-mibegħda għall-imħabba tiegħi (cfr. S 108,5).
4 L-imħabba tiegħi pattewhieli bit-tagħjir + jiena għalhekk nitlob (S 108,4).
5 Missier qaddis tiegħi (Ġw 17,11), *sultan tas-sema u ta' l-art*, titbiegħedx minni + għaliex it-tiġrib hu fil-qrib u ma hawn ħadd min jgħinni (S 21,12 – R).
6 L-għedewwa tiegħi reġgħu lura + kull jum jiena nsejjaħlek, u nagħraf li inti Alla tiegħi (S 55,10 – cfr. R).
7 Il-ħbieb tiegħi u l-qraba tiegħi jersqu u jieqfu kontrija + u dawk li kienu miegħi joqgħodu 'l bogħod minni (S 37,12 – R).
8 Begħidtli minni 'l ħbieb u 'l qraba + għamiltni ħaġa ta' l-għajb għalihom, ninsab magħluq u ma nistax noħroġ (S 87,9 – cfr. R).
9 Missier qaddis (Ġw 17,11) la twarrabx l-għajnuna tiegħek minn fuqi (S 21,20) + Alla tiegħi, fittex għinni (cfr. S 70,12).
10 Ejja biex tagħtini l-għajnuna + Mulej Alla tas-salvazzjoni tiegħi (S 37,23).
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu: Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

[127] Antifona

Qaddisa Marija Verġni, ma hemm ħadd bħalek fost in-nisa li twieldu fid-dinja, bint u qaddejja tas-Sultan l-aktar għoli, il-Missier tas-sema, omm l-aktar qaddisa tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu. Itlob għalina ma' San Mikiel arkanġlu u mal-qawwiet kollha tas-

sema u mal-qaddisin kollha lil Ibnek l-aktar qaddis u maħbub, il-Mulej u l-imgħallem tagħna. Glorja lill-Missier. Kif kien mill-bidu.

[128] Din l-antifona għandha tingħad fis-sigħat kollha; u tingħad flok il-kapitlu, l-innu, il-versett u t-talba; u dan fil-matutin u fis-sigħat l-oħrajn bl-istess mod. Ma jingħad xejn aktar ħlief din l-antifona mas-salmi tagħha.

[129] Fi tmiem l-Uffiċċju l-imqaddes Franġisku dejjem kien jgħid:
Inbierku lill-Mulej Alla ħaj u veru; inroddu lilu tifħir, glorja, ġieħ, barka u kull ġid għal dejjem. Amen. Amen. Hekk ikun. Hekk ikun.

Matutin

[130] Salm II

1 Mulej Alla tas-salvazzjoni tiegħi + bin-nhar u bil-lejl nitniehed quddiemek (S 87,2).
2 Ħa jasal quddiemek it-talb tiegħi + agħti widen għat-tnehid tiegħi (S 87,3).
3 Ersaq qrib lejja biex tifdini + eħlisni mill-għedewwa tiegħi (S 68,19).
4 Għaliex kont int li ħadtni mill-ġuf, int it-tama tiegħi sa minn ġuf ommi + jiena intlaqt fik minn ħdan ommi (S 21,10).
5 Minn ġuf ommi inti Alla tiegħi + la titwarrabx minni (S 21,11).
6 Inti taf bil-mistħija u l-għajb tiegħi + u bin-nuqqas ta' ġieħ tiegħi (S 68,20).
7 Quddiemek huma dawk kollha, li huma kontrija + it-tagħjir qasamli qalbi u fnieni (S 68,21a-b).
8 Fittixt min jagħdirni, u ma kien hemm ħadd, + min ifarraġni, u ma sibt lil ħadd (S 68,21c-d).
9 O Alla, nies kefrin qamu għalija, + ġemgħa nies ħżiena jonsbuli ħajti, ma jżommux lilek quddiem għajnejhom (S 85,14).
10 Jiena ninsab ma' min nieżel fil-ħofra + sirt qisni bniedem bla saħħa, u fost il-mejtin hu friexi (S 87,5-6a).
11 *Inti l-Missier l-aktar qaddis tiegħi* + Sultan tiegħi u Alla tiegħi (cfr. S 43,5a).
12 Ejja sabiex tgħinni + Mulej Alla tas-salvazzjoni tiegħi (S 37,23).

Prima

[131] Salm III

1 Ħenn għalija, o Alla, ħenn għalija + għaliex fik jien nittama (S 56,2a).
2 Għad-dell ta' ġwenħajk nistkenn + sakemm jgħaddi l-hemm minn fuqi (S 56,2b).
3 Insejjaħ lill-*Missier l-aktar qaddis* u l-aktar għoli *tiegħi* + il-Mulej, li jagħmilli l-ġid (cfr. S 56,3).
4 Jibgħat mis-sema l-għajnuna u jeħlisni + minn idejn dawk li jaħqruni (S 56,4a-b).
5 Alla jibgħat il-ħniena u l-verità tiegħu + jeħlisli 'l ruħi (S 56,4c-5a - R) mill-għedewwa qawwija u minn dawk li jobogħduni, u li huma b'saħħithom aktar minni (S 17,18).
6 Nasbuli xibka għal riġlejja + ilwewni biex naqa' fiha (S 56,7a-b).
7 Ħaffru l-kburin ħofra għalija, + imma huma waqgħu fiha (S 56,7c-d).

8 Qalbi mħejjija, o Alla, qalbi mħejjija + ngħannilek u ninseġ għanja (S 56,8).
9 Qum, ruħ tiegħi, qum arpa u ċetra + ħa nqajjem sbiħ il-jum (S 56,9).
10 Infaħħrek, Sidi, fost il popli + u ngħannilek fost il-ġnus (S 56,10).
11 Għax m'għola s-smewwiet it-tjieba tiegħek + u sas-sħab il-fedeltà tiegħek (S 56,11).
12 Ogħla 'l fuq mis-smewwiet, o Alla, + uri l-glorja tiegħek fuq l-art kollha (S 56,12).

Dan is-salm dejjem għandu jingħad fil-Prima.

Terza

[132] Salm IV

1 Ħenn għalija, o Alla, għaliex il-bniedem jgħaffiġni + il-jum kollu jħabbtuni l-għedewwa tiegħi (S 55,2).
2 Dawk li jobogħduni jgħaffġuni l-ħin kollu + għax ħafna huma dawk li qamu kontrija (S 55,3).
3 Dawk kollha li huma kontrija jaħsbu ħażin fuqi + u jiftiehmu bejniethom kontrija (S 40,8b-9a – R).
4 Dawk li huma kontrija + flimkien ifesfsu (S 70,10b).
5 Malli joħorġu barra + jgħidu kliem fieragħ (S 40,7 – R) u jaħsbu ħażin fuqi (S 40,8 – G).
6 Iħarsu lejja u jgħajjbuni + ikemmxu xofftejhom u jħarrku rashom (S 21,8).
7 Għax jien dudu ta' l-art, u mhux bniedem + żeblieħ tan-nies u tkasbir tal-poplu (S 21,7).
8 Jiena l-għajb ta' l-għedewwa tiegħi, il-qraba tiegħi jistmerruni + u dawk li jafuni jibżgħu minni (S 30,12a-b).
9 *Missier qaddis* (Ġw 17,11), la twarrabx l-għajnuna tiegħek minni + qawwa tiegħi, fittex għinni (S 21,20).
10 Ejja sabiex tgħinni + Mulej Alla tas-salvazzjoni tiegħi (S 37,23).

Sesta

[133] Salm V

1 B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ + b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob (S 141,2).
2 Inqiegħed quddiemu t-tnehid tiegħi + it-tiġrib tiegħi quddiemu nlissen (S 141,3).
3 X'ħin ruħi tinfena ġewwa fija + int tkun taf minn xiex għaddej (S 141,4a-b).
4 Fit-triq li fiha nimxi + il-kburin ħbew nassa għalija (S 141,4c-d – R).
5 Inħares fuq il-lemin u nara + li ma hemm ħadd min jagħti kasi (S 141,5a-b).
6 M'hemmx mnejn nista' naħrab, + ma hemm ħadd min jieħu ħsiebi (S 141,5c-d).
7 Minħabba fik nilqa' t-tmaqdir + il-mistħija tiksili wiċċi (S 68,8).
8 Sirt barrani għal ħuti + ulied ommi ma jagħrfunix (S 68,9).
9 *Missier qaddis* (Ġw 17,11), il-ħeġġa għal darek fnietni, + u t-tagħjir ta' min jgħajjar lilek waqa' fuqi (S 68,10).
10 Imma huma jifirħu bil-waqgħa tiegħi + jinġabru kontrija u jaħqruni bla ma naf (S 34,15).
11 Dawk li għal xejn b'xejn jobogħduni + huma aktar mix-xagħar ta' rasi (S 68,5a-b).

12 Qamu kontrija dawk li għal xejn b'xejn jaħqruni + ġagħluni nrodd dak li ma sraqtx (S 68,5c-d).
13 Xhieda qarrieqa qamu kontrija + dak li ma nafx staqsewni (S 34,11).
14 Raddewli d-deni għall-ġid (S 34,12a) u jixluni + għaliex nimxi wara t-tajjeb (S 37,21).
15 Inti *l-Missier l-aktar qaddis tiegħi* + Sultan tiegħi u Alla tiegħi (S 43,5).
16 Ejja sabiex tgħinni + Mulej Alla tas-salvazzjoni tiegħi (S 37,23).

Nona

[134] Salm VI

1 Intom ilkoll, li għaddejjin mit-triq + ħarsu u araw jekk hemmx niket bħan-niket tiegħi (Lam 1,12a-b).
2 Għaliex qabda klieb daru għalija + ġemgħa nies ħżiena rassewni (S 21,17).
3 Huma jħarsu lejja u jifluni + ħwejġi qasmu bejniethom, u għal-libsa tiegħi tefgħu x-xorti (S 21,18b-19).
4 Taqqbuli jdejja u riġlejja + nista' ngħodd l-għadam tiegħi kollu (S 21,17c-18a - R).
5 Fetħu ħaqlhom għalija + bħal iljun li jaħtaf u jgħajjat (S 21,14).
6 Ninsab bħall-ilma msawwab + għadmi kollu maqlugħ (S 21,15a-b).
7 Qalbi hi bħal xemgħa + iddub ġewwa fija (S 21,15c – R).
8 Ħalqi niexef bħal xaqqufa + ilsieni mwaħħal ma' ħnieki (S 21,16a-b).
9 Tawni b'ikel il-velenu + sqewni l-ħall meta kont bil-għatx (S 68,22).
10 Fit-trab ninsab nitmiegħek (cfr. S 21,16c) + u żiedu l-uġiegħ mal-ġerħat li għamluli (S 68,27b).
11 Jiena norqod u nerġa' nqum (S 3,6 – R) + u *l-Missier l-aktar qaddis tiegħi jilqagħni* bil-glorja (cfr. S 72,24c).
12 *Missier qaddis* (Ġw 17,11) inti żammejtni minn idi l-leminija, u bir-rieda tiegħek mexxejtni + u fil-glorja ilqajtni (S 72,24 – R).
13 Min ħliefek għandi fis-sema + u min irrid ħliefek fuq l-art? (S 72,25).
14 Ħarsu u araw, għaliex jiena Alla, jgħid il-Mulej + jiena 'l fuq mill-ġnus u 'l fuq mill-art kollha (cfr. S 45,11).
15 *Imberek il-Mulej Alla ta' Israel* (Lq 1,68a), li feda l-erwieħ tal-qaddejja tiegħu *bid-demm l-aktar għażiż tiegħu* + u ma telaqx lil dawk kollha li jittamaw fih (S 33,23 – R).
16 U nafu li għad jiġi + għaliex ġej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja (cfr. S 95,13b – R).

Għasar

[135] Salm VII

1 Ċapċpu jdejkom intom ġnus kollha + faħħru lil Alla b'leħen il-hena (S 46,2).
2 Għaliex il-Mulej hu l-aktar għoli + hu Sultan kbir fuq l-art kollha (S 46,3).
3 *Għaliex il-Missier l-aktar qaddis tas-sema,* is-Sultan tagħna minn dejjem + *bagħat lill-Iben il-maħbub tiegħu mill-għoli* u wettaq is-salvazzjoni tiegħu f'nofs l-art (S 73,12).
4 Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art, ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih + ħa jifirħu l-għelieqi u kull ma fihom (S 95,11-12a).

5 Għannulu għanja ġdida + għannu lill-Mulej fl-art kollha (S 95,1).
6 Għaliex kbir il-Mulej u ta' min ifaħħru ħafna + tal-biża' aktar mill-allat kollha (S 95,4).
7 Agħtu lill-Mulej, intom ġnus kollha, agħtu lill-Mulej sebħ u ġieħ + agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' l-isem qaddis tiegħu (S 95,7-8a).
8 *Iċħdu lil ġisimkom u ġorru s-salib imqaddes tiegħu + u imxu sa l-aħħar wara l-kmandamenti qaddisa tiegħu* (cfr. Lq 14,27; 1Pt 2,21).
9 Ħa tifraħ l-art kollha quddiem wiċċu + għidu fost il-ġnus, li l-Mulej isaltan mill-għuda (S 95,9b-10a – G/R).

Sa hawnhekk jingħad kuljum mill-Ġimgħa tal-Passjoni sal-festa ta' Lapsi. Fil-festa ta' Lapsi jiżdiedu dawn il-versetti:

10 *U tela' fis-sema u qiegħed fin-naħa tal-lemin tal-Missier l-aktar qaddis fis-sema*, għollu fuq is-smewwiet kollha lil Alla + u fuq l-art kollha xandru l-glorja tiegħu (S 56,12).
11 U nafu li għandu jiġi + għaliex ġej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja.

U ara, li mil-Lapsi sa l-Avvent tal-Mulej hekk għandu jingħad kuljum dan is-salm, jiġifieri: *Ċapċpu jdejkom intom ġnus kollha* bil-versetti miżjudin u l-*Glorja lill-Missier*, u s-salm għandu jintemm bil-kliem: *għaliex ġej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja*.

Ara, li dawn is-salmi jingħadu mill-Ġimgħa tal-Passjoni sa Ħadd il-Għid il-Kbir. U jingħadu wkoll mill-ottava ta' Għid il-Ħamsin sa l-Avvent tal-Mulej u mill-ottava ta' l-Epifanija sa Ħadd il-Għid il-Kbir, ħlief fil-Ħdud u l-festi prinċipali, li fihom ma jingħadux, imma fil-ġranet l-oħrajn jingħadu kuljum.

[II Taqsima: Għal żmien il-Għid]

Nhar Sibt il-Għid, jiġifieri meta jintemm is-Sibt.

Kumpieta

[136] Salm VIII

1 O Alla, ejja eħlisni + Mulej, fittex għinni.
2 Ħa jistħu u jinfixlu + dawk li jfittxu jneħħuli ħajti.
3 Ħa jerġgħu lura mħawwda + dawk li jixtiequli d-deni.
4 Ħa jerġgħu lura kollhom mistħija + dawk li jifirħu bid-deni tiegħi.
5 Jithennew u jifirħu bik dawk kollha li jfittxuk + jgħidu dejjem: Faħħru 'l Mulej, dawk li jħobbu s-salvazzjoni tiegħek.
6 Imma jiena fqajjar u msejken + o Alla, fittex għinni.
7 Inti l-għajnuna u l-ħelsien tiegħi, + iddumx ma tgħinni, Alla tiegħi. (S 69,2-6).

Fil-Matutin ta' Ħadd il-Għid il-Kbir tal-Mulej

[137] Salm IX

1 Għannu lill-Mulej għanja ġdida + għax għamel l-għeġubijiet (S 97,1a-b).
2 Għaliex il-leminija tiegħu *offriet lill-Iben maħbub tiegħu* + u d-driegħ imqaddes tiegħu (cfr. S 97,1c-d).
3 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu + f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu (S 97,2).
4 F'dak il-jum il-Mulej bagħat il-ħniena tiegħu + u bil-lejl ngħanni l-għanja tiegħu (S 41,9a-b).
5 Dan hu l-jum li għamel il-Mulej + ħa nifirħu u nithennew fih (S 117,24).
6 Imbierek min ġej f'isem il-Mulej + il-Mulej hu Alla, hu jdawwalna (S 117,26a-27a).
7 Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art, ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih + ħa jifirħu l-għelieqi u kull ma fihom (S 95,11-12a).
8 Agħtu lill-Mulej intom ġnus kollha, agħtu lill-Mulej glorja u ġieħ + agħtu lill-Mulej sebħ lill-isem tiegħu (S 95,7-8a).

Sa hawnhekk jingħad minn Ħadd il-Għid il-Kbir sal-festa ta' Lapsi ta' kuljum fis-sigħat kollha ħlief fil-għasar u fil-kumpieta u fil-prima. Fil-festa ta' Lapsi jiżdiedu dawn il-versetti:

9 Slaten ta' l-art għannu lil Alla + faħħru bid-daqq lil Sidi l-Mulej (S 67,33a).
10 Għannu lill-Mulej, li telgħa 'l fuq mis-smewwiet + lejn il-lvant (S 67,33b-34a).
11 Ara hu jagħti qawwa lil-leħen tiegħu, agħtu glorja lil Alla fuq Israel + it-tifħir u l-qawwa tiegħu fuq is-sħab (S 67,34b-35).
12 Ta' l-għaġeb Alla fil-qaddisin tiegħu + Alla ta' Israel jagħti qawwa u setgħa lill-poplu tiegħu, imbierek Alla (S 67,36). Glorja.

Dan is-salm jingħad kuljum mil-Lapsi sa l-ottava ta' Għid il-Ħamsin, b'dawn il-versetti miżjudin, fil-matutin, terza, sesta u nona, u miegħu tingħad *Glorja* wara l-kliem *Imbierek Alla*.

Bl-istess mod dan is-salm jingħad biss fil-matutin fil-jiem tal-Ħdud u fil-festi prinċipali mill-ottava ta' Għid il- Ħamsin sa l-Avvent tal-Mulej, u mill-ottava ta' l-Epifanija sa Ħamis ix-xirka, f'dak il-jum li fih il-Mulej kiel l-ikla ta' l-għid mad-dixxipli tiegħu; wieħed jista' jgħid ukoll salm ieħor għall-matutin jew għall-għasar, meta jrid, jiġifieri: *Ngħollik bit-tifħir Mulej* (S 29), kif hemm fis-salterju; u dan minn Ħadd il-Għid il-Kbir sal-festa ta' Lapsi, u mhux iżjed.

Prima

Salm: Ħenn għalija, o Alla, ħenn għalija [Salm III].

Terza, Sesta u Nona

Salm: Għannu lill-Mulej [Salm IX].

Għasar

Salm: Ċapċpu jdejkom [Salm VII].

[III Taqsima: Għall-Ħdud u l-festi prinċipali]

Jibdew salmi oħrajn, li l-wisq imqaddes missier tagħna Franġisku kiteb, u li għandhom jingħadu flok is-salmi tal-passjoni tal-Mulej fil-jiem tal-Ħdud u fil-festi prinċipali mill-ottava ta' Għid il-Ħamsin sa l-Avvent u mill-ottava ta' l-Epifanija sa Ħamis ix-xirka. Tifhem li għandhom jingħadu f'dan il-jum, għaliex fih titfakkar l-aħħar ikla ta' l-Għid tal-Mulej.

Kumpieta

Salm: O Alla, ejja eħlisni [Salm VIII].

Matutin

Salm: Għannu lill-Mulej [Salm IX].

Prima

Salm: Ħenn għalija, o Alla, ħenn għalija [Salm III].

Terza

[138] Salm X

1 Faħħru 'l Mulej fl-art kollha, insġu għanja lill-isem tiegħu + agħtu glorja lit-tifħir tiegħu (S 65,1-2).
2 Għidu lil Alla, kemm huma tal-biża' l-għemejjel tiegħek, Mulej + għall-kobor tal-qawwa tiegħek, imilu quddiemek l-għedewwa tiegħek (S 65,3).
3 L-art kollha tagħtik qima, tgħannilek + u tgħanni lil ismek (S 65,4).
4 Ejjew, isimgħu u ngħidilkom, intom ilkoll li tibżgħu minn Alla + ngħidilkom x'għamel miegħi (S 65,16).
5 Lilu sejjaħt b'fommi + u lsieni għanna t-tifħir tiegħu (S 65,17 – R).
6 Hu tani widen mit-tempju mqaddes tiegħu + it-tnehid tiegħi dejjem quddiemu (S 17,7c-d).
7 Bierku ġnus lill-Mulej tagħna + u għannu b'leħinkom lit-tifħir tiegħu (S 65,8).
8 U ħa jitbierku fih il-ġnus kollha ta' l-art + il-ġnus kollha jfaħħruh (S 71,17c-d).
9 Imbierek il-Mulej Alla ta' Israel + għaliex waħdu jagħmel l-għeġubijiet (S 71,18 – R).
10 U mbierek għal dejjem l-isem imsebbaħ tiegħu + l-art kollha timtela bis-sebħ tiegħu. Amen. Amen (S 71,19).

Sesta

[139] Salm XI

1 Jisimgħek il-Mulej fi żmien in-niket, + iħarsek l-isem ta’ Alla ta’ Ġakobb (S 19,2).
2 Mill-post imqaddes tiegħu jibgħatlek l-għajnuna + u minn Sijon iwieżnek (S 19,3).
3 Jiftakar fl-offerti tiegħek kollha + u jilqa’ s-sagrifiċċji tal-ħruq tiegħek (S 19,4).
4 Jagħtik dak li tixtieq qalbek + u jwettaq il-ħidma kollha tiegħek (S 19,5).
5 Nifirħu bir-rebħa tiegħek, + ngħollu l-bnadar f’isem il-Mulej Alla tagħna (S 19,6 – R).
6 Jilqa’ l-Mulej it-talbiet tiegħek kollha, għax jien issa naf li (S 19,7a-b) *bagħat lill-Mulej Ġesù Kristu Ibnu* + biex jagħmel ħaqq mill-popli bis-sewwa (S 9,9b).
7 Il-Mulej hu kenn għall-imsejken, fi żmien it-tiġrib hu għajnuna qawwija + fik jittamaw dawk li jafdaw fl-isem tiegħek (S 9,10-11a – R).
8 Imbierek il-Mulej Alla tiegħi (S 143,1b), li laqgħani għandu u sar il-kenn tiegħi + fil-jum tat-tiġrib tiegħi (S 58,17c-d).
9 Għajnuna tiegħi lilek jiena ngħanni, għaliex inti Alla tas-salvazzjoni tiegħi + Alla tiegħi, u ħniena tiegħi (S 58,18).

Nona

[140] Salm XII

1 Fik, Mulej, jien nittama, la tħallini qatt nitħawwad, + fil-ġustizzja tiegħek eħlisni u salvani (S 70,1b-2a).
2 Mejjel widintek lejja + u eħlisni (S 70,2b).
3 Kun Alla tal-kenn tiegħi, kun sur qawwi tiegħi + sabiex teħlisni (S 70,3a-b).
4 Għaliex inti, Mulej, int it-tama tiegħi, + Mulej, inti l-fiduċja tiegħi sa minn żogħżiti (S 70,5).
5 F’idejk intlaqt sa minn twelidi, sa minn ġuf ommi inti l-kenn tiegħi + inti dejjem it-tifħir tiegħi (S 70,6).
6 Jimtela fommi bit-tifħir tiegħek, u ngħanni l-glorja tiegħek + kuljum l-għeġubijiet tiegħek (S 70,8).
7 Agħtini widen, Mulej, għaliex kollha tjieba l-ħniena tiegħek + dur lejja fil-kobor tal-ħniena tiegħek (S 68,17).
8 La twarrabx wiċċek mill-qaddej tiegħek + li jinsab fil-hemm, fittex weġibni (S 68,18).
9 Imbierek il-Mulej Alla tiegħi, li sar għalija dak li laqagħni u kenn tiegħi + fil-jum tat-tiġrib tiegħi.
10 Għajnuna tiegħi lilek jiena ngħanni, għaliex inti Alla tas-salvazzjoni tiegħi + Alla tiegħi, u ħniena tiegħi (S 58,18).

Għasar

Salm: Ċapċpu jdejkom [Salm VII].

[IV Taqsima: Għal żmien l-Avvent tal-Mulej]

Jibdew is-salmi, li bl-istess mod kiteb il-wisq qaddis missier tagħna Franġisku, u li għandhom jingħadu flok is-salmi tal-Passjoni tal-Mulej, minn żmien l-Avvent tal-Mulej sal-vġili tal-Milied u mhux iżjed.

Kumpieta

[141] Salm XIII

1 Mulej, int kemm se ddum tinsieni? + Kemm se ddum taħbi wiċċek minni?
2 Kemm se ndum intertaq qalbi, + il-ħin kollu ngħix fid-dwejjaq?
3 Kemm se jdum jifraħ minħabba fija l-għadu tiegħi? + Ħares u weġibni, Mulej Alla tiegħi.
4 Agħti d-dawl lil għajnejja, li ma naqax fir-raqda tal-mewt, + li ma jgħidx il-għadu tiegħi: għelibtu.
5 Dawk li jobogħduni jifirħu meta jarawni naqa', + imma jiena fil-ħniena tiegħek nittama.
6 Tifraħ qalbi għall-għajnuna tiegħek, u ngħanni lill-Mulej għamilli l-ġid + u ngħanni lill-isem tal-Mulej l-aktar għoli (S 12,1-6).

Matutin

[142] Salm XIV

1 Inroddlok ħajr, Mulej, *Missier l-aktar qaddis, Sultan tas-sema u ta' l-art* + għaliex inti farraġtni (cfr. Is 12,1).
2 Inti Alla tas-salvazzjoni tiegħi + jiena nittama u ma nibżax (cfr. Is 12,2a-b).
3 Għax il-qawwa u t-tifħir tiegħi hu l-Mulej, + hu sar is-salvazzjoni tiegħi (Is 12,2c).
4 Il-leminija tiegħek, Mulej, issebbħet bil-qawwa, il-leminija tiegħek, Mulej, ħabbtet il-għadu + u fil-glorja kotrana tiegħek qridt l-għedewwa tiegħi (Eż 15,6-7a).
5 Jaraw l-imsejknin u jifirħu + fittxu l-Mulej u tgħix ruħkom (S 68,33).
6 Faħħruh intom smewwiet u art + baħar u kull ma jinsab fih (S 68,35).
7 Għaliex Alla jsalva lil Sijon + u jibni l-ħitan tal-bliet ta' Ġuda (S 68,36a-b – R).
8 U jgħammru fihom + u jiksbu l-wirt tagħhom fihom (S 68,36c).
9 Ulied il-qaddejja tiegħu jirtuha + dawk li jħobbu lil ismu joqogħdu fiha (S 68,37).

Prima

Salm: Ħenn għalija, o Alla, ħenn għalija [Salm III].

Terza

Salm: Faħħru 'l Mulej [Salm X].

Sesta

Salm: Jisimgħek il-Mulej [Salm XI].

Nona

Salm: Fik, Mulej, jien nittama [Salm XII].

Għasar

Salm: Ċapċpu jdejkom intom ġnus kollha [Salm VII].

Ara wkoll, li dan is-salm ma jingħadx kollu, imma biss sal-versett, jiġifieri: *Ħa tifraħ l-art kollha quddiem wiċċu*; wieħed jifhem li għandu jingħad il-vers kollu: *Iċħdu 'l ġisimkom*. Wara dan il-versett jingħad: *Glorja lill-Missier* u hekk għandu jingħad kuljum fl-Avvent sal-vġili tal-Milied.

[V Taqsima: Għal żmien il-Milied tal-Mulej sa l-ottava ta' l-Epifanija]

Għasar tal-Milied tal-Mulej

[143] Salm XV

1 Faħħru lil Alla salvatur tagħna (S 80,2a) + ifirħu fil-*Mulej Alla ħaj u veru* b'leħen il-għana (S 46,2b).
2 Għaliex il-Mulej l-aktar għoli + hu Sultan kbir tal-biża' fuq l-art kollha (S 46,3).
3 *Għaliex il-Missier l-aktar qaddis tas-sema, is-Sultan* tagħna minn qabel iż-żminijiet (S 73,12a) *bagħat lill-Iben maħbub tiegħu mill-għoli + u twieled mill-Verġni mqaddsa Marija*.
4 Hu sejjaħli, Missieri int (S 88,27a), + u jiena ħtartu bħala l-iben il-waħdieni, għoli fuq il-ġnus kollha ta' l-art (S 88,28).
5 F'dak il-jum il-Mulej bagħat il-ħniena tiegħu + u bil-lejl l-għanja ta' tifħir tiegħu (cfr. S 41,9a-b).
6 Dan hu l-jum, li għamel il-Mulej + ħa nifirħu u nithennew fih (S 117,24).
7 *Għaliex ingħatalna t-tifel l-aktar qaddis, u twieled għalina* (cfr. Is 9,6) *fit-triq u tqiegħed fil-maxtura* + *għax ma kienx hemm post għalih fil-lukanda* (cfr. Lq 2,7).
8 Glorja lill-Mulej Alla fl-ogħla smewwiet + u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba (cfr. Lq 2,14).
9 Ħa jifirħu s-smewwiet u t-tithenna l-art, ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih, + ħa jifirħu l-għelieqi u kull ma fihom (S 95,11-12a).
10 Għannulu għanja ġdida + għannu lill-Mulej fl-art kollha (S 95,1).

11 Għaliex kbir il-Mulej u ta' min ifaħħru ħafna + tal-biża' aktar mill-allat kollha (S 95,4).
12 Agħtu lill-Mulej, familji kollha tal-ġnus, agħtu lill-Mulej sebħ u ġieħ + agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' l-isem qaddis tiegħu (S 95,7-8a).
13 *Iċħdu lil ġisimkom u ġorru s-salib imqaddes tiegħu + u imxu sa l-aħħar wara l-kmandamenti qaddisa tiegħu* (cfr. Lq 14,27; 1Pt 2,21).

Dan is-salm jingħad mill-Milied tal-Mulej sa l-ottava ta' l-Epifanija fis-sigħat kollha. Jekk xi ħadd irid jgħid dan l-Uffiċċju ta' San Franġisk, hekk għandu jgħidu: l-ewwel jgħid *Missierna* bit-tifħir, jiġifieri: *Qaddis, qaddis, qaddis*. Wara li jtemm it-tifħir bit-talba li hemm aktar 'il fuq jgħid l-antifona: *Qaddisa Marija* bis-salm, li hu mogħti lil kull siegħa ta' bin-nhar u bil-lejl. U għandu jgħid dan kollu b'qima kbira.

## ORATIO ANTE CRUCIFIXUM
## (TALBA QUDDIEM IL-KURĊIFISS)

[144] O Alla l-aktar għoli u glorjuż, dawwal id-dlamijiet ta' qalbi. Sawwab fija fidi retta, tama ċerta u mħabba perfetta. Agħtini, Mulej, li nħoss u nagħraf lilek, biex nagħmel ir-rieda vera u mqaddsa tiegħek.

REGOLA BULLATA (REGOLA BULLATA)

[Bulla *Solet annuere*]

[145] Onorju, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna, fra Franġisk u l-aħwa l-oħrajn ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, saħħa u barka apostolika. Is-Sede Apostolika għandha d-drawwa li tilqa' bil-qalb it-talbiet u x-xewqat tajbin ta' dawk li jitolbuhom. Għaldaqstant aħna, uliedna maħbubin fil-Mulej, filwaqt li nilqgħu ix-xewqat twajba tagħkom, inwettqu bil-qawwa apostolika tagħna r-Regola ta' l-Ordni tagħkom, approvata mill-Papa ta' qabilna, Innoċenz, ta' tifkira hienja, imseddqa b'din il-kitba; u bis-setgħa tagħna apostolika nikkonfermawhielkom u bil-qawwa ta' din il-kitba nagħtuhielkom. Li hi din:

Kapitlu I
F'isem il-Mulej!
Tibda l-ħajja tal-Patrijiet Minuri.

[146] 1 Ir-Regola u l-ħajja tal-Patrijiet Minuri hi din, jiġifieri li jħarsu l-Evanġelju mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu, billi jgħixu fl-ubbidjenza, bla xejn tagħhom u fil-kastità. 2 Fra Franġisk iwiegħed ubbidjenza u qima lis-sinjur Papa Onorju u lil dawk li jiġu warajh, li huma magħżulin kif titlob il-liġi kanonika, u lill-Knisja Rumana. 3 U ħa jkunu marbutin l-aħwa l-oħrajn li jobdu lil fra Franġisk u lil dawk li jiġu warajh.

Kapitlu II
Dwar dawk li jiġu biex iħaddnu din il-ħajja, u kif għandhom jiġu milqugħin.

[147] 1 Jekk xi wħud jixtiequ jħaddnu din il-ħajja u jiġu għand l-aħwa tagħna, dawn għandhom jibgħatuhom għand il-ministri provinċjali tagħhom, li lilhom biss u lil ħadd ħliefhom ma hu mogħti l-permess li jilqgħu l-aħwa. 2 Il-ministri għandhom jeżaminawhom bir-reqqa dwar il-fidi kattolika u dwar is-sagramenti tal-Knisja. 3 U jekk huma jemmnu dan kollu u jistqarruh fil-ħaqq kollu u sa tmiem ħajjithom iħarsuh bil-qawwa kollha, 4 u jekk ma jkunux miżżewġin jew, jekk ikunu miżżewġin, marthom tkun diġà daħlet f'monasteru; jew inkella tkun tathom il-permess bl-awtorità ta' l-isqof djoċesan, wara li tkun għamlet il-vot tal-kastità; u wkoll li dawn in-nisa jkunu ta' età li dwarhom ma jista' jinħoloq ebda suspett, 4 il-ministri għandhom jgħidulhom il-kliem ta' l-Evanġelju mqaddes (cfr. Mt 19,21), jiġifieri li jmorru u jbiegħu kull ma għandhom u jfittxu li jqassmuh lill-foqra. 6 Jekk dan ma jistgħux jagħmluh, biżżejjed li jkollhom ir-rieda tajba. 7 Joqogħdu attenti l-aħwa u l-ministri tagħhom, li ma jindaħlux fil-ġid temporali ta' dawn it-talin, biex hekk, bla xejn xkiel, huma jagħmlu li jridu bi ħwejjiġhom, skond kif il-Mulej inebbaħhom. 8 Jekk jeħtieġu xi parir, il-ministri għandhom jibgħatuhom għand xi wħud li għandhom il-biża' ta' Alla, biex bil-parir tagħhom ħwejjiġhom jistqassmu lill-foqra. 9 Wara dan għandhom jagħtuhom l-ilbies tal-prova, jiġifieri żewġ tonok bla kapoċċ u l-kurdun, u l-qalziet ta' taħt[56], u l-kapparrun li

[56] Il-kelma Latina *braccas* tindika qalziet li jilħaq l-irkobba u li jintlibes taħt it-tonka, u li hu meħtieġ minħabba li l-aħwa huma itineranti, jimxi minn post għal ieħor. Din in-nota interessanti hi l-akbar prova li l-patrijiet Minuri twieldu mhux bħala Ordni monastiku sedentarju, imma bħala Ordni itineranti. Il-*caperone* kien mantell qasir li jasal sal-kurdun.

jasal tal-kurdun, 10 kemm il-darba l-ministri, xi minn daqqiet, ma jidhrilhomx xorta oħra skond kif inebbaħhom Alla. 11 Wara li tintemm is-sena tal-prova, għandhom jiġu milqugħin għall-ubbidjenza, billi jwiegħdu li jħarsu dejjem din il-ħajja u r-Regola. 12 U bl-ebda mod ma jkunu jistgħu jħallu dan l-Ordni skond il-kmand tas-sinjur Papa, 13 għaliex l-Evanġelju mqaddes jgħid li *ħadd li jqiegħed idejh fuq il-moħriet u jħares lura, ma hu tajjeb għas-saltna ta' Alla* (Lq 9,62). 14 U dawk li jkunu wiegħdu l-ubbidjenza għandu jkollhom tonka bil-kapoċċ u, min irid, oħra mingħajr kapoċċ. 15 U dawk li mġegħlin mill-ħtieġa jistgħu jilbsu l-għata tar-riġlejn. 16 U l-aħwa għandhom jilbsu lbies fqajjar u jistgħu jraqqgħuh bl-ixkejjer u biċċiet oħrajn bil-barka ta' Alla. 17 Inwiddeb mbagħad u nħeġġeġ lill-aħwa, biex ma jmaqdrux u lanqas jagħmlu ħaqq mill-bnedmin, li jarawhom lebsin ilbies artab u b'ħafna lwien, u jieklu ikel u xorb magħżul, imma aktar għandu wieħed jagħmel ħaqq u jmaqdar lilu nnifsu.

## Kapitlu III
## Dwar l-uffiċċju divin u s-sawm, u dwar kif l-aħwa għandhom iġibu ruħhom meta joħorġu fid-dinja.

[148] 1 Il-kjeriċi jgħidu l-Uffiċċju divin skond ir-rit tal-Knisja mqaddsa Rumana, barra mis-salterju, 2 u għaldaqstant jistgħu jkollhom il-brevjarji[57]. 3 L-aħwa lajċi mbagħad għandhom jgħidu erbgħa u għoxrin *Missierna* għall-matutin, għal-lawdi ħamsa, għall-prima, terza, sesta, nona, għal kull waħda minnhom sebgħa, imma għall-għasar tnax, u għall-kumpieta sebgħa; 4 u jitolbu għall-mejtin. 5 U għandhom isumu mill-festa tal-Qaddisin Kollha sal-Milied tal-Mulej[58]. 6 Dwar ir-randan, li jibda mill-Epifanija u jtul erbgħin jum bla jaqtgħu, li l-Mulej qaddsu bis-sawm tiegħu (cfr. Mt 4,2), dawk li minn rajhom iridu jsumuh, ikunu imberkin mill-Mulej, u dawk li ma jridux ma għandhomx jiġu mġegħelin. 7 Imma r-randan li jwassal sa l-Għid il-Kbir tal-Mulej, dan għandhom isumuh. 8 Fi żminijiet oħrajn ma humiex marbuta li jsumu ħlief nhar ta' Ġimgħa. 9 Iżda meta hemm ħtieġa bid-dieher, l-aħwa ma humiex marbutin mas-sawm tal-ġisem. 10 Nagħti wkoll il-fehma tiegħi, inwiddeb u nħeġġeġ lill-aħwa tiegħi f'isem il-Mulej Ġesù Kristu li, meta joħorġu fid-dinja, ma jitlewwmux lanqas iħaqquha bejniethom (cfr. 2Tim 2,14), lanqas ma għandhom jiġġudikaw lill-oħrajn; 11 imma għandhom ikunu ta' qalb tajba, iħobbu s-sliem u rżina,

---

[57] *Secundum ordinem sanctae Romanae Ecclesiae,* (skond ir-rit tal-Knisja mqaddsa Rumana). Franġisku kien jaf l-Ordinarju papali li kien jintuża fil-palazz tal-Lateran mill-Papa u l-kappillani tiegħu, għaliex l-isqof Guido ta' Assisi kien adottah għad-djoċesi tiegħu. Dan kellu jiżviluppa fil-*Breviarium Curiae Romanae*, li l-Franġiskani adottawh minħabba li kien iqsar u aktar prattiku biex jużawh waqt il-vjaġġ tagħhom. L-eċċezzjoni li jagħmel S. Franġisk kienet tirrigwarda s-salterju, għax għalkemm il-Kurja Rumana minn dejjem kienet tuża s-Salterju Ruman, imma f'ħafna postijiet oħrajn kien jintuża s-Salterju Gallikan, li kien aktar magħruf bħala ktieb tat-talb. Franġisku jagħti l-permess lill-aħwa li jkollhom brevjarji, li dak iż-żmien kienu volumi jiswew ħafna flus, imma li hu fehem il-ħtieġa tagħhom għat-talb ta' l-aħwa. Cfr. M. RIGHETTI, *Storia Liturgica*, Editrice Ancora, Milano 1969, Vol. II: L'Anno Liturgico. Il Breviario, 657.

[58] Skond it-tradizzjoni liturġika Gallikana, l-Avvent kien itwal milli nafuh illum. Kien jibda mill-festa ta' San Martin (11 ta' Novembru). Kien għalhekk randan veru u proprju, imsejjaħ appuntu *Quadragesima Sancti Martini*. Niltaqgħu miegħu wkoll fit-tradizzjoni liturġika Ambrożjana, skond dak li jgħid is-Sagramentarju ta' Bergamo (seklu IX), kif ukoll narawh fil-Knejjes ta' Spanja u ta' l-Ingilterra di żmien il-qaddisin Cuthbert (+687) u Egbert (+729). Fil-liturġija Ambrożjana ta' Milan għadu jinżamm sallum. L-ewwel ħjiel tiegħu nsibuh f'San Gregorju ta' Tours (+593), li jgħid li l-insara kellhom id-drawwa li jħejju ruħhom għall-Milied bl-istess mod kif kien jagħmlu għall-Għid, b'tali mod li l-Avvent kien sar qisu Randan ieħor. Meta jitkellem minn Perpetuus, li kien isqof qablu f'Tours, hu jgħid li: *hic instituit jejunia...quod hodieque apud nos tenetur scriptum, quorum ordo hic est...a depositione Martini usque Natale Domini terna in septimana jejunia* (M. Righetti, *L'Anno Liturgico. Manuale di Storia Liturgica,* Vol. II, Editrice Ancora Milano, 1969, 51; 54.

ġwejda u umli, jitħaddtu meqjus ma' kulħadd, kif jixraq. 12 U ma għandhomx jirkbu żwiemel, jekk mhux għax imġegħelin minn ħtieġa li tidher jew mard. 13 *F'kull dar li fiha* jidħlu, *qabel xejn* jgħidu: *Sliem lil din id-dar* (cfr. Lq 10,5). 14 U kif jgħid l-Evanġelju mqaddes, jistgħu jieklu minn dak l-ikel kollu li jqiegħedulhom quddiemhom (cfr. Lq 10,8).

Kapitlu IV
Dwar li l-aħwa ma jieħdux flus.

[149] 1 Nikkmanda bil-qawwa lill-aħwa kollha kull fejn jinsabu, li bl-ebda mod ma għandhom jieħdu flus jew għana la huma infushom u lanqas jinqdew b'ħaddieħor. 2 Minkejja dan, għall-ħtiġijiet tal-morda u biex ilibbsu lill-aħwa l-oħrajn, il-ministri u l-kustodji biss, bl-għajnuna tal-ħbieb spiritwali, iħabirku bir-reqqa biex jipprovdu, kif jifhmu huma l-ħtieġa, skond il-postijiet u ż-żminijiet u l-ksieħ ta' l-artijiet. 3 Iżda jibqa' dejjem minnu li, kif ġa intqal, m'għandhomx jirċevux flus jew għana.

Kapitlu V
Dwar kif għandhom jaħdmu.

[150] 1 Dawk l-aħwa li l-Mulej tahom il-grazzja li jaħdmu b'idejhom, ħa jaħdmu bla tnikkir u b'qalb tajba, 2 biex hekk, imbiegħdin mill-għażż, għadu tar-ruħ, ma jitfux fihom il-ħeġġa għat-talb u d-devozzjoni, li lilhom trid taqdi kull ħaġa maħluqa. 3 U bħala ħlas tax-xogħol tagħhom għandhom jirċievu għalihom u għall-aħwa dak kollu li hu meħtieġ għall-għixien barra flus jew għana, 4 u dan bl-umiltà, kif jixraq lill-qaddejja ta' Alla u lil dawk li jimxu wara l-faqar l-aktar qaddis.

Kapitlu VI
Dwar li l-aħwa ma għandhom ikollhom xejn tagħhom, dwar li għandhom jittallbu l-karità u dwar l-aħwa morda.

[151] 1 L-aħwa ma għandhom ikollhom xejn tagħhom, u la dar u la post l-ebda ħaġa oħra. 2 U bħala pellegrini u għorba (cfr. 1Pt 2,11) f'din id-dinja, qaddejja tal-Mulej fil-faqar u fl-umiltà, ħa joħorġu jittallbu bit-tama. 3 U ma għandhomx għax jistħu, għax il-Mulej sar għalina fqir fuq din l-art (cfr. 2Kor 8,9). 4 Din hi l-quċċata ta' l-ogħla faqar, li tagħmel minnkom, ħuti l-aktar għeżież, werrieta u slaten fis-saltna tas-smewwiet. Faqqritkom fil-ħwejjeġ li jgħaddu, għanietkom fil-virtù (cfr. Ġak 2,5). 5 Jalla dan ikun *is-sehem* tagħkom, li jwassalkom *fl-art tal-ħajjin* (cfr. S 141,6), 6 li marbutin bis-sħiħ miegħu, ħuti l-aktar għeżież, ma tkunu tixtiequ qatt u xejn aktar taħt is-sema għall-isem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 7 U kull fejn jinsabu jew jiltaqgħu l-aħwa, għandhom iġibu ruħhom bħala nies ta' familja waħda. 8 U bla xejn ħabi juru l-ħtieġa tagħhom wieħed lill-ieħor, għaliex jekk omm tħobb u tgħajjex lil binha li ġabet fid-dinja (cfr. 1Tes 2,7), b'kemm aktar reqqa għandu wieħed iħobb u jgħajjex lil ħuh spiritwali? 9 U, jekk xi ħadd minnhom jimrad, l-aħwa l-oħrajn għandhom jaqduh, bħala huma jixtiequ li jiġu moqdija (cfr. Mt 7,12).

Kapitlu VII
Dwar il-penitenza li għandha tingħata lill-aħwa li jidinbu.

[152] 1 Jekk xi ħadd mill-aħwa, imxewwex mill-għadu ta' l-infern, jaqa' fid-dnub il-mejjet, f'dawk id-dnubiet li għalihom l-aħwa huma obbligati li jirrikorru għand il-ministri provinċjali, dawn l-aħwa huma obbligati jmorru għandhom mill-aktar fis, u bla tnikkir. 2 Il-ministri, imbagħad, jekk ikunu saċerdoti, għandhom jagħtuhom bil-karità kollha l-penitenza; jekk ma jkunux saċerdoti, għandhom jaraw li din tingħata minn saċerdot ta' l-Ordni, kif jidhrilhom jaqbel aħjar, skond kif inebbaħhom Alla. 3 U għandhom joqogħdu attenti li ma jitlagħlhomx, anqas jitħawwdu minħabba d-dnubiet ta' xi ħadd mill-aħwa, ikun min ikun, għaliex il-għadab u t-taħwid ifixklu fihom u fl-oħrajn il-karità.

Kapitlu VIII
Dwar l-għażla tal-ministru ġeneral ta' din il-fraternità u dwar il-Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin.

[153] 1 L-aħwa kull fejn jinsabu huma obbligati li jkollhom dejjem bħala ministru ġeneral u qaddej ta' din il-fraternità kollha kemm hi wieħed mill-aħwa ta' dan l-Ordni, u huma obbligati bil-qawwa kollha li jobduh. 2 Jekk dan imut, l-għażla tas-suċċessur tiegħu ssir mill-ministri provinċjali u mill-kustodji fil-kapitlu ta' Għid il-Ħamsin, li fih il-ministri provinċjali huma obbligati li jinġabru flimkien, kull fejn ikun għażel il-ministru ġeneral; 3 u dan darba kull tliet snin jew fi żmien itwal jew iqsar, skond kif ikun ordna l-imsemmi ministru. 4 U jekk f'xi żmien jidhrilhom lill-ministri provinċjali kollha u lill-kustodji, li dan l-imsemmi ministru ma għadux tajjeb għall-qadi u għall-ġid komuni ta' l-aħwa, l-istess aħwa ministri, li f'idejhom għandhom id-dmir li jagħżlu, huma obbligati li f'isem il-Mulej jagħżlu ieħor bħala kustodju. 5 Wara l-kapitlu ta' Għid il-Ħamsin kull wieħed mill-ministri u l-kustodji jistgħu, jekk iridu u jidhrilhom li jaqbel, fl-istess sena jsejjħu fil-kustodji tagħhom l-aħwa tagħhom għall-kapitlu.

Kapitlu IX
Dwar il-predikaturi.

[154] 1 L-aħwa ma għandhomx jippriedkaw fid-djoċesi ta' xi isqof, meta dan ma jkunx iridhom. 2 U ħadd mill-aħwa ma jiftillu jippriedka lill-poplu, jekk qabel ma jkunux eżaminati u approvati mill-ministru ġeneral ta' din il-fraternità, u jekk minnu ma jingħatalux l-uffiċċju tal-predikazzjoni. 3 Inwissi wkoll u nħeġġeġ lill-istess aħwa, biex fil-priedki li jagħmlu, *kliemhom ikun safi u meqjus* (cfr. S 11,7; 17,31), u jservi għall-ġid u għall-bini tar-ruħ tal-poplu. 4 Ngħidulhom dwar il-vizzji u l-virtù, dwar it-tbatija u l-glorja, u dan bi ftit kliem; *għaliex fuq din l-art il-Mulej* lissen *kelma mqassra*[59] (cfr. Rum 9,28).

Kapitlu X

[59] *Quia verbum abbreviatum fecit Dominus super terram*. Dan hu riferiment għal Rum 9,28: "Għax il-Mulej jaqtagħha fil-qasir mad-dinja kollha". Sa minn żmien Missirijiet il-Knisja il-*verbum abbreviatum* ġie meqjus mhux bħala kelma kwalunkwe, imma bħala l-Kelma inkarnata, li hu Ġesù Kristu, il-kelma definittiva li qal il-Missier biex jifdi lill-umanità. Cfr. Henri de Lubac, *Exégèse Medievale*, Paris 1959, Vol. II, 181-197.

Dwar it-twissija u l-korrezzjoni ta' l-aħwa.

[155] 1 L-aħwa li huma ministri u qaddejja ta' l-aħwa l-oħrajn, għandhom iżuru u jwiddbu lill-aħwa tagħhom u jikkoreġuhom bl-umiltà u bil-karità, u ma jqabbduhom xi ħaġa li toħodha kontra r-ruħ tagħhom u r-Regola tagħna. 2 L-aħwa, imbagħad, li huma sudditi, għandhom jiftakru li għall-imħabba ta' Alla huma ċaħdu r-rieda tagħhom. 3 Għaldaqstant nikkmandahom bil-qawwa biex jobdu lill-ministri tagħhom f'dak kollu li huma wegħedu lill-Mulej li jħarsu, u li ma jkunx kontra r-ruħ jew kontra r-Regola tagħna. 4 U kull fejn jinsabu l-aħwa, li jafu u jagħarfu li ma jistgħux iħarsu r-Regola fl-ispirtu tagħha kollu, dawn jistgħu u għandhom imorru għand il-ministri tagħhom. 5 Il-ministri mbagħad għandhom jilqgħuhom bl-imħabba u l-ħlewwa u juru ruħhom li huma hekk midħla tagħhom, li l-aħwa jistgħu jkellmuhom u jġibu ruħhom magħhom bħas-sidien mal-qaddejja tagħhom; 6 għax hekk għandu jkun, li l-ministri jkunu qaddejja ta' l-aħwa kollha. 7 Inwiddeb mbagħad u nħeġġeġ fil-Mulej Ġesù Kristu, biex l-aħwa jħarsu ruħhom *minn kull kburija*, ftaħir fieragħ, għira, *xeħħa* (cfr. Lq 12,15), tħassib u tħabrik għall-ħwejjeġ ta' din id-dinja (cfr. Mt 13,22), kliem kontra l-karità u tgemgim. 8 U dawk li ma jafux skola ma għandhomx ifittxu li jkunu jafu; iżda jħabirku, biex fuq kull ħaġa oħra, ikollhom ix-xewqa li jiksbu l-Ispirtu tal-Mulej u l-ħidma qaddisa tiegħu, 9 li jitolbu dejjem b'qalb safja u li jkollhom l-umiltà, is-sabar fil-persekuzzjoni u fil-mard, 10 u li nħobbu lil dawk li jippersegwitawna u jċanfruna u jgħidu l-gideb fuqna, għaliex il-Mulej jgħid: *Ħobbu l-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom u jaqilgħu fuqkom* (cfr. Mt 5,44). 11 *Henjin dawk li huma ippersegwitati minħabba l-ġustizzja, għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet* (Mt 5,10). 12 *Min imbagħad iżomm sħiħ sa l-aħħar isalva* (Mt 10,22).

## Kapitlu XI
## Dwar li l-aħwa ma għandhomx jidħlu fil-monasteri tas-sorijiet.

[156] 1 Nikkmanda bil-qawwa lill-aħwa kollha, li ma jkollhomx ħbiberija jew laqgħat ma' nisa li bihom jistgħu jinqalgħu l-għidut, 2 u li ma għandhomx jidħlu fil-monasteri tas-sorijiet barra dawk li jingħatalhom il-permess speċjali li jagħmlu dan mis-Sede Apostolika. 3 U lanqas ma għandhom jagħmluha ta' parrini ta' irġiel jew ta' nisa biex hekk ma jkunux ta' okkażjoni ta' skandlu fost l-aħwa jew dwar l-aħwa.

## Kapitlu XII
## Dwar dawk li jmorru fost is-saraċini u infidili oħra.

[157] 1 Dawk l-aħwa li, imnebbħin minn Alla, jkunu jridu jmorru fost is-saraċini u infidili oħra għandhom jitolbu l-permess li jagħmlu dan mingħand il-ministri provinċjali tagħhom. 2 Il-ministri mbagħad ma għandhomx jagħtu l-permess li jmorru, ħlief lil dawk li huma jidhrilhom li jixirqilhom jintbagħatu. 3 Fl-aħħarnett, nikkmanda bl-ubbidjenza lill-ministri, li jitolbu lis-sinjur Papa wieħed mill-kardinali tal-Knisja mqaddsa Rumana[60], biex ikun mexxej, ħarries u biex jikkoreġi n-nuqqasijiet ta' din il-fraternità, 4 biex hekk dejjem taħt riġlejn ta' l-istess Knisja

[60] Rigward l-uffiċċju tal-Kardinal Protettur ta' l-Ordni, cfr. Kajetan Esser OFM, *Origins of the Franciscan Order*, Franciscan Herald Press, Chicago 1970, 178-180.

mqaddsa u marbutin magħha sħaħ fil-fidi (cfr. Kol 1,23) kattolika inħarsu l-faqar u l-umiltà u l-Evanġelju mqaddes tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li aħna bil-qawwa kollha wegħedna.

[158] Ħadd mela ma jista' min għal ħaġa u min għal oħra, idgħajjef dan l-att tagħna ta' twettieq, jew, bi ħsieb ħażin, joħodha kontrih. U jekk xi ħadd ikollu l-wiċċ jittanta jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u tal-qaddisin Pietru u Pawlu, Appostli tiegħu. Mogħti mil-Lateran, fid-29 ta' Novembru, it-tmien sena tal-pontifikat tagħna.

REGOLA NON BULLATA (REGOLA MHUX BULLATA)

[Prologu][61]

[159] 1 Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. 2 Din hi l-ħajja ta' l-Evanġelju[62] ta' Ġesù Kristu, li fra Franġisk talab mingħand is-sinjur Papa biex jagħtihielu u jikkonfermahielu. 3 U hu tahielu u ikkonfermaha għalih u għall-aħwa tiegħu preżenti u futuri. 4 Fra Franġisk u kull min ikun mexxej ta' dan l-Ordni jwiegħed ubbidjenza u qima lis-sinjur Papa Innoċenz u lil dawk li jiġu warajh. 5 U l-aħwa l-oħrajn kollha huma miżmumin li jobdu lil fra Franġisk u lil dawk li jiġu warajh.

Kapitlu I
Dwar li l-aħwa għandhom jgħixu bla xejn tagħhom, fil-kastità u fl-ubbidjenza.

[160] 1 Ir-Regola u l-ħajja ta' dawn l-aħwa hi din, jiġifieri li jgħixu fl-ubbidjenza, fil-kastità u mingħajr xejn tagħhom, u li jimxu wara t-tagħlim u l-passi tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li jgħid: 2 *Jekk trid tkun perfett mur, biegħ* dak kollu (cfr. Lq 18,22) *li għandek, agħtih lill-foqra u jkollok teżor fis-sema; u ejja, imxi warajja* (Mt 19,21). 3 U: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja* (Mt 16,24). 4 U wkoll: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja u ma jobgħodx lil missieru u lil ommu u lil martu u lil uliedu u lil ħutu subien u bniet, u saħansitra lil ħajtu stess, dan ma jistax ikun dixxiplu tiegħi* (Lq 14,26). 5 U: *Kull min iħalli lil missieru, jew lil ommu, jew lil ħutu subien u bniet, jew lil martu, jew lil uliedu, jew lil daru jew l-għelieqi tiegħu minħabba fija, jikseb kollox għal mitt darba iktar u jkollu b'xortih il-ħajja ta' dejjem* (cfr. Mt 19,29; Mk 10,29; Lq 18,29).

Kapitlu II
Dwar kif jiġu milqugħin l-aħwa u dwar l-ilbies tagħhom.

[161] 1 Jekk xi ħadd, imqanqal minn ispirazzjoni divina, jkun irid jiġi f'din il-ħajja għand l-aħwa tagħna, dawn għandhom jilqħuh bil-ħlewwa. 2 Jekk hu juri ruħu deċiż li jilqa' l-ħajja tagħna, l-aħwa għandhom joqgħodu ħafna attenti li ma jindaħlux fil-ħwejjeġ materjali tiegħu, imma għandhom jibgħatuh mill-aktar fis għand il-ministru tagħhom. 3 Il-ministru mbagħad għandu jilqgħu bil-ħlewwa u jfarrġu u jispjegalu bir-reqqa l-istil tal-ħajja tagħna. 4 Wara li jagħmel dan kollu, jekk dak ikun irid u jista' jagħmel hekk spiritwalment mingħajr tfixkil, għandu jbiegħ dak kollu li għandu u jara li jqassam kollox lill-foqra. 5 L-aħwa u l-ministru għandhom iħarsu rwieħhom, li ma jindaħlux bl-ebda mod fit-tqassim tal-ġid tiegħu, 6 u lanqas ma għandhom jirċievu flus mingħandu la huma infushom u lanqas permezz ta' persuni oħrajn. 7 Jekk ikunu fil-ħtieġa, l-aħwa jistgħu jirċievu dak kollu li hu meħtieġ għall-ġisem bħall-foqra l-oħrajn, imma mhux il-flus. 8 U meta jerġa' lura għand l-aħwa l-ministru għandu jagħtih l-ilbies tal-prova għal sena, jiġifieri żewġ tonok mingħajr kapoċċ u l-kurdun u l-qalziet ta' taħt u l-kapparrun li jasal sal-kurdun. 9

[61] Għal studju dwar l-iżvilupp tar-Regoli ta' S. Franġisk, cfr. Octavian Schmucki OFMCap, "Gli Scritti Legislativi di San Francesco", *Approccio Storico-Critico alle Fonti Francescane*, Edizioni Antonianum, Roma 1979, 73-98.
[62] Din l-espressjoni tindika li l-*Propositum Vitae* oriġinali, jew il-Forma ta' Ħajja evanġelika li S. Franġisk ippreżenta quddiem il-Papa Innoċenz III fl-1209, hi b'xi mod inkluża fir-RegNB, għalkemm bħala dokument hi mitlufa.

Wara li mbagħad itemm is-sena tal-prova għandu jiġi milqugħ għall-ubbidjenza. 10 Imbagħad hu ma jkunx jista' jidħol f'Ordni ieħor u lanqas jiġri barra mill-ubbidjenza, skond il-kmand tas-sinjur Papa[63] u skond l-Evanġelju; għaliex *ħadd li jqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura ma hu tajjeb għas-saltna ta' Alla* (Lq 9,62). 11 Jekk ikun hemm xi ħadd li jiġi imma ma jkunx jista' jqassam lill-foqra l-ġid tiegħu mingħajr ħafna tfixkil, u jkollu r-rieda spiritwali li jagħmel hekk, hu biżżejjed li hu jħalli kollox warajh. 12 Ħadd ma għandu jiġi milqugħ kontra l-forma u dak kollu li titlob il-Knisja mqaddsa.

13 L-aħwa l-oħrajn, imbagħad, li wiegħdu l-ubbidjenza, għandu jkollhom tonka waħda bil-kapoċċ u oħra mingħajr kapoċċ, jekk ikun meħtieġ, flimkien mal-kurdun u l-qalziet ta' taħt. 14 U l-aħwa kollha għandhom jilbsu lbies fqajjar, u jistgħu jraqqgħuh bl-ixkejjer u biċċiet oħrajn bil-barka ta' Alla; għaliex il-Mulej fl-Evanġelju jgħid: *Dawk li jilbsu ilbies għani u mirqum* (Lq 7,25), u *dawk li jilbsu lbies fin issibhom fil-palazzi tas-slaten* (Mt 11,8). 15 U wkoll hekk jgħidu li huma ipokriti, imma huma b'daqshekk ma għandhomx jieqfu milli jagħmlu l-ġid, u lanqas ma għandhom ifittxu lbies għani f'din id-dinja, biex hekk ikunu jistgħu jiksbu l-ilbies tagħhom fis-saltna tas-sema.

## Kapitlu III
## Dwar l-Uffiċċju divin u s-sawm.

[162] 1 Il-Mulej jgħid: *Din ix-xorta* ta' xjaten *ma tistax titkeċċa* jekk mhux bis-sawm u bit-talb (cfr. Mk 9,28); 2 u wkoll: *Meta ssumu ma għandkomx tkerrħu wiċċkom bħal nies ta' wiċċ b'ieħor* (Mt 6,16).

3 Għaldaqstant l-aħwa kollha kemm kjeriċi kif ukoll lajċi għandhom jitolbu l-Uffiċċju divin, it-tifħir u t-talb l-ieħor li huma obbligati jgħidu. 4 Il-kjeriċi jitolbu l-Uffiċċju u jgħiduh għall-ħajjin u għall-mejtin, bħall-kjeriċi l-oħrajn. 5 U għan-nuqqasijiet u t-traskuraġni ta' l-aħwa għandhom jgħidu ta' kuljum *Ikollok ħniena minni o Alla* (S 50) flimkien mal-*Missierna*; 6 u għall-aħwa mejtin jgħidu *Minn qiegħ l-art* (S 129) flimkien mal-*Missierna*. 7 U jistgħu ikollhom biss il-kotba meħtieġa biex jitolbu l-Uffiċċju. 8 Dawk il-lajċi mbagħad li jkunu jafu jaqraw is-salterju, jistgħu jkollhom wieħed. 9 L-oħrajn li ma jafux jaqraw ma jistgħux ikollhom kotba. 10 Il-lajċi għandhom jgħidu *Jiena nemmen f'Alla* u erbgħa u għoxrin *Missierna* bil-*Glorja lill-Missier* għall-matutin; għal-lawdi mbagħad ħamsa; għall-prima jgħidu *Jiena nemmen f'Alla* u seba' *Missierna* flimkien mal-*Glorja lill-Missier*; għat-terza, sesta u nona, għal kull waħda minn dawn is-sigħat jgħidu sebgħa; għall-għasar tnax; għall-kumpieta *Jiena nemmen f'Alla* u seba' *Missierna* flimkien mal-*Glorja lill-Missier*; għall-mejtin jgħidu seba' *Missierna* flimkien ma' *Agħtihom il-mistrieħ*; u għan-nuqqasijiet u t-traskuraġni ta' l-aħwa ta' kuljum jgħidu tliet *Missierna*.

11 Bl-istess mod l-aħwa kollha għandhom isumu mill-festa tal-Qaddisin Kollha sal-Milied u mill-Epifanija, meta l-Mulej tagħna Ġesù Kristu beda jsum sa l-Għid il-Kbir. 12 Fi żminijiet oħrajn ma humiex obbligati li jsumu, skond il-ħajja tagħna, ħlief nhar ta' Ġimgħa. 13 U skond kif jgħid l-Evanġelju, jistgħu jieklu minn dak l-ikel kollu li jqiegħdulhom quddiemhom (cfr. Lq 10,8).

---

[63] Riferiment espliċitu għall-Bulla *Cum secundum consilium* tal-Papa Onorju III (22 ta' Settembru 1220), li biha l-Papa obbliga lill-aħwa li jdaħħlu s-sena tal-prova, jew in-novizzjat.

Kapitlu IV
Dwar kif għandhom iġibu ruħhom il-ministri ma' l-aħwa.

[163] 1 F'isem il-Mulej! 2 L-aħwa kollha, li huma maħturin ministri u qaddejja ta' l-aħwa l-oħrajn, għandhom iqassmu lill-aħwa fil-provinċji[64] u fil-postijiet li jiddependu minnhom, u għandhom iżuruhom ta' spiss u jwissuhom u jfarrġuhom spiritwalment. 3 U l-aħwa l-oħrajn kollha mberkin tiegħi għandhom jobduhom f'dak kollu li għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni tar-ruħ u li mhux kuntrarju għall-ħajja tagħna. 4 U bejniethom għandhom iġibu ruħhom skond kif jgħid il-Mulej: *Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom* (Mt 7,12); 5 u: *Dak li ma tridx min jagħmlu lilek, tagħmlux int lil ħaddieħor*. 6 U għandhom jiftakru l-ministri u l-qaddejja dwar dak li jgħid il-Mulej: *Jiena ma ġejtx biex inkun moqdi, imma biex naqdi* (Mt 20,28) u li lilhom ġie mħolli l-ħsieb ta' l-erwieħ ta' l-aħwa, hekk li jekk xi ħadd minnhom jintilef minħabba t-traskuraġni jew l-eżempju ħażin tagħhom, *huma jridu jagħtu kont f'jum il-ħaqq* (cfr. Mt 12,36) quddiem il-Mulej Ġesù Kristu.

Kapitlu V
Dwar il-korrezzjoni ta' l-aħwa li jidinbu.

[164] 1 Għaldaqstant ħarsu dejjem l-erwieħ tagħkom u ta' l-aħwa; għaliex *hu tal-biża' li wieħed jaqa' f'idejn Alla l-ħaj* (Lhud 10,31). 2 Jekk imbagħad xi wieħed mill-ministri ta' xi wħud mill-aħwa jikkmanda lil xi ħadd mill-aħwa xi ħaġa kontra l-ħajja tagħna jew kontra ruħu, dak mhux obbligat li jobdih; għaliex mhijiex ubbidjenza dik li twassal biex xi ħadd jagħmel il-ħażen jew jidneb. 3 B'danakollu l-aħwa kollha li jinsabu taħt il-ministru u l-qaddej għandhom iqisu bir-raġuni u bir-reqqa dak li jagħmel il-ministru u l-qaddej tagħhom, 4 u jekk jaraw li xi ħadd minnhom ikun miexi skond il-ġisem u mhux skond l-ispirtu, kontra r-regola tal-ħajja tagħna, wara t-tielet twissija, jekk hu ma jindimx, waqt il-Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin għandhom jgħidu b'dan lill-ministru u l-qaddej tal-fraternità kollha, mingħajr ma jċaqilqu fehemthom mill-ebda tfixkil. 5 Jekk imbagħad fost l-aħwa, jinsabu fejn jinsabu, jkun hemm min irid jimxi skond il-ġisem u mhux skond l-ispirtu, l-aħwa li magħhom jgħix għandhom iwissuh, u għandhom jikkoreġuh bl-umiltà u bir-reqqa. 6 U jekk wara t-tielet twissija ma jkunx irid isewwi l-ħsara tiegħu, mill-aktar fis għandhom jibgħatuh u juru xi jkun għamel lill-ministru u l-qaddej tiegħu, li jagħmel bih skond dak li jidhrilu l-aħjar skond Alla.

7 L-aħwa kollha, kemm il-ministri u l-qaddejja kif ukoll l-oħrajn, għandhom iħarsu rwieħhom li, minħabba d-dnub ta' l-oħrajn, jew minħabba l-ħażen, ma jitħawwdux u lanqas jitlagħalhom, għaliex ix-xitan minħabba d-dnub ta' wieħed ikun irid iħassar lil bosta; 8 imma, mill-aħjar li jistgħu, u spiritwalment, għandhom jgħinu lil dak li jkun dineb, għaliex mhux *min hu f'saħħtu għandu bżonn it-tabib, imma min hu marid* (cfr. Mt 9,12; Mk 2,17).

9 Bl-istess mod ħadd mill-aħwa ma għandu jkollu qawwa jew jaħkem fuq l-aħwa l-oħrajn. 10 Għax il-Mulej jgħid fl-Evanġelju: *Il-mexxejja tal-ġnus jaħkmu fuqhom, u dawk li huma kbar iħaddmu s-setgħa tagħhom fuqhom* (Mt 20,25), imma *fost* l-aħwa *ma għandux ikun hekk* (cfr. Mt

[64] Il-"provinċja" kienet, u għadha, entità ġeografika li fiha jgħixu l-aħwa, immexxija minn Ministru Provinċjal. L-Ordni inqasam fi provinċji għall-ewwel darba waqt il-Kapitlu ta' Pentekoste ta' l-1217.

20,26a); 11 u kull min *irid ikun il-kbir fosthom għandu jkun il-qaddej tagħhom* (cfr. Mt 20,26b); 12 u *min fosthom irid ikun il-kbir għandu jġib ruħu bħal wieħed li jaqdi* (Lq 22,26).

13 L-ebda wieħed mill-aħwa ma għandu jagħmel jew jgħid xejn ħażin fuq l-oħrajn; 14 imma l-aktar *minħabba l-karità ta' l-ispirtu* għandhom jaqdu u jobdu bil-qalb *wieħed lill-ieħor* (cfr. Gal 5,13). 15 U din hi l-ubbidjenza vera u qaddisa tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 16 U l-aħwa kollha, kull meta *jitbiegħdu mill-kmandamenti tal-Mulej* u joħorġu jiġġerrew barra mill-ubbidjenza, kif jgħid il-profeta (S 118,21), għandhom ikunu jafu li sakemm idumu jgħixu b'għajnejhom miftuħa f'dan id-dnub barra l-ubbidjenza, huma misħutin. 17 U meta huma jżommu sħaħ fil-kmandamenti ta' Alla, li huma wiegħdu meta riedu jimxu wara l-Evanġelju u l-ħajja tar-Regola tagħhom, għandhom ikunu jafu li jkunu jinsabu fl-ubbidjenza vera, u li jkunu imberkin mill-Mulej.

Kapitlu VI
Dwar kif l-aħwa għandhom jirrikorru għand il-ministri u dwar li ħadd mill-aħwa ma jissejjaħ pirjol.

[165] 1 L-aħwa, fil-postijiet kollha li fihom joqogħdu, jekk ma jkunux jistgħu jħarsu r-Regola u l-ħajja tagħna, għandhom mill-aktar fis imorru għand il-ministru tagħhom u jgħarrfuh b'dan. 2 Il-ministru mbagħad, għandu jipprova jifhem il-qagħda tagħhom, kif hu nnifsu jkun irid min jifhem lilu, kieku kellu jinsab f'dik il-qagħda. 3 U ħadd minnhom ma għandu jissejjaħ pirjol[65], 4 imma l-aħwa kollha bla distinzjoni għadhom jissejjħu patrijiet minuri[66]. U *għandhom jaħslu r-riġlejn wieħed ta' l-ieħor* (cfr. Ġw 13,14).

Kapitlu VII
Dwar kif għandhom jaqdu u jaħdmu.

[166] 1 L-aħwa kollha, f'kull post li fih joqogħdu biex ikunu qaddejja jew biex jaħdmu għand ħaddieħor, ma għandhomx ikunu kaxxiera jew kanċillieri, u lanqas ma għandhom jikkmandaw fuq l-oħrajn fid-djar li fihom jgħixu; u ma għandhomx jaċċettaw l-ebda uffiċċju li jista' jnissel skandlu jew *ikun ta' ħsara għal ruħhom* (cfr. Mk 8,36); 2 imma għandhom ikunu minuri u sudditi ta' dawk kollha li jkunu jgħixu f'dik id-dar.

3 U l-aħwa, li jafu jaħdmu b'idejhom, għandhom jaħdmu u jħaddmu dik is-sengħa li jkunu jafu, jekk dan ma jkunx kontra s-salvazzjoni ta' ruħhom u jkunu jistgħu jaħdmu bl-onestà. 4 Għaliex il-profeta jgħid: *Minn xogħol idejk int tiekol; hieni int u risqek tajjeb* (S 127,2): 5 u l-

[65] Il-kelma Latina *prior*, bil-Malti, "pirjol", ġejja mit-tradizzjoni Benedittina. Fil-leġislazzjoni Benedittini tindika vigarju jew delegat ta' monasteru li ma kellux Abbati jmexxih, jew inkella superjur ta' monasteru li jiddependi minn monasteru ikbar, fejn hemm Abbati u knisja abbazjali. Fi żmien S. Franġisk is-sens li ingħata lill-kelma *prior* fl-Ordnijiet mendikanti kien dak ta' superjur lokali, bħal fil-każ ta' l-Ordni tal-Predikaturi (Dumnikani) u ta' l-Ordni ta' Santu Wistin (Agostinjani). S. Franġisk ma riedx din il-kelma, li tfisser "l-ewwel wieħed" fost il-patrijiet, u ipprefera l-kelma "ministru" jew "qaddej".

[66] L-isem uffiċjali ta' l-Ordni għandu hawnhekk forsi l-eqdem riferiment: *Ordo Fratrum Minorum* (Ordni tal-Patrijiet Minuri). L-ewwel darba li nsibu l-isem uffiċjali użat barra mill-Ordni hu fil-kronaka tal-Premonstratensi Burchard ta' Urspurg (+1230), cfr. *Testimonia Minora Saeculi XIII de S. Francisco Assisiensis*, ed. L. Lemmens OFM, Collegio S. Bonaventura, Quaracchi 1926, 17-18.

appostlu jgħid: *Min ma jridx jaħdem, ma għandux jedd jiekol* (cfr. 2Tes 3,10); 6 u: *Kull wieħed għandu jibqa'* fis-sengħa u l-uffiċċju *li għalih ġie msejjaħ* (cfr. 1Kor 7,24). 7 U għall-ħidma tagħhom jistgħu jirċievu dak kollu li hu meħtieġ ħlief il-flus. 8 U meta jkunu fil-ħtieġa, ħa joħorġu jittallbu karità bħall-foqra l-oħrajn. 9 U jistgħu jkollhom l-għodod u l-istrumenti meħtieġa għas-sengħa tagħhom.

10 L-aħwa kollha *għandhom jieħdu ħsieb li jkunu mehdijin il-ħin kollu f'ħidma tajba*, skond kif inhu miktub: *Agħmel* dejjem il-ġid, *sabiex ix-xitan isibek mehdi f'xogħlok*. 11 Kif ukoll: «Il-għażż hu l-għadu tar-ruħ»[67]. 12 Għaldaqstant il-qaddejja ta' Alla għandhom ikunu dejjem mehdijin fit-talb jew f'xi ħidma oħra ta' ġid.

13 Għandhom iħarsu ruħhom l-aħwa, kemm fl-eremitaġġi kif ukoll fil-postijiet l-oħrajn, li ma jżommu l-ebda post bħala proprjetà tagħhom u lanqas ma għandhom jiddefenduh. 14 U kull min jiġi għandhom, ħabib jew għadu, ħalliel jew brigant, għandhom jilqgħuh bil-ħlewwa. 15 U kull fejn jinsabu l-aħwa u f'kull post li fih jiltaqgħu flimkien, għandhom juru lejn xulxin imħabba spiritwali, u għandhom juru ġieħ *wieħed lill-ieħor mingħajr tgemgim* (1Pt 4,9). 16 U għandhom iħarsu ruħhom, li ma jurux bixra ta' dwejjaq u wiċċ b'ieħor; imma għandhom jidhru *ferħanin fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4), u kollhom hena u mimlijin kortesija lejn kulħadd, kif jixraq.

## Kapitlu VIII
## Dwar li l-aħwa ma jieħdux flus.

[167] 1 Il-Mulej jikkmanda fl-Evanġelju: 2 *Ħarsu rwieħkom minn kull* qerq *u regħba* (cfr. Lq 12,15); u: *La tħallux lilkom infuskom* titħassbu dwar din id-dinja u *dwar din il-ħajja* (cfr. Lq 21,34).

3 Għaldaqstant ħadd mill-aħwa, kull fejn jinsab u kull fejn imur, ma għandu jieħu jew iħalli min jieħu flus jew għana, u la minħabba l-libies u lanqas minħabba l-kotba jew minħabba l-ħlas għal xi ħidma, anzi għal ebda raġuni, ħlief għall-ħtiġijiet li jidhru ta' l-aħwa morda, għaliex ma għandniex inqisu l-flus u l-għana aktar ta' ġieħ milli kieku kienu ġebel. 4 Ix-xitan irid jagħmi lil dawk li jqisu l-flus jew l-għana aktar mill-ġebel. 5 Ejjew mela noqogħdu attenti, aħna, li ħallejna kollox (cfr. Mt 19,27), li ma mmorrux għal għana hekk ċkejken nitilfu s-saltna tas-sema. 6 U jekk f'xi mkien insibu l-flus, ma għandniex nagħtu kashom aktar milli kieku kienu trab, li jintrifes taħt ir-riġlejn, għaliex *frugħa tal-frugħat, u kollox hu frugħa* (Qoħ 1,2). 7 U jekk jiġri li xi ħadd mill-aħwa jmiss il-flus jew l-għana u jkun irid jiġborhom u jżommhom, ħlief biss għall-ħtieġa tal-morda li semmejna aktar 'il fuq, l-aħwa kollha huma miżmumin li lil dan it-tali ma jqisuhx aktar bħala ħuhom, u bħala wieħed li ċaħad il-fidi, u bħala ħalliel u brigant li jrid iżomm il-borża tal-flus (cfr. Ġw 12,6), dment li hu ma jagħmilx penitenza. 8 U bl-ebda mod ma għandhom l-aħwa jilqgħu jew iġiegħelu lil min jilqa' għalihom, u lanqas ifittxu jew iġiegħelu lil min jittallab għalihom, il-flus għall-karità u lanqas għana ieħor għal xi dar jew post; u lanqas imorru flimkien ma' persuna oħra biex jirċievu flus jew għana għal dawn il-postijiet. 9 Imma l-qadi l-ieħor għal dawn il-postijiet, li mhux kontra l-ħajja tagħna, l-aħwa jistgħu jagħmluh bil-barka ta' Alla. 10 L-aħwa mbagħad, minħabba l-ħtiġijiet li jidhru tal-lebbrużi, jistgħu jittallbu karità għalihom. 11 Imma għandhom dejjem joqgħodu ħafna attenti mill-flus. 12 L-istess għandhom iħarsu rwieħhom l-aħwa kollha, li ma joqgħodux jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn għal qliegħ diżonest.

---

[67] Riferiment dirett għar-Regola ta' San Benedittu, kapitlu 48.

Kapitlu IX
Dwar li jittallbu l-karità.

[168] 1 L-aħwa kollha għandhom ifittxu bir-reqqa li jimxu wara l-umiltà u l-faqar tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u għandhom jiftakru, li f'din id-dinja xejn ma jixraq li aħna jkollna, ħlief, skond kif jgħid l-appostlu, *li jkollna x'nieklu u x'nilbsu, u dan ikun biżżejjed għalina* (cfr. 1Tim 6,8). 2 U għandhom jifirħu, meta jgħixu qalb persuni baxxi u mistmerra, qalb il-foqra u d-dgħajfin u l-morda u l-lebbrużi, u qalb it-tallâba fit-toroq. 3 U meta jkunu fil-ħtieġa, ħa joħorġu jittallbu l-karità. 4 U ma għandhomx għax jistħu, imma għandhom jiftakru fuq kollox li l-Mulej tagħna Ġesù *Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj* (Ġw 11,27) u li jista' kollox, *għamel wiċċu bħaż-żnied* (Is 50,7), u ma staħax; 5 u kien fqir u pellegrin u kien jgħix bil-karità hu u l-Verġni mqaddsa u d-dixxipli tiegħu. 6 U meta l-bnedmin iġiegħeluhom jistħu u ma jkunux iridu jagħtuhom karità, għandhom iroddu ħajr lil Alla; għaliex il-mistħija tagħtihom ġieħ kbir quddiem it-tribunal tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 7 U għandhom ikunu jafu li l-mistħija tħammar wiċċ min jagħmilha u mhux min jirċeviha. 8 U l-karità hi l-wirt li l-foqra għandhom dritt għalih b'ġustizzja, għaliex lilna kisibhielna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu. 9 U dawk l-aħwa li jaħdmu biex jiksbuha, jirċievu ħlas kbir u jkunu jgħinu wkoll biex jiksbu ħlas kbir dawk li jagħtuhielhom; għaliex il-bnedmin kollox ikollhom iħallu warajhom mill-ħwejjeġ li jintemmu f'din id-dinja, imma jkollhom il-premju mingħand il-Mulej għall-karità li huma jkunu għamlu.

10 U bil-fiduċja għandhom juru wieħed lill-ieħor il-ħtiġijiet tagħhom, sabiex hekk jippruvaw jaqdu lil xulxin f'dik il-ħtieġa. 11 U kull wieħed għandu jħobb u jmantni lil ħuh bħalma omm tħobb u tmantni lil binha (cfr. 1Tes 2,7), f'dak kollu li Alla jogħoġbu jagħtih bħala grazzja b'idejh miftuħa. 12 U *min ma jiekolx ma għandux jagħmel ħaqq minn min jiekol* (Rum 14,3b).

13 U kull meta tiġi fuqhom il-ħtieġa, hu permess li l-aħwa kollha, kull fejn jinsabu, jieklu mill-ikel kollu li jagħtuhom in-nies, skond kif il-Mulej jgħid dwar David, li *kiel mill-ħobż tal-preżenza* (cfr. Mt 12,4), *li minnu ma kien jista' jiekol ħadd ħlief il-qassisin* (Mk 2,26). 14 U għandhom jiftakru dwar dak li jgħid il-Mulej: *Oqogħdu għassa tagħkom infuskom li ma tmorrux tħallu qlubkom jitqalulkom b'ikel u xorb żejjed, jew bis-sokor, jew b'ħafna tħassib għall-ħtiġijiet ta' din il-ħajja, u li dak il-jum ma ssibuhx fuqkom għal għarrieda;* 15 *għaliex dak il-jum għad jaqa' bħal nasba fuq dawk kollha li jinsabu fuq il-wiċċ ta' l-art* (cfr. Lq 21,34-35). 16 Bl-istess mod fi żmien il-ħtieġa, l-aħwa jistgħu jagħmlu użu minn dak kollu li jkun meħtieġ għalihom, u li l-Mulej jipprovdilhom b'idejh miftuħa, għaliex «għall-ħtieġa ma hemmx liġi»[68].

Kapitlu X
Dwar l-aħwa morda.

[169] 1 Jekk xi ħadd mill-aħwa jimrad, ikun fejn ikun, l-aħwa l-oħrajn ma għandhomx jitilquh waħdu, sakemm ma jaħtrux wieħed jew aktar mill-aħwa, jekk ikun meħtieġ, biex jaqduh, kif *huma jkunu jridu jiġu moqdija*. 2 Imma f'każ ta' ħtieġa kbira jistgħu jħalluh f'idejn persuni oħrajn li jkunu jistgħu jaqduh fil-marda tiegħu. 3 U nitlob lil dan ħija marid, biex dejjem irodd ħajr lill-Ħallieq f'kollox; u għandu jixtieq li jkun kif iridu l-Mulej, kemm jekk hu f'saħħtu kif ukoll jekk

[68] Preskrizzjoni meħuda mid-*Decretum Gratiani*, p. II, c.q.1, *glossa ante* c. 40.

ikun marid, għaliex dawk kollha li Alla *għażilhom minn qabel għall-ħajja ta' dejjem* (cfr. Atti 13,48)*, Hu jgħallimhom bit-tbatijiet* u *bix-xewka* tal-mard *u l-indiema ta' l-ispirtu,* skond kif il-Mulej jgħid: *Jiena dawk li nħobb* nikkoreġihom *u nwiddibhom* (Apk 3,19). 4 U jekk xi ħadd jitħawwad jew jitlagħlu jew joħodha kontra Alla jew kontra l-aħwa, jew inkella jinsisti bil-ħerqa li jġibulu l-mediċini bix-xewqa li jeħles lill-ġisem li dalwaqt imut, u li hu l-għadu tar-ruħ, hu dak li jħalli lilu nnifsu jintrebaħ mill-ħażin u hu bniedem moħħu fil-ġisem, u ma jkunx jidher bħala wieħed mill-aħwa, għaliex hu aktar ikun iħobb il-ġisem milli r-ruħ.

## Kapitlu XI
Dwar li l-aħwa ma jgħajjrux lil xulxin u ma jqassux fuq xulxin, imma għandhom iħobbu wieħed lill-ieħor.

[170] 1 L-aħwa kollha għandhom ifittxu li ma jqassux kontra xulxin u lanqas ma jitlewwmu bil-kliem (cfr. 2Tim 2,14), 2 imma jfittxu li jżommu s-skiet, skond il-grazzja li jqassmilhom Alla. 3 Lanqas ma għandhom iħaqquha bejniethom, imma għandhom ifittxu li jwieġbu bl-umiltà billi jgħidu: *Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn* (cfr. Lq 17,10). 4 U ma għandhomx jinkurlaw, *għax kull min jinkorla għal ħuh ikun ħaqqu l-ġudizzju; min jgħid lil ħuh ġifa, jkun ħaqqu s-sentenza tal-ħaqq; min jgħidlu iblah, ikun ħaqq n-nar tal-ġeħenna* (Mt 5,22). 5 U għandhom iħobbu wieħed lill-ieħor, skond kif jgħid il-Mulej: *Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien* (Ġw 15,12). 6 U għandhom juru bl-għemil (cfr. Ġak 2,18) l-imħabba li għandhom lejn xulxin, skond kif jgħid l-appostlu: *Ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u tassew* (1Ġw 3,18). 7 U *ma għandhomx jgħajjru* (cfr. Tit 3,2); 8 ma għandhomx igemgmu, u lanqas ma għandhom jitkellmu ħażin fuq l-oħrajn, kif inhu miktub: *Alla jobgħod lil dawk li jħobbu jaqilgħu u jqassu fuq l-oħrajn* (cfr. Rum 1,29). 9 U għandhom ikunu ġwejdin *u f'kollox juru ruħhom umli quddiem il-bnedmin kollha* (cfr. Tit 3,2), 10 ma għandhomx jiġġudikaw, ma għandhomx jikkundannaw. 11 U skond kif jgħid il-Mulej, ma għandhomx joqogħdu jqisu d-dnubiet żgħar ta' l-oħrajn (cfr. Mt 7,3; Lq 6,41), 12 imma aktar għandu wieħed jagħraf *il-qagħda ta' ruħu bl-imrar* (Is 38,15). 13 U għandhom jitħabtu *biex jidħlu mill-bieb id-dejjaq* (Lq 13,24), skond kif jgħid il-Mulej: *Dejjaq hu l-bieb u iebsa hi t-triq, li twassal għall-ħajja, u ftit huma dawk li jsibuha* (Mt 7,14).

## Kapitlu XII
Dwar il-ħars ħażin u l-ħbiberija man-nisa.

[171] 1 L-aħwa kollha, ikunu fejn ikunu, għandhom iħarsu rwieħhom mill-ħars ħażin u mill-ħbiberija man-nisa. 2 U ħadd ma għandu jagħtihom parir, jew jimxi waħdu magħhom fit-triq jew jiekol magħhom mill-istess platt. 3 Is-saċerdoti għandhom jitħaddtu meqjus magħhom, u jagħtuhom il-penitenza jew xi parir spiritwali ieħor. 4 U mhux permess li xi ħadd mill-aħwa jilqa' lil xi mara għall-ubbidjenza, imma wara li jkun taha l-parir spiritwali, hi għandha tmur tagħmel penitenza fejn trid. 5 U aħna lkoll għandna nħarsu fis-safa l-membri kollha ta' ġisimna, għaliex il-Mulej jgħid: *Min iħares lejn mara u jixtieqha, jkun diġà għamel adulterju magħha f'qalbu* (Mt 5,28). 6 U l-appostlu jgħid: *Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu?* (cfr. 1Kor 6,19); għaldaqstant, *min jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu* (1Kor 3,17).

Kapitlu XIII
Dwar li għandhom iħarsu rwieħhom miż-żina.

[172] 1 Jekk xi ħadd mill-aħwa, imqanqal mix-xitan, jaqa' fiż-żina, għandu jiġi mneżża' mit-tonka, li ma għandux dritt aktar iġorrha minħabba l-ħażen tiegħu. Għandu mela jiġi mneżża' minnha għal kollox, u għandu jintbagħat 'il barra mill-Ordni. 2 U wara għandu jagħmel penitenza għal dnubietu (cfr. 1Kor 5,4-5).

Kapitlu XIV
Dwar kif l-aħwa għandhom iġibu ruħhom fid-dinja.

[173] 1 Meta l-aħwa joħorġu fid-dinja, *ma għandhom jieħdu xejn magħhom* fit-triq (cfr. Lq 9,3), la borża (cfr. Lq 10,4), *la ħobż, la flus* (Lq 9,3), *u lanqas ħatar* (cfr. Mt 10,10). 2 U *f'kull dar li fiha jidħlu għandhom qabel xejn jgħidu: Sliem lil din id-dar* (cfr. Lq 10,5). 3 U *għandhom jibqgħu f'dik id-dar,* u jieklu u jixorbu *milli jkollhom huma* (cfr. Lq 10,7). 4 *Ma għandhomx jieqfu lill-ħażin* (cfr. Mt 5,39), imma lil min jagħtihom daqqa fuq ħaddejhom, għandhom idawwrulu *l-ieħor ukoll* (cfr. Mt 5,39; Lq 6,29). 5 U *min jeħdilhom il-libsa ma għandhomx* jiċħdulu *l-mantell* (cfr. Lq 6,29). 6 Għandhom jagħtu *lil kull min jitlobhom;* u ma għandhomx jitolbu lura *dak li jitteħdilhom* (cfr. Lq 6,30).

Kapitlu XV
Dwar li l-aħwa ma jirkbux żwiemel.

[174] 1 Nikkmanda lill-aħwa kollha tiegħi, kemm kjeriċi kif ukoll lajċi, li meta jmorru fid-dinja jew joqgħodu fil-postijiet, bl-ebda mod ma għandu jkollhom l-ebda bhima, la huma infushom, u lanqas għand ħaddieħor. 2 mhux permess għalihom li jirkbu żwiemel, ħlief meta jkunu morda jew għax magħfusin minn ħtieġa kbira.

Kapitlu XVI
Dwar dawk li jmorru fost is-saraċini u infidili oħrajn.

[175] 1 Il-Mulej jgħid: *Ara, jiena qiegħed nibgħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup.* 2 *Kunu, mela, għaqlin bħas-sriep u safja bħall-ħamiem* (Mt 10,16). 3 Għaldaqstant, jekk xi wieħed mill-aħwa jkun irid imur fost is-saraċini u infidili oħrajn, dan għandu jmur bil-permess tal-ministru u qaddej tiegħu[69]. 4 U l-ministru għandu jagħtihom il-permess u ma għandux jieqfilhom fir-rieda tagħhom, jekk jara li huma tajbin biex jintbagħatu; inkella jkollu jagħti kont quddiem il-Mulej (cfr. Lq 16,2), jekk f'dan jew f'xi ħwejjeġ oħrajn ma jimxix bid-dehen kif għandu jimxi. 5 L-aħwa, imbagħad, li jmorru, jistgħu jgħixu ħajja spiritwali fost dawn in-nies b'żewġ modi. 6 L-ewwel wieħed hu dan, li jaħarbu kull tilwim u diskussjonijiet fiergħa bejniethom, imma għandhom joqogħdu *għal kull*

[69] Dan ir-riferiment għall-missjonijiet fl-Ordni jidher li hu xi ħaġa ġdida f'Regola ta' Ordni reliġjuż fl-istorja tal-Knisja. Forsi hawn l-influss ta' l-għajta tal-Konċilju Lateran IV li, fl-1215, fetaħ b'invit pressanti biex il-kristjanità terġa' tmur fi Kruċjata ħalli tirbaħ l-Art Imqaddsa. Nafu li S. Franġisk kellu idejiet differenti dwar kif kellha ssir il-ħidma missjunarja, kif juri f'dan il-kapitlu tar-RegNB u kif wera bl-eżempju ta' ħajtu meta mar fl-Orjent fl-1219.

*krejatura umana minħabba f'Alla* (1Pt 2,13), u għandhom jistqarru li huma insara. 7 It-tieni mod hu li, meta huma jaraw li jogħġob lill-Mulej, għandhom ixandrulhom il-kelma ta' Alla, sabiex jemmnu f'Alla li jista' kollox, il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, ħallieq ta' kollox, u fl-Iben li hu feddej u salvatur, u sabiex jitgħammdu u jsiru insara, għaliex *min ma jitwelidx mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla* (cfr. Ġw 3,5).

8 Huma jistgħu jgħidulhom dan u ħwejjeġ oħrajn, skond kif jogħġob lill-Mulej, għaliex il-Mulej jgħid fl-Evanġelju: *Kull min jistqarrni quddiem il-bnedmin, jiena wkoll nistqarru quddiem Missieri li hu fis-smewwiet* (Mt 10,32). 9 U: *Min jistħi minni u mill-kelma tiegħi, Bin il-bniedem ukoll għad jistħi minnu meta jiġi fil-glorja tal-Missier u ta' l-anġli qaddisa* (cfr. Lq 9,26).

10 U l-aħwa kollha, jinsabu fejn jinsabu, għandhom jiftakru li huma taw lilhom infushom u ħallew ġisimhom f'idejn il-Mulej Ġesù Kristu. 11 U għall-imħabba tiegħu huma għandhom jesponu ruħhom għall-għedewwa li jidhru u wkoll dawk li ma jidhrux; għaliex il-Mulej jgħid: *Min jitlef ħajtu minħabba fija, jsibha* (cfr. Lq 9,24) *fil-ħajja ta' dejjem* (Mt 25,46). 12 *Henjin dawk li jsofru persekuzzjoni minħabba l-ġustizzja, għaliex tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet* (Mt 5,10). 13 *Kif ippersegwitaw lili, hekk jippersegwitaw lilkom* (Ġw 15,20). 14 U: *Jekk jippersegwitawkom f'belt, aħarbu f'belt oħra* (cfr. Mt 10,23). 15 *Henjin intom* (Mt 5,11), *meta l-bnedmin jobogħdukom* (Lq 6,22) *u jisħtukom* (Mt 5,11) u jippersegwitawkom u *jifirdukom minnhom u jsemmu isimkom bħallikieku kien xi ħaġa ħażina* (Lq 6,22) u *jgħidu kull xorta ta' deni u gideb kontra tagħkom minħabba fija* (Mt 5,11). 16 *Ifirħu f'dak il-jum u aqbżu bil-ferħ* (Lq 6,23), *għaliex il-ħlas tagħkom kbir fis-smewwiet* (cfr. Mt 5,12). 17 U jiena *ngħidilkom, ħbieb tiegħi, tibżgħux minn dan kollu* (cfr. Lq 12,4); 18 *tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem* (Mt 10,28) *u mbagħad ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn aktar* (Lq 12,4). 19 *Araw li ma titħawwdux* (Mt 24,6). 20 *Fis-sabar tagħkom tiksbu rwieħkom* (Lq 21,19), 21 u *min jibqa' sħiħ sa l-aħħar, dan isalva* (Mt 10,22; 24,13).

Kapitlu XVII
Dwar il-predikaturi.

[176] 1 Ħadd mill-aħwa ma għandu jippriedka kontra l-forma u l-liġijiet tal-Knisja mqaddsa u jekk ma jkollux il-permess tal-ministru tiegħu. 2 U l-ministru għandu joqogħod attent biex dan il-permess ma jagħtihx bl-addoċċ. 3 Imma l-aħwa kollha għandhom jippriedkaw bl-għemil. 4 U l-ebda ministru jew predikatur ma għandu jqis bħala proprjetà tiegħu l-ministeru ta' l-aħwa, jew l-uffiċċju tal-predikazzjoni, imma malli jasal il-ħin li jħalli l-ministeru ta' l-aħwa, jew l-uffiċċju tal-predikazzjoni, hu għandu jħalli l-uffiċċju tiegħu mingħajr diskussjoni.

5 Għaldaqstant nitlob bil-ħniena u bl-imħabba li hu Alla (cfr. 1Ġw 4,16), lill-aħwa tiegħi kollha li jippriedkaw, jitolbu u jaħdmu, kemm kjeriċi kif ukoll lajċi, li jaraw bir-reqqa li jkunu umli f'kollox, 6 li ma għandhomx jintefħu bihom infushom u lanqas jifirħu fihom infushom u jitkabbru bil-kliem u l-għemejjel tajbin, jew ukoll b'kull ġid, li Alla jgħid jew jagħmel fihom jew permezz tagħhom, skond dak li jgħid il-Mulej fl-Evanġelju: *Għax tassew, ma għandkomx tiftaħru li l-ispirti joqogħdu għalikom* (Lq 10,20). 7 U ħa nkunu nafu bil-qawwa, li aħna ma għandna xejn tagħna ħlief il-vizzji u d-dnubiet. 8 U għalhekk għandna nifirħu ħafna meta jiġi fuqna *tiġrib ta' kull xorta* (cfr. Ġak 1,2) u meta jkollna nissapportu dwejjaq fir-ruħ u fil-ġisem, jew it-tigrib f'din id-dinja minħabba fil-ħajja ta' dejjem.

9 L-aħwa kollha kemm aħna, mela, għandna nħarsu rwieħna minn kull kburija u ftaħir fieragħ, 10 u għandna noqogħdu attenti mill-għerf ta' din id-dinja u mill-*għaqal tal-ġisem* (Rum 8,6); 11 għaliex l-ispirtu tal-ġisem irid u jitħabat biex ikollu ħafna kliem, imma ftit għemil, 12 u jfittex mhux ir-reliġjon u l-qdusija fil-ġewwieni ta' l-ispirtu, imma jrid u jixtieq li jkollu r-reliġjon u l-qdusija li tidher minn barra quddiem il-bnedmin. 13 Dawn huma dawk li dwarhom il-Mulej jgħid: *Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom diġà ħaduh* (Mt 6,2). 14 L-Ispirtu tal-Mulej irid li l-ġisem ikun mgħakkes u mistmerr, li jkun bla siwi u ta' min jitbiegħed minnu. 15 U hu jitħabat biex ikollu l-umiltà u s-sabar safi u sempliċi, u s-sliem tassew ta' l-ispirtu. 16 U dejjem fuq kollox jixtieq li jkollu l-biża' qaddis u l-għerf divin u l-imħabba divina tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

17 U għandna nroddu kull ġid lill-Mulej Alla l-aktar għoli u għandna nagħarfu li kull ġid jiġi minnu, u għandna nroddulu ħajr f'kollox, għax minnu jiġi kull ġid. 18 U lil dak li hu l-aktar għoli, li hu waħdu Alla, jalla jkollu, jingħatalu u jirċievi kull ġieħ u qima, kull tifħir u barka, kull grazzja u glorja, għaliex tiegħu hu kull ġid, hu li hu waħdu tajjeb (cfr. Lq 18,19).

19 U meta aħna naraw jew nisimgħu min jitkellem ħażin jew jagħmel għemejjel ħżiena, jew jidgħi kontra Alla, aħna għandna ngħidu kliem tajjeb u nagħmlu għemejjel tajba u nfaħħru lil Alla (cfr. Rum 12,21), *li hu mbierek għal dejjem* (Rum 1,25).

## Kapitlu XVIII
Dwar li l-ministri jiltaqgħu flimkien.

[177] 1 Ta' kull sena kull wieħed mill-ministri jista' jiltaqa' ma' l-aħwa tiegħu, kull fejn jogħġob lilhom, fil-festa ta' San Mikiel arkanġlu, biex jitkellem magħhom dwar dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Alla[70]. 2 Il-ministri kollha, imbagħad, li jinsabu fl-inħawi 'il hemm mill-baħar u mill-muntanji, għandhom jiġu darba kull tliet snin, filwaqt li l-ministri l-oħrajn jiġu darba fis-sena, għall-kapitlu ta' Għid il-Ħamsin fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, ħlief jekk il-ministru u l-qaddej ta' din il-fraternità kollha jordna li jsir mod ieħor.

## Kapitlu XIX
Dwar li l-aħwa jgħixu ta' kattoliċi.

[178] 1 L-aħwa kollha għandhom ikunu kattoliċi, u għandhom jgħixu u jitkellmu b'mod kattoliku. 2 Jekk xi ħadd joħroġ mit-triq fil-fidi u fil-ħajja kattolika f'dak li jgħid jew jagħmel, u ma jkunx irid jikkoreġi ruħu, għandu jitkeċċa 'l barra mill-fraternità tagħna mill-aktar fis. 3 U l-kjeriċi kollha u r-reliġjużi kollha għandna nqisuhom bħala sidien tagħna f'dak kollu li għandu

[70] Dan il-kapitlu jwieġeb għal direttiva tal-Konċilju Lateran IV, fil-kanoni 12: "F'kull provinċja ekkleżjastika għandu jinżamm kull tliet snin, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' l-ordinarji djoċesani, kapitlu ġenerali ta' Abbati u Prijuri". Għad-drawwa li jinżamm il-Kapitlu Ġenerali fl-Ordni tal-patrijiet Minuri, cfr. Kajetan Esser, *Origins of the Franciscan Order*, Franciscan Herald Press, Chicago 1970, 71ss. Ta' min jinnota li l-ewwel skop tal-Kapitlu fl-Ordni ma kienx oriġinarjament wieħed amministrattiv jew ekonomiku, imma l-aħwa kienu jitkellmu "dwar dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Alla".

x'jaqsam mas-salvazzjoni tar-ruħ u li mhux kontra r-Regola ta' l-Ordni tagħna; u għandna nqimu fihom l-ordni sagri u l-uffiċċju tal-ministeru tagħhom fil-Mulej.

Kapitlu XX
Dwar il-penitenza u dwar li l-aħwa jirċievu l-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

[179] 1 L-aħwa tiegħi imberkin kemm kjeriċi kif ukoll lajċi għandhom jistqarru dnubiethom għand is-saċerdoti ta' l-Ordni tagħna[71]. 2 U jekk ma jistgħux jagħmlu dan, għandhom jistqarruhom għand saċerdoti oħrajn prudenti u kattoliċi, filwaqt li jkunu jafu bil-qawwa u jirriflettu li kull meta jirċievu l-penitenza u l-assoluzzjoni minn xi saċerdot kattoliku, huma jiġu maħlulin mingħajr l-ebda dubju minn dawk id-dnubiet, jekk huma jaraw li jħarsu bl-umiltà u bil-fedeltà li jwettqu l-penitenza li tkun ġiet mogħtija lilhom. 3 Iżda jekk ma jistgħux isibu saċerdot, wieħed jista' jistqarr ħtijietu għand wieħed mill-aħwa, skond dak li jgħid l-appostlu Ġakbu: *Stqarru l-ħtijiet tagħkom wieħed lill-ieħor* (Ġak 5,16). 4 B'daqshekk, iżda, ma għandhomx jonqsu milli jmorru għand is-saċerdot, għax lis-saċerdoti biss ġiet mogħtija s-setgħa li jorbtu u jħollu mid-dnubiet. 5 U hekk wara li jkunu niedma u wara li jqerru jkunu jistgħu jieħdu l-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu bl-umiltà kbira u bil-qima, filwaqt li jiftakru f'dak li l-Mulej jgħid: *Min jiekol* ġismi *u jixrob* demmi*, jkollu l-ħajja ta' dejjem* (cfr. Ġw 6,54); 6 u: *Agħmlu dan b'tifkira tiegħi* (Lq 22,19).

Kapitlu XXI
Dwar it-tifħir u kliem ta' tħeġġiġ li l-aħwa kollha jistgħu jagħmlu.

[180] 1 L-aħwa kollha tiegħi, kull meta jogħġobhom, jistgħu ixandru fost il-bnedmin kollha dan il-kliem ta' tħeġġiġ u tifħir bil-barka ta' Alla[72]: 2 «Ibżgħu u agħtu ġieħ, faħħru u bierku, *roddu ħajr* (1Tes 5,18) u qimu lill-Mulej Alla li jista' kollox, tliet persuni f'Alla wieħed, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, ħallieq ta' kollox. 3 Agħmlu penitenza (cfr. Mt 3,2), agħmlu frott xieraq ta' penitenza (cfr. Lq 3,8), għaliex dalwaqt immutu. 4 *Agħtu u jingħatalkom* (Lq 6,38). 5 *Aħfru* u jiġi maħfur lilkom (cfr. Lq 6,37). 6 Għax *jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom* (Mt 6,14), il-Mulej ma *jaħfirx lilkom il-ħtijiet tagħkom* (Mk 11,25); *qerru dnubietkom* kollha (cfr. Ġak 5,16). 7 Henjin dawk li jmutu fil-penitenza, għaliex tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet. 8 Ħażin għal dawk li ma jmutux fil-penitenza, għaliex huma *wlied ix-xitan* (1Ġw 3,10), li jagħmlu l-għemil tiegħu (cfr. Ġw 8,41) u jmorru *fin-nar ta' dejjem* (Mt 18,8; 25,41). 9 Ħarsu rwieħkom biex tiċċaħħdu minn kull ħażen u biex tibqgħu sħaħ sa l-aħħar fit-tajjeb».

[71] Riferiment ieħor għall-influss tal-Konċilju Lateran IV, fil-kanoni 21: "L-insara kollha irġiel u nisa, wara li jaslu għall-età tar-raġuni, huma obbligati li jqerru bil-fedeltà d-dnubiet kollha tagħhom almenu darba fis-sena lill-kappillan tagħhom u jagħmlu mill-aħjar li jistgħu l-penitenza li tingħatalhom, u li jirċievu bil-qima s-sagrament ta' l-Ewkaristija almenu fl-Għid il-Kbir". Dan hu l-famuż preċett ta' l-Għid li kellu l-bidu tiegħu fl-1215, fi żmien S. Franġisk.

[72] Dan il-kapitlu hu għamla ta' predikazzjoni popolari li l-aħwa huma mħeġġin biex jagħmlu, imma dejjem fuq linji ortodossi, kif kien ordna l-Konċilju Lateran IV. Din kienet predikazzjoni differenti minn dik uffiċjali, riservata għall-isqfijiet u l-kjeriċi tejoloġi. Fil-fatt din kienet id-differenza fil-bidunett bejn il-Patrijiet Predikaturi, li kienu jingħataw għal predikazzjoni dommatika uffiċjali, u l-Patrijiet Minuri, li kienu aktar jingħataw għall-predikazzjoni popolari.

Kapitlu XXII
Kliem ta' twissija għall-aħwa.

[181] 1 Ejjew inqisu, l-aħwa lkoll kemm aħna, dak li jgħid il-Mulej: 2 *Ħobbu l-għedewwa tagħkom u agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom* (cfr. Mt 5,44), għaliex il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li aħna rridu nimxu fuq il-passi tiegħu (cfr. 1Pt 2,21), lil dak li ittradih sejjaħlu ħabib (cfr. Mt 26,50) u offra ruħu minn jeddu f'idejn dawk li sallbuh. 3 Il-ħbieb tagħna, għaldaqstant, huma dawk li jagħmlulna tiġrib u inġustizzji mingħajr ma jistħoqqilna, li jridu jġegħeluna nistħu u jgħajjruna, li jġibulna tbatija u taħbit, martirju u mewt; 4 lil dawn irridu nħobbuhom ħafna, għaliex minn dak li huma jġibu fuqna aħna nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem.

5 U għandna noboqgħdu lil ġisimna bil-vizzji u d-dnubiet tiegħu, għaliex ix-xitan iridna ngħixu skond il-ġisem u hekk jaħtfilna l-imħabba ta' Ġesù Kristu u l-ħajja ta' dejjem u hu flimkien ma' kulħadd hekk jintilef fl-infern; 6 għaliex aħna, bi ħtija tagħna, aħna nintnu, ta' min jitħassarna, imsejknin u kuntrarji għal kull ma hu tajjeb, u dejjem lesti biex induru lejn il-ħażen bir-rieda tagħna, għaliex, kif jgħid il-Mulej fl-Evanġelju: 7 Mill-qalb joħorġu l-ħsibijiet ħżiena, l-adulterji, iż-żina, il-qtil, is-serq, ix-xeħħa, il-qerq, il-ħtija, il-ħsibijiet mhux safja, il-ħars ħażin, ix-xhieda qarrieqa, id-dagħa, il-ħażen (cfr. Mk 7,21; Mt 13,19). 8 *Dawn kollha joħorġu mill-ġewwieni* tal-qalb tal-bniedem (cfr. Mk 7,73), u *dawn kollha iniġġsu l-bniedem* (Mt 15,20).

9 Aħna, għalhekk, li ħallejna d-dinja warajna, ma għandna nagħmlu xejn aktar għajr li nimxu wara r-rieda tal-Mulej u nogħoġbu lilu. 10 Għandna nħarsu rwieħna li ma nkunux bħall-ħamrija fil-mogħdija jew kollha ġebel jew kollha xewk, skond dak li jgħid il-Mulej fl-Evanġelju: 11 *Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla* (Lq 8,11). 12 Dawk għalhekk *li jaqgħu mal-mogħdija u jintrifsu* (cfr. Lq 8,5), *huma dawk li jisimgħu* (Lq 8,12) *il-kelma* u ma jifhmux (cfr. Mt 13,19); 13 *u mall-ewwel* (Mk 4,15) *jiġi x-xitan* (Lq 8,12) *u jaħtfilhom* (Mt 13,19) *dak li jkun inżera' f'qalbhom* (Mk 4,15) u *jneħħilhom il-kelma* minn qalbhom, *biex ma jmorrux jemmnu u jsalvaw* (Lq 8,12). 14 Dawk imbagħad *li jaqgħu fuq il-ġebel* (cfr. Mt 13,20), *huma dawk li jisimgħu mall-ewwel il-kelma bil-ferħ* (Mk 4,16) *u jilqgħuha* (Lq 8,13; Mk 4,16). 15 *Imma mbagħad jiġi fuqhom it-tiġrib jew isibu min iħabbathom minħabba fil-kelma, u malajr jitfixklu* (Mt 13,21) u dawn ma jkollhomx għeruq fihom, *għax huma moħħhom fil-ħwejjeġ ta' l-art* (cfr. Mk 4,17), għaliex *jemmnu biss għal xi żmien u fil-ħin tat-tigrib jerġgħu lura* (Lq 8,13). 16 *Dawk imbagħad li jaqgħu fix-xewk, huma dawk* (Lq 8,14) *li jisimgħu l-kelma ta' Alla* (cfr. Mk 4,18), imma *t-tħassib* (Mt 13,22) *u l-inkwiet* (Mk 4,19) *ta' din id-dinja u l-qerq ta' l-għana* (Mt 13,22) *u x-xewqat l-oħrajn tal-ġisem joħonqu l-kelma u din ma tagħmilx frott* (Mk 4,19). 17 *Dawk imbagħad li jaqgħu f'art tajba* (Lq 8,15), *bħal żerriegħa* (Mt 13,23) *huma dawk li jisimgħu l-kelma f'qalb tajba u mhejjija mill-aħjar* (Lq 8,15) u jifhmuha (cfr. Mt 13,23) *u jżommuha fihom u jagħmlu frott bis-sabar tagħhom* (Lq 8,15). 18 U minħabba f'hekk, ħuti, skond kif jgħid il-Mulej, ejjew inħallu *l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom* (Mt 8,22).

19 U għandna nħarsu ħafna ruħna mill-qerq u mir-raġunamenti fini tax-xitan, li jrid li l-bniedem ma jkollux moħħu u qalbu merfugħin lejn Alla. 20 U hu jdur miegħu u jixtieq il-qalb tal-bniedem taħt l-iskuża tal-ħlas jew ta' l-għajnuna, biex joħnoqlu l-kelma u l-preċetti tal-Mulej u jħassarhom mit-tifkira u jrid jagħmi l-qalb tal-bniedem b'ħafna ħsibjiet dwar ħwejjeġ tad-dinja u ħafna tħassib ieħor u hekk jibda jgħix hemm, kif jgħid il-Mulej: 21 *Meta l-ispirtu mniġġes joħroġ mill-bniedem, hu jimxi f'inħawi ta' nixfa kbira* (Mt 12,43) *u bla ilma jfittex il-mistrieħ; u meta ma*

*jsibux jgħid:* 22 *Ejja mmur lura fid-dar li minnha ħriġt* (Lq 11,24). 23 *U meta jasal isibha nadifa u miknusa u mżejna* (Mt 12,44). 24 U *jmur u jġib miegħu* seba' *spirti oħrajn agħar minnu, u huma jidħlu hemmhekk u l-qagħda ġdida ta' dak il-bniedem tkun agħar minn dik ta' qabel* (cfr. Lq 11,26).

25 Għalhekk, l-aħwa tiegħi kollha, ejjew inħarsu rwieħna ħafna biex, taħt l-iskuża ta' xi qliegħ jew għemil jew għajnuna nitilfu jew indawwru moħħna u qalbna mill-Mulej. 26 Imma fl-imħabba kbira, li hi Alla (cfr. 1Ġw 4,16), nitlob lill-aħwa tiegħi kollha, kemm ministri kif ukoll l-oħrajn, li wara li jwarrbu 'l bogħod minnhom kull tfixkil, u kull ħsieb u tħassib, bl-aħjar mod li jistgħu, jaqdu, jħobbu, jagħtu ġieħ u jqimu lill-Mulej Alla b'qalb safja u moħħ nadif, 27 għaliex hu fuq kollox ifittex li aħna dejjem inħejjulu għamara u dar fejn jgħammar (cfr. Ġw 14,23), hu li hu l-Mulej Alla li jista' kollox, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, li jgħid: *Ishru l-ħin kollu u itolbu, biex hekk ikun jistħoqqilkom li taħarbu minn kull* ħażen, *li għad irid jiġi u tkunu tistgħu toqogħdu quddiem Bin il-bniedem* (Lq 21,36). 28 *U meta tkunu titolbu* (Mk 11,25) *għidu* (Lq 11,2): *Missierna li inti fis-smewwiet* (Mt 6,9). 29 U ejjew nadurawh b'qalb safja, *għaliex jeħtieġ li nitolbu dejjem mingħajr ma negħjew* (Lq 18,1); 30 *għaliex il-Missier ifittex* aduraturi *bħal dawn*. 31 *Alla u Spirtu u dawk li jadurawh, jeħtieġ li jadurawh fl-ispirtu u l-verità* (cfr. Ġw 4,23-24). 32 Għandna mmorru għandu għaliex hu *r-ragħaj u l-għassies ta' rwieħna* (1Pt 2,25), u jgħidilna: 33 *Jiena r-ragħaj it-tajjeb, jiena nirgħa n-ngħaġ tiegħi u għan-ngħaġ tiegħi jiena nagħti ħajti* (Ġw 10,14). 34 *Intom ilkoll aħwa; u ssejjħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, għaliex wieħed hu l-Missier tagħkom, dak li hu fis-sema.* 35 *U ssejjħu lil ħadd mgħallem; għax l-imgħallem tagħkom wieħed hu,* dak li hu fis-smewwiet (cfr. Mt 23,8-10). 36 *Jekk tibqgħu fija, u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu u dan ikun mogħti lilkom* (Ġw 15,7). 37 *Kull fejn ikun hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom* (Mt 18,20). 38 *Ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien* (Mt 28,20). 39 *Il-kliem li jiena għidtilkom, hu spirtu u ħajja* (Ġw 6,64). 40 *Jiena t-triq, il-verità u l-ħajja* (Ġw 14,6).

41 Ejjew mela nżommu l-kliem, il-ħajja u t-tagħlim u l-Evanġelju mqaddes tiegħu, għaliex hu għoġbu jitlob għalina lill-Missieru biex jgħarraf ismu u qal*:* 42 *Missier, sebbaħ lil* ismek (Ġw 12,28a) *u agħti glorja lil Ibnek, biex l-Iben jagħti glorja lilek* (Ġw 17,1b). 43 Missier, *jiena għarraft ismek lill-bnedmin, li inti tajtni* (Ġw 17,6), *għaliex il-kliem li int tajt lili, jiena tajtu lilhom; u huma laqgħu u għarfu li jiena ħriġt minnek u emmnu li inti bgħattni.* 44 *Jiena għalihom nitlob, ma nitlobx għad-dinja, imma għal dawk li tajtni, għaliex huma tiegħek u dak kollu li hu tiegħi huwa tiegħek* (Ġw 17,8-10). 45 *Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, sabiex huma jkunu ħaġa waħda, bħalna* (Ġw 17,11b). 46 *Jiena ngħid dan fid-dinja, biex huma jkollhom il-ferħ fihom infushom.* 47 *Jiena tajthom il-kelma tiegħek; u d-dinja bagħadithom, għaliex huma mhumiex tad-dinja, kif jiena minix tad-dinja.* 48 *Ma nitolbokx li toħroġhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-ħażin* (Ġw 17,13b-15). 49 Sebbaħhom *fil-verità.* 50 *Il-kelma tiegħek hi l-verità.* 51 *Kif int bgħatt lili fid-dinja, jekk jiena bgħatt lilhom fid-dinja.* 52 *U jiena minħabba fihom inqaddes lili nnifsi, sabiex huma jiġu mqaddsin fil-verità.* 53 *Jiena ma nitlobx biss għalihom, imma għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom* (cfr. Ġw 17,17-20), *biex ikunu lkoll ħaġa waħda flimkien, ħalli d-dinja tagħraf li inti bagħattni, u li ħabbejt lili kif ħabbejt lilhom* (Ġw 17,23). 54 *Jiena għarrafthom ismek, biex l-imħabba li biha ħabbejtni* tkun fihom *u jiena fihom* (cfr. Ġw 17,26). 55 *Missier, irrid li dawk li tajtni, jkunu miegħi fejn inkun jien, biex jaraw il-glorja tiegħek* (Ġw 17,24) fis-saltna tiegħek. Amen.

Kapitlu XXIII
Talb u radd il-ħajr.

[182] 1 O Alla li tista' kollox, l-aktar qaddis, l-aktar għoli u kbir, *Missier qaddis* (Ġw 17,11) u ġust, *Mulej* sultan *tas-sema u ta' l-art* (cfr. Mt 11,25), minħabba fik innifsek inroddulek ħajr, għaliex bir-rieda mqaddsa tiegħek u bl-Iben il-waħdieni tiegħek flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu inti ħlaqt kull ma għandu ruħ u ġisem, u lilna għamilna *għax-xbieha u s-sura tiegħek u qiegħedtna fil-ġenna ta' l-art* (cfr. Ġen 1,26; 2,15). 2 U aħna bi ħtija tagħna waqajna. 3 U nroddulek ħajr, għaliex kif ħlaqtna bl-Iben tiegħek, hekk bl-imħabba qaddisa li biha *ħabbejtna* (cfr. Ġw 17,26), ridt li hu jitwieled Alla veru u bniedem veru mill-glorjuża u dejjem Verġni l-imqaddsa Marija u bis-salib u d-demm u l-mewt tiegħu ridt tifdi lilna mill-jasar li konna fih. 4 U nroddulek ħajr, għaliex dan l-istess Ibnek għad jerġa' jiġi fil-glorja tas-saltna tiegħu biex lill-misħutin, li ma għamlux penitenza u li ma għarfukx, jixħtehom fin-nar ta' dejjem, u biex jgħid lil dawk kollha, li għarfuk u adurawk u qdewk fil-penitenza: *Ejjew, imberkin minn Missieri,* ħudu *s-saltna li tħejjiet għalikom* sa mill-bidu *tad-dinja* (cfr. Mt 25,34).

5 U billi aħna lkoll ta' min jitħassarna u midinbin, u ma jistħoqqilniex li nsemmuk, bil-ħniena nitolbuk, sabiex il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, *l-Iben maħbub tiegħek, li fih int sibt il-għaxqa tiegħek* (cfr. Mt 17,5), flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu Difensur, iroddlok ħajr, skond kif jogħġob lilek u lilu, għal kulħadd, għaliex hu dejjem jogħġbok f'kollox, int li tant għamilt magħna. Hallelujah.

6 U, għall-imħabba tiegħek, bl-umiltà nitolbu lill-glorjuża u mqaddsa Ommna Marija, dejjem Verġni, lill-qaddisin Mikiel, Gabrijel u Rafel u l-kori kollha tal-qaddisin serafini, kerubini, troni, dominazzjonijiet, prinċipati, setgħat, virtujiet, anġli, arkanġli, lil San Ġwann Battista, lil San Ġwann Evanġelista, lil San Pietru u San Pawl u lill-qaddisin patrijarki, profeti, Innoċenti, appostli, evanġelisti, dixxipli, martri, konfessuri, verġni, lill-qaddisin Elija u Enok, u lill-qaddisin kollha, li kienu, u li huma u li għad iridu jkunu, sabiex skond kif jogħġob lilek, iroddulek ħajr bħala Alla veru u l-aktar għoli, li tgħix għal dejjem, flimkien ma' l-Iben tiegħek l-aktar għażiż, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu u ma' l-Ispirtu s-Santu Difensur, *għal dejjem ta' dejjem* (Apk 19,3). *Amen. Hallelujah* (Apk 19,4).

7 Aħna l-patrijiet minuri, kollha kemm aħna, *qaddejja li ma niswew għal xejn* (Lq 17,10) bl-umiltà nitolbu lil dawk kollha li jridu jaqdu lill-Mulej Alla fil-Knisja mqaddsa kattolika u apostolika, skond l-ordni li jinsabu fih, saċerdoti, djakni, suddjakni, akkoliti, eżorċisti, letturi, ostjarji, u l-kjeriċi kollha, ir-reliġjużi irġiel u nisa tad-dinja kollha, il-konversi u ż-żgħar, il-foqra u dawk li jinsabu fil-bżonn, is-slaten u l-prinċpijiet, il-ħaddiema u l-bdiewa, il-qaddejja u s-sidien, il-verġni kollha, il-*continentes* u l-miżżewġin, il-lajċi irġiel u nisa, it-tfal kollha, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ u l-anzjani, dawk li huma b'saħħithom u dawk li huma morda, iż-żgħar u l-kbar, u kull ġens ta' popli, tribujiet u ilsna (cfr. Apk 7,9), il-ġnus kollha u l-bnedmin kollha kull fejn jinsabu fid-dinja, biex ilkoll kemm aħna nżommu sħiħ fil-fidi vera u fil-penitenza, għaliex ma nistgħux insalvaw mod ieħor.

8 Ejjew inħobbu lil kulħadd *b'qalbna kollha, b'ruħna kollha, b'moħħna kollu, u bil-qawwa kollha* (cfr. Mk 12,30) *u bis-saħħa kollha tagħna* (cfr. Mk 12,33), bl-intelliġenza kollha tagħna,

*bil-qawwiet ġewwenija kollha tagħna* (cfr. Lq 10,27), bl-isforz kollu tagħna, bl-affett kollu tagħna, bil-ħerqa kollha tagħna, bix-xewqat u r-rieda kollha *tal-Mulej Alla* (Mk 12,30), li offra u għadu joffri għalina ġismimna kollu, ruħna kollha, il-ħajja tiegħna kollha, li ħalaqna, li fdiena u li għad jifdina biss bil-ħniena tiegħu (cfr. Tob 13,5), għaliex hu għalina hu kollox ħalaq tajjeb, aħna li aħna msejknin, inrejħu u nintnu, u ingrati. 9 Xejn aktar għalhekk ma għandna nixtiequ, xejn aktar ma għandna rridu, xejn aktar ma għandu jogħġobna u jagħtina pjaċir ħlief il-Ħallieq, u l-Feddej u s-Salvatur tagħna, li hu waħdu Alla, li hu mimli tjieba, b'kull tjieba, kollu kemm hu tjieba, li hu t-tjieba l-aktar vera u l-aktar għolja, *li hu waħdu tajjeb* (cfr. Lq 18,19), ta' min iqimu, ġwejjed, kollu benna u ħlewwa, li hu waħdu qaddis, ġust, veru, qaddis u rett, li hu waħdu twajjeb, bla ħtija, nadif, li għalih u li permezz tiegħu u li fih (cfr. Rum 11,36) hemm kull verità, kull grazzja, kull glorja tal-penitenti u tal-ġusti kollha, kull hena tal-qaddisin li jifirħu flimkien fis-sema. 10 Xejn għalhekk ma għandu jfixkilna, xejn ma għandu jifridna, xejn ma għandu jidħol bejnietna; 11 kullimkien aħna lkoll f'kull post, f'kull siegħa u f'kull ħin, ta' kuljum u l-ħin kollu għandna nemmnu tassew u bl-umiltà, u fil-qalb tagħna għandna nżommu fina u nħobbu, nagħtu ġieħ, inqimu, naqdu, infaħħru u nbierku, nagħtu glorja u ngħollu fuq kollox, inxandru bit-tifħir u nroddu ħajr lil Alla tagħna l-aktar għoli u kbir, li hu wieħed fi tliet persuni, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, ħallieq u feddej ta' dawk kollha li jemmnu fih, u jittamaw fih u jħobbuh, li hu bla bidu u bla tmiem, li ma jinbidilx, li ma jidhirx, li ma tistax tiddiskrevih, li ma tistax tesprimih bil-kliem, li ma tistax tifhmu, li ma tistax titkixxef dwaru (cfr. Rum 11,33), li hu mbierek, ta' min ifaħħru, glorjuż, li hu msebbaħ fuq kollox (cfr. Dan 3,52), li qiegħed fil-għoli, li jinsab fis-sema, li hu ħelu, ta' min iħobbu, ta' min jiggustah u ta' min jixtiequ fuq kollox għal dejjem. Amen.

Kapitlu XXIV
Konklużjoni.

[183] 1 F'isem il-Mulej! Nitlob lill-aħwa kollha, sabiex jitgħallmu t-tifsira u s-sens ta' dawn il-kelmiet li inkitbu għas-salvazzjoni ta' ruħna f'din ir-Regola u ħajja, u li ta' spiss jiftakruhom bl-amment. 2 U nitlob lil Alla, li hu nnifsu, li jista' kollox, li hu wieħed fi tliet persuni, li jbierek lil dawk li jgħallmu, jitgħallmu, li jżommu f'moħħhom, li jiftakru u li jwettqu u li jagħmlu kopji ta' dawn il-kelmiet, li inkitbu għas-salvazzjoni tar-ruħ tagħna. 3 U nitlob lil kulħadd, filwaqt li nbusilkom riġlejkom, sabiex inħobbu, inħarsu u nqiegħdu f'post xieraq dawn il-kelmiet. 4 U min-naħa ta' Alla li jista' kollox u tas-sinjur Papa u bl-ubbidjenza, jiena fra Franġisk bil-qawwa nikkmandakom u norbotkom sabiex ma tnaqqsu jew iżżidu xejn minn dak kollu li jinsab f'din il-kitba (cfr. Dt 4,2; 12,32) u li l-aħwa ma għandhom ikollhom l-ebda Regola oħra. 5 Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu. Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## REGOLA PRO EREMITORIIS DATA
## (REGOLA MIKTUBA GĦALL-EREMITAĠĠI)

[184] 1 Dawk li jridu jgħixu l-ħajja reliġjuża fl-eremitaġġi għandhom ikunu tliet aħwa, jew l-aktar erbgħa. Tnejn minnhom jagħmluha ta' ommijiet u jkollhom żewġ ulied jew ta' l-inqas wieħed. 2 Dawk it-tnejn li jagħmluha ta' ommijiet għandhom jgħixu l-ħajja ta' Marta u t-tnejn li jkunu ulied jgħixu l-ħajja ta' Marija (cfr. Lq 10,38-42). Għandhom ikollhom kjostru li fih kull wieħed minnhom ikollu ċ-ċella tiegħu[73], li fiha jitlob u jistrieħ. 3 U għandhom dejjem jgħidu l-kumpieta ta' dak il-jum malli tkun niżlet ix-xemx; u għandhom jaraw bir-reqqa li jħarsu s-skiet; u għandhom jitolbu s-sigħat tagħhom; u għandhom iqumu għall-matutin u *qabel xejn ifittxu s-saltna ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu* (Mt 6,33). 4 U għandhom jgħidu l-prima fil-ħin tagħha, u wara t-terza jistgħu jwaqqfu s-silenzju; u jistgħu jitkellmu u jmorru għand ommijiethom. 5 U, meta jidhrilhom, jistgħu jittallbu mingħandhom il-karità bħal tfal foqra ċkejknin, għall-imħabba ta' Alla. 6 U mbagħad għandhom jgħidu s-sesta u n-nona; u fil-ħin tiegħu jgħidu l-għasar. 7 U fil-kjostru li fih jgħixu ma għandhom iħallu lill-ebda persuna tidħol, u lanqas ma għandhom jieklu hemmhekk. 8 Dawk l-aħwa, li huma ommijiet, għandhom bir-reqqa kollha jaraw li, b'ubbidjenza lejn il-ministru tagħhom, jħarsu lill-ulied mill-persuni barranin, hekk li ħadd ma jkun jista' jitkellem magħhom. 9 U l-ulied ma għandhomx jitkellmu ma' l-ebda persuna ħlief ma' ommijiethom u mal-ministru u l-kustodju, meta dan jogħoġbu jiġi jżurhom bil-barka tal-Mulej Alla. 10 L-ulied xi mindaqqiet għandhom jieħdu l-uffiċċju ta' l-ommijiet, skond kif jidhrilhom li għandhom jagħmlu minn żmien għal żmien, u għandhom jaraw li jħarsu bil-ħeġġa u bir-reqqa dak kollu li hawn miktub.

---

[73] Il-kelma Latina *claustrum* tirreferi għal spazju miftuħ li madwaru jkun hemm binja, bħalma jista' jkun il-kjostru tar-reliġjużi fit-tradizzjoni monastika. Hawnhekk is-sens mhux monastiku, għax fl-eremitaġġi Franġiskani ma kienx hemm kjostri. Kienu biss spazji mifrudin mill-bqija permezz ta' xi lqugħ ta' siġar baxx, biex hekk l-aħwa jkunu jistgħu jingħataw kollha kemm huma għat-talb fis-skiet. Iċ-*cellula*, jew ċella, tirreferi mhux għal kamra tal-ġebel, imma għal kmajra magħmula miz-zkuk u ħaxix li fiha kien jgħix l-eremita. Sa mill-qedem kienet tindika mod kif wieħed jingħata għall-ħajja kontemplattiva.

SALUTATIO BEATAE MARIAE VIRGINIS
(TISLIMA LILL-IMQADDSA VERĠNI MARIJA)

[185] 1 Sliem għalik, o Sinjura qaddisa, u Sultana,
Omm qaddisa ta' Alla Marija,
verġni li sirt Knisja,
2 magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema,
li ikkonsagrak flimkien ma' Ibnu l-għażiż u l-aktar qaddis
u ma' l-Ispritu s-Santu, id-Difensur.
3 Fik kien hemm, u hemm, il-milja kollha tal-grazzja u ta' kull ġid.
4 Sliem għalik palazz tiegħu;
sliem għalik tabernaklu tiegħu;
sliem għalik dar tiegħu.
5 Sliem għalik ilbies tiegħu;
sliem għalik qaddejja tiegħu;
sliem għalik Omm tiegħu.
6 U sliem għalikom intom ilkoll virtujiet qaddisa,
li bil-grazzja u bid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu
tiġu msawwba fil-qlub ta' l-insara,
hekk li minn bnedmin li ma jemmnux,
tagħmluhom jemmnu f'Alla.

SALUTATIO VIRTUTUM
(TISLIMA LILL-VIRTUJIET)

[186] 1 Sliem għalik, *sorella sapienza*, il-Mulej iħarsek flimkien ma' oħtok is-sempliċità safja u qaddisa.
2 Sliem għalik, *sorella povertà*, il-Mulej iħarsek flimkien ma' oħtok l-umiltà qaddisa.
3 Sinjura karità qaddisa, il-Mulej iħarsek flimkien ma' oħtok l-ubbidjenza qaddisa.
4 Virtujiet l-aktar qaddisin kollha kemm intom, iħariskom il-Mulej,
li minnu tibdew u mingħandu tiġu.
5 Ma hemm l-ebda bniedem fid-dinja kollha, li jista' jkollu waħda minnkom,
jekk qabel ma jmutx għalih innifsu.
6 Min għandu waħda u ma joffendix lill-oħrajn, għandu l-virtujiet kollha.
7 U min joffendi 'l xi waħda minnkom,
ma għandu xejn u joffendihom ilkoll (cfr. Ġak 2,10).
8 Kull waħda mill-virtujiet tħarrab il-vizzji u d-dnubiet.
9 Is-*sapienza* qaddisa tħawwad lix-xitan u l-qerq kollu tiegħu.
10 Is-sempliċità safja u qaddisa tħawwad kull għerf ta' din id-dinja (cfr. 1Kor 2,6) u l-għerf tal-ġisem.
11 Il-*povertà* qaddisa tħawwad ir-regħba u x-xeħħa u t-tħassib għall-ħwejjeġ ta' din id-dinja.

12 L-umiltà qaddisa tħawwad il-kburija, u l-bnedmin kollha li huma fid-dinja, u l-ħwejjeġ kollha li hawn fid-dinja.
13 Il-karità qaddisa tħawwad it-tentazzjonijiet kollha tax-xitan u tal-ġisem u kull biża tal-ġisem.
14 L-ubbidjenza qaddisa tħawwad kull rieda tal-ġisem u x-xewqat żienja kollha,
15 u żżomm il-ġisem imrażżan biex jobdi lill-ispirtu u jobdi wkoll lil ħuh;
16 u tagħmel lill-bniedem jobdi
u li joqgħod għar-rieda tal-bnedmin kollha, li huma fid-dinja,
17 u mhux biss għall-bnedmin, imma wkoll għall-bhejjem u l-annimali selvaġġi kollha,
18 hekk li jkunu jistgħu jagħmlu bih dak li jridu,
daqskemm jagħtihom setgħa minn fuq il-Mulej (cfr. Ġw 19,11).

# TESTAMENTUM (TESTMENT)

[187] 1 Il-Mulej ta lili fra Franġisk, il-grazzja li nibda nagħmel penitenza[74] hekk: għaliex, billi jiena kont ngħix fid-dnub, id-dehra ta' l-imġiddmin kienet għalija wisq ta' min jistmerrha. 2 Iżda l-Mulej innifsu mexxieni f'nofshom, u jiena urejt ħniena magħhom. 3 U wara li qdejt dmiri, dak li qabel deherli li hu morr, inbidel għalija fi ħlewwa għar-ruħ u għall-ġisem; u mbagħad, qagħad ftit, u ħriġt mid-dinja. 4 U l-Mulej tani fidi hekk kbira fil-knejjes li jiena, bla tlellix xejn, kont nitlob u ngħid: 5 «Nadurawk, Sidna Ġesù Kristu, hawn u fil-knejjes kollha tiegħek, li jinsabu fid-dinja kollha, u nberkuk, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja»[75]. 6 U l-Mulej tani u għadu jagħtini fidi hekk kbira fis-saċerdoti, li jgħixu skond il-forma tal-Knisja mqaddsa Rumana, minħabba l-ordni sagri tagħhom, irrid nitlob l-għajnuna tagħhom, ukoll jekk niġi ippsersegwitat minnhom. 7 U kieku kelli tant għerf daqs kemm kellu Salamun, u kelli niltaqa' mas-saċerdoti fqajrin ta' din id-dinja fil-parroċċi fejn jgħixu, jiena ma rridx nippriedka kontra r-rieda tagħhom. 8 U lil dawn stess u lill-oħrajn kollha irrid inħobb, inweġġaħ u lejhom nuri biża', bħallikieku huma s-sidien tiegħi. 9 U ma rridx inqis id-dnub fihom, għaliex fihom nilmaħ lill-Iben ta' Alla, u huma s-sidien tiegħi. 10 U nġib ruħi hekk magħhom, għaliex f'din id-dinja jiena ma nilmaħx bl-għajnejn tal-ġisem tiegħi mill-istess Iben ta' Alla l-Aktar Għoli, ħlief il-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tiegħu, li huma jieħdu u huma biss iqassmu lill-oħrajn. 11 U rrid li fuq kull ħaġa oħra, dawn il-misteri l-aktar qaddisa jkunu mweġġħa, meqjuma u mqegħeda f'imkejjen għonja. 12 U kull fejn insib il-kliem u l-ismijiet miktuba tiegħu l-aktar qaddisa mixħutin f'postijiet mhux xierqa, jiena rrid niġborhom u nitlob li għandhom jinġabru u jitqiegħdu f'post xieraq. 13 U għandna nqimu u nweġġħu lit-tejoloġi kollha u lil dawk li jxandru l-Kelma mqaddsa t'Alla, bħala dawk li jitfgħu fina l-ispirtu u l-ħajja (cfr. Ġw 6,64).

[188] 14 U wara li l-Mulej għoġbu jagħtini l-aħwa, ħadd ma urieni x'kelli nagħmel, imma l-istess l-Aktar Għoli nebbaħni li kelli ngħix skond il-forma ta' l-Evanġelju mqaddes. 15 U jiena bi ftit kliem u xejn tlellix ktibt dan, u s-sinjur Papa ikkonfermahuli. 16 U dawk li kienu jiġu biex iħaddnu din il-ħajja, kienu jagħtu lill-foqra *dak kollu li seta' kellhom* (Tob 1,3); u kienu kuntenti li jkollhom tonka waħda, imraqqa' minn ġewwa u minn barra, bil-kurdun u l-qalziet ta' taħt. 17 U ma konniex irridu aktar minn hekk. 18 Aħna l-kjeriċi konna ngħidu l-Uffiċċju bħall-kjeriċi l-oħrajn, il-lajċi kienu jgħidu: *Missierna*; u bil-qalb kollha konna noqgħodu fil-knejjes[76]. 19 U ma kellniex ħażen[77] u konna nqisu ruħna taħt riġlejn kulħadd. 20 U jiena kont naħdem b'idejja, u rrid naħdem; u rrid bil-qawwa li l-aħwa l-oħrajn kollha jaħdmu dak ix-xogħol li jixraq lill-ħajja tagħhom. 21 Dawk li ma jafux, ħa jitgħallmu. Dan mhux minħabba x-xewqa ħerqana li jiksbu l-ħlas tax-xogħol tiegħhom, imma biex jagħtu eżempju tajjeb u jkeċċu l-għażż. 22 U meta ma jingħatalniex il-ħlas tax-xogħol tagħna, ejjew nersqu lejn il-mejda tal-Mulej, billi nittallbu l-karità bieb bieb. 23 Il-Mulej nebbaħni din it-tislima, biex ngħiduha: Il-Mulej jagħtik is-sliem.

---

[74] It-*Testment* jiftaħ b'taqsima awtobijografika dwar il-ħajja ta' S. Franġisk (versetti 1-13), u jkompli b'taqsima oħra dwar l-ewwel fraternità (versetti 14-22). Hu possibbli li wieħed jibni l-ħajja ta' S. Franġisk, f'ħafna mill-episodji ewlenin tagħha, minn dak li l-qaddis jgħid fit-*Testment*.

[75] Din it-talba hi ispirata mil-Liturġija ta' Ħamis ix-Xirka.

[76] Diversi manuskritti jżidu *pauperculis derelictis*, "żgħar u mwarrba".

[77] *Et eramus idiotae*. Bil-Latin medjevali l-espressjoni kienet tfisser bnedmin li ma rċevewx tagħlim speċjalizzat fi skejjel għolja u universitajiet, kif ukoll bnedmin li huma sempliċi fil-qalb tagħhom. L-espressjoni "ma kellniex ħażen" trid tesprimi dawn is-sensi kollha.

[189] 24 Ħa joqogħdu attenti l-aħwa li tabilħaqq ma jaċċettawx knejjes jew postijiet foqra u żgħar fejn jgħammru, u kull post li jinbena għalihom, jekk dawn ma jkunux jixirqu lill-faqar imqaddes li wegħedna fir-Regola, u hemmhekk huma għandhom dejjem jgħammru bħala pellegrini u għorba (cfr. 1Pt 2,11)[78]. 25 Nikkmanda bil-qawwa taħt ubbidjenza lill-aħwa kollha, kull fejn jinsabu, li ma jiftillhomx jitolbu xi ittra mill-Kurja Rumana, la huma infushom u lanqas bl-għajnuna ta' xi ħaddieħor, u la b'riżq xi knisja, jew xi post ieħor, jew minħabba l-predikazzjoni, u lanqas għaliex ikunu ippersegwitati f'ġisimhom; 26 imma kull fejn ma jiġux milqugħin, għandhom jaħarbu f'art oħra biex jagħmlu penitenza bil-barka ta' Alla.

[190] 27 U bil-qawwa rrid nobdi l-ministru ġeneral ta' din il-fraternità u l-gwardjan, li hu jogħoġbu jagħtini. 28 U rrid li inkun maħkum f'idejh b'tant qawwa, li jiena ma nkunx nista' immur imkien jew nagħmel xejn mingħajr l-ubbidjenza u r-rieda tiegħu, għaliex hu s-sid tiegħi. 29 U għalkemm jiena sempliċi u marid, imma dejjem irrid li jkolli miegħi kjeriku, biex jitlob l-Uffiċċju għalija, skond kif jingħad fir-Regola. 30 U l-aħwa l-oħrajn kollha huma miżmumin li jobdu b'dan il-mod il-gwardjani tagħhom u li jgħidu l-Uffiċċju skond kif jingħad fir-Regola. 31 U jekk jinstabu xi wħud li ma jkunux iridu jgħidu l-Uffiċċju kif tgħid ir-Regola, jew ikunu jridu jbiddlu fih, jew li ma jkunux kattoliċi, l-aħwa kollha kull fejn jinsabu, huma miżumumin b'ubbidjenza, li kull fejn isibu wieħed minn dawn it-talin, għandhom iressquh quddiem l-eqreb kustodju tal-post fejn ikunu sabuh. 32 U l-kustodju hu obbligat bil-qawwa kollha, taħt ubbidjenza, li lil dan it-tali jżommu taħt għajnejh sewwa, bħal bniedem ħabsi, u dan bil-lejl u bi nhar, biex ma jkunx jista' jaħrablu minn taħt idejh, u dan sakemm hu jkun jista' jagħtih f'idejn il-ministru tiegħu. 33 U l-ministru hu obbligat bil-qawwa kollha, taħt ubbidjenza, li jżommu mħares minn aħwa li jgħassu fuqu bħal ħabsi lejl u nhar, sakemm ikun jista' jibgħatu għand is-Sinjur ta' Ostia, li hu s-sid, il-ħarries u dak li jikkoreġi n-nuqqasijiet ta' din il-fraternità kollha. 34 U ara ma jfittillhomx l-aħwa jgħidu: «Din hi Regola oħra», għaliex dan il-kliem hu tifkira, twiddiba, kliem ta' tħeġġiġ u t-testment tiegħi, li jiena fra Franġisk ċkejken nagħti lilkom, l-aħwa tiegħi imberkin, sabiex ir-Regola li wegħedna 'l Mulej, inħarsuha aħjar, kulħadd xorta waħda.

[191] 35 U l-ministru ġeneral u l-ministri l-oħrajn kollha u l-kustodji huma obbligati taħt ubbidjenza li ma jżidu u ma jnaqqsu xejn ma' dawn il-kelmiet. 36 U għandhom dejjem ikollhom din il-kitba magħhom, flimkien mar-Regola. 37 U fil-kapitli kollha li jagħmlu, meta jaqraw ir-Regola, għandhom ukoll jaqraw dan il-kliem. 38 U l-aħwa kollha tiegħi, kemm kjeriċi kif ukoll lajċi, nikkmandahom bil-qawwa u taħt ubbidjenza, li ma għandhomx iżidu kummenti mar-Regola u lanqas ma' dawn il-kelmiet u jgħidu: «Hekk għandhom jinftiehmu». 39 Imma kif il-Mulej ta lili biex bis-sempliċità u s-safa niddetta u nikteb ir-Regola u dawn il-kelmiet, hekk jalla tifhmuhom bis-sempliċità u mingħajr kummenti u bil-ħidma qaddisa tħarsuhom sa l-aħħar. 40 U kull min iħares dan kollu, ikunu fis-sema mimlijin bil-barka tal-Missier l-Aktar Għoli, u fuq din l-art bil-barka ta' Ibnu l-maħbub flimkien ma' l-Ispirtu Paraklitu u mal-qawwiet kollha tas-sema u mal-qaddisin kollha. 41 U jiena, fra Franġisk, qaddej ċkejken tagħkom, kemm nista', inwettaq fikom minn ġewwa u minn barra din il-barka l-aktar qaddisa.

[78] Minn dan il-versett tibda t-taqsima ta' twissijiet fit-*Testment*. Partikolarment importanti hu dan il-versett, li kellu jkun il-għajn ta' ħafna problemi ta' interpretazzjoni fl-Ordni, ibda mill-Bulla *Quo elongati* tal-Papa Girgor IX (1230).

ULTIMA VOLUNTAS SANCTAE CLARAE SCRIPTA
(L-AĦĦAR RIEDA MIKTUBA LIL SANTA KLARA)

[192] Jiena, ħukom iċ-ċkejken Franġisku, irrid nimxi fuq il-ħajja u l-faqar ta' l-Aktar Għoli l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, u nibqa' miexi fiha sa l-aħħar. U nitlob lilkom, sinjuri xbejbiet tiegħi, u nagħtikom ukoll dan il-parir: li tibqgħu tgħixu f'din il-ħajja l-aktar qaddisa u fil-faqar. U għassu sewwa fuqkom infuskom li, minħabba t-tagħlim u l-pariri ta' xi ħadd, kien min kien, ma jiftlilkomx titbiegħdu minn dan l-idejal.

## OPUSCULA DICTATA (KITBIET IDDETTATI)

### BENEDICTIO FR. BERNARDO DATA
### (BARKA MOGĦTIJA LIL FRA BERNARDO)

[193] 1 Ikteb dawn il-kelmiet li se ngħidlek: 2 L-ewwel wieħed fost l-aħwa, li tani l-Mulej, kien fra Bernardo, u: dan kien l-ewwel wieħed li beda u wettaq b'mod mill-aktar perfett il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, billi qassam ġidu kollu lill-foqra. 3 Għaldaqstant, minħabba dawn id-doni u minħabba l-grazzji l-oħrajn kollha tiegħu jiena miżmum li dejjem inħobbu aktar minn kull wieħed mill-aħwa l-oħrajn kollha ta' l-Ordni. 4 Għalhekk jiena rrid u nikkmanda, kemm nista', li jkun min ikun ministru ġeneral, għandu jħobbu u jqimu daqslikieku jħobb u jqim lili, 5 u wkoll il-ministri provinċjali u l-aħwa l-oħrajn kollha ta' l-Ordni huma miżmumin li jistmawh bħalma kieku kienu jistmaw lili.

### BENEDICTIO SANCTAE CLARAE ET EIUS SORORIBUS IN SCRIPTIS MISSA
### (BARKA MIKTUBA LIL SANTA KLARA U LIS-SORIJIET TAGĦHA)

[194] 1 Biex ifarraġha, kitbilha f'waħda mill-ittri tiegħu kliem ta' barka, 2 u ħafrilha kull nuqqas li setgħet għamlet, jekk hi kienet ħatja tiegħu, dwar il-preċetti u r-rieda tiegħu u dwar il-preċetti u r-rieda ta' l-Iben ta' Alla.

### EPISTOLA CIVIBUS BONONIENSIBUS SCRIPTA
### (ITTRA MIKTUBA LIN-NIES TA' BOLOGNA)

[195] Qal ukoll [fra Martin of Barton] li meta wieħed mill-aħwa kien jinsab jitlob fil-belt ta' Brescia fil-jum tal-Milied tal-Mulej, instab qawwi u sħiħ taħt il-ġebel imġarraf tal-knisja li kienet iġġarrfet waqt it-terremot li kien ħabbar San Franġisk, u li kien talab lill-aħwa kollha predikaturi li jħabbruh fl-iskejjel kollha ta' Bologna, permezz ta' ittra li hu kien kiteb bil-Latin li ma tantx hu tajjeb.

### EPISTOLA SANCTAE CLARAE DE IEIUNIO SCRIPTA
### (ITTRA MIKTUBA LIL SANTA KLARA DWAR IS-SAWM)

[196] 1 Niġi issa għall-mistoqsija li għamiltli, u naħseb li nista' nwieġbek hekk. Inti staqsejtni liema festi l-missier l-aktar glorjuż tagħna San Franġisk wissiena biex niċċelebrawhom b'solennità speċjali, billi dakinhar inkunu nistgħu inżidu xi ħaġa u nvarjaw xi ftit fl-ikel. 2 Għandek tkun taf, fil-għaqal tiegħek, li ħlief is-sorijiet dgħajfin u morda, li dwarhom wissiena li nagħtuhom bil-għaqal kollu l-ikel kollu li jkunu jeħtieġu, ħadd minna li aħna qawwijin u b'saħħitna ma għandna nieklu ħlief l-ikel tar-randan, kemm fil-jiem matul il-ġimgħa, kif ukoll fil-festi, u għandna nsumu kuljum ħlief fil-Ħdud u fil-Milied tal-Mulej, meta nkunu nistgħu nieklu darbtejn. 3 U wkoll nhar ta' Ħamis meta ma jkunx żmien ta' sawm, kull waħda tista' ġġib ruħha skond ir-rieda tagħha, hekk li dawk li ma jkunux iridu jsumu, ma għandhomx jiġu obbligati. 4 Imma aħna li aħna qawwijin u

f'saħħitna, soltu li nsumu l-jiem kuljum, ħlief fil-Ħdud u nhar il-Milied. 5 Fi żmien il-Għid, iżda, skond kif kitbilna l-imqaddes Franġisku, ma aħniex miżmumin li nsumu, u lanqas fil-festi tal-Verġni mqaddsa u ta' l-Appostli qaddisa, ħlief jekk dawn il-festi jaħbtu nhar ta' Ġimgħa. 6 Imma, kif għidtlek qabel, aħna li ninsabu qawwijin u f'saħħitna, nieklu biss l-ikel tar-randan.

## DE EPISTOLA DOMINAE JACOBAE SCRIPTA
## (DWAR L-ITTRA MIKTUBA LIL DONNA JACOPA)

[197] Instab li dik il-mara qaddisa kienet ġabet magħha dak kollu li kien meħtieġ għall-funeral tal-missier qaddis, skond kif kien talabha ġġiblu fl-ittra li kien bagħtilha. Jiġifieri, ġabet magħha d-drapp minn lewn l-irmied, biex jitkeffen fih il-ġisem tal-mejjet, ħafna xemgħat, maktur biex tgħattilu wiċċu, imħadda għal taħt rasu u fl-aħħarnett xi ħelu, li kienet taf li l-qaddis kien iħobb jiekol.

## EPISTOLA FRATRIBUS FRANCIAE MISSA
## (ITTRA MIKTUBA LILL-AĦWA FI FRANZA)

[198] 1 L-imqaddes Franġisku b'idejh stess kiteb ittra … lill-ministru u lill-aħwa ta' Franza. 2 Fiha hu ħeġġiġhom biex, malli jirċievu dik l-ittra, jifirħu u jgħollu tifħir lil Alla Trinità, billi jgħidu: 3 "Inbierku lill-Missier u lill-Iben flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu".

## TESTAMENTUM SENIS FACTUM
## (TESTMENT MIKTUB FI SIENA)

[199] 1 Ikteb li jiena nbierek lill-aħwa tiegħi kollha, li jinsabu fl-Ordni u li għad iridu jidħlu fih, sa l-aħħar taż-żminijiet. 2 U billi jiena minħabba d-dgħufija u t-tbatija tal-marda tiegħi, ma nistax nitkellem, fil-qosor, f'dawn it-tliet sentenzi qosra, nixtieq inħalli lill-aħwa tiegħi l-aħħar rieda tiegħi, jiġifieri: 3 li bħala sinjal tat-tifkira tal-barka tiegħi u tat-testment tiegħi, dejjem għandhom iħobbu lil xulxin; 4 dejjem għandhom iħobbu u jaqdu lis-sinjura tagħna *Madonna Povertà*; 5 u dejjem għandhom ikunu fidili u sottomessi għall-prelati u għall-kjeriċi kollha ta' ommna l-Knisja mqaddsa.

## DE VERA ET PERFECTA LAETITIA
## (DWAR IL-FERĦ VERU U PERFETT)

[200] 1 L-istess [fra Leonardo] irrakkonta li jum minnhom l-imqaddes Franġisku, li kien jinsab f'Santa Marija, sejjaħ lejh lil fra Leone, u qallu: 2 "Fra Leone, ikteb". U dak wieġbu: "Ara, jiena mħejji biex nibda". U hu qallu: "Ikteb dwar x'inhu l-veru ferħ. 4 Jiġi wieħed ħabbâr u jgħid li l-imgħallmin kollha ta' Pariġi daħlu fl-Ordni. Ikteb, li dan mhux il-ferħ perfett. 5 Ukoll li l-prelati kollha tan-naħa l-oħra tal-muntanji, l-arċisqfijiet u l-isqfijiet; mhux biss, imma saħansitra ir-re ta' Franza u r-re ta' l-Ingilterra, daħlu fl-Ordni. Ikteb, li dan mhux il-veru ferħ. 6 Ukoll, li l-aħwa tiegħi marru qalb l-infidili u ikkonvertewhom kollha għall-fidi; u wkoll li jiena tant għandi grazzja

mingħand Alla li nfejjaq il-morda u nagħmel ħafna mirakli: ngħidlek li f'dan kollu ma hemmx il-
ferħ perfett. 7 Mela, x'inhu l-ferħ perfett? 8 Jiena niġi lura minn Perugia u jkun bil-lejl u nasal
hawnhekk. Ikun ix-xitwa, u nkun mimli tajn u hekk interter bil-bard, li l-ilma jibda jiffriża u
jiddendel ma' truf it-tonka u jibda jħabbatli ma' l-għekiesi, hekk li jibda ħiereġ id-demm minnhom.
9 U hekk miksi bit-tajn u ntertet bil-ksieħ u bil-bard nasal fil-bieb, u wara li nkun ili żmien inħabbat
u ngħajjat, jiġi wieħed mill-aħwa u jistaqsi: Min int? U jiena nwieġbu: Jiena fra Franġisk. 10 U
hu jgħidli: Itlaq 'l hemm; issa mhux ħin li toqgħod tiġġerra barra; hawn ġew ma tidħolx. 11 U
jiena nkompli ninsisti u hu jweġibni: Itlaq 'l hemm; inti sempliċi u bla skola; bl-ebda mod ma
tidħol magħna hawn ġew; għaliex aħna issa tant aħna fin-numru u kapaċi, li ma għandniex
x'nambuk iżjed. 12 U jiena nibqa' fil-bieb u ngħidlu: 13 Għall-imħabba ta' Alla ilqgħuni
magħkom almenu dan il-lejl. 14 U dak iweġibni: Ma ndaħħlikx. Mur fil-post tal-Crociferi u itlob
li jilqgħuk hemmhekk. 15 Ngħidlek li jekk jiena nilqa' dan kollu bis-sabar u ma jitlagħlix, ara,
dan ikun il-ferħ veru u l-virtù vera u s-salvazzjoni ta' ruħi.

II TAQSIMA

# FONTI GĦALL-ĦAJJA
# TA' SAN FRANĠISK

# IL-«FONTES» GĦALL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK

## INTRODUZZJONI

Il-*Fontes* għall-ħajja ta' San Franġisk ikopru l-ewwel żewġ sekli ta' l-istorja Franġiskana, mill-mewt ta' San Franġisk fl-1226, sa tmiem is-seklu 14. Huma fundamentali biex nifhmu mhux biss il-ħajja ta' San Franġisk, imma wkoll l-istorja tal-moviment li tiegħu hu kien il-fundatur. Għalkemm fl-importanza huma jiġu wara l-Kitbiet ta' San Franġisk, li jibqgħu l-għajn primarja li tkellimna dwar ħajtu u l-idejali tiegħu, il-*Fontes* jipprovdu għajnuna indispensabbli biex inqiegħdu lil Franġisku fil-kuntest storiku ta' l-Italja tal-Medjuevu, u fil-qafas soċjali, politiku u ekkleżjastiku li fih kien jgħix. Il-*Fontes* huma, qabel xejn, dokumenti ta' spiritwalità, imma huma wkoll għonja fil-kontenut storiku tagħhom. L-iskop tagħhom hu dak li jkunu mera ta' l-idejali u l-intenzjonijiet li Franġisku għex hu li ippropona lid-dixxipli tiegħu. Din hi r-raġuni għaliex l-istudju tal-*Fontes* irid ikun akkumpanjat mill-analiżi ta' l-istorja ta' l-Ordni Franġiskan matul l-ewwel żewġ sekli ta' l-eżistenza tiegħu.

Aħna ixxurtjati li ngħixu fi żmien meta l-maġġoranza tal-*Fontes* għall-ħajja ta' San Franġisk saritilhom edizzjoni kritika fl-oriġinal Latin, u meta ħafna minnhom ġew ukoll tradotti fil-lingwi moderni. L-aktar verżjoni reċenti tal-*Fontes* bl-Ingliż hi dik li fuqha nibbażaw din l-introduzzjoni tagħna: *Francis of Asisisi. Early Documents*, Vol. I: The Saint; Vol. II: The Founder; Vol. III: The Prophet; Index, Franciscan Institute of St. Bonaventure University, St. Bonaventure, NY 1999-2002.

L-istudju tal-*Fontes* illum jista' jsir ukoll skond ordni kronoloġiku. Il-perjodu bejn il-mewt ta' San Franġisk fl-1226 u t-tmiem tal-ġeneralat ta' Fra Elia fl-1239 jimmarka l-perjodu li fih il-qdusija ta' Franġisku tiġi iċċelebrata minn bijografi bħalma huma Tommaso da Celano u Julian minn Speyer. It-tieni perjodu jibda mal-ġeneralat ta' Fra Haymo of Faversham fl-1240 u jintemm mal-mewt ta' San Bonaventura fl-1274. Dan il-perjodu hu xhieda ta' l-istituzzjonalizzazzjoni ta' l-Ordni u tad-dehra tiegħu bħala wieħed mill-movimenti kbar ta' riforma fil-Knisja tas-seklu 13. Matul dan il-perjodu Franġisku jiġi ippreżentat bħala l-fundatur ta' dan il-moviment kbir ta' riforma evanġelika. It-tielet perjodu jibda mill-Kapitlu ta' Padova fl-1276 u jibqa' sejjer sa l-edizzjoni ta' *Speculum Perfectionis* fl-1318, imma jtul ukoll sa tmiem is-seklu 14. Dan il-perjodu hu wieħed mill-aktar interessanti fl-istorja Franġiskana, għaliex hu marbut mal-kuxjenza li l-Ordni beda jkollu tal-missjoni tiegħu eskatoloġika. Matul dan il-perjodu Franġisku jidher bħala profeta li jinkarna l-valuri ta' l-Evanġelju u jxandarhom permezz tal-moviment tiegħu, li jippreżenta lilu nnifsu bħala ħabbâr ta' żmien ġdid ta' salvazzjoni.

Il-bijografiji medjevali li sejrin nistudjaw jinkludu varjetà ta' dokumenti u awturi. Xi wħud minnhom huma magħrufin bħala Leġġendi (mil-kelma Latina *Legendae*, jew ħajjiet klassiċi ta' qaddisin fi żminijiet patristiċi), li għandhom l-iskop li jkunu trattati ta' spiritwalità u tejoloġija mistika iċċentrati fuq il-figura ta' Franġisku ta' Assisi bħala xebħ perfett ma' Kristu. Kitbiet oħrajn huma l-*Compilationes* (Kumpilazzjonijiet), jew ġabriet ta' xhieda miktuba dwar San Franġisk u l-moviment tiegħu. Oħrajn huma Kronaki, jew dokumenti storiċi li jikkonċentraw fuq perjodu partikulari ta' l-istorja Franġiskana. L-istil tagħhom jiddependi fuq l-għejjun li minnhom iġibu l-

materjal dokumentarju tagħhom, li jista' jiġi minn tradizzjoni orali jew miktuba. L-awturi ta' dawn il-kitbiet kienu jew patrijiet li kienu jikkomponu dawn il-bijografiji taħt il-kmand espliċitu tal-Papa jew ta' l-awtoritajiet ta' l-Ordni, jew inkella aħwa oħrajn li kienu sħab San Franġisk jew li kienu jafu l-ewwel aħwa, jew ukoll awturi li mhumiex ġejjin mill-Ordni. Xi *Fontes* jinkludu dokumenti uffiċjali tal-Papiet, li jinterpretaw l-intenzjonijiet ta' San Franġisk lill-aħwa. Hu importanti li nżommu f'moħħna din il-varjetà ta' *Fontes* biex niffurmaw dehra sħiħa ta' Franġisku u tal-moviment tiegħu li tista' tkun kemm jista' jkun qrib tal-verità storika. Ħaġa waħda hi ċerta: l-eżattezza storika kif nifhmuha llum ma kienetx prijorità għal dawn il-bijografi medjevali. Huma kienu aktar interessati fil-figura kariżmatika ta' Franġisku u l-idejali tiegħu, kif huma kienu jagħmlu esperjenza tagħhom fil-ħajja tagħhom bħala dixxipli tal-fqajjar ta' Assisi fil-kuntest ta' l-isvolġiment storiku ta' l-Ordni u tal-Knisja li fih kienu qegħdin jgħixu. Dan il-mod kif nistudjaw il-*Fontes* hu l-unika garanzija biex nagħmlu studju b'moħħ miftuħ u mingħajr preġudizzji tal-figura ta' San Franġisk, li jaħrab minn kull tentattiv ta' min jipprova jagħalqu ġo *forma mentis* riġida jew lenti waħdanija ta' analiżi storika.

Franġisku l-Qaddis

L-ewwel perjodu jibda immedjatament wara l-mewt ta' Franġisku fit-3 ta' Ottubru 1226. Il-Kardinal Protettur ta' l-Ordni, Ugolino dei Conti di Segni, li kien ħabib u kunsillier ta' Franġisku, sar Papa bl-isem ta' Girgor IX fid-19 ta' Marzu 1227. Hu mall-ewwel ħaseb biex jiddikjara lil Franġisku qaddis, u ippropona li tinbena *specialis ecclesia* (knisja speċjali) biex fiha jiġu meqjumin il-fdalijiet tiegħu. Fis-16 ta' Lulju 1228 hu iddikjara lil Franġisku qaddis f'Assisi. Għall-kanonizzazzjoni l-Papa ippubblika Bulla li tibda bil-kliem *Mira circa nos* (19 ta' Lulju 1228), li hi l-ewwel wieħed fost ħafna dokumenti tal-Papiet li jiġu inklużi fost il-*Fontes* tal-ħajja ta' San Franġisk. Kien matul din l-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni li Girgor IX talab lil Fra Tommaso da Celano biex jikteb il-*Vita Sancti Francisci* [1C] fuq il-mudell tal-ħajjiet patristiċi klassiċi tal-qaddisin. Din kellha tkun il-bijografija uffiċjali tal-qaddis il-ġdid. Celano ippreżenta din il-Ħajja ta' San Franġisk lill-Papa, li approvaha fil-25 ta' Frar 1229. Minbarra din il-Ħajja, Fra Tommaso hu wkoll awtur tal-*Legenda ad usum chori* (Leġġenda għall-użu fil-kor) [LCh], li inkitbet fl-1230-32.

Il-Kapitlu Ġenerali ta' Assisi ta' l-1230, li kien l-okkażjoni li fiha r-relikwi ta' San Franġisk ġew trasportati mill-knisja ta' San Giorgio, fejn kienu midfunin fl-1226, sal-bażilika l-ġdida li kienet inbniet f'ġieħ il-qaddis, kien ukoll l-okkażjoni ta' l-ewwel diffikultajiet li l-Ordni iltaqa' magħhom rigward l-interpretazzjoni tar-*Regula Bullata* ta' l-1223. Grupp ta' aħwa marru għand il-Papa Girgor IX, u talbuh interpretazzjoni fuq il-bażi ta' l-għarfien profond li hu kellu ta' Franġisku u l-intenzjonijet tiegħu. Il-Papa wieġeb bil-Bulla *Quo elongati* (28 ta' Settembru 1230), li hi l-ewwel waħda fil-lista ta' interpretazzjonijiet Papali tar-Regola Franġiskana.

Matul l-istess perjodu, wieħed ieħor mill-aħwa kien qiegħed jaħdem f'Pariġi biex isawwar Ħajja ta' San Franġisk. Fra Julian minn Speyer inqeda bil-Ħajja li kien diġà kiteb Celano biex jikteb il-*Vita Sancti Francisci* [LJS] tiegħu, bejn l-1232-35. Matul l-istess żmien, u x'aktarx ftit qabel, fl-1230-32, Julian ukoll sawwar *Officium Rhythmicum Sancti Francisci* (Uffiċċju Ritmiku ta' San Franġisk) [OR], li fih jinkludi innijiet, antifoni u responsorji għaċ-ċelebrazzjoni liturġika

tas-solennità ta' San Franġisk. F'dan l-Uffiċċju nsibu wkoll kompożizzjonijiet magħmulin minn awturi oħrajn, inkluż Girgor IX innifsu.

Tentattiv ieħor li jiġi ipproklamat il-kobor tal-qdusija ta' San Frangisk sar minn qassis sekular, Henri d'Avranches, awtur tal-*Vita Versificata Sancti Francisci* (Ħajja ta' San Franġisk fi Vrus Poetiċi), li hi poeżija epika twila miktuba fl-1232-34, u iddedikata lill-Papa Girgor IX.

Fl-istess perjodu x'aktarx inkitbet l-opra magħrufa bħala *Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate* [SC], li hi allegorija mill-isbaħ li tfaħħar l-idejal nobbli ta' *Madonna Povertà,* li fuqha Franġisku bena l-ewwel fraternità tiegħu. L-awtur u d-data ta' din il-kompożizzjoni mhumiex magħrufin, għalkemm l-istudjużi llum jipproponu s-snin 1237-39 bħala l-aktar żmien probabbli ta' kompożizzjoni.

Franġisku l-Fundatur

Mat-tmiem tal-ġeneralat ta' Fra Elia fl-1239, l-Ordni daħal f'fażi ġdida fl-istorja tiegħu. Mill-1240 'il quddiem l-Ordni beda fażi ta' klerikalizzazzjoni u saċerdotalizzazzjoni u sar Ordni aktar istituzzjonalizzat. Dan kollu seħħ bħala riżultat tal-progress li l-Ordni kien għamel fl-oqsma ta' l-istudju u tal-predikazzjoni apostolika. L-aħwa kienu stabilixxew ruħhom fi fraternitajiet kbar konventwali fil-bliet, għalkemm baqgħu jgħixu wkoll fl-eremitaġġi tal-bidu. Kienu preżenti u attivi fiċ-ċentri kollha kbar ta' l-istudju fl-Ewropa, bħalma kienu Pariġi, Oxford u Bologna. Din id-dehra ġdida ta' l-Ordni kienet titlob għal preżentazzjoni ġdida tal-figura ta' Franġisku bħala fundatur ta' dan il-moviment kbir, li flimkien ma' l-Ordni tal-Predikaturi (Dumnikani), kien qawwa kbira ta' riforma fil-Knisja.

L-interpretazzjoni tar-Regola kienet ukoll żviluppata matul dan it-tieni perjodu bil-pubblikazzjoni tal-Bulla ta' Innoċenz IV, *Ordinem vestrum* (14 ta' Novembru 1245), li kienet tiffavorixxi nuqqas ta' ebusija fl-idejal primittiv tal-faqar.

Dan it-tieni perjodu hu karatterizzat bl-interess dejjem akbar fil-figura ta' Franġisku min-naħa ta' dawk l-aħwa li kienu jafuh u li kienu għexu miegħu. *De Inceptione vel Fundamentum Ordinis*, miktuba minn Fra Giovanni da Perugia (4 ta' Marzu 1240 – 22 ta' Awissu 1241), li hi magħrufa wkoll popolarment bħala l-*Anonimo Perugino* [AP] hi ġawhra ta' ħajja fost il-*Fontes* Franġiskani, minħabba l-oriġinalità u l-preżentazzjoni fil-qosor li tagħmel tal-fraternità Franġiskana tal-bidu.

Il-Ministru Ġeneral Crescenzio da Iesi, fl-1244, ordna lill-aħwa biex jibgħatulu l-informazzjoni li kellhom bil-miktub dwar il-ħajja ta' San Franġisk, u li kienet għadha ma dehritx fil-Ħajjiet miktubin minn Tommaso da Celano u Julian minn Speyer. It-tweġiba ta' l-aħwa kienet waħda ġeneruża. Fil-11 ta' Awissu 1246, grupp ta' tliet aħwa, Leone, Rufino u Angelo, li kienu sħab ta' San Franġisk, bagħtu ittra lill-Ministru Ġeneral mill-eremitaġġ ta' Greccio, flimkien ma' *rotolo* ta' informazzjoni dokumentarja li kienu ġabru mit-tifkiriet tagħhom u minn dawk ta' bosta aħwa oħrajn. Il-kwestjoni dwar kif intuża dan il-materjal dokumentarju għadha miftuħa għad-diskussjoni, l-aktar għaliex it-tifkiriet oriġinali ta' sħab San Franġisk kif inkitbu f'dawn ir-*rotoli* ma waslux għandna.

Waħda mir-riżultati ta' l-inizjattiva ta' l-aħwa tal-qaddis hi dik li hi magħrufa bħala *Leggenda dei Tre Compagni* (L3C), li t-tradizzjoni manuskritta tagħha ta' spiss tippreżenta l-Ittra ta' Greccio bħala prologu. Id-data tal-kompożizzjoni tal-L3C hi x'aktarx problematika, għaliex għandha x'taqsam mad-diskussjoni rigward il-materjal dokumentarju ta' Greccio. Imma llum diversi awturi jippreżentaw il-perjodu 1241-47 bħala ż-żmien probabbli li fih ġiet miktuba l-L3C. Imma lanqas ma għandna nħallu lilna nfusna nitqarrqu bit-titlu tagħha. It-"tre compagni" ta' Greccio, kif jgħidu fl-Ittra tagħhom, qatt ma kellhom intenzjoni li jiktbu *Legenda*.

Riżultat ieħor tal-materjal dokumentarju li intbagħat lil Crescenzio da Iesi jidher fil-*Compilatio Assisiensis* [CA], xi kultant magħrufa wkoll bħala *Leggenda Perugina,* li inkitbet bejn l-1244 u l-1260. Kif jgħid it-titlu tagħha, mhijiex *Legenda,* imma *Compilatio*, jew ġabra ta' diversi episodji, mill-ħajja ta' San Franġisk, miktubin minn grupp anonimu ta' aħwa li jiddeskrivu lilhom infushom bħala *nos, qui cum eo fuimus* ("aħna, li għexna miegħu"). Din hi għalhekk dokument li jafferma bil-qawwa l-fedeltà lejn l-idejali oriġinali ta' San Franġisk li dawn l-istess aħwa kienu jħaddnu. Inklużi fl-istess CA hemm żewġ sezzjonijiet li jġibu l-materjal tar-*rotoli* ta' Fra Leone, jiġifieri l-*Verba Sancti Francisci* (Kliem ta' San Franġisk) u l-*Intentio Regulae* (Intenzjoni tar-Regola).

Ir-riżultat dirett tat-talba ta' Crescenzio da Iesi, iżda, kien jikkonsisti fl-ordni lil Fra Tommaso da Celano biex jikteb Ħajja ġdida ta' San Franġisk, magħrufa bħala *Memoriale in Desiderio Animae* (Tifkira fix-xewqa tar-ruħ) [2C], miktuba fl-1246-47. L-iskop ta' din il-Ħajja hu dak li żżid materjal ma' dak li Celano kien diġà kiteb fl-1229. Ħafna mill-bijografija ma għandhiex x'taqsam direttament ma' rakkont storiku tal-ħajja ta' Franġisku, imma pjuttost ma' preżentazzjoni tal-virtujiet tiegħu, li dwarhom Tommaso jgħid: "Issa jiena nqis lill-imqaddes Franġisku bħala mera mill-aktar qaddisa tal-qdusija tal-Mulej u xbieha tal-perfezzjoni tiegħu" (introduzzjoni għat-II Ktieb ta' 2C).

L-aħwa, iżda, kienu għadhom mhumiex kuntenti bil-kontribut siewi ta' Tommaso da Celano. Il-Ministru Ġeneral Giovanni da Parma, fl-1250, talab lil Fra Tommaso biex jikkomponi *Tractatus de Miraculis* (Trattat tal-Mirakli) [3C], li seħħu bl-interċessjoni ta' San Franġisk. Celano ippreżenta dan it-tielet tentattiv letterarju tiegħu għall-approvazzjoni fil-Kapitlu Ġenerali ta' Metz fl-1254.

Il-ġrajjiet li seħħew fl-Ordni tul il-ġeneralat ta' Fra Giovanni da Parma (1247-1257) daħħlu lill-Ordni f'mument ta' kriżi, meta l-Ministru Ġeneral ġie akkużat li kien juri simpatiji lejn dawk l-aħwa li kienu qegħdin jimxu fuq id-duttrina ta' l-Abbati Ċisterċensi Gioacchino da Fiore (1132-1202), dwar iż-żmien ta' l-Ispirtu u l-Knisja "Spiritwali" (*Ecclesia spiritualis*). Giovanni da Parma kellu jirreżenja, imma ingħata l-opportunità li jagħżel hu s-suċċessur tiegħu fil-persuna ta' Fra Bonaventura da Bagnoregio. Il-Ministru Ġeneral ġdid, li kien duttur tat-tejoloġija fl-università ta' Pariġi, ried jagħti direzzjoni ġdida lill-Ordni. Fl-1260, matul il-Kapitlu Ġenerali ta' Narbonne, l-aħwa ippubblikaw dan id-digriet: "Nordnaw li għandha ssir Leġġenda tajba u unika ta' l-imqaddes Franġisku minn dawk li diġà jeżistu". Hekk Bonaventura beda jikkomponi l-*Legenda Maior Sancti Francisci* [LM], li ippreżenta lill-Kapitlu ta' Pisa fl-1263, flimkien ma' forma mqassra tagħha għall-użu liturġiku, imsejħa *Legenda minor* [LMn]. Ir-riżultat ta' l-isforzi ta' Bonaventura kien li hu mhux biss ipproduċa Ħajja ta' San Franġisk essenzjalment meħuda minn Tommaso da

Celano, imma li taha stil li hu tipiku ta' tejologu u mistiku li kien Bonaventura. Il-LM turi xebħ mill-qrib tat-trattat mistiku ta' Bonventura, *Itinerarium Mentis in Deum* (Il-Mixja tar-Ruħ f'Alla). Fil-Prologu tal-LM Bonaventura jippreżenta lil Franġisku bħala l-anġlu li jġorr is-siġill ta' Alla l-ħaj permezz ta' l-istimmati tiegħu, u juri wkoll kif Franġisku jagħmel mixja spiritwali permezz tat-tliet toroq tal-purifikazzjoni, illuminazzjoni u unjoni.

Il-Kapitlu Ġenerali ta' Pariġi ta' l-1266 iddikjara li "l-Leġġendi kollha ta' l-imqaddes Franġisku li inkitbu għandhom jitħassru (*deleantur*). Kull fejn isibu dawn il-Leġġendi barra l-Ordni, l-aħwa għandhom jaraw li dawn jitħassru. Għaliex din il-Leġġenda miktuba mill-Ministru Ġeneral inkitbet kif hu irċeviha mill-fomm ta' dawk li kienu dejjem ma' l-imqaddes Franġisku u li kellhom għarfien ċert ta' kollox, u fiha iddaħħlu fatti li huma ippruvati". Ir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni hekk drastika mhumiex ċari, imma aħna ma nistgħux ninterpretawhom fil-mentalità kontemporanja tagħna. Hu ċertament veru li Bonaventura, biex iġib għaqda fl-Ordni, ried li joħloq xbieha ta' San Franġisk li tkun dokumentata tajjeb u apprezzata mill-aħwa kollha, jiġifieri mill-maġġoranza ta' l-Ordni (il-Komunità) u mir-rigoristi (iż-Żelanti). Ir-riżultat ta' dan id-digriet kien li, għal bosta sekli, l-Leġġendi ta' Tommaso da Celano ma setgħux jinqraw mill-aħwa, u kien biss fi tmiem is-seklu 19 li instabu xi manuskritti li jġibu l-Leġġendi ta' Celano li kienu inħelsu mill-qerda sistematika.

Bijografija oħra li inkitbet matul dan il-perjodu hi magħrufa bħala *Liber de Laudibus Beati Francisci* (Ktieb it-Tifħir ta' l-Imqaddes Franġisku) [LLaud]. L-awtur tagħha hu s-segretarju ta' San Bonaventura, Bernard minn Besse, li kiteb din il-Ħajja fl-1277-1283, fil-kuntest tal-*Chronica XIV vel XV Ministrorum Generalium Ordinis Minorum*.

## Franġisku l-Profeta

L-aħħar perjodu tal-*Fontes* Franġiskani jibda mill-Kapitlu ta' Padova fl-1276, meta l-Ministru Ġeneral Fra Girolamo da Ascoli Piceno talab lil dawk l-aħwa li kienu jafu lil San Franġisk u li kienu għadhom ħajjin biex jibgħatulu t-tifkiriet tagħhom bil-miktub. Ħafna mill-ewwel aħwa kienu issa mietu, imma kienu bosta d-dixxipli tagħhom li kienu jiftakru episodji li huma kienu semgħu direttament minn sħab San Franġisk.

Dan il-perjodu fl-istorja ta' l-Ordni kien imqalleb ħafna. Il-familja ta' l-Ispiritwali fl-Ordni kienet issa qiegħda titbiegħed mill-Komunità ta' l-Ordni, minħabba li kienet tiċħad l-interpretazzjonijiet papali tar-Regola, u wkoll minħabba li kienet tapplika d-duttrina Trinitarja ta' Gioacchino da Fiore fl-analiżi ta' l-istorja ta' l-Ordni ta' San Franġisk. Kien fl-istess żmien li l-Papa Nicolò III ta lill-Ordni interpretazzjoni ġdida tar-Regola, fil-Bulla *Exiit qui seminat* (14 ta' Awissu 1279). Din kienet segwita minn interpretazzjoni oħra, id-Dekretali *Exivi de paradiso*, tal-Papa Klement V (6 ta' Mejju 1312). It-triq kienet issa mwittija għall-bidu tal-kontroversja dwar il-faqar, li seħħet bejn l-Ordni u l-Papa Ġwanni XXII matul l-ewwel kwart tas-seklu 14, fi żmien li fih il-Papa ikkundanna formalment il-familja Spiritwali fl-Ordni. F'dawn il-ġrajjiet imqallbin, grupp ta' aħwa li kellhom tendenzi Spiritwali, bdew ipinġu lil San Franġisk bħala profeta li kien iħabbar it-tmiem taż-żminijiet u l-bidu ta' l-era ġdida ta' l-Ispirtu s-Santu.

Fl-1318 ġie ippubblikat *Speculum Perfectionis* (Mera tal-Perfezzjoni). Saru żewġ edizzjonijiet ta' din il-Fonti, waħda minn Leonhard Lemmens, *Speculum Perfectionis (Lemmens)* [1SP], u oħra minn Paul Sabatier, *Speculum Perfectionis (Sabatier)* [2SP]. Sabatier ħareġ bit-teżi li jattribwixxi SP lil Fra Leone, u qal ukoll li, skond il-manuskritt Mazzarino li hu skopra, din inkitbet fil-11 ta' Mejju 1228, jiġifieri qabel 1C. Din il-pożizzjoni ta' Sabatier xegħlet dik li bdiet tissejjaħ il-"Questione Francescana", li għandha x'taqsam mal-valur u l-interdipendenza tal-*Fonti* Franġiskani. Definizzjoni tal-"Questione Francescana" tingħata minn Luigi Pellegrini fl-artiklu: "A Century Reading the Sources for the Life of St. Francis", *Greyfriars Review* 7 (1993) 323-346: "The search for the link between the various documents that take us back to the original documents, and those that are dependent on them".

Iċ-ċirkoli ta' patrijiet Spiritwali kienu ipproduċew diversi dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-bidu ta' l-Ordni Franġiskan, f'dan il-perjodu li qegħdin neżaminaw hawnhekk. Il-kitbiet tagħhom huma ta' natura aktar eskatoloġika u mistika milli storika. Imma huma wkoll jipprovdu elementi interessanti dwar il-qagħda ta' l-Ordni matul is-seklu 14, kif ukoll dwar l-influss li sħab San Franġisk kien għad għandhom fuq it-tifkiriet ta' l-aħwa l-aktar imħeġġin. Hekk insibu dokumenti bħalma huma l-*Legenda Vetus*, il-*Verba Fratri Conradi de Offida*, il-*Verba Sancti Francisci*, dawn ta' l-aħħar attribwiti lil Fra Leone. Żewġ kittieba mill-grupp ta' l-Ispiritwali huma ta' min jagħtihom attenzjoni partikulari. Fra Ubertino da Casale hu l-awtur ta' l-*Arbor Vitae Crucifixae Iesu* (Siġra tal-Ħajja ta' Ġesù Msallab), li ġġib id-data 1305. Fra Angelo Clareno hu l-awtur ta' l-*Historia seu Chronicon septem tribulationum Ordinis Fratrum Minorum* (Storja jew Kronaka tas-seba' tribulazzjonijiet ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri), li inkitbet fil-perjodu 1323-25.

Is-seklu 14 hu wkoll iż-żmien li jixhed għall-iżvilupp sħiħ tat-tradizzjoni orali ta' sħab San Franġisk kif din ġiet mgħoddija permezz ta' ġenerazzjonijiet ta' aħwa, bl-iskop li tippreżenta l-idejal u l-bidu umli ta' l-Ordni Franġiskan. L-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius* (Atti ta' l-Imqaddes Franġisku u l-Aħwa tiegħu) [ABF], miktubin minn Fra Ugolino da Monte Santa Maria fl-1328-1343, jippruvaw li jagħmlu proprju dan. It-traduzzjoni u l-adattament tagħhom fid-djalett tat-Toscana sar minn patri anonimu fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu 14, u ipproduċa l-magħrufin *Fioretti* [Fior], jew Fjuretti ta' San Franġisk. It-tema tal-Fioretti hu tipiku tal-*Fonti* Franġiskani kollha tas-seklu 14: "Aħna rridu nqisu qabel xejn kif San Franġisk sar jixbaħ lil Kristu l-imqaddes fl-għemejjel kollha tal-ħajja tiegħu". Fit-tradizzjoni tal-*Fioretti*, imma aktar tard, fis-seklu 15, insibu l-*Franceschina*, jew *Specchio dell'Ordine dei Minori*, ta' Giacomo Oddi.

It-tema tal-konformità ta' Franġisku ma' Ġesù Kristu jidher preżenti fil-*De Cognatione Sancti Francisci*, miktub fl-1365 minn Arnald de Sarrant, awtur ukoll tal-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum* (Kronaka ta' l-XXIV Ġenerali ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri], kif ukoll fil-*Liber de Conformitate Vitae Beati Francisci ad Vitam Domini Iesu* (Ktieb tal-Konformità tal-Ħajja ta' l-Imqaddes Franġisku mal-Ħajja tal-Mulej Ġesù), xogħol voluminuż miktub minn Bartolomeo da Pisa, bejn l-1385 u l-1399, li jagħlaq is-sensiela tal-*Fontes* f'dan it-tielet perjodu li qegħdin inqisu.

Fi ħdan il-*Fontes* Franġiskani nqisu wkoll diversi dokumenti relativi li ġejjin minn barra l-Ordni. Hawnhekk sejrin insemmu biss ftit minnhom. Il-kitbiet ta' Jacques de Vitry dwar l-Ordni Franġiskan (żewġ ittri, waħda miktuba minn Genova fl-1216 u l-oħra minn Damiata fl-1220, u l-

kapitlu 32 ta' l-*Historia Occidentalis*). Hemm tliet Kronaki famużi li ġejjin minn membri ta' l-Ordni Franġiskan, jiġifieri l-*Kronaka ta' Giordano da Giano*, dwar il-missjoni tal-Franġiskani fil-Ġermanja; il-*Kronaka ta' Thomas of Eccleston*, dwar il-missjoni tal-Franġiskani fl-Ingilterra (*Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam*); u l-*Kronaka ta' Salimbene da Parma*. Franġisku hu wkoll is-suġġett ta' tifħir f'kitbiet letterarji, bħalma huma l-*Laude* ta' Fra Jacopone da Todi, u l-famuż *Canto IX del Paradiso* fid-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri. L-aħħar snin tas-seklu 14 raw ukoll il-produzzjoni ta' dokumentazzjoni rigward l-Indulġenza tal-Porziuncola, li ma nsibux riferimenti diretti għaliha fil-*Fontes* tas-seklu 13. Hemm żewġ importanti li rridu nsemmu: id-*Diploma di Teobaldo, Vescovo di Assisi, sulla Indulgenza della Porziuncola* (10 ta' Awissu 1310), u l-kitba ta' Francesco Bartholi, *Tractatus de Indulgentia S. Maria de Portiuncle* (c.1340).

# TOMMASO DA CELANO
# «VITA SANCTI FRANCISCI»

## INTRODUZZJONI

Tommaso twieled f'Celano, fir-reġjun ta' l-Abruzzi, fl-Italja ċentrali, fis-snin bejn l-1185 u l-1190. Ma nafux eżattament meta daħal fl-Ordni ta' San Franġisk, imma f'1C 56-57, Tommaso jikteb dwar ġrajjiet li seħħew fl-1214, u jgħid: "Imma Alla l-ħanin, li fit-tjieba tiegħu għoġbu jiftakar ukoll fija u f'bosta oħrajn, meta wasal fi Spanja, waqaflu f'wiċċu, u ma setax ikompli l-vjaġġ, għax minħabba li marad, kellu jerġa' lura. Meta reġa' lura f'Santa Marija tal-Porziuncola, wara ftit taż-żmien, xi irġiel letterati u persuni oħrajn nobbli ġew biex jingħaqdu miegħu bil-ferħ kollu". Tommaso x'aktarx li kien fost dawn l-irġiel letterati u nobbli li rċevew it-tonka minn idejn Franġisku.

Fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-1221 Tommaso intagħżel biex jakkumpanja l-ispedizzjoni missjunarja lejn il-Ġermanja, li kienet immexxija minn fra Ceasar minn Speyer. Fil-Ġermanja Tommaso ġie magħżul kustodju tal-patrijiet f'Worms, Speyer u Köln, u sar vigarju tal-missjoni tal-Ġermanja. X'aktarx li reġa' lura l-Italja fl-1224, imma ma jidhirx li kien jgħix qrib ta' Franġisku matul l-aħħar sentejn tal-ħajja tal-qaddis. Kien ċertament preżenti waqt iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, li l-Papa Girgor IX mexxa f'Assisi fis-16 ta' Lulju 1228, għaliex hu jagħti rakkont dettaljat ħafna taċ-ċelebrazzjoni li jurina li kien raha b'għajnejh.

Il-Papa Girgor IX ried jigglorifika lil Franġisku personalment. Fid-29 ta' April 1228 hu ippubblika l-bulla *Recolentes qualiter*, li fiha ħabbar li kellha tinbena knisja speċjali (*specialis ecclesia*) biex fiha jitqiegħdu l-fdalijiet ta' San Franġisk. Il-post magħżul għall-bini kien il-*colle inferiore*, barra mill-ħitan ta' Assisi. Din il-knisja kellha tikkonsisti fi kripta kbira bil-qabar ta' San Franġisk, u fuqha knisja monastika. Fra Elia ġie fdat bit-twettieq ta' dan il-proġett grandjuż tal-Papa. It-tieni pjan li kellu Girgor IX kien dak li jippreżenta lill-kristjanità b'ħajja uffiċjali, jew *legenda*, ta' San Franġisk. Għal dan il-għan hu qabbad lil fra Tommaso da Celano, li kien kittieb espert. Tommaso beda jaħdem mall-ewwel wara s-16 ta' Lulju 1228, u fil-25 ta' Frar 1229 il-Papa Girgor IX approva l-*Vita Sancti Francisci* ta' fra Tommaso da Celano bħala l-ħajja uffiċjali ta' San Franġisk.

Fil-prologu Tommaso jikteb li hu kien tgħallem ħafna mill-fatti dwar San Franġisk: "skond il-kmand tal-glorjuż sinjur Papa Girgor, kif stajt, ktibt bir-reqqa l-aktar dawk l-affarijiet li jiena smajt minn fommu, jew li sirt nafhom minn xhieda fidili u ippruvati fis-sincerità tagħhom". 1C għandha pjan li jsegwi l-ordni kronoloġiku. Hi maqsuma fi tliet kotba. L-ewwel ktieb jitkellem dwar il-ħajja ta' Franġisku mit-twelid saċ-ċelebrazzjoni tal-Milied fi Greccio fl-1223. Jinsisti l-aktar dwar il-ġrajjiet li għandhom x'jaqsmu mal-konverżjoni ta' San Franġisk u t-twaqqif ta' l-Ordni tiegħu. It-tieni ktieb għandu x'jaqsam ma' l-aħħar sentejn tal-ħajja ta' San Franġisk, u jitratta l-ġrajja ta' l-għoti ta' l-istimmati fuq La Verna u l-mewt tal-qaddis fil-Porziuncola. It-tielet

ktieb jitkellem dwar il-glorifikazzjoni ta' San Franġisk, u jiddeskrivi ċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni, kif ukoll jagħti lista ta' mirakli li seħħew bl-interċessjoni ta' San Franġisk.

Tommaso da Celano isegwi r-regoli ta' l-*ars dictaminis*, jiġifieri, stil partikolarment raffinat tal-kitba bil-lingwa Latina skond ir-regoli tal-*cursus*. Dan kien l-istil li kien jiġi użat fil-kurja papali f'Ruma. Aspett ieħor importanti hu li 1C tinbena skond il-metodi tradizzjonali ta' l-aġjografija (kitba tal-ħajjiet tal-qaddisin) li kienet komuni fiż-żmien ta' missirijiet il-Knisja u fil-medjuevu. Il-*Legenda* kellha tidher bħala waħda mill-ħajjiet l-oħrajn klassiċi tal-qaddisin. Tommaso inqeda bil-mudelli li kien diġà jaf, u li kienu jinkludu l-ħajja ta' Sant'Anton Abbati, miktuba minn Sant'Atanasju, dik ta' San Martin ta' Tours, miktuba minn Sulpicius Severus (*Vita sancti Martini,* a cura di J. Fontaine, Paris 1967 [Sources chrétiennes, 133], 248-316), dik ta' San Benedittu, miktuba mill-Papa San Girgor il-Kbir, u dik ta' San Bernard, miktuba minn William ta' St. Thierry. Il-każ tal-ħajja ta' San Martin hu partikolarment importanti, għaliex Celano ta' spiss jippreżenta lil San Franġisk bħala s-suldat il-ġdid (*novus miles*) ta' Kristu (1C 9.36). 1C hi wkoll mimlija riferimenti bibliċi, kif ukoll b'riferimenti għal-letteratura klassika meħudin minn Santu Wistin, Seneca u Virgilius.

Il-prologu ta' 1C jagħti d-dehra tal-pjan tal-ħidma ta' Tommaso da Celano: "L-ewwel taqsima timxi fuq nisġa storika, u titkellem l-aktar dwar is-safa tal-ħajja tiegħu, il-qdusija ta' l-għemejjel tiegħu u l-eżempju tat-tagħlim tiegħu. Fiha daħħalt wkoll xi ftit mirakli fost il-ħafna li, meta kien għadu jgħix fil-ġisem, il-Mulej Alla għoġbu jaħdem permezz tiegħu. It-tieni taqsima tirrakkonta dak li seħħ matul l-aħħar sentejn ta' ħajtu qabel miet. It-tielet waħda, fl-aħħarnett, fiha bosta mirakli, filwaqt li tiskot dwar bosta oħrajn, li wettaq il-Qaddis f'din id-dinja waqt li jinsab isaltan ma' Kristu fis-sema. Titkellem ukoll dwar il-qima, il-ġieħ, it-tifħir u l-glorja, li l-papa Girgor, li jsaltan ħieni, flimkien mal-kardinali kollha tal-Knisja mqaddsa Rumana, urewh meta niżżlu ismu fil-katalgu tal-qaddisin".

L-ewwel ktieb jagħti importanza kbira lill-konverżjoni ta' San Franġisk u t-twaqqif ta' l-Ordni. Tommaso da Celano jagħti dehra kemmxejn negattiva tal-familja li fiha twieled Franġisku, li mbagħad jikkoreġiha meta jikteb il-*Memoriale in desiderio animae*, jew 2C, fl-1246-47. Din it-taqsima tagħtina l-ewwel dehra tas-snin li fihom Franġisku kien għadu żagħżugħ u dwar il-ħolm tiegħu li jsir kavallier, dwar il-proċess ta' konverżjoni u ċ-ċaħda tal-wirt ta' missieru quddiem l-isqof Guido ta' Assisi, dwar l-ewwel aħwa u l-vjaġġi missjunarji tagħhom, dwar is-sejħa fil-Porziuncola, dwar il-vjaġġ lejn Ruma għall-approvazzjoni ta' l-għamla tal-ħajja (*forma vitae*) ta' l-Evanġelju. L-ewwel ktieb jitkellem ukoll dwar xi mirakli li Franġisku wettaq meta kien għadu ħaj, u jagħti importanza kbira lill-imħabba li kellu lejn il-ħlejjaq. L-episodju ta' Greccio jikkonkludi din is-sezzjoni. Kif jgħidu l-istudjużi ta' l-edizzjoni tal-*Fontes* bil-lingwa ingliża, din is-sezzjoni tikkorrispondi għall-misteru ta' l-Inkarnazzjoni fil-ħajja ta' San Franġisk, li jsib l-ogħla espressjoni tiegħu fl-episodju tal-Milied ta' Greccio.

It-tieni ktieb jibda b'riferiment ċar għad-data u l-ħin tal-mewt ta' San Franġisk fil-Porziuncola. Isemmi l-aktar waqtiet importanti ta' l-aħħar sentejn tal-ħajja tal-qaddis, u l-aktar il-viżjoni tas-serafin imsallab fuq La Verna f'Settembru 1224. Wara dan l-episodju jitkellem dwar il-vjaġġi ta'predikazzjoni ta' Franġisku stimmatizzat, u l-aktar dwar it-tbatijiet u l-mard li għadda minnhom. L-episodju tal-mewt (*transitus*) tiegħu fil-Porziuncola jiġi deskritt bid-dettall, kif ukoll il-funeral tal-qaddis, meta l-ġisem mejjet tiegħu jittieħed San Damiano, biex ikunu jistgħu jarawh

għall-aħħar darba Klara u l-*Povere Dame*. It-tieni ktieb jikkorrispondi għall-misteru tal-Passjoni ta' Kristu fil-ħajja ta' San Franġisk, kif jidher fil-ġisem tiegħu, li jsir ikona ħajja ta' Kristu msallab.

It-tielet ktieb għandu x'jaqsam mal-glorifikazzjoni ta' San Franġisk wara l-mewt tiegħu. L-istil juri kapaċità kbira ta' kitba minn Tommaso da Celano. Il-bijografu jieqaf l-aktar fuq iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni tal-qaddis u l-omelija li għamel il-Papa Girgor IX. Celano saħansitra jagħtina t-tema tal-priedka tal-Papa, meħud mill-ktieb ta' Bin Sirak 50,6-7: "Bħall-kewkba ta' filgħodu tiddi bejn is-sħab, bħall-qamar mimli, bħax-xemx tisreġ, hekk deher jiddi fit-tempju ta' Alla". Dan l-istess versett ta' l-Iskrittura intuża mill-Papa Girgor IX fil-bulla ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, *Mira circa nos*, li hu ippubblika f'Perugia fid-19 ta' Lulju 1228. It-tielet ktieb fih ukoll diversi mirakli li x'aktarx li ġew ippreżentati matul l-istess ċerimonja tal-kanonizzazzjoni. Din it-taqsima tikkorrispondi għall-misteru tal-Glorifikazzjoni ta' Kristu u għall-ġrajja ta' Pentekoste fil-ħajja ta' San Franġisk.

1C hu minsuġ mill-ideja ta' "tiġdid" Franġiskan (*novitas franciscana*), li tidher f'ħafna espressjonijiet li jindikaw tiġdid, spirtu ġdid, Ordni ġdid, evanġelista ġdid, u miraklu ġdid, b'riferiment għall-istimmati.

Fl-1230 Tommaso da Celano kiteb ukoll dokument li jiġbor fil-qosor il-*Vita Sancti Francisci*, u li hu magħruf bl-isem ta' *Legenda ad usum chori* (Leġġenda biex tintuża fil-kor). Din il-ħajja tikkonsisti f'disa' lezzjonijiet għall-qari tal-brevjar għal jum il-festa ta' San Franġisk. Fl-introduzzjoni, iddedikata lil ċertu fra Benedetto, Tommaso da Celano jgħid li hu qasam din il-ħajja f'disa' sezzjonijiet, jew lezzjonijiet, biex din tkun tista' tintuża waqt l-uffiċċju divin tal-Matutin. Din id-diviżjoni ma tinstab fl-ebda manuskritt ta' din il-ħajja, imma hi prova li dan id-dokument kellu l-iskop li jintuża bħala test liturġiku. Il-*Legenda ad usum chori* hi importanti għaliex fiha Celano jagħtina d-data u l-ħin eżatti tal-mewt ta' San Franġisk: "Fis-sena ta' l-Inkarazzjoni tal-Mulej 1226, fir-raba' jum tan-*nonae* ta' Ottubru, jum il-Ħadd, wara li għaddew għoxrin sena minn meta ingħaqad b'mod perfett ma' Kristu, meħlus mix-xkiel ta' din il-ħajja li tintemm, għadda hieni għal għand Kristu".

# TOMMASO DA CELANO
# «VITA SANCTI FRANCISCI»

## PROLOGU

F'isem il-Mulej. Amen.
Jibda l-prologu għall-ħajja ta' San Franġisk.

[201] 1 L-atti u l-ħajja tal-wisq imqaddes missierna Franġisku b'xewqa ħerqana nixtieq nirrakkonta, immexxi dejjem u mgħallem mill-verità, u b'qima qaddisa. Billi ħadd ma jista' jiftakar dak kollu li hu *għamel u għallem* (cfr. Atti 1,1), skond il-kmand tal-glorjuż sinjur Papa Girgor[79], kif stajt, ktibt bir-reqqa l-aktar dawk l-affarijiet li jiena smajt minn fommu, jew li sirt nafhom minn xhieda fidili u ippruvati fis-sincerità tagħhom. Dan għalkemm jiena lanqas jistħoqqli nkun dixxiplu ta' bniedem li kien dejjem jevita diskorsi diffiċli u ma kienx jaf iżewwaq il-kliem!

2 Dak kollu li stajt niġbor dwar dan il-bniedem qaddis, qed insawwru fi tliet taqsimiet, li kull waħda minnhom fiha diversi kapitli, biex hekk ma jinħoloqx taħwid dwar ġrajjiet li seħħew fi żminijiet differenti, u lanqas ma jkun hemm dubju dwar il-verità tagħhom. L-ewwel taqsima timxi fuq nisġa storika[80], u titkellem l-aktar dwar is-safa tal-ħajja tiegħu, il-qdusija ta' l-għemejjel tiegħu u l-eżempju tat-tagħlim tiegħu. Fiha daħħalt wkoll xi ftit mirakli fost il-ħafna li, meta kien għadu jgħix fil-ġisem, il-Mulej Alla għoġbu jaħdem permezz tiegħu. It-tieni taqsima tirrakkonta dak li seħħ matul l-aħħar sentejn ta' ħajtu qabel miet. It-tielet waħda, fl-aħħarnett, fiha bosta mirakli, filwaqt li tiskot dwar bosta oħrajn, li wettaq il-Qaddis f'din id-dinja waqt li jinsab isaltan ma' Kristu fis-sema. Titkellem ukoll dwar il-qima, il-ġieħ, it-tifħir u l-glorja, li l-papa Girgor, li jsaltan ħieni, flimkien mal-kardinali kollha tal-Knisja mqaddsa Rumana, urewh meta niżżlu ismu fil-katalgu tal-qaddisin[81]. Niżżu ħajr lil Alla li jista' kollox li dejjem jurina kemm hu ta' min ifaħħru u jħobbu fil-qaddisin tiegħu.

Hawn jintemm il-prologu.

---

[79] Girgor IX kien magħżul Papa fid-19 ta' Marzu 1227, u miet Ruma fit-22 ta' Awissu 1241. Meta kien ħaj San Franġisk hu kien il-kardinal Ugolino dei Conti di Segni. Sar kardinal fl-1198 u isqof ta' Ostia u Velletri fl-1206. Kien ħabib kbir ta' Franġisku, li talab lill-Papa Onorju III biex jaħtru kardinal protettur ta' l-Ordni. Għen lil Franġisku meta kiteb ir-Regola tal-Patrijiet Minuri. Meta sar Papa, Girgor IX beda l-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' Franġisku, li kien miet sena qabel, fl-1226. Hu stess iddikjarah qaddis f'Assisi, fis-16 ta' Lulju 1228. Kien Girgor IX li, fl-istess okkażjoni, talab lil fra Tommaso da Celano biex jikteb bijografija uffiċjali ta' San Franġisk.

[80] Din l-ewwel taqsima tirrokkonta l-ġrajjiet tal-ħajja ta' San Franġisk mit-twelid sal-Milied ta' Greccio fl-1223. It-tieni taqsima tirrakkonta l-ġrajjiet li seħħew minn La Verna f'Settembru 1224, sa jum il-mewt tal-qaddis fit-3 ta' Ottubru 1226.

[81] Iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni saret fil-knisja ta' San Giorgio, f'Assisi, fis-16 ta' Lulju 1228. Il-Papa Girgor IX ħabbar lill-Knisja kollha dwar il-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk bil-Bulla *Mira circa nos*, li ippubblika f'Perugia fid-19 ta' Lulju 1228.

# L-EWWEL KTIEB

Għat-tifħir u l-glorja ta' Alla li jista' kollox,
Missier, Iben u Spirtu s-Santu. Amen.
Tibda l-ħajja ta' l-imqaddes missierna Franġisku.

## Kapitlu I
Dwar kif kien jgħix meta kien għadu fid-dinja.

[202] 1 Kien hemm raġel fil-belt ta' Assisi, li tinsab fit-tarf tal-wied ta' Spoleto. Kien jismu Franġisku. Sa mill-bidunett ta' tfulitu, mingħand il-ġenituri tiegħu, ġie mrobbi ħażin skond il-frugħa tad-dinja. Kien jimita l-eżempji tagħhom, u hekk hu sar aktar fieragħ. Din id-drawwa infirxet fost dawk li jgħidu li huma nsara. Dan it-tagħlim ta' ħsara tant infirex ma' kullimkien, daqs li kieku kien liġi publika, li kull fejn teżisti tfittex bil-ħerqa li teduka l-ulied sa mill-benniena biex jagħmlu li jridu u jgħixu ħajja bla lġiem. Għax meta jkunu trabi, li għadhom kemm twieldu, u bilkemm ikunu jistgħu jlissnu kelma waħda, jgħallmuhom bis-sinjali u bil-vuċi affarijiet tal-mistħija u ta' min jikkundannahom. Meta jasal iż-żmien li jinfatmu, jiġu mġiegħlin mhux biss li jgħidu, imma wkoll li jagħmlu, dak li ma jixraqx. Ħadd fosthom, f'dik l-età, ma jazzarda jġib ruħu b'mod onest, minħabba l-biża li jiġi ikkastigat. Għaldaqstant sewwa kien qal poeta pagan: "Nikbru fost l-eżempji ħżiena tal-ġenituri tagħna, u hekk jikber magħna mit-tfulija kull xorta ta' ħażen"[82]. Din ix-xhieda hi vera, għax aktar ma jkunu ħżiena x-xewqat tal-ġenituri lejn uliedhom, aktar dawn jimxu warajhom bil-ferħ. Imma malli jkunu akbar fis-snin, bil-ħila tagħhom stess, jgħaddu għal għemejjel dejjem aktar ħżiena. Mill-għerq imħassar tikber siġra ħażina, u ġaladarba jitħassar bil-ħażen wieħed bilkemm ikun jista' jreġġgħu għar-regola tal-qjies it-tajjeb. U meta jitfarfru u jibdew l-adolexxenza, x'taħseb li jsir minnhom? Allura jkissru kull xkiel biex jingħataw għal kull xorta ta' xalar, għax ikollhom il-permess li jagħmlu dak li jridu, u jintelqu għal ħajja bla rażan. Hekk isiru minn jeddhom ilsiera tad-dnub, u jbiddlu l-membri kollha ta' ġisimhom f'armi tal-ħażen. Xejn aktar ma jibqgħu iżommu fil-ħajja u l-imġieba tar-reliġjon kristjana, ħlief biss li jiftaħru li huma insara. Dawk l-imsejkna jistqarru li jkunu għamlu ħtijiet akbar milli jkunu wettqu, għax jibżgħu li jżebilħuhom jekk iżommu ruħhom safjin.

2 Dawn huma l-ħwejjeġ tal-biki li fihom trabba dan ir-raġel, li llum inqimuh bħala qaddis, għax tassew hekk hu. Hu kien tajjar fix-xejn iż-żmien minn tfulitu sa ma wasal għal għoxrin sena, u ħlieh fix-xejn. Mhux biss, imma kien jgħaddi lil sħabu daqsu fl-età billi kien jiġi minn ta'quddiem fil-ħażen u fil-bluhat. Kulħadd kien jistagħġeb bih li ried ikun dejjem ta' l-ewwel fuq l-oħrajn filli jintefaħ bl-ambizzjoni tiegħu: fil-logħob, fil-kurżitajiet, fil-kliem fieragħ, fil-kant, fl-ilbies komdu u artab. Tassew hu kien għani, ma kienx xħieħ imma ġeneruż, ma kienx moħħu biex

---

[82] Celano jikkwota lil Lucio Anneo Seneca, fl-*Epistolae morales ad Lucilium*, I.6, ep. 8. Hu kien jaf tajjeb l-użanzi letterarji tal-medjuevu, l-aktar fil-ħajjiet tal-qaddisin, u għalhekk ma nistagħġbux li hawnhekk Celano qiegħed jimita l-istil li juża Santu Wistin fil-*Confessiones*. Celano jagħti dehra kerha taż-żogħżija ta' Franġisku, bl-iskop li juri l-proċess ta' konverżjoni radikali li għadda minnu.

irekken il-flus imma kien iqassam dak li kellu; kien negozjant makakk, imma kien jiftaħar li kien jagħti b'idejh miftuħa. Kien iġib ruħu bil-ħlewwa, kien iċedi u kien twajjeb bil-bosta, sal-punt li jmur kontra l-interressi tiegħu. Minħabba dawn il-kwalitajiet, kienu ħafna dawk li kienu jiġru warajh, għalkemm kienu jingħataw għall-ħażen u jrewwħu l-għemejjel qarrieqa. Hekk imdawwar mill-kumpanija tal-ħżiena, kien jimxi bil-kburija f'nofs il-pjazez ta' Babel, sakemm *il-Mulej mis-smewwiet ħares lejh* (cfr. S 32,13), u *minħabba l-isem* tiegħu, *warrab il-korla tiegħu* minn fuqu, u *qiegħedlu* fuq fommu *t-tifħir* tiegħu, biex hekk *ma jintilifx għal kollox* (cfr. Is 48,9). Hekk *niżlet fuqu id il-Mulej* (Eżek 1,3), u *l-leminija ta' l-Aktar Għoli* (cfr. S 76,11) biddlitu, sabiex permezz tiegħu il-midinbin jerġgħu jsibu l-grazzja ta' ħajja ġdida, u jkun għal kulħadd eżempju ta' konverżjoni lejn Alla. [AP 3; L3C 2; LM I,1]

Kapitlu II
Dwar kif Alla żar il-qalb tiegħu bil-mard tal-ġisem u b'viżjoni bil-lejl.

[203] 3 Dan ir-raġel mela kien jgħix fid-dnubiet u fil-passjonijiet taż-żgħożija. L-istess età tiegħu kienet tiġbdu, u ma kienx kapaċi jikkontrolla t-tendenzi taż-żgħożija, u għalhekk seta' jintrebaħ mill-velenu tas-serp tal-qedem. Imma l-korla, jew aħjar id-duwa tal-ħniena divina, sejħitlu biex jiġi f'sensieh mill-iżbalji tiegħu, permezz tat-tbatija spiritwali u l-mard tal-ġisem, skond kif jgħid il-profeta: *Nonsob triqtek bix-xewk, u ndawwarha b'ħajt* (Ħos 2,6). Intlaqat minn marda twila, kif jixraq lill-kapriċċi ta' dak il-bniedem li ma jikkoreġix ruħu jekk mhux bil-kastigi. Hekk hu beda jidħol fih innifsu biex *jaħseb bejnu u bejn ruħu* (cfr. Lq 12,17). Wara li qaleb xi ftit għall-aħjar, biex jerġa' jieħu saħħtu beda jimxi mad-dar imwieżen fuq bastun. Jum minnhom ħareġ u beda jammira b'attenzjoni akbar il-kampanja ta' madwaru. Imma s-sbuħija ta' l-għelieqi, id-dwieli għammiela u dak kollu li kien jidher sabiħ, ma setax isib iżjed pjaċir fih. Baqa' mistagħġeb għal din il-bidla hekk ta' malajr, u beda jqis boloħ lil dawk li għandhom qalbhom marbuta ma' dan il-ġid. [LM I,2]

[204] 4 Minn dakinhar beda jqis lilu nnifsu bla siwi, u beda jqis bħala ta' min jistmerru dak li qabel kien iżommu b'ammirazzjoni u kien iħobbu. Dan kien iwettqu, iżda, mhux b'mod perfett u veru, għaliex kien għadu ma ħelisx mill-*ktajjen tal-frugħa* (cfr. Is 5,18), u lanqas ma kien warrab minn *moħħu l-madmad tal-jasar* tal-ħażen (cfr. Ġen 27,40). Hi ħaġa iebsa ħafna li wieħed iħalli warajh id-drawwiet ħżiena, għax dawn malli jidħlu fir-ruħ ma tantx jinqalgħu kif ġieb u laħaq. L-ispirtu tal-bniedem, ukoll wara żmien twil li jkun twarrab minnhom, jerġa' lura għad-drawwiet tal-bidu u l-vizzji jsiru qishom ħaġa waħda man-natura tal-bniedem. Għaldaqstant Frangisku ipprova mill-ġdid li jaħrab mill-id ta' Alla, u qisu nesa għal kollox it-twiddiba ta' missier li kien irċieva, u beda jitbissem lil xortih, beda *jħabbel rasu fil-ħwejjeġ tad-dinja* (cfr. 1Kor 7,34), u beda *jinsa t-twiddib ta' Alla* (cfr. Għerf 9,13), filwaqt li beda joħlom bil-glorja fiergħa tad-dinja u b'għemejjel ta' kburija. Kien hemm wieħed nobbli minn Assisi, li kien qiegħed iħejji ruħu għall-gwerra, mimli bi *glorja fiergħa* (cfr. Gal 5,26). Biex jakkwista aktar ġid u unuri, kien iddeċieda li jieħu s-suldati tiegħu sal-Puglie.[83] Malli sar jaf b'dan, Franġisku, li kellu spirtu avventuruż u kuraġġuż, inkiteb mall-ewwel biex imur miegħu. Jekk hu kien inqas minnu fin-nobbiltà tat-twelid, kien akbar minnu fin-nobbiltà tal-qalb kbira tiegħu. Kien inqas għani, imma aktar ġeneruż. [AP 5; L3C 5.8; LM I,3]

[83] Walter de Brienne kien qiegħed jiġġieled fil-Puglie kontra Markwald, li kien ried jisraq lill-Papa Innoċenz III mid-dritt li jħares lil Federiku II, li kien għadu tifel. Ma nafux l-isem ta' dan il-kavallier nobbli li Frangisku mar miegħu fil-Puglie. Skond il-L3C 5 kien jismu "konti Gentile".

[205] 5 Lejl minnhom, waqt li kien għadu qiegħed jaħseb biex iwettaq dan il-proġett, u kien jistenna bil-ħerqa li jibda l-vjaġġ, Dak li kien laqtu bil-ħatar tal-ġustizzja, żaru permezz tal-ħolm bil-ħlewwa tal-grazzja tiegħu. Billi hu kien mimli ħerqa għall-glorja, intrebaħ bil-ħolm ta' glorja akbar. Deherlu li kien qiegħed jara d-dar mimlija armi, selli, tarki, lanez u armi oħrajn tal-gwerra. Hu feraħ ħafna, u beda jistaqsi lilu nnifsu xi jfisser dan kollu. Fil-fatt, id-dar hu kien imdorri jara pezzi tad-drapp għall-bejgħ, u mhux armi bħal dawn. Waqt li kien mistagħġeb mhux ftit għal din id-dehra, sema' min jgħidlu li dawk l-armi kienu għalih u għall-kavallieri tiegħu. Malli qam fil-għodu, ħass qalbu qiegħda tfur bil-ferħ u beda jaħseb li dik il-ħolma kienet qed tħabbarlu r-riżq it-tajjeb, u għalhekk ma kellu l-ebda dubju ieħor dwar is-suċċess tal-vjaġġ tiegħu lejn il-Puglie. *Ma kienx jaf x'jaqbad jgħid* (cfr. Mk 9,5), għax kien għadu ma jagħrafx dak li ried minnu l-Mulej. Hu ma kienx nieqes milli jifhem li kien interpreta l-ħolma b'mod żbaljat, għaliex, għalkemm din kellha x'taqsam ma' għemejjel ta' gwerra, fil-fatt hu ma kienx iħossu imħeġġeġ fl-ispirtu bħal drabi oħrajn. Hu rnexxielu bi tbatija li jwettaq il-pjan tiegħu, u li jitlaq għal dak il-vjaġġ li tant xtaq jagħmel. Fil-fatt, hi ħaġa xierqa li nitkellmu dwar l-armi fil-bidu tal-missjoni ta' Franġisku, u jixraq ukoll li jkun armat is-suldat li jrid joħroġ biex jiġġieled kontra min hu armat sa snienu, hekk li, bħal David ieħor, jeħles lil Israel *f'isem il-Mulej Alla ta' l-eżerċti* (cfr. 1Sam 17,45) mit-theddida kburija ta' l-għedewwa. [AP 5; L3C 5; 2C 6; LM I,3]

## Kapitlu III
## Dwar kif inbidel fl-ispirtu imma mhux fil-ġisem, u kif tkellem taħt xbihat dwar it-teżor u l-għarusa li sab.

[206] 6 Hekk mibdul fl-ispirtu, imma mhux fil-ġisem, ċaħad li jmur fil-Puglie, u beda jitħabat biex idawwar ir-rieda tiegħu għar-rieda divina[84]. Beda jitwarrab mill-istorbju tad-dinja u min-negozju, u beda jimpenja ruħu li jżomm moħbi fil-bniedem ta' ġewwa lil Ġesù Kristu. Bħal negozjant makakk beda jaħbi mill-ħarsa tal-qarrieqa l-*ġawhra li sab,* biex hekk bil-*moħbi ibiegħ kollox u jixtri lilha* (cfr. Mt 13,46). Kien hemm f'Assisi żagħżugħ li hu kien iħobbu aktar mill-oħrajn[85]. Billi kellu l-istess età tiegħu, il-ħbiberija li kienu jaqsmu b'mod sħiħ flimkien kienet iġġiegħelhom jafdaw f'xulxin is-sigrieti li kien hemm fil-qalb ta' kull wieħed. Franġisku kien jieħu lil dan il-ħabib miegħu f'postijiet imwarrbin u tajbin biex fihom jinġabar l-ispirtu, u kien jgħidlu li kien sab teżor prezzjuż u kbir. Dan iż-żagħżugħ, mimli hena u kurżità, kien dejjem jilqa' l-istedina li jmur miegħu. Ftit 'il barra mill-belt kien hemm kripta[86], fejn kienu jmorru ta' spiss, u jitkellmu dwar it-teżor. Il-bniedem ta' Alla, li kien diġà qaddis fil-proponimenti tiegħu, kien jidħol

---

[84] Celano hawnhekk ma jagħtix ir-rakkont tal-fatti kif verament seħħew. Nafu mil-L3C 6 li Franġisku, fil-fatt, kien erħielha lejn il-Puglie, imma li reġa' lura Assisi wara li għadda lejl imqalleb fi Spoleto, fejn kellu l-ħolma tal-palazz mimli armi. Celano wkoll ma jitkellimx dwar l-esperjenza tal-battalja ta' Collestrada fl-1202, u jsemmi biss li Franġisku kien marad għal xi żmien, mingħajr ma jagħti r-raġuni għal din il-marda.

[85] Min kien dan iż-żagħżugħ misterjuż? Il-*Fontes*qatt ma jsemmuh. Diversi studjużi issuġġerew persunaġġi diversi, bħal fra Leone, jew fra Elia. Fil-fatt ma nistgħux inkunu nafu min kien. Jew, forsi, hawnhekk Celano qiegħed diġà jqabbel il-ħajja ta' San Franġisk ma' dik ta' Ġesù? Kif il-Mulej kellu "dixxiplu maħbub", li t-tradizzjoni tara fih lill-appostlu San Ġwann, hekk Franġisku seta' kellu dan is-sieħeb li kellu jaqsam miegħu s-sigriet tal-vokazzjoni tiegħu sa mill-bidunett?

[86] Għalkemm it-traduzzjonijiet moderni jitkellmu minn "grotta", nippreferu nżommu s-sens tal-latin oriġinali, li jgħid: *Cyrpta quaedam erat iuxta civitatem*. Il-kelma "kripta" tista' tirreferi għal kripta ta' knisja romanika li għada teżisti sallum, ftit 'il bogħod minn San Damiano. Hi l-kripta ta' San Masseo. Hu forsi għal dan il-post li jirreferi Celano, aktar milli għal xi għar, għalkemm ma nistgħux neskludu li hemm għerien fuq il-Monte Subasio.

f'dik il-kripta, filwaqt li sieħbu kien joqgħod barra jistenna. Hemmhekk, mimli b'ħeġġa ġdida u mhux tas-soltu, *kien jitlob lil Missieru fil-moħbi* (cfr. Mt 6,6). Kien jixtieq li ħadd ma jkun jaf dak li kien qiegħed iseħħ hemm ġew, u filwaqt li kien jaħbi b'mod għaqli kif kien jista' t-tajjeb li kien iħoss, kien jikxef biss quddiem Alla l-intenzjonijiet qaddisa tiegħu. Kien jitlob bil-qima lil Alla etern u veru biex imexxih fi triqtu u biex jgħallmu *iwettaq ir-rieda tiegħu* (cfr. S 142,10). Fih innifsu kien iħoss taqbida kbira, u ma setax iħoss paċi fih innifsu sakemm ma kienx iwettaq dak li kien ħaseb dwaru. Elf ħsieb kien jiġi fuqu mingħajr ma jħallih bi kwietu, u dawn il-ħsibijiet kienu jixħtuh f'taħwid u tbatija kbira. Minn ġewwa kien jaqbad bin-nar divin, u ma setax jaħbi l-ħeġġa li kellu f'qalbu. Beda jħossu mnikket għall-bosta dnubiet li kien għamel u li bihom kien weġġa' l-għajnejn ta' l-Aktar Għoli. Il-frugħat tal-passat u tal-preżent ma kienux għadhom jagħtuh pjaċir, imma ma kienx għadu jaf jekk kienx jilfaħ iqiegħed il-fiduċja tiegħu fil-ġejjieni. Minħabba dan kollu meta kien jerġa' lura għand sieħbu, tant kien ikun imħabbat, li kien donnu daħal bniedem mod u ħareġ ieħor. [L3C 8.12; 2C 9; LM I,4]

[207] 7 Jum minnhom, fl-aħħarnett, wara li kien dam jitlob b'qalbu kollha l-ħniena divina, il-Mulej urieh kif kellu jġib ruħu. Minn dak il-ħin *imtela b'ferħ hekk kbir* (cfr. S 125,2), li ma setax iżomm fih innifsu dik il-hena, u għalhekk mingħajr ma ried, beda juri minn barra xi ftit minnha quddiem il-bnedmin. L-imħabba kbira li kienet timlilu ruħu ma kienetx tħallih jiskot, imma kien jipprova jitkellem ma' l-oħrajn taħt ix-xbihat. Kif kien diġà għamel ma' ħabibu, meta kien kellmu dwar it-teżor moħbi, hekk issa ma' l-oħrajn beda jitkellem bix-xbihat, u jgħidilhom li ma kienx irid imur il-Puglie, imma li f'art twelidu ried iwettaq ħwejjeġ kbar u nobbli. In-nies bdew jaħsbu li hu ried jiżżewweġ, u kienu jistaqsuh hekk: "Jaqaw trid tiżżewweġ, Frangisku?" Hu kien iweġibhom: "Jiena se nieħu l-aktar għarusa nobbli u sabiħa li intom qatt rajtu, u li tisboq lill-oħrajn kollha fis-sbuħija u l-għerf". Għax tassew il-għarusa *bla tebgħa* kienet ir-*reliġjon* (cfr. Ġak 1,27) li hu tgħannaq magħha, u t-teżor moħbi kien *is-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 13,44), li tant kien jixtieq jakkwista. Kien jixraq tassew li sseħħ għal kollox il-vokazzjoni evanġelika f'dak li kellu jkun *ministru ta' l-Evanġelju* (cfr. Ef 3,7) fil-*fidi u l-verità* (cfr. 1Tim 2,7). [L3C 7.13; 2C 6; LM I,3]

Kapitlu IV
Dwar kif, wara li biegħ kollox, stmerr ukoll il-flus li kien qala'.

[208] 8 Hekk il-qaddej hieni ta' l-Aktar Għoli, imħejji u ikkonfermat mill-Ispirtu s-Santu, issa li kien wasal iż-żmien mistenni, intelaq għal dak kollu li kien l-aħjar għal ruħu, u wara li rifes taħt riġlejh il-ġid ta' din id-dinja beda jfittex jirbaħ l-akbar ġid. Ma setax jistenna aktar, għax kienet tferrxet ma' kullimkien marda qerrieda li kienet ħakmet il-membri ta' ħafna tant, li kienet lesta li teħdilhom ħajjithom kieku it-tabib kien se jdum ftit aktar ma jiġi[87]. Franġisku għalhekk iqum fuq riġlejh, jarma ruħu bis-sinjal tas-salib, ihejji ż-żiemel, jirkbu, u jerħilha lejn Foligno. Hemmhekk, kif kien imdorri jagħmel, biegħ dak kollu li kellu, u saħansitra ż-żiemel li kien riekeb fuqu. Reġa' lura, ħieles minn kull xkiel li jtaqqal, u beda jaħseb b'mod reliġjuż dwar x'kellu jagħmel b'dawk il-flus li kien qala'. Kien dar lura lejn il-Mulej b'ħeffa li tgħaġġbek, u kien

[87] Hawnhekk Celano qiegħed jitkellem f'sens figurattiv. It-tabib hu Kristu u l-marda qerrieda x'aktarx li kienu l-movimenti eretikali li kienu tferrxu fl-Italja fis-seklu XII, u li kellhom ispirazzjoni mill-Kartari, jew Albiġiżi, ta' Franza ta' isfel. Id-duttrina tagħhom kienet fondamentalment tiċħad il-misteru ta' l-inkarnazzjoni, li Franġisku kellu jiddefendi bix-xhieda ta' ħajtu u bil-kitbiet tiegħu.

qiegħed iħoss dawk il-flus bħala piż li jtaqqlu, u lanqas felaħ iġorrhom imqar għal siegħa waħda biss. Għalhekk beda jħaffef biex jeħles minnhom. Hu u riesaq lejn Assisi, ġie wiċċ imb'wiċċ ma' knisja qadima ħafna, li kienet tinsab mal-ġenb tat-triq. Kienet inbniet fi żminijiet qodma, u kienet iddedikata lil San Damiano, imma minħabba l-qedem tagħha kienet għodda qed tiġġarraf[88]. [L3C 16; 2C 10; LM II,1]

[209] 9 Il-kavallier ġdid ta' Kristu[89] resaq lejn din il-knisja, u meta raha f'dik il-qagħda tal-biki, ħass qalbu tingħafas. Daħal ġewwa b'qima u biża qaddis, u iltaqa' mal-qassis fqajjar li kien jinsab hemmhekk. B'fidi kbira bieslu idejh ikkonsagrati, offrielu l-flus li kien qiegħed iġorr u urieh ix-xewqat tiegħu waħda wara l-oħra. Dak il-qassis baqa' mistagħġeb għal dik il-konverżjoni li seħħet hekk malajr, u ma setax jemmen dak li beda jisma' b'widnejh. Hu ma riedx jaċċetta l-flus, għax beża li din kienet xi bawxata minn ta' Franġisku. Fil-fatt kien rah, il-jum ta' qabel, *fost niesu u qrabatu* (cfr. Lk 2,44) għaddej jagħmel storbju sħiħ u jgħaddi lil kulħadd fil-bluhat. Imma Franġisku beda jinsisti u jtennilu biex jemmen il-kliem tiegħu, u beda jitolbu jilqgħu miegħu biex jaqdi lill-Mulej. Fl-aħħarnett il-qassis ħallieh jibqa' miegħu, imma ma riedx jaċċetta l-flus minħabba l-biża li kellu mill-qraba ta' Franġisku. Allura dan, li issa kien sar jistmerr il-għana, xeħet il-flus fuq ħoġor ta' tieqa, u ma tax kas tagħhom iżjed, daqslikieku kienu trab. Hu xtaq fil-fatt li *jakkwista l-għerf li hu aqwa mid-deheb, u l-prudenza li hi aktar prezzjuża mill-fidda* (Prov 16,16). [L3C 16; LM II,1]

Kapitlu V
Dwar kif missieru ippersegwitah u żammu maqful.

[210] 10 Waqt li l-qaddej ta' Alla l-għoli kien qiegħed jgħix f'dak il-post, missieru kien jiġri jfittxu kullimkien, u beda jistaqsi bil-ħerqa biex ikun jaf x'sar minn ibnu. Meta fehem li hu kien qiegħed jgħammar f'dak il-post u kien għażel li jgħix b'dak il-mod, *imtela bin-niket fil-ġewwieni tal-qalb tiegħu* (Ġen 6,6), u tħawwad ħafna b'dak li ġara. Hekk *ġabar madwaru lil ħbiebu u lill-ġirien tiegħu* (cfr. Lk 15,6), u mar jiġri bil-ħeffa f'dak il-post li fih kien jgħammar il-qaddej ta' Alla. Imma dan, li kien għadu atleta ġdid ta' Kristu, malli sema' l-istorbju ta' dawk li riedu jippersegwitawh u intebaħ li kienu qrib, *ried jaħrab mill-korla* (cfr. Rum 12,19) tagħhom, u mar jinħeba f'ħofra moħbija taħt l-art, li hu kien hejja ftit żmien qabel. Dik il-ħofra kienet taħt id-dar fejn kien, u persuna waħda biss kienet taf biha. Hemm dam moħbi għal xahar sħiħ, u minn hemm ma kienx joħroġ ħlief biss għall-ħtiġijiet l-aktar urġenti. Kien jiekol fid-dlam ta' dik il-ħofra l-ikel li xi kultant kienu jġibulu, u kien jirċievi kull għajnuna oħra bil-moħbi. Kien jitlob u jxerred ħafna dmugħ sabiex il-*Mulej jeħlislu ruħu minn idejn dawk li riedu jonsbuh* (cfr. S 141,7), u biex jagħtih il-grazzja li jwettaq il-pjanijiet tiegħu. Kien jitlob il-ħniena tal-Feddej *bis-sawm u bil-biki* (cfr. Ġoel 2,12), u filwaqt li ma baqalux fiduċja fih innifsu, xeħet *fil-Mulej il-fiduċja kollha tiegħu* (cfr. S 54,23). Għalkemm magħluq f'dik il-*ħofra mudlama* (cfr. Dan 2,22), kien iħossu imdawwal b'ferħ li ma jitfissirx, u li qatt ma kien ħassu qabel. Imħeġġeġ minn din il-fjamma ġewwenija,

[88] Celano jaqbeż il-ġrajja magħrufa tal-kurċifiss ta' San Damiano, li jitkellem dwarha fit-2C 10, u għalhekk biex wieħed jifhem aħjar il-kuntest storiku ta' dan l-episodju jrid jirreferi għal din il-bijografija, kif ukoll għal L3C 13-16.
[89] L-espressjoni *novus miles Christi* hi komuni f'1C, u hi riżultat ta' l-istess kunċett li jinsab fil-*Vita Sancti Martini* ta' Sulpicius Severus, li Celano kien jafha tajjeb u li fassal fuqha l-bijografija tiegħu. Aktar dettalji dwar dan 'il quddiem.

iddeċieda li joħroġ mill-moħba tiegħu u jinkixef quddiem it-tagħjir ta' dawk li riedu jippersegwitawh. [L3C 16; LM II,2]

[211] 11 Hekk hu, mela, jqum bla dewmien, u mimli ħeġġa u ferħ, imur jiġri biex jiġġieled għall-Mulej, armat bit-*tarka tal-fidi* (cfr. Ef 6,16), u bl-armi l-oħrajn meħtieġa. B'kuraġġ ta' sur beda miexi lejn il-belt, u beda jakkuża lilu nnifsu talli kien daqshekk beżżiegħ u dam jistenna tant żmien bla kuraġġ. Dawk kollha li kienu jafuh, malli rawh jidher quddiemhom b'dehra tant differenti minn kif kien jidher fl-imgħoddi, bdew jgħajjruh, jgħidu li tilef moħħu, u jwaddbulu fuqu *t-tajn tal-pjazza u l-ġebel* (cfr. S 17,43; Ġw 8,59). Dik id-dehra tiegħu, hekk mikul mill-penitenzi, u dik il-bixra hekk differenti mis-soltu, ġiegħluhom jaħsbu li dak kollu li kien qed jagħmel kien frott tal-ġuħ li kien sofra, u tal-ġenn ta'moħħu. Imma billi *s-sabar jiswa aktar mill-kburija* (Qoħ 7,9), il-qaddej ta' Alla ma ħalliex lilu nnifsu jintrebaħ minn dan it-tagħjir, u baqa' għaddej qisu trux għall-insulti, filwaqt li beda jrodd ħajr lil Alla għal dik il-prova. Hu kollu ta' xejn li l-qarrieq jippersegwita l-bniedem twajjeb, għaliex aktar ma dan jiġi mħabbat, aktar jirbaħ bil-qawwa tiegħu. Xi ħadd qal li l-umiljazzjoni tagħmel li r-ruħ ġeneruża ssir aktar qawwija[90]. [L3C 17; LM II,2]

[212] 12 Dak l-istorbju kollu u l-għajjat madwar Franġisku beda jixtered dejjem aktar *mal-pjazez u l-isqaqien tal-belt* (cfr. Għan 3,2), u beda jidwi l-kliem mimli żeblieħ u ċ-ċajt goff mal-ħitan tad-djar sakemm wasal fil-widnejn ta' ħafna, u fl-aħħarnett wasal ukoll f'widnejn missieru. Dan, malli sema' l-għajjat ta' isem ibnu, u intebaħ li kien proprju kontrih li kienu qed jiżżuffjettaw in-nies ta' beltu, ħareġ mall-ewwel biex jiltaqa' miegħu, imma mhux biex jeħilsu minnhom, iżda biex ikompli jirvinah. Kif lupu jaqbeż fuq nagħġa mingħajr ma joqgħod jaħsibha, hekk hu ħares lejn ibnu b'għajnejn mimlija korla, ħatfu taħt idejh u beda jheddu, filwaqt li kaxkru lejn id-dar. Hu neħħa minnu nnifsu kull sens ta' ħniena, u għal bosta ġranet żammu maqful f'post mudlam, filwaqt li ipprova jġiegħlu jmil għar-rieda tiegħu, l-ewwel bil-kliem, u mbagħad bis-swat u l-ktajjen. Imma Franġisku minn dik it-tbatija beda jakkwista qawwa akbar biex iwettaq il-pjanijiet tiegħu. La l-għeluq u lanqas it-theddid u s-swat ma ġiegħluh jitlef is-sabar. Għax la s-swat u lanqas il-ktajjen ma jistgħu iżommu l-intenzjoni safja ta' dawk li għandhom intenzjoni li ma jitbiegħdux mill-merħla ta' Kristu, u li irċevew il-kmand li jifirħu fit-tbatijiet. Lanqas ma kien ibeżżgħu *id-dilluvju ta' ħafna ilmijiet* (S 31,6), hu li kellu bħala kenn tiegħu lil Iben ta' Alla, li biex aħna ma narawx wisq iebsin it-tbatijiet tagħna, uriena kemm huma akbar it-tbatijiet li ġarrab hu minħabba fina. [L3C 17; LM II,2]

## Kapitlu VI
Dwar kif ommu ħelsitu, u dwar kif hu neża' ħwejġu quddiem l-Isqof ta' Assisi.

[213] 13 Ġara li missieru kellu jħalli d-dar għal ftit taż-żmien minħabba raġunijiet urġenti tal-familja. Il-bniedem ta' Alla baqa' maqful fil-kantina tad-dar. Ommu, li baqgħet miegħu waħedha, u li ma kienetx qablet mal-mod kif żewġha kien ħadha kontra ibnu, bdiet titkellem bi ħlewwa kbira ma' binha. Meta rat li xejn ma seta' jċaqilqu minn dak li kien wiegħed li jagħmel, *tqanqlet mill-ġewwieni tagħha* (cfr. 1Slat 3,26) ta' omm bil-ħniena lejh. Għalhekk ħallitlu l-ktajjen u ħallietu jmur ħieles. Franġisku, radd ħajr lil Alla li jista' kollox, u mingħajr telf ta' żmien reġa' lura fil-post li fih kien jgħix qabel. Beda jħossu aktar ħieles issa wara li kien għadda minn tant

[90] Celano jirreferi għal Seneca, *Lettere morali,* 4, lett. 10,2.

tiġrib, u wara t-taħbit li kien sofra issa sar iktar ferħan fl-ispirtu. Is-saram li kien iltaqa' miegħu kien għamlu aktar qawwi fl-ispirtu, u kien imur kullimkien ħieles u b'determinazzjoni kbira. Sadanittant missieru reġa' lura d-dar, u meta ma sabux hemm, żied dnub fuq ieħor, u ħataf lil martu mhux ftit bi kliem iebes u li jweġġa'. Mar jiġri mela fil-post fejn kien jinsab ibnu, mimli korla u jisħet, bit-tama li jġiegħel lil ibnu jitlaq minn dak ir-reġjun billi ma setax idawwru lura għall-ħajja ta' qabel. Imma din id-darba, billi *min jibża' mill-Mulej hu żgur li jsib fih il-qawwa tiegħu* (cfr. Prov 14,26), malli l-iben tal-grazzja sema' lill-missieru ta' din l-art riesaq lejn dak il-post, ħareġ jiltaqa' miegħu minn rajh, u beda jurih li ma kienx se jibża' aktar mill-ktajjen u mis-swat, u li kien lest li jilqa' bil-ferħ kull tbatija għall-isem ta' Kristu. [L3C 18; LM II,3]

[214] 14 Meta missieru ra li kien kollu ta' xejn li jkompli jitħabat biex ireġġgħu lura mit-triq li kien qabad, beda jinsisti miegħu li kellu jroddlu lura l-flus li kien ħadlu. Il-bniedem ta' Alla kien xtaq li jużah biex jgħin lill-foqra u biex isewwi dik il-knisja, imma billi issa kien ħieles mill-kilba għall-flus, ma ħasshiex bi tqila li jeħles minnhom u lanqas ma ħaseb aktar dwar il-ġid li seta' jagħmel bihom. Mar għalhekk isib il-flus, u bħala dak li beda jistmerr il-ġid ta' l-art u kien jixtieq biss il-ġid tas-sema, ġabarhom mit-trab tal-ħoġor tat-tieqa fejn kien xeħithom. Malli missieru reġa' akkwista lura l-flus, ta' bniedem xħieħ li kien, birdet is-saħna tal-korla tiegħu lejn ibnu. Imma ried li ibnu jmur warajh quddiem l-isqof tal-belt[91], sabiex f'idejh hu jiċħad għall-ġid kollu li kellu u jroddu lura lil missieru. Franġisku mhux biss ma għamilx reżistenza, imma talli mar bil-ferħ u bil-qalb it-tajba biex iwettaq dak li ġie mitlub minnu. [LM II,3]

[215] 15 Malli deher quddiem l-isqof, Franġisku ma qagħadx jistenna fit-tul. Mingħajr ma qagħad jistenna li jisma' jew li jlissen il-kliem, neża' ħwejġu kollha, u raddhom lura lil missieru. Mingħajr ma żamm lanqas il-ħwejjeġ ta' taħt, neża' għeri quddiem kulħadd. L-isqof baqa' milqut minn kuraġġ bħal dan, u beda jammira l-ħeġġa u d-determinazzjoni tal-qalb tiegħu. Għalhekk qam mall-ewwel, ħaddnu miegħu u għattieh bil-mantell li kien liebes hu stess. Fehem b'mod ċar li kien xhud ta' għemil li kien imnebbaħ minn Alla lill-qaddej tiegħu, u fehem li dak l-għemil kien juri misteru. Minn dak il-ħin hu sar *l-għajnuna tiegħu* (cfr. S 29,11), beda jiddefendih u jfarrġu, filwaqt li kien idawwru b'sentimenti ta' għożża u mħabba mill-qalb. Hekk hu allura li Franġisku, għeri beda jitqabad ma' l-għadu għeri, u wara li neħħa minn fuqu dak kollu *li hu tad-dinja* (cfr. 1Kor 7,33), arah issa jitħabat biss għall-ġustizzja divina. Beda hekk jitħarreġ biex jistmerr il-ħajja tiegħu stess, telaq kull ħsieb żejjed tiegħu nnifsu, sabiex jissieħeb mal-faqar u mal-paċi fil-mixja li kellha tkun mimlija insib. Hekk il-velu tal-ġisem biss seta' issa jifirdu mid-dehra ta' Alla. [AP 8; L3C 19; 2C 12; LM II,4]

## Kapitlu VII
Dwar kif ġie maqbud mill-ħallelin, mixħut fis-silġ u dwar kif beda jaqdi l-lebbrużi.

[216] 16 Liebes imċerċer, dak li qabel kien jiżżejjen bi lbies tal-porpra, Franġisku erħielha fil-bosk, u beda jkanta t-tifħir tal-Mulej bl-ilsien franċiż[92]. Ħabta u sabta, xi ħallelin qabżu fuqu,

[91] L-isqof ta' Assisi kien Guido II, jew di Secondo, li kien isqof mill-1204c sa l-1228. Anke hawnhekk Celano jiġbor fil-qosor fatti li ġraw b'mod kemmxejn differenti, skond kif insibu fil-L3C 19-20.
[92] Id-djalett Provençal kien l-ilsien ta' Pica, omm San Franġisk. Il-*Fontes*, u l-aktar il-L3C, juruna li l-qaddis kien juża dan id-djalett franċiż waqt mumenti ta' ferħ kbir, u l-aktar biex ikanta. Wara kollox, kien midħla sew tal-kant kavalleresk (*chanson de geste*), li kien jagħmel parti mill-kultura mużikali tal-medjuevu.

u bdew jistaqsuh bi kliem goff min kien. Il-bniedem ta' Alla, b'leħen għoli, weġibhom u qalilhom: "Jiena l-*ħabbar tas-Sultan il-kbir* (cfr. S 47,3; Mt 27,4). Ifisser xi ħaġa dan għalikom?" Huma tawh xebgħa, u xeħtuh f'ħofra mimlija silġ, filwaqt li qalulu: "Oqgħod hemm, ja ħabbar goff ta' Alla!" Imma hu, wara li dawk kienu telqu, farfar minn fuqu s-silġ, ħareġ minn ġol-ħofra, u mimli hena, kompla jkanta b'vuċi qawwija, filwaqt li mela l-bosk bit-tifħir tal-Ħallieq ta' kollox. Fl-aħħar wasal f'monasteru ta' rħieb[93], fejn dam diversi ġranet imleflef biss bi qmis, u jaħdem fil-kċina, fejn kien jittallab biex jitrejjaq imqar naqra brodu. Imma hemm ma sabx ħniena, u lanqas ilbies qadim biex jinsatar. Għalhekk, imqanqal mill-ħtieġa u mhux mill-korla, kompla triqtu lejn il-belt ta' Gubbio. Hawnhekk irċieva tonka fqira bħala rigal mingħand ħabib antik tiegħu[94]. Xi ftit żmien wara, billi l-fama tal-bniedem ta' Alla bdiet tikber, u *ismu kien issa magħruf minn kulħadd* (cfr. Lq 4,37), il-prijur ta' dak il-monasteru iddispjaċih għall-mod kif kien trattah u f'isem il-Mulej ġie għandu jitolbu maħfra għalih u għal ħutu l-irħieb. [LM II,5; II,6]

[217] 17 Imbagħad, bħala bniedem li tassew kien iħobb l-umiltà perfetta, il-Qaddis għadda għand il-lebbrużi, u beda jgħix magħhom u jaqdihom f'kull ma kellhom bżonn minħabba Alla. Kien jaħslilhom ġisimhom li kien ġerħa waħda, u kien jikkura l-aktar ġerħat morda tagħhom, kif hu stess jgħid fit-Testment: "Meta kont għadni ngħix fid-dnubiet, kienet ħaġa iebsa wisq għalija li nara l-imġiddmin, imma l-Mulej mexxieni f'nofshom, u jiena urejt ħniena magħhom"[95]. Id-dehra tal-lebbrużi, fil-fatt, kif kien jixhed hu stess, fil-bidu tant ma kienx jiflaħ għaliha, li meta kien għadu jgħix fil-frugħat u kien jilmaħ il-lebbrożarji tagħhom anke minn żewġ mili bogħod, kien isodd imnieħru b'idejh. Imma, meta bil-grazzja u *l-qawwa ta' l-Aktar Għoli* (cfr. Lq 1,35; Tit 3,8), beda jkollu ħsibijiet qaddisa u ta' salvazzjoni, meta kien għadu jgħix fid-dinja, jum minnhom deher quddiemu raġel lebbruż, u hu rebaħ lilu nnifsu, *resaq lejh u biesu*[96] (cfr. Mk 14,45). Minn dak il-waqt iddeċieda li jistmerr lilu nnifsu dejjem iżjed, sakemm għall-ħniena tal-Feddej hu akkwista rebħa sħiħa fuqu nnifsu. Meta kien għadu jgħix fid-dinja u kien għadu mogħti għal ħajja skond il-moda tad-dinja, kien jieħu ħsieb tal-foqra, kien jgħinhom bil-ġenerożità fil-ħtiġijiet tagħhom u kien juri mħabba u jħoss lejn dawk li jarahom imħabbtin. Jum minnhom, meta kontra d-drawwa tiegħu, hu li kien mill-aktar ġentili[97], kien keċċa raġel fqir li kien talbu l-karità, *tqanqal mill-penitenza* (cfr. Mt 27,3) u *beda jgħid bejnu u bejn ruħu* (cfr. Lk 7,49), li kienet mistħija kbira għalih li jiċħad il-karità lil bniedem li kien talbu f'isem Sultan daqshekk kbir. Ħa mela d-deċiżjoni fil-qalb tiegħu li qatt ma kellu jiċħad xejn lil ħadd, sa kemm kien jista', kull darba li dawn jitolbuh f'isem Alla. Hu baqa' dejjem fidil lejn dan il-proponiment, sakemm kien lest li joffri lilu nnifsu, biex hekk iwettaq fil-prattika qabel ma jippriedka l-parir tal-Mulej fl-Evanġelju: *Agħti lil kull min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min jitolbok tisilfu xi ħaġa* (cfr. Mt 5,42). [AP 4; L3C 8.11; 2C 5.9; LM I,1.6. II,6]

---

[93] Dan kien il-monasteru Benedittin ta' San Verecondo, illum Vallingegno, qrib Gubbio.

[94] Tradizzjoni tardiva tidentifika dan il-ħabib bħala Federico Spadalunga, li kellu d-dar tiegħu fejn illum hemm il-knisja ta' San Francesco f'Gubbio.

[95] *Testment*, 2.

[96] Il-fatt tal-laqgħa ta' Franġisku mar-raġel lebbruż jiġi rakkontat b'dettalji akbar f'2C 9. Il-fatt x'aktarx seħħ fil-ħarifa ta' l-1205, qrib wieħed mil-lazzaretti tal-lebbrużi li kien hemm barra l-ħitan ta' Assisi, dak ta' San Lazzaro dell'Arce, nofs triq bejn il-Porziuncola u Rivotorto.

[97] Il-kelma Latina għal bniedem ġentili hi *curialis*, li t-taljan jittraduċiha bil-kelma *cortese*, skond l-użanza tal-klassi nobbli u kavallereska tal-medjuevu li turi manjieri tajbin ma' kulħadd. Franġisku ta' spiss jinsisti fuq din il-kwalità umana mal-patrijiet tiegħu: *ostendant se gaudentes in Domino et hilares et convenienter gratiosos* (RegNB VII,16), fejn *convenienter gratiosos* tesprimi proprju din il-kwalità ta' ġentilezza.

Kapitlu VIII
Dwar kif sewwa l-knisja ta' San Damiano u dwar il-ħajja tas-Sorijiet Foqra li marru jgħixu hemmhekk.

[218] 18 L-ewwel ħidma li Franġisku medd idejh għaliha, wara li ħeles mill-madmad tal-missier ta' din l-art, kienet dik li jerġa' jibni dar lil Alla. Hu ma ippruvax jibni mill-ġdid, imma sewwa dak li kien qadim u li kien qed jiġġarraf. Ma qalax il-pedamenti, imma bena fuqhom, u hekk mingħajr ma kien jaf, qiegħed lil Kristu bħala l-qofol ta' kollox: *Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed, ħlief dak li diġà hu mqiegħed, Kristu Ġesù* (1Kor 3,11). Reġa' lura f'dak il-post fejn, kif diġà għidna, kienet inbniet fil-qedem il-knisja ta' San Damiano, u bil-grazzja ta' l-Aktar Għoli, fi żmien qasir, sewwieha b'kura kbira. Dan hu l-post hieni u qaddis li fih, bil-ħidma ta' dak ir-raġel qaddis, ingħata bidu għar-reliġjon u l-Ordni mill-aktar eċċelleni tal-*Povere Dame*[98] u tal-verġni qaddisin, wara li għaddew sitt snin mill-konverżjoni ta' l-imqaddes Franġisku. Kienet it-tfajla nobbli Klara, li wkoll twieldet f'Assisi, li kienet qisha ġawhra mill-aktar prezzjuża u sabiħa, li kellha tkun il-ġebla li fuqha kellhom jinbnew il-ġebel l-oħrajn kollha ta' dan l-Ordni. Għax wara li l-Ordni ta' l-aħwa kien diġà kiber, kienet hi li, mirbuħa minn Alla u mit-twissijiet li bihom Franġisku kien jagħmlilha l-qalb, li wasslet lil ħafna erwieħ biex jimxu 'l quddiem fil-ħajja spiritwali. Kienet nobbli mit-twelid, aktar nobbli fil-grazzja; kienet verġni f'ġisimha, mill-aktar safja fir-ruħ; kienet żagħżugħa fiż-żmien, imma matura fil-għerf; kienet kostanti fil-wegħdiet tagħha, imma taqbad bil-ħeġġa ta'l-imħabba divina; kienet mimlija għerf imma tiddi fl-umiltà; Klara kien jisimha, il-ħajja tagħha tiddi aktar, u tlellex fil-virtujiet[99]. [L3C 21.24; 2C 11.13; LM II,7. IV,6]

[219] 19 Fuq din il-ġawhra mill-aktar prezzjuża u nobbli tela' bini ta' perli prezzjużi, li *t-tifħir tiegħu ma jagħmluhx il-bnedmin, imma Alla* (cfr. Rum 2,29), għaliex mhux biżżejjed il-ħsieb fqajjar u l-lingwaġġ tal-bnedmin biex wieħed jifimha jew jispjegaha. Fosthom tiddi qabel kollox il-virtù ta' imħabba kontinwa lejn xulxin, li tant tgħaqqad b'mod li ma jinħallx ir-rieda tagħhom li, saħansitra fejn jgħixu flimkien erbgħin jew ħamsin waħda minnhom, qishom għandhom l-istess qawwa f'dak li jridu jew ma jridux[100], hekk li tant persuni diversi qishom ruħ waħda. It-tieni, f'kull waħda minnhom tiddi l-ġawhra ta' l-umiltà, li tgħożż id-doni u l-benefiċċji tas-sema, u tagħmel li jkun jixirqilhom id-don tal-virtujiet l-oħrajn kollha. It-tielet, il-ġilju tal-verġinità u tal-kastità ixerred fosthom ilkoll il-fwieħa ħelwa tiegħu, hekk li waqt li jinsew il-ħsibijiet tal-ħwejjeġ ta' din l-art, jixtiequ jimmeditaw biss il-ħwejjeġ tas-sema. Din il-fwieħa tqajjem fil-qlub tagħhom imħabba hekk kbira lejn l-Għarus etern, li s-sħuħija ta' mħabbithom twarrab 'il barra kull rabta

---

[98] L-isem *Povere Dame* hu traduzzjoni ta' l-isem latin *Ordo Pauperum Dominarum Sancti Damiani*. Dan kien l-ewwel isem tal-Klarissi, li bil-Malti nistgħu nittraduċuh, Ordni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. L-indikazzjoni kronoloġika li jagħti Celano, dik ta' sitt snin wara l-konverżjoni ta' Franġisku, hi eżatta. Kien fil-lejl ta' bejn Ħadd il-Palm u t-Tnejn tal-Gimgħa l-Kbira (28-29 ta' Marzu 1211, jew 18-19 ta' Marzu 1212) li t-tfajla nobbli Chiara di Favarone ħarbet mill-palazz tal-familja fi Piazza San Rufino u niżlet fil-Porziuncola, fejn irċeviet il-libsa tal-penitenza minn idejn San Franġisk. Wara perjodu qasir għand is-Sorijiet Benedittini ta' San Paolo qrib Bastia, u ta' Sant'Angelo di Panzo, fil-Monte Subasio, Franġisku ħa lil Chiara, u lil oħtha Agnese, li kienet ingħaqdet magħha, f'San Damiano, fejn Chiara damet fil-klawsura sa jum mewtha, nhar il-11 ta' Awissu 1253.

[99] Hu kważi impossibbli li t-traduzzjoni trendi s-sbuħija tal-logħob tal-kliem bil-latin fuq l-isem *Clara*, Klara, li jfisser "imdawwla": *Clara nomine, vita clarior, clarissima moribus*.

[100] Celano qiegħed jikkwota lil Sallustius, *Bellum Catilin.*, 20,4, li jiddeskrivi l-ħbiberija bl-espressjoni latina: *idem velle atque idem nolle*, u japplika dan il-kliem lill-komunità ta' San Damiano.

mal-ħajja ta' l-imgħoddi. Fir-raba' post naraw li huma tant imżejnin bit-titlu ta' l-ogħla faqar, li bil-ħniena jagħtu kas li jissoddisfaw il-ħtiġijiet l-aktar urġenti ta'l-ikel u ta' l-ilbies.

20 Fil-ħames post naraw kif akkwistaw il-grazzja waħdanija taċ-ċaħda u tas-skiet, tant li ma jagħmlu l-ebda sforz biex jaħkmu s-sensi u jrażżnu l-ilsien. Xi wħud minnhom tant ma humiex imdorrijin jitkellmu li, meta jkunu mġiegħlin minħabba l-ħtieġa, kważi jinsew il-mod korrett kif għandhom ilissnu l-kliem. Fis-sitt post, imbagħad, dawn il-virtujiet tant huma mżejnin b'sabar ta' l-għaġeb, li l-ebda tiġrib jew djieqa ma jistgħu ibiddlulhom jew ikissrulhom ruħhom. Fis-seba' post, fl-aħħarnett, tant stħaqqilhom li jogħlew fil-quċċata tal-kontemplazzjoni, li fiha huma jitgħallmu dak li għandhom jagħmlu jew jevitaw, u jiggustaw il-hena li jibqgħu f'intimità ma' Alla, filwaqt li lejl u nhar jissoktaw fit-tifħir u fit-talb. Jalla Alla l-etern jogħoġbu jagħti l-kuruna tal-grazzja tiegħu lil bidu daqshekk qaddis u jwasslu fi tmiem ħafna aktar qaddis. U issa daqshekk aktar kliem dwar il-verġni ikkonsagrati lil Alla u l-qaddejja mill-aktar devoti ta' Kristu. Il-ħajja ta' l-għaġeb tagħhom u r-Regola ta' min ifaħħarha li huma rċevew mingħand il-Papa Girgor, meta kien għadu isqof ta' Ostia, jitolbu studju partikulari u opra iddedikata biss lilhom[101].

Kapitlu IX
Dwar kif sewwa l-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, u wara li sema' l-Evanġelju, ħalla kollox u sawwar it-tonka li kellhom jilbsu l-aħwa.

[220] 21 Wara li ħalla l-ilbies tad-dinja u sewwa l-knisja li semmejna, il-qaddej ta' Alla mar f'post ieħor qrib il-belt ta' Assisi, li fih kien hemm knisja għodda mwaqqa', u wara li iddeċieda li jibda jsewwiha, kompla l-ħidma tajba li kien beda sakemm wassalha sat-tmiem[102]. Imbagħad hu mar f'post ieħor, li kien jissejjaħ Porziuncola, fejn kien hemm knisja qadima iddedikata lill-Verġni mqaddsa omm Alla Marija, imma li kienet abbandunata minn kulħadd[103]. Malli raha f'dik il-qagħda hekk tal-biki, imqanqal mill-ħniena, għax hu kien jaqbad bil-qima lejn l-Omm ta' kull tjieba, iddeċieda li joqgħod hemmhekk u medd idu biex isewwiha, sakemm wassal fit-tmiem il-ħidma tiegħu fit-tielet sena tal-konverżjoni tiegħu. Dak iż-żmien hu kien jilbes tonka ta' eremita, kien imħażżem b'ċinturin tal-ġild, kellu ħatar f'idejh u l-qorq f'riġlejh. [L3C 32.35; LM II,7-8]

[221] 22 Imma jum minnhom, li fih f'din il-knisja inqara l-Evanġelju ta' kif il-Mulej bagħat lid-dixxipli tiegħu biex jippriedkaw, il-qaddis ta' Alla li kien qiegħed jieħu sehem u li kien fehem il-kliem ta' l-Evanġelju, imma mhux għal kollox, wara ċ-ċelebrazzjoni solenni tal-quddiesa, talab lis-saċerdot biex jispjegalu l-Evanġelju. Dan beda jispjegah fid-dettall. Meta Franġisku sema' li d-dixxipli ta' Kristu *ma għandhomx ikollhom deheb jew fidda, lanqas flus, lanqas ħorġa, lanqas*

[101] Celano hawnhekk jirreferi għar-Regola li kien ta lill-*Povere Dame* il-Kardinal Ugolino fl-1218-1219, u li meta sar Papa bl-isem ta' Girgor IX, reġa' ippubblikaha fil-31 ta' Marzu 1228. Kien biss fid-9 ta' Awissu 1253, jumejn qabel ma mietet, li Klara irċeviet l-approvazzjoni papali għar-Regola tagħha. Il-fatt li Celano jitkellem dwar xi opra partikulari fuq Klara hemm min jarah bħala indikazzjoni li hu wkoll l-awtur tal-*Legenda Sanctae Clarae Virginis*, li inkitbet fl-1255, wara li Alessandru IV iddikjaraha qaddisa.
[102] Din kienet il-knisja ta' San Pietro della Spina, li kienet tinsab ftit barra minn Assisi qrib xi artijiet li kienu proprjetà ta' missier Franġisku. Mhux ta' min jaċċetta t-teżi ta' dawk li jgħidu li l-knisja li sewwa Franġisku kienet dik ta' San Pietro fil-belt ta' Assisi, għax din kienet prijorat Benedittin, u ċertament li ma kienetx qed tiġġarraf.
[103] Il-kappella ta' Santa Maria degli Angeli, jew il-Porziuncola, kif kienet magħrufa, tinsab fil-pjanura taħt Assisi. Fi żmien San Franġisk madwarha kien hemm bosk. Il-kappella kienet proprjetà tal-monasteru ta' San Benedetto del Monte Subasio.

*ħobż, li ma kellhomx iġorru ħatar fit-triq, u lanqas ma jkollhom qrieq jew żewġ ilbiesi, imma li kellhom biss jippriedkaw is-saltna ta' Alla u l-penitenza* (cfr. Mt 10,9-10; Mk 6,8; Lq 9,3; 10,4)[104], hu mall-ewwel ħass *l-ispirtu tiegħu jifraħ fl-Ispirtu tal-Mulej* (cfr. Lq 1,47). Għalhekk qal: "Dan hu dak li rrid, dan hu dak li qiegħed infittex, dan hu dak li nixtieq inwettaq b'qalbi kollha". Hekk mela l-missier qaddis beda jgħaġġel, *ifur bil-ferħ* (cfr. 2Kor 7,4), biex iwettaq dik it-twissija ta' salvazzjoni. Ma riedx jistenna iżjed u beda jwettaq mall-ewwel u bil-fedeltà dak li kien sema'. *Neħħa s-sandli minn riġlejh* (cfr. Eż 3,5), reħa l-ħatar minn idejh, u kien kuntent b'tonka waħda , filwaqt li biddel iċ-ċinturin ma' ħżiem ta' ħabel. Għalih innifsu sawwar tonka taħt għamla ta' salib, biex iżomm 'il bogħod minnu l-qerq tax-xitan. Għamilha mill-aktar ħarxa, *biex isallab il-ġisem bil-vizzji* u d-dnubiet tiegħu (cfr. Gal 5,24). Kienet daqshekk fqira u goffa li ħadd qatt ma seta' jgħir għal libsa bħal dik. Bl-istess kura u qima, tħabat biex iwettaq it-tagħlim l-ieħor li kien sema'. Għax hu, fil-fatt, ma kienx semmiegħ trux ta' l-Evanġelju, imma dak kollu li kien jisma' b'widnejh kien jgħożżu fil-moħħ u fil-qalb tiegħu, u jipprova b'kull mezz li jwettqu skond kif kien jarah miktub. [L3C 25; LM III,1]

## Kapitlu X
Dwar kif kien jippriedka l-Evanġelju u jħabbar is-sliem, u dwar il-konverżjoni ta' l-ewwel sitt aħwa.

[222] 23 Minn dak il-ħin, b'ħeġġa u ferħ kbir, hu beda jippriedka l-penitenza lil kulħadd, u kien jedifika lis-semmiegħa bis-sempliċità ta' kliemu u bit-tjubija ta' qalbu. Kliemu kien qisu *nar jaqbad* (cfr. Sir 23,22), kien jidħol fil-qiegħnett tal-qlub, u kien jimla lil kulħadd bi stagħġib. Kien jidher għal kollox mibdul minn kif kien qabel, u *għajnejh merfugħin lejn is-sema* (cfr. Mk 6,41) kien jistmerr li jħares lejn l-art. U dak li jgħaġġibna hu li hu *beda jippriedka* (cfr. Mt 4,17) fl-istess post li fih, meta kien għadu daqsxejn ta' tifel, kien imur biex jitgħallem jaqra. Kien dan l-ewwel post ta' ġieħ li fih ġie midfun, hekk li bidu daqshekk hieni ġie inkurunat bi tmiem ħafna aktar hieni. Fejn kien tgħallem, hu mar jgħallem, u fejn kien beda, hu temm il-ħidma tiegħu bil-ferħ[105]. F'kull priedka tiegħu, qabel ma kien jibda jxandar il-kelma ta' Alla lil dawk miġburin, kien jixtieqilhom is-sliem, bil-kliem: *Il-Mulej jagħtikom is-sliem*[106] (cfr. 2Tes 3,16). Hu kien dejjem iħabbar dan is-sliem b'qima kbira lill-irġiel u nisa, u lil kull min kien jiltaqa' miegħu jew min kien jiġi għandu. Hekk ħafna, *li kienu jobogħdu s-sliem* (cfr. S 119,7), bil-grazzja tal-*Mulej li kien jaħdem magħhom* (cfr. Mk 16,20), ħaddnu s-sliem bil-qalb kollha, u saru huma wkoll *ulied is-sliem* (cfr. Lq 10,6) u ħerqana għas-salvazzjoni ta' dejjem. [L3C 25-26; LM III,3. XII,7; CA 101]

---

[104] Dan il-fatt ċentrali fil-ħajja ta' San Franġisk seħħ jew fit-12 ta' Ottubru 1208 (festa ta' l-evanġelista San Luqa) jew fl-24 ta' Frar 1209 (festa ta' l-appostlu San Mattija), li fihom fil-missal kien jinqara l-Evanġelju tal-missjoni ta' l-appostli. Celano ma jikkwotax it-test evanġeliku eżatt, imma jagħti ħjiel ta' testi paralleli tas-Sinottiċi.

[105] Celano jirreferi għall-knisja ta' San Giorgio, barra mill-ħitan ta' Assisi fi żmien San Franġisk, fejn il-qaddis, meta kien għadu tfajjel, kien imur l-iskola tal-kattidral biex jitgħallem jaqra u jikteb il-latin. Il-knisja ta' San Giorgio kienet il-post fejn indifen fl-4 ta' Ottubru 1226, u fejn dam midfun sal-25 ta' Mejju 1230, meta l-fdalijiet tiegħu ittieħdu fil-qabar li tlesta għalih fil-bażilika ġdida li ried li tinbena l-Papa Girgor IX. Kien ukoll f'din il-knisja li Girgor IX iddikjara qaddis lil San Franġisk fis-16 ta' Lulju 1228. Celano jikteb fi żmien meta kienet diġà bdiet tinbena l-bażilika fuq il-*colle del Paradiso*, u għalhekk jgħid li f'San Giorgio Franġisku kien sab l-ewwel difna. Illum il-ġurnata l-knisja ta' San Giorgio ġiet inkluża fil-kumpless tal-bażilika ta' Santa Klara, u kienet tokkupa l-istess post li fih illum hemm il-kappella fejn jinsab meqjum il-kurċifiss ta' San Damiano.

[106] Cfr. Testment 23, u RegB III,13.

[223] 24 L-ewwel wieħed fost dawk li imxew wara l-bniedem ta' Alla kien joqgħod Assisi, u kien raġel devot u ta' sempliċità fl-ispirtu[107]. Warajh kien hemm fra Bernardo, li ħaddan *din l-ambaxxata tas-sliem* (cfr. Lq 14,32), u bħal negozjant li ried jikseb *is-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 13,44-46), mar jiġri bil-ħeffa wara l-*qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34)[108]. Hu kien laqa' lil Franġisku bosta drabi f'daru, u kien jifli l-ħajja u l-imġieba tiegħu, u miġbud mill-qdusija tiegħu, beda jaħseb u jirrifletti bis-serjetà, sakemm iddeċieda li jħaddan it-triq tas-salvazzjoni. Kien jarah jgħaddi l-lejl kollu fit-talb, jorqod bil-ħatfa, u jfaħħar lil Alla u l-glorjuża Verġni ommu, u mimli stagħġib kien jaħseb: "*Tassew li dan il-bniedem* (cfr. Lq 23,47) ġej minn Alla". Mar għalhekk bil-ħeffa biex *ibiegħ kull ma seta' kellu* (cfr. Mt 13,46) u qassam kollox lill-foqra, mhux lill-qrabatu, u hekk kiseb għalih it-titlu ta' perfezzjoni akbar, u wettaq għal kollox il-parir ta' l-Evanġelju: *Jekk trid tkun perfett, mur, biegħ li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema, imbagħad ejja u imxi warajja* (Mt 19,21). Wara li għamel hekk, libes it-tonka u ingħaqad fil-ħajja tiegħu ma' l-imqaddes Franġisku, u baqa' dejjem miegħu sal-jum li fih, meta l-aħwa kibru fin-numru, bl-ubbidjenza tal-missier qaddis, intbagħat f'postijiet oħrajn[109]. Il-konverżjoni tiegħu lejn Alla kienet ta' mudell għal dawk kollha li ġew warajh. Huma wkoll kellhom ibiegħu ġidhom u jqassmu d-dħul lill-foqra. San Franġisk *imtela b'ferħ kbir tassew* (cfr. Mt 2,10) għall-konverżjoni u l-miġja ta' dan il-bniedem, għax hu ra li l-Mulej kien qiegħed jieħu ħsiebu, billi għoġbu jagħtih sieħeb li jkun ta' għajnuna meħtieġa, u *ħabib fidil* (cfr. Sir 6,14). [AP 10-11; L3C 27-29; 2C 15.109; LM III,3; Fior 2]

[224] 25 Wara żmien qasir ħafna ġie raġel ieħor minn Assisi biex jimxi wara Franġisku. Dan kien ta' min ifaħħru għall-ħajja tiegħu, li kif kien bdieha fil-qdusija hekk temmha wara ftit taż-żmien b'mod aktar qaddis[110]. Hekk hu li, *wara ftit taż-żmien* (cfr. Mt 25,19), jasal fra Egidio, *bniedem sempliċi u ġust u jibża' minn Alla* (cfr. Ġob 1,8; 2,3), li għex ħajja twila u ħallielna eżempji fil-qdusija, *fil-ġustizzja, fil-pjetà* (cfr. Titu 2,12), fl-ubbidjenza perfetta, fil-ħidma ta' l-id, fil-ħajja ta'ġabra u fil-kontemplazzjoni qaddisa[111]. Warajh ġie ieħor, u mbagħad in-numru ta' l-aħwa sar sebgħa, meta wasal fra Filippo[112], li l-Mulej kien *messlu u saffielu xofftejh bil-ġamar jaqbad* (cfr. Is 6,6-7), biex ikun jista' jitkellem fuq Alla bi ħlewwa liema bħalha. Kien jifhem u jfisser l-Iskrittura mqaddsa, *għalkemm ma kienx tħarreġ* (cfr. Ġw 7,15) fl-istudju, u kien jixbah lil dawk li l-kapijiet tal-Lhud kienu jistmerruhom bħala *nies ta' bla skola u injuranti* (cfr. Atti 4,13). [AP 14; L3C 32; LM III,4]

---

[107] Ma nafux min kien dan is-sieħeb misterjuż li Celano jgħid li mexa l-ewwel (*primo secutus est*) wara Franġisku. Minn 2C 109 nafu li l-ewwel sieħeb ta' Franġisku kien fra Bernardo da Quintavalle (*Minorum Ordinis prima plantula*). Xi wħud raw f'dan il-persunaġġ misterjuż dak is-sieħeb li kien jakkumpanja liż-żagħżugħ Franġisku meta kien imur jitlob waħdu. Imma, fil-fatt, ma nafu xejn aktar dwaru.

[108] Tidher ispirata minn din id-deskrizzjoni ta' Celano d-deskrizzjoni li jagħti Dante Alighieri, fid-*Divina Commedia, Paradiso* XI,5: *il venerabile Bernardo / si scalzò prima e dietro a tanta pace / corse, e correndo gli parv'esser tardo*.

[109] Celano nnifsu jgħidilna, fil-paragrafu 30, li Bernardo ġie mibgħut ma' fra Eigidio lejn San Giacomo di Compostella.

[110] Celano jirreferi għal Pietro Cattani, avukat u kanoniku tal-knisja ta' San Rufino. Kien l-ewwel saċerdot li daħal fl-Ordni, issieħeb ma' Franġisku fil-missjoni tiegħu fl-Orjent, sar vigarju tal-qaddis mill-1220 sa jum mewtu fl-10 ta' Marzu 1221.

[111] Egidio daħal fl-Ordni fit-23 ta' April 1208, u dam jgħix ħafna wara Franġisku, l-aktar f'Monteripido, Perugia. Miet fit-22 ta' April 1262. Ma jistax ikun li Celano kiteb dan il-kliem dwar fra Egidio fl-1228, u x'aktarx li dan l-eloġju lil dan il-bniedem qaddis ġie miżjud wara.

[112] Skond it-tradizzjoni, wara Egidio daħlu Sabbatino, Morico u Giovanni della Cappella. Warajhom daħal Filippo Longo, li kien sar viżitatur ġenerali tal-Klarissi bejn l-1219-1220 u bejn l-1228-1246.

Kapitlu XI
Dwar l-ispirtu ta' profezija u dwar it-tħabbiriet ta' San Franġisk.

[225] 26 Il-missier imqaddes Franġisku kien *jimtela* ta' kuljum *bil-faraġ* u bil-grazzja ta' *l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 9,31). Kien jitħabat biex jishar fuq uliedu l-ġodda u jiffurmahom permezz ta' prinċipji ġodda, sabiex jimxu bil-fedeltà u b'pass deċiż fit-triq tal-faqar imqaddes u tas-sempliċità hienja. Jum minnhom, waqt li kien mimli stagħġib għall-ħniena tal-Mulej u għall-benefiċċji kollha li kien xerred fuqu, kien jixtieq jagħraf mingħand il-Mulej x'kellu jiġri minn ħajtu u minn dik ta' l-aħwa. Għaldaqstant twarrab, kif soltu kien jagħmel, f'post xieraq għat-talb[113]. Hemmhekk dam għal żmien twil jitlob *bil-biża' u bit-tregħid lill-Dak li jaħkem id-dinja kollha* (cfr. Tob 13,6; Żak 4,14), u beda jġib quddiem għajnejh *u jitnikket fir-ruħ tiegħu* għal dawk is-*snin* li fihom għex fil-ħażen (cfr. Is 38,15), filwaqt li beda jtenni dawn il-kelmiet: *O Alla, ħenn għalija, il-midneb* (Lq 18,13). Bil-mod il-mod beda jħoss il-ġewwieni tal-qalb tiegħu jimtela b'ferħ li ma jitfissirx u bi ħlewwa liema bħalha. Beda donnu jħossu ħiereġ minnu nnifsu, u n-niket u d-dlam, li kienu inġemgħu f'ruħu minħabba l-biża' tad-dnub, għebu għal kollox. Fih innifsu beda jħossu żgur li kien maħfur mill-ħtijiet kollha tiegħu u li kien qed jgħix fi stat ta' grazzja. Imbagħad donnu inħataf barra minnu nnifsu, u ġie meħud f'dawl kbir, li kien jinfirex u jdawwal ir-ruħ tiegħu, u hemmhekk seta' jikkontempla l-ġejjieni bil-libertà. Meta dak id-dawl u dik il-ħlewwa bdew jonqsu, hu ħass li kellu *spirtu mġedded* (cfr. S 50,12; 1Sam 10,6), hekk li inbidel fi bniedem ġdid u deher minn barra bħala bniedem ieħor. [LM III,6]

27 Hekk hu li reġa' lura għand l-aħwa u qalilhom mimli hena: "Għeżież, *tfarrġu u ifirħu fil-Mulej* (cfr. Fil 3,1), u ma għandkomx għalfejn titnikktu għall-fatt li aħna ftit. La tibżgħux mis-sempliċità tiegħi u tagħkom, għaliex kif urieni l-Mulej, se jkabbarna u jagħmilna kotra kbira u jferrixna sat-trufijiet tad-dinja. Se jkolli nirrakkontalkom, għall-ġid tagħkom stess, dak li jiena rajt. Kien ikun aħjar kieku żammejtu mistur fis-skiet, li kieku l-karità ma ġiegħelitnix nitkellem. *Jiena rajt folla kbira* (cfr. Apk 7,9) ta' irġiel resqin lejna, bix-xewqa li jxiddu t-tonka tar-reliġjon tagħna u jħaddnu r-regola ta' l-Ordni qaddis tagħna. Hekk hu, ara, għadu jidwi *f'widnejja l-ħoss tagħhom ġejjin u sejrin* (cfr. Għan 2,14; Ġen 8,3) skond il-kmand ta' l-ubbidjenza qaddisa. Jiena rajt it-toroq maħnuqin bihom, ġejjin *minn kull ġens* (cfr. Atti 2,5) u mid-diversi nħawi. Ara, ġejjin il-Franċiżi, resqin jgħaġġlu l-Ispanjoli, qegħdin jiġru l-Ġermaniżi u l-Ingliżi, u magħhom riesqa folla ta' ħafna ilsna oħrajn". Malli semgħu dan il-kliem, l-aħwa imtlew b'ferħ qaddis, kemm minħabba l-grazzja li l-Mulej Alla kien qiegħed jagħtihom fil-Qaddis tiegħu, kif ukoll għaliex, bil-għatx kif kienu għall-ġid tal-proxxmu, kienu jixtiequ li ta' kuljum jikber in-numru *ta' dawk li jsalvaw* (cfr. Atti 2,47) u hekk huma flimkien isibu s-salvazzjoni[114]. [AP 18; L3C 36; LM III,6]

28 Il-qaddis hekk kompla jgħidilhom: "L-aħwa, biex inroddu ħajr bil-fedeltà u l-qima lill-Mulej Alla tagħna għad-doni kollha tiegħu, u sabiex tkunu tafu kif għandna ngħixu issa u fil-ġejjieni, isimgħu il-verità fuq dak li se jseħħ fil-ġejjieni. Fil-bidu tal-ħajja ta' l-Ordni tagħna nsibu frott tajjeb u mill-aktar ħelu; imbagħad ikollna frott ieħor inqas tajjeb u bnin; fl-aħħarnett ikollna niġbru ieħor li tant *jimlina bl-imrar* (cfr. Lam 1,20), li lanqas inkunu nistgħu niekluh, għaliex minħabba l-qrusa tiegħu ħadd ma jkun jista' jiekol minnu, għalkemm minn barra jkun jidher sabiħ

[113] Din l-esperjenza profonda ta' niket għad-dnubiet mgħoddija u ta' maħfra mill-Mulej seħħet fl-eremitaġġ ta' Poggio Bustone, fuq il-Valle Reatina.
[114] Celano għandu f'moħħu l-komunità tal-bidu tal-Knisja f'Ġerusalem nhar Għid il-Ħamsin.

u jarmi l-fwieħa. Kif diġà għidtilkom, il-Mulej ikabbarna sakemm jagħmel minna *ġens kotran ħafna* (cfr. Ġen 12,2). Imbagħad jiġri bħal meta sajjied ikun xeħet ix-xbiek fil-baħar jew f'xi għadira, u *jaqbad kotra kbira ta' ħut* (cfr. Lq 5,6), u wara li jkun ġabarhom kollha fid-dgħajsa tiegħu, billi jkollu żżejjed, *jagħżel* l-aħjar fosthom u jqiegħdhom *fil-qfief* tiegħu, filwaqt li l-oħrajn *jarmihom 'il barra* (cfr. Mt 13,47-48)". Dan kollu, li l-qaddis ta' Alla ħabbar, jidher kemm jiddi bil-verità, daqskemm wieħed iqisu b'mod ċar kif fil-fatt deher fl-ispirtu tal-verità. Hekk hu kif *l-ispirtu tal-profezija kien jistrieħ* (cfr. Is 11,2) fuq l-imqaddes Franġisku. [AP 15; L3C 33]

Kapitlu XII
Dwar kif bagħat lill-aħwa tnejn tnejn fid-dinja, u dwar kif fi żmien qasir reġgħu lura flimkien.

[226] 29 F'dak l-istess żmien daħal fl-Ordni raġel ieħor twajjeb, u hekk in-numru ta' l-aħwa sar tmienja. Għalhekk Franġisku sejħilhom ilkoll madwaru, u wara li kellimhom fit-tul dwar *is-saltna ta' Alla* (cfr. Atti 1,3), dwar iċ-ċaħda tad-dinja, dwar iċ-ċaħda tar-rieda tagħhom, u dwar ir-rażan tal-ġisem, bagħthom *tnejn tnejn* (cfr. Lq 10,1) firidhom f'erba' gruppi u qalilhom: "Morru, għeżież, tnejn tnejn fid-diversi partijiet tad-dinja, u *ħabbru s-sliem* (cfr. Atti 10,36) lill-bnedmin, u *l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet* (cfr. Mk 1,4), kunu *qawwijin fit-tiġrib* (cfr. Rum 12,12), u ibqgħu żguri li l-Mulej iwettaq dak li jixtieq fikom u jżomm il-wegħdiet tiegħu magħkom. Wieġbu bl-umiltà lil kull min jistaqsikom, *bierku lil min jippersegwitakom* (cfr. Rum 12,14), roddu ħajr lil dawk li jgħidu d-deni u jaqilgħu fuqkom, għaliex bħala ħlas ikollkom *is-saltna li tħejjiet għalikom sa minn dejjem* (cfr. Mt 25,34). U huma, *mimlijin ferħ u hena kbir* (cfr. 1Mak 5,54), laqgħu l-kmand ta' l-ubbidjenza qaddisa, u inxteħtu fl-art quddiem San Franġisk. Dan ħaddanhom miegħu, u bil-qima kollha qal lil kull wieħed minnhom: "*Ixħet fil-Mulej it-tħassib kollu tiegħek, u hu jieħu ħsiebek*" (cfr. S 54,23). Hu kien jgħid dawn il-kelmiet kull darba li kien jibgħat lil xi ħadd mill-aħwa biex iwettaq l-ubbidjenza. [AP 15; L3C 33; LM III,7; Fior 13]

[227] 30 Hekk fra Bernardo flimkien ma' fra Egidio telqu lejn is-santwarju ta' San Ġakbu[115], San Franġisk flimkien ma' sieħeb ieħor għażel inħawi oħrajn, filwaqt li l-erbgħa l-oħrajn, tnejn tnejn, marru lejn iż-żewġ direzzjonijiet l-oħrajn. Imma meta għadda ftit taż-żmien, San Franġisk xtaq jerġa' jara lil sħabu, u għalhekk *talab lill-Mulej li jiġbor l-imxerrdin ta' Israel* (cfr. Eż 8,30; S 146,2), biex fil-ħniena tiegħu jerġa' jiġborhom malajr kemm jista' jkun. U hekk seħħ, skond ix-xewqa tiegħu, u mingħajr ma ħadd ma sejħilhom lura, u għalhekk reġgħu iltaqgħu filwaqt li *raddew ħajr lil Alla* (cfr. Kol 3,17). *Miġburin flimkien għall-ikel* (cfr. 1Kor 11,20), urew bil-ħerqa kollha ta' qalbhom il-ferħ kbir li jerġgħu jiltaqgħu flimkien, u stagħġbu kif ilkoll kien ġiehom l-istess ħsieb. Imbagħad bdew jirrakkontaw il-ġid li *l-Mulej tal-ħniena* (cfr. S 114,5) kien għamel magħhom, u talbu u qalgħu bl-umiltà l-penitenza mingħand il-missier qaddis għal xi nuqqasijiet ta' traskuraġni jew ingratitudni[116]. Hekk kienu jagħmlu dejjem meta kienu jmorru għand Franġisku. Ma kienux jaħbulu lanqas l-iċken ħsieb jew ċaqliq interjuri tar-ruħ tagħhom, u *wara li kienu jkunu wettqu dak kollu li jiġi mitlub minnhom,* kienu jqisu lilhom infushom *bħala qaddejja li ma jiswew għal xejn* (cfr. Lq 17,10). Għax tassew, is-safa tar-ruħ tant kienet timla l-ewwel xirka

[115] Is-santwarju ta' San Ġakbu ta' Compostella, fil-Galizia, kien wieħed mill-aktar santwarji magħrufin tal-medjuevu, ċentru ta' ħafna pellegrinaġġi.
[116] Dan ir-rakkont sempliċi u familjari jurina l-istruttura primittiva tal-"kapitlu" ta' l-ewwel aħwa madwar Franġisku, skond dak li jixhed l-isqof Jacques de Vitry fl-I Ittra tiegħu ta' l-1216. Dan l-episodju jfakkarna wkoll fl-episodju evanġeliku ta' Kristu, li jiġbor id-dixxipli flimkien wara l-ewwel missjoni, f'Lq 9,1-10.

ta' dixxipli ta' l-imqaddes Franġisku, li, għalkemm kienu jafu li kienu qed iwettqu ħwejjeġ meħtieġa, *qaddisa u ġusti* (cfr. Fil 4,8-9), ma kienux iħallu lilhom infushom jintrebħu mill-pjaċir fieragħ ta' l-opri tagħhom. Il-missier imqaddes, mela, kien iħaddan miegħu lil uliedu b'imħabba kbira, u beda jurihom il-pjanijiet tiegħu u dak li l-Mulej kien qiegħed jurih. [AP 16; L3C 34; LM III,7]

[228] 31 Mall-ewwel ingħaqdu *magħhom* (cfr. Atti 2,41) erba' irġiel oħrajn twajbin u jistħoqqilhom, biex hekk jimxu wara l-qaddis ta' Alla[117]. Fost il-poplu kien hemm bosta li bdew jitkellmu twajjeb dwar l-aħwa u bdiet tikber il-fama tal-bniedem ta' Alla. Għax tassew li f'dak iż-żmien Franġisku u sħabu kienu jimtlew b'*ferħ* kbir u *hena* (cfr. Lk 1,14) li ma jitfissirx, meta xi ħadd, hu min hu u jiġi minn liema qagħda jiġi, għani, fqir, nobbli, mill-poplu, ta' kundizzjoni baxxa, mweġġagħ, prudenti, sempliċi, kjeriku, bla skola, lajk fi ħdan il-poplu ta' Alla, *immexxi mill-Ispirtu ta' Alla* (cfr. Mt 4,1) kien jiġi biex jilqa' t-tonka tar-reliġjon qaddisa. In-nies sekulari kienu jitqanqlu b'ammirazzjoni sinċiera għall-eżempju ta' l-umiltà ta' l-aħwa, li kien iqanqalhom biex ibiddlu ħajjithom u jagħmlu penitenza ta' dnubiethom. La l-umiltà tal-qagħda tagħhom, la l-faqar, li d-dinja tqisu bħala dgħufija, ma setgħu jxekkluhom milli jkomplu jinbnew fil-ħidma ta' Alla, skond kif irid *jibni Alla* (cfr. Atti 20,32), hu li jħobb joqgħod man-nies mistmerra mid-dinja u li jħobb *ikun mas-sempliċi* (cfr. Prov 3,32). [LM III,7]

## Kapitlu XIII
Dwar kif kiteb l-ewwel regola meta l-aħwa kienu ħdax, u dwar kif is-sinjur papa Innoċenz ikkonfermahielu, u dwar il-viżjoni tas-siġra.

[229] 32 Meta l-imqaddes Franġisku ra li l-Mulej Alla *ta' kuljum kien ikabbar il-għadd ta' dawk li jingħaqdu miegħu* (cfr. Atti 2,47), kiteb għalih u għall-aħwa preżenti u futuri, bi ftit kliem u bis-sempliċità, għamla ta' ħajja jew regola, li kienet magħmula l-aktar minn kliem meħud mill-Evanġelju mqaddes, li hu kien jixxennaq għall-ħarsien sħiħ tiegħu[118]. Magħha żied ukoll xi ftit direttivi indispensabbli għall-ħajja qaddisa flimkien. Imbagħad mar Ruma flimkien ma' l-aħwa, bix-xewqa kbira li s-sinjur papa Innoċenz III jikkonfermalu dak li kien kiteb. Dak iż-żmien inzerta kien hemm Ruma l-meqjum isqof ta' Assisi, li kien jismu Guido, li kellu imħabba u stima partikulari għal Franġisku u għall-aħwa. Meta ra lil Franġisku u lill-aħwa, billi ma kienx jaf għalfejn kienu ġew Ruma, tħawwad bil-bosta, għaliex beża' li riedu jitilqu minn belt twelidhom, li fiha l-Mulej permezz tal-qaddejja tiegħu kien beda jaħdem tant ġid. Hu kien ferħan ħafna li fid-djoċesi tiegħu kellu irġiel bħal dawn, għaliex kien jistenna ħafna frott mill-ħajja qaddisa tagħhom. Imma meta sema' x'kienet ir-raġuni tal-miġja tagħhom u x'kienu qegħdin jistennew, hu *feraħ bil-bosta fil-Mulej* (cfr. Fil 4,10; Mt 2,10), u wegħedhom li jgħinhom u jagħtihom il-pariri tiegħu. San Franġisk mar ukoll quddiem l-isqof ta' Sabina, li kien jismu Giovanni di San Paolo[119], li fost il-prinċpijiet u l-prelati tal-kurja Rumana kellu l-fama li jistmerr il-ġid ta' l-art u jħobb dak tas-sema.

---

[117] Skond it-tradizzjoni dawn kienu Giovanni da San Costanzo, Barbaro, Bernardo di Vigilante u Angelo Tancredi.

[118] Din hi l-*forma vitae* ta' l-1209-1210, li l-oriġinal tagħha hu mitluf, u li San Franġisk ippreżentaha quddiem il-Papa Innoċenz III, li approvahielu bil-fomm. Din ir-regola, hekk imsejħa *protoregola*, jew *propositum vitae*, x'aktarx li ġiet inkluża fir-Regola ta' l-1221, li fiha diversi siltiet ta' l-Evanġelju li jirreferu għall-episodji tas-sejħa ta' Franġisku u l-ewwel aħwa.

[119] Giovanni Colonna, li kien raħeb Benedittin ta' l-abbazija ta' San Paolo fuori le mura, u li mbagħad sar cardinal bit-titlu ta' Santa Prisca u isqof ta' Sabina. Kien l-ewwel kardinal li għen ħafna lil San Frangisk, u miet fl-1215.

Hu laqagħhom bil-ħlewwa u faħħar il-għamla ta' ħajja tagħhom. [AP 31-32; L3C 46-47; LM III,8-9]

[230] 33 Billi hu kien bniedem prudenti, staqsa lil Franġisku dwar ħafna punti, u pprova jikkonvinċih biex jagħżel il-ħajja monastika jew eremitika. Imma San Franġisk beda jwarrab bl-akbar umiltà li kellu dawk l-argumenti, mhux għax kien jistmerrhom, imma għaliex kien iħossu immexxi minn xewqat aktar għolja, u ried jimxi bl-imħabba wara idejal ieħor. L-isqof baqa'mistagħġeb bil-ħeġġa tiegħu, imma billi kien jibża' li ma setax idum fit-tul jgħix f'idejal daqshekk għoli, beda jindikalu toroq aktar lixxi. Fl-aħħarnett, mirbuħ mill-qawwa tiegħu, ċeda għat-talba tiegħu u beda jagħmel l-almu tiegħu biex iwassal il-kawża tiegħu quddiem il-papa. Dak iż-żmien kien imexxi l-*Knisja ta' Alla* (cfr. 1Kor 1,2) is-sinjur papa Innoċenz III, bniedem glorjuż, imħarreġ sewwa fit-tagħlim, bniedem ta' kelma ħafifa, imħeġġeġ għall-ġustizzja biex jiddefendi d-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-fidi nisranija. Dan, malli għaraf ix-xewqa ta' dawk il-bnedmin ta' Alla, wara li dam jaħsibha mhux ftit, wera li qabel max-xewqa tagħhom, u temmha billi wettaqha. Hu għamlilhom kuraġġ b'ħafna pariri u berikom, filwaqt li qalilhom: "Morru mal-Mulej, l-aħwa, u skond kif il-Mulej jidhirlu li jnebbaħkom, ippriedkaw lil kulħadd il-penitenza. Meta l-*Mulej* li jista' kollox *ikattarkom* fil-għadd u *fil-grazzja* (cfr. Dt 7,12.13), erġgħu ejjew għandi biex *tgħiduli bil-ferħ* (cfr. Lq 10,17), u jiena nagħtikom aktar b'sigurtà akbar". Għax tassew li *l-Mulej kien ma'* (cfr. 1Sam 3,19) l-imqaddes Franġisku *kull fejn kien imur* (cfr. Ġen 20,16), kien iferrħu bir-rivelazzjonijiet tiegħu u kien iħeġġu bil-benefiċċji l-oħrajn tiegħu. Lejl minnhom kellu din id-dehra: kien miexi tul triq li fit-tarf tagħha kien hemm *siġra kbira, b'saħħitha, sabiħa, u għolja ħafna* (cfr. Dan 4,7-8). Filwaqt li hu *qorob lejha* u kien *jammira s-sbuħija* (cfr. Lq 7,11.12; Ġud 10,14), f'daqqa waħda l-istess qaddis tant kiber li seta' jmiss il-quċċata tagħha. Mhux biss, imma talli ħadha f'idejh u mejjilha mingħajr tbatija sa l-art. Hekk kien tassew ġara: is-sinjur Innoċenz, li kien qisu siġra mill-aktar għolja u qawwija, kien miel b'tant ħlewwa għat-talba ta' l-imqaddes Franġisku. [AP 33.35-36; L3C 48-49.51.53; 2C 16-17; LM III,8-10]

Kapitlu XIV
Dwar kif reġa' lura minn Ruma fil-Valle Spoletana u dwar il-waqfa tiegħu waqt il-vjaġġ.

[231] 34 San Franġisk flimkien ma' l-aħwa, mimli bil-ferħ għad-don ta' missier u sinjur daqshekk kbir, *radd ħajr lil Alla li jista' kollox* (cfr. Atti 27,35), *li jqiegħed lill-umli fil-għoli u jfarraġ lill-imħabbtin* (Ġob 5,11). Għamel mall-ewwel iż-żjara lill-qabar ta' San Pietru, u wara li temm it-talb tiegħu, qabad flimkien ma' l-aħwa t-triq lura lejn il-wied ta' Spoleto. Bdew *jitħaddu flimkien* (cfr. Lq 24,17) huma u mexjin, filwaqt li bdew jiftakru fil-benefiċċji kbar u bla għadd li irċevew mingħand Alla li jagħti b'idejh miftuħa, fil-kortesija li biha ġew milqugħin mill-vigarju ta' Kristu, is-sinjur u l-missier tal-ġnus insara, u bdew ifittxu flimkien l-aħjar mod biex iwettqu l-pariri tiegħu u dak li ikkmandahom, kif iħarsu u josservaw bil-fedeltà ir-regola, kif tassew setgħu jimxu b'mod qaddis fil-ħajja reliġjuża quddiem l-Aktar Għoli, u fl-aħħarnett dwar kif il-ħajja u d-drawwiet tagħhom setgħu jikbru fil-virtujiet qaddisa, u hekk ikunu ta' eżempju għall-oħrajn. Id-dixxipli ġodda ta' Kristu kienu diġà tkellmu fit-tul u fi spirtu ta' umiltà dwar dawn il-ħwejjeġ, u kien wasal biex jidlam. Waslu *f'post imwarrab* (cfr. Mt 14,15), u billi kienu għajjenin mill-vjaġġ twil u mejtin bil-ġuħ, ma setgħu isibu xejn x'jieklu, għax dak il-post kien 'il bogħod minn fejn joqogħdu n-nies. Imma f'daqqa waħda, frott tal-providenza divina, *resaq lejhom raġel li ġabilhom il-ħobż* (cfr. Mk 14,13; 1Sam 10,3-4), tahulhom u telaq 'l hemm. Huma ma setgħux jagħrfuh, u

għalhekk, mimlijin stagħġib, ħeġġew lil xulxin biex jafdaw dejjem fil-ħniena divina. Wara li tmantnew b'dak l-ikel, komplew triqthom sa ma waslu f'post qrib il-belt ta' Orte, u hawnhekk waqfu għal ħmistax-il ġurnata. Xi wħud minnhom kienu jidħlu fil-belt biex jittallbu l-ikel meħtieġ u jieħdu lill-oħrajn dak li kien jirnexxielhom jakkwistaw huma u jittallbu bieb bieb. Huma *kienu jieklu flimkien bir-radd ta' ħajr u bil-ferħ* (cfr. Atti 24,3; Is 30,29). Dak li kien jifdlilhom, meta ma setgħux jagħtuh lill-foqra, kienu jqiegħduh f'qabar vojt, li darba kien jintuża biex jindifnu fih il-mejtin, biex hekk isib l-ikel il-jum ta' wara. Dak il-post kien maqtugħ u abbandunat u ma kien jgħaddi kważi ħadd minn dawk l-inħawi. [L3C 52; LM IV,1]

[232] 35 Kienu mimlijin bil-ferħ li ma setgħux jaraw jew ikollhom xi ħaġa fiergħa li tagħti pjaċir lis-sensi. Bdew hekk jintrabtu b'patt ta' fedeltà mal-faqar imqaddes, u wegħdu lil xulxin li kellhom jgħixu dejjem magħqudin miegħu kif kienu dak il-ħin, għax kbir kien il-faraġ li huma kienu jħossu meta kienu neqsin minn dak kollu *li hu tad-dinja* (cfr. 1Kor 7,33). U billi, ħielsa minn *kull tħassib* tal-ħwejjeġ tad-dinja, kienu jehdew biss fil-ħwejjeġ tas-sema, huma wegħdu li ma jerġgħu lura qatt mir-rabta tagħhom mal-faqar, minħabba l-ebda tiġrib jew tbatija, imma li jibqgħu *jħaddnuh* magħhom (cfr. Qoħ 3,5). Imma biex ma jkunx hemm periklu għalihom li l-art għammiela ta' dawk l-inħawi ġġiegħelhom jibqgħu hemm u hekk inaqqsu l-ħeġġa ta' l-ispirtu, u biex id-dewmien f'dak il-post ma jidhirx li kien qisu xi pussess fuqu, huma ħallew dak il-post u, mexjin wara l-missier, li kien mimli hena, daħlu fil-wied ta' Spoleto. Kienu għadhom jistaqsu bis-serjetà, billi kienu nies li riedu jgħixu fil-qdusija sinċiera, jekk kienux imsejħin li jgħixu ħajjithom qalb il-bnedmin, inkella jirtiraw f'postijiet imwarrba. Imma San Franġisk, li qatt ma kien jafda fil-ħila tiegħu, u li f'kull ma kien iwettaq kien *qabel ifittex it-talb* (cfr. S 87,14), għażel li jgħix *mhux għalih innifsu* biss, imma wkoll għal dak li *kien miet għal kulħadd* (cfr. 2Kor 5,15), u kien jaf tajjeb li hu għalhekk ġie mibgħut minn Alla, biex jirbaħ lura dawk l-erwieħ li x-xitan kien ipprova jaħtafhom. [LM IV,2]

## Kapitlu XV

Dwar il-fama ta' l-imqaddes Franġisku u dwar il-konverżjoni ta' bosta nies lejn il-Mulej, u dwar kif l-Ordni kien imsejjaħ tal-Patrijiet Minuri, u dwar kif l-imqaddes Franġisku kien jifforma lil dawk li jidħlu fir-reliġjon.

[233] 36 Il-kavallier l-aktar qawwi ta' Kristu, Franġisku, għaldaqstant *kien idur mal-bliet u l-kastelli* (cfr. Mt 9,35)[120] iħabbar is-saltna ta' Alla, *mhux bil-kliem ta' l-għerf, imma bit-tagħlim u l-qawwa ta' l-Ispirtu* (cfr. 1Kor 2,4), *iħabbar is-sliem* (cfr. Mt 9,35; Atti 10,36), jgħallem is-salvazzjoni u l-penitenza *għall-maħfra tad-dnubiet* (cfr. Mk 1,4). Kien f'kollox jaħdem bil-qalb imqawwi bl-awtorità mogħtija lilu mis-sede apostolika, filwaqt li ma kien jaħrab mill-kliem ta' żegħil u ma kienx iħalli min iwaqqgħu fi kliem fieragħ. Ma kienx biss jikxef il-vizzji, imma wkoll jieqfilhom bil-qawwa; ma kienx ifittex li jiskuża l-ħajja tal-midinbin, imma kien isawwathom bi twissijiet iebsin, billi hu kien qabel xejn ikkonvinċa lilu nnifsu biex iwettaq dak li hu kien isus fuq

[120] Il-kelma Latina *castellum*, li qegħdin nittraduċuha bil-kelma "kastell", ma għandniex nifhmuha fis-sens ta' kastell fortifikat u iżolat, imma x'aktarx fis-sens ta' raħal fortifikat, imdawwar bis-swar, li għalhekk jieħu bixra ta' kastell. Ma ninsewx li, fil-medjuevu, mhux biss il-bliet, imma wkoll l-irħula, kienu jkunu fortifikati. Eżempju klassiku ta' *castellum* hu r-raħal ta' Greccio, li sallum il-ġurnata għadu raħal ċkejken imxabbat ma' muntanja, imma b'fortizza li tħares fuq il-Valle Reatina. Għalina l-Maltin eżempju tipiku ta' *castellum* hu proprju l-kastell, jew ċittadella, ta' Għawdex.

l-oħrajn biex jagħmlu. Ma kienx għalhekk jibża' li jiġi ikkritikat, kien jitkellem dwar il-verità bil-miftuħ, tant li anke bnedmin mill-aktar għorrief u magħrufin kienu jilqa' b'ammirazzjoni l-kliem imnebbaħ tiegħu, u quddiemu kulħadd kien jibqa' mirbugħ minn biża' li twassal għas-salvazzjoni. Kienu jiġru l-irġiel u n-nisa, kienu jħaffu l-kjeriċi, kienu jinġabru bi ħġarhom ir-reliġjużi, biex jaraw u jisimgħu l-qaddis ta' Alla, li kien jidher qisu bniedem ġej minn dinja oħra[121]. Nies minn kull età u sess kienu jiġu mimlijin ħeġġa biex jammiraw l-għeġubijiet li l-Mulej kien qiegħed iwettaq mill-ġdid fid-dinja permezz tal-qaddej tiegħu. Minħabba l-preżenza jew anke minħabba biss il-fama ta' San Franġisk, kien jidher tassew li kien intbagħat dawl ġdid mis-sema biex ixejjen id-dlamijiet li kienu infirxu mad-dinja, tant li kważi ħadd aktar ma kien għadu jaf kif jintebaħ bit-triq tas-salvazzjoni. Fil-fatt kważi kulħadd tant kien spiċċa li jiftakar fil-Mulej u l-kmandamenti tiegħu, li bil-ħniena kien hemm xi ħadd li jipprova jiċċaqlaq mill-vizzji qodma li kienu rabbew il-kallu fih. [AP 36; L3C 54; LM IV,5. XII,8]

[234] 37 Franġisku kien jiddi bħal *kewkba fost is-sħab tal-lejl*[122] (cfr. Sir 50,6; Prov 7,9), u *bħall-għodwa li tinfirex fuq* id-dlam (cfr. Ġoel 2,2). Hekk fi ftit żmien inbidlet il-bixra ta' dawk l-inħawi, u wara li intemmet il-biża' ta' qabel, infirex id-dawl fuq wiċċ l-art. Intemmet in-nixfa twila, u l-għalqa li kienet midbiela bdiet tibjad għall-ħsad. *Id-dielja* mitluqa bdiet *timtela' biż-żraġen ifewwħu bil-fwieħa tal-Mulej* (cfr. Żak 8,12; Lev 1,9), u bdiet tipproduċi minnha nfisha u twelled *ward l-aktar ifuħ, frott tal-ġieħ u tal-ħajja tajba* (cfr. Sir 24,23). Ma' kullimkien beda jidwi *l-leħen tat-tifħir u tar-radd ta' ħajr* (cfr. Is 51,3), u kienu bosta dawk li, wara li ħallew il-kura tal-ħwejjeġ tad-dinja, imxew fuq l-eżempju u t-tagħlim ta' San Franġisk, u bdew jixxenqu biex jitgħallmu ħalli jagħrfu, iħobbu u jirrispettaw il-Ħallieq. Bosta nies nobbli u tal-poplu, kjeriċi u lajċi, imqanqlin minn ispirazzjoni divina, marru għand San Franġisk, b'xewqa kbira li jingħaqdu dejjem miegħu u jimxu fit-triq li jgħallimhom hu. Għalihom ilkoll hu, donnu minn nixxiegħa ta' grazzja tas-sema, tahom l-ilmijiet tal-ħajja li jnibbtu u jwarrdu l-virtujiet fil-ġnien tal-qalb. Hu kien mgħallem mill-iprem tal-ħajja evanġelika. Permezz ta' l-eżempju tiegħu, tar-regola u tat-tagħlim tiegħu, il-Knisja ta' Kristu bdiet tiġġedded f'uliedha, irġiel u nisa, u bdiet issaltan l-armata tat-tliet kategoriji tal-magħżulin[123]. Lil kulħadd hu ta għamla ta' ħajja u kien jindika t-triq tas-salvazzjoni lil kull wieħed skond il-qagħda tiegħu. [AP 36; L3C 54; LM IV,5.7]

[235] 38 Issa hu l-waqt li nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna l-aktar fuq l-Ordni li Franġisku qajjem bl-imħabba tiegħu u taha l-ħajja bil-professjoni tiegħu tal-ħajja ta' l-Evanġelju. U xi ngħidu? Kien hu, fil-fatt, li ħawwel l-Ordni tal-Patrijiet Minuri u din kienet l-okkażjoni li fiha tah dan l-isem. Meta fir-Regola kienu qed jinkitbu l-kelmiet: "U għandhom ikunu minuri", malli semagħhom hu stagħġeb u qal: "Irrid li din il-fraternità tissejjaħ Ordni tal-Patrijiet Minuri"[124]. U

---

[121] L-espressjoni Latina li juża Celano hi diffiċli biex tittraduċiha: *qui homo alterius saeculi omnibus videbatur*. L-espressjoni tinsab ukoll f'1C 82, u tista' tindika bniedem li l-ħajja tiegħu hi miftuħa biex tilqa' t-tieni miġja ta' Kristu, bniedem miftuħ għall-aħħar żminijiet.

[122] Din ix-xbieha, ispirata mill-Ktieb ta' Bin Sirak 50,6-7, kienet it-tema tal-priedka famuża li għamel il-Papa Girgor IX fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, u tidher ukoll fil-Bulla ta' kanonizzazzjoni *Mira circa nos,* li l-istess Papa ippubblika fid-19 ta' Lulju 1228. Cfr. 1C 125.

[123] Din l-espressjoni: *trina triumphat militia salvandorum*, tindika t-tliet stati ta' ħajja fil-Knisja – kjeriċi, lajċi u reliġjużi. Imma forsi l-veru sens tagħha hu dak li jindika t-tliet familji li tagħhom l-uniku fundatur hu San Franġisk, jiġifieri l-Patrijiet Minuri (I Ordni), il-Povere Dame di San Damiano, jew Klarissi (II Ordni), u l-Aħwa irġiel u nisa tal-Penitenza, illum Franġiskani Sekulari (III Ordni).

[124] Il-kelmiet huma meħudin mir-Regola ta' l-1221, fil-kapitlu VII,2: *sed sint minores et subditi omnibus qui in eadem domo sunt*. Ma nafux jekk Franġisku, fil-bidunett, setax isejjaħ lill-aħwa b'dan l-isem, imma diġà fl-1216 Jacques de Vitry jikteb li l-aħwa jissejħu *fratres minores*. L-isem bil-Malti, "Ordni tal-Patrijiet Minuri" hu t-traduzzjoni uffiċjali

tassew li huma kienu minuri, għax kienu joqgħodu għal kulħadd u kienu jfittxu l-aħħar postijiet u dawk l-uffiċċji li magħhom kien hemm marbuta xi umiljazzjoni, biex hekk iqiegħdu l-pedamenti sodi ta' l-umiltà vera, li fuqha setgħu jtellgħu l-bini spiritwali tal-virtujiet kollha. Għax tassew li fuq dan il-*pedament* huma bnew il-binja nobbli ta' l-imħabba (cfr. Ef 2,20). Bħal-*ġebel ħaj* li jinġabar mill-inħawi kollha tad-dinja, hekk huma kibru biex saru *tempju ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. 1Pt 2,5; Ef 2,22). Kemm kienet qawwija fihom l-imħabba għall-familja reliġjuża tagħhom! Kull darba li kienu jiltaqgħu, kif ġie li kien jiġri, f'xi post jew fit-triq, kienet toħroġ fil-beraħ l-imħabba spiritwali li kellhom lejn xulxin, li hi l-unika imħabba li, fuq kull imħabba oħra, hi għajn ta' karità bejn l-aħwa. Huma kienu jħaddnu lil xulxin bis-safa kollu, kienu jħossu l-istess għal xulxin, kienu jbusu 'l xulxin, kienu jitkellmu bit-tjieba ma' xulxin, kienu jitbissmu bil-ħlewwa, kellhom bixra ta' ferħ, għajnejhom kellhom *ħarsa ta' sempliċità* (cfr. Mt 6,22), kienu umli fl-ispirtu, kienu *jitkellmu kif jixraq*, kienu *jwieġbu lil xulxin bil-ġentilezza* (cfr. Prov 15,4.1), kienu ta' fehma waħda fl-idejal tagħhom, kienu jaħmlu lil xulxin u jżommu wieħed lill-ieħor akbar fil-ġieħ, u kienu jaqdu lil xulxin bla qatt ma jieqfu. [AP 24-25; L3C 41; LM VI,5; CA 101]

39 Billi huma kienu jistmerru l-ħwejjeġ tad-dinja u kienu ħielsa minn kull imħabba tagħhom infushom, għax kienu jqiegħdu l-għożża kollha ta' qalbhom fi ħdan il-fraternità, kienu jfittxu li jitħabtu bil-qawwa ħalli joffru saħansitra lilhom infushom biex itaffu l-ħtiġijiet ta' l-aħwa. Kienu ferħanin meta setgħu jiltaqgħu flimkien, kienu jidhru aktar hienja meta setgħu joqogħdu flimkien. Għalihom kollha kien iebes il-ħin meta jinfirdu minn xulxin, kienet tkun morra l-firda minn xulxin, kien inikkithom il-waqt tat-tluq minn ma' xulxin. Dawn is-suldati mill-aktar doċli ma kienu jqiegħdu xejn qabel il-kmand ta' l-ubbidjenza qaddisa. Mhux biss, imma kienu jħejju ruħhom għalih minn qabel, u kienu jgħaġġlu biex iwettqu, mingħajr ħafna kliem u wara li jkunu ħelsu minn kull xkiel, kull ħaġa li kienet tiġi mitluba minnhom. Kienu jimxu wara l-faqar imqaddes, għax huma xejn ma kellhom, ma' xejn ma kienu jintrabtu, u għalhekk ma kellhom biża' li jitilfu xejn. Kienu kuntenti li jkollhom tonka waħda, xi mindaqqiet imraqqa' minn ġewwa u minn barra; li tant kienet tidher fqira u mingħajr tiżjin li fiha kulħadd kien jara nies li huma *msallbin għad-dinja* (cfr. Gal 6,14). Kienu jitħażżmu bil-ħabel, u kienu jistgħu jkollhom il-qalziet goff taħt it-tonka[125]. L-għan qaddis tagħhom kien dak li jibqgħu dejjem fidili f'dak li wiegħdu, mingħajr ma jkollhom xejn iżjed. Kien għalhekk dejjem ħienja, ħielsa minn kull tħassib żejjed, mingħajr ħsibijiet għall-ġejjieni. Ma kienux iħabblu rashom lanqas li jsibu kenn għand min jilqagħhom għandu matul il-lejl, anke jekk waqt il-vjaġġ kienu jsofru ħafna. Ta' spiss, meta kien jagħmel bard kbir, billi ma kienux isibu għand min jistkennu, kienu jitgeddsu maġenb xi forn, jew inkella kienu jidħlu jorqdu f'xi għar fil-blat. Matul il-jum, dawk li kienu jistgħu, kienu jingħataw għall-ħidma ta' l-id, jew fil-lebbrożarji jew f'xi postijiet oħrajn, u kienu jaqdu lil kulħadd bl-umiltà u l-qima. Ma kienu jkunu jridu jaħdmu l-ebda xogħol li seta' jkun okkażjoni ta' skandlu, imma dejjem kienu jingħataw

---

ta' l-isem latin *Ordo Fratrum Minorum*. Celano jgħid: *Volo ut Ordo Fratrum Minorum fraternitatis haec vocetur*. Għalkemm wieħed jista' joġġezzjona li l-kelma "patrijiet" tindika element klerikali, li jeskludi l-fatt li l-Ordni hu magħmul minn kjeriċi u lajċi, fil-fatt, fil-lingwaġġ komuni, l-kelma "patrijiet" hi użata biex tindika dawk ir-reliġjużi li huma membri ta' Ordnijiet mendikanti li twieldu fil-medjuevu. Għalkemm il-kelma "aħwa" tittraduċi tajjeb ħafna l-kelma latina *fratres*, u tajjeb li wieħed jużaha f'kuntest mhux uffiċjali, ma tagħmilx sens biex tindika l-isem uffiċjali ta' l-Ordni. Kif lanqas ma tagħmel sens li wieħed jissostitwixxi l-aġġettiv *minores* (Minuri) bil-kelma "żgħar", li bl-ebda mod ma tista' trendi t-tifsira tejoloġika profonda tal-*monoritas* Franġiskana.

125 Din id-deskrizzjoni taqbel perfettament mal-preċett tar-Regola Bullata II,10: *Postea concedant eis pannos probationis, videlicet duas tunicas sine caputio et cingulum, et braccas et caparonem usque ad cingulum*. Ir-riferiment għall-*braccas* ("qliezet ta' taħt") jirreferi għall-fatt li l-Patrijiet Minuri kienu jgħixu ħajja itineranti mhux sedentarja, u għalhekk kellhom il-permess li jġorru ħwejjeġ li jgħinuhom fil-vjaġġi tagħhom.

għall-ħwejjeġ qaddisa, ta' min ifaħħarhom u meħtieġa, u kienu jagħtu eżempju ta' umiltà u ta' sabar quddiem dawk kollha li kienu jgħixu magħhom. [AP 24-25.27; L3C 41; LM IV,7]

40 Kienu jħobbu daqshekk il-virtù tas-sabar, li kienu jippreferu joqogħdu fejn setgħu jsofru persekuzzjonijiet, aktar milli fejn kienet tkun magħrufa l-qdusija tagħhom, u fejn setgħu jakkwistaw il-favuri tad-dinja. Ta' spiss kienu jiġu mxekklin, imżebilħin, imneżżgħin, imsawwtin, marbutin, maqfulin, u kienu jifilħu għal kollox b'ħila ta' raġel, mingħajr ma jfittxu l-ebda kenn. Mhux biss, imma minn fommhom ma kienx jinstema jidwi ħlief *tifħir u radd il-ħajr* (cfr. Is 51,3). Qatt ma kienu jieqfu milli jitolbu u jroddu ħajr lill-Mulej, imma kienu jiflu kull għemil tagħhom, filwaqt li jroddu ħajr lil Alla għall-ġid li jkunu wettqu, u kienu jibku bl-imrar għall-ħtijiet u nuqqasijiet li kienu jwettqu. Meta mbagħad ma kienux iħossu l-ħlewwa tas-soltu fit-talb, kienu jemmnu li Alla kien telaqhom. U biex ma jħallux in-ngħas jagħmel bihom waqt il-ħin twil tat-talb tagħhom, kienu jħaddmu diversi mezzi; xi wħud kienu jiddendlu mal-ħbula, waqt li oħrajn kienu jinqdew biċ-ċilizzji tal-ħadid jew ta' l-injam. Jekk xi mindaqqiet kien jidhrilhom li kienu qagħdu inqas attenti rigward l-ikel u x-xorb, għax forsi taw lil ġisem aktar milli jeħtieġ, jew inkella ċedew aktar milli suppost għall-għejja tal-vjaġġi tagħhom, kienu jikkastigaw lilhom infushom bl-aħrax permezz ta' astinenza ta' diversi ġranet. Kienu jimpenjaw ruħhom biex irażżnu l-istinti tal-ġisem b'tant ħruxija, li ma kienux jaħsbuha darbtejn biex jinxteħtu fis-silġ jew li jitgerrbu qalb ix-xewk, u jniggżu 'l ġisimhom sakemm joħroġ minnu d-demm. [AP 23; L3C 40; LM IV,7]

41 Tant kienu jistmerru l-ġid ta' l-art, li bil-ħniena kienu jilqgħu l-aktar ħwejjeġ meħtieġa għall-għajxien, u billi kienu draw għal żmien twil jgħixu mingħajr il-kumditajiet tal-ġisem, kienu jiġu wiċċ imb'wiċċ u bla biża' quddiem iċ-ċaħdiet l-aktar iebsin. F'dan kollu kienu *jimxu wara s-sliem* u kienu ġwejjef *ma' kulħadd* (cfr. Lhud 12,14), kienu dejjem jagħmlu għamejjel *safja u ta' sliem* (cfr. Ġak 3,17), u kienu jevitaw li jkunu okkażjoni ta' eżempju ħażin għall-oħrajn. Kienu jitkellmu biss meta kien ikun meħtieġ, *li ma jmurx li minn fommhom jaħrab* kliem fieragħ (cfr. Mt 4,4). Fil-ħajja u fil-kliem tagħhom ma kont tista' ssib xejn li jkun ħażin jew fieragħ. L-għemil tagħhom kien dixxiplinat f'kollox, kien xieraq u mingħajr qerq, is-sensi tagħhom kienu dejjem imrażżnin, hekk li ma kienu jaraw u jisimgħu xejn ħlief dak li kien meħtieġ u xieraq. Kienu jbaxxu ħarsithom lejn l-art u kellhom ħsibijiethom merfugħin lejn is-sema. Ma kellhomx għira, lanqas qerq, l-ebda rankur, l-ebda rabja, l-ebda suspett, l-ebda mrar fil-qalb, imma kienu biss mimlijin bi qbil, bis-sliem kontinwu, u fihom kien hemm biss *radd il-ħajr u leħen ta' tifħir* (cfr. Is 51,3). Dawn huma l-prinċipji li fuqhom il-missier imqaddes kien l-aktar jifforma lil uliedu l-ġodda *mhux bil-kliem* biss jew *bl-ilsien, imma bl-għemil u bil-verità* (cfr. 1Ġw 3,18). [AP 29; L3C 45]

## Kapitlu XVI
## Dwar kif marru joqogħdu Rivo Torto u dwar il-ħarsien tal-faqar.

[236] 42 L-imqaddes Franġisku kien jinġabar flimkien ma' l-aħwa qrib il-belt ta' Assisi, f'post jismu Rivo Torto[126]. Kien hemm f'dak il-post gorboġ mitluq, li għad-dell tiegħu ġew jistkennu dawk li kienu jistmerru d-djar kbar u sbieħ, u hemmhekk kienu jsibu wens mill-maltemp u x-xita. Għax, kif kien jgħid il-qaddis, hu eħfef li wieħed imur il-ġenna minn gorboġ milli minn

[126] Il-post imsejjaħ Rivo Torto, fil-pjanura taħt Assisi, ftit bogħod mill-Porziuncola, kien jissejjaħ hekk minħabba nixxiegħa li kienet tgħaddi isserrep minn hemm. F'dan il-post illum hemm knisja li tfakkar il-gorboġ li fih Franġisku u l-ewwel aħwa għexu għal ftit żmien.

palazz. F'dak il-post kienu jgħammru flimkien il-missier imqaddes u l-aħwa kollha, *b'ħafna taħbit* (cfr. 2Kor 11,27) u neqsin minn kollox, ħafna drabi saħansitra kien jonqoshom il-ħobż, u kellhom jikkuntentaw ruħhom bit-tewm, li kienu joħorġu jittallbu fil-pjanura ta' Assisi. Dak il-post kien tassew dejjaq u żgħir, tant li fih bil-ħniena setgħu joqogħdu bilqiegħda jew jimteddu. Imma f'dan il-post ma kontx tisma' garr jew tnewwieħ; imma kull wieħed kien iżomm il-ferħ ta' l-ispirtu u s-sabar[127]. San Franġisk, ta' kuljum u dejjem, kien jifli bir-reqqa kollha l-ħajja tiegħu u ta' l-aħwa, biex ma jibqa' xejn fihom mid-dinja u biex iwarrbu minnhom kull nuqqas ta' impenn fl-għemil it-tajjeb. Kien mill-aktar aħrax fid-dixxiplina *tal-ħarsien tiegħu nnifsu* (cfr. Is 21,8), u jekk kien jiġri, kif jiġri lil kulħadd, li t-tiġrib kien jiġi jħabbat lil ġismu, hu kien jinxteħet ġo ħofra mimlija silġ, sakemm jgħib minnu l-periklu tat-tiġrib tal-ġisem. U l-istess kienu jagħmlu l-aħwa l-oħrajn bl-iskop li jimxu wara l-eżempju ta' penitenza tiegħu. [L3C 55; LM IV,3. V,3]

[237] 43 Hu kien jgħallimhom mhux biss li jieqfu lill-vizzji u li jrażżnu lil ġisimhom, imma anke li jħarsu safja s-sensi esterni tagħhom, li permezz tagħhom il-mewt tidħol fir-ruħ. Dak iż-żmien minn dawk l-inħawi għadda b'ħafna pompa u storbju ta' nies l-imperatur Ottone, biex jieħu l-kuruna tas-saltna ta' l-art[128]. Il-missier l-aktar qaddis lanqas biss ried joħroġ mill-gorboġ, li kien qrib it-triq li minnha kellu jgħaddi, u lanqas ħalla lill-aħwa joħorġu, ħlief lil wieħed minnhom li bagħatu biex iħabbar bil-qawwa lill-imperatur li l-glorja tiegħu kellha ddum biss għal ftit taż-żmien. Billi l-qaddis glorjuż kien jgħix u jimxi *fil-wesgħa tal-qalb* (cfr. S 118,45) tiegħu, li fiha kien iħejji *għamara xierqa* (cfr. Ef 2,22) għal Alla, widnejh qatt ma setgħu jiġu mfixklin mill-istorbju ta' barra, u l-ebda leħen ma seta' jtellef il-ħidma kbira li kien beda jwettaq b'idejh. Hu kien iħossu mlibbes bl-awtorità apostolika, u għalhekk kien jiċħad bil-qawwa li joqgħod jinċensa bl-unuri lis-slaten u l-prinċpijiet. [LM V,5]

[238] 44 Kien ifittex il-ħin kollu li jingħata għall-ħidma tas-sempliċità qaddisa, u ma kienx iħalli li dak il-post dejjaq itellef *il-wesgħa tal-qalb* (cfr. S 118,45). Għalhekk kiteb l-ismijiet ta' l-aħwa fuq it-travi ta' dak il-gorboġ, sabiex kull wieħed minnhom seta' jagħraf il-post tiegħu għat-talb u l-mistrieħ, u dak il-post dejjaq ma jtellifx il-ġabra tar-ruħ. Ġara li, darba minnhom, meta kienu fil-gorboġ, wasal fil-post fejn kienu jgħixu l-bniedem ta' Alla u l-aħwa wieħed bidwi bil-ħmar tiegħu, u billi beda jibża' li huma jkeċċuh 'il barra, beda jimbotta l-ħmar tiegħu fil-gorboġ, u jgħidlu: "Idħol ġewwa, ħalli nagħtu użu tajjeb lil dan il-gorboġ". Malli l-imqaddes Franġisku sema' dawn il-kelmiet tnikket, għax fehem x'kien il-ħsieb ta' dak ir-raġel: kien qiegħed jaħseb li l-aħwa riedu jieqfu hemm u jkabbru l-gorboġ, u hekk *jgħaqqdu dar ma' oħra* (cfr. Is 5,8). Dak il-ħin stess Franġisku ħareġ minn hemm u telaq minn dak il-gorboġ malli sema' l-kelmiet goffi ta' dak il-bidwi. Hekk hu għadda għal post ieħor mhux tant bogħod minn hemm, li kien jissejjaħ Porziuncola fejn, skond kif għidna aktar 'il fuq, kien hemm il-knisja ta' Santa Marija. Hu ma ried *ikollu xejn tiegħu*, biex hekk ikun *jista' jkollu kollox* b'mod aktar sħiħ fil-Mulej (cfr. 2Kor 6,10). [L3C 55; 2C 18; LM IV,5]

---

[127] Celano hawnhekk qiegħed jikkwota xi vrus mill-innu tal-Komun tal-Martri: *Sanctorum meritis*. Għal aktar studju dwar din il-fonti liturġika, cfr. *Analecta Franciscana* X, p. 33, nota 7.

[128] Ottone IV għadda mid-Dukat ta' Spoleto lejn tmiem Settembru 1209, biex jiġi inkurunat imperator f'Ruma mill-Papa fl-4 ta' Ottubru. Jista' jagħti l-każ li dan ir-riferiment jgħodd għal darba oħra meta l-istess imperatur għadda lura minn taħt Assisi, x'aktarx fl-1210. Dawn id-dettalji storiċi juruna ż-żmien li fih Franġisku u l-aħwa kienu jgħammru Rivo Torto.

Kapitlu XVII
Dwar il-mod li bih l-imqaddes Franġisku għallem lill-aħwa kif jitolbu, u dwar l-ubbidjenza u s-safa ta' l-ewwel aħwa.

[239] 45 F'dak iż-żmien l-aħwa talbuh fuq li talbuh biex *jgħallimhom jitolbu* (cfr. Lq 11,1), għax, billi kienu *jimxu fis-sempliċità ta' l-ispirtu* (cfr. Prov 20,7), ma kienux għadhom jafu jgħidu l-uffiċċju liturġiku. Hu mela weġibhom: "*Meta titolbu, għidu: Missierna* (cfr. Mt 6,9), u *Nadurawk, Kristu, fil-knejjes kollha tiegħek li jinsabu fid-dinja kollha, u nberkuk, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja*"[129]. L-istess aħwa, dixxipli ta' l-imgħallem twajjeb, kienu jimpenjaw ruħhom biex iħarsu dawn it-twissijiet bl-akbar dehwa, għaliex huma kienu jridu jwettqu mill-aħjar mhux biss it-twissijiet fraterni tiegħu u dak li kien jitlob minnhom, imma saħansitra l-ħsibijiet moħbija tiegħu, kieku setgħu b'xi mod jindunaw bihom. Il-missier imqaddes kien jgħallimhom li l-ubbidjenza vera għandha x'taqsam mal-ħsibijiet u mhux biss mal-kliem li wieħed ilissen, max-xewqat u mhux biss mal-kmand. Hu kien jgħid: "Jekk xi ħadd mill-aħwa sudditi, qabel ma jisma' l-kliem tas-superjur tiegħu, jaqta' xi tkun l-intenzjoni tiegħu, hu mall-ewwel irid iħejji ruħu għall-ubbidjenza u biex jagħmel dak li, ma' l-iċken sinjal, jidhirlu li jkun jaqbel mar-rieda tiegħu"[130]. Huma kienu jilqgħu t-twissija ta' Franġisku, u kull meta kienu jgħaddu qrib xi knisja, jew inkella kienu jarawha mill-bogħod, kienu jmilu ruħhom lejn dik id-direzzjoni, u fil-ġisem u fir-ruħ kienu jaduraw lil Dak li jista' kollox, u jgħidu: "Nadurawk, Kristu, fil-knejjes kollha tiegħek". U, dak li jgħaġġibna aktar hu li, kull fejn kienu jintebħu li jkun hemm salib jew forma ta' salib, jew ma' l-art, jew fuq il-ħitan, jew fis-siġar, jew fis-siġar baxxi ma' ġenb it-triq, kienu jagħmlu l-istess. [AP 19, L3C 37; 3C 3; LM IV,3]

[240] 46 Kienu hekk mimlijin bis-sempliċità qaddisa, kienu hekk bla ħażen, kellhom qalbhom hekk safja, li lanqas kienu jafu xi jfisser tkun bniedem b'żewġ uċuħ. Fihom kien hemm *fidi waħda* u *spirtu wieħed* (cfr. Ef 4,3.5), rieda waħda, imħabba waħda, għaqda dejjiema bejn il-qlub, qbil sħiħ bejniethom, qima tal-virtujiet, qbil fil-ħsieb u qdusija fil-għemil. Kienu għażlu bħala konfessur ċertu qassis li kien magħruf sewwa għall-ħtijiet kbar tiegħu u li kien jistħoqqlu jiġi mkasbar minn kulħadd minħabba l-imġieba skandaluża tiegħu. Imma huma ma riedux jemmnu għall-ħażen li kienu jisimgħu jingħad li jwettaq, u kienu jkomplu jqerru għandu l-ħtijiet tagħhom, filwaqt li kienu juruh il-qima li tixraqlu. Mhux biss, imma ġara li jum minnhom dak il-qassis, jew xi qassis ieħor, qal lil wieħed mill-aħwa: "Oqgħod attent, ħija, li ma tkunx bniedem ta' wiċċ b'ieħor". Dak beda jaħseb li tassew kien ipokrita, u minħabba n-niket kbir li beda jħoss, lanqas seta' jsib iżjed paċi la bin-nhar u lanqas bil-lejl. Lill-oħrajn li kienu jistaqsuh għaliex kien iħossu daqshekk imnikket u mhux ferħan bħas-soltu, hu kien iweġibhom: "Wieħed qassis qalli hekk, u jiena tant inħossni mħawwad li ma nista' naħseb dwar xejn iżjed!" L-aħwa l-oħrajn bdew ifarrġuh, u bdew iqawwulu qalbu, imma hu ma riedx jemmen dak li bdew jgħidulu, u beda jtennilhom: "Jista' jewwilla saċerdot jigdeb? Jekk ma jistax jigdeb ikolli nemmen li dak li qalli hu veru". U hu dam għal żmien twil f'dik is-sempliċità sakemm il-missier imqaddes qawwielu qalbu, billi qagħad ifiehmu l-kliem tal-qassis u beda jiskuża l-intenzjoni tiegħu bi kliem għaqli u

[129] Din it-talba importanti Franġiskana nsibuha wkoll fit-*Testment,* 5.
[130] Dawn il-kelmiet għandhom l-istess stil tat-*Twissijiet* ta' San Franġisk, li twieldu f'okkażjonijiet simili. Il-lingwaġġ li Celano jqiegħed fuq fomm San Franġisk mhux neċessarjament dak li l-qaddis qal, imma hu interpretazzjoni tar-rieda tiegħu. Hu pjuttost diffiċli nimmaġinaw lil Franġisku jitkellem dwar "sudditi" u "superjuri" fil-kuntest ta' l-interpretazzjoni tiegħu tal-fraternità. Celano qiegħed jikteb lil qarrejja kolti li kellhom bżonn lingwaġġ aktar ġuridiku, li kien diġà dieħel sew fl-Ordni wara l-mewt tal-qaddis.

għaref. Ma kienx hemm l-ebda taħwid fil-moħħ ta' l-aħwa, li mal-*kelma taqbad* (cfr. S 118,140) tiegħu ma kienx jgħib minnu kull sħab u jibqa' biss il-bnazzi.

Kapitlu XVIII

Dwar il-karru tan-nar u dwar kif l-imqaddes Franġisku kien jara lill-aħwa ukoll meta ma jkunx magħhom.

[241] 47 Billi kienu *jimxu quddiem Alla bis-sempliċità* u quddiem il-bnedmin *bil-fiduċja* (cfr. Ġen 17,1), f'dak iż-żmien l-aħwa qaddisin stħaqqilhom il-grazzja ta' dehra soprannaturali. Waqt li kienu mixgħulin bl-Ispirtu s-Santu, mhux biss waqt is-sigħat li fihom soltu kienu jitolbu, imma f'kull ħin, huma kienu jkantaw il-*Missierna* bil-melodija ta' l-ispirtu, għax ma kellhomx ħsiebhom fil-ħwejjeġ materjali. Lejl minnhom, l-imqaddes missier Franġisku ma kienx qiegħed magħhom fil-ġisem. U hekk hu, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, filwaqt li xi wħud mill-aħwa kienu reqdin, u oħrajn kienu mehdijin fit-talb fis-skiet, mill-bieb ta' dik id-dar daħal *karru tan-nar* mill-aktar jiddi, li beda jdur ma' dak il-post *għal tliet darbiet* (cfr. 2Slat 2,11.14), u fuqu kien hemm bħal globu li kien idawwal id-dlamijiet tal-lejl daqslikieku kellu l-qawwa tax-xemx. *Dawk li kienu mqajjmin* (cfr. Lq 2,8; Mt 24,4) baqgħu imbellħin, filwaqt li dawk li kienu reqdin qamu b'qatgħa kbira, filwaqt li ħassewhom ilkoll kemm huma qisu daħal fihom dak id-dawl, mhux biss fil-ġisem imma wkoll fl-ispirtu. Għaldaqstant *inġemgħu lkoll flimkien, u bdew jistaqsu wieħed lill-ieħor* (cfr. 1Kor 11,20; Lq 22,23) x'seta' kien dak id-dawl: u ara, minħabba l-qawwa ta' dik id-dija kull wieħed minnhom seta' jara b'mod ċar fil-kuxjenza ta' l-ieħor. Għaldaqstant fehmu u kienu żguri li dik kienet ir-ruħ tal-missier imqaddes, li kienet tiddi b'dija ta' l-għaġeb, u li hi kienet stħaqqilha mingħand Alla dak id-don ta' l-għaġeb ta' barka u ta' grazzja, l-aktar minħabba s-safa tagħha u minħabba t-tjieba kbira li kienet turi lejn uliedha. [LM IV,4]

[242] 48 Ta' spiss kienu jħossu b'mod żgur u ċar li l-missier imqaddes, minħabba l-qdusija tiegħu, seta' jaqra *s-sigriet tal-qlub* (cfr. 1Kor 14,25) tagħhom. Kemm il-darba, fil-fatt, bit-tnebbiħ ta' l-Ispirtu s-Santu, hu kien ikun jaf x'qiegħed jiġri lill-aħwa li jkunu l-bogħod, u kien jidħol fis-*sigriet tal-qlub* (cfr. 1Kor 14,25) u tal-kuxjenzi tagħhom. Kemm kien jintebaħ fil-ħolm dwar dak li kellhom jagħmlu jew jevitaw! Lil bosta li kienu jidhru mill-aħjar minn barra ħabbrilhom il-periklu tat-telfien waqt, li oħrajn, li kien jaf sa fejn iwasslu l-għemejjel ħżiena tagħhom, ħabbrilhom il-grazzja tas-salvazzjoni. Xi wħud li kienu safjin u sempliċi b'mod partikulari, stħaqqilhom id-don u l-faraġ speċjali li l-qaddis jidhrilhom b'mod tassew uniku. Fost dawn il-fatti nirrakkontaw wieħed li ġej minn xhieda ta' min jemminhom. Fra Giovanni da Firenze, li San Franġisk kien ħatru ministru ta' l-aħwa fi Provençe, kien ġabar l-aħwa tiegħu għall-kapitlu. Il-Mulej Alla tah il-grazzja, fit-tjieba tiegħu, li *jiftaħ il-bieb tal-predikazzjoni* (cfr. Kol 4,3) biex jitkellem bil-ħeġġa, filwaqt li l-aħwa kienu kollha jisimgħuh bid-dehwa u bit-tjieba. Fosthom kien hemm wieħed mill-aħwa saċerdoti, li kien jismu Monaldo, u li kien magħruf l-aktar għall-ħajja mimlija virtù, mibnija fuq l-umiltà, imsaħħa bit-talb bla jaqta' u mħarsa mis-sabar. F'dak il-kapitlu kien hemm ukoll fra Antnin[131], li l-Mulej *kien fetaħlu moħħu biex jifhem l-Iskrittura* (cfr. Lq 24,45), u li kien *isawwab fuq xufftejh* (cfr. S 44,2) *kliem* dwar Ġesù li kien ħelu *mill-għasel u mill-qtar tax-xehda* (cfr. S 18,11) biex ixandru lill-ġnus kollha. Mela waqt li kien qiegħed jippriedka

[131] Il-kapitlu li għalih jirreferi Celano kien dak li sar f'Arles fl-1221 fi żmien li kien ministru provinċjal fra Giovanni Bonelli da Firenze. Kien qiegħed jieħu sehem fih Sant'Antnin ta' Padova, li dak iż-żmien kien fi Provençe fuq missjoni ta' predikazzjoni kontra l-ereżija tal-Katari.

bl-akbar ħeġġa u qima dwar il-kelmiet: *Ġesù ta' Nażaret, Sultan tal-Lhud* (cfr. Ġw 19,19), l-imsemmi fra Monaldo dawwar ħarstu lejn il-bieb li fih *kienu miġburin flimkien* (cfr. Ġoż 9,2) l-aħwa, u hemmhekk ra lill-imqaddes Franġisku maqtugħ mill-art, li kien jifrex dirgħajh u idejh f'għamla ta' salib, filwaqt li kien ibierek l-aħwa. Dawk li kienu preżenti *imtlew ilkoll bil-faraġ ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 9,31), u għalhekk setgħu jemmnu tabilħaqq il-ġrajja ta' din id-dehra u tal-preżenza fosthom tal-missier l-aktar glorjuż. [L3C 3; LM IV,4.10]

[243] 49 Dwar l-għarfien li hu kellu tas-sigriet tal-qlub, u fost il-ħafna tiġrib li bosta għaddew minnu, nitkellmu dwar fatt wieħed li mhux ta' min jiddubita minnu taħt kull aspett. Wieħed mill-aħwa, jismu Riccerio, li kien nobbli mill-familja imma aktar nobbli fl-aġir tiegħu, u li kien iħobb lil Alla u jistmerr lilu nnifsu, kellu xewqa qaddisa u rieda mill-aktar qawwija li jikseb għalih it-tjieba sħiħa ta' l-imqaddes missier Franġisku, imma *kien jibża' ħafna* (cfr. Ġud 8,8) u kien imħabbat mill-ħsieb li San Franġisk seta' jistmerru fil-moħbi ta' qalbu, u hekk iċaħħdu mill-imħabba tiegħu. Hu kien konvint, għalkemm *kien bniedem jibża' minn Alla* (cfr. Lq 2,25), li dawk kollha li San Franġisk kien iħobbhom b'imħabba partikulari, kien jistħoqqilhom ukoll li jimmeritaw il-grazzja divina; u li, bil-maqlub, kien jistħoqqlu l-kundanna ta' l-imħallef divin min ma jkunx milqugħ minnu bit-tjieba u l-ħbiberija. Imma dan fra Riccerio żamm f'ruħu dan kollu, u baqa' sieket milli jitkellem, li ma jmurx juri lil xi ħadd il-ħsibijiet moħbija tiegħu.

50 Jum minnhom il-missier imqaddes kien jinsab fiċ-ċella tiegħu filwaqt li kien jitlob, u dak, billi kien maħkum mid-dubju tas-soltu, resaq lejn il-post li fih kien hemm *il-qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34). Allura Franġisku ħass fih innifsu li dak kien riesaq u fehem it-taqlib li hu kellu f'ruħu. Sejjaħlu lejh mall-ewwel, u qallu: "Ibni, tħallix lilek innifsek tintrebaħ mill-ebda tentazzjoni; l-ebda ħsieb ma għandu jfixklek, għaliex inti mill-aktar għażiż għalija, u kun af ukoll li inti wieħed minn dawk li l-aktar inħobb, u li jistħoqqlok il-għożża tal-ħbiberija tiegħi. Ejja għandi meta trid, u bil-libertà, bħallikieku sejjer għand ħabibek". Fra Riccerio baqa' miblugħ, u minn dak il-ħin, mimli b'qima dejjem akbar, aktar ma ra tikber l-imħabba tal-missier imqaddes għalih, aktar beda jwessa' l-fiduċja tiegħu fil-ħniena divina. Kemm hu iebes, missier qaddis, in-nuqqas tiegħek għal dawk li issa ma jistgħux isibu iżjed f'din l-art bniedem ieħor bħalek. Nitolbuk għalhekk, biex tgħin bl-interċessjoni tiegħek likl dawk li tarahom imċappsin bit-tebgħa tad-dnub, int li, meta kont diġà mimli bl-ispirtu tal-ġusti, u kont tħabbar il-ġejjieni u taf dak li qed jiġri issa, minkejja kollox, biex tħarrab kull għamla ta' kburija, kont dejjem tippreferi x-xbieha tas-sempliċità qaddisa. Imma ejjew nerġgħu immorru lura għall-ġrajja tagħna, u nkomplu b'ordni storiku. [2C 44; LM XI,9; Fior 27]

## Kapitlu XIX
### Dwar kif kien dejjem jgħasses u jħares lill-aħwa, dwar kif kien jistmerr lilu nnifsu u dwar l-umiltà vera tiegħu.

[244] 51 Ir-raġel l-aktar qaddis Franġisku reġa' lura fil-ġisem lejn l-aħwa, li minnhom, kif rajna, qatt ma kien jitbiegħed bl-ispirtu. Kellu ħerqa qaddisa biex jagħraf l-ispirtu ta' uliedu, u kien jifli bir-reqqa l-imġieba ta' kull wieħed minnhom, mingħajr ma jħalli bla kastig l-ebda ħtija, jekk kien jiskopri xi ħaġa, imqar l-inqas, dwar il-ħajja ta' tjieba. Kien dejjem iqis qabel xejn in-nuqqasijiet tar-ruħ, qabel dawk li jidhru minn barra,u fl-aħħarnett kien iwarrab l-okkażjonijiet kollha li soltu jwasslu għad-dnub. Kellu ħerqa li jħares bl-akbar kura lill-imqaddsa u sinjura

Povertà[132], u ma kien irid li jżomm l-ebda ħaġa, malli kien jintebaħ li seta' jgħaddi mingħajrha, għax kien jibża' li hekk tidħol id-drawwa li wieħed iħawwad dak li hu meħtieġ ma' dak li wieħed jista' jgħix mingħajru. Kien imdorri jgħid li mhux possibbli li wieħed ikollu l-meħtieġ kollu mingħajr ma jkollu wkoll jaqdi l-kumdità. Kienu ftit id-drabi li kien jieħu ikel imsajjar, għax jew kien jagħmlu bla togħma billi jżidlu l-ilma kiesaħ, inkella kien iroxx fuqu l-irmied. Min jaf kemm il-darba, meta kien ikun miexi fid-dinja biex ixandar l-*Evanġelju ta' Alla* (cfr. Rum 1,1), u kien ikun mistieden għall-ikel għand nies għonja li kienu jqimuh b'imħabba kbira, kien kemm kemm iduq ftit laħam biex iħares il-kelma ta' l-Evanġelju[133], u mbagħad, jagħmel ta' bir-ruħu li qiegħed jiekol, u kien iħalli l-kumplament ta' l-ikel jaqagħlu f'ħoġru, billi jqiegħed idejh fuq ħalqu ħalli ħadd ma jkun jaf x'inhu jagħmel. U xi ngħidu dwar jekk kienx jieħu inbid, meta lanqas ilma ma kien ibill ma griżmejh meta kien ikun mejjet bil-għatx? [L3C 15; LM V,1]

[245] 52 Kull fejn kien ikun milqugħ għal matul il-lejl, hu qatt ma ried li jkollu mtieraħ jew gvieret biex jorqod, imma l-art għerja kienet tilqa' l-ġisem għeri tiegħu, imleflef biss fit-tonka. Meta mbagħad kien jagħti ftit ta'mistrieħ lill-ġisem dgħajjef tiegħu, ta' spiss kien joqgħod bilqiegħda u mhux jimtedd, u kien jinqeda bi mħadda ta' l-injam jew tal-ġebel. U meta kien ikollu x-xewqa li jiekol xi ħaġa, kif jiġri lil kulħadd, kien bil-ħniena jħalli lilu nnifsu jiekolha. Billi darba kien marid, u għalhekk kiel ftit laħam tat-tiġieġ, meta reġa' kiseb is-saħħa fil-ġisem biex jimxi, daħal fil-belt ta' Assisi. Meta wasal *fil-bieb tal-belt* (cfr. Lq 7,12), talab lil wieħed mill-aħwa li kien miegħu, biex jorbotlu ħabel ma'għonqu u jkaxkru mat-toroq kollha tal-belt bħal ħalliel, filwaqt li jgħajjat u jħabbar lil kulħadd: "Hawn, ara, tistgħu taraw bniedem żaqqieq, li mingħajr ma kontu tafu mela żaqqu bil-laħam tat-tiġieġ". Kienu ħafna dawk li bdew jiġru ħalli jaraw dik ix-xena, u b'għajnejhom bid-dmugħ u bit-tnehid bdew jgħidu: "Imsieken aħna li għexna ħajjitna kollha nxerrdu d-demm biex nieklu l-laħam, u li ġisimna gawda fuq li gawda fil-lussu fis-sokor". U kollha kemm huma kienu mqanqlin mill-eżempju tiegħu biex jgħixu aħjar. [LM V,1; CA 80; SP 61]

[246] 53 Hu kien ta' spiss iwettaq bosta ħwejjeġ oħrajn bħal dawn, biex jitħarreġ fl-umiltà bl-aktar mod perfett. Imma dawn kienu jwassluh biex jikseb ġieħ kbir quddiem l-oħrajn. Kien ħieles minn kull tħassib għall-ġisem, u kien jitrattah qisu *ġarra mkissra* (cfr. S 30,13) u kien jikxfu għat-tagħjir, u dejjem kien iħabbel rasu biex ma jkunx marbut ma' l-ebda xewqa ta' xi ħaġa materjali għall-imħabba tal-ġisem. Kien tassew jistmerr lilu nnifsu, u bil-kliem u l-fatti kien jgħallem lill-oħrajn dwar il-bżonn li jiċħdu lilhom infushom. Xi ngħidu aktar? *Kulħadd kien ifaħħru ħafna* (cfr. Lq 4,15), u kienu jgħannu t-tifħir tiegħu bil-kliem, imma hu waħdu kien iqis lilu nnifsu bniedem mill-aktar baxx u bil-ħeġġa kollha kien jistmerr lilu nnifsu. Ħafna drabi, meta kulħadd kien ifaħħru, hu kien iħossu qisu mweġġa' minn uġiegħ kbir, u kien jaħrab mill-ġieħ tal-bnedmin billi jitlob lil xi ħadd jitrattah bil-herra. Kien isejjaħ wieħed mill-aħwa ħdejh u kien jgħidlu: "Nitolbok taħt ubbidjenza li tgħattini bit-tagħjir mingħajr ma toqgħod taħseb xejn, u li tgħid il-verità kontra l-kliem mhux veru ta' dawn li qegħdin ifaħħruni". U meta dak, minkejja li

[132] *Madonna Povertà* fil-ħajja ta' San Franġisk kellha importanza ċentrali. Hu diffiċli tittraduċi l-kliem ta' Celano: *sanctam et dominam paupertatem*, għax bil-Malti, l-kelma "faqar" hi maskili. Għalhekk ippreferejna li nżommu l-espressjoni "sinjura Povertà", jew "Madonna Povertà".

[133] Fir-Regola mhux bullata III,13 jingħad: *Et liceat eis manducare de omnibus cibis, qui apponuntur eis, secundum Evangelium* (cfr. Lq 10,8). Dan hu l-preċett ta' l-Evanġelju li San Franġisk dejjem isemmih biex juri lill-aħwa li huma jistgħu jieklu dak kollu li jqiegħdulhom quddiemhom, u ma jintrabtux b'liġijiet iebsin ta' astinenza. Dan mhux biex ma jagħmlux penitenza, imma għax il-ħajja fqira u itineranti tagħhom ma kienetx tħallihom jaħżnu għall-għada, u għalhekk setgħu iħossuhom ħielsa li jieklu kull meta l-Mulej jipprovdilhom.

lanqas kien ikun irid, kien ikollu joqgħod jgħajjru bniedem baxx, merċenarju u bniedem li mhu tajjeb għal xejn, hu kien jimtela bil-ferħ u kien iċapċap u jgħid: "Ibierkek il-Mulej, għaliex qiegħed tgħid ħwejjeġ mill-aktar veri li jixirqu lil iben Pietro di Bernardone". B'dawn il-kelmiet hu ried ifakkar lilu nnifsu dwar liema umiltà kien twieled fiha. [LM VI,1; Fior 3]

[247] 54 Biex kulħadd tassew jemmen kemm kien ħaqqu li wieħed jistmerru u biex jagħti lill-oħrajn eżempju ta' stqarrija sinċiera, jekk kien jagħti l-kas li jwettaq xi nuqqas, ma kienx jaħsibha darbtejn li jistqarru quddiem kulħadd, bis-sinċerità, waqt li kien jippriedka lill-poplu. Mhux biss, imma jekk kien jiġrilu li jaħseb ħażin dwar xi ħadd, imqar fl-iċken ħaġa, jew inkella kienet taħrablu xi kelma li tkun iebsa żżejjed, kien mall-ewwel jikxef dnubu quddiem il-persuna li hu jkun iġġudikaha, u jitlob il-maħfra. Għalkemm ħadd ma seta' jċanfru f'xejn, billi hu kien *jishar fuqu nnifsu* (cfr. 2Kor 8,7), il-kuxjenza ma kienetx tħallih bi kwietu, sakemm ma kienx fejjaq b'mod xieraq l-ġerħa ta' ruħu. Kellu xewqa kbira li jimxi 'l quddiem f'kull xorta ta' virtù, imma ma riedx li l-oħrajn jinnutawh, biex hekk jaħrab mill-ammirazzjoni u ma jaqax fil-ftaħir fieragħ tiegħu nnifsu. Kemm aħna ta' min jibkina, aħna li tlifnix, missier qaddis, eżempju ta' kull tjieba u umiltà: tlifnik għax jistħoqqilna, għaliex ma tajniex kasek biex insiru nafuk meta kont fostna! [LM VI,2]

## Kapitlu XX
### Dwar ix-xewqa li kellu li jieħu l-martirju, u dwar kif xtaq imur l-ewwel fi Spanja, imbagħad fis-Sirja, u dwar kif il-Mulej, bil-ħila tiegħu, ħeles lill-baħrin mill-għarqa u kattar l-ikel tagħhom.

[248] 55 Imħeġġeġ bl-imħabba divina, il-missier l-aktar qaddis Franġisku kien jitħabat dejjem biex *imidd idejh għal għemejjel kbar* (cfr. Prov 31,19), u jiftaħ qalbu biex jimxi fit-*triq tal-preċetti* (cfr. S 118,32) tal-Mulej, u kellu xewqa kbira li jasal għall-quċċata tal-perfezzjoni. Fis-sitt sena mill-konverżjoni tiegħu[134], billi kien jaqbad bix-xewqa kbira li jieħu l-martirju mqaddes, u li jmur jippriedka l-fidi nisranija u l-penitenza lis-Saraċini u infidili oħrajn, ried imur fis-Sirja[135]. Rikeb fuq ġifen li kien sejjer lejn dawk l-inħawi, imma l-irjiħat kuntrarji dawwru l-ġifen lejn il-kosta ta' Skjavonja[136]. Meta ra li x-xewqa tiegħu ma setgħetx tiġi mitmuma, wara ftit taż-żmien, talab lil xi baħrin li kienu sejrin lura Ancona, biex jeħduh magħhom, għax dik is-sena ma kien hemm l-ebda ġifen ieħor li kien sejjer is-Sirja. Huma ma rieduhx imur magħhom, minħabba li ma setax iħallas il-vjaġġ. Għalhekk il-qaddis ta' Alla, mimli fiduċja fit-tjieba tal-Mulej, rikeb il-ġifen bil-moħbi flimkien ma' wieħed mill-aħwa. U ara li, imqanqal mill-providenza divina, jasal bniedem li ma kien jafu ħadd, u li ta lil wieħed baħri, *li kien jibża' minn Alla* (cfr. Ġob 1,1), xi ikel, filwaqt li qallu: "*Ħu miegħek* (cfr. Tob 11,4) dan l-ikel u agħtih lil dawk il-fqajrin li huma moħbijin fil-ġifen, kjull meta *jkunu fil-ħtieġa* (cfr. Sir 8,12)". U ġara li qamet maltempata kbira, u damu għal diversi jiem *jitħabtu u jaqdfu* (cfr. Mk 6,48), sakemm intemm l-ikel kollu li kellhom, u kien fadal biss l-ikel tal-fqajjar Franġisku. Dan l-ikel, għall-grazzja divina u bil-qawwa ta' Alla, tkattar, u hekk kien biżżejjed biex itaffi l-ġuħ ta' dawk il-baħrin li kienu ilhom jiem sħaħ jaqdfu, sakemm

---

[134] Jekk il-konverżjoni ta' San Franġisk tiġi ikkalkulata li seħħet bejn tmiem l-1205 u l-bidu ta' l-1206, allura ninsabu fiż-żmien ta' l-1211-1212.

[135] Is-Sirja kienet tindika l-Lvant nofsani b'mod ġenerali. Aktar tard, meta l-Ordni organizza ruħu fi provinċji, waħda mill-provinċji kienet dik tas-Sirja, jew *Oltremare*, li kienet tiġbor fiha r-reġjun ta' l-Eġittu, Palestina, Sirja, Cipru u l-artijiet l-oħrajn tal-Lvant nofsani, u li aktar tard fl-istorja ta' l-Ordni bidet tissejjaħ il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.

[136] Franġisku x'aktarx li telaq mill-port ta' Ancona, fuq il-baħar Adrijatiku. Il-kosta ta' Skjavonja hi d-Dalmazja, li tiġi biswit Ancona.

waslu fil-port ta' Ancona. Malli l-baħrin fehemu li huma kienu ħelsu mill-għarqa għall-merti tal-qaddej ta' Alla Franġisku, mimlijin gratitudni raddew ħajr lil *Alla li jista' kollox* (cfr. Sir 50,19), li dejjem juri ruħu ta' l-għaġeb u mimli mħabba fil-qaddejja tiegħu. [L3C 33; 2C 55; LM VII,13. IX,5]

[249] 56 *Il-qaddej ta' Alla l-għoli* (cfr. Dan 9,39) Franġisku, wara li reġa' lura mill-vjaġġ fuq il-baħar, beda miexi fuq *l-art*, u beda *jaħratha bil-moħriet* (cfr. Dt 21,3) tal-kelma ta' Alla, u *beda jħawwel fiha ż-żerriegħa* tal-ħajja, sabiex tagħti *frott* (cfr. Mt 13,3) imbierek. Mall-ewwel, ħafna irġiel twajbin u jixirqilhom, kjeriċi u lajċi, *ħallew id-dinja* (cfr. 2Pt 1,4) u rebħu l-ħajra tal-ġid li tiġi mix-xitan, sabiex bil-grazzja u r-rieda ta' l-Aktar Għoli, bdew mexjin bil-qima fil-għamla ta' ħajja ta' Franġisku. Imma billi, bħas-siġra ta' l-Evanġelju, li tipproduċi ħafna frott tajjeb, Franġisku ma setax jitfi f'qalbu l-proponiment għoli u l-ħerqa lħiħa tal-martirju. U għalhekk, *wara ftit taż-żmien* (cfr. Mt 25,19), reġa' telaq lejn il-Marokk, sabiex jippriedka l-Evanġelju ta' Kristu lil Miramolino[137] u n-nies tar-reliġjon tiegħu. Tant kien jaqbad bix-xewqa tiegħu, li waqt *il-vjaġġ* tiegħu kien iħalli warajh *lil sieħbu* (cfr. 2Kor 8,19), u kien iħaffef quddiemu kważi fis-sakra ta' l-ispirtu biex iwettaq il-pjan tiegħu. Imma Alla l-ħanin, li fit-tjieba tiegħu għoġbu jiftakar ukoll fija u f'bosta oħrajn[138], meta wasal fi Spanja, *waqaflu f'wiċċu* (cfr. Gal 2,11), u ma setax ikompli l-vjaġġ, għax minħabba li marad, kellu jerġa' lura. [LM IX,6]

[250] 57 Meta reġa' lura f'Santa Marija tal-Porziuncola, wara ftit taż-żmien, xi irġiel letterati u persuni oħrajn nobbli ġew biex jingħaqdu miegħu bil-ferħ kollu[139]. Billi hu kien bniedem nobbli fir-ruħ u prudenti, laqagħhom bil-ġieħ u bid-dinjità, filwaqt li, bħal missier, ta lil kull wieħed dak li kien jeħtieġ. Għax tassew, billi hu kien imżejjen b'dixxerniment mill-aktar fin u rari, kien jagħti kas tal-qagħda ta' kull wieħed. Imma hu ma kellux sabar sakemm ma wettaqx, din id-darba b'kuraġġ akbar, il-ħolma tar-ruħ tiegħu. Fit-tlittax-il sena mill-konverżjoni tiegħu, reġa' rħielha lejn is-Sirja[140], u waqt li kienu qed isiru battalji ħorox bejn l-insara u l-pagani, ħa miegħu wieħed mill-aħwa, u mar jippreżenta ruħu quddiem is-Sultan[141]. Min jista' jfisser il-qawwa u l-kuraġġ li bihom hu kien jitkellem miegħu, u l-mod deċiż u l-kliem magħżul li bih kien iwieġeb lil dawk li kienu jitkellmu kontra l-liġi kristjana? Qabel ma wasal quddiem is-Sultan, inqabad minn nies ta' qattagħni, li qabduh taħt idejhom, insultawh u sawwtuh. Imma hu ma beża' minn xejn, la mit-thedid, la mit-torturi, lanqas mill-mewt; u għalkemm imdawwar mill-mibegħda selvaġġa ta' tant nies, ġie milqugħ mis-Sultan b'ħafna ġieħ. Dan offrielu ħafna favuri u rigali, u ipprova jikkonvertih biex jakkwista l-ġid tad-dinja. Imma meta ra kif hu kien jistmerr dan kollu bħall-ħmieġ, baqa' milqut fil-qiegħnett ta' qalbu, għax kien jara fih bniedem differenti mill-oħrajn kollha. Kien imqanqal ħafna mill-kliem tiegħu u *kien jisimgħu bil-qalb* (cfr. Mk 6,20). F'dawn

---

[137] L-isem Miramolino hu l-verżjoni Taljana ta' l-isem tas-Sultan: Emir-el-Mumenin, li jfisser "mexxej ta' dawk li jemmnu". Fil-fatt kien jismu Mohammed-ben-Naser, li kien tilef l-artijiet tiegħu fi Spanja u kellu jirtira fil-Marokk.

[138] Dan id-dettal awtobijografiku ta' Tommaso da Celano hu importanti ħafna. Kien f'din l-okkażjoni, kif naraw fil-paragrafu li jmiss, u eżattament wara li Franġisku reġa' lura minn Spanja, x'aktarx fl-1213, li Tommaso irċieva t-tonka minn idejn l-istess Franġisku f'Santa Maria della Porziuncola.

[139] Fost dawn il-*litterati viri et quidam nobiles ei gratissime adhaeserunt*, kien hemm ċertament fra Tommaso da Celano, li nafu li kien bniedem kolt u ta' skola, kif juri l-istil raffinat tal-*Legenda* tiegħu.

[140] It-tlittax-il sena mill-konverżjoni ta' San Franġisk tikkorrispondi għall-1219, eżattament meta hu mar fil-kamp tal-Kruċjati f'Damietta, l-Eġittu, u iltaqa' wkoll mas-Sultan Malik-al-Kamil f'Awissu-Settembru 1219. Aktar dwar din il-ġrajja importanti fis-sezzjoni dwar Jacques de Vitry.

[141] Ma' Franġisku kien mar fra Illuminato, kif jgħidilna San Bonaventura fil-*Legenda Maior*, IX,8.

il-ħwejjeġ kollha l-Mulej ma *qatax ix-xewqat* (cfr. S 126,5) tiegħu, għax ried iżommu ħaj biex jilqa' grazzja singulari[142]. [LM IX,7-8; Fior 24]

Kapitlu XXI
Dwar kif ippriedka lill-għasafar u dwar kif il-ħlejjaq kollha kienu jobduh.

[251] 58 Filwaqt li, kif għidna, kienu ħafna dawk li *ingħaqdu* (cfr. Atti 2,41) ma' l-aħwa, l-missier l-aktar qaddis Franġisku kien għaddej minn post għall-ieħor fil-wied ta' Spoleto. Meta wasal qrib Bevagna, ra hemmhekk miġburin għasafar ta' kull kwalità, jiġifieri, ħamiem, ċawl u għasafar li l-poplu jsejħilhom "monachine"[143]. Il-qaddej ta' Alla, Franġisku, meta rahom, billi hu kien bniedem mimli bl-imħabba taħraq u kien iħoss tjieba u mħabba ukoll għall-ħlejjaq inferjuri u bla raġuni, ġera lejhom bil-ħeffa, u ħalla warajh fit-triq lill-aħwa. Resaq qrib tagħhom, billi ra li kienu qed jistennewh, u sellmilhom kif soltu kien jagħmel. Imma billi baqa' mistagħġeb kif l-għasafar ma tarux biex jaħarbu, kif soltu jagħmlu, imtela b'ferħ kbir, u bl-umiltà kollha talabhom biex joqogħdu jisimgħu l-kelma ta' Alla. U fost ħafna affarijiet li qalilhom, żied jgħidilhom ukoll: "Ħuti għasafar, għandkom għalfejn tfaħħru ħafna lill-Ħallieq tagħkom, għaliex hu takom ir-rix biex tilbsu, il-ġwienaħ biex ittiru u dak kollu li teħtieġu. Alla għamilkom mill-aktar nobbli fost il-ħlejjaq l-oħrajn u takom il-permess li intom timirħu fl-arja safja. Intom ma *tiżirgħux, u lanqas taħsdu* (cfr. Lq 12,24), u madankollu hu jħariskom u jmexxikom u jeħliskom minn kull tħassib". Għal dawn il-kelmiet, kif irrakkonta hu nnifsu u l-aħwa li kienu preżenti miegħu, l-għasafar urew il-ferħ tagħhom skond in-natura tagħhom, permezz ta' ċaqlieq, jew billi tawwlu għonqhom, jew billi fetħu ġwenħajhom, jew billi fetħu l-munqar u ħarsu lejh. *Hu għadda minn ġo nosfhom* (cfr. Lq 4,30) u kien jimxi fosthom mingħajr xkiel, u saħansitra kien imiss bit-tonka l-irjus u l-iġsma ċkejknin tagħhom. Imbagħad berikhom bis-sinjal tas-salib u tahom il-permess li jitilqu biex itiru. Imbagħad hu wkoll, flimkien ma' l-aħwa, *beda miexi mat-triq mimli ferħ* (cfr. Atti 8,39), u *beda jrodd ħajr lil Alla* (cfr. Atti 27,35), li hu miqjum mill-ħlejjaq kollha bi stqarrija devota bħal dik. Billi hu bniedem sempliċi, mhux skond in-natura, imma skond il-grazzja divina, beda jakkuża lilu nnifsu bi traskuraġni, talli qatt qabel ma kien ippriedka lill-għasafar, billi dawn kienu semgħu b'daqshekk qima l-kelma ta' Alla. Minn dak il-jum beda jistieden bil-ħerqa lill-għasafar kollha, lill-bhejjem, lir-rettili u wkoll lill-ħlejjaq bla ruħ, biex ifaħħru u jħobbu lill-Ħallieq[144], għax intebaħ ta' kuljum u b'esperjenza personali, kif malli kien *isemmi l-isem* (cfr. Atti 22,16) tal-Feddej, huma kienu jobduh. [3C 20; LM XII,3; Fior 16]

[252] 59 Jum minnhom mar f'post jismu Alviano, sabiex jippriedka l-kelma ta' Alla, u ġara li, *wara li tela' f'post għoli* (cfr. Ġud 13,16), u beda jħares lejn kulħadd, beda jitlob li jaqa' s-skiet. Imma filwaqt li n-nies kollha siktu biex jistennew il-kelma tiegħu bil-qima kollha, kien hemm bosta ħuttaf, li kellu l-bejtiet tiegħu f'dak il-post, u li kienu qegħdin jagħmlu ħafna storbju madwar Franġisku. Billi ħadd ma seta' jisimgħu minħabba dak l-istorbju, hu dar lejn l-għasafar u qalilhom: "Ħuti ħuttaf, issa jmiss lili li nitkellem, għaliex intom diġà tkellimtu biżżejjed. *Isimgħu l-kelma*

---

[142] Celano jirreferi għall-grazzja ta' l-istimmati li Franġisku jirċievi fuq La Verna fl-1224, li jiġu ppreżentati bħala l-martirju tiegħu.
[143] "Monachine", tip ta' għasafar li jgħixu fl-ilma. L-edituri ta' Quaracchi (*Analecta Franciscana* X,44), jipproponu l-kelma djalettali "mulacchie", tipi ta' ċawl lewn iswed ileqq.
[144] Dan hu wieħed mill-ewwel riferimenti għall-Għanja tal-ħlejjaq (*Cantico delle creature*) ta' San Franġisk. Cfr. 1C 80.

*ta' Alla* (cfr. Is 1,10), u oqgħodu kwieti u fis-skiet, sakemm *intemm il-kelma tal-Mulej* (cfr. 2Kron 36,21)". U hekk hu, li mall-ewwel, fost l-istagħġib ta' dawk kollha li kienu jinsabu hemm, l-għasafar obdew, siktu u ma ċċaqilqux minn posthom sa ma ntemmet il-priedka. Meta dawk in-nies *raw dak is-sinjal* (cfr. Mt 12,38), imtlew bi stagħġib kbir, u bdew jgħidu: "*Tassew li dan il-bniedem hu qaddis* (cfr. Lq 23,47) u ħabib ta' l-Aktar Għoli". U huma bdew iħaffu bl-ogħla qima biex imissu l-ilbies tiegħu, *filwaqt li kienu jbierku u jfaħħru lil Alla* (cfr. Lq 24,53). Tassew kienet ħaġa ta' l-għaġeb, għax saħansitra l-ħlejjaq li ma għandhomx raġuni urew li ħassew l-imħabba kollha qima u ħlewwa li Franġisku kien juri lejhom. [3C 21; LM XII,4]

[253] 60 Darba minnhom, meta Franġisku kien jgħix qrib il-kastell ta' Greccio, wieħed mill-aħwa ġieblu fenek selvaġġ li sabu maqbud ħaj fin-nassa. Meta l-bniedem qaddis rah, imqanqal mill-ħniena, beda jgħidlu: "Ħija fenek, ejja għandi. Għaliex ħallejthom jaqbduk?" Malli l-fenek tħalla ħieles, mall-ewwel ħarab *fi ħdan* (cfr. Lq 16,23) il-qaddis, u baqa' hemmhekk bħallikieku f'post tassew żgur. Dam xi ftit tal-ħin f'dik il-qagħda, filwaqt li l-missier qaddis kien imellsu b'imħabba ta' omm, u mbagħad ħallih imur, biex jitlaq lura fil-bosk. Imma kull darba li kien iqiegħdu fl-art, kien jerġa' jaqbeż fi ħdan Franġisku, sakemm dan talab lill-aħwa biex jeħduh huma fil-bosk, li kien fil-qrib. L-istess ġara ma' fenek ieħor selvaġġ, li hu annimal li mhux faċli timmansah, meta l-qaddis kien fuq gżira ta' l-għadira ta' Perugia[145]. [3C 29-30; LM VIII,8]

[254] 61 L-istess imħabba u ħlewwa hu kellu wkoll lejn il-ħut, li meta kien ikun jista' kien jerġa' jixħethom fl-ilma għadhom ħajjin, u jwissihom biex ma jerġgħux iħallu lilhom infushom jinqabdu mill-ġdid. Jum minnhom, meta kien qiegħed f'dgħajsa fil-port ta' l-għadira ċkejkna ta' Rieti[146], wieħed sajjied offrielu bil-qima kollha ħuta li kien għadu kemm qabad. Hu laqa' bil-ferħ u bil-qima kollha dik il-ħuta, filwaqt li sejħilha oħtu, u mbagħad reġa' qiegħda fl-ilma barra d-dgħajsa u beda jbierek *isem il-Mulej* (cfr. S 112,2). U għal ftit tal-ħin dik il-ħuta baqgħet tilgħab kollha ferħ fl-ilma, u ma tbiegħditx sakemm il-qaddis ta' Alla, wara li temm it-talb, taha l-permess biex titlaq. Hekk hu kif il-missier glorjuż Franġisku, filwaqt li kien jimxi fit-triq ta' l-ubbidjenza u tas-sottomissjoni perfetta għar-rieda divina, stħaqqlu li jkollu l-qawwa quddiem Alla li l-ħlejjaq kollha jobduh. Saħansitra l-ilma inbidel f'inbid għalih, meta kien jinsab marid ħafna fl-eremitaġġ ta' Speco di Sant'Urbano. Malli hu xorob ftit minnu, fieq u kulħadd fehem li dak kien tassew miraklu. Għax tassew ma jistax ma jkunx qaddis dak il-bniedem li l-ħlejjaq jobduh b'dan il-mod u li, għall-kmand tiegħu, l-istess elementi jbiddlu n-natura tagħhom. [3C 17.24; LM V,10. VIII,8]

## Kapitlu XXII
Dwar il-predikazzjoni tiegħu f'Ascoli, u dwar kif, meta hu ma kienx preżenti, fiequ l-morda b'oġġetti li kienu messewhom miegħu.

[255] 62 Fiż-żmien li fih, kif għidna, il-missier meqjum Franġisku kien ippriedka lill-għasafar, hu kompla jterraq fil-*bliet u l-kastelli* (cfr. Mt 9,35) u jxerred ma' kullimkien iż-żerriegħa tal-barka tiegħu, sakemm wasal fil-belt ta' Ascoli Piceno. F'din il-belt hu ħabbar il-kelma ta' Alla b'tant ħeġġa, bil-qawwa ta' *l-id il-leminija ta' l-Aktar Għoli* (cfr. S 76,11), li l-poplu imtela bi grazzja u devozzjoni kbira, tant li bix-xewqa li jisimgħuh u jarawh, in-nies kienu *jgħaffġu fuq xulxin* (cfr. Lq 12,1). Tletin persuna, bejn kjeriċi u lajċi, saru dixxipli tiegħu, u irċevew minn idejh

[145] L-għadira ta' Perugia hi l-Lago di Trasimeno.
[146] Il-Lago di Piediluco.

stess il-libsa tar-reliġjon qaddisa. Tant kienet kbira l-fidi ta' l-irġiel u n-nisa, tant kellhom qima lejn il-qaddis ta' Alla, li min kien jista' jmiss *il-libsa tiegħu* (cfr. Mt 21,8) miegħu kien iqis lilu nnifsu hieni. Meta hu kien jidħol f'belt, il-kleru kien jifraħ, kienu jdoqqu l-qniepen, l-irġiel kienu jithennew, kienu jimtlew bil-ħeġġa n-nisa, it-tfal kienu jċapċpulu, u ta' spiss kienu joħorġu jiltaqgħu miegħu bil-friegħi f'idejhom u jkantaw is-salmi. L-ereżija tgħattiet u tħawwdet, il-fidi tal-Knisja ħarġet rebbieħa, u filwaqt li l-insara kienu mimlijin ferħ, l-eretiċi kienu jmorru jinħbew. Is-sinjali tal-qdusija tiegħu tant kienu jidhru li l-ebda eretiku ma kien jazzarda jieqaf lill-kliem tiegħu, filwaqt li lilu biss kienu jobdu *l-folol tal-poplu* (cfr. Num 27,22). Fuq kollox, hu kien iqis dmir sagrosant li jħares, iqim u jimxi f'kollox u fuq kollox skond it-tagħlim tal-Knisja mqaddsa Rumana, li fiha biss tinsab is-salvazzjoni. Kien iqim lis-saċerdoti u kellu imħabba mill-aktar kbira lejn kull ordni ekkleżjastiku[147].

[256] 63 In-nies kienu joffrulu ħobż biex ibierku, u kienu jgħożżuh għal żmien twil, għax meta kienu jieklu minnu kienu jfiqu minn kull xorta ta' mard. Ta' spiss, imqanqlin mill-fidi kbira tagħhom, kienu saħansitra jaqtgħulu biċċiet mit-tonka tiegħu, biex iżommuhom bil-qima, hekk li xi drabi l-bniedem qaddis kien jispiċċa mneżża'. U dak li l-aktar jgħaġġibna hu li, xi oġġetti li kien mess hu b'idejh, kienu jfejqu lill-morda. Hekk ġara meta waħda mara tqila, li kienet tgħix f'raħal ċkejken ħdejn Arezzo, meta waslet biex teħles ġiet maħkuma minn weġgħat qawwija, hekk li damet għal diversi ġranet fl-uġiegħ tal-ħlas, u tant kienet qiegħda tbati uġigħat tal-biża li kienet donnha mdendla bejn ħajja u mewt. *Il-qraba u l-ħbieb tagħha semgħu* (cfr. Lq 1,58) li l-imqaddes Franġisku kien se jgħaddi minn dak il-post hu u sejjer lejn eremitaġġ, u stennewh bil-ħerqa. Imma waqt li huma kienu qed jistennew, hu kien għadda minn triq oħra riekeb fuq żiemel, billi kien dgħajjef u marid. Meta wasal fejn kellu jasal, talab lil fra Pietro biex jerġa' jieħu lura ż-żiemel għand min kien selifulu bil-karità, u fra Pietro għadda proprju mit-triq fejn kien hemm id-dar ta' dik il-mara li kienet qiegħda tbati. Malli n-nies tar-raħal rawh marru jiġru biex jiltaqgħu miegħu, għax ħasbuh San Franġisk. Meta intebħu li ma kienx hu, *tnikktu bil-bosta* (cfr. Mt 18,31). Sadanittant *bdew jistaqsu lil xulxin* (cfr. Lq 22,23) jekk setgħux isibu xi oġġett li l-imqaddes Franġisku kien mess b'idejh. Huma bdew ifittxu u *wara li iddawru mhux ħażin* (cfr. Mt 24,48) sabu r-riedni li l-missier imqaddes kien żamm f'idejh hu u riekeb iż-żiemel. Hekk hu li ħadu r-riedni minn ħalq iż-żiemel, li fuqu kien qagħad il-missier imqaddes, u qiegħduhom fuq il-ġisem ta' dik il-mara, li tbiegħed minnha kull periklu u setgħet twelled b'saħħitha u bil-ferħ. [L3C 19; 3C 108; LM XII,11]

[257] 64 Gualfreduccio, ċittadin ta' Città della Pieve, kien raġel *twajjeb u jibża' minn Alla, bħall-familja kollha tiegħu* (cfr. Atti 10,2). Hu kellu ħabel id-dar, li darba kien jinqeda bih l-imqaddes Franġisku biex jitħażżem. Ġara li diversi nies li kienu joqogħu f'dawk l-inħawi, irġiel u nisa, intlaqtu minn ħafna mard u deni qawwi. Dan ir-raġel li semmejna kien imur fid-djar ta' dawn il-morda, u wara li kien ibill il-ħabel fl-ilma, jew almenu xi ftit ħajt li jinqata' minnu, kien jagħti dak l-ilma lill-morda biex jixorbuh, u kollha kisbu lura saħħithom *fl-isem ta' Kristu* (cfr. 1Pt 4,14). Din hija ġabra qasira ta' mirakli li seħħew meta l-imqaddes Franġisku ma kienx preżenti. Imma seħħew ħafna oħrajn, li lanqas hu possibbli li noqogħdu nirrakkontawhom fit-tul. Dwar dawk, imbagħad, li *l-Mulej Alla tagħna* (cfr. S 98,9) għoġbu jwettaq meta Franġisku kien preżenti, nitkellmu wkoll fil-qosor aktar 'il quddiem f'din l-opra. [3C 19; LM XII,11]

---

[147] Din is-silta hi importanti ħafna biex nifhmu l-fidi li Franġisku kellu fil-Knisja mqaddsa Rumana, kif jistqarr hu stess fir-Regola u fit-Testment tiegħu. Fuq kollox turi kemm Franġisku kien għen lill-Knisja fil-ġlieda kontra l-ereżija tal-Katari, għalkemm it-ton li juża Celano hu wieħed pjuttost trijonfalista.

Kapitlu XXIII
Dwar kif fejjaq raġel zopp f'Toscanella u ieħor paralitiku f'Narni.

[258] 65 Waqt li għadda żmien ixandar l-Evanġelju *tas-saltna ta' Alla* (cfr. Lq 4,43), il-qaddis ta' Alla Franġisku kien idur ma' diversi nħawi, u wasal f'belt jisimha Toscanella[148]. Hawnhekk, filwaqt li kif kien dejjem jagħmel, kien ixerred iż-żerriegħa tas-salvazzjoni, kien hemm kavallier li offrielu li joqgħod għandu f'daru. *L-iben il-waħdieni* (cfr. Lq 7,12) li kellu dan il-kavallier kien zopp u tant kien dgħajjef f'ġismu li kellu jibqa' fin-nieqa, minkejja li kien diġà kiber u ma kienx għadu jerda' ħalib ommu. Meta ra lil dak il-bniedem ta' Alla hekk mimli qdusija, il-kavallier *inxteħet f'riġlejh* (cfr. Rut 3,7.8) u bl-umiltà talbu li jfejjaqlu lil ibnu. Il-qaddis, li ma kienx iqis li jistħoqqlu li jwettaq grazzja bħal dik, għal żmien twil ċaħad din it-talba. Imma mbagħad, mirbuħ mit-talb insistenti ta' dak ir-raġel, laqa' dak li xtaq minnu. Wara li talab fit-tul, qiegħed idejh fuq it-tfajjel, bierku u *għenu jqum* (cfr. Atti 3,7). Dan mall-ewwel, fil-ferħ ta' dawk kollha li kienu preżenti, *f'isem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu* (cfr. Atti 4,19) qam b'saħħtu, u minn dak il-ħin beda jimxi mad-dar kollha. [3C 175; LM XII,9]

[259] 66 Darba oħra *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 9,6.10) Franġisku mar fil-belt ta' Narni, u dam hemmhekk diversi ġranet. Kien hemm raġel f'dik il-belt jismu Pietro, u dan kien mimdud *fis-sodda għax kien paralitiku* (cfr. Mt 9,2). Hu kien ilu hekk għal ħames xhur sħaħ, b'riġlejh, idejh u rasu li ma setax iħarrikhom, u kien jista' biss iħarrek ilsienu u jiftaħ għajnejh. Meta sar jaf li kien ġej fil-belt ta' Narni San Franġisk, bagħat messaġġier għand l-isqof tal-belt, sabiex f'isem il-ħniena divina jogħġbu jibgħatlu l-qaddej *ta' Alla l-Għoli* (cfr. Lq 8,28), għax hu kellu fidi kbira li l-marda li kellu seta' jeħles minnha kieku kellu jarah quddiemu. U hekk sar, li meta l-imqaddes Franġisku daħal għandu, u għamel is-sinjal tas-salib minn rasu sa riġlejh, dak il-ħin stess ġie meħlus minn kull mard, u *reġa' kiseb is-saħħa* (cfr. Mt 12,13) li kellu qabel. [3C 176; LM XII,9]

Kapitlu XXIV
Dwar kif reġa' radd id-dawl lil waħda mara għamja u dwar kif f'Gubbio fejjaq mara oħra li kienet mgħawwġa.

[260] 67 Kien hemm mara mill-belt li għadna kif semmejna, li kienet milquta f'għajnejha u ma setgħetx tara, li reġgħet akkwistat id-don tad-dawl malli l-imqaddes Franġisku għamel is-sinjal tas-salib fuq għajnejha. Kien hemm mara fil-belt ta' Gubbio, li kellha idejha daqshekk mgħawwġin li ma setgħet tagħmel xejn. Meta saret taf li San Franġisk kien daħal fil-belt, mall-ewwel ħarġet tilqgħu u mimlija niket u b'ħarsa ta' ħniena, bdiet titolbu biex imissilha idejha. Hu ġietu ħniena minnha, messilha idejha u fejjaqha. Din, tfur bil-ferħ, marret lura d-dar, għaġnet b'idejha stess ftira tad-dqiq u l-ġobon u offrietha lil Franġisku, li biex iferraħha daq ftit, u mbagħad qal lil mara biex tiekol il-kumplament hi u l-familja tagħha. [3C 121.177; LM XII,10]

[148] Belt li tinsab qrib ta' Viterbo.

Kapitlu XXV
Dwar kif ħeles wieħed mill-aħwa mill-epilessija, u dwar kif fil-kastell ta' San Gemini fejjaq mara indemonjata.

[261] 68 Wieħed mill-aħwa kien isofri ta' spiss minn marda kiefra u kerha, li ma nafx kif naqbad insemmiha, għax kien hemm uħud li kienu jgħidu li kienet kawża ta' ħidma tax-xitan. Dan kien jinstabat ma' l-art, u filwaqt li għajnejh jibdew jinqallbu b'mod li jbeżżgħek, kien jitgħawweġ *bir-ragħwa f'ħalqu* (cfr. Mk 9,19). Il-membri ta' ġismu issa kienu jitgħawwġu, issa kienu jitwalu, jew jibbiesu, jew jiltwew. Xi drabi oħrajn, kien ikun qisu ibbies, b'riġlejh li kienu jmissu ma' rasu, u kien jitgħolla 'l fuq daqs tul ta' raġel u mbagħad jieħu tisbita ma' l-art. Il-missier qaddis Franġisku ġietu ħniena kbira minnu, mar għandu, talab fuqu, immarkah bis-sinjal tas-salib u bierku. Dan mall-ewwel kiseb saħħtu lura u fieq għal kollox mill-marda tiegħu, hekk li qatt aktar ma ħass marda bħal dik. [3C 195; LM XII,11]

[262] 69 Jum minnhom, l-imqaddes missier Franġisku kien għaddej mid-djoċesi ta' Narni, u wasal f'ċertu kastell, li jismu San Gemini, biex hemmhekk *ixandar l-Evanġelju tas-saltna ta' Alla* (cfr. Lq 4,43). Hemmhekk laqgħu għandu flimkien ma' tlieta mill-aħwa *ċertu raġel jibża' minn Alla u jqimu* (cfr. Atti 10,2), li kien magħruf għat-tjieba tiegħu f'dawk l-inħawi. Martu kienet *maħkuma minn xitan* (cfr. Mt 15,22), u n-nies kollha li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi kienu jafu. Ir-raġel, billi kien jafda minn qiegħ qalbu fil-merti tal-qaddis, talab lill-imqaddes Franġisku biex jeħlisha u jfejjaqha. Imma billi dan kien dejjem jixtieq li jżomm lilu nnifsu fl-istmerrija u fl-umiltà, u ried jaħrab mill-unuri tad-dinja, ma riedx iwettaq dak il-miraklu. Imma meta mbagħad ra li kien hemm fin-nofs il-glorja ta' Alla, u li bosta bdew jitolbuh, mirbuħ mit-talb tagħhom ċeda. Sejjaħ lejh lit-tliet aħwa, li kienu miegħu, u qiegħedhom kull wieħed f'rokna tal-kamra, u qalilhom: "L-aħwa, nitolbu lil Alla għal din il-mara li hawn quddiemkom, sabiex Alla *jeħlisha mill-madmad* (cfr. Ġen 27,40) tax-xitan, għat-tifħir tal-glorja tiegħu". U kompla jgħidilhom: "Noqogħdu issa kull wieħed f'rokna għalih, sabiex l-ispirtu ħażin ma jkunx jista' jaħrab jew iqarraq bina, billi jfittex minn fejn jaħrab". *Wara li temmew it-talb* (cfr. Ġud 6,16), l-imqaddes Franġisku, *bil-qawwa ta' l-Ispirtu* (cfr. Rom 15,13.19) resaq lejn il-mara, li kienet qegħda titgħawweġ u kienet tgħajjat għajjat tal-ġenn, u qalilha: "*F'isem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu*, taħt ubbidjenza, *nikkmandak*, ja xitan, biex *toħroġ minnha* (cfr. Atti 16,18), u biex qatt aktar ma tħabbatha". Kien għadu bilkemm temm dawk il-kelmiet, li x-xitan ma *telaqx 'il barra* (cfr. Ġen 39,12) b'tant ħeffa u storbju kbir, li minħabba li dik il-mara fieqet mall-ewwel u minħabba li d-demonju kien obda daqshekk malajr, il-missier qaddis ħaseb li ġie mqarraq. Mall-ewwel telaq minn dak il-post aħmar bil-mistħija, u ħalla kollox f'idejn il-ħidma tal-providenza divina, li ma jmurx jiftaħar bih innifsu. Għaldaqstant ġara li, meta darba oħra l-imqaddes Franġisku reġa' għadda mill-istess post, u kien hemm miegħu fra Elia, dik il-mara, malli saret taf, *qamet u ħarġet tiġri* (cfr. Atti 9,34) fil-pjazza, *tgħajjatlu u tiġri warajh* (cfr. Mt 15,23) sabiex jogħġbu jieqaf ħalli titkellem miegħu. Imma hu ma riedx jilqa' dik it-talba, għax kien jaf tajjeb li dik kienet il-mara li minnha, bil-qawwa divina, kien keċċa d-demonju. U hi *bdiet tbus il-marki tal-passi ta' riġlejh* (cfr. Est 13,13) *u tiżżi ħajr lil Alla* (cfr. Atti 28,15) u lill-qaddej tiegħu San Franġisk, li *kien ħelisha minn idejn il-mewt* (cfr. Ħos 13,14). Fl-aħħarnett, mirbuħ mit-talba ta' fra Elia, il-qaddis aċċetta li jkellimha, u kienu ħafna li urew biċ-ċar li dik kienet il-mara marida li kienet ġiet meħlusa. [3C 155; LM XII,10]

Kapitlu XXVI
Dwar kif keċċa x-xitan ukoll f'Città di Castello.

[263] 70 Kien hemm f'Città di Castello waħda mara maħkuma mix-xitan. F'dik il-belt kien wasal il-missier imqaddes Franġisku. Lil din il-mara ħaduha fid-dar fejn kien jinsab. Din il-mara *meta kienet għada barra* (cfr. Ġw 20,11) bdiet theżżeż snienha u tkerraħ wiċċha, filwaqt li bdiet tixgħer b'għajjat li jbeżżgħek, *kif soltu jiġri fl-ispirti mniġġsa* (cfr. Ġw 19,40; Mt 10,1). Bosta nies minn dik il-belt, miġburin flimkien, talbu lil San Franġisk biex jeħlisha, għaliex l-għadu infernali kien ilu jaħkimha għal żmien twil u kien iġiegħelha tbati b'dak il-mod, tant li kienet tbeżża' lil kulħadd bl-għajjat tagħha. Franġisku ried jagħraf jekk dik kienetx ħidma tax-xitan jew inkella xi għemil ta' qerq ta' dik il-mara, u bagħat qablu wieħed mill-aħwa li kienu miegħu. Dik il-mara malli ratu bdiet tiddieħaq bih u tgħajjru, għax intebħet li dak ma kienx San Franġisk. Il-missier imqaddes kien ġewwa jitlob, u meta temm it-talb ħareġ barra. Allura l-mara bdiet titriegħed u inxteħtet għal tulha titgħawweġ ma' l-art, għax ma felħitx il-qawwa tiegħu. San Franġisk sejħilha biex tersaq lejh u qalilha: "Bil-qawwa ta' l-ubbidjenza nikkmandak, *ja spirtu mniġġes, oħroġ* (cfr. Mk 5,8) minnha". Ix-xitan ħallieha mall-ewwel mingħajr ma għamlilha l-ebda ħsara. Niżżu ħajr lil *Alla li jista' kollox* (cfr. Sir 50,19), li *jaħdem kollox f'kulħadd* (cfr. 1Kor 12,11). Għax tassew, aħna wegħedna lilna nfusna li nirrakkontaw mhux tant il-mirakli, li juru l-qdusija imma li ma jagħmlux lill-bniedem qaddis, imma pjuttost il-ħajja mill-aktar perfetta u s-sinċerità mill-aktar kbira li hu għex. Nerġgħu naqbdu n-nisġa ta' dawk l-għemejjel li immeritawlu *s-salvazzjoni ta' dejjem* (cfr. Lhud 5,9), u nħallu barra l-mirakli, ukoll għaliex nieħdu wisq fit-tul li nġibuhom kollha. [3C 156; LM XII,10]

Kapitlu XXVII
Dwar is-safa u l-ispirtu kostanti tiegħu, u dwar kif ippriedka quddiem is-sinjur Papa Onorju, u dwar kif dan afdah flimkien ma' l-aħwa f'idejn is-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia.

[264] 71 *Il-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 9,6.10) Franġisku kien tgħallem ifittex mhux dak li jaqbillu, imma dak li jaqbel l-aktar u hu meħtieġ għas-salvazzjoni tal-proxxmu. Fuq kull ħaġa oħra hu *kien jixtieq jinħall mill-ġisem biex jingħaqad ma' Kristu* (cfr. Fil 1,23). Għaldaqstant l-akbar impenn tiegħu kien dak li jżomm ruħu ħieles *mill-ħwejjeġ tad-dinja* (cfr. 1Ġw 2,15), sabiex lanqas għal waqt wieħed biss it-trab ta' l-art ma seta' jixħet id-dell u jħawwad id-dawl u s-sliem ta' ruħu. Kien donnu ma jagħtix kas tal-ħsejjes barra minnu, u kien jiġbor is-sensi kollha tiegħu u jaħkem kull ċaqliq tar-ruħ, biex jgħix mitluf biss f'Alla. Kien iqiegħed il-bejta tiegħu *fix-xquq tal-blat,* u kien jgħammar *fil-għerien ta' l-irdumijiet* (cfr. Għan 2,14). Tassew li b'qima mimlija ferħ hu kien iħossu f'postu fost l-għamajjar tas-sema, u billi hu xejjen għal kollox lilu nnifsu, kien jgħammar fit-tul bħallikieku moħbi fil-ġerħat tal-Feddej. Kien jagħżel ta' spiss li joqgħod f'postijiet imwarrbin biex hemm jintelaq b'ruħu kollha f'Alla, filwaqt li, meta kien ikun meħtieġ, ma kienx jaħsibha darbtejn biex iwettaq l-għemejjel li bihom seta' jħaddem il-ġid għall-ħajja tal-proxxmu. Il-port żgur tiegħu kien it-talb, mhux dak ta' ftit ħin, jew vojt, jew prużuntuż, imma talb fit-tul kemm jista' jkun, mimli devozzjoni, umiltà u sliem. Jekk kien jibda jitlob filgħaxija bil-ħniena kien jirnexxielu jinqata' mit-talb l-għada filgħodu. Kien dejjem mehdi fit-talb, meta kien jimxi jew meta kien joqgħod bilqiegħda, meta kien jiekol jew jixrob. Bil-lejl kien imur, waħdu, fil-knejjes mitluqin u mwarrbin biex jitlob, u fihom, bil-grazzja divina li kienet tħarsu, irnexxielu jirbaħ ħafna biżgħat u tiġrib tar-ruħ.

72 F'dawk il-postijiet *kien jitħabat driegħ ma' driegħ* (cfr. Eż 21,24) max-xitan, li kien jiġi hemmhekk u jidhirlu biex ibeżżgħu mhux biss bit-tentazzjonijiet interjuri, imma wkoll minn barra b'ħafna storbju u tkissir. Imma bħala suldat qawwi ta' Kristu, billi kien jaf li l-Mulej jista' kollox kullimkien, ma kienx iċedi quddiem il-biża', imma kien itenni fil-qalb tiegħu: "Int ma tistax, ja ħażin, toħroġ kontra tiegħi l-armi kollha tal-qerq tiegħek f'dawn il-postijiet aktar milli tista' tagħmilli kieku konna qalb folla nies". Hu kien tassew qawwi u dejjem kostanti fil-ġid, u xejn aktar ma kien ifittex li jwettaq ħlief *il-ħwejjeġ ta' Alla* (cfr. 1Kor 7,32). Meta hu kien ta' spiss jippriedka *l-kelma ta' Alla* (cfr. Atti 13,5) quddiem eluf ta' bnedmin, kien jibqa' sielem u żgur, daqslikieku kien qiegħed jitkellem ma' ħuh jew ma' sieħbu. Quddiem għajnejh folla kbira ta' nies li jisimgħuh kienu l-istess bħal bniedem wieħed, u l-istess ħeġġa li kien jippriedka lill-folol kien ukoll jużaha ma' bniedem wieħed. Mis-safa ta' ruħu kien jislet il-qawwa żgura tal-kelma tiegħu, u wkoll jekk kienu jistednuh mingħajr ma javżawh, kien ikun jaf jgħid ħwejjeġ ta' l-għaġeb li qatt ma kienu jkunu instemgħu qabel. Meta mbagħad kien iħejji minn qabel u bir-reqqa xi priedka, wara li kienu jinġabru n-nies kien jista' jiġrilu li, fil-ħin li jibda jippriedka ma kien jiftakar lanqas kelma waħda minn dak li kellu jgħid. Allura kien jistqarr quddiem kulħadd u bla mistħija li kien ħejja bosta ħwejjeġ, imma li kien nesihom kollha. U hekk hu li, f'daqqa waħda, kien jibda jitkellem b'tant kapaċità ta' kliem li kien iħalli miblugħin dawk li jisimgħuh. Drabi oħrajn kien jiġrilu li lanqas ikun kapaċi jgħid kelma waħda. F'dan il-każ kien jibgħat lin-nies bil-barka tiegħu, u din kienet tiswa' aktar milli kieku kien ikun għamel xi priedka twila. [LM X,3]

[265] 73 Darba minnhom kellu jmur Ruma, minħabba problemi li jmissu l-Ordni, u kellu xewqa kbira li jitkellem quddiem il-Papa Onorju[149] u l-kardinali. Meta Ugolino, l-isqof glorjuż ta' Ostia, li kellu mħabba partikulari lejn il-qaddis ta' Alla, sar jaf b'dan, hu imtela bil-ferħ imma wkoll bil-biża', għax, għalkemm hu kien jammira l-ħeġġa ta' dan il-bniedem qaddis, imma kien ukoll jaf kemm kien sempliċi u safi fl-intenzjonijiet tiegħu. Imma billi hu *kien jafda fil-ħniena ta' l-Aktar Għoli* (cfr. 2Mak 8,18), li qatt ma jħalli lil dawk li jqimuh *neqsin mill-meħtieġ ta' kuljum* (cfr. Sir 8,12), daħħlu quddiem is-sinjur Papa u r-reverendi kardinali. Dan, wara li rċieva l-barka, *ipprova jibda' jitkellem* (cfr. Lq 7,15) bla biża' quddiem prinċpijiet hekk kbar. U tkellem b'ħeġġa tant qawwija li kien donnu ħareġ barra minnu nnifsu bil-ferħ, u filwaqt li kien jitkellem kien saħansitra jiċċaqlaq fuq riġlejh, donnu kien qiegħed jiżfen. Imma dik l-imġieba mhux tas-soltu, mhux biss ma dehritx bħala sinjal ta' ħajja laxka, imma billi kienet taqbad bin-nar ta' l-imħabba divina, mhux għad-daħq qanqlithom imma għall-biki ta' l-indiema. Ħafna minn dawk preżenti, *tqanqlu fil-qalb għall-indiema* (cfr. Atti 2,37), bil-grazzja divina u *kienu jammiraw il-qawwa fl-imġieba* (cfr. Atti 4,13) ta' dak ir-raġel. Imma l-meqjum sinjur isqof ta' Ostia kien kollu biża', u mill-qiegħnett ta' qalbu kien jitlob lill-Mulej, li ma jmorrux imaqdru s-sempliċità ta' dak ir-raġel qaddis, ukoll għaliex kemm id-disprezz, kif ukoll il-glorja tal-qaddis kienu jispiċċaw biex jaqgħu fuqu, li kien ġie *maħtur* missier *fuqu u fuq il-familja tiegħu* (cfr. Lq 12,42)[150].

[266] 74 San Franġisk, fil-fatt, kien marbut miegħu bħal *iben* ma' missieru u *bħall-iben waħdieni ma' ommu* (cfr. Lq 7,12), u kien *jorqod* fiż-żgur u jistrieħ *fis-sider* (cfr. 2Slat 12,3) tat-tjieba tiegħu. Dan ir-ragħaj kien tassew jaħdem biex imexxi din l-opra, għalkemm kien iħalli l-isem ta' ragħaj lill-bniedem qaddis. Il-missier imqaddes kien jaħseb minn qabel dwar dak li jkun

---

[149] Il-kardinal anzjan Cencio Savelli ġie elett Papa jumejn wara l-mewt ta' Innoċenz III fil-belt ta' Perugia, fit-18 ta' Lulju 1216, u ħa l-isem ta' Onorju III. Kien il-Papa li approva r-Regola Franġiskana.
[150] Dwar il-ħatra tal-kardinal Ugolino bħala Protettur ta' l-Ordni, cfr. 1C 100.

meħtieġ, imma kien dak is-sinjur hieni li kien jara li l-ħsieb tiegħu iseħħ. Kemm kienu dawk li, l-aktar fil-bidunett, riedu jheddu u jwaqqgħu fit-telfien *il-mixtla ġdida* (cfr. S 143,12) ta' l-Ordni! Kemm kienu dawk li riedu joħonqu *d-dielja magħżula* (cfr. Ġer 2,21) li id il-Mulej kienet ħawwlet fid-dinja! Kemm kienu dawk li riedu jeqirdu l-ewwel frott safi tiegħu! Imma dawn kollha *intrebħu u ġew fix-xejn bil-qawwa tax-xabla* (cfr. Atti 5,36) tal-meqjum missier u sinjur. Hu kien xmara ta' kliem mimli tifsir, kien sur tal-Knisja, kien ħarries qawwi tal-verità u ħabib ta' l-umli. Ikun dejjem imfakkar u mbierek dak il-jum li fih il-qaddej ta' Alla intreħa f'idejn dan is-sinjur tant meqjum[151]. Meta f'ċertu żmien kien dan is-sinjur kien jinsab fit-Toscana bħala legat tas-Sede Apostolika, u dan kien inkarigu li ta' spiss kien ikollu, l-imqaddes Franġisku, li dak iż-żmien kien għad kellu biss ftit aħwa, ried imur Franza. Hekk wasal Firenze, fejn kien jinsab dan l-isqof. Dak iż-żmien ma kienux għadhom marbutin flimkien bi ħbiberija kbira, imma l-fama tal-qdusija tagħhom kienet biżżejjed biex tgħaqqadhom flimkien f'rabta ta' mħabba u stima wieħed ta' l-ieħor.

[267] 75 Mill-banda l-oħra, kienet drawwa ta' l-imqaddes Franġisku, li meta kien jidħol f'xi belt jew territorju, kien l-ewwel imur jippreżenta ruħu b'qima u tjieba lill-isqof jew lis-saċerdoti ta' dak il-post. Hekk għamel meta sema' li hemmhekk kien hemm bniedem tal-Knisja ta' dinjità hekk kbira. Malli s-sinjur isqof raħ quddiemu, laqgħu għandu b'rispett umli, kif kien jagħmel l-aktar ma' dawk ir-reliġjużi li kienu jipprofessaw il-faqar imqaddes u s-sempliċità. Billi hu kellu kura kbira biex *jimla l-ħtieġa* (cfr. 2Kor 8,14) tal-foqra u jieħu ħsieb biex jara li jsolvi l-problemi li setgħu jkollhom, hu interessa ruħu b'attenzjoni dwar ir-raġuni tal-mawra tiegħu hemmhekk, u semgħu b'tjieba kbira. Billi hu ra li, fuq kull ħaġa oħra, l-qaddis kien maqtugħ minn kull ġibda għall-ġid tad-dinja, u li kien mimli bin-nar l-aktar iħaġġeġ li Ġesù *ġab fid-dinja* (cfr. Lq 12,49), hu ħass *ruħu tintrabat ħaġa waħda ma' tiegħu* (cfr. 1Slat 18,1), u talbu bil-karità li jitlob għalih u wiegħdu li joffrilu f'kollox il-protezzjoni tiegħu. Imbagħad ipprova jikkonvinċih biex ma jagħmilx dak il-vjaġġ, u irrikmandalu lill-aħwa lill-Mulej Alla kien qiegħed jitolbu li jħares. Meta San Franġisk ra b'liema qima tar-ruħ kien itrattah dan is-sinjur meqjum, hekk mimli ħlewwa u kliem ta' qawwa, *hu feraħ b'ferħ kbir* (cfr. Mt 2,11), u hekk *intasab f'riġlejh* (cfr. Atti 10,25) u reħa f'idejh lilu nnifsu u lill-aħwa b'devozzjoni sinċiera[152]. [CA 108; SP 65]

## Kapitlu XXVIII
Dwar l-ispirtu ta' karità u dwar kemm kien iħoss imħabba lejn il-foqra, u dwar il-ġrajja tan-nagħġa u tal-ħrief.

[268] 76 *Missier il-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16), il-fqajjar Franġisku, kien irid isir fqir mal-foqra, u ma setax jissaporti n-niket li jara lil xi ħadd li jkun ifqar minnu, mhux minħabba *l-glorja fiergħa* (cfr. Gal 5,26), iżda biss minħabba l-affett li kien iġiegħlu jbati ma' min ibati. Għalkemm hu kien l-ifqar fost il-foqra, imqanqal minn affett ta' tjubija, kien ikun irid jgħin lill-foqra, u meta kien jagħmel bard kbir kien imur għand l-għonja ta' din id-dinja u jittallab mingħandhom biex jisilfuh xi mantell jew ħwejjeġ oħrajn tal-ġild. U billi huma kienu jagħtuhomlu b'ħeġġa akbar minn dik li

---

[151] Ma ninsewx li, meta Celano kien qiegħed jikteb, il-kardinal Ugolino kien sar Papa Girgor IX, u kien hu li qabbdu jikteb il-ħajja ta' San Franġisk. Kliem ta' tifħir bħal dan ma setax jonqos biex Celano jogħġob lill-Papa!
[152] Il-kardinal Ugolino kien Legat Papali fit-Toscana u l-Lombardia mit-23 ta' Jannar 1217. Għalhekk il-laqgħa ta' Franġisku ma' dan il-kardinal ġewwa Firenze seħħet fl-1217, u x'aktarx wara l-kapitlu ġenerali li kien sar f'Mejju, fejn ġie deċiż li l-aħwa jmorru jevanġelizzaw 'il hemm mill-Alpi. Franġisku xtaq imur Franza. Ugolino deherlu li kien aktar prudenti li Franġisku jibqa' l-Italja qrib l-aħwa, biex imexxi aħjar l-Ordni.

hu kien jittallab biha, hu kien jistqarrilhom: "Nilqagħhom mingħandkom, imma b'kundizzjoni li intom ma tistennew qatt li terġgħu tirċevuhom lura". U jekk kien jiltaqa' ma' xi ħadd ifqar minnu, kien jifraħ u jithenna li jagħtih dawk il-ħwejjeġ ħa jilbishom. Kien iħossu mweġġa' meta kien jisma' lil xi ħadd li jdejjaq bil-kliem lill-foqra, u ma kienx ikun jiflaħ jisma' *kliem ta' saħta* (cfr. Ġoż 8,34) kontra xi ħlejqa ta' Alla. Hekk ġara li, jum minnhom, sema' wieħed mill-aħwa jgħid lil bniedem fqir li kien qiegħed jittallab il-karità: "Nittama li mintix għani u qiegħed tilgħabha ta' fqir". Malli *missier il-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16), San Franġisk, sema' dan il-kliem, hu tnikket mill-qiegħnett ta' qalbu, u ċanfar ħafna lil dak ħuh li kien tkellem hekk, u ordnalu jinża' ħwejġu quddiem it-tallab u jitolbu jaħfirlu, filwaqt li jbuslu riġlejh[153]. Kien soltu jgħid: "Min jitratta ħażin lill-foqra, ikun qiegħed joffendi lil Kristu, għax il-foqra jilbsu s-sinjal nobbli tiegħu, ta' Dak li *sar għalina fqir f'din id-dinja* (2Kor 8,9). Ta' spiss għalhekk, meta kien jiltaqa' ma' xi bniedem fqir li jġorr fuq spallejh l-injam jew affarijiet tqal oħrajn, kien ikun irid jieħu fuq spallejh dak it-toqol, għalkemm hu kien dgħajjef f'saħħtu. [2C 83.85; LM VIII,5; CA 114; SP 37]

[269] 77 L-ispirtu ta' karità tiegħu kien ifur, flimkien mal-ħniena li kien iħoss fih, mhux biss għall-bnedmin li jkunu fil-ħtieġa, imma saħansitra għall-annimali li ma jistgħux jitkellmu, għar-rettili, għall-għasafar u għall-ħlejjaq l-oħrajn kollha li jħossu jew li ma għandhomx nifs tal-ħajja. Imma fost l-annimali kollha kellu mħabba speċjali u partikulari lejn il-ħrief, għaliex il-Mulej tagħna Ġesù Kristu hu mxebbaħ fl-Iskrittura, minħabba l-umiltà tiegħu, mal-ħaruf. Għall-istess raġuni kien iħobb aktar u jixtieq jgħannaq u jħares bil-ħlewwa lejn dak kollu li, b'xi mod, seta' jixbaħ lill-Iben ta' Alla. Darba minnhom kien għaddej mill-Marca ta' Ancona, wara li *kien ippriedka l-kelma tal-Mulej* (cfr. Atti 15,36) f'dik il-belt, u kien sejjer lejn Osimo flimkien ma' fra Paolo, li *kien ġie maħtur ministru* (cfr. Atti 26,16) ta' l-aħwa kollha ta' dik il-provinċja. Huma iltaqgħu ma' ragħaj li kien qiegħed f'għalqa flimkien mal-merħla tiegħu ta' mtaten u mogħoż, li kienu jirgħu. F'nofs dawn l-imtaten u l-mogħoż kien hemm nagħġa waħda, li kienet tiekol il-ħaxix bil-kwiet u l-umiltà. Malli raha, Franġisku waqqaf il-pass, u *intmess min-niket fil-ġewwieni tal-qalb tiegħu* (cfr. Ġen 6,6), u waqt li tniehed, qal lil dak ħuh li kien miexi miegħu: "Qiegħed taraha lil dik in-nagħġa waħedha u siekta qalb l-imtaten? Jiena ngħidlek li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu kien jimxi *b'qalb ħelwa u umli* (cfr. Mt 11,29) qalb il-fariżej u l-kapijiet tas-saċerdoti. Għalhekk nitolbok, ibni, għall-imħabba tiegħu, biex nixtru lil din in-nagħġa u neħduha magħna, sabiex *noħorġuha 'l barra* (cfr. S 135,11) minn qalb dawn l-imtaten u l-mogħoż". [LM VIII,6]

78 Fra Paolo ħassu miġbud mill-ħniena mqanqla tal-missier imqaddes, u beda jħoss ħniena hu wkoll. Imma billi ma kellhomx ħlief it-tonok goffi li kienu lebsin, ma kienux jafu kif se jixtru dik in-nagħġa, sakemm wasal hemm xerrej li offrielhom il-prezz meħtieġ biex jixtruha. Huma mela *raddew ħajr lil Alla* (cfr. Kol 3,17), u ħadu magħhom in-nagħġa filwaqt li komplew triqthom lejn Osimo. Malli daħlu f'dik il-belt ġew milqugħin b'qima kbira mill-isqof ta' hemmhekk. Is-sinjur isqof baqa' mistagħġeb meta ra lil dik in-nagħġa, li *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 4,9) kien qiegħed imexxi miegħu, u meta ra l-għożża kbira li hu kien juri lejha. Imma meta l-qaddej ta' Kristu kien qallu parabbola twila dwar dik in-nagħġa, l-isqof *ħass għafsa ta' qalb* (cfr. Atti 2,37) għas-safa tal-bniedem ta' Alla u *radd ħajr lil Alla* (cfr. Atti 27,35). L-għada filgħodu, meta reġgħu qabdu triqthom, Franġisku beda jaħseb kif l-aħjar isib post għal dik in-nagħġa, u wara li ħa l-parir mingħand fra Paolo li kien jimxi miegħu, ħalla n-nagħġa f'idejn il-qaddejja ta' Kristu li kienu

[153] Skond AC 114 u SP 37 dan l-episodju ġara f'post jismu Rocca di Brizio.

jgħixu fil-klawsura f'San Severino, biex iħarsuha huma[154]. Dawn il-qaddejja miqjumin ta' Kristu laqgħu b'ferħ kbir dik in-nagħġa daqslikieku kienet *rigal mogħti lilhom minn Alla* (cfr. 2Mak 15,16). Ħadu ħsiebha għal żmien twil, u mbagħad bis-suf tagħha kienu nisġu tonka u bagħtuha lill-imqaddes missier Franġisku, fiż-żmien li kien qiegħed jagħmel kapitlu f'Santa Maria della Porziuncola. Il-qaddis ta' Alla laqgħa dik it-tonka u ħaddanha ma' qalbu, filwaqt li biesha b'qima kbira, u stieden lill-aħwa kollha biex jifirħu miegħu.

[270] 79 Darba oħra, waqt li kien għaddej mill-istess Marca, flimkien ma' l-istess fra Paolo, li kien jakkumpanjah bil-ferħ, iltaqgħu ma' raġel li kien qiegħed iġorr żewġ ħrief imdendlin ma' spallejh u marbutin, li kienu jibku, u li hu kien sejjer ibiegħhom. Malli sema' dawk il-ħrief jibku l-imqaddes Franġisku *ħass il-ġewwieni tiegħu jitqanqal* (cfr. 1Slat 3,26), u filwaqt li resaq lejhom, beda jmellishom, kif tagħmel omm ma' wliedha li jibku, u bi ħniena kbira qal lil dawk ir-raġel: "Għaliex qiegħed taħqar lil ħuti l-ħrief billi żżommhom marbutin u mdendlin b'dak il-mod?" Dak wieġbu u qallu: "Jiena se mmur inbiegħhom is-suq, għax għandi bżonn il-flus". U l-qaddis qallu: "U mbagħad x'jiġri minnhom?" U dak ir-raġel wieġeb: "Jixtruhom in-nies biex joqtluhom u jiekluhom". Malli sema' hekk il-qaddis qal: "Ma jkun qatt! Ara tagħmel hekk! Ħu l-mantell li għandi fuqi u agħtini dawk iż-żewġ ħrief". Dak ir-raġel kien ferħan li jpartat, għaliex il-mantell li Franġisku kien irċieva mingħand wieħed raġel, li silifulu proprju dakinhar biex iħares lilu nnifsu mill-bard, kien jiswa ħafna iktar minn dawk iż-żewġ bhejjem żgħar. Imma malli irċieva dawk il-ħrief, il-qaddis mill-ġdid beda jinkwieta dwar x'jagħmel bihom biex jieħu ħsiebhom, u wara li talab il-parir ta' fra Paolo, reġa' tahom lura lil sidhom, filwaqt li talbu biex qatt aktar ma jbiegħhom, u biex qatt aktar ma jaħqarhom, imma biex iżommhom u jħarishom u jieħu ħsiebhom bir-reqqa.

## Kapitlu XXIX
Dwar kif, minħabba l-Ħallieq kellu mħabba kbira lejn il-ħlejjaq kollha, u dwar ir-ritratt fiżiku u morali tiegħu.

[271] 80 Ikollna nieħdu wisq fit-tul, u forsi lanqas ikun possibbli, li nirrakkontaw dak kollu li l-glorjuż missier Franġisku għamel u għallem, dment li *kien jgħix fil-ġisem* (cfr. Fil 1,22). Min jista' jiddeskrivi l-imħabba li ma titfissirx li kellu għal *dak kollu li hu ta' Alla* (cfr. Mt 22,21) fil-ħolqien? *Kif qatt nistgħu nieqfu insemmu* (cfr. Sir 18,2) il-ħlewwa li hu kien juri, meta kien jikkontempla l-għerf tal-Ħallieq, il-qawwa u t-tjieba tiegħu li jidhru fil-ħlejjaq? Minħabba f'hekk, meta kien isammar ħarstu fuq ix-xemx, il-qamar, il-kwiekeb fil-firxa tas-smewwiet, kien jimtela b'ferħ li ma jitfissirx. O tjieba sempliċi, u sempliċità mimlija tjieba! Saħansitra lejn id-dud kien juri mħabba qawwija, għaliex fl-Iskrittura hekk kien jaqra dwar il-Feddej: *Jiena dudu ta' l-art, u mhux bniedem* (S 21,7). Għaldaqstant kien jieħu ħsieb li jiġborhom mit-triq u jqiegħdhom f'post ieħor, li ma jmorrux jgħaffġuhom il-bnedmin. U xi ngħidu dwar il-ħlejjaq l-oħrajn inferjuri, meta nafu li matul ix-xitwa kien saħansitra jieħu ħsieb li jħejji għasel u inbid għan-naħal, biex ma jmutux bil-bard? Kien ifaħħar b'tifħir ta' l-għaġeb il-qawwa ta' ħidma u l-istint fin li Alla kien għanihom bih, u ġie li kien jiġri li kien jgħaddi jum sħiħ ifaħħarhom, flimkien mal-ħlejjaq l-oħrajn kollha. Kif darba t-tliet żgħażagħ, *fil-ħuġġieġa tan-nar jaqbad*, kienu *jfaħħru u jigglorifikaw* il-ħallieq ta' kollox, u kienu jistiednu l-ħlejjaq kollha biex ifaħħruh magħhom, hekk dan ir-*raġel, mimli bl-*

[154] Dan kien il-monasteru tal-Klarissi ta' San Salvatore f'Colpersito, li mbagħad ġie trasferit Passignano, qrib San Severino. F'dan il-post seħħet il-konverżjoni ta' fra Pacifico, il "re dei versi"; cfr. 2C 106.

*ispirtu ta' Alla* ma kien jehda qatt *jigglorifika, ifaħħar u jbierek* (cfr. Dan 3,17.51) il-ħallieq u l-mexxej ta' kollox fil-ħlejjaq u l-għemejjel kollha tiegħu[155]. [2C 165; LM VIII,6]

[272] 81 F'liema estasi kien jidħol fl-ispirtu tiegħu meta kien iħares lejn is-sbuħija tal-ward, meta kien jammira l-għamla tagħhom u kien jimla mnifsejh bil-fwieħa li jxerrdu? Kien mall-ewwel jiftakar fis-sbuħija ta' dak li hu l-warda *li tikber mill-għerq ta' Ġesse* (cfr. Is 11,1), fil-qieragħ tax-xitwa, u li l-fwieħa tiegħu tqajjem eluf li ma jingħaddux ta' mejtin. Jekk kien jara meddiet ta' fjuri, kien jieqaf biex jippriedkalhom u kien jistedinhom biex ifaħħru lill-Mulej daqs li kieku kienu ħlejjaq bir-raġuni. L-istess kien jagħmel mad-dwieli, mal-blat, mal-boskijiet u *ma' l-għelieqi sbieħ* (cfr. Sir 24,19), ma' l-ilma ġieri u mal-ġonna mimlijin ħaxix, ma' l-art u man-nar, ma' l-arja u mar-riħ, li b'sempliċità u safa tal-qalb kien jistedinhom biex iħobbu u jfaħħru lill-Mulej. Kien isejjaħ lill-ħlejjaq kollha bl-isem ta' aħwa, għax fihom kien jilmaħ *ħwejjeġ moħbija tal-qalb* (cfr. 1Kor 14,25) u ta' l-għaġeb li ingħataw lilhom u mhux lil ħaddieħor, u għax hu kien *kiseb il-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla* (cfr. Rum 8,21). U issa fis-sema jfaħħrek ma' l-anġli, o Ġesù twajjeb, dak li *fuq din l-art* (cfr. Ġob 20,4) kien ifaħħrek għall-imħabba tiegħek fil-ħlejjaq kollha.

[273] 82 L-ebda moħħ tal-bniedem ma jista' jifhem dak li kien iħoss, meta kien isemmi *l-isem tiegħek l-aktar qaddis, Mulej* (cfr. S 8,2). Kien jimtela bil-ferħ u jfur b'hena mill-aktar safja, hekk li kien jidher donnu bniedem ġdid u ġej minn dinja oħra. Għaldaqstant, meta kien isib xi kitba ta' ħwejjeġ qaddisa jew umani, mat-triq, jew id-dar jew ma' l-art, kien jiġborha b'qima kbira, u kien iqiegħdha f'post qaddis, jew almenu li jixraqlu rispett, bil-biża' li fiha seta' kien hemm l-isem tal-Mulej jew xi ħaġa li għandha x'taqsam miegħu[156]. Meta darba minnhom wieħed mill-aħwa staqsieh għaliex kien jiġbor b'tant kura saħansitra l-kitbiet tal-pagani jew dawk li ċertament ma kienx ikollhom l-isem ta' Alla, hu wieġeb: "Ibni, nagħmel hekk għaliex bl-ittri kollha wieħed jista' jsawwar *l-isem l-aktar qaddis tal-Mulej Alla* (cfr. Dt 5,11). Wara kollox, kull ġid li jinsab fil-bnedmin, kemm jekk huma pagani u kemm jekk mhumiex, irridu naraw li tahulhom Alla, li hu l-għajn ta' kull ġid". U dak li l-aktar jgħaġġibna hu li, meta kien jikteb xi ittri jew tislijiet jew kliem ta'tħeġġiġ, ma kienx ikun irid li titneħħa xi ittra jew sillaba, ukoll jekk tkun żejda jew żbaljata[157]. [LM X,6]

[274] 83 Kemm kien sabiħ, kemm kien jiddi, kemm *kien jidher glorjuż* (cfr. 2Sam 6,22) fl-innoċenza tal-ħajja tiegħu, fis-sempliċità ta' kliemu, fis-safa ta' qalbu, fl-imħabba ta' Alla, fil-karità lejn l-aħwa, fl-ubbidjenza mimlija ħeġġa, fil-ħlewwa ta' karattru, fid-*dehra ta' anġlu* (cfr. Imħ 13,6)! Kien ħelu fl-imġieba, ġwejjed fin-natura, mimli tjubija fil-kliem, prudenti għall-aħħar fit-twissijiet, *fidil sa l-aħħar fit-twettieq ta' dmiru* (cfr. Prov 11,13), iqis il-ġid ta' l-oħrajn fil-pariri, qawwi fil-għemil, *ta' min iħobbu f'kollox* (cfr. Est 2,15). Kellu ħsibijiet ta' sliem, ruħ mimlija ħlewwa, *spirtu ta' rażan* (cfr. 2Tim 1,7), kien jinqata' minnu nnifsu fil-kontemplazzjoni, kien

---

[155] Dawn il-paragrafi jesprimu l-mod li bih San Franġisk kien ispirat li jikkomponi l-*Għanja tal-ħlejjaq*, u wkoll it-*Tifħir lil Alla l-għoli*. Franġisku jidher bħala l-bniedem ġdid, li reġa'akkwista l-innoċenza ta' l-ewwel bnedmin li kienu jgħixu fil-ġenna ta' l-art. Il-paragrafu li jmiss hu ritratt ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq*.

[156] Dawn il-kelmiet huma prova ta' dak li San Franġisk kiteb fit-*Testment* u f'diversi Ittri tiegħu (Kustodji, Kjeriċi, Ordni), fejn isemmi r-rispett li l-aħwa għandhom juru lejn il-kliem miktub li jsibu, u l-ismijiet qaddisa tal-Mulej.

[157] Wieħed jista' jara prova ta' dan fl-iżbalji li nsibu fil-*Chartula* li l-qaddis taha lil fra Leone, bil-barka tiegħu, kif ukoll fil-Latin żbaljat li nsibu fil-kitbiet tiegħu, u fl-osservazzjoni li jagħmel fra Thomas of Eccleston, *Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 39, dwar il-*falsum latinum* ta' ittra li kiteb San Franġisk (cfr. *Analecta Franciscana* X,61).

jitlob bla heda, u kien imħeġġeġ f'kollox. Kien iżomm iebes ma' dak li wiegħed, kien dejjem l-istess fil-virtù, kien jippersevera fil-grazzja, u kien dejjem l-istess ma' kulħadd u f'kollox. Kien *iħaffef* biex jaħfer, *idum biex jitlagħlu* (cfr. Ġak 1,19), inġenjuż b'mod ħieles, kien jiftakar b'mod ċar, *kellu kliem mibni fuq l-għerf* (cfr. Għerf 7,22.23), jiżen tajjeb id-deċiżjonijiet tiegħu, u kif sempliċi f'kollox. Kien iebes miegħu nnifsu, kien twajjeb ma' l-oħrajn, u kien meqjus f'kollox. Kien raġel ta' kliem ħafif u ferrieħi, kellu l-bixra ta' wiċċu mimlija ferħ, il-ħarsa twajba, ħielsa mill-istmerrija, u qatt kburija biha nnifisha. Kellu qies ta' bniedem kemmxejn qasir, rasu tonda u mingħajr ma tolqot l-għajn, wiċċu tawwali u mqabbeż 'il barra, ġbinu ċatt u żgħir, *għajnejh sempliċi* (cfr. Mt 6,22), żgħar u suwed, xagħaru skur, ix-xagħar ta' fuq għajnejh dritt, imnieħru ta' qjies tajjeb, irqiq u dritt, widnejh dritti imma żgħar, il-ħofor ta' għajnejh ċatti, *ilsienu ħlejju* (cfr. Prov 15,4), itajjar in-nar u jinfed, *leħnu ħelu* (cfr. Għan 2,14) imma qawwi, jinstema' b'mod ċar u jidwi, snienu magħqudin, ta' l-istess daqs u bojod, xofftejh żgħar u tawwalin, il-leħja sewda u mhux folta, għonqu tawwali, spallejh dritti, dirgħajh qosra, idejh żgħar, is-swaba tawwalin, difrejh joħorġu għall-ponta, saqajh irqaq, riġlejh żgħar, il-ġilda delikata, ġismu irqieq, liebes ilbies goff u aħrax, jorqod mill-inqas, idejh miftuħin ma' kulħadd. Billi kien mill-aktar umli, *kien juri kull ħlewwa u umiltà mal-bnedmin kollha* (cfr. Tit 3,2), u kien jadatta ruħu skond id-drawwiet ta' l-oħrajn kif jixraq. Kien l-aktar qaddis fost il-qaddisin, *u fost il-midinbin kien iġib ruħu qisu wieħed minnhom* (cfr. Għerf 4,10; Ġen 3,22). Missier mill-aktar qaddis, int li kont tħobb lill-midinbin, għin mela lil min hu midneb, u lil dawk li tarahom mixħutin fil-miżerja tal-ħmieġ tal-ħtija, nitolbuk li jogħġbok, fil-ħniena kbira tiegħek u għall-merti glorjużi tiegħek, biex terfagħhom.

## Kapitlu XXX
## Dwar il-presepju li għamel fil-lejl tal-Milied tal-Mulej.

[275] 84 L-ogħla intenzjoni tiegħu, ix-xewqa fundamentali tiegħu, ir-rieda tiegħu fuq kollox kienet dik li jħares f'kollox u għal kollox l-Evanġelju mqaddes, u li jimita bl-akbar sahra fuqu nnifsu, b'kull impenn, b'kull xewqa tar-ruħ, u b'kull ħeġġa tal-qalb lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu, billi jimxi fuq it-tagħlim u l-passi tiegħu[158]. Kien ifakkar lilu nnifsu waqt il-meditazzjoni bla taqta' l-kliem tal-Mulej u qatt ma kien jieqaf iġib quddiem għajnejh b'mod mill-aktar ċar l-eżempji tiegħu. Imma fuq kollox l-umiltà ta' l-Inkarnazzjoni u l-karità tal-Passjoni tant kien naqqaxhom fil-qiegħnett ta' moħħu u ta' qalbu, li kien diffiċli ħafna li jaħseb dwar xi ħaġa oħra. Għaldaqstant hu xieraq li jibqa' għal dejjem imfakkar dak li għamel fit-tielet sena qabel il-mewt glorjuża tiegħu, qrib il-kastell ta' Greccio, nhar jum it-twelid tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu[159]. *F'dawk l-inħawi kien joqgħod raġel* (cfr. Ġob 1,1), li kien jismu Giovanni, li *kellu fama tajba* (cfr. Fil 4,8) u ħajja aħjar, u li kien maħbub b'imħabba partikulari mill-imqaddes Franġisku, għax għalkemm hu kien nobbli u kellu ġieħ kbir, hu kien jimxi aktar fin-nobiltà ta' l-ispirtu, milli f'dik tal-ġisem. Madwar ħmistax-il ġurnata qabel il-festa tat-twelid tal-Mulej, l-imqaddes Franġisku, kif kien ta' spiss jagħmel, sejjaħlu għandu u qallu: "Jekk trid li niċċelebraw fi Greccio l-festa li ġejja tal-Milied tal-Mulej, mur u ħaffef biex *thejji bir-reqqa* (cfr. Prov 24,27) dak li se ngħidlek. Jiena rrid infakkar b'mod ħaj it-tfajjel *li twieled f'Betleħem* (cfr. Mt 2,1.2), u li b'xi mod nara b'għajnejja l-ħtiġijiet u

---

[158] Celano qiegħed jikkwota r-*Regola mhux bullata*, I-II u XXII,41.
[159] Il-fatt seħħ fil-lejl tal-Milied ta' l-1223. Ir-raħal ta' Greccio, li għadu jeżisti sallum, hu kastell fortifikat (*castrum*). Il-fatt seħħ ftit 'il barra mir-raħal, fejn illum hemm is-santwarju Franġiskan li jfakkar din il-ġrajja. Greccio hu wieħed mill-erba' santwarji tal-Valle Reatina, li fihom seħħew diversi fatti fil-ħajja ta' San Franġisk. Dawn huma Greccio, Fonte Colombo, San Fabiano della Foresta u Poggiobustone.

n-nuqqas ta' kumdità li sab ruħu fihom meta *ġie mqiegħed fil-maxtura* (cfr. Lq 2,7) u kif kien mimdud fuq it-tiben bejn il-baqra u l-ħmara"[160]. Malli semgħu dan ir-raġel twajjeb u fidil *mar jiġri* (cfr. Ġw 20,4), biex ihejji f'dak il-post dak kollu li kien qallu l-bniedem qaddis.

[276] 85 Qorob mela *l-jum tal-ferħ, iż-żmien* ta' l-hena *wasal* (cfr. Tob 13,10; Għan 2,12). Għal din iċ-ċelebrazzjoni issejħu diversi aħwa: l-irġiel u n-nisa ta' dawk l-inħawi, skond kemm setgħu, ġew b'ferħ kbir iġorru magħhom ix-xemgħa u l-fjakkoli biex idawwlu dak il-lejl, li fih ħarġet tiddi dik il-kewkba li dawwlet il-jiem u ż-żminijiet. Wasal fl-aħħarnett il-qaddis ta' Alla u malli sab kollox kien imhejji sewwa, *ra u imtela' bil-ferħ* (cfr. Ġw 8,56). F'dak il-ħin hejjew il-maxtura, qiegħdu t-tiben, u daħħlu l-baqra u l-ħmara. Hemmhekk kisbet ġieħ is-sempliċità, ġie msebbaħ il-faqar, ġiet murija l-umiltà. Greccio kienet saret qisha Betleħem ġdida. *Dak il-lejl kien jiddi bħall-jum* (cfr. S 138,12), u kien lejl ħlejju għall-bnedmin u għall-bhejjem. In-nies resqet u daqet il-misteru ta' ferħ ġdid li qatt ma kienet ħasset qabel. Il-bosk imtela' bl-ilħna u l-irdumijiet bdew jidwu bl-ilħna u l-kant. L-aħwa bdew ifaħħru lill-Mulej bil-kant, u l-lejl kien donnu jaqbeż bil-ferħ. *Il-qaddis ta' Alla* (cfr. Mk 1,24) kien ħdejn il-presepju, il-ħin kollu jitniegħed, mimli ħlewwa ta' qalb u hena ta' l-għaġeb. Is-saċerdot iċċelebra l-quddiesa solenni fuq il-maxtura u hu wkoll imtela' b'faraġ li qatt ma ħassu qabel.

[277] 86 Il-qaddis ta' Alla kien liebes bl-ilbies tal-leviti, għax hu kien djaknu[161], u b'leħen jidwi kanta l-Evanġelju mqaddes. Dak il-leħen tiegħu, leħen qawwi, *leħen ħlejju* (cfr. Għan 2,14), leħen ċar, leħen jidwi, beda jistieden lil kulħadd għall-ogħla xewqa tal-ġenna. Imbagħad ippriedka lill-poplu miġbur madwaru u beda jlissen kliem ħelu daqs il-għasel dwar it-twelid tas-Sultan fqajjar u dwar il-belt ċkejkna ta' Betleħem. Ta' spiss, meta kien irid isemmi lil Kristu Ġesù, kien jimtela b'imħabba tal-ġenna, u kien isejjaħlu "it-tarbija ta' Betleħem". Meta kien ilissen l-isem "Betleħem" kien jimla fommu bi ħlewwa ta' mħabba mill-akbar, hekk li kien donnu joħroġ il-ħoss ta' ngħaġa tgħajjat. Kull darba li kien jgħid "Bambin ta' Betleħem", jew "Ġesù" kien jilgħaq xofftejh bi lsienu, donnu jrid jiggosta u jżomm il-ħlewwa kollha ta' dawk il-kelmiet. F'dak il-post dehru b'abbundanza d-doni ta' Dak li jista' kollox, u wieħed minn dawk li kienu preżenti, *raġel mimli virtù* (cfr. 1Mak 5,50)[162], kellu dehra ta' l-għaġeb. Deherlu li kien hemm tfajjel bla ħajja li kien mimdud fil-maxtura, u ra l-qaddis ta' Alla riesaq lejh biex donnu jqajjmu minn dik ir-raqda fil-fond. Lanqas ma nistgħu ngħidu li din id-dehra ma kienetx taqbel mal-fatti, għax it-tfajjel Ġesù, li *kien ġie minsi* (cfr. S 30,13) fil-qlub ta' ħafna, bil-grazzja tiegħu, u permezz tal-qaddej tiegħu San Franġisk ġie mqajjem, u t-tifkira tiegħu baqgħet imnaqqxa fil-qiegħnett tal-moħħ u tal-qalb tagħhom. Meta ntemmet dik is-sahra solenni, kulħadd reġa' lura lejn daru mimli b'ferħ li ma jitfissirx. [2C 35; LM X,7]

[278] 87 It-tiben li kien ġie mqiegħed fil-maxtura ġie merfugħ, u permezz tiegħu *il-Mulej, fil-ħniena tiegħu, fejjaq bosta bhejjem tat-tagħbija* (cfr. S 35,7.8) u annimali oħrajn. U tassew ġara li, f'dawk l-inħawi, l-bhejjem tat-tagħbija u annimali oħrajn, li kienu intlaqtu minn bosta mard, malli kielu minn dak it-tiben, ġew meħlusin minnu. Mhux biss, imma wkoll xi nisa li

---

160 Ix-xena tal-baqra u l-ħmara fil-presepju ma nsibuhiex fir-rakkont evanġeliku ta' San Luqa, imma bidet tidħol fir-rakkont u l-ikonografija tal-Milied mir-IV seklu. X'aktarx li ġiet ispirata mill-profeta Isaija 1,3.
161 Rigward il-kwestjoni dwar jekk S. Franġisk kienx djaknu, cfr. A. Callebaut OFM, "Saint François lèvite", *Archivum Franciscanum Historicum* 20 (1927) 193-196; Mariano D'Alatri OFMCap, *San Francesco d'Assisi diacono nella Chiesa*, Istituto Storico dei Cappuccini, 1977, 3-5; Conference of the General Ministers of the First Order and TOR, "The Identity of the Franciscan Order at the Moment of Its Foundation", *Greyfriars Review* Vol. 13,3 (1999) 231-263.
162 Skond San Bonaventura, LM X,7, dan kien l-istess Giovanni.

kellhom ħlas diffiċli u ta' tbatija, malli qiegħdu ftit minn dak it-tiben fuqhom, setgħu iwelldu bil-ferħ. Bl-istess mod ħafna irġiel u nisa oħrajn reġgħu kisbu lura saħħithom. Illum dak il-post tal-maxtura ġie ikkonsagrat bħala *tempju tal-Mulej* (cfr. 1Slat 8,63), u għall-ġieħ tal-qaddis missier Franġisku fuq il-maxtura inbena altar u ġiet iddedikata knisja, sabiex hemmhekk fejn darba l-bhejjem *kienu jieklu t-tiben* (cfr. Dan 5,21), issa l-bnedmin, biex imantnu r-ruħ u jqaddsu l-ġisem, jistgħu jieklu l-ġisem *tal-ħaruf bla tebgħa u bla ebdadnub, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu* (cfr. 1Pt 1,19; 1Kor 1,10), *li offra lilu nnifsu għalina* (cfr. Tit 2,14) b'imħabba li ma titfissirx. Hu li mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu jgħix u jsaltan fil-glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen. Hallelujah. [3C 19; LM X,7]

Hawnhekk jintemm l-ewwel ktieb tal-ħajja u l-għemejjel ta' l-imqaddes Franġisku.

# IT-TIENI KTIEB

Jibda t-tieni ktieb dwar l-aħħar sentejn tal-ħajja, u dwar il-mewt l-aktar hienja ta' l-imqaddes missierna Franġisku.

Kapitlu I
Dwar x'fiha din it-taqsima, dwar iż-żmien li fih seħħet il-mewt hienja ta' San Franġisk, u dwar kif mexa 'l quddiem fit-triq tal-qdusija.

[279] 88 Fl-ewwel ktieb ta' l-opra tagħna, li temmejna bil-grazzja tal-Feddej tagħna, aħna irrakkontajna dwar il-ħajja u l-għemejjel ta' l-imqaddes missierna Franġisku sat-tmintax-il sena mill-konverżjoni tiegħu. Issa se nżidu fil-qosor xi għemejjel oħrajn tiegħu li jixraq li wieħed ikun jafhom, li stajna niġbru dwar l-aħħar sentejn ta' ħajtu. Se nsemmu biss dawk il-fatti li huma l-aktar meħtieġa, filwaqt li nħallu għal oħrajn li jixtiequ li jkomplu dejjem iżidu aktar tagħrif li jistgħu jsibu fil-ġejjieni. Fis-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej 1226, fl-indizzjoni XV, fl-4 ta' Ottubru, li kien il-Ħadd, il-missier l-aktar imqaddes tagħna Franġisku, fil-belt fejn twieled, Assisi, maġenb Santa Maria della Porziuncola, fejn hu kien waqqaf l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, wara li għaddew għoxrin sena minn meta ingħaqad b'mod mill-aktar perfett ma' Kristu, u beda *jimxi fuq il-passi* (cfr. 1Pt 2,21) tal-ħajja ta' l-Appostli, ħalla l-jasar ta' dan il-ġisem, u ittajjar hieni lejn is-sema, wara li temm għal kollox il-ħidma li kien beda[163]. Bl-innijiet u t-tifħir il-ġisem imqaddes tiegħu ġie meħud biex ikun imħares bil-qima f'dik il-belt, fejn għall-glorja ta' Dak li jista' kollox għadu jiddi għal bosta mirakli li jwettaq. [AP 46; L3C 68; LM XV,1-2]

[280] 89 Franġisku, fl-ewwel snin ta' ħajtu kienet baqgħet mistura għalih *it-triq ta' Alla* (cfr. Bar 3,13), u kien qatta' ż-żgħożija tiegħu jiġri bil-libertà u b'rieda sħiħa l-passjonijiet naturali tiegħu. Imma mbagħad *il-leminija ta' l-Aktar Għoli iġġustifikatu mid-dnub* (cfr. Rum 6,7) u bil-grazzja *u l-qawwa ta' l-Aktar Għoli* (cfr. Lq 1,35) *imtela' bl-għerf divin* (cfr. Dt 34,9) aktar minn dawk kollha li kien jgħix magħhom. Għax tassew, meta t-tagħlim evanġeliku kien waqa' fil-baxx f'għajnejn il-bnedmin, mhux fil-partikulari imma b'mod ġenerali, minħabba d-drawwiet ta' dawk li kienu jgħallmuh, *ġie mibgħut minn Alla sabiex* fuq l-eżempju ta' l-Appostli *ikun xhud tal-verità* (cfr. Ġw 1,6.7) quddiem id-dinja kollha. Hekk seħħ li hu wera biċ-ċar, bil-kelma u t-tagħlim tiegħu, *il-bluha ta' l-għerf tad-dinja* u fi żmien qasir dar lejn *il-bluha tal-predikazzjoni ta' l-għerf* veru *ta' Alla* (cfr. 1Kor 1,20.21), *immexxi minn Kristu* (cfr. Dan 9,25). Għaliex *f'dawn l-aħħar żminijiet* (cfr. 1Pt 1,5) dan l-evanġelista ġdid, li kien qisu *waħda mix-xmajjar tal-ġenna ta' l-art* (cfr. Ġen 2,10; Is 44,3), *fid-dinja kollha* (cfr. Est 13,4) saqqa bl-ilma qaddis ta' l-Evanġelju u ippriedka t-triq u t-tagħlim tal-verità ta' l-Iben ta' Alla. Hekk fih u bil-merti tiegħu, id-dinja reġgħet sabet tiġdid imqaddes u ferħ li qatt ma kellha bħalu qabel, u z-zokk tar-reliġjon antika reġa' kiseb friegħi ġodda, li qabel kienu qdiemu u tbielu. Il-magħżulin *ingħatatilhom ruħ ġdida u qalb ġdida u ssawwbet fihom* (cfr. Eżek 11,19; 36,26) id-dilka tas-salvazzjoni, meta *bħall-kwiekeb tas-sema, il-qaddej ta' Kristu* (cfr. Ġen 1,14; Gal 1,10) u l-qaddis taż-żminijiet il-ġodda, beda

---

[163] Din hi indikazzjoni prezzjuża kronoloġika dwar il-mewt ta' San Franġisk. Skond Celano, Franġisku miet fl-ewwel sigħat ta' l-4 ta' Ottubru 1226, li skond l-użanza medjevali u liturġika li tgħodd il-ġurnata mill-I sat-II Għasar, bil-mod modern kif nikkaluklaw iż-żmien, tikkorrispondi għal filgħaxija tas-Sibt 3 ta' Ottubru 1226, meta Franġisku miet fil-Porziuncola. L-għada, il-Ħadd 4 ta' Ottubru, saret id-difna. Celano jgħid li Franġisku miet 20 sena wara l-konverżjoni tiegħu. Mela kellu 44 jew 45 sena.

jxerred ir-raġġi tas-sinjali ġodda tiegħu. Permezz tiegħu iġġeddu l-mirakli tal-qedem, meta fid-deżert ta' din id-dinja, permezz ta' Ordni ġdid imma bi drawwiet qodma[164], ġiet imħawwla *d-dielja li tagħti l-frott* u li *xxerred il-fwieħa tal-ħlewwa* (cfr. Sir 24,23; S 51,10) tal-virtujiet qaddisa, kull fejn ir-reliġjon qaddisa *ferrxet il-friegħi tagħha* (cfr. Eżek 17,6.7).

[281] 90 Issa, għalkemm *hu kien bħalna fid-dgħufija tagħna* (cfr. Ġak 5,17), ma kienx kuntent biss li jħares il-preċetti komuni għal kulħadd, imma bil-karità mill-aktar taħraq li kienet tfur minnu, ried jimxi fit-triq tal-qdusija perfetta biex jasal fil-quċċata tagħha, u hekk *jikkontempla l-milja ta' kull perfezzjoni* (cfr. S 118,96). Għaldaqstant kull persuna, ta' kull kundizzjoni, sess, jew età, tista' ssib fih direttivi ċari ta' tagħlim f'saħħtu u eżempji mill-isbaħ ta' għemejjel ta' virtù. Min, għalhekk, irid *imidd idejh għal ħwejjeġ kbar* (cfr. Prov 31,19) u jitħabat *biex jirbaħ l-ogħla doni* (cfr. 1Kor 12,31), għandu jirrifletti lilu nnifsu fil-mera[165] tal-ħajja tiegħu u hekk jitgħallem kull perfezzjoni. Min imbagħad jagħżel mixja inqas iebsa u għemejjel aktar umli, għax jibża' li mhux se jasal biex jilħaq il-quċċata tal-muntanja, jista' wkoll iħares lejh u jsib tagħlim jaqbel ukoll mal-grad tal-ħajja spiritwali tiegħu. Min imbagħad *ifittex sinjali u għeġubijiet* (cfr. 1Kor 1,22), għandu jitlob lill-qdusija tiegħu, u dak li jitlob jingħatalu. Il-ħajja glorjuża tiegħu iddawwal il-perfezzjoni ta' l-ewlenin qaddisin b'dawl mill-aktar jiddi. Prova ta' dan huma l-Passjoni ta' Ġesù Kristu u s-salib tiegħu. Għax tassew li l-missier meqjum kien iġorr imnaqqxin fil-ġisem tiegħu il-ħames sinjali tal-passjoni u tas-salib, daqslikieku kien hu stess imdendel mas-salib ma' l-istess Iben ta' Alla. *Dan hu misteru kbir* (cfr. Ef 5,32) u juri l-kobor irjali ta' l-imħabba. Fl-istess ħin, iżda, fih hemm proġett moħbi u misteru ta' min iqimu, għax nemmnu li jafu biss Alla, u l-istess qaddis kien irrivelah, imma mhux kollu, lil persuna waħda biss[166]. Għaldaqstant ma jaqbilx li nieqfu fit-tul biex noqogħodu nfaħħru lill-qaddis, ġaladarba diġà ġie igglorifikat minn Dak li jistħoqqlu t-tifħir ta' kulħadd, li hu l-Mulej, il-għajn u d-dija li ma tintefiex u li jagħti l-premju tad-dawl ta' dejjem. *Ejjew* mela *inbierku lil Alla l-qaddis*, veru u *glorjuż* (cfr. Lq 24,53; Is 58,13), u nkomplu bir-rakkont storiku tagħna. [LM XIII,9]

## Kapitlu II
## Dwar l-akbar xewqa ta' l-imqaddes Franġisku, u dwar kif meta fetaħ għal tliet darbiet il-ktieb ta' l-Evanġelji fehem x'kienet ir-rieda tal-Mulej għalih.

[282] 91 Darba minnhom l-imqaddes u meqjum missier Franġisku ħalla warajh il-folol tan-nies, li kienu jiġu bi ħġarhom biex jisimgħuh u jarawh bl-akbar qima, u fittex post ta' skiet u maqtugħ mid-dinja[167] biex joqgħod waħdu, għax kellu xewqa lħiħa li hemmhekk ifittex lil Alla u *jsaffi* l-ispirtu tiegħu *mit-trab li weħel miegħu* (cfr. Lq 10,11) meta kien ikun mal-bnedmin. Hu

[164] Is-sens x'aktarx hu dak ta' Ordni reliġjuż ġdid, imma li jibqa' fidil għat-tradizzjoni qaddisa.
[165] Ix-xbieha tal-mera (*speculum*) għandha importanza kbira fil-*Fonti Franġiskani*. San Franġisk jiġi muri bħala *speculum perfectionis* (mera ta' perfezzjoni) minn Celano f'2C 26: *Existimo autem beatum Franciscum speculum quoddam sanctissimum dominicae sanctitatis et imaginem perfectionis illius*. L-istess isem hu t-titlu ta' waħda mill-*Fonti* l-aktar magħrufin: *Speculum Perfectionis*.
[166] Min kienet din il-persuna ixxurtjata Celano ma jgħidilniex.
[167] Dan l-eremitaġġ hu l-muntanja La Verna, bejn il-Casentino u Montefeltro, provinċja ta' Arezzo, fit-Toscana, li San Franġisk kien akkwista għalih u għall-aħwa mingħand il-Conte Orlando di Chiusi della Verna fit-8 ta' Mejju 1213. Franġisku kien iqatta' fuq din il-muntanja perjodu ta' sawm u talb bejn il-festa tal-Verġni Marija mtellgħa fis-sema (15 ta' Awissu) u dik ta' San Mikiel Arkanġlu (29 ta' Settembru), fiż-żmien li hu kien isejjaħlu "ir-randan ta' San Mikiel".

kien imdorri jqassam il-ħin li kien jingħatalu biex jakkwista l-grazzja, skond dak li kien jidhirlu l-aħjar, biċċa minnu għall-ġid tal-proxxmu, u l-biċċa l-oħra biex jinqata' waħdu fil-kontemplazzjoni. *Ħa miegħu* (cfr. Lq 9,28; Mk 14,33) għaldaqstant, xi ftit aħwa, fost dawk li l-aktar kienu jgħixu miegħu mill-qrib, biex huma jħarsuh *mill-indħil u d-distrazzjonijiet tal-bnedmin* (cfr. S 90,6; 30,21), u jkunu qaddejja mimlijin imħabba u fedeltà tas-solitudni tiegħu. Dam f'dak il-kwiet għal xi żmien, u billi fit-talb bla jaqta' u fil-kontemplazzjoni kontinwa kien laħaq daħal fi ħbiberija ta' l-għaġeb ma' Alla, hu xtaq ikun jaf kif hu seta'jogħġob lis-*Sultan ta' dejjem* (cfr. S 28,10). F'dan iż-żmien hu kien qiegħed jitħabat bil-qawwa kollha ta' ruħu u b'imħabbtu biex jagħraf liema mod, liema triq u liema xewqa setgħu jkunu jaqblu l-aktar biex jingħaqad aktar bis-sħiħ mal-*Mulej Alla* u mal-*pariri u dak li l-aktar jogħġob* (cfr. Sir 40,25) lir-rieda tiegħu. Hawn kienet tinsab dejjem il-filosofija tiegħu, hawn kienet tinsab *l-ogħla xewqa* fih, li sakemm dam jgħix, *kien dejjem jaqbad fih innifsu* (cfr. Num 11,4) biha, u li kien dejjem jitlobha lil kulħadd, lis-sempliċi kif ukoll lill-għorrief, lill-perfetti u lill-imperfetti, jiġifieri kif seta' jilħaq *it-triq tal-verità* (cfr. S 118,30) u kif seta' jasal għal proponimenti dejjem aktar għoljin. [LM XII,2; XIII]

[283] 92 Billi hu kien l-aktar bniedem perfett fost il-perfetti, hu ma kienx iqis lilu nnifsu hekk, imma pjuttost kien jistma ruħu bħala l-aktar wieħed imperfett fost il-bnedmin. Kien fil-fatt *daq u ra kemm hu* ħelu, *mimli tjubija* (cfr. S 33,9), *u twajjeb Alla ta' Israel ma' dawk ta' qalbhom safja* (cfr. S 72,1), u li *jfittxuh fis-sempliċità* (cfr. Għerf 1,1) u fis-safa veru. Il-ħlewwa u t-tjieba, li hu kien iħoss jissawwbu mill-għoli fir-ruħ tiegħu, u li huma don mill-aktar rari mogħti biss lil ftit, kienu jimbuttawh biex jinsa għal kollox lilu nnifsu, u hekk, ifur bil-ferħ, kien jixtieq bil-qawwa kollha tar-rieda tiegħu li jitla' 'l fuq fil-ħajja li ma tintemmx ta' l-ispirti tal-magħżulin, fejn, kull meta kien joħroġ minnu nnifsu, kien diġà jħossu li wasal. Dan il-bniedem, *li kellu fih l-ispirtu ta' Alla* (cfr. 1Kor 7,40), kien imhejji biex jilqa' fuqu kull xorta ta' tbatija, ried li jġorr u jissapporti f'ġismu kull għamla ta' passjoni, bix-xewqa li *l-għażla tiegħu tiġi mitmuma* (cfr. Ġoż 24,15), u li *titwettaq* fih *ir-rieda* mimlija ħniena *tal-Missier tas-sema* (cfr. Mt 6,14; 12,50). Hekk mela jum fost l-oħrajn resaq quddiem l-altar imqaddes, li kien inbena fl-eremitaġġ li fih kien jinsab, u ħa f'idejh il-ktieb li fih hemm miktubin l-Evanġelji mqaddsa u bil-qima kollha qiegħdu fuq l-altar. Imbagħad intasab għal tulu fl-art *fit-talb lil Alla* (cfr. Lq 6,12), mhux biss bil-qalb imma wkoll bil-ġisem, u beda jitniehed bl-umiltà quddiem *Alla t-twajjeb* (cfr. Ġoel 2,13), *missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ* (2Kor 1,3), biex jogħoġbu jurih ir-rieda tiegħu. Sabiex hu jkun jista' jwassal għat-tmiem dak li darba kien beda jgħixu fis-sempliċità u d-devozzjoni, beda jitlob bil-ħniena biex jiġi rivelat lilu xi jrid jagħmel ma' l-ewwel darba li jiftaħ il-ktieb[168]. Hu kien hekk immexxi lejn l-ispirtu ta' dawk l-irġiel qaddisin u mill-aktar perfetti, li bil-qima u b'xewqa qaddisa kienu jwettqu dak li jaqraw[169]. [LM XIII,2]

[284] 93 *Qam* għaldaqstant *mit-talb, b'qalbu mgħaffġa u ruħu mċekkna* (cfr. Lq 22,45; Dan 3,39), u wara li arma ruħu bis-sinjal tas-salib imqaddes, *ħa l-ktieb* minn fuq l-altar u *fetħu bil-qima* u bil-biża' qaddis. U hekk hu li, *hekk kif fetaħ il-ktieb* (cfr. Apk 5,7.8) deher quddiem għajnejh ir-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, imma biss f'dawk il-kelmiet li bihom din ġiet

---

[168] Kif kien il-ktieb ta' l-Evanġelji fil-knisja ta' San Nicolò li fih Franġisku flimkien ma' Bernardo u Pietro għarfu r-rieda tal-Mulej fil-bidu tas-sejħa tagħhom, hekk issa hu wkoll il-ktieb ta' l-Evanġelji li fih Franġisku jiskopri r-rieda ta' Kristu li jrid itemm fih il-misteri tal-Passjoni tiegħu.

[169] Fl-*Analecta Franciscana* X, 70, nota 14 jingħad li Celano forsi hawnhekk qiegħed jirreferi għall-esperjenzi simili ta' qaddisin kbar tal-qedem, li kienu joffru l-mudell li fuqu bena din il-ħajja ta' San Franġisk. Dawn jinkludu lil Sant'Anton Abbati, Santu Wistin, San Girgor il-Kbir u San Martin.

imħabbra. Billi beża' li seta' jkun lid an ġara b'kumbinazzjoni, reġa' għalaq u fetaħ il-ktieb għat-tieni u għat-tielet darba, u dejjem sab l-istess kliem jew ieħor jixbħu. Fehem allura *ir-raġel mimli bl-ispirtu ta' Alla* (cfr. Ġen 41,38), li kien *permezz ta' bosta tiġrib*, u permezz ta' ħafna tbatijiet u provi *li wieħed jista' jidħol fis-saltna ta' Alla* (cfr. Atti 14,21). Imma s-suldat qawwi ta' Kristu ma tħawwadx quddiem il-ħsieb *tal-battalji li kienu resqin* (cfr. Qoħ 8,8), u lanqas qata' qalbu *quddiem il-ġlied qaddis għall-Mulej* (cfr. 1Sam 25,28) li kellu jiġġelidhom fil-kastell ta' din id-dinja. Ma setax jibża' li jaqa' quddiem l-għadu dak li lanqas kien iċedi lilu nnifsu wara tant provi li kien għadda minnhom. Għax tassew kien bniedem ta' qawwa waħdanija, u jekk fis-sekli l-imgħoddija nistgħu nsibu eżempji oħrajn ta' nies li kellhom intenzjonijiet qaddisa bħalu, imma ma nistgħux ċertament insibu bnedmin li kellhom l-istess ħeġġa ta' xewqat li kellu hu. Hu kien jirnexxilu aktar bil-ħeffa jwettaq l-aktar għemejjel perfetti milli joqgħod jippriedkahom, għaliex aktar milli kien jimpenja ruħu fil-kliem li juru l-virtù imma li ma jagħmlux il-bniedem ta' virtù, hu kien jimpenja l-qawwiet tiegħu kollha biex iwettaq ħwejjeġ qaddisa. Hekk hu baqa' hieni u beda *jkanta f'qalbu innijiet lil Alla* (cfr. Ef 5,18). Għaldaqstant, lilu li feraħ anke b'din ir-rivelazzjoni mill-aktar ċkejkna, ġie mogħti ġid ħafna akbar, hekk li hu *li kien fidil fil-ftit* (cfr. Lq 9,17) *ġie mogħti setgħa fuq ħafna* (cfr. Mt 25,21). [LM XIII,2]

Kapitlu III
Dwar id-dehra li kellu tar-raġel taħt forma ta' Serafin imsallab.

[285] 94 Fiż-żmien li kien jgħix fl-eremitaġġ, li mill-isem tal-post jisejjaħ La Verna, sentejn qabel ma miet, ra *waqt dehra ta' Alla* (cfr. Eżek 1,1; 8,1) raġel riesaq lejh, li kellu *sitt ġwienaħ* bħal *Serafin*, *jittajjar fuqu, b'idejh miftuħin u riġlejh magħqudin flimkien*, imsammar ma' salib. *Tnejn mill-ġwienaħ kienu* jogħlew *'il fuq minn rasu, tnejn kienu mifruxin biex itir,* u *tnejn oħrajn kienu jgħattulu ġismu* kollu[170] (cfr. Is 6,2). Waqt li l-qaddej qaddis ta' l-Aktar Għoli kien qiegħed iħares lejn din id-dehra, imtela' bi stagħġib tassew kbir, għax ma setax jifhem dak li riedet tfisser dik il-viżjoni. Kien fil-fatt iħossu mimli b'hena kbir u kien jifraħ meta jara l-ħarsa twajba u ħelwa li biha s-Serafin kien qiegħed iħares lejh, għax is-sbuħija tiegħu kienet tassew xi ħaġa li ma tistax timmaġinaha. Imma meta kien qed jarah imsallab fit-tbatija ħarxa tal-passjoni hu ħass niket ta' mrar ġewwa fih. Qam, biex ngħidu hekk, imnikket u ferħan, u fih innifsu daqqa beda jħoss il-hena u daqqa l-imrar. Hu kien ifittex bil-ħerqa li jiskopri it-tifsira ta' dik id-dehra, u biex jifhimha bl-intelliġenza tas-sensi tiegħu l-*ispirtu* tiegħu *beda jitħabat ħafna* (cfr. S 142,4). Filwaqt li kien f'din il-qagħda ta' tħassib u beda jhewden fil-moħħ u l-qalb tiegħu dwar il-misteru moħbi ta' ħwejjeġ ġodda li kienet taħbi din il-viżjoni, bdew jidhru f'idejh u f'riġlejh is-sinjali ta' l-imsiemer, li ftit ħin qabel kien ra fuq ir-raġel imsallab. [AP 46; L3C 69; 3C 4; LM XIII,3]

---

[170] Is-Serafin jidher fil-ktieb tal-Profeta Isaija 6,2, fid-deskrizzjoni tal-vokazzjoni tal-profeta. Etimoloġikament il-kelma *seraphim* tfisser "spirti jaħarqu". Huma b'xi mod marbutin mas-"sriep jaħarqu" ta' Numri 21,6 jew mas-"sriep jittajru" ta' Isaija 14,29; 30,6. Huma figuri umani, imma għandhom sitt ġwienaħ, li jfakkru fl-ispirti misterjużi li kienu jġorru l-karru ta' Jaħweh f'Eżekjel 1, u li l-istess profeta, fil-kapitlu 10 isejħilhom *kerubini*. L-istess isem jintuża wkoll għall-figuri ta'anġli li kienu fuq l-għatu ta' l-arka tat-testment f'Eżodu 25,18s. It-tradizzjoni kristjana tat l-isem ta' *Serafini* u *Kerubini* lil żewġ kori ta' anġli. Id-dehra tas-Serafin fuq La Verna tintrabat ma' din it-tradizzjoni. Is-Serafin jaqbad bħan-nar hu simbolu ta' l-imħabba. Din il-figura tiġi interpretata b'mod simboliku u mistiku minn San Bonaventura u wasslet biex San Franġisk u l-Ordni tiegħu jissejħu bl-aġġettiv ta' "serafiku". Id-dehra tas-Serafin imsallab fuq La Verna seħħet qrib il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib, 14 ta' Settembru 1224.

[286] 95 Idejh u riġlejh bdew jidhru fin-nofs minfudin bl-imsiemer. L-irjus ta' l-imsiemer kienu jidhru fil-palma ta' l-idejh u fil-wiċċ tar-riġlejn, filwaqt li l-ponot tagħhom kienu joħorġu min-naħa l-oħra. Dawk is-sinjali kienu tondi fil-palma ta' l-idejn, filwaqt li kienu tawwalin fuq in-naħa ta' barra. Il-laħam kien donnu jidher imbuttat 'il barra u milwi 'l ġewwa fejn kien hemm qisu l-irjus u l-ponot ta' l-imsiemer. Ukoll f'riġlejh kienu immarkati s-sinjali ta' l-imsiemer ħerġin 'il barra fuq il-kumplament tal-laħam. Ġenbu tal-lemin kien qisu minfud minn lanza, u kellu tiċrita wiesgħa, li minnha ta' spiss kien inixxi d-demm, hekk li t-tonka tiegħu u l-ħwejjeġ ta' taħt kienu jinħaslu b'dak id-demm imqaddes[171]. Kienu ftit dawk li kellhom ix-xorti li jaraw il-ġerħa qaddisa tal-kustat tal-qaddej tal-Mulej imsallab, dment li hu kien għadu ħaj! Imma hieni fra Elia, li meta l-qaddis kien għadu jgħix, seta' jara b'għajnejh il-ġerħa tal-kustat. Ma kienx inqas ixxurtjat fra Rufino, li *seta' jmissha b'idejh* stess (cfr. 1Ġw 1,1). Waqt li darba minnhom dan l-imsemmi fra Rufino kien qiegħed idewwi lir-raġel qaddis u kien qiegħed imisslu sidru b'idejh, din żelqet, kif ġie li jiġri, fuq il-kustat, u hekk hu seta' jmiss dik il-ġerħa mill-aktar prezzjuża. Malli messu l-qaddis ta' Alla ħass weġgħa kbira u warrablu idejh, filwaqt li għajjat *lil Alla biex jaħfirlu* (cfr. Ġen 19,16). Kien jaħbi bir-reqqa mill-barranin din il-ġerħa, u wkoll kien jaħbiha b'attenzjoni kbira minn dawk li jkunu qribu, hekk li l-aħwa li kienu jkunu miegħu u li kienu jimxu warajh bl-akbar qima, għal ħafna żmien lanqas biss kienu jafu li kellu ġerħa bħal dik. U għalkemm il-qaddej u l-ħabib ta' l-Aktar Għoli kien jidher imżejjen b'dawn *il-ġawhriet mill-aktar prezzjużi* (cfr. 2Kron 9,9), u tant sbieħ, hekk li kien mogħni b'rigali ta' l-għaġeb u *fuq kull bniedem ieħor kellu glorja u ġieħ* (cfr. Sir 3,19; S 8,6), hu qatt ma ftaħar b'mod fieragħ fil-qalb tiegħu, lanqas ma fittex li jiftaħar ma' xi ħadd biex *ifittex jingħoġob* (cfr. Gal 1,10) bix-xewqa li jkollu glorja fiergħa; imma billi kien jibża' li l-ġieħ tal-bnedmin kien jista' *jisraq* minnu l-grazzja divina, kien ifittex mill-aħjar li jista' biex *iżommha moħbija* (cfr. Mt 6,18.19) minn kulħadd. [2C 137-138; 3C 4; LM XIII,3.8]

[287] 96 Kien wiegħed lilu nnifsu li ma juri lil ħadd dan is-sigriet ta' l-għaġeb li kellu, għax kien jibża' li dawk li jħobbuh ma jkunux jistgħu jisktu milli jxandruh minħabba l-qima kbira li kienu juruh, kif soltu jagħmlu l-ħbieb, u għalhekk dan *seta' jġib fix-xejn il-grazzja ta' Alla fih* (cfr. Rum 12,3). Kien dejjem iżomm fil-qalb tiegħu dan is-sigriet u bil-fomm tiegħu kien ta' spiss itenni l-kelmiet tal-profeta: *Inħares f'qalbi l-kelma tiegħek biex ma nidnibx quddiemek* (S 118,11). Kien saħansitra ftiehem ma' ħutu u uliedu l-patrijiet li meta kienu jiġu għandu sekulari, jekk hu kien ikun jixtieq itemm id-diskors magħhom, kien jagħti dan is-sinjal billi jtenni dan il-versett li semmejna, ħalli dawk mall-ewwel kienu jitolbu bil-prudenza lil dawk il-persuni biex imorru. Kien jaf kemm hu ta' ħsara għar-ruħ meta tkun trid tgħid kollox lil kulħadd, u kien jaf li ma jistax ikun bniedem spiritwali dak li ma jżommx fl-ispirtu tiegħu dawk is-sigrieti numerużi u aktar profondi minn dawk li *jistgħu jidhru fuq il-wiċċ* (cfr. 2Kor 10,7) u li jiġu iġġudikati mill-bnedmin. Hu kien iltaqa' ma' persuni li minn barra kienu juru ruħhom li jaqblu miegħu, filwaqt li kienu jaħsbuha b'mod differenti, li quddiemu kienu jfaħħruh, u minn wara daharu kienu jiddieħqu bih. Dawn *kienu ikkundannaw lilhom infushom* (cfr. 1Kor 11,29) quddiemu, u saħansitra kienu jrendu suspetti għalih persuni oħrajn li kienu jiġu għandu b'intenzjoni retta. Hekk ta'spiss jiġri li l-qerq jipprova

---

[171] Din hi l-eqdem deskrizzjoni tal-fatt straordinarju ta' l-istimmati ta' San Franġisk. Ta' min jinnota li, mid-deskrizzjoni ta' Celano, li minnha jiddependu r-rakkonti l-oħrajn kollha tal-*Fontes*, jidher li San Franġisk irċieva *s-sinjali tal-Passjoni ta' Kristu*, jiġifieri dawk il-marki li tejoloġikament jissejħu *stimmati*. San Franġisk ma kellux ġerħat jew pjagi kif insibu fil-ħajjiet ta' bosta qaddisin fl-istorja tal-Knisja. Hu kellu l-marki tal-Passjoni, għax Celano jinsisti li kienu jidhru fil-laħam l-irjus u l-ponot ta' l-imsiemer. Il-Knisja dejjem żammet li, sa dak iż-żmien, ħadd qatt ma kellu esperjenza mistika bħal din. Mhux biss, imma l-Knisja, sallum, tirrikonoxxi uffiċjalment biss lil San Franġisk bħala dak li ġarr f'ġismu l-marki tal-Passjoni tal-Mulej, l-istimmati. Fit-traduzzjoni tagħna, biex nagħtu prominenza lil dan id-dettall importanti, nużaw dejjem il-kelma teknika *stimmati* u mhux dik popolari *pjagi*.

jħammeġ dak kollu li hu safi, u minħabba l-gideb li hu vizzju ta' ħafna, ħadd ma jibqa' *jemmen għall-verità* (cfr. 2Tes 2,11) ta' ftit.

Kapitlu IV
Dwar il-ħeġġa ta' l-imqaddes Franġisku u dwar il-marda ta' għajnejh.

[288] 97 F'dak l-istess żmien il-ġisem tiegħu beda jiġi mġarrab minn ħafna mard kiefer u aktar gravi milli qatt kellu qabel. Ta' spiss kien isofri minn ħafna mard, minħabba l-fatt li kien *jgħakkes il-ġisem* tiegħu u *kien jitrattah bl-aħrax sa minn bosta snin qabel* (cfr. 1Kor 9,27; Rum 15,23). Għal tmintax-il sena, *il-ġisem* tiegħu *bilkemm kellu mistrieħ* (cfr. 2Kor 7,5), jiġifieri tul iż-żmien li kien għadda minn meta kien beda *jdur diversi nħawi* (cfr. Ġen 41,46) biex ixerred ma' kullimkien *iż-żerriegħa tal-kelma ta' Alla,* (cfr. Lq 8,11; Mt 26,41) *imħeġġeġ* bl-ispirtu ta' devozzjoni *li kien jgħammar* fih (cfr. Atti 18,25; Rum 8,11). *Kien mela l-art kollha* (cfr. Għerf 1,7) bl-Evanġelju ta' Kristu, hekk li kien kapaċi li fl-istess jum *iżur* erbgħa jew ħames *kastelli* jew *bliet* (cfr. Mk 6,6), fejn kien *jevanġelizza* lil kulħadd *dwar is-saltna ta' Alla* (cfr. Lq 8,1). Kien jedifika lis-semmiegħa mhux inqas bl-eżempju milli bil-kelma tiegħu, tant li minn ġismu kollu kien għamel ilsien[172]. Tant kien hemm qrib bejn l-ispirtu u l-ġisem, l-ubbidjenza tal-ġisem għall-ispirtu tant kienet tidher perfetta fih, li mhux biss ma kienux ta' tfixkil għal xuxlin, imma kienu jiġru 'l quddiem lejn il-qdusija, kif hu miktub: *Għalik tixxennaq ruħi, ġismi qiegħed inin għalik* (S 62,2). L-ubbidjenza mħeġġa li kienet iġġiegħlu jkun sottomess bir-rieda ħielsa tiegħu kienet il-ġibda ta' kuljum li kien ikollu, u tant kienet sabet postha fih din il-virtù, li ta'spiss id-drawwa kienet tinbidel f'inklinazzjoni naturali. [LM XIV,1-2]

[289] 98 Imma billi hu skond il-liġi naturali u skond il-kundizzjoni tal-bnedmin hu meħtieġ li *minn jum għal jum il-bniedem* ta' barra *jintemm ftit ftit,* sabiex *il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded* (cfr. 2Kor 4,16), ġara li dik *il-ġarra* mill-aktar prezzjuża li fiha *kien hemm moħbi t-teżor* (cfr. Mt 13,44) tas-sema, tibda tinkiser ftit ftit u tiddgħajjef dejjem aktar. Għax tassew *meta l-bniedem itemm il-mixja tiegħu, dakinhar hu jibda mill-ġdid* (cfr. Sir 18,6) dak li jkun temm mill-ħidma tiegħu, u *fil-ġisem dgħajjef l-ispirtu jkun irid* (cfr. Mt 26,41) jaħdem b'qawwa akbar. Tant kienet qawwija l-imħabba tiegħu *għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ* (cfr. 1Pt 1,9) u tant kien qawwi l-għatx tiegħu li jirbaħħom lil Alla, li għalkemm ma setax aktar jimxi, kien *idur ma' l-inħawi kollha* (cfr. Lq 9,6) riekeb fuq ħmar. Ta' spiss l-aħwa kienu jistednuh bil-ħlewwa biex iserraħ ftit lil ġismu marid u dgħajjef għall-aħħar permezz tal-kura tat-tobba, imma hu, li kellu l-ispirtu tiegħu l-ħin kollu merfugħ lejn is-sema, kien jiċħad din l-istedina kull darba, għax kien jixtieq biss *li jinħall mill-ġisem u jkun ħaġa waħda ma' Kristu* (cfr. Fil 1,23). Mhux biss, imma *billi kien għadu ma temmx f'ġismu dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu* (cfr. Kol 1,24), minkejja li *kien iġorr f'ġismu l-marki* tiegħu (cfr. Gal 6,17), kellu wkoll isofri minn marda kiefra ħafna f'għajnejh[173], *daqslikieku Alla kien qiegħed ikattar* fih *il-ħniena tiegħu* (cfr. S 35,8). U billi dik il-marda kienet sejra għall-agħar minn jum għall-ieħor minħabba n-nuqqas ta' kura, fra Elia, li Franġisku kien għażlu bħala omm tiegħu[174] u ħatru bħala missier ta' l-aħwa l-oħrajn, ikkonvinċih biex ma jiċħadx l-għajnuna

---

[172] L-espressjoni Latina hi diffiċli biex tittraduċiha daqskemm hi mimlija tifsir: *de toto corpore fecerat linguam*.
[173] San Franġisk kien isofri minn oftalmia li kien ħadha x'aktarx fil-vjaġġ tiegħu fl-Orjent, meta mar l-Eġittu fl-1219.
[174] Celano hawnhekk x'aktarx jirreferi għar-*Regola ta' l-aħwa li jgħixu fl-eremitaġġi* li fiha San Franġisk jitkellem mill-aħwa li jkunu ommijiet u oħrajn ulied. Imma hawnhekk għandna wkoll riferiment għar-rwol ta' fra Elia, li wara l-mewt ta' fra Pietro Cattani (10 ta' Marzu 1221), Franġisku kien għażlu bħala vigarju tiegħu, u għaldaqstant mexxej

tal-mediċini, imma li jaċċettahom *fl-isem ta' l-Iben ta' Alla* (cfr. 1Ġw 5,13), li kien ħalaq dawn ir-rimedji, skond kif inhu miktub: *L-Aktar Għoli mill-art ħoloq* il-mediċina*, u l-bniedem għaqli ma għandux jistmerrha* (Sir 38,4). Il-missier imqaddes għalhekk laqa' dawk il-kelmiet u obda bl-umiltà għal dawk it-twissijiet. [LM XIV,1]

Kapitlu V
Dwar kif ġie milqugħ fil-belt ta' Rieti mis-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia, u dwar kif il-qaddis ħabbarlu li kellu jsir isqof tad-dinja kollha.

[290] 99 Ġara li, wara li bosta tobba ippruvaw jgħinuh bil-mediċini, imma ma sabu l-ebda rimedju, ħaduh fil-belt ta' Rieti, fejn kien hemm tabib li kienu jgħidu li kien tajjeb ħafna biex ifejjaqlu l-marda li kellu. Malli wasal f'din il-belt ġie milqugħ bil-ħlewwa u b'ħafna unuri mill-kurja Rumana kollha kemm hi, li kienet tinsab f'dik il-belt f'dak iż-żmien. B'mod partikulari ġie milqugħ bl-ikbar qima mis-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia, li fih kienu jiddu l-onestà u l-qdusija[175]. L-imqaddes Franġisku kien għażel lil dan il-bniedem bħala missier u sid tar-reliġjon u ta' l-Ordni ta' l-aħwa fid-dinja kollha, wara li kien talbu lill-Papa Onorju III minħabba li kien jgħożż il-faqar u s-sempliċità qaddisa bl-akbar qima. Dan is-sid kien jimita f'kollox il-ħajja ta' l-aħwa, u billi hu kellu xewqa kbira li jasal għall-qdusija, kien jaf ikun sempliċi ma' min hu sempliċi, umli ma' min hu umli, u fqir ma' min hu fqir. Kien qisu wieħed mill-aħwa, fost il-minuri kien l-iċken wieħed, u sakemm kien jista' fil-qagħda tiegħu, kien jitħabat biex iġib ruħu dejjem bħallikieku kien wieħed minnhom fil-ħajja u fid-drawwiet tiegħu. Kellu ħerqa kbira li jxerred ma' kullimkien din ir-reliġjon qaddisa, u l-istess fama tal-ħajja qaddisa tiegħu kienet ta' għajnuna kbira biex l-Ordni seta' jikber u jixtered ukoll fl-aktar pajjiżi imbiegħdin. *Il-Mulej tah ilsien ta' wieħed mgħallem* (cfr. Is 50,4), u hu kien jinqeda bih biex iħawwad lil dawk li kienu għedewwa tal-verità, li bih kien ixejjen *lill-għedewwa tas-salib ta' Kristu* (cfr. Fil 3,18), li bih *kien ireġġa' lura lil min jiżbalja* (cfr. Dt 22,1) fit-triq, kien iġib il-paċi fost dawk li jkunu miġġeldin, u kien jerġa' jiġborhom flimkien f'għaqda aktar qawwija *fir-rabta ta' l-imħabba* (cfr. Ħos 11,4). Fil-Knisja ta' Alla *hu kien musbieħ jixgħel u jiddi,* kien *vleġġa maħtura* (cfr. Ġw 5,35; Is 49,2), imħejjija *fiż-żmien it-tajjeb* (cfr. S 31,6). Kemm il-darba, wara li kien ineħħi l-ħwejjeġ għonja tiegħu u jilbes oħrajn goffi, kien imur b'riġlejh ħafjin bħallikieku kien wieħed mill-aħwa *biex jitlob dak kollu li jġib il-paċi* (cfr. Lq 14,22)! Dan *fost il-bniedem u qrabatu* (cfr. Ġer 7,5) kien jitħabat, kull darba li jkun meħtieġ, sabiex iġib l-istess paċi, ukoll bejn Alla u l-bniedem. Għaldaqstant, wara ftit taż-żmien, Alla *ħatru* bħala ragħaj *tal-Knisja* tiegħu qaddisa *fid-dinja kollha* (cfr. Atti 5,11), u *refagħlu rasu fost il-popli* (cfr. S 109,7; Apk 13,7).

[291] 100 Biex kulħadd ikun jaf li dan seħħ *b'ispirazzjoni divina* (cfr. 2Tim 3,16) u bil-ħidma tar-rieda ta' Kristu Ġesù, l-imqaddes missier Franġisku kien ħabbar dan bil-kliem u fissru b'sinjali ħafna żmien qabel. Għax meta l-Ordni u r-reliġjon ta' l-aħwa, imqawwi bil-grazzja divina, beda

tal-fraternità. Fra Elia kien f'din il-kariga meta miet San Franġisk, u baqa' jmexxi l-Ordni sat-30 ta' Mejju 1227, meta ġie elett l-ewwel Ministru Ġeneral wara San Franġisk, li kien fra Giovanni Parenti. Fra Elia mexxa l-Ordni wkoll bħala Ministru Ġeneral bejn l-1232 u l-1239. F'1C jidher f'dawl tajjeb u hu mfaħħar, filwaqt li aktar tard jibda jidher f'dawl ikrah minħabba l-fatti li seħħew fil-ġeneralat tiegħu.

[175] Il-kurja Rumana kienet tinsab f'Rieti, waħda mill-ibliet papali, bejn it-23 ta' Ġunju 1225 u l-31 ta' Jannar 1226. Il-kardinal Ugolino kien sar Kardinal Protettur ta' l-Ordni fl-1220, wara li San Franġisk ġie lura mill-Orjent. Meta Celano kien qiegħed jikteb, Ugolino kien laħaq Papa, fid-19 ta' Marzu 1227, u ħa l-isem ta' Girgor IX. Kien hu li inkariga lil Tommaso da Celano biex jikteb din il-bijografija uffiċjali ta' San Franġisk.

jixtered, bħal *ċedru fis-sema ta' Alla* (cfr. Eżek 31,8; S 109,3), u bħal *dielja magħżula* (cfr. Ġer 2,21) beda jifrex *iż-żraġen tiegħu sa truf l-art* (cfr. S 79,12; 17,20), l-imqaddes Franġisku mar għand il-Papa Onorju, li dak iż-żmien kien il-kap tal-Knisja, biex jitolbu bl-umiltà biex jagħti lilu u lill-aħwa, bħala missier u sid tagħhom, lis-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia. Is-sinjur Papa laqa' t-talba tal-qaddis, u bil-qalb kollha talbu biex jieħu fuq spallejh it-tmexxija ta' l-Ordni ta' l-aħwa. Dan laqa' din il-ħidma bil-qima u d-devozzjoni, bħall-*qaddej fidil u għaqli li s-sid iqiegħdu fuq in-nies tad-dar* tal-Mulej, sabiex jieħu ħsieb jagħti lil kulħadd *l-ikel* (cfr. Mt 24,45) tal-ħajja ta' dejjem li hu kien iqassam *fil-ħin it-tajjeb* (cfr. S 144,15). Għaldaqstant il-missier imqaddes kien jimpenja ruħu biex dejjem jobdih u juri miegħu ħlewwa, u jqimu bl-imħabba u d-devozzjoni. Għax hu kien iħalli *lill-Ispirtu* ta' Alla, li *bih kien mimli, imexxih* (cfr. Mt 4,1; Atti 13,9), u għalhekk kien jaf minn ħafna żmien qabel dak li mbagħad kellu jseħħ *quddiem l-għajnejn ta' kulħadd* (cfr. Is 52,10). Kien għalhekk li, meta kien ikun irid jikteb dwar ħwejjeġ urġenti tar-reliġjon li kienu jmexxu flimkien[176], u spiss minħabba l-*karità ta' Kristu* (cfr. 2Kor 5,14) li kellu lejh, fl-ittri tiegħu ma kienx isejjaħlu isqof ta' Ostia jew Velletri, kif kienet id-drawwa li jiġi indirizzat b'mod uffiċjali, imma mhux mingħajr raġuni kien isejjaħlu: "Il-wisq miqjum missier, jiġifieri s-sinjur Ugolino, isqof tad-dinja kollha". Ta' spiss kien isellimlu bi kliem ta' barka li qatt ma kien instema' bħalu qabel, u għalkemm kien sottomess lejh bħal iben mill-aktar ubbidjenti, imdawwal mill-Ispirtu, kien ifarrġu bil-kliem bħallikieku kien missieru, biex hekk jitqawwew fih *il-barkiet tal-missirijiet, sakemm jasal dak li hu x-xewqa ta' l-għoljiet ta' dejjem* (cfr. Ġen 49,26). [AP 45; L3C 64.67; 2C 25; Fior 18]

[292] 101 Dan is-sinjur, min-naħa tiegħu, kellu mħabba kbira lejn ir-raġel qaddis, u dak kollu li dan kien jgħid jew jagħmel kien jogħġbu, mhux biss, imma talli kien ikun mimli paċi u ferħ jekk biss jarah. Hu kien jixhed li qatt ma kellu taħwid fir-ruħ, kbir kemm ikun kbir, li mal-ħarsa jew mal-kliem ta' Franġisku ma kienx jgħib minnu u jneħħi minn ġewwa fih is-sħab ta' kull telqa tar-ruħ, filwaqt li jnissel fih il-paċi u l-hena. Hu nnifsu *kien jaqdi* lill-imqaddes Franġisku *bħalma qaddej jaqdi lil sidu* (cfr. Lq 12,37), u kull meta kien jarah kien jurih qima bħallikieku kien *appostlu ta' Kristu* (cfr. 1Kor 1,1) u kien imil quddiemu, u ta' spiss kien ibuslu idejh. Kien jieħu ħsieb b'ħafna kura u qima, biex jara kif jagħmel ħalli l-missier imqaddes jerġa' jieħu lura d-dawl u s-saħħa f'għajnejh, għax hu kien jafu bħala raġel *tajjeb u ġust* (cfr. Atti 3,14), u kien iqisu bniedem mill-aktar siewi u meħtieġ għall-Knisja ta' Alla. Hu kien iħoss għall-ġemgħa kollha ta' l-aħwa u kien iħenn għalihom *bħalma l-missier iħenn għal uliedu* (cfr. S 102,13). Għaldaqstant kien iħeġġeġ lill-missier imqaddes biex jieħu ħsieb ma jiċħadx il-kura meħtieġa għall-marda tiegħu, li ma jmurx jiġri li t-traskuraġni tiegħu titqjies bħala dnub u mhux mertu. San Franġisk, fi spirtu ta' ubbidjenza lejn dan is-sinjur tant miqjum u missier tant maħbub, bl-umiltà laqa' li jkun inqas aħrax miegħu innifsu u jaċċetta l-kura. Imma l-marda tant kienet tferrxet li biex tiġi jinkiseb il-fejqan kien meħtieġ id esperta u kura li setgħet tkun ta' tbatija kbira. Fil-fatt hekk sar, u ġie ikkurat f'rasu permezz ta' ħadid jikwi, taqqbulu l-vini, applikawlu ġbajjar jaħarqu u injettawlu duwa, imma *xejn ma sewa ta' ġid* (cfr. S 88,23); mhux biss, imma *l-marda marret dejjem għall-agħar* (cfr. Mk 5,26)[177]. [2C 166; CA 68; SP 115]

---

[176] L-espressjoni Latina *familiaris religionis* tindika responsabiltà li kienu jaqsmu flimkien Franġisku u l-Kardinal Ugolino fit-tmexxija ta' l-aħwa. Il-kelma *religio,* li tidher diversi drabi fil-*Fontes*, tfisser "reliġjon" fis-sens ta' Ordni reliġjuż.

[177] Celano ma jgħid xejn dwar l-operazzjoni doloruża li seħħet fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo f'dan iż-żmien, meta Franġisku kien immansa lil *frate focu*, biex ma jaħqrux, u qagħad għal operazzjoni tal-biża' li fiha ġiet applikata ħadida tikwi fuq il-vini ta' ħdejn għajnejh. Celano jsemmi dan il-fatt f'2C 116.

Kapitlu VI

Dwar id-drawwiet qaddisa ta' l-aħwa li kienu jaqdu lil San Franġisk, u dwar kif hu kien jixtieq ifassal ħajtu.

[293] 102 Hekk għal sentejn sħaħ Franġisku ġarrab kollox b'kull sabar u umiltà, *u kien irodd ħajr lil Alla f'kollox* (cfr. Tob 2,14; 1Tes 5,18). Imma biex ikun jista' jingħata dejjem aktar għall-qadi ta' Alla, u jimxi lejn id-dar hienja li tinsab fis-sema, billi ta' spiss *kien jintrefa' 'l fuq fl-ispirtu* (cfr. 2Kor 5,13), u jidħol mimli grazzja quddiem il-*Mulej ta' l-univers fis-saltna tas-smewwiet* (cfr. 2Mk 14,35; Ef 1,3), li hu mimli hena u sliem, hu ħalla l-kura ta' ġismu f'idejn xi aħwa, li kienu mill-aktar jixirqilhom il-għożża tiegħu. Dawn kienu *irġiel mimlijin bil-virtù* (cfr. 1Mak 5,50), meqjumin minn Alla, għeżież għall-qaddisin tas-sema u maħbubin mill-bnedmin fuq l-art, li fuqhom l-imqaddes missier Franġisku ried jibni *daru fuq* erba' *kolonni* (cfr. Mħal 16,29)[178]. Minix se nsemmi isimhom biex nirrispetta l-modestja tagħhom, li hi virtù li huma jħobbu bil-qalb bħala irġiel spiritwali. Għax il-modestja hi t-tiżjin ta' kull età, hi xhieda ta' l-innoċenza, sinjal ta' qalb safja, *bastun tad-dixxiplina* (cfr. Prov 22,15), glorja partikulari tal-kuxjenza, garanzija ta' fama tajba u ħarsien ta' kull onestà. Din il-virtù kienet iżżejjinhom, hekk li l-bnedmin kienu jgħożżuhom u jħobbuhom; kienet grazzja li kienet *komuni għalihom ilkoll* (cfr. Atti 2,44), imma kull wieħed minnhom kellu virtù proprja. Hekk wieħed minnhom kien magħruf għall-prudenza kbira tiegħu, l-ieħor għas-sabar tassew uniku li kellu, l-ieħor għas-sempliċità glorjuża, u l-aħħar wieħed kien bejjien u f'saħħtu f'ġismu u ġwejjed fir-ruħ. Huma kienu jieħdu ħsieb b'kull imħabba biex, jishru, jimpenjaw ruħhom, u jħaddmu r-rieda tagħhom biex jieħdu ħsieb tal-missier imqaddes, u kienu jikkurawlu l-marda tiegħu mingħajr ma jagħtu kas tat-tbatija u x-xogħol li din kienet tiswielhom, imma kienu jingħataw kollhom kemm huma għall-qadi tiegħu.

[294] 103 Għalkemm il-missier glorjuż kien imwettaq fil-grazzja quddiem Alla, u kien jiddi għall-għemejjel qaddisa tiegħu quddiem il-bnedmin *ta' din id-dinja* (cfr. Ġw 11,9), hu xorta waħda kien jaħseb biex jibda jimxi dejjem aktar fil-perfezzjoni u bħal suldat mill-aktar mgħallem *fil-kastell ta' Alla* (cfr. Ġen 32,2), kien irid dejjem jibda battalji ġodda kontra l-għadu li kien jieqaflu f'wiċċu. Taħt it-tmexxija ta' Kristu, kien jaħseb li jwettaq għemejjel dejjem akbar, u kien jittama li, filwaqt li l-qawwiet ta' ġismu kienu bdew ininu dejjem aktar minn jum għall-ieħor, li jasal għal rebħa sħiħa kontra l-għadu. Għax il-veru kuraġġ ma jafx b'tul ta' żmien, billi l-ħlas li jistenna hu wieħed li jtul għal dejjem. *Kellu xewqa mħeġġa* (cfr. Num 11,4; Mt 2,10) li jerġa' lura għall-umiltà tal-bidu, u *mimli ferħ fit-tama* (cfr. Rum 12,12) ta' l-akbar imħabba, ried ireġġa' lura lil ġismu, għad li kien imkisser u bla saħħa, għall-qadi tas-snin tal-bidu. Kien għalhekk qaċċat minnu nnifsu kull tħassib li kien ifixkel u dak kollu li l-bnedmin joqogħdu jqisu. Minkejja li, minħabba l-mard, kellu jnaqqas il-ħruxija tal-penitenzi tal-bidu, kien jgħid: "L-aħwa, ejjew nibdew naqdu lill-Mulej Alla, għax sa issa ftit jew xejn imxejna 'l quddiem". *Ma kienx iqis li kien għadu wasal* (cfr. Fil 3,13), u filwaqt li kien jibqa' sħiħ fil-propinment ta' tiġdid qaddis, kien dejjem jittama li jibda mill-ġdid. Kien irid li jerġa' jibda jaqdi l-lebbrużi, u li jiġi mżeblaħ, kif kien fil-bidu. Kien irid li jaħrab mill-kumpanija tal-bnedmin, u li jmur jinħeba fl-aktar eremitaġġi mbiegħdin, sabiex

---

[178] It-tradizzjoni dejjem identifikat lil dawn l-aħwa bħala dawk li kienu sħab Franġisku u li ħadu ħsiebu l-aktar waqt il-marda tiegħu. Dawn kienu Angelo Tancredi, Bernardo, Leone u Rufino, u ġie li jiżdied magħhom Giovanni delle Lodi. Tlieta minnhom, jiġifieri, Leone, Rufino u Angelo, kellhom jibqgħu magħrufin għat-tifkiriet miktuba li ħallew dwar San Franġisk, u huma meqjusin bħala it-*Tre Compagni* tal-qaddis.

imneżża' minn kull tħassib u tħabrik għall-oħrajn, ikun biss il-ħajt tal-ġisem li jifirdu minn Alla. [LM XIV,1]

[295] 104 Kien jara li ħafna kellhom kilba għall-ġieħ li jmexxu lill-oħrajn, u billi kien jistmerr din in-nuqqas ta' prudenza tagħhom, kien jipprova joħroġhom minn din il-pesta bl-eżempju tiegħu. Kien jgħid li hi ħaġa sabiħa u milqugħa minn Alla li wieħed jilqa' t-tmexxija ta' l-oħrajn, imma kien jinsisti li kellhom jitgħabbew bil-kura ta' l-erwieħ dawk biss li ma *jfittxu xejn għalihom infushom* (cfr. Fil 2,21) f'dan l-uffiċċju, imma jħarsu dejjem u f'kollox lejn ir-rieda divina. Dawn huma dawk li ma jqiegħdu xejn qabel is-saħħa spiritwali tagħhom, u ma jfittxux it-tifħir tas-sudditi tagħhom, imma li jġibuhom 'il quddiem, u li ma jaħdmux għall-ġieħ li jagħtuhom il-bnedmin imma biss *għall-glorja* quddiem *Alla* (cfr. Rum 4,2). Dawn huma dawk li ma jaspirawx għall-prelatura, imma anzi jibżgħu minnha, u li jekk din tingħatalhom ma jogħlewx fil-kburija imma jħossuhom aktar umli, u meta din tittieħed minnhom, mhux biss ma jitħawdux, imma talli jifirħu. Kien jgħid ukoll li, l-aktar fi żmien li fih *jitkattar u jikber* (cfr. 2Tes 1,3) il-ħażen u l-qerq, hemm il-periklu fl-uffiċċju tat-tmexxija, u jkun aħjar li wieħed jitmexxa. Kien jitnikket meta jara li xi wħud kienu telqu *l-għemejjel tal-bidu* (cfr. Apk 2,5), u kien insew is-sempliċità ta' l-ewwel żminijiet biex jingħataw għat-tiġdid taż-żmien. Għaldaqstant kien jilminta li xi wħud li darba kienu mehdijin li jilħqu għanijiet aktar għoljin issa kienu niżlu 'l isfel għal ħwejjeġ ta' min jistmerrhom u bla ebda fejda, u li kienu telqu l-ferħ veru tar-ruħ biex jitħabtu ħalli jiġru wara frugħat u ħwejjeġ ta' bla siwi f'isem il-libertà mifhuma ħażin. Kien għalhekk jitlob lill-ħniena divina għall-ħelsien ta' wliedu, biex tħarishom *fil-grazzja mogħtija* (cfr. Rum 12,3) u fil-qima lejn is-sejħa tagħhom.

Kapitlu VII
Dwar kif minn Siena ġie Assisi, u dwar il-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, u dwar il-barka li ta lill-aħwa.

[296] 105 Sitt xhur qabel ma miet, meta kien jinsab Siena biex jikkura l-marda ta' għajnejh, beda jimrad b'mod gravi f'ġismu kollu, u billi kienu inqasmulu l-vini fl-istonku, u minħabba li l-fwied ma bediex jaħdem tajjeb, kien ikollu emorriġiji tad-demm, hekk li l-aħwa bdew jibżgħu li kien wasal qrib it-tmiem[179]. Malli sema' b'din l-aħbar, fra Elia ġie malajr ħdejh, għalkemm kien jinsab 'il bogħod. Malli wasal Elia l-missier imqaddes qaleb għall-aħjar, u hekk setgħu jħallu Siena u jeħduh Celle di Cortona. Imma wara ftit ġranet *li kien ilu f'dak il-post* (cfr. Mt 25,5), beda jintefaħ f'żaqqu, u idejh u riġlejh bdew qishom jibbiesu, filwaqt li l-istonku tant mar għall-agħar li ma kienx aktar jista' jieħu ikel. Għalhekk talab lil fra Elia biex iġorruh Assisi. Dan bħal iben twajjeb laqa' t-talba tal-missier, u wara li hejja kollox, ħa ħsieb li jwasslu personalment hu. *Ferħet il-belt mal-wasla* (cfr. Est 8,15; 2Kor 7,6) tal-missier imqaddes u l-poplu kollu *faħħar 'l Alla bil-fomm* (cfr. Dan 3,51), għaliex *il-poplu kollu* kien jittama li *l-qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 1,10; Mk 1,24) imut fil-belt tiegħu, u dan kien ikun għalihom okkażjoni ta' ferħ kbir.

---

[179] Franġisku kien fi Siena f'April 1226. Kien waqt lejl ta' taqliba kbira, meta kien għoddu qiegħed imut, li iddetta t-Testment iż-żgħir magħruf bħala *Testment ta' Siena*. Cfr. CA 59; SP 87. Hemm min isostni li t-*Testment* ta' San Franġisk, il-verżjoni twila li nafu, inkiteb meta Franġisku waqaf għal ftit żmien fl-eremitaġġ taċ-Celle di Cortona, filwaqt li studjużi oħrajn jippreferu l-Porziuncola bħala l-post li fih Franġisku iddetta t-Testment ftit qabel miet.

[297] 106 U hekk ġara *skond ir-rieda ta' Alla* (cfr. Ġob 26,11), li din ir-ruħ qaddisa inħallet mill-ġisem u għaddiet *għas-saltna tas-sema* (cfr. Mt 3,2), fl-istess post li, meta *kienet għadha fil-ġisem* (cfr. Fil 1,24), kienet irċeviet l-ewwel tħabbira tal-ħwejjeġ tas-sema u kienet issawbet fiha d-dilka tas-salvazzjoni. Hu kien tassew jaf li *s-saltna tas-smewwiet tinsab kullimkien* (cfr. Eżek 34,13; Mt 5,3), u li *l-magħżulin ta' Alla* (cfr. Rum 8,33) tingħatalhom il-grazzja divina f'kull post, imma kien jaf b'esperjenza proprja li dak il-post tal-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola kien mimli bi grazzji tas-sema aktar kotrana u li ta' spiss kienu jżuruh l-ispirti anġeliċi. Għaldaqstant kien ta' spiss jgħid lill-aħwa: "Uliedi, ħudu ħsieb li qatt ma tħallu dan il-post. Jekk ikeċċukom minn banda erġgħu idħlulhom mill-oħra; għaliex tassew li dan *il-post hu post qaddis* (cfr. Eżek 42,13) u hu *post li fih jgħammar Alla* (cfr. 1Kron 29,1). Hawnhekk, *meta konna għadna ftit* (cfr. 1Kron 16,19) l-Aktar Għoli kattarna; hawnhekk hu *dawwal* bid-dawl ta' l-għerf tiegħu *l-qlub* (cfr. Ef 1,18) tal-foqra tiegħu; hawnhekk hu qabbad ir-rieda tagħna bin-nar ta' l-imħabba tiegħu. Hawnhekk min jiġi jitlob bil-qima jaqla' dak li jitlob, u min jidneb hawnhekk jiġi ikkastigat aktar bl-aħrax. Għaldaqstant, uliedi, għandu jkollkom dejjem qima xierqa lejn *dan il-post ta' l-għamara ta' Alla* (cfr. 1Slat 8,30.33), u *b'qalbkom kollha, bil-leħen tal-ferħ u ta' stqarrija ta hena, faħħru lil Alla*" (cfr. Ġer 29,13; S 41,5; 135,2). [LM XIV,3]

[298] 107 Sadanittant il-marda kienet dejjem tiggrava, u l-forzi kienu għoddhom ħallewh għal kollox, hekk li lanqas seta' jiċċaqlaq iżjed. Imma meta wieħed mill-aħwa darba staqsieh x'kien jiflaħ għalih l-aktar, jew it-tbatija ta' dik il-marda twila, inkella l-martirju kieku kellu jsofrih, hu wieġbu: "Ibni għażiż, jiena dejjem kelli x-xewqa li nħaddan bil-ħlewwa dak li *l-Mulej Alla tiegħi jogħġbu* (cfr. Dt 13,18; Rum 12,1) li jseħħ ġewwa fija, hekk li jiena rrid dejjem u biss infittex f'kollox ir-rieda tiegħu u naqbel magħha bl-ubbidjenza. Imma jekk inti trid tagħmel paragun, ikolli ngħidlek li t-tbatija ta'mqar tlitt ijiem ta' din il-marda jidhirli li hi aktar kiefra minn kull martirju; imma dan mhux qiegħed ngħidu rigward il-premju tal-ħniena li għad nirċievi, imma biss rigward *il-ħsara li ġġibli* (cfr. Dan 3,50) din it-tbatija". O raġel martri għal darbtejn, li bl-imħabba u t-tbissima ta' ferħ laqa' fuqu dak li għall-oħrajn hu wisq tal-biża u jweġġa' biex wieħed biss iħares lejh! Ma kienx fadal fih membru wieħed ta' ġismu li ma kienx imkisser minn tbatija sħiħa u bla waqfien, u kien jidher li s-sħana tan-nifs tal-ħajja kienet qed titbiegħed minnu dejjem iżjed, sinjal li t-tmiem kien fil-qrib. It-tobba kienu jistagħġbu, u l-aħwa kienu jibqgħu b'ħalqhom miftuħ meta kienu jaraw kif l-ispirtu seta' jibqa' jgħix f'ġisem li kien ta' min iqisu mejjet, u li tant kien iddgħajjef li *l-laħam* kien qisu *iżomm ma' l-għadam* biss permezz tal-ġilda (cfr. Ġob 19,11).

[299] 108 Meta kulħadd intebaħ li t-tmiem kien tassew wasal fil-qrib, kif kien sar jaf hu wkoll permezz ta' rivelazzjoni divina sentejn qabel, hu *sejjaħ madwaru* lill-aħwa li *ried* (cfr. Mk 3,13) jerġa' jarahom, u *lilhom li kienu ingħataw f'idejh* (cfr. Ġw 19,11) għaddielhom il-barka tiegħu, kif darba kien għamel il-patrijarka Ġakobb fuq uliedu (cfr. Ġen 48,14), jew inkella bħal Mosè ieħor, li *hu u tiela' fuq il-muntanja li kien urieh Alla* (cfr. Dt 32,49) kien kattar fuq ulied Israel il-barka tiegħu[180]. Billi fuq in-naħa tax-xellug tiegħu kien hemm fra Elia, u madwaru uliedu l-oħrajn kollha, hu sallab *idejh u qiegħed idu l-leminija fuq ir-ras* (cfr. Ġen 48,14) ta' fra Elia, u billi kien għoddu tilef għal kollox id-dawl ta' għajnejh, staqsa: "Fuq ir-ras ta' min qiegħda idi l-leminija?" Weġbuh: "Fuq fra Elia". U hu wieġeb: "U jien hekk irrid. Inti, ibni, inbierkek *f'kollox u fuq kollox* (cfr. Ef 4,6), u kif taħt idejk l-aħwa tiegħek u uliedi tkattru bil-qawwa ta' l-Aktar Għoli, hekk issa fuqek u permezz tiegħek jiena nberikom kollha kemm huma". *Fis-sema u fl-art ibierkek Alla* (cfr.

[180] Il-muntanja li fuqha Mosè tela' biex imut, jiġifieri l-muntanja Nebo, fit-Transġordanja, u mhux fuq is-Sinaj, kif jingħad fl-edizzjoni taljana tal-*Fonti Francescane,* 505.

S 112,6; Tob 9,9), li hu s-Sultan ta' kulħadd. Jiena nbierkek kif nista' u aktar milli nista', u dak li ma nistax nagħmel miegħek jien jagħmlu Dak li jista' kollox. *Jiftakar Alla* (cfr. Dan 14,37) fil-ħidmiet u l-għemejjel tiegħek, u jerfagħlek il-ħniena tiegħu fil-jum tal-*ħlas tal-ġusti* (cfr. Lhud 2,2). Jalla inti ssib kull barka li tixtieq u jalla dak kollu li inti titlob b'mod xieraq jiġi mwettaq"[181]. "Inħallikom f'idejn Alla, uliedi għeżież kollha kemm intom, għixu *fil-biża' ta' Alla* (cfr. Sir 9,22) u ibqgħu magħqudin miegħu dejjem, għax ġejjin fuqkom *tiġrib u taqlib* (cfr. Sir 27,6; S 21,12) kbir. Imberkin dawk li *jibqgħu sħaħ sa l-aħħar* (cfr. Mt 10,22), fl-għemejjel qaddisa li bdew, u li l-ebda skandlu fil-ġejjieni ma jifridhom minnhom. Jiena issa se mmur inħaffef għand il-Mulej, hu se nibda t-triq li twassalni *għand Alla tiegħi, li fih nafda, u li dejjem qdejtu* bil-qima *fl-ispirtu tiegħi* (cfr. S 29,9; Rum 1,9)". Dak iż-żmien il-qaddis kien jgħix fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, u għaldaqstant talab lill-aħwa biex iġorruh mill-aktar fis fil-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola. Hu ried jerħi ruħu f'idejn Alla fl-istess post li fih, kif diġà għidna, kien għaraf għall-ewwel darba l-perfezzjoni *tat-triq tal-verità* (cfr. S 118,30)[182].

Kapitlu VIII
Dwar dak li għamel u qal qabel il-mewt hienja tiegħu.

[300] 109 Kienu għaddew għoxrin sena mill-konverżjoni tiegħu, u skond kif kien ġie mnebbaħ mir-rieda divina issa kien wasal iż-żmien tal-milja tal-ħajja tiegħu. Għax meta l-imqaddes missier kien jinsab Foligno flimkien ma' fra Elia, lejl minnhom meta Elia kien rieqed deherlu saċerdot wieqaf ħdejh, liebes paramenti bojod, li kellu bixra ta' bniedem ta' età ta'min iqimha u ta' serjetà kbira, u qallu: "Ħija, qum, u għid lil fra Franġisk, li issa għaddew tmintax-il sena minn meta ċaħad id-dinja biex jingħaqad ma' Kristu, u li fadallu biss sentejn oħrajn f'din il-ħajja, sakemm *il-Mulej isejjaħlu* biex jidħol għandu *mit-triq li minnha jgħaddi kull bniedem*" (cfr. Ġoż 23,14; Ġen 3,9). Hekk ġara sabiex *il-kelma tal-Mulej*, li kienet ġiet imħabbra lilu sentejn qabel, meta jagħlaq iż-żmien, *isseħħ għal kollox* (cfr. 2Kron 36,21). Waqt li kien ilu ftit taż-żmien jistrieħ f'dak il-post li tant kien jixtiequ bil-ħerqa, u meta beda jħoss li *qorob il-ħin* (cfr. Lhud 9,9) tal-mewt, sejjaħ lejh tnejn mill-aħwa li kienu fost l-aktar ulied għeżież tiegħu[183], u filwaqt li ħabbrilhom li l-mewt kienet qorbot, imma li l-ħajja vera kienet ukoll waslet, talabhom biex *bil-*

---

[181] Il-barka li San Franġisk jagħti lil fra Elia tingħata importanza kbira f'1C. Terġa' tissemma, imma b'inqas insistenza, f'2C 216 u tissemma' imma fi sfond ta' kuntrast bejn Elia u Bernardo, fil-Fior 6. Ma ninsewx li meta Celano qiegħed jikteb, fl-1228-29, Elia kien għadu jgawdi minn stima kbira fl-Ordni, kemm għax kien Vigarju ta' San Franġisk sa l-1227, kif ukoll għax il-Papa Girgor IX kien ħatru biex jieħu ħsieb il-bini tal-bażilika li fiha kellhom jittieħdu l-fdalijiet ta' San Franġisk. Imma wara l-perjodu li fih kien Ministru Ġeneral ta' l-Ordni (1232-1239), f'mument storiku li fih Elia tbiegħed mill-Ordni u mill-Knisja almenu sa ftit qabel mewtu fl-1253, kien naturali li l-figura tiegħu tiġi murija f'dawl differenti. It-tendenza kienet li l-*Fontes* uffiċjali jżommu skiet prudenti dwaru, imma l-*Fontes* li twieldu wara, l-aktar fil-kuntest tal-polemika ta' l-Ispiritwali fis-seklu XIV, bdew juru lil Elia f'dawl ikraħ, u saħansitra jgħidu li Franġisku kien jippreferi lil fra Bernardo bħala vigarju tiegħu. Il-valutazzjoni ta' Celano hi waħda moderata, u ta' min joqgħod fuqha, għalkemm il-figura ta' Elia tibqa' waħda enigmatika fl-istorja Franġiskana.
[182] Fra Elia kien ħaseb li kien jaqbel li jżomm lil San Franġisk li kien qiegħed imut fil-belt ta' Assisi, proprju fil-*vescovado*, minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Il-Porziuncola kienet barra l-ħitan tal-belt, fil-pjanura, u għalhekk kien ikun diffiċli li hemmhekk il-ġisem ta' San Franġisk jitħares minn xi għedewwa li setgħu jiġu biex jisirquh wara li jmut. Imma x-xewqa tal-qaddis rebħet fuq kull kunsiderazzjoni ta' prudenza tal-bnedmin. Franġisku ried imut fejn kien beda l-ħajja ta' l-Evanġelju, jiġifieri, fil-Porziuncola.
[183] Il-post li għalih jirreferi Celano hu l-Porziuncola, fejn sallum wieħed jista' jara l-kappella ċkejkna li timmarka l-post tal-mewt ta' San Franġisk, ftit passi bogħod mill-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola. Skond CA 7 u SP 123, dawn iż-żewġ aħwa kienu fra Leone u fra Angelo. Il-*Laudes Domino* li huma jkantaw lil Franġisku huma l-*Għanja tal-ħlejjaq*.

*ferħ* (cfr. S 106,22) ta' l-ispirtu, b'leħen qawwi jkantawlu t-Tifħir lill-Mulej. Hu mbagħad, kif seta', infexx f'dak is-salm ta' David u qal: *B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ; b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob* (cfr. S 141,2-8). Wieħed mill-aħwa li kienu jaqduh, u li l-qaddis kien iħobbu b'imħabba qawwija, billi kien wieħed mill-aktar imħeġġin fost l-aħwa kollha, meta għaraf li t-tmiem kien tassew qorob, qallu: "Missier twajjeb, ara, uliedek se jisfaw *bla missier* (cfr. Lam 5,3), u għajnejna se jiċċaħdu *mid-dawl veru*! (cfr. 1Ġw 2,8). Ftakar mela fina li se tħallina orfni[184], aħfrilna l-ħtijiet tagħna kollha, u ferraħ bil-barka qaddisa tiegħek lill-aħwa preżenti, u lill-aħwa kollha li mhumiex magħna". U l-qaddis wieġbu: "Ibni, ara, il-Mulej qiegħed isejjaħli! Jiena naħfer il-ħtijiet u d-dnubiet ta' l-aħwa kollha li mhumiex hawn u ta' dawk li huma preżenti, u kif nista', nassolvi lil kulħadd; u inti ħabbrilhom dan kollu li qiegħed ngħidlek, u berikhom f'ismi".

[301] 110 Imbagħad ordna li jġibulu l-ktieb ta' l-Evanġelji, u talabhom biex jaqrawlu l-Evanġelju skond San Ġwann fil-post li fih jibdew il-kelmiet: *Sitt ijiem qabel il-festa ta' l-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier* (Ġw 13,1). Dan l-istess Evanġelju kien ħaseb minn qabel biex jaqrahulu l-ministru[185], qabel ma hu kien talab dan; u malli fetaħ il-ktieb ta' l-Evanġelji, għalkemm dan kien fih il-Bibbja kollha, għajnejh waqgħu mall-ewwel fuq il-kliem li kellu jaqra. Imbagħad talabhom biex ilibbsuh iċ-ċiliċju u jroxxulu l-irmied fuqu, billi dalwaqt kien se jsir *trab u rimed* (cfr. Sir 10,9; 17,31). U waqt li *bosta aħwa kienu miġburin madwaru* (cfr. Dt 31,11), hu *li kien* missier *u mexxej tagħhom* (cfr. Atti 14,11), u kienu qegħdin jistennew *it-tluq* hieni u *t-tmiem* (cfr. Sir 33,24) tal-ħajja hienja tiegħu, dik ir-ruħ l-aktar qaddisa inħallet minn mal-ġisem, biex tintilef fl-abbiss tad-dija tad-dawl, u ġismu *raqad fil-Mulej* (cfr. Atti 7,60). Wieħed mill-aħwa u d-dixxipli tiegħu, li kien magħruf sewwa u li ismu ma nħossx li għandi nsemmih, għaliex sakemm *għadu jgħix fil-ġisem* (cfr. Gal 2,20) ma jridx jiftaħar b'din ix-xorti qaddisa tant kbira[186], ra r-ruħ ta' l-imqaddes missier titla' dritta *lejn is-smewwiet fuq ħafna ilmijiet* (cfr. Ġoż 8,20; S 28,3). Kienet *donnha kewkba* (cfr. Sir 50,6), kellha l-kobor tal-qamar, *kienet tiddi* qisha *x-xemx*, u kienet merfugħa fuq *sħaba bajda* (cfr. 1Kor 15,41; Apk 14,14) li kienet iġġorrha.

[302] 111 Ħalli mela issa ngħid dawn il-kelmiet: "O kemm hu glorjuż dan il-qaddis, li d-dixxiplu tiegħu seta' jara lil ruħu *tiela' fil-għoli tas-smewwiet, sabiħa bħall-qamar, tiddi bħax-xemx* (cfr. Atti 2,34; Għan 6,9), li *waqt li telgħet 'il fuq fi sħaba bajda kienet tarmi minnha* (cfr. Apk 14,14; Għan 3,6) dawl mill-aktar glorjuż! O *musbieħ* veru tad-dinja, o xemx mill-aktar tlellex u *tiddi fil-Knisja ta' Kristu* (cfr. Mt 5,15; Rum 16,16), ara kif issa ħbejt minna d-dawl tad-dija tiegħek u tinsab fid-dar kollha dawl tas-sema, fejn bdilt *il-kumpanija* tagħna ma' dik ta' l-*Anġli* (cfr. Lhud 12,12) u l-Qaddisin! O sbuħija glorjuża ta' ħabbâr hekk uniku, la titlaqx il-ħarsien ta' wliedek, issa li ħallejt warajk il-ġisem tiegħek bħal tagħna li jmut! Inti taf tajjeb f'liema perikli ħallejtna, issa li fil-ħidma kotrana u t-tiġrib ta' spiss inti ma għadekx magħna bil-preżenza twajba tiegħek f'kull ħin biex tfarraġna u tagħtina l-ħajja. O missier l-aktar qaddis, int li int tassew mimli ħniena u dejjem lest biex tħoss għal uliedek midinbin u taħfrilhom! Għalhekk *inberkuk*, missier

---

[184] Ir-rakkont tal-mewt ta' San Franġisk jinbena minn Celano fuq mudelli ta' rakkonti tal-mewt (*transitus*) ta' qaddisin magħrufin, l-aktar ir-rakkont li jagħti Sulpicio Severo dwar l-mewt ta' l-isqof San Martin. Cfr. *Sources Chretiennes*, 133,336-343.

[185] Il-kelma *minister* hawnhekk tirreferi għal fra Elia, li kien il-vigarju tal-qaddis.

[186] Skond fra Bernardo da Besse, awtur tal-*Liber de Laudibus Sancti Francisci*, c. 1, dan kien fra Giacomo di Assisi: *frater Iacobus, qui animam sancti Patris in specie stellae instar solis praefulgidae ascendentem in coelum meruit intueri* (cfr. *Analecta Franciscana* III,668; *Fontes Franciscani,* 1255).

maħbub, u ngħaqqdu l-barka tagħna *mal-barka li biha bierkek* (cfr. Tob 8,17; Ġen 27,27) l-Aktar Għoli, li hu dejjem *Alla imbierek fuq kollox. Amen*" (cfr. Rum 9,5).

Kapitlu IX

Dwar il-biki ta' l-aħwa u dwar il-ferħ tagħhom meta setgħu jaraw fih is-sinjali tas-salib li kien iġorr, u dwar il-ġwienaħ tas-Serafin.

[303] 112 Mall-ewwel *bosta nies bdew jiġu bi ħġarhom ifaħħru lil Alla u jgħidu: "Imbierek int, Mulej Alla tagħna*, (cfr. Atti 21,30; Mik 5,7; Lq 2,13; Dan 3,57; S 40,14), li għalkemm ma jistħoqqilniex tajtna dan ir-rigal l-aktar prezzjuż! Tifħir u glorja lilek, Trinità ta' glorja li ma titfissirx!" Quddiem kulħadd bdew jiġru n-nies *tal-belt kollha* (cfr. Mt 8,34) ta' Assisi, u ta' madwar, biex jaraw *l-għeġubijiet ta' Alla* (cfr. Mt 3,5; Atti 2,11) li *l-Mulej tal-glorja* (Is 2,10) ried juri l-glorja tagħhom fil-qaddej qaddis tiegħu. Kull wieħed minnhom kien ikanta għanjiet ta' ferħ, skond kif kien inebbhu *l-hena ta' qalbu* (cfr. Lam 5,15), u kienu jfaħħru lill-Feddej li jista' kollox *li kien laqa' x-xewqa tagħhom* (cfr. Fil 4,19). Tassew li l-ulied kienu jitnikktu li kienu infatmu minn missier bħal dak, u kienu juru minn barra l-imħabba ta' qalbhom lejh bid-dmugħ u t-tnegħid. Imma fl-istess ħin ferħ misterjuż kien itaffi n-niket tagħhom, u l-miraklu ġdid kien jimla lil ruħhom bi stagħġib mhux tas-soltu. *Il-kant tal-viżtu inbidel* (cfr. Est 13,17) f'għana ta' ferħ, u t-talb mimli dmugħ inbidel f'hena. Għax huma qatt ma kienu semgħu u lanqas qraw f'xi kitba dak li għajnejhom issa bdew juruhom, u bil-ħniena setgħu jemmnu kieku ma kienx ikollhom quddiem għajnejhom prova daqshekk evidenti. Għax tassew li fi Franġisku bdiet tidher ix-xbieha tas-salib u tal-passjoni tal-*Ħaruf bla tebgħa* (cfr. 1Pt 1,19) *li jaħsel* b'demmu d-dnubiet *tad-dinja* (cfr. Apk 1,5), tant li kien jidher donnu għadu kemm tniżżel mis-salib u mqiegħed mimdud, u f'idejh u f'riġlejh kellu l-marki ta' l-imsiemer li kienu jinfduh u *ġenbu tal-lemin* kien donnu minfud *b'lanza* (cfr. Ġw 19,34). Kienu jaraw ukoll il-laħam ta' ġismu, li qabel kien sar sewdieni, issa jieħu lewn bajdani, hekk li kien donnu jħabbar is-sbuħija tal-premju tal-qawmien hieni mill-imwiet. Kienu jħarsu *lejn wiċċu*, li kien donnu *l-wiċċ ta' Anġlu* (cfr. Atti 6,15), qisu wiċċ ta' bniedem ħaj u mhux ta' wieħed mejjet, kif ukoll il-membri l-oħrajn ta' ġismu li kienu saru rotob u jistgħu jiltwew bla tbatija qishom il-membri ta' tfajjel innoċenti. In-nervituri tiegħu ma kienux miġbudin, kif ikunu soltu dawk tal-mejtin, il-ġilda ma kienetx ibbieset, u l-membri ta' ġismu ma kienux iebsin, imma qisu kellhom l-istess kapaċità li jiċċaqilqu bħal dawk tal-ħajjin. [LM XV,4]

[304] 113 Filwaqt li kien jiddi *quddiem dawk kollha li kienu jħarsu lejh* (cfr. Eż 33,10) għas-sbuħija kbira tiegħu, ġismu beda jidher dejjem aktar ileqq bil-bjuda, u kienet ħaġa ta' l-għaġeb li f'nofs idejh u riġlejh wieħed seta' jara mhux it-toqob ta' l-imsiemer, imma l-istess imsiemer iffurmati mil-laħam tiegħu stess, li kellhom il-lewn sewdieni tal-ħadid, filwaqt li l-kustat tiegħu kien maħsul bid-demm. Dawk is-sinjali tal-martirju ma kienux inisslu biża' fil-moħħ ta' dawk li kienu jarawhom, imma pjuttost kienu sinjali ta' min iqimhom u kienu jidhru qishom ġawhar suwed ileqqu f'nofs paviment bajdani. Il-patrijiet aħwa u uliedu kienu ġejjin bi ħġarhom, u filwaqt li kienu jersqu jibku kienu jbusu l-idejn u r-riġlejn tal-missier maħbub tagħhom li kien ħalliehom, kif ukoll dak il-kustat li minnu kien inixxi d-demm, u li kien tifkira mill-aktar solenni ta' dak, li meta minn dak il-post kien nixxa *d-demm u l-ilma kien ħabbeb lid-dinja* (cfr. Ġw 19,34; Rum 5,10; 2Kor 5,19) mal-Missier. Kulħadd fost il-poplu li kien miġbur hemmhekk kien iħossu ixxurtjat kieku kien jersaq mhux biss biex ibus imma wkoll biex jara dawk *l-istimmati* qaddisa *ta' Ġesù* Kristu, li San Franġisk *kien qiegħed iġorr f'ġismu* (cfr. Gal 6,17). Min ma kienx jithenna u mhux

jibki għal dik id-dehra, u ma kienx ixerred dmugħ ta' ferħ aktar milli dmugħ ta' niket? Liema qalb tal-ħadid kien jirnexxilha ma tħosshiex imqanqla għall-biki? U liema *qalb tal-ġebel* (cfr. Eżek 11,19) ma kienetx tinqasam bl-indiema, ma kienetx tinxtegħel bl-imħabba divina, ma kienetx titqawwa b'rieda tajba? Min kien jista' jibqa' ma jħossux imqanqal jew daqshekk għama u ma jifhimx b'mod ċarli dak il-qaddis, li kien immarkat fuq din l-art bi grazzja divina daqshekk ta' l-għaġeb, ma setax ukoll ikun *fis-sema imsebbaħ* (cfr. Is 33,5) bi glorja li ma titfissirx?

[305] 114 O don tassew waħdieni u sinjal ta' xhieda ta' mħabba, li s-suldat jiġi mżejjen b'dawk l-istess armi glorjużi li jixirqu biss lis-Sultan l-aktar perfett! O miraklu li jixraqlu *tifkira dejjiema*, o sagrament ta' l-għaġeb, li jixraqlek qima *bla waqfien* (cfr. S 111,7; Rum 1,9), għaliex hu jirrappreżenta b'mod li jidher għall-fidi tagħna l-misteru li ma jitfissirx bil-kliem, li bih *id-demm tal-Ħaruf bla tebgħa* (cfr. 1Pt 1,19), li jnixxi bl-abbundanza minn ħames ġerħat, *jaħsel* id-dnubiet *tad-dinja* (cfr. Apk 1,5)! O dija l-aktar għolja ta' dak is-salib li hu l-għajn tal-ħajja u li jagħti l-ħajja lill-mejtin u li t-toqol tiegħu jagħfas b'tant ħlewwa u jniggeż b'tant irtubija li fih il-ġisem tagħna mejjet jerġa'jgħix mill-ġdid u r-ruħ marida tikseb il-fejqan! *Kemm kien iħobbok* (cfr. Lq 7,47) dak li inti żejjintu b'mod daqshekk glorjuż! *Glorja u barka lil Alla li hu waħdu għaref* (cfr. Apk 5,13; Rum 16,27), li *jġedded is-sinjali u jbiddel l-għeġubijiet* (cfr. Sir 36,6), biex ifarraġ lil min hu dgħajjef u permezz ta' *l-għeġubijiet li jidhru* (cfr. S 138,14) jirbaħ l-erwieħ għall-imħabba tal-ħwejjeġ li ma jidhrux! O rieda divina ta' l-għaġeb u kollha imħabba, li biex tħarrab kull dubju dwar dan il-miraklu ġdid, bi ħniena kbira f'Dak li *niżel mis-sema* (cfr. Ġw 3,13.31), dak li mbagħad wettqet fil-bnedmin ta' din l-art! Għax tassew li *l-Missier ta' kull ħniena* (cfr. 2Kor 1,3) ried juri kemm jistħoqqlu l-premju dak li issa jitħabat *biex iħobbu b'qalbu kollha* (cfr. Mt 22,37), jiġifieri li jiġi milqugħ u mqiegħed fost il-korijiet ta' l-ispirti qaddisa li huma l-aktar qrib ta' Alla. Aħna wkoll nistgħu, bla ebda dubju, nilħqu dan il-premju, jekk bħas-Serafin, *nifirxu żewġ ġwienaħ 'il fuq minn rasna* (cfr. Eżek 1,22.23), jiġifieri li, fuq l-eżempju ta' l-imqaddes Franġisku, jkollna dejjem intenzjoni safja f'kull għemil qaddis u ħidma retta, hekk li nitħabtu bla qatt ma negħjew biex noffru kollox lil Alla, ħalli nogħġbuh f'kollox. Hu meħtieġ li dawn il-gwienaħ ikunu magħqudin flimkien u jgħattu r-ras, għax *il-Missier tad-dawl* (cfr. Ġak 1,17) ma jilqax kull ħidma tajba, jekk din ma tkunx magħquda ma' safa fl-intenzjoni, kif qalilna hu stess: *Jekk għajnek hi safja, mela l-ġisem kollu jiddi, imma jekk għajnek hi maħmuġa, mela ġismek ukoll jinsab fid-dlam* (cfr. Mt 6,22-23). L-għajn sempliċi imbagħad mhijiex dak li ma jarax dak li għandu jara, minħabba li ma jagħrafx il-verità, u lanqas dak li jara dak li ma għandux jara, għaliex ma għandux intenzjoni safja. Għax fl-ewwel każ ma jkunx sempliċi, imma għama, filwaqt li fit-tieni każ ikun qarrieq. *Ir-rix* ta' dawn *il-ġwienaħ* (cfr. Eżek 1,23.24) huma l-imħabba tal-Missier li jsalva bil-ħniena, u *l-biża' tal-Mulej* (cfr. Sir 1,11) li jiġġudika bil-qawwa, li ma għandhomx jaqtgħu l-erwieħ tal-magħżulin mill-ħwejjeġ ta' l-art, u li jrażżnu fihom dak li jiġbed għall-ħażin u jqajjmu fihom sentimenti safjin. *Iż-żewġ ġwienaħ* l-oħrajn *biex itiru* (cfr. Eż 1,23.24) ifissru l-preċett ta' l-imħabba lejn il-proxxmu li hu ta' żewġ xorta, jiġifieri li tqawwi lir-ruħ bl-ikel tal-*kelma ta' Alla* (cfr. Lq 4,4) u lill-ġisem tmantnih bl-għajnuna materjali. Dawn il-*ġwienaħ* diffiċilment *jingħaqdu flimkien* (cfr. Eżek 1,11), għax hu rari ħafna li ssib persuna li taqdi ż-żewġ bżonnijiet. Ir-rix tagħhom huma l-għemejjel li wieħed iwettaq biex iwissi u jgħin lill-proxxmu. L-aħħar *żewġ ġwienaħ jgħattu l-ġisem* (cfr. Eżek 1,11), kull darba li dan, imneżża' minħabba d-dnub, jerġa'mill-ġdid jilbes l-innoċenza permezz ta' l-indiema u l-qrar. Il-ġwienaħ tagħhom ifissru l-għemejjel ta' mħabba u x-xewqa li jitqanqlu fir-ruħ permezz tat-tindif mill-ħtijiet u tax-xewqa għall-ġustizzja.

[306] 115 Dan kollu l-missier l-aktar qaddis Franġisku wettqu b'mod mill-aktar perfett, għax hu kellu fih l-għamla u x-xbieha ta' Serafin, u billi kien jippersevera biex jgħix ta' bniedem imsallab, hu stħaqqlu li jittajjar fil-grad għoli ta' l-ispirti tas-sema. Għax tassew li hu qatt ma inqata' mis-salib, qatt ma ħarab mill-ebda ħidma iebsa u tbatija, hekk li seta' jwettaq fih innifsu r-rieda tal-Mulej. L-aħwa li għexu miegħu, imbagħad, jafu tajjeb ħafna kif kuljum, anzi kull waqt ta' ħajtu, kien ikollu fuq xofftejh it-tifkira ta' Kristu. Kienu jafu kemm kien jitkellem miegħu *bil-ħlewwa ta' l-imħabba* (cfr. Eżek 33,32), b'liema sentimenti ta' mħabba kien iħobb joqgħod fil-kumpanija tiegħu. *Mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm* (cfr. Mt 12,34), u dik il-għajn ta' mħabba mdawwla li kienet timlieh minn ġewwa, kienet tfur ukoll minn barra. Kien tassew dejjem ħaġa waħda ma' Ġesù: kien dejjem iġorr lil Ġesù f'qalbu, lil Ġesù f'fommu, lil Ġesù f'widnejh, lil Ġesù f'għajnejh, lil Ġesù f'idejh, lil Ġesù fil-kumplament tal-membri ta' ġismu. Kemm il-darba, meta kien joqgħod bilqiegħda għall-ikel, malli kien jisma', jew ilissen, jew jaħseb fuq l-isem ta' Ġesù, kien jinsa l-ikel ta' din l-art u, kif naqraw dwar qaddis: "Kien iħares imma ma jarax, u l-ħoss kien jidwi f'widnejh imma ma jismax"[187]. Mhux biss, imma meta kien ikun fil-vjaġġ u kien jimmedita dwar Ġesù jew ikanta t-tifħir tiegħu, kien jinsa l-vjaġġ u kien jistieden lill-ħlejjaq kollha biex ifaħħru miegħu lil Ġesù. Dan għaliex *fil-qalb tiegħu* kien dejjem iġorr u *jħares* (cfr. Lq 2,9) b'imħabba li ma titfissirx lil *Kristu Ġesù u lil dan imsallab* (cfr. 1Kor 2,2). Kien għalhekk li hu ġie immarkat b'mod ta' l-għaġeb aktar minn kull bniedem ieħor bix-xbieha tiegħu, li hu kien ikollu l-grazzja li jikkontemplaha, *meta kien jintrefa' f'estasi* (cfr. 2Kor 5,13), fil-glorja li ma titfissirx u li ma tistax tifhimha, bilqiegħda fil-lemin tal-Missier, li miegħu hu l-istess *Iben l-aktar għoli* (cfr. Lq 1,32), u li jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, rebbieħ u sultan, *Alla glorjuż* għal dejjem, *u għal dejjem ta' dejjem. Amen* (cfr. Dan 3,90).

## Kapitlu X
## Dwar il-biki tal-*Povere Dame* ta' San Damiano u dwar kif ġie midfun bit-tifħir u l-glorja.

[307] 116 Il-patrijiet ħutu u uliedu, li kienu ġew bi ħġarhom flimkien *ma' kotra kbira ta' nies* (cfr. Eżek 27,33), li kienu ġew mill-irħula tal-qrib biex jieħdu sehem bil-ferħ fil-funeral solenni, għaddew dak il-lejl kollu li fih miet il-missier imqaddes, fit-tifħir divin u fit-talb, hekk li tant kien ħlejju l-kant tagħhom u tant kienu jiddu d-dwal li xegħelu, li kienet donnha qiegħda ssir vġili ta' l-anġli. *L-għada filgħodu kmieni inġabret kotra bla għadd* (cfr. Ġw 21,4; Atti 2,6) mill-belt ta' Assisi flimkien mal-kleru kollu, u ġarrew lil ġismu mill-post li fih kien miet, bl-innijiet u t-tifħir, *bid-daqq tat-trombi* (cfr. Ġoż 6,20) u tellgħuh bil-ġieħ kollu fil-belt. Kulħadd kien ħa miegħu *friegħi taż-żebbuġ* u friegħi ta' *siġar* oħrajn (cfr. Ġw 12,13; Mt 21,8), u bdew mexjin għaċ-ċelebrazzjoni solenni tal-funeral b'ħafna xemgħa u ifaħħru lil Alla b'leħen għoli. Il-patrijiet uliedu ġarrew lil missierhom, il-merħla imxiet wara r-ragħaj, li kien mexa qabilhom biex wasal għand *ir-Ragħaj ta' kulħadd* (Eżek 37,24). Hekk waslu fil-post li fih hu kien ħawwel għall-ewwel darba r-reliġjon u l-Ordni tal-verġni qaddisin u tal-*Povere Dame*, u daħħlu l-ġisem tiegħu u qiegħduh fil-knisja ta' San Damiano, li fiha dawn l-ulied tiegħu verġni maħbubin li l-Mulej kien kiseb għalih kienu jgħixu. Infetħet it-tieqa ċkejkna li minna dawn il-qaddejja ta' Kristu, *fil-ġranet stabiliti* (cfr. 2Sam 24,15), kienu jirċievu s-sagrament tal-ġisem tal-Mulej[188]. Fetħu anke t-tebut li fih kien

[187] Ir-riferiment hu għall-ħajja ta' San Bernard ta' Clairvaux, *Vita I*, c. 4,16.

[188] Ta' min jinnota li Celano jgħid li kien San Franġisk il-fundatur tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano (illum Klarissi): *in quo religionem et ordinem sacrarum virginum et Dominarum pauperum ipse primo plantavit*. Għalhekk hu żball

hemm moħbi dak it-teżor ta' virtujiet tas-sema, li issa kienu qegħdin iġorruh ftit aħwa, hu li f'ħajtu kien ġarr ħafna. U hekk hu li s-sinjura Klara, li kienet tassew tiddi għall-għana tal-merti tagħha, u li kienet l-ewwel omm tas-Sorijiet l-oħrajn kollha, għax kienet l-ewwel xitla ċkejkna ta' dan l-Ordni qaddis, ġiet flimkien ma' uliedha l-oħrajn biex tara lill-missier li ma setax ikellimhom aktar, u li ma setax lanqas jiġi aktar għandhom għax kien jinsab f'post ieħor.

117 Is-Sorijiet kienu jħarsu lejh, jibku b'ħafna dmugħ u b'ħafna *ilfiq fil-qalb* (cfr. S 37,9), u b'leħen ħiemed *bdew jgħajjtulu u jgħidu* (cfr. Ġoż 3,3): "Missier, missier, issa x'se nagħmlu? Għaliex tħallina hekk waħedna? F'idejn min se tħallina, deżolati kif aħna?[189] Għaliex ma tajtniex il-ferħ li naslu qablek fis-Saltna tal-beati u se tħallina hawnhekk fin-niket tagħna? Kif nistgħu ngħixu aħna magħluqin ġewwa f'dan il-ħabs[190], issa li int mintix se tiġi iżjed iżżurna, kif kont tagħmel qabel? Miegħek se jintemm għalina *l-faraġ tagħna* (cfr. 2Kor 1,5) kollu kemm hu, u l-ebda konsolazzjoni mhu se jifdlilna aħna li ndfinna għad-dinja! Min se jgħinna f'dan il-faqar tagħna ta' ġid spiritwali u materjali? O *missier il-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16), maħbub tal-faqar! Min se jgħinna fit-tiġrib, int li kont espert biex tgħinna fil-ħafna tigrib li għaddejna minnu? Min se jkun dak li jfarraġna lilna l-imġarrbin, min *se jkun għajnuna qawwija fit-tribulazzjonijiet li diġà ħakmuna bil-bosta*? (cfr. S 45,2). O firda mill-aktar qarsa, o nuqqas ta' preżenza li jdur kontrina! O mewt li tbeżża', li toqtol eluf ta' ulied, għax qed toftomhom mill-missier imqaddes tagħhom, filwaqt li tħaffef biex teħdilna minn magħna lil dak li għall-merti tiegħu *ir-rieda tajba tagħna* (cfr. Ġer 7,3.5), dik ir-rieda li fadlilna, kienet warrdet bil-kotra!" Imma l-għaqal verġinali tagħhom wassalhom biex irażżnu l-biki, għax kienet tidher ħaġa mhijiex flokha li *jibku fuqu* (cfr. Żak 12,10) li fit-tluq tiegħu mid-dinja ġew jilqgħuh bi ħġarhom l-eżerċti ta' l-anġli, u li fih kienu ferħu *ċ-ċittadini tal-Qaddisin u tal-ħbieb ta' Alla* (cfr. Ef 2,19). Hekk imdendlin bejn in-niket u l-ferħ, kienu jbusu dawk idejh mill-aktar sbieħ, li issa kienu mżejnin minn ġawhar mill-aktar prezzjużi u jiddu. Wara li l-aħwa ħarġu 'l ġisem tiegħu, *ingħalaq* għalihom *dak il-bieb* (cfr. Mt 25,10) li qatt aktar mhu se jinfetaħ għal ġerħat bħal dawk. O kemm kien kbir in-niket ta' kulħadd għad-dehra ta' dawk il-verġni li jġibulek ħniena! Kemm kien kbir il-biki ta' uliedu! Kulħadd ħassu jieħu sehem fil-biki tagħhom, hekk li ma kien hemm ħadd li irnexxielu jżomm lura d-dmugħ meta kien jara lil dawk li *kienu jibku biki ta' mrar flimkien ma' l-Anġli* (cfr. Is 33,7). [LM XV,5]

[308] 118 Waslu mela fl-aħħarnett ilkoll fil-belt, u *b'ferħ u hena* kbir (cfr. Bar 3,35; S 44,16) *qiegħdu* lil dak *il-ġisem* (cfr. Mt 27,59) mill-aktar qaddis f'post li kien diġà qaddis, imma li issa sar ħafna aktar jiddi bil-qdusija[191], fejn għall-glorja ta' *Alla li jista' kollox* (cfr. Apk 16,14) u li hu l-Aktar Għoli, *id-dinja hi mdawwla* (cfr. Ġw 1,9) b'għadd kbir ta' mirakli, kif qabel il-qaddis kien

---

li wieħed jgħid li Santa Klara hi l-"fundatriċi" tal-Klarissi! Il-ġisem ta' San Franġisk inżamm mill-aħwa quddiem it-tieqa ċkejkna li hemm fil-fond tal-knisja ta' San Damiano, li minnha kienu jitqarbnu s-Sorijiet, biex dawn setgħu jagħtuh l-aħħar tislima. Rigward il-ġranet stabiliti għat-tqarbin tas-Sorijiet, mir-*Regola ta' Santa Klara,* III,14 nafu li dawn kienu sebgħa: il-Milied, Ħamis ix-xirka, Ħadd il-Għid, Pentekoste, il-Verġni Marija Assunta, nhar San Franġisk, u l-Qaddisin kollha.

189 Mill-ġdid hawnhekk Celano jikkopja espressjonijiet mir-rakkont ta' Sulpicio Severo dwar il-mewt ta' San Martin.

190 L-espressjoni latina li juża Celano hi: *in isto carcere sic reclusas*. Il-kelma "ħabs" tfisser il-monasteru ċkejken ta' San Damiano fejn kienu jgħixu s-Sorijiet, filwaqt li l-espressjoni "magħluqin ġewwa" (*recluse*) kienet espressjoni komuni biex tindika verġni li jgħixu fil-klawsura.

191 San Franġisk ġie midfun fil-knisja ta' San Giorgio, fit-tarf tal-belt, fejn ta' tifel kien imur l-iskola tal-kattidral. San Giorgio illum tinsab fuq il-post li fih inbena l-protomonasteru ta' Santa Klara, imma parti mill-ħitan tal-knisja oriġinali għadha tidher fil-kappella fejn hu meqjum il-Kurċifiss ta' San Damiano. San Franġisk dam midfun f'San Giorgio sal-25 ta' Mejju 1230, meta l-fdalijiet tiegħu ittieħdu solennement fil-qabar tal-bażilika l-ġdida li inbniet fuq il-*colle inferiore* bir-rieda tal-Papa Girgor IX, fejn sallum għadu meqjum mid-dinja kollha.

dawwalha b'mod ta' l-għaġeb bil-predikazzjoni u t-tagħlim tiegħu. Inroddu ħajr lil Alla. Amen. [LM XV,5]

Hekk, o missier mill-aktar qaddis u mbierek, jiena għamilt l-almu tiegħi biex nimxi pass pass mal-ħajja tiegħek, kif inhu dmiri, b'tifħir li jixraqlek, għalkemm dan għamiltu b'mod li hu ħafna nieqes mill-perfezzjoni, u ippruvajt nikteb xi fatti tal-ħajja tiegħek. Ftakar, missier ħanin, f'uliedek fqajrin, li issa ma fadlilhom l-ebda faraġ wara li inti tlaqt minn magħhom, int li kont tweżinhom. Għaliex inti l-aktar membru nobbli u ewlieni fosthom, issa ġejt imdaħħal fost il-kori ta' l-Anġli *quddiem it-tron tal-glorja* (cfr. Dan 3,53.54) ta' l-Appostli, filwaqt li huma għadhom magħluqin qishom ġo ħabs mudlam, *qalb il-ħama u t-tajn* (cfr. S 39,3), minn fejn jgħajjtulek bid-dmugħ f'għajnejhom: "Missier, uri l-istimmati qaddisa tiegħu lil Ġesù Kristu, Iben il-Missier l-aktar għoli. Uri s-sinjali tas-salib fil-kustat, f'idejk u f'riġlejk, sabiex Hu jogħġbu fil-ħniena tiegħu juri l-ġerħat tiegħu lill-Missier, li quddiem dik id-dehra żgur li *tiġih ħniena* (cfr. Ġob 33,26) minna imsejknin. Amen. Hekk ikun! Hekk ikun!

Hawn jintemm it-tieni ktieb.

# IT-TIELET KTIEB

Jibda t-tielet ktieb dwar il-kanonizzazzjoni tal-missier qaddis tagħna Franġisku u dwar il-mirakli tiegħu.

[309] 119 Il-wisq glorjuż missier Franġisku, għoxrin sena wara l-konverżjoni tiegħu, temm bil-ferħ dik il-ħajja likien bdieha b'tant entużjażmu, u *reħa l-ispirtu tiegħu* (cfr. Lq 23,45) fis-sema, fejn *ġie inkurunat bil-glorja u l-ġieħ* (cfr. S 8,6), fil-post li fih tela' *mal-Kerubini biex jimxi fuq il-ġebel jikwi* (cfr. Eżek 28,14) u fejn qiegħed jassisti t-tron tad-Divinità, bit-talb tiegħu għal dawk li ħalla warajh hawn isfel f'din id-dinja. U kif ma jkunx hemm tweġiba għat-talb ta' dan il-magħżul, li fl-istimmati qaddisa li kien iġorr kienet tidher ix-xbieha ta' Dak li hu daqs il-Missier f'kollox, *li qiegħed fin-naħa tal-lemin ta' Alla fil-għoli tas-sema, li hu raġġ mid-dija tal-glorja u xbieha ta' l-essenza* ta' Alla, u li *naddaf id-dnubiet tal-midinbin* (cfr. Lhud 1,3)? Forsi ma tinstemax it-talba ta' dak *li sar jixbaħ lil Kristu Ġesù fil-mewt u li ħa sehem fil-passjoni tiegħu* (cfr. Fil 3,10), u li f'idejh, f'riġlejh u fil-kustat iġorr l-istess ġerħat tiegħu? Għax tassew hu diġà jferraħ lid-dinja b'kull ferħ ġdid li kienet tant tixtieq e joffri lil kulħadd il-mezzi tas-salvazzjoni. Hu jdawwal id-dinja bid-dawl tal-mirakli jiddu tiegħu, u jixgħel id-dinja kollha bid-dija tad-dawl tiegħu donnu kewkba tiddi fis-sema. Id-dinja tbikkiet it-tluq tiegħu minn fost il-bnedmin, u minħabba l-mewt tiegħu ħasset li *tela' għaliha* (cfr. S 49,1) dagħbien ta'dlam. Imma issa, malli beda jinfirex dan id-dawl ġdid, u beda jdawwal kullimkien bir-raġġi qawwija tiegħu, *qisu nofsinhar* (cfr. Is 16,3), id-dinja ħasset li d-dlamijiet tagħha bdew jgħibu. *Imbierek Alla* (cfr. S 65,20), għax beda jgħib kull biki, reġa' tnissel il-ferħ, u għall-merti tiegħu reġgħu bdew iwarrdu l-virtujiet. *Bdew resqin mil-lvant u mill-punent* (cfr. Mt 8,11), *mit-tramuntana u min-nofsinhar* (cfr. Ġen 13,3; Eżek 48,31), dawk li merfugħin mill-interċessjoni tiegħu, issa saru *xhieda tal-verità* (cfr. Ġw 5,33). Għax hu, dment li *kien għadu jgħix fil-ġisem* (cfr. Fil 1,22; 1Pt 4,2), kien iħobb b'imħabba speċjali l-ħwejjeġ tas-sema, u f'din id-dinja qatt ma ried li jsejjaħ xejn tiegħu, sabiex ikun jista' jakkwista għalih il-veru ġid ta' kollox b'mod aktar sħiħ u ferrieħi. Hu issa qiegħed jieħu sehem f'kollox, għalkemm ma kienx irid jintrabat ma' xejn, u biddel iż-żmien ta' issa ma' l-eternità. Kullimkien hu sar l-għajnuna ta' kulħadd, hu dejjem hu qrib ta' kulħadd, u dak li hu tassew il-maħbub tal-verità ma jafx bil-ħsara tal-firda[192].

[310] 120 Meta *kien għadu jgħix qalb il-midinbin* (cfr. Għerf 4,10) kien jiġri mad-dinja kollha jippriedka. Issa hu qiegħed isaltan flimkien ma' l-anġli *fil-għoli tas-smewwiet* (cfr. S 148,1), u jtir aktar bil-ħeffa mill-ħsieb, bħala ħabbâr ta' l-ogħla Sultan biex iġib il-grazzja tas-salvazzjoni lill-popli. Għaldaqstant il-bnedmin kollha jagħtuh ġieħ, iqimuh, jigglorifikawh u jfaħħruh, għaliex tassew li kollha kemm huma jieħdu sehem f'dan il-ġid li hu merfugħ għal kulħadd. Min jista' jsemmi kemm huma l-mirakli li permezz tiegħu Alla kullimkien qiegħed iwettaq f'kull rokna tad-dinja? Huma bla għadd dawk li seħħu biss fi Franza, fejn ir-re, ir-reġina u n-nobbli l-oħrajn kollha jmorru bi ħġarhom biex ibusu bil-qima l-imħadda li kienu juża San Franġisk meta kien marid[193]. Hemmhekk, ukoll l-għorrief u l-aqwa nies ta' skola fid-dinja kollha, li huma aktar numerużi

---

[192] F'din it-taqsima Celano jikkwota xi espressjonijiet mill-kant *Exsultet* tal-lejl qaddis ta' l-Għid, biex juri lil San Franġisk fid-dawl tal-misteru tal-glorifikazzjoni ta' Kristu. Dawn l-espressjonijiet jinkludu dawn li ġejjin: *in novae lucis exortu, fulgentioribus radiis illustratus, sentit se universam caliginem amisisse*; u: *detrimenta non novit*.

[193] Ir-re ta' Franza li għalih jirreferi Celano x'aktarx li kien il-famuż San Ludoviku IX (1214-1270), li hu wkoll patrun ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Imma fiż-żmien li fih qiegħed jikteb Celano dan kien għadu tifel, u s-saltna ta' Franza kienet immexxija minn ommu, Blanche ta' Castiglia.

f'Pariġi milli f'kull post ieħor, iqimu bl-umiltà u d-devozzjoni, iweġġħu u jagħtu l-kult tagħhom, lil Franġisku, il-bniedem bla skola[194] u l-ħabib tas-sempliċità u ta' kull min għandu qalb sinċiera. Għax tassew, kif juri ismu Franġisku, kellu qalb li kienet mill-aktar sinċiera[195], u nobbli fuq kulħadd. Ukoll dawk li huma midħla ħafna tal-qalb kbira tiegħu, jistgħu jixhdu kemm kien bniedem ħieles, kemm kien ġeneruż f'kollox, kemm kien żgur u ma jibża' minn xejn, kemm kellu virtù, u b'liema ħeġġa tar-ruħ kien jirfes fuq il-ħwejjeġ tad-dinja. U xi ngħidu dwar il-partijiet l-oħrajn tad-dinja, fejn, bil-qawwa ta' l-ilbies fqajjar tiegħu, in-nies jitfejqu mill-mard, u li malli biss ilissnu ismu fit-talb l-irġiel u n-nisa jinħelsu minn kull xorta ta' ħażen li jaħkimhom?

[311] 121 Ukoll fuq il-qabar tiegħu iwarrdu l-ħin kollu mirakli ġodda, u bil-qawwa ta' ħafna talb, jinqalgħu grazzji kbar għar-ruħ u għall-ġisem. L-għomja jerġgħu jieħdu lura d-dawl ta' għajnejhom, it-torox jieħdu lura s-smiegħ, il-mifluġin jibdew jimxu bil-ħeffa, l-imbikkmin tintraddilhom il-kelma fuq fommhom, il-morda bil-gotta fir-riġlejn imorru jimxu bil-ħeffa, *il-lebbrużi jitnaddfu mill-ġdiem* (cfr. Mt 11,5), dawk li huma morda bl-ilma jiħfiefu, u dawk li jbatu minn kull toqol ieħor tal-mard tal-ġisem jerġgħu jakkwistaw is-saħħa li tant kienu jixtiequ. Hekk dak il-ġisem li hu mejjet issa jfejjaq l-iġsma ħajjin, kif meta kien għadu ħaj kien iqajjem l-erwieħ mejta. Il-Papa sema' b'dawn l-għeġubijiet, hu li hu l-ogħla wieħed fost l-isqfijiet, mexxej ta' l-insara, sid tad-dinja, ragħaj tal-Knisja, *il-midluk tal-Mulej* (1Sam 24,11), u l-vigarju ta' Kristu. Hu feraħ u thenna, faħħar 'l Alla bil-hena, għaliex ra l-Knisja ta' Alla tiġġedded b'mirakli qodma imma fl-istess ħin b'misteri ġodda, f'dan ibnu, li hu kien ġarru fi ħdanu, li kien ħaddnu fi driegħu, li kien sqieh il-ħalib tal-kelma u li kien edukah bl-ikel tas-salvazzjoni. Semgħu b'dawn l-għeġubijiet ukoll il-prelati u r-ragħajja tal-merħla li huma l-ħarriesa tal-Knisja, id-difensuri fidili tagħha, *il-ħbieb ta' l-għarus* (cfr. Ġw 3,29), il-kollaboraturi tiegħu, l-irfid tad-dinja, il-miqjumin kardinali. Bdew jifirħu mal-Knisja u mal-Papa, bdew jigglorifikaw lill-Feddej, li fil-għerf għoli tiegħu li ma jitfissirx, li fil-grazzja divina u li ħadd ma jifhimha, li fl-ogħla tjieba li ħadd ma jistmaha, *jagħżel il-boloħ tad-dinja u dawk li ma huma xejn* (cfr. 1Kor 1,27.28) biex *jiġbed lejh* (cfr. Ġw 12,32) il-qawwija. Semgħet u thenniet id-dinja kollha, kif ukoll il-kristjanità li ssaltan hienja bil-fidi kattolika, u imtliet sa faret bil-*ferħ* u bil-*faraġ* qaddis (cfr. 1Mak 14,31).

[312] 122 Imma f'daqqa waħda inqala' t-taħwid, u d-dinja iddallmet b'taqlib ġdid. Il-kwiet u l-paċi tħarbtu minħabba ġlied u għira, u l-ġewwieni tal-Knisja iċċarrat minħabba l-ġlied li qam fih. Il-poplu ta' Ruma, li hu poplu kburi u feroċi u jqajjem il-ġlied fost il-bnedmin, qam kontra l-popli qrib tiegħu u saħansitra bla biża' kellhom il-ħila *jmiddu idejhom biex jipprofanaw il-ħwejjeġ qaddisa* (cfr. 1Mak 14,31). Il-Papa Girgor, ta' qalb kbira, tħabat bil-qawwa tiegħu kollha biex item dan il-ħażen, biex irażżan il-mibegħda u l-vjolenza u jiddefendi l-Knisja, bħala torri l-aktar b'saħħtu ta' Kristu. Imma l-perikli żdiedu, il-vjolenza bdiet issir aktar ta' spiss, u saħansitra fil-kumplament tad-dinja *l-moħħ qarrieq tal-midinbin* (cfr. S 128,4) qam fuq tiegħu. X'jaqbad jagħmel mela? Il-Papa, filwaqt li beda jitħasseb b'mod mill-aktar perfett dwar il-ġejjieni, u jiżen il-preżent, iddeċieda li jħalli l-Belt f'idejn ix-xewwiexa biex jeħles u jiddefendi għallinqas l-inħawi l-oħrajn[196]. Għaldaqstant il-Papa mar Rieti, fejn ġie milqugħ b'ġieħ kbir; imbagħad kompla triqtu

[194] L-espressjoni latina *virum idiotam* tfisser "bniedem bla skola", li ma għamilx studji superjuri, u ma għandniex naraw fiha s-sens modern u peġġorattiv tal-kelma "idjota".

[195] Celano hawn qiegħed jilgħab bil-kliem latin *Franciscus* u *francum*: *Et vere Franciscus, qui super omnes cor francum et nobile gessit*. L-aġġettiv *francum* ifisser bniedem ta' qalb kbira u twajba. Naraw il-kapaċità kbira ta' Celano li jilgħab bid-derivati mill-kelma *Francia – Franciscus, francum*.

[196] Il-kelma latina *Urbem* (Belt) tindika l-belt ta' Ruma. Celano hawnhekk jagħti rakkont fil-qosor ta' dak li ġara f'dawk ix-xhur. L-imperatur Federiku II kien ġie skomunikat mill-Papa Girgor IX, għaliex hu kien qiegħed jippretendi

lejn Spoleto, fejn kulħadd laqgħu b'qima kbira. Hawnhekk qagħad għal ftit ġranet, u għalkemm baqa' jgħasses l-interessi tal-Knisja, mar flimkien ma' xi wħud mill-meqjumin kardinali, biex iżur lill-qaddejja verġni ta' Kristu, li kienu midfunin għad-dinja[197]. Il-ħajja qaddisa, *l-ogħla faqar* (cfr. 2Kor 8,2) u t-tagħlim glorjuż ta' dawn il-verġni qaddisin kienu jqajjmu fih u f'dawk li kienu jakkumpanjawh tqanqil profond ta' l-ispirtu, hekk li kienu jnisslu fihom id-dmugħ u x-xewqa qaddisa għal ħajja ta' safa u għaċ-ċaħda tad-dinja. O umiltà, li tieħu ħsieb b'tant imħabba l-virtujiet l-oħrajn kollha! Il-prinċep tad-dinja kollha, is-suċċessur tal-prinċep ta' l-appostli, mar iżur lill-*Povere Dame*, u daħal fil-monasteru ta' dawk in-nisa verġni magħluqin ġewwa misturin fl-umiltà. Dan kien għemil li stħaqqlu jagħmel dak li hu *imħallef ġust* (cfr. Dt 16,18), eżempju ta' umiltà barra mis-soltu u li jaqbel mal-ħajja nisranija, u li qatt bħalu ma kien sar qabel fl-istorja.

[313] 123 Il-Papa għalhekk ħaffef lejn Assisi, fejn kien imħares għalih dak it-teżor glorjuż li seta' jneħħi t-tbatija u t-tiġrib ta' kulħadd. Malli wasal fil-belt, dawk l-inħawi kollha infexxew fil-ferħ, il-belt *kienet tfur bil-hena* (cfr. S 125,2), folla kbira ta' nies ġiet biex tiċċelebra bil-ferħ, u dak il-jum mimli dawl mela b'dija ta' l-għaġeb u ġdida dak il-jum. *Għall-miġja tiegħu* (cfr. 2Slat 4,26) kull bniedem ħareġ biex jilqgħu, u kulħadd mar qisu f'purċissjoni solenni. Ħarġu jilqgħuh l-aħwa fqajrin b'ġabra devota, u kull wieħed beda jkanta inni bil-ferħ *għall-midluk tal-Mulej* (cfr. 1Sam 24,11). Malli wasal fuq il-post, il-vigarju ta' Kristu l-ewwel ma għamel kien li niżel fil-qabar ta' l-imqaddes Franġisku biex isellimlu bil-qima. Hemmhekk hu beda jitniehed, iħabbat fuq sidru, jislet id-dmugħ, u jmil rasu bl-akbar qima fuq dak il-qabar. Imbagħad ta bidu għall-proċess tal-kanonizzazzjoni solenni, u għal dan il-għan sejjaħ biex jinġabru miegħu għal bosta drabi lill-miqjumin kardinali. U ara, li minn diversi nħawi bdew ġejjin ħafna li kienu sfaw meħlusin mill-mard tagħhom bl-interċessjoni tal-qaddis ta' Alla, u bdew jagħtu xhieda fuq il-mirakli, filwaqt li l-kardinali bdew japprovawhom, jivverifikawhom, jisimgħuhom, u jilqgħuhom bħala veri. Sadanittant il-Papa hieni kellu jmur Perugia, minħabba kawżi urġenti ta' l-uffiċċju tiegħu. Wara reġa' lura Assisi bi *grazzja aktar abbundanti* (cfr. Rhum 5,20) u waħdanija, biex ikompli dik il-ħidma importanti. Meta reġa' lura lejn Perugia għat-tieni darba, il-Papa laqqa' il-kulleġġ imqaddes tal-meqjumin kardinali fil-palazz tiegħu u hemmhekk ġie iċċelebrat il-konċistorju mqaddes. Ilkoll qablu flimkien b'leħen wieħed, u bdew jaqraw il-mirakli bil-qima u jfaħħru b'tifħir kbir il-ħajja u l-qdusija tal-missier imqaddes. [LM XV,7]

[314] 124 Il-kardinali qalu hekk: "Ma hemmx bżonn li noqogħdu nivverifikaw il-qdusija ta' ħajja ta' dan il-bniedem qaddis permezz tal-mirakli, *għaliex rajna b'għajnejna u messejna b'idejna* (cfr. 1Ġw 1,1) il-verità li tgħallem dak li qed nippruvaw". Ilkoll kienu imħeġġin, u jibku bil-ferħ, u fid-*dmugħ* kienet merfugħa għalihom *barka* (cfr. Lhud 12,17) bil-kotra. U mingħajr dewmien

li se jieħu kruċjata għall-ħelsien ta' l-Art Imqaddsa, imma fil-fatt kellu pjanijiet oħrajn. Federiku II invada t-territorji tal-Papa u rnexxielu jiġbed is-simpatija tan-nies ta' Ruma. Nhar it-Tnejn ta' l-Ottava ta' l-Għid ta' l-1228 il-poplu qam f'rewwixta waqt li Girgor IX kien qiegħed jiċċelebra solennement f'San Pietru. Il-Papa jaħrab u jmur Rieti, fejn idum mill-20 sal-25 ta' April. F'Mejju qagħad Spoleto, u bejn is-26 ta' Mejju u l-10 ta' Ġunju qagħad Assisi, u mbagħad mar fil-belt papali ta' Perugia.

[197] Il-Papa mar fil-monasteru tal-Klarissi ta' San Paolo ħdejn Spoleto, li kien diġà ħa ħsiebhom meta kien għadu kardinal Ugolino. L-isem tas-sorijiet kien għadu mhux uffiċjali, għax l-isem Klarissi twieled wara l-mewt ta' Santa Klara. Dak iż-żmien is-sorijiet f'Assisi kienu magħrufin bħala *Pauperes Dominae Sancti Damiani*, filwaqt li f'postijiet oħrajn, bħal dan il-każ, kienu sempliċement imsejħin "qaddejja verġni" ta' Kristu.

iddeċidew li jiffissaw il-jum imbierek, li fih id-dinja kollha kellha timtela' b'ferħ ta' salvazzjoni[198]. Sebaħ mela dak il-jum solenni, li jibqa' mfakkar bħala barka f'kull żmien, li xerred il-hena mhux biss fid-dinja imma saħansitra fl-għamajjar tas-sema. Inġabru flimkien isqfijiet, ġew abbati, u mill-aktar inħawi imbiegħdin inġabru wkoll bosta prelati tal-Knisja; kien hemm il-preżenza ta' persuna rjali[199], u għadd kbir ta' konti u ta' ħakkiema oħrajn nobbli. Hekk kulħadd beda miexi f'korteo solenni, u wara dak li jaħkem id-dinja kollha daħlu fil-belt ta'Assisi bil-ferħ. Waslu fil-post imħejji għal dik iċ-ċelebrazzjoni solenni[200], il-glorjuż Papa flimkien mal-kardinali, l-isqfijiet u l-abbati imdawwrin miegħu. Warajhom kien hemm ġmiegħi ta' saċerdoti u kjeriċi, ta' reliġjużi miġburin flimkien bil-qdusija, u misturin bil-velu ta qaddis ta' l-umiltà, u fl-aħħarnett folla kbira ta' nies, irġiel u nisa, li kienu tassew *kotra li ma tgħoddhiex* (cfr. 2Kron 4,18). Bdew ġejjin minn kullimkien nies ta' kull età, ferħanin li jkunu preżenti għal ġemgħa kbira bħal dik. *Hemmhekk kienu jinsabu ż-żgħir u l-kbir, l-ilsir u l-ħieles minn sidu* (cfr. Ġob 3,19).

[315] 125 Fin-nofs ta' kulħadd kien hemm il-Papa, l-għarus tal-Knisja ta' Kristu, *imdawwar* minn tant ulied *ta' kull xorta* (cfr. S 44,10), u *bil-kuruna tal-glorja fuq rasu li turi l-qdusija tiegħu* (cfr. Is 62,3; Apk 14,14; Sir 45,14). Kien imżejjen bil-paramenti pontifikali, kien liebes *l-ilbies qaddis* (cfr. Eż 40,13), *imberfel bid-deheb u bil-ħidma ta' l-id fil-ġawhar prezzjuż* (cfr. Sir 45,13). Hemm kien wieqaf *il-midluk tal-Mulej* (cfr. 1Sam 24,11), *jiddi bid-deheb fil-glorja ta' l-għaġeb tiegħu* (cfr. Is 4,2; S 44,10), u miksi *bir-rakkmu tal-ġawhar prezzjuż* (cfr. Sir 45,13), hekk li kien jiġbed il-ħarsa ta' kulħadd. Madwaru kienu miġburin il-kardinali u l-isqfijiet, ilkoll *imżejjnin b'ġawhar ileqq* (cfr. Is 61,10) fuq l-ilbies abjad daqs is-silġ, hekk li kienu qishom qegħdin jippreżentaw ix-xbieha tas-sbuħija tas-smewwiet u l-glorifikazzjoni tal-magħżulin. *Il-poplu kollu* kien jistenna *l-leħen tal-ferħ, li jlissen il-hena* (cfr. Ġer 25,10), leħen ġdid, leħen mimli b'kull ħlewwa, *leħen ta' tifħir* (cfr. S 25,7), leħen ta' barka li ma tintemmx. Ippriedka qabel kulħadd quddiem *il-poplu kollu* (cfr. Lhud 9,19) il-Papa Girgor, u bi kliem mimli ħlewwa daqs il-għasel, b'leħen jidwi, beda jħabbar l-għeġubijiet ta' Alla. Imbagħad għamel kliem ta' tifħir mill-aktar nobbli lill-missier imqaddes Franġisku, u beda jsemmi u jfakkar is-safa tal-ħajja tiegħu, hekk li inħasel bid-dmugħ. Il-priedka tiegħu bdiet b'dawn il-kelmiet: *Bħal kewkba li tiddi bejn is-sħab, bħall-qamar mimli fil-jum tiegħu, bħax-xemx tielgħa, hekk deher jiddi fit-tempju ta' Alla* (cfr. Sir 50,6-7)[201]. Meta temm dik *il-kelma fidila u ta' min jilqagħha għal kollox* (cfr. 1Tim 1,15), wieħed mis-suddjakni tal-Papa, li kien jismu Ottaviano, beda jaqra quddiem kulħadd b'leħen għoli l-mirakli tal-qaddis. Is-sinjur Raynerius, li kien kardinal djaknu, u li kien magħruf għall-kapaċità u

---

[198] Il-jum li fih kellha ssir il-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, jiġifieri s-16 ta' Lulju 1228. Għalkemm ma waslux għandna l-Atti tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, x'aktarx li dawn kienu jinkludu fihom il-lista ta' mirakli u taw xhieda għalihom bosta nies, u li Celano inkludihom fit-tmiem ta' din l-opra tiegħu.

[199] Din il-persuna rjali kienet ir-re Jean de Brienne, re ta' Ġerusalem, li kien inkurunat fit-3 ta' Ottubru 1210 u li kien sar jaf lil San Franġisk meta dan mar Damietta fl-Eġittu, fl-1219, mal-ħames Kruċjata. Qabel ma miet, daħal fl-Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza (III Ordni). Miet fit-23 ta' Marzu 1237 liebes it-tonka Franġiskana u indifen, skond ix-xewqa tiegħu, fil-bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Il-qabar monumentali tiegħu jinsab fid-daħla tal-*basilica inferiore* ta' San Franġisk.

[200] Il-post li fih saret il-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk kienet il-knisja ta' San Giorgio. Minħabba l-folol enormi tan-nies, iċ-ċelebrazzjoni saret barra, imma l-Papa daħal fil-knisja għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

[201] Din kienet it-tema tal-priedka ta' Girgor IX fil-jum tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. L-istess test bibliku tal-Ktieb ta' Bin Sirak 50,6-7 ifforma t-tema tal-Bulla ta' Kanonizzazzjoni *Mira circa nos*, li l-istess Girgor IX ippubblika f'Perugia fid-19 ta' Lulju 1228. Sallum il-ġurnata l-liturġija ta' jum is-solennità ta' San Franġisk għadha tużaha din is-silta fl-ewwel qari tal-Quddiesa. Id-dettalji li bihom Celano jinseġ ir-rakkont tal-kanonizzazzjoni juru biċ-ċar li hu kien preżenti għal din iċ-ċerimonja.

l-inġenju tiegħu, ikkummenta dawn il-mirakli bi kliem mirqum u b'ħafna dmugħ[202]. Il-Papa imtela' bil-hena u, filwaqt li kien qiegħed jitniehed u jolfoq, kien qiegħed iħalli d-dmugħ jinżel bil-kotra ma' ħaddejh, u hekk ukoll kienu qegħdin jagħmlu l-prelati li kienu preżenti, hekk li kienu qed jaħslu bid-dmugħ il-paramenti sagri. Il-poplu kollu preżenti wkoll *kien jitlob bid-dmugħ* (cfr. 1Sam 11,5), filwaqt li kien jistenna bla sabar u b'ħerqa kbira t-tħabbira tant mixtieqa.

[316] 126 L-imqaddes Papa beda jħabbar b'leħen qawwi u jidwi, u *refa'* idejh *lejn is-sema* (cfr. 2Mak 3,20), filwaqt li qal: "Għat-tifħir u l-glorja ta' Alla li jista' kollox, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u tal-glorjuża Verġni Marija, u tal-qaddisin Appostli Pietru u Pawlu, u għall-ġieħ tal-Knisja mqaddsa Rumana, lill-wisq imqaddes missier Franġisku, li l-Mulej diġà igglorifikah fis-sema, aħna li nqimuh hawn fuq l-art, wara li tajna widen għall-parir ta' ħutna (il-kardinali) u tal-prelati l-oħrajn, nordnaw li ismu jitniżżel fil-katalogu tal-Qaddisin, u li l-festa tiegħu tiġi iċċelebrata fil-jum tal-mewt tiegħu"[203]. Malli intemmet din it-tħabbira solenni, il-kardinali flimkien mal-Papa intunaw b'leħen għoli it-*Te Deum laudamus*. Il-folla wieġbet bil-kant *tal-poplu kollu* (cfr. Is 17,12), *li kien ifaħħar lil Alla* (cfr. Lq 2,13). L-art triegħdet b'dawk l-ilħna, l-arja dwiet b'dawk l-innijiet ta' ferħ , u kull fejn kienu jirfsu r-riġlejn inħasel bid-dmugħ. *Bdew ikantaw għanjiet ġodda* (cfr. S,32,3) u l-qaddejja *ta' Alla kienu jifirħu* (cfr. Ġob 38,7) bil-melodija ta' l-ispirtu. Bdew jinstemgħu hemmhekk strumenti mużikali ta' ħlewwa daqs dik ta' l-għasel, u kantiċi spiritwali li kienu jkantawhom b'leħen melodjuż. Hemmhekk kien hemm arja li fiha kont idduq *fwieħa mill-aktar ħelwa* (cfr. Eż 29,18), u melodija li kienet toħroġ b'hena ta' festa u li kienet tgħaxxi l-qlub bl-armonija tagħha. Il-jum kien jiddi, u kien imdawwal b'kuluri jleqqu. Kienu jixxejjru friegħi taż-żebbuġ u *friegħi ta' siġar* (cfr. Mt 21,8) oħrajn. Dik iċ-ċelebrazzjoni kienet ixxerred id-dija tagħha fuq kulħadd, u l-barka tal-paċi kienet timla bil-ferħ il-qlub kollha. Fl-aħħarnett, mimli hena l-Papa Girgor niżel *mit-tron glorjuż tiegħu* (cfr. Is 6,1), u għadda minn taraġ aktar fil-baxx biex *jidħol fis-santwarju* (cfr. S 72,17) u hemmhekk *joffri doni u sagrifiċċji* (cfr. Num 29,39), u jbus b'xofftejn hienja l-qabar tal-qaddis, fejn kien jistrieħ il-ġisem tiegħu ikkonsagrat lil Alla. *Offra talb bil-kotra* (cfr. Ġob 40,22; Is 1,15) u iċċelebra l-misteri qaddisa. Madwaru kien hemm *l-aħwa qishom kuruna* (cfr. Sir 50,13), *li kienu jfaħħru, jaduraw u jbierku lil Alla li jista' kollox* (cfr. Lq 24,52.53; 2Mak 3,22), *li jagħmel l-għeġubijiet fl-art kollha* (cfr. Sir 50,24). *Il-poplu kollu żied it-tifħir ta' Alla* (cfr. Mt 27,25; Lq 18,43), u għall-ġieħ tat-Trinità għolja kulħadd kien ikanta r-radd ta' ħajr tiegħu lil San Franġisk. Amen. Dawn il-ħwejjeġ seħħu f'Assisi, fit-tieni sena tal-pontifikat tas-sinjur Papa Girgor IX, fis-sbatax il-jum tal-*kalendae* tax-xahar ta' Awissu[204]. [AP 46-47; L3C 71; LM XV,7]

[202] Ottaviano degli Ubaldini di Mugello, kien kuġin tal-Papa Innoċenz III, u mbagħad sar cardinal minn Innoċenz IV fl-1244. Raynerius Capocci di Viterbo, kien raħeb ta' l-Ordni taċ-Ċisterċensi, sar kardinal fl-1216, kien ħabib kbir ta' l-Ordni Franġiskan u ħa sehem fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-1221. Hu wkoll l-awtur ta' l-Innu għal-Lawdi ta' l-Uffiċċju ta' San Franġisk: *Plaude turba paupercula*.

[203] Fl-4 ta'Ottubru.

[204] Il-Papa Girgor IX kien ġie elett fil-21 ta' Marzu 1227. It-tieni sena tal-pontifikat tiegħu kienet l-1228. Il-kanonizzazzjoni saret fis-16 ta' Lulju 1228.

# IL-MIRAKLI TA’ SAN FRANĠISK

Fl-isem ta’ Kristu jibdew il-mirakli tal-wisq imqaddes Missier tagħna Franġisku.

[317] 127 Nitolbu issa *l-grazzja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu* (cfr. 2Kor 8,9; 13,13), sabiex inqajmu d-devozzjoni fina u f’dawk li huma preżenti, u nqawwu l-fidi ta’ dawk li għad iridu jiġu fil-ġejjieni, filwaqt li nirrakkontaw fil-qosor imma wkoll fil-verità, *taħt it-tmexxija ta’ Kristu* (cfr. Dan 9,25), dawk il-mirakli li ġew imħabbrin lill-poplu miġbur quddiem is-sinjur Papa Girgor.

I – Dwar il-fejqan tal-mifluġin.

Fl-istess jum qaddis li fih il-ġisem imqaddes ta’ missierna San Franġisk ġie midfun, bħal teżor mill-aktar prezzjuż, midluk bil-fwejjaħ tas-sema u mhux b’dawk ta’ l-art, ġabu fuq il-qabar tiegħu lil waħda tifla, li minn sena qabel kellha għonqha mgħawweġ b’mod li jbeżżgħek, hekk li rasha kienet qisha toħroġ minn spallitha, b’tali mod li ma setgħetx terfa’ ħarsitha ‘l fuq jekk mhux la ġenbha u bi tbatija kbira. Poġġewlha rasha għal ftit ħin taħt l-urna li fiha kien jistrieħ il-ġisem prezzjuż tal-qaddis, u għall-merti tar-raġel qaddis, it-tifla mall-ewwel iddrittat għonqha u rasha reġgħet ġiet f’postha, hekk li t-tifla, malli ħasset dik il-bidla f’ġisimha, infexxet tibki u riedet taħrab minn hemm. Fuq l-ispalla kienet għadha tidher qisha ħofra li kienet ġiet iffurmata minħabba li rasha kienet tistrieħ fuq il-parti ħażina matul dik il-marda twila. [3C 160]

[318] 128 Fit-territorju ta’ Narni kien jgħix tifel li kellu l-għadma ta’ saqajh tant mgħawwġa, li ma setax jimxi jekk mhux fuq żewġ bsaten. Kien fqir u kien jgħix bħala tallab, għax kien ilu marid għal bosta snin, u lanqas biss kien jaf min kienu missieru u ommu. Għall-merti tal-missier imqaddes tagħna Franġisku ġie meħlus minn din il-marda, u seta’ jimxi b’mod ħieles mingħajr il-bsaten, hekk li kien ifaħħar u jbierek lil Alla u lill-qaddis tiegħu. [3C 161]

[319] 129 Nicola, raġel i kien jgħix Foligno, kien paralizzat f’riġlu tax-xellug. Imkisser bl-uġieħ, kien nefaq aktar milli seta’ fit-tobba, sakemm spiċċa midjun, dejjem bit-tama li jerġa’ jieħu lura saħħtu. Billi ra li l-kura kollha li fittex ma wasslitu imkien, u meta l-uġiegħ żdiedlu b’tali mod li kien jgħajjat bl-uġieġħ bil-lejl hekk li lanqas il-ġirien tiegħu ma kienu jistgħu jorqdu, fl-aħħarnett iddeċieda li jintelaq f’idejn Alla u f’idejn San Franġisk, u talab li jeħduh fuq il-qabar tal-qaddis. Hemmhekk dam lejl sħiħ jitlob quddiem il-qabar, u seta’ jmur lura d-dar miexi fuq riġlejh, mingħajr bastun, u jfur bil-ferħ. [3C 162]

[320] 130 Kien hemm tifel ieħor li kellu riġlejh milwijin b’tali mod li l-irkobba kienet tmiss ma’ sidru u l-għaksa kienet tmiss mal-koxxa. Ħaduh fuq il-qabar ta’ l-imqaddes Franġisku, filwaqt li missieru libes ċilizzju aħrax u ommu kienet tagħmel penitenza iebsa għall-fejqan tiegħu. Hemmhekk tfejjaq hekk malajr u b’mod sħiħ, li seta’ jiġri qawwi u sħiħ mal-pjazez, *filwaqt li radd ħajr lil Alla* (cfr. Atti 28,15) u lill-imqaddes Franġisku. [3C 163]

[321] 131 Fil-belt ta’ Fano kien hemm wieħed paralitiku, li kellu infezzjoni fl-għadam ta’ riġlejh, hekk li dawn kienu spiċċaw milwijin lura u mwaħħlin ma’ ġismu u li minħabba l-infezzjoni tant kienu jrejħu li ħadd ma kien lest li jilqgħu fl-isptar għall-kura. Għall-merti tal-missier

imqaddes Franġisku, li hu talbu bil-ħniena, wara ftit taż-żmien ingħata l-ferħ li jkun meħlus mill-marda tiegħu. [3C 164]

[322] 132 Kien hemm tifla f'Gubbio li kellha idejha milwijin, hekk li għal sħiħa ma setgħetx iċċaqlaq il-membri l-oħrajn ta' ġisimha. L-imredda' tagħha, li kellha fiduċja li taqla' l-grazzja tal-fejqan tat-tifla, ħaditha fuq il-qabar ta' San Franġisk, u magħha ħadet ukoll xbieha tax-xemgħa tad-daqs tat-tifla[205]. Wara li stenniet tmint ijiem, jum minnhom it-tifla reġgħet bdiet tuża l-membri kollha ta' ġisimha, hekk li setgħet tibda tagħmel dak li kienet tagħmel qabel. [3C 165]

[323] 133 Kien hemm tifel minn Montenero, li kien intasab għal ħafna ġranet bla forza ta' xejn quddiem il-knisja li fiha kien imħares il-ġisem ta' San Franġisk, għax hu la kien jista' jimxi u lanqas joqgħod bilqiegħda, billi kien paralizzat minn qaddu 'l isfel. Imma jum minnhom irnexxielu jidħol fil-knisja u tkaxkar sal-post li fih seta' jmiss il-qabar, u mall-ewwel ħassu mfejjaq u ħareġ barra qawwi u sħiħ. Dan it-tifel irrakkonta li, waqt li kien jinsab mixħut ma' l-art qrib il-qabar tal-qaddis glorjuż, deher quddiemu, proprju ħdejn il-qabar, żagħżugħ liebes bit-tonka tal-patrijiet, li f'idejh kellu l-lanġas, u li offrielu waħda minnhom filwaqt li talbu biex iqum jeħodha. Hu, meta irnexxielu jieħu f'idejh dik il-lanġasa, qallu: "Ara jiena mifluġ, u ma nistax inqum bl-ebda mod". Sadanittant beda jiekol dik il-lanġasa u firex idejh biex jieħu lanġasa oħra, li dak iż-żagħżugħ beda joffrilu. Dan beda jitolbu mill-ġdid biex iqum, imma l-marid, billi kien imtaqqal mill-marda tiegħu, ma ħassx li seta' jqum. Imma waqt li firex idejh, dak il-patri żagħżugħ ħallieh jieħu l-lanġasa, qabdu minn idu, ħarġu barra u għab minn quddiem għajnejh. Dan malli ra li kien imfejjaq, beda jgħajjat b'leħen għoli, u beda jirrakkonta lil kulħadd dak li kien għadda minn għalih. [3C 166]

[324] 134 Kien hemm waħda mara minn raħal li jismu Coccorano[206], li ġabuha fuq il-qabar tal-missier glorjuż mimduda fuq friex tal-qasab. Hi ma setgħet iċċaqlaq l-ebda wieħed mill-membri ta' ġisimha, ħlief ilsienha, li kienu għadu jaqdiha. Wara li *damet ftit* (cfr. Mt 25,5) ħdejn il-qabar tar-raġel qaddis, qamet mall-ewwel meħlusa mill-marda tagħha. Wieħed raġel minn Gubbio, ġab lil ibnu mifluġ f'qoffa tal-qasab quddiem il-qabar tal-missier imqaddes, u reġa' ħadu lura miegħu qawwi u sħiħ. It-tifel tant kien paralizzat li kellu riġlejh milwijin u jmissu ma' qaddu. [3C 167]

[325] 135 Bartolomeo li kien mill-belt ta' Narni, kien raġel fqir ħafna u tallab. Darba minnhom kien raqad taħt siġra tal-ġewż. Malli qam min-nagħsa tiegħu, b'qatgħa kbira u bin-niket intebaħ li kien paralizzat u li ma setax jimxi aktar. Minn jum għal jum il-marda kienet tikber, riġlejh u saqajh kienu donnhom nixfu u kienu ltwew u ibbiesu b'tali mod li lanqas biss kien iħoss uġiegħ jekk jaqta' jew jaħraq dak il-post f'ġismu. Imma lejl minnhom deherlu fil-ħolm l-imqaddes Franġisku, li hu l-ħabib u l-missier twajjeb tal-fqajrin, u talbu biex imur f'post fejn kien hemm menqgħa ta' l-ilma, għaliex hu, imqanqal mill-ħniena għal dik il-miżerja li kien jinsab fiha dak ir-raġel, ried ifejqu. Il-marid, meta qam, *ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel* (cfr. Lq 9,33; Atti 5,7), u mar jirrakkonta dik id-dehra lill-isqof tal-belt. L-isqof tah parir biex imur lejn dak l-ilma u bierku bis-sinjal tas-salib. Beda miexi bil-bastun, jixxengel qisu se jaqa', sakemm kif seta' wasal f'dak il-post li kien qallu bih il-qaddis. Hu u miexi, imnikket u mfarrak għall-isforz li kien qed jagħmel,

---

[205] Din kienet għamla ta' devozzjoni tal-medjuevu, jiġifieri li wieħed joffri, bħala *ex voto*, xbihat tax-xemgħa, jew tal-ħobż, jew tal-metall li jkollhom l-istess daqs jew piż ta' min ikun qiegħed jitlob il-grazzja tal-fejqan.

[206] Coccorano hu raħal bejn Assisi u Gubbio.

*sema' leħen jgħidlu* (cfr. Atti 9,4): "Mur fis-sliem tal-Mulej; jiena dak li inti offrejt lilek innifsek lilu". Hu u miexi lejn il-menqgħa ta' l-ilma, billi issa kien daħal il-lejl, tfixkel fit-triq, u reġa' sema dak il-leħen jgħidlu li kien ħa triq b'oħra. L-istess leħen mexxieh lejn l-ilma. Dan malli wasal u inxteħet fil-menqgħa ta' l-ilma, ħass id li messitlu riġlejh u oħra li messitlu saqajh, u reġgħet ġibdithom bil-ħlewwa fil-qagħda normali. Hu ħass ruħu mfejjaq, u qabeż 'il barra mill-ilma jfaħħar u jbierek lill-Ħallieq li jista' kollox u lill-qaddej qaddis tiegħu Franġisku, li kien għamel miegħu grazzja hekk kbira. Għax kien ilu sitt snin jgħix f'dik il-qagħda tal-biki dak ir-raġel tallab, li kien ukoll imdaħħal ħafna fis-snin. [3C 173]

II – Dwar l-għomja li jerġgħu jaraw.

[326] 136 Waħda mara jisimha Sibilla, għal bosta snin ma setgħetx tara. Jum minnhom, kollha niket u għamja, wassluha fuq il-qabar tal-bniedem ta' Alla. Mall-ewwel reġgħet ħadet lura d-dawl ta' għajnejha u reġgħet lura d-dar ferħana u mimlija hena. Hekk ukoll wieħed raġel għama minn Spello ħa lura d-dawl ta' għajnejh, li kien ilu li tilef, meta mar quddiem il-qabar qaddis. F'Camerino kien hemm mara għamja għal kollox f'għajnha l-leminija. Il-qraba tagħha qiegħedulha fuq għajnha l-marida b'biċċa drapp li kien mess l-imqaddes Franġisku, u wara li talbu l-grazzja, instemgħet it-talba tagħhom u l-mara kisbet lura d-dawl u radd ħajr lill-Mulej Alla u lil San Franġisk. Każ bħal dan seħħ lil waħda mara minn Gubbio, li ma setgħetx tieqaf tithenna li reġgħet kisbet lura d-dawl wara li talbet il-grazzja. Wieħed raġel minn Assisi li kien ilu bla dawl għal ħames snin, u li kien jaf sewwa lil San Franġisk meta dan kienu għadu ħaj, kompla jitlob lir-raġel qaddis u jfakkru fil-ħbiberija li kellhom fl-imgħoddi, u malli mess mal-qabar tiegħu mall-ewwel ħassu meħlus. Wieħed raġel minn Narni, jismu Alberto, kien ilu sena li tilef id-dawl ta' għajnejh għal kollox, hekk li l-kpiepel ta' għajnejh kienu mdendlin sa fuq l-għadam ta' ħaddejh. Malli hu mar jitlob lill-imqaddes Franġisku, reġa' mall-ewwel kiseb id-dawl, u hejja ruħu u ġie jżur il-qabar glorjuż tiegħu. [3C 130.134.136-139]

III – Dwar l-imxajtnin.

[327] 137 *Kien hemm raġel* (cfr. Ġob 1,1) fil-belt ta' Foligno, li kien jismu Pietro, li jum minnhom kien telaq pellegrinaġġ biex iżur is-santwarju ta' San Mikiel arkanġlu[207], jew biex iwettaq xi wegħda li kien għamel, inkella biex jagħmel penitenza ta' dnubietu. Meta darba minnhom kien għajjien mill-vjaġġ, u wasal ħdejn nixxiegħa, xorob minn dik il-għajn ta' ilma, imma ħassu qisu xorob ix-xjaten fih innifsu. Minn dak il-waqt baqa' maħkum mix-xitan għal tliet snin, u kien jgħid kliem li jwaħħxek u jagħmel ħwejjeġ mill-aktar mistkerrħa. Għaldaqstant ġie ħdejn il-qabar tal-missier l-aktar qaddis, u qorob lejh imħabbat bis-sħiħ mix-xjaten li qamu kontrih b'qawwa aktar mis-soltu, imma malli mess mal-qabar ġie meħlus għal kollox, hekk li dan deher li kien miraklu mill-aktar ċar u li jidher. [3C 150]

[328] 138 Waħda mara mill-belt ta' Narni kienet daqshekk furjuża u tilfet moħħha, li kienet tgħid u tagħmel ħwejjeġ mill-aktar tal-waħx u mhux ta' bniedem f'sikktu. L-imqaddes Franġisku *deherilha waqt viżjoni* (cfr. Num 12,6) u qalilha: "Agħmel is-sinjal tas-salib!" U hi weġbitu: "Ma nistax". Allura hu nnifsu immarkalha ġbinha bis-sinjal tas-salib, u minn dak il-waqt inħelset minn

[207] Is-santwarju famuż ta' San Mikiel arkanġlu fuq il-Monte Gargano, fl-Italja ta' isfel, li kien ċentru magħruf ta' pellegrinaġġi fil-medjuevu. L-isqof Guido ta' Assisi kien jinsab fuq pellegrinaġġ lejn dan is-santwarju meta miet San Franġisk.

kull ħbit tax-xitan u minn kull għemil ta' ġenn. Bosta kienu l-irġiel u n-nisa, li kienu imħabbtin b'ħafna modi mill-qerq tax-xitan, li ġew meħlusin mill-qawwa tiegħu għall-merti mill-aktar jiddu tal-glorjuż qaddis missier Franġisku. Imma billi dawn il-persuni jistgħu ta' spiss ikunu vittmi ta' qerq, semmejna dawn il-każi biss fil-qosor, biex issa ngħaddu għar-rakkonti ta' fatti aktar importanti u ta' l-għaġeb[208]. [3C 151]

IV – Dwar il-morda meħlusin minn ħalq il-mewt, dwar morda bil-mard tan-nervituri, bl-idropisija, bl-artrite, bil-paraliżi, u dwar ħafna xorta oħrajn ta' mard.

[329] 139 Kien hemm tifel jismu Matteo mill-belt ta' Todi, li kien ilu tmint ijiem *mixħut fis-sodda* (cfr. Mt 9,2) u mitluq għal mejjet, b'ħalqu magħluq u iebes u b'għajnejh ma jistgħux jinfetħu, u bil-ġilda ta' wiċċu, ta' idejh u ta' riġlejh li kienet swiedet qisha injama ġon-nar. Kulħadd kien qata' qalbu li dan it-tifel seta' jgħix. Minn fommu kien jirremetti demm ħażin, hekk li donnu ried jaqla' barra l-ġewwieni kollu tiegħu. Ommu inxteħtet mall-ewwel għarkobbtejha titlob bil-ħniena u ssemmi l-isem ta' San Franġisk. Malli qamet mit-talb it-tifel beda jiftaħ għajnejh, beda jara d-dawl u seta' anke jerda' l-ħalib, u wara ftit tal-ħin, il-ġilda tiegħu minn sewdinija saret ta' lewn bħas-soltu u t-tifel reġa' kiseb saħħtu lura. Malli ratu li beda jfiq, ommu bdiet tistaqsih u tgħidlu: "Min ħelsek, ibni?" U hu beda jtemtem u jgħid: "Ċikku, Ċikku". U mill-gdid staqsewh: "Min neħħielek il-marda tiegħek?" U hu mall-ewwel wieġeb: "Ċikku, Ċikku". Minħabba li kien għadu ċkejken ħafna ma kienx għadu jaf jitkellem sew, u għalhekk l-isem ta' Franġisku kien jgħid biss biċċa minnu. [3C 67]

[330] 140 Kien hemm żagħżugħ li waqa' għal isfel minn post għoli ħafna, u li spiċċa ma jitkellimx u paralizzat għal kollox. *Għal tlitt ijiem la seta' jiekol u lanqas jixrob* (cfr. Atti 9,9; Mt 11,18) u lanqas kien għadu jagħti sinjali li kien għadu jgħix, hekk li kulħadd kien beda jaħseb li kien miet. Ommu ma fittxitx il-kura tat-tobba, imma talbet il-fejqan tiegħu lill-imqaddes Franġisku. Wara li talbet u għamlet wegħda, biha reġa' ingħatalha qawwi u sħiħ, u hekk bdiet tfaħħar lill-Feddej li jista' kollox. Żagħżugħ ieħor jismu Mancino, li kien intlaqat minn marda tal-mewt u li kulħadd kien qata' qalbu li jarah imfejjaq, kif seta' beda jsejjaħ l-isem ta' l-imqaddes Franġisku, u mall-ewwel reġa' ħa lura saħħtu. Gualtiero, tifel minn Arezzo, li kien jitriegħed bl-aċċessi tad-deni, u li t-tobba kienu qalu li ma setax ifiq aktar, wara li l-ġenituri talbu għalih lil San Franġisk, reġa' kiseb is-saħħa mixtieqa tiegħu. Żagħżugħ ieħor kien wasal biex imut. Iddeċidew li jagħmlu xbieha tax-xemgħa f'ġieħ San Franġisk ħalli jitolbu l-grazzja tal-ħajja għalih. Kienu għadhom lanqas laħqu temmew il-ħidma tagħhom li ż-żagħżugħ ma ħelisx mill-marda li kellu. [3C 68.69]

[331] 141 Waħda mara, li kienet marida għal bosta snin u li kienet mixħuta f'qiegħ ta' sodda, hekk li ma setgħetx titħarrek, malli għamlet wegħda lil Alla u lill-imqaddes Franġisku, ġiet meħlusa minn kull mard, u marret tkompli taqdi d-dmirijiet meħtieġa tal-ħajja tagħha. Fil-belt ta' Narni kienet toqgħod mara li għal tmien snin kellha idha niexfa, hekk li ma setgħet tagħmel xejn biha. Jum minnhom deherilha l-imqaddes missier Franġisku *waqt viżjoni* (cfr. Atti 18,9) u wara li

[208] Celano juri l-prudenza kbira tiegħu meta jitratta l-mirakli li għandhom x'jaqsmu mal-ħelsien mill-qawwa tax-xitan. Fl-istess ħin dan juri s-sinċerità u l-verità tal-fatti ta' mirakli li ġew rakkontati, x'aktarx waqt il-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. F'bosta rakkonti ninnutaw in-nuqqas ta' insistenza dwar dak li hu barra min-normal, u naraw pjuttost il-figura umana u ħelwa ta' San Franġisk li jħoss għal min hu marid, fqir jew batut, u jisiednu biex jgħin ruħu bit-talb u l-indiema ħalli jikseb il-fejqan meħtieġ.

messilha dik l-id marida, din reġgħet fieqet u saret kapaċi li tħaddimha bħall-id l-oħra. Kien hemm żagħżugħ fl-istess belt, li kien ilu marbut għal għaxar snin b'marda mill-aktar kiefra, u li tant kien intetaħlu ġismu li l-ebda mediċina ma setgħet tfejjqu. Ommu talbet lill-imqaddes Franġisku, u hu mall-ewwel reġa' kiseb saħħtu lura. Fil-belt ta' Fano kien hemm raġel marid bl-ilma, u li kellu ġismu minfuħ b'mod li jbeżżgħek. Dan għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, ġie meħlus għal kollox minn dik il-marda tiegħu. Wieħed raġel joqgħod Todi kien isofri minn artrite daqshekk kerha, li la seta' joqgħod bilqiegħda u lanqas jimtedd fuq sodda biex jistrieħ. Il-qawwa tal-marda tiegħu kienet twasslu biex jitriegħed il-ħin kollu, hekk li kien qisu wasal qrib il-mewt. Sejjaħ lit-tobba, beda jieħu ħafna banjijiet u mediċini, imma xejn ma seta' jeħilsu minn dik il-marda. Jum minnhom, quddiem saċerdot li kien preżenti, hu talab lil San Franġisk biex jagħtih il-grazzja tal-fejqan. U malli beda jinsisti quddiem il-qaddis bit-talb tiegħu, mall-ewwel beda jħoss saħħtu ġejja lura. [3C 78.80.79.70.76]

[332] 142 Kien hemm mara mill-belt ta' Gubbio, li kienet mixħuta paralitika, u li wara li talbet għal tliet darbiet l-isem ta' l-imqaddes Franġiskuj, ġiet imfejjqa mill-marda tagħha. Ċertu Bonifacio kellu idejh u riġlejh maħkumin minn uġiegħ qawwi, hekk li ma setax jiċċaqlaq u lanqas jimxi, u lanqas ma seta' jimtedd fuq l-ebda ġenb ta' ġismu. Kien tilef l-aptit u ma setax lanqas jorqod. Jum minnhom ġiet għandu waħda mara, u tatu l-parir li jitlob lill-imqaddes Franġisku bil-qima kollha u jintelaq f'idejh, jekk kien irid ifiq minn dik il-marda. Dak ir-raġel, li kien maħkum minn uġiegħ qawwi, weġibha: "Ma naħsibx li hu qaddis". Imma dik il-mara baqgħet tinsisti, u hu talab hekk: "Jiena nintelaq kollni kemm jien f'idejn San Franġisk u nemmen li hu qaddis, jekk fi żmien tlitt ijiem jeħlisni minn din il-marda". Għall-merti tal-qaddis ta' Alla ġie mismugħ u beda jimxi, jiekol u jistrieħ bil-libertà, filwaqt *li ta glorja lil Alla li jista' kollox* (cfr. Ġw 9,24; Rum 4,20). [3C 71.77]

[333] 143 Kien hemm raġel li kien intlaqat f'rasu minn vleġġa tal-ħadid, li l-ponta tagħha kienet daħlitlu minn għajnejh u taqqbidlu l-qorriegħa ta' rasu. L-ebda tabib ma kien jista' jgħinu. Hu intelaq bil-qima u bit-talb mimli ħniena quddiem il-qaddis ta' Alla Franġisku, bit-tama li hu seta' jeħilsu u jidħol għalih. Waqt li kien qiegħed rieqed għal ftit tal-ħin, ġie San Franġisk *u qallu fil-ħolm* (cfr. Ġen 31,24) biex dik il-ponta tal-vleġġa joħorġuhielu minn fuq in-naħa ta' wara ta' rasu, fuq il-ġewża ta' għonqu. L-għada, skond kif kien ra fil-ħolma, għamlulu dak li qallu l-qaddis, u rnexxielhom jeħilsuh mingħajr ħafna tbatija. [3C 197]

[334] 144 Wieħed raġel fil-kastell ta' Spello, li kien jismu Imperatore, għal sentejn kien isofri minn ernja daqshekk gravi, li l-imsaren kienu joħorġu minn żaqqu, u hu ma kienx ikun jista' jdaħħalhom lura f'posthom. Għalhekk mar għand it-tobba jitlobhom jgħinuh, imma billi ma setax iħallas il-prezz li talbuh, hu li bil-ħniena kellu għaxja ta' lejla, tilef kull tama li setgħu jagħmlulu xi ħaġa. Għalhekk dar għall-għajnuna divina, u għall-merti ta' San Franġisk beda jitlob bil-ħniena l-fejqan, fit-triq jew fid-dar u kull fejn kien imur. U hekk ġara li, wara żmien qasir, bil-grazzja ta' Alla u għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, hu fieq għal kollox. [3C 113]

[335] 145 Kien hemm wieħed patri ta' l-Ordni tagħna li kien mill-Marca ta' Ancona, li kien isofri minn marda gravi minħabba fistla li kellu f'ġenbu. Hu kien fittex il-kura ta' ħafna tobba, imma minħabba li l-marda tiegħu marret dejjem għall-agħar, qata' qalbu minn kull fejqan. Għalhekk talab lill-ministru tiegħu, li kien jgħix taħt l-ubbidjenza tiegħu, biex jagħtih il-permess li jmur iżur il-post li fih kien hemm il-ġisem tal-Missier imqaddes Franġisku, għax kellu fiduċja

qawwija li għall-merti tiegħu seta' jikseb il-fejqan. Imma l-ministru ma riedx jagħtih il-permess li jitlaq, għax beda jiddubita jekk hu kienx jiflaħ jagħmel dak il-vjaġġ, l-aktar minħabba l-borra u x-xita li kienet nieżla f'dak l-istaġun u wkoll minħabba l-battikata li kien jieħu biex jivvjaġġa. Il-marid baqa' mnikket sew minħabba li ma ingħatax permess, sakemm lejl minnhom l-istess missier qaddis Franġisku deher ħdejh u qallu: "Ibni, titnikktix dwar dan; imma inża' l-mantell tal-ġild li inti liebes, armi l-ġbajjar u l-faxex li għandek fuq il-ferita, ħares ir-Regola tiegħek u tinħeles". Malli qam l-għada filgħodu, dan il-patri obda u għamel kollox skond kif intqal lilu, u mall-ewwel inħeles mill-marda tiegħu *u radd ħajr lil Alla* (cfr. Atti 27,35).

V – Dwar il-lebbrużi imnaddfin mill-ġdiem.

[336] 146 F'San Severino, fil-Marca ta' Ancona, kien jgħix wieħed żagħżugħ jismu Atto. Dan tant kien miksi bi ġrieħi tal-lebbra, li skond it-tobba hu kien infettat u meqjus li kien lebbruż. Il-membri kollha ta' ġismu kienu minfuħin u infettati, minħabba li l-vini tgħawwġu u kienu mqabbżin 'il barra, u hu kien jidher qisu bniedem deformat. Ma setax jimxi u kellu dejjem jibqa' msammar fuq il-friex tat-tbatija tiegħu, u kien kawża ta' niket u tbatija kbira għall-ġenituri tiegħu. Missieru, li kellu qalbu maqsuma minħabba dik it-tbatija li ma titfissirx, ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel aktar. Imma fl-aħħar ġieħ f'rasu li jirrikmanda lil ibnu lill-imqaddes Franġisku, u qal lil ibnu: "Ibni, trid tagħmel wegħda ma' San Franġisk, li jiddi minħabba l-ħafna mirakli li jwettaq, sabiex jogħġbu jeħilsek minn din il-marda tiegħek?" U dak wieġbu: "Irrid, missier". Għalhekk missieru mall-ewwel ġab folja tal-papiru, ħa l-qjies tat-tul u l-ħxuna ta' ibnu, u mbagħad qallu: "Qum, ibni, u intelaq f'idejn l-imqaddes Franġisku, u wegħdu li jekk tfiq, ta' kull sena għall-kumplament ta' ħajtek tmur pellegrin fuq il-qabar tiegħu, u teħodlu miegħek xemgħa twila daqsek". Dan obda għar-rieda ta' missieru, qam fuq riġlejh kif seta', u b'idejh marbutin flimkien beda jitlob bil-ħniena lill-imqaddes Franġisku. Imbagħad ħa l-qjies tal-papiru, u wara li temm it-talba qam, u kien għal kollox imfejjaq mil-lebbra. *Beda jagħti glorja lil Alla* (cfr. Ġw 9,24; Rum 4,20) u lill-imqaddes Franġisku, u beda *jimxi bil-ferħ* (cfr. Kol 1,10.11). Fil-belt ta' Fano kien hemm żagħżugħ jismu Bonuomo, li t-tobba kollha kienu jqisuh li kien lebbruż u paralitiku, li malli l-ġenituri tiegħu offrewh lill-imqaddes Franġisku, inħeles mill-lebbra u mill-paraliżi, u reġa' ħa lura saħħtu għal kollox. [3C 146.147]

VI – Dwar l-imbikkmin li jitkellmu u dwar it-torox li jisimgħu.

[337] 147 F'Città della Pieve kien hemm tifel mill-ifqar u tallab, li *minn jum twelidu* (cfr. Ġw 9,1) kien imbikkem u trux għal kollox. Kellu lsienu daqshekk qasir li kulħadd kien jaħseb li kienu maqtugħ. Darba minnhom filgħaxija mar fid-dar ta' wieħed raġel ta' l-istess kastell, li kien jismu Marco, u b'ħafna sinjali, kif jagħmlu l-imbikkmin, talbu biex jilqgħu għandu. Hu beda jxengel rasu u jqiegħed idu ma' ħaddejh, biex dak ir-raġel jifhem li hu xtaq jorqod għandu f'dak il-lejl. Dak ir-raġel bil-ferħ *laqgħu f'daru* (cfr. Ġud 6,19), u żammu miegħu bil-qalb, għax ħadd ma kien jaf min kienet il-familja ta' dak it-tifel. It-tifel *kellu bixra ħelwa* (cfr. 1Slat 11,28), u għalkemm kien trux u mbikkem minn twelidu, kien kapaċi jwettaq dak li jitolbuh bis-sinjali. Lejla minnhom dak ir-raġel, meta kien waqt l-ikel ma' martu u kien hemm quddiemu dak it-tifel, qal lil martu: "Dan tassew ikun miraklu kbir, kieku San Franġisk iroddlu s-smiegħ f'widnejh u l-kelma fuq fommu".

148 U żied jgħid: "*Inwiegħed lill-Mulej* (cfr. 2Sam 15,7) Alla li, jekk l-imqaddes Franġisku jwettaq dan il-miraklu, għall-imħabba tiegħu dan it-tifel iżommu b'għożża kbira u nieħu ħsieb l-għajxien tiegħu għall-kumplament ta' ħajtu". Tassew ħaġa ta' l-għaġeb! Malli dan ir-raġel għamel il-wegħda, mall-ewwel it-tifel *qabad jitkellem u jgħid* (cfr. Ġen 8,15): "Viva San Franġisk!" U mbagħad ħares 'il fuq u qal: "Jiena qiegħed nara lil San Franġisk fuqi, li ġie hawnhekk biex jagħtini l-fejqan". U t-tifel żied jgħid: "Issa x'se ngħid lin-nies?" U dak ir-raġel wieġbu: "*Faħħar lil Alla* (cfr. S 68,31) u *issalva ħafna bnedmin* (cfr. S 35,7)". Mall-ewwel dak ir-raġel qam *mimli ferħ u hena* (cfr. Is 14,7), u beda jxandar ma' kulħadd dak il-miraklu. Bdew jiġru lejh dawk li qabel kienu jafu lil dan it-tifel trux u mbikkem, u *kollhom mistagħġbin* (cfr. Atti 3,10) bdew ifaħħru lil Alla u lill-qaddej tiegħu l-imqaddes Franġisku. L-ilsien tat-tifel beda jikber, sakemm laħaq id-daqs normali, u dan beda jitkellem hekk bil-ħeffa u b'mod ċar daqslikieku qatt ma kien tilef l-użu tal-kelma. [3C 125]

[338] 149 Tifel ieħor jismu Villa kien imbikkem u ma setax jimxi. Ommu għamlet wegħda li tieħu xemgħa bix-xbieha tiegħu fil-post fejn kien midfun il-missier imqaddes Franġisku u tqiegħda hemmhekk b'devozzjoni kbira. Malli reġgħet lura d-dar sabet lil binha li kien ħa saħħtu lura u kien jitkellem. Kien hemm raġel fid-djoċesi ta' Perugia, li kien imbikkem u kellu jħalli dejjem ħalqu miftuħ beraħ u li kien dejjem bi qtugħ ta' nifs li jbeżżgħek, minħabba li griżmejh kienu minfuħin ħafna. Jum minnhom mar fil-post li fih hu midfun l-imqaddes ġisem, u hu u tiela' t-taraġ biex imiss il-qabar, beda jirremetti ħafna demm, u mall-ewwel inħeles, beda jitkellem, u beda jiftaħ u jagħlaq ħalqu bil-ħeffa. [3C 140.141]

[339] 150 Waħda mara wkoll kienet maħkuma minn uġiegħ kbira fil-gerżuma, hekk li kellha ilsienha mwaħħal mas-saqaf ta' ħalqha minħabba n-nixfa kbira li kien ikollha. La setgħet titkellem, la tiekol, u lanqas tixrob, u kull xorta ta' mediċina li kienet ħadet ma kienetx taffitilha bl-ebda mod dik il-marda. Għaldaqstant, fil-qiegħ ta' qalbha, għax ma setgħetx titkellem, intelqet bil-fiduċja f'idejn San Franġisk. Mall-ewwel ħalqha qisu faqqa', u minn griżmejha ħarġet bħal ġebla tonda, li bdiet turi lil kulħadd, u kienet meħlusa għal kollox mill-marda tagħha. Fil-kastell ta' Greccio, wieħed żagħżugħ, li kien tilef is-smiegħ, il-memorja u l-kelma kollha f'daqqa, ma seta' jifhem u jħoss xejn aktar. Il-ġenituri tiegħu, billi kellhom fiduċja qawwija f'San Franġisk, intelqu għal kollox f'idejh bit-talb devot. Malli temmew it-talb tagħhom, binhom mall-ewwel, għall-grazzja tal-wisq qaddis u glorjuż Franġisku, reġa' kiseb l-użu tas-sensi tiegħu.

Għat-tifħir, glorja u ġieħ tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li tiegħu hi s-saltna u l-ħakma għal kemm itulu ż-żminijiet, u għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Tmiem.

# EPILOGU

[340] 151 Għidna ftit kliem dwar il-mirakli tal-wisq qaddis missier tagħna Franġisku, u ħafna oħrajn ħallejniehom barra, filwaqt li nħallu f'idejn oħrajn li jridu *jimxu wara l-passi tiegħu* (cfr. 1Pt 2,21) biex jimmeritaw bl-istudju u r-riċerka tagħhom l-grazzja ta' barkiet ġodda. Hu li, bil-kelma u bl-eżempju, bil-ħajja u bit-tagħlim tiegħu, ġedded b'mod mill-aktar glorjuż id-dinja kollha, lil dawk li *jħobbu l-isem tal-Mulej* (cfr. S 118,132) b'qalbhom kollha jistħoqqlu dejjem

jagħtihom u jsaqqi lil qlubhom bid-doni tas-sema. U jiena, għall-imħabba ta' l-Imsallab fqajjar u *tal-marki tal-passjoni* tiegħu, li l-imqaddes missier Franġisku *kien iġorr f'ġismu* (cfr. Gal 6,17), nitlob lil dawk kollha li jaqraw, jaraw u jisimgħu r-rakkont tiegħi, *li quddiem Alla jiftakru fija, midneb* (cfr. Gal 1,20; Lq 18,13). Amen.

*Barka u ġieħ* (cfr. Apk 5,13) u kull tifħir jingħataw *biss lil Alla l-għaref* (cfr. Rum 16,27), li fil-glorja tiegħu dejjem *iħaddem kollox kulħadd* (cfr. 1Kor 12,6) fil-għerf kbir tiegħu. Amen. Amen. Amen.

# TOMMASO DA CELANO
# «LEGENDA AD USUM CHORI»

[341] 1 Inti tlabtni, fra Benedetto, biex mil-Leġġenda ta' l-imqaddes missier tagħna Franġisku niġbor fil-qosor u nqiegħed fl-ordni ta' disa' lezzjonijiet, dak li jrid jinqara fil-brevjar, sabiex kulħadd ikun jista' jkollu fil-qosor rakkont bħal dan. Għamilt dak li stajt, u *billi inti raġel għażiż* (cfr. Dan 9,23) u devot, kien xieraq li naqtagħlek xewqtek. Nitlob mingħandek bil-ħniena li, issa li lestejt din l-opra qasira, inti tibqa' dejjem tiftakar fija fil-frott tat-talb qaddis tiegħek.

[342] 2 L-imqaddes Franġisku twieled fil-belt ta' Assisi, u minn tfulitu trabba fil-frugħa. Billi hu kien negozjant, ħela ż-żmien ta' ħajtu sa kemm kellu ħamsa u għoxrin sena, fil-frugħat tal-ħajja. Sakemm kien għadu jgħix imħabbat bil-ħsibijiet ta' din l-art ma kienx jagħti kas li jakkwista l-virtujiet, sakemm il-Mulej għoġbu jolqtu bil-mard, hekk li *l-leminija ta' l-Aktar Għoli biddlitu* (cfr. S 76,11), *fi bniedem ġdid* (cfr. 1Sam 10,6), u għamlet minnu negozjant *tas-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 13,44-46), li għaliha beda jistmerr għana ta' din id-dinja u ingħata bir-rieda kollha tiegħu biex jiksibha. *Biegħ dak kollu li kellu* (cfr. Mt 19,21), u offra l-flus li kien qala' lil wieħed qassis fqajjar li, minħabba l-biża' mill-ġenituri tiegħu, ma riedx jilqagħhom, hekk li Franġisku xeħethom 'il bogħod minnu quddiemu, u stmahom qishom trab. Missieru skond il-ġisem imbagħad rabtu, qaflu d-dar, heddu bil-aħrax u żammu fil-ktajjen, imma hu stmerr is-saħħa ta' ġismu minħabba l-isem tal-Feddej.

[343] 3 In-nies ta' beltu għaddewh biż-żufjett, xeħtulu t-tajn, waddbulu l-ġebel, imma b'ruħu iffissata f'Alla, hu baqa' trux għal dak kollu li kienu jagħmlulu. Jum minnhom, sema' fl-Evanġelju li l-Mulej bagħat lid-dixxipli tiegħu biex jippriedkaw, u mall-ewwel imtela' bil-qawwa biex jaqdih b'qalbu kollha. Neħħa l-għata minn riġlejh, libes tonka waħda ta' drapp fqir u biddel iċ-ċinturin f'ħabel; imbagħad b'kull ħerqa, ħa ħsieb li sakemm idum jgħix iwettaq dak li sema' kelma b'kelma. Telaq minn art twelidu, qisu mejjet għad-dinja, u erħielha għal għonq it-triq bil-kuraġġ kollu. Kienet ix-xitwa u inqabad mill-ħallelin li ħallewh għeri u xeħtuh fis-silġ. Wasal f'monasteru, imma hemmhekk ġie mistmerr, u kellu jitlaq b'idu f'idu u jmur minn dak il-post għoddu għeri. Sadanittant billi hu kien iqis lilu nnifsu bla ebda siwi, mar għand il-lebbrużi, u dawk li qabel kien iħares lejhom bi stmerrija, issa beda jaqdihom bl-imħabba; kien inaddfilhom il-ġrieħi, kien jaħsilhom, u kien jħaddan miegħu dak kollu li nies oħrajn kienu jistmerru fihom.

[344] 4 Sadanittant il-Mulej *fetaħlu idu* (cfr. Prov 31,20) sabiex jimla lill-oħrajn b'din il-barka li kien irċieva. Tah oħrajn li saru sħabu u li mxew warajh, u li l-missier hieni iffurmahom f'ħajja qaddisa. Hu għallimhom biex jimxu wara l-perfezzjoni ta' l-Evanġelju, sabiex jitgħallmu jingħaqdu ma' l-ogħla faqar u biex jaqbdu t-triq tas-sempliċità qaddisa. Hu kien ixandar il-penitenza lil kulħadd, u dan bi kliem sempliċi, imma b'qalb kbira kien iħabbar *il-kelma ta' Alla* (cfr. Lq 5,1). Qabel kull priedka tiegħu kien jagħti s-sliem lil min jisimgħu u t-tislima ta' paċi tal-kelma tiegħu kienet tnissel grazzja li kienet tilħaq lil kulħadd. Hekk bosta bnedmin, *li kienu għedewwa tal-paċi* (cfr. S 119,7) *bl-għajnuna ta' Alla* (cfr. Lq 10,6) kisbu l-fejqan tar-ruħ, ħaddnu magħhom il-paċi b'qalbhom kollha, u saru huma wkoll *ulied is-sliem* (cfr. Lq 10,6) u dixxipli tas-salvazzjoni ta' dejjem. Kienu ħafna, nobbli u nies sempliċi, kjeriċi u lajċi, li bdew jimxu fuq il-

passi tiegħu, u wara li ħallew warajhom il-glorja tad-dinja, *meddew għonqhom għall-madmad* ta' Alla (cfr. Sir 51,34).

[345] 5 Fil-qaddis ta' Alla kienet taqbad l-imħabba ta' qima sinċiera, u hu kien jishar fuqu nnifsu biex jimxu 'l quddiem bil-ħerqa kollha ħalli jikseb ġid aqwa, li hu kellu xewqa lħiħa li jitgħallem għalih innifsu u għall-aħwa. Kien jitlob bla jehda, kien jagħmel indiema qaddisa ta' ħtijietu, kien irażżan is-sensi ta' ġismu, kien jidħol *fis-santwarju ta' Alla* (cfr. S 72,17); u kien jara jiddi quddiemu l-ġejjieni tal-merħla tiegħu li kellha titkattar fil-għadd. Alla ħaddem fih il-grazzja, hekk li urieh lil uliedu preżenti u lil dawk li kellhom jiġu. Għalhekk hu kiteb regola ta' l-Evanġelju għalih u għall-aħwa preżenti u dawk tal-ġejjieni, li s-sinjur Papa Innoċenz, bil-grazzja ta' Alla li ħadmet fih, ikkonfermaha. Mimli bil-fidi *ħareġ* fid-dinja *għall-ħidma* (cfr. S 103,23) ta' l-Evanġelju, mingħajr ma kien jinqeda bi kliem ta' żegħil, imma l-priedki tiegħu kienu jiġbdu lis-semmiegħa, u dawk kollha li kienu jisimgħuh *kienu jibqgħu mistagħġbin għat-tweġibiet għaqlin* (cfr. Lq 2,47) u għorrief tiegħu. Ġabar lil uliedu *tnejn tnejn* (cfr. Lq 10,1), u skond kif jgħid l-Evanġelju, bagħat lill-aħwa *fid-dinja kollha* (cfr. Mk 16,15). Sejjaħ lill-aħwa tiegħu bl-isem ta' Patrijiet Minuri, sabiex iżejjinhom bl-isem tal-professjoni ta' l-ogħla umiltà.

[346] 6 Għallimhom biex jgħakksu l-vizzji, biex irażżnu kull tqanqil tal-ġisem, biex idgħajjfu l-qawwa sensibbli tas-sensi tagħhom għal dak kollu li jiġbed. Għax hu nnifsu, bosta drabi, kif ġie li jiġri, kien jiġi mħabbat mill-ġibdiet tal-ġisem, u għalhekk kien jixteħet għal tulu ġo ħofra mimlija silġ. Hekk kien jagħti eżempju ta' ċaħda biex l-oħrajn jimitawh. Kien jifli lill-aħwa bir-reqqa kollha dwar l-imġieba tagħhom, ma kien iħalli xejn mingħajr korrezzjoni, u għamel minnhom ulied ta' l-ogħla ubbidjenza. Kien imżejjen bl-ogħla spirtu ta' ċaħda, hekk li kien ibiddel it-togħma ta' l-ikel li jqiegħdulu quddiemu, ma kien kważi qatt iduq l-inbid, u kien jixrob ilma kemm kien meħtieġ biss biex ibill griżmejh. L-art għerja kienet is-sodda tiegħu, u ta' spiss kien jorqod bilqiegħda u mhux mimdud. Sabiex l-oħrajn iqisuh bħala bniedem ta' min jistmerru u ta' qagħda baxxa, kien jitħabat biex jaħdem f'kollox bl-akbar sempliċità, kien jaħrab it-tifħir f'kollox, li ma jmurx jaqa' fil-ftaħir tiegħu nnifsu. Kien juri qima partikulari lejn is-saċerdoti, u kien iqim b'imħabba ta' l-għaġeb lid-dutturi tal-kelma divina.

[347] 7 Aktar ma kien jistħoqqlu jitqawwa bi grazzja dejjem akbar, aktar l-Ispirtu s-Santu kien jissawwab fih bil-kotra. Hekk l-aħwa rawh iżurhom, jiddi bħax-xemx, merfugħ minn karru tan-nar, f'nofs id-dalma tal-lejl, tant li kixef il-kuxjenza ta' kull wieħed, ħareġ għad-dawl *dak li kien hemm moħbi fil-qlub* (cfr. 1Kor 14,25), kixef l-għemejjel moħbija u ħabbar minn qabel il-merti tal-ġejjieni. Dan il-qaddis laħaq il-quċċata tal-perfezzjoni, imtela' *bis-sempliċità tal-ħamiema* (cfr. Mt 10,16), u kien iħeġġeġ il-ħlejjaq kollha biex iħobbu l-Ħallieq. Kien jippriedka lill-għasafar, hekk li dawn kienu jisimgħuh, u kienu jħalluh imisshom, u ma kienux jitilqu qabel jgħidilhom hu. Il-ħuttaf waqaf mill-istorbju tiegħu, meta hu ried ikellem lin-nies; talabhom jisktu u mall-ewwel libtu. Il-bhejjem li jgħixu fil-boskijiet li kienu jkunu maħqurin mill-bnedmin, kienu jaħarbu fi ħdanu, għax fih kienu jħossu l-ħniena ta' l-imħabba u kienu jsibu għandu l-kenn minn kull taħbit. Liema mħabba taħraq kellu għas-salvazzjoni tal-bnedmin, meta wieħed iqabbilha ma' l-imħabba li kellu lejn l-annimali? Għax ta' spiss kien jeħles il-ħrief u l-vitelli mill-moħqrija, minħabba l-grazzja tan-natura sempliċi tiegħu; kien iwarrab id-dud minn ġot-triq, li ma jmorrux jitgħaffġu taħt saqajn dawk li jgħaddu minn hemm.

[348] 8 Kien jimtela b'ferħ kbir u li ma jitfissirx għall-imħabba tal-Ħallieq, meta kien jiffissa ħarstu lejn ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb. Kien juri rispett lejn l-art u s-sema, lejn in-nar u l-arja li kien iwissihom biex iħobbu lil Alla b'safa mill-aktar qaddisa. L-isem tal-Mulej kien aktar ħelu mill-għasel f'fommu u meta kien isemmih kien jimtela bl-imħabba aktar milli b'kull għarfien tal-bnedmin. Għalhekk kien jistmerr id-dinja, u kien ifittex il-grazzja tal-martirju għax *kien jixtieq jintemm u jkun ma' Kristu* (cfr. Fil 1,23). Telaq għall-vjaġġ lejn il-Marokk, sabiex jippriedka l-Evanġelju ta' Kristu lil Miramolino; imma r-rieda divina reġgħetu lura l-Italja. Fit-tlittax-il sena mill-konverżjoni tiegħu mar lejn l-inħawi tas-Sirja, ħaffef għand is-Sultan, ġie msawwat bil-vireg, ġie maħqur, ippriedka lil Kristu, imma l-infidili reġgħu bagħtuh lura għand l-insara.

[349] 9 *Kulħadd kien ifaħħru ħafna* (cfr. Lq 4,15), u permezz tiegħu, u bl-għajnuna ta' Alla, ta' kuljum kienet tikber il-fidi u l-qima tal-poplu. Kull bniedem kien jiġri biex jarah, kienu jippruvaw jieħdu biċċiet mill-ilbies tiegħu għad-devozzjoni u l-imħabba li kellhom lejh. Kienu bosta dawk li reġgħu daru lejn Alla, *u ta' kuljum kien jiżdied* (cfr. Atti 2,47) il-għadd bla tarf ta' aħwa. In-nies kienu jmorru jilqgħuh, ġejjin lejh iġorru *l-friegħi tas-siġar* (cfr. Mt 21,8), kienu jdoqqu l-qniepen mal-wasla tiegħu. Hekk il-qerq ta' l-eretiċi tħawwad għal kollox u l-fidi kattolika ġiet imsebbħa kullimkien. Hu kien jippriedka bil-qawwa żgura tal-qalb safja tiegħu; bl-istess qawwa tar-ruħ kien jitkellem kemm quddiem il-ħafna kif ukoll quddiem ftit nies. Kienu joffrulu l-ħobż biex ibierku, u dan kienu mbagħad iżommuh għal żmien twil, sabiex il-morda setgħu iduquh u jfiqu.

[350] 10 Kien jiddi bid-dawl tal-mirakli hekk li *biddel l-ilma f'inbid* (cfr. Ġw 2,9); lil wieħed mifluġ fil-belt ta' Toscanella reġa' raddlu saħħtu; fejjaq wieħed paralitiku f'Narni; hemmhekk ukoll lil waħda mara għamja, li kienet ilha fid-dlam għal snin twal, reġa' raddilha d-dawl; f'Gubbio fejjaq waħda mara milwija. Lil oħrajn li kienu mħabbtin mix-xjaten ħelishom minnu mingħajr ma ġralhom ħsara; lil mara oħra *li kienet imħabbta minn spirtu ħażin* (cfr. Lq 6,18; 8,2) reġa' sejjaħ l-ispirtu tagħha lura għall-fejqan. Bosta morda fiequ meta messew il-kurdun tiegħu. Fil-ġifen kattar l-ikel, u wassal lill-baħrin mitlufin fit-tempesta lejn il-port mixtieq. Bil-ħerqa kollha kien jitħabat biex jiftakar dak kollu li Kristu *għamel meta kien jgħix fil-ġisem* (cfr. Atti 1,1; 1Pt 4,1) u tant kien ikun attent għal kull ma kien jisma', li xejn ma kien jaħrablu mill-memorja tiegħu.

[351] 11 Sentejn qabel ma miet il-qaddis u ħabib ta' Alla Franġisku, waqt dehra ta' Alla, ra fuq rasu Serafin imsallab, li stampalu f'ġismu l-marki ta' dak ir-raġel imsallab b'mod li jidher, hekk li hu nnifsu kien jidher li kien bniedem imsallab. Idejh u riġlejh u ġenbu ġew immarkati bis-sinjali tas-salib; u fih innifsu bdew jidhru l-istimmati ta' Kristu. Sakemm kien jista', kien jipprova jaħbi dan is-sinjal minn għajnejn il-bnedmin, li ma jmurx li *l-grazzja li ingħatatlu tisfagħlu fix-xejn* (cfr. Rum 12,3; 2Kor 7,9).

[352] 12 Minn dak iż-żmien ġismu beda jiġi maħkum minn ħafna mard gravi, u meta beda joqrob il-jum tal-mewt, ġie mċaħħad mid-dawl ta' għajnejh. Imbagħad, kif darba kien għamel il-patrijarka Ġakobb, b'idejh imsallbin *bierek lil uliedu* (cfr. Ġen 48,14.15). Meta wasal jum it-tluq tiegħu mid-dinja, talab lill-aħwa biex qabel mewtu jkantawlu bil-ferħ it-Tifħir tal-Mulej. Hu nnifsu infexx ikanta s-salm: *B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob* (S 141,2-8). U hekk kompla jitlob is-salm kollu. Wara li qrawlu l-Evanġelju, talabhom ilibbsuh iċ-

ċilizzju, u sellem għall-aħħar darba lil uliedu. Dik ir-ruħ l-aktar qaddisa hekk inħallet minn mal-ġisem u intilfet fl-abbiss tad-dawl divin, u ġismu *raqad fil-Mulej* (cfr. Atti 7,60).

[353] 13 Wieħed mill-aħwa ra ruħu tielgħa lejn is-sema, u kienet qisha *sħaba kollha dawl* (cfr. Apk 14,14) tielgħa 'l fuq, jew qisha l-kewkba ta' filgħodu. Il-kotra tal-poplu ġie tiġri minn kullimkien, il-belt ta' Assisi ferħet u kulħadd ħaffef mill-inħawi tiegħu. L-ulied kienu mbikkmin bil-ferħ tal-qalb tagħhom u kienu jbusu s-sinjali ta' l-ogħla Sultan li kienu jiddu fil-ġisem tal-missier imqaddes. Difnu fis-sliem il-ġisem wisq imqaddes tiegħu u iċċelebraw il-funerali b'ħafna innijiet u tifħir qaddis.

[354] 14 Mill-ħin li fih ġie midfun, beda jxerred bħal berqa l-mirakli tiegħu. Kien hemm tifla żgħira, li kienet milwija ħafna, li reġgħet kisbet qagħda wieqfa. Wara dan, minn kullimkien, bdew ġejjin l-aktar biex iqimu t-tifkira tiegħu, imma wkoll dawk li kienu maħkumin minn mard gravi, biex jitolbu l-grazzja tal-fejqan. Bosta nies milwijin reġgħu ħadu qagħda dritta: dawk li kellhom riġlejhom milwijin lura sa wara qaddhom tfejjqu, kif ukoll dawk li rkobbtejhom kienu milwijin u kienu mixħutin mifluġin u ma jistgħux jitħarrku. Dawk li kienu f'qiegħ ta' sodda, u ma setgħux jiċċaqilqu bl-ebda mod, u dawk li kellhom idejhom u l-kumplament tal-membri ta' ġisimhom niexfin, kisbu l-faraġ tal-fejqan.

[355] 15 Lil bosta għomja reġa' raddilhom lura d-dawl; raġel ieħor li kellu l-kpiepel ta' għajnejh imdendlin sa fuq ħaddejh u ma setax jara, tfejjaq u għajnejh ġew f'qagħda normali. *Għamel li bosta torox jisimgħu u l-imbikkmin jitkellmu* (cfr. Mk 7,37), tant li wieħed minn dawn li kellu lsienu daqshekk żgħir li bil-ħniena seta' jidher, reġa' seta' jitkellem b'ilsienu mfejjaq. *Naddaf bosa lebbrużi mill-ġdiem* (cfr. Lq 7,22), li wieħed minnhom kien ukoll paralitiku, imma mbagħad tfejjaq miż-żewġ mardiet tiegħu u kiseb saħħtu lura. Minn ħafna ossessi keċċa x-xjaten; u bil-qawwa ta' Kristu fejjaq bosta idropiċi u paralitiċi u oħrajn li kienu jsofru minn ħafna xorta ta' mard, li lanqas biss nafu kemm kienu. Għax tassew li fil-belt ta' Capua qajjem mill-mewt lil wieħed tifel, li meta kien qiegħed jilgħab ma' tfal oħrajn waqa' fix-xmara, u li ġismu mejjet dam għal ġranet sħaħ midfun fit-tajn ta-xxmara. Fil-belt ta' Suessa wieħed żagħżugħ waqgħet fuqu d-dar u qatlitu, imma malli semmew fuqu l-isem tal-missier l-aktar qaddis Franġisku mhux biss reġa' ħa l-ħajja, imma talli beda jgħix mingħajr ma juri l-ebda sinjal tal-ġerħat li sofra. Fi Sqallija reġġa' lura b'mod glorjuż għall-ħajja lil wieħed żagħżugħ ieħor u ħelsu mill-mewt. Fil-Ġermanja ukoll qajjem lil wieħed raġel mill-mewt. U lil seba' persuni oħrajn, li kienu waslu qrib it-tmiem, ħariġhom minn ħalq il-mewt.

[356] 16 Lil wieħed li kellu l-organi ġenitali morda u bla forma, lil dawk li l-partijiet inferjuri ta' l-intestini kienu joħorġulhom 'il barra minn ġisimhom, fejjaqhom mall-ewwel b'mod daqshekk ta' l-għaġeb, li baqgħu mibluġħin, u bdew jaħsbu li kienu qegħdin joħolmu għax qatt ma setgħu jimmaġinaw li kellhom jgħaddu minn fejqan li jseħħ f'daqqa b'dak il-mod. Waħda mara li, għal tlieta u għoxrin sena, *kienet tbati bit-tnixxija tad-demm* (cfr. Mt 9,10), hu ħenn għaliha u ħelisha mill-marda tagħha; lil waħda oħra li kellha l-istess marda għal seba' snin taha l-fejqan mit-tbatijiet tagħha. Wieħed kjeriku, *li kien xorob il-velenu* (cfr. Mk 16,18), malli talab lil San Franġisk, irremetta dak il-velenu. Lil bosta lsira ħelishom bil-ħniena u fetħilhom il-ħabsijiet, ħallilhom il-ktajjen, u ħallihom jitilqu ħielsa. Hekk fid-diversi nħawi tad-dinja, hu wettaq bil-ħerqa bosta mirakli, u bil-merti tiegħu, ħeles lil ħafna li kienu maħkumin minn bosta tiġrib, hu li kien dejjem ħabbhom, u li *kien iħobbhom b'qalbu kollha* (cfr. Lq 10,27) hekk li dejjem kien iġorrhom f'qalbu.

[357] 17 Fis-sena ta' l-Inkarazzjoni tal-Mulej 1226, fir-raba' jum tan-*nonae* ta' Ottubru, jum il-Ħadd, wara li għaddew għoxrin sena minn meta ingħaqad b'mod perfett ma' Kristu, meħlus mix-xkiel ta' din il-ħajja li tintemm, għadda hieni għal għand Kristu. Billi beda jiddi mall-ewwel bid-dawl ta' mirakli ġodda, il-Papa hieni Girgor flimkien mal-Knisja fid-dinja kollha niżżel ismu fil-katalgu tal-Qaddisin u ikkmanda li l-festa tiegħu tiġi iċċelebrata b'mod solenni fil-jum tal-mewt tiegħu. Tkattru l-grazzji permezz tiegħu; hekk li l-Papa ikkmanda li tinbena knisja għall-ġieħ tiegħu, u ried li jkunx hemm limiti għall-ispiża u l-kobor tagħha. Hu nnifsu qiegħed l-ewwel ġebla tal-pedamenti tagħha, u ħelisha minn kull ġurisdizzjoni ekkleżjastika li hi inferjuri għalih. Hu bagħat bħala don lil din il-knisja salib imżejjen bil-ħaġar prezzjuż, li fih hemm magħluqa r-relikwa ta' l-injama tas-salib tal-Mulej. Bagħat ukoll ornamenti u vażi sagri għall-qadi ta' l-altar, kif ukoll ħafna paramenti prezzjużi. Lil dak il-post sebbħu wkoll b'ħafna indulġenzi biex hemmhekk ħafna jsibu l-maħfra ta' dnubiethom, hekk li tikber ta' kuljum u dejjem aktar il-fidi u d-devozzjoni tal-poplu, għat-tifħir u l-glorja ta' *Alla li jista' kollox, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen* (cfr. Apk 16,14; 4,9; 11,15).

# JULIAN MINN SPEYER

## INTRODUZZJONI

Julian minn Speyer hu awtur ta' żewġ opri dwar San Franġisk, jiġifieri l-*Officium Rhythmicum Sancti Francisci* u l-*Vita Sancti Francisci*. L-ewwel opra hi ta' natura liturġika, filwaqt li t-tieni waħda hi opra aġjografika. It-tnejn inkitbu ftit snin wara l-mewt ta' San Franġisk.

Julian kien mill-belt ta' Speyer, fir-Rhine Palatinate tal-Ġermanja. Ftit nafu dwar ħajtu. Il-ftit dettalji li għandna jagħtuhomlna Giordano da Giano, awtur ta' *Kronaka* dwar il-Patrijiet Minuri fil-Ġermanja, u kronista ieħor, Nicholas Glassberger. Bartolomeo da Pisa, fil-*Liber de Conformitate*, jgħid li "qabel ma daħal fl-Ordni hu kien *magister cantus* fil-palazz tar-re ta' Franza". Il-*magister cantus* kien dak li jgħallem il-kant u l-mużika. Il-fatt li Julian kien qiegħed għas-servizz tar-re ta' Franza juri l-livell għoli ta' kultura tiegħu. X'aktarx ir-re li kien qiegħed jaqdi kien il-famuż re San Ludoviku IX, li kien sar re ta' Franza fl-1226. San Ludoviku hu magħruf bħala l-patrun ta' l-Ordni Franġiskan Sekular, għax hu kien membru ta' l-Ordni ta' l-Aħwa irġiel u nisa tal-Penitenza, li kienu jgħixu skond għamla ta' ħajja li kien fassal għalihom San Franġisk, u li mbagħad ġiet mogħtija forma ġuridika mill-kardinal Ugolino fl-1221, meta ippreżentalhom il-*Memoriale propositi*. San Ludoviku, re mill-aktar kattoliku, u iben Bianca di Castiglia, baqa'magħruf għaliex bena l-*Aix le Chapelle* li fiha qiegħed ir-relikwi tal-kuruna tax-xewk ta' Ġesù, u ħa sehem għal darbtejn fil-kruċjata. Miet bil-pesta f'Tuneż, meta mar għall-kruċjata fl-1271.

Xi studjużi jaħsbu li kien proprju fl-1226 li Julian minn Speyer ħalla dan l-inkarigu għoli tiegħu fil-palazz irjali ta' Franza biex ingħaqad mal-Patrijiet Minuri. Wara l-Kapitlu Ġenerali ta' Assisi (30 ta' Mejju 1227) Julian intbagħat il-Ġermanja, flimkien ma' fra Simon l-Ingliż, li kien Ministru Provinċjal fin-Normandija, u li kien inħatar Ministru Provinċjal tal-Ġermanja. Hemmhekk Julian ġie magħżul bħala *lector*, jew għalliem, tat-tejoloġija lill-patrijiet. Fil-25 ta' Mejju 1230 kien f'Assisi, fejn ħa sehem fit-translazzjoni tar-relikwi ta' San Franġisk mill-knisja ta' San Giorgio għall-bażilika l-ġdida. Wara din id-data mar Pariġi, fejn kien *lector* fil-kunvent ġenerali ta' l-istudji li kellu l-Ordni f'din il-belt universitarja, li kienet iċ-ċentru kulturali ta' l-Ewropa medjevali. Kien f'Pariġi li hu kiteb iż-żewġ opri li semmejna dwar San Franġisk, kif ukoll żewġ opri oħra dwar Sant'Antnin, li kien ġie kanonizzat fit-30 ta' Mejju 1232 mill-Papa Girgor IX. Dawn huma l-*Officium Rhythmicum Sancti Antonii* u l-*Vita Secunda Sancti Antonii*. Skond l-istudjużi Franġiskani, edituri ta' l-*Analecta Franciscana*, Julian minn Speyer miet bejn wieħed u ieħor fis-sena 1250.

Il-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer (VJS) ċertament tiddependi għal kollox mill-1C, li kienet il-ħajja uffiċjali ta' San Franġisk, miktuba fl-1229. L-*Officium Rhythmicum*, mill-banda l-oħra, hu kompożizzjoni liturġika, li turi xebħ mal-VJS, imma li l-istudjużi ma jaqblux dwar min minnhom inkiteb l-ewwel. Van Ortroy jinsisti li l-*Officium* jiddependi mill-VJS, għax isib ħafna xebħ stilistiku bejniethom. Hu jgħid li hu aċċettabbli li espressjonijiet mill-VJS ittieħdu fil-kompożizzjonijiet poetiċi ta' l-*Officium*, imma li ma setax jiġri hekk bil-maqlub. Imma bosta

studjużi oħrajn isostnu li l-*Officium* inkiteb qabel il-VJS, għax din hi bħal kumment bijografiku għall-kontenut liturġiku tiegħu.

Fil-fatt, illum nistgħu nkunu nafu d-data ta' meta Julian kiteb dawn iż-żewġ opri. Il-*Vita Sancti Francisci* inkitbet ċertament wara t-30 ta' Mejju 1232, data li fiha ġie kanonizzat Sant'Antnin ta' Padova, għax fiha Julian isejjaħ lil Sant'Antnin *nunc sanctus et gloriosus Christi confessor* (VJS 30). Mela jqisu li hu diġà qaddis. Rigward l-*Officium Rhythmicum* nafu li dan kien lest fl-4 ta' Ottubru 1235, u li kien qiegħed jintuża fil-liturġija ta' jum il-festa ta' San Franġisk. Dan għaliex il-kronista Thomas of Eccleston, fl-opra tiegħu *De adventu Fratrum Minorum in Angliam* (Dwar il-miġja tal-Patrijiet Minuri fl-Ingilterra), jgħid li ċertu fra Augustin "kien qal fil-kunvent ta' Londra, li hu kien jinsab Assisi għall-festa ta' San Franġisk, u hemmhekk kien hemm il-Papa Girgor, u li meta dan tela' biex jippriedka, il-patrijiet bdew ikantaw l-antifona: *Hunc sanctus praeelegerat in patrem*, u l-Papa deher jitbissem". Il-Papa Girgor IX kien mar għall-festa ta' San Franġisk f'Assisi fl-1235, u din l-antifona ta' l-I Għasar ta' l-*Officum Rhythmicum* titkellem dwar il-ħbiberija intima li San Franġisk kellu ma' dan il-Papa meta kien għadu l-kardinal protettur ta' l-Ordni, Ugolino dei Conti di Segni. L-edituri ta' l-*Analecta Franciscana* jqisu li l-*Officium* inkiteb qabel, fl-1231-1232.

*Officium Rhythmicum Sancti Francisci*

Il-kult liturġiku ta' San Franġisk beda mal-kanonizzazzjoni tiegħu mill-Papa Girgor IX fis-16 ta' Lulju 1228. Kien xieraq li, għalkemm fil-formularji tal-quddiesa, għall-festa ta' San Franġisk jintużaw dawk mill-komun tal-konfessuri, fil-każ ta' l-uffiċċju divin, San Franġisk ikollu uffiċċju proprju. Kien għal din ir-raġuni li x'aktarx li ġie mqabbad il-*magister cantus*, Julian minn Speyer, biex jikkomponi dak li jissejjaħ *Officum Rhythmicum*, jiġifieri uffiċċju miktub b'mod poetiku, skond ir-ritmu u r-rima lirika, bl-iskop li jkun jista' jitkanta fuq melodija gregorjana. Tommaso da Celano kien ġie mqabbad biex jikteb il-*Legenda ad usum chori*, hekk li kienu lesti l-lezzjonijiet li kienu jinqraw għall-Matutin. Julian minn Speyer mela l-vojt permezz ta' l-antifoni u r-responsorji ta' l-uffiċċju.

L-*Officium Rhythmicum*, iżda, ma għandux biss il-kompożizzjonijiet liriċi ta' Julian. Il-parti kbira ta' l-innijiet u xi antifoni li żdiedu miegħu huma opri liriċi oħrajn ta' persuni li kienu midħla sewwa ta' San Franġisk. Hekk għandna dawn il-persunaġġi li taw sehemhom fil-kompożizzjoni ta' l-*Officium Rhythmicum*:

Julian minn Speyer, *Officium Rhythmicum Sancti Francisci*, antifoni u responsorji ta' l-I Għasar, Matutin, Lawdi u II Għasar.

Papa Girgor IX, Innu *Proles de caelo prodiit* għall-I Għasar u antifoni *Sancte Francisce, propere*, u *Plange, turba paupercula*, għall-ottava tal-festa ta' San Franġisk.

Kardinal Tommaso da Capua, Kardinal ta' Santa Sabina (+1243), Innijiet *In caelesti collegio*, u *Decus morum*, responsorju *Carnis spicam*, u antifona *Salve, sancte pater* għall-ottava tal-festa ta' San Franġisk.

Kardinal Raniero Capocci da Viterbo (+1250), Innu *Plaude, turba paupercula*, u antifona *Caelorum candor splenduit*, għall-ottava tal-festa ta' San Franġisk.

L-iżvilupp ta' dawn it-testi liturġiċi, partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-uffiċċju divin, irridu narawh fil-kuntest ta' l-iżvilupp tal-liturġija Rumana u l-importanza tagħha fl-Ordni Franġiskan. Ir-*Regola bullata* ta' l-1223 tgħid li l-aħwa għandhom jgħidu l-uffiċċju divin "skond ir-rit tal-Knisja mqaddsa Rumana". Il-Papa Innoċenz III, x'aktarx waqt il-Konċilju Lateran IV fl-1215, kien ikkmanda li l-uffiċċju divin jinġabar f'volum wieħed, taħt forma imqassra, magħrufa appuntu bħala *breviarium*, jew brevjar. Meta l-Papa Onorju III approva r-*Regola bullata* l-aħwa ġew obbligati li jimxu għal kollox skond l-*ordo* liturġiku tal-Knisja Rumana, u kienu jużaw il-brevjar biex jitolbu s-sigħat kanoniċi ta' l-uffiċċju divin. F'din il-ħaġa huma kienu differenti mid-Dumnikani, għax dawn żviluppaw *ordo* għalihom.

Il-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum* tagħti din ix-xhieda dwar l-*Officium Rhythmicum*: "Fra Julian il-Ġermaniż kien l-awtur ta' l-akbar partijiet tal-ħajjiet ta' San Franġisk u Sant'Antnin fil-kliem u l-mużika" (*Analecta Franciscana* III,381). Il-partijiet l-oħrajn, kif rajna, inkitbu minn persuni li kienu jafu tajjeb lil San Franġisk. Barra mill-Papa Girgor IX, hemm il-kardinal Raniero Capocci, li kien raħeb mill-Ordni taċ-Ċisterċensi, li kien ippresjieda l-Kapitlu ġenerali ta' l-1221.

Il-*Chronica anonyma* Ġermaniża, li hi ħidma ta' kronista Franġiskan tas-seklu XV, tgħid li "fra Julian minn Speyer ikkompona l-uffiċċju ta' San Franġisk u dak ta' Sant'Antnin bi stil nobbli u b'melodija mill-isbaħ". Bernardo de Bessa, segretarju ta' San Bonaventura, jagħti xhieda tal-kompożizzjoni ta' Julian fil-*Liber de laudibus Sancti Francisci*, kif jagħmel ukoll Arnald da Sarrant fil-*De Cognatione Sancti Francisci*.

It-test ta' l-*Officium Rhythmicum* wasal għandna permezz ta' tradizzjoni manuskritta tajba ħafna. L-edituri ta' l-*Analecta Franciscana* studjaw 55 manuskritti u 27 innarji li wasslulna dan l-uffiċċju ta' Julian minn Speyer. Dak li l-aktar jolqotna hu li, f'diversi każi, hemm ukoll in-noti mużikali ta' l-innijiet, responsorji u antifoni, li ikkompona l-*magister cantus* Julian, u li huma kompożizzjonijiet mill-isbaħ ta'melodija gregorjana, li turi wkoll il-bidu tal-polifonija. Hi ħasra li, fl-edizzjoni ġdida tal-Proprju Franġiskan, dan l-uffiċċju ta' San Franġisk ma għadux inkluż, ħlief għal xi biċċiet żgħar f'xi antifoni u innijiet. F'isem is-simplifikazzjoni u l-qosor tlifna ġawhra ta' kompożizzjoni ta' natura liturġika, poetika, aġjografika, storika u lirika. Forsi ta' min jerġa'jużaha mill-ġdid biex tingħata solennità xierqa, "skond ir-rit tal-Knisja Rumana", lill-festa ta' San Franġisk! L-istess ġara fil-każ ta' l-uffiċċju ta' Sant'Antnin.

L-*Officium Rhythmicum* hu ta' spiss minsuġ minn metafori li jibqgħu b'tifsira kemmxejn enigmatika. Eżempju klassiku jinsab fl-aħħar strofa ta' l-Innu *Proles de caelo prodiit,* miktub mill-Papa Girgor IX: *Domum, portam et tumulum / Pater Francisce visita*. Diversi studjużi ippruvaw jinterpretaw għal xhiex jirreferi Girgor IX bil-kelmiet "Missier Franġisku, ejja żur / id-dar, il-bieb u l-qabar". Hemm min jara f'din l-espressjoni riferiment għall-Ordni tal-Minuri (*domum*), għall-belt ta' Assisi (*portam,* fis-sens tal-bieb tal-belt), u għall-qabar ta' San Franġisk fil-bażilika tiegħu (*tumulum*). Oħrajn jaraw riferiment għal tliet għeġubijiet imwettqin minn Kristu, li jqajjem il-mejtin għall-ħajja: it-tifla ta' Ġajru, imqajjma mill-mewt fid-dar (Lq 8,40ss), it-tifel ta' l-armla ta' Najn, imqajjem f'bieb il-belt (Lq 7,11ss), u Lażżru, imqajjem mill-qabar (Ġw 11,17ss). Fl-Innu *Plaude, turba paupercula,* miktub mill-kardinal Raniero Capocci, hemm l-espressjoni *pauper, nudus egreditur / caelum dives ingreditur* (fqir u għeri ħareġ mid-dinja / għani daħal fis-sema). Dawn huma meħudin minn antifona famuża f'ġieħ San Martin ta' Tours, li l-

liturġija rumana daħħlitha fil-brevjar għal-Lawdi u l-Għasar tal-11 ta' Novembru: *Martinus hic pauper et modicus caelum dives ingreditur*. Din l-antifona ittieħdet mill-ittra ta' Sulpicius Severus lil Bassula, li fiha hemm ir-rakkont tal-mewt ta' l-isqof San Martin.

L-edituri Franġiskani ta' l-*Analecta Franciscana* jiktbu: "Fl-*Officium Rhythmicum*, Julian juri ruħu bħala kittieb mill-aktar espert (*scribendi peritissimus*) fil-formularji tat-talb, jipprova li hu poeta insinji, għax jirnexxielu jiċċelebra l-għeġubijiet tal-Patrijarka ta' Assisi, u l-virtujiet u d-doni tiegħu, b'dan il-mod liriku". Sfortunatament hu kważi impossibbli li wieħed irendi t-ton poetiku ta' dawn il-kompożizzjonijiet liriċi bil-Malti. Kienet tkun ħidma ta' id esperta ta' poeta bħal Marjanu Vella OFM li setgħet tagħmel opra bħal din, kif ġara fil-każ ta' l-Għanja tal-ħlejjaq ta' San Franġisk. Ta' Marjanu Vella OFM se nġibu t-traduzzjoni poetika tas-Sekwenza *Sanctitatis Nova Signa*, attribwita lil Fra Tommaso da Celano, filwaqt li t-traduzzjonijiet l-oħrajn kollha ta' l-*Officium Rhythmicum*, li dan il-poeta Franġiskan ma laħaqx għamilhom, qed isiru b'mod li ma jirrispettax l-istil poetiku oriġinali li nkitbu bih.

*Vita Sancti Francisci*

Diġà tkellimna dwar il-kompożizzjoni tal-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer. Inżidu xi ħaġa dwar il-kuntest storiku li fih inkitbet u dwar il-kontenut tagħha. Wieħed jista' jqis il-VJS bħala kopja ta' 1C, u għalhekk ma jagħtihiex l-importanza li jistħoqqilha. Imma rridu niftakru li, filwaqt li Tommaso da Celano kiteb f'ambjent Taljan, Julian kiteb f'ambjent Franċiż, u preċiżament fil-belt ta' Pariġi, il-kapitali tal-kultura fl-Ewropa medjevali. Il-Patrijiet Minuri kellhom kunvent ġenerali ta' l-istudji f'Pariġi (*Grand Couvent des Cordeliers*). Fil-belt ta' Pariġi l-Ordnijiet mendikanti (il-Predikaturi [Dumnikani] u l-Minuri [Franġiskani]) kellhom kunventi kbar ta' l-istudji. L-ewwel Patrijiet Minuri kienu waslu Pariġi fl-1217, matul l-ewwel missjoni tagħhom fi Franza. Huma marru joqogħdu qrib l-Abbazija ta' Saint Denis. Meta l-patrijiet reġgħu waslu fit-tieni missjoni, dik ta' l-1219, huma kellhom ittri ta' rakkomandazzjoni mill-Papa Onorju III. Fl-1225, meta Franġisku kien għadu ħaj, l-aħwa kienu diġà ġibdu għal magħhom xi wħud mill-*magistri* sekulari (qassisin) ta' l-Università ta' Pariġi, fosthom lill-ingliż Haymo of Faversham. Fl-1229, bl-għajnuna tar-re Ludoviku IX, l-aħwa marru joqogħdu fil-post li kien tahom l-abbati ta' Saint-German-des-Prés, u waqqfu hemm il-kunvent ġenerali ta' l-istudji. Fl-istess kunvent, fl-1236, daħal fl-Ordni Alexander of Hales, wieħed mill-*magistri*, li waqqaf il-kattedra tat-tejoloġija fil-kunvent tal-Franġiskani, fejn studjaw nies famużi bħal San Bonaventura. Kien f'dan l-ambjent akkademiku li Julian minn Speyer kiteb il-VJS.

Il-kontenut tal-VJS ma tantx juri diverġenzi mill-1C. Madankollu jidher li Julian hu aktar attent biex jagħmel distinzjoni ċara bejn l-approvazzjoni bil-fomm tal-*forma vitae* ta' l-1209-1210 u l-konferma tar-*Regula bullata* ta' l-1223: "Filwaqt li l-ewwel wieħed [Innoċenz III], kif għidna aktar 'il fuq, kien ħa ħsieb f'kollox tar-raġel ta' Alla, u kien approva l-bidu ta' l-Ordni tiegħu [*de Ordinis institutione consensit*], hekk it-tieni wieħed [Onorju III] kien ħa ħsieb biex bit-tjieba jikkonferma r-Regola ta' dan il-qaddis [*ut in Regula tangitur, omnia eidem sancto benigne postmodum confirmavit*]" (VJS, 73). Julian jagħmel id-distinzjoni ċara bejn il-*vitae forma* ta' l-1209-1210 u r-*regula* ta' l-1223.

Imma forsi l-akbar valur tal-VJS jinsab fir-rakkont tat-translazzjoni tar-relikwi ta’ San Franġisk, nhar il-25 ta’ Mejju 1230. L-aħħar żewġ paragrafi tal-VJS għandhom valur kbir, għaliex jidher ċar li l-abbundanza tad-dettalji fir-rakkont juri li Julian minn Speyer kien preżenti personalment għal din il-ġrajja importanti.

It-traduzzjoni tal-*Vita Sancti Francisci* ta’ Julian minn Speyer tippreżenta l-istess diffikultajiet ta’ dik ta’ Tommaso da Celano, minħabba l-andatura tal-*cursus* latin magħmul xi kultant minn sentenzi twal ħafna, li hemm bżonn li wieħed jaqsamhom biex joffri lill-qarrejja test li jinqara b’aktar ħeffa. Ħlief fil-każ tad-dettall ġdid dwar it-translazzjoni tar-relikwi ta’ San Franġisk, ma żidniex noti ta’ spjegazzjoni biex ma nirrepetux dak li diġà spjegajna f’ċertu dettall fil-*Vita Sancti Francisci* ta’ Tommaso da Celano. Għalhekk għall-apparat kritiku l-qarrej hu mitlub jirreferi għall-bijografija ta’ Celano.

# JULIAN MINN SPEYER
# «OFFICIUM RHYTHMICUM SANCTI FRANCISCI»

I GĦASAR

1 – Antifoni

[358] Franġisku, raġel kattoliku
U kollu apostoliku,
Difensur tal-Knisja Rumana
Għallem il-fidi,
Wissa lill-presbiteri,
Minn kulħadd hu miqjum.

Beda taħt Innoċenz,
Kompla taħt Onorju,
Temm ħajtu bil-glorja;
Wara dawn ġie Girgor
Li tah tifħir akbar
Għall-fama tal-mirakli tiegħu.

Dan għażlu minn qabel b'qaddis,
Hu li kien missieru
Meta kien f'uffiċċju minuri fil-Knisja;
Għax hu, bi spirtu profetiku
Kien ra minn qabel u ħabbarlu
Il-ġieħ apostoliku.

Franġisku l-evanġeliku
Ma kisirx l-ebda *tikka*
Tal-*quċċata unika* tal-liġi evanġelika; (cfr. Mt 5,18)
Xejn ma kien aktar ħelu mill-madmad ta' Kristu,
Xejn *eħfef mit-toqol* tiegħu (cfr. Mt 11,30)
Fid-dawrien ta' din il-ħajja.

Dan hu li ikkmanda lill-ħlejjaq,
Li bis-sinjali tiegħu
Kollox kien imil quddiem il-Ħallieq;
Dak kollu li kien isib
Fil-gost tal-ħwejjeġ maħluqa,
Kien iwasslu biex jagħti glorja lil min għamilhom.

2 – Kapitlu (Gal 6,14)

[359] Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar, jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija, u jien għad-dinja. R/. Inroddu ħajr lil Alla.

3 – Innu (tal-Papa Girgor IX)

[360] Mis-smewwiet ulied welled,
Wettaq mirakli ġodda:
Fetaħ is-sema lill-għomja;
Nixxef il-baħar f'mogħdija.

*Neżża' lill-Eġizzjani* (cfr. Eż 3,22; 12,36)
Qasam għani; imma fqir
La tilef ġieħu w ismu,
Sar il-hena ta' l-imsejknin.

*Tela' fl-għoli* ma' l-Appostli
*Fuq l-għolja* ta' dija ġdida (cfr. Mt 17,1),
Mogħni bil-għana tal-faqar
Ġarr fih Franġisku lil Kristu.

*"Ħa nagħmlu tliet għarajjex"* (cfr. Mt 17,4)
Għamel dak li wiegħed Pietru;
Biex bl-ebda mod ma jitlaq
Ir-rieda w l-għamar ta' Ismu.

Għal-*Liġi, Profeti u Grazzja* (cfr. Ġw 1,17.45)
Kellu qima wisq ta' l-għaġeb,
Tifħir it-Trinità qaddisa
Kien għalih festa solenni.

Waqt li sewwa l-virtujiet
Fil-kenn tat-tliet mistiedna,
Ir-ruħ ta' min hu mbierek
Qaddes bħal tempju lil Kristu.

Missier Franġisku ejja żur,
Darek, beltek u qabrek,
U n-nisel imsejken ta' Eva
Qajjem mir-raqda tal-mewt. Amen.

4 - V/. Itlob għalina, imqaddes Franġisku.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

5 – Antifona tal-*Magnificat*

[361] O bniedem ta' l-għaġeb u hieni,
O mħallef tar-ruħ tal-bniedem:
Inti *l-karru u r-rikkieb* (cfr. 2Slat 2,11.12)
Ta' l-eżerċtu tagħna;
Inti dehert *fin-nar* (cfr. 2Slat 2,11.12)
Kont *trasfigurat* quddiem l-aħwa
Taħt ix-xbieha *tax-xemx* (cfr. Mt 17,2)
Li rawk riekeb fuq karru;
Fik is-sinjali tad-dija,
Fik it-tħabbira tal-ġejjieni,
Fik *kien jistrieħ l-ispirtu*
*Taż-żewġ* profeti (2Slat 2,9.15)
Missier Franġisku int ibqa'
Ma' wliedek l-imsejkna,
Tħallix li jikber *id-dmugħ*
*Tal-merħla tiegħek* (cfr. S 37,10; 78,13).

6 – Talba

[362] O Alla, li ridt tkabbar b'ulied ġodda lill-Knisja tiegħek għall-merti ta' San Franġisk li nissilhom, agħti lilna li bl-imitazzjoni tiegħu nistmerru l-ġid tad-dinja u ngawdu għal dejjem miegħu d-don tal-ġid tas-sema. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna.

MATUTIN

7 – Invitatorju

[363] Lis-Sultan, li jagħmel l-*għeġubijiet*,
Lil Kristu *ħa jistqarru* (cfr. S 144,10),
Li fil-ġrieħi tiegħu lil San Franġisk
Għoġbu li jġeddu.

8 – Innu (ta' Tommaso da Capua, Kardinal ta' Santa Sabina)

[364] Fix-xirka tas-sema
Inqimu membru ġdid:

Fost il-ward tal-qaddisin
Warda ġdida fetħet.

Franġisku jwarrad bil-grazzja,
Sar għamla ta' ħajja għall-ġwejdin,
Hieni jaħkem il-glorja,
Imsieħeb mal-qaddisin.

*Ħasad miż-żerriegħa* li xerred
*Il-qatgħet* (cfr. Ġw 4,35.36; S 125,6) mimlija tal-ħsad,
Għadda minn taħt is-saqaf tad-dinja
Biex jikseb il-fidwa tagħna.

Hekk fuq il-kburija *tal-ġisem*
*Il-Liġi* qiegħed taħt *l-ispirtu* (cfr. Rum 7,25; 8,13):
*Rebaħ lid-dinja* (cfr. Ġw 16,33) u l-vizzju,
Lilu nnifsu rebaħ qatt mirbuħ.

B'ilsienu, idejh u riġlejh
*Hejja ż-żerriegħa* (cfr. Mt 3,3) tal-Kelma,
Ħaddan miegħu is-sekli
B'tagħlimu u għemilu bid-dieher.

Maħkum mill-imħabba għall-faqar
*Ħawwel ix-xitla* (cfr. Is 5,1.2) tal-Minuri,
Wera t-tagħlim li jmexxi
Ir-regola ta' kif jgħixu l-ħajja.

Lejn il-għana li ddum għal dejjem
Rabba' l-folla tal-fqajrin,
Li għall-ħlewwiet tas-sema
Ilsienu kien isejħilhom għall-ħidma.

Deher jiddi f'ħajjietu w tagħlimu,
Mixgħul b'leħħet il-mirakli;
Hekk kien minn qabel għall-poplu,
Il-ħajja, il-musbieħ li kellu jkun.

Fil-palazz tas-sultan l-aktar għoli,
Għaref kbir, ta post lid-dixxipli;
Privileġġ dan ta' salvazzjoni
Bih Kristu jarma lill-qaddej tiegħu.

Mid-dlamijiet tal-miżerja tagħna
Ejjew nimxu fit-triq ta' din il-kewkba,
Ejja nfittxu l-grazzja ta' missierna,

Iseħibna fil-glorja miegħu.  Amen.

FL-I NOTTURN

9 – Antifoni

[365]	Dan ir-raġel fil-frugħat
Trabba bla mistħija,
Aktar minn dawk li rabbewh
Ġab ruħu bil-kburija.

Bil-grazzja *tal-leminija ta' l-Aktar Għoli*
*Mibdul ġie* (cfr. S 76,11) b'mod li jgħaġġbek,
Imtela' bit-tama tal-maħfra mill-waqgħa
U ma' Kristu issa hieni jsaltan.

Imrattab, iżda mhux fil-ġewwieni,
Fil-bidu milqut mill-mard,
Dak li ħataf l-armi tas-sema
Biex biddel għemilu għal kollox.

10 -	V/. Il-Mulej ħabbu u għanieh bil-bosta.
	R/. *U libbsu b'libsa ta' glorja* (cfr. Sir 6,32).

11 – Responsorji

[366]	R/. Franġisku, biex inqata'
Minn qalb in-nies,
*Fil-għalqa* tal-Mulej
Fis twarrab biex jimmedita;
Hemmhekk *it-teżor sab* (cfr. Mt 13,44)
Tal-Vanġelu li hu ried jikseb.
V/. Ta' Alla, li waħdu jaħdem
Mar ifittex il-parir,
Mis-sema ingħatawlu ħwejjeġ għolja.

R/. Imħeġġeġ fl-għemil ta' Alla,
Minnufih *biegħ* kull ma kellu,
Qassam kollox lill-*fqajrin* (cfr. Mt 19,21).
Il-flus tajjar minn fuqu,
Li t-toqol jagħfas tagħhom
Kien iweġġa' 'l qalbu ħielsa.
V/. U dawn, bil-biża' fuqu

Laqagħhom qassis fqajjar,
Biex hekk, bħal knis jistmerrahom.

R/. Filwaqt li missieru ħaqru,
Inħeba *sa ma tgħaddi l-korla* (cfr. Rum 12,19);
Bil-qawwa mbagħad ġie mżeblaħ
Kif ħareġ miexi fost niesu:
Wiċċu ta' bixra mixruba,
Ħasbuh li tilef moħħu.
V/. It-tajn, il-ġebel waddbulu,
Imma hu ġarrab kollox bis-sabar,
Minn nofshom għadda *bla xejn ma sema'* (cfr. S 37,14).

FIT-II NOTTURN

12 – Antifoni

[367] F'daru kaxkru u sawwtu
Missieru mixgħul bil-korla,
Bil-ktajjen *xekklu, qaflu* (cfr. Atti 12,6);
Sa ma bil-moħbi ommu ħelsitu.

Hekk ħieles, minn għadab missieru
Ma beżax imma waqaflu,
Beda jgħajjat li minn jeddu
*Minħabba Kristu* kien lest *li jbati* (cfr. Atti 5,41).

Meħud fid-dar ta' l-isqof,
Ġidu reħa f'idejn missieru;
Għeri baqa' sabiex juri
Li mid-dinja fl-eżilju ħareġ.

13 - V/. *Minn fomm il-ġust joħroġ kliem il-għerf.*
R/. *U lsienu jgħid is-sewwa* (cfr. S 36,30).

14 – Responsorji

[368] R/. Waqt li b'ġismu għoddu għeri
It-tifħir għanna bil-Franċiż
*Bil-liġi* l-ġdida *kollu mħeġġeġ* (cfr. 1Mak 2,26.58),
Lill-ħallelin fil-bosk moħbija
Hu weġibhom b'dil-profezija:
"Il-ħabbâr jien *tal-kbir Sultan*" (cfr. S 46,3).

V/. Ġewwa s-silġ, mixħut għal tulu
Sema' l-kliem: "Hemm oqgħod, iblah",
Hu li kellu *jmexxi l-merħla* (cfr. Eżek 34,8.12).

R/. Ħabib antik hu mar ifittex,
Wara li stmerrewh fil-monasteru
U dan satru b'tonka fqajra.
Hu li feraħ bl-istmerrija tal-bnedmin
Mar iqim lill-imġiddmin,
Li qabel kien jistmerrhom.
V/. Tliet Ordnijiet hu mar ifassal
Meta, immexxi minn Alla li nebbhu,
Tliet knejjes hu mar jibni.

R/. Hu sema' fl-Evanġelju
Li bih kien kellmu Kristu
Kif *bagħathom jippriedkaw* (cfr. Mk 3,14);
"Dan", qal, "hu dak li rrid".
Bil-ferħ hu mar jintrabat
Ħa jwettaq dak li sema'.
V/. Ma ġarrx *ħatar,* lanqas *qorq,*
*La ħorġa* (cfr. Mt 10,10), u lanqas żewġ ilbiesi,
U tħażżem b'ħabel oħxon.

FIT-III NOTTURN

15 – Antifoni

[369] Qalbu hejja kollu ħerqa,
Biex imġedda bi kliem il-grazzja,
Tilqa' s-sejħa għall-penitenza
Li hu fassal sabiex jgħixha.

*Kien iħabbar is-sliem u l-fidwa* (cfr. Is 52,7)
*Mogħni bil-qawwa ta' l-Ispirtu* (cfr. Lq 1,17; Rum 15,13),
Sieħeb 'il min tassew iħobb *il-paċi*
U 'l min *bogħod kien* (cfr. Is 57,19; Ef 2,17) mis-salvazzjoni.

Sabiex il-merti ġodda tal-qaddis
Jitħallsu f'ulied ġodda,
Hu ħalla twissija ġdida
*Fit-triq tas-sempliċità qaddisa* (cfr. Prov 10,29; 11,5).

16 - V/. *Il-liġi ta' Alla tiegħu għal qalbu.*
R/. *U ma jitfixkilx fil-mixi tiegħu* (cfr. S 36,31).

17 – Responsorji

(Tal-Kardinal Tommaso da Capua)

[370] R/. *Is-sbula* tal-ġisem, *il-qiegħa* ċaħad,
Franġisku *qasam* (cfr. Dt 23,24), magħġun mill-art,
Il-qamħa safja, u rema' *t-tiben*,
Biex is-Sultan Għoli jidħol fil-*maħżen* (cfr. Mt 3,12).
V/. *Ħobż il-ħajja* (cfr. Ġw 6,41), magħqud mal-mewt,
Għal dejjem jgħix, *miftum mill-ħajja* (cfr. 2Mak 9,28).

(Tal-Papa Girgor IX)

[371] R/. Mill-imħażen tal-faqar imqaddes
Mar imantni San Franġisk
Lill-folla mġewwħa ta' Kristu,
*Li ma tmurx togħtor fit-triq* (cfr. Mt 15,32);
Beda miexi lejn il-glorja
U *t-triq* wessgħa lejn *il-ħajja* (cfr. Mt 7,14).
V/. Bil-faqar li l-ġid ikattar
Issa jsaltan għani fis-sema,
Mas-Sultan li jxebbgħu b'kollox,
Biex bil-faqar hu jistagħna.

R/. Sitt aħwa, lill-missierhom,
Fid-dawl mehdi tas-seba' sema,
Rawh fid-dehra tal-ġejjieni.
L-iżgħar wieħed mill-Minuri
Il-merħla ċkejkna ratu ħiereġ
Ħarset lejh, mimli bid-dija.
V/. *Sa l-inqas ħabba* (cfr. Mt 5,26) ta' ħtija
Mar jindem minnu sa ntwerielu
Li kien maħfur għal kollox.

R/. Għalih dak li hu moħbi inkixef,
U laqa' għandu t-tmien sieħeb,
Sa ma ntrabat li *tnejn, tnejn jibgħathom* (cfr. Mk 6,7; Lq 10,1)
Għand kull ġens li hawn fid-dinja,
Lilhom għamar bi kliem umli
Biex *is-sabar* dejjem *juru* (cfr. 1Tes 5,14).
V/. Il-merħla mielet bl-ubbidjenza,
Ir-ragħaj qajjimha w laqagħha

Bil-ferħ tal-bewsa mqaddsa.

R/. "Morru", qalilhom, "u f'dak
Li bih jitmagħkom *l-Mulej*
*Ixħtu l-ħsibijiet tagħkom*" (cfr. S 54,23).
Hekk l-aħwa mill-iżball
Ħarishom tax-xewqat tal-ġisem
Iebsin u bla qatt jehdew.
V/. Hekk il-qalb bi ħsibijietha
Ma tħabbilx rasha *għall-għada* (cfr. Mt 6,34),
Marbuta *b'ħorġa flus tar-ram* (cfr. Mk 6,8).

R/. Ġew lura l-aħwa li ntbagħatu,
U ingħaqdu u saru tnax;
Sabiex ikun jista' jwettaq
Ir-regola qaddisa li kiteb,
Mar biha u taha lill-Papa
Innoċenz li bagħatu jippriedka.
*Dak kollu li ġie mogħti* (cfr. Lq 19,13)
Franġisku ħaddmu u kattru bosta,
U ġab lura qliegħ mill-akbar.

## LAWDI

18 – Antifoni

[372] San Franġisk, qabel kulħadd
Kien jehda fit-talb,
Kien tgħallem x'kellu jagħmel,
Li mhux għalih innifsu jgħix,
Imma għall-oħrajn ried jimxi 'l quddiem
Misjuq mill-ħeġġa lejn Alla.

Dan *kien idur jippriedka* (cfr. Mt 9,35),
U dak li ebda bniedem ma għallmu,
Sar mgħallem tassew ta' l-għaġeb.
Kliemu kien mimli qawwa,
Kien jimxi mġedded lejn dak li hu dejjem ġdid,
U sar mexxej ta' l-eżerċtu tiegħu.

Tliet Ordnijiet ried iwaqqaf:
L-ewwel wieħed sejjaħlu tal-Minuri,
Ta' l-Aħwa fqajrin;
Tan-nofs kien dak tax-Xbejbiet verġni,
Filwaqt li t-tielet kien dak tal-Penitenti,

Li laqa' fih irġiel u nisa.

Imħarreġ bil-grazzja li tgħallem,
Mgħallem minn dak li ġarrab
Fil-ħajja tal-perfezzjoni.
Lill-aħwa *kollox għallimhom* (cfr. Ġw 14,26),
Għax ta' spiss kien iwissihom
Bi kliem ħelu daqs il-għasel.

Dak li faħħar ħeġġeġ għat-tifħir,
Li bih qalbu dejjem faret,
Bit-tifħir tal-Feddej;
Jistieden kien 'l għasafar, il-bhejjem
U l-ħlejjaq l-oħrajn kollha
Biex ifaħħru 'l min għamilhom.

19 – Innu (tal-Kardinal Rainerio Capocci da Viterbo)

[373] Ċapċap, folla tal-fqajrin,
Mogħnija b'missier hekk fqajjar;
Ixrob mill-għejjun tat-tifħir,
Isker bil-milja tal-qdusija.

Kien *sempliċi, rett* (cfr. Ġob 1,1.8; 2,3) u umli,
Is-sliem kien iqim bl-imħabba,
Kien dawl *f'ġarar tal-fuħħar* (cfr. 2Kor 4,7),
Jixgħel, jaqbad, għalkemm dgħajjef.

Mistur b'ilbies bla siwi,
Imħeġġeġ bin-nifs qaddis,
Il-ksieħ rebaħ bis-sħana tal-ġrieħi
Ta' Kristu li f'ġismu kien iġorr.

Rifes fuq il-ġisem u d-dinja,
Għaffeġ il-għadu qarrieq,
Stħaqqlu l-kuruna tar-rebħa,
Tleqq bid-deheb ta' tagħlimu.

Ħareġ fqajjar u għeri,
Daħal għani fis-smewwiet,
Xerred id-don tal-virtujiet,
Fejjaq il-morda b'ġerħatu.

*Missier* veru *tal-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16),
Agħmilna *foqra fl-ispirtu* (cfr. Mt 5,3);

Seħibna ma' l-Aktar Għoli,
Aħtafna mit-telfien.

Missier, Iben, Paraklitu,
Lilek tifħir, *glorja u ġieħ* (cfr. Apk 5,12.13);
Għall-merti tal-qaddis tagħna
Daħħalna fil-hena bla tmiem. Amen.

20 - V/. Itlob għalina, imqaddes Franġisku.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

21 – Antifona tal-*Benedictus*

[374] O martri tax-xewqa,
Franġisku, b'liema reqqa
Ridt timxi magħqud ma' dak li bata,
Kemm il-rakkont tal-passjoni sibt,
Fl-Evanġelji li inti ftaħt.
Int ikkontemplajt jittajjar fuqek
Is-Serafin imsammar ma' salib;
Mall-ewwel f'idejk, f'ġenbek
U f'riġlejk il-marki dehru
Tal-ġrieħi ta' Kristu.
Int ħares il-merħla tiegħek,
Li wara t-tluq tiegħek mid-dinja,
B'ġismek iebes u sfajjar bil-mewt,
Ratu mbagħad bix-xbieha tal-glorja,
Li laħmek tlibbes biha quddiem kulħadd.

FIS-SIGĦAT MINURI

21a – Fit-Terza: Responsorju qasir

Ħabbu *eċċ*. V/. Minn fomm il-ġust *eċċ*.

22 – Fis-Sesta: Kapitlu

*U fuq dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena fuqhom, u fuq Israel ta' Alla* (Gal 6,16). R/. Inroddu ħajr lil Alla.

22a – Responsorju qasir

Minn fomm il-ġust *eċċ*. R/. Il-liġi ta' Alla *eċċ*.

23 – Fin-Nona: Kapitlu

*Mill-bqija xejn aktar ma għandu jħabbatni, għax jiena nġib f'ġismi il-marki ta' Ġesù. Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu tkun ma' l-ispirtu tagħkom, ħuti. Amen* (Gal 6,17.18). R/. Inroddu ħajr lil Alla.

23a – Responsorju qasir

Il-liġi ta' Alla *eċċ*. V/. *Il-Mulej mexxa lill-ġust fit-triq id-dritta*. R/. *U urieh is-saltna ta' Alla* (cfr. Għerf 10,10).

II GĦASAR

24 – Innu (ta' Tommaso da Capua, Kardinal ta' Santa Sabina)

[375] Nobbli fl-għemil, mexxej tal-Minuri,
Franġisku, l-premju f'idejk żomm,
Fik il-ħajja tat ħajjitha,
"Kristu, li 'l kulħadd ried jifdi".

Jifraħ ħuna, isaltan missierna
Flimkien mal-qaddisin tas-sema;
Jgħaddi l-biki, jgħannu l-qtajja',
"Jifraħ bit-tifħir is-sema".

Maqtugħ waħdu, maħtuf fl-għoli
Il-mirakli bl-għemil iwettaq;
Hekk, fil-ħajja, jidħol jilqa'
"Id-don ta' dejjem ta' Kristu".

Wegħdiet sħaħ wettaq fid-dinja,
Bihom ġarr id-don tal-glorja;
B'liema ġmiel u ġieħ imżejna
"Il-ħniena ta' Alla l-Għoli".

Warajh jiġru, miegħu ngħaqqdu
Dawk li *ħarġu mill-Eġittu* (cfr. S 113,1);
F'dal-mexxej, hemm dawl hekk jiddi,
"Is-sinjal tas-Sultan riesaq".

Lill-mexxej jixraqlu mmarka
Is-Sultan f'idejh, u f'ġenbu;
Id-dawl resaq, il-lejl ħarab,
"Issa x-xemx telgħet biex tiddi".

Mexxej twajjeb, kewkba tiddi:
Armi d-dija, mexxina w ħarisna
Fit-triq għaqqadna w urina
"Il-hena imbierka tagħna".

*Irgħa* u wassal lir-Re *l-merħla* (cfr. Eż 3,1)
Mexxej, irbaħ qerq il-għadu;
Lilna mexxi u daħħalna
"Fl-ikla tal-Ħaruf li rxoxta". Amen.

24a - V/. Itlob għalina, imqaddes Franġisku.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

25 – Antifona tal-*Magnificat*

[376] O raġel tassew ta' l-għaġeb
*Fis-sinjali u l-mirakli* (cfr. Bar 2,11; 2Kor 12,12),
*Ix-xjaten li ħakmu l-morda* (cfr. Mt 4,24; Mk 1,34)
'Il bogħod minnhom int keċċejthom.
L-għasafar lilek taw widen
Tippriedkalhom ġewwa l-bosk
U fehemu l-ħlewwa ta' kliemek.
O ħajja li tistħoqq tifħir,
Li l-fidi tant sebbħitha;
Int il-ħajja tajt lil bosta
Saħansitra ġewwa qabrek.
Franġisku, fis-sema lilna
Seħibna kollha mal-qtajjiet,
Int marbut magħhom fis-smewwiet.

26 – Antifoni tal-*Benedictus* u tal-*Magnificat* tal-ġranet fost l-Ottava u tat-Tifkiriet ta' San Franġisk.

(Attribwita lill-Papa Girgor IX)

[377] San Franġisk, int ejja iġri
Missier, il-passi tiegħek ħaffef
Għal dal-poplu li jiffolla
U li jogħtor taħt il-madmad,
*Tat-tiben, tat-tajn u ġebel*;
Arahom, midfuna *fl-Eġittu*.
Minn taħt *ir-ramel* (cfr. Eż 1,14; 2,12; 5,7) eħlisna,

Itfi l-vizzji ta’ ġisimna.
(Attribwita lil Tommaso da Capua, Kardinal ta’ Santa Sabina)

[378] Is-sliem għalik, O Missier imqaddes,
Inti d-dawl ta’ artek, il-forma tal-Minuri,
Int il-mera tal-qdusija, int it-triq tas-sewwa,
Int ir-regola ta’ kif għandna ngħixu:
Oħroġna minn dan il-jasar tal-ġisem
U wassalna fil-hena ta’ dejjem.

(Attribwita lill-Papa Girgor IX)

[379] Tniehed, folla tal-fqajrin,
Lil *missier tal-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16) sejjaħ:
Din il-bikja kollha niket,
Missierna Franġisku, ilqa’,
Ġerħat Kristu int urina
F’ġenbek, riġlejk u idejk,
Biex aħna, uliedek orfni
Nerġgħu niksbu lil missierna..

(Attribwita lill-Kardinal Rainerio Capocci)

[380] Is-sema jleqq b’dija safja,
Kewkba ġdida ħarġet tiddi:
Franġisku jleqq fid-dawl qaddis,
Li deher jiddi fis-Serafin,
Lilu mmarka bil-karattru
Ta’ idejh, riġlejh, u ġenbu,
Waqt li l-forma tas-salib ried
Iġorr fil-qalb, fil-fomm, fl-għemil.

SEKWENZA *Sanctitatis Nova Signa*
[Attwribwita lil Fra Tommaso da Celano][209]

[381] Għeliem ġodda ta’ qdusija
Nisslu xempju ta’ tjubija
Li troxx ġid u tferrex dija
Mit-tagħlim ta’ San Franġisk.

F’għaqda ġdida lill-imxierka
Ingħataw liġijiet xierqa

---
[209] Is-Sekwenza *Sanctitatis Nova Signa* ġiet tradotta bil-Malti mill-poeta P. Marjanu Vella OFM.

Dmirijiet ġodda u mbierka
Imfasslin minn San Franġisk.

Ordni ġdid u ħajja xegħlu
B'liġi mqaddsa tneħħa l-velu
Li kien satar il-Vanġelu
Dwal li d-dinja reġgħet rat.

Liġijiet minn Kristu mnebbħa
Għad-deh'n tagħhom m'għerfu mxebbħa
Fuq l-oħrajn dlonk kisbu rebħa
F'isem l-ogħla apostolat.

B'ħabel aħrax, b'ċoqqa fqira
Għatta surtu bi tmaqdira;
Ħobż bil-qies, ikel ħarira;
Siequ ċaħħad miż-żarbun.

Ħajtu jsaffi ried mill-faqar
Minn kull ħajr għażel jinħaqar,
Għat-tlellix tilef is-sabar,
Warrab ġidu għall-kurdun.

Qalbu fittxet dawk l-imkejjen
Fejn bi dmugħ għajnejh iżejjen
B'sogħba għaż-żmien siewi li xejjen
Mat-tgerbib ta' seklu sħiħ.

Mill-blat, fl-għari, fejn mar joqgħod
Għajnejh sammar fl-għoli, 'l bogħod;
Frugħa d-dinja tgħallem jobgħod
B'lehma mfittxa mis-smewwiet.

Ġismu mgħakkes sar bla sura
Lewn il-ġilda ksietu s-sfura;
L-ikel fittex fl-Iskrittura;
Stmerr il-ħajra tax-xewqat.

Fuq muntanja f'għar intafa',
Mill-art wiċċu qatt ma rafa'
Sa ma ġewh is-sliem u safa;
U f'dal-ħabs ta' xewqtu strieħ.

F'daqqa waħda feġġ bħal beraq,
Sid id-dinja s-sema feraq,
Moħħ ir-raħeb l-għaġeb seraq,

W hekk intrafa’ b’dan in-nebħ.

Ġablu l-marki tat-tbatija
Li Ġesù ġarrab bla ħtija
U fuq laħmu stampa d-dmija,
Naqqax ġrieħi bl-istess xebħ.

Huwa ħaseb, b’dieqa f’qalbu,
Fil-ħruxija ta’ min sallbu,
Ġenbu, idejh u saqajh ġarrbu
Dak li ġarrab il-Mulej.

Twaħħdu r-rwieħ b’għaġeb is-sema
Il-Qaddis tkellem u sema’;
Wara ra l-ġrajja f’miġemgħa
Li se jiġru għal li ġej.

Hawn xi msiemer f’għadmu sammru
Suwed barra, f’ġismu tħammru
Truq il-ġrieħi ħass jixxammru
Mat-titqib tal-ponot twal.

Ma sarux bl-għodod ġriħietu;
Kienu grazzja skond xewqietu
Il-martell tħalla fi skietu,
Feġġu f’ġismu bħall-inwar.

Fuq il-ġisem, għadu tagħna,
Int irbaħt ġlidiet ħerqana
Sbaqt il-ġibda hekk setgħana
Bis-sinjali tas-salib.

Agħmel raħeb li jħarsuna,
F’kull taqbida li jsaħħuna
U jħejjulna dik l-għajnuna
Li tmexxina fit-taqlib.

O Missier, ħniena u qdusija,
Għolli n-nies li ħriġt mill-ħtija
Ma’ l-irħieb f’għaqda aħħarija
Lejn is-saltna tas-smewwiet.

Ħa jissieħbu mal-maħtura
Dawk l’għallimt u tajthom sura,
Ma’ l-irħieb iż-żgħar miġbura
Jgħixu l-ħajja tal-ħajjiet.

# JULIAN MINN SPEYER
# «VITA SANCTI FRANCISCI»

## PROLOGU

F'Isem il-Mulej.
Daħla għall-ħajja ta' San Franġisk.

[382] Il-Mulej għoġbu jagħżel qabel kulħadd għall-merti speċjali tiegħu, dak li fil-kelma divina tiegħu jiġi mfakkar bħala d-dgħufija tal-qaddisin, sabiex il-fond tal-pariri divini li ħadd ma jista' jifhmu jwassal għat-tifħir u l-istagħġib ta' kulħadd, biex dawk li jaqgħu jintrefgħu fil-għoli għall-merti kotrana tal-ġusti, u l-innoċenti *li jafdaw fil-ġustizzja tagħhom* (cfr. Eżek 33,13) jistmerru li jaqgħu fit-tajn tal-vizzju. Hekk il-ħżiena jaqtgħu jieshom mill-offiżi tagħhom, u jersqu jitolbu bil-biża' mingħand il-għajn tal-ħniena ta' Alla maħfra għal ħtijiethom. Għax tassew li l-umiltà u l-qima tal-ġusti turi l-biża qaddis mill-Mulej imħallef, li ma jmurx li l-kburija tagħhom tintefaħ u twassal għall-qerda tagħhom. Hekk tant hi qawwija u prudenti t-tama ta' dawk li jaqgħu u li jafu bit-tjieba tal-missier qaddis, li dawn ma jinħakmux mill-ħofra tal-biża' tan-nuqqas ta' tama. Hekk hu mxandar lil kulħadd it-tifħir tal-*glorja u tal-kobor* (cfr. S 144,12) ta' Alla, li għax irid iħobb iwieżen lill-ġusti biex ma *jogħtrux*, u jħoss bil-ħlewwa u *jqajjem lil min jaqa'* (cfr. S 144,14) biex ma jintilifx. Hekk Kristu ġie miċħud mill-ewwel vigarju tiegħu; hekk ukoll dak li kien *għodda magħżula* ta' Kristu naqraw li qabel kien *jippersegwita l-Knisja* (cfr. Atti 9,15; Gal 1,13). Hekk ukoll dak il-publikan, li ġie msejjaħ biex ikun appostlu u evanġelista; u b'mod speċjali dik id-dixxiplu ta' Kristu li jingħad li kellha seba' xjaten. B'dan kollu f'moħħi se nikteb fil-qosor dwar l-għemejjel tal-glorjuż konfessur u levita ta' Kristu Franġisku. Nibda billi ngħid xi ħaġa dwar id-dgħufija tiegħu, sabiex it-tmiem tal-ħajja qaddisa tiegħu, li ma nistgħux nispjegawha b'mod xieraq u sħiħ, u nfaħħruha mall-ewwel, inkunu nistgħu narawha fid-dawl tal-konverżjoni ta' l-awtur ta' l-għaġeb tagħha li hu mfaħħar minn kulħadd, u li kiber fis-safa u fl-umiltà, biex jagħti t-tama qawwija lil dawk li jaqgħu fil-ħtija.

Hawn jintemm il-prologu.

Kapitlu I
Dwar kif ikkonverta u biegħ kull ma seta' kellu, u dwar kemm kellu jsofri persekuzzjoni minn missieru.

[383] 1 Kien jgħix fil-Valle Spoletana, fil-belt ta' Assisi, wieħed raġel jismu Franġisku, li kellu l-ħidma ta' neguzjant, u li kien għani fil-ħidma li tgħaddi, imma fqir *fil-ħidma tal-ġustizzja* (cfr. Tit 3,5). Għax tassew mill-bidunett ta' ħajtu kien trabba b'mod ta' mistħija fil-frugħat tad-dinja, u tgħallem jagħmel agħar minn dawk li rabbewh. U xi ngħidu iżjed? Hu kien mehdi fil-ferħ u l-glorja tad-dinja, u kien jgħaddi lill-oħrajn f'dan kollu, hekk li qalbu qatt ma kienet

f'sikkitha, moħħu kif kien fil-logħob ferrieħi, fix-xalar u fl-ilbies, u fil-kliem mhux safi u fil-kant. U għalkemm kien moħħu kif jaqla' l-flus bl-akbar reqqa, madankollu ma kienx iżomm it-triq tan-nofs bejn li jqassam jew iżomm għalih il-ġid li kellu, imma kien x'aktarx mogħti biex ikun ġeneruż u mhux xħieħ. Għalhekk, minkejja l-ħajja ta' frugħa u tberbiq tiegħu, hu kien jidher ta' karattru ħlejju u li jħoss għall-oħrajn, u kienu bosta dawk li intrabtu biex *jinġarru wara* (cfr. Apk 12,4) l-ħajja tiegħu, li fiha deher li kien il-mexxej ta' dawk kollha li kienu jimxu warajh għall-qerda tagħhom. Hekk, flimkien ma' dawk kollha li kienu jissieħbu miegħu, baqa' jgħix fit-triq tat-telfien sa ma kellu ħamsa u għoxrin sena; sakemm għoġob lill-Mulej biex juri l-glorja tiegħu *fl-għeġubijiet tiegħu* (cfr. S 110,4), sabiex fih jidher il-għaġeb *ta' l-id il-leminija ta' l-Aktar Għoli li bidlitu* (cfr. S 76,11), u hekk seta' jsir eżempju ta' stagħġib għal dawk li ġew warajh, biex il-midinbin jieħdu n-nifs tal-grazzja tat-tama.

[384] 2 Il-ħniena divina għoġobha tmissu, hekk li fejn qabel kien b'saħħtu, issa beda jħoss lil ġismu jimrad, u ta' kuljum beda jintebaħ li beda jbati minn mard li qatt ma kien ħassu qabel. B'dan il-mod hu beda, għalkemm mhux b'mod sħiħ, biex jogħtor taħt il-mard, hu li qabel ma kienx jaf bih meta kien jgħix f'saħħtu. Meta mbagħad reġa' beda jħoss saħħtu ġejja lura, u seta' jqum jitwieżen fuq bastun, meta beda jħares lejn dak kollu li kien hemm madwaru ma setax aktar jara kollox sabiħ skond ix-xewqat li kien ikollu qabel, u beda jqis iblaħ lil min iħobb dawn il-ħwejjeġ. Imma billi l-fejqan wara l-mard jista' malajr jerġa' jqarraq, hu reġa' beda jitbissem lilu nnifsu għax ġie għall-aħjar, u hekk beda jwiegħed lilu nnifsu li jingħata għall-frugħa tad-dinja aktar minn qatt qabel, billi l-jasar tal-qerq *ikisser il-madmad minn fuq l-għonq* (cfr. Ġen 27,40). Għax meta ċertu nobbli mill-belt ta' Assisi li kien jixtieq jakkwista tifħir u flus, beda jhejji ruħu biex imur fil-Puglie ħalli jikseb ġieħ ta' kavallier, Franġisku, li kien għadu kemm reġa' ħa lura saħħtu, u li ma kienx inqas minnu fil-kilba għall-għana u l-glorja, ħabrek bir-reqqa biex jingħaqad ma' dak in-nobbli, bħallikieku l-moħħ imtajjar tiegħu ma riedx jiftakar aktar fit-twiddiba ta' missier li kien irċieva. F'dan naraw biżżejjed il-parir ta' l-għaġeb ta' dak li jiddisponi Alla, għax hu li kien beda jrattab qalbu minħabba l-marda li kellu joqgħod taħt it-toqol tal-korrezzjoni tagħha, issa beda mill-ġdid imur lura għall-kobor li kien wiegħed lilu nnifsu li jakkwista, hekk li kulħadd seta' jara kif hu tħeġġeġ biex jagħmel skond kif jgħidlu moħħu.

[385] 3 Lejl minnhom, waqt li kien iddeċieda għal kollox li jibda l-vjaġġ tiegħu lejn il-Pulgie, ra waqt dehra fil-ħolm id-dar tiegħu mimlija armi, għad li soltu kien dejjem jaraha mimlija bil-pezzi tad-drapp. Stagħġeb mhux ħażin meta quddiem dik id-dehra mhux tas-soltu sema' min jgħidlu li dawk l-armi kollha kienu għalih u għall-kavallieri tiegħu. Malli qam l-għada filgħodu, hu beda jqis dik il-ħolma bħala sinjal tajjeb u kompla jqis li kienet tħajjru biex iwettaq il-pjan tiegħu. Imma mbagħad malajr beda jibred donnu b'mod ta' l-għaġeb mill-ħolma tiegħu, hekk li qisu ma riedx aktar itemm dak li kien beda jaħseb dwaru. Għaldaqstant, wara biss ftit ġranet, iddeċieda li ma jmurx fil-Puglie. Hekk dan il-mexxej ta' l-armata ġdida beda jħoss fih bidla fih innifsu, u beda jemmen li dik il-ħolma kienet tfisser xi ħaġa akbar minn dik li kien ħaseb fil-bidu. Għax meta ħa f'idejh l-armi tas-sema, li jiswew ħafna biex wieħed jiġġieled bi qlubija kontra t-tentazzjonijiet kollha, beda minn dakinhar jinbidel fil-mod kif kien iġib ruħu qabel. Franġisku issa beda jaħrab mil-laqgħat u l-istorbju tal-bnedmin, u beda jsir *neguzjant* ta' l-Evanġelju, u bħal *dik il-ġawhra tiswa ħafna li, malli wieħed ifittixha u jsibha*, issa li beda jara dak li Alla kien qiegħed jogħġbu jibda fih, hu beda jaħseb kif jibda jidħol fil-ħajja tal-virtujiet differenti minn dak li kien jagħmel qabel. Kull darba li beda joħroġ fl-għalqa tal-Mulej biex jimmedita, beda *jsib* u jaħbi *t-teżor moħbi,* sabiex *wara li jbiegħ kollox*, seta' jixtri dik il-*għalqa* (cfr. Mt 13,44-46).

[386] 4 Issa beda jwiegħed lilu nnifsu li jfittex pariri ġodda. Hekk beda jistaqsi lil Alla, li jwettaq il-pjan tiegħu, u ma ried jikxef ma' l-ebda bniedem ieħor dak li kien irid. Kien hemm biss bniedem wieħed li kien ikun jixtieq il-kumpanija tiegħu aktar minn ta' l-oħrajn, u li miegħu kien iħossu familjari u ferrieħi, hekk li xi mindaqqiet kien ikellmu dwar il-ferħ li kien iħoss f'ruħu. Kien ifittex li ta' spiss isejjaħlu biex imur miegħu f'postijiet imwarrbin. Hemmhekk kien ikellmu taħt xbihat, imma mingħajr ma jurih il-pjanijiet moħbija tiegħu, u jgħidlu li kien sab teżor kbir u mill-aktar prezzjuż. Dak ir-raġel kien jithenna miegħu mhux ftit, u kull darba li kien isejjaħlu kien joħroġ miegħu sabiex jitkellmu bil-qalb kollha dwar dak it-teżor. Franġisku, mimli bi spirtu ġdid, kien jidħol fi kripta, filwaqt li kien iħalli lil sieħbu jistenna barra mingħajr ma jkun jaf x'kien qed jgħaddi minnu. Hemm ġew hu kien jitlob bid-dmugħ u *fil-moħbi lill-Missier* (cfr. Mt 6,6) tas-sema, sabiex imexxih fi triqatu, u jurih b'mod sħiħ ir-rieda tiegħu. U aktar ma kien jinsisti li jkompli jitlob, aktar kien jidħol f'taqlib fih innifsu, u sakemm kien jibda jagħraf dak li Alla ried minnu, ma kienx jiskot milli jissokta jitolbu bil-qawwa kollha tar-rieda tiegħu. Fih innifsu beda jħoss daqqa l-ferħ minħabba l-ħlewwa ta' l-ispirtu li kien iduq, u daqqa n-niket mill-aktar kiefer minħabba d-dnubiet ta' l-imgħoddi, il-biża' mhux ċkejken mill-ġejjieni, u x-xewqa mill-aktar imħeġġa dwar dak li kien jittiekel fih innifsu biex jibda jgħixu.

[387] 5 Fl-aħħar, wara li talab bil-ħerqa l-ħniena divina, stħaqqlu li jkun mismugħ, u mis-sema ġie mgħallem b'sinjal ċar u li ma jqarraqx dwar dak li kellu jagħmel. Imbagħad tant imtela bil-ferħ, li ma felaħx iżommu fih, għalkemm ma riedx joħorġu minnu nnifsu quddiem in-nies bil-kliem. Għalhekk ċaħad li jmur fil-Puglie, imma beda jwiegħed lilu nnifsu li kellu jagħmel ħwejjeġ kbar f'belt twelidu. Kulħadd kien jistagħġeb bih, u kienu jistaqsuh jekk kellux f'moħħu li jiżżewweġ. Hu kien iwieġeb li kellu jieħu l-aktar għarusa għarfa, nobbli, ta' min iħobbha u hekk sabiħa li ħadd ma kien għadu ma ra waħda bħalha.

[388] 6 Hekk issa dak ir-raġel imqawwi minn dmir divin, ma riedx aktar jistenna biex iwettaq dawk il-ħwejjeġ qaddisa li kienet trid ruħu. Meta ż-żmien tah l-okkażjoni, qam kollu ferħ u bil-fiduċja arma lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, u ħa miegħu drapp jiswa ħafna biex ibiegħu, u rħielha lejn il-belt ta' Foligno, li tinsab fil-qrib. Hemmhekk biegħ id-drapp, biż-żiemel li kien riekeb fuqu b'kollox. Ċaħad il-flus li kien mgħobbi bihom, għax mall-ewwel, imħeġġeġ biex iwettaq il-ħidma ta' Alla, iddeċieda li jużahom b'mod qaddis biex jgħin lill-foqra, u għall-ħtiġijiet l-oħrajn qaddisa. Issa tant kien qiegħed iħoss li l-flus kienu fuq qalbu, li ried jeħles mill-ħsieb tagħhom, li kien idejjqu, hekk li hu, li beda jqishom bħat-trab, ma felaħx iġorrhom fuqu iżjed, u beda jħaffef biex jeħles minnhom. Qrib Assisi sab knisja, li kienet ġiet mibnija fil-qedem u iddedikata lil San Damiano, imma li minħabba l-qedem tagħha kienet għoddha se tiġġarraf. Billi hu tħassar dik il-qagħda tal-biki tagħha, daħal fiha bil-qima. Hemmhekk sab qassis fqajjar, u qabel xejn urieh il-qima tiegħu billi bieslu idejh, u mbagħad talbu biex jieħu minn għandu l-flus biex ikun jista' jsewwi dik il-knisja. Malli dan il-qassis ra lil Franġisku quddiemu, hu li kien jafu mixħut sa ruħ ommu fil-ħwejjeġ tad-dinja, baqa' miblugħ mhux ftit għal dik il-bidla li ra fih. Billi beża' li seta' kien qiegħed jgħaddih biż-żmien, ma riedx jieħu l-flus. Imma mbagħad, wara li Franġisku urieh bil-miftuħ dak li xtaq jagħmel u beda jitolbu biex jemmnu, fl-aħħar ċeda li jħallih jgħix hemmhekk miegħu, billi kien dam ħafna jitolbu. Imma minħabba l-biża' mill-ġenituri tiegħu, ma riedx bl-ebda mod li jieħu l-flus. Għaldaqstant dak li issa beda jidher bħala wieħed li tassew kien jistmerr il-flus, beda jqishom daqs li kieku kienu trab, u xeħethom f'ħoġor ta' tieqa.

[389] 7 Missieru, mela, billi ma kienx jaf x'sar minnu, ma hediex milli jinkwieta ħafna, sakemm wara li tkixxef għal żmien twil, fl-aħħar sar jaf li ibnu kien qiegħed jgħix ħajja miżera moħbi f'dak il-post. Għalhekk hu tħawwad mhux ftit għal din il-bidla li seħħet hekk f'daqqa waħda, u *sejjaħ lejh lil qrabatu* (cfr. Lq 15,9) u lil dawk li kienu midħla tiegħu, u mingħajr dewmien mar jiġri f'dak il-post. Imma l-kavallier ġdid ta' Kristu, meta sema' l-istorbju u t-theddid ta' dawk li kienu ġejjin għalih, reħa jiesu *f'idejn il-korla divina* (cfr. Rum 12,19). Missieru ma setax isibu, għax hu kien laħaq inħeba f'ħofra li kien hejja minn qabel. Hemmhekk għal kważi xahar sħiħ kien moħbi minn għajnejn kulħadd, ħlief għal bniedem wieħed, li kien jaf b'dik il-moħba u li kien jara xi jkollu bżonn. Minn hemm ġew ma kienx joħroġ ħlief meta jkun imġiegħel mill-ħtieġa. Kien jittallab *bis-sawm u l-biki* (cfr. Ġoel 2,12) u bla heda lill-ħniena divina, sabiex teħlisu minn *idejn dawk li kienu jfittxulu ħajtu* (cfr. S 30,16). Għaldaqstant, f'dak id-dlam issawwab fih ferħ ta' l-għaġeb li qatt ma kien ħassu qabel, u mall-ewwel tant imtela u tħeġġeġ bil-qawwa tar-ruħ, li mhux biss kien lest li ma jibżax minn dawk li kienu jippersegwitawh, imma kien lest li joħroġ fil-beraħ quddiem kulħadd. Beda jakkuża lilu nnifsu ta' kemm kien inħeba b'mod ġwejjef, u ta' kemm kien intelaq fil-biża'. Malli dawk li kienu jafuh rawh kif inbidel mill-qagħda li kien jgħix fiha qabel, u raw kif sar daqshekk xipli u mitluq fil-bixra ta' persuntu, bdew jaħsbu li dan seħħ mhux bil-qawwa tal-grazzja, imma kien sinjal ta' ġenn. Għalhekk bdew jinsultawh kemm jifilħu, bdew iwaddbulu fuqu t-tajn u l-ġebel. Imma *l-bniedem ta' Alla* (cfr. Imħ 13,8) ma tax kas tat-tagħjir tagħhom, u qisu wieħed trux għadda minn ġo nofshom bil-qawwa tal-grazzja li kienet taħdem fih u tfarrġu. Fl-aħħar l-istorbju ta' l-għajat wasal f'widnejn missieru, li sar jaf li ibnu kien reġa' tfaċċa. Hekk hu mar jiġri lejh mhux bil-ħniena ta' missier imma bil-korla, u beda jgħajjru aktar mill-oħrajn kollha ta' madwaru.

[390] 8 Kaxkru warajh bil-herra lejn id-dar, u beda jitħabat biex ireġġagħlu moħħu ħalli jiġi f'tiegħu, l-ewwel b'ħafna għajjat u kliem iebes li beda jgħajjru bihom. Imbagħad, mingħajr ma wera l-ebda ħniena lejh, qaflu f'ħabs fid-dar u rabtu bil-ktajjen. Imma aktar ma l-kavallier ta' Kristu kien jaqla' fuqu moħqrija u tiġrib, aktar kien qiegħed isir qawwi fil-fehma tiegħu. Għax it-tiġrib li wieħed isofri jwasslu fit-triq id-dritta, billi l-Mulej *hu l-kenn fi żmien it-tiġrib* (cfr. S 31,7). Ġara li jum minnhom missieru kellu jitlaq mid-dar minħabba raġunijiet ta' negozju tal-familja. Billi ommu ma kienetx qablet ma dak li kien għamel żewġha, marret għand binha biex tikkonvinċih bi kliem ta' ħlewwa, ħalli hu jerġa' lura minn dak li kien qed jaħseb li jagħmel. Meta rat li kien kollu ta' xejn, imqanqla mill-ħniena ta' omm ħallitlu l-ktajjen, u ħalliet lil binha jmur ħieles mill-ġdid. Hu li issa kien ġie mġarrab mit-tentazzjoni, beda jħossu aktar qawwi fl-ispirtu tiegħu, u beda jrodd ħajr lill-Mulej li jista' kollox, filwaqt li b'ruħu ħielsa reġa'mar lura f'dak il-post li kien qagħad fih qabel. Meta missieru reġa' lura d-dar u sar jaf li ibnu kien telaq, infexx f'ħafna kliem iebes ma' martu; u ma riedx jehda sakemm jerġa' jmur jiżvoga l-korla kollha tiegħu fuq ibnu. Beda jaħseb bis-serjetà biex lill-ibnu jbiegħdu minn dawk l-artijiet darba għal dejjem, jekk hu ma kienx ikun irid jilwi r-rieda tiegħu minn dak li ried jagħmel. Malli Franġisku sema' lil missieru li reġa' ġie għalih, din id-darba ħareġ jilqgħu ħieles u mingħajr biża', u din id-darba ma ċediex quddiem il-korla ta' missieru kif kien għamel qabel, imma beda jgħidlu li hu kien lest jilqa' kull tbatija minħabba Kristu. Meta missieru ra li hu kellu rieda ta' l-azzar biex iwettaq dak li ried jagħmel, beda jinsisti miegħu li kellu jagħtih flusu lura. Ir-raġel qaddis minnufih mar u sab il-flus fejn kien waddabhom, u malli tahomlu missieru beda jibred mill-korla tiegħu, hekk li l-għatx li kellu għax-xeħħa tefa' l-qawwa tal-korla u berred il-għadab ta' ruħu.

[391] 9 Wara dan, missieru ħadu għand l-isqof, sabiex quddiemu jroddlu lura dak kollu li kellu, u jiċħad f'idejh għal kull dritt li seta' kellu fil-familja. Franġisku mar miegħu minnufih mimli ferħ, u qabel ma missieru talbu li jagħmel hekk, offrielu dak kollu li kellu, saħansitra ħwejġu, u żamm fuqu biss il-ħwejjeġ ta' taħt. Hekk baqa' għeri quddiem kulħadd, u wera biċ-ċar li hu ried ikun eżiljat minn din id-dinja. L-isqof, tabilħaqq, stagħġeb bil-ħeġġa u l-qlubija ta' Franġisku, u għaraf li dan il-pass hu ma setax jagħmlu jekk mhux għax imnebbaħ minn Alla. Għaldaqstant hu hejja ruħu biex jibda jgħinu b'imħabba u għożża ta' missier, u filwaqt li ħaddnu miegħu, għattieh bil-kappa li kien liebes. Issa l-bniedem ta' Alla għeri beda jixbaħ f'kollox lil dak li kien għeri fuq is-salib, u iddeċieda li jiċħad għal kollox biex iwettaq it-twissija li twassal għall-perfezzjoni, hekk li issa xejn aktar ta' din l-art ma kien jifirdu milli jiffissa ħarstu fuq Alla ħlief il-ħajt tal-ġisem tiegħu.

Kapitlu II
Dwar kif telaq wara li ħeles minn taħt idejn missieru, u dwar dak li għamel meta kien għadu liebes ilbies sekulari, u dwar kif biddel l-ilbies tiegħu.

[392] 10 Wara li l-imqaddes Franġisku ħeles mill-persekuzzjoni li kien għamillu missieru, ġara jum minnhom li dan l-istess bniedem imħeġġeġ għall-liġi l-ġdida kien għaddej nofsu għeri minn ġo bosk, u kien qiegħed ikanta t-tifħir tal-Mulej bl-ilsien franċiż, meta f'daqqa waħda *waqa' f'idejn il-ħallelin* (cfr. Lq 10,30). Dawn staqsewh bil-goff min kien, u hu weġibhom b'mod profetiku: "Jiena l-ħabbâr *tas-Sultan il-kbir* (cfr. S 47,3). Ifissier xi ħaġa għalikom dan?" Huma imtlew bil-herra u wara li tawh xebgħa xeħtu lill-qaddej ta' Alla ġo ħofra mimlija silġ, u filwaqt li bdew jinsulentaw lil dak li kellu jkun ir-ragħaj tal-merħla tal-Mulej, qalulu: "Oqgħod hemm, ja ħabbâr goff ta' Alla!" Malli dawk il-ħżiena kienu telqu, hu ħareġ minn dik il-ħofra mimli ferħ, u kompla jfaħħar lill-Ħallieq ta' kollox b'leħen għoli.

[393] 11 Wara dan, dak li qabel kien imdorri jilbes ilbies għani, wasal liebes biss bi qmis f'monasteru ta'rħieb, fejn ħadd ma kien jafu u fejn ħadd ma ta kasu, u fejn ħallewh joqgħod fil-kċina u kienu bil-ħniena jagħtu xi ħaġa biex jitrejjaq; sakemm, meta ra li ħadd ma kien intebaħ lanqas bil-għera tiegħu biex tiġih ħniena minnu, wara diversi ġranet kellu jitlaq minn hemm imġiegħel mill-ħtieġa. Wara xi żmien, imbagħad, meta l-fama tal-qdusija tiegħu kienet kibret, il-prijur ta' dak il-monasteru, li kien iddispjaċih għan-nuqqas gravi ta' kura li kienet ingħatat lil bniedem bħal dak, wasal sa ħdejh u bl-umiltà kollha talbu maħfra għalih u għall-irħieb l-oħrajn. Telaq mela mill-monasteru li semmejna dan il-fqajjar ta' Ġesù Kristu, u wasal f'belt jisimha Gubbio, fejn kien jaf lil wieħed ħabib tiegħu. Dan laqgħu għandu, u minħabba l-ħbiberija li minn dejjem kellhom, tah tonka biex jgħatti l-għera tiegħu.

[394] 12 Imbagħad dan il-bniedem umli li kien jistmerr lilu nnifsu, u li kien irid li l-bnedmin jistmerruh, mar joqgħod mal-lebbrużi. Hu kien jaqdihom bl-akbar imħabba, u kien jaħslilhom il-ġrieħ tagħhom bl-umiltà, u ma kienx jistmerr li jnaddfilhom il-ġrieħi mdemma tagħhom. Qabel mhux biss kien jistmerr ħafna l-lebbrużi, u mhux biss ma kienx jersaq qrib tagħhom, imma saħansitra meta kien jara l-lebbrużarji tagħhom mill-bogħod, kien isodd imnifsejh b'idejh. Imma l-Mulej għoġbu jżuru bil-grazzja tiegħu, meta kien għadu liebes ta' sekular, għax darba waħda b'kumbinazzjoni iltaqa' ma' wieħed lebbruż. Fejn is-soltu kien jitwerwer meta kien jilmaħ bniedem bħal dak, dik id-darba ġietu l-qawwa biex jirbaħ lilu nnifsu, u minnufih *resaq lejh u biesu*

(cfr. Mk 14,45). Minn dak il-ħin beda jitħeġġeġ biex jistmerr lilu nnifsu, u beda jiġġieled kontra tiegħu nnifsu l-ħin kollu, sakemm wasal biex jilħaq il-perfezzjoni u jirbaħ lilu nnifsu għal kollox. Għaldaqstant, kif hu stess xehed aktar tard, beda juri ħniena mal-lebbrużi, li qabel ma kienx jista' jarahom b'għajnejh, meta kien għadu jgħix fid-dnub. Il-foqra l-oħrajn ukoll, u dawk kollha li kienu jbatu, sa minn meta kien għadu jgħix ta' sekular, kien dejjem iħares lejhom bil-ħniena u bl-imħabba, u dejjem kien jiftaħ idejh b'ġenerożità kbira ma' dawk li kienu jittallbu l-karità mingħandu għall-imħabba ta' Alla. Għax darba minnhom kien bagħat 'il barra lil wieħed tallab li kien daħal jitolbu l-karità għall-imħabba ta' Alla, u mall-ewwel ħass lill-kuxjenza tniggżu b'mod iebes, tant li ħaseb li qatt aktar ma kellu jrendi lilu nnifsu daqshekk vili li jiċħad il-karità lil min jitlobhielu f'isem Sultan daqshekk kbir. Minn dak il-jum iddeċieda li qatt aktar ma jiċħad it-talba tal-foqra minħabba f'Alla, u kien jagħmel minn kollox biex iwettaq din il-wegħda mill-aktar fis. Hekk ukoll wara l-konverżjoni tiegħu hu kien jitqanqal f'ruħu biex jgħin lill-foqra, kif wara kollox jidher ċar minn dak li għidna sa issa, u li wara naraw li nuruh b'mod aktar sħiħ.

[395] 13 Għax tassew, meta dan ir-raġel qaddis ried iwettaq dak li kien wiegħed għall-ġejjieni, ma nesiex fil-qiegħ ta' qalbu li, l-ewwel ħaġa li kellu jagħmel, fost affarijiet oħrajn, kien dak l-għemil ta' ħniena li kien qiegħed jistennieh biex isewwi l-knisja ta' San Damiano, fejn qabel kien għamel żmien jgħix. Fuq kollox hu beda din il-ħidma, imqanqal mill-ħniena mill-qagħda ta' dik il-knisja li kienet għodda se ssir ħerba, u *bl-għajnuna tal-Mulej* (cfr. Mk 16,20), fi żmien qasir, temm it-tiswija tagħha. Dan hu l-post li jixraqlu li jitfakkar b'kull tifħir, għax fih kellu jseħħ dak li kien ġie mħabbar b'tant qawwa ta' virtù, jiġifieri li hemmhekk kellha titwaqqaf ir-reliġjon tal-qaddisin *Dame* verġni, li l-istess raġel qaddis tah bidu hieni kważi sitt snin wara l-konverżjoni tiegħu. Minħabba l-għażla ta' perfezzjoni mhux ċkejkna, illum il-ġurnata għat-tifħir tal-Mulej, dawn in-nisa verġni huma mxerrdin b'mod ta' l-għaġeb f'diversi nħawi ta' l-Italja.

[396] 14 Sadanittant il-qaddej ta' Alla, li kien bidel l-ilbies tiegħu, mar joqgħod f'post ieħor mhux bogħod minn Assisi, fejn beda jibni mill-ġdid knisja oħra li kienet fl-istess qagħda ta' ħerba, u ma hedhiex sa ma temm il-ħidma tiegħu. Imbagħad mar fit-tielet post, li jissejjaħ Porziuncola, ftit 'il barra mill-belt imsemmija, fejn kien hemm knisja mibnija u iddedikata lill-wisq glorjuża Omm ta' Alla Marija, imma li dak iż-żmien kienet mitluqa u għoddha mġarrfa. Malli raha f'dik il-qagħda ta' ħerba, hu tqanqal bil-ħniena, u minħabba l-qima speċjali li kellu lejn il-Verġni Mqaddsa, mar jgħix f'dak il-post, sakemm sewwa dik il-knisja fit-tielet sena mill-konverżjoni tiegħu. Dan l-għemil mhux ta' min iqisu mingħajr tifsira mistika ta' ħwejjeġ għolja, jiġifieri li dan il-qaddis reġa' bena lil dawn it-tliet knejjes li semmejna. Dan inqisu li għamlu bl-ispirazzjoni ta' Alla biex b'mod ta' l-għaġeb ikun xbieha minn qabel, għax dan ifisser dak li l-istess raġel sempliċi wettaq b'mod mirakoluż, jiġifieri li beda t-tliet Ordnijiet magħrufin, li nitkellmu dwarhom fil-qosor, u wassalhom għall-istat ta' perfezzjoni bil-ħajja u bil-kliem tiegħu.

## Kapitlu III
Dwar kif beda jgħix il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju u bidel l-ilbies tiegħu għat-tieni darba, u dwar kif beda jippriedka u kellu l-ewwel aħwa; u dwar kif kien jaf minn qabel il-ġejjieni tiegħu u tagħhom, u dwar kif bagħathom tnejn tnejn fid-dinja u reġa' ġabarhom flimkien.

[397] 15 L-imqaddes Franġisku, wara li kif rajna, temm il-ħidma fuq it-tliet knejjes, kien għadu jilbes it-tonka ta' eremita, kellu f'idejh il-ħatar, kellu l-qorq f'riġlejh u kien imħażżem

b'ċinturin. Imma jum minnhom kien qiegħed għall-quddiesa solenni li fiha sema' lil Kristu fl-Evanġelju li jibgħat lid-dixxipli tiegħu biex jippriedkaw, u jgħidilhom biex ma jkollhomx *la deheb u lanqas fidda*, la *ħorġa għat-triq*, la *but*, la jġorru *ħatar* u lanqas *ħobż*, la *qrieq*, u lanqas *ma għandu jkollhom żewġ ilbiesi* (cfr. Mt 10,9-10; Mk 6,8-9). Wara li sema' hu fehem dawn il-kelmiet b'mod sħiħ meta talab lill-qassis ifissirhomlu, u mimli b'ferħ li ma jitfissirx minnufih qal: "Dan hu dak li qed infittex; dan hu dak li nixtieq nagħmel b'qalbi kollha!" Hekk minnufih, malli sema' dawn il-kelmiet, żammhom sħaħ f'moħħu, u bil-ferħ kollu iddeċieda li jwettaqhom, u mingħajr dewmien ħalla warajh dak kollu li kellu, u ma baqax aktar jinqeda bil-ħatar, bil-qorq, bil-but u bil-ħorġa. Għaldaqstant sawwar tonka mill-aktar goffa u fqira, u wara li neża' ċ-ċinturin, tħażżem b'ħabel.

[398] 16 Kien mehdi b'qalbu kollha biex jingħata kollu kemm hu ħalli jwettaq sa l-aħħar il-kelma tal-grazzja ġdida li kien sema'. Misjuq minn istint divin beda jxandar il-perfezzjoni divina ta' l-Evanġelju, u beda jistieden lil kulħadd bi kliem sempliċi biex jagħmel penitenza. Il-kliem tiegħu ma kienux fiergħa jew iqanqlu ż-żufjett, imma kienu tassew *mimlija bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 6,5; Lq 4,1), kienu jirfdu sa fil-ġewwieni tal-qalb u kienu jqanqlu lil dawk li jisimgħu biex jibqgħu miblugħin bil-bosta. Għax kif hu stess ta xhieda aktar tard f'ħajtu, il-Mulej nebbħu biex, meta jkellem lin-nies isellmilhom b'din it-tislima: *Il-Mulej jagħtik is-sliem* (cfr. Num 6,26; cfr. 2 Tes 3,16). Kull meta kien jippriedka, kien ixandar il-paċi, u kien jsellem lill-poplu fil-bidu tal-priedka b'dawn il-kelmiet. Mall-ewwel issawwab fih l-ispirtu tal-profeti, u fi qbil mal-kelma tal-profeti hu *kien ixandar is-sliem, kien iħabbar ir-riżq* (cfr. Is 52,7). Bit-twissijiet tiegħu ta' salvazzjoni sar patt ta' sliem tassew fost dawk li qabel kienu miġġieldin u kienu 'l bogħod minn Kristu u mis-salvazzjoni.

[399] 17 Kienu ħafna għaldaqstant dawk li saru jafu dwar it-tagħlim sempliċi tal-verità u dwar il-ħajja ta' l-imqaddes Franġisku, u wara ftit bdew jitħeġġu mhux ftit biex jimitaw l-eżempju ta' penitenza tiegħu, hekk li *wara li ħallew kollox warajhom* (cfr. Lq 5,11), ingħaqdu miegħu fil-ħajja u l-ilbies tiegħu. Hekk li issa l-merti tal-qaddis bdew iġibulu ulied ġodda, u hu beda jiġġedded u *jimtela bi spirtu ta' faraġ* (cfr. Atti 9,31), u beda wkoll jieħu ħsieb bir-reqqa tas-salvazzjoni tagħhom. Hu kien iħoss lejhom imħabba mill-aktar twajba ta' missier, kien jibnihom bi twissijiet ġodda, kien jgħallimhom kif jimxu 'l quddiem mingħajr qatt ma jerġgħu lura fit-triq tal-faqar imqaddes u tas-sempliċità vera. Issa kienu sitta l-aħwa li flimkien mal-missier imqaddes, li kien is-seba' wieħed, kienu jifirħu bil-hena tal-kumpanija ta' xulxin, li kienu minuri f'kollox sabiex ma' min hu kbir kienu jġibu ruħhom bħala l-iżgħar. Sakemm ma kienx għadu jaf dwar il-progress tiegħu u ta' l-aħwa, kien jixtieq bil-ħerqa kollha li jsir jaf il-ġejjieni tal-*merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32) tiegħu.

[400] 18 Meta jum minnhom kien qiegħed jingħata għat-talb, kif soltu kien jagħmel, b'qima akbar mis-soltu, u beda *jrodd ħajr* (cfr. Mt 15,36) għat-tjieba li l-Mulej kien wera miegħu, għaraf *fin-niket ta' ruħu* (cfr. Is 38,15) kemm kien għadda ħażin is-snin ta' l-imgħoddi, u beda jitlob lill-Mulej bil-biża' u t-tregħid. Bil-mod il-mod beda jħoss ruħu timtela b'ferħ u ħlewwa ta' l-għaġeb, hekk li qisu beda jħossu ħażin. Fl-aħħar ħass donnu jaħrab mill-qiegħ ta' ruħu d-dlam tad-dnubiet u ingħata ċ-ċertezza li ġie maħfur mid-*dejn tal-ħtija* (cfr. Mt 5,26). Minn dak il-ħin ħassu maħtuf minnu nnifsu u donnu mitluf kollu kemm hu fid-dija ta' dawl ta' l-għaġeb. Ħass ruħu tinħeles u toħroġ fil-wisgħa, u stħaqqlu jkun żgurat minn dak li kien ilu jixtieq, jiġifieri li jara fid-dawl tal-grazzja lil uliedu *minn kull ġens* (cfr. Atti 2,5) jitkattru. Mhux biss stħaqqlu jara dan, iżda wkoll

stħaqqlu jikkontempla ħafna ħwejjeġ oħrajn moħbijin fil-ġejjieni, sakemm meta ġie lura f'tiegħu qal kollox *fl-ordni li fih kien rah* (cfr. Est 15,9) lill-aħwa. *Iġġedded* għal kollox u b'mod ta' l-għaġeb *fl-ispirtu* (cfr. S 50,12), hekk li wissiehom biex ma jibżgħux aktar mis-sempliċità tiegħu jew tagħhom, u *farraġhom fil-Mulej* (cfr. Ef 6,10) li ried ixerridhom u jkattarhom sat-trufijiet ta' l-art.

[401] 19 F'dak iż-żmien *żdied magħhom* (cfr. Ġen 35,29) raġel ieħor, u hekk l-aħwa issa kienu jgħoddu tmienja. Il-qaddis, għaldaqstant, sejħilhom lejh ilkoll kemm huma u bagħathom tnejn tnejn fid-diversi nħawi tad-dinja, sabiex huma jxandru bil-ħlewwa lill-oħrajn *is-saltna ta' Alla* (cfr. Atti 1,3), u ċ-ċaħda tad-dinja, u l-aktar talabhom biex ikellmuhom dwar is-sabar u l-umiltà. Il-merħla umli ferħet għal-leħen tar-ragħaj tagħha, u bil-qalb kollha l-aħwa obdew il-kmand ta' l-ubbidjenza li ssalva, u bl-umiltà kollha inxteħtu f'riġlejh. Ir-ragħaj mill-aktar twajjeb qajjimhom u bl-akbar imħabba ħaddanhom miegħu kif omm tħaddan lil binha, bieshom wieħed wieħed, u qalilhom dawn il-kelmiet profetiċi: *Qiegħed xortik f'idejn il-Mulej, u hu jgħinek u jwieżnek* (cfr. S 54,23). Dawn il-kelmiet kien itennihom ta' spiss, kull meta kien jibgħat lill-aħwa. Hekk kien irid li kull wieħed mill-aħwa jħabrek biex iħalli l-Mulej imexxih, u kien jitħabat biex iwarrabhom mit-triq ħażina tax-xewqat bla ražan, hekk li ma kienx ikun iridhom *jaħżnu għana* (cfr. Mk 6,8) għall-għada, biex qalbhom tinħall bil-qawwa minn kull tħassib.

[402] 20 Hekk sitta minnhom marru tnejn tnejn f'diversi nħawi u bdew ixandru s-sliem u l-penitenza. Franġisku wkoll ħa miegħu wieħed mill-aħwa u mar band'oħra. Imma l-imħabba ta' missier ma ħallitux joqgħod mingħajr uliedu għal żmien twil, u ftit taż-żmien wara hu beda jkollu xewqa ħerqana li jerġa' jarahom. Beda jitlob, għaldaqstant, li jaqla' dak li kien jixtieq b'tant ħerqa, u bħas-soltu sab il-faraġ fit-talb. Il-Mulej għoġbu jisimgħu, u fi żmien qasir l-aħwa *reġgħu inġabru flimkien* (cfr. Ġw 11,52) f'ħin wieħed u b'mod ta' l-għaġeb. Malli rahom miġburin flimkien, il-missier twajjeb feraħ mhux ftit li jerġa' jkun ma' wliedu. Huma wkoll ferħu meta raw lill-missier, u filwaqt li stagħġbu flimkien bdew ifaħħru bil-hena lkoll flimkien it-tjieba bla tarf tal-Feddej. Hu beda jgħidilhom ħaġa wara l-oħra dwar kif il-Mulej *kien wettaq għal kollox ix-xewqat tiegħu* (cfr. S 126,5). Huma wkoll bdew jirrakkontaw it-tjieba li għamel magħhom il-Mulej, u talbu maħfra bl-umiltà tan-nuqqas ta' rikonoxxenza li kull wieħed minnhom seta' kellu. Wara dan ġara li dik il-*merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32) żdiedet mill-ġdid b'erba' irġiel oħrajn li kien jistħoqqilhom jingħaqdu magħha, u hekk l-aħwa saru jgħoddu tnax. Il-fama tar-raġel qaddis u ta' l-aħwa tiegħu bdiet tinxtered ma' kullimkien. Huma kienu jifirħu li l-Mulej *li ma jħarisx lejn l-uċuħ* (cfr. 1Pt 1,17), permezz tal-konverżjoni tal-midinbin, beda ta' kuljum iżidhom fil-għadd.

## Kapitlu IV
Dwar kif laqa' mingħand il-Papa r-regola u l-awtorità li jippriedka; dwar kif inġabar fis-skiet; dwar kif dejjem ried ikun fqir u jaħdem għas-salvazzjoni tal-proxxmu; u dwar kif kien jishar fuqu nnifsu u fuq l-aħwa bl-akbar reqqa.

[403] 21 Meta l-imqaddes Franġisku ra li l-għadd ta' l-aħwa kien qiegħed jiżdied kullimkien, hu kixfilhom dak li kien ilu jaħseb f'qalbu, u dak li ġie rivelat lilu minn Alla. Kiteb regola bi ftit kliem, magħmula l-aktar mill-kliem ta' l-Evanġelju mqaddes, li hu kien jixxennaq biex iħares il-perfezzjoni tiegħu b'kemm kellu saħħa. Xtaq imbagħad li dik il-kitba tiġi approvata mill-Papa, u għalhekk *ġabar miegħu* (cfr. Mk 14,33; Lq 18,31) il-ħdax l-aħwa, hu li kien it-tnax-il wieħed, u

telaq magħhom lejn Ruma. Malli wasal hemmhekk mar għand wieħed mill-isqfijiet kardinali, raġel mill-aktar prudenti u għaref, u spjegali bl-ordni u b'mod sħiħ ir-raġuni tal-miġja tiegħu. Dan, wara li sema' bir-reqqa l-pjan tal-foqra ta' Kristu, faħħar mhux ftit il-proponiment tagħhom, imma qabel xejn issuġġerielhom biex jgħaddu għall-ħajja eremitika jew monastika. Imma l-qaddej ta' Kristu beda jinsisti bil-qawwa u bla heda, u bl-aktar mod umli li seta', li hu ma kienx imsejjaħ għal dik il-ħajja. Fl-aħħarnett, meta *bl-għajnuna tal-Mulej* (cfr. Mk 16,20), irnexxielu jirbaħ u jikkonvinċi lil dan l-isqof, hu wasslu bil-fedeltà kollha biex jidher quddiem il-Papa ħalli dan jisma' t-talba tiegħu. Il-providenza divina kienet taħdem mal-bniedem qaddis f'dak kollu li kien jagħmel, u permezz ta' bosta rivelazzjonijiet u viżjonijiet kienet tiżgurah fir-ruħ tiegħu. Għax dak iż-żmien kien ra f'viżjoni li s-sinjur Papa kellu jwiegħed li jilqa' l-proponiment tiegħu. Hu ra *siġra kbira u għolja* (cfr. Mt 14,15), li kien qiegħed jistagħġeb iħares lejha, meta hu nnifsu irnexxielu jikber hekk li laħaq il-quċċata tagħha u b'idejh mejjilha sa l-art. Din il-verità ġiet ippruvata minn dak li tassew ġara wara, meta r-raġel mill-aktar eċċellenti u twajjeb, jiġifieri s-sinjur Papa Innoċenz III, li kien imexxi l-Knisja, miel u laqa' t-talba ta' dak ir-raġel fqajjar. Il-Papa għalhekk ikkonferma r-regola ta' dawk it-tnax l-aħwa, filwaqt li tahom ukoll il-mandat li jippriedkaw il-penitenza, u bagħathom bil-ferħ wara li berikhom. Fl-istess waqt wegħedhom li jkattar il-mandat tagħhom kemm-il darba l-Mulej kien jogħoġbu jkattarhom fil-għadd fil-ġejjieni.

[404] 22 L-imqaddes Franġisku, għalhekk, qies li kien ta' ġieħ kbir għalih li jiġi meqjus b'tant tjieba mingħajr ma kien jistħoqqlu mill-vigarju ta' Kristu, u radd ħajr lill-ħniena divina fuq kollox. Wara li żar l-oqbra ta' l-Appostli u temm hemmhekk it-talb tiegħu, flimkien ma' l-aħwa telaq lura mill-Belt ta' Ruma bil-ferħ. Beda miexi 'l quddiem fil-fehma tiegħu li ma jmurx ifettillu jibqa' ingrate għall-benefiċċji li kien irċieva, u għalhekk bil-qima kollha flimkien ma' l-aħwa beda jiddiskuti dwar kif setgħu josservaw ir-regola u jimxu 'l quddiem billi jkabbru fihom il-virtù, u mbagħad dwar kif setgħu jibnu l-proxxmu f'kollox, biex hekk jippreżentaw lill-Mulej id-dejn tar-rikonoxxenza tagħhom. Huma kienu qegħdin jitkellmu bejniethom dwar dan kollu u ħwejjeġ oħrajn jixbħuhom, sakemm waslu *f'post maqtugħ, meta sar il-ħin* (cfr. Mt 14,15) u l-jum kien wasal fit-tmiem tiegħu. Hemmhekk ma setgħux isibu għajnuna minn ebda bniedem, għax wara t-taħbit tal-vjaġġ tagħhom kien beda' jagħfas il-ġuħ fuq ġisimhom. Imma l-providenza divina ma tabbandunax lill-fqajrin tagħha, għax b'mod mirakoluż ġiet persuna li ġabet il-ħobż lill-aħwa, u malli tathulhom din għebet minn quddiemhom. Filwaqt li bdew jieklu bdew ukoll jistagħġbu għal dan, għax intebħu li dik kienet il-grazzja tal-Mulej. Hekk, imfarrġin mhux ftit, komplew fil-vjaġġ li kienu bdew. Waslu fl-aħħar f'post imwarrab qrib il-belt ta' Orte, fejn uħud minnhom kienu jmorru fil-belt jittallbu, u fejn baqgħu għal erbgħin jum fi ħtieġa kbira, imma wkoll fejn reġgħu iġġeddu fil-ferħ tal-bidu u fil-faqar imqaddes, li riedu jintrabtu miegħu għal dejjem.

[405] 23 Wara dan daħlu fil-Valle Spoletana, u imħeġġin bil-qima ta' ġustizzja ġdida, bdew jistaqsu lil xulxin jekk kellhomx jgħixu f'postijiet imwarrbin jew inkella fost il-bnedmin. Ir-raġel qaddis ta' Alla, bħallikieku biex ma jafdax fil-ħidma tiegħu, kien jingħata kollu kemm hu għat-talb mimli qima, li minnu kien jitgħallem bla ebda żball dak li kellu jagħmel. Immexxi mill-ħeġġa divina hu għaraf li kellu jagħżel qabel xejn il-ġid tal-proxxmu aktar milli jfittex biss li jgħix għalih innifsu. Hekk mela, San Franġisk, imfarraġ fil-Mulej, beda *jaħdem bil-fiduċja* (cfr. Atti 9,28) imqawwi bl-awtorità apostolika, u *beda jdur* ma' l-irħula *u l-kastelli* (cfr. Mt 9,35), u jippriedka bla heda l-penitenza. Kien jieħu ħsieb l-aktar biex f'kollox *juri lilu nnifsu mingħajr ħtija* (cfr. Tob 10,13), li ma jmurx jiġri li l-verità ta' kliemu tkun mdgħajjfa minn nuqqas ta' eżempju tajjeb. L-irġiel ta' skola kienu jistagħġbu bih, li ma ġie mgħallem mill-bnedmin il-qawwa tal-kelma, meta

kienu jaraw li lejh kienu jiġru bi ħġarhom in-nobbli u dawk ta' qagħda baxxa, kif ukoll il-għonja u l-foqra. Hu kien jidher qisu kewkba tiddi li titla' biex iddawwal id-dlamijiet. Nies minn kull ordni, qagħda soċjali, età u sess kienu qishom imdendlin kif jixraq mal-kliem ta' salvazzjoni tiegħu. Lil kulħadd hu għadda regola ta' ħajja, kif illum naraw li nies irġiel u nisa bil-hena għadhom jimxu warajh, biex hekk tirbaħ u tifraħ il-Knisja bi tliet armati ta' dawk li huma salvati. Kif diġà semmejna, hu waqqaf tliet Ordnijiet. L-ewwel wieħed fosthom hu kien iżommu b'mod mill-aktar eċċellenti fuq kollox, skond l-istess professjoni tar-regola u tat-tonka, u li kif kiteb fir-Regola, semmieh Ordni tal-Patrijiet Minuri. It-tieni Ordni, li semmejna aktar 'il fuq, hu dak tal-*Povere Dame* u tal-verġni hienja li kellu bidu minnu. It-tielet Ordni, mhux inqas perfett, hu msejjaħ l-Ordni tal-Penitenti, li fih il-kjeriċi u l-lajċi, il-verġni, dawk li huma miżżewġin u dawk li mhumiex, irġiel u nisa, jingħaqdu flimkien għas-salvazzjoni tagħhom.

[406] 24 Għax tassew li l-istess imqaddes Franġisku kien jaqdi bl-akbar għożża u impenn lill-Ordni tal-Patrijiet Minuri, u jwasslu għall-ogħla virtù. Min jista' jsemmi ħaġa wara l-oħra b'liema mod kien jifforma f'kollox lil dawk li kienu daħlu tassew fir-reliġjon, u li kienu ħutu u uliedu? Għax hu kien imħarreġ biżżejjed fil-perfezzjoni li tgħallem bil-għerf li ġej mill-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu. Hu ried ikun xhud biex jagħraf l-esperjenza tal-perfezzjoni fih innifsu. Dak li kien jgħallem lill-aħwa kien qabel xejn iwettqu bil-fatti, u mbagħad kien ta' spiss iwissihom b'ħafna kliem ħelu daqs il-għasel. B'dan il-mod l-aħwa, li issa bdew jitħarrġu għat-taqbida taħt it-tmexxija ta' bniedem li kellu esperjenza personali tagħha, bdew jimxu 'l quddiem f'kull perfezzjoni bl-eżempju u t-tagħlim tiegħu. Jidhirli li jkun aħjar li nifhmu fl-ispirtu tagħna, milli innaqqsu ġieħu b'ħafna kliem li nistgħu ngħidu. Ir-raġel qaddis kien dejjem jishar bis-sħiħ *biex iħares lilu nnifsu* (cfr. Is 21,8) u lil ħutu. Kien attent b'għożża kbira, mhux biss li ma jmurx jinħakem minn xi dnub li jidher, imma wkoll li l-ebda għarfien moħbi ma jnissel fih il-vizzju. Kien ħsiebu hemm biex xejn li jidher qisu xi virtù jew ħtieġa tal-mument ma jqarraq bih, għax kien jaf li l-mewt tista' tidħol fil-bniedem ta' ġewwa meta dan ma jkunx jishar biżżejjed fuq dak li jista' jidħol fis-sensi ta' barra. Jekk hu nnifsu jew l-oħrajn kienu jgħaddu minn tiġrib, ma kienx iħallih jgħaddi mingħajr ma jikkastiga lilu nnifsu jew l-oħrajn bid-dixxiplina, li ma jmurx jiġri li n-nuqqas ta' rażan u traskuraġni jwassal l-ispirtu biex jogħnos. Tant kien jitħarreġ fih innifsu b'mod aħrax fil-ġustizzja u t-tjieba li, jekk kien jiġri, kif ta' spiss iseħħ, li kienet tidħol isserrep fih il-ġibda tal-ġisem, fi żmien ix-xitwa kien jixteħet f'post inġazzat jew mimli bil-borra, sakemm ikun difen għal kollox dak it-tqanqil u biegħdu minnu.

[407] 25 L-aħwa l-oħrajn kienu jinqanqlu biex jagħmlu l-istess, meta kienu jaraw kemm hu kellu rażan fuqu nnifsu. Mhux biss, kif diġà għidna, li r-raġel ta' Alla kien jaħkemm bil-qawwa fuq kull tqanqil tal-ġisem, imma kien ukoll jaqfel fil-ktajjen u jwaqqaf bl-akbar impenn iċ-ċaqliq tas-sensi kollha ta' ġismu, li ma jmurx jiġi mkaxkar għal xi għemil ta' frugħa. Għax tassew, meta kien jgħix f'post jismu Rivo Torto, qrib Assisi, ġara li għadda minn hemm l-imperatur Ottone bi glorja kbira flimkien ma' bosta nies li kienu miegħu, biex imur Ruma ħalli jirċievi l-kuruna. L-imqaddes Franġisku, li kien qiegħed jgħix flimkien ma' l-aħwa qrib dik it-triq, malli ra l-imperatur la hu ma ħareġ mill-gorboġ li kienu fih, u lanqas ħalla lill-aħwa joħorġu minn hemm ġew, ħlief biss għal wieħed minnhom, li kellu joħroġ biex iħabbar bla heda lill-imperatur li l-glorja tiegħu ftit kellha ddum.

[408] 26 Għaldaqstant dan il-maħbub veru u mill-aktar ħerqan tal-faqar kien inġabar flimkien ma' l-aħwa f'dan il-post nofsu mwaqqa', sabiex hemm ġew isibu ftit tal-kenn mis-sħana

u mix-xita. Imma dak il-post tant kien dejjaq, li bilkemm kellhom fejn jistgħu jieklu u jistrieħu. Imma dak id-djuq tal-post ma kienx idejjaq il-wesgħa tal-qalb ta' l-aħwa, għax dawn kienu jgħixu ferħanin f'dik il-qagħda ta' faqar u ma kienux jehdew *fir-radd ta' ħajr u fit-tifħir* (cfr. Is 51,3). Ir-raġel qaddis kiteb l-isem ta' l-aħwa fuq it-travi ta' dik id-dar, hekk li ħadd ma kellu jxifkel lil sieħbu jekk dan ried jitlob jew jistrieħ, hekk li kull wieħed mill-aħwa kien jaf liema kien il-post fejn hu kellu joqgħod. Imma ġara li jum minnhom wieħed raġel ġie f'dak il-post bil-ħmar tiegħu, u ried bilfors jidħol għad-dell ta' dak il-gorboġ, u mingħajr ma ta kas ta' xejn beda jittanta jidħol billi jimbotta ġewwa l-ħmar u jgħidlu: "Idħol, għax dan il-post nistgħu ninqdew tajjeb bih". Imma l-bniedem ta' Alla, li ħassu mnikktet mhux ftit meta fehem l-intenzjoni u l-kliem ta' dak ir-raġel (għax fehem li dak seta' jfisser li dawk l-aħwa miġburin hemm ġew riedu jibnu dar għalihom, u mbagħad ikabbruha u jagħmluha tagħhom), mall-ewwel telaq minn dak il-post, u flimkien ma' l-aħwa mar joqgħod fil-post jismu Porziuncola, fejn kien sewwa l-knisja iddedikata lill-Verġni glorjuża.

Kapitlu V

Dwar kif għallem u qeda lill-aħwa biex jemmnu u jitolbu; dwar l-ubbidjenza u s-sempliċità ta' l-aħwa, u dwar il-faraġ li huma kienu jirċievu minn għandu; u dwar it-trasfigurazzjoni u l-ispirtu profetiku tiegħu.

[409] 27 Meta darba fost l-oħrajn l-aħwa talbu lill-imqaddes Franġisku biex jgħallimhom jitolbu, hu għaddielhom din il-għamla sempliċi ta' talb u qalilhom: "*Meta titolbu għidu: Missierna*" (cfr. Lq 11,2; Mt 6,9), u "Nadurawk, Sidna Ġesù Kristu, fil-knejjes kollha tiegħek, li jinsabu fid-dinja kollha, u inberkuk, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja". Hekk l-aħwa kienu jsegwu bl-umiltà u bi kliem sempliċi dan il-kmand li kienu jobdu, u jekk kienu jaraw xi knisja fil-bogħod, kienu jmilu sa l-art, u kienu jaduraw kif kien ġew mgħallmin. L-aħwa, imbagħad, billi ma kellhomx saċerdoti fl-Ordni, kienu jistqarru dnubiethom għand qassisin sekulari, mingħajr ma joqogħdu jqisu jekk kienux tajbin jew ħżiena. Huma ma riedux iqisu d-dnub f'ħadd, imma kienu juru l-akbar qima lejn kulħadd skond kif kien għallimhom il-missier imqaddes.

[410] 28 Dan ir-raġel kattoliku u kollu kemm hu apostoliku[210] fil-predikazzjoni tiegħu kien iwissi l-aktar biex kulħadd jibqa' fidil lejn il-fidi tal-Knisja Rumana, u billi s-sagramenti tal-Mulej iseħħu permezz tal-ministeru tas-saċerdoti, biex kulħadd iżomm bl-akbar qima d-dinjità ta' l-ordni saċerdotali. Kien ukoll jgħallem biex iqimu fuq kulħadd lid-dutturi tal-liġi divina u kull ordni fil-ġerarkija tal-Knisja. Tant kienu sempliċi l-aħwa, li meta wieħed qassis, li ma kienux jafu li kien ta' ħajja ħażina, darba qal lill-wieħed minnhom: "Ħsiebek hemm, li ma tkunx ipokrita!", l-istess patri beda jemmen bl-akbar ċertezza li hu kien tassew ipokrita, għax kien iqis li l-ebda saċerdot ma seta' jgħid gidba. Billi jum wara l-ieħor dan il-patri kien jitħawwad dejjem aktar, il-missier imqaddes *bi kliem imħeġġeġ* (cfr. S 118,140), li bih kien ta' spiss iħarrab kull sħaba ta' taħwid mill-imħuħ ta' l-aħwa, kellmu u farrġu, b'tali mod li ipprova wkoll jiskuża b'mod għaqli l-intenzjoni ta' dak is-saċerdot.

---

[210] Din hi l-istess espressjoni li nsibu fl-ewwel antifona ta' l-I Għasar ta' San Franġisk ta' l-*Officium Rhythmicum* ta' Julian minn Speyer: *Franciscus, vir catholicus et totus apostolicus*.

[411] 29 Ta' spiss ukoll f'dak iż-żmien kien ifarraġ b'rivelazzjonijiet is-sempliċità ta' l-aħwa, li b'kull mod stħaqqilhom jirċievu mill-preżenza ta' missier hekk qaddis. Għax lejl minnhom meta l-imqaddes Franġisku ma kienx ma' l-aħwa, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, meta uħud mill-aħwa kienu reqdin u oħrajn kienu jitolbu, daħal mill-bieb tad-dar fejn kienu *karru tan-nar* (cfr. 2Slat 2,11) u beda jdur għal bosta drabi madwar dik id-dwejra. Fuqu kien hemm bħal ballun kbir tan-nar, li kien jiddi daqs ix-xemx, tant li ħarrab għal kollox id-dalma ta' dak il-lejl. L-aħwa lkoll qamu minnufih, u bdew jistaqsu lil xulxin bil-għaġeb x'kienet tfisser dik id-dehra. U, oħroġ il-għaġeb, ġrat ħaġa xierqa li titfakkar, għax quddiem il-qawwa ta' dak id-dawl kull wieħed ra quddiemu mikxufa beraħ il-kuxjenza ta' ħuh. Fehemu għaldaqstant li dik kienet ir-ruħ tal-missier l-aktar qaddis, li minħabba s-safa li kellu b'mod uniku, biex ifarraġ lil uliedu, stħaqqlu li juri ruħu trasfigurat quddiemhom. Għax tassew li dawn huma t-tliet armati ta' dan il-qaddis, li tkellimna dwarhom aktar 'il fuq, li jistħoqqlu jissejjaħ *karru u rikkieb* (cfr. 2 Slat 2,12; 13,14), għax taħt ix-xbieha tax-xemx, u riekeb karru tan-nar, meta kien għadu jgħix fil-ġisem li jmut stħaqqlu juru ruħu lilhom trasfigurat. Meta l-bniedem ta' Alla reġa' lura fil-ġisem għand l-aħwa, hu beda jfittex bir-reqqa u b'mod fin fil-kuxjenza tagħhom, għax ta' spiss kien jikxfilhom dak li kien moħbi fihom. O ħwejjeġ li wkoll fi żminijietna iqanqlu l-istagħġib u l-ferħ fil-milja tiegħu, li dan il-bniedem kien kapaċi jagħmel ħaqq minn dak li hu moħbi fir-ruħ tal-bniedem dgħajjef! Lil ħafna dan il-bniedem glorjuż kien jiftħilhom *dak li kien moħbi f'qalbhom* (cfr. 1Kor 14,25); kien ikun jaf bl-għemejjel ta' dawk l-aħwa li ma kienux preżenti, oħrajn kien jurihom fil-ħolm dak li kellhom jew ma kellhomx jagħmlu, filwaqt li oħrajn kien hu stess li jikkmandahom dwar dak li kellhom iwettqu. Lil bosta li kienu jidhru li jwettqu għemejjel tajbin, kien iħabbrilhom u jara minn qabel li kellhom jintilfu; filwaqt li oħrajn, li kienu jwettqu l-ħażen, kif iħabbrilhom id-don tal-grazzja li ssalvahom fil-ġejjieni. Tassew li fih kien jistrieħ *l-ispirtu taż-żewġ* (cfr. 2Slat 2,9) profeti, li kien jidher f'bosta mirakli li hu sebbaħ bihom il-ħajja tiegħu, u f'ħafna oħrajn li wettaq wara mewtu, u li dwarhom nitkellmu minn hawn u ftit ieħor.

[412] 30 Ta' spiss il-bniedem ta' Alla kien ikun qrib ta' l-aħwa biex jagħtihom il-faraġ u l-ferħ, hekk li, *għalkemm nieqes minn magħhom fil-ġisem*, imma kien ikun *preżenti fl-ispirtu* (cfr. 1Kor 5,3). Ngħidu fil-qosor fatt wieħed minn ħafna. Darba minnhom, fra Giovanni minn Firenze kien qiegħed jiċċelebra l-kapitlu fi Provençe, fejn hu kien inħatar ministru mill-imqaddes Franġisku. F'dak il-kapitlu kien qiegħed jieħu sehem dak il-patri miqjum, li llum hu magħruf bħala l-konfessur glorjuż ta' Kristu, Sant'Antnin[211]. Hemmhekk, waqt li dan il-qaddis kien qiegħed jinseġ it-tifħir tal-Kotba Mqaddsa *mimli bl-ispirtu ta' l-għerf* (cfr. Atti 6,3) u kien jippriedka dwar dawn il-kelmiet: *Ġesù ta' Nazaret, Sultan tal-Lhud* (cfr. Ġw 19,19), u kien qiegħed iwassal b'imħabba kbira lill-aħwa miġburin madwaru dan il-kliem ta' tħeġġiġ tiegħu, kien hemm wieħed patri, jismu Monaldo, li kien saċerdot, bniedem sempliċi, imżejjen u jiddi b'ħafna virtujiet, li dawwar ħarstu lejn il-bieb tad-dar, u hemmhekk ra bl-għajnejn tal-ġisem lill-imqaddes Franġisku merfugħ fl-arja, u b'idejh mifruxin f'għamla ta' salib, li kien qiegħed ibierek lill-aħwa. Dak il-ħin stess kull wieħed minn dawk preżenti imtela b'ferħ kbir li ssawwab fl-ispirtu, kif l-istess saċerdot qal wara meta irrakkonta dik il-viżjoni. Dan hu bniedem ta' min jemmnu għall-esperjenza ta' fidi tiegħu li biha kien jgħaġġeb lil kulħadd.

---

[211] Dan hu dettall importanti biex nifhmu meta inkitbet il-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer. Sant'Antnin ta' Padova ġie kanonizzat mill-Papa Girgor IX nhar Pentekoste, 30 ta' Mejju 1232. Jekk Julian isejjaħ lil Sant'Antnin *nunc sanctus et gloriosus Christi confessor, Antonius*, dan ifisser li hu kiteb il-ħajja ta' San Franġisk wara din id-data.

[413] 31 Dwar kif, imbagħad, kien ta’ spiss jikxef dak li kien moħbi fil-qlub ta’ l-oħrajn, biżżejjed li nsemmu wkoll każ wieħed minn ħafna. Kien hemm ċertu fra Riccerio, li kien ta’ drawwiet u karattru nobbli, li tant kien iqis fil-għoli l-merti ta’ l-imqaddes Franġisku, li kien jemmen li jistħoqqlu l-grazzja tal-perfezzjoni, kieku jirċievi d-don tat-tjieba tal-qaddis, u li, jekk din tonqsu, kien ikun jistħoqqlu l-korla ta’ Alla jagħmel x’jagħmel. Għaldaqstant hu kien jixtieq bil-qawwa li jakkwista t-tjieba tal-familjarità tiegħu, u *kien jibża’ ħafna* (cfr. Ġen 32,7) li ma jmurx ir-raġel qaddis jintebaħ b’din il-ħerqa moħbija tiegħu, u hekk seta’ jbiegħed minn fuqu l-grazzja qawwija tiegħu. Hekk minħabba din il-biża’ dan il-patri kien dejjem imħabbat sewwa fir-ruħ tiegħu, u ma riedx li jikxef dawn il-ħsibijiet tiegħu ma’ ebda bniedem. Hekk ġara li, jum minnhom, imħawwad kif kien, resaq lejn iċ-ċella li fiha kien qiegħed jitlob l-imqaddes Franġisku. Il-bniedem ta’ Alla intebaħ f’ruħu bil-wasla tiegħu, u sejjaħlu lejh bil-ħlewwa u qallu: “Ibni, tħalli l-ebda tentazzjoni tbeżżgħek, għaliex inti mill-aktar għażiż għalija u jiena fost l-aħwa kollha lilek inħobbok b’imħabba speċjali. Meta tkun trid, ejja għandi bla biża’, u itlaq minn ħdejja wkoll bir-rieda ħielsa tiegħek”. Dan il-patri baqa’ miblugħ mhux ftit u imtela’ bil-ferħ għal dawn il-kelmiet tal-missier imqaddes. Minn dak il-ħin kien dejjem żgur mill-imħabba tiegħu għalih, u kiber dejjem aktar, kif kien jemmen li jsir, fil-*grazzja tal-Feddej* (cfr. Tit 2,11).

## Kapitlu VI

### Dwar il-ħarsien tal-faqar, dwar iċ-ċaħda u l-ħajja iebsa tiegħu; u dwar kif kien jaħrab mit-tifħir tal-bnedmin u kien irid jitqies bħala bniedem bla ġieħ.

[414] 32 Il-konfessur ta’ Kristu San Franġisk kien jieħu ħsieb bir-reqqa kollha biex jasal fil-quċċata ta’ l-ogħla faqar, billi jinħall minn dak kollu li hu fieragħ. Hekk kien dejjem aktar imil lejn il-faqar milli lejn l-abbundanza tal-ġid, u kien kuntent b’dak li hu meħtieg għall-ħajja u kien jitbiegħed minn dak li hu żejjed, u kien jasal biex jgħaddi b’kemm jgħix, tant li bil-ħniena kien jippermetti li jħalli mqar reċipjent ċkejken fil-post fejn kien jgħammar. Rigward l-ikel fin jew l-inbid, u rigward ħwejjeġ oħrajn li wieħed jista’ jgħaddi mingħajrhom x’naqbdu ngħidu, meta kważi qatt ma kien jiekol ikel imsajjar, jew inkella kien iħallat miegħu l-irmied jew l-ilma kiesaħ, u meta kien bil-ħniena jixrob ilma kemm ikollu bżonn? Għax hu kien tal-fehma li hu diffiċli ħafna li wieħed jagħti lil ġismu dak li hu meħtieġ għalih mingħajr ma jkun jobdi wkoll il-kilba li jieħu aktar milli jkollu bżonn. Ta’ spiss għalhekk, meta kien ikun idur jippriedka l-penitenza u kien jiġi mistieden għall-ikel fid-djar tas-seklulari, u kienu joffrulu laħam biex jiekol, kien jieħu ftit minnu b’idejh u jqiegħdu f’ħalqu, biex joqgħod għal dak li tgħid il-kelma ta’ l-Evanġelju, jiġifieri: *Kulu u ixorbu minn dak li jkollhom huma* (cfr. Lq 10,7), u jiekol kemm kemm biex jitrejjaq, filwaqt li l-kumplament kien iħallih jiżżerżaq bil-moħbi f’ħoġru. L-art għerja kienet is-sodda tiegħu, u kien jimtedd biss b’tonka li kienet tgħattih. Ta’ spiss kien jorqod bilqiegħda, mhux mimdud, u jserraħ rasu fuq injama jew ġebla. Ġara darba minnhom li, imġiegħel mill-mard, kellu jiekol ftit laħam tat-tiġieġ. Meta reġa’ ħa lura saħħtu, ikkmanda lil wieħed mill-aħwa biex jorbtu minn għonqu b’ħabel, u jkaxkru bħal ħalliel f’nofs il-belt ta’ Assisi u bħal ħabbâr jibda jgħajjat quddiem kulħadd: “Hawn, araw, bniedem wikkiel li mela żaqqu bil-laħam tat-tiġieġ, meta intom mingħalikom li ma kienx qiegħed jiekol”. Ġara li ħafna, meta raw dik id-dehra baqgħu mistagħġba, u nisslu fihom indiema sa ma silltu d-dmugħ u bdew jingħu, u bdew iqisu lilhom infushom tassew imsejkna, meta raw kemm huma kienu mogħtijin għall-ħala u biex jimlew żaqqhom ta’ kuljum.

[415] 33 Kien għalhekk ta' spiss iwettaq bosta għemejjel b'dan il-mod, sabiex jiċħad lilu nnifsu għal kollox, u biex iwassal lill-oħrajn biex jiċħdu lilhom infushom. Imma dan il-bniedem li tassew ċaħad lilu nnifsu, mhux mingħajr mertu *kien imfaħħar minn kulħadd* (cfr. Lq 4,15), u kiseb l-ogħla ġieħ mill-bnedmin, filwaqt li hu waħdu baqa' jqis lilu nnifsu bħala bniedem ta' min jistmerru, u kien jitbiegħed mill-folol. Meta kien jisma' lil xi ħadd li jagħtih it-tifħir, kien iqabbad lil xi ħadd mill-aħwa taħt ubbidjenza, biex iwaqqaf lil dik il-persuna, u kien jitolbu biex jibda jgħajjru bi kliem li juri li hu bniedem ta' min jistmerru, biex hekk kontra dak it-tifħir giddieb jgħidlu kliem ta' verità. Meta dak il-patri kien, kontra qalbu, jibda jgħajjru bniedem goff u merċenarju li ma jiswa għal xejn, il-qaddis kien iċapċaplu bit-tbissima u mimli ferħ, u hekk kien iwieġbu: "*Il-Mulej ibierkek* (cfr. S 127,5), ibni l-aktar għażiż, għax tassew li qiegħed tgħid il-verità! Dan hu dak li jixraq li jisma' iben Pietro di Bernardone!" Kellu xewqa kbira li kulħadd iqisu bħala l-aktar bniedem baxx, ma kienx jistħi li jistqarr dnubietu b'mod pubbliku waqt il-predikazzjoni, u jekk kien imqar jaħseb xi ħaġa żgħira ħażina dwar xi ħadd, kien imur quddiemu jistqarr il-ħtija tiegħu, u jitolbu bl-umiltà biex jaħfirlu. Minn dan kollu jidher kemm hu ukoll kien iwissi lilu nnifsu mqar fi ħwejjeġ ħfief, u kemm dan ir-raġel kien jevita l-kliem ta' garr u kull xorta ta' kliem fieragħ. Xi ngħidu aktar? Hu kellu xewqa lħiħa li f'kull ħidma tiegħu jasal għall-quċċata ta' l-ogħla perfezzjoni, kien fuq kull ħaġa oħra jevita t-tifħir tal-bnedmin, u sabiex il-kuxjenza tkun xhud li hu *kellu l-ġarra tal-qdusija* (cfr. 1Tes 4,4) fih innifsu, kien *sar qisu ġarra mkissra* (cfr. S 30,13) għalih innifsu.

## Kapitlu VII

Dwar kif xtaq li jmut martri; dwar kif ħeles il-baħrin mill-għarqa; u dwar kif deher quddiem is-Sultan.

[416] 34 L-imqaddes Franġisku kien jaqbad bix-xewqa ħerqana li jmut martri. Hekk fis-sitt sena mill-konverżjoni tiegħu ried imur fl-inħawi tas-Sirja, sabiex hemmhekk iħabbar l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu lis-Saraċini. Għaldaqstant hu qabad triqtu lejn is-Sirja; imma l-irjiħat kuntrarji xeħtu l-ġifen li kien jivvjaġġa fuqu fuq il-kosta ta' Schiavonia. Billi sema' mill-baħrin li dik is-sena dak il-ġifen ma setax ikompli jivvjaġġa lejn is-Sirja, ra li x-xewqa tiegħu intemmet fix-xejn, u ried imur lura lejn Ancona. Imma l-baħrin bil-ħniena ħallewh jirkeb il-ġifen billi hu ma kellux biex iħallas il-vjaġġ. Imma ġara li l-*Mulej*, minħabba fih, *għamel tifkira ta' l-għeġubijiet tiegħu* (cfr. S 110,4). Fuq il-baħar qamet tempesta li damet għal bosta ġranet, hekk li wara ħidma twila l-ikel tal-baħrin kien għodda spiċċa, meta dak li ma rieduhx jitla' fuq il-ġifen għax ma kellux x'jiekol, issa daħal għalihom biex jgħinhom u jeħlishom mill-mewt. Għax meta, ma kienx għad fadal biżżejjed biex iservi għal dawk in-nies kollha, bil-providenza tal-Mulej, l-imqaddes Franġisku bid-deher offrielhom l-għajnuna. Bil-merti tiegħu l-ikel tkattar, hekk li kien hemm biżżejjed għal kulħadd sakemm waslu fil-port ta' Ancona, għalkemm kien għad fadal diversi ġranet ta' baħar. Meta l-baħrin raw dak li ġara, raddew ħajr kbir lill-Feddej ta' kulħadd għall-ħniena li kien wera magħhom, u talli permezz tal-qaddej tiegħu Franġisku ħelishom mill-periklu tal-mewt.

[417] 35 Malli r-raġel qaddis niżel l-art wara l-vjaġġ fuq il-baħar, hu beda mill-ġdid ixerred iż-żerriegħa tal-kelma, u beda jiġbor ħafna frott għax bosta irġiel li jixirqilhom bdew ġejjin biex jimxu warajh. U tassew fih ma intefietx il-ħerqa għall-martirju, għax hu ried imur ixandar il-fidi fi Kristu lil Miramolino u lin-nies tiegħu, u wara ftit taż-żmien erħielha lejn il-Marokk. Tant kien

mgħaġġel biex jilħaq il-għan tiegħu, li ta' spiss waqt il-vjaġġ kien jgħaddi lil sieħbu, u kien iħallih warajh, qisu misjuq fl-ispirtu tiegħu minn sakra qaddisa biex ixandar il-kelma. Imma meta wasal fi Spanja u kien għaddej 'il quddiem mimli ħeġġa, il-Mulej laqtu b'marda mill-aktar gravi, għas-salvazzjoni ta' ħafna oħrajn, u għalhekk kellu jdur lura lejn l-Italja.

[418] 36 Meta wasal lura, mar joqgħod f'Santa Marija tal-Porziuncola. F'dak iż-żmien laqa' fl-Ordni xi rġiel ta' skola u nobbli, li hu laqagħhom bil-qima u b'mod xieraq, għax kien jaf dwar il-qawwa tad-diskrezzjoni tagħhom, li hu kien jammira ħafna fl-oħrajn. Imma wkoll dan ir-raġel qaddis, billi baqgħet tagħfas fuqu l-ħerqa u ma setax itawwal aktar jistenna li jwettaq il-pjan tiegħu, jiġifieri dak li jmur bil-ħeġġa għall-martirju, meta għaddew tlittax-il sena mill-konverżjoni tiegħu mar fl-inħawi tas-Sirja. Billi dak iż-żmien kienet għaddejja gwerra bejn l-insara u l-infidili, imqawwi *bil-fiduċja fil-Mulej* (cfr. Fil 2,24), kellu l-kuraġġ li jmur quddiem is-Sultan, u dan mhux mingħajr periklu li jidher għal ħajtu. Hu kellu jsofri ħafna swat u tgħajjir, qabel ma rnexxielu jasal quddiem is-Sultan. Imma nieħdu fit-tul li nirrakkontaw b'liema qawwa ta' rieda hu qagħad quddiemu, u b'liema argumenti beda jkellmu mingħajr biża dwar il-fidi nisranija. Is-Sultan fil-fatt laqgħu b'ġieħ kbir, u offrielu ħafna doni għonja. Imma l-qaddis ta' Alla stmerrhom bħallikieku kienu ħwejjeġ ta' min jarmihom, hekk li l-istess Sultan baqa' miblugħ b'dan il-bniedem daqshekk mhux bħall-bnedmin l-oħrajn, u kien joqgħod jisma' bil-qalb il-kliem tiegħu. Imma f'dan kollu l-bniedem qaddis intebaħ li ma kienx se jtemm xewqtu; għax il-Mulej kien qiegħed jerfa' għalih grazzja mill-isbaħ u waħdanija, meta tah il-privileġġ uniku li jġorr id-don l-aktar għoli ta' l-istimmati.

Kapitlu VIII

Dwar kif ippriedka lill-għasafar; u dwar kif l-annimali u l-bhejjem kienu jobduh u kienu jiġu għandu għall-kenn; u dwar kif bidel l-ilma f'inbid.

[419] 37 L-imqaddes Franġisku kien raġel mimli bis-sempliċità bħall-ħamiem. Meta, kif kien soltu jagħmel, kien darba għaddej mill-Valle Spoletana, ġara li ftit bogħod minn raħal jismu Bevagna, ra kotra kbira ta' għasafar differenti. U billi hu kellu mħabba ta' l-għaġeb lejn il-Ħallieq fil-ħlejjaq kollha, ħalla lil sħabu fit-triq, u mar jiġri mimli ferħ lejn dak il-post fejn kienu miġburin l-għasafar, u kif kienet id-drawwa tiegħu, sellmilhom qisu qiegħed ikellem lill-bnedmin. Billi ra li huma ma ċċaqilqux minn dak il-post, għalkemm kien hemm hu hemmhekk, baqa' mistagħġeb u resaq aktar qrib tagħhom. Imma lanqas għasfur wieħed minnhom ma ċċaqlaq minn postu meta wasal fejnhom. Il-bniedem ta' Alla għalhekk imtela b'ferħ kbir, u beda jwissihom bil-ħerqa biex joqogħdu jisimgħu l-kelma ta' Alla, u fost affarijiet oħrajn beda jkellimhom b'dawn il-kelmiet sempliċi: "Ħuti għasafar, għandkom tibżgħu u tfaħħru ħafna u tħobbu lill-Ħallieq tagħkom, li libbiskom bir-rix, li jerfagħkom 'il fuq mill-art bil-ġwienaħ, u li lilkom għamilkom aktar nobbli fost il-ħlejjaq għax takom is-sema u l-arja safja biex timirħu fihom. Intom *la tiżirgħu u lanqas taħsdu, u lanqas tgeddsu f'imħażen* (cfr. Mt 6,26), imma l-Mulej jieħu ħsiebkom bil-kura u jagħtikom bil-kotra dak li teħtieġu". Dawk l-għasafar bdew jiftħu l-munqar, bdew jifirxu ġwenħajhom, u bdew jiċċaqilqu bil-modi kif jafu jagħmlu huma, qishom biex juru li kienu qiegħdin jilqgħu il-kelma ta' Alla u jifhmu sewwa dak li kien qiegħed jgħidilhom Franġisku. U tassew li San Franġisk *beda jgħaddi minn ġo nofshom* (cfr. Lq 4,30), ġej u sejjer, u bit-tonka tiegħu beda jmisshom biex forsi jtiru. Imma huma ma riedux jiċċaqilqu minnn dak il-post, sakemm hu berikom bis-sinjal tas-salib u mbagħad tahom il-permess li jitbiegħdu, u telaq hu wkoll. Imbagħad

beda jċanfar lilu nnifsu ma' l-aħwa talli kien tant traskurat, u qatt ma għaddielu minn rasu li seta' jippriedka lill-għasafar. Għax tassew li dak iż-żmien ir-raġel ta' Alla, li fommu kien dejjem ifur bit-tifħir lejn il-Feddej, mhux biss kien iwissi lill-bnedmin biex ifaħħru lil Alla, imma saħansitra lill-għasafar u lill-bhejjem u l-ħlejjaq l-oħrajn kollha, u kien isejħilhom bl-isem ta' ħutu subien u bniet u jistedinhom biex bil-ħerqa jinsġu fuq kollox tifħir lill-Ħallieq.

[420] 38 Għax dan li b'ċenn wieħed biss tiegħu kien iġiegħel kollox jobdi lill-Ħallieq[212], mhux ta' b'xejn li kien jikkmanda lill-ħlejjaq inferjuri għalih, meta *kien isejjaħ l-isem* (cfr. Atti 22,16) ta' l-Aktar Għoli, u kien jagħraf bosta drabi bl-esperjenza tiegħu l-ubbidjenza tagħhom. U biex insemmu ftit minn ħafna ġrajjiet, darba minnhom ġara li kien qiegħed qrib kastell jismu Alviano, fejn hu ried isemma' l-kelma ta' Alla lill-poplu li kien miġbur hemmhekk. Imma minħabba l-istorbju ta' kotra kbira ta' ħuttaf li hemmhekk kellhom il-bejtiet tagħhom, hu ma setax jinstema'. Għaldaqstant kellem lil dawk l-għasafar li kienu qiegħdin jagħmlu dak l-istorbju: "Ħuti ħuttaf, *issa wasal il-ħin* (cfr. Tob 12,20) li nitkellem jien, għax intom issa ilkom titkellmu biżżejjed; għalhekk, minn issa sakemm *intemm inxandar il-kelma ta' Alla* (cfr. 2Kron 36,21) ieqfu mit-tpaċpiċ tagħkom!" Malli semgħu dan, qishom kienu ħlejjaq bir-raġuni, siktu mall-ewwel, u lanqas biss iċċaqilqu minn dak il-post sakemm hu spiċċa l-priedka tiegħu. Kull min ra dak il-miraklu beda jfaħħar u jigglorifika lil Alla u bdew irossu għax kienu jixtiequ li, ta' l-inqas, jmissu l-ħwejjeġ tar-raġel qaddis.

[421] 39 Ta' spiss kienu jiġu jsibu kenn għand l-imqaddes Franġisku l-bhejjem tal-bosk, qishom ikunu waslu f'port mill-aktar kenni, donnhom li kienu jħossu u jgħarfu l-affett li hu kienu juri lejhom. Darba waħda meta kien joqgħod ħdejn il-kastell ta' Greccio, wieħed mill-aħwa ġablu fenek selvaġġ li kien inqabad ħaj. Dan tqanqal bi ħniena kbira għalih u sejjaħlu lejh bl-akbar umiltà: "Ħija fenek selvaġġ, ejja għandi! Għax ħallejthom jaqbduk?" Dak telaq jiġri mingħand il-patri li kien ġabu, u mar mall-ewwel f'ħoġor il-bniedem ta' Alla, u hemmhekk qagħad żgur kwiet qisu animal mans. Kull darba li r-raġel qaddis kien iqiegħdu fl-art biex jitlaq, il-fenek kien jerġa' jiġri lura fi ħdanu, qisu ma riedx aktar ikun ħieles, sakemm Franġisku talab lill-aħwa jeħduh fil-masġar fil-qrib. L-istess ġara fil-każ ta' fenek ieħor, li hu annimal li jibża' ħafna mill-bniedem, meta Franġisku kien jinsab għal xi żmien fuq gżira ta' l-għadira ta' Perugia.

[422] 40 Hekk ukoll ġara darba oħra, meta kien qiegħed f'dgħajsa fuq l-għadira ta' Rieti, u wieħed raġel offrielu ħuta mhux żgħira, li n-nies isejħulha *tinca*. L-istess raġel qaddis ħadha bil-ferħ u r-radd il-ħajr, imma mhux biex jiekolha, iżda biex jerġa' jagħtiha l-ħelsien. Beda jsejħilha oħtu l-ħuta, u wara li talab berikha *f'isem il-Mulej* (cfr. S 112,2), u reġa qiegħdha fl-ilma. Filwaqt li hu kompla fit-talb u t-tifħir tiegħu, dik il-ħuta baqgħet fl-ilma donnha tilgħab madwar id-dgħajsa, sakemm l-imqaddes Franġisku, meta temm it-talb, taha l-permess biex titlaq. Hekk il-konfessur glorjuż ta' Kristu kien jikkmanda mhux biss il-bhejjem u l-għasafar, li dwarhom nieħdu fit-tul jekk noqogħdu nitkellmu fuq kull waħda, imma saħansitra kien ibiddel il-ħlejjaq insensibbli f'natura differenti minn tagħhom, kif kien għamel il-Mulej. Minn dawn l-eżempji xieraq li nirrakkontaw fil-qosor wieħed. Ġara li meta r-raġel qaddis kien jinsab fl-eremitaġġ ta' Sant'Urbano, darba minnhom marad sewwa, u b'mod ta' l-għaġeb biddel l-ilma f'inbid. Hekk bit-togħma tiegħu seta' jerġa' jirkupra saħħtu malajr, hekk li ħadd ma kellu dubju li dak kien miraklu divin.

---

[212] Dawn il-kelmiet huma wkoll ispirati mill-ħames antifona ta' l-I Għasar ta' San Franġisk fl-*Officium Rythmicum* ta' Julian minn Speyer: *Hic creatures imperat, qui nutui subiecerat se totum Creatoris*.

Kapitlu IX

Dwar l-imħabba li kellu lejn il-ħlejjaq kollha għall-imħabba tal-Ħallieq; u dwar kemm kellu qima lejn l-isem tal-Mulej u l-kliem tiegħu; u dwar il-ħniena li kien juri lejn il-foqra.

[423] 41 L-imqaddes Franġisku kien hekk mimli fl-ispirtu tiegħu bil-ħlewwa ta' l-imħabba divina, u f'kollox kien jikkontempla l-għemejjel ta' l-għaġeb tal-Ħallieq, l-aktar meta kien ifur bil-ħniena ta' l-imħabba lejn il-ħlejjaq kollha. Fosthom kollha kien iħobb b'mod speċjali lil dawk li kien jarahom sempliċi u umli fin-natura tagħhom, u l-aktar il-ħrief, għax dwarhom kien jisma ħafna tixbihat fl-Iskrittura li kien jsemmu x-xebħ tagħhom ma' l-isem ta' Kristu. Hekk darba meta kien jinsab fil-Marca ta' Ancona, flimkien ma' fra Paolo, li kien *ħatar ministru* (cfr. Atti 26,16) ta' dawk l-inħawi, huma u għaddejjin raw merħla kbira ta' mogħoż u mtaten li kienu jirgħu, u f'nofs dik il-merħla kien hemm ħarufa ċkejkna li kienet tirgħa fis-skiet. Malli intebaħ biha, il-qaddis tniehed bil-kbir, u qal lil ħuh: "Intix tara dik il-ħarufa waħedha qalb dawk il-mogħoż u l-imtaten, li miexja f'nofshom bis-sempliċità kollha? Hekk ukoll il-Mulej tagħna Ġesù Kristu kien bla ħtija, kien jgħaddi sieket u umli fost il-kittieba u l-fariżej u l-qassisin il-kbar. Ejja mela, ibni l-aktar għażiż, inħallsu prezzha dik il-ħarufa, u *noħorġuha 'l barra* (cfr. S 135,11) minn dik il-merħla tal-mogħoż.

[424] 42 Imma billi ma kellhom xejn aktar ħlief iż-żewġ tonok li kienu lebsin u riedu jifdu lil dik il-ħarufa, hekk hu li għadda negozjant li xtara dik il-ħarufa bil-qalb kollha, u wara li ħallas prezzha ħalliha f'idejn ir-raġel qaddis. Dan feraħ biha mhux ftit, u ħadha miegħu fil-belt ta' Ascoli, fejn kien sejjer, u hemmhekk mar fil-post fejn kien joqgħod l-isqof li laqgħu għandu bil-ħlewwa. Għall-ewwel l-isqof stagħġeb kif hu kien qiegħed iġorr miegħu dik il-ħarufa, sakemm il-qaddis beda jinsiġlu it-tixbiha tagħha, u għalhekk l-istess isqof radd ħajr lill-Aktar Għoli, l-aktar għax intlaqat mis-sempliċità safja ta' dak ir-raġel ta' Alla. L-għada l-bniedem ta' Alla għadda minn ħdejn il-monasteru tal-*Povere Dame* qrib San Severino, u hemmhekk ħalla dik il-ħarufa fil-kura ta' dawk il-qaddejja verġni ta' Kristu. Huma laqgħuha bl-akbar imħabba minħabba l-qima li kellhom lejn il-qaddis, u ħadu ħsieb jitimgħuha u jżommuha b'għożża għal żmien twil, hekk li saħansitra nisġu tonka mis-suf tagħha, u bagħtuha lir-raġel qaddis li laqagħha b'ferħ kbir bħala rigal mingħand oħtu l-ħarufa.

[425] 43 Darba oħra ġara li kien għaddej ma' l-istess fra Paolo mill-Marca ta' Ancona, u waqt il-mixi iltaqgħu ma' wieħed raġel li kien qiegħed iġorr żewġ ħrief imdendlin ma' spallejh, u kien sejjer jeħodhom biex ibigħhom. Meta l-missier qaddis sema' l-biki tagħhom, *tqanqal mill-ġewwieni tiegħu* (cfr. 1Slat 3,26), u resaq bil-ħlewwa lejhom u beda jmellishom kif omm tfarraġ lil biha li jibki. Imbagħad qal lil dak ir-raġel: "Għaliex qiegħed iġorr lil ħuti l-ħrief marbutin u mdendlin b'tant tbatija?" Dak wieġbu li kien se jeħodhom is-suq, għax kellu bżonn iġib prezzhom. Meta mbagħad staqsih x'kien se jsir minnhom, dak wieġbu li l-bnedmin kienu jixtruhom biex jiekluhom. Il-qaddis għalhekk wieġeb: "Dan ma jkun qatt! Ara, hawn għandi l-mantell li nitgħatta bih, ħudu, u lili agħtini lil ħuti l-ħrief!" Dak ir-raġel qabel li jagħmel hekk; għax tassew li dak il-mantell kien jiswa aktar miż-żewġ ħrief, għalkemm ir-raġel ta' Alla kellu jilbsu minħabba l-ħtieġa, għax kien il-bard, u dakinhar kien għadu kemm issellfu mingħand raġel twajjeb. Il-qaddis ħa l-ħrief, imma mbagħad beda jistaqsi bil-ħerqa x'jaqbad jagħmel bihom. Wara li dam itella' u jniżżel flimkien ma' ħuh, iddeċieda li jerġa' jagħtihom lil dak ir-raġel, bil-patt li dan iwiegħedu li jintrabat li qatt aktar ma kellu jeħodhom biex ibigħhom.

[426] 44 Imma mhux biss lejn il-ħlejjaq u annimali li jnisslu l-imħabba f'min jarahom, imma wkoll kien juri ħniena lejn annimali oħrajn li l-bnedmin jistmerruhom u li huma ċkejknin. Hekk billi kien jaqra dwar il-Feddej: *Jien dudu ta' l-art u mhux bniedem* (cfr. S 21,7), saħansitra kien jiġbor id-dud mit-triq, li ma jmorrux jintrifsu minn riġlejn il-bnedmin. U biex in-naħal ma jmutux fil-bard tax-xitwa, hu kien iħejjilhom l-inbid u l-għasel. Kien iħobb b'għożża kbira mhux biss lilhom, imma ħafna ħlejjaq oħrajn, u dak li jgħaġġibna, li kien jogħxa u jistagħġeb meta kien jikkontempla s-siwi ta' kull waħda minnhom, hekk li kollox kien jerġa' jieħdu lura biex jikkontempla l-glorja ta' Dak li ħalaqhom. Kien jiffissa ħarstu fix-xemx, fil-qamar, fil-kwiekeb tas-sema; kien jara fihom l-elementi li jħaddmuhom b'ordni ta' l-għaġeb. Min jista' jfisser il-qawwa, il-għerf, it-tjieba, li kien jikkontempla f'dak kollu li għamel il-Ħallieq, hekk li kien jixrob mill-milja tal-veru għarfien, tal-vera ħlewwa u tal-grazzja? Għax tassew naħseb li l-ebda bniedem ma jista' qatt ifissier dan kollu bil-kliem. Kollox kien jieħdu lura lejn dak il-bidu uniku ta' kollox, hekk li kien isejjaħ lil kull ħliqa bl-isem ta' ħuh jew oħtu, u kien jistieden kollox għat-tifħir bla heda tal-Ħallieq waħdieni tagħhom. Hu wkoll, *meta kien itenni l-isem tal-Mulej* (cfr. 2Tim 2,19), kien jimtela bl-imħabba li tisboq kullma jista' jifhem moħħ il-bniedem, hekk li kien jidher mehdi kollu kemm hu bil-ferħ, u donnu bniedem ġej minn dinja oħra. Imbagħad tant kienu juri qima lejn l-isem tal-Feddej, li jekk kien isib xi kitba mqiegħda f'post li ma jixraqx, kien jiġborha bil-qima kollha, u kien iqiegħda f'post li jixirqilha, li ma jmurx ikun fiha xi kelma jew isem divin, jew inkella imqar ittra li biha jinkteb dak l-isem.

[427] 45 Tista' taħseb, mela, kemm kien aktar imħeġġeġ bil-ħniena lejn il-bnedmin foqra, dak li kien ifur bil-ħlewwa tal-ħniena mhux biss lejn il-bhejjem selvaġġi, imma saħansitra lejn dawk li ma jħossux u li huma l-iżgħar fost il-ħlejjaq l-oħra. Għax tassew li dan il-patrijarka tal-fqajrin ried ikun ifqar minn kull bniedem ieħor, u qatt ma ried li jkollu xejn tiegħu għajr it-tonka fqira li kien jilbes. U lanqas kien ikun irid jieħu ħsieb tiegħu innifsu f'din l-unika ħaġa meħtieġa, jekk kien isib xi ħadd ifqar minnu kien mall-ewwel jixtieq li jaqsam miegħu kollox. Kien jittallab ħafna lbies mingħand il-għonja waqt il-kesħa tax-xitwa, u dawn kienu jagħtuhomlu bil-qalb. Imma meta kien jilqagħhom mingħandhom kien jgħidilhom li jeħodhom bil-patt li ma jistennewx li jagħtihomlhom lura. Hekk, meta kien jiġri li jiltaqa' ma' dawk li jkunu neqsin minn kollox, kien jagħtihom l-ilbies biex jisktennu fil-bard. Kien jitnikket bil-kbir jekk kien jintebaħ li xi ħadd qiegħed iweġġa' lil xi bniedem fqir bil-kliem jew bl-għemil. Meta darba minnhom sema' li wieħed mill-aħwa kien qal dawn il-kelmiet lil wieħed fqir: "Ara li ma tkunx qiegħed tilgħabha ta' fqir!", hu inkorla bl-aħrax miegħu u ikkmandah imur għeri quddiem dak il-fqir, u jbuslu bl-umiltà riġlejh filwaqt li jitolbu jaħfirlu. Kien jgħid ukoll: "Min jisħet lill-foqra, jkun iweġġa' lil Kristu, għax hu ġarr fuqu s-sinjal nobbli tagħhom, meta għax ried sar fqir għalina f'din id-dinja". Hu nnifsu, għad li bil-ħniena kien fadallu saħħa f'ġismu, kien ta' spiss iġorr fuq spallejh it-toqol li kienu jġorru n-nies foqra. Għall-ħeġġa qaddisa tiegħu kien jagħmel dan u bosta affarijiet oħrajn f'din id-dinja, li, għalkemm narawhom fil-qosor, ma jixraqx li ma nħalluhomx imfakkra fil-kitba.

## Kapitlu X

Dwar il-frott tal-predikazzjoni tiegħu, u dwar il-qima li l-poplu kellu lejh; u dwar xi mirakli tiegħu, u dwar id-dehra li seħħet meta għamel il-presepju fil-Milied.

[428] 46 Ir-raġel qaddis ta' Alla Franġisku, f'dak l-istess żmien li fih, kif rajna, kien ippriedka lill-għasafar, kien *idur mal-bliet u l-kastelli* (cfr. Mt 9,35) fit-tul u l-wisgħa tagħhom, u tant kien iqanqal il-qlub għall-penitenza bil-virtujiet divini, li xi minndaqqiet kien jirċievi mat-tletin raġel li riedu jilbsu t-tonka tiegħu. Tant kienet kbira x-xewqa tal-folol tan-nies li kienu jduru miegħu, li min fosthom kien ikun jista' jmiss *il-libsa tiegħu* (cfr. Mk 5,28), jew xi ħaġa li jkun mess hu, kien iqis lilu nnifsu hieni bl-akbar devozzjoni. Malli kien jidħol f'xi belt jew kastell, kienu jibdew idoqqu l-qniepen b'mod solenni, u b'ferħ tassew kbir kienu jiġu lkoll f'daqqa biex jilqgħuh biċ-ċapċip, u kienu jiġu jiltaqgħu miegħu jxejjru l-friegħi tas-siġar. Il-qerq ta' l-eretiċi kien jitħawwad, kienet titgħolla l-fidi kattolika, għax dan il-qaddis kien imfaħħar mhux biss bil-ħajja u l-kliem tiegħu, imma wkoll b'bosta mirakli u għeġubijiet. Għax minn kull mard, malli kien jitlob l-isem divin, kien ifejjaq bil-qawwa, bil-kelma tiegħu kien iħarrab lix-xjaten b'mod ta' l-għaġeb, u l-ebda tfixkil ma seta' jwaqqaf il-qawwa tiegħu quddiem it-talb fil-ħtieġa jew fil-periklu. Rigward il-mirakli nitkellmu aktar tard, imma hawnhekk se ndaħħlu xi ftit minnhom fil-qosor.

[429] 47 Fil-belt ta' Toscanella kien hemm kavallier li laqa' għandu bid-devozzjoni lill-imqaddes Franġisku. Dan kellu *l-iben waħdieni* tiegħu (cfr. Lq 7,12), li kien diġà qabeż is-snin li fihom jerda' ħalib ommu, imma li kien għadu fil-benniena għax ġismu kien kollu mifluġ u dgħajjef ħafna u ma setax iqum minn fejn kien. Dan ir-raġel twajjeb inxteħet għarkubbtejh f'riġlejn Franġisku u bl-umiltà u bid-dmugħ talbu biex jagħti s-saħħa lill-ibnu. Imma l-qaddej ta' Alla ma kienx iqis li kien denn għal ħaġa bħal din, u għall-ewwel beda jiċħad għat-talba ta' dak ir-raġel. Imma fl-aħħarnett intrebaħ bl-insistenza tiegħu, u inġabar kollu kemm hu fit-talb, imbagħad għamel is-sinjal tas-salib, u *f'isem il-Mulej qajjem* lit-tifel (cfr. Atti 3,6.7; 4,10). Dak it-tifel, quddiem dawk kollha li kienu qed jarawh, qam minnufih, u beda jdur u jimxi fejn irid mad-dar kollha, f'saħħtu għal kollox.

[430] 48 Darba oħra wieħed raġel jismu Pietro, li kien jgħix fil-belt jisimha Narni, ma seta' jċaqlaq l-ebda wieħed mill-membri ta' ġismu, u kien ilu għal żmien ta' ħames xhur mixħut għal tulu u ma jistax jitħarrek. Kien kemm kemm iħarrek ilsienu u jiftaħ għajnejh bi tbatija kbira. Dan, malli sema li l-imqaddes Franġisku kien ġej f'dak il-post, bagħat mall-ewwel xi ħadd għand l-isqof biex jitolbu biex għall-ħniena divina jitlob lill-qaddej ta' Alla biex jiġi sa fejnu, għax hu kien jemmen li kieku kellu jarah quddiemu *kien jerġa' jieħu lura saħħtu* (cfr. Mt 12,13). Għal din it-talba r-raġel ta' Alla tqanqal bil-ħniena u resaq lejh, għamel is-sinjal tas-salib fuqu minn rasu sa saqajh, u mall-ewwel ħarab minnu kull xorta ta' mard, u qam f'saħħtu *bil-qawwa ta' l-Aktar Għoli* (cfr. Lq 1,35). Fl-istess belt kien hemm mara li kienet tilfet id-dawl ta' għajnejha, u li stħaqqilha terġa' tibda tara għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, malli dan kien għamel fuq għajnejha s-sinjal tas-salib. Waħda mara minn Gubbio kellha ż-żewġ idejha daqshekk milwijin, li ma setgħet tagħmel l-ebda xogħol. Malli saret taf li kien ġej hemmhekk l-imqaddes Franġisku, marret mimlija niket tiġri sa ħdejh, u bdiet turih il-ħtieġa li kellha biex ikollu ħniena minnha. Malli raha r-raġel ta' Alla tqanqal bil-ħniena u messha, u fejjaqha. Din ħejjiet b'idejha stess torta tal-ġobon, u riedet tagħtiha lill-qaddej ta' Alla. Dan ħadha minn idejha, daq biċċa minnha b'qima lejn dik il-mara, u reġa' offrihielha lura.

[431] 49 Wieħed mill-patrijiet kien imħabbat b'marda iebsa hekk li ħadd ma kien jaf x'kienet, u kienu jitħassru l-miżerja tiegħu, għax kienu jaħsbu li din kienet il-ħidma ta' bosta xjaten. Għax hu kien, ħabta u sabta, *jitgħawweġ bir-ragħwa f'ħalqu* (cfr. Mk 9,19), u jieħu bixra li tbeżżgħek, għax filli kien isir iebes u mġebbed, filli kien jiltewa u jitgħawweġ ganċ, u ġie li kien

jogħla ‘l fuq daqs tul ta’ bniedem b’riġlejh imdawrin lura u jmissu ma’ rasu, u mbagħad jieħu tisbita lejn l-art b’mod li titħassru. Malli sar jaf b’dik il-marda li kellu, il-missier qaddis resaq lejh; qabel xejn talab għalih lill-Mulej, u mbagħad għamel fuqu s-sinjal tas-salib. U ħaġa ta’ l-għaġeb li, malli għamel hekk, dak il-patri ħeles għal kollox minn dik it-tbatija mill-agħar, u minn dak il-ħin ‘il quddiem qatt aktar ma reġa’ ħassha.

[432] 50 Fil-*kastell* ta’ San Gemini darba minnhom l-imqaddes Franġisku *mar jippriedka s-saltna ta’ Alla* (cfr. Lq 8,1), u flimkien ma’ tlieta mill-aħwa daħal fid-dar ta’ wieħed raġel li laqagħhom għandu bil-qima. Il-mara tiegħu, iżda, kif kien jaf kulħadd f’dak ir-raħal, *kienet maħkuma mix-xitan li kien iħabbatha ħafna* (cfr. Mt 15,22). Billi r-raġel qaddis Franġisku kien jibża’ mit-tifħir tal-bnedmin, billi dak ir-raġel qagħad jitolbu fit-tul, qabel ma mar jistrieħ, biex ifejjaqlu lil martu, hu intrebaħ mill-insistenza tat-talb tiegħu. Lit-tliet aħwa bagħathom kull wieħed f’rokna tad-dar biex hemmhekk joqogħdu jitolbu għal dik il-mara, u hu mar joqgħod fir-raba’ rokna u ingħata wkoll għat-talb. Wara dan resaq bil-fiduċja lejn dik il-mara li kienet tingħi b’mod li jbeżżgħek, u *fl-isem ta’ Kristu* (cfr. 1Pt 4,14) lil dawk ix-xjaten ikkmandahom bl-ubbidjenza biex joħorġu minnha. Il-Mulej beda jaħdem biex iħares l-umiltà tal-qaddej tiegħu, hekk li minnufih ix-xitan ħareġ minnha b’ħafna twerżieq tal-waħx. Ir-raġel ta’ Alla beda jibża’ li x-xitan qarraq bih, u ħareġ mall-ewwel minn dak il-post b’bixra ta’ bniedem mistħi. Imma darba oħra kellu jgħaddi minn dak il-kastell, u l-istess mara ġiet tiġri warajh bil-qima biex tkellmu, *u bdiet tbus il-passi ta’ riġlejh* (cfr. Est 13,13). Imma hu ma riedx la jaraha u lanqas ikellimha, għax dik tassew kienet dik il-mara li kienet ħelset mix-xitan, kif setgħu jixhdu dawk kollha li kienu jgħixu magħha, u fl-aħħar kellu jemmen dak li qabel bil-ħniena kien ħaseb li seta’ jseħħ. F’Città di Castello wkoll kien hemm mara *li kienet maħkuma mix-xjaten* (cfr. Lq 7,33), li meta wasal hemmhekk l-imqaddes Franġisku, ħaduha għandu. In-nies kollha ta’ dik il-belt resqu lejh jitolbuh għaliha, għax ta’ spiss kienu jilmintaw mill-ġenn tagħha li x-xitan kien ħakimha b’mod daqshekk gravi. Malli l-imqaddes Franġisku semagħha tgħajjat u tixgħer barra, ried ikun jaf jekk dan kienx tassew ġej mix-xitan, u għalhekk qabel xejn bagħat quddiemha wieħed ieħor mill-aħwa. Din malli ratu kienet taf li dak ma kienx l-imqaddes Franġisku u bdiet tiddieħaq bih u tgħaddih għaż-żufjett mhux ftit. Sadanittant ir-raġel ta’ Alla kien mixħut jitlob, u malli temm it-talb tiegħu, bil-fiduċja kollha ħareġ quddiem dik il-mara. Din ma felħitx tarah wieqaf hemm quddiemha, u għalhekk instabet għal tulha fl-art u bdiet titmiegħek u tixgħer kemm tiflaħ. Hu ikkmanda bl-ubbidjenza lill-ispirtu biex joħroġ minnha. Dan ħareġ minnufih għax lanqas għal waqt wieħed ma felaħ jieqaf lill-kmand ta’ Franġisku.

[433] 51 Dawn u mirakli oħrajn jixbħuhom twettqu bil-bosta bl-interċessjoni ta’ l-imqaddes Franġisku, u mhux biss meta hu kien preżenti fil-ġisem, imma wkoll meta ma kienx preżenti. Għax kienu jieħdu xi ħaġa li hu kien ikun messha b’idejh, biex biha jinstab il-fejqan minn ħafna xorta ta’ mard. Fl-inħawi tal-belt ta’ Arezzo kien hemm waħda mara li kienet fl-uġigħ tal-ħlas, *imma ma setgħetx teħles* (cfr. Is 37,3), hekk li kulħadd kien qata’ jiesu li jifdlilha saħħa biżżejjed biex teħles. Dak iż-żmien ġara li l-imqaddes Franġisku, minħabba li kien marid u ġismu kien dgħajjef ħafna, kienu qiegħdin iġorruh riekeb fuq żiemel lejn eremitaġġ. Meta wasal wieħed mill-aħwa reġa’ ħa lura ż-żiemel għand sidu u għadda minn dak il-post. Malli n-nies ta’ dak il-post raw lil dak il-patri, huma kienu jittamaw li kien l-imqaddes Franġisku, li huma kienu semgħu li kien diġà għadda minn post ieħor. Għalhekk mhux żgħir kien in-niket tagħhom meta intebħu li ma kienx hu, imma xorta waħda ma qatgħux qalbhom, u bdew ifittxu bir-reqqa xi ħaġa li r-raġel qaddis kien mess b’idejh. Fl-aħħar sabu r-riedni taż-żiemel, li l-bniedem ta’ Alla kien żamm hu u riekeb. Hekk

mela neħħew minnufih ir-riedni minn ma ħalq iż-żiemel, u marru jqiegħduh fuq dik il-mara li kienet waslet fi tmiem ħajjitha. Ġara li hi bil-ferħ kollu ħelset minnufih u ma kienetx aktar fil-periklu għal saħħitha.

[434] 52 Kien hemm reliġjuż li kien jismu Goffreduccio, li kien jgħix f'Città della Pieve, li kien iżomm għandu bil-qima kollha l-kurdun li bih kien jitħażżem għal xi żmien l-imqaddes Franġisku. Ġara mela li f'dak il-kastell kienu ħafna dawk l-irġiel u n-nisa li kienu jinħakmu mill-mard. Dak ir-raġel kien imur għand dawn il-morda u kien ibill parti mill-kurdun fl-ilma, jew kien jieħu miegħu l-istess ilma li fih kien ikun ħalla l-kurdun jixxarrab, u kien jersaq lejn is-sodda tal-morda u jitlobhom jixorbu dak l-ilma. Hekk ġara li, b'għaġeb kbir, dawk li kienu morda u li daqu minn dak l-ilma, reġgħu ħadu saħħithom u saru qawwijin u sħaħ. Kienu ta' spiss joffru lill-imqaddes Franġisku l-ħobż biex ibierku, u dawk il-morda li kienu jduqu minnu kienu jqumu qawwijin u sħaħ minn bosta xorta ta' mard. Ta' spiss ukoll il-missier twajjeb kien jitħalla nofsu għeri min-nies, għax huma kienu jkunu jridu jaqtgħu biċċiet żgħar mit-tonka tiegħu, li kienu jħarsuhom bil-qima kollha bħala fejqan kontra kull xorta ta' periklu ta' mard.

[435] 53 Tliet snin qabel il-mewt hienja ta' l-imqaddes Franġisku ġrat ukoll ħaġa ta' l-għaġeb, li, fost ħafna affarijiet oħrajn li kellna nħallu barra, din jidhirli li jixirqilha li nirrakkuntawha b'mod xieraq. Għax ir-raġel qaddis kellu għal qalbu b'mod speċjali dawk l-għemejjel ta' Kristu li hu qatt ma kien jehda jimmeditahom. Sakemm kien jista', hu ma kienx ikun irid jikser imqar tikka waħda mill-quċċata tal-perfezzjoni li wieħed jaqra dwarha fil-kotba mqaddsa ta' l-Evanġelji. Dak kollu li kien jieqaf jimmedita f'dak li nkiteb dwar Kristu, kien fuq kollox irid li jwettqu f'din il-ħajja, u kellu xewqa ħerqana li jesperimenta f'ħajtu *l-madmad* ta' l-istess Mulej, li għal kulħadd hu *mill-aktar ħelu u t-toqol tiegħu, li hu ħafif* (cfr. Mt 11,30). Hekk, meta qorbot is-solennità tat-twelid tal-Mulej, ir-raġel ta' Alla ried juri bix-xebħ, kif seta', l-umiltà li fiha twieled il-Feddej f'Betleħem u l-faqar tiegħu bħala tarbija. Lil wieħed raġel reliġjuż u nobbli, li kien jismu Giovanni, u li kien mill-kastell ta' Greccio, talbu biex iħejji l-baqra u l-ħmara flimkien mal-maxtura tal-presepju sabiex hu jiċċelebra bil-ferħ il-festa li kienet riesqa.

[436] 54 Wasal għaldaqstant il-lejl solenni, u hemmhekk inġabru l-imqaddes Franġisku, flimkien ma' bosta aħwa oħrajn miġburin miegħu. Wara li ħejjew il-maxtura, qiegħdu fiha t-tiben, daħħlu l-baqra u l-ħmara u qiegħduhom maġenb il-maxtura, u hekk b'ferħ kbir bdew jiċċelebraw dik il-vġili. Minn ħafna bnadi bdew ġejjin bosta nies, u dak il-lejl imtela b'ferħ mhux tas-soltu, u iddawwal bid-dija ta' ħafna xemgħa u fjakkli. Dak ir-rit ġdid kien iċċelebrat b'solennità hekk li qisu kien hemm Betleħem ġdida. L-aħwa wkoll kienu jinsġu t-tifħir xieraq lill-Mulej; u bosta minn dawk li kien hemm faħħru lil Alla b'kantiċi ġodda ta' ferħ. Maġenb il-maxtura kien hemm l-imqaddes Franġisku. Hu kien wieqaf, jitniehed bil-ferħ li kien ifur minn qalbu, u ħassu mimli bi ħlewwa li ma setax ifissirha. Fl-aħħarnett fuq dik il-maxtura ġiet iċċelebrata l-quddiesa solenni, u l-qaddis ta' Alla, liebes ta' djaknu u mżejjen bil-paramenti solenni, beda jħabbar b'leħen jidwi l-Evanġelju, u mbagħad beda jippriedka lill-poplu bi kliem ħelu daqs l-għasel dwar is-Sultan fqajjar li kien twieled f'Betleħem. Tant kien iħoss ħlewwa ta' tjieba lejn dan is-Sultan tarbija, li, meta kien ikollu jsemmi l-isem ta' Ġesù Kristu, kien jgħajjatlu "it-tfajjel ċkejken ta' Betleħem" minħabba l-ħlewwa ta' l-imħabba ta' l-għaġeb li biha kien isejjaħlu.

[437] 55 U biex ma mmorrux naħsbu li dan kollu seħħ mingħajr ispirazzjoni divina, wieħed raġel mimli virtù kellu dehra ta' l-għaġeb. Għax hu ra lill-imqaddes Franġisku jersaq lejn il-

maxtura, u hemmhekk iqajjem bħal minn nagħsa ħelwa lil tfajjel ċkejken li kien jidher mimdud qisu bla ħajja. Hu għaldaqstant emmen li mhux mingħajr mertu li l-Mulej Ġesù Kristu ried juri t-tfulija tiegħu b'dan il-mod mhux barra minn loku; għax billi fil-qlub ta' ħafna hu kien donnu raqad u miet, għax kienu nsewh għal kollox, hekk kien jidher li għat-tagħlim u l-eżempju ta' l-imqaddes Franġisku kien qisu reġa' ħa l-ħajja u reġa' daħal fil-moħħ u fil-qalb tal-bnedmin. Meta mbagħad intemmet dik is-solennità b'tant ferħ, kulħadd reġa' mar lura lejn daru. It-tiben li kien hemm fil-maxtura refgħuh u wara dak iż-żmien bih talbu li jitwarrab il-mard minn bosta irġiel u nisa, kif ukoll bosta bhejjem reġgħu ħadu lura saħħithom meta kielu minnu. Aktar tard, il-post tal-maxtura ġie ikkonsagrat *f'tempju lill-Mulej* (cfr. 1Slat 8,63), u inbena altar fuq il-maxtura, li ġie ikkonsagrat f'ġieħ it-tifkira tal-missier qaddis.

[438] 56 Tant kien jiddi l-imqaddes Franġisku, meta kien għadu ħaj fil-ġisem, li wara mewtu kienu bosta l-mirakli li wettaq u li minnhom nistgħu insemmu ħafna oħrajn. Għax, fost oħrajn, li ma jingħaddux, insemmu l-fejqan minn ħafna mard, il-ħelsien minn kull xorta ta' periklu, il-mod ta' l-għaġeb kif qajjem bosta mejtin. Minn dawn, għalkemm aħna ċerti wkoll li twettqu bosta oħrajn, nistgħu fil-preżent nitkellmu minn għadd, imma mhux sħiħ, ħlief għal ħdax-il każ li ltqajna magħhom minn bnedmin ta' min jemminhom. Għaldaqstant hu biżżejjed dak li għidna dwar il-mirakli li wettaq meta kien għadu ħaj, għax fil-kors qasir ta' ħajtu ikun tqil li wieħed joqgħod jirrakkonta l-bosta mirakli. Għax tassew li mill-mirakli, li aktar juru milli jagħmlu l-qdusija, liema fosthom sejrin nibqgħu insemmu, meta niftakru l-aktar fl-għemejjel ta' l-għaġeb tiegħu, li aħna ippruvajna nirrakkontaw fil-qosor kemm jista' jkun, u ħafna oħrajn kellna bil-fors nisktu dwarhom minħabba l-qosor tal-kitba tagħna? Naħseb li kienu mill-aktar ftit il-virtujiet, li fihom dan ir-raġel qaddis ma kienx iħarreġ b'ħafna nobbiltà l-ispirtu tiegħu, u li kieku kellna nsemmuhom juru minn barra b'mod aktar jiswa, il-mirakli tiegħu.

## Kapitlu XI

Dwar il-ħerqa tiegħu għat-talb u l-ġlidiet tiegħu max-xitan; dwar il-qawwa tal-predikazzjoni tiegħu; dwar kif fetaħ il-ktieb ta' l-Evanġelji u kellu d-dehra tas-Serafin imsallab, u dwar kif dehru f'ġismu l-istimmati ta' Kristu.

[439] 57 Il-glorjuż missier Franġisku, f'dak kollu li kien jaħseb u jagħmel, kien isib il-kenn tiegħu fit-talb bla jaqta'. Għax kif hu kellu ħerqa kbira biex jaħseb fis-salvazzjoni tal-proxxmu, hekk ukoll kien jaħdem biex, fuq kollox, ma jittraskurax il-kura tiegħu nnifsu f'dak kollu li kien iħossu jwasslu għall-perfezzjoni. Għaldaqstant kien ifittex postijiet imwarrbin, u hemmhekk kien joqgħod jimraħ fl-ispirtu fl-eremitaġġi. Filwaqt li hu kien jgħix fost il-bnedmin, kien iqatta' ljieli sħaħ maqtugħ waħdu fi knejjes imwarrbin. O kemm kellu jgħaddi minn biżgħat f'dawk il-postijiet, kull darba li x-xitan kien ikun irid iżommu marbut fit-tiġrib qarrieq tiegħu! Għax mhux talli l-ħażin kien ta' spiss idaħħallu f'moħħu ħsibijiet mill-agħar, imma kien jidhirlu taħt xbihat tal-biża' u jitqabad miegħu *driegħ ma' driegħ* (cfr. Eżek 21,14). Imma hu kien jibqa' sħiħ fil-fehma tiegħu, u jagħżel dawk il-postijiet biex fihom jishar fit-talb; hemmhekk kien l-ewwel jitgħallem għalih innifsu dak li mbagħad kien jgħallem lill-oħrajn. Kien jitgħallem mhux bħal dawk li huma kurjużi biex jagħmlu ta' birruħhom li jgħidu ħafna kliem sabiħ, għax fuq kull għarfien tal-bnedmin hu ried jixrob min-nixxiegħa l-aktar kotrana tat-tagħlim divin, sabiex mhux tant bil-kliem daqskemm bil-qawwa ta' l-Ispirtu kien jithejja biex jgħaddi dan it-tagħlim lill-proxxmu fiż-żmien it-tajjeb.

[440] 58 Għax kien jiġri li, meta kien ikollu jgħid xi ħaġa fil-predikazzjoni, malli kien jiġi quddiem in-nies kien jinsa dak kollu li kien ħaseb li jgħid qabel, u kien jispiċċa ma jafx x'jaqbad jgħid. Imbagħad kien jistqarr dan in-nuqqas tiegħu quddiem dawk li jkunu preżenti, u jibda jitkellem b'ħafna kliem li jqanqal u li kien ilissnu bla ebda tbatija. Għax hu kien qisu mdendel għal kollox biss fil-providenza divina tal-Mulej, ma kienx jafda fil-kapaċità tal-ħidma tiegħu, bl-istess qawwa tar-ruħ kien jitkellem quddiem ħafna nies u quddiem ftit, u bl-istess ħerqa kien jippriedka quddiem wieħed jew quddiem bosta. Il-kelma tiegħu kienet tolqot lil kulħadd l-istess, kemm lill-għorrief kif ukoll lil dawk bla skola, kemm lill-kbar kif ukoll liż-żgħar. Meta darba minnhom mar jippriedka quddiem il-kardinali li kienu inġabru quddiem il-Papa Onorju, dawn mhux talli ma bdewx jitbissmu minħabba s-sempliċità ta' kliemu, imma kienu x'aktarx jistagħġbu bil-ħerqa ta' l-ispirtu tiegħu u bdew jitniehdu u jesprimu l-indiema tagħhom.

[441] 59 Hekk ukoll dan il-bniedem mill-aktar qaddis, kien jaf jaqsam ħinu bejn il-ġid tiegħu u dak tal-proxxmu, għax wara li kien iħalli warajh il-folol ta' nies li kienu jiġu biex jisimgħuh, kien ifittex postijiet imwarrbin u jieħu miegħu ftit aħwa, li kienu jħarsuh fil-ħemda tiegħu minn kull indħil mhux floku tal-folol. Hu kellu ħerqa kbira biex jgħaddi ħin twil biss ma' Alla, li fih kien jipprova jnaddaf minnu nnifsu t-trab li forsi kien ikun weħel miegħu waqt il-ħin li fih kien ikun tkellem mal-bnedmin. Kull darba li kien jidħol bil-mod il-mod fil-ħemda tar-ruħ, kien iduq il-ħlewwa tal-frott tal-kontemplazzjoni, u kien jixtieq b'qalbu kollha li jinsa kollox, ħalli hekk ikun jista' joffri lill-Mulej sagrifiċċju aktar jogħoġbu. Hekk dan il-bniedem kien jistagħġeb kif fih innifsu jkun imtela bl-ogħla virtujiet, waqt li kien jemmen li kien għadu bil-ħniena beda jitlob. L-ogħla impenn tiegħu kien dejjem dak li jħares dejjem lejn il-ġid li għad irid jiġi, filwaqt li jqis bħal xejn dak li jkun għadda. Kien jixtieq bil-ħerqa kollha ta' qalbu li mill-ġdid iħoss fil-ġisem tiegħu it-tbatija, u jsofri fir-ruħ tiegħu, biex hekk b'mod aktar perfett titwettaq fih it-tjieba tar-rieda divina.

[442] 60 Kien ilu żmien twil jixxennaq ħafna b'din ix-xewqa, u jum minnhom resaq lejn l-altar ta' l-eremitaġġ li kien jinsab fih, u qiegħed fuqu bl-ikbar qima u biża' l-ktieb ta' l-Evanġelji. Imbagħad inxteħet bl-umiltà kollha jitlob quddiem l-altar, u b'kemm kellu devozzjoni *għajjat lill-Mulej*, sabiex malli jiftaħ il-ktieb għall-ewwel darba jogħoġbu fil-ħniena tiegħu jurih x'kienet ir-rieda tiegħu. Hekk *b'qalb niedma u sogħbiena* (cfr. S 50,19), *qam mit-talb* (cfr. Lq 22,45), arma ruħu bis-sinjal tas-salib, u filwaqt li ħa bil-qima l-ktieb minn fuq l-altar, fetħu. Mall-ewwel għajnejh waqgħu fuq ir-rakkont tal-passjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u hu beda jibża' li ma jmur dan ġara b'kumbinazzjoni. Għalhekk reġa' għalaq il-ktieb u reġa' fetħu mill-ġdid, u għamel hekk għal darba oħra. Kull darba beda jsib l-istess kliem jew ieħor jixbħu. Għal dan il-kavallier kuraġġuż ta' Kristu ma beżax. Dak li qabel kien jixtieq li jmut martri, issa kien lest li, imqabbad bin-nar tal-ħeġġa, ikun jista' jsofri kollox minħabba Kristu. U għal dan kollu beda jinfexx bil-ferħ ta' qalbu f'għanjiet ta' tifħir lill-Mulej, u wara ftit taż-żmien kien ukoll jistħoqqlu li jiġi rivelat lilu misteru kbir.

[443] 61 Sentejn qabel ir-raġel qaddis ma radd lura bil-ferħ l-ispirtu tiegħu lill-Mulej, meta kien qiegħed fl-eremitaġġ imsejjaħ La Verna, *ra waqt dehra* (cfr. Dan 8,2) *Serafin* li kien merfugħ fl-arja u li kellu *sitt ġwienaħ, b'idejh mifruxin u riġlejh magħqudin flimkien* (cfr. Is 6,2), u mwaħħal ma' salib. *Tnejn mill-ġwienaħ kienu jogħlew 'il fuq minn rasu, tnejn kienu mifruxin biex itiru*; filwaqt li *tnejn kienu jgħattu* ġismu kollu (cfr. Is 6,2). Ir-raġel qaddis baqa' miblugħ mhux ftit għal dik id-dehra, u fih innifsu beda jħoss daqqa l-biża u daqqa l-ferħ. Kien jogħxa meta jara l-bixra ta' sbuħija li ma titfissirx ta' dik id-dehra; imma kien jitnikket u jitkexkex meta kien jarah

imwaħħal ma' salib. Fl-istess ħin, iżda, kien jimtela bil-hena meta kien jara liema ħarsa ta' ħlewwa kien qiegħed jixħet fuqu. Filwaqt li l-ispirtu tiegħu tħawwad bil-ħerqa li jifhem x'kienet tfisser dik id-dehra ġdida, għax ma setax jifhem x'setgħet tkun, f'daqqa waħda fih innifsu beda jara jseħħ miraklu mill-aktar glorjuż: miraklu, nerġa' ngħid, li kulħadd naħseb li jaqbel miegħi, li qatt ma nstema' ieħor bħalu mill-bidu taż-żminijiet.

[444] 62 Għax tassew bdew jidhru f'idejh u f'riġlejh donnhom *is-sinjali ta' l-imsiemer* (cfr. Ġw 20,25), filwaqt li ġenbu deher donnu minfud b'lanza. Idejh fuq in-naħa ta' ġewwa u riġlejh fuq in-naħa tal-wiċċ kienu jidhru donnhom għandhom l-irjus ta' l-imsiemer fl-istess laħam imqabbeż 'il barra. Ukoll idejh fuq in-naħa ta' barra u l-qiegħ ta' riġlejh kellhom donnhom sinjali tawwalin, li kienu jixbħu l-ponot ta' l-imsiemer milwijin lura, li bl-istess mod kienu iffurmati mil-laħam imqabbeż 'il barra. F'ġenbu tal-lemin kienet tidher ferita fonda, li minnha ta' spiss kien inixxi demm qaddis li kien iċappas it-tonka u l-ħwejjeġ li kien ikollu taħtha. Hekk għaldaqstant deheru fil-bniedem ta' Alla dawn il-ġawhar, li hu kien jitħabat biex iħarishom bħala teżor mill-aktar prezzjuż. Dawn kienu s-sinjali tad-don speċjali li żejnu bih il-Mulej, u hu kien jara bir-reqqa li jżommhom moħbijin u jħarishom mill-ħarsa tal-bnedmin, li ma jmurx jitilfu minħabba xi okkażjoni li fiha jingħaraf imqar għal ftit dan id-don l-aktar minn dawk li kienu qrib tiegħu. Hekk li kważi qatt ma kien ikun irid jikxef dawn il-misteri li kienu jidhru tant glorjużi fih quddiem l-oħrajn, u saħansitra dawk li kienu ħafna qrib tiegħu għal ħafna żmien baqgħu ma jafux b'dan is-sigriet.

[445] 63 Hu għalhekk kien iqisha bħala ħaġa perikoluża li jidher f'għajnejn il-bnedmin, imma aktar ma kien jipprova jżomm moħbija dawn is-sinjali ta' tjieba, aktar kienu kbar is-sinjali ta' qdusitu quddiem l-oħrajn, hekk li fih innifsu kien ta' spiss itenni dawn il-kelmiet profetiċi: *Jiena naħbi f'qalbi l-għeġubijiet tiegħek, biex ma nidnibx quddiemek* (cfr. S 118,11). Lil dawk l-aħwa li kienu dejjem ikunu miegħu kien tahom dan is-sinjal, biex meta jiġu xi barranin biex itellfuh mill-ġabra tiegħu, hu kien ilissen dan il-vers, ħalli huma mbagħad jkunu jafu li hu ma riedx jitlef il-paċi tiegħu f'kelma li ġġiblu ħsara, u għalhekk kellhom bil-kortesija jitolbuhom biex jitilqu minn ħdejh. Imma l-ferita tal-kustat, sakemm hu kien għadu jgħix fil-ġisem, ir-raġel ta' Alla kien jaħbiha bl-akbar reqqa, hekk li fra Elia biss kellu x-xorti li jaraha b'kumbinazzjoni. Imma wkoll fra Rufino, li kien imur qribu biex jikkurah, meta darba minnhom kien jagħmillu xi messaġġi fuq sidru, b'kumbinazzjoni *żelqitlu idu u messu* (cfr. 1Ġw 1,1). Malli messu r-raġel qaddis għajjat bl-uġigħ u beda *jitlob lill-Mulej biex jaħfer* (cfr. Is 26,15) il-ħtija ta' dak ħuh.

Kapitlu XII
Dwar dak li sofra, għamel u qal qabel ma miet; dwar il-ħeġġa u s-sabar tiegħu; u dwar it-tluq tiegħu mid-dinja u l-funeral.

[446] 64 L-imqaddes Franġisku, meta kienu diġà għaddew tmintax-il sena mill-konverżjoni tiegħu, kien bil-ħniena jagħti mistrieħ lill-ġismu, imma kien idur mad-diversi nħawi tad-dinja jippriedka bil-ħerqa, filwaqt li ma kienx jieqaf milli jsawwat lilu nnifsu b'ħafna għamiet mhux tas-soltu u ġodda ta' dixxiplina tal-ġisem. Għalkemm fl-imgħoddi kien bata ħafna xorta ta' mard, matul l-aħħar sentejn li kienu għadhom fadlulu biex jgħix f'din il-ħajja, beda jsofri b'mard aktar gravi u kontinwu. Imma għalkemm jixraq li għall-ġisem naturali li jintemm ikun meħtieġ li jħoss li riesaq it-tmiem tiegħu, minkejja dan ma kienx jaqbel li, kemm jista', jnaqqas ftit l-ebusija tal-

liġi miegħu innifsu. Għaldaqstant dan ir-raġel ta' min iqimu kien ħakem lilu nnifsu għal kollox, hekk li l-ġisem u l-ispirtu kienu jaqblu flimkien f'armonija, hekk li kważi qatt ma kien iħoss stmerrija f'ġismu lejn dak li l-ispirtu tiegħu ikun irid. Hekk ir-raġel qaddis kien dejjem lest għal kull ħidma tajba, u f'din il-ħaġa tant kellu ħeġġa fir-ruħ, li ma riedx jieqaf milli jwassal is-salvazzjoni lill-proxxmu billi jmur jippriedka, u kien idur mal-*bliet u l-kastelli* (cfr. Lq 8,1) b'ġismu nofsu mejjet riekeb fuq ħmar.

[447] 65 L-aħwa li kienu jkunu miegħu kienu jippruvaw jikkonvinċuh u jitolbuh il-ħin kollu, biex iħallihom jeħduh għand it-tobba li setgħu jgħinuh biex itaffi t-tbatijiet tiegħu: għax tassew kienu qiegħdin jintebħu li, minn jum għall-ieħor, hu kien dejjem sejjer għall-agħar. Imma hu ma riedx jilqa' dak li l-aħwa kienu qiegħdin jitolbuh, donnu biex f'din il-ħaġa ma jieħux ħsieb ta' ġismu, għax hu kien aktar jixxennaq *li jintemm u jkun ma' Kristu* (cfr. Fil 1,23). Għax tassew *hu kien iġorr f'ġismu l-istimmati tal-Mulej Ġesù* (cfr. Gal 6,17), hekk li fih innifsu issa kien jidher b'mod aktar ċar li kien qiegħed *itemm dak li jonqos mit-tbatijiet tal-passjoni ta' Kristu* (cfr. Kol 1,24). U ma' dan kollu issa bdiet tiżdiedlu wkoll marda gravi ħafna f'għajnejh. Għalhekk fra Elia, li hu kien għażlu bħala omm u meta kien għadu ħaj riedu jkun ir-ragħaj tal-merħla tiegħu, irnexxielu jikkonvinċih biex jirraġuna, u jħalli lilu nnifsu joqgħod għall-kura, għax kien jibża' li minħabba t-traskuraġni tiegħu seta' jitlef għal kollox id-dawl ta' għajnejh. Għal dan ir-raġel qaddis bl-umiltà qagħad u obda qisu lejn missieru, għalkemm minħabba li l-marda kienet tferrxet sewwa, il-kura ta' bosta xorta li seta' jagħmel għal għajnejh kienet tidher li mhu se twassal għal ebda rimedju. Sadanittant ħaduh Rieti biex jikkura ruħu minn din il-marda. Dak iż-żmien kien qiegħed joqgħod hemm il-Papa Onorju III, u Franġisku ġie milqugħ bil-qima u bil-ġieħ mill-kurja Rumana. Fost in-nies li kienu jafuh sewwa kien hemm is-sinjur Ugolino, li dak iż-żmien kien isqof ta' Ostia, u li r-raġel qaddis kien talab lill-Papa Onorju biex jagħtihulu bħala missier u sid ta' l-aħwa kollha, hekk li hu flimkien ma' l-Ordni kollu tiegħu kien inxteħet taħt il-ħarsien tiegħu, u qagħad taħt l-ubbidjenza tiegħu, u kien hu wkoll li, misjuq minn spirtu profetiku, kien ħabbarlu bil-kliem li kellu jasal għall-ġieħ apostoliku, u b'ħafna modi kien urih dan minn qabel.

[448] 66 Kien għalhekk li l-kardinal Ugolino kien mimli ħeġġa ta' mħabba lejn dan ir-raġel qaddis. Hu kien jaqdi lil dan il-fqajjar ta' Ġesù Kristu bħalma l-qaddej jaqdi lil sidu. Hu nnifsu ta xhieda ta' dan meta ġie mgħolli għad-dinjità apostolika, għax meta kien isib ruħu f'ħafna tħassib tal-moħħ, kien jixħet l-isħab kollu li kien jinġema f'ruħu billi jara x'jaħseb u jgħid ir-raġel qaddis, u mall-ewwel kien joħroġ minn quddiemu mimli ħlewwa ta' paċi u ferħ. Hekk fid-drabi kollha li fihom kien jarah, kien jurih l-istess qima daqslikieku kien *appostlu ta' Kristu* (cfr. 1Kor 1,1). Hekk ukoll l-imqaddes Franġisku, billi hu kien wissieh biex jagħmel il-kura, ried jobdih bl-umiltà kollha f'kull ma kien jgħidlu. Għaldaqstant ikkurawlu għajnejh permezz ta' strumenti jikwu ma' rasu, billi taqqbulu l-vini, billi għamlulu ġbajjar u ungwenti, imma *xejn ma swielu* (cfr. S 88,23) biex jerġa' jieħu saħħtu; mhux biss, imma dawn il-mediċini komplew kabbrulu l-mard li kellu. Hu ġarrab it-tbatija kollha ta' ġismu b'kull sabar u radd il-ħajr; u filwaqt li l-membri ta' ġismu minn fuq s'isfel kienu kollha mġarrbin bl-uġiegħ, hu kien idawwar ir-rieda tiegħu kollha kemm hi lejn dik ta' Alla, u jimla lil ruħu bil-faraġ. U sabiex ikun jista' b'mod aktar ħieles jingħata għall-faraġ ta' l-ispirtu, erba' aħwa, *irġiel mimlija bil-virtù* (cfr. 1Mak 5,50) ġew maħturin biex jieħdu ħsiebu, sabiex ikunu maġenbu għal kull ħtieġa li jista' jkollu fil-ġisem, u wkoll biex iħarsuh fis-skiet ta' l-ispirtu.

[449] 67 Issa l-missier glorjuż, li kien temm fih b'mod sħiħ il-grazzja tal-virtù, kien iqis li jxejjen lilu nnifsu fil-jiem li kien għad fadallu f'din il-ħajja. Aktar ma kien iħossu ma jiflaħx aktar iwettaq xejn bil-ġisem tiegħu, aktar kien iħeġġeġ lilu nnifsu biex jasal għar-rebħa tal-ħajja ġdida u żgura. Kien jgħid: "L-aħwa, ejjew nibdew naqdu lill-Mulej". U kien itenni: "Ejjew nibdew u nimxu 'l quddiem, għax sa issa ftit imxejna 'l quddiem". Ried mill-ġdid jerġa' lura għas-sempliċità tal-bidu; ried li jiċħad lilu nnifsu billi mill-ġdid jaqdi l-lebbrużi, u ried li joqgħod f'postijiet imwarrbin 'il bogħod mill-ħafna kliem mal-bnedmin. Hu ried jeħles lilu nnifsu minn kull tħassib żejjed ta' tmexxija, għax kien iqis li tħassib bħal dan kien kawża ta' bosta perikli, l-aktar fi żminijietna, meta bosta jixtiequ bil-ħerqa li jkollhom il-ġieħ ta' prelati, meta jkun aktar meħtieġ għal ruħhom li jiġu mmexxijin milli li jmexxu lill-oħrajn. Meta darba *kien qiegħed jgħix* (cfr. Mt 25,5) qrib Siena, xi sitt xhur qabel ma miet, ġismu inħakem minn taqliba kbira, hekk li kien jidher li wasal qrib it-tmiem. Fra Elia mar jiġri ħdejh, għalkemm kien 'il bogħod, u malli wasal Franġisku ġie kemmxejn għall-aħjar u Elia ħadu miegħu f'Celle di Cortona. Hemmhekk qagħad għal ftit żmien, imma meta l-marda reġgħet ħraxet, talab li jeħduh Assisi. Malli wasal, il-belt kollha ferħet mhux ftit; kulħadd *beda jrodd ħajr* (cfr. Ef 5,20) u jfaħħar b'leħen wieħed lill-Mulej, għax kienu qegħdin jibżgħu li ma jmorrux jitilfu dak *it-teżor moħbi* (cfr. Tob 12,7).

[450] 68 Franġisku ittieħed fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, u hemmhekk wara ftit jiem ġismu beda jitlef is-saħħa għal kollox u tant beda jkun muġugħ fil-membri kollha tiegħu, li meta staqsewh jekk kienx aktar iebes il-martirju jew inkella tlitt ijiem ta' dik it-tbatija, hu weġibhom li, għalkemm kien jilqagħha bil-kalma minn idejn ir-rieda divina, dik it-tbatija kienet aktar iebsa minn kull martirju. Meta intebaħ li kien wasal għalih il-jum tal-ħajja ġdida, kif kien ġie rivelat lilu diġà sentejn qabel ma miet, *sejjaħ lejh* lill-aħwa *li ried hu* (cfr. Mk 3,13), u wieħed wieħed, skond kif *ġie mogħti lilu mill-għoli* (cfr. Ġw 19,11), berikhom. Billi ma setax jara minħabba d-dalma ta' għajnejh, bħalma kien għamel il-partrijarka Ġakobb, sallab dirgħajh, u *qiegħed idu l-leminija* (cfr. Ġen 48,14) fuq il-patri li kien jinsab fuq ix-xellug tiegħu. Meta staqsa min kien u fehem li kien fra Elia (li, kif għidna, kien ħatru biex imexxi lill-aħwa floku), wieġeb li hu hekk ried jagħmel. Hekk mela, qabel kulħadd, bierek lilu u mbagħad, fil-persuna tiegħu, bierek lill-aħwa kollha, u wara li talab it-tjieba għalihom ilkoll, ikkonfermahom fil-barka tiegħu b'ħafna modi. Meta temm il-barka tiegħu, żied dawn il-kelmiet: "Uliedi, ibqgħu ilkoll kemm intom sħaħ *fil-biża' tal-Mulej u żommu sħaħ fl-għaqda* (cfr. Tob 2,14) miegħu għal dejjem, għax riesaq lejkom it-tiġrib u fil-ġejjieni se jkollkom tgħaddu minn bosta tentazzjonijiet. Hienja dawk li *jżommu sħaħ sa l-aħħar* (cfr. Mt 10,22) fl-għemil it-tajjeb li bdew fih. Imbagħad talabhom biex, mingħajr dewmien, iġorruh lejn Santa Marija tal-Porziuncola, għax hu ried irodd ruħu lill-Mulej fl-istess post fejn, kif rajna diġà, kien għaraf għall-ewwel darba *t-triq tal-verità* (cfr. S 118,30). Hu kien ikkmanda lill-aħwa biex dak il-post iżommuh u jħarsuh bil-qima u bil-ġieħ kollu. Hemmhekk kien jinsisti li t-talb jistema' aktar mit-tjieba divina, u kien jgħid ukoll li dak il-post kienu ta' spiss iżuruh l-ispirti qaddisa.

[451] 69 Hekk f'dan il-post mixtieq hu straħ għal ftit ġranet, sakemm intebaħ li s-siegħa tal-mewt kienet qorbot. Sejjaħ, mela, lejh tnejn mill-aħwa, li talabhom ikantawlu bil-ħeġġa t-Tifħir tal-Mulej issa li kien wasal żmien it-tluq tiegħu mid-dinja. Hu wkoll, kif seta', infexx f'dan is-salm: *B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob* (S 141,2-8). Wieħed mill-aħwa li kienu maġenbu, u li kien imħasseb dwar dak li kien qed jiġri, qallu: "Missier twajjeb, ara uliedek se jibqgħu mingħajr missierhom! Nitolbok, ftakar f'dawn l-iltiema li se tħalli warajk, u aħfrilhom il-ħtijiet tagħhom kollha, kemm ta' dawk li jinsabu hawn kif ukoll ta' l-oħrajn li

mhumiex magħna, u farraġna lkoll bil-barka qaddisa tiegħek". Għal dawn il-kelmiet il-missier l-aktar twajjeb wieġeb: "Uliedi, ara jiena issa sejjer għand il-Mulej li qiegħed isejjaħli! Jiena naħfer l-offiżi u l-ħtijiet ta' l-aħwa tiegħi kollha, kemm dawk li mhumiex hawn kif ukoll dawk li huma preżenti, u kif nista', nassolvihom minnhom; u inti wkoll, ibni, nitolbok biex f'ismi tberikhom ilkoll". Wara dan ried li jaqrawlu l-Evanġelju skond San Ġwann f'dak il-post fejn jibda bil-kelmiet: *Sitt ijiem qabel il-festa ta' l-Għid* (cfr. Ġw 13,1). Imbagħad talabhom biex ilibbsuh iċ-ċilizzju u jroxxu fuqu l-irmied. U hekk, b'uliedu imdawwrin miegħu u jolfqu bil-biki, il-missier qaddis *raqad* hieni *fil-Mulej* (cfr. Atti 7,60).

[452] 70 Wieħed minn dawk li kienu hemm, li kien fost id-dixxipli l-aktar għeżież tiegħu, raġel ta' fama ta' qdusija mhux żgħira, u li ismu ma nsemmuhx għax hu qatt ma ried li titħabbar din il-glorja li kellu sakemm kien għadu ħaj, ra dik ir-ruħ glorjuża tinħall minn mal-ġisem donnha kewkba kbira li tarmi dija ta' l-għaġeb; ra wkoll lil ruħu *tiela' dritt 'il fuq lejn is-sema,* qisha *sħaba bajda* merfugħa *fuq ħafna ilmijiet* (cfr. S 28,3; Apk 14,14; Ġoż 8,20). Hekk, bla ebda dubju, dak li f'din il-ħajja kien jistmerr il-ħidma tal-ġisem ta' din l-art *li jfarrak f'idejh iż-żbul* (cfr. Dt 23,25; Mt 12,1), issa farfar *it-tiben*, u bħall-qamħ safi *fil-maħżen* (cfr. Mt 3,12) daħal għand is-Sultan għoli. Issa indifen għall-ħajja li tintemm, u ħareġ rebbieħ għall-ħajja ta' dejjem, ingħaqad mal-*ħobż tal-ħajja* (cfr. Ġw 6,41) u lill-folol bil-ġuħ li marru wara Kristu, *biex ma jmorrux iħosshom ħażin mat-triq* (cfr. Mt 15,32), xebbagħhom mill-imħażen tal-faqar. U kien jixraq li ruħu, taħt xbieha ta' kewkba, *tiela' fuq ħafna ilmijiet* (cfr. S 28,3) u merfugħa bħal *sħaba bajda* (cfr. Apk 14,14), dehret tiela' lejn is-sema; għax billi hu *intrefa' fil-għoli mill-ilma* (cfr. S 17,17) tal-pjaċiri tad-dinja, sebbaħ bid-dawl tal-mirakli, tal-ħajja u tat-tagħlim tiegħu, lil ħafna popli. Lil dawk li *fit-triq wiesgħa tat-telfien* kienu *għaddejjin mitlufin* donnhom għomja, hu uriehom il-mixja li twassal għall-glorja. Fil-bidu kienu *ftit* dawk li riedu jgħaddu minn din it-triq dejqa u kienu jibżgħu jimxu 'l quddiem, imma mbagħad din twessgħet biex il-folol jgħaddu minnha, u saret *it-triq li twassal għall-ħajja* (cfr. Mt 7,13.14). Għalhekk u jsaltan għani fis-sema minħabba l-faqar tiegħu fl-abbundanza li tgħaddi. Nerġa' ngħid, isaltan dak li jmilu quddiemu s-slaten ta' din id-dinja, għax hu jagħni bil-faqar tal-ħwejjeġ li jgħaddu.

[453] 71 *In-nies inġabru bi ħġarhom u ġew* (cfr. Atti 21,30) mill-belt ta' Assisi, kollha kemm huma *jfaħħru lil Alla* (cfr. Lq 2,13) bil-hena, għax għoġbu jħalli f'idejhom teżor hekk kbir. Il-biki ta' wliedu għat-telfa ta' missier hekk kbir ma kienx ftit, imma dan wara ftit taż-żmien inbidel f'biki ta' ferħ. Għaliex huma bdew jaraw dak li Alla *reġa' għamel mill-ġdid fuq wiċċ l-art* (cfr. Ġer 31,22). Għax tassew huma bdew jaraw miraklu li kien jixraqlu mhux il-biki imma t-tifħir, jiġifieri, il-ġisem imqaddes ta' Franġisku imżejjen bl-istimmati ta' Kristu. Huma kienu jħarsu lejn il-membri ta' ġismu, li qabel kienu iebsin, imma issa li saru tant rotob hekk li kont tista' tilwihom mingħajr tbatija. Laħmu, li qabel kien iebes u sfajjar bħal dak ta' bniedem mejjet, issa reġa' tlibbes bl-irtubija ta' ġisem ta' tifel ċkejken, u kellu bjuda ta' l-għaġeb, tant li kien qisu qiegħed iħabbar minn qabel il-glorifikazzjoni tal-ġisem minħabba l-kobor ta' sbuħitu. F'ġismu kienu jidhru glorjużi x-xbihat *tal-marki ta' l-imsiemer* (cfr. Ġw 20,25). Kienu jidhru l-marki sewdiena ta' l-imsiemer iffurmati mill-istess laħam f'nofs riġlejh u idejh, filwaqt li l-kustat kien iħammar bid-demm. Uliedu bdew jibku bil-*ferħ tal-qalb* (cfr. Lam 5,15), u kienu jbusu is-sinjali tas-Sultan għoli fil-ġisem ta' missierhom.

[454] 72 Dak il-lejl, li fih il-qaddis miet, għaddewh fit-tifħir divin flimkien mal-folol kbar ta' nies li ġew bid-dwal f'idejhom biex idawwlu dak il-post qaddis. *L-għada filgħodu* (cfr. Ġw

21,4), flimkien man-nies kollha li kienu inġabru bi ħġarhom minn diversi nħawi, niżlu wkoll in-nies kollha tal-belt ta' Assisi. Refgħu l-ġisem qaddis tiegħu u bl-innijiet u t-tifħir u d-daqq tat-trombi ġarrewh bil-ġieħ kollu, u għamlu l-funeral solenni tiegħu, billi telgħu lejn il-belt ixejjru f'idejhom *il-friegħi tas-siġar* (cfr. Ġw 12,13; Mt 21,8). Uliedu l-patrijiet ġarrew lill-missier qaddis fil-knisja ta' San Damiano, li qabel, kif rajna, kien sewwieha hu nnifsu. Hemmhekk waqfu għal ftit tal-ħin, sakemm uliedu nisa, li hemmhekk kien ħawwilhom, bħala l-*Povere Dame* u l-verġni qaddisin, setgħu jaraw il-ġisem tiegħu. U hekk hu li l-omm twajba tagħhom, jiġifieri dik li kienet l-ewwel xitla f'din ir-reliġjon, u li kien jisimha Klara, malli rat il-ġisem tal-missier l-aktar maħbub flimkien ma' wliedha, bdiet titnikket bil-bosta *u tolfoq u tibki fuq ġismu* (cfr. Żak 12,10), l-aktar għaliex issa ittieħed minn fosthom dak il-faraġ u l-kenn li ma setgħux isibu ieħor bħalu. U l-oħrajn ukoll kien jibku sakemm setgħu fil-mistħija verġinali tagħhom. Imbagħad waħda wara l-oħra bdew ibusu idejh imżejjnin b'dawk il-ġawhar mill-aktar prezzjużi. Hekk, meta wasal il-ħin, ħarġuh minn quddiemhom u huma sellmulu għall-aħħar darba b'niket mill-akbar. Imbagħad il-ġisem mill-aktar qaddis ittieħed fil-belt u fl-istess post li fih, meta Franġisku kien għadu tifel, kien tgħallem jaqra u jikteb, u fejn ukoll kien ippriedka għall-ewwel darba, ġie midfun, sabiex b'mod xieraq dak li beda b'tant ferħ u tkompla b'ferħ ikbar, issa jitwassal għat-tmiem bl-ogħla ferħ, biex tidher fil-milja tagħha f'dak il-post il-glorja tal-missier qaddis.

## Kapitlu XIII
Dwar kemm snin għex wara l-konverżjoni tiegħu, dwar il-jum li fih miet, u dwar min kien Papa fis-Sede ta' Ruma; dwar il-mod u ż-żmien tal-kanonizzazzjoni u t-translazzjoni tiegħu.

[455] 73 Kienu għaddew għoxrin sena minn mindu l-glorjuż konfessur ta' Kristu, id-djaknu Franġisku kien ħaddan bis-sħiħ il-kunsilli tal-perfezzjoni evanġelika u *beda jiġri fit-triq tal-kmandamenti* (cfr. S 118,32) tal-liġi divina b'riġlejh jimxu mingħajr tfixkil. Hekk il-missier meqjum għadda min-nawfraġju ta' din id-dinja fis-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej elf mitejn u sitta u għoxrin, u nhar l-4 ta' Ottubru, li kien il-Ħadd, ġie midfun, kif għidna, fil-belt ta' Assisi. Dan ir-raġel qaddis kien ta bidu għall-*ġirja* tiegħu taħt il-wisq miqjum is-sinjur Papa Innoċenz III, u kien *temmha* (cfr. 2Tim 4,7) bil-ferħ taħt is-suċċessur tiegħu, il-Papa Onorju III. Filwaqt li l-ewwel wieħed, kif għidna aktar 'il fuq, kien ħa ħsieb f'kollox tar-raġel ta' Alla, u kien approva l-bidu ta' l-Ordni tiegħu, hekk it-tieni wieħed kien ħa ħsieb biex bit-tjieba jikkonferma r-Regola ta' dan il-qaddis. Warajhom, għall-ġid ta' bosta, sar Papa is-sinjur Girgor, li meta kien għadu mqiegħed f'uffiċċju inqas għoli kien ħares *il-mixtla ġdida* (cfr. S 143,12) ta' l-istess reliġjon ta' Franġisku mit-taħbit mhux f'loku li kienet issofri, sakemm mantnieha u ferrxet l-għeruq, u bħal ġennien mill-aktar fidil, meta sema' kemm Alla kien qiegħed inissil frott mill-istess missier l-aktar qaddis, mhux biss minħabba l-fama ippruvata tal-mirakli tiegħu, imma wkoll, għax hu personalment kien jaf mill-qrib il-ħajja mirakoluża tiegħu, għalhekk iddeċieda li jkabbru fil-glorja fuq din l-art, issa li kien ċert li hu kien diġà ġie igglorifikat fis-sema.

[456] 74 Hekk fis-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej elf mitejn u tmienja u għoxrin, wara li flimkien mal-kardinali u ma' bosta prelati oħrajn tal-Knisja kien tkellem dwar il-kanonizzazzjoni ta' dan il-qaddis, flimkien mal-kurja kollha Rumana u mal-prelati kollha li kienu joqgħodu fil-kurja, kif ukoll ma' prinċpijiet ta' din l-art u ħlejjaq li ma tgħoddhomx ta' nies, hu personalment mill-belt ta' Perugia ġie fuq il-qabar ta' Franġisku. Hemmhekk tah glorja bil-misteru tal-quddiesa, bit-tħeġġiġ fil-predikazzjoni, bir-rakkonti tal-mirakli, bis-sbuħija tal-paramenti sagri, bil-kotra ta'

dwal jiddu, bid-daqq ferrieħi tal-qniepen, bid-damdim tat-trombi, bil-ferħ u l-armonija tal-kant, biċ-ċapċip u l-għajat ta' ferħ, kif ukoll, b'kull xorta oħra ta' solennità li jkun diffiċli li noqogħdu nirrakkontawha fit-tul, niżżel ismu fil-katalgu tal-Qaddisin, u ikkmanda u bagħat jgħid permezz ta' digrieti uffiċjali li l-festa tiegħu tiġi iċċelebrata mill-Knisja universali nhar jum il-mewt tiegħu, 4 ta' Ottubru. Hekk ġiet iċċelebrata l-kanonizzazzjoni solenni ta' San Franġisk fil-jum tal-Ħadd, li kien is-sbatax-il jum tal-*kalendae* ta' Awissu[213].

[457] 75 Fis-sena tal-Mulej elf mitejn u tletin, folol kbar ta' patrijiet assistew għat-translazzjoni tal-fdalijiet ta' l-istess missier qaddis, fl-istess żmien li fih kienu qegħdin jiċċelebraw il-Kapitlu ġenerali fl-istess belt ta' Assisi, li għalih kienu inġabru minn diversi nħawi. L-istess missier l-aktar speċjali li semmejnieh, is-sinjur Papa Girgor, li kien qiegħed jittama bis-sħiħ li jkun preżenti personalment għal din is-solennità, billi dak iż-żmien kien mehdi f'ħafna tħassib dwar ħwejjeġ urġenti li jirrigwardaw il-Knisja, permezz ta' ittra apostolika mibgħuta min-nunzji tiegħu, mhux biss iddikjara l-ħtieġa li minħabba fiha ma setax ikun preżenti, imma wkoll farraġ bħala missier lil uliedu, u wera kif l-imqaddes Franġisku, għalkemm mejjet, kien ċertament imqajjem biex jgħix għal dejjem. Permezz ta' l-istess nunzji hu bagħat salib tad-deheb, kollu ingastat b'ġawhar prezzjużi, imma li fosthom bħala l-aktar ġawhra prezzjuża kien hemm magħluqa r-relikwa ta' l-injam tas-Salib tal-Mulej. Bagħat ukoll bosta affarijiet u vażi sagri li jintużaw għat-tiżjin u l-ministeru ta' l-altar, kif ukoll paramenti mill-isbaħ biex jintużaw għall-festi solenni. Fl-istess okkażjoni, bl-awtorità tiegħu, hu ħatar il-bażilika l-aktar prezzjuża ta' San Franġisk, li kien qiegħed l-ewwel ġebla tal-pedamenti tagħha personalment, biex tkun eżenti minn kull ġurisdizzjoni li hi inqas minn tiegħu; kif ukoll żejjinha b'ħafna doni li hu bagħat għall-bini tagħha u għaċ-ċelebrazzjoni ta' dik is-solennità.

[458] 76 Hekk il-ġisem l-aktar qaddis ġie translat f'din il-knisja ġdida li inbniet barra mill-belt ta' Assisi, imma qrib il-ħitan tagħha, nhar ta' Sibt, it-tmien jum tal-*kalendae* ta' Ġunju[214], b'tant thejjijiet u ċelebrazzjonijiet solenni, li wieħed ma jistax jiddeskrivihom fi ftit kliem. Għal din il-festa tat-translazzjoni inġabru ħlejjaq ta' nies, hekk li l-belt lanqas felħet tesagħhom kollha,

---

[213] 16 ta' Lulju 1228.

[214] Il-jum tat-translazzjoni tar-relikwi ta' San Franġisk mill-knisja ta' San Giorgio għall-bażilika l-ġdida li nbniet fuq il-*colle inferiore*, barra l-ħitan ta' Assisi, kien dak tal-25 ta' Mejju 1230. Nhar it-30 ta' Marzu 1228, fra Elia Bombarone kif irċieva mingħand Simone Pucciarelli, f'isem il-Papa Girgor IX, biċċa art biex fih tinbena knisja għall-ġieħ tal-ġisem ta' l-imqaddes Franġisku. Kien il-Papa Girgor IX li, fil-Bulla *Recolentes qualiter* tat-30 ta' April 1228, kien ikkmanda li tinbena *specialis ecclesia* (knisja speċjali) li tkun "immedjatament suġġetta għall-Papa", biex tilqa' fiha l-fdalijiet ta' Franġisku, li l-Papa iddikjarah qaddis fis-16 ta' Lulju 1228. Kien l-istess fra Elia li ħażżeż l-istrutturi essenzjali ta' din il-knisja, li kellha tikkonsisti fi kripta (chiesa inferiore) u fi knisja monastika (chiesa superiore). Fiċ-ċentru tal-*crociera* tal-kripta, immedjatament taħt l-altar ċentrali, kellu jindifen il-qaddis f'qabar imħaffer fil-blat u miksi kollu kemm hu bit-travertino. F'Mejju 1230 ġie iċċelebrat għall-ewwel darba fil-kunvent il-ġdid (Sacro Convento) il-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni. Kien fl-okkażjoni tal-Kapitlu li saret iċ-ċerimonja solenni tat-translazzjoni tal-fdalijiet ta' San Franġisk. Għandna xhieda tagħha fit-*Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam* ta' Thomas of Eccleston, 4, kif ukoll fil-Bulla *Speravimus hactenus* li l-Papa Girgor IX kien kiteb fis-16 ta' Ġunju 1230, dwar il-konfużjoni li kienet inqalgħet waqt il-purċissjoni tat-translazzjoni. Milli jidher fra Elia, billi beża' li jinsterqu r-relikwi tal-qaddis, malli dan iddaħħal fil-bażilika (chiesa inferiore), ikkmanda li jingħalaq il-bieb, u hu personalment flimkien ma' ftit oħrajn difen il-qaddis, u mbagħad reġgħu fetħu l-bażilika biex il-folol jidħlu jitolbu fuq il-qabar. Dan il-ġest prudenti imma politiku ta' Elia ġibed il-korla tal-patrijiet u n-nies preżenti, li ħassew li ma ingħatawx okkażjoni biex jaraw il-fdalijiet ta' San Franġisk, hekk li l-Papa Girgor IX kellu jintervjeni u jċanfar lil Elia bil-Bulla *Speravimus hactenus*. Kien ukoll fil-Kapitlu ta' l-1230 li l-patrijiet iddeċidew li jitolbu lill-Papa Girgor IX kummentarju uffiċjali dwar ir-*Regola Bullata*, li hu kitbu fil-Bulla *Quo elongati*. Għal aktar informazzjoni cfr. P. Magro, "Tomba di San Francesco", in *Dizionario Francescano*, 1847-1867.

u kienu donnhom merħliet li kienu miġburin gzuz gzuz fl-għelieqi ta' madwar. Hekk mela, kif dan il-qaddis glorjuż kien dawwal bosta bl-għeġubijiet tal-mirakli li kien għamel f'ħajtu, hekk minn jum it-transitu tiegħu sallum, kulħadd ifittex il-kenn tiegħu, mhux biss fil-post fejn l-għadam l-aktar prezzjuż tiegħu huma moħbijin bħal teżor, imma wkoll f'kull parti tad-dinja, li fiha jiġi msejjaħ ismu bil-qima u l-fedeltà, il-Knisja mqaddsa għadha tifraħ u tiddi bil-mirakli li ma jingħaddux. Għax il-għomja u t-torox, l-imbikkmin u l-mifluġin, l-idropiċi u l-paralitiċi, l-indemonjati u l-lebbrużi, in-nawfraġi u l-ħabsin, u kull min isofri minn kull xorta ta' mard, imorru jittallbu mingħandu l-fejqan mill-hemm tagħhom. U huma ħafna dawk il-mejtin li reġgħu lura għall-ħajja b'mod ta' l-għaġeb. Dan kollu qiegħed jitwettaq biss mill-kobor ta' l-għaġeb tal-*qawwa ta' l-Aktar Għoli* (cfr. Lq 1,35), li lilu biss jingħata *ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen* (cfr. 1Tim 1,17; Rum 16,27).

# SACRUM COMMERCIUM SANCTI FRANCISCI CUM DOMINA PAUPERTATE

## INTRODUZZJONI

Is-*Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate* (SC) hi allegorija mill-isbaħ u opra ta' preġju kbir letterarju fost il-*Fontes* Franġiskani u fl-istorja ta' l-Ordni minoritiku. Raoul Manselli sejjaħ is-SC "waħda mill-opri l-aktar singulari tal-letteratura Franġiskana tal-bidu" (R. Manselli, "Evangelismo e povertà", *Povertà e ricchezza nella spiritualità dei secoli XI e XII*. Atti dell'VIII Convegno del Centro di studi sulla spiritualità medievale, Todi 1969, 11).

Fl-1894, l-istudjuż ta' Dante Alighieri, Eduardo Alvisi, ippubblika s-SC taħt l-isem *Nota al canto XI (versi 43-75) del "Paradiso" di Dante Alighieri*. Il-canto XI ta' din l-opra letterarja monumentali jitkellem, fil-fatt, dwar San Franġisk. Hemm xebħ kbir fix-xbihat li nsibu fis-SC mad-*Divina Commedia*, l-aktar fix-xebħ bejn *Madonna Povertà* u Beatrice, li takkumpanja lil Dante fil-*Paradiso*. Alvisi kien tal-fehma li s-SC hu opra ta' Giovanni da Parma, Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri (1247-1257). Fl-1899 Eduard d'Alençon ippubblikah mill-ġdid, fuq il-bażi tal-manuskritt 3560 tal-Biblioteca Casanatense ta' Ruma, li fih kien hemm id-data 1227. Din is-sena kienet timmarka l-ġeneralat ta' Giovanni Parenti (1227-1232), u għalhekk dan l-istudjuż jgħid li dan il-Ministru hu l-awtur tas-SC. L-iskop tas-SC, skond hu, kien li jħeġġeġ lill-patrijiet biex jibqgħu sħaħ fil-vokazzjoni tagħhom lejn il-faqar evanġeliku u jevitaw il-kriżi li fiha kienu waqgħu l-Ordnijiet monastiċi, li kienu saru għonja.

Paul Sabatier ippubblika s-SC fl-1904, u qabel ma' Eduard d'Alençon rigward id-data, ukoll għax din kienet tkompli tipprova dak li hu kien isostni, jiġifieri li kitbiet bħal *Speculum Perfectionis*, kienu ħidma ta' fra Leone, u saru fl-1227, sena wara li miet San Franġisk. B'dan il-mod kellhom jingħataw l-akbar importanza fl-istudju tal-*Fontes*. Fi qbil mat-teżi tiegħu, li tidher l-aktar fil-bijografija famuża *Vie de Saint François d'Assise*, Sabatier sostna li s-SC kien kitba oħra li tiddefendi l-intenzjonijiet ġenwini ta' San Franġisk u ta' l-ewwel aħwa mill-interpretazzjoni aktar laxka tar-Regola li l-Ordni beda jħaddan wara l-mewt tal-qaddis.

Fl-1929 l-istudjużi Franġiskani tal-Kulleġġ ta' Quaracchi ippubblikaw edizzjoni kritika tas-SC, minn bosta manuskritti, l-aktar minn dawk tal-Biblioteca storico-francescana di Chiesa Nuova, f'Assisi, u tal-Bibliothèque Nationale ta' Pariġi. Huma indikaw f'nota fi tmiem l-edizzjoni kritika d-data ta' kompożizzjoni tas-SC skond dawn il-manuskritti: *actum mense iulii post obitum beati Francisci anno 1227* ("mitmum fix-xahar ta' Lulju wara l-mewt ta' l-imqaddes Franġisku fis-sena 1227"). Fl-1964 Auspicius Van Corstanje għamel studju tat-tipoloġija fis-SC, jiġifieri, dwar is-simboliżmu ta' din l-opra bħala allegorija tejoloġika, li trid titkellem mill-patt ta' mħabba bejn San Franġisk u l-idejal tal-faqar personifikat f'*Madonna Povertà*.

L-istudjuż Franġiskan Kajetan Esser għamel riċerka profonda dwar is-SC fl-1964-1966. Hu wkoll hu tal-fehma li d-data li fiha inkitbet l-allegorija hi l-1227, għalkemm ma nistgħux inkunu żguri dwar min hu l-awtur tagħha. Esser iqiegħed is-SC f'relazzjoni ma' dawk il-*Fontes* li inkitbu qabel l-1230, id-data tal-bulla *Quo elongati,* li biha l-Papa Girgor IX ta lill-Ordni l-ewwel interpretazzjoni uffiċjali tar-Regola. Esser ukoll jara fis-SC l-ideja ta' patt ta' mħabba, u jissuġġerixxi li t-titlu "Għerusija mistika" li bih ġie li ġiet tradotta l-allegorija, għandu jinbidel f'dak ta' "Patt qaddis", bejn Franġisku u *Madonna Povertà*.

Théophile Desbonnets, fl-1968, għamel analiżi tas-SC, fl-introduzzjoni għall-edizzjoni franċiża tal-*Fontes*. Hu ma jaqblix li l-SC għandu data jew awtur, u jissuġġerixxi sempliċement li din l-allegorija ġejja mill-pinna ta' patri anonimu li jikteb fit-tieni nofs tas-seklu XIII. Fil-fatt, diversi manuskritti jsemmu persunaġġi differenti bħala awturi tas-SC. Barra mill-ismijiet li diġà rajna niltaqgħu ukoll ma' Sant'Antnin ta' Padova (+1231) u l-Ministru Ġeneral Crescenzio da Iesi (1241-1247).

Studjużi bħal Kajetan Esser u Giovanni Miccoli ("La proposta cristiana di Francesco d'Assisi", *Studi Medievali*, ser. 3, 24 [1983] 17-73) isostnu li hemm rabta kbira bejn is-SC u ċerti kitbiet ta' San Franġisk, bħalma hu t-*Testment,* rigward il-problema tal-faqar. Miccoli jgħid li t-*Testment* "jibqa' effettivament id-dokument bażi, li qatt ma għandna naħsbu li nafuh biżżejjed, u li minnu rridu nitilqu biex nistudjaw u nifhmu l-karatteristiċi u l-motivazzjonijiet li bihom Franġisku kien jaħseb b'mod soġġettiv u jgħix l-esperjenza proprja reliġjuża ta' konverżjoni u ħajja". Fit-*Testment* ma nsibux riferimenti espliċiti għall-faqar b'mod astratt, imma nsibu stampi ċari tal-faqar kif kien jgħixu Franġisku flimkien ma' l-ewwel aħwa: il-qadi tal-lebbrużi, l-għotja tal-ġid lill-foqra skond il-preċett evanġeliku, ix-xogħol ta' l-id li bih l-aħwa kienu jaqsmu ħajjithom mal-foqra, iċ-ċirka għall-karità. Fit-*Testment* ma għandniex trattat astratt dwar il-faqar bħala virtù, daqskemm ritratt tal-ħajja ta' raġel fqir qalb nies foqra.

Hawn jeħtieġ nagħtu spjegazzjoni qasira tat-titlu tas-SC u tat-traduzzjoni tiegħu li għażilna għall-edizzjoni maltija. Għażilna li nħallu l-isem oriġinali *Sacrum commercium* (SC), li ma jistax jiġi tradott b'mod soddisfaċenti fil-Malti. Il-kelma latina *commercium* tingħata dawn it-tifsiriet: (1) kummerċ, bejgħ u xiri; (2) fakultà jew dritt legali li tixtri jew tbiegħ; (3) suq; (4) merkanzija; (5) provvisti ta' ikel; (6) prezz, valur, qliegħ; (7) relazzjoni, drawwa, prattika, unjoni, qsim flimkien; (8) mixja, triq; (9) fakultà, użu; (10) relazzjoni ta' mħabba; (11) okkupazzjoni, attività, uffiċċju (cfr. Luigi Castiglioni – Scevola Mariotti, *Vocabolario della Lingua Latina*, Nuova edizione con appendice antiquaria, Loescher Editore, Milano 1994, 176). Minn dawn id-diversi tifsiriet jidher li n-nom *commercium* f'din l-allegorija jirreferi għan-numri 7 u 10. Jindika kemm relazzjoni, unjoni, qsim flimkien, kif ukoll relazzjoni ta' mħabba *cortese* bejn San Franġisk u *Madonna Povertà*. L-aġġettiv *sacrum* (qaddisa) juri li din ir-relazzjoni m'għandhiex x'taqsam ma' xi kummerċ ta' ħwejjeġ materjali, imma ma' relazzjoni qaddisa, spiritwali. Il-*Fonti Francescane* fl-edizzjoni taljana ittraduċewha bħala *alleanza*, u l-edizzjoni ingliża tal-*Franciscan Sources* tuża t-titlu *Sacred Exchange*. Forsi bil-Malti wieħed jista' juża l-espressjoni *relazzjoni qaddisa ta' mħabba*, imma ċertament ma jasalx biex jesprimi r-rikkezza ta' tifsir tal-Latin. L-istess ngħidu għall-isem tal-faqar, jiġifieri *Madonna Povertà*, li, kif rajna bnadi oħrajn, ma nistgħux nittraduċuh fil-Malti bil-kliem *Sinjur Faqar*, għax itellef għal kollox is-sens profond ta' mħabba *cortese* u kavallereska bejn Franġisku u d-*dama* tiegħu. Il-kelma *faqar* bil-Malti hi maskili, mhux femminili! Għalhekk inħallu l-isem klassiku u oriġinali ta' *Madonna Povertà*.

Il-ġeneru letterarju tas-SC hu dak ta' allegorija, jew tixbiha. L-opra tinbena kollha kemm hi fuq is-simboloġija, li wieħed irid jara fiha l-karattru tejoloġiku tal-messaġġ. Fil-prologu tas-SC Franġisku jmur ifittex lil *Domina Paupertate* (*Madonna Povertà*), "għaliex lilha l-Mulej ħallielha f'idejha *l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet*" (cfr. Mt 16,19). Hekk il-*Povertà* tiġi ippreżentata bħala virtù. L-allegorija tinbena essenzjalment fuq djalogu bejn San Franġisk u *Madonna Povertà*. Din tiġi ippreżentata bħala ogħla waħda fost il-virtujiet, għaliex lilha ried iħaddan Kristu meta għoġbu jsir bniedem. *Madonna Povertà* hija l-*fidelissima sponsa, amatrix dulcissima* ("l-għarusa l-aktar fidila, il-maħbuba l-aktar ħelwa) ta' Kristu (SC 6). Hi r-"reġina tal-virtujiet".

Fil-qosor l-istorja li nsibu fis-SC għandha x'taqsam ma' vjaġġ li Franġisku u l-aħwa jagħmlu biex ifittxu lil *Madonna Povertà*, li kulħadd kien insiha. Fuq parir ta' żewġt irġiel misjurin bil-għomor imorru fuq il-muntanja għolja li kienet toqgħod fuqha, imma wara li jarmu kull toqol, ħalli jitilgħu ħfief. Hemmhekk tilqagħhom *Madonna Povertà*, u wara li tisma' t-tislima tagħhom tibda rakkont twil tar-rwol tagħha fl-istorja tas-salvazzjoni. Issemmi s-sbuħija u s-safa tal-bniedem fil-ġenna ta' l-art u l-kruha tad-dnub oriġinali, li kien dnub kontra l-faqar (Adam intebaħ li kien għeri u mar jinsatar). Hekk hi tisfa' eżiljata tul iż-żmien kollu tat-Testment il-qadim, sakemm bil-miġja ta' Kristu *Madonna Povertà* terġa' ssib l-għarus u d-dinjità li kienet tilfet. Imbagħad tkompli turi r-rwol tagħha fl-istorja tal-Knisja, mill-idejal sublimi ta' l-ewwel komunità apostolika ta' Ġerusalem (cfr. Atti 2,44-45), u ta' l-era tal-martri waqt il-persekuzzjoni, għall-paċi ta' Kostantinu, li fiha l-Knisja saret qawwa politika, u tbiegħdet mill-fedeltà lejn Kristu fqir. Perjodu sabiħ kien ukoll it-twelid ta' l-Ordnijiet monastiċi, imma dawn ukoll tilfu l-ħeġġa tal-bidu, u *Madonna Povertà* sfat waħedha, fuq il-muntanja, minsija minn kulħadd. Hawn tidħol il-proposta kristjana ta' Franġisku u l-aħwa tiegħu, li *Madonna Povertà*, imfarrġa bil-kelmiet ta' Kristu, tqishom bħala l-ħbieb ġodda tagħha. Wara kliem mimli tifħir lejn l-għarusa tiegħu, Franġisku jistedinha tinżel miegħu u ma' l-aħwa biex jieklu flimkien. Wara ikla mill-aktar fqira, u nagħsa ħelwa, *Madonna Povertà* titlob lill-aħwa biex juruha l-kjostru u l-istrutturi l-oħrajn konventwali li kienu jgħixu fihom. Huma jeħduha fuq il-quċċata ta' għolja u jifirxu idejhom lejn id-dinja, filwaqt li jgħidulha: *Hoc est claustrum nostrum, domina* ("Sinjura, dan hu l-kjostru tagħna"; SC 30). L-allegorija tagħlaq bi kliem ta' tħeġġiġ li *Madonna Povertà* tgħid lill-aħwa, ħalli jżommu sħaħ fil-fedeltà tagħhom lejn il-proġett ta' ħajja evanġelika li ħaddnu (SC 31).

L-istudjużi tal-*Fontes* Franġiskani illum jaħsbu li jistgħu jidentifikaw l-ambjent li fih twieled is-SC bħala opra letterarja. X'aktarx li l-ambjent li fih inkiteb kien dak tat-tensjoni qawwija li kien hemm fl-università ta' Pariġi bejn iż-żewġ Ordnijiet mendikanti (Predikaturi u Minuri) u l-kleru sekulari, rigward l-interpretazzjoni tal-faqar. Il-kontroversja kellha bħala protagonisti, min-naħa tal-kleru, jew tal-*magistri saeculares* ta' l-università, lil William ta' Saint-Amour, li qiegħed f'dubji serji l-validità tal-ħajja tal-mendikanti, u min-naħa taż-żewġ Ordnijiet mendikanti lil San Tumas d'Aquino (għad-Dumnikani) u lil San Bonaventura (għall-Franġiskani). Fis-sena 1255 Bonaventura kiteb il-*Quaestiones de perfectione evangelica,* li fihom jiddefendi l-istil ta' ħajja fqira tal-mendikanti bħala wieħed li ġej direttament minn Kristu u l-appostli. Fost affarijiet oħrajn isostni: *nam homo nudus formatus est...et ideo haec est rectissima via* ("issa l-bniedem ġie maħluq għeri…u għaldaqstant din it-triq [tal-mendikanti foqra] hi mill-aktar tajba"). Ma hemmx dubju li dawn il-kelmiet jixbħu dak li nsibu fl-allegorija tagħna, u li s-SC setgħet twieldet f'dan l-ambjent li fih id-Dumnikani u l-Franġiskani kienu qed jissieltu għall-identità tagħhom.

Is-SC hi tassew allegorija mill-isbaħ, li tmiss il-qalba tal-vokazzjoni evanġelika ta' Franġisku u l-patrijiet tiegħu. Taħt il-velu tas-simboli u t-tixbihat, hemm moħbija r-rejaltà ta' patt ta' fedeltà li jmiss mill-qrib il-ħajja ta' kull dixxiplu ta' Franġisku t'Assisi. Il-qari tas-SC hu meditazzjoni eżistenzjali tal-mixja ta' fedeltà lejn il-proġett evanġeliku ta' ħajja fuq bażi ta' Ordni minoritiku, fuq bażi ta' fraternità u, mhux inqas, fuq bażi ta' responsabiltà individwali lejn il-patt ta' mħabba ma' *Madonna Povertà*.

# SACRUM COMMERCIUM SANCTI FRANCISCI CUM DOMINA PAUPERTATE

Jibda s-*Sacrum commercium* ta' San Franġisk ma' *Madonna Povertà*[215]

Prologu

[459] Fost il-virtujiet l-oħrajn li jiddu l-aktar u li jiġu qabel kollox, u li fil-bniedem ihejju post u dar li fihom jgħammar Alla u juru *t-triq li tgħaddi* (cfr. 1Kor 13,1) it-toroq l-oħrajn kollha u li twassal aktar bil-ħeffa għandu, *Madonna Povertà* qaddisa tiġi qabilhom ilkoll fit-titli tagħha, minħabba li hi eminenti fil-virtujiet u l-grazzji singulari tagħha. Għax tassew hi l-pedament tal-virtujiet kollha u fosthom hi l-ħarriesa tal-virtujiet l-oħrajn evanġeliċi, u għalhekk isimha jistħoqqlu l-ewwel post fosthom. Il-virtujiet l-oħrajn ma jkollhomx għax jibżgħu la *meta tinżel ix-xita*, lanqas *meta jfuru x-xmajjar u jonfoħ ir-riħ* (cfr. Mt 7,25) biex jipprova jwaqqa' l-binja, jekk huma jkunu mibnija fis-sod fuq dan il-pedament. Għax tassew li l-Iben ta' Alla, *il-Mulej tal-qawwa u s-Sultan tal-glorja* (cfr. S 23,10), meta mar biex iħaddem *is-salvazzjoni f'nofs id-dinja* (cfr. S 73,12), b'imħabba kbira mar ifittixha, sabha, u għożża fuq kollox. Fil-bidunett tal-predikazzjoni tiegħu hu taha bħala dawl lil dawk li kienu se jirfsu fuq il-għatba tal-fidi, u qiegħedha bħala l-ewwel ġebla tal-pedament tad-dar tiegħu. Filwaqt li l-virtujiet l-oħrajn mingħandu irċevew is-saltna tas-smewwiet bħala wegħeda, hi waħedha stħaqqilha li titlibbes b'dan il-ġieħ mingħajr tnikkir. Għax Hu jgħid: *Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 5,3)[216]. Hu għalhekk xieraq li s-saltna tas-smewwiet hi ta' dawk li ma għandhom xejn f'din l-art b'rieda ħielsa tagħhom, u li b'intenzjoni spiritwali jixxenqu għall-ġid li jibqa' għal dejjem. Hu meħtieġ li jgħix bil-ħwejjeġ tas-sema dak li ma jimpurtahx mill-ġid ta' l-art, u li bil-ħlewwa jduq waqt l-eżilju ta' din id-dinja *l-frak li jaqa' mill-mejda* (cfr. Mt 15,27) ta' l-anġli qaddisa. Hu

---

[215] Għażilna li nħallu l-isem oriġinali *Sacrum commercium* (SC), li ma jistax jiġi tradott b'mod soddisfaċenti fil-Malti. Il-kelma latina *commercium* tingħata dawn it-tifsiriet: (1) kummerċ, bejgħ u xiri; (2) fakultà jew dritt legali li tixtri jew tbiegħ; (3) suq; (4) merkanzija; (5) provvisti ta' ikel; (6) prezz, valur, qliegħ; (7) relazzjoni, drawwa, prattika, unjoni, qsim flimkien; (8) mixja, triq; (9) fakultà, użu; (10) relazzjoni ta' mħabba; (11) okkupazzjoni, attività, uffiċċju (cfr. Luigi Castiglioni – Scevola Mariotti, *Vocabolario della Lingua Latina*, Nuova edizione con appendice antiquaria, Loescher Editore, Milano 1994, 176). Minn dawn id-diversi tifsiriet jidher li n-nom *commercium* f'din l-allegorija jirreferi għan-numri 7 u 10. Jindika kemm relazzjoni, unjoni, qsim flimkien, kif ukoll relazzjoni ta' mħabba *cortese* bejn San Franġisk u *Madonna Povertà*. L-aġġettiv *sacrum* (qaddisa) juri li din ir-relazzjoni m'għandhiex x'taqsam ma' xi kummerċ ta' ħwejjeġ materjali, imma ma' relazzjoni qaddisa, spiritwali. Il-*Fonti Francescane* fl-edizzjoni taljana ittraduċewha bħala *alleanza*, u l-edizzjoni ingliża tal-*Franciscan Sources* tuża t-titlu *Sacred Exchange*. Forsi bil-Malti wieħed jista' juża l-espressjoni *relazzjoni qaddisa ta' mħabba*, imma ċertament ma jasalx biex jesprimi r-rikkezza ta' tifsir tal-Latin. L-istess ngħidu għall-isem tal-faqar, jiġifieri *Madonna Povertà*, li, kif rajna bnadi oħrajn, ma nistgħux nittraduċuh fil-Malti bil-kliem *Sinjur Faqar*, għax itellef għal kollox is-sens profond ta' mħabba *cortese* u kavallereska bejn Franġisku u d-*dama* tiegħu. Il-kelma *faqar* bil-Malti hi maskili, mhux femminili! Għalhekk inħallu l-isem klassiku u oriġinali ta' *Madonna Povertà*.

[216] Mir-riferimenti bibliċi hu ċar mill-bidunett ta' l-allegorija li l-awtur qiegħed jitkellem dwar *Madonna Povertà* fil-kuntest tad-diskors evanġeliku tal-muntanja, li hu l-liġi l-ġdida li Kristu jxandar lil dawk li huma "foqra fl-ispirtu", u li "jibnu d-dar tagħhom fuq il-blat".

dak li jiċħad il-ġid kollu ta' din l-art, u jqis kollox *bħala knis* (cfr. Fil 3,8), sabiex ikun jistħoqqlu jduq *kemm hu ħelu u tajjeb il-Mulej* (cfr. S 33,9; 99,4; 1Pt 2,3). Din hi l-investitura vera[217] tas-saltna tas-smewwiet, iċ-ċertezza li wieħed jakkwista l-wirt tad-dejjem fis-saltna biex ikun jista' jduq minn qabel u b'mod qaddis il-ferħ li għad irid jiġi.

Kien għalhekk li, l-imqaddes Franġisku, bħala dak li tassew imita u sar dixxiplu tal-Feddej[218], mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu ingħata b'imħabba kbira għat-tfittxija ta' l-imqaddsa *Povertà*, mimli ħerqa li jsibha u deċiż li jagħmilha tiegħu, mingħajr ma beża' la mill-kuntrarjetà, la mill-perikli, u lanqas ma ħarab mix-xogħol jew mit-tbatija u d-djieqa tal-ġisem, bit-tama li fl-aħħarnett jirnexxielu jasal għandha, għaliex lilha l-Mulej ħallielha f'idejha *l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 16,19)[219].

## Kapitlu I
## L-imqaddes Franġisku jmur jistaqsi għal *Madonna Povertà*.

[460] Bħala wieħed ħerqan li jfittex bir-reqqa, beda jdur *mat-toroq u l-imsieraħ tal-belt* (cfr. Għan 3,2), u bil-ħeġġa *jfittex lil dik li qalbu tħobb* (cfr. Għan 3,3)[220]. *Imma dan il-kliem baqa' mhux magħruf għalihom* (cfr. Lq 18,34), u kien donnu kliem ta' lingwa stramba. Billi ma setgħux jifhmuh, bdew jgħidulu: "O bniedem, ma nafux x'inti tgħid. *Kellimna bl-ilsien tagħna* (cfr. 2Slat 18,26) u nweġbuk". F'dak iż-żmien l-ulied ta' Adam *la kellhom leħen u lanqas għarfien* (cfr. 2Slat 4,31) għal dawk li riedu jitħaddtu magħhom dwar il-*Povertà*. Kienu joboghduha b'qalbhom kollha, kif għadhom jagħmlu sallum, u lanqas kienu kapaċi *jlissnu kelma waħda ta' sliem* (cfr. Ġen 37,4) lil dawk li kienu jistaqsuhom dwarha. Kien għalhekk li weġbuh bħal wieħed li ma jafuhx, u xehedu li ma kienu jafu xejn minn dak li kien jistaqsihom. Hekk mela l-imqaddes Franġisku qal: "*Ħalli mmur għand il-kbar* u l-għorrief *u nkellem lilhom. Għax tassew li huma jagħrfu t-triq tal-Mulej u l-ħaqq ta' Alla tagħhom* (cfr. Ġer 5,5), għaliex dawn in-nies li kellimt *x'aktarx huma foqra u boloh, u ma jagħrfux it-toroq tal-Mulej u l-liġi ta' Alla tagħhom*" (cfr. Ġer 5,4). Imma meta mar għandhom, dawk weġbuh b'mod aktar iebes: "*X'inhu dan it-tagħlim ġdid li qiegħdin nisimgħu b'widnejna*? (cfr. Atti 17,19-20). Il-*Povertà* li inti ħriġt tfittex, tibqa' dejjem miegħek u ma' wliedek u *ma' nislek* (cfr. Ġen 13,15) warajk! Aħna, min-naħa tagħna, irridu nibqgħu ngawdu l-għana u l-ħajja komda, għaliex *il-ħajja tagħna hi qasira u kollha niket, u meta l-bniedem imut ma hemmx għalih post ta' mistrieħ* (cfr. Għerf 2,1). Aħna ma nafu li hemm xejn aktar tajjeb milli li nkunu *ferħanin, nieklu u nixorbu* (cfr. Qoħ 3,12.13; Is 22,13; 1Kor 15,32) sakemm indumu ħajjin".

---

[217] Dan il-lingwaġġ meħud mill-kultura kavallereska medjevali li fiha trabba San Franġisk hu tipiku fis-*Sacrum commercium*.
[218] Tidher hawnhekk it-tema tal-*conformitas*, jew qbil sħiħ, bejn il-ħajja ta' San Franġisk u l-ħajja ta' Kristu, li hu waħda mill-aspetti importanti ta' din l-allegorija u ta' diversi mill-*Fontes* Franġiskani.
[219] L-awtur japplika għal *Madonna Povertà* l-istess kliem li Kristu jgħid lil Pietru meta jaħtru bħala l-ewwel wieħed fost l-appostli. Interressanti din l-interpretazzjoni li tixħet dawl qawwi fuq l-ambjent li fih trawwem il-franġiskaneżimu tas-sekli XIII u XIV, l-aktar b'riferiment għall-ideja ta' *ecclesia spiritualis* (Knisja spiritwali) li kienet isserrep f'ħafna kurrenti barra l-Ordni, imma wkoll ġewwa fih. Forsi l-awtur qiegħed jinsinwa li l-"imfietaħ tas-saltna" huma merfugħa għal dawk li jitgħarrsu ma' *Madonna Povertà*, li donnha tant kienet miċħuda tul l-istorja tal-Knisja? Interpretazzjoni li tista' tiddawwal aktar bil-qari ta' din l-allegorija.
[220] Franġisku hawnhekk jidher bħala l-maħbub tal-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet, li jmur ifittex il-maħbuba tiegħu (għalkemm fil-Bibbja hi l-maħbuba li toħroġ tfittex lill-maħbub tagħha). Din it-tixbiha, iżda, ma tibqax tiġi żviluppata fil-kumplament tas-SC, li fih *Madonna Povertà* hi preżentata bħala l-għarusa ta' Kristu, u Franġisku u sħabu jissejħu "ulied" u "aħwa" tagħha, filwaqt li huma jħarsu lejha bħala "reġina" u "sinjura".

Malli l-imqaddes Franġisku sema' dawn il-kliem baqa' miblugħ fil-qalb tiegħu, u filwaqt li beda jrodd ħajr lil Alla, qal: "*Imbierek int, Mulej Alla* (cfr. Lq 1,68) għax *ħbejt dawn il-ħwejjeġ mill-għorrief u l-intelliġenti, u għarrafthom liċ-ċkejknin. Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok* (cfr. Mt 11,25-26). *Mulej, missier u sid ta' ħajti, titlaqnix fil-ġemgħa tagħhom u tħallinix naqa'* (cfr. Sir 23,1) f'dik il-mistħija, imma agħtini, bil-grazzja tiegħek, li nsib dak li qiegħed infittex, *għaliex jiena l-qaddej tiegħek u bin il-qaddejja tiegħek*" (cfr. S 115,16).

L-imqaddes Franġisku, mela, ħareġ mill-belt, u b'pass imgħaġġel wasal f'għalqa li fiha, meta ħares mill-bogħod, lemaħ żewġ irġiel imdaħħlin fil-għomor li *kienu mixħutin u mimlijin niket* (cfr. Lam 1,13) kbir. Wieħed minnhom kien qiegħed jgħid: "*Fuq min nixħet il-ħarsa tiegħi, jekk mhux fuq il-bniedem fqajjar u fuq min għandu qalbu mnikkta u fuq min jibża' mill-kelma tiegħi*?" (cfr. Is 66,2). U l-ieħor kien jgħid: "*Xejn ma ħadna minn din id-dinja, u xejn ma nistgħu nieħdu lura magħna; għalhekk meta għandna x'nieklu u x'nilbsu, dan għandu jkun biżżejjed għalina*" (cfr. 1Tim 6,7-8).

Kapitlu II
Jitlob biex juruh fejn toqgħod *Madonna Povertà*.

[461] Malli wasal qrib tagħhom, l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Nitlobkom turuni fejn toqgħod *Madonna Povertà*, *fejn tirgħa, fejn timtedd wara nofs in-nhar* (cfr. Għan 1,6), għaliex *jiena qed innin bl-imħabba tagħha*" (cfr. Għan 2,5; 5,8). Imma dawk weġbuh: "Ħuna għażiż, aħna ilna bilqiegħda hawnhekk flimkien *għal żmien, għal żewġ żminijiet u għal nofs żmien* (cfr. Dan 7,25; 12,7; Apk 12,14)[221], u ta' spiss rajnieha għaddejja, għaliex kienu bosta dawk li fittxewha. Xi minndaqqiet kienu bosta dawk li kienu jimxu magħha, imma ta' spiss kienet terġa' lura waħedha u għerja, ma kienetx tkun *imżejjna bil-ġawhar* (cfr. Is 61,10), lanqas mogħnija bi sħabha li jagħtuha ġieħ, u bla lbies li seta' jżejjinha. Kienet tibki biki ta' mrar u kienet tgħid: *Ulied ommi iġġieldu kontrija* (cfr. Għan 1,5). U aħna konna ngħidulha: *Ibqa' sħiħa fis-sabar,* għaliex *il-ġusti jħobbuk* (cfr. Mt 18,26; Għan 1,3). U issa, ja ħuna, *hi telgħet fuq muntanja kbira u għolja* (cfr. Apk 21,10), *fejn Alla hejja dar għaliha* (cfr. Mt 28,16). Hi *tgħammar fuq il-għoljiet imqaddsa*, għaliex Alla *jħobbha aktar mill-għamajjar kollha ta' Ġakobb* (cfr. S 86,1-2). Il-ġganti ma setgħux imissu *l-marki ta' riġlejha* (cfr. Est 13,13), u l-ajkli ma setgħux jogħlew 'il fuq sa għonqha. *Madonna Povertà* hi xi ħaġa unika, li kull bniedem jistmerr, għaliex *hi ma tinstabx fl-art ta' dawk li jgħixu ħajja komda* (cfr. Ġob 28,13); għaldaqstant *hi moħbija minn għajnejhom u mhix magħruf għall-għasafar tas-sema* (cfr. Ġob 28,21); imma *Alla jagħraf triqtha, u Hu biss jaf fejn tinstab* (cfr. Ġob 28,23). Għaldaqstant, ja ħuna, jekk trid tasal sa għandha, inża mill-*ilbies tal-ferħ* (cfr. Ġud 10,3), u warrab *dak kollu li jtaqqal u d-dnub li jonsob* (cfr. Lhud 12,1), għax, jekk int ma tkunx għeri għal kollox, ma tkunx tista' titla' sa ħdejha, hi li tgħix daqshekk fil-għoli. Imma billi *hi twajba* (cfr. 1Kor 13,4), *ħafifa biex tidher lil min iħobbha, u tinstab minn dawk li jfittxuha* (cfr. Għerf 6,13). *Li taħseb dwarha,* ħuna, *din hi l-perfezzjoni ta' l-għaqal, u min jishar ħdejha malajr ikun mingħajr tħassib* (cfr. Għerf 6,16). Ħu miegħek, għalhekk, lil sħabek li huma fidili, sabiex jagħtuk

[221] L-espressjoni, li baqgħet popolari fid-dehra tal-mara liebsa x-xemx tal-Ktieb ta' l-Apokalissi, li taħrab mid-dragun infernali lejn id-deżert, fejn tiġi mitmugħa għal żmien, għal żewġ żminijiet u għal nofs żmien, sabet diversi interpretazzjonijiet fit-tejoloġija ta' l-istorja eskatoloġika fil-medjuevu. Id-dixxipli tat-tagħlim ta' Gioacchino da Fiore, li fosthom kien hemm xi Franġiskani, kienu jinterpretaw din il-figura enigmatika fuq bażi millenarja, u jirreferuha għal nofs is-seklu XIII, jiġifieri għal millennju, għal żewġ sekli, u għal nofs seklu.

parir u jgħinuk titla' fil-għoli, għaliex *imsejken min jibqa' waħdu! Għax jekk jaqa', ma jkollux min jista' jerfgħu; imma jekk wieħed jaqa', sieħbu jista' jwieżnu*" (cfr. Qoħ 4,10).

Kapitlu III
L-imqaddes Franġisku jħeġġeġ lill-aħwa.

[462] Wara li għożż dawn it-twissijiet ta' persuni daqshekk għorrief, l-imqaddes Franġisku ġie u għażel uħud mill-aħwa li l-aktar kienu fidili, u magħhom wasal bil-ħeffa lejn ir-riġlejn tal-muntanja. U hu qal lill-aħwa: "*Ejjew nitilgħu fuq il-għolja tal-Mulej, lejn id-dar* (cfr. Is 2,3) ta' *Madonna Povertà, sabiex tgħallimna triqatha u nimxu fil-mogħdijiet tagħha*" (cfr. Mik 4,2)[222]. Imma meta kienu qed jiflu minn kull naħa kif se jitilgħu fuq dik il-muntanja, minħabba li kienet għolja u ħarxa, xi wħud minnhom bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: "*Min jista' jitla' fuq il-għolja* (cfr. S 23,2) u min jista' jasal fuq il-quċċata tagħha?" Malli għaraf dan, l-imqaddes Franġisku qalilhom: "*Dejqa hi t-triq,* l-aħwa, *u dejjaq hu l-bieb li jagħti għall-ħajja, u ftit huma dawk li jridu jgħaddu minnu* (cfr. Mt 7,14). *Tqawwew u tfarrġu fil-Mulej, u fil-qawwa tas-saħħa tiegħu* (cfr. Ef 6,10), għaliex kull ħaġa iebsa se tkunilkom ħafifa. Neħħu minn idejkom it-toqol tar-rieda tagħkom, u ixħtu 'l bogħod minnkom il-madmad ta' dnubietkom, u *tħażżmu bħal irġiel ta' ħila* (cfr. 1Mak 3,58). Ħallu warajkom u *insew* l-imgħoddi u *ħarsu 'l quddiem* (cfr. Fil 3,13) lejn dak li għad irid jiġi. Ngħidilkom li *kull post li jirfsu riġlejkom ikun tagħkom* (cfr. Dt 11,24). Għax ara l-ispirtu quddiem wiċċkom, Kristu l-Mulej, li *jiġbidkom* lejn il-muntanja *bir-rabta ħelwa ta' l-imħabba* (cfr. Ħos 11,4). L-aħwa, hi ħaġa ta' l-għaġeb li tiksbu l-*Povertà*, imma għalina se tkun ħaġa ħafifa li ngawdu t-tgħanniqa tagħha, għaliex *is-sinjura tal-ġnus saret qisha armla* (cfr. Lam 1,1), saret mistmerra u bla siwi r-reġina tal-virtujiet kollha[223]. Ma jinstab ħadd fid-dinja li jissogra jgħolli leħnu, ħadd ma jkun jista' jiqfilna, ħadd li jkun jista' jwaqqaf din ir-relazzjoni ta' mħabba li ssalva[224]. *Ħbiebha kollha stmerrewha u saru għedewwa tagħha*" (cfr. Lam 1,2). U wara li semgħu dawn il-kelmiet, ilkoll bdew mexjin wara San Franġisk.

Kapitlu IV
*Madonna Povertà* tistagħġeb kif jitilgħu ħdejha hekk malajr.

[463] Filwaqt li, b'pass ħafif, kienu qegħdin jixxabbtu biex jaslu fil-quċċata tal-muntanja, *Madonna Povertà* li kienet qiegħdha hemm fuq, ħarset 'l isfel. U meta rat lil dawk l-irġiel telgħin b'tant qawwa, mhux biss, imma jtiru, baqgħet mistagħġba u qalet: "*Min huma dawn li jtiru bħas-*

---

[222] Bħall-belt biblika ta' Ġerusalem fil-Ktieb ta' l-Apokalissi, *Madonna Povertà* tiġi ippreżentata bħala l-għarusa tal-Ħaruf, u tgħix fuq muntanja għolja. Flimkien max-xebħ li ta' spiss jidher bejn is-SC u l-glorifikazzjoni li Dante Alighieri jagħti lil San Franġisk fil-Canto XI tal-*Paradiso,* fid-*Divina Commedia*, nistgħu naraw ukoll l-analoġija bejn Franġisku, li għeri jitla' jixxabbat mal-muntanja fejn *Madonna Povertà* tilqgħu u tirrakkonta l-istorja ta' l-umanità mid-dnub ta' Adam sal-patt ta' ħbiberija fi Kristu, u Dante, li mnaddaf minn kull ħtija, jitla' mill-Purgatorju, lejn il-muntanja li fiha jiltaqa' mal-maħbuba Beatrice, u magħha jgħix l-istorja tal-ħtija u tal-purifikazzjoni tiegħu u tal-bnedmin kollha.

[223] Fis-*Salutatio virtutum,* San Frangisk iqis lill-għerf bħala r-reġina, filwaqt li l-*povertà* hi s-sinjura: *Ave, regina sapientia, Dominus te salvet cum tua sorore sancta pura simplicitate. Domina sancta paupertas, Dominus te salvet cum tua sorore sancta humilitate*. L-istess ħsieb ta' *Madonna Povertà* mitluqa minn kulħadd insibuh fl-*Arbor vitae crucifixae Jesu* ta' Ubertino da Casale (FF 2065). Jinstab ukoll f'Dante, *Paradiso*, Canto XI, 64-66: *Questa, privata del primo marito / millecent'anni e più dispetta e scura / fino a costui si stette sanza invito*.

[224] Il-kliem latini *salutare commercium* huma riferiment ċar għall-isem ta' din l-allegorija.

*sħab, u qishom ħamiem jittajjru lejn il-bejtiet tagħhom*?" (cfr. Is 60,8). Ili żmien twil ma nara lil xi ħadd bħalhom, u lanqas qatt ma rajt min iħaffef bħalhom, wara li jkun rema' minn fuqu kull toqol. Irrid għaldaqstant ngħidilhom dak li għandi f'qalbi, li ma jmurx jiddispjaċihom bħall-oħrajn li telgħu daqshekk fil-għoli, mingħajr ma jagħtu kas ta' l-abbiss li jdawwarhom minn kullimkien. Jiena naf li huma ma jistgħux jagħmluni tagħhom mingħajr ma nkun irrid jien, imma jiena jkolli l-ħlas quddiem Missieri li hu fis-smewwiet, jekk nagħtihom pariri li jwassluhom għas-salvazzjoni. *U ara ġie leħen mis-sema għaliha* (cfr. Lq 1,44)*, li qalilha:* "*Tibżax, bint Sijon* (cfr. Ġw 12,15; Sof 3,16)*, għaliex dawn huma n-nisel ta' dawk li jbierek il-Mulej* (cfr. Is 61,9) u li għażilhom *bl-imħabba sinċiera*" (cfr. 2Kor 6,6). Hekk *Madonna Povertà* mielet quddiemhom mit-tron ta' l-għera tagħha, *u marret tilqagħhom bil-ħlewwa tal-barka tagħha* (cfr. S 20,4), filwaqt li qaltilhom: "Ħuti l-aktar għeżież, għiduli, x'ġabkom hawnhekk ħdejja, u għaliex tlajtu b'tant ħeffa mill-wied tal-miżerja lejn il-muntanja kollha dawl? Jaqaw qegħdin tfittxu lili li, kif taraw, jiena *fqajra, imħabbta mit-tempesta, u mingħajr l-ebda faraġ*?" (cfr. Is 54,11).

Kapitlu V
L-imqaddes Franġisku jfaħħar lil *Madonna Povertà*.

[464] U huma weġbuha: "Sinjura tagħna, aħna ġejna għandek; nitolbuk sabiex tilqagħna bis-sliem. Aħna nixtiequ nsiru qaddejja tal-Mulej tal-virtujiet, għaliex hu *s-Sultan tal-glorja* (cfr. S 23,10). Aħna smajna li inti r-reġina tal-virtujiet kollha, u dejjem tgħallimna dan mill-esperjenza tagħna. Għaldaqstant, mixħutin f'riġlejk, nitolbuk bl-umiltà biex jistħoqqlok toqgħod magħna u biex issir għalina t-triq li twassalna għand is-Sultan tal-glorja, kif kont għalih it-triq, meta Hu għoġbu jżur *lil dawk li kienu jinsabu fid-dlamijiet u fid-dell tal-mewt, bħax-xemx tielgħa* (cfr. Lq 1,79.78). Għaliex aħna nafu li *tiegħek hi l-qawwa, tiegħek hi s-saltna, u li inti fuq* il-virtujiet *kollha* (cfr. 1Kron 29,11), u ġejt maħtura mis-Sultan tas-slaten biex tkun reġina u sinjura tal-virtujiet kollha. Agħmel biss sinjal ta' paċi fuqna u aħna nkunu salvi, sabiex permezz tiegħek jilqagħna għandu dak li permezz tiegħek fdiena[225]. Jekk inti tkun trid issalvana, aħna mall-ewwel inkunu meħlusin. Għaliex l-istess *Sultan tas-slaten u Mulej tal-qawwiet* (cfr. Apk 19,16), li ħalaq is-sema u l-art, *jixtieq bil-ħerqa li jara wiċċek u sbuħitek* (cfr. S 44,12). *Meta s-sultan kien jistrieħ fuq il-mejda tiegħu* (cfr. Għan 1,11), għani u glorjuż fis-saltna tiegħu, *hu ħalla daru, u ċaħad il-wirt tiegħu* (cfr. Ġer 12,7): għax hemm *sebħ u għana fid-dar tiegħu* (cfr. S 111,3). Hekk hu *niżel mit-tron glorjuż tiegħu* (cfr. Għerf 18,15) sabiex jistħoqqlu jiġi jfittxek. Kbira għalhekk hi d-dinjità tiegħek, u l-għoli tiegħek ma tista' tqabbel xejn miegħu, jekk l-istess Mulej ħalla warajh l-ordnijiet kollha ta' l-anġli u l-virtujiet immensi, li huma kotrana fil-glorja tas-smewwiet, biex niżel ifittxek fil-qiegħ ta' l-art, int li kont mixħuta *fil-ħama u t-tajn* (cfr. S 39,3)*, fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt* (cfr. S 87,7). Għax il-ħajjin kollha kienu jobgħoduk mhux ftit, u kulħadd kien jaħrab minnek, hekk li kulħadd kien jitħabat biex ikeċċik kif jista'. U għalkemm oħrajn ma rnexxilhomx jaħarbu minnek għal kollox, b'daqshekk ma kontx inqas ta' min jobgħodok u ma kienux jifilħu għalik. Imma meta *wasal* il-Mulej li *jaħkem* (cfr. Mal 3,1) fuq kollox, u laqgħek fi ħdanu, *refgħalek rasek* (cfr. S 109,7) f'nofs il-familji tal-popli u *żejnek bil-kuruna bħal għarusa* (cfr. Is 61,10), u għolliek *fil-għoli fuq is-sħab* (cfr. Is 14,14). U għalkemm kienu bosta dawk li stmerrewk, għax ma għarfux *il-qawwa tiegħek u l-glorja tiegħek* (cfr. S 62,3), inti ma għandek xejn x'titlef, għaliex inti tgħix

---

[225] *Ut per te nos recipiat qui per te nos redemit*. Kliem meħud mill-antifona 5 ta' l-uffiċċju tal-Matutin tal-festa ta' Sant'Andrija, Appostlu.

ħielsa *fuq il-għoljiet imqaddsa* (cfr. S 86,1), fil-*post mill-qawwi* (cfr. 2Kron 6,33) li fih tgħammar il-glorja ta' Kristu".

Kapitlu VI
Id-dinjità ta' *Madonna Povertà*.

[465] "Hekk l-Iben tal-Missier l-Aktar Għoli *ħabbek għal sbuħitek* (cfr. Għerf 8,2), hekk li ried jingħaqad miegħek biss fid-dinja, u wera ruħu mill-aktar fidil lejk f'kollox. Għax qabel ma niżel mill-għamara tad-dawl tiegħu f'din id-dinja, ried iħejji għalih innifsu post xieraq, tron li fih joqgħod qisu mistrieħ f'soddtu, jiġifieri l-Verġni l-aktar fqajra, u li minnha Hu twieled biex jiddi f'din id-dinja. Malli twieled inti mort tiġri tilqgħu, sabiex hu jsib fik, u mhux fil-kumdità ta' l-għana, post li jixraqlu. L-Evanġelista jgħid li hu tqiegħed *f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalih fil-lukanda* (cfr. Lq 2,7). U hekk inti qatt ma infridt minnu, u dejjem kont sieħba tiegħu matul ħajtu kollha, meta *rawh fid-dinja u għammar fost il-bnedmin* (cfr. Bar 3,38), meta, filwaqt li *l-volpijiet għandhom il-għerien u l-għasafar tas-sema l-bejtiet,* imma hu *ma kellux fejn imidd rasu* (cfr. Mt 8,20). U mbagħad, meta fetaħ fommu biex jgħallem, hu li darba kien fetaħ fomm il-Profeti, fost il-ħafna ħwejjeġ li tkellem dwarhom, qabel kollox ried ifaħħar lilek, u tak ġieħ qabel kollox, meta qal: *Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 5,3).

U meta mbagħad għas-salvazzjoni tal-bnedmin kien meħtieġ li jagħżel xi xhieda tal-predikazzjoni qaddisa u tal-forma glorjuża ta' ħajja tiegħu, hu ma għażilx negozjanti għonja, imma sajjieda foqra, sabiex juri permezz ta' din l-istima li tak, li inti għandek tkun maħbuba minn kulħadd. Fl-aħħarnett, sabiex kulħadd jagħraf it-tjieba, is-sbuħija glorjuża, il-qawwa u d-dinjità tiegħek, u hekk jidher li inti l-ewwel waħda fost il-virtujiet, għax mingħajrek ħadd ma jista' jikseb l-ebda virtù, ġaladarba *saltnatek mhijiex ta' din id-dinja* (cfr. Ġw 18,36), imma tas-sema, int waħdek bqajt magħquda mas-Sultan, filwaqt li l-oħrajn kollha li hu kien għażel minn qabel u kien ħabbhom, abbandunawh, mirbuħin mill-biża'. Imma inti biss, għarusa maħbuba mill-aktar fidila u ħelwa, lanqas għal waqt wieħed biss ma ħallejtu waħdu, mhux biss, imma talli iggranfajt miegħu b'qawwa akbar, aktar ma bdejt tarah mitluq minn kulħadd. Għax, kieku inti ma kontx qiegħda miegħu, hu ma kienx jiġi meqjus b'daqshekk stmerrija minn kulħadd.

Inti kont miegħu fit-tagħjir tal-Lhud, fl-insulti tal-Fariżej, fiċ-ċanfir iebes tal-qassisin il-kbar; kont miegħu fid-daqqiet ta' ħarta, kont miegħu meta beżqulu f'wiċċu, kont miegħu fis-swat bla ħniena. Kien jistħoqqlu l-qima ta' kulħadd, imma kulħadd kien imaqdru u inti biss kont qiegħda tfarrġu. Inti ma tlaqtux waħdu *sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib* (cfr. Fil 2,8). U saħansitra fuq is-salib, b'ġismu għeri u dirgħajh miftuħin, waqt li idejh u riġlejh ġew imsammra ma' l-għuda, int kont qed issofri miegħu, hekk li xejn ma kien jidher fih li ma jagħtix glorja akbar lilek[226]. U fl-aħħarnett, meta tela' fis-sema, lilek ħallielek is-siġill tas-saltna tas-smewwiet biex bih timmarka l-magħżulin, hekk li kull min jixxennaq għas-saltna ta' dejjem jiġi għandek u jitolbok, biex għall-merti tiegħek ikun jista' jidħol, għaliex ħadd ma jista' jidħol hemmhekk,

[226] F'dan it-tifħir ta' *Madonna Povertà*, li tibqa' fidila lejn Kristu sal-mewt tas-salib, jidwu wkoll il-kliem ta' Dante fil-*Paradiso* XI,70-72: *né valse esser costante né feroce, / sì che, dove Maria rimase giuso, / ella con Cristo pianse in su la croce*. L-istess ħsieb jirritorna fl-*Arbor vitae crucifixae Iesu* ta' Ubertino da Casale: *imo ipsa matre propter altitudinem crucis...te non valente contingere, domina Paupertas..te plus quam umquam fuit strictius amplexata et tuo cruciatu precordialius iuncta*.

jiġifieri fis-saltna tas-smewwiet, jekk ma jkunx *immarkat bis-siġill* (cfr. Għan 8,6; Apk 7,3) tiegħek.

Għaldaqstant, o sinjura, ikollok ħniena minna, u stampa fuqna s-siġill tal-grazzja tiegħek. Min jista' jkun daqshekk iblah u bla ħsieb li ma jħobbokx b'qalbu kollha, inti li għax kien tant jistħoqqlok ġejt magħżula u mhejjija mill-Aktar Għoli sa minn qabel iż-żminijiet? Min jista' jiċħadlek il-qima u l-ġieħ, jekk Dak li hu mweġġaħ mill-qawwiet kollha tas-sema, libbsek b'ġieħ daqshekk kbir? Min għalhekk ma jinżilx *iqim* bil-ferħ *il-passi ta' riġlejk* (cfr. Is 60,14), meta l-Mulej tal-glorja miel quddiemek b'tant umiltà u b'tant ħbiberija u mħabba rabtek miegħu? Għalhekk nitolbuk, sinjura, minħabba fih u għall-imħabba tiegħu, li f'din il-ħtieġa inti ma tistmerrx it-talba tagħna, imma eħlisna dejjem minn kull deni, inti li int glorjuża u mbierka għal dejjem"[227].

Kapitlu VII
It-tweġiba ta' *Madonna Povertà*.

[466] Għal dan il-kliem, *Madonna Povertà*, b'qalbha tfur bil-ferħ, bil-bixra ta' wiċċha mimlija hena, u b'leħen ħlejju, weġbithom: "Nistqarr magħkom, ħuti u ħbiebi l-aktar għeżież, li mill-ewwel kelmiet li għidtuli, jiena mtlejt bil-ferħ u nħossni *infur bil-hena* (cfr. 2Kor 7,4), għax qiegħda nara il-ħerqa tagħkom u nqis il-proponiment qaddis tagħkom. Għalija l-kliem tagħkom sar *ta' min jixxennaq għalih aktar mid-deheb u minn ħaġra mill-aktar prezzjuża, aktar ħelu minn xehda għasel* (cfr. S 18,11). *Għax mhux intom qiegħdin titkellmu, imma hu l-Ispirtu* s-Santu *li qiegħed jitkellem fikom* (cfr. Mt 10,20), għax *id-dilka tiegħu tgħallimkom kollox* (cfr. 1Ġw 2,27), lilkom li tkellimtu dwar is-Sultan l-Aktar Għoli, li għall-grazzja waħdanija tiegħu, għażilni bħala l-maħbuba tiegħu, u *neħħa l-għajb tiegħi* (cfr. Lq 1,25) minn quddiem id-dinja, u tani l-glorja fost il-prinċpijiet tas-sema. Għandi xewqa kbira, għalhekk, li jekk ma tiddejqux tisimgħuni, nirrakkontalkom l-istorja twila imma mhux bla ħtieġa tal-qagħda tiegħi, sabiex hekk titgħallmu *kif iġġibu ruħkom u timxu u togħġbu lil Alla* (cfr. 1Tes 4,1), filwaqt li tħarsu rwieħkom milli *tħarsu lura*, intom li *tridu tmiddu idejkom għall-moħriet* (cfr. Lq 9,62). Jiena minix goffa u bla esperjenza, kif ħafna jaħsbu, imma mimlija bil-għomor u bil-għadd tal-jiem, u naf kif jimxi u jiġri kollox, naf id-diversità tal-ħlejjaq, u kif jinbidlu ż-żminijiet. Minħabba l-esperjenza ta' bosta snin, kemm minħabba n-natura fina tiegħi kif ukoll minħabba d-dinjità tal-grazzja, naf ukoll kif tinbidel il-qalb tal-bniedem".

Kapitlu VIII
L-istorja ta' *Madonna Povertà* fil-ġenna ta' l-art.

[467] "Jiena għext qabel xejn *fil-ġenna ta' l-art ta' Alla* (cfr. Apk 2,7), fejn *il-bniedem kien għeri*; mhux biss, imma flimkien mal-*bniedem għeri jiena kont nimxi* tul dik il-*ġenna ta' l-art* (cfr. Ġen 2,25; 3,8) ta' l-għaġeb, mingħajr ma kont nibża' minn xejn, mingħajr ma kont niddubita u mingħajr ma naħseb dwar l-ebda saram. Kont naħseb li se nibqa' miegħu għal dejjem, għaliex l-Aktar Għoli kien ħalqu ġust, tajjeb u għaqli, u qiegħdu f'post mill-aktar għammiel u sabiħ. Jiena kont mimlija hena u *kont nitliegħeb quddiemu f'kull ħin* (cfr. Prov 8,30), għaliex, billi hu ma kellu xejn tiegħu, kien mogħti kollu kemm hu għal Alla.

[227] Il-kelmiet *ne despicias in necessitatibus, sed a periculis libera nos simper, gloriosa et in eternum benedicta*, huma meħudin mill-Antifona tal-Verġni Marija *Sub tuum praesidium*.

Imma f'ħakka t'għajn ġiet fuqu ħsara li qatt ma nstemgħet waħda bħalha qabel sa mill-bidu tal-ħolqien, meta dak il-misħut, li darba minnhom *tilef sbuħitu u l-għerf* u daħal fis-*serp* (cfr. Eżek 28,17; Ġen 3,1), għax ma setax iżjed joqgħod fis-sema, bil-qerq tiegħu ġarrab lill-bniedem, sabiex bħalu hu wkoll jikser il-kmand divin. Dak l-imsejken emmen lil dak li ħajjru għall-ħażen, sema' minnu, u għamel dak li qallu, u *nesa' lil Alla l-ħallieq tiegħu* (cfr. Dt 32,18), biex għamel bħalma kien għamel l-ewwel qarrieq. Dwaru l-Iskrittura tgħid li, fil-bidunett, *kien għeri, imma ma kienx jistħi* (cfr. Ġen 2,25), għaliex fih kellu l-milja ta' l-innoċenza. Malli dineb, iżda, intebaħ li kien għeri, u minħabba l-mistħija mar jiġri biex jinseġ *il-weraq tat-tin biex jostor il-ġnub tiegħu* (cfr. Ġen 3,7).

Meta jiena rajt lil sieħbi maħkum mill-ħtija u miksi bil-weraq, għaliex ma kellu xejn aktar tiegħu, jiena tbegħidt minnu, u mort il-bogħod u bdejt inħares lejh b'għajnejja kollha dmugħ. *Bdejt nistenna lil dak li seta' jeħlisni mill-biża' u mit-tempesta* (cfr. S 54,9). *F'daqqa waħda fis-sema beda jidwi ħoss bħal ta' riħ qawwi* (cfr. Atti 2,2), li riegħed il-ġenna ta' l-art kollha kemm hi, u miegħu mis-sema niżel dawl mill-aktar qawwi. Jiena ħarist u rajt lill-Mulej tal-glorja li *kien jippassiġġa fil-ġenna ta' l-art fiż-żiffa ta' wara nofs in-nhar* (cfr. Ġen 3,8), u kien jiddi bil-glorja li ħadd ma jista jfissirha. Kienu mexjin miegħu qtajjiet ta' anġli, li kienu jxandru b'leħen għoli u jgħidu: *Qaddis, Qaddis, Qaddis, il-Mulej Alla ta' l-eżerċti, is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja* (Is 6,3) tiegħek. *Eluf ta' eluf kienu jaqduh, u għaxriet ta' eluf kienu mdawwrin miegħu* (Dan 7,10).

Jiena bdejt nitriegħed b'biża' kbir, u kien għoddni tani ħass ħażin bl-istagħġib u l-biża', ġismi kien jitriegħed u qalbi tħabbat sitta, sitta, u bdejt ngħid *minn qiegħ l-art* (cfr. S 129,1): 'Mulej, ikollok ħniena, Mulej, ikollok ħniena. *La tagħmilx ħaqq mill-qaddejja tiegħek, għax ebda bniedem ma hu ġust quddiemek* (S 142,2). U Hu qalli: *Mur inħeba għal ftit waqtiet, sakemm tgħaddi l-korla* (cfr. Is 26,20) tiegħi'.

U Hu mall-ewwel sejjaħ lil sieħbi u qallu: '*Adam, fejn int*?' U hu wieġbu: '*Għax smajt ħossok fil-ġnien, u billi jien għarwien bżajt, u staħbejt*' (Ġen 3,9-10). U tassew kien għeri, għax *hu u niżel Ġeriko minn Ġerusalem, qabżu fuqu l-ħallelin, li* qabel xejn *neżżgħuh* (cfr. Lq 10,30) mill-ġid tan-natura, u hekk tellfulu x-xebħ li kellu mal-Ħallieq. Imma l-istess Sultan l-Aktar Għoli, ma kienx nieqes mit-tjieba u l-ħniena, u stenna li hu jindem, filwaqt li offrielu l-okkażjoni biex jerġa' lura għandu.

Imma l-imsejken *ħalla 'l qalbu ddur lejn ħwejjeġ ħżiena, u beda jiskuża ruħu b'mod fieragħ għal dnubietu* (cfr. S 140,4). Hekk żied ħtija fuq oħra, u kabbar il-piena tiegħu, *u ħażen* għalih innifsu *l-għadab ta' jum il-korla tal-ħaqq ġust ta' Alla* (cfr. Rum 2,5). Ma ħelishiex la għalih innifsu u lanqas għan-nisel tiegħu, imma kompla għabba lil kulħadd bis-saħta tal-biża' tal-mewt. Bil-ħaqq li għamel quddiem dawk kollha li kienu hemm ħdejh, *il-Mulej keċċieh mill-ġenna ta' l-art* (cfr. Ġen 3,23), bid-digriet tal-ġustizzja, imma wkoll tal-ħniena, tiegħu. U sabiex *hu jerġa' lura lejn l-art li minnha ssawwar* (cfr. Ġen 3,19), ħabbarlu kontrih, imma mingħajr ma wettaqha dak il-ħin, is-sentenza tas-saħta. *U libbishom b'ilbies tal-ġild* (cfr. Ġen 3,21), biex bih juri li l-bniedem issa kien se jmut, billi kien tilef l-ilbies ta' l-innoċenza.

Għalhekk, meta jiena rajt lil sieħbi miksi bil-ġlud ta' l-annimali bla ħajja, jiena tbegħidt għal kollox minn ħdejh, għaliex hu issa kien xeħet fuqu kull tbatija u ħidma sabiex isir għani. U

minn dak il-ħin *jiena tlaqt niġġerra u mitlufa fuq din l-art* (cfr. Ġen 4,12), nitbekka u nixher bil-kbir. Minn dak iż-żmien qatt ma sibt post fejn inserraħ riġlejja, ukoll jekk Abraham, Iżakk u Ġakobb u l-ġusti l-oħrajn kollha kienu ingħataw il-wegħda ta' l-għana ta' l-*art tnixxi ħalib u għasel* (cfr. Eż 3,17). *Fihom kollha jiena fittixt il-mistrieħ imma ma sibtux* (cfr. Sir 24,11; Ġer 45,3), filwaqt li *Kerubin li kien iwieżen xabla tan-nar* (cfr. Ġen 3,24), kien qiegħed quddiem id-daħla tal-ġenna ta' l-art, sakemm *minn ħdan il-Missier* (cfr. Ġw 1,18) jiġi fid-dinja Dak li hu l-Aktar Għoli, u li għoġbu jinżel biex jiġi jfittixni".

Kapitlu IX
It-Testment ta' Kristu.

[468] "Wara li Hu wettaq dak kollu li għidtilkom, billi ried imur lura għand Missieru li kien bagħatu, ħalla lili bħala testment[228] u wirt lil dawk li għażel, u ikkonfermah b'deċiżjoni li ma titħassarx, meta qalilhom: *Iġġorrux fuqkom la fidda u lanqas flus. Teħdux magħkom la ħorġa, la bwiet, la ħobż, la ħatar, la qrieq u lanqas ma għandu jkollkom żewġ ilbiesi* (cfr. Mt 10,9-10; Lq 9,3). *Lil min irid itellgħek il-qorti u jeħodlok il-libsa, agħtih ikoll il-mantell. U min iġiegħlek timxi miegħu mil, mur miegħu tnejn* (cfr. Mt 5,40-41). *Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn jiekluhom il-kamla u s-sadid u fejn il-ħallelin jidħlu u jisirqu* (cfr. Mt 6,19-20). *Toqgħodux titħassbu u tgħidu: X'se nieklu, jew, x'se nixorbu, jew, x'se nilbsu*? (cfr. Mt 6,31). *Toqgħodux taħsbu għall-għada, għax il-jum ta' għada jaħseb hu għalih innifsu. Biżżejjed għall-jum it-taħbit ta' kuljum* (cfr. Mt 6,34). *Jekk xi ħadd ma jiċħadx ġidu kollu, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi* (cfr. Lq 14,33), u bosta ħwejjeġ oħrajn li huma miktuba f'dak il-ktieb".

Kapitlu X
Dwar l-appostli.

[469] "L-appostli u d-dixxipli l-oħrajn tiegħu ħarsu dan kollu bl-akbar reqqa, *u lanqas għal waqt wieħed biss* (cfr. Gal 2,5) ma insew iwettqu kelma waħda biss minn dak li kienu semgħu mingħand il-Mulej u l-Imgħallem tagħhom. Bħal suldati mill-aktar qalbiena, imħallfin ta' l-art kollha, huma wettqu l-kmand ta' salvazzjoni u *ippriedkawh kullimkien, waqt li l-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma tagħhom bil-mirakli li kienu jsieħbuha* (cfr. Mk 16,20). Kienu jaħarqu bl-imħabba, u kienu jfuru b'sentimenti ta' ħniena, filwaqt li offrew ħajjithom għall-ħtieġa ta' kulħadd, u kienu attenti u jishru li ma jmurx xi ħadd jgħid dwarhom: *Kliem biss għandhom, imma fatti xejn* (cfr. Mt 23,3). Hekk wieħed minnhom seta' jixhed u jgħid bil-qawwa kollha: *Jiena ma nissugrax nitkellem fuq xejn jekk mhux fuq dak li Kristu jwettaq permezz tiegħi bil-kliem u l-fatti, fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu* (Rum 15,18.19). U wieħed ieħor qal: *Deheb u fidda ma għandix* (Atti 3,6). Bl-istess mod kollha kemm huma fil-ħajja u fil-mewt, offrewli ħafna tifħir. Dawk li semgħuhom, imbagħad, kienu jitħabtu biex iwettqu dak li kienu ħabbru l-imgħallmin tagħhom, u, *kienu jbiegħu dak li kellhom u jaqsmuhom ma' kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed* (Atti 2,45). *Kienu kollha flimkien u kienu jaqsmu kollox bejniethom* (cfr. Atti 2,44), *filwaqt li kienu jfaħħru lil Alla u l-poplu kollu kien iġibhom*. U għalhekk *il-Mulej ta' kuljum kien iżid magħhom lil dawk li kellhom ikunu salvi*" (Atti 2,47).

[228] Anke fil-*Paradiso* XI,112-114, Dante juri kif San Franġisk ħalla lil *Madonna Povertà* bħala wirt għal uliedu l-patrijiet: *a' frati suoi, sì com'a giuste rede, / raccomandò la sua donna più cara, / e comandò che l'amassero a fede*.

Kapitlu XI
Id-dixxipli ta' l-appostli.

[470] "Għal żmien twil dawn il-kelmiet komplew baqgħu veri għal bosta, l-aktar minħabba li d-demm tal-Kurċifiss fqajjar kien għadu sħun fit-tifkira tagħhom u l-kalċi glorjuż tal-passjoni tiegħu kienet imlietilhom qalbhom. Għax, jekk dak iż-żmien xi wħud kienu mġarrbin biex jitilquni, minħabba l-ħruxija kbira tiegħi, malli kienu jiftakru fl-istimmati tal-Mulej, li fihom kienet tidher il-ħniena mill-qiegħnett tal-ġewwieni tiegħu, huma kienu jagħmlu penitenzi ħorox għal dak it-tiġrib u jingħaqdu miegħi aktar bil-qawwa u jħaddnuni b'ħeġġa imġedda. Għalhekk jiena kont inkun magħhom, u fit-tifkira tagħhom kont inġedded il-ħin kollu t-tbatijiet tal-passjoni tas-Sultan etern, hekk li, imfarrġin minn ġewwa bi kliemi, kienu jilqgħu bl-imħabba l-ħadid li kien iċarrat ġisimhom, u mingħajr biża' kienu jiffissaw ħarsithom fuq id-demm imbierek li gelgel minn ġisimhom. Hekk din ir-rebħa damet għal żmien twil, u hekk ta' kuljum eluf fuq eluf kienu jiġu *immarkati bis-siġill* (cfr. Apk 7,2-3) tas-Sultan l-Aktar Għoli".

Kapitlu XII
Dwar il-paċi li ssir għadu ta' *Madonna Povertà*.

[471] "Imma, jaħasra, wara ftit seħħet il-paċi, u kienet paċi li għamlet aktar ħsara minn kull gwerra, għax fil-bidunett ftit kienu dawk li ġew issiġillati, u mbagħad fil-perjodu ta' wara, inqas, u fl-aħħarnett ftit li xejn[229]. U nista' tassew ngħid li, ara kif, *mas-sliem kiber l-imrar tiegħi* (cfr. Is 38,15), għaliex kulħadd ħarab minn ħdejja, kulħadd beda jkeċċini 'l barra, ħadd ma beda jfittixni aktar, u sfajt mitluqa waħdi minn kulħadd. Sibt il-paċi ma' l-għedewwa tiegħi, imma mhux ma' dawk li joqogħdu f'dari, sibt il-paċi mal-barranin, imma mhux ma' dawk ta' ġewwa. Minkejja dan *jien kont rabbejt u kabbart lil uliedi, imma huma stmerrewni* (Is 1,2). F'dak iż-żmien, *meta l-musbieħ tal-Mulej kien jiddi fuq rasi u fid-dawl tiegħu kont nimxi qalb id-dlamijiet* (cfr. Ġob 29,3), ix-xitan ħakem lil ħafna li kienu miegħi, id-dinja ħajjrithom għal warajha, u l-ġisem beda jqabbadhom bix-xewqat tiegħu, hekk li bosta bdew *iħobbu d-dinja u l-ħwejjeġ tad-dinja*" (cfr. 1Ġw 2,15).

Kapitlu XIII
Dwar il-persekuzzjoni li ssir oħt *Madonna Povertà*.

[472] "Imma l-perfezzjoni tal-virtujiet kollha, jiġifieri s-sinjura Persekuzzjoni, li lilha Alla ħallielha *s-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 5,10), kif għamel lili, kienet miegħi f'kull ġrajja bħala għajnuna mill-aktar fidila, kienet tweżinni bil-qawwa, u kienet tfarraġni bil-għerf, u jekk xi mindaqqiet kienet tara lil xi ħadd jibred mill-imħabba, u jinsa mqar għall-ftit il-ħwejjeġ tas-sema, u jorbot qalbu bil-għożża mal-ħwejjeġ tad-dinja, kienet mall-ewwel issemma' leħinha, kienet tqanqal l-eżerċtu, kienet tħammar bil-mistħija l-wiċċ ta' wliedi, sabiex ifittxu isem il-Mulej. Imma issa *oħti ħallietni waħdi* (cfr. Lq 10,40), *u d-dawl ta' għajnejja m'għadhiex miegħi* (cfr. S 37,11),

[229] Dan hu riferiment għall-paċi Kostantinjana, li bdiet bl-editt ta' Milan tas-sena 313, u li ġabet magħha t-tmiem tal-persekuzzjoni kontra l-insara fl-imperu Ruman, imma li sfortunatament fiha l-Knisja saret qawwa li kisbet bosta ġid.

għax, minn meta l-persekuturi għamlu paċi ma' wliedi, dawn iżjed ħraxu bil-krudeltà fil-ġlied bejniethom, billi bdew *jgħiru għal xulxin u jqanqlu wieħed lill-ieħor* (Gal 5,26) biex jiksbu l-għana u jfittxu l-pjaċiri".

Kapitlu XIV
Tifħir lil dawk li huma tassew foqra.

[473] "Minkejja kollox, wara ftit taż-żmien xi wħud bdew jieħdu nifs ġdid u jimxu bir-rieda tagħhom fit-triq dritta, li xi oħrajn dak iż-żmien kien ikollhom jgħaddu minnha mġiegħlin mill-ħtieġa. Dawk kollha ġew għandi, u bdew jitolbuni bla heda b'ħafna talb u dmugħ biex nagħmel magħhom patt dejjiemi ta' paċi u biex inġib ruħi magħhom *bħal fi żmien żogħżiti* (cfr. Eżek 16,60), *meta Dak li jista' kollox kien għadu miegħi u uliedi kienu madwari* (Ġob 29,5). Dawk kienu irġiel ta' virtù, ta' sliem, *mingħajr ħtija quddiem Alla* (cfr. 1Tes 3,13), kienu jżommu sħiħ *fl-imħabba ta' l-aħwa* (cfr. 2Pt 1,7), li sakemm damu jgħixu fil-ġisem kienu *foqra fl-ispirtu* (Mt 5,3), neqsin mill-ħwejjeġ ta' l-art, għonja fil-qdusija ta' ħajjithom, imżejjnin bid-don tal-kariżmi tas-sema, *imħeġġin fl-ispirtu, ferħanin fit-tama, kollhom sabar fil-hemm* (cfr. Rum 12,11.12), *ta' qalb ħelwa u umli* (cfr. Mt 11,29), mogħtijin biex iħarsu l-paċi f'ruħhom, magħqudin fi spirtu wieħed, u ħaġa waħda flimkien fil-għamla ta' ħajja u fil-ferħ tagħhom. Dawn kienu irġiel miqjuma għal Alla, mogħġuba mill-anġli, maħbubin mill-bnedmin, iebsin magħhom infushom, kollhom ħniena lejn l-oħrajn, reliġjużi f'għemilhom, prudenti fl-imġieba tagħhom, ferħanin fil-bixra ta' wiċċhom, serji f'qalbhom, umli fil-ġid, kuraġġużi fit-tiġrib, meqjusin fl-ikel, bla gosti fini fl-ilbies, jorqdu bil-ħniena, mistħijin u mimlijin biża' qaddis u jiddu bid-dija ta' kull għemil tajjeb. Ruħi kienet marbuta magħhom b'mod li ma jinħallx, u bejnietna *kellna spirtu wieħed u fidi waħda*" (cfr. Ef 4,4.5).

Kapitlu XV
Dwar il-foqra foloz.

[474] "Fl-aħħarnett ħarġu minn ġo nofsna xi wħud *li ma kienux minn dawk li kienu magħna* (cfr. 1Ġw 2,19)[230], *ulied Beljal* (cfr. Dt 13,13), mimlijin tpaċpiċ fieragħ u għemejjel qarrieqa, li *kienu jgħidu li huma* foqra, *imma ma kienux* (cfr. Apk 2,9; 3,9). Filwaqt li dawk l-irġiel glorjużi, li tkellimt fuqhom issa, kienu ħabbewni b'qalbhom kollha, dawn kienu jistmerruni u jiddisprezzawni, *u kienu jimxu fit-triq ta' Bagħlam ta' Bosor, li ħabb il-qliegħ tal-qerq* (cfr. 2Pt 2,15), *irġiel imħassra fil-moħħ u neqsin mill-verità, li jqisu t-tjieba bħala għajn ta' qliegħ* (1Tim 6,5). Kienu irġiel li xeddew it-tonka tar-reliġjon, imma *li ma libsux il-bniedem il-ġdid* (cfr. Ef 4,24), imma satru l-bniedem il-qadim. Waqqgħu għaż-żufjett l-anzjani tagħhom u bil-moħbi ħaduha kontra l-ħajja u d-drawwiet ta' dawk li kienu waqqfu din l-għamla ta' ħajja, u kienu jsejħulhom nies bla ġudizzju, *nies bla ħniena, nies krudili* (cfr. Ġer 50,42). Lili, li huma kienu wkoll għażluni, bdew isejħuli għażżiena, goffa, kerha, bla manjieri, bla ħajja qisni ġisem mejjet.

---

[230] Ubertino da Casale, fl-*Arbor vitae crucifixae Iesu*, Lib. V,3, jikkowta dan il-paragrafu sħiħ (*Fonti Francescane* 2072). Ubertino jitkellem dwar is-SC bħallikieku kienet opra ta' awtur anonimu, u hekk jidher li fil-bidu tas-seklu XIII kienet għadha ma daħlitx it-tendenza li s-SC jiġi attribwit lil Sant'Antnin, jew lil Giovanni da Parma, jew lil Crescenzio da Iesi, kif jiġi indikat f'kodiċi aktar tardivi.

Għax huma kienu tqanqlu b'ħeġġa taħraq minn għadu tiegħi li, filwaqt li xeddet fuqha l-ilbies ta' nagħġa, kienet taħbi fiha l-qerq ta' *lupu ħattâf*' (cfr. Mt 7,15).

## Kapitlu XVI
Ix-Xeħħa.

[475] "Din kienet ix-Xeħħa, li tissejjaħ hekk għax hi x-xewqa bla rażan li wieħed jakkwista u jaħżen il-ġid. Huma, iżda, kienu jsejħulha b'isem li jidher aktar qaddis, biex ma jmorrux jidhru li jkunu telqu lili għal kollox, li kont tajthom id-don li nqajjimhom mit-trab u mill-ħama. *Kienu jkellmuni dwarha bi kliem ta' sliem, imma kienu jbejjtu fihom qerq agħar mill-korla* (cfr. S 34,20). U billi l-ħerba ta' *belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba* (cfr. Mt 5,14), minkejja dan *tawha isem ieħor* (cfr. Dt 22,17), jiġifieri l-Għażla għaqlija jew il-Ħażna għall-ġejjieni[231], għalkemm wieħed jista' jqis lil din l-għażla għaqlija x'aktarx bħala konfużjoni, u l-ħażna għall-ġejjieni bħala dik li tnessi l-virtujiet l-oħrajn kollha. U lili kienu jgħiduli: '*Tiegħek hi l-qawwa, tiegħek hi s-saltna* (cfr. 1Kron 29,11), la tibżax. Hi ħaġa tajba li tingħata għall-għemejjel ta' ħniena u tistenna li din twassal għal frott tajjeb, li tgħin lil min hu nieqes mill-meħtieġ u li tagħti xi ħaġa lill-foqra'".

## Kapitlu XVII
*Madonna Povertà* twissi lir-reliġjużi foloz.

[476] "Jiena kont inweġibhom: 'L-aħwa, jiena ma niċħadx li dak li intom tgħidu tista' tkun ħaġa tajba, imma nitlobkom, *qisu sewwa s-sejħa tagħkom* (cfr. 1Kor 1,26). La tħarsux lura. *Tinżlux minn fuq il-bejt, biex tieħdu xi ħaġa mid-dar* (cfr. Mt 24,17; Mk 13,15). *Terġgħux lura mill-għalqa biex tieħdu l-libsa* (cfr. Mt 24,18). Toqogħdux tindaħlu *fi kwestjonijiet ta' din id-dinja* (cfr. 2Tim 2,4). La terġgħux tindaħlu mill-ġdid fit-taħsir li jittieħed ta' din id-dinja, li intom ħrabtu minnu meta għaraftu lill-Feddej. Hu meħtieġ li dawk li jħallu lilhom infushom jerġgħu jinħakmu mill-ġdid minn dawn l-affarijiet, jerġgħu jmorru għall-qerda tagħhom, u *l-qagħda ta' l-aħħar ta' dawn tkun agħar minn dik ta' qabel* (cfr. 2Pt 2,20; Mt 12,45), l-aktar meta huma jagħtu daharhom lill-impenn qaddis li kienu irċevew u jinħbew taħt l-iskuża ta' ħajja ta' pjetà'".

## Kapitlu XVIII
It-tweġiba tagħhom.

[477] "Meta jiena kont qed nispjegalhom dawn il-ħwejjeġ, *qamet tilwima bejniethom* (cfr. Ġw 7,43; 10,19). *Xi wħud bdew jgħidu: 'Dak li qiegħda tgħid hu sewwa', filwaqt li oħrajn bdew jgħidu: 'Le,* għax din trid *tqarraq bina* (cfr. Ġw 7,12), biex aħna nimitawha. Hi ta' min jitħassarha u trid li aħna wkoll nsiru bħalha, ta' min jitħassarna'".

---

[231] Il-Latin jitkellem minn *discretio* u *providentiam*, li bit-taljan huma "discrezione" (dixxerniment, għażla għaqlija) u "previdenza" jew "preveggenza" (il-ħsieb għall-ġejjieni).

Kapitlu XIX
*Madonna Povertà* titkellem dwar ir-reliġjużi tajbin.

[478] "Dik li kienet l-għadu tiegħi ma setgħetx dak iż-żmien tkeċċini minn dawk l-inħawi, għaliex kien għad hemm bosta fosthom li kien irġiel li, mill-bidu tal-konverżjoni tagħhom, kienu mħeġġin minn ħerqa kbira ta' mħabba taħraq, li kienu jħabbtu b'ħafna tnehid il-bieb tas-sema u kienu jidħlu hemm ġew bit-talb tagħhom bla heda, u li kienu jogħlew 'il fuq minnhom infushom fil-kontemplazzjoni u fl-istmerrija tal-ħwejjeġ ta' din id-dinja. *Imbagħad il-Ħallieq ta' l-univers, li kien ħalaq lili,* qalli: '*F'Ġakobb qiegħed l-għamara tiegħek, u ħu lil Israel bħala l-wirt tiegħek u qiegħed l-għeruq fost il-magħżulin tiegħi*' (cfr. Sir 24,12-13). Jiena mbagħad kont nimxi bl-akbar reqqa f'dawn il-ħwejjeġ. U waqt li jiena kont magħhom u kont nimxi flimkien magħhom fit-triq tas-slaten, *minħabba fija kellhom glorja fost il-popli u kienu miqjumin mis-setgħanin* (cfr. Għerf 8,10-11), kienu jirċievu ġieħ mill-bnedmin u kienu jissejħu qaddisin. Imma huma bdew ma jifilħux aktar għall-isem ta' qaddisin, u meta kien jiftakru fil-kliem ta' l-Iben ta' Alla: *Jiena ma nilqax il-glorja mill-bnedmin* (cfr. Ġw 5,41), huma bil-qawwa ċaħdu għall-glorja li kienu joffrulhom".

Kapitlu XX
Ix-Xeħħa tbiddel isimha f'dak ta' "Għażla għaqlija".

[479] "Issa filwaqt li huma kienu jimxu imħeġġin b'tant imħabba lejn Kristu, ix-Xeħħa, li ħadet l-isem ta' "Għażla għaqlija", bdiet tgħidilhom: 'Tkunux daqshekk iebsin mal-bnedmin, u lanqas għandkom tistmerru b'dan il-mod il-ġieħ li huma jiksbu, imma għandkom tkunu mimlijin ħlewwa magħhom, u tiċħdux il-glorja li tiġi mogħtija lilkom minn barra, għalkemm dan għandkom tagħmluh b'ħafna kura minn ġewwa. Hi ħaġa tajba li wieħed jikseb il-ħbiberija tas-slaten, li jgawdi mill-fama fost il-prinċpijiet, u li jkun midħla tas-setgħana, għaliex meta huma jagħtukom ġieħ u jqumu quddiemkom bil-qima u jiġu jilqgħukom, ħafna li jaraw dan kollu jiġu mqanqlin mill-eżempju tagħhom u jikkonvertu lejn Alla aktar bil-ħeffa'. U dawk, meta raw il-qliegħ li hemm f'dan, laqgħu il-parir li tathom, imma ma ħarsux irwieħhom min-nasba li kien hemm lesta għalihom fit-triq, u spiċċaw biex ħaddnu mill-ġdid u bla lġiem il-glorja u l-ġieħ tad-dinja. Huma kienu jqisu li minn ġewwa kienu bħalma kienu jgħidu n-nies dwarhom minn barra, u erħew il-glorja tagħhom f'fomm il-bnedmin, bħax-*xebbiet boloh* (cfr. Mt 25,8) u *l-qaddej li ma jiswa għal xejn* (cfr. Mt 25,30) f'din id-dinja. Imma l-bnedmin, li kienu jaħsbu li huma kienu mimlija virtù fir-ruħ bħalma kienu jidhru minn barra, kienu joffrulhom bil-qalb il-ġid tagħhom bħala penitenza għal dnubiethom. Huma, fil-bidu, kienu jqisu kollox bħala ħmieġ, u kienu jgħidu: 'Aħna foqra u nixtiequ li nibqgħu dejjem foqra, aħna ma rridux *il-ħwejjeġ tagħkom, imma lilkom* (cfr. 2Kor 12,14). *Meta għandna x'nieklu u x'nilbsu aħna kuntenti b'dan* (cfr. 1Tim 6,8), għaliex *frugħa tal-frugħat, kollox hu frugħa*' (Qoħ 1,2; 12,8). Għaldaqstant, minn jum għall-ieħor, kienet tikber lejhom il-qima tal-bnedmin, hekk li bosta minnhom bdew jinħallu mill-imħabba lejn il-ġid, meta kienu jaraw kif il-qaddisin kienu jistmerruh daqshekk".

Kapitlu XXI
Ix-Xeħħa tissejjaħ "Ħsieb għall-ġejjieni".

[480] "Sadanittant dik il-għadu bla fejda tiegħi, malli rat dan kollu, bdiet tinkorla u *tgħażżeż snienha* (cfr. S 34,16), u *maħkuma minn niket kbir f'qalbha* (cfr. Ġen 6,6) bdiet tgħid: '*Issa x'se naqbad nagħmel*? *Għax, ara, id-dinja kollha miexja warajha* (cfr. Lq 16,3; Ġw 12,19). Naf x'nagħmel, nieħu l-isem ta' "Ħsieb għall-ġejjieni", *u nkellem lil qalbhom, forsi jisimgħu minni u joqogħdu għalija*' (cfr. Eżek 2,5). U hekk għamlet, u bdiet tkellimhom bi kliem umli u tgħidilhom: '*Għaliex toqogħdu hawn il-jum kollu ma tagħmlu xejn* (cfr. Mt 20,6), mingħajr ma taħsbu għall-ġejjieni? X'hemm ħażin filli jkollkom dak li hu meħtieġ għall-ħajja, sakemm ma taħżnux dak li hu żejjed? Tistgħu, għalhekk, tingħataw b'paċi u sliem akbar għas-salvazzjoni tagħkom u ta' l-oħrajn, jekk tkunu dejjem tistgħu tużaw minn dawk il-ħwejjeġ li mingħajrhom ma tistgħux tgħaddu. *Sakemm għandkom iż-żmien* (cfr.Gal 6,10) ipprovdu għalikom infuskom u għal dawk li jiġu warajkom, għaliex in-nies għad jiġi żmien li jagħalqu idejhom milli jagħtukom id-doni li qegħdin tirċievu issa. Tkun ħaġa tajba kieku intom tistgħu tibqgħu tgħix kif qed tagħmlu issa, imma dan mhux se tkunu tistgħu tagħmluh iżjed, għaliex *ta' kuljum il-Mulej qiegħed ikattar lil dawk li jkunu magħkom* (cfr. Atti 2,47). Jewwilla ma tkunx ħaġa aktar togħġob lil Alla li intom ikollkom xi ħaġa x'tagħtu lil dawk li huma neqsin mill-meħtieġ għall-ħajja, u li *tiftakru fil-foqra* (Gal 2,10), ġaladarba hu stess jgħid: *Hemm aktar ferħ filli wieħed jagħti milli filli wieħed jirċievi* (Atti 20,35)? Għaliex ma tilqgħux id-doni li joffrulkom, hekk li ma ċċaħħdux lil dawk li joffruhom milli jiksbu l-premju ta' dejjem? Ma għandkomx għalfejn tibżgħu mill-ħbiberija mill-qrib ma' l-għana, għaliex issa intom qegħdin tqisu l-għana bħallikieku ma tiswa xejn. Il-vizzju ma jinstabx fl-affarijiet, imma fil-qalb, għaliex *Alla ħares lejn kull ma għamel u dan kien sewwa ħafna* (Ġen 1,31). Kollox hu tajjeb għal min hu tajjeb, għax għalihom *sar kollox* (cfr. Ġw 1,3). O! Kemm hemm nies li għandhom bosta ġid u li jużawh ħażin, u li kieku dan il-ġid kien tagħkom, kontu tistgħu tagħmlu użu tajjeb minnu, għaliex il-proponiment tagħkom u x-xewqat tagħkom huma qaddisa! Intom ma għandkomx l-intenzjoni li tqassmu l-ġid lil qrabatkom, għaliex huma diġà għonja biżżejjed, imma dment li intom ikollkom dak li hu meħtieġ għalikom, tkun tistgħu tgħixu b'ordni akbar u b'mod aktar jixraq'. Dan il-kliem u ieħor jixbħu bdiet tgħid dik, filwaqt li xi wħud minnhom, li kellhom il-kuxjenza mħassra, mall-ewwel qablu magħha. Oħrajn, iżda, għalqu widnejhom, *baqgħu għaddejjin minn fost* (cfr. Lq 4,30) dawn ir-raġunamenti, u waqqfu b'argumenti sodi dak kollu li kienu semgħu, l-aktar billi bħalha bdew iġibu x-xhieda mill-Iskrittura".

Kapitlu XXII
Ix-Xeħħa titlob l-għajnuna ta' l-Aċċidja[232].

[481] "Imma meta x-Xeħħa rat li waħedha ma setgħetx tieħu minn għandhom dak li xtaqet, biddlet il-fehma tagħha biex tilħaq il-għan ta' moħħha. Sejħet lejha lill-Aċċidja, li ma tkunx trid tibda l-ebda ħaġa tajba u lanqas li twassalha għat-tmiem jekk tkun bdietha, u għamlet patt magħha kontra dawn li waqfulha. Mhux għax huma t-tnejn kienu jafu tajjeb lil xulxin, u qatt ma kienu resqu waħda lejn l-oħra, imma minħabba fil-ħażen *ftiehmu bejniethom* (S 2,2), kif darba kienu għamlu *Erodi u Pilatu kontra* (cfr. Atti 4,26.27) l-Feddej. Tkellmu flimkien, u l-Aċċidja bdiet l-attakk, u daħlet bil-qawwiet tagħha fil-postijiet fejn kienu jgħixu, u daħħlet fil-kamp tal-battalja l-

[232] L-*Acidea* hi l-vizzju ta' dawk li jintelqu għal kollox u jmutu spiritwalment, hekk li jsiru berdin.

qawwa kbira ta' l-armi tagħha, hekk li tfietilhom il-ħeġġa ta' l-imħabba u dawwrithom biex isiru berdin u jintelqu għal kollox. U b'dan il-mod, qishom miblugħin *minn spirtu ta' dgħufija* (cfr. S 54,9), *daħlet il-mewt f'qalbhom*" (cfr. S 30,13).

Kapitlu XXIII
Dwar ir-reliġjużi mirbuħin mill-Aċċidja.

[482] "Bdew għaldaqstant jibku dak kollu li ħallew warajhom fl-Eġittu, u bdew imorru jfittxu għall-mistħija tagħhom dak kollu li qabel kienu ħallew warajhom b'qalb ġeneruża. Bdew mexjin kollhom niket *fit-triq tal-kmandamenti* (cfr. S 118,32) ta' Alla, u bdew jimxu b'qalb niexfa biex iwettqu dak kollu li kien jiġi mitlub minnhom. Bdew jogħtru taħt it-toqol u minħabba li mewwtu l-ispirtu bil-ħniena setgħu jieħdu n-nifs. Kienu ftit dawk id-drabi li kienu jħossu r-rimors tal-ħtija, ma kellhomx aktar indiema, l-ubbidjenza tagħhom kienet mimlija tgemgim, kienu jagħrfu biss dak li jrid il-ġisem, il-ferħ tagħhom għab għal kollox, kienu dejjem imdejjqin u ta' min jitħassarhom, kienu jitkellmu bl-addoċċ, kienu jfaqqgħu d-daħq għal kull ħaġa ta' xejn; fuq wiċċhom kien hemm bixra ta' ferħ li jtir mar-riħ, il-mixja tagħhom kienet fiergħa, ħwejjiġhom rotob u komdi, imfasslin bir-reqqa u meħjutin bl-aħjar sengħa, l-irqad tagħhom abbundanti, l-ikel esaġerat, ix-xorb bla rażan. Kienu dejjem ilissnu ħmerijiet, gideb u kliem li jtir mar-riħ. Kienu jirrakkontaw il-ħrejjef, ibiddlu l-liġijiet, moħħhom fit-tmexxija tal-provinċji u li jindaħlu b'reqqa kbira fil-kwestjonijiet tan-nies. Ma kellhom l-ebda ħsieb li jitħarrġu fit-tajjeb, l-ebda ħerqa għas-salvazzjoni ta' ruħhom, kważi qatt ma kienu jehdew fil-ħwejjeġ tas-sema u berdin għal kollox fix-xewqa tal-ġid ta' dejjem.

Hekk b'qalbhom iebsa bdew jgħiru għal xulxin, u bdew jitlewmu wieħed ma' l-ieħor biex jaħkmu fuq xulxin, hekk li wieħed beda jakkuża lil ħuh *bl-agħar ħtijiet* (cfr. Ġen 37,2). Bdew jevitaw bir-reqqa dak kollu li seta' jkun okkażjoni ta' niket, bdew ifittxu l-faraġ fil-ħwejjeġ tad-dinja, għaliex ma setgħux isibu aktar il-veru hena. Minkejja kollox dejjem żammew bixra ta' qdusija, li ma jmorrux jitilfu ġieħhom għal kollox, u filwaqt li kienu jitkellmu dwar ħwejjeġ qaddisa kienu jaħbu minn dawk li huma sempliċi l-mod miżeru kif kienu jgħaddu ħajjithom. U tant kienet kbira t-telqa tal-bniedem ta' ġewwa tagħhom, li ma felħux aktar jaħbuha ġewwa fihom, u bdew jagħtu sinjali li jidhru tagħha wkoll minn barra.

Imbagħad bdew iżiegħlu bil-bnedmin ta' din id-dinja, u bdew jingħaqdu fiż-żwieġ[233] magħhom biex hekk ibattlulhom il-boroż tagħhom, biex hekk ikunu jistgħu jkabbru l-kunventi tagħhom u jkattru l-ġid li darba kienu ċaħdu għalih. Kienu jbiegħu kliemhom lill-għonja u juru sinjali ta' qima lin-nisa nobbli, u bdew deħlin u ħerġin b'ħerqa kbira fil-palazzi tas-slaten u tal-prinċpijiet, biex hekk *iżidu dar ma' oħra u għalqa ma' oħra* (cfr. Is 5,8). U hekk issa saru kbar u qawwija fid-dinja, għaliex *għaddew minn ħażen għal ieħor u ma għarfux iżjed* il-Mulej (cfr. Ġer 9,3). Bdew jaqgħu *waqt li ippruvaw iqumu* (cfr. S 72,18), instabtu ma' l-art qabel twieldu, u minkejja dan kollu baqgħu jgħiduli: 'Aħna ħbieb tiegħek'"[234].

---

[233] Naturalment dan hu żwieġ fis-sens metaforiku, li bih ir-reliġjużi li intrebħu mill-Aċċidja jsiru ħaġa waħda fil-ħsieb u fl-istil ta' ħajjithom ma' dawk il-persuni li ħsiebhom biss fil-ħwejjeġ materjali.

[234] Dan ir-ritratt rejalistiku tal-kriżi fil-ħajja reliġjuża jista' jirreferi għall-Ordnijiet monastiċi, li kienu twieldu bi spirtu erojku ta' faqar, imma li kienu spiċċaw biex saru qawwijin u għonja. Imma ta' min jistaqsi jekk l-awtur tas-SC hux qiegħed jirreferi wkoll għall-kriżi fi ħdan l-istess Ordni Franġiskan fl-ewwel seklu ta' l-eżistenza tiegħu, meta l-kwestjoni tal-faqar diġà bdiet tagħfas fuq l-aħwa, u tnikket lil dawk fosthom li kienu jafu personalment lil San

Kapitlu XXIV
Il-foqra li saru għonja jippersegwitaw lil *Madonna Povertà*.

[483] "Jiena kont inħossni mnikkta bil-bosta, għax dawk li fid-dinja kienu jgħixu fil-miżerja u kienu ta' min jistmerrhom, meta ġew għandi *saru għonja* (cfr. Apk 18,19; 1Kor 1,5). *Imtlew sax-xaba'* u bdew *jerfgħu rashom* (cfr. Dt 32,15) aktar mill-oħrajn u jiddieħqu bija. Għax huma *lanqas biss kien jitħoqqilhom jgħixu, li kienu sfaw fix-xejn fil-miżerja u fil-ġuħ, u kienu ingħataw biex jieklu l-ħaxix u l-għeruq tas-siġar, u kienu mgħaddsin fil-mard u fil-miżerja* (cfr. Ġob 30,2-4). Imma issa ma kienux kunenti bil-ħajja fil-komunità, imma *bdew jinqatgħu għal rashom* (Ġuda 19), *u jirgħu lilhom infushom bla biża'* (Ġuda 12), u l-istil tal-ħajja tagħhom, li fiha bdew jfittxu bil-ħerqa l-ħwejjeġ li huma żejda, bdiet iddejjaq lil kulħadd, għaliex huma xtaqu l-ġieħ fost id-dixxipli ta' Kristu, filwaqt li meta huma kienu għadhom fid-dinja kienu meqjusin bħala nies li ma jiswew għal xejn minn dawk li kienu jafuhom. Dawk li ta' spiss lanqas kellhom ħobż tax-xgħir u mhux l-ewwel darba li baqgħu bla ilma u *li kienu jqisu bħala kumdità li joqgħodu qalb ix-xewk, huma li kienu nisel bla għarfien u bla fejda, li fid-dinja lanqas biss kien jidher* (cfr. Ġob 30,7-8), *u li daru lejn il-miżerja tiegħi* (cfr. Ġob 30,14), *imma issa qegħdin jistmerruni u jaħarbu 'l bogħod minni, u li ma jistħux jobżquli f'wiċċi* (cfr. Ġob 30,10). Mingħandhom jiena *ilqajt it-tagħjir u l-biża',* u huma *li kienu bnedmin ta' sliem u li kienu joqogħdu maġenbi* (cfr. Ġer 20,10) issa bdew iżebilħuni. Bdew jistħu minni, u aktar ma kienu jiċħduni, u aktar kienu jafu kemm kienu gawdew mill-ġid tiegħi, aktar fl-aħħar waslu biex jistmerru saħansitra li jisimgħu l-isem tiegħi".

Kapitlu XXV
*Madonna Povertà* twissihom biex jerġgħu lura għandha.

[484] "Jiena kont inħossni tassew imnikkta u kont ngħidilhom: '*Erġgħu lura, ulied xewwiexa, u jiena neħliskom mill-irvelli tagħkom* (cfr. Ġer 3,22). *Ħarsu rwieħkom minn kull xeħħa, li hi idolatrija* (cfr. Lq 12,15; Ef 5,5), għaliex *ix-xħiħ qatt ma hu mxebbgħa li jġemma' l-flus* (cfr. Qoħ 5,9). *Ftakru f'dawk l-ewwel jiem li fihom, wara li kontu ġejtu mdawwlin, kellhom issofru minn taqbida twila u iebsa* (Lhud 10,32). La ssirux ulied *li jerġgħu lura għat-telfien tagħhom infushom, imma kunu ulied il-fidi, biex tiksbu s-salvazzjoni ta' ruħkom* (cfr. Lhud 10,39). *Jekk xi ħadd kien jikser il-liġi ta' Mosè, kien jingħata l-mewt bla ħniena fuq il-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta. Kemm jistħoqqlu kastig akbar mela dak li jgħaffeġ taħt saqajh lill-Iben ta' Alla u jniġġes id-demm tal-Patt li bih ġie mqaddes, u li jgħajjar l-Ispirtu tal-grazzja*? (Lhud 10,28-29). *Erġgħu duru għal sensikom, ja xewwiexa* (Is 46,8), *ġaladarba l-ħajja ta' dak li jkun ma tiddependix mill-kotra tal-ġid li jkollu*' (Lq 12,15). Imma huma, mimlijin korla, kienu jwieġbu: 'Itlaq 'l hemm, ja msejkna, *tbiegħed minha, għax aħna ma rridux nagħarfu t-toroq tiegħek*' (cfr. Ġob 21,14). U jiena kont nerġa' ntennilhom: '*Ikollkom ħniena minni, ikollkom ħniena minni, talinqas intom, ħbieb tiegħi. Għaliex tqumu kontrija* (cfr. Ġob 19,21-22) mingħajr raġuni? Jiena ma għidtilkomx li l-ħajja tagħkom ma taqbilx ma' dik tiegħi? Ara, qiegħda jiddispjaċini saħansitra li rajtkom'".

---

Franġisk. L-istess deskrizzjoni, iżda, tista' tapplika għall-kriżi tal-ħajja reliġjuża f'kull żmien, inklużi żminijietna. Tassew li l-Aċċidja hi l-akbar għadu ta' dawk li jimxu aktar mill-qrib wara Kristu fil-ħajja ikkonsagrata.

Kapitlu XXVI
Il-Mulej ikellem lil *Madonna Povertà*.

[485] "*Hekk waslet għandi l-kelma tal-Mulej, li qalli* (Ġer 13,3): '*Erġa' lura għandi, Sulammita, erġa' lura għandi, biex inkun nista' nitgħaxxaq bik* (Għan 6,12). Uliedek stess *huma ulied xewwiexa u ma jridux jisimgħu lilek għaliex ma jridux jisimgħu lili* (cfr. Eżek 2,7). *Għax qalbhom saret bla fidi u qamet kontrija: reġgħu lura fi triqthom u telqu 'l bogħod minni* (Ġer 5,23), *huma ma ċaħdux lilek, imma lili* (cfr. 1Sam 8,7). Għax tassew inti ħarriġthom biex daru kontrik, u għallimthom biex refgħu rashom fuqek, għaliex kieku huma ma għażlux lilek, qatt ma kienu jsiru għonja. Għamlu ta' birruħhom li jħobbuk, biex jitbiegħdu minnek malli jirċievu l-ġid li riedu. Għaldaqstant tawk daharhom u *issa intrabtu mal-gideb biex ma jerġgħux lura* (Ġer 8,5). Huma lanqas ta' min jemminhom, ukoll meta jitkellmu miegħek bil-ħlewwa, *għaliex huma stmerrewk u jfittxulek ħajtek* (cfr. Ġer 4,30). *Għalhekk terfax talb u tnehid għalihom, għaliex jiena ma nisimgħekx* (cfr. Ġer 7,16), *issa xħetthom 'il bogħod minni* (cfr. 1Sam 15,23) għaliex *huma stmerrewni*'" (cfr. Is 1,2).

Kapitlu XXVII
*Madonna Povertà* tkellem lill-imqaddes Franġisku dwar il-virtujiet u d-difetti fil-ħajja reliġjuża.

[486] "Hekk, ara, l-aħwa, irrakkontajtilkom b'ħafna kliem din it-tixbiha, biex *għajnejkom iħarsu dritt quddiemkom* (cfr. Prov 4,25), u tkunu tistgħu taraw x'jeħtieġ li intom tagħmlu. Hu ta' periklu kbir għalikom li tħarsu lura u tippruvaw tqarrqu b'Alla. *Ftakru fil-mara ta' Lot* (cfr. Lq 17,32; Ġen 19,26) u *mhux lil kull spirtu għandkom temmnu* (cfr. 1Ġw 4,1). *Jiena għandi fiduċja kbira fikom, għeżież* (cfr. Lhud 6,9), għaliex fikom aktar milli fl-oħrajn nara ħwejjeġ aħjar u aktar qrib is-salvazzjoni tagħkom, u jidher b'mod ċar li intom warrabtu minnkom b'fehma soda kull ħaġa u ħaffiftu ruħkom għal kollox minn kull piż. Dan kollu jidher għalija mill-prova li intom tlajtu fuq din il-muntanja, li fuqha ftit irnexxielhom jaslu fl-imgħoddi. Imma *lilkom, ħbieb tiegħi, ngħidilkom* (cfr. Lq 12,4), li l-ħażen ta' bosta għamilni suspettuża wkoll mill-virtujiet tat-tajbin, għax ta' spiss, taħt *l-ilbies tan-nagħaġ* kxift li kien hemm *lpup ħattâfa* (cfr. Mt 7,15).

Nixtieq ċertament li kull wieħed minnkom isir jixbaħ lill-qaddisin, li fil-fidi u fis-sabar laqgħuni bħala l-wirt tagħhom. Imma, billi nibża' li ma jmurx jiġrilkom kif ġara lil ħafna oħrajn, nagħtikom parir meħtieġ, jiġifieri li ma tippretendux li mill-bidunett se tmissu ħwejjeġ mill-aktar għoljin u qaddisin, imma tridu timxu bil-mod il-mod, bi Kristu li jmexxikom, sabiex imbagħad tilħqu l-ogħla perfezzjoni. Oqogħdu attenti li, wara li l-ħmieġ tal-ħwejjeġ ta' min jistmerrhom ikun tqiegħed madwar l-għeruq tagħkom, ma tmorrux imbagħad tinstabu bla frott, għaliex xejn aktar ma jilħaqkom jekk mhux il-mannara. Tintelqux bħala għomja fil-ħeġġa li issa issuqkom, għaliex *il-bniedem hu miġbud aktar għall-ħażin* (cfr. Ġen 8,21) aktar milli biex iwettaq it-tajjeb, u r-ruħ iddur bil-ħeffa lejn il-ħwejjeġ tas-soltu, ukoll meta tkun ilha li tbiegħdet minnhom. Jiena naf li, minħabba l-ħeġġa żejda, kull ħaġa issa tidhrilkom ħafifa; imma ftakru f'dak li hu miktub,

jiġifieri li *saħansitra l-qaddejja ta' Alla jitfixklu, u fl-anġli tiegħu ukoll sab in-nuqqas* (cfr. Ġob 4,18).

Għall-bidu, kollox deherilkom ħelu u ħafif biex iġġorruh, imma wara ftit taż-żmien, meta intom taħsbu li intom żguri, tibdew ma tagħtux daqshekk kas tal-ġid spiritwali li tkunu irċevejtu. Tibdew taħsbu li tistgħu terġgħu lura meta tridu għall-qagħda tal-bidu u ssibu l-faraġ ta' l-ewwel snin, imma t-traskuraġni, meta ddaħħal l-għeruq tagħha fikom, mhux ħaġa ħafifa li taqilgħuha minnkom infuskom. Hekk il-qalb tagħkom tibda' tmil lejn ħwejjeġ oħrajn, u ma tibqax issejħilkom daqshekk ta' spiss biex terġgħu lura għall-bidu tagħkom. Hekk tinħakmu min-ngħas u mit-telqa ta' l-ispirtu, u tibdew tippretendu li ssibu skużi u tgħidu: 'Ma nistgħux inkunu dak li konna fil-bidu, għax issa ż-żminijiet huma differenti'. Hekk tinsew dak li jingħad, jiġifieri li *l-bniedem jibda mill-gdid biss meta jasal fit-tmiem* (cfr. Sir 18,6). F'qalbkom jibqa' biss leħen li jkompli jgħidilkom: 'Għada, għada nerġgħu lura *għand l-għarus li kellna qabel għaliex* dak iż-żmien kien aħjar għalina *miż-żmien ta' issa*' (cfr. Ħos 2,7). L-aħwa, *ara jiena ħabbartilkom bosta ħwejjeġ* (cfr. Mt 24,25), u *fadalli ħafna aktar xi ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom* (cfr. Ġw 16,12). *Tasal is-siegħa, meta bil-miftuħ inkellimkom* (cfr. Ġw 16,25) dwar dak kollu li għidtilkom issa".

## Kapitlu XXVIII
## L-imqaddes Franġisku u l-aħwa jwieġbu lil *Madonna Povertà*.

[487] Għal dawn il-kliem l-imqaddes Franġisku flimkien ma' l-aħwa inxteħet għal tulu fl-art, u beda jiżżi ħajr lil Alla u jgħid: "Sinjura tagħna, dak li tgħid hu tajjeb u l-ebda waħda minn kliemek ma tista' tkun miċħuda. *Tassew mela hu l-kliem li smajna f'artna dwar il-kliem ta' l-għerf tiegħek; għax l-għerf tiegħek hu ħafna akbar mill-fama tiegħek li smajna biha. Henjin l-irġiel tiegħek u henjin il-qaddejja tiegħek, li huma dejjem quddiemek u jisimgħu l-għerf tiegħek. Jalla l-Mulej Alla tiegħek ikun imbierek* għal dejjem, *għax Hu issaħħar għal warajk u ħabbek minn dejjem u ħatrek* reġina *biex jagħmel* ħniena u *ħaqq* (cfr. 1Slat 10,6-9) mal-qaddejja tiegħu. *O kemm hu twajjeb u ħlejju l-ispirtu tiegħek* (cfr. Għerf 12,1), li jreġġa' lura lil min tbiegħed u jwissi lill-midinbin!' Hekk hu, sinjura, għall-imħabba li s-Sultan ta' dejjem kellu lejk u għall-imħabba li inti tħobbu biha, nitolbuk biex *taqtagħlna xewqatna* (cfr. S 77,30), u *imxi magħna skond* it-tjieba u *l-ħniena tiegħek* (cfr. Sir 50,24). *Kbar għalhekk huma l-għemejjel tiegħek u ma nistgħux infissruhom; għalhekk l-erwieħ bla kont jiġru 'l bogħod minnek* (cfr. Għerf 17,1). U billi inti waħdek tiġri 'l quddiem *bħal eżerċtu mhejji għall-battalja* (cfr. Għan 6,3), ma jistgħux jgħixu miegħek dawk li huma boloh. Imma ara, aħna qaddejja tiegħek u *ngħaġ tal-merħla tiegħek* (cfr. Ġen 50,18; S 78,13). Aħna rridu naħilfu għal dejjem u ningħataw bil-qawwa kollha tagħna *biex inħarsu l-preċetti tal-ġustizzja tiegħek*" (cfr. S 118,106).

## Kapitlu XXIX
## Il-kunsens ta' *Madonna Povertà*.

[488] Għal dawn il-kelmiet *Madonna Povertà tqanqlet mill-qiegħnett ta' qalbha* (cfr. 1Slat 3,26; Ġen 43,30), u billi hi kienet dejjem imxaqilba biex tħenn u taħfer, ma felħitx aktar iżżomm, u ġriet lejhom, ħaddnithom magħha, u lil kull wieħed minnhom tagħtu l-bewsa tas-sliem, filwaqt li

qaltilhom: "Ħuti u uliedi, araw *issa ġejja* (Apk 22,7.12) magħkom, għax naf li permezz tagħkom ħafna se jiġu mirbuħa biex jingħaqu miegħi". L-imqaddes Franġisku, li ma felaħx aktar iżomm il-ferħ li kellu fih, beda jfaħħar lill-Aktar Għoli b'leħen qawwi, għaliex Hu ma jitlaqx *lil dawk li jittamaw fih* (cfr. Ġud 13,17), filwaqt li beda jgħid: "*Bierku lill-Mulej, intom il-magħżulin kollha tiegħu, u agħtuh it-tifħir fil-jum tal-ferħ tiegħu* (Tob 13,10), *għaliex hu twajjeb, u għaliex għal dejjem hi l-ħniena tiegħu*" (S 105,1). U filwaqt li niżlu mill-muntanja, ħadu magħhom lil *Madonna Povertà* fil-post li fih kienu jgħixu; *kien,* fil-fatt, *qrib nofsinhar* (cfr. Ġw 4,6).

## Kapitlu XXX
Dwar l-ikla ta' *Madonna Povertà* ma' l-aħwa.

[489] Wara li hejjew kollox, stiednuha bil-ħerqa biex tiekol magħhom[235]. Imma hi qaltilhom: "Uruni qabel xejn l-oratorju, is-sala kapitulari, il-kjostru, ir-refettorju, il-kċina, id-dormitorju u l-istalla, is-siġġijiet sbieħ, l-imwejjed illustrati u l-kunvent kbir tagħkom. Għax tassew, li minn dan kollu ma jiena qiegħda nara xejn, imma intbaħt li intom ferħanin u dejjem titbissmu, *qiskom tfuru bil-hena, u mimlijin faraġ* (cfr. 2Kor 7,4), qiskom qegħdin tistennew li tiksbu kull ma tridu malli intom titolbu". U huma weġbuha: "Sinjura u reġina tagħna, aħna *qaddejja tiegħek* wara vjaġġ *twil* (cfr. Ġoż 9,9) ninsabu għajjenin, u inti innifsek, li ġejt magħna, tħabatt mhux ftit. Għalhekk, jekk inti trid, ejjew qabel xejn nieklu, u mbagħad, imsaħħin mill-ikel, inkunu nistgħu nagħmlu dak li qiegħda titlobna".

Hi wieġbet: "Naqbel ma' dak li qed tgħidu. Mela ġibuli l-ilma biex naħsel idejja u ġibuli xugaman biex nixxuttahom". U dawk mall-ewwel ħadulha reċipjent tal-fuħħar mimli bl-ilma, imma nofsu mkisser, għax ma kellhomx wieħed sħiħ. Imbagħad ħarsu lejn idejha u bdew ifittxu 'l hawn u 'l hinn biex isibu xugaman. Ma sabux wieħed, u allura wieħed minnhom offrielha t-tonka li kien liebes biex tkun tista' tixxotta idejha. U hi laqegħta bir-radd ta' ħajr, u f'qalbha faħħret lil Alla, talli taha bħala sħaba lil dawk l-irġiel ta' virtù hekk kbira.

Wara dan, ħaduha fil-post li fih kienu hejjew il-mejda. Malli waslet, ħarset madwarha, u billi ma rat xejn aktar għajr tlieta jew erbgħa biċċiet ħobż tax-xgħir u tan-nuħħala imqiegħdin fuq il-ħaxix, bdiet tistagħġeb ħafna u tgħid bejnha u bejn ruħha: "*Min qatt ra ħwejjeġ bħal dawn fil-ġenerazzjonijiet li għaddew*? (cfr. Is 66,8; 51,9). *Imbierek int, Mulej Alla* (cfr. 1Kron 29,10; Lq 1,68)*, li tieħu ħsieb ta' kulħadd* (cfr. Għerf 12,13); *inti kollox tista' tagħmel meta trid* (cfr. Għerf 12,18), u *b'dawn il-ħwejjeġ għallimt lill-poplu tiegħek* (cfr. Għerf 12,19) biex jogħġbok". U hekk qagħdu lkoll flimkien bilqiegħda, *filwaqt li raddew ħajr lil Alla* (cfr. Kol 3,17) għad-doni kollha tiegħu.

*Madonna Povertà* ikkmandathom biex jgħaddulha ikel imsajjar fi skudelli. U ara ġabulha skudella waħda mimlija bl-ilma frisk, sabiex kulħadd ibill fih il-ħobż: hemmhekk ma kienx hemm numru kbir ta' skudelli u lanqas ikel imsajjar. Talbithom biex almenu joffrulha ftit ħaxix ifuħ nej.

---

[235] Wara li *Madonna Povertà* fakkret l-istorja twila tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni u fil-ġrajjiet tal-Knisja, issa tingħaqad ma' l-aħwa fil-ħajja ordinarja tagħhom ta' kuljum: fil-post fejn jgħixu, fil-mejda, fil-mistrieħ. Din hi waħda mill-isbaħ paġni tas-SC, mimlija b'ġesti ħelwin, ħwejjeġ foqra, u fuq kollox turi l-ferħ u l-libertà ta' l-ispirtu ta' l-ewwel fraternità Franġiskana, turi qagħda idejali li kienet diġà għabet minn ħafna postijiet fejn kienu l-Patrijiet Minuri meta l-awtur kien qiegħed jikteb din l-allegorija.

Imma huma ma kellhomx ġennien u ma kienux jafu jieħdu ħsieb il-ġonna, u għalhekk marru fil-bosk u qatgħu ħaxix selvaġġ u qiegħduh quddiemha. U hi qaltilhom: "Ġibuli ta' l-inqas ftit melħ, biex immellaħ il-ħaxix, għax dan morr". U huma weġbuha: "Stenna ftit, sinjura, ħalli mmorru fil-belt u nġibuhulek, jekk ikun hemm xi ħadd li jkun irid joffrihulna". U hi talbithom: "Ġibuli sikkina, biex inneħħi l-ħaxix ħażin u nkun nista' naqta' l-ħobż, għax hu iebes u niexef qatigħ". U huma qaulha: "Sinjura, aħna ma għandniex ħaddied li jaħdmilna x-xwabel[236]; għalissa flok is-sikkina uża snienek, u mbagħad naraw minn fejn inġibuhielek". U hi staqsiethom: "Għandkom almenu naqra nbid?" U huma weġbuha u qalulha: "Sinjura, *ma għandniex inbid* (cfr. Ġw 2,3), għax *għall-ħajja tal-bniedem bżżejjed il-ħobż u l-ilma* (cfr. Sir 29,28), u għalik mhix ħaġa sewwa li tixrob l-inbid, għaliex l-għarusa ta' Kristu trid taħrab mill-inbid bħallikieku kien velenu".

U meta xebgħu bil-glorja ta' dawk in-nuqqasijiet kollha aktar milli kieku kellhom l-abbundanza ta' kull ġid, bdew ibierku lill-Mulej, li quddiemu sabu grazzja hekk kbira, u wassluha sal-post li fih kellha tistrieħ, għaliex kienet għajjiena. U hekk hi imtedded għerja fuq l-art għerja. Talbithom ukoll li jġibulha imħadda għal taħt rasha. U dawk mall-ewwel ġabulha ġebla u qiegħduhielha taħt rasha.

Wara raqda mill-aktar ħelwa, li ma kienetx imtaqqla bl-ikel u x-xorb, *Madonna Povertà* qamet ħafifa, u bdiet titlobhom biex juruha l-kjostru tagħhom. Huma wassluha fuq għolja u urewha d-dinja kollha ta' madwar sa fejn kienet tista' twassal ħarset għajnejha, filwaqt li qalulha: "Sinjura, dan ara hu l-kjostru tagħna"[237].

## Kapitlu XXXI
*Madonna Povertà* tbierek lill-aħwa u twissihom biex jibqgħu sħaħ fil-grazzja li qalgħu.

[490] Hi talbithom biex joqogħdu lkoll bilqiegħda u kellmithom *bil-kliem tal-ħajja* (cfr. Ġw 6,69), filwaqt li qaltilhom: "*Imberkin* intom, uliedi, *mill-Mulej Alla li* ħalaq *is-sema u l-art* (c[238]fr. Ġud 13,23.24), għaliex intom ilqajtuni f'darkom bil-milja ta' mħabbitkom, hekk li llum, meta jiena qagħadt magħkom, deherli li kont qiegħda *fil-ġenna ta' Alla* (cfr. Eżek 31,8.9; Apk 2,7). Għalhekk *jiena mtlejt bil-ferħ, u ġewwa fija nħossni nfur bil-faraġ* (cfr. 2Kor 7,4), u nitlobkom taħfruli talli iddawwart ma niġi għandkom. Għax tassew li l-Mulej qiegħed magħkom, *u jiena dan ma kontx nafu* (cfr. Ġen 28,16). Ara, dan hu dak li jien tant fittixt, u li issa qiegħda narah quddiemi, dak li jiena tant xtaqt, u li issa hu tiegħi, għaliex f'din id-dinja jiena ingħaqad ma' irġiel li għalija huma x-xbieha ta' Dak li hu l-għarus tiegħi fis-sema. Jalla l-Mulej ibierek *il-virtù tal-qawwa* tagħkom u jalla tkun togħġbu *l-ħidma ta' idejkom* (cfr. Dt 33,11).

Jiena nitlobkom u nwissikom bil-ħeġġa bħala *ulied l-aktar għeżież* (cfr. 1Kor 4,14), biex tibqgħu sħaħ fit-triq li intom tgħallimtu mill-Ispirtu s-Santu u li fiha bdejtu timxu, biex ma tħallux nofs triq il-ħidma tal-perfezzjoni tagħkom, kif xi wħud ġralhom, imma, wara li tkunu ħrabtu minn

---

[236] Il-verżjoni Latina għandha l-kelma *gladios*, "xwabel". Jidher hawnhekk il-messaġġ ta' sliem evanġeliku tal-moviment Franġiskan, li fih l-imseħbin kollha, inklużi l-membri lajċi tat-Terz Ordni, ma setgħux iġorru armi.
[237] Deskrizzjoni mill-isbaħ tal-vokazzjoni "itineranti" tal-Patrijiet Minuri, mhux marbutin ma' strutturi monastiċi u konventwali bħall-Ordnijiet reliġjużi li ġew qabilhom. Imma, min kiteb is-SC kien jaf li l-Ordni kien diġà beda jinsa din in-nota katatteristika tal-bidu tiegħu, u jingħalaq fi strutturi konventwali.
[238] Kliem meħudin mill-uffiċċju ta' Sant'Anjeże, Verġni u Martri, fl-antifona tal-*Benedictus*.

kull nasba tad-dlamijiet, tħabtu biex togħlew 'il fuq għal perfezzjoni dejjem akbar. Il-professjoni tal-ħajja tagħkom hi tassew għolja, 'il fuq mill-bnedmin, 'il fuq minn kull qawwa, u hi tista' ddawwal b'mod aktar ħaj il-perfezzjoni ta' dawk li ġew qabilkom. Ma għandkomx ikollkom l-ebda dubju u toqogħdux ittellgħu u tniżżlu dwar is-sejħa tagħkom li tiksbu is-saltna tas-smewwiet, għaliex f'idejkom diġà qegħdin iżżommu l-kapparra tal-wirt li għad irid jiġi, u diġà irċevejtu r-rahan ta' l-Ispirtu, għax intom stampati bis-siġill tal-glorja ta' Kristu u tidhru f'kollox, għall-grazzja tiegħu, bħall-ewwel dixxipli li hu ġabar madwaru meta ġie f'din id-dinja. Għaliex dak kollu li huma għamlu meta Hu kien preżenti, intom qegħdin tagħmluh meta Hu ma għadux jinsab f'nofskom, hekk li tassew tistgħu tgħidu mingħajr biża': *Ara, aħna ħallejna kollox u ġejna warajk* (Mt 19,27).

La tibżgħux mill-qawwa tal-ġlieda u lanqas mill-kobor tat-taħbit, għaliex hemm premju kbir lest għalikom. *Iffissaw il-ħarsa tagħkom lejn il-Mulej Ġesù Kristu, awtur ta' kull ġid, li jwasslu għat-tmiem tiegħu, li flok il-ferħ li kien hemm quddiemu, għażel li jilqa' fuqu s-salib, u hekk ċaħad il-frugħa* (Lhud 12,2), u żommu *bla mittiefsa t-tama ta' l-istqarrija* (cfr. Lhud 10,23) tagħkom. *Iġru* bl-imħabba *fit-triq li hemm quddiemkom* (Lhud 12,1). Iġru bis-sabar, għax għalikom din hi meħtieġa aktar minn kull virtù, *sabiex wara li tkunu wettaqtu r-rieda ta' Alla tkunu tistgħu tilħqu t-tama tagħkom* (Lhud 10,36). *Alla għandu l-qawwa* (cfr. Rum 11,23) li jwassal għal tmiem hieni bil-grazzja tiegħu l-ħwejjeġ li intom bdejtu u li jmorru 'l hemm mill-ħila tagħkom, ġaladarba Hu fidil f'dak li jwiegħed.

Jalla ma jsibx fikom xi ħaġa li togħġbu *dak l-ispirtu li jaħdem fl-ulied xewwiexa* (cfr. Ef 2,2), jalla ma jsibx la d-dubju, la n-nuqqas ta' fiduċja, u lanqas ma jmurx isib fikom xi raġuni li biha jkun jista' jħaddem kontrikom in-natura qarrieqa tiegħu. Għax hu *mill-aktar kburi, u l-kburija u l-arroganza tiegħu huma akbar mill-istess qawwa li għandu* (cfr. Is 16,6). *Hu inkurlat bil-bosta* (cfr. Apk 12,12) minħabba fikom u jrid iħebb għalikom bl-armi kollha tal-ħażen tiegħu billi jipprova jbellgħalkom il-velenu tal-qerq tiegħu, għax wara li intom temmejtu l-gwerra tagħkom u qridtu u xħettu ma' l-art lill-oħrajn kollha, hu ma jkunx jiflaħ jarakom fuqu, għadkom weqfin fuq riġlejkom.

Uliedi l-aktar għeżież, għall-konverżjoni tagħkom, iċ-ċittadini tas-sema għamlu ċelebrazzjoni ta' ferħ kbir u *għannew għanja ġdida* (cfr. S 95,1; 97,1; Apk 5,9) quddiem is-Sultan ta' dejjem. L-anġli jifirħu fikom u bikom, għaliex għall-merti tagħkom ikunu bosta dawk li jħarsu l-verġinità u jkunu jiddu għall-kastità, jiġu msewwijin il-ħerbiet tal-belt tas-sema, fejn hemm post aktar glorjuż imħejji għall-verġni, għaliex dawk li *ma jiżżewġux ikunu bħall-anġli ta' Alla fis-sema* (cfr. Mt 22,30). Jifirħu l-Appostli għaliex jaraw il-ħajja tagħhom tiġġedded, it-tagħlim tagħhom jiġi ippriedkat, u fikom jidhru l-eżempji tal-qdusija tal-bidu. Jifirħu l-martri, fl-istennija li intom, meta ixxerrdu demmkom qaddis, terġgħu iġġeddu l-qawwa li kellhom huma. Jifirħu l-konfessuri, għax jafu li ta' spiss fikom se tkun iċċelebrata t-tifkira tar-rebħa tagħhom fuq il-għadu. Jifirħu l-verġni *li jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur* (cfr. Apk 14,4), għaliex jaraw li bikom jiżdied il-għadd tagħhom ta' kuljum. Hekk mela l-ġabra kollha tal-qaddisin fis-sema jifirħu, għaliex ta' kuljum ikunu jistgħu jiċċelebraw bis-solennità t-twelid ta' ċittadini ġodda għas-sema u hekk tinfirex il-fwieħa tat-talb tal-qaddisin li titla' bla heda minn dan il-wied.

*L-aħwa, inħeġġiġkom mela, għall-ħniena ta' Alla* (Rom 12,1), li minħabba fiha intom sirtu tant foqra, biex twettqu l-proponiment li għalih intom ġejtu għandi, meta tlajtu mix-xmajjar ta'

Babel. Ilqgħu bl-umiltà l-grazzja li tiġi offruta lilkom, u dejjem ħaddnuha kif inhu xieraq, għattifħir, *għall-glorja u l-ġieħ* (cfr. Apk 4,9.11) ta' dak li miet għalikom, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu jgħix u jsaltan, jirbaħ u jaħkem, Alla għal dejjem glorjuż, għal dejjem ta' dejjem. Amen"[239].

[239] Fl-edizzjoni ta' Quaracchi, hemm din in-nota: *Din l-opra ġiet mitmuma fix-xahar ta' Lulju wara l-mewt ta' l-imqaddes Franġisku, fis-sena elf mitejn u sebgħa u għoxrin ta' l-Inkarnazzjoni tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu*. Din in-nota titħalla barra minn bosta manuskritti, imma hi inkluża fil-kodiċi ta' Assisi u ta' Pariġi, li l-edituri ta' Quaracchi jqisuhom bħala l-aktar awtorevoli. Forsi hi żjeda ta' kopista Franġiskan li ried juri l-qedem tas-SC fil-ħerqa li tidher ir-rabta intima bejn San Franġisk u *Madonna Povertà*. L-aħħar nota għandha x'taqsam ma' mistoqsija sempliċi. Fil-konklużjoni tas-SC jissemmew l-anġli u l-qaddisin kollha. Imma fejn hi l-Verġni Marija? Min jaf jekk, fis-skiet apparenti dwar Marija, l-awtur hux qiegħed ukoll jitkellem b'mod simboliku, jiġifieri, li jħallat ir-rwol ta' *Madonna Povertà* ma' dak tal-Verġni fqajra ta' Nażaret?

# ANONIMO PERUGINO

## INTRODUZZJONI

Fl-1671 il-Ġiżwita Daniel Papebroch skopra manuskritt fil-kunvent ta' San Francesco al Prato f'Perugia. Papebroch (1628-1714) kien membru ta' grupp ta' studjużi Ġiżwiti li iddedikaw ħajjithom għall-edizzjoni kritika tal-ħajjiet tal-qaddisin. Dan il-grupp ta' studjużi baqgħu magħrufin bħala Bollandisti, wara Jean Bolland (1596-1665) li kien beda l-pubblikazzjoni ta' l-*Acta Sanctorum*.

Billi dan il-manuskritt instab Perugia u l-awtur tiegħu ma kienx magħruf, malajr beda jissejjaħ *Anonimo Perugino* [AP]. Il-manuskritt irċieva ftit attenzjoni fl-1675 u fl-1768, imma qatt ma ġie ippubblikat b'mod sħiħ qabel l-1902, meta ħa ħsieb jippubblika edizzjoni kritika tiegħu Ġiżwita ieħor, Francis Van Ortroy, "La Leggenda Latina di S. Francesco secondo l'Anonimo Perugino", *Miscellanea Franciscana* 9 (1902) 33-48.

Stefano Rinaldi fl-1808 kien għamel kopja ta' manuskritt ieħor li kien skopert fl-1765 u kien jinsab fil-kunvent tas-Santissimi Dodici Apostoli f'Ruma. L-oriġinal illum hu mitluf. Imma mit-test ta' Rinaldi, Lorenzo Di Fonzo OFMConv, fl-1972, ħareġ l-edizzjoni kritika tiegħu, "L'Anonimo Perugino Tra le Fonti Francescane del Secolo XIII: Rapporti Letterari e Testo Critico", *Miscellanea Franciscana* 72 (1972) 117-483.

Fl-1979 Pierre Beguin ippubblika studju profond bit-titlu: *L'Anonyme de Pérouse. Un Témoin de la Fraternité Franciscaine Primitive Confronté aux Autres Sources Contemporaines*, Paris, Éditions Franciscaines, 1979.

Lorenzo Di Fonzo segwa t-tradizzjoni manuskritta, u ta titlu itwal lill-*Anonimo Perugino*: *Il-bidu jew it-twaqqif ta' l-Ordni u l-atti ta' dawk il-patrijiet Minuri li fir-reliġjon kienu l-ewwel sħab ta' l-Imqaddes Franġisku*. Żewġ kelmiet fit-titlu, *religio* (reliġjon) u *ordo* (ordni), għalkemm jidhru sinonimi, jixħtu dawl fuq il-valur storiku ta' din il-bijografija qasira. Din il-ħajja ta' S. Franġisk hi deskrizzjoni ta' kif il-moviment li hu waqqaf kiber minn fraternità ta' aħwa li bdew jgħixu ma' Franġisku f'Ordni uffiċjali, li l-Knisja tagħtih Regola u ddaħħlu fl-istituzzjoni tagħha.

L-AP jipprovdi ritratt mill-isbaħ ta' l-ewwel fraternità Franġiskana. Billi jsemmi l-"ewwel sħab ta' l-Imqaddes Franġisku", it-titlu u l-prologu juru l-interess li kellu l-awtur fil-bidunett tal-fraternità Franġiskana fl-ambjent ta' Assisi li fih twieldet. L-AP hi ħajja fejn il-protagonista mhuwiex S. Franġisk waħdu. Miegħu hemm l-aħwa li bdew jgħixu l-istess forma ta' ħajja evanġelika tiegħu. Il-fraternità hi ippreżentata bħala l-kuntest li fih l-idejali ta' l-Evanġelju jiġu inkarnati fil-ħajja ta' Franġisku u l-ewwel aħwa tiegħu.

Din l-attenzjoni ġdida fuq il-fraternità Franġiskana tal-bidu tagħti karatteristika unika lill-AP bħala ħajja differenti mill-ħajjiet miktubin minn Tommaso da Celano u Julian ta' Speyer. Skond l-istudjużi, sittin fil-mija tal-materjal kontenut fl-AP hu ġdid, filwaqt li l-kumplament jittieħed mill-1C.

Id-dettalji li jingħataw setgħu joħorġu biss mill-pinna ta' xi ħadd mill-aħwa li kien jaf lil Franġisku: *jiena li rajt l-għemejjel tagħhom, li smajt kliemhom, u li kont ukoll dixxiplu tagħhom* (Prologu). Ir-rakkont juri ċerta intimità u familjarità uniċi, li fihom ma nsibux l-element polemiku li daħal fil-Fonti Franġiskani lejn tmiem is-seklu XIII u l-bidu tas-seklu XIV. Dan kollu, flimkien mal-kunvent ta' San Francesco al Prato ta' Perugia, fejn instab il-manuskritt, wasslu lil Di Fonzo u Beguin biex jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq dan il-post u fuq perjodu partikulari ta' l-istorja Franġiskana li ma setax kien ħafna 'l bogħod minn S. Franġisk.

Il-kunvent ta' San Francesco al Prato kien għex għal xi żmien fih Fra Egidio, wieħed mill-ewwel aħwa ta' S. Franġisk. Hu kien miet fl-1262. L-istudjużi mall-ewwel ħasbu li l-AP kellu xi rabta ma' Fra Egidio, jew almenu ma' xi wieħed mill-aħwa li kienu jafu lil Fra Egidio. Fil-fatt, huma skoprew li wieħed minn dawn l-aħwa kien ċertu fra Giovanni da Perugia (+ c.1270), li kien sieħeb fra Egidio u fra Bernardo da Quintavalle. Hi opinjoni ta' l-istudjużi moderni li l-famuż *Anonimo Perugino* hu, fil-fatt, fra Giovanni da Perugia, awtur ta' din il-ħajja.

Rigward id-data, l-istudjużi ħafu xi idejiet mill-istess dettalji li jagħti l-awtur, li jsemmi l-mewt ta' fra Silvestro (4 ta' Marzu 1240) u li l-Papa Girgor IX kien għadu ħaj (miet fit-22 ta' Awissu 1241). Għaldaqstant, l-AP jiġi datat bejn dawn iż-żewġ ġrajjiet.

Għalkemm l-AP jidher li hu ftit eqdem mil-L3C bħala dokument storiku, għażilna li l-ewwel inġibu noti aktar dettaljati fil-każ tal-L3C, filwaqt li, fil-każ ta' l-AP għamilna biss dawk in-noti li huma speċifiċi għal din il-ħajja, u nirreferu lill-qarrej għan-noti tal-L3C fil-każijiet l-oħrajn kollha.

# ANONIMO PERUGINO

[Prologu]

[491] 2 Billi l-qaddejja tal-Mulej ma għandhomx ma jkunux jafu dwar il-ħajjiet u t-tagħlim ta' rġiel qaddisin, li bihom jistgħu jaslu għand Alla, għaldaqstant, għall-ġieħ ta' Alla u l-edifikazzjoni tal-qarrejja u tas-semmiegħa, jiena li rajt l-għemejjel tagħhom, li smajt kliemhom, u li kont ukoll dixxiplu tagħhom, nirrakkonta u niġbor flimkien, skond kif tgħallimt mill-ispirazzjoni divina, xi atti tal-wisq imqaddes Missier tagħna Franġisku u xi oħrajn mill-aħwa li daħlu fil-bidunett tar-Reliġjon[240].

Kapitlu I
Dwar kif San Franġisk beda jaqdi lil Alla.

[492] 3 Wara li għaddew 1207 sena mill-inkarnazzjoni tal-Mulej, fis-16 ta' April[241], billi Alla ra li l-poplu tiegħu, li Ibnu l-Waħdieni kien feda bid-demm l-aktar għażiż tiegħu, kien nesa l-kmandamenti tiegħu u kien ingrat għat-tjubija tiegħu, hekk li kien jistħoqqlu l-mewt, Hu kien wera ħniena miegħu għal żmien twil, għax *ma riedx il-mewt tal-bniedem il-ħażin, imma li jindem u jgħix* (cfr. Eżek 33,11), u bil-ħniena l-aktar twajba tiegħu hu tqanqal biex *jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu* (cfr. Mt 9,38).

Hu dawwal lil bniedem, li kien mill-belt ta' Assisi, u li kien jismu Franġisku, li kien neguzjant fis-sengħa tiegħu, u li kien ħali għall-aħħar fil-ġid tad-dinja.

[493] 4 Jum minnhom kien fil-ħanut, li fih soltu kien ibiegħ id-drapp, u waqt li kien mitluf b'ruħu u ġismu fin-negozju, daħal raġel fqir, li beda jittallab il-karità għall-imħabba ta' Alla. Franġisku, li kien aktar moħħu fil-għana u fil-kura tan-negozju, bagħtu 'l barra mingħajr ma tah il-karità. Meta dan ħareġ, mimsus mill-grazzja divina, hu beda jakkuża lilu nnifsu minħabba l-guffaġni tiegħu[242] u jgħid: "Li kieku dak ir-raġel fqir talbek il-karità f'isem xi Konti jew Baruni kbir, inti ċertament kont tagħtihielu. Kemm aktar mela kellek tagħmel dan meta talbek għas-*Sultan tas-Slaten* u *l-Mulej* ta' kulħadd (cfr. Apok 17,14)?

Minħabba din il-ħaġa, u iddeċieda fil-qalb tiegħu, li minn dak in-nhar 'il quddiem ma kienx se jiċħad li jagħti karità lil min jitolbu f'isem Mulej hekk kbir. U reġa' sejjaħ lura lil dak it-tallab u tah il-karità.

---

[240] Il-kelma latina *religio* tfisser "ħajja reliġjuża", li fiha persuni jintrabtu li jaqdu lil Alla permezz ta' voti. Il-kelma *ordo* tfisser "ordni", li ġuridikament tindika istituzzjoni reliġjuża li l-Knisja tapprovaha permezz ta' Regola.
[241] Jiġifieri fis-16 ta' April 1208.
[242] L-espressjoni latina hi *magna rusticitas,* li tindika atteġġjament għal kollox kontra r-regoli tal-*cortesia* kavallereska, li fiha kien imħarreġ Franġisku.

O qalb mimlija b'kull grazzja, mimlija għemejjel tajba u mdawwla! O proponiment sħiħ u qaddis, li warajk hemm tħabbira ta' l-għaġeb u mhux mistennija għall-ġejjieni. Ma għandniex ċertament nistagħġbu, għax l-Ispirtu s-Santu hekk qal permezz ta' Isaija: *Jekk int qalbek toħroġ għall-imġewwaħ, u xxabba' qalb l-imnikket, mbagħad id-dawl tiegħek ifiġġ fid-dlam, u s-swied tiegħek ikun bħan-nofsinhar* (Is 58,10) u: *Jekk taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ, u ddaħħal f'darek lill-imsejken bla saqaf, quddiemek timxi l-ġustizzja tiegħek* (Is 58,7-8).

[494] 5 Wara ftit taż-żmien, ħaġa ta' l-għaġeb ġrat lil dan ir-raġel qaddis, li jien jidhirli li ma għandniex inħalluha tgħaddi fis-skiet. Waqt li kien rieqed lejl minnhom fis-sodda tiegħu, deherlu xi ħadd li sejjaħlu b'ismu, u ħadu f'palazz ta' sbuħija li ma tfissirhiex, li kien mimli armi militari, u xwabel ileqqu immarkati bis-slaleb imdendlin mal-ħitan.

Meta hu staqsa ta' min kienu dawk l-armi jleqqu b'tant dija u ta' min kien dak il-palazz, dak li kien qiegħed jiggwidah qallu: "Dawn kollha u l-palazz huma tiegħek u tal-kavallieri tiegħek".

Malli qam beda jinterpreta din il-ħolma skond il-modi tad-dinja, bħal xi ħadd li kien għadu ma daqx għal kollox l-Ispirtu ta' Alla, u immaġina li kellu jsir xi prinċep famuż. Wara li dam jaħseb ħafna fuq dan, hu iddeċieda li jsir kavallier, sabiex ikun jista' jakkwista dan il-prinċipat. Għalhekk hu ħejja ruħu biex imur mal-konti Gentile[243], u ħejja ħafna ilbies prezzjuż, sabiex imur miegħu fil-Puglie ħalli jsir kavallier.

Kulħadd stagħġeb meta kien jarah ferħan aktar mis-soltu. Meta kienu jistaqsuh ir-raġuni għal dan il-ferħ tiegħu hu kien iweġibhom: "Naf li għad insir Prinċep kbir".

[495] 6 Wara li akkwista żagħżugħ biex iżommlu t-tarka, rikeb iż-żiemel u telaq lejn il-Puglie.

Meta wasal Spoleto kien kollu preokkupat dwar dan il-vjaġġ tiegħu, u billi kien daħal il-lejl ħejja ruħu biex jorqod. Waqt li kien nofsu rieqed sema' leħen li għal tliet darbiet staqsieh fejn ried imur. Hu kixef fid-dettal x'kien il-pjan ta' ħajja tiegħu[244]. U l-leħen staqsieh: "Min jista' jkunlek l-aktar ta' ġid, is-Sid jew il-qaddej?" Hu wieġeb: "Is-Sid". "Mela, għaliex qiegħed titlaq lis-Sid biex tmur wara l-qaddej, u l-Prinċep biex tmur wara dak li jiddependi minnu?" Għal dan Franġisku staqsa: "*Xi tridni nagħmel, Mulej?*" (cfr. Atti 9,6). "*Erga' lura lejn artek* (cfr. Ġen 32,9), u *l-Mulej jurik dak li għandek tagħmel*" (cfr. Atti 22,10).

Deherlu li l-grazzja divina mall-ewwel biddlitu fi bniedem ġdid.

[243] Il-latin jgħid *ad comitem Gentilem*, li tista' tiġi tradotta sempliċement bħala "konti ġentili", imma jidher ukoll li din tista' tkun isem proprju. L-istorja titkellem minn Gentile dei Paleari, konti di Monoppello, li kien qiegħed iħares f'isem il-Papa is-Saltna ta' Federiku II, li kien għadu minorenni.

[244] Il-kelma latina hi *propositum*. Fil-medjuevu kienet tindika għamla jew forma ta' ħajja evanġelika li l-Knisja kienet tapprova uffiċjalment. Il-movimenti pentienzjali tal-medjuevu kellhom *propositum*, kif kellu Franġisku u l-ewwel Patrijiet Minuri, meta ippreżentawh lill-Papa Innoċenz III fl-1209-10.

[496] 7 Malli sebaħ il-għada, reġa' lura lejn beltu, kif kien ġie ikkmandat jagħmel.

Hu u rieġa lura, meta wasal Foligno, biegħ iż-żiemel li kien riekeb kif ukoll ħwejġu li kien akkwista qabel telaq lejn il-Puglie, u libes ħwejjeġ aktar umli[245].

Meta reġa' lura minn Foligno lejn Assisi, iġorr il-flus li kien qala' meta biegħ l-affarijiet tiegħu, wasal qrib il-knisja mibnija għall-ġieħ ta' San Damiano, u hemmhekk sab li kien joqgħod ċertu qassis fqir jismu Pietro[246], u tah il-flus biex iżommhom hemm. Imma l-qassis ma riedx iżomm il-flus, għax ma kellux post żgur fejn seta' jqiegħdu. Meta *l-bniedem ta' Alla* Franġisku (cfr. 2Slat 6,9.10) semgħu jgħid dan, hu li kien iqis il-flus bla valur, xeħet il-borża fil-ħoġor ta' tieqa ta l-imsemmija knisja..

Imbagħad, misjuq mill-Ispirtu ta' Alla, billi ra li dik il-knisja kienet għodda se tiġġarraf u kienet fqira, bl-istess flus iddeċieda li jsewwi l-ġebel tagħha, u li jibda jgħix hemmhekk, sabiex jibda jagħmel xi ħaġa ħalli jeħlisha u jsewwiha minn dik il-qagħda miżera li kienet fiha. Wara ftit taż-żmien, bl-approvazzjoni ta' Alla, hu wettaq dan il-ħsieb tiegħu.

[497] 8 Malli missieru sema' b'dan kollu, billi kien iħobbu biss b'imħabba tal-ġisem u kellu kilba għall-flus, hu beda jitlagħlu bl-ikrah għalih, u kien jgħajjar lil Franġisku b'diversi insulti, u jitolbu lura l-flus.

Quddiem l-Isqof ta' Assisi, Franġisku mall-ewwel radd lura l-flus u l-ħwejjeġ li kien liebes lil missieru. Hu baqa' għeri taħt il-kappa ta' l-istess Isqof, li għannqu miegħu fl-għera tiegħu.

Issa mingħajr l-ebda ħwejjeġ materjali, hu libes ħwejjeġ mill-aktar umli u ta' min jistmerrhom, u reġa' lura lejn dik il-knisja biex jgħix hemmhekk. Il-Mulej mela b'kull ġid lil dan il-fqir u mistmerr; hu imlieh bl-Ispirtu qaddis tiegħu, qiegħedlu fuq fommu l-kliem tal-ħajja, biex ikun jista' jippriedka u jxandar fost il-bnedmin il-ġudizzju u l-ħniena, il-kastig u l-glorja, u biex ireġġa' lura l-imħuħ tal-bnedmin għall-kmandamenti ta' Alla li kienu insew[247]. *Il-Mulej għamlu prinċep fuq il-kotra tal-ġnus* (cfr. Ġen 17,4; 45,8), għax bih Alla ġabar il-bnedmin mid-dinja kollha f'għaqda waħda.

Il-Mulej *mexxieh minn toroq dritti* (cfr. Għerf 10,10) u dojoq. Hu ma kienx jixtieq li jkollu *deheb*, jew *fidda*, jew flus, jew li *jippossjiedi* xi ħaġa oħra (cfr. Mt 10,9), imma ried li jimxi wara l-Mulej fl-umiltà, fil-faqar u fis-sempliċità ta' qalbu.

---

[245] L-episodju ta' Franġisku li jbiegħ iż-żiemel fil-belt ta' Foligno, fil-Fonti l-oħrajn hi marbuta pjuttost ma' l-episodju tal-Kurċifiss ta' San Damiano.

[246] AP hu l-unika Fonti li tagħtina l-isem tal-qassis ta' San Damiano.

[247] Dan il-paragrafu hu ispirat mill-istil ta' predikazzjoni penitenzjali li Franġisku jitlob lill-aħwa tiegħu biex jagħmlu fir-RegB 9,4: "Ingħidulhom dwar il-vizzji u l-virtù, dwar it-tbatija u l-glorja, u dan fil-qosor, għax fuq din l-art il-Mulej taħdidiet qosra għamel".

[498] 9 Kien jimxi ħafi, kien jilbes tonka mistmerra, u kien jitħażżem b'ħabel bla ebda valur.

Kull fejn kien jiltaqa' miegħu missieru, imqanqal minn niket kbir, kien jisħtu. Għal dan ir-raġel qaddis kien jieħu miegħu tallab xiħ jismu Alberto[248], u kien jitlob lilu biex ibierku.

Ħafna nies kienu jiddieħqu bih, u kienu jinsulentawh b'ħafna kliem iebes. Kważi kulħadd kien iqisu miġnun. Imma hu ma kienx jagħti kas, u lanqas ma kien ifittex li jweġibhom; imma b'kull kura kien jitħabat biex iwettaq il-ħidma li Alla kien urieh. Għax hu ma kienx jimxi bil-kliem qawwi ta' l-għerf tal-bnedmin, *imma bil-wiri ta' l-Ispirtu u l-qawwa* (cfr. 1Kor 2,4.13).

Kapitlu II
Dwar l-ewwel żewġ aħwa li mxew wara l-imqaddes Franġisku.

[499] 10 Meta raw u semgħu dan kollu, żewġ irġiel mill-belt ta' Assisi, imnebbħin miż-żjara tal-grazzja divina, marru għand Franġisku bl-umiltà. Wieħed minnhom kien fra Bernardo u l-ieħor fra Pietro[249]. Huma qalulu bis-sempliċità: "Aħna rridu niġu miegħek minn issa 'l quddiem, u nagħmlu dak li tagħmel int. Għidilna, għalhhekk, x'irridu nagħmlu b'dawk il-ħwejjeġ li għandna". Mimli hena għall-miġja u l-proponiment tagħhom, hu weġibhom bil-ħlewwa: "Imxu mmorru infittxu l-parir tal-Mulej".

Għaldaqstant marru f'waħda mill-knejjes tal-belt, u malli daħlu fiha niżlu għarkubbtejhom bl-umiltà u talbu hekk: "Mulej Alla, Missier tal-glorja, nitolbuk biex għall-ħniena tiegħek turina dak li għandna nagħmlu". Malli temmew it-talba tagħhom qalu lill-qassis ta' l-istess knisja, li kien preżenti hemmhekk: "*Messere*, urina l-Evanġelju tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu".

[500] 11 Malli l-qassis fetaħ il-ktieb, billi qabel dan il-fatt ħadd minnhom ma kien jaf jaqra tajjeb, huma mall-ewwel sabu ejn kien hemm miktub: *Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema* (Mt 19,21). Għal darb'oħra reġgħu fetħuh u sabu: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja* (Mt 16,24), u dak li jiġi wara. Fetħuh għat-tielet darba u sabu: *Tieħdu xejn magħkom għat-triq* (Lq 9,3). Malli semgħu dan *huma ferħu b'ferħ kbir* (cfr. Mt 2,10), u qalu: "Dan hu dak li nixtiequ, dan hu dak li qegħdin infittxu". L-imqaddes Franġisku qal ukoll: "Din hi r-regola tagħna". Imbagħad qal lit-tnejn li huma: "Morru u agħmlu skond kif smajtu mill-parir tal-Mulej".

Imbagħad fra Bernardo li kien għani ħafna, mar u biegħ kull ma kellu, u qala' kemxa flus ġmielha. Fra Pietro, mill-banda l-oħra, kien fqir mill-ġid materjali imma kien sar għani fil-ġid spiritwali. Għaldaqstant hu wkoll għamel dak li l-Mulej tah il-parir li jagħmel. Imbagħad huma sejħu lin-nies foqra tal-belt, u qassmulhom il-flus li kienu qalgħu mill-bejgħ ta' dak li kienu jippossjiedu.

---

[248] Hawn ukoll l-AnonPer hu l-unika Fonti li tagħtina l-isem tat-tallab misterjuż li Franġisku adottah bħala "missieru".
[249] Tommaso da Celano, fil-Vita S. Francisci, 25, ma jispeċifikax min kien dan it-tieni sieħeb ta' S. Franġisk. L-AnonPer hu l-ewwel Fonti li tagħtina ismu, u diversi studjużi tal-ħajja ta' S. Franġisk iqisu li dan kien fra Pietro Cattani, li kien sar l-ewwel vigarju ta' Franġisku u li miet fl-10 ta' Marzu 1221.

[501] 12 Waqt li kienu qed jagħmlu dan, u l-imqaddes Franġisku kien preżenti, ġie qassis jismu Silvestro, li kien biegħ xi ġebel lill-imqaddes Franġisku biex dan isewwi l-knisja ta' San Damniano, fejn hu kien joqgħod qabel ma ingħaqdu miegħu l-aħwa.

Mela meta dan il-qassis rahom iqassmu flushom b'tant ġenerożità, hu li kien maħkum minn kilba kbira għall-ġid, beda jixtieq li jirċievi ftit minn dak il-flus. Għalhekk qal: "Franġisku, inti għadek ma ħallastnix tajjeb tal-ġebel li xtrajt mingħandi". Meta l-imqaddes Franġisku semgħu igemgem b'dan il-mod inġust, hu, li kien ċaħad għal kull kilba tal-ġid, resaq lejn fra Bernardo u daħħal idu fil-mant tiegħu fejn kellu l-flus, u ħareġ idu mimlija bil-flus u tahom lill-qassis. Imbagħad reġa' daħħal idu fil-mant għat-tieni darba, ħareġ xi flus kif kien għamel qabel, u reġa' tahom lill-qassis, filwaqt li qallu: "Issa għandek il-ħlas kollu?" Hu wieġbu: "Għandi l-ħlas sħiħ". Malli qal hekk il-qassis reġa' lura lejn daru.

[502] 13 Wara ftit jiem l-istess qassis, imnebbaħ minn Alla, beda jaħseb fuq dak li kien għamel l-imqaddes Franġisku, u beda jgħid: "Issa jien minix raġel ta' min jitħassru, meta għalkemm jien xjaħt, għadni nixxennaq u nfittex il-ħwejjeġ ta' din id-dinja, filwaqt li dan iż-żagħżugħ jiddisprezzahom u jiċħadhom għall-imħabba ta' Alla?"

Il-lejl ta' wara *hu ra fil-ħolm* Salib kbir ħafna, li l-quċċata tiegħu *kienet tmiss is-sema* (cfr. Ġen 28,12), filwaqt li *riġlejh kien* fil-fomm ta' l-imqaddes Franġisku. Id-dirgħajn ta' l-istess Salib kienu jinfirxu minn naħa għall-oħra tad-dinja.

Malli dan il-qassis qam, hu emmen li l-imqaddes Franġisku kien tassew il-veru ħabib ta' Alla, u li r-Reliġjon li hu waqqaf kellha tinfirex mad-dinja kollha. Minn dak il-ħin beda jibża' minn Alla u jgħix il-penitenza fid-dar tiegħu. U wara li għadda ftit taż-żmien, daħal fl-Ordni tal-patrijiet, u għex tajjeb sal-mewt glorjuża tiegħu[250].

## Kapitlu III
## Dwar l-ewwel post li fih kienu jgħixu l-aħwa u dwar il-persekuzzjoni li sofrew minn qrabathom.

[503] 14 Wara li Fra Bernardo u Fra Pietro, kif għidna diġà, biegħu l-ġid kollu tagħhom u *qassmu lill-foqra flushom* (cfr. Lq 18,22), huma bdew jilbsu bħall-bniedem ta' Alla l-imqaddes Franġisku, u ingħaqdu miegħu.

Billi ma kellhomx post fejn joqogħdu, huma marru sabu knisja fqajra u li kienet għoddha iġġarrfet, li n-nies kienu jsejħulha Santa Marija tal-Porziuncola. Hemmhekk bnew dwejra fejn kienu jgħixu flimkien.

---

[250] Skond Arnaldo Fortini, Silvestro kien kanonku tal-kattidral ta' San Rufino, li l-konverżjoni tiegħu seħħet ftit żmien wara dik ta' Bernardo u Pietro. Hu kien l-ewwel qassis li ingħaqad mal-fraternità tal-bidu, għalkemm ma kienx wieħed mit-tnax l-aħwa li akkumpanjaw lil Franġisku lejn Ruma għall-approvazzjoni tal-propositum vitae. Hu ingħaqad fl-Ordni meta dawn irritornaw Assisi fl-1210. Billi miet fl-4 ta' Marzu 1240, din is-silta tindika li l-AP beda jikteb ftit taż-żmien wara din id-data.

Wara tmint ijiem ġie għandhom raġel jismu Egidio, li kien mill-istess belt, u kien raġel devot u mimli fidi, li l-Mulej kien tah ħafna grazzji. Bil-qima u riverenza kbira, *għarkubbtejh talab* (cfr. Mk 10,17) lill-imqaddes Franġisku biex jistħoqqlu jilqgħu fil-kumpanija tiegħu. Malli l-imqaddes Franġisku sema' u ra dan, hu imtela bil-ferħ, u laqgħu miegħu malajr u bil-qalb kollha. Hekk l-erbgħa li kienu kienu mimlija bil-ferħ u *imtlew b'ferħ kbir spiritwali* (cfr. Mt 2,10).

[504] 15 L-imqaddes Franġisku ħa miegħu lil fra Egidio u flimkien marru fil-Marche ta' Ancona, filwaqt li t-tnejn l-oħrajn baqgħu f'posthom. Huma u mexjin kienu jifirħu mhux ftit fil-Mulej. Il-bniedem ta' Alla Franġisku kien jifraħ b'leħen mill-aktar ċar, billi kien ikanta bl-ilsien Franċiż, u *jfaħħar u jbierek lill-Mulej* (cfr. Lq 24,53).

Fil-fatt, huma kienu mimlijin b'abbundanza ta' ferħ, daqslikieku kienu sabu teżor kbir. Huma setgħu jifirħu daqshekk, għaliex huma kienu ħallew kollox warajhom u kienu jqisu bħal demel dak li l-kumplament tal-bnedmin tant jinkwetaw fuqu. Huma kienu jqisu bħala morr dak li l-bnedmin tad-dinja jixxennqu għalih, u li tant iġib miżerja u dwejjaq lil min jintrabat miegħu.

L-imqaddes Franġisku kien jgħid lil sieħbu u ħuh Eġidio: "Ir-Reliġjon tagħna *tixbaħ lil sajjied li jixħet ix-xbiek tiegħu* fl-ilma, u *jaqbad kotra ta' ħut*. Meta jara dik il-kwantità ta' ħut, hu *jqiegħed il-kbar fil-kannestri tiegħu* (cfr. Mt 13,47-48), u ż-żgħar jerġa' jħallihom fl-ilma". Egidio kien jistagħġeb bil-qawwa b'din il-profezija li l-Qaddis kien qiegħed ilissen b'fommu, għax hu kien jaf kemm kien żgħir in-numru ta' l-aħwa.

Il-bniedem ta' Alla ma kienx għadu jippriedka lill-poplu. Meta *kien jgħaddi mill-bliet u l-kastelli* (cfr. Mt 9,35; Lq 8,1), hu kien iħeġġeġ lill-irġiel u nisa biex jibżgħu u jħobbu lill-Ħallieq tas-sema u l-art, u jagħmlu penitenza minn dnubiethom[251]. Fra Egidio kien iwieġeb u jgħid: "Qiegħed jgħid sewwa. Emmnuh".

[505] 16 Malli kienu jisimgħuhom, kien jgħidu wieħed lill-ieħor: "Min huma dawn, u xi kliem qegħdin jgħidu?"

Xi wħud minnhom kienu jgħidu li dawn kienu boloh jew fis-sakra. Xi oħrajn kienu jgħidu: "Il-kliem li hu ħiereġ minn fommhom mhuwiex kliem ta' nies boloh". Wieħed minnhom weġibhom: "Jew dawn qed jingħaqdu mal-Mulej minħabba l-ogħla perfezzjoni, jew inkella qegħdin jiġġennu, għaliex il-ħajja tal-ġisem tagħhom tant tidher mgħakksa. Jimxu ħafjin, jilbsu lbies imċerċer, u jieklu kemm kemm jitrejqu". Għalhekk ma kienux imorru warajhom. In-nisa żgħażagħ, meta kienu jarawhom mill-bogħod, kienu jaħarbu minnhom għax kienu jibżgħu li jintrebħu mill-bluha tagħhom. Għalkemm kważi ħadd ma kien imur warajhom, in-nies kienu jibqgħu milqutin mill-għamla qaddisa tal-ħajja tagħhom li biha kienu jidhru immarkati minħabba l-Mulej.

---

[251] Dan hu l-istil tipiku tal-predikazzjoni penitenzjali Franġiskana, li nsibu eżempju tagħha fil-kapitlu 22 tar-*Regola mhux Bullata*: "L-aħwa tiegħi kollha, kull meta jogħġobhom, jistgħu jxandru ma' kull xorta ta' nies, bil-barka ta' Alla, dan il-kliem ta' ħeġġa u tifħir, jew xi ieħor bħalu: Ibżgħu u qimu, faħħru u bierku, roddu ħajr u aduraw lill-Mulej Alla li jista' kollox, lit-Trinità u l-Unità, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, Ħallieq ta' kollox. Agħmlu penitenza, agħmlu frott xieraq ta' penitenza għax dalwaqt immutu".

Wara li huma kienu daru dik il-provinċja, reġgħu lura fil-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola.

[506] 17 Wara li għaddew ftit ġranet, tliet irġiel oħrajn mill-belt ta' Assisi ġew għandhom, jiġifieri fra Sabbatino, fra Giovanni u fra Morico l-qasir. Huma talbu bl-umiltà lill-imqaddes Franġisku biex jilqagħhom fil-kumpanija tiegħu. Hu laqagħhom mall-ewwel bil-ħlewwa kollha.

Meta kienu joħorġu fil-belt jittallbu karità, kważi ħadd ma kien ikun irid jagħtihom; imma kienu jgħidulhom: "Intom ħlistu mill-ġid li kellkom, u issa tridu tieklu mill-ġid ta' l-oħrajn". U hekk kienu jsofru nuqqas kbir. Il-qraba tagħhom u l-familji tagħhom kienu jippersegwitahom. Oħrajn mill-istess belt, żgħar u kbar, irġiel u nisa, kienu jiddisprezzawhom u jidħqu bihom u kienu jqisuhom bla sens u boloh, ħlief biss l-Isqof tal-belt, li għandu Franġisku kien imur ta' spiss biex jitolbu l-pariri tiegħu.

Minħabba dan il-qraba u l-familji tagħhom kienu jippersegwitawhom, u oħrajn kienu jidħqu bihom, għax dak iż-żmien ma kont issib lil ħadd li kien iħalli kollox warajh biex imur jittallab il-karità bieb, bieb.

Jum minnhom, meta Franġisku mar għand l-Isqof, dan qallu: "Jidhirli li l-ħajja tagħkom hi iebsa u ħarxa ħafna, għax intom ma għandkom xejn bħala tagħkom fid-dinja". Għal dan il-qaddis ta' Alla wieġbu: "*Messere,* kieku kellna l-ġid, kien ikollna bżonn l-armi biex niddefenduh, għax dan iqajjem ħafna inkwiet u kawżi fil-qrati, kif ukoll itellef l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Għalhekk aħna ma rridu li jkollna xejn tagħna f'din id-dinja".

Din it-tweġiba għoġbot lill-Isqof.

Kapitlu IV
Dwar kif kien iwissi lill-aħwa u kien jibgħathom fid-dinja.

[507] 18 L-imqaddes Franġisku, billi kien *mimli bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 6,5.8), kien iħabbar minn qabel dak li kellu jiġri lill-aħwa. Hu sejjaħ lejh is-sitt aħwa li kellu, fil-bosk ħdejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, fejn kienu jmorru ta' spiss biex jitolbu, u qalilhom: "Ħuti għeżież, inqisu l-vokazzjoni tagħna, kif il-Mulej sejħilna fil-ħniena tiegħu mhux biss għall-ġid tagħna imma wkoll għall-ġid u salvazzjoni ta' bosta oħrajn. Ejjew mela mmorru fid-dinja, inħeġġu u ngħallmu lill-irġiel u nisa bil-kliem u l-eżempju tagħna, biex jagħmlu penitenza minn dnubiethom u jiftakru fil-kmandamenti tal-Mulej, għax ilhom żmien twil li insewhom".

Kien jgħidilhom ukoll: *Tibżgħu xejn, merħla ċkejkna* (Lq 12,32), imma jkollkom fiduċja fil-Mulej. U toqogħdux tgħidu bejnietkom: 'Aħna li aħna tant sempliċi u bla skola, kif nistgħu nippriedkaw?' Imma ftakru fil-kliem tal-Mulej, li hu kien qal lid-dixxipli tiegħu meta qalilhom: *Għax mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom ikun qiegħed jitkellem permezz tagħkom* (Mt 10,20). L-istess Mulej *jagħtikom spirtu u għerf* (cfr. Lq 21,15) biex tħeġġu u tippriedkaw lill-irġiel u nisa ħalli jagħrfu t-triq u l-ħidma tal-kmandamenti. Issibu bnedmin ta' fidi, li huma mansweti, umli u mimlija ħlewwa, li jilqgħu lilkom u l-kliem tagħkom b'ferħ u

mħabba kbira. Issibu wkoll oħrajn bla fidi, *faħħara u midgħajja* (cfr. 2Tim 3,2), li jieqfulkom u jwaqqgħu għaż-żufjett lilkom u l-kliem tagħkom. Għaldaqstant, għamlu proponiment li tkunu tifilħu ġġarrbu dan kollu f'qalbkom bil-paċenzja u l-umiltà".

Meta l-aħwa semgħu dawn il-kelmiet, huma bdew jibżgħu. Meta l-imqaddes Franġisku rahom jibżgħu, qalilhom: *Tibżgħu xejn* (Mk 16,6). Għandkom tkunu tafu li ftit taż-żmien ieħor għandhom *jiġu għandna bosta għorrief* (cfr. 1Kor 1,26), prudenti u nobbli, u jingħaqdu magħna. Huma se jippriedkaw lill-ġnus u l-popli, lis-slaten u lill-prinċpijiet u ħafna jerġgħu jduru lura lejn il-Mulej. U l-Mulej għad ikattar il-familja tiegħu mad-dinja kollha u jkabbarha".

Meta temm jgħid dan kollu, hu berikhom, u huma telqu għal għonq it-triq.

Kapitlu V
Dwar il-persekuzzjoni li l-aħwa sofrew meta ħarġu fid-dinja.

[508] 19 F'kull triq li fiha dawn il-qaddejja l-aktar devoti tal-Mulej kienu jimxu, u kull meta kienu jiltaqgħu ma' knisja, kemm jekk tkun f'kundizzjoni tajba kif ukoll jekk tkun abbandunata, jew inkella kull meta kienu jiltaqgħu ma' xi salib mal-ġenb tat-triq, huma kienu jmilu quddiemhom u jitolbu bl-akbar ħrara: "Nadurawk, Kristu, u nberkuk, fil-knejjes kollha tiegħek li jinsabu fid-dinja kollha, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja". Hemmhekk kienu jemmnu u jħossu li kienu sabu l-post fejn il-Mulej kien preżenti.

Kull min kien jarahom kien jibqa' skantat u jgħid: "Qatt ma rajna reliġjużi lebsin b'dan il-mod". Huma kienu jidhru differenti minn kulħadd minħabba l-mod kif kienu jilbsu u jgħixu, hekk li kienu donnhom irġiel tal-bosk. Meta *kienu jidħlu f'belt, jew raħal jew dar, kienu jħabbru s-sliem* (cfr. Lq 8,1; 10,5). Kull fejn kienu jaraw irġel jew nisa fit-toroq jew fil-pjazez, kienu jfarrġuhom u jħeġġuhom biex jibżgħu u jħobbu lill-Ħallieq tas-sema u ta' l-art, biex jiftakru fil-kmandamenti tiegħu li kienu insew, u biex jimpenjaw ruħhom biex iwettquhom bl-għemil.

Xi uħud kienu jisimgħu bil-qalb u bil-ferħ, filwaqt li oħrajn kienu jwaqqgħuhom għaż-żufjett. Kienu ħafna dawk li kienu jagħmlulhom mistoqsijiet, hekk li kien sar iebes għalihom biex joqogħdu jwieġbu għal tant mistoqsijiet, għax kull meta ssir xi ħaġa ġdida din ta' spiss tqajjem ħafna mistoqsijiet ġodda. Xi wħud kienu jistaqsuhom: "Minn fejn ġejjin?". Oħrajn kienu jgħidulhom: "Minn liema Ordni intom?" Huma kienu jwieġbu bis-sempliċità: "Aħna irġiel penitenti, u twelidna fil-belt ta' Assisi". Dak iż-żmien ir-Reliġjon ta' l-aħwa kien għadu ma jissejjaħx Ordni.

[509] 20 Ħafna minn dawk li kienu jarawhom u jisimgħuhom kienu jqisuhom qarrieqa jew boloħ. Xi wħud fosthom kienu jgħidu: "Jiena ma rridx nilqagħhom f'dari, li ma jmorrux jisirquli ġidi". Minħabba hekk f'diversi postijiet kienu jimlewhom bl-insulti. Għalhekk huma kienu ta' spiss ifittxu kenn fil-portiċi tal-knejjes jew djar.

Fl-istess żmien tnejn mill-aħwa kienu waslu fil-belt ta' Firenze[252], u wara li daru mal-belt ifittxu fejn idaħħlu rashom, imma ma setgħu jsibu mkien. Waslu għalhekk f'dar, li quddiemha kien hemm portiku u fil-portiku kien hemm forn, u qalu wieħed lill-ieħor: "Hawnhekk nistgħu nistkennu". Għalhekk talbu lil mart is-sid ta' dik id-dar, biex tilqagħhom f'darha. Meta hi ċaħdet mall-ewwel, talbuha biex almenu tħallihom jistkennu għal dak il-lejl ħdejn il-forn.

Hi ħalliethom jagħmlu dan. Imma meta ġie żewġha u sab lill-aħwa fil-portiku ħdejn il-forn, qalilha: "Għax offrejt kenn lil dawn iż-żewġ vagabondi?" Hi wieġbet: "Jiena ma ridtx noffrilhom kenn fid-dar, imma ħallejthom joqogħdu fil-portiku, fejn ma jistgħux jisirqulna xejn, ħlief forsi l-injam tal-forn". Minħabba dan is-suspett lanqas riedu jagħtu xejn lill-aħwa biex jitgħattew bih, għalkemm kien qed jagħmel bard kbir.

Matul dak il-lejl l-aħwa qamu għall-matutin, u marru fl-eqreb knisja.

21 Meta sebaħ, dik il-mara marret fil-knisja biex tisma' l-Quddiesa, u lemħet lill-aħwa jitolbu bid-devozzjoni u l-umiltà. Qalet bejnha u bejn ruħha: "Li kieku dawn l-irġiel kienu ħallelin, kif qalli żewġi, kieku ma kienux jitolbu b'din il-qima kollha".

Waqt li kienet qed taħseb dan kollu, daħal raġel jismu Guido fil-knisja, u beda jqassam il-karità lill-foqra. Meta wasal qrib l-ahwa u ried jagħtihom munita flus bħall-foqra l-oħrajn, huma ma riedux jaċċettawha. Għalhekk qalilhom: "Għaliex ma tridux il-flus bħall-foqra l-oħrajn, intom li jidhirli li intom foqra u bżonnjużi daqshom?" Wieħed minnhom, jismu Bernardo, wieġbu: "Tassew li aħna foqra, imma l-faqar tagħna mhux iebes bħalma hu għall-foqra l-oħrajn, għax aħna sirna foqra bil-grazzja ta' Alla u bil-parir tiegħu".

22 Dan ir-raġel stagħġeb ħafna u staqsiehom jekk huma kellhomx fid-dinja. Huma weġbuh li dak kollu li darba kellhom, kienu tawh lill-foqra għall-imħabba ta' Alla.

Meta mbagħad dik il-mara rat kif l-aħwa ma riedux il-flus, marret ħdejhom u qaltilhom: "Kristjani, jekk intom tridu tiġu fid-dar tiegħi, jiena niltaqgħkom f'dari bil-qalb". L-aħwa weġbuha bl-umiltà: "*Il-Mulej iħallsek*" (cfr. 2Slat 2,6). Meta dak ir-raġel intebaħ li dawk l-aħwa ma setgħux isibu fejn joqogħdu, hu ħadhom miegħu f'daru, u qalilhom: "Dan hu l-post li l-Mulej ħejjielkom biex tistkennu fih. Ibqgħu hawn sakemm tkun tridu". Huma raddew ħajr lil Alla, għax wera l-ħniena tiegħu magħhom (cfr. Lq 1,72), u sema' l-għajta tal-fqajrin tiegħu. U huma baqgħu miegħu għal bosta jiem. Minħabba l-kliem li sema' mingħandhom u l-eżempji tajbin li hu ra fihom, hu sar ħafna aktar ġeneruż mal-foqra wara dawn il-ġrajja.

[510] 23 Għalkemm huma ġew trattati b'tant ħlewwa minn dan ir-raġel, minn ħafna oħrajn kienu meqjusin bħala li ma huma tajbin għal xejn, tant li bosta, kbar u żgħar, kienu jitrattawhom u jkellmuhom kif is-sidien jagħmlu ma' l-iskjavi tagħhom. Billi huma kienu jilbsu l-aktar ilbies fqir u mċerċer, kienu ħafna dawk li kienu jneżżgħuhom biex jidħqu bihom. Huma kienu jibqgħu

---

[252] Skond il-*Vita Fr. Bernardi*, 3, dawn l-aħwa kienu Bernardo u Egidio (cfr. *Vita Fratri Bernardi*, 3, in *Analecta Franciscana* III,37-38).

għerja, għax *kellhom biss libsa waħda* (cfr. Lq 6,29), biex dejjem iħarsu l-forma ta' l-Evanġelju, u hekk ma kienux jitolbuhom lura mingħandhom. Jekk imbagħad dawn kienu jitqanqlu mill-ħniena, u kienu jroddulhom lura lbieshom, huma kienu jilqugħuhom lura bl-qalb.

Xi wħud kienu jixħtulhom it-tajn fuq rashom; oħrajn kienu wkoll ipoġġulhom id-dadi f'idejhom, u jistiednuhom biex jilgħabu. Wieħed mill-aħwa ġarrewh mill-kapoċċ imdendel ma' dahar wieħed sa kemm dan ried iġorru. L-aħwa kienu jsofru dawn l-umiljazzjonijiet u oħrajn bħalhom. Imma aħna mhux se nkomplu ntawwlu fuq dawn l-affarijiet, għax inkella l-kliem tagħna ma jispiċċa qatt. F'kelma waħda, bosta kienu jqisuhom bħala nies ta' min jistmerrhom, tant li kienu jippersegwitahom bla kont u bil-qawwa daqs li kieku kienu nies mill-agħar. Hekk *bil-ġuħ u bil-għatx, fil-ksieħ u fil-għera* (cfr. 1Kor 11,27) kienu jissapportu ħafna tribulazzjonijiet u sofferenzi.

Dan kollu kienu jbatuh bil-kostanza u s-sabar, kif kienu ġew imwissijin mill-imqaddes Franġisku. Huma ma kienux jidhru mifxulin u lanqas imħawwdin, imma kienu jifirħu u jithennew fit-tiġrib tagħhom daqslikieku kienu irġiel li akkwistaw ġid kbir, u kienu *jitolbu* lill-Mulej bil-ħerqa *għal dawk li jippersegwitawhom* (cfr. Mt 5,44).

[511] 24 Meta n-nies kienu jarawhom jifirħu fit-tiġrib tagħhom u jissapportu kollox bis-sabar għall-Mulej, u ma jieqfux milli jitolbu bid-devozzjoni, ma jaċċettawx u lanqas iġorru flus, kif kienu jilqgħuhom il-foqra l-oħrajn, u *jkollhom imħabba kbira bejniethom*, hekk li biha *kulħadd kien jagħrafhom li huma dixxipli tal-Mulej* (cfr. Ġw 13,35), kienu ħafna dawk li bil-ħniena ta' Alla għamlu konverżjoni tal-qalb. Huma kienu jiġu għand l-aħwa u jitolbuhom maħfra ta' kemm offendewhom. Huma kienu jaħfrulhom bil-qalb, u kienu jwieġbuhom bil-ferħ: "Il-Mulej jaħfrilkom". Għaldaqstant, minn dak il-ħin 'il quddiem, ħafna nies kienu jisimgħuhom bil-qalb.

Xi wħud kienu jitolbuhom biex jilqgħuhom fil-kumpanija tagħhom, u huma kienu jilqgħu bosta minnhom, għax dak iż-żmien, minħabba n-numru ċkejken ta' l-aħwa, kull wieħed minnhom kien irċieva mingħand l-imqaddes Franġisku l-awtorità li jdaħħal lil min irid. Fiż-żmien miftiehem, kienu lkoll imorru lura lejn Santa Marija tal-Porziuncola.

## Kapitlu VI
## Dwar il-mod kif kienu jgħixu l-aħwa, u dwar l-imħabba li kellhom lejn xulxin.

[512] 25 Kull darba li kienu jerġgħu jaraw lil xulxin, tant kienu jimtlew bil-ferħ u l-hena spiritwali, li kienu jinsew il-kuntrarjetajiet u l-faqar kbir li kienu sofrew.

Ta' kuljum kienu mehdijin b'ħilithom kollha *fit-talb u fil-ħidma ta' l-id* (cfr. 1Kor 4,12) tagħhom, biex jaħarbu kull għażż, li hu l-għadu tar-ruħ. Bil-lejl, imbagħad, kienu jkunu pronti li jqumu f'nofs il-lejl, skond kif jgħid il-Profeta: *F'nofs il-lejl inqum infaħħrek* (Salm 118,62), u kienu jitolbu b'ħafna devozzjoni u ta' spiss bid-dmugħ.

Kienu jħobbu wieħed lill-ieħor mill-qiegħ ta' qalbhom, u kienu jaqdu u jmantnu lil xulxin, kif omm taqdi u tmantni lil binha. Tant kienet taqbad fihom il-ħuġġieġa ta' l-imħabba, li kienu

jarawha ħaġa żgħira li joffru ġisimhom mhux biss għall-isem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, imma wkoll għal xulxin u bil-qalb.

[513] 26 Jum minnhom, waqt li żewġ aħwa kienu mexjin fit-triq, iltaqgħu ma' bniedem sempliċi f'moħħu li beda jixħtilhom il-ġebel. Wieħed mill-aħwa, meta ra li ġebla minnhom kienet se tolqot lil ħuh, mar jiġri quddiemu, għax minħabba l-ħeġġa ta' l-imħabba li kellhom kien jippreferi li dik il-ġebla tolqot lilu u mhux lil ħuh. Kienu jagħmlu dawn u affarijiet oħrajn bħalhom ta' spiss.

*Kienu jniżżlu għeruqhom fl-imħabba* (cfr. Ef 3,17) u fl-umiltà, hekk li wieħed kien jirrispetta lill-ieħor daqslikieku kien sidu. Kull min fosthom kien jispikka minħabba l-uffiċċju tiegħu jew il-grazzja li jkun irċieva, kien jidher li hu aktar umli u ta' l-ebda importanza mill-oħrajn kollha.

Kollha kemm huma kienu jingħataw bil-qalb kollha għall-ubbidjenza. Hekk kif min jikkmandahom kien jiftaħ fommu, riġlejhom kienu mall-ewwel jiġru, u idejhom kienu jkunu lesti biex iwettqu dak li jikkmandawhom. Kull ħaġa li kienu jiġu ikkmandati jagħmlu, kienu jqisuha bħala r-rieda tal-Mulej. Hekk kien ta' ferħ u faċli għalihom li jwettqu kollox.

*Kienu jiċċaħdu mix-xewqat tal-ġisem* (cfr. 1Pt 2,11), u biex ma jiġux iġġudikati, kienu attenti biex jiġġudikaw lilhom infushom bl-attenzjoni kollha.

[514] 27 Jekk xi ħadd minnhom kien jgħid xi kelma li biha seta' joffendi lil ħuh, tant kien iħossu mċanfar mill-kuxjenza, li ma kienx isib il-paċi qabel ma jistqarr il-ħtija tiegħu. Kien jimtedd għall-qiegħa ta' l-art, u kien jitlob lill-ieħor, għalkemm dan ma kienx ikun irid, li jqiegħedlu riġlejh fuq ħalqu. U jekk dan ma kienx ikun irid, jekk dak li kien qal il-kliem li bihom offendih kien ikun prelat, kien jikkmandah jagħmel dan b'ubbidjenza, inkella kien jitlob prelat ieħor biex jikkmandah[253]. Kienu jagħmlu dawn l-affarijiet biex jeħilsu lilhom infushom minn kull rieda ħażina u biex dejjem iħarsu l-imħabba perfetta lejn xulxin. Għaldaqstant kienu jistinkaw biex jiġġieldu kontra kull vizzju permezz ta' virtù li tirbaħlu.

Dak kollu li kien ikollhom, ktieb jew tonka, kien jiġi użat minn kulħadd, u *ħadd ma kien jgħid li dak li kellu kien tiegħu* (cfr. Atti 4,32), kif kien isir fil-Knisja Apostolika tal-bidu.

Għalkemm fihom kien hemm abbundanza ta' faqar, kienu dejjem ġenerużi, u kienu minn jeddhom jaqsmu l-karità li kienu jagħtuhom ma' dawk li kienu jitolbuhielhom għall-imħabba ta' Alla.

[515] 28 Kull meta kienu jimxu fit-triq u kienu jiltaqgħu ma' nies foqra li jitolbuhom karità, billi ma kienx ikollhom dak li jitolbuhom, kienu jagħtuhom l-istess ħwejjeġ tagħhom. Wieħed

[253] Is-sens tal-kelma latina *prelatus* fit-tradizzjoni Ċisterċensi tindika s-superjur reliġjuż, jiġifieri abbati jew prijur. Il-kelma tintuża seba' darbiet fil-kitbiet ta' S. Franġisk, u turi l-influss tat-tradizzjoni Ċisterċensi fuq il-lingwaġġ ġuridiku Franġiskan. Ma rridux nifhumha fis-sens modern tal-kelma "prelat" bħala isqof, monsinjur, kanonku, eċċ.

minnhom saħansitra qata' barra l-kapoċċ mit-tonka tiegħu biex jagħtih lil wieħed fqir; ieħor qata' barra l-komma u tahielu; ieħor tah parti mit-tonka tiegħu, biex iħarsu l-kliem ta' l-Evanġelju: *Agħti lil kull min jitolbok* (Lq 6,30)[254].

Jum minnhom ġie bniedem fqir fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, fejn kienu jgħixu l-aħwa, u talabhom jagħtuh il-karità. Hemmhekk kien hemm mantell, li wieħed minnhom kellu meta kien għadu jgħix fis-seklu. L-imqaddes Franġisku talab lil dak li tiegħu kien il-mantell, biex jagħtih lil dak il-fqir. Dak tahulu mall-ewwel u bil-qalb. Dak il-ħin stess dak il-patri ħass li, minħabba l-qima u d-devozzjoni li bihom kien ta lil dak il-fqir, il-karità tiegħu kienet telgħet is-sema u hu ħass ruħu mimli bi spirtu ġdid.

[516] 29 Meta l-għonja ta' din id-dinja kienu jmorru jżuruhom, kienu jilqgħuhom mall-ewwel u bil-ħlewwa, u kienu jistednuhom biex jitbiegħdu mill-ħażen u jħeġġuhom biex jagħmlu penitenza.

F'dak iż-żmien, l-aħwa kienu wkoll jitolbu bil-ħerqa biex ma jintbagħtux fl-artijiet fejn kienu trabbew, sabiex hekk jaħarbu mill-familjarità u relazzjoni żejda ma' qrabathom, u jħarsu l-kliem tal-Profeta: *Sirt qisni barrani għal ħuti; ulied ommi ma jagħrfunix* (S 68,9).

Kienu jifirħu l-aktar fil-faqar tagħhom, għax ma kienux jixtiequ l-ebda għana ħlief dik ta' dejjem. Huma qatt ma kellhom deheb jew fidda, u għalkemm kienu jistmerru l-għana ta' din id-dinja, kienu jisħqu taħt saqajhom il-flus aktar mill-għana kollu.

[517] 30 Jum minnhom, meta l-aħwa kienu jgħixu maġenb Santa Marija tal-Porziuncola, ġew xi persuni u daħlu fil-knisja, u ħallew xi flus fuq l-altar mingħajr ma kienu jafu l-aħwa. Imbagħad, wieħed mill-aħwa daħal il-knisja, u malli sab dak il-flus ħadhom u qiegħedhom f'ħoġor it-tieqa tal-knisja. Wieħed ieħor mill-aħwa, meta sab il-flus li dak kien ħalla, ħadu għand San Franġisk.

Malli l-imqaddes Franġisku sema' dan, hu staqsa bir-reqqa liema kien dak fost l-aħwa li sab il-flus hemmhekk. Meta hu sab min kien, ordnalu jiġi għandu u qallu: "*Għaliex għamilt hekk*"? (cfr. Ġen 3,13). Ma kontx taf li jiena rrid li l-aħwa mhux biss jevitaw il-flus, imma lanqas biss imissuhom b'idejhom?" Malli sema' dan, dak baxxa rasu u niżel għarkubbtejh jistqarr il-ħtija tiegħu, filwaqt li talbu jagħtih il-penitenza. Franġisku ordnalu biex jieħu dawk il-flus barra mill-knisja f'ħalqu, u li meta jasal fuq il-ħmieġ ta' ħmar, kellu jqiegħed fuqu l-flus li kien iġorr f'ħalqu. Dak mall-ewwel wettaq dan l-ordni. Imbagħad Franġisku wissa lill-aħwa li kull fejn jiltaqgħu mal-flus, huma kellhom jismterruhom u jqisuhom bla ebda siwi.

Kienu l-ħin kollu jifirħu, għax ma kellhom xejn x'jista' jfixkilhom. Aktar ma kienu mifrudin mid-dinja, aktar kienu magħqudin ma' Alla. Huma kienu daħlu fi triq dejqa u iebsa u

---

[254] Il-*Vita Beati Aegidii*, 4, tidentifika lil fra Egidio bħala dak li kien ta l-kapoċċ tiegħu lil raġel fqir meta kien sejjer pellegrinaġġ Santiago de Compostella, "u għal għoxrin jum kien jimxi mingħajr il-kapoċċ" (cfr. *Scripta Leonis, Rufino et Angeli. Sociorum S. Francisci,* edited and translated by Rosalind B. Brooke, Oxford Clarendon Press, 1970, 325).

ħarsu l-ħruxija tagħha. Kienu jkissru l-blat, jirfsu fuq ix-xewk, u hekk lilna li ġejna warajhom ħallewlna triq watja.

Kapitlu VII
Kif marru Ruma u s-Sinjur Papa tahom Regola u l-fakultà li jippriedkaw.

[518] 31 Meta l-imqaddes Franġisku intebaħ li l-aħwa tiegħu kienu qed jiżdiedu fin-numru u fil-merti bil-grazzja tal-Feddej, qalilhom: "L-aħwa, qiegħed nara li l-Mulej irid ikabbar ħafna l-kongregazzjoni tagħna. Ejjew mela mmorru għand ommna l-Knisja Rumana, ħalli ngħarrfu lis-Sinjur Papa dwar dak li l-Mulej qiegħed jagħmel magħna, u nkunu nistgħu nkomplu nwettqu dak li bdejna bir-rieda u l-kmand tiegħu". Dak li qal għoġob lill-aħwa l-oħrajn kollha, u hu ħa miegħu tnax u marru Ruma.

Meta kienu fi triqthom, hu qalilhom: "Ejjew nagħżlu wieħed minna bħala mexxej u nqisuh bħala l-vigarju ta' Ġesù Kristu. Kull fejn hu jkun irid imur, immorru aħna miegħu, u kull fejn ikun irid jieqaf għal-lejl, nieqfu aħna miegħu". Huma għażlu lil fra Bernardo, li kien l-ewwel wieħed li laqa' miegħu l-imqaddes Franġisku, u għamlu dak kollu li qalilhom.

Kienu jimxu mimlijin ferħ u jitkellmu dwar il-kelma tal-Mulej. Ħadd minnhom ma kien jissogra jgħid xejn jekk dan ma kellux x'jaqsam mat-tifħir tal-Mulej u mal-glorja u l-benefiċċju ta' ruħhom, u kienu jqattgħu ħafna ħin fit-talb. Il-Mulej, mill-banda l-oħra, kien dejjem iħejjilhom post fejn jistkennu u l-ikel meħtieġ fi żmienu.

[519] 32 Malli ġew Ruma, huma ltaqgħu ma' l-Isqof tal-belt ta' Assisi, li dak iż-żmien kien jinsab f'Ruma. Malli hu rahom, laqagħhom bil-ferħ.

L-Isqof kien midħla ta' wieħed mill-Kardinali, li kien jismu s-Sinjur Giovanni di San Paolo, bniedem tajjeb u reliġjuż, li kien iħobb ħafna lill-qaddejja ta' Alla. L-Isqof għarrfu bix-xewqa u l-forma ta' ħajja ta' l-imqaddes Franġisku u l-aħwa tiegħu. Malli sema' dan, hu xtaq ħafna jiltaqa' ma' l-imqaddes Franġisku u xi wħud mill-aħwa. Meta sema' li huma kienu jinsabu fil-Belt[255], bagħat jgħidilhom biex jiġu għandu. Malli rahom, hu laqagħhom bid-devozzjoni u l-imħabba.

[520] 33 Huma qagħadu għandu għal ftit ġranet, imma hu beda jħobbhom mill-qiegħ ta' qalbu għax kien jara jiddi fl-għemil tagħhom il-kliem kollu li kien sema' dwarhom. Hu qal lill-imqaddes Franġisku: "Jiena nirrikmanda lili nnifsi lit-talb tiegħek, u rrid li inti tqisni bħala wieħed mill-aħwa tiegħek. Għidli mela, għaliex ġejt hawn?" Allura l-imqaddes Franġisku kixiflu l-proposta ta' ħajja tiegħu u dwar kif ried jitkellem mas-Sinjur Apostoliku u jkompli jwettaq l-għemil tiegħu skond ir-rieda u l-kmand tiegħu. Għal dan il-Kardinal wieġbu: "Jiena rrid inkun il-prokuratur tiegħek fil-Kurja tas-Sinjur Papa".

[255] Il-latin jgħid *in Urbe*, (fil-Belt), riferiment ċar għal Ruma, li minn dejjem kienet tiġi indikata b'dan l-isem speċifiku.

Hekk mar fil-Kurja u qal lis-Sinjur Papa Innoċenz III: “Jiena sibt raġel mill-aktar perfett, li jrid jgħix skond il-forma ta’ l-Evanġelju mqaddes u jħares il-perfezzjoni evanġelika. Jiena nemmen li l-Mulej irid iġedded permezz tiegħu l-Knisja tiegħu fid-dinja kollha”. Malli sema’ dan is-Sinjur Papa stagħġeb, u qallu: “Ġibhuli quddiemi”.

[521] 34 Il-għada, għalhekk, ħadu miegħu għand il-Papa. L-imqaddes Franġisku wera lill-Papa l-proposta ta’ ħajtu, kif kien għamel qabel quddiem il-Kardinal.

Il-Papa wieġbu: “Il-ħajja tagħkom tidhrilna iebsa u ħarxa, għax inti trid twaqqaf kongregazzjoni li ma trid tippossjiedi xejn f’din id-dinja. Minn fejn se ssibu dak li hu meħtieġ għall-ħajja?” L-imqaddes Franġisku wieġbu: “Sinjur, jiena nafda fil-Mulej Ġesù Kristu. Hu wiegħed li jagħtina fis-sema l-ħajja u l-glorja, u għalhekk mhux se jċaħħadna minn dak li hu meħtieġ għall-ġisem tagħna f’din id-dinja fil-ħin it-tajjeb”. Il-Papa wieġeb: “Dak li qed tgħid hu veru, ibni; imma *n-natura umana hi fraġli u qatt ma tibqa’ fl-istess qagħda* (cfr. Ġob 14,2). Imma mur u itlob lill-Mulej b’qalbek kollha, sabiex hu jogħġbu jurik dak li hu aħjar u l-aktar ta’ ġid għal ruħkom. Imbagħad erġa’ ejja lura għandi u jiena nikkonċedi dak li qiegħed titlobni”.

[522] 35 Franġisku mar biex jitlob, u talab lill-Mulej b’qalb safja, sabiex fit-tjieba bla tarf tiegħu jurih dak li jrid minnu. Waqt li kien mehdi fit-talb u kien ġabar il-qalb kollha tiegħu fil-Mulej, ħass il-kelma ta’ Alla tidwi f’qalbu, u din qaltlu b’tixbiħa: “Kien hemm sultan kbir li fis-saltna tiegħu kellu mara, li kienet fqira imma sabiħa ħafna, li kienet togħġob lil għajnejn is-sultan, u dan minnha kellu bosta wlied. Jum minnhom dik il-mara bdiet taħseb hekk bejnha u bejn ruħha: «Jiena x’sejra nagħmel, għax jiena mara fqajra, li għandi ħafna wlied li ma għandhom xejn biex jgħixu?» Waqt li kienet qed taħseb hekk f’qalbha, u minħabba l-ħafna ħsibijiet tagħha wiċċha tnikket, deher quddiemha s-sultan u qalilha: «X’għandek? Jiena qed narak mitlufa fi ħsibijietek u mnikkta». U hi qaltlu dwar il-ħsibijiet kollha li kellha f’qalbha. Is-sultan weġibha: «*La tibżax* (cfr. Lq 12,32) għax inti fqira ħafna, u lanqas minħabba l-ulied li wellidt jew dawk li għad trid twelled, għaliex *jekk tant lavranti f’dari għandhom ħobż bix-xaba’,* jiena ma rridx li uliedi *jinqerdu bil-ġuħ* (cfr. Lq 15,17), imma rrid li jkollhom aktar mill-oħrajn»”.

Il-bniedem ta’ Alla Franġisku fehem mall-ewwel li dik il-mara fqajra kienet tindika lilu. Għaldaqstant il-bniedem ta’ Alla saħħaħ ir-rieda tiegħu biex iħares il-faqar l-aktar imqaddes.

[523] 36 Qam fl-istess siegħa, u mar għand is-Sid Apostoliku, u urieh dak li l-Mulej kien irrivelalu.

Malli sema’ dan is-Sinjur Papa stagħġeb bil-kbir, għaliex il-Mulej kien għoġbu jirrivela r-rieda tiegħu permezz ta’ bniedem tant sempliċi. Hu għaraf li Franġisku ma kienx jimxi skond l-għerf tal-bnedmin, imma *fil-wiri ta’ l-Ispirtu u fil-qawwa* (cfr. 1Kor 2,4).

L-imqaddes Franġisku miel u wiegħed lis-Sinjur Papa l-ubbidjenza u l-qima bl-umiltà u d-devozzjoni. U l-aħwa l-oħrajn, billi kienu għadhom ma wegħedux ubbidjenza, skond il-kmand tas-Sinjur Papa wiegħdu ubbidjenza u qima bl-istess mod lill-imqaddes Franġisku.

Is-Sinjur Papa ta r-Regola lil Franġisku u lill-aħwa preżenti u futuri. U tah ukoll awtorità biex jippriedka kullimkien, skond kif kienet tnebbħu l-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, kif ukoll li l-aħwa l-oħrajn setgħu ukoll jippriedkaw, kemm il-darba jiġi mogħti lilhom l-uffiċċju tal-predikazzjoni mill-imqaddes Franġisku.

Minn dak il-ħin l-imqaddes Franġisku beda *jippriedka lill-poplu fil-bliet u rħula* (cfr. Lq 81,), kif kien jirrivelalu l-Ispirtu s-Santu. Il-Mulej qiegħedlu f'fommu l-kliem ta' l-onestà, li kienu ħelwin daqs l-għasel, hekk li ħadd qatt ma kien jgħejja jisimgħu.

Minħabba l-qima li kellu għal dan il-*Frater*[256], il-Kardinal ta lilu u lit-tnax sħabu l-kjerika[257].

Wara dan, l-imqaddes Franġisku ordna li jsir Kapitlu darbtejn fis-sena, f'Għid il-Ħamsin u fil-festa ta' San Mikiel tax-xahar ta' Settembru.

Kapitlu VIII
Dwar kif ordna li jsir il-Kapitlu u dwar dawk l-affarijiet li kienu jsiru fil-Kapitlu.

[524] 37 F'Għid il-Ħamsin l-aħwa kollha kienu jinġabru għall-Kapitlu fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola. Fil-Kapitlu huma kienu jitkellmu dwar kif setgħu iħarsu r-Regola aħjar. Huma kienu jaħtru aħwa biex jippriedkaw lill-poplu f'kull provinċja, u kienu jibgħatu lill-aħwa fil-provinċji tagħhom[258].

L-imqaddes Franġisku kien jagħti lill-aħwa twissijiet, korrezzjonijiet u preċetti, skond kif hu, wara li jkun talab lill-Mulej, kien jara l-aħjar. Dak kollu li kien jgħidilhom bil-kliem, kien qabel xejn jurih bl-imħabba u l-ħeġġa fl-għemil.

---

[256] Hawnhekk l-AP isemmi lil Franġisku bħala *Frater* (*Brother*, *Fratello*), aġġettiv uniku fil-Fonti, ħlief fil-*Kronaka ta' Giordano da Giano* 17, fejn jingħad li fil-Kapitli Ġenerali fra Elia kien jirreferi għal Franġisku sempliċement bl-aġġettiv *frater*. It-traduzzjoni maltija tal-kelma latina *Frater* hi diffiċli, minħabba li l-kelma «patri» għandha konnotazzjoni klerikali u l-kelma «fra» għandha konnotazzjoni popolari li ma tirrispettax is-sens profond tal-kelma latina *Frater*. Għaldaqstant iddeċidejna li nħalluha fl-oriġinal latin, biex ma nitilfu xejn mir-rikkezza tagħha.

[257] L-episodju tal-Papa Innoċenz III li jagħti l-*clericam* lil Franġisku l-ewwel aħwa hu spjegat fil-1C 33; Julian of Speyer, *Vita S. Francisci*, 21; L3C 49; AP 36; Jacques de Vitry, *Historia Occidentalis*, 6; S. Bonaventura, *Legenda Maior*, III,10. S. Bonaventura jgħid li Franġisku u l-ewwel aħwa irċevew *coronas parvulas, ut verbum Dei libere praedicarent* (tonsuri żgħar, biex ikunu jistgħu jippriedkaw il-kelma ta' Alla). F'kelma oħra hu qiegħed jalludi għat-tonsura klerikali, li kienet sinjal ta' l-uffiċċju tal-predikazzjoni. Imma kemm il-L3C kif ukoll l-AP jitkellmu minn *clericam* jew *tonsuris* li l-aħwa jirċievu mill-Kardinal *propter eorum devotionem* (minħabba l-qima li kellu lejhom). Mela din hi l-kjerika jew tonsura monastika, u mhux klerikali, li kienet sinjal tal-konsagrazzjoni lil Alla u mhux tal-predikazzjoni uffiċjali. Il-kjerika kienet pjuttost sinjal tal-predikazzjoni penitenzjali tal-Patrijiet Minuri, li kienet differenti mill-predikazzjoni uffiċjali tal-kjeriċi. F'kelma oħra ma nistgħux ngħidu li, għax Franġisku u l-ewwel aħwa irċevew il-kjerika, mela allura kienu, *ipso facto*, Ordni klerikali fis-sens kanoniku modern tal-kelma. Id-diskussjoni dwar l-identità ta' l-ewwel aħwa fl-istorja tal-Knisja u ta' l-Ordni għadha miftuħa.

[258] Ir-*RegNB* IV,2 tgħid: "L-aħwa li jkunu ġew magħżulin ministri u qaddejja ta' ħuthom l-oħra, iqassmu l-aħwa tagħhom fil-provinċji". L-AP qed turina prassi differenti u aktar antika, jiġifieri li kienet isseħħ qabel il-Kapitlu Ġenerali ta' l-1217, meta l-Ordni tqassam fi provinċji. Hawnhekk il-kelma "provinċji" ma għandhiex is-sens ġuridiku eżatt li kisbet wara din id-data.

Kien iqim il-prelati u l-qassisin tal-Knisja mqaddsa. Kien juri rispett ukoll lejn l-anzjani; kien jagħti ġieħ lin-nobbli u l-għonja; kien iħobb lill-foqra mill-qiegħ ta' qalbu, u jitħassarhom. Fuq kollox kien juri lilu nnifsu sudditu ta' kulħadd.

Għalkemm kien meqjus aktar għoli mill-aħwa l-oħrajn kollha, hu ried jaħtar wieħed mill-aħwa li jgħixu miegħu bħala gwardjan tiegħu u sidu. Hu kien jobdih bl-umiltà u bid-devozzjoni, biex hekk jaħrab minn kull okkażjoni ta' tkabbir. Fost il-bnedmin dan il-Qaddis *kien ibaxxi rasu* sa l-art, u hekk *il-Mulej għollieh* (cfr. Lq 14,11) fis-sema fost il-Qaddisin u l-magħżulin tiegħu.

Kien iwissi bil-ħeġġa lill-aħwa biex iħarsu l-Evanġelju mqaddes u r-Regola li kienu wegħdu; u l-aktar li juru qima lejn l-uffiċċji u r-regolamenti ekkleżjastiċi, u li jisimgħu l-Quddiesa bil-ħeġġa u d-devozzjoni, l-aktar meta jaraw il-Ġisem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Kellhom juru riverenza lejn is-saċerdoti li f'idejhom jieħdu dawn is-Sagramenti kbar u ta' min iqimhom, u f'kull post fejn kienu jiltaqgħu magħhom, kellhom ibaxxu rashom quddiemhom u jbusulhom idejhom. U jekk kienu jiltaqgħu magħhom rekbin fuq iż-żiemel, kellhom juruhom qima, u kellhom mhux biss ibusulhom idejhom, imma saħansitra n-nagħal taż-żwiemel li jkunu rekbin fuqhom, minħabba l-qima li kellhom juru lejn il-qawwa spiritwali tagħhom.

[525] 38 Kien ukoll iwissi lill-aħwa biex ma jiġġudikaw lil ebda bniedem jew jiddisprezzawh, lanqas lil dawk li jixorbu u jieklu b'mod raffinat u jilbsu lbies għani, skond kif hemm miktub fir-Regola. "Il-Mulej tagħna hu wkoll il-Mulej tagħhom, u dak li sejjaħ lilna jista' jsejjaħ lilhom, u *dak li jrid jiġġustifika lilna jista' jiġġusifika lilhom*" (cfr. Rum 8,30).

Kien jgħid ukoll: "U jiena rrid inqimhom daqslikieku huma aħwa u sidien tiegħi. Huma ħuti, għax ilkoll kemm aħna għandna Ħallieq wieħed; huma sidien tiegħi, għaliex huma huma jgħinuna biex nagħmlu penitenza, meta jagħtuna l-meħtieġ għal ġisimna". Kien ukoll jgħidilhom: "Hekk għandha tkun ħajjitkom fost il-ġnus, li *kull min jarakom* jew jismagħkom, *jigglorifika u jfaħħar lil Missierna li hu fis-smewwiet*" (cfr. Mt 5,16).

Ix-xewqa kbira tiegħu kienet li hu u l-aħwa jwettqu dejjem l-għemejjel li, permezz tagħhom, jiġi mfaħħar il-Mulej. Kien jgħidilhom: "Kif intom tħabbru s-sliem bil-fomm, hekk ukoll għandkom ikollkom il-paċi bl-abbundanza fi qlubkom, biex hekk ħadd ma jiġi provokat għall-korla jew l-iskandlu minħabba fikom; imma kulħadd jinġibed lejn il-paċi u t-tjubija minħabba s-sliem u l-ħlewwa ta' karattru tagħkom. Għax aħna ġejna msejħin biex nikkuraw lill-miġruħin, *indewwu l-midruba* (cfr. Eżek 34,4), u nreġġgħu lura lil dawk li jiżbaljaw. Ħafna minn dawk li jidhrulna li huma membri tax-xitan, għad ikunu dixxipli ta' Kristu".

[526] 39 Kien iċanfarhom dwar il-ħruxija żejda li kienu jitrattaw biha lil ġisimhom: għaliex dak iż-żmien l-aħwa kienu jgħakksu lilhom infushom iżżejjed *fis-sawm u s-sahriet bla rqad* (cfr. 2Kor 11,27), biex hekk jitfu fihom infushom kull tqanqil tal-ġisem. Tant kienu jaħqru lilhom infushom, li kienu jidhru li jobogħdu lilhom infushom. Meta l-imqaddes Franġisku kien jisma' u jara dan, kien iċanfarhom, kif għidna, u jgħidilhom biex ma jesaġerawx daqshekk. Għax hu kien tant mimli bil-grazzja u l-għerf tal-Feddej, li kien jagħmel it-twissijiet tiegħu b'qalb tajba, kien iċanfar bir-raġuni, u kien jikkmanda bil-ħlewwa.

Fost l-aħwa li kienu jinġabru flimkien għall-Kapitlu, l-ebda wieħed ma kien jażżarda li jiddiskuti dwar il-ħwejjeġ tad-dinja ma' xi ħadd; imma kienu jitkellmu dwar il-ħajjiet tal-Missirijiet qaddisa, jew dwar il-perfezzjoni ta' l-aħwa l-oħrajn, jew dwar kif setgħu jaslu bl-aħjar mod biex jiksbu l-grazzja tal-Mulej tagħna.

Jekk xi wieħed mill-aħwa miġburin għall-Kapitlu kien ikollu xi tentazzjoni *tal-ġisem jew tad-dinja* (cfr. 1Ġw 2,16), jew xi tiġrib ieħor, malli kien jisma' lill-imqaddes Franġisku li kien jitkellem b'tant ħeġġa u ħlewwa, u malli kien jarah preżenti, kien jinħeles mit-tentazzjonijiet tiegħu kollha. Għax hu kien ikellimhom b'ton ta' faraġ, mhux bħala mħallef, imma bħala missier li jkellem lil ibnu, jew tabib li jkellem lill-marid, biex hekk jitwettqu fih il-kliem ta' l-Appostlu: *Min hu marid u m'inix marid miegħu jien? Min hu dak li jsib min ifixklu, u jien ma nħossnix imbaqbaq?* (2 Kor 11,29).

Kapitlu IX
Kif l-aħwa intbagħtu fil-Provinċji tad-dinja kollha.

[527] 40 Meta kien jintemm il-Kapitlu, Franġisku kien ibierek l-aħwa kollha fil-Kapitlu u kien jibgħat lil kull wieħed minnhom, skond ir-rieda tiegħu, fid-diversi provinċji. Kull min fosthom kellu l-ispirtu ta' Alla u l-kelma tajba għall-predikazzjoni, kjeriċi jew lajċi, kien jagħtihom il-permess u l-ubbidjenza li jippriedkaw. Huma kienu jilqgħu l-barka tiegħu b'ferħ kbir u hena fil-Mulej Ġesù Kristu. Kienu jmorru fid-dinja bħala *barranin u għorba* (1Pt 2,11) bla ma jġorru xejn magħhom fit-triq, ħlief biss il-kotba li bihom ikunu jistgħu jitolbu s-Sigħat tagħhom.

Kull fejn kienu jiltaqgħu ma' qassis, fqir jew għani, kienu jmilu quddiemu, kif kien għallimhom l-imqaddes Franġisku, u kienu juruh qima.

Kull meta kien jasal il-ħin biex isibu kenn, kienu aktar jippreferu joqogħdu għand is-saċerdoti, milli għand is-sekulari.

[528] 41 Meta ma kienux isibu fejn jistkennu għand is-saċerdoti, kienu jistaqsu jekk f'dawk l-inħawi kienx hemm xi persuna spiritwali u li tibża' minn Alla, li setgħu jistkennu għandha b'mod xieraq. Wara ftit taż-żmien, il-Mulej nebbaħ persuni li jibżgħu minnu *f'kull belt u raħal li fihom kienu jmorru* (cfr. Lq 10,1) l-aħwa, biex iħejjulhom post fejn joqogħdu, sakemm huma stess, wara ftit żmien, bnew il-postijiet tagħhom fil-bliet kbar u bliet oħrajn ta' provinċji.

Il-Mulej kien jagħtihom kliem u spirtu skond il-ħtiġijiet taż-żmien, biex huma jkunu jistgħu jlissnu kliem ċar u li jinfed il-qlub ta' ħafna minn dawk li jisimgħuhom, iż-żgħażagħ aktar milli l-anzjani. Dawn *kienu jħallu lil missierhom u lil ommhom* (cfr. Mt 19,29) u kull ma kellhom, u kienu jmorru warajhom biex jieħdu l-libsa tar-Reliġjon imqaddsa. F'dak iż-żmien u l-aktar f'dik ir-Reliġjon, seħħu l-kliem tal-Mulej fl-Evanġelju, fejn jgħid: *Ġejt inġib mhux il-paċi, imma s-sejf. Iva, ġejt nifred lill-bniedem minn missieru, lill-bint minn ommha* (Mt 10,34-35). Dawk iż-żgħażagħ li l-aħwa kienu jilqgħu, kienu jġibuhom għand l-imqaddes Franġisku biex hu jagħtihom il-libsa.

Bl-istess mod kienu ħafna dawk in-nisa verġni li m'għandhomx żewġhom, li kienu jisimgħu l-predikazzjoni tagħhom, u jiġu għandhom b'qalb niedma, jgħidulhom: *X'għandna nagħmlu aħna?* (cfr. Atti 2,37). Ma nistgħux niġu magħkom. Għidulna mela kif nistgħu insalvaw ruħna". Għal din il-mistoqsija huma ħasbu biex, f'kull belt iwaqqfu monasteri ta' nisa *recluse* li jagħmlu penitenza[259]. Huma ħatru wkoll wieħed mill-aħwa bħala viżitatur u korrettur tagħhom.

Bl-istess mod kien hemm irġiel miżżewġa li qalulhom: "Aħna għandna nisa li mhux se jippermettulna li nibgħatuhom. Għallmuna, għaldaqstant, it-triq li aħna nistgħu insegwu għas-salvazzjoni tagħna". Għalihom ukoll ħejjew ordni, li jissejjaħ l-Ordni tal-Penitenza[260], li ġie ukoll approvat mill-Papa.

Kapitlu X
Dwar kif il-Kardinali kienu twajbin lejn l-aħwa u bdew jagħtuhom pariri u joffrulhom għajnuna.

[529] 42 Il-miqjum missier, is-Sinjur Kardinal Giovanni di San Paolo, li ta' spiss kien joffri pariri u ħarsien lill-imqaddes Franġisku, kien ifaħħar il-merti u l-azzjonijiet ta' l-imqaddes Franġisku ma' ħutu l-Kardinal l-oħrajn kollha. Meta huma semgħu dan kollu *ħassewhom imqanqlin minn ġewwanett* (cfr. 1Slat 3,26) biex iħobbu lill-aħwa, u kull wieħed minnhom kien jixtieq li jkollu l-aħwa f'daru, mhux biex jirċievi xi servizz minn għandhom, imma minħabba l-qima u l-imħabba li huma kellhom lejn l-aħwa.

Jum minnhom, meta l-imqaddes Franġisku ġie fil-Kurja, xi Kardinali talbuh jagħtihom xi aħwa; u hu bil-ħlewwa kollha laqa' x-xewqat tagħhom.

L-imsemmi Sinjur Kardinal Giovanni di San Paolo, li tant kien iħobb lil dawn l-irġiel qaddisa u foqra, miet u straħ fis-sliem[261].

[530] 43 Wara dan il-Mulej nebbaħ wieħed mill-Kardinali, jismu Ugolino, Isqof ta' Ostia, li kien iħobb b'mod mill-aktar intimu lill-imqaddes Franġisku u lill-aħwa, mhux biss bħala ħabib, imma wisq iżjed bħala missier. Meta sema' bil-fama tiegħu, l-imqaddes Franġisku mar għandu. Malli rah, il-Kardinal laqgħu b'ferħ kbir, u qallu: "Jiena noffri ruħi biex nagħtik parir u għajnuna u protezzjoni skond kif tixtieq, u rrid li inti tirrikmandani u tiftakar fija fit-talb tiegħek".

---

[259] It-test latin jgħid: monasteria reclusa ad paenitentiam faciendam. Din hi allużjoni ċara għal S. Klara u l-Ordni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Il-kelma reclusa tirreferi, iżda, għal fenomenu ġenerali ħafna fil-ħajja reliġjuża femminili tal-medjuevu, li fih diversi nisa kienu jinqatgħu mid-dinja minn jeddhom u jgħixu "magħluqin ġewwa" (recluse) biex jagħmlu penitenza, b'mod distint mill-monasteri klawstrali rikonoxxuti, bħalma kienu dawk Benedittini. Cfr. Mario Sensi, "The Women's Recluse Movement in Umbria during the 13th and 14th Centuries", Greyfriars Review 8 (1994) 319-345.

[260] Dan hu riferiment għall-*Ordo Poenitentium*, li żviluppa fit-Tielet Ordni Franġiskan (illum Ordni Franġiskan Sekular). Cfr. Raoul Manselli, "Francis of Assisi and Lay People Living in the World: Beginning of the Third Order", *Greyfriars Review* 11 (1997) 41-48; Octavian Schmucki, "The Third Order in the Biographies of St. Francis", *Greyfriars Review* 6 (1992), 81-107.

[261] Il-Kardinal Giovanni di San Paolo miet fis-sajf ta' l-1215, ftit xhur qabel il-Konċilju Lateran IV.

L-imqaddes Franġisku radd ħajr lill-Aktar Għoli talli nebbaħ lil dan il-Kardinal ħalli jagħtihom parir u għajnuna u protezzjoni, u qallu: "Jiena bil-qalb kollha rrid lilek bħala missier u sid tiegħi u ta' ħuti kollha. U irrid li l-aħwa kollha jkunu obbligati jitolbu lill-Mulej għalik". Imbagħad talbu biex jiġi għall-Kapitlu ma' l-aħwa f'Għid il-Ħamsin. Hu laqa' din it-talba, u kien imur għall-Kapitlu kull sena.

Meta kien jiġi, l-aħwa li kienu miġburin għall-Kapitlu kienu joħorġu jiltaqgħu miegħu f'purċissjoni. Malli hu kien jara l-aħwa resqin lejh, kien jinżel miż-żiemel u kien jidħol b'riġlejh flimkien magħhom fil-knisja minħabba l-qima kbira li hu kellu lejhom. Imbagħad kien jippriedkalhom, u jiċċelebra l-Quddiesa, li fiha l-imqaddes Franġisku kien ikanta l-Evanġelju.

Kapitlu XI
Dwar kif il-Knisja ipproteġiet lill-aħwa minn dawk li kienu jippersegwitawhom.

[531] 44 Wara li għaddew ħdax-il sena mill-bidu tar-Reliġjon u n-numru ta' aħwa kien żdied, ġew eletti l-Ministri u mibgħutin ma' xi aħwa oħrajn lejn il-provinċji kollha tad-dinja, fejn kienet imħarsa l-fidi Kattolika[262].

F'xi uħud mill-provinċji huma kienu jiġu milqugħin, imma ma kienux jitħallew jibnu djar għalihom. F'oħrajn kienu jiġu mkeċċijin, għaliex in-nies kienu jibżgħu li huma ma kienux Kristjani fidili, billi sa dak iż-żmien l-aħwa ma kellhomx ir-Regola ikkonfermata mill-papa, imma biss mogħtija minnu. Minħabba dan kellhom isofru ħafna tribulazzjonijiet mill-kjeriċi u l-lajċi, u kienu jiġu mneżżgħin mill-ħallelin, tant li kellhom jiġu lura għand l-imqaddes Franġisku, kollha mrar u mnikktin. Dan it-tiġrib iltaqgħu miegħu fl-Ungerija, fil-Ġermanja u fi provinċji oħrajn 'il fuq mill-Alpi.

L-aħwa infurmaw lill-imsemmi Kardinal, is-Sinjur ta' Ostia, b'dan kollu. Hu sejjaħ għandu lill-imqaddes Franġisku, u ħadu quddiem il-Papa Onorju billi s-Sinjur Papa Innoċenz kien miet, u talbu biex jikteb Regola oħra u ikkonfermahielu, filwaqt li l-imsemmi Papa saħħaħha bis-siġill tiegħu.

F'dik ir-Regola hu tawwal iż-żmien li kellu jgħaddi bejn il-Kapitli, biex jevita ħafna tbatija lill-aħwa li kienu jridu joqogħdu f'reġjuni 'l bogħod.

[532] 45 L-imqaddes Franġisku talab lis-Sinjur Papa wieħed mill-Kardinali, biex ikun mexxej u ħarries u korrettur ta' l-istess Reliġjon, kif jingħad fir-Regola. U l-Papa tah lis-Sinjur ta' Ostia.

---

[262] Dan hu riferiment għall-Kapitlu ta' l-1217. Jekk innaqqsu 11-il sena niġu għall-1206, is-sens li fiha Franġisku ċaħad il-wirt ta' missieru. Mela l-awtur ta' l-AP jibda jikkalkula l-"bidu tar-Reliġjon" ta' Franġisku minn din id-data. Fin-numri li ġejjin l-awtur jiġbor flimkien b'mod ħafif ħafna diversi ġrajjiet li seħħew fil-perjodu importanti bejn l-1217 u l-1223, meta ġiet ikkonfermata r-Regola.

Wara dan, issa li l-Papa kien ikkonċedielu dan kollu, is-Sinjur Isqof ta' Ostia refa' dirgħajh biex jipproteġi l-aħwa, u bagħat ittra lil ħafna isqfijiet fid-djoċesijiet fejn l-aħwa kienu ġew ippersegwitati[263]. Hu għamel dan biex hekk dawn l-isqfijiet ma jkunux kontra l-aħwa, anzi jagħtuhom il-parir u l-għajnuna biex jippriedkaw u biex jgħixu fil-provinċji tagħhom, bħala irġiel tajba u reliġjużi li huma approvati mill-Knisja. Ħafna Kardinali oħrajn bagħatu ittri jixbħu lil dawn rigward l-istess affarijiet.

U għalhekk, f'Kapitlu ieħor li fih l-imqaddes Franġisku ta l-permess lill-Ministri biex jilqgħu l-aħwa fl-Ordni, l-aħwa reġgħu ġew mibgħutin f'dawn il-provinċji, u ħadu magħhom ir-Regola ikkonfermata u l-ittri li, kif għidna, kien tahom il-Kardinal. Meta l-prelati raw ir-Regola ikkonfermata mill-Papa, kif ukoll *ix-xhieda mogħtija* (cfr. Ġw 1,7; 21,24) dwar it-tjubija ta' l-aħwa mis-Sinjur ta' Ostia u l-Kardinali l-oħrajn, huma ħallewhom jibnu u jgħixu u jippriedkaw fil-provinċji tagħhom.

Wara dan kollu l-aħwa bdew jgħixu u jippriedkaw f'dawn il-provinċji, u ħafna nies, li bdew jaraw il-ħajja umli tagħhom, l-imġieba onesta tagħhom u l-kliem mimli ħlewwa tagħhom, ġew għand l-aħwa u bdew jilbsu t-tonka tar-Reliġjon imqaddsa.

Meta l-imqaddes Franġisku ra l-fiduċja u l-imħabba li s-Sinjur ta' Ostia kellu lejn l-ahwa, hu beda jħobbu mill-qiegħnett ta' qalbu; u meta kien jiktiblu ittri kien isejjaħlu: "Il-Wisq Miqjum fi Kristu, il-Missier Isqof tad-dinja kollha".

Wara li għadda ftit taż-żmien, is-Sinjur ta' Ostia, skond il-kliem profetiku ta' l-imqaddes Franġisku, ġie elett fis-Sede Apostolika u għandu l-isem ta' Papa Girgor IX[264].

Kapitlu XII
Dwar it-transitu ta' l-imqaddes Franġisku, il-mirakli u l-kanonizzazzjoni tiegħu.

[533] 46 Meta kienu għaddew għoxrin sena wara li l-imqaddes Franġisku kien ħaddan il-perfezzjoni evanġelika, Alla tal-ħniena riedu *jistrieħ mit-taħbit kollu tiegħu* (cfr. Apok 14,13), għaliex hu kien ħadem ħafna *fis-sahriet bla rqad, fit-talb u fis-sawm* (cfr. 2Kor 6,5), fil-preokkupazzjonijiet, *fil-predikazzjoni, fis-safar* bla għadd, *fil-ħsibijiet* (cfr. 2Kor 11,26-28), fil-ħniena lejn il-proxxmu. Hu kien offra qalbu kollha lil Alla Ħallieq tiegħu, u kien iħobbu b'qalbu kollha, *b'ruħu kollha u bil-qawwa tiegħu kollha* (cfr. Mt 22,37). Kien iġorr lil Alla f'qalbu, kien ifaħħru b'fommu, kien jagħtih glorja fl-għemejjel tiegħu. U meta xi ħadd kien isemmi lil Alla, hu kien jgħid: "*Is-sema u l-art* għandhom imilu *fl-isem tiegħu*" (cfr. Fil 2,10).

Billi l-Mulej ried juri l-imħabba li kellu għalih, fil-membri tiegħu u f'ġenbu tah l-Istimmati ta' l-Iben wisq maħbub tiegħu. U billi l-qaddej ta' Alla Franġisku kien jixtieq jiġi f'daru u *fil-post fejn jgħammar sebħu* (cfr. S 25,8), il-Mulej sejjaħlu għal għandu, u hekk hu telaq glorjuż għal għand il-Mulej.

---

[263] Dan jista' jkun riferiment għad-dokumenti papali *Cum dilecti* (1219) u *Pro dilectis* (1220), li fihom il-Papa Onorju III, taħt insistenza tal-Kardinal Ugolino, jiddefendi l-Kattoliċità tal-Patrijiet Minuri quddiem l-isqfijiet.
[264] Billi Girgor IX miet fit-22 ta' Awissu 1241, mela dan it-test inkiteb qabel din id-data.

Wara dan bdew jidhru ħafna sinjali u għeġubijiet fil-poplu, li minħabba fihom il-qlub ta' ħafna bnedmin, li kienu iebsin biex jemmnu f'dak li l-Mulej ried juri fil-qaddej tiegħu, inbidlu fi qlub rotob, u kienu jgħidu: *Ħajtu ħsibnieha ta' ġenn, u bla ġieħ il-mewt tiegħu. Kif inhu qiegħed ma' wlied Alla, u għandu postu mal-qaddisin?* (cfr. Għerf 5,4-5).

[534] 47 Il-wisq miqjum sid u missier, is-Sinjur Papa Girgor, li kien iħobb lill-Qaddis meta kien ħaj, wara mewtu ried ukoll jagħtih ġieħ. Hu ġie mal-Kardinali fil-post fejn kien indifen il-ġisem tal-Qaddis, u niżżel ismu fil-katalogu tal-Qaddisin.

Minħabba dan kienu ħafna dawk l-irġiel kbar u nobbli, li ħallew kollox warajhom, u reġgħu daru lejn il-Mulej man-nisa tagħhom u ma' wliedhom u mal-familja tagħhom kollha. In-nisa u uliedhom il-bniet daħlu bħala recluse fil-monasteri. L-irġiel u uliedhom is-subien libsu t-tonka tal-Patrijiet Minuri.

U hekk seħħu dawk il-kelmiet li Franġisku darba kien ħabbar lill-aħwa: "Wara xi żmien, ikunu bosta dawk l-irġiel *għorrief, prudenti u nobbli* (cfr. 1Kor 1,26) li jiġu jgħixu magħna".

[Epilogu]

[535] 48 Nitlob lilkom, għalhekk, ħuti l-aktar għeżież, biex timmeditaw bil-ħerqa, tifhmu tajjeb u timpenjaw ruħkom biex twettqu dawn l-affarijiet kollha li aħna fakkarna dwar il-missier u l-aħwa l-aktar għeżież tagħna, biex magħhom ikun jistħoqqilna nieħdu sehem fil-glorja tas-sema, li għaliha jwassalna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

# LEGGENDA DEI TRE COMPAGNI

## INTRODUZZJONI

Fl-1244 miet Haymo of Faversham, l-ewwel Ministru Ġeneral ingliż li mexxa l-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Fit-22 ta' Mejju l-aħwa ltaqgħu għall-Kapitlu Ġenerali f'Genova, u għażlu bħala Ministru Ġeneral lil Crescenzio da Iesi. Dan kien Ministru Provinċjal tal-Marche ta' Ancona.

Skond il-*Chronica XXIV Generalium*: "F'dak il-kapitlu l-istess Ġeneral talab lill-aħwa kollha biex jibgħatulu bil-miktub it-tifkiriet kollha li kellhom dwar il-ħajja, il-mirakli, u l-għeġubijiet ta' l-imqaddes Franġisku" (*Analecta Franciscana*, III, 262). Sa dak iż-żmien it-tifkiriet ta' S. Franġisk kienu ġew miġburin prinċipalment fil-*Vita Sancti Francisci* ta' Fra Tommaso da Celano (1229) u fil-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer (1234/35). Crescenzio intebaħ li ħafna minn sħab S. Franġisk kienu bdew imutu, u li l-iżvilupp li għadda minnu l-Ordni matul il-ġeneralati ta' Fra Elia, Fra Alberto da Pisa u Fra Haymo of Faversham, kien qed jitlob li l-aħwa jkunu jafu iżjed dwar il-ħajja u l-qdusija ta' l-idejali ta' S. Franġisk.

Fost l-aħwa li wieġbu lill-Ministru Ġeneral insibu lil Fra Leone, Fra Angelo u Fra Rufino, li t-tifkiriet tagħhom jidhru l-aktar f'żewġ ħajjiet li għadhom isiru studji kbar fuqhom. Dawn huma l-*Leggenda dei Tre Compagni* [L3C] u l-*Compilatio Assisiensis* [CA], li jagħtuna t-tifkiriet ta' dawk li jsejħu lilhom infushom "aħna li għexna miegħu" (*nos, qui cum eo fuimus*).

Skond Paul Sabatier, il-pijunier ta' l-istudji Franġiskani fl-era moderna u awtur tal-*Vie de Saint François d'Assise* (1894): "Il-*Leggenda dei Tre Compagni* hi l-iprem biċċa ta' letteratura Franġiskana, u waħda mill-aktar produzzjonijiet li jpaxxuna tal-medjuevu... Kif wasal għandna, dan id-dokument hu l-uniku wieħed li jixraqlu li storikament jitqiegħed maġenb il-*Vita Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano". Il-Bollandisti fl-1768 kienu diġà inkorporaw il-*Leggenda dei Tre Compagni* flimkien mal-ħajjiet miktubin minn Celano u minn S. Bonaventura fl-*Acta Sanctorum*. Studjużi oħrajn ikkritikaw lil Sabatier u qalu li l-*Leggenda dei Tre Compagni* hi tardiva, tant li iddatawha għal tmiem is-seklu XIII jew il-bidu tas-seklu XIV. Minn dan in-nuqqas ta' qbil twieldet dik li tissejjaħ il-*Questione Francescana*, li għandha x'taqsam mad-datazzjoni u r-relazzjoni reċiproka li tgħaddi bejn il-Fonti Franġiskani tas-sekli XIII u XIV.

It-tradizzjoni manuskritta tal-*Leggenda dei Tre Compagni* turina żewġ gruppi ta' manuskritti. Il-familja "tradizzjonali" fiha dsatax-il manuskritt, ħafna minnhom tat-tieni nofs tas-seklu XIV. Il-familja ta' "Sarnano" għandha tliet manuskritti, wieħed mill-bidu tas-seklu XIV u l-oħrajn ta' l-1405, li huma kollha neqsin f'xi partijiet. L-istudju l-aktar metikoluż tat-tradizzjoni manuskritta sar minn Théophile Desbonnets OFM fl-edizzjoni kritika tal-*Leggenda dei Tre Compagni* li ippubblika fl-1974. Hu jikkonkludi li din trid tiġi datata bejn l-1241 u l-1247, almenu fl-ewwel sittax-il kapitlu tagħha. Dan ifissier li l-*Leggenda dei Tre Compagni* trid titqiegħed f'relazzjoni diretta ma' l-Ittra li Fra Leone, Rufino u Angelo kitbu mill-eremitaġġ ta' Greccio lil Crescenzio da Iesi fil-11 ta' Awissu 1246.

L-ittra inkitbet bħala tweġiba għat-talba tal-Ministru Ġeneral u l-Kapitlu ta' Genova. Hi ġġib it-tifkiriet ta' dawn it-tliet aħwa, flimkien mat-tifkiriet ta' aħwa oħrajn, bħal Filippo Longo, Illuminato, Masseo u Giovanni. Imma l-istess tliet sħab ta' S. Franġisk jgħidu lill-Ministru Ġeneral li huma ma kellhomx intenzjoni li jiktbu *Leggenda*, għax minn dawn kienu diġà saru minn patrijiet esperti, imma riedu biss jiġbru bħal bukkett ward ta' tifkiriet (*florilegium*) biex dawn imbagħad jinħadmu bir-reqqa minn id esperta. Hu x'inhu, il-*Leggenda dei Tre Compagni*, hi fil-fatt, leġġenda fis-sens medjevali tal-kelma (ħajja uffiċjali biex tinqara fil-pubbliku), għalkemm aħna għandna biss l-Ittra ta' Greccio, għax il-*florilegium* ta' Leone, Rufino u Angelo hu uffiċjalment mitluf. Hu ċert, iżda, li l-materjal li bagħtu, jinsab maħdum f'bosta Leġġendi oħrajn, fosthom il-*Compilatio Assisiensis*. Desbonnets għażel li jinkludi din l-Ittra mal-*Leggenda dei Tre Compagni*, għax sostna li ħafna mill-manuskritti hekk jagħmlu. Illum din l-għażla hi aċċettata paċifikament.

F'ħafna mill-manuskritti hemm rubrika jew nota ta' spjegazzjoni bħala introduzzjoni għal-*Leggenda dei Tre Compagni*: "Dawn huma xi kitbiet li saru mit-tliet sħab ta' l-imqaddes Franġisku, li jitkellmu dwar il-ħajja u l-imġieba tiegħu meta kien jgħix fid-dinja, dwar il-konverżjoni ta' l-għaġeb u perfetta tiegħu, u dwar il-perfezzjoni tal-bidu u l-fundament ta' l-Ordni fih u fl-ewwel aħwa". Il-kelmiet ta' din ir-rubrika jfakkru dokumenti li ġew qabel il-*Leggenda dei Tre Compagni*, fosthom il-*Vita Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano li titkellem dwar il-*conversatio* (mod ta' ħajja) u l-*conversio* (konverżjoni) ta' S. Franġisk, u l-*Anonimo Perugino* li tiddeskrivi l-*origo* (bidu) u l-*fundamentum* (fundament) ta' l-Ordni. Hu ċert li dawn it-tliet *fontes*, jiġifieri 1C, *Anonimo Perugino* [AP] u L3C, huma ħafna qrib xulxin.

Il-*Leggenda dei Tre Compagni* tipprovdi dehra ċara taż-żogħżija ta' Franġisku, tal-proċess ta' konverżjoni tiegħu, u ta' fatti li ġraw fl-ambjent ta' Assisi, li tibqa' l-palk ċentrali li fih tiżvolġi l-istorja ta' S. Franġisk f'din il-*Leggenda*.

# LEGGENDA DEI TRE COMPAGNI

[Rubrika]

[536] Dawn huma xi kitbiet li saru mit-tliet sħab ta' l-imqaddes Franġisku, li jitkellmu dwar il-ħajja u l-imġieba tiegħu meta kien jgħix fid-dinja, dwar il-konverżjoni ta' l-għaġeb u perfetta tiegħu, u dwar il-perfezzjoni tal-bidu u l-fundament ta' l-Ordni fih u fl-ewwel aħwa.

[Ittra][265]

[537] 1 Lir-Reverendu missier fi Kristu, fra Crescenzio[266], bil-grazzja ta' Alla ministru ġeneral, fra Leone[267], fra Rufino[268] u fra Angelo[269], li darba kienu sħab indenji ta' l-imqaddes missier Franġisku, jesprimu d-dmir tal-qima devota tagħhom fil-Mulej.

Bil-kmand ta' l-aħħar kapitlu ġenerali u tiegħek stess, l-aħwa huma obbligati li jibgħatu lill-paternità tiegħek is-sinjali u l-għeġubijiet ta' l-imqaddes missier Franġisku, li huma jafu bihom u jistgħu jsibuhom. Aħna, li għexna miegħu għal żmien twil, għalkemm ma jistħoqqilniex, deherilna li għandna nwasslu lill-qdusija tiegħek, bil-verità kollha biex tmexxina, xi ftit mill-ħafna għemejjel li aħna *rajna* (cfr. Lq 1,2.3) jew li stajna nkunu nafuhom minn aħwa oħrajn qaddisin, u l-aktar minn fra Filippo, il-viżitatur tas-Sorijiet Foqra[270], fra Illuminato dell'Arce[271], fra Masseo

[265] Fil-manuskritti minn tmiem is-seklu 13 din l-ittra dejjem ġiet marbuta mal-*Leggenda dei Tre Compagni* [L3C]. L-ittra takkumpanja l-materjal dokumentarju li t-tliet sħab ta' S. Franġisk bagħatu lil Crescenzio da Iesi, Ministru Ġeneral, fuq talba tal-Kapitlu Ġenerali ta' Genova (1244).

[266] Crescenzio da Iesi, Ministru Provinċjal tal-Marche ta' Ancona, ġie elett Ministru Ġeneral fil-Kapitlu ta' Genova (1244) wara l-mewt ta' Haymo of Faversham. Dam Ministru Ġeneral sa l-1247, u miet fl-1262.

[267] Fra Leone hu magħruf bħala l-konfessur, segretarju u sieħeb ta' S. Franġisk. Skond l-istoriku Arnaldo Fortini, Fra Leone twieled Assisi u x'aktarx li kien qassis. Hu kien dejjem qrib ħafna ta' S. Franġisk, fil-mumenti importanti tal-ħajja tiegħu u fl-aħħar snin. Fuq La Verna, fl-1224, S. Franġisk ta lil Fra Leone parċmina, bit-tifħir ta' Alla l-għoli, u bil-kliem ta' barka. Din hi llum imħarsa bħala relikwa fil-bażilika ta' S. Franġisk f'Assisi. Kitiblu wkoll ittra qasira, li tinsab fil-kattidral ta' Spoleto. Leone għex ħafna wara S. Franġisk. Hu baqa' punt ta' riferiment l-aktar għal Klara u l-Povere Dame ta' S. Damiano. Hu awtur ta' tifkiriet importanti dwar S. Franġisk, l-aktar il-*Verba S. Francisci* u l-*Intentio Regulae*, u jiġi indikat bħala għajn ewlenija ta' l-eqdem dokumenti Franġiskani. Leone miet f'Assisi fl-1271. Jinsab midfun fil-bażilika ta' S. Franġisk.

[268] Fra Rufino kien kuġin ta' S. Klara. Ma nafux meta daħal fl-Ordni, imma jintwera bħala wieħed mill-aħwa li kienu ħafna qrib S. Franġisk, l-aktar fl-aħħar snin ta' ħajtu. Thomas of Eccleston jgħid li Rufino kien ma' S. Franġisk fuq La Verna fl-1224. Wara l-mewt ta' S. Franġisk, Fra Rufino għex fl-eremitaġġ ta' Le Carceri, fejn miet fl-1270. Jinsab midfun ukoll fil-bażilika ta' S. Franġisk.

[269] Fra Angelo, skond Arnaldo Fortini, kien minn Rieti. Studjużi oħrajn jgħidu li hu kien Angelo Tancredi, kavallier minn Assisi, u wieħed mill-ewwel tnax li marru jgħixu ma' Franġisku.

[270] Fra Filippo Longo kien wieħed mill-ewwel aħwa, li akkumpanja lil S. Franġisk fil-Valle Reatina u fl-1209 mar miegħu Ruma. Hu sar il-viżitatur tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano fl-1219 u mill-ġdid bejn l-1228 u l-1246. Miet fl-1259.

[271] Fra Illuminato kien minn Arce, distrett ta' Assisi qrib il-Porziuncola. Hu daħal fl-Ordni fl-1210 u miet fl-1266 jew f'Assisi jew, skond oħrajn, f'Toulouse.

da Marignano[272], u fra Giovanni[273], li kien sieħeb il-missier venerabbli fra Egidio[274], u li kien sema' ħafna minnhom mill-istess qaddis fra Egidio, kif ukoll minn fra Bernardo, ta' tifkira qaddisa, li kien l-ewwel sieħeb ta' l-imqaddes Franġisku[275].

Aħna mhux se nkunu kuntenti li nirrakkontaw biss dwar il-mirakli, li juru imma ma jagħmlux il-qdusija. Aħna rridu nuru wkoll xi aspetti famużi ta' l-imġieba qaddisa tiegħu, u l-intenzjonijiet tar-rieda qaddisa tiegħu, *għat-tifħir u l-glorja ta' Alla* (cfr. Fil 1,11) l-aktar għoli, u ta' l-imqaddes Franġisku, kif ukoll għall-edifikazzjoni ta' dawk li jixtiequ jimxu fil-passi tiegħu.

Aħna ma għandniex l-intenzjoni li niktbu dan taħt forma ta' leġġenda[276], għaliex diġà inkitbu leġġendi oħrajn dwar il-ħajja tiegħu u l-mirakli li l-Mulej ħadem permezz tiegħu. Pjuttost aħna ridna niġbru, bħallikieku minn għalqa sabiħa ta' fjuri, dawk li deherulna l-aktar tifkiriet sbieħ. Aħna mhux se nsegwu l-istorja b'mod kronoloġiku, imma se nħallu barra ħafna tifkiriet li diġà tkellmu dwarhom il-leġġendi li semmejna, bi kliem veru u mirqum.

Jekk int jidhirlek li jaqbel, tista' iddaħħal dawn il-ftit kelmiet li qed ktibna fil-leġġendi l-oħrajn. Aħna nemmnu bil-qawwa li, kieku dawk l-irġiel venerabbli li sawwru dawn il-leġġendi kienu jafu b'dawn il-fatti, ma kienux iħalluhom barra. X'aktarx li kienu jżejnu almenu xi wħud minnhom bl-istil tagħhom, u jħalluhom għat-tifkira ta' min jiġi warajhom.

Jalla l-paternità qaddisa tiegħek tibqa' tajjeb fil-Mulej Ġesù Kristu, li fih aħna nintelqu f'idejn il-qdusija tiegħek bħala uliedek bl-umiltà u l-qima.

Mogħtija fl-eremitaġġ ta' Greccio[277], fil-11 ta' Awissu, fis-sena tal-Mulej 1246.

---

[272] Skond Fortini, Fra Masseo twieled f'Marignano, qrib Assisi. Daħal fl-Ordni fl-1210 u ta' spiss kien jivvjaġġa ma' Franġisku. Qatta' parti kbira minn ħajtu f'Le Carceri u fl-eremitaġġ ta' Cibóttola, fil-punent ta' Perugia. Miet f'Assisi fl-1280 u jinsab midfun fil-bażilika ta' S. Franġisk.

[273] Fra Giovanni kien sieħeb Fra Egidio fil-kunvent ta' San Francesco al Prato, f'Perugia. Hu meqjus bħala l-awtur tal-ħajja ta' S. Franġisk ta' l-*Anonymus Perusinus,* u miet qrib l-1270.

[274] Fra Egidio daħal fl-Ordni fit-23 ta' April 1208, u miet fis-27 ta' April 1262. Kellu karattru sempliċi imma qaddis. S. Franġisk ħadu miegħu fil-Marche ta' Ancona meta ħarġu għall-ewwel darba jippriedkaw. Fl-1219 intbgħat missjunarju fl-Afrika ta' fuq. Lura fl-Italja għex għal bosta snin f'Monteripido, Perugia, fejn miet fl-1262. Kien mistiku kbir. Hu awtur ta' grupp ta' sentenzi qosra, magħrufin bħala *Dicta beati Egidii*.

[275] Fra Benardo da Quintavalle kien żagħżugħ nobbli u ħabib ta' S. Franġisk. Kien l-ewwel wieħed li ingħaqad ma' Franġisku fil-Porziuncola (1C 24). Il-Fonti dejjem juruh bħala dixxiplu mill-aktar fidil ta' Franġisku, li jagħżlu għal missjonijiet delikati, bħal dawk f'Bologna u Firenze. Qabel miet Franġisku ta barka speċjali lil Bernardo. Miet fl-1241 u jinsab midfun fil-bażilika ta' S. Franġisk f'Assisi.

[276] Il-kelma latina *legenda* (leġġenda) tindika ħajja li hi dokument bl-iskop li jinqara fil-pubbliku għall-edifikazzjoni tas-semmiegħa. Ma għandhiex x'taqsam mas-sena modern tal-kelma "leġġenda" (ħrafa). Hi dokument storiku. Kien hemm diversi leġġendi dwar persuni qaddisin. Il-leġġendi li jirreferu għalihom sħab S. Franġisk f'din l-Ittra kienu dawk li ġew miktubin fuq ordni tal-Papa jew ta' l-awtorità ta' l-Ordni, partikolarment il-*Vita Sancti Francisci* u l-*Legenda ad usum chori* ta' Fra Tommaso da Celano (1229-1230), u l-*Vita Sancti Francisci* ta' Fra Julian minn Speyer (1232).

[277] Il-kelma *locus* bil-latin tindika abitazzjoni partikulari ta' l-aħwa, distinta mill-*conventus*. Filwaqt li l-*conventus* hu l-abitazzjoni fil-belt, li żviluppat fl-Ordni wara l-mewt ta' S. Franġisk bil-bini ta' knejjes konventwali, il-*locus* jindika l-eremitaġġi tal-bidu ta' l-Ordni, fejn l-aħwa kienu jirtiraw wara l-ħidma ta' evanġelizzazzjoni għal waqtiet intensi ta' talb. Eżempji jinkludu l-eremitaġġi ta' l-Appennini taljani, bħal Le Carceri, La Verna, Greccio, Fontecolombo, Celle di Cortona.

Kapitlu I[278]
Dwar it-twelid tiegħu, dwar il-vanità, il-kurżità u l-ħala tiegħu, u dwar kif minn dawn hu wasal biex ikun ġeneruż u jagħti karità lill-foqra.

[538] 2 Franġisku twieled fil-belt ta' Assisi li tinsab f'tarf il-wied ta' Spoleto. Ommu għall-ewwel semmietu Giovanni; imma meta missieru reġa' lura minn Franza, għax hu ma kienx id-dar meta twieled ibnu, aktar tard semmieh Franġisku[279]. Meta kiber kien imżejjen b'kapaċitajiet u intelliġenza, u beda jaħdem fis-sengħa ta' missieru, li kien negozjant. Imma hu kien ukoll ta' karattru ferrieħi u ħali, tant li kien jingħata ma' ħbiebu għal ħajja ta' divertiment u kant, u kien iħuf lejl u nhar fil-belt ta' Assisi ma' żgħażagħ ta' mparu. Kien ġeneruż iżżejjed meta kien jiġi biex jonfoq, tant li *dak kollu li kien ikollu* (cfr. Tob 1,3) jew jaqla' kien jaħliħ fil-festi u divertiment ieħor.

Għal din ir-raġuni l-ġenituri tiegħu ta' spiss kienu jċanfruh, għax tant kien jonfoq flus għalih innifsu u għall-oħrajn, li donnu ma kienx binhom imma kien qisu iben ta' xi prinċep kbir. Imma billi l-ġenituri tiegħu kienu għonja u kienu jħobbuh b'imħabba kbira tant li jfissduh, kienu jissapportuh f'dan kollu biex ma jħawwduhx. Meta l-ġirien kienu jitkellmu ma' ommu dwar il-ħala tiegħu tiegħu, hi kienet tweġibhom: "X'intom taħsbu dwar ibni? Hu għad ikun iben Alla bil-grazzja".

Ma kienx biss ħali f'dawn l-affarijiet, imma wkoll ġeneruż meta kien jiġi biex jonfoq ħafna flus fl-ilbies, li kien iridu ta' l-ifjen u l-ogħla drapp, kif kienu jilbsu dawk ħafna aktar għonja minnu. Kien ifittex li kulħadd jinnutah, tant li xi minndaqqiet kien iħit l-aktar drapp rikk ma' l-aktar drapp li ma jiswiex fl-istess ilbies. [1C 2; AP 3; 2C 3; LM I,1]

[539] 3 Hu kien ukoll mimli kortesija b'mod naturali fil-mod kif kien iġib ruħu u l-mod li bih jitkellem, filwaqt li kien isegwi l-inklinazzjonijiet ta' qalbu u ma jgħidx kliem li bih iweġġa' lill-oħrajn jew kliem baxx. Billi hu kien żagħżugħ ferrieħi u moħħ ir-riħ, rari kien iwieġeb lil dawk li kienu jkellmuh b'nuqqas ta' edukazzjoni. Minħabba dan, il-fama tiegħu tant *tferrxet ma' dawk l-inħawi* (cfr. Lq 4,37) li dawk kollha li kienu jafuh kienu jgħidu li għad ikun bniedem magħruf.

Minn dawn il-virtujiet naturali beda tiela' qisu taraġ lejn il-grazzja, li kienet twasslu biex jgħid lilu nnifsu: "Inti ġeneruż u mimli ħlewwa mal-bnedmin li minnhom tirċievi biss favuri li ma jiswew xejn u li jgħaddu. Xieraq, għalhekk, li minħabba f'Alla li hu mill-aktar ġeneruż meta jagħti b'idejh miftuħin beraħ, inti tkun ukoll mimli ħlewwa u ġenerożità mal-foqra". Għaldaqstant minn

---

[278] Xi manuskritti (Foligno, Sarnano), jibdew it-test tal-L3C b'dan il-prologu: "Franġisku kien jidher bħala dawl ġdid, ileqq daqs iż-żernieq u daqs il-kewkba ta' filgħodu, jew anke daqs ix-xemx tielgħa, idawwal id-dinja, inaddafha u jagħtiha l-ħajja. Bħax-xemx, hu kien jiddi bil-kliem u l-għemejjel fuq dinja li kienet qed tongħos fil-bard tax-xitwa, fid-dlam u fin-nixfa. Kien idawwalha b'raġġi jleqqu, bir-raġġi tal-verità, u kien ikebbisha bl-imħabba, iġeddidha u jżejjinha bil-frott abbundanti tal-merti tiegħu, u jagħniha b'mod ta' l-għaġeb bis-siġar tal-frott fit-tliet Ordnijiet li waqqaf. Hekk hu ġab lid-dinja fi staġun ta' rebbiegħa".
[279] Il-ġenituri ta' S. Franġisk kienu Pietro di Bernardone u Pica. Pietro kien negozjant tad-drapp, li kien imur ibiegħ u jixtri fil-fiera ta' Champagne billi jivvjaġġa ma' merkanti oħrajn tul il-Via Francigena, it-triq li kienet tgħaqqad l-Italja ċentrali ma' Franza, u li kienet tgħaddi minn taħt Assisi. Skond Arnaldo Fortini, x'aktarx li Pietro kien iltaqa' ma' Pica fi Franza. L-isem Pica hu laqam mogħti lil din il-mara li kienet ġejja minn Piccardy. Il-fatt li Franġisku kien ikanta bl-ilsien Provençal tat-*troubadours* juri li ommu kienet Franċiża. L-istess isem Francesco hu laqam mogħti minn missieru, li kien iħobb lil Franza fejn kien imur jinnegozja.

dakinhar beda jkun ġeneruż fil-karità li jagħti lil nies foqra. Għalkemm hu kien negozjant, hu kien ukoll ħali ħafna biex iberbaq il-ġid materjali.

Jum minnhom kien fil-ħanut ta' missieru fejn kien qiegħed ibigħ id-drappijiet, mehdi għal kollox fin-negozju, meta ra raġel fqir jidħol u jitolbu l-karità għall-imħabba ta' Alla. Imdaffar kif kien fil-ħsieb tal-ġid u tan-negozju, hu ma riedx jagħtih karità. Imqanqal imbagħad mill-grazzja divina, hu beda jċanfar lilu nnifsu tal-guffaġni tiegħu, u jgħid: "Kieku dak il-fqir talbek xi ħaġa għal xi kavallier kbir jew barun, inti ċertament kont tagħtih dak li talbek. Kemm aktar kellek tagħti bil-kbir għar-*Re tar-rejiet* (cfr. Apok 17,14) u l-Mulej ta' kulħadd!".

Minħabba dan hu iddeċieda fil-qalb tiegħu li qatt ma jiċħad lil kull min jitolbu xi ħaġa f'isem il-Mulej tant kbir. [1C 17; AP 4; 2C 5; LM I,1]

## Kapitlu II
## Dwar li inqabad priġunier f'Perugia, u dwar iż-żewġ viżjonijiet li kellu meta ried isir kavallier.

[540] 4 F'dak iż-żmien, faqqgħet il-gwerra bejn Perugia u Assisi[280]. Franġisku inqabad flimkien ma' ħafna irġiel oħrajn minn Assisi, u ittieħed il-ħabs f'Perugia. Billi hu kien ġej minn familja tat-tajjeb, hu ġie maqful fil-ħabs flimkien mal-kavallieri.

Meta mbagħad sħabu fil-ħabs bdew jitnikktu hu, li kien miġbud min-natura tiegħu biex ikun ferrieħi, mhux talli ma kienx jidher imdejjaq imma saħansitra kien jidher ferħan. Wieħed minn sħabu ċanfru u qallu li kien miġnun jekk kien kapaċi jkun ferħan fil-ħabs. Imma Franġisku wieġbu b'leħen qawwi: "X'taħseb int li se jsir minni? Kun żgur li jien għad tqimni d-dinja kollha". Wieħed mill-kavallieri li kienu miegħu l-ħabs kien weġġa' lil wieħed mill-ħabsin l-oħrajn, u minħabba f'hekk sħabu l-oħrajn kollha kien jħarsu lejh bl-ikreh. Franġisku biss ma kienx jiċħad li jagħmilha miegħu, u kien iħeġġeġ lil sħabu l-priġunieri jagħmlu l-istess.

Meta għaddiet sena, reġgħet seħħet il-paċi bejn iż-żewġ bliet. Franġisku flimkien ma' sħabu l-oħrajn li kienu l-ħabs reġa' lura Assisi. [2C 4]

[541] 5 Wara ftit snin, raġel nobbli mill-belt ta' Assisi kien qiegħed iħejji ruħu bl-armi tal-kavallieri biex imur fil-Puglie ħalli jakkwista flus u ġieħ. Meta Franġisku sema' b'dan, hu wkoll xtaq imur miegħu fl-istess post, ħalli jiġi investit bit-titlu ta' kavallier minn dak il-konti Gentile[281]. Ħejja għalih innifsu l-aktar ilbies għani, għax għalkemm kien inqas nobbli minn dan il-kavallier, hu kien ħafna aktar ħali fl-infiq.

---

[280] Il-gwerra bejn Assisi u Perugia damet mill-1202 sa l-1209. Bdiet meta l-klassi tal-merkanti f'Assisi, magħrufin bħala *homines populi*, jew *minores*, qamu kontra l-klassi tan-nobbli, magħrufin bħala *boni homines*, jew *maiores*, li talbu l-għajnuna minn Perugia. Franġisku inqabad priġunier fil-battalja li ġrat fl-1202 qrib Collestrada u Ponte San Giovanni, ftit kilometri barra minn Perugia. Il-paċi bejn iż-żewġ *comuni* seħħet fil-31 ta' Awissu 1205, għalkemm ma damitx ħafna. Franġisku kien inħeles mill-ħabs fl-1203.

[281] L-*Anonymus Perusinus* juża wkoll il-kelma *gentile*, imma fis-sens ta' aġġettiv (*cortese*). Il-L3C tużaha bħala isem ta' dan il-kavallier nobbli. L-ispedizzjoni kienet waħda imnedija minn Guatier de Brienne, li kien difensur tal-Papa Innoċenz III, u li kien saħħaħ is-saltna tan-Normanni fl-Italja ta' isfel u fi Sqallija.

Lejl minnhom, meta kien mehdi biex iwettaq dan il-pjan, u kien mimli ħeġġa fid-deċiżjoni tiegħu biex jitlaq, il-Mulej żaru permezz ta' viżjoni fil-ħolm, u għollieh fuq il-quċċata tal-glorja, billi kien jaf kemm hu kellu kilba għall-glorja. Waqt li kien rieqed f'dak il-lejl, deherlu raġel li beda *jsejjaħlu b'ismu* (cfr. Ġen 4,17). Hu mexxieh f'palazz mill-isbaħ fejn kien hemm għarusa, u li kien mimli armi tal-kavallieri, u li fuq il-ħitan tiegħu kienu jleqqu t-tarki u armi oħrajn li kienu jiżżejnu bihom il-kavallieri. Mimli ferħ u stagħġib, hu beda jistaqsi lilu nnifsu dwar ta' min kienu dawk l-armi tant ileqqu bid-dija u dak il-palazz tant sabiħ. Il-leħen qallu li dak kollu li kien hemm fil-palazz kien tiegħu u tal-kavallieri tiegħu.

Meta qam il-għada filgħodu, beda jħoss ferħ kbir. Billi hu kien għadu ma daqx b'mod sħiħ il-benna ta' l-ispirtu ta' Alla, hu beda jaħseb ta' bniedem tad-dinja li kien li hu kellu jkun magħżul b'mod singulari, u li dik il-viżjoni kienet qed tħabbarlu xorti tajba. Għaldaqstant aktar iddeċieda li jitlaq lejn il-Puglie biex isir kavallier mill-konti li semmejna. Kien ferħan aktar mis-soltu, u lil dawk kollha li kienu jistagħġbu u jistaqsuh minn fejn kien ġab dak il-ferħ kollu, kien iweġibhom: "Jiena naf li għad insir prinċep kbir". [1C 5; AP 5; 2C 6; LM I,3]

[542] 6 Il-jum ta' qabel ma seħħet il-viżjoni, tant kienet kbira fih il-wegħda ta' nobblità kavallereska, li nistgħu naħsbu li l-viżjoni stess kienet ipprovdiet l-okkażjoni biex hu jemmen dan. F'dak l-istess jum kien ta l-ilbies kollu raffinat u jiswa tant flus li kien għadu kemm akkwista lil wieħed kavallier fqir.

Meta telaq lejn il-Puglie wasal sa Spoleto, u hemmhekk beda jħossu ftit ma jiflaħx. Imħeġġeġ kif kien biex ikompli l-vjaġġ tiegħu, meta mar biex jorqod, kif kien jhewden nofsu rieqed, sema' bħal min jistaqsih fejn ried imur. Franġisku kixef il-pjan kollu tiegħu, u l-leħen qallu: "X'ikun l-aħjar għalik? Is-sid jew il-qaddej?". Għal dan hu wieġeb: "Is-sid". Il-leħen reġa' qallu: "Mela għaliex qiegħed titlaq lis-sid biex taqdi lill-qaddej, il-prinċep biex taqdi lis-sudditu?". Franġisku staqsa: "*Xi tridni nagħmel, Mulej?*" (cfr. Atti 9,6). Il-leħen qallu: "*Erġa' lura lejn artek* (cfr. Ġen 32,9) *u hemmhekk jgħidulek dak li għandek tagħmel* (cfr. Atti 9,7). Jeħtieġ tifhem il-viżjoni li rajt b'mod ieħor".

Malli qam beda mall-ewwel jaħseb fuq dik il-ħolma. Jekk l-ewwel ħolma kienet qanqlitu biex ma jikkontrollax il-ferħ fix-xewqa tal-ġid materjali, it-tieni ħolma daħħlitu fih innifsu, u beda jistagħġeb u jqis sewwa l-qawwa tagħha, tant li dak il-lejl ma setax jorqod iżjed.

Malli sebaħ, reġa' lura lejn Assisi bil-ħeffa u mimli ferħ, għax beda jistenna li l-Mulej, li kien urieh ir-rieda tiegħu issa seta' jagħtih parir dwar is-salvazzjoni tiegħu. Biddel fehemtu, u ma riedx ikompli fi triqtu lejn il-Puglie, u iddeċieda li jaqbel għal kollox mar-rieda divina. [1C 7; AP 6-7; 2C 5-6; LM I,3]

## Kapitlu III

Dwar kif il-Mulej għall-ewwel żar il-qalb tiegħu u mlieha bi ħlewwa ta' l-għaġeb, li tagħtu l-qawwa li jimxi 'l quddiem fiċ-ċaħda tiegħu nnifsu u tal-frugħat kollha, kif ukoll biex jitlob u jagħti karità u jħobb il-faqar.

[543] 7 Wara ftit jiem li reġa' lura lejn Assisi, lejl minnhom sħabu għażluh bħala mexxej biex, skond kif kien jidhrilu, iħallas l-ispejjeż kollha tagħhom. Hu ħejja ikla mill-ifjen, kif kien imdorri jagħmel fl-imgħoddi[282].

Meta ħarġu mid-dar imxebbgħin sa ruħ ommhom bl-ikel u l-inbid, kemm hu kif ukoll sħabu bdew iduru mat-toroq tal-belt ikantaw, u hu kellu f'idu l-bastun jew xettru ta' l-uffiċċju tiegħu bħala mexxej tal-kumpanija, imma beda jibqa' kemmxejn warajhom, u ma kienx ikanta imma deher ħosbien ħafna. U hekk hu li f'daqqa waħda żaru l-Mulej, u tant imlielu qalbu bil-ħlewwa li ma kienx kapaċi jitkellem jew jiċċaqlaq. Xejn aktar ma kien jiswielu jħoss jew jisma' ħlief din il-ħlewwa, li begħeditu minn kull sens ta' pjaċir tal-ġisem tant, li kif kien jgħid hu nnifsu aktar tard, kieku dak il-ħin kienu jqattgħuh bċejjeċ, ma kienx ikun jista' jiċċaqlaq.

Meta sħabu ħarsu lura u rawh tant mitluf 'il bogħod minnhom, reġgħu lura ħdejh mistagħġbin għax rawh donnu *mibdul fi bniedem ieħor* (cfr. 1Slat 10,6). Huma bdew jistaqsuh u jgħidulu: "F'hiex qiegħed taħseb hekk li ma tridx tiġi warajna? Forsi qiegħed taħseb biex tiżżewweġ?" Hu weġibhom b'leħen qawwi: "Għandkom raġun, għaliex jiena qed naħseb li niżżewweġ tfajla li hi aktar nobbli, sinjura u sabiħa milli intom qatt rajtu". *Huma bdew jiddieħqu bih* (cfr. Mt 9,24; Lq 16,14; 23,35). Hu kien qal hekk mhux imqanqal minnu nnifsu, imma ispirat minn Alla: fil-fatt din l-istess għarusa kellha tkun ir-reliġjon vera li hu ħaddan, li hi aktar nobbli, sinjura u sabiħa mill-oħrajn minħabba l-faqar tagħha[283]. [1C 7; 2C 7]

[544] 8 Minn dik is-siegħa hu beda jqis lilu nnifsu bħala li ma għandux valur u beda jiddisprezza dak kollu li qabel kien iħobb. Imma billi kien għadu ma inqatax mill-frugħa tad-dinja għal kollox, din il-bidla kienet għadha mhijiex perfetta. Hu beda jirtira mill-istorbju tad-dinja, u beda jfittex bir-reqqa li fil-bniedem ta' ġewwa jaħbi lil Ġesù Kristu bħal dik *il-ġawhra* li xtaq jixtriha, u *biegħ kollox* (cfr. Mt 13,46), u ħbieha mill-għajnejn ta' dawk li jgħaffġuha taħt saqajhom. Ta' spiss, u kważi kuljum, kien jirtira waħdu biex jitlob. Kien imbuttat biex jagħmel hekk mill-istess ħlewwa li kien ħass qabel, u li issa bdiet iżżuru aktar ta' spiss, u li kienet timbuttah biex jieqaf jitlob fil-pjazza jew f'postijiet oħrajn pubbliċi.

Għalkemm hu kien ilu benefattur tal-foqra, minn dak il-ħin *iddeċieda f'qalbu* (S 13,1; Atti 5,4) li ma jiċħad xejn lill-foqra li jitolbuh il-karità għall-imħabba ta' Alla, imma li jagħtihom b'mod aktar ġeneruż u bil-qalb minn qatt qabel. Kull meta kien ikun barra mid-dar u jiltaqa' ma' foqra li jitolbuh il-karità, kien jagħtihom mill-flus li kien ikollu. Jekk ma kienx ikollu flus, kien jagħtihom il-kappell jew iċ-ċinturin, biex *ma jibgħatx lill-fqir b'idejh vojta* (cfr. Sir 29,12). Jekk lanqas dawn ma kellu, kien imur f'post imwarrab, jinża' l-qmis, u mbagħad jagħtiha lill-fqir u jitolbu jeħodha għall-imħabba ta' Alla. Kien ukoll jixtri reċipjenti li jkollhom bżonn il-knejjes biex jiżżejnu bihom, u kien jgħaddihom f'idejn is-saċerdoti foqra. [1C 4;6; 2C 8; LM I,4.6]

---

[282] Skond Arnaldo Fortini, dan il-grupp ta' żgħażagħ li jagħmlu festa bil-kant u l-ikel kien jissejjaħ *Tripudianti*. Kienu jagħmlu festa kbira l-aktar fit-13 ta' Ġunju, festa ta' S. Vittorino, Isqof u Martri ta' Assisi. F'din il-festa kienu jagħżlu wieħed minnhom biex iġorr bastun ta' awtorità u jmexxi l-*Compagnia del Bastone*. Hu kellu d-dmir li jħallas l-ispejjeż kollha tal-festa. Kienu wkoll joħorġu jiżfnu u jkantaw fit-toroq ta' Assisi fil-festa tradizzjonali ta' *Calendimaggio*, li għadha ssir bħala attività folkloristika f'Assisi.

[283] Il-kelma latina *religio* tindika l-ħajja ta' konsagrazzjoni jew ħajja reliġjuża li Franġisku ħaddan, karatterizzata mill-faqar tal-Mulej Ġesù, li Franġisku kien bena fuq relazzjoni kavallereska ta' mħabba bejnu u bejn. *Madonna Povertà*

[545] 9 Meta missieru kien ikun jivvjaġġa u hu kien ikun id-dar, għalkemm kien jiekol ma' ommu biss, kien jimla l-mejda bil-ħobż daqslikieku kien qiegħed iħejji l-ikel għal familja sħiħa. Meta ommu kienet tistaqsih għaliex iqiegħed tant ħobż fuq il-mejda, hu kien iwieġeb li dawn kellhom *jingħataw karità* (cfr. Lq 12,33) lill-foqra, għaliex hu kien iddeċieda li, lil *kull min jitolbu* (cfr. Lq 6,30), jagħtih karità minħabba f'Alla. Ommu għalhekk kienet tħobbu aktar minn uliedha l-oħrajn, u kienet tagħlaq għajnejha għal dawn l-affarijiet, filwaqt li kienet tosserva dak kollu li kien jagħmel u tammira l-ħafna għemejjel tajba li kienet tara f'qalbu.

Hu tant kien imdorri li jitlaq jiġri wara sħabu meta dawn kienu jsejħulu, u tant kien miġbud lejn il-ħbiberija tagħhom, li hu kien iqum mill-mejda anke jekk ikun biss għadu kemm beda jiekol. B'dan il-mod hu kien jinkwieta l-ġenituri tiegħu għax kien jitlaq 'il barra mid-dar b'mod daqshekk diżordinat. Imma issa qalbu kienet għal kollox mogħtija biex jara lill-foqra, jismagħhom, u jagħtihom karità.

[546] 10 Tant kien inbidel bil-grazzja divina, li meta kien għadu sekular, kien jixtieq li jmur f'belt oħra, fejn ħadd ma jkun jafu, u hemm ineħħi ħwejġu u jibdilhom ma' dawk ta' bniedem fqir, u jipprova jittallab il-karità għall-imħabba ta' Alla.

Ġara li f'dak iż-żmien hu mar Ruma fuq pellegrinaġġ. Meta daħal fil-knisja ta' San Pietru[284], hu beda jinnota kemm kienu miżeri l-offerti li kienu qed jagħtu l-pellegrini, u qal fih innifsu: "Jekk il-prinċep ta' l-appostli jistħoqqlu tant ġieħ, għaliex jagħmlu offerti tant miżeri fil-knisja li fiha jinsab midfun?" B'ħeġġa kbira, hu ħareġ mill-ħorġa ħafna muniti u mela idu bihom, u xeħethom mill-grata ta' quddiem l-altar, u tant għamel ħoss qawwi li kull min kien jinsab qribu baqa' mistagħġeb bl-offerta ġeneruża tiegħu.

Hu u ħiereġ mill-knisja ra li kien hemm bosta nies foqra, li kienu qed *jittallbu l-karità* (cfr. Atti 3,2). Hu mar fil-moħbi u ħa l-ħwejjeġ ta' wieħed tallab, bidel miegħu ħwejġu u libishom. Imbagħad mar jintasab fuq it-taraġ tal-knisja mat-tallaba l-oħrajn u beda jittallab bl-ilsien franċiż, għaliex hu kien jaf jitkellem bil-franċiż, għalkemm mhux għal kollox b'mod korrett[285].

Wara li neża l-ħwejjeġ tat-tallab u libes tiegħu, reġa' lura lejn Assisi u beda jitlob lil Alla *biex imexxih fi triqtu* (cfr. Ġen 24,40). Hu ma kienx jaqsam is-sigriet tiegħu ma' ħadd, u lanqas kien ifittex parir minn ħadd ħlief mingħand Alla li beda jmexxih fi triqtu, u xi kultant mingħand l-isqof ta' Assisi. Għax dak iż-żmien ħadd ma kellu dak il-faqar veru li hu xtaq fuq kull ħaġa oħra ta' din id-dinja, hekk li ried jgħix u jmut bih. [2C 8; LM I,6]

---

[284] Il-pellegrinaġġi kienu popolari ħafna fil-medjuevu. L-aktar postijiet famużi għall-pellegrinaġġi fl-Italja kienu l-oqbra ta' l-appostli Pietru u Pawlu f'Ruma, u s-santwarju ta' S. Mikiel Arkanġlu fuq il-Monte Gargano. Barra mill-Italja xi wħud kienu saħansitra jieħdu riskji kbar biex imorru pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa. Santwarji oħrajn famużi għall-pellegrinaġġ kienu dak ta' Santiago de Compostella fil-Galizja, Spanja, u dak ta' S. Thomas Becket f'Canterbury, l-Ingilterra. L-ewwel pellegrinaġġ magħruf għall-qabar ta' S. Pietru kien dak ta' Albericus, isqof ta' Hierapolis fil-Friġja, fis-sena 216. Il-bażilika ta' S. Pietru li ra S. Franġisk kienet dik li bena l-imperatur Kostantinu fis-sena 324 u li temm jibniha ibnu Kostanzu fis-sena 354.

[285] 1 Celano 16 juża l-espressjoni *lingua francigena*, meta jgħid li Franġisku telaq minn Assisi, wara li neża ħwejġu quddiem missieru u l-isqof, u telaq ikanta bil-franċiż. Din kienet il-lingwa ta' Champagne, minn fejn kienet ġejja ommu u fejn missieru kien jinnegozja. Franġisku naturalment tgħallimha minn fomm ommu Pica.

Kapitlu IV
Dwar kif beda jirbaħ lilu nnifsu meta ltaqa' mal-lebbrużi u beda jqis bħala ħlewwa dak li qabel kien għalih morr.

[547] 11 Jum minnhom, waqt li kien qiegħed jitlob bil-ħerqa lill-Mulej, sema' din it-tweġiba: "Franġisku, dak kollu li kont tħobb skond il-ġisem u li kont tixtieq li takkwista issa jaqbel li inti tistmerru u tobogħdu, jekk trid tkun taf ir-rieda tiegħi. Għax malli inti tibda tagħmel hekk, dak kollu li qabel kien artab u ħelu għalik isir morr u ma tkunx tiflaħ tissapportih, filwaqt li dak li qabel kont titwerwer minnu joffrilek ħlewwa kbira u ferħ immens".

Mimli hena b'dak li sema' u imfarraġ fil-Mulej, jum minnhom kien riekeb iż-żiemel qrib Assisi, u iltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' lebbruż[286]. Hu kien jitwerwer ħafna meta kien jara l-lebbrużi, imma dakinhar dlonk niżel miż-żiemel u lil-lebbruż tah il-flus u bieslu idu. Wara li laqa' l-bewsa tal-paċi mingħandu reġa' rikeb iż-żiemel u kompla fi triqtu. Hu beda jqis lilu nnifsu b'disprezz dejjem akbar, sakemm bil-grazzja ta' Alla rnexxielu jasal għal rebħa sħiħa fuqu nnifsu.

Wara ftit ġranet, ħa miegħu kemxa flus ġmielha u mar fl-ospizju tal-lebbrużi. Hu ġabarhom flimkien u lil kull wieħed minnhom tah il-karità u bieslu idu. Meta telaq minn hemm, dak li qabel kien deherlu li hu morr, jiġifieri li jara u jmiss il-lebbrużi, inbidel għalih fi ħlewwa[287]. Għax hu, kif kien jgħid, kienet għalih xi ħaġa morra li jara l-lebbrużi, u mhux biss ma kienx irid jarahom, imma lanqas ma kien ikun irid jersaq lejn fejn kienu joqogħdu, u jekk xi darba kien jinzerta li jrid jgħaddi minn ħdejn il-lazzaretti tagħhom jew jarahom, għalkemm kien ikun imqanqal mill-ħniena biex jagħtihom karità permezz ta' persuna oħra, hu kien idawwar wiċċu u jsodd imnieħru b'idejh stess. Bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla sar ħabib u familjari mal-lebbrużi, tant li, kif jixhed fit-Testment tiegħu, kien joqgħod magħhom u jaqdihom bl-umiltà. [1C 17; 2C 9; LM I,5-6; II,6]

[548] 12 Mibdul għat-tajjeb wara ż-żjara lil-lebbrużi, kien jieħu miegħu lil sieħbu, li kien iħobbu ħafna, u jmorru f'postijiet imwarrba, filwaqt li jgħidlu li hu kien sab teżor kbir u prezzjuż. Dan iż-żagħżugħ kien jifraħ mhux ftit u kien imur bil-qalb miegħu kull meta kien jgħajjatlu. Franġisku ta' spiss kien jieħdu fi kripta ħdejn Assisi[288], u hemmhekk kien jidħol waħdu, u jħalli

---

[286] Fi żmien S. Franġisk kien hemm diversi ospizi tal-lebbrużi fit-territorju, jew *contado*, ta' Assisi. L-aktar wieħed importanti fil-ħajja ta' S. Franġisk kien l-ospizju ta' S. Lazzaro d'Arce, aktar tard magħruf bħala S. Maria Maddalena, fil-pjanura taħt Assisi, xi kilometru bogħod mill-Porziuncola. Ospizi oħrajn kienu dawk ta' Selva Grossa, Fontanelle, San Salvatore delle Pareti, Acquaviva, San Savino, Ponte del Chiagio, Ponte dei Galli, Querciano. Il-lebbrużi kienu bilfors iridu jgħixu f'dawn il-lazzaretti, jilbsu l-*gattinello*, jew tonka ħarxa tas-suf, u jġorru t-*tentennella*, jew qanpiena ċkejkna, biex javżaw lil min jiltaqa' magħhom fit-triq bil-preżenza tagħhom.

[287] Fit-*Testment* li iddetta fl-1226 ftit qabel miet, S. Franġisk jitkellem minn din l-esperjenza ta' konverżjoni: "Il-Mulej ta lili, fra Franġisk, il-grazzja li nibda nagħmel penitenza hekk: għaliex, billi jien kont ngħix fid-dnub id-dehra ta' l-imġiddmin kienet għalija wisq ta' min jistmerrha: iżda l-Mulej innifsu mexxieni f'nofshom, u jiena wrejt ħniena magħhom. U wara li qdejt dmiri lejhom, dak li qabel deherli li hu morr, inbidel għalija fi ħlewwa għar-ruħ u għall-ġisem. Imbagħad, qagħadt ftit, u ħallejt id-dinja".

[288] Il-Fonti Franġiskani ma jgħidulniex min kien dan is-sieħeb misterjuż li miegħu Franġisku kien joħroġ f'dan il-perjodu ta' ħajtu. Ingħataw diversi ipotesi, imma l-ebda waħda minnhom ma tista' tiġi ippruvata. Għalkemm ħafna tradizzjonijiet moderni jużaw il-kelma "għar" biex jittraduċu l-kelma latina *crypta*, nippreferu nittraduċu kripta, għax

lil sieħbu barra, mimli ħeġġa għal dan it-teżor. Kien ikun ispirat minn spirtu ġdid u singulari, *kien jitlob lill-Missieru fil-moħbi* (cfr. Mt 6,6), u ma kien ikun irid lil ħadd isir jaf dak li kien jiġri hemm ġew, ħlief Alla biss li hu kien jitolbu biex jagħtih dan it-teżor tas-sema.

L-għadu tal-bnedmin, meta kien josservah, kien jipprova jiġbdu mit-tajjeb li kien beda jagħmel billi jnissel fih il-biża u t-terrur. F'Assisi kien hemm mara, li kienet ħotbija u deformata, li d-demonju, meta kien jidher lill-bniedem ta' Alla, kien ta' spiss iġibhielu quddiem għajnejh. Kien jheddu li jagħmlu bħalha jekk kien ikompli fil-pjan li hu kien iddeċieda li jwettaq. Imma *s-suldat* qawwi *ta' Kristu* (cfr. 2Tim 2,3) kien jiċħad it-theddid tax-xitan, u fil-kripta kien jitlob bil-qima lil Alla ħalli *jmexxih fi triqtu* (cfr. Ġen 24,40).

Kien jissapporti tbatijiet kbar u ansjetà mentali, u ma kienx jista' jistrieħ sakemm ma kienx wettaq dak li fassal f'moħħu. Kienu jiġuħ ħsibijiet wieħed wara l-ieħor, u tant kienu jkunu insistenti li kienu jifnuh. Minn ġewwa kien jaqbad b'nar divin, u ma kienx jista' jikkontrolla minn barra l-fjamma li kienet taqbad f'qalbu. Kien jiddispjaċih li dineb b'mod tant gravi. Għalkemm il-ħażen ta' l-imgħoddi u tal-preżent ma kienx jogħġbu iżjed, hu xorta kien għadu inċert jekk ikunx jista' jevitah fil-ġejjieni. Għaldaqstant kull meta kien joħroġ mill-kripta, għal sieħbu kien jidher qisu *mibdul fi bniedem ieħor* (cfr. 1Slat 10,6). [1C 6; 2C 9; LM I,4]

Kapitlu V
Dwar kif il-Kurċifiss kellmu għall-ewwel darba u dwar kif kien iġorr f'qalbu l-passjoni ta' Kristu sal-mewt.

[549] 13 Jum minnhom, waqt li kien qiegħed jitlob b'ħerqa akbar il-ħniena tal-Mulej, il-Mulej innifsu urieħ li kellu jgħidlu fi ftit żmien dak li hu kellu jagħmel. Minn dak il-ħin, tant *imtela bil-ferħ* (cfr. 1Slat 10,6), li ma setax iżomm bil-hena li ħass, u mingħajr ma kien intebaħ, beda jitkellem dwar dan is-sigriet fil-widnejn ta' bnedmin oħrajn. Imma kien jitkellem b'attenzjoni u taħt ix-xbihat, billi kien jgħid li ma riedx imur fil-Puglie imma ried jerġa' lura lejn art twelidu biex hemmhekk iwettaq ħwejjeġ nobbli u kbar.

Sħabu kienu jarawh tant mibdul, li hu kien jidher li tbiegħed minnhom fi ħsibijietu, anke jekk xi kultant kien jingħaqad magħhom. Donnhom biex jiċċajtaw miegħu kienu jistaqsuh: "Franġisku, jaqaw trid tiżżewweġ?" Għal dan hu kien iwieġeb b'tixbihat, kif diġà għidna aktar 'il fuq.

Għaddew ftit ġranet, meta hu inzerta miexi ħdejn il-knisja ta' San Damiano[289]. L-Ispirtu s-Santu nebbħu biex jidħol ġewwa biex jitlob. Malli daħal, beda jitlob bil-ħeġġa quddiem ix-

---

hu probabbli li l-post li fih kien imur Franġisku kienet il-kripta tal-knisja romanika ta' S. Masseo, ftit bogħod minn S. Damiano, li għadha teżisti sallum.

[289] Il-knisja ta' San Damiano hi dedikata lil żewġ qaddisin martri Sirjani, San Kosma u San Damjan, għalkemm fid-dokumenti antiki dejjem tidher taħt l-isem ta' San Damiano. L-ewwel riferiment tagħha jmur lura għas-sena 1030, imma l-knisja x'aktarx inbniet fis-sekli IX-X. Meta S. Franġisk żar il-knisja fl-1205 din kienet proprjetà ta' l-isqof ta' Assisi. Kien f'din il-knisja li S. Franġisk talab quddiem il-Kurċifiss biżantin. San Damiano kienet ukoll waħda mill-knejjes li S. Franġisk sewwa b'idejh stess. Hemmhekk fl-1212 hu bagħat lil Klara u lil oħta Agnese, u għalhekk

xbieha tal-Kurċifiss[290], li kellmitu bil-ħlewwa u qaltlu: "Franġisku, mintix tara kif id-dar tiegħi qed tiġġarraf? Mur, mela, u sewwihieli". Mimli rogħda u stagħġib wieġeb: "Bil-qalb kollha, Mulej". Għax hu fehem li dawk il-kliem ingħadu għal dik il-knisja, li minħabba l-qedem tagħha, kienet għoddha se tiġġarraf. Tant imtela ferħ għal dak li sema', u tant ħassu imdawwal, li intebaħ f'ruħu li kien tassew Kristu msallab li kien kellmu.

Malli ħareġ mill-knisja, sab hemmhekk il-qassis qiegħed bilqiegħda[291], u wara li daħħal idu fil-ħorġa offrielu ponn flus, filwaqt li qallu: "*Messere*, nitolbok biex tixtri ftit żejt u tixgħel dejjem il-musbieħ quddiem dak il-Kurċifiss. Meta dawn il-flus jispiċċawlek, nerġa' nagħtik kemm tkun teħtieġ". [1C 7; 2C 6;10-11; 3C 2; LM I,3; II,1]

[550] 14 Minn dik is-siegħa, *qalbu ġiet minfuda* (cfr. Għan 4,9) u kienet tinħall għat-tifkira tal-passjoni tal-Mulej. Sakemm għex kien dejjem *iġorr f'qalbu l-istimmati tal-Mulej Ġesù* (cfr. Gal 6,17), kif imbagħad deher b'mod ċar fit-tiġdid ta' l-istess stimmati li kienu stampati b'mod mirakoluż u li kienu jidhru b'mod ċar fil-ġisem tiegħu.

Minn dak in-nhar hu kien jgħakkes ġismu b'tant ħruxija, li, kemm jekk kien ikun f'saħħtu jew marid, dan ir-raġel awster qatt ma ried ipaxxi lil ġismu. Għal din ir-raġuni, meta kien qrib il-mewt, stqarr li kien dineb ħafna kontra *fratello corpo*.

Darba minnhom kien miexi waħdu ħdejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, u kien *jibki* u jnewwaħ *b'leħen għoli* (cfr. Eżek 27,30; Mk 5,38). Wieħed raġel tar-ruħ semgħu, u ħaseb li kien qiegħed ibati minn xi marda jew uġiegħ. Imqanqal bil-ħniena lejn, staqsieh għalfejn kien qiegħed jibki. U hu wieġbu: "Jiena nibki l-passjoni tal-Mulej tiegħi, u jiena ma għandix għax nistħi li mmur fid-dinja kollha nibki b'leħen għoli". Dak ir-raġel ukoll beda jibki miegħu b'leħen li jinstema'.

Ta' spiss ukoll, meta kien iqum mit-talb, għajnejh kienu jkunu jidhru qishom bid-demm, minħabba d-dmugħ li kien joħroġ waqt il-biki tiegħu. Mhux biss kien jgħakkes lilu nnifsu bid-dmugħ, imma wkoll billi jiċċaħħad mill-ikel u x-xorb, b'tifkira tal-passjoni tal-Mulej. [2C 11; 3C 3; LM I,5; CA 78; SP 92]

---

San Damiano sar l-ewwel monasteru tal-*Povere Dame di San Damiano*, jew *Damianite*, kif kienu magħrufin l-ewwel sorijiet Klarissi. Is-sorijiet baqgħu hemm sal-mewt ta' Klara fl-1253, u ftit snin wara marru joqgħodu fil-protomonasteru ta' Assisi, u ħadu magħhom l-ikona tal-Kurċifiss. Illum il-ġurnata San Damiano hu dar tan-novizzjat tal-Provinċja Serafika tal-Patrijiet Minuri.

[290] Il-Kurċifiss ta' San Damiano hu ikona ta' stil romaniku. Fiha Kristu jidher fuq is-salib, imma fl-istess ħin glorjuż u b'għajnejh miftuħin, biex jesprimi l-misteru tal-glorja tal-qawmien li jidher fis-salib. Miegħu huma mpittra l-Verġni Marija, S. Ġwann, iċ-Ċenturjun, Marija ta' Magdala, u persunaġġi oħrajn. F'medaljun fil-għoli hemm xbiha ta' Kristu tielgħa s-sema l-id tal-Missier tilqgħu. Cfr. Leone Bracaloni, "Il prodigioso Crocifisso che parlò a San Francesco", in *Studi Francescani* 36 (1939), 185-212; Ġużepp Beneditt Xuereb OFM, *Mur Franġisku sewwi d-Dar Tiegħi. Spjega tas-Salib Biżantin li kellem lil San Franġisk t'Assisi*, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 2001.

[291] Skond l-*Anonymus Perusinus* 7, dan il-qassis kien jismu Pietro. Kien qassis fqajjar, kif kienu ħafna mill-qassisin tal-kampanja, li lejhom S. Franġisk juri qima kbira tant li fit-*Testment*, 7-9 jikteb: "Li kieku kelli daqshekk għerf daqs kemm kellu Salamun, u kelli niltaqa' ma' saċerdoti fqajrin ta' din id-dinja fil-parroċċa fejn jgħixu, ma rridx nippriedka kontra r-rieda tagħhom. U 'l dawn stess u lill-oħrajn kollha rrid inħobb, inweġġaħ u lejhom nuri biża', bħallikieku huma sidien tiegħi. U ma rridx inqis id-dnub fihom, għax fihom nilmaħ l-Iben ta' Alla u huma s-sidien tiegħi".

[551] 15 Kull meta kien jiekol ma' nies sekulari, u kienu jagħtuh ikel li jpaxxi lil ġismu, ftit kien jiekol minnu, u kien jippretendi li jiskuża ruħu, sabiex ma jintebħux li hu kien qiegħed jiċħad l-ikel għax kien sajjem. U meta kien jiekol ma' l-aħwa, ta' spiss kien jixħet l-irmied fuq l-ikel li kien jiekol, filwaqt li kien jgħid lill-aħwa, biex jgħatti l-astinenza tiegħu, li ħuna l-irmied hu kast.

Darba minnhom meta kien qagħad biex jiekol, wieħed mill-aħwa qallu li l-Verġni mqaddsa tant kienet fqira meta kien jasal il-ħin ta' l-ikel, li lanqas kellha biex tagħti jiekol lil binha. Malli sema' dan, ir-raġel ta' Alla tniehed b'niket kbir, u telaq minn fuq il-mejda biex jiekol il-ħobż tiegħu fuq l-art għerja.

Ta' spiss, fil-fatt, malli kien joqgħod bilqiegħda biex jiekol, kien jintilef fil-meditazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema, u malajr kien jieqaf mill-ikel u x-xorb. Ma kienx ikun irid li jiġi disturbat b'xi kliem. Kien jitniehed minn qiegħ qalbu, u kien ukoll jgħid lill-aħwa li, meta kienu jisimgħuh jitniehed b'dan il-mod, huma kellhom jiżżu ħajr lil Alla u jitolbu għalih bil-fedeltà.

Aħna għidna dawn il-ħwejjeġ dwar il-biki u s-sawm tiegħu b'kumbinazzjoni, biex nuru li, wara d-dehra u l-kliem tax-xbieha tal-Kurċifiss, hu kien dejjem jikkonforma ruħu mal-passjoni ta' Kristu sal-mewt[292]. [1C 51; 2C 200; LM V,1; VII,1]

Kapitlu VI
Dwar kif ħarab mill-persekuzzjoni ta' missieru u ta' qrabatu, billi qagħad mal-qassis ta' San Damiano wara li xeħet il-flus fit-tieqa ta' din il-knisja.

[552] 16 Ferħan se jtir wara l-viżjoni u l-kliem tal-Kurċifiss, qam minn fejn kien u arma lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib. Rikeb iż-żiemel u miegħu ħa drappijiet ta' kuluri differenti, u wasal f'belt jisimha Foligno. Hemmhekk hu biegħ iż-żiemel u dak kollu li kien ħa miegħu, u mar lura mall-ewwel fil-knisja ta' San Damiano.

Wara li hemmhekk sab lill-qassis fqajjar, hu bieslu idejh bid-devozzjoni u b'fidi kbira, u offrielu l-flus li kien ġab u tarraflu dak li kellu f'moħħu b'mod dettaljat. Il-qassis baqa' mbellaħ, u stagħġeb mhux ftit meta rah kif ikkonverta f'daqqa. Hu ma riedx jemmnu, u billi ħaseb li kien qiegħed jgħaddih biż-żmien, ma riedx iżomm il-flus. Imma Franġisku baqa' jinsisti bil-qawwa, u beda jipprova jġiegħelu jemmen il-kliem tiegħu, u beda jitlob lill-qassis b'insistenza biex iħallih joqgħod miegħu[293].

---

[292] It-tema tal-konformazzjoni ta' Franġisku ma' Ġesù Kristu hi komuni fil-Fonti medjevali Franġiskani. Issib l-akbar żvilupp tagħha fil-*Legenda Maior* ta' S. Bonaventura, u speċjalment fi tmiem is-seklu XIV, bil-kitbiet ta' Arnald de Sarrant, *De Cognatione Sancti Francisci*, u ta' Bartolomeo da Pisa, *De Conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Jesu*.

[293] B'din id-deċiżjoni li jgħix fil-knisja ta' San Damiano, Franġisku ħa fuqu d-dmir ta' l-oblati. Skond Fortini diversi dokumenti antiki ta' Assisi juruna persuni li offrew il-ġid tagħhom jew is-servizz tagħhom lil xi knisja, għas-salvazzjoni ta' ruħhom. Dawn kienu l-*oblati mortui mundo,* l-oblati mejtin għad-dinja - irġiel u nisa lajċi li, mingħajr konsagrazzjoni jew voti reliġjużi, kienu jgħixu qrib xi knisja, jaqduha u jieħdu stil ta' ħajja monastiku, xi kultant anke billi jkollhom libsa li tiddistingwihom. Kienu forma ta' penitenti medjevali, u kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni episkopali.

Fl-aħħar il-qassis ċeda u ħallih jgħammar hemmhekk miegħu, imma minħabba l-biża li kellu mill-ġenituri tiegħu, ma riedx jaċċetta l-flus. Għal dan, Franġisku li sar jistmerr bis-serjetà l-flus, xeħet il-borża f'ħoġor ta' tieqa, u beda jistmahom daqs li kieku kienu trab.

Waqt li kien qiegħed jgħammar hemm, missieru, bħal wieħed *ifittex* bir-reqqa, *mar idur* (cfr. 1Piet 5,8) jistaqsi x'kien ġara minn ibnu. Meta sema li hu kien inbidel u li kien qiegħed jgħammar f'dak il-post, *sogħob bih u sewwed qalbu* (Ġen 6,6) għal dak li kien qiegħed jiġri, u *wara li sejjaħ lil ħbiebu u lill-ġirien* (cfr. Lq 15,6), mar jiġri sa fejnu.

Minħabba f'hekk, il-*kavallier* il-ġdid *ta' Kristu* (cfr. 2Tim 2,3), meta sema' l-isfidi ta' dawk li kienu ġew għalih u induna minn qabel li kienu waslu, ħalla spazju għall-korla ta' misseru, u mar f'ħofra sigrieta li hu kien ħaffer fl-art minn qabel għalli jista' jkun, u hemmhekk ħeba lilu nnifsu għal xahar sħiħ[294]. Dik il-ħofra kienet magħrufa biss minn wieħed li kien jgħix fid-dar ta' missieru. Hemmhekk Franġisku kien jieħu l-ikel li kienu jġibulu bil-moħbi, filwaqt li kien jitlob il-ħin kollu b'ħafna dmugħ biex il-Mulej jeħilsu minn persekuzzjoni li teqirdu, u biex iwettaq bit-tjieba x-xewqat imħeġġa tiegħu. [1C 8; 9-10; AP 7; LM II,1-2]

[553] 17 Għaldaqstant kien jitlob lill-Mulej *bil-biki u t-tnehid* (cfr. Ġoel 2,12) bla jaqta'. Billi ma kellux fiduċja fil-qawwa u l-ħila tiegħu, hu kien *jixħet* it-tama kollha tiegħu *fil-Mulej* (cfr. S 54,23; 36,5), li għalkemm kien jinsab fid-dlam hu kien jimlih b'hena kbir u jdawwlu b'dawl meraviljuż.

Kollu mimli b'din id-dija ġewwinija, wara li ħalla l-ħofra, telaq jiġri lejn Assisi, b'qalb ferħana u ħielsa. Imqawwi bl-armi tal-fiduċja ta' Kristu, u mqabbad bin-nar divin, beda jakkuża lilu nnifsu li kien għażżien u li kien beżżiegħ, u mar juri lilu nnifsu lill-persekuturi tiegħu biex jaqla' minn għandhom it-theddid u d-daqqiet.

Dawk li kienu jafuh qabel, meta rawh issa tant miżerabbli, bdew jinsulentawh bil-qawwa, u bdew jgħajjruh li kien miġnun u barra minn moħħu, filwaqt li *bdew jixħtulu t-tajn u l-ġebel mill-pjazez* (cfr. S 17,43; Ġw 8,59). Għax huma kienu qegħdin jarawh tant mibdul mill-mod kif kien iġib ruħu fl-imgħoddi, u tant xipli minħabba l-penitenza tal-ġisem. Huma ħasbu li dak kollu li kien qed jagħmel kien ħtija tal-ġuħ u tal-ġenn. Imma l-kavallier ta' Kristu għadda minn ġo nofshom trux għal dan kollu, u lanqas deher imkisser jew mibdul bl-insulti li kien jirċievi, imma kien irodd ħajr lil Alla.

Meta mbagħad il-ħoss tal-miġja tferrex mal-*pjazez u l-isqaqien tal-belt* (cfr. Għan 3,2), wasal ukoll għala widnejn missieru, li malli sema' dak l-istorbju kollu li kienu qed jagħmlu n-nies ta' beltu, qam bilġri biex ifittex lil ibnu, mhux biex jeħilsu minnhom, imma biex jeqirdu. Minħajr l-ebda sens ta' rażan, hu mar qisu lupu wara nagħġa, u wara li taħ ħarsa ta' bhima selvaġġa, qabdu

---

[294] It-test latin hu *occultam caveam* (għar moħbi). Il-manuskritt ta' Sarnano jgħid *occulta fovea* (ħofra moħbija). Din hi l-verżjoni li jagħżel Théophile Desbonnets fl-edizzjoni kritika tiegħu. Skavi arkejoloġiċi taħt San Damiano ma tawx il-post eżatt fejn setgħet kienet din il-ħofra li fiha inħeba Franġisku.

bil-goff u ġarru miegħu. Daħħlu d-dar u qaflu f'ħabs mudlam[295] għal diversi ġranet, u bil-kliem u s-swat, ipprova jreġġa' l-ispirtu tiegħu lejn il-bluhat tad-dinja. [1C 11-12; LM II,2]

[554] 18 Iżda hu ma tqanqalx la bil-kliem, u lanqas bil-ktajjeb u bis-swat, imma laqa' kollox bis-sabar, u kien dejjem aktar lest li jwettaq bil-ħeġġa l-pjanijiet qaddisa tiegħu.

Missieru kellu jitlaq mid-dar minħabba bżonn urġenti, u ommu baqgħet miegħu waħedha. Hi ma kienetx tapprova dak li għamel żewġha, u għalhekk marret titkellem ma' binha bil-ħlewwa kollha. Meta rat li ma setgħetx taqilgħu mill-pjanijiet qaddisa tiegħu, imqanqla minn ġewwanett għal dak li ħasset għalih, ħallitlu l-ktajjen u ħallietu jmur ħieles. Hu radd ħajr lil Alla li jista' kollox, u mar lura fil-post fejn kien qabel, filwaqt li beda jħossu aktar ħieles għaliex kien ġie mġarrab mix-xitan u tgħallem il-lezzjoni tat-tentazzjoni. Għamel il-qalb minħabba l-inġurji li rċieva, u kompla miexi 'l quddiem b'qalb aktar kbira.

Sadanittant missieru reġa' lura u meta ma sabx lil ibnu, kompla jżid dnub fuq dnub, u abbuża bi kliem iebes minn martu. [1C 13; LM II,3]

[555] 19 Imbagħad missieru mar jiġri fil-palazz tal-Comune quddiem il-konsli, u beda jgħidilhom dwar ibnu u jitlobhom biex jgħidulu jroddlu lura l-flus li kien ħa mid-dar. Meta l-konsli rawh daqshekk imħawwad, bagħatu l-bandu għand Franġisku biex iħabbarlu li kellu jidher quddiemhom. Imma hu qal lill-bandu li għall-grazzja ta' Alla kien ħieles mill-ħakma tal-konsli, billi hu kien wiegħed li jaqdi biss lil Alla li jista' kollox. Il-konsli għaldaqstant, billi ma riedux jagħmlu vjolenza fuqu, qalu lil missieru: "Billi hu daħal fis-servizz ta' Alla, ma għadux jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħna".[296]

Meta missieru ra li ma seta' jwettaq xejn iżjed quddiem il-konsli, mar bil-protesta tiegħu quddiem l-isqof tal-belt[297]. L-isqof, li kien bniedem għaqli u għaref, sejjaħ lil Franġisku biex jidher quddiemu ħalli jwieġeb għall-protesti ta' missieru. U hu wieġeb lill-bandu: "Jiena nidher quddiem is-sinjur isqof, għaliex hu l-missier u s-sid ta' l-erwieħ".

Ġie għalhekk quddiem l-isqof u dan laqgħu b'ferħ kbir. L-isqof qallu: "Missierek hu irrabjat u skandalizzat minħabba fik. Issa, jekk int trid taqdi lil Alla, erga' roddlu lura l-flus li int għandek, għaliex Alla ma jridx li inti tonfoq il-flus li int akkwistajt b'mod inġust fix-xogħol tal-knisja. Il-korla tiegħu tintemm meta hu jerġa' jirċievi flusu. Ibni, jkollok fiduċja fil-Mulej, u *kun*

---

[295] Il-"ħabs" li fih Franġisku ġie mqiegħed minn missieru għadu jintwera sallum fi Chiesa Nova, li hi waħda mill-postijiet marbutin mad-dar li fiha trabba S. Franġisk. Ma hemm xejn, iżda, li jipprova li dan kien il-post li fih Franġisku ġie marbut bil-ktajjen minn missieru.

[296] Fil-fatt, skond il-liġi medjevali, Franġisku bħala oblat kien jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni episkopali. Kien għalhekk li hu jaċċetta li jidher quddiem l-isqof Guido ta' Assisi.

[297] F'Assisi kien hemm id-dar ta' l-isqof minn żminijiet tal-qedem. Fortini jgħid li l-martri S. Sabino (IV seklu) kien bena daru fuq it-tempju ruman lil Giano. Din il-parti tal-belt kienet tissejjaħ *mons Iani*, il-għolja ta' Giano, u fil-medjuevu bdiet tiġi magħrufa bħala Moiano. Il-knisja ta' l-isqof hi iddedikata lil Santa Marija Assunta, tant li l-kattidral l-antik ta' Assisi, fejn għad hemm l-*episcopio*, għadu magħruf bl-isem ta' Santa Maria Maggiore. L-isqof kellu proprjetajiet immensi, daqs dawk tal-monasteri Benedittini. Innoċenz III kien ħareġ Bulla fit-12 ta' Mejju 1198, li fiha kien hemm il-lista tal-knejjes, monasteri, artijiet, kastelli li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-isqof ta' Assisi. Dan id-dokument hu importanti għax jurina li l-isqof kellu ġurisdizzjoni assoluta fuq dak kollu li kien suġġett għalih. L-isqof fi żmien S. Franġisk kien Guido II ta' Assisi, li dam isqof bejn 1204c u l-1228.

*raġel, u tibżax* (cfr. Dt 31,6) għaliex hu se jkun l-għajnuna tiegħek, u se jipprovdilek dak kollu li teħtieġ għall-ħidma tal-knisja tiegħu". [1C 15; AP 8; LM II,3]

[556] 20 Il-bniedem ta' Alla għalhekk qam, mimli hena u mfarraġ għall-kliem ta' l-isqof, u ġablu l-flus quddiemu filwaqt li qallu: "*Messere*, mhux biss il-flus li qlajt minn ħwejġu nagħtih lura bil-qalb, imma anke l-ħwejjeġ tiegħi". U daħal f'waħda mill-kmamar ta' l-isqof u hemmhekk neża' ħwejġu kollha, qiegħed il-borża tal-flus fuqhom, u ħareġ barra għeri quddiem l-isqof, missieru u n-nies kollha li kienu hemm, filwaqt li qal: "*Isimgħu intom ilkoll u ifhmu sewwa* (cfr. Is 6,9). Sallum jiena kont insejjaħ lil Pietro Bernardone missieri. Imma billi jiena wegħidt li nkun ta' Alla, se nerġa' nroddlu lura l-flus li tant jinkwetawh, kif ukoll il-ħwejjeġ kollha li huma tiegħu, u minn issa 'l quddiem irrid ngħid: *Missierna, li inti fis-smewwiet* (Mt 6,9), mhux iżjed missieri Pietro Bernardone". Kulħadd intebaħ li l-bniedem ta' Alla kellu ċilizzju fuq il-ġilda taħt il-ħwejjeġ ikkuluriti[298].

Imbagħad missieru, maħkum minn niket kbir u korla li ma setax jissapportiha, qam u ħa l-flus u l-ħwejjeġ kollha. Waqt li kien qiegħed iġorr dan kollu lejn id-dar, dawk li raw dik ix-xena inkurlaw għalih, għaliex ħalla lil ibnu mingħajr ħwejjeġ. Imqanqlin mill-ħniena, bdew jibku fuq Franġisku.

L-isqof imbagħad, filwaqt li ħares lejn ir-ruħ tal-bniedem ta' Alla u beda jammira l-ħeġġa u d-determinazzjoni tiegħu, laqgħu f'dirgħajh, u għattieh bil-mant tiegħu. Hu fehem tajjeb li dak li għamel kien wettqu bil-parir divin, u induna li dak li kien ra kellu fih misteru kbir. Minn dak il-ħin *hu sar l-għajnuna tiegħu* (cfr. S 29,11), filwaqt li kien iħeġġu, jinkuraġġih, imexxih u jħaddnu miegħu b'imħabba ħierġa mill-qiegħ ta' qalbu. [1C 15; 2C 12; LM II,4]

Kapitlu VII
Dwar il-ħidma iebsa u t-tbatija tiegħu biex isewwi l-knisja ta' San Damiano, u dwar kif beda jirbaħ lilu nnifsu billi jmur jittallab.

[557] 21 Il-qaddej ta' Alla Franġisku, mela, imneżża' minn dak kollu li hu tad-dinja (cfr. 1Kor 7,33), bl-għajnuna tal-ġustizzja divina isir ħieles biex jiċħad ħajtu, u jingħata kollu kemm hu għas-servizz divin b'kull mod li jista'. Reġa' lura lejn il-knisja ta' San Damiano, kollu hena u ħeġġa, u għamel għalih innifsu libsa ta' eremit, u farraġ lill-qassis ta' dik il-knisja bl-istess kliem li hu kien tfarraġ bihom meta kellmu l-isqof[299].

Imbagħad, qam u reġa' *daħal fil-belt* u beda jfaħħar lill-Mulej qisu wieħed fis-sakra bl-Ispirtu, *mal-pjazez u l-isqaqien* (cfr. Għan 3,2). Wara li temm dan it-tifħir tal-Mulej, beda jittallab il-ġebel biex isewwi l-imsemmija knisja, u beda jgħid: "Kull min jagħtini ġebla waħda, jkollu ħlas

---

[298] Il-ġest ta' Franġisku li jinża' ħwejġu jfakkarna f'tejoloġija patristika qadima fil-Knisja, dik li turi lill-monaċi u dawk li jħallu kollox bħala dawk li jimxu għerja wara Kristu għeri fuq is-salib: *Nudum crucem nudus sequar* (S. Ġilormu, Ep. 52, n. 5 [PL 22:531]).

[299] L-awturi tal-L3C jinjoraw dak li, fil-fatt, ġara wara li Franġisku ċaħad għall-wirt ta' missieru quddiem l-isqof Guido. Hu ma marx direttament San Damiano, imma skond 1C 16-17, hu telaq minn Assisi jkanta bil-franċiż "jiena l-ħabbâr tas-Sultan il-kbir". Ġie mżeblaħ mill-ħallelin u sab kenn għal ftit jiem fil-monasteru Benedittin ta' San Verecondo (Vallingegno), fejn ukoll ġie trattat ħażin mill-monaċi. Imbagħad erħielha lejn Gubbio għand ħabibu Federico Spadalunga, u hemmhekk ingħata għall-kura tal-lebbrużi. Wara dan il-perjodu reġa' lura Assisi.

wieħed. Kull min jagħtini żewġ ġebliet, ikollu ħlas doppju. Kull min jagħtini tlieta, ikollu l-ħlas għal tliet darbiet".

Hekk kien jitkellem u b'ħafna kliem ieħor sempliċi, fil-ħeġġa ta' l-ispirtu. Għalkemm kien bla skola u sempliċi[300], hu kien magħżul minn Alla *bi kliem li ma tgħallmux mill-għerf tal-bnedmin* (cfr. 1Kor 2,13), imma kien sempliċi f'kollox. Ħafna għalhekk kienu jiddieħqu bih, għax kienu jqisuh barra minn moħħu. Iżda oħrajn, imqanqlin mit-tjieba, kienu jispiċċaw bid-dmugħ f'għajnejhom meta kienu jarawh kif ħareġ hekk malajr mill-frugħa tad-dinja, u imtela' bis-sakra ta' l-imħabba divina. Huma kienu jwarrbu l-istmerrija tagħhom, u kienu jroddu ħajr lil Alla bil-ħeġġa ta' l-ispirtu.

Ikun tassew diffiċli u jieħu t-tul biex nirrakkontaw kif hu wettaq din il-ħidma li fassal f'moħħu, għax hu, li kien tant delikat fid-dar ta' missieru, issa fuq spallejh beda jerfa' l-ġebel, u jgħakkes ħafna lilu nnifsu fis-servizz ta' Alla. [1C 18; 2C 11;13; LM II,7]

[558] 22 Il-qassis li semmejna, meta beda jqis ix-xogħol li beda jagħmel ħaseb li dan kien imur 'il hemm mis-saħħa li kellu, għalkemm kien qed joffri ruħu b'tant ħeġġa għall-qima divina. Għalkemm anke hu kien fqajjar, hu kien jakkwista ikel speċjali għal Franġisku, għax hu kien jaf li, meta kien għadu jgħix fid-dinja, kien delikat ħafna. Kif kien stqarr il-bniedem ta' Alla nnifsu aktar tard, hu kien ta' spiss jiggosta ikel tajjeb u ħelu, u ma kienx jiekol dak kollu li mhux tajjeb għalih.

Jum minnhom, meta induna kemm kien qiegħed jitħabat għalih dan il-qassis, hu qal lilu nnifsu: "Inti se ssib qassis bħal dan kull fejn tmur li se joffrilek tant tjubija umana? Mhix hekk tkun il-ħajja tan-nies foqra li int ridt tagħżel għalik. Imma, bħall-foqra l-oħrajn, trid tmur tħabbat bieb, bieb, iġġorr skudella f'idejk, u mbuttat mill-ħtieġa trid tiġbor fiha l-ikel kollu li jagħtuk. Hekk trid tgħix issa bil-qalb, għall-imħabba ta' dak li twieled fqir, li għex fqir ħafna fid-dinja u li baqa' għeri u fqir fuq is-salib u ndifen f'qabar ta' ħaddieħor".

Jum minnhom, għalhekk, qam u ħa skudella f'idejh, u daħal fil-belt jittallab bieb, bieb. Kull meta kien iqiegħed diversi biċċiet ta' ikel fl-iskudella, ħafna kienu jistagħġbu għax kienu jafu f'liema lussu kien jgħix qabel, issa li bdew jaraw kif inbidel b'mod ta' l-għaġeb u kif beda jqis lilu nnifsu b'mod ta' stmerrija. Meta mbagħad ried jiekol dak il-ħafna ikel imħallat flimkien li offrewlu, għall-ewwel kien se jitlagħlu l-istonku għax mhux biss ma kienx imdorri jiekol ikel bħal dak, imma lanqas biss iħares lejh. Fl-aħħar rebaħ lilu nnifsu u beda jiekol, u deherlu li qatt qabel ma kien daq ikel daqshekk tajjeb.

Imbagħad qalbu tant ferħet fil-Mulej li ġismu, għalkemm kien tant dgħajjef u mgħakkes, tqawwa biex, minħabba fil-Mulej, jiflaħ bil-ferħ għal dak kollu li hu qares u morr. Hu kien irodd ħajr lil Alla talli kien biddel il-morr tiegħu fi ħlewwa, u talli kien farrġu b'tant modi. Għaldaqstant qal lill-qassis biex ma jħejjix u lanqas jakkwista aktar ikel għalih fil-ġejjieni. [2C 14]

---

[300] L-espressjoni *idiota et simplex*, kienet waħda li biha Franġisku kien iħobb jiddeskrivi lilu nnifsu. Fl-Ittra lill-Ordni 39 jgħid: *quia ignorans sum et idiota,* li fl-edizzjoni tal-kitbiet bil-Malti ġiet tradotta "injurant u bla skola".

[559] 23 Meta missieru kien jarah f'dik il-qagħda msejkna, kien jimtela' b'niket kbir. Hu kien iħobbu ħafna, u kien jitriegħex meta jarah u jħoss qalbu tingħafas, meta kien jara kemm sar xipli f'ġismu minħabba x-xogħol iebes u l-bard. Kull meta kien jiltaqa' miegħu kien jibda jisħtu.

Għalhekk il-bniedem ta' Alla, meta kien intebaħ li missieru kien qiegħed jisħtu, ħa miegħu lil wieħed raġel tallab fqir u mistmerr minn kulħadd[301], u talbu jieħu post missieru, filwaqt li qallu: "Ejja miegħi u nagħtik mill-karità li jagħtu lili. Kull meta tara lill-missieri jisħetni, jiena wkoll ngħid lilek: *Missier, berikni* (cfr. Ġen 27,34). U inti immarkani u berikni bis-sinjal tas-salib flok missieri". Meta allura t-tallab kien ibierku, il-bniedem ta' Alla kien jgħid lil missieru: "Int ma tarax kif Alla jista' jagħtini missier biex iberikni kontra s-saħtiet tiegħek?".

Wara dan dawk kollha li kienu jiddieħqu bih, meta kienu jaraw kemm kien jissapporti bis-sabar kull insult bdew jistagħġbu ħafna. Jum minnhom, meta f'għodwa xitwija kien qiegħed jitlob, u kellu fuqu lbies fqajjar, ħuh kien għaddej mill-qrib[302], u qal lil sieħbu b'mod ironiku: "Għid lil Franġisku biex ibiegħelek sold mill-għaraq tiegħu". Meta l-bniedem ta' Alla sema' dawn il-kelmiet, hu imtela bil-ferħ u wieġbu bil-ħeġġa bl-ilsien franċiż: "Jiena nbiegħ dak l-għaraq bi prezz aktar għoli lill-Mulej tiegħi". [AP 9; 2C 12]

[560] 24 Waqt li kien jaħdem bla heda biex isewwi l-knisja, hu kien irid li fil-knisja (ta' San Damiano) jkun hemm dejjem musbieħ mixgħul, u kien imur fil-belt jittallab iż-żejt. Imma, meta qorob lejn dar minnhom, ra hemmhekk xi irġiel li kienu miġburin jilgħabu, u beda jistħi jidħol jittallab il-karità quddiemhom, u għalhekk beda miexi lura. Imma meta beda jaħseb fih innifsu, intebaħ li kien dineb, u mar jiġri f'dak il-post fejn kienu qed jilgħabu, u stqarr quddiem kulħadd il-ħtija tiegħu, għax kien staħa li jittallab il-karità minn għandhom. U, mimli bil-ħeġġa ta' l-ispirtu, daħal fid-dar, u għall-imħabba ta' Alla, bl-ilsien franċiż, ittallab iż-żejt għall-musbieħ ta' dik il-knisja.

Meta kien qiegħed jaħdem ma' nies oħrajn f'dak ix-xogħol, hu kien jgħajjat b'leħen għoli u bil-ferħ ta' l-ispirtu lil kull min kien jgħaddi qrib il-knisja, u kien jgħidilhom bil-franċiż: "Ejjew u għinuni fil-ħidma tal-knisja ta' San Damiano li, fil-ġejjieni, se tkun monasteru ta' sinjuri nisa, li bil-fama u l-ħajja tagħhom fil-knisja universali se *jiġi igglorifikat il-Missier tagħna tas-sema*" (cfr. Mt 5,16)[303]. Araw kemm kien mimli *bl-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apok 19,10), tant li tassew ħabbar il-futur. Dan hu, fil-fatt, il-post qaddis li fih ra l-bidu tiegħu r-reliġjon glorjuż u l-Ordni eċċellenti tal-*Povere Dame* u tal-verġni qaddisin, sitt snin wara l-konverżjoni ta' l-imqaddes Franġisku, u bil-ħidma tiegħu stess. Il-ħajja ta' l-għaġeb tagħhom u l-istituzzjoni glorjuża tagħhom ġiet approvata mis-sinjur Papa Girgor IX, dak iż-żmien Isqof ta' Ostia, u ikkonfermata bl-awtorità tas-Sede Apostolika[304]. [1C 18; 2C 13; LM IV,6]

---

[301] L-*Anonimo Perugino* 9 jagħtina l-isem ta' dan it-tallab. Kien jismu Alberto.

[302] Skond Arnaldo Fortini hu San Franġisk kien jismu Angelo di Pica. Fl-1228-29 insibuh proprjetarju ta' dar li kienet qrib il-platea nova, jew il-Piazza del Comune, li ġiet imkabbra. Dan il-fatt juri li d-dar tal-familja Bernardone kienet qrib il-pjazza, u li Angelo kien iben Pietro u Pica Bernardone.

[303] Kien f'San Damiano li twaqqaf l-*Ordo Pauperum Dominarum Sancti Damiani* (l-Ordni tal-*Povere Dame* ta' San Damiano), meta fl-1212 Franġisku bagħat hemmhekk lil Klara u lil oħtha Agnese, u tahom forma vitae, jew għamla ta' ħajja. B'hekk twieled it-II Ordni Franġiskan, aktar tard l-Ordni ta' Santa Klara.

[304] Il-Kardinal Ugolino kien kiteb Regola lill-Povere Dame, fit-12 ta' April 1219. Wara li sar Papa, fis-17 ta' Settembru 1228, hu ikkonferma l-Privileġġ tal-Faqar li Klara u s-sorijiet kienu irċevew mill-Papa Innoċenz III fl-1216.

Kapitlu VIII
Dwar kif sema' u fehem il-pariri ta' Kristu fl-Evanġelju, u mall-ewwel biddel il-libsa tiegħu u xidd it-tonka ġdida tal-perfezzjoni interna u esterna.

[561] 25 Waqt li l-imqaddes Franġisku kien qiegħed itemm ix-xogħol fuq il-knisja ta' San Damiano, hu kien jilbes tonka ta' eremit, bil-ħatar f'idu, bl-għata tar-riġlejn, u ċinturin tal-ġild madwar qaddu. Jum minnhom kien qiegħed fil-quddiesa, u sema' dak li Kristu qal lid-dixxipli tiegħu meta bagħathom jippriedkaw, billi wissiehom biex ma jġorrux *deheb jew fidda*, jew *ħorġa* jew *but*, la *ħobż*, la jkollhom *ħatar għat-triq*, la *qorq* u lanqas *żewġ ilbiesi* (cfr. Mt 10,9-10; Lq 9,3; 10,4)[305]. Wara li fehem dan kollu b'mod aktar ċar bl-ispjega tal-qassis, mimli b'ferħ li ma jitfissirx qal: "Dan hu dak li nixtieq nagħmel bil-qawwa tiegħi kollha".

Għaldaqstant, wara li ftakar bl-amment dak kollu li sema' u wettqu bil-ferħ, hu neħħa l-libsa ta' fuq bla dewmien, u minn dak il-waqt ma żammx aktar il-ħatar, il-qorq, il-ħorġa jew but. Hu għamel għalih innifsu tonka li ma tiswa xejn u ħarxa, u wara li rema ċ-ċinturin, tħażżem b'ħabel. Hu qiegħed il-kura kollha ta' qalbu biex josserva dawn il-kelmiet ta' grazzja ġdida kemm seta', u bl-ispirazzjoni divina, sar ħabbâr tal-perfezzjoni evanġelika u bi kliem sempliċi beda *jippriedka l-penitenza* fil-pubbliku (cfr. Mk 6,12; Lq 24,47). Il-kliem tiegħu ma kienx vojt, jew bla sens, jew iqanqal iż-żufjett, imma kien *mimli bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Lq 4,1; Atti 6,5), u kien jidħol sa fil-ġewwieni tal-qalb, tant li kien iqajjem stagħġib kbir f'dawk kollha li kienu jisimgħuh. [1C 21-23; LM III,1-2]

[562] 26 Kif kien jixhed aktar tard, hu kien tgħallem bir-rivelazzjoni tal-Mulej din it-tislima, jiġifieri: "*Il-Mulej jagħtik is-sliem!*" (cfr. Num 6,26; 2Tes 3,16). U għalhekk, fil-priedki tiegħu kollha, hu kien isellem lin-nies fil-bidu tal-priedka b'din it-tislima tas-sliem[306].

Hu tassew fatt ta' l-għaġeb, jekk mhux ukoll mirakoluż, li din l-istess tislima kienet tiġi mħabbra qabel il-konverżjoni tiegħu minn ċertu prekursur li ta' spiss kien idur 'l hawn u 'l hemm f'Assisi u jsellem b'dan il-mod: "*Paċi u ġid! paċi u ġid!*" (cfr. Is 52,7). Minn dan nistgħu nemmnu bil-qawwa li, kif Ġwanni ħabbar minn qabel lil Kristu, imma mbagħad warrab meta Kristu beda jippriedka, hekk ukoll bħal Ġwanni ieħor dan ir-raġel ġie qabel Franġisku biex iħabbar din it-tislima ta' sliem, imma mbagħad meta dan beda jippriedka, ma kienx jidher bħal qabel.

Għaldaqstant, il-bniedem ta' Alla Franġisku, mall-ewwel u mimli bl-ispirtu tal-profeti u skond dak li tgħid silta mill-profeti, wara dik it-tislima tal-ħabbâr tiegħu beda *jħabbar hu wkoll is-sliem, u jxandar is-salvazzjoni* (cfr. Is 52,7), u bit-twissijiet tiegħu ġab il-paċi tassew lil dawk li qabel kienu jgħixu fin-nuqqas ta' qbil ma' Kristu u kienu 'l bogħod mis-salvazzjoni. [1C 23; LM III,2; CA 101; SP 26]

---

[305] Dan l-episodju ġara wara li S. Franġisk kien temm isewwi l-knisja tal-Porziuncola, fl-24 ta' Frar 1208, festa ta' S. Mattija Appostlu. Is-siltiet ta' l-Evanġelju tal-missjoni ta' l-appostli li jiġu proposti mill-bijografi kienu dawk li kienu jinqraw fil-liturġija ta' din il-festa. Minn dan il-ħin Franġisku beda jgħix l-*apostolica vivendi forma*, u nistgħu ngħidu li ta fiżjonomija ċara lill-missjoni tal-Patrijiet Minuri.

[306] Insibu konferma ta' dan fit-*Testment* 23: "Il-Mulej nebbaħni din it-tislima, biex ngħiduha: Il-Mulej jagħtik is-sliem".

[563] 27 Meta l-verità tat-tagħlim sempliċi ta' l-imqaddes Franġisku kif ukoll il-ħajja tiegħu bdew isiru magħrufin minn ħafna, sentejn wara l-konverżjoni tiegħu, xi rġiel bdew jitqanqlu biex jagħmlu penitenza bl-eżempju tiegħu, u wara li ħallew kollox, ingħaqdu miegħu fil-ħajja u fl-għamla ta' libsa tiegħu. L-ewwel wieħed fosthom kien fra Bernardo, ta' tifkira qaddisa[307].

Dan meta kien iqis il-ħidma bla heda u l-ħeġġa ta' l-imqaddes Franġisku għas-servizz divin, jiġifieri kif hu kien qiegħed jaħdem bla waqfien biex isewwi l-knejjes imwaqqgħin, u kif kien jgħix ħajja ta' tgħakkis, filwaqt li meta kien għadu fid-dinja kien jgħix fil-lussu, iddeċieda fil-qalb tiegħu li dak kollu li kellu jagħtih lill-foqra, u jingħaqad miegħu bil-qawwa fil-ħajja u fl-għamla ta' lbies tiegħu.

Għalhekk jum minnhom, resaq bil-moħbi lejn il-bniedem ta' Alla, u għarrfu bil-pjan tiegħu, u stiednu biex dak in-nhar filgħaxija jiġi għandu d-dar. L-imqaddes Franġisku radd ħajr lil Alla, għax sa dak il-ħin ma kellux lil ħadd bħala sieħbu, u imtela b'ferħ kbir, l-aktar għaliex *messer* Bernardo kien raġel ta' fama kbira.

[564] 28 L-imqaddes Franġisku għalhekk ġie fid-dar ta' Bernardo fil-lejla miftiehma, u qalbu mimlija b'ferħ kbir, qagħad il-lejl kollu miegħu. Fost ħwejjeġ oħra, *messer* Bernardo qallu: "Jekk xi ħadd iżomm il-ġid, ħafna jew ftit, ta' sidu għal bosta snin, u mbagħad ma jkunx irid iżommu iżjed, x'inhi l-aħjar ħaġa li għandu jagħmel b'dan il-ġid?". L-imqaddes Franġisku wieġbu li *għandu jrodd lura lil sidu* (cfr. S 115,18) dak li jkun irċieva minn għandu. U *messer* Bernardo kompla: "Mela, ħija, il-ġid kollu tad-dinja li għandi jiena rrid li għall-imħabba ta' Alla li tahuli nagħtih lura bl-aħjar mod li jidhirlek int". Għal dan il-kliem il-qaddis qal: "Filgħodu kmieni mmorru fil-knisja u nkunu nafu dak li l-Mulej jgħallem lid-dixxipli tiegħu billi nikkonsultaw il-ktieb ta' l-Evanġelji".

Filgħodu kmieni qamu, u flimkien ma' raġel ieħor jismu Pietro li wkoll xtaq isir wieħed mill-aħwa, waslu fil-knisja ta' San Nicolò maġenb il-pjazza tal-belt ta' Assisi. Huma daħlu biex jitolbu, imma billi kienu sempliċi, ma kienux jafu kif isibu l-kliem ta' l-Evanġelju dwar iċ-ċaħda tal-ġid. Għalhekk huma talbu bil-qima kollha lill-Mulej biex ma' l-ewwel darba li jiftħu l-ktieb jurihom ir-rieda tiegħu għalihom[308].

---

[307] Bernardo da Quintavalle, cfr. nota 11.

[308] L-*ecclesia Sancti Nicolai iuxta plateam civitatis Assisii* inbniet qrib is-sena 1000 fil-pjazza ċentrali ta' Assisi. Skond Fortini l-merkanti kellhom qima partikulari lejn S. Nikola, u hu għalhekk li din il-knisja inbniet fil-Mercato. Mill-knisja li ra S. Franġisk, u li kienet qrib ħafna tad-dar tal-familja Bernardone, kull ma fadal illum hi l-kripta romanika, fejn hemm mużew ta' fdalijiet tal-perjodu Ruman. Fil-post tal-knisja illum hemm l-uffiċċju tal-posta ta' Assisi fi Piazza del Comune. Mal-ġenb ta' dan il-bini hemm kappella ċkejkna mibnija fl-1927, li fiha hemm pittura tas-seklu XIV ta' l-iskola ta' Simone Martini, magħrufa bħala Madonna *del popolo*, li darba kienet fuq il-faċċata ta' S. Nicolò. Ma nafu kważi xejn dwar is-sieħeb l-ieħor, li l-L3C jgħidu li kien jismu Pietro. Ċertament mhuwiex Pietro, il-kanonku ta' San Rufino. Hu probabbli li l-evanġeljarju li ikkonsultaw Franġisku u Bernardo għadu jeżisti fil-Walters Art Gallery ta' Baltimore, USA. Il-ktieb fil-fatt hu missal datat għal tmiem is-seklu XII, li fih is-siltiet kollha ta' l-Evanġelji tal-quddies. Il-ktieb hu iddedikat lil S. Rufino (mela ġej minn Assisi) u jingħad li sar għall-knisja ta' S. Niċolò minn ċertu Girardo di Ugone, li Fortini sab dokumenti li jixhdu għall-eżistenza tiegħu u tal-familja tiegħu. Hu datat wara l-1172, għax fih il-festa ta' S. Thomas Becket, li ġie kanonizzat f'dik is-sena, u qabel l-1228, għax ma jissemmiex fih S. Franġisk, li ġie kanonizzat f'dik is-sena. Il-knisja ta' S. Nicolò seta' kellha biss dan il-missal-evanġeljarju, għax il-pergamena kienet tiswa ħafna u l-knisja kienet żgħira.

[565] 29 Wara li temmew it-talb, l-imqaddes Franġisku ħa f'idejh il-ktieb magħluq, u għarkubbtejh quddiem l-altar fetħu. Ma' l-ewwel darba li fetħu deher quddiemu dan il-parir tal-Mulej: *Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra u jkollok teżor fis-sema* (Mt 19,21).

L-imqaddes Franġisku feraħ bil-kbir u radd ħajr lil Alla. Imma billi kien iqim tassew lit-Trinità, xtaq li din ix-xhieda tiġi ikkonfermata tliet darbiet. Għalhekk fetaħ il-ktieb għat-tieni u għat-tielet darba. Fit-tieni darba li fetħu ġew quddiem għajnejh il-kelmiet: *Tieħdu xejn magħkom għat-triq* (Lq 9,3). Fit-tielet darba mbagħad: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu*, eċċ (Mt 16,24; Lq 9,23).

L-imqaddes Franġisku, kull darba li kien jiftaħ il-ktieb, kien irodd ħajr lil Alla talli ikkonfermalu l-pjan tiegħu u x-xewqa li kien ilu jgħożż għal żmien twil. Wara li t-tielet konferma ġiet murija u spjegata, hu qal lill-irġiel li kienu miegħu, jiġifieri Bernardo u Pietro: "L-aħwa, din hi l-ħajja u r-regola tagħna u ta' dawk kollha li jridu jingħaqu magħna. Morru, mela, u wettqu dak kollu li smajtu".

Imbagħad *messer* Bernardo, li kien għani ħafna, *mar u bigħ dak kollu li kellu* u, wara li ġabar kemxa flus ġmielha, *qassam kollox lill-foqra* tal-belt (cfr. Lq 18,22). Pietro wkoll wettaq dak li sab fil-parir divin skond kif seta'.

Wara li ħelsu minn kollox, it-tnejn li huma rċevew it-tonka li l-qaddis kien libes wara li kien neħħa l-libsa ta' eremit. Minn dak il-ħin bdew jgħixu miegħu skond il-forma ta' l-Evanġelju mqaddes li l-Mulej kien uriehom. U għalhekk Franġisku fit-Testment tiegħu jgħid: "Il-Mulej innifsu nebbaħni li kelli ngħix skond il-għamla ta' l-Evanġelju mqaddes"[309]. [1C 24; AP 10-11; 2C 15; LM III,2; Fior 2]

## Kapitlu IX
## Dwar il-vokazzjoni ta' fra Silvestro u dwar il-viżjoni li kellu qabel daħal fl-Ordni.

[566] 30 Kif għidna, waqt li *messer* Bernardo kien qiegħed iqassam ġidu kollu lill-foqra, l-imqaddes Franġisku kien maġenbu, u kien qiegħed jigglorifika lil Alla f'qalbu, u jistagħġeb bil-ħidma kollha qawwa tal-Mulej. Resaq lejh ċertu qassis jismu Silvestru[310], li mingħandu Franġisku kien xtara xi ġebel biex isewwi l-knisja ta' San Damiano. Dan, meta ra tant flus li kienu jingħataw b'xejn fuq il-parir tal-bniedem ta' Alla, imtela bin-nar tal-kilba għall-flus, u qallu: "Franġisku, inti ma ħallastnix biżżejjed għal dawk il-ġebliet li xtrajt mingħandi". Dak li kien jistmerr ix-xeħħa, meta semgħu igorr b'mod inġust, resaq lejn *messer* Bernardo, daħħal idu fil-mantell tiegħu fejn

---

[309] *Test* 14. *Vivere secundum formam sancti evangelii*, hi l-espressjoni li tindika l-*apostolika vivendi forma* tal-Patrijiet Minuri. Nistgħu ngħidu li f'dan l-episodju titwieled ir-Regola ta' S. Franġisk li mbagħad ġiet approvata mill-Papa Innoċenz III. *Fratres, haec est vita et regula nostra*. Għal Franġisku teżisti regola u ħajja, mibnija biss fuq il-kliem ta' l-Evanġelju, u l-aktar fuq dawn is-siltiet li Franġisku sab fil-knisja ta' S. Nicolò, li ċertament offrew il-qafas tal-*propositum vitae* jew l-ewwel regola li hu ippreżenta lil Innoċenz III fl-1210.

[310] Silvestro kien qassis, wieħed mill-kanoniċi ta' San Rufino. Skond Fortini, fi żmien S. Franġisk, kien hemm ħafna ġlied bejn il-kapitlu tal-kanoniċi f'San Rufino u l-isqof Guido ta' Assisi, minħabba drittijiet u kwestjonijiet ta' proprjetà. Silvestro, li mbagħad daħal ma' Franġisku, jiġi deskritt minn 2C 109 bħala *avaritiae veneno infectum*, "infettat mill-velenu tax-xeħħa".

kien hemm il-flus, u b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu ħareġ idu mimlija bil-flus u tahom lill-qassis li kien igorr. Reġa' mela idu bil-flus għat-tieni darba, u qallu: "Għandek issa biżżejjed flus għall-ħlas, *messer* qassis?". Dak wieġbu: "Ċertament, ħija". U mimli ferħ mar lura lejn daru bil-flus li kien aċċetta. [AP 12-13; 2C 109; LM III,5; Fior 2]

[567] 31 Wara ftit ġranet, iżda, l-istess qassis, ispirat mill-Mulej, beda jirrifletti fuq l-affarijiet li kien għamel l-imqaddes Franġisku, u beda jgħid bejnu u bejn ruħu: "Mhux bniedem tal-biki jien, li għalkemm xjaħt, għadni nixxennaq b'kilba u nfittex li jkolli l-ġid tad-dinja? U dak għadu żagħżugħ u jiddisprezzahom u jobogħdhom għall-imħabba ta' Alla".

Il-lejl ta' wara, *hu ra waqt il-ħolm* (cfr. Ġen 28,12) salib kbir ħafna li l-quċċata tiegħu kienet *tmiss is-sema* u li riġlejh kienu *jistrieħu* fil-fomm ta' Franġisku, u dirgħajn is-salib kienu jinfirxu min-naħa għall-oħra tad-dinja.

Meta qam, għalhekk, is-saċerdot fehem u emmen bil-qawwa li Franġisku kien tassew il-ħabib u l-qaddej ta' Kristu, u li r-reliġjon li hu waqqaf kellha tinfirex sat-trufijiet tad-dinja. Minn dak il-ħin hu beda jibża' minn Alla u jagħmel penitenza f'daru. Fl-aħħarnett, wara ftit żmien, hu daħal fl-Ordni u fih għex u miet b'mod glorjuż. [AP 13; 2C 109; 3C 3; LM III,5: Fior 2]

[568] 32 Il-bniedem ta' Alla Franġisku, li kellu miegħu, kif għidna, żewġ aħwa, ma kellux post fejn jgħix magħhom, u għalhekk mar magħhom fi knisja fqira, żgħira u mitluqa, li kienet tissejjaħ Santa Marija tal-Porziuncola, u hemmhekk waqqfu għarix ċkejken li fih kienu jmorru joqgħodu minn żmien għal żmien[311].

Wara ftit ġranet oħrajn, raġel minn Assisi, jismu Egidio, ġie għandhom u b'ħafna qima u devozzjoni, *għarkubbtejh talab* (cfr. Mk 10,17) lill-bniedem ta' Alla biex jilqgħu miegħu bħala sieħbu[312]. Meta l-bniedem ta' Alla ra kemm kien mimli fidi u qima u li kien kapaċi jirċievi grazzji kbar minn Alla, kif deher wara fil-fatti ta' ħajtu, hu laqgħu bil-qalb kollha. Dawn l-erba' aħwa, magħqudin f'ferħ ma jitfissirx u bl-hena ta' l-Ispirtu s-Santu, infirdu biex jagħmlu ġid akbar. [1C 25; 44; AP 14; 2C 18; LM III,4; CA 56; SP 55]

---

[311] Il-kappella tal-Porziuncola kienet waħda mill-knejjes dipendenti mill-abbazija ta' S. Benedetto di Monte Subasio, u skond Bulli pontifiċji tmur lura għall-1145. X'aktarx inbniet qabel, matul is-seklu X, għax l-isem "Porzuncle" jidher f'dokument ta' l-arkivju tal-kattidral ta' Assisi, datat għall-1045. Hemm leġġenda li tgħid li l-kappella inbniet fi żmien il-Papa Liberius fis-seklu IV, minn eremiti li kienu ġew mill-Art Imqaddsa, li qiegħdu fiha ġebla meħuda mill-qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat u semmew il-knisja Santa Maria di Giosafat. Ma hemm l-ebda fundament storiku għal din il-leġġenda, li ġiet ivvinatata minn Fra Salvatore Vitale fis-seklu XVII. Il-kappella, li llum tinsab imħarsa taħt il-koppla tal-bażilika ta' Santa Maria degli Angeli, minn dejjem kellha venerazzjoni min-nies ta' Assisi. Il-*Legenda Maior* II,8 tfakkar it-twemmin popolari qadim li l-anġli kienu ta' spiss iżuru din il-kappella. L-imħabba speċjali li kellu Franġisku lejn il-Porziuncola jixhdu għaliha 2C 19, 20; *Compilatio Assisiensis*; *Speculum Perfectionis* 55. Il-kappella kienet magħrufa jew bħala Santa Maria degli Angeli jew inkella bħala Santa Maria della Porziuncola. Ġiet imħollija f'idejn Franġisku mill-Benedittini tal-Monte Subasio, wara li hu sewwieha. Kien f'din il-knisja li S. Franġisk sema' l-kliem ta' l-Evanġelju tal-missjoni ta' l-Appostli fl-24 ta' Frar 1208. Il-Porziuncola kienet iċ-ċentru ta' mumenti importanti fil-ħajja tiegħu u ta' l-Ordni li hu waqqaf. Episodji jinkludu l-vokazzjoni ta' Klara (18-19 ta' Marzu 1212), l-indulġenza tal-Porziuncola (1216), il-kapitli ta' l-Ordni, l-aktar il-*capitolo delle stuoie* (1219 jew 1221), il-mewt ta' Franġisku (3 ta' Ottubru 1226).

[312] Frate Egidio, cfr. nota 10.

[569] 33 L-imqaddes Franġisku ħa miegħu lil Fra Egidio u marru fil-Marche ta' Ancona, filwaqt li t-tnejn l-oħra marru f'reġjun ieħor. Huma u sejrin fil-Marche kienu *jifirħu ħafna fil-Mulej* (cfr. Fil 4,10)[313]. Il-bniedem ta' Alla, iżda, kien ikanta b'leħen għoli u ċar it-tifħir tal-Mulej, bil-franċiż, u kien ibierek u jigglorifika t-tjubija ta' l-Aktar Għoli. Tant kienu jilmaw bil-ferħ li kienu qishom sabu teżor kbir fil-għalqa evanġelika ta' *Madonna Povertà*, li għall-imħabba tagħha kienu jistmerru bil-qalb u bil-ferħ kull ġid ta' l-art daqslikieku kien demel.

Il-qaddis kien jgħid lil Fra Egidio: "Ir-reliġjon tagħna qisha *xbiek li s-sajjied jixħet fl-ilma*, li fih jaqbad *kotra kbira ta' ħut*, u filwaqt li jħalli liż-żgħar fl-ilma, jixħet lill-kbar fil-kannestru tiegħu" (cfr. Mt 13,47-48). Hekk ħabbar li l-Ordni kellu jixtered.

Għalkemm il-bniedem ta' Alla ma kienx għadu jippriedka lin-nies, meta hu kien *jgħaddi minn bliet u kastelli* (cfr. Lq 8,1), kien iħeġġeġ lil kulħadd biex iħobb u jibża' minn Alla u jagħmel penitenza minn dnubietu. Fra Egidio, mill-banda l-oħra, kien iħeġġeġ lis-semmiegħa biex jemmnuh għax hu kien jaf jagħtihom pariri tajbin. [1C 28-29; AP 15; LM III,7]

[570] 34 Dawk li kienu jisimgħuhom kien jgħidu: "Min huma dawn? U xi kliem qegħdin jgħidu?". Għax dak iż-żmien, l-imħabba u l-biża' ta' Alla kienu donnhom intfew kullimkien, u l-ħajja ta' penitenza kienet intesiet, jekk mhux ukoll kienu jqisuha bluha. Tant kienu jsaltnu l-ġibda tal-ġisem, il-kilba tal-ġid u *l-kburija tal-ħajja* (cfr. 1Ġw 2,16) li d-dinja kollha kienet qisha maħkuma minn dawn it-tliet għemejjel tal-ħażin.

Kien hemm min jaħsibha b'mod differenti dwar dawn l-irġiel evanġeliċi. Min kien jgħid li huma kienu boloħ u sakranazzi, u oħrajn kienu jgħidu li dawk il-kelmiet ma setgħux joħorġu mill-bluha. Wieħed minn dawk li semagħhom qal: "Jew dawn huma magħqudin mal-Mulej għax ifittxu l-ogħla perfezzjoni, jew inkella huma mġienen, għaliex ħajjithom tidher imsejkna. Jgħaddu bi ftit ikel, jimxu ħafjin u jilbsu lbies imċerċer".

Fost in-nies għalhekk, kien hemm min jibża' minnhom meta jara l-għamla ta' ħajja li kienu jgħixu. Oħrajn kienu għadhom ma iddeċidewx li jimxu warajhom. Imma n-nisa u t-tfjaliet meta kienu jarawhom kienu jaħarbu 'l bogħod minnhom u kienu jitriegħdu għax jibżgħu li jittieħdu huma wkoll minn dak il-ġenn u nuqqas ta' ħsieb. Wara li huma daru dik il-provinċja, reġgħu lura lejn il-post ta' Santa Marija. [1C 30; AP 16; LM III,7]

[571] 35 Wara li kienu għaddew ftit jiem, ġew għandhom tliet irġiel minn Assisi, jiġifieri Sabbatino, Morico u Giovanni de Capella, u talbu lill-imqaddes Franġisku biex jilqagħhom bħala aħwa. Hu laqagħhom bl-umiltà u t-tjieba[314].

---

[313] Skond Fortini, Franġisku u Egidio telqu minn Assisi mill-bieb ta' Parlascio, li fuqu hemm l-iskrizzjoni: *Haec est porta quae vaditur in Marchiam*: "Minn dan il-bieb wieħed joħroġ għall-Marche". Din kienet l-ewwel missjoni ta' evanġelizzazzjoni ta' l-aħwa. Fiha diġà naraw il-karatteristiċi tal-predikazzjoni Franġiskana, iċċentrata fuq kliem ta' ħeġġa għall-penitenza, bin-nota tal-ferħ tal-bxara t-tajba tas-salvazzjoni.

[314] Skond Fortini Giovanni della Cappella kien membru ta' familja nobbli, għax sab dokument fl-arkivju tal-Comune ta' Fabriano (1297) li jsemmi lil *dominus Petrus Iohannis de Cappella* bħala nutar tal-kanċillier tal-Comune ta' Assisi. X'aktarx li Giovanni kien membru ta' din il-familja nobbli "della Cappella". Dwar Morico u Sabbatino ma nafu xejn ħlief li kienu minn Assisi.

Meta kienu jmorru fil-belt biex jittallbu l-karità, ftit kienu jagħtuhom, imma kienu jgħajjruhom u jakkużawhom li huma ħallew il-ġid tagħhom biex jieklu minn fuq dahar ħaddieħor. Għalhekk kienu jsofru ħtieġa kbira. L-istess qraba u familji tagħhom kienu jippersegwitawhom, u oħrajn fil-belt kienu jmaqruhom bħala li tilfu moħħhom u injuranti, għaliex f'dak iż-żmien ħadd ma kien se jħalli ġidu biex imur jittallab l-għajxien tiegħu bieb, bieb.

L-isqof tal-belt ta' Assisi, li l-bniedem ta' Alla kien imur għandu għall-pariri, laqgħu bit-tjieba u qallu: "Jidhirli li l-ħajja tagħkom hi ħarxa u iebsa, għax intom ma għandkom xejn fid-dinja". Għal dawn il-kelmiet il-qaddis wieġeb: "*Messere,* jekk ikollna l-ġid, ikollna bżonn l-armi biex niddefendu ruħna. Għax minn dan kollu jibdew il-kwestjonijiet u l-ġlied. Minħabba f'hekk tiġi mfixkla l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Għalhekk aħna ma rridux li jkollna xejn f'din id-dinja". L-isqof għoġbitu din it-tweġiba tal-bniedem ta' Alla, li kien jistmerr il-ġid kollu li jgħaddi, u l-aktar il-flus. Tant hu hekk, li fir-regoli tiegħu kien iħeġġeġ lill-aħwa kollha biex jgħixu fil-faqar u kien iwissihom fuq li jwissihom biex jevitaw il-flus.

Għax hu kien sawwar diversi regoli u kien jippruvahom hu stess, qabel ma jikteb dak li fl-aħħar kien iħalli lill-aħwa. F'waħda minnhom kien tkellem dwar l-istmerrija tal-flus: "Li kellna nsibu l-flus f'xi post, ma għandniex nagħtu kashom aktar milli nagħtu kas tat-trab ta' l-art li nirfsu b'riġlejna"[315]. [1C 31; AP 17; LM III,7]

Kapitlu X
Dwar kif ħabbar lis-sitt aħwa tiegħu dak li kellhom jgħaddu minnu meta jmorru fid-dinja, filwaqt li ħeġġiġhom li jkollhom is-sabar.

[572] 36 L-imqaddes Franġisku, billi issa kien *mimli bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 6,5.8), sejjaħ lejh is-sitt aħwa u ħabbrilhom dak li kellu jiġri. Qalilhom: "L-aħwa l-aktar għeżież, ejjew inqisu l-vokazzjoni tagħna, u kif Alla sejħilna fil-ħniena tiegħu, mhux tant għas-salvazzjoni tagħna imma għal dik ta' ħafna oħrajn, biex immorru fid-dinja, u nħeġġu lil kulħadd kemm bl-eżempju kif ukoll bil-kliem biex jagħmlu penitenza minn dnubiethom u jiftakru dejjem fil-kmandamenti ta' Alla. *La tibżgħux* (cfr. Lq 12,32) li intom ftit u mingħajr tagħlim, imma bil-qawwa u bis-sempliċità ħabbru l-penitenza, filwaqt li tafdaw fil-Mulej, li *jirbaħ id-dinja* (cfr. Ġw 16,33), għaliex bl-*Ispirtu tiegħu hu jitkellem permezz tagħkom u fikom* (cfr. Mt 10,20) ħalli intom tagħmlu l-qalb lill-bnedmin kollha biex jerġgħu jduru lejh u jħarsu l-kmandamenti tiegħu.

"Intom se ssibu lil xi wħud mill-bnedmin li jkunu twajbin, u li magħkom jużaw umiltà u ħlewwa, u li jilqgħu lilkom u lil kliemkom bil-ferħ. Imma ħafna oħrajn se jkunu bla fidi, *kburin u dgħajja* (cfr. 2Tim 3,2), li jiċħdu u jieqfu lilkom u lill-kliem li tgħidulhom. Saħħu għalhekk il-fehma tal-qalb tagħkom biex tifilħu ġġarrbu kollox bis-sabar u l-umiltà".

Meta l-aħwa semgħu dawn il-kelmiet, bdew jibżgħu. Imma l-qaddis qalilhom: "La tibżgħux għaliex ftit żmien ieħor u jiġu għandna *bosta għorrief u nobbli* (cfr. 1Kor 1,26), u jiġu magħna biex jippriedkaw quddiem is-slatenu l-prinċpijiet u quddiem ħafna popli. Ħafna jduru lura lejn il-Mulej li se jkabbar u jżid il-familja tiegħu mad-dinja kollha". [1C 27; AP 18; LM III,6]

315 *RegNB* 8,5-6.

[573] 37 Malli qalilhom hekk u berikhom, l-irġiel ta' Alla telqu għal għonq it-triq biex iħarsu bil-qima t-twissijiet tiegħu. Kull meta kienu jiltaqgħu ma' xi knisja jew salib, kienu jmilu quddiemhom u kien jitolbu bil-qima u jgħidu: "Nadurawk, Kristu, u nberkuk fil-knejjes kollha tiegħek li jinsabu fid-dinja kollha, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja"[316]. Huma kienu jemmnu li kull fejn kienu jsibu salib jew knisja hemmhekk kien jinsab Alla.

Dawk kollha li kienu jarawhom kienu jistagħġbu ħafna għaliex il-libsa u l-ħajja tagħhom ma kienetx taqbel ma' dik ta' l-oħrajn, tant li kienu jidhru donnhom irġiel tal-bosk[317]. *Kull fejn kienu jidħlu, f'belt, jew f'kastell jew f'raħal jew f'dar, kienu jħabbru s-sliem* (cfr. Lq 8,1; 10,5), kienu jfarrġu lil kulħadd biex jibżgħu u jħobbu lill-ħallieq tas-sema u ta' l-art u jaqdu l-kmandamenti tiegħu.

Xi wħud kienu jisimgħuhom bil-qalb, filwaqt li oħrajn kienu jwaqgħuhom għaż-żufjett. Bosta kienu jgħejjuhom bil-mistoqsijiet, u kienu jgħidulhom: "Minn fejn intom?". Oħrajn kienu jistaqsuhom minn liema kien l-Ordni tagħhom. Għalkemm kienu jgħejjew iwieġbu dawn il-mistoqsijiet kollha, huma kienu sempliċement jistqarru li kienu irġiel tal-penitenza ġejjin mill-belt ta' Assisi. Sa dak iż-żmien ir-reliġjon tagħhom kien għadu mhux meqjus bħala Ordni[318]. [1C 45; AP 19; 3C 3; LM IV,3]

[574] 38 Ħafna, fil-fatt, kienu jiġġudikawhom bħala qarrieqa jew boloh u ma kienux iridu jilqgħuhom fi djarhom, li ma jmorrux ikunu ħallelin u jisirqulhom ġidhom. Għaldaqstant f'ħafna postijiet, wara li kienu jsofru tant insulti, kienu jsibu kenn fil-portiċi tal-knejjes jew tad-djar..

F'dan iż-żmien, tnejn minnhom kienu jinsabu Firenze, u wara li marru jittallbu mal-belt ma sabux fejn idaħħlu rashom. Ġew f'dar li kellha portiku, u fih kien hemm ukoll forn, u qalu lil xulxin: "Hawnhekk nistgħu nistkennu". Għalhekk staqsew lill-mara ta' dik id-dar biex tilqagħhom f'darha u wara li hi ċaħdet din it-talba, bl-umiltà talbuha biex almenu tħallihom jgħaddu dak il-lejl maġenb il-forn.

Wara li ħalliethom jagħmlu dan, ġie r-raġel tagħha u sabhom fil-portiku, u għajjat lil martu u qalilha: "Għaliex ilqajt lil dawn iż-żewġ vagabondi fil-portiku tagħna?" Hi wieġbet li ma riedetx tilqagħhom fid-dar, imma li ħalliethom joqogħdu barra fil-portiku, fejn ma setgħu jisirqu xejn ħlief il-ħatab. Dan ir-raġel ma riedx joffrilhom l-ebda kenn, avolja kien qed jagħmel bard kbir, għax ħaseb li huma kienu vagabondi u ħallelin.

---

[316] Deskrizzjoni tal-fidi sempliċi ta' l-ewwel aħwa, li nsibu konferma tagħha fit-*Testment* 4-5: "U l-Mulej tani daqshekk twemmin fil-knejjes tiegħu li jien, bla tlellix xejn, kont nitlob u ngħid: Nadurawk, Sidna Ġesù Kristu, (hawn u) fil-knejjes kollha tiegħek, li jinsabu fid-dinja kollha, u nberkuk għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja".

[317] L-espressjoni latina hi *silvestres homines*, li l-edizzjoni tal-*Fonti Francescane* tittraduċiha "esseri boschivi" u l-edizzjoni ta' *Francis of Assisi: Early Documents* tittraduċiha "wild men". Aħna ippreferejna nibqgħu għas-sens oriġinali ta' irġiel li donnhom kienu jgħixu fil-bosk, jiġifieri, ma jgħixux ħajja sedentarja u komda.

[318] Cfr. *Anonimo Perugino*, 19. L-espressjoni *viri poenitentiales de civitate Assisii oriundi*, hi forsi l-ewwel isem li bih kienu magħrufin il-Patrijiet Minuri. Turi li l-Ordni twieled bħala moviment penitenzjali, fuq l-istil ta' bosta movimenti oħrajn ta' penitenza li kienu jeżistu fil-medjuevu, l-aktar fost il-lajċi. Rigward din il-kwestjoni kollha, kif ukoll rigward ir-relazzjoni li tgħaddi bejn *religio* u *ordo*, cfr. K. Esser OFM, *Origins of the Franciscan Order*, Franciscan Herald Press, Chicago 1970, 19-30.

Dak il-lejl, huma raqdu fil-fond maġenb il-forn, imfarrġin biss bis-sħana divina u mgħottijin bil-kutra ta' *Madonna Povertà*. Malli sebaħ marru fil-knisja tal-qrib biex jisimgħu l-uffiċċju tal-matutin.

39 Meta kien filgħodu, dik il-mara marret fl-istess knisja u, malli rat hemmhekk lil dawk l-aħwa mehdijin fit-talb devot, bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha: "Kieku dawn l-irġiel kienu vagabondi u ħallelin, kif qalli żewġi, kieku ma kienux jehdew b'dan il-mod tant devot fit-talb". Waqt li kienet taħseb dan, daħal raġel jismu Guido, li beda jqassam il-karità lill-foqra li kien hemm fil-knisja.

Malli hu wasal ħdejn l-aħwa u ried jagħtihom ftit flus kif ta lill-oħrajn, huma ċaħdu u ma riedux jaċċettaw il-flus. U għalhekk qalilhom: "Dan għaliex intom, li intom foqra, ma taċċettawx il-flus bħall-oħrajn?" Fra Bernardo wieġbu: "Tassew li aħna foqra, imma għalina mhix ħaġa iebsa li nkunu foqra kif inhi għall-foqra l-oħrajn: għax bil-grazzja ta' Alla, li qed inwettqu l-parir tiegħu, aħna għamilna lilna nfusna foqra minn jeddna". Ir-raġel baqa' mistagħġeb għal dan kollu u beda jistaqsihom jekk huma qatt kellhomx ġid tagħhom. Minn għandhom sema' li kellhom bosta ġid, imma li għall-imħabba ta' Alla kienu taw kollox lill-fqar. Dak li wieġeb b'dan il-mod kien Fra Bernardo, it-tieni wieħed wara l-imqaddes Franġisku, li llum aħna tassew inqisuh bħala missier l-aktar qaddis. Hu kien l-ewwel wieħed li mar jiġri wara l-qaddis ta' Alla, u għannaq miegħu il-patt tas-sliem u tal-penitenza, billi *biegħ kull ma kellu u qassmu lill-fqar* (cfr. Lq 18,22), skond il-kunsill tal-perfezzjoni evanġelika, u baqa' sħiħ sa l-aħħar fil-faqar l-aktar qaddis.

Meta dik il-mara qieset li dawk l-aħwa ma riedux il-flus, hi resqet lejhom u qaltilhom li kienet lesta li tilqagħhom bil-qalb fid-dar tagħha, jekk huma riedu jsibu kenn hemmhekk. L-aħwa weġbuha bl-umiltà: "*Il-Mulej iħallsek* (cfr. 2Sam 2,6) għar-rieda tajba tiegħek". Imma dak ir-raġel, li kien sema' li l-aħwa ma setgħux isibu saqaf fejn jistkennu, ħadhom miegħu f'daru u qalilhom: "Ara dan hu l-kenn li l-Mulej ħejja għalikom. Ibqgħu hawn kemm tridu". Huma raddew ħajr lil Alla, u baqgħu miegħu għal bosta ġranet, u kienu jedifikawh aktar bl-eżempju milli bil-kliem fil-biża' ta' Alla, hekk li hu wkoll spiċċa biex qassam bosta ġid lill-fqar. [AP 20-22]

[575] 40 Għalkemm kienu sabu tjieba minn dak ir-raġel, minn oħrajn kienu meqjusin bħala li ma huma tajbin għal xejn, tant li ħafna, żgħar u kbar, kienu iżebilħuhom u jgħajjruhom, tant li kienu jaslu li jneżżgħuhom mill-ilbies fqir li kellhom. Kull meta l-qaddejja ta' Alla kienu jibqgħu għerja, għax skond il-forma ta' l-Evanġelju kienu jilbsu *biss libsa waħda* (cfr. Mt 10,10), huma ma kienux jitolbu lura dak li kienu jeħdulhom. Jekk xi ħadd imbagħad, imqanqal mill-ħniena, kien irid iroddilhom lura dak li ħadulhom, huma kienu jilqgħuh bil-qalb.

Xi wħud kienu jixħtulhom it-tajn fuqhom, oħrajn kienu jagħtuhom id-dadi f'idejhom u jistednuhom biex jilgħabu; oħrajn kienu jaqbduhom minn wara mill-kapoċċ, u kienu jkaxkruhom b'lura.

Dan u aktar kienu jagħmlulhom, u kienu jqisuhom tant bla siwi li kienu jaħqruhom kif iridu. Fuq kollox, kienu jsofru ħafna provi u tbatija bil-ġuħ u bil-għatx, *bil-bard u bl-għera* (cfr. 1Kor 11,27). Kienu jsofru dan kollu bil-qawwa u bis-sabar, kif kienu mwissijin mill-imqaddes Franġisku, mingħajr ma kienu jidhru mdejjqa jew imħawwda jew jisħtu lil min jagħmlilhom id-deni. Għall-kuntrarju, bħala irġiel tal-perfezzjoni evanġelika li kienu se jakkwistaw ġid kbir, kienu

jifirħu bil-qawwa fil-Mulej, u *kienu jqisu ferħ kbir meta jiltaqgħu mat-tiġrib u provi ta' din ix-xorta* (cfr. Ġak 1,2), u, kif tgħid il-kelma ta' l-Evanġelju, kienu *jitolbu* mall-ewwel u bil-ħeġġa *għal dawk li jaħqruhom* (cfr. Mt 5,44). [1C 40; AP 23; LM IV,7]

## Kapitlu XI
Dwar kif ġew milqugħin erba' aħwa oħra, u dwar l-imħabba mimlija hena li kellhom lejn xulxin l-ewwel aħwa, dwar il-kura tagħhom fix-xogħol u fit-talb, u dwar l-ubbidjenza perfetta tagħhom.

[576] 41 In-nies kienu jaraw lill-aħwa jifirħu fit-tribulazzjoni, kif ukoll mogħtijin għat-talb bil-ħeġġa u d-devozzjoni, u kif ma kienux jaċċettaw jew iġorru flus, u kif kellhom *imħabba* mill-akbar *lejn xulxin,* li biha kienu *jingħarfu bħala dixxipli tal-Mulej* (cfr. Ġw 13,35). Ħafna kienu jiġu għandhom b'sogħba ħierġa mill-qalb, u jitolbuhom maħfra ta' l-offiżi li kienu għamlulhom. Huma kienu jaħfrulhom u jgħidulhom: "Il-Mulej jaħfrilkom", u kienu jwissuhom dwar is-salvazzjoni tagħhom.

Xi wħud kienu jitolbu lill-aħwa biex jilqgħuhom fil-kumpanija tagħhom. U billi l-aħwa kienu ftit, is-sitta li huma kellhom l-awtorità mingħand l-imqaddes Franġisku biex jilqgħu persuni oħrajn fl-Ordni. Għalhekk kienu jilqgħu xi wħud minnhom, u wara li kienu jiġu milqugħin, fiż-żmien miftiehem, ilkoll kienu jmorru lura lejn Santa Marija tal-Porziuncola. Meta kienu jerġgħu jaraw lil xulxin, tant kienu jimtlew bil-ferħ u l-hena, li ma kienu jiftakru xejn minn dak li kienu sofrew minn idejn il-ħżiena.

Kienu mehdijin il-ħin kollu u ta' kuljum fit-talb u *fix-xogħol ta' l-id* (cfr. 1Kor 4,12), sabiex jitbiegħdu mill-għażż, li hu l-għadu tar-ruħ. Kienu jqumu f'nofs il-lejl bil-ħeġġa kollha, biex jitolbu bil-qima u b'ħafna dmugħ u biki tal-qalb. Kienu jħobbu wieħed lill-ieħor mill-qiegħnett, u kienu jaqdu lil xulxin u jmantnu wieħed lill-ieħor kif omm tmantni lil binha l-waħdieni li tħobb. Tant kienet taqbad fihom il-karità li ma kienux iħossuha tqila li joffru ġisimhom għall-mewt, mhux biss għall-imħabba ta' Kristu, imma wkoll għas-salvazzjoni tar-ruħ u tal-ġisem ta' ħuthom l-oħrajn[319]. [1C 38-39; AP 24-25]

[577] 42 Jum minnhom, meta tnejn mill-aħwa kienu mexjin flimkien, iltaqgħu ma' bniedem sempliċi li beda jixħtilhom il-ġebel. Wieħed minnhom, meta intebaħ kif il-ġebel bdew jiġu mixħutin lil sieħbu, mall-ewwel resaq quddiemu, u ried li l-ġebel jolqot lilu aktar milli lil ħuh. Minħabba l-karità li kellhom lejn xulxin u li biha kienu mqabbdin, kienu lesti li *joffru ħajjithom wieħed għall-ieħor* (cfr. 1Ġw 3,16).

Kienu jgħixu fl-umiltà u tant *niżżlu l-għeruq tagħhom fl-imħabba* (cfr. Ef 3,17), li wieħed kien iqim lill-ieħor bħala missieru u sid tiegħu, filwaqt li dawk li kienu jitgħollew b'xi grazzja fl-uffiċċju ta' prelati, kieu jidhru aktar umli u jistmerru lilhom infushom aktar mill-oħrajn. Ilkoll kienu joffru ruħhom bil-qalb għall-ubbidjenza, u dejjem kienu lesti li jwettqu l-ordnijiet li kienu jirċievu. Ma kienux jiddistingwu bejn kmand ġust u inġust, għaliex dak kollu li kienu jiġu ikkmandati jagħmlu kienu jqisuh bħala r-rieda tal-Mulej. Kien faċli u ħelu għalihom li jwettqu l-preċetti li kienu obbligati għalihom. *Kienu jiċċaħħdu mix-xewqat tal-ġisem* (cfr. 1Pt 2,11), u kienu

---

[319] Din id-deskrizzjoni ta' l-ewwel fraternità hi ispirata mill-kliem tar-*Regola Bullata*, kapitli 5 u 6.

jqisu lilhom infushom b'attenzjoni kbira li ma jmorrux joffendu b'xi mod wieħed lill-ieħor. [AP 26]

[578] 43 Jekk kien jiġri li xi wieħed minnhom ilissen kelma li tista' tħawwad lill-ieħor, tant kienet tinkwetah il-kuxjenza tiegħu, li ma kienx ikun jista' jistrieħ qabel ma jistqarr il-ħtija tiegħu, billi bl-umiltà kollha kien jinxteħet għall-qiegħa ta' l-art u jitlob lil ħuh iqiegħdlu r-riġel tiegħu fuq ħalqu. U jekk dan li jkun offiż ma kienx ikun irid jagħmel hekk, allura dak li jkun offenda lil ħuh, jekk kien prelat, kien jikkmandah biex iqiegħdlu r-riġel fuq ħalqu, u jekk kien sudditu kien jitlob lil prelat jagħti l-ordni. B'dan il-mod, huma kienu joqogħdu attenti biex jaħarbu minn kull sentimenti qarsa lejn xulxin u minn kull ħażen, u li dejjem jaqdu lil xulxin fl-imħabba, u biex ibiegħdu minnhom kull vizzju u jieqfulu, billi jopponulu virtù kuntrarju, dejjem bil-grazzja ta' Ġesù Kristu li kienet tgħinhom.

Fuq kollox ma kienu jqisu xejn bħala tagħhom, imma l-kotba u affarijiet oħrajn kienu jużawhom *fil-komunità* (cfr. Atti 2,44; 4,32) skond il-forma li kienu jħarsu u li għaddew l-appostli. Għalkemm fihom u bejniethom kien hemm faqar tassew, huma kienu ġenerużi u idejhom miftuħin f'dak kollu li kienu jirċievu f'isem Alla, hekk li kienu jagħtu bl-imħabba kull ma kienu jitolbuhom għall-imħabba tiegħu, u l-aktar lil dawk kollha li kienu jittallbu minn għandhom, speċjalment il-foqra. [1C 39; AP 27; LM IV,7]

[579] 44 Jekk kienu jkunu mexjin fit-toroq u jsibu l-foqra li jittallbu xi ħaġa minn għandhom għall-imħabba ta' Alla, meta ma kien ikollhom xejn x'jagħtuhom, kienu joffrulhom xi biċċa mil-libsa tagħhom, avolja tkun bla siwi. Xi kultant kienu jagħtuhom il-kapoċċ, billi jqattgħuh mit-tonka, drabi oħrajn kienu jagħtuhom il-komma, jew iqattgħu parti mit-tonka, biex b'hekk iwettqu dak li jikkmanda l-Evanġelju: *Agħti lil kull min jitolbok* (Lq 6,30). Jum minnhom ġie raġel fqir fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, fejn l-aħwa kienu xi kultant joqogħdu, u talabhom il-karità. Hemmhekk kien hemm mantell li wieħed mill-aħwa kien jilbes meta kien għadu sekular. Malli l-imqaddes Franġisku qallu biex jagħtih lil dak ir-raġel fqir, hu tahulu mall-ewwel u bil-qalb. Dak il-ħin stess, minħabba l-qima u d-devozzjoni li kellu dak il-patri meta ta l-mantell lil dak il-fqir, deherlu li l-karità li offra kienet telgħet is-sema u hu ħass lilu nnifsu jiddawwal b'ferħ ġdid. [AP 28; CA 92; SP 36]

[580] 45 Meta, fil-fatt, il-għonja ta' din id-dinja kienu jiġu għandhom, l-aħwa kienu jilqgħuhom malajr u bit-tjieba, u jippruvaw isejħulhom biex jitbiegħdu mill-ħażen u jħeġġuhom biex jagħmlu penitenza. Fuq kollox huma ma kienux ifittxu li jintbagħtu f'art twelidhom fejn kienu trabbew, biex hekk jaħarbu mill-familjarità u r-relazzjoni ta' qrabathom, u hekk ikunu jistgħu jħarsu l-kliem tal-profeta: *Sirt barrani għal ħuti, ulied ommi ma jagħrfunix* (S 68,9).

Kienu jifirħu l-aktar fil-faqar għaliex ma kienux jixtieq li jkollhom għana, imma kienu jistmerru dak kollu li jgħaddi u li hu oġġett ta' kilba minn dawk li jħobbu d-dinja. Fuq kollox kienu jirfsu b'riġlejhom fuq il-flus daqslikieku kienu trab, u kif kienu ġew mgħallmin mill-qaddis, kienu jqisuh li jiswa u jiżen daqs il-ħmieġ ta' ħmar.

Kienu l-ħin kollu jifirħu fil-Mulej, u ma kellhom xejn fihom infushom jew bejniethom li jagħmilhom qalbhom sewda. Għax aktar ma kienu mifrudin mid-dinja, aktar kienu saru qrib ta' Alla. Kienu jimxu 'l quddiem fit-triq tas-salib u fil-mogħdija tal-ġustizzja, kienu jneħħu minnhom

kull tfixkil li seta joħroġhom mit-triq id-dejqa tal-penitenza u tal-ħarsien ta' l-Evanġelju, sabiex jagħmlu triq lixxa u żgura għal dawk li jiġu warajhom. [1C 41; AP 29-30]

Kapitlu XII

Dwar kif l-imqaddes Franġisku flimkien ma' ħdax sħabu mar fil-Kurja tal-Papa biex jinfurmah dwar l-għamla ta' ħajja tiegħu u jitolbu jikkonfermalu r-Regola li kiteb.

[581] 46 Meta l-imqaddes Franġisku ra kif il-Mulej kabbar lill-aħwa fin-numru u fil-merti, issa li huma kienu tnax irġiel mill-aktar perfetti li kienu jħossu l-istess ideajli, hu qal lill-ħdax, billi hu kien it-tnax il-wieħed u missierhom: "L-aħwa, qiegħed nara li l-Mulej fil-ħniena tiegħu jrid ikabbar il-kongregazzjoni tagħna. Ejjew mela immorru għand ommna l-Knisja mqaddsa Rumana, u navżaw lill-Papa dwar dak li l-Mulej beda jagħmel magħna, sabiex, bir-rieda u l-mandat tiegħu nkunu nistgħu inkomplu dak li bdejna".

Billi din il-proposta tal-missier għoġbot lill-aħwa l-oħrajn, u flimkien miegħu erħewlha fil-vjaġġ lejn il-kurja papali, hu qalilhom: "Ejjew nagħżlu wieħed minna bħala mexxej tagħna u jkun għalina qisu l-vigarju ta' Ġesù Kristu, hekk li fejn ikun irid imur hu immorru aħna, u fejn ikun irid jieqaf hu għall-kenn nieqfu aħna". U huma għażlu lil fra Bernardo, l-ewwel wieħed wara l-imqaddes Franġisku, u kienu jaqduh bħala missierhom.

Mimlijin ferħ, għalhekk, telqu u kienu jitkellmu dwar il-kliem tal-Mulej, u ma kienux jazzardaw jgħidu xejn li ma jkunx ta' tifħir u glorja ta' Alla u għall-ġid tar-ruħ, u ta' spiss kienu jqattgħu ħafna ħin fit-talb. Il-Mulej dejjem kien iħejjilhom post fejn jistkennu, billi jagħmel dak kollu li hu meħtieġ biex jagħtihom il-ħtiġijiet tagħhom. [1C 32; AP 31; LM III,8]

[582] 47 Meta waslu Ruma u hemmhekk sabu lill-isqof tal-belt ta' Assisi, dan laqagħhom b'ferħ kbir, għax hu kien juri rispett lejn l-imqaddes Franġisku u lejn l-aħwa kollha u kellu lejhom affett speċjali. Billi ma kienx jaf ir-raġuni għaliex kienu ġew hemmhekk, hu beda jinkwieta, għax ħaseb li riedu jitilqu minn art twelidhom, li fiha l-Mulej kien qiegħed jagħmel tant ġid permezz tagħhom. Għax hu kien jifraħ ħafna li jkollu irġiel bħal dawn fid-djoċesi tiegħu, u kien japprezza ħafna l-ħajja u l-imġieba tagħhom. Wara li sema' x'kien il-pjan tagħhom u fehemu, hu feraħ bil-kbir, u wiegħedhom li jagħtihom il-pariri u l-għajnuna tiegħu.

L-isqof kien magħruf minn ċertu kardinal isqof ta' Santa Sabina, li kien jismu Giovanni di San Paolo, raġel mimli bil-grazzja ta' Alla, li kien iħobb b'mod partikulari lill-qaddejja ta' Alla. L-isqof kellmu dwar il-ħajja ta' l-imqaddes Franġisku u ta' l-aħwa tiegħu, u għalhekk il-kardinal kellu xewqa li jiltaqa' mal-bniedem ta' Alla u ma' xi wħud mill-aħwa.

Billi sema' li huma kienu f'Ruma, bagħat għalihom u laqagħhom b'qima u mħabba kbira[320]. [1C 32; AP 32; LM III,9]

---

[320] Giovanni de Colonna, magħruf bħala Giovanni di San Paolo, kien Benedittin fil-monasteru ta' San Paolo Fuori Le Mura. Kien ħabib personali ta' l-isqof Guido ta' Assisi u midħla sew tal-Papa Innoċenz III. Kellu tagħrif dettaljat dwar il-movimenti apostoliċi ta' żmienu. Fl-1204 laħaq Isqof u Kardinal ta' Sabina. Miet fl-1215. Id-data tal-vjaġġ ta' Franġisku u l-ewwel aħwa f'Ruma skond Fortini hi dik tas-sajf 1210.

[583] 48 Matul il-ftit jiem li l-aħwa kienu jgħixu għandu, huma edifikawh bil-kliem qaddis u l-eżempji tagħhom, u hu kien jara fil-fatti dak kollu li kien sema' jingħad dwarhom, tant li irrikmanda ruħu għat-talb tagħhom umli u devot, u talabhom, bħala grazzja speċjali, li jqisuh bħala wieħed mill-aħwa. Imbagħad beda jistaqsi lill-imqaddes Franġisku r-raġuni għaliex hu kien ġie, u malli sema' minn għandu l-pjan u l-intenzjonijiet tagħhom, hu offra li jieħu ħsieb li jippreżentahom fil-kurja papali.

Il-kardinal imbagħad mar fil-kurja u qal lis-sinjur Papa Innoċenz III: "Jiena sibt raġel tassew perfett li jrid jgħix skond il-forma ta' l-Evanġelju mqaddes u jħares il-perfezzjoni evanġelika f'kollox. Għalhekk naħseb li l-Mulej irid li bih jirriforma l-fidi tal-Knisja mqaddsa fid-dinja kollha". Malli sema' dan, is-sinjur Papa stagħġeb ħafna, u ordna lill-kardinal biex iġiblu lil Franġisku quddiemu. [1C 33; AP 33; 2C 16; LM III,9]

[584] 49 L-għada, għaldaqstant, il-bniedem ta' Alla ġie ippreżentat minn dak il-kardinal quddiem il-Papa, u lilu urieħ il-għamla ta' ħajja li ried iħaddan[321]. Il-Papa, li kien bniedem mogħni b'dixxerniment ta' l-għaġeb, laqa' t-talba ta' Franġisku, u ħeġġeġ lilu u lill-aħwa tiegħu b'ħafna modi, berikhom u qalilhom: "Morru mal-Mulej, l-aħwa, u kif hu jogħġbu jispirakom, ippriedkaw il-penitenza lil kulħadd. Meta mbagħad Alla li jista' kollox ikattarkom fin-numru u fil-grazzja, erġgħu ejjew għandna. U aħna nafdawlkom impenji ħafna akbar".

Billi s-sinjur Papa ried ikun jaf jekk dak li hu ħalla f'idejn Franġisk u li kellu intenzjoni jħallilu, kienx jaqbel mar-rieda tal-Mulej, qal lil Franġisku u lill-aħwa: "Uliedi, jidhrilna li l-ħajja tagħkom hi ħafna iebsa u ħarxa, għalkemm aħna nemmnu li intom tant għandkom ħeġġa li minn naħa tagħna ma nistgħux niddubitaw minnkom. Aħna rridu nqisu, iżda, lil dawk li jiġu warajkom, li ma jmorrux isibu din il-ħajja iebsa żżejjed". Hu ra l-fidi bla taqta' tagħhom u li kellhom it-tama tagħhom ankrata tant fil-fond fi Kristu, li ma riedux iwarrbu mill-ħeġġa tagħhom. Għalhekk qal lill-imqaddes Franġisku: "Ibni, mur u itlob lil Alla biex hu jirrivelalek jekk dak li qed titlob hux ġej mir-rieda tiegħu. B'dan il-mod, jekk aħna nsiru nafu x'inhi r-rieda ta' Alla, aħna nikkonċedu dak li qiegħed titlob". [AP 34; 2C 16; LM III,9]

[585] 50 Wara li l-qaddis ta' Alla talab, kif kien qallu jagħmel is-sinjur Papa, il-Mulej kellmu fl-ispirtu u qal: "Kien hemm mara fqajra u sabiħa li kienet tgħix fid-deżert, u li minħabba s-sbuħija tagħha s-sultan kien baqa' milqut ħafna u xtaq jeħodha b'martu, għax hu kien jaħseb li minnha seta' jkollu ulied sbieħ. Wara li ż-żwieġ ġie iċċelebrat u marru joqogħdu flimkien, huma kellhom ħafna ulied li rabbewhom. Ommhom kienet tkellimhom u tgħidilhom: «Uliedi, la tistħux għax intom ulied is-sultan. Morru mela fil-palazz tiegħu u hu jipprovdilkom għall-ħtiġijiet tagħkom kollha». Meta huma marru jaraw lis-sultan, hu baqa' milqut mis-sbuħija tagħhom, u billi ra li kienu jixbħuh ħafna, staqsiehom: «Ta' min intom ulied»? Meta huma wieġbu li kienu ulied il-mara fqajra li kienet tgħix fid-deżert, is-sultan b'ferħ kbir għannaqhom miegħu u qalilhom: «*La tibżgħux* (cfr. Lq 12,32; Mt 14,27), għax intom uliedi. Jekk il-barranin ukoll jieklu mill-mejda tiegħi, kemm aktar intom li intom ulied leġittimi tiegħi». Is-sultan imbagħad bagħat jgħid lill-mara biex tibgħat 'l uliedha kollha li kienet nisslet biex imorru għandu ħalli jipprovdilhom x'jieklu".

---

[321] Innoċenz III ġie elett wara l-mewt ta' Celestinu III fit-8 ta' Jannar 1198. Kien il-Kardinal Lotario, iben il-Konti Trasimondo di Segni. Dam Papa sas-16 ta' Lulju 1216 u hu meqjus bħala l-akbar Papa tal-medjuevu. Ippresjieda l-Konċilju Lateran IV f'Novembru 1215.

Meta dawn il-ħwejjeġ ġew murija lill-imqaddes Franġisku waqt li kien jitlob, il-qaddis fehem li dik il-mara fqajra kienet tindika lilu. [AP 35; 2C 16; LM III,10]

[586] 51 Malli temm it-talb tiegħu, reġa' mar qudiem il-Papa, u qallu ħaġa wara l-oħra l-istorja li l-Mulej kien irrivelalu. Qallu wkoll: "Sinjur, jiena hu dik il-mara fqajra li l-Mulej ħabb fil-ħniena tiegħu, u li żejjinha bis-sbuħija, u li minnha ried li jitwieldu l-ulied leġittimi. Is-sultan tas-slaten qalli li hu se jipprovdi l-għajxien lill-ulied kollha li jiena nwelled, għax, jekk hu jitma' lill-barranin, ċertament irid jipprovdi lil uliedu stess. Jekk għaldaqstant Alla jagħti ġid tad-dinja lill-midinbin għax hu jipprovdi bl-imħabba lil uliedu, kemm aktar se jagħti lill-bnedmin evanġeliċi li jistħoqqilhom dan għall-merti tagħhom".

Malli sema' dan, il-Papa stagħġeb ħafna, l-aktar għaliex qabel ma ġie quddiemu Franġisku, hu kien ra waqt ħolma l-knisja ta' San Giovanni in Laterano li kienet qed thedded li tiġġarraf u ċertu raġel reliġjuż, *żgħir u mżeblaħ* (cfr. Is 16,14; 53,3) kien iweżinha fuq spallejh[322]. Meta qam, kien tassew imbellaħ u mbeżżgħa, u billi kien bniedem għaref u ta' dixxerniment, beda jaħseb bejnu u bejn ruħu x'setgħet tfisser dik il-ħolma. Ftit jiem wara, ġie quddiemu l-imqaddes Franġisku u urieħ bil-pjan tiegħu, kif diġà għidna, u talbu wkoll jikkonfermalu r-regola li kien kiteb bi kliem sempliċi, billi uża l-kelmiet ta' l-Evanġelju mqaddes, li kien jixxennaq b'mod sħiħ għall-perfezzjoni tiegħu[323]. Malli l-Papa irrifletta fuq kemm kien mimli ħeġġa Franġisku fis-servizz ta' Alla, u meta qabbel il-ħolma tiegħu ma' dik li kellu l-bniedem ta' Alla, beda jgħid lilu nnifsu: "Dan hu tassew ir-raġel reliġjuż u qaddis li permezz tiegħu l-Knisja ta' Alla se terġa' tinbena u titwieżen".

Għalhekk il-Papa ħaddnu miegħu u appovalu r-regola li kien kiteb. Tah ukoll il-permess lilu u lill-aħwa biex jippriedkaw il-penitenza kullimkien, bil-kundizzjoni li l-aħwa li kellhom jippriedkaw kellhom jirċievu l-permess biex mingħand l-imqaddes Franġisku. Wara l-Papa approva dan kollu fil-konċistorju. [1C 33; AP 36; 2C 17; LM III,10]

[587] 52 Għalhekk, wara li qala' dawn il-favuri, Franġisku *radd ħajr lil Alla* (cfr. Atti 27,35), u għarkubbtejh wiegħed lis-Sinjur Papa ubbidjenza u qima bl-umiltà u d-devozzjoni. L-aħwa l-oħrajn ukoll, skond il-preċett tas-Sinjur Papa, wiegħdu bl-istess mod ubbidjenza u qima lill-imqaddes Franġisku. Wara li rċevew il-barka mill-Papa u wara li żaru l-oqbra ta' l-appostli, l-imqaddes Franġisku u l-ħdax l-aħwa l-oħrajn irċevew it-tonsura kif kien irranġa l-kardinal, li ried li t-tnax li huma jkunu kjeriċi[324]. [1C 34; AP 36; LM III,10]

---

[322] Il-famuża ħolma tal-Papa Innoċenz III, li dak iż-żmien kien jgħix fil-Lateran, insibuha rakkuntata fit-tielet Ħajja ta' S. Duminku ta' Constantius Medici, miktuba fl-1244-45. Skond Constantius Medici din il-ħolma ġrat fl-1215, meta Duminku wasal Ruma ma' l-Isoqf Folco ta' Toulouse għall-Konċilju Lateran IV, jiġifieri qabel ma' hu rċieva l-approvazzjoni ta' l-Ordni tal-Predikaturi li waqqaf minn Onorju III fit-22 ta' Diċembru 1216.

[323] Fit-*Testment* 14-15, S. Franġisk jgħid li l-Papa approvalu r-regola tiegħu, li kienet magħmula minn siltiet ta' l-Evanġelju (dik li tissejjaħ proto-regola, illum mitlufa): "U wara li l-Mulej ħalla f'idejja l-ħarsien ta' l-aħwa, ħadd ma wrieni x'kelli nagħmel; iżda l-istess l-Aktar Għoli nebbaħni li kelli ngħix skond l-għamla ta' l-Evanġelju Mqaddes. U jien bi ftit kliem u xejn tlellix ktibt dan, u s-Sinjur Papa wettaquli".

[324] Hu meħtieġ li nkunu ċari dwar it-tifsira li kellhom fil-medjuevu t-termini *clericus* u *laicus*. Fi żmien S. Franġisk dawn il-kelmiet ma kellhomx it-tifsira ċara li għandhom illum, u ma kienux jirreferu għall-fatt li wieħed kien ikun membru ta' Ordni klerikali jew lajkali. Il-kelma *clericus* kienet tindika wkoll lil dawk li kellhom preparazzjoni fl-iskejjel u l-universitajiet, u li għalhekk kienu litterati, jew nies ta' studju (*clerici*), distinti minn dawk li ma kienux jafu jaqraw (*laici*).

[588] 53 Hu hu ħiereġ minn Ruma, il-bniedem ta' Alla flimkien ma' l-aħwa mar biex jippriedka fid-dinja, u kien jistagħġeb ħafna dwar kif ix-xewqat tiegħu ġew maqtugħa daqshekk faċilment. Ta' kuljum kien jikber fit-tama u l-fiduċja tal-Feddej, li qabel kien urieħ b'rivelazzjoni qaddisa dak li kellu jiġri. Qabel ma kien akkwista dan kollu, jum minnhom meta kien mar jorqod, ħolom li matul it-triq kien hemm *siġra sabiħa, b'saħħitha u kbira, li kienet għolja ħafna* (cfr. Dan 4,8). Malli resaq qrib tagħha u kien taħtha, filwaqt li kien jistagħġeb għall-għoli u s-sbuħija tagħha, il-bniedem qaddis tant għola 'l fuq, li beda jmiss il-quċċata tas-siġra, u kien ukoll kapaċi jgħawwiġha sa l-art. Fil-fatt verament hekk ġara, meta s-Sinjur Innoċenz, l-ogħla, l-isbaħ u l-aktar siġra b'saħħitha fid-dinja, mejjel ruħu biex jilqa' b'tjieba tant kbira t-talbiet u x-xewqat tiegħu. [1C 33; LM III,8]

## Kapitlu XIII
Dwar il-qawwa tal-predikazzjoni tiegħu, u dwar l-ewwel post li kien joqgħod fih, u kif l-aħwa kienu jgħammru hemmhekk u mbagħad telqu.

[589] 54 Minn dan il-ħin, l-imqaddes Franġisku kien *idur il-bliet* (cfr. Mt 9,35) *u l-irħula*, u beda *jippriedka* ma' kullimkien u b'mod aktar perfett, u jħabbar bil-fiduċja s-saltna ta' Alla, *mhux bil-kliem qawwi ta' l-għerf imma bit-tagħlim u l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. 1Kor 2,4). Hu kien predikatur ta' min jemmnu u mqawwi bl-awtorità apostolika, u ma kienx juża kliem fieragħ jew li jqarraq, imma kien l-ewwel jikkonvinċi lilu nnifsu għall-għemil u mbagħad jikkonvinċi lill-oħrajn, biex ikun jista' jitkellem dwar il-verità bl-akbar fedeltà. Anke n-nies ta' skola u għorrief ħafna kienu jibqgħu mistagħġbin bil-qawwa u l-verità tal-predikazzjoni tiegħu, li ebda bniedem ieħor qatt ma kien għallimhom, tant li kienu jmorru jiġru biex jarawh u jisimgħuh donnu kien bniedem ġej minn dinja oħra[325]. Miġbudin mill-ispirazzjoni divina, bosta nies mill-poplu, nobbli u umli, kjeriċi u lajċi, riedu jingħaqdu mal-passi ta' l-imqaddes Franġisku, billi jiċħdu għat-tħassib u l-frugħa ta' din id-dinja u jgħixu taħt id-dixxiplina tiegħu. [1C 36-37; AP 36; LM IV,5.7; XII,8]

[590] 55 Il-missier hieni flimkien ma' uliedu kienu jgħixu f'post qrib Assisi jismu Rivo Torto, fejn kien hemm gorboġ mitluq minn kulħadd[326]. Dan il-post kien tant dejjaq u fih l-aħwa bilkemm setgħu joqgħodu bilqiegħda jew jistrieħu. Ta' spiss kien jonqoshom il-ħobż u l-uniku ikel li kien ikollhom kienu il-ġdur, li kienu jieklu wara li kienu jmorru jittallbu għalihom fl-inħawi. Il-bniedem ta' Alla kien jikteb l-ismijiet ta' l-aħwa fuq it-travi ta' dak il-gorboġ, sabiex min ikun irid jistrieħ jew jitlob jagħraf postu, u f'dak il-post tant dejjaq l-aħwa ma jfixklux lil xulxin fil-ħemda tar-ruħ.

Jum minnhom, meta l-aħwa kienu joqogħdu f'dak il-post, ġie bidwi bil-ħmar tiegħu u ried jidħol f'dak il-gorboġ biex joqgħod hemm. Biex l-aħwa ma jkeċċuhx 'il barra, hu u dieħel mal-ħmar tiegħu qallu: "Idħol, idħol, għax hawnhekk sibna post tajjeb għalina". Meta l-missier

[325] L-espressjoni latina *velut hominem alterius saeculi* tinsab f'1C 36: *qui homo alterius saeculi omnibus videbatur; 1 Cel 82: novus certe homo et alterius saeculi videbatur*. L-espressjoni tista' tirreferi għall-fatt li Franġisku kien jidher bħala bniedem ġdid u li, fil-kliem u l-għemil tiegħu, kien iħabbar iż-żminijiet ġodda eskatoloġiċi, li fihom iseħħu smewwiet ġodda u art ġdida: għalhekk kien qisu bniedem ta' dinja oħra, jew ta' żmien ieħor.

[326] Rivo Torto hu isem ta' nixxiegħa li tibda ħdejn Panzo, taħt is-Subasio, u tinżel fil-pjanura. L-ilma kien jgħaddi b'ħafna dwawar u għalhekk in-nies laqqmuh Rivo Torto, in-nixxiegħa li titgħawweġ. Illum il-ġurnata fil-post hemm santwarju li jfakkar il-fatti li ġraw f'dan il-post fejn l-ewwel fraternità għexet għal xi żmien.

imqaddes sema' dawn il-kelmiet u fehem x'kellu f'moħħu dan il-bidwi, ħassu ħafna mdejjaq fl-ispirtu, l-aktar għaliex dak l-istorbju kbir li għamel mal-ħmar tiegħu kien fixkel lill-aħwa li dak il-ħin kienu mogħtijin għas-skiet u t-talb. Għalhekk il-bniedem ta' Alla qal lill-aħwa: "L-aħwa, naf li Alla ma sejħilniex biex inħejju post biex fih joqgħod ħmar u lanqas biex noqogħdu ningħataw għal ħafna diskors mal-bnedmin, imma filwaqt li nippriedkaw it-triq tas-salvazzjoni u nagħtu pariri għaqlin lill-bnedmin, irridu ningħataw l-aktar għat-talb u r-radd ta' ħajr".

Ħallew għalhekk dak il-gorboġ għall-użu tal-lebbrużi foqra, u marru joqogħdu f'Santa Marija tal-Porziuncola, li maġenbha kellhom post ċkejken fejn kienu joqogħdu qabel ma akkwistaw dik il-knisja. [1C 42; 44; LM IV,3.5]

[591] 56 Imbagħad l-imqaddes Franġisku, skond ir-rieda u l-ispirazzjoni ta' Alla, akkwista din il-knisja mill-abbati ta' San Benedetto tal-Monte Subasio[327]. Il-qaddis, b'mod mill-aktar speċjali u mimli affett, irrikmanda dan il-post lill-Ministru Ġeneral u lill-aħwa kollha, bħala l-post li l-Verġni glorjuża tħobb aktar mill-postijiet u l-knejjes l-oħrajn ta' din id-dinja.

Wieħed mill-aħwa kellu dehra, meta kien għadu ħaj, li swiet ħafna biex qajjmet il-qima u l-imħabba għal dan il-post. L-imqaddes Franġisku kien iħobb lil dan ħuh b'affett singulari sakemm dam miegħu, u kien juri familjarità kbira miegħu. Dan il-bniedem kien jixtieq jaqdi lil Alla, kif imbagħad għamel sakemm għex bil-fedeltà fir-reliġjon, u ra waqt viżjoni li l-bnedmin ta' din id-dinja kienu għomja u kienu għarkubbtejhom madwar Santa Marija tal-Poziuncola, b'idejhom ma' xulxin u b'ħarsithom lejn is-sema. Huma kienu jgħajjtu u jolfqu quddiem il-Mulej u jitolbuh biex fil-ħniena tiegħu jagħtihom id-dawl. Waqt li kienu jitolbu, deher qisu dawl kbir ġej mis-sema u niżel jistrieħ fuqhom, filwaqt li kien idawwalhom ilkoll b'dija ta' salvazzjoni.

Malli qam, dan il-bniedem iddeċieda f'qalbu li jaqdi lil Alla b'fedeltà akbar, u ftit żmien wara, ħalla d-dinja bil-qerq u t-tlellix tagħha, u daħal fir-reliġjon fejn ippersevera fil-qadi umli u devot ta' Alla. [2C 18; 20; LM II,8]

## Kapitlu XIV
## Dwar il-kapitlu li kien jagħmel darbtejn fis-sena fil-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola.

[592] 57 Wara li l-imqaddes Franġisku kien akkwista dak il-post ta' Santa Marija mill-abati li semmejna, hu ordna li hemmhekk jinżamm kapitlu darbtejn fis-sena, jiġifieri f'Għid il-Ħamsin u fid-Dedikazzjoni ta' San Mikiel[328]. F'Għid il-Ħamsin kienu jiltaqgħu l-aħwa kollha fil-knisja

---

[327] Il-monasteru ta' San Benedetto tal-Monte Subasio jissemma għall-ewwel darba f'dokument tal-kattidral fl-1041. Kien monasteru importanti u għani ħafna, kellu ħafna artijiet. Il-ħajja monastika fih kienet mill-aktar regolari rigward talb u xogħol. Il-monasteru irċieva ħafna privileġġi papali u imperjali. Il-fdalijiet tiegħu, l-abside u l-kripta fi stil romaniku, għadhom jidhru fuq il-Monte Subasio. Ġie meqrud fl-1399 bħala riżultat ta' waħda mill-gwerer ċivili ta' Assisi. Għar-rakkont dettaljat ta' l-għoti tal-Porziuncola lil S. Franġisk min-naħa ta' l-abati ta' S. Benedetto al Monte Subasio, cfr. *Compilatio Assisiensis,* 56; *Leggenda Perugina* 9; *Speculum Perfectionis*, 55. Għall-imħabba li kellu S. Franġisk lejn S. Maria degli Angeli, cfr. 2C, 19.

[328] Fil-medjuevu kien hemm żewġ festi lill-Arkanġlu S. Mikiel. Dik tat-8 ta' Mejju kienet tfakkar id-dehra ta' l-Arkanġlu fis-santwarju famuż tiegħu fuq il-Monte Gargano, jew Monte Sant'Angelo, fil-Puglie. Il-festa tad-29 ta' Settembru, li għadha ssir, kienet tfakkar id-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' S. Mikiel, fuq il-Via Salaria, barra Ruma.

ta' Santa Marija u kienu jiddiskutu dwar kif setgħu aħjar iħarsu r-regola, kif ukoll kienu jaħtru lil dawk l-aħwa fid-diversi provinċji li kienu jippriedkaw lill-poplu, u aħwa oħrajn kienu jibgħatuhom fi provinċji oħrajn. San Franġisk kien ukoll jagħti twissijiet, korrezzjonijiet u direttivi, skond kif kien jidhirlu u kif kien jagħtih parir il-Mulej. Dak kollu li kien jgħid lill-aħwa bil-kliem, kien iżda jurih ukoll bl-għemil bil-ħeġġa u l-affett[329]. Hu kien iqim il-prelati u l-qassisin tal-Knisja mqaddsa kif ukoll kien juri ġieħ lejn in-nobbli u l-għonja. Fuq kollox, kien iħobb b'intimità kbira lill-foqra, u kien ibati mill-qalb magħhom, filwaqt li kien juri lilu nnifsu sudditu ta' kulħadd. Għalkemm kien aktar għoli fil-virtù mill-aħwa l-oħra, hu ried li wieħed mill-aħwa joqgħod miegħu biex jaħtru bħala gwardjan u sid tiegħu, u kien jobdih bl-umiltà u l-qima ħalli jaħrab minn kull okkażjoni ta' suppervja. Hu kien *ibaxxi rasu sa l-art* (cfr. Lq 14,11) quddiem il-bnedmin, sabiex fost il-qaddisin u l-maħturin ta' Alla kien jistħoqqlu *jitgħolla* fid-dawl divin.

Kien iwissi bil-ħeġġa lill-aħwa biex iħarsu l-Evanġelju mqaddes u r-regola li huma kienu wegħedu bil-qawwa, u l-aktar li juru qima u devozzjoni lejn l-uffiċċji divini u l-ordnijiet ekkleżjastiċi. Kien irid li l-aħwa jisimgħu l-Quddiesa bid-devozzjoni u li jaduraw il-Ġisem tal-Mulej bl-akbar qima. Kien irid li kull wieħed mill-aħwa jqim ukoll is-saċerdoti li jmissu s-sagramenti l-aktar qaddisa u ta' min iqimhom, tant li meta huma kienu jiltaqgħu magħhom, filwaqt li kellhom ibaxxu rashom quddiemhom, kellhom ibusulhom idejhom. U jekk kienu jiltaqgħu magħhom meta dawn ikunu riekba fuq iż-żiemel, hu kien irid li huma jbusulhom mhux biss idejhom imma saħansitra n-nagħla taż-żiemel li jkunu rekbin fuqu, minħabba l-qima li kellhom lejn is-setgħa tagħhom. [AP 36-37]

[593] 58 Kien ukoll iwissi lill-aħwa biex ma jiġġudikawx lill-ebda bniedem u lanqas iħarsu b'disprezz lejn dawk li jgħixu fil-lussu u jilbsu lbies għani u li jiġbed l-għajnejn: għax hu kien jgħid li Alla tagħna u tagħhom jista' isejħilhom għalih u *wara li jsejħilhom jiġġustifikahom* (cfr. Rum 8,30)[330]. Kien jgħid ukoll li kien irid li l-aħwa jqimu lil dawn in-nies bħala aħwa oħrajn u sidien tagħhom, għax ilkoll huma aħwa billi ġew maħluqa mill-istess ħallieq, u huma sidien, għaliex huma jgħinu lit-tajbin biex jagħmlu penitenza billi jgħinuhom u jipprovdulhom dak li hu meħtieġ għall-ħajja tal-ġisem. Kien iżid ukoll: "Hekk għandha tkun il-ħajja ta' l-aħwa fost in-nies li *kull min jisma' jew jara lilhom jagħti glorja lill-Missier tas-sema* (cfr. Mt 5,16) u jfaħħru bil-qima kollha".

Ix-xewqa kbira tiegħu kienet dik li hu, flimkien ma' l-aħwa, tant ikattru l-għemil tajjeb tagħhom li minħabba fihom il-Mulej ikun imfaħħar, u kien jgħidilhom: "Kif tħabbru s-sliem bil-fomm, hekk għandu jkollkom sliem akbar fi qlubkom. Ħadd ma għandu jitqanqal għall-korla jew l-iskandlu minħabba fikom, imma kulħadd għandu jinġibed għall-paċi, tjieba u armonija bit-tjubija ta' karattru tagħkom. Għax aħna għal dan ġejna msejħin biex nikkuraw il-miġruħin, *insaħħu d-dgħajfin* (cfr. Eżek 34,4) u nsejħu lura lil min żbalja. Ħafna minn dawk li lilna jidhrulna li huma membri tax-xitan għad ikunu dixxipli ta' Kristu". [AP 38]

---

Dak iż-żmien din il-festa kienet kmandata. S. Franġisk kellu qima speċjali lejn S. Mikiel Arkanġlu, u kien isum u jitlob fuq La Verna mill-festa ta' l-Assunta sal-festa ta' l-Arkanġlu.

[329] Tingħata hawnhekk deskrizzjoni tal-kapitli ġenerali ta' l-Ordni, li kienu jsiru fil-Porziuncola, li għandha dokumentazzjoni dwarhom l-aktar mill-1217. It-twissijiet li kien jagħti S. Franġisk waqt il-kapitli jistgħu jiġu mifhuma fid-dawl tal-ġabra ta' *Twissijiet* tal-qaddis li waslu għandna fost il-kitbiet tiegħu.

[330] Dan il-preċett jinsab fir-*Regula bullata* 2,17 u fir-*Regula non bullata* 2,14.

[594] 59 Il-missier twajjeb kien ukoll iċanfar lil dawk l-aħwa tiegħu li kienu iebsin iżżejjed magħhom infushom, li *kienu jagħmlu sahriet ta' sawm* (cfr. 2Kor 11,27) u li kienu jgħakksu lil ġisimhom b'ħafna penitenzi. Għax xi wħud minnhom tant kienu jgħakksu lilhom infushom biex ineħħu minnhom kull tqanqil tal-ġisem, li kienu jidhru li donnhom jobogħdu lilhom infushom. Il-bniedem ta' Alla ipprojbielhom jagħmlu dan, u kien iwissihom bil-ħlewwa u jċanfarhom b'mod raġjonevoli, filwaqt li kien jinfaxxa l-ġrieħi tagħhom bil-faxex tal-pariri ta' salvazzjoni.

Fost l-aħwa li kienu jiġu għall-kapitlu ħadd ma kien jażżarda jitkellem fuq ħwejjeġ tad-dinja, imma kienu jitkellmu dwar il-ħajjiet tal-missirijiet qaddisa u dwar kif ikunu jistgħu aħjar u b'mod aktar perfett isibu l-grazzja tal-Mulej Ġesù Kristu. Jekk xi wħud mill-aħwa li kienu jiġu għall-kapitlu kienu jkollhom xi tentazzjoni jew tiġrib, malli kienu jisimgħu lill-imqaddes Franġisku jitkellem b'mod tant ħelu u mimli ħeġġa, u meta kienu jaraw il-penitenza tiegħu, kienu jinħelsu mit-tentazzjonijiet u t-tiġrib tagħhom b'mod mirakoluż. Għax waqt li hu kien jitkellem magħhom kien ikellimhom mhux bħala mħallef imma bħala missier mimli ħniena u tabib twajjeb tal-morda, għax kien jaf *iħossu marid mal-marid* (cfr. 2Kor 11,29) u jbati ma' min ibati. Imma kien ukoll iċanfar lid-delinkwenti, kien irażżan lil ta' rashom iebsa u kien jagħti kastig meqjus lil dawk li jkunu ribelli.

Meta l-kapitlu kien jintemm, kien ibierek lill-aħwa kollha u jiddestinahom għad-diversi provinċji. Lil kull min kellu fih l-Ispirtu ta' Alla u l-elokwenza li tagħmlu kapaċi jippriedka, kemm jekk ikun kjeriku u kemm jekk ikun lajk, kien jagħtihom il-permess biex jippriedkaw. Huma kienu jilqgħu l-barka tiegħu b'ferħ kbir fl-ispirtu, u *bħala pellegrini u għorba* (cfr. 1Pt 2,11) kienu jmorru fid-dinja, u ma kienu jġorru xejn magħhom fit-triq ħlief il-kotba li bihom kienu jistgħu jitolbu s-sigħat kanoniċi. Kull fejn kienu jiltaqgħu ma' qassis, għani jew fqir, tajjeb jew ħażin, kienu jmilu quddiemu bl-umiltà u juruh qima. Meta kien isir il-ħin biex isibu fejn jistkennu, huma kienu joqogħdu aktar bil-qalb għand il-qassisin milli għand is-sekulari. [AP 39-40]

[595] 60 Meta ma kienux jistgħu jogħodu għand qassisin, kienu jfittxu lil persuni spiritwali u li jibżgħu minn Alla, li magħhom setgħu joqogħdu b'mod onest. Imbagħad, f'kull belt u raħal li riedu jżuru l-aħwa, il-Mulej kien inebbaħ lil xi persuni li jibżgħu minn Alla biex iħejjulhom fejn joqogħdu, sakemm ġew mibnijin xi postijiet għalihom fil-bliet u l-irħula.

Il-Mulej kien jagħtihom il-kelma u l-ispirtu, skond il-ħtieġa taż-żmien, biex jitkellmu bl-aktar mod li jaqta' fil-laħam il-ħaj u li jippenetra fil-qlub taż-żgħażagħ u ta' l-anzjani, li wara li kienu *jħallu lil ommhom u lil missierhom* (cfr. Mt 19,29) u dak kollu li seta' kellhom, kienu jmorru wara l-aħwa, u kienu jilbsu t-tonka tar-reliġjon tagħhom. Imbagħad tassew *intbagħat is-sejf tal-firda fid-dinja* (cfr. Mt 10,34), meta ż-żgħażagħ kienu jiġu fir-reliġjon u jħallu warajhom lill-familjari tagħhom fil-ħmieġ tal-midinbin. Dawk li kienu jiġu milqugħin fl-Ordni kienu jittieħdu għand l-imqaddes Franġisku u kienu jirċievu mingħandu t-tonka tar-reliġjon bl-umiltà u d-devozzjoni.

Mhux biss dawn l-irġiel ikkonvertew u daħlu fl-Ordni, imma wkoll bosta verġni u romol, li kienu jintlaqtu bil-predikazzjoni ta' l-aħwa, fuq il-parir tagħhom kienu jingħalqu fil-monasteri tal-bliet u l-irħula li kienu twaqqfu biex jagħmlu penitenza. Wieħed mill-aħwa ġie maħtur biex

ikun il-viżitatur u korrettur tagħhom[331]. Bl-istess mod l-irġiel u n-nisa miżżewġin, billi ma setgħux jinħallu mil-liġi taż-żwieġ, fuq il-parir ta' salvazzjoni li tawhom l-aħwa kienu jingħataw għal ħajja ta' penitenza aktar iebsa fi djarhom[332]. U hekk, permezz ta' l-imqaddes Franġisku, li kien iqim b'mod perfett lit-Trinità Qaddisa, il-Knisja ta' Alla ġiet imġedda fit-tliet Ordnijiet, kif qabel kien ġie mħabbar bit-tiswija ta' tliet knejjes. Kull wieħed minn dawn l-Ordnijiet ġie fi żmienu approvat mill-Papa. [AP 41; Fior 16]

Kapitlu XV
Dwar il-mewt tas-Sinjur Giovanni, l-ewwel Protettur ta' l-Ordni, u dwar kif is-Sinjur Ugolino ta' Ostia sar missier u protettur ta' l-Ordni.

[596] 61 Il-missier meqjum, is-Sinjur Kardinal Giovanni di San Paolo, li ta' spiss kien joffri pariri u protezzjoni lill-imqaddes Franġisku, kien jirrikmanda l-ħajja u l-għemejjel ta' l-istess qaddis u l-aħwa tiegħu lill-kardinali l-oħrajn. B'hekk huma tqanqlu biex iħobbu lill-bniedem ta' Alla u l-aħwa tiegħu, hekk li kull wieħed minnhom kien irid li jkollu dawn l-istess aħwa fil-kurja tiegħu, mhux minħabba xi servizz li setgħu jieħdu minn għandhom, imma minħabba l-qdusija ta' l-aħwa u d-devozzjoni lejhom li huma kienu jħossuha taqbad fihom.

Wara li s-Sinjur Giovanni di San Paolo miet, il-Mulej nebbaħ lil wieħed mill-kardinali, jismu Ugolino, li kien isqof ta' Ostia, biex jgħożż, jipproteġi u jiffavorixxi lill-imqaddes Franġisku u l-aħwa tiegħu[333]. B'intensità ħerqana, hu kien juri lejhom rispett kbir, daqslikieku kien missierhom. Fuq kollox, aktar mill-imħabba naturali li missier għandu lejn uliedu skond il-ġisem, l-imħabba ta' dan il-bniedem kienet tinfirex spiritwalment fuq il-bniedem ta' Alla u fuq l-aħwa tiegħu, billi kien iħobbhom u jiffavorihom fil-Mulej. Il-bniedem ta' Alla sema' bil-fama glorjuża ta' dan li kien famuż fost il-kardinali l-oħrajn, u resaq quddiemu flimkien ma' l-aħwa. Hu laqagħhom bil-ferħ, u qalilhom: "Jiena noffri lili nnifsi għalikom biex nagħtikom għajnuna u parir, kif ukoll protezzjoni, u lest li noffri lili nnifsi kollni kemm jien lilkom skond ix-xewqat twajba tagħkom. Irrid biss li, għall-imħabba ta' Alla, intom tiftakru dejjem fija fit-talb tagħkom".

Imbagħad l-imqaddes Franġisku, radd ħajr lil Alla, u qal lill-istess sinjur kardinal: "Sinjur, jiena bil-qalb kollha rrid li jkolli lilek bħala missier u protettur tar-reliġjon tagħna, u rrid li l-aħwa kollha jkollhom dejjem lilek quddiem moħħhom biex jirrikmandawk fit-talb tagħhom". Imbagħad

---

[331] Ir-riferiment jista' jkun għall-Ordni tal-*Povere Dame* ta' San Damiano, li bħal diversi movimenti femminili oħrajn ta' penitenza fil-medjuevu kien wieħed ta' *recluse*, jew nisa magħluqin f'monasteru. Il-Viżitatur tar-*recluse* kien ġie introdott fl-Ordni Ċisterċensi. Il-*Povere Dame* kellhom bħala l-ewwel Viżitatur tagħhom lil Ambroġ, li kien Ċisterċensi. Warajh sar Viżitatur Fra Filippo Longo. Cfr. Mario Sensi, "The Women's Reculse Movement in Umbria during the 13th and 14th Centuries", in *Greyfriars Review* 8 (1994) 319-345.

[332] Riferiment għall-*continentes*, jew aħjar l-*Ordo Poenitentium*, in-nukleju ta' dak li żviluppa fit-Tielet Ordni Franġiskan, illum Ordni Franġiskan Sekular.

[333] Ugolino dei Conti di Segni kien sar kardinal fl-1198, u isqof ta' Ostia u Velletri fl-1206. Kien ħabib intimu ta' S. Franġisk, li kien talbu bħala protettur ta' l-Ordni mingħand il-Papa Onorju III. Ugolino għen lil S. Franġisk biex jikteb ir-Regola ta' l-1223. Wara l-mewt ta' Franġisku, fid-19 ta' Marzu 1227, Ugolino ġie elett Papa bl-isem ta' Girgor IX. Kien hu li iddikjara qaddis lil S. Franġisk f'Assisi fis-16 ta' Lulju 1228. Qiegħed l-ewwel ġebla tal-bażilika ta' S. Franġisk u inkariga lil Fra Tommaso da Celano biex jikteb il-*Vita Sancti Francisci*, li hu approvaha fl-1229. Lil S. Klara kien taha Regola fl-1219 u ikkonfermalha l-Privileġġ tal-Faqar fl-1228. Ikkanonizza wkoll lil S. Antnin ta' Padova (1232), lil S. Duminku Guzman (1234) u lil S. Eliżabetta ta' l-Ungerija (1235). Miet f'Ruma fit-22 ta' Awissu 1241.

l-imqaddes Franġisku talbu biex jogħġbu jkun preżenti fil-kapitlu ta' l-aħwa nhar Għid il-Ħamsin. Hu mall-ewwel qabel bit-tjieba ma' din it-talba, u minn dak il-ħin kien ikun preżenti ta' kull sena għall-kapitlu tagħhom.

Meta mbagħad kien jiġi għall-kapitlu, l-aħwa kollha li kienu jinġabru għall-kapitlu kienu joħorġu jiltaqgħu miegħu f'purċissjoni. Malli hu kien jara l-aħwa resqin lejh, kien jinżel miż-żiemel u kien jimxi magħhom lejn il-knisja ta' Santa Marija. Imbagħad kien jippriedkalhom u jiċċelebra l-Quddiesa, li fiha l-bniedem ta' Alla, Franġisku kien ikanta l-Evanġelju[334]. [AP 42-43]

## Kapitlu XVI
Dwar l-elezzjoni ta' l-ewwel Ministri u dwar kif intbagħtu fid-dinja.

[597] 62 Meta kienu għaddew ħdax-il sena mit-twaqqif tar-reliġjon[335] u kienu tkattru n-numru u l-merti ta' l-aħwa, ġew eletti ministri u mibgħutin ma' xi aħwa fil-provinċji kollha tad-dinja li fihom kienet moqdija u mħarsa l-fidi kattolika. Huma ġew milqugħin f'xi provinċji, imma ma ħallewhomx jibnu djar żgħar. Mill-banda l-oħra huma ġew imkeċċijin minn xi provinċji oħrajn għax kienu jaħsbuhom infidili, għax, għalkemm is-Sinjur Papa Innoċenz III kien approva l-Ordni u r-Regola, ma kienx għamel dan permezz ta' kitba ta' konferma, u għalhekk l-aħwa kienu jsofru ħafna tribulazzjonijiet mill-kjeriċi u lajċi. Għaldaqstant l-aħwa kienu kostretti li jaħarbu mid-diversi provinċji, u hekk, ippersegwitati u maħqurin, u ġie li wkoll attakkati minn ħallelin li kienu jneżżgħuhom u jsawtuhom, reġgħu lura għand l-imqaddes Franġisku b'togħma morra. Għax huma kienu sofrew dan kollu kważi f'kull reġjun 'il fuq mill-muntanji ta' l-Alpi, l-aktar fil-Ġermanja, l-Ungerija u reġjuni oħrajn.

Meta dan kollu sar magħruf mis-Sinjur Kardinal, hu sejjaħ għandu lill-imqaddes Franġisku u ħadu quddiem is-Sinjur Papa Onorju, għax is-Sinjur Innoċenz kien issa miet[336]. Hu talab lil Franġisku jikteb regola oħra, li ġiet mgħallma lilu minn Kristu, u talab lill-istess Sinjur Onorju biex jikkonfermaha solennement permezz ta' bulla mwaħħla magħha[337]. F'din ir-regola ġiet

---

[334] Kull meta fil-*Fontes* naqraw li Franġisku kien ikanta l-Evanġelju (cfr. l-episodju ta' Greccio), jista' jagħtina x'nifhmu li hu kien ordnat djaknu. X'aktarx iżda, li l-ordinazzjoni djakonali tiegħu - li ma għandna l-ebda dokumentazzjoni dwarha - ma kienet xejn aktar għajr l-użu tal-fakultà li r-Regola Benedittina tagħti lil abati tal-monasteru li jkanta l-Evanġelju liebes bl-ilbies liturġiku. Dan hu l-każ ta' l-espressjoni *leviticis ornamentis indutus* ta' 1C 86, meta Franġisku uża l-fakultà li l-liġi kienet tagħti lil superjur lajk, u kanta l-Evanġelju tal-Milied fi Greccio (Cfr. Conference of the General Ministers of the First Order and TOR, *The Identity of the Franciscan Order at the Moment of Its Foundation*, Rome 1999, nota 68, p. 42).

[335] Hawnhekk il-L3C tagħmel qabża kronoloġika ta' 11-il sena. Jekk nikkalkulaw il-bidu ta' l-Ordni fl-1210 naslu għall-1221, id-data tar-*Regola mhux Bullata*. B'hekk l-awturi tal-Leġġenda jaqbżu diversi fatti importanti fil-ħajja ta' S. Franġisk, bħalma kienu l-Konċilju Lateran IV (1215) u d-diversi drabi li ipprova jmur barra mill-Italja (1211 fid-Dalmazja; 1213 fi Spanja), l-aktar il-vjaġġ ta' l-1219 li ħadu f'Damietta, l-Eġittu.

[336] Innoċenz III kien miet fis-16 ta' Lulju 1216 f'Perugia. Minħabba l-fatti li ġraw fil-kattidral ta' Perugia qabel il-funerali, li jiddeskrivihom l-isqof Jacques de Vitry, il-kardinali malajr għażlu s-suċċessur tiegħu lill-kardinal Cencio Savelli, li fit-18 ta' Lulju 1216 sar Papa bl-isem ta' Onorju III.

[337] Għalkemm il-L3C tagħtina x'nifhmu li din hi r-*Regola Bullata*, approvata mill-Papa Onorju III fid-29 ta' Novembru 1223 bil-bulla *Solet annuere*, x'aktarx li hawnhekk qed tirreferi għall-bulla *Cum dilecti* tal-11 ta' Ġunju 1218, li l-Papa bagħat lill-isqfijiet u l-prelati kollha, biex jiżgurahom mill-kattoliċità tal-Patrijiet Minuri. Id-diffikultajiet li l-aħwa iltaqgħu magħhom, l-aktar fil-Ġermanja, fejn kienu intbagħtu fil-kapitlu ta' Pentekoste tal-5 ta' Mejju 1217, setgħu għalhekk jiġu evitati.

mtawwal iż-żmien li kellu jgħaddi bejn kapitlu u ieħor, biex hekk l-aħwa li kienu joqogħdu f'reġjuni 'l bogħod ma jinfnewx fil-vjaġġi. [AP 44]

[598] 63 L-imqaddes Franġisku kellu f'moħħu li jitlob mingħand l-istess Sinjur Papa Onorju wieħed mill-kardinali tal-Knisja rumana biex ikun qisu l-Papa għall-Ordni tiegħu, jiġifieri lis-Sinjur ta' Ostia li semmejna, li lejn l-aħwa setgħu jirrikorru għall-ħtiġijiet tagħhom.

Għax l-imqaddes Franġisku kellu viżjoni li wasslitu biex jitlob li jkollu kardinal, u li jafda lill-Ordni f'idejn il-Knisja rumana. Hu kien ra *qroqqa* żgħira u sewda, li kellha saqajha bir-rix u riġlejha ta' ħamiema tad-dar. Kellha *ħafna flieles* u ma setgħetx *tiġborhom ilkoll taħt ġwenħajha* (cfr. Mt 23,37), imma dawn kienu qed jiġru madwarha mingħajr ma jistkennu taħtha.

Meta qam mir-raqda, hu beda jaħseb dwar din il-viżjoni, u mall-ewwel l-Ispirtu s-Santu nebbħu li dik it-tiġieġa kienet hu nnifsu. Hu qal: "Jiena dik il-qroqqa, li hi qasira fit-tul u skura fin-natura tagħha, li rrid inkun sempliċi bħal ħamiema u jkolli r-rix qisni pinzell li jpinġi l-virtujiet li bihom nitla' s-sema. Il-Mulej fil-ħniena tiegħu tani u għad jagħtini ħafna ulied li jiena ma jkunx nista' nkenninhom bil-ħila tiegħi. Għalhekk jaqbel li jiena nafdahom lill-Knisja mqaddsa li tkun *tista' tħarishom u tmexxihom taħt id-dell ta' ġwenħajha*" (cfr. S 16,8). [2C 24; SP 78]

[599] 64 Xi ftit snin wara li kellu din id-dehra, hu mar Ruma u mar iżur lis-Sinjur ta' Ostia, li obbliga lill-imqaddes Franġisku biex l-għada filgħodu jmur miegħu fil-kurja, għax hu riedu jippriedka quddiem is-Sinjur Papa u l-kardinali, u hekk jirrikmanda r-reliġjon tiegħu b'mod devot u mimli mħabba. Għalkemm l-imqaddes Franġisku skuża ruħu u qallu li hu kien sempliċi u bla skola, xorta waħda kellu jmur miegħu fil-kurja.

Meta l-imqaddes Franġisku ippreżenta ruħu quddiem il-Papa u l-kardinali, huma laqgħuh b'ferħ kbir, u hu qam biex jippriedkalhom imħejji biss mill-unzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Wara li temm jippriedka, hu irrikmanda r-reliġjon tiegħu lis-Sinjur Papa u lill-kardinali kollha. Is-Sinjur Papa u l-kardinali kienu ħassewhom edifikati ħafna bil-predikazzjoni tiegħu, u qlubhom tqanqlu biex iħobbu b'ħerqa kbira r-reliġjon tiegħu.

[600] 65 Wara dan, l-imqaddes Franġisku qal lis-Sinjur Papa: "Sinjur, jiena nbati miegħek dwar il-kura u l-ħidma kontinwa li biha inti tishar fuq il-Knisja ta' Alla, u jiena nistħi ħafna meta nara kemm għandek kura u ħsieb dwarna Patrijiet Minuri. Għax, billi bosta nobbli u nies għonja, kif ukoll bosta reliġjużi, ma jistgħux jidħlu quddiemek, aħna li aħna tant foqra u aktar baxxi mir-reliġjużi l-oħrajn, għandha biża kbir u mistħija li mhux biss nistgħu nidħlu quddiemek, imma wkoll li nistgħu noqogħdu quddiem il-bieb tiegħek u naħsbu li nistgħu inħabbtu fuq it-tabernaklu tal-virtù kristjana. Għaldaqstant, jiena nitlob bl-umiltà u bid-devozzjoni lill-Qdusija tiegħek, biex tagħtina lis-Sinjur ta' Ostia daqs li kieku kien il-Papa tagħna, biex l-aħwa jkunu jistgħu jmorru quddiemu fi żmien il-ħtieġa, dejjem bil-ħarsien tad-dinjità tiegħek li tiġi qabel kulħadd".

Is-Sinjur Papa għoġbitu din it-talba, u hu ta lill-imqaddes Franġisku lis-Sinjur ta' Ostia, billi ħatru bħala protettur mill-aktar xieraq fuq ir-reliġjon tiegħu. [1C 100; AP 45; 2C 25]

[601] 66 Bil-mandat tas-Sinjur Papa, bħala protettur tajjeb kien jifrex idejh biex jiddefendi lill-aħwa, billi kiteb lil ħafna prelati li kienu qegħdin jippersegwitaw lill-ahwa, sabiex huma ma

jibqgħux kontrihom, imma pjuttost jagħtuhom parir biex ikunu jistgħu jippriedkaw u jgħixu fil-provinċji tagħhom, bħala reliġjużi twajbin u qaddisa approvati mill-awtorità tas-Sede Apostolika. Ħafna kardinali oħrajn bl-istess mod bagħtu ittri għal din l-istess raġuni.

Fil-kapitlu li ġie wara[338], wara li Franġisku ta l-permess lill-ministri biex jirċievu aħwa ġodda fl-Ordni, bagħathom f'dawk il-provinċji, bl-ittri tal-kardinali flimkien mar-regola ikkonfermata bil-bulla apostolika. Malli dawn il-prelati raw dan kollu, u għarfu x-xhieda li kienu jagħtu l-aħwa, huma tawhom il-permess biex jibnu djar, jgħixu u jippriedkaw bil-libertà fil-provinċji tagħhom. Wara dan l-aħwa kienu jgħixu u jippriedkaw b'dan il-mod f'dawk il-provinċji, u ħafna nies kienu jqisu l-ħajja umli u qaddisa tagħhom, u kienu jisimgħu l-kliem mimli ħlewwa tagħhom, hekk li tqanqlu u tħeġġu fl-ispirtu biex iħobbu lil Alla u jagħmlu penitenza, tant li ġew għandhom u bl-umiltà talbuhom jagħtuhom it-tonka tar-reliġjon. [AP 45]

[602] 67 L-imqaddes Franġisku ra l-fidi u l-imħabba li kellu s-Sinjur ta' Ostia lejn l-aħwa, u kien iħobbu bi ħlewwa kbira mill-qiegħ ta' qalbu. Billi hu kien jaf minn rivelzzjoni li Alla kien tah minn qabel, li dan kellu jsir Papa fil-futur, kull meta kien jiktiblu ittri kien dejjem jindirizzah bħala l-missier tad-dinja kollha. Hekk kien jiktiblu: "Lill-meqjum missier tad-dinja kollha fi Kristu".

Ftit wara, meta miet is-Sinjur Papa Onorju III, l-istess Sinjur ta' Ostia ġie elett Papa, u ħa l-isem ta' Girgor IX, li sa tmiem ħajtu baqa' benefattur u protettur ta' l-aħwa kif ukoll ta' reliġjużi oħrajn u, fuq kollox, tal-fqajrin ta' Kristu[339]. Għal din ir-raġuni, ħafna jaħsbu li hu għandu jitqies bix-xieraq bħala wieħed mix-xirka tal-qaddisin[340]. [1C 100; AP 45; Fior 18]

## Kapitlu XVII
## Dwar il-mewt ta' l-imqaddes Franġisku u dwar kif sentejn qabel kien irċieva l-istimmati tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

[603] 68 Wara għoxrin sena li fihom il-bniedem apostoliku Franġisku kien ingħaqad b'mod mill-aktar perfett ma' Kristu, billi *mexa fuq* il-ħajja u *l-passi* (cfr 1Pt 2,21) ta' l-appostli[341], fis-sena ta' l-inkarnazzjoni tal-Mulej elf, mitejn u sitta u għoxrin, fl-erba' ta' Ottubru, jum il-Ħadd[342], hu għadda bil-ferħ kollu għal għand Kristu, u rebaħ il-mistrieħ ta' dejjem wara tant ħidma, li biha rnexxielu jidħol kif kien jixraqlu quddiem il-preżenza tal-Mulej.

---

[338] Dan x'aktarx hu l-kapitlu ta' Pentekoste tas-26 ta' Mejju 1219, għalkemm jidher li l-L3C qed tħallat miegħu l-approvazzjoni tar-Regola minn Onorju III li ġrat aktar tard, fl-1223.

[339] Onorju III miet fit-18 ta' Marzu 1227. L-għada, 19 ta' Marzu, ġie elett il-kardinal Ugolino, li ħa l-isem ta' Girgor IX. Meta kienet qed tinkiteb il-L3C Girgor IX kien diġà miet fit-22 ta' Awissu 1241.

[340] Tnejn mill-manuskritti, dak tal-Biblioteca Central ta' Barcellona, Cod. 665, u dak tal-Biblioteca Communale ta' Sarnano, Cod. E. n 60, jikkonkludu hawnhekk.

[341] Hemm distakk ċar bejn l-ewwel 16-il kapitlu u dawn iż-żewġ kapitli konklużivi. Il-L3C tħalli barra l-ġrajjiet importanti kollha tas-snin 1221-1224 (ħlief l-għoti ta' l-istimmati fuq La Verna). Ma ssemmi xejn la dwar ir-relazzjoni ta' bniedem ġdid li Franġisku kellu mal-ħolqien u lanqas dwar il-ħidma missjunarja tiegħu. L-espressjoni *apostolicus vir* turi mill-qrib il-vokazzjoni ta' Franġisku u tal-movimenti kollha mendikanti tal-medjuevu, li fil-Knisja introduċew l-*apostolica vivendi forma*.

[342] Id-data tal-mewt ta' S. Franġisk hi dik tas-Sibt, 3 ta' Ottubru 1226, fi nżul ix-xemx li, skond il-kalendarju liturġiku tal-Knisja u l-prassi medjevali, kien il-ħin li fih beda l-Ħadd, 4 ta' Ottubru.

Wieħed mid-dixxipli tiegħu, magħruf għal qdusitu, ra lil ruħu qisha kewkba kbira daqs il-qamar u bid-dija tax-xemx, *tielgħa fuq il-ħafna ilmijiet* (cfr. S 28,3), u *meħuda dritt 'il fuq* lejn is-sema *minn sħaba bajda* (cfr. Apok 14,14; Ġoż 8,20).

Hu kien ħadem ħafna *fid-dielja tal-Mulej* (cfr. Is 5,7), u kien mehdi l-ħin kollu u kollu ħeġġa *fit-talb, fis-sawm, fis-sahriet*, fil-predikazzjoni u fil-vjaġġi tax-xandir tas-salvazzjoni (cfr. 2Kor 11,26.27), fil-kura u l-ħniena li kien juri lejn il-proxxmu, fiċ-ċaħda tiegħu nnifsu. Mill-bidu tal-konverżjoni tiegħu sakemm telaq għal għand Kristu, li *kien iħobbu b'qalbu kollha* (cfr. Mt 22,37), il-ħin kollu kien jiftakar fih fil-moħħ tiegħu u jfaħħru bil-fomm, u kien jigglorifikah għall-ħidmiet tiegħu li jagħtu l-frott. Tant kien iħobb lil Alla bl-akbar ħeġġa u mill-qiegħ ta' qalbu, li malli kien jisma' l-isem tiegħu jissemma', kien jinħall kollu kemm hu minn ġewwa, u minn barra kien jinfexx fit-tifħir, billi jgħid li s-sema u l-art għandhom imilu quddiem l-isem tal-Mulej. [1C 88; 110; AP 46; 2C 217; LM XIV,6]

[604] 69 Meta kien għadu jgħix fil-ġisem, il-Mulej ried iżejnu bid-don ta' privileġġ ta' l-għaġeb, u juri lid-dinja kollha l-ħeġġa ta' l-imħabba u t-tifkira bla taqta' tat-toqol tal-passjoni ta' Kristu li hu kien iġorr f'qalbu.

Għax meta kien ittieħed 'il fuq lejn Alla bil-ħerqa serafika, u ried hu wkoll jissallab b'imħabba li ma titfissirx, hu ġie mibdul minn ħlewwa ta' kompassjoni. Għodwa waħda, qrib il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib imqaddes[343], waqt li kien qiegħed jitlob ma' ġenb il-muntanja msejħa La Verna, sentejn qabel ma miet, deherlu *serafin li kellu sitt ġwienaħ* (cfr. Is 6,2). Bejn dawn il-ġwienaħ kellu wkoll xbieha mill-isbaħ ta' bniedem imsallab, li idejh u riġlejh kienu mifruxin taħt forma ta' salib, u li d-dehra tiegħu kienet b'mod mill-aktar ċar dik tal-Mulej Ġesù. Tnejn mill-ġwienaħ kienu jgħattulu rasu, tnejn kienu jgħattu l-kumplament ta' ġismu sa riġlejħ, u t-tnejn l-oħrajn kienu miftuħin 'il barra biex itir.

Malli din id-dehra għabet, f'ruħu baqgħet dija ta' l-għaġeb ta' mħabba taħraq, imma aktar minn hekk, f'ġismu b'mod mill-aktar ta' l-għaġeb dehru *l-marki ta' l-istimmati tal-Mulej Ġesù Kristu* (cfr. Gal 6,17). Il-bniedem ta' Alla ipprova jaħbihom sa jum mewtu, biex ma jxandarx fil-beraħ is-sagrament ta' Alla, għalkemm hu ma kienx kapaċi li jaħbihom għal kollox għax huma saru magħrufin minn sħabu l-aktar intimi. [1C 94; AP 46; LM XIII,3]

[605] 70 Wara t-transitu mill-aktar ħieni tiegħu, iżda, l-aħwa kollha li kienu preżenti kif ukoll bosta sekulari, b'mod ċar setgħu jaraw il-ġisem tiegħu imżejjen bl-istimmati ta' Kristu. Huma lemħu f'idejh u f'riġlejh, mhux biss it-toqob ta' l-imsiemer, imma l-istess imsiemer iffurmati minn ġismu u ħerġin minn laħmu, u kienu juru l-kulur sewdieni tal-ħadid. *Il-ġenb tiegħu* kien donnu *minfud minn lanza* (cfr. Ġw 19,34), u kellu ġerħa tħammar mill-aktar vera u ċara, li sakemm kien għadu ħaj, kienet ta' spiss tnixxi d-demm imqaddes.

Il-verità li ma tistax tiċħadha ta' dawn l-istimmati dehret b'mod mill-aktar ċar mhux biss f'ħajtu u f'mewtu, imma wkoll wara mewtu, meta l-Mulej wera din l-istess verità b'mod ċar permezz tal-ħafna mirakli li seħħew f'ħafna partijiet tad-dinja. Permezz ta' dawn il-mirakli, il-qlub ta' ħafna li ma kienux iħarsu b'tjieba lejn il-bniedem ta' Alla u li kienu jiddubitaw mill-istimmati tiegħu, tqanqlu għal ċertezza ta' fidi u nbidlu. Anke dawk li kienu ċaħdu din il-verità,

[343] Jiġifieri, qrib l-14 ta' Settembru 1224.

bit-tjieba ta' Alla li ħadmet fihom u bl-evidenza ċara tal-verità, saru xandâra fidili u faħħru l-glorja tiegħu. [1C 113; 3C 5; LM XV,2-3]

## Kapitlu XVIII
Dwar il-kanonizzazzjoni tiegħu.

[606] 71 Fid-diversi nħawi tad-dinja Franġisku beda jiddi dejjem iżjed bid-dawl ta' mirakli ġodda, u minn kullimkien bdew jiġru biex iqimu l-fdalijiet tal-ġisem tieħu dawk li, bil-merti tiegħu, kienu gawdew mill-ġid uniku u straordinarju mingħand il-Mulej. Is-Sinjur Papa Girgor, wara li sema' l-parir tal-kardinali u ta' bosta prelati oħrajn, u wara li ġew moqrija u approvati l-mirakli li l-Mulej kien wettaq permezz tiegħu, niżżel ismu fil-lista tal-qaddisin, u ikkmanda li l-festa tiegħu tiġi iċċelebrata b'mod solenni fil-jum ta' mewtu.

Dawn il-ħwejjeġ kollha ġraw fil-belt ta' Assisi fil-preżenza ta' ħafna prelati u l-aktar f'dik ta' bosta prinċpijiet u baruni, kif ukoll ta' folla kbira ta' nies li kienu ġew mid-diversi inħawi tad-dinja, u li s-Sinjur Papa innifsu kien talabhom biex jinġabru flimkien. Dan kollu ġara fis-sena tal-Mulej elf, mitejn u tmienja u għoxrin, fit-tieni sena tal-pontifikat tas-Sinjur Papa[344]. [1C 126; AP 46-47; LM XV,7]

[607] 72 L-istess Papa, li kien ħabb ħafna lill-qaddis meta kien għadu ħaj, mhux biss tah ġieħ permezz tal-kanonizzazzjoni solenni, imma wkoll qiegħed l-ewwel ġebla tal-pedament tal-knisja li kellha tinbena ad unur tiegħu, u żejjinha b'ħafna doni u ornamenti mill-aktar prezzjużi. Sentejn wara l-kanonizzazzjoni tiegħu, il-ġisem l-aktar qaddis ġie traslat b'mod mill-aktar solenni f'din il-knisja ġdida mill-post fejn qabel kien midfun[345].

Hu bagħat lill-knisja salib tad-deheb, imżejjen b'ġahwar prezzjużi li fih kien hemm ir-relikwa ta' l-injam tas-salib, kif ukoll ornamenti, vażi sagri u ħafna tagħmir ieħor għas-servizz ta' l-altar, flimkien ma' ħafna paramenti prezzjużi u solenni.

Lil din il-knisja hu eżentaha minn kull ġurisdizzjoni inferjuri għalih, u bl-awtorità apostolika ipproklamaha bħala ras u omm (*caput et mater*) ta' l-Ordni kollu tal-Patrijiet Minuri, kif jidher fid-dokument pubbliku u bullat li ġie iffirmat mill-kardinali flimkien.

[608] 73 Kien ikun ftit wisq li nqimu lill-qaddis ta' Alla b'affarijiet materjali, li kieku l-Mulej ma riedx jaħdem permezz tiegħu, li għalkemm kien mejjet fil-ġisem imma kien jgħix fl-ispirtu, diversi mirakli ta' konverżjoni u fejqan. Wara l-mewt tiegħu kemm irġiel kif ukoll nisa, bl-interċessjoni tiegħu, ikkonvertew lejn il-Mulej. Bosta nobbli kbar flimkien ma' wliedhom libsu t-tonka ta' l-Ordni, u n-nisa tagħhom u uliedhom il-bniet daħlu bħala reklużi fil-monasteri tal-*Povere Dame*.

---

[344] Il-kanonizzazzjoni ta' S. Franġisk ġiet iċċelebrata minn Girgor IX fil-knisja ta' S. Giorgio, fejn kien midfun il-qaddis, fis-16 ta' Lulju 1228. Fit-19 ta' Lulju Girgor IX ippubblika l-Bulla ta' kanonizzazzjoni, *Mira circa nos*. Sadanittant, fid-29 ta' April 1228 l-istess Papa kien ippubblika l-Bulla *Recolentes qualiter*, li biha ħabbar li kellu jingħata bidu għall-bini ta' *specialis ecclesia* (knisja speċjali) fejn il-ġisem ta' Franġisku kellu jindifen b'mod definittiv. Il-post magħżul kien il-colle inferiore, fejn illum hemm il-bażilika ta' S. Franġisk.

[345] It-traslazzjoni tal-fdalijiet ta' S. Franġisk saret fil-25 ta' Mejju 1230 mill-knisja ta' S. Giorgio għall-basilica inferiore, fejn għadhom meqjumin sallum.

Bosta irġiel għorrief u ta' skola, kemm sekulari kif ukoll kjeriċi li kellhom uffiċċji, *ċaħdu bil-qalb il-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja* (Tit 2,12), u daħlu fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri, filwaqt li bdew jimxu wara l-faqar u l-passi ta' Kristu u tal-qaddej tiegħu l-imqaddes Franġisku, skond il-grazzja divina li magħha kienu jikkonformaw.

Dak li nkiteb dwar Sansun, nistgħu bir-raġun ngħiduh dwar dak li ħajtu kienet ħajja ta' glorja, jiġifieri li, *l-għadd li qatel f'mewtu kien akbar minn dak li qatel f'ħajtu* (cfr. Mħal 16,30). Jalla aħna wkoll nitwasslu f'din l-istess glorja, bil-merti tal-missier imqaddes tagħna Franġisku, minn dak li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen. [AP 47]

# COMPILATIO ASSISIENSIS

## INTRODUZZJONI

Il-*"Compilatio Assisiensis" dagli Scritti di frate Leone e compagni* (CA), magħrufa wkoll bħala *Leggenda Perugina*, hi ġabra ta' tifkiriet dwar San Franġisk li jinsabu fil-Manuskritt 1046 tal-Biblioteca Augusta ta' Perugia.

Dan il-manuskritt oriġinarjament inkiteb fi *scriptorium* tas-Sacro Convento ta' Assisi, għaliex jidher indikat f'inventorju tal-bibljoteka fl-1381. Għal raġunijiet mhux magħrufin, il-manuskritt imbagħad għadda fil-bibljoteka tal-kunvent ta' Monteripido f'Perugia. Wara l-1860 ittieħed fil-Biblioteca Comunale, fejn jinsab illum. Il-manuskritt ġie ikkupjat Assisi bejn il 21 ta' Marzu 1310 u s-6 ta' Mejju 1312, u barra mill-CA jiġbor fih dokumenti oħrajn importanti ta' l-istorja Franġiskana, fosthom ġabra ta' digrieti mogħtijin lill-Ordni Franġiskan, il-Bulla *Supra montem* tal-Papa Nicolò IV flimkien mar-Regola ta' l-Ordni tal-Penitenti Franġiskani (1289), xi privileġġi mogħtijin lill-Ordni, il-*Legenda Maior* ta' San Bonaventura u l-*Epistula ad magistrum innominatum*, ukoll ta' San Bonaventura.

Il-manuskritt ġie studjat għall-ewwel darba minn Ferdinand Delorme fl-1922. Hu tah l-isem ta' *Legenda Antiqua Sancti Francisci*. Delorme skopra li l-CA kellha sezzjonijiet sħaħ li kienu paralleli mal-*Vita Secunda Sancti Francisci*, jew *Memoriale in Desiderio Animae* ta' Tommaso da Celano (2C), kif ukoll mal-*Verba Sancti Francisci* (Kliem ta' San Franġisk) u l-*Intentio Regulae* (Intenzjoni tar-Regola) ta' frate Leone, kif ukoll ma' l-edizzjoni ta' *Speculum Perfectionis minus* ta' Leonard Lemmens.

Fl-1967 Jacques Cambell ippubblika volum li kellu l-isem ta' *I Fiori dei Tre Compagni*. L-awtur ipprova jara fil-CA il-famuż *florilegium* ta' Greccio ta' l-1246. Fi studju ieħor, *The Sources for the Life of St. Francis of Assisi* (Manchester, 1940), J.R.H. Moorman ħareġ bl-ideja li hu possibbli li nerġgħu nibnu l-*florilegium* ta' Greccio fuq il-bażi ta' dawk il-*Fontes* li jiddependu minnu, jiġifieri 2C, il-CA, *Speculum Perfectionis*, *Verba Sancti Francisci* u *Intentio Regulae*. Fl-1970 Rosalind B. Brooke ippubblikat *The Writings of Leo, Rufino and Angelo, Companions of St. Francis*. Brooke kienet tal-fehma li l-Ittra ta' Greccio kienet aktar marbuta mal-kontenut tal-CA milli ma' dak tal-L3C, u għalhekk hi ġabet l-Ittra bħala introduzzjoni għall-CA. L-aktar edizzjoni kritika reċenti tal-CA saret fl-1975 minn Marino Bigaroni. Kien hu, fil-fatt, li ta l-isem *Compilatio Assisiensis* lil dan id-dokument li, kif rajna, kellu diversi ismijiet, fosthom dak ta' *Legenda Perugina*. L-edizzjoni kritika tiegħu jisimha *"Compilatio Assisiensis" dagli Scritti di frate Leone e Compagni su San Francesco d'Assisi*, Prima edizione integrale dal Ms. 1046 di Perugia con versione italiana a fronte, introduzione e note, Santa Maria degli Angeli, Assisi 1975; 2 edizzjoni, Assisi 1992.

Bigaroni għażel dan l-isem għax il-CA inkitbet f'Assisi, mill-materjal ta' l-1246 li kien imħares fil-bibljoteka tas-Sacro Convento f'Assisi. Jidher li d-dokument hu *compilatio*, jiġifieri, ġabra ta' diversi stejjer tal-ħajja ta' San Franġisk u l-ewwel aħwa, imqiegħdin flimkien mingħajr l-ebda ordni tematiku jew kronoloġiku. Mela l-CA hi differenti mil-*legendae*, li rajna li kellhom

pjan fiss fil-kompożizzjoni tagħhom. L-għejun li użat il-CA setgħu kienu ħafna, ċertament il-materjal dokumentarju mibgħut fl-1246 mill-famużi *Tre Compagni* ta' Greccio lill-Ministru Ġeneral Crescenzio da Iesi, kif ukoll ir-*rotuli* ta' fra Leone. Bigaroni jsostni li fl-ewwel snin tas-seklu XIV kien hemm ċertament fl-"armarju" tas-Sacro Convento ta' Assisi dan il-manuskritt. Fil-fatt, Ubertino da Casale, fid-*Declaratio contra falsitates datas per fr. Raymundum procuratorem et Bonagratiam de Bergamo et sociorum*, in *Archiv für Litteratur und Kirchengeschichte des Mitteralters*, Berlin-Freiburg 1885-1990, III, jgħid: *Omnia patent per verba sua expressa quae per sanctum virum Leonem eius socium...fuerunt solepniter conscripta in libro qui habetur in armario fratrum de Assisio et in rotulis eius quos apud me habeo, manu eiusdem fratris Leonis conscriptis* (Kollox jidher fil-kliem tiegħu li għaddihomlna r-raġel qaddis fra Leone, wieħed mill-aħwa...u li ġew solennement miktubin fil-ktieb li jinsab fl-armarju tal-patrijiet f'Assisi u fir-rotuli tiegħu li jiena għandi, u li inkitbu mill-istess fra Leone).

Il-CA ma għandhiex l-iskop li tippreżenta stampa uffiċjali ta' San Franġisk bħala qaddis, imma pjuttost dik tal-ħajja sempliċi ta' l-ewwel aħwa f'Assisi u fl-eremitaġġi 'l bogħod min-nies. Il-fatt li l-CA ma ssemmix xi wħud mill-fatti dwar it-tfulija u ż-żgħożija ta' San Franġisk juri, skond l-istudjuż Raoul Manselli, li l-awtur ma kienx interessat biex jirrakkonta fatti li seħħew fil-belt ta' Assisi, li hu kien jafha tajjeb. Billi sezzjoni kbira tal-materjal hi wkoll marbuta max-xhieda ta' dawk l-aħwa li raw lil Franġisku u għexu miegħu (*Nos, qui cum eo fuimus* – Aħna, li għexna miegħu), jidher ċar li dawn it-testi jipprovdu s-sigriet biex nifhmu l-importanza tal-CA bħala waħda mill-*Fontes* li ġejjin direttament minn sħab San Franġisk.

Meta wieħed jaqra l-CA wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ix-xebħ kbir li hemm ma' siltiet paralleli f'2C, kif ukoll is-siltiet meħudin mill-*Verba Sancti Francisci* u mill-*Intentio Regulae* ta' fra Leone. Raoul Manselli għamel studju dettaljat fuq dawn is-siltiet paralleli, fil-ktieb tiegħu *Nos qui cum eo fuimus. Contributo alla questione francescana,* Bibliotheca seraphico-capuccina, 28, Roma 1980; traduzzjoni bl-ingliż: "We Who Were With Him. A Contribution to the Franciscan Question", *Greyfriars Review,* Vol. 14, 2000, Supplement.

Rigward id-data ta' meta inkitbet il-CA rajna li Bigaroni jikkonkludi li saret fil-bidu tas-seklu XIV, bejn il-21 ta' Marzu 1310, li hi d-data ta' Bulla ta' Klement V mogħtija f'Avignon, inkluża fil-manuskritt, u s-6 ta' Mejju 1312, li hi d-data tal-Bulla *Exivi de Paradiso* ta' Klement V, li ma tinstabx fil-manuskritt. Naturalment, il-materjal li użaw il-kompilaturi fl-1310-1312 kien ilu jeżisti fl-"armarju" tas-Sacro Convento, u jindika rabta diretta mal-materjal dokumentarju tat-*Tre Compagni* ta' l-1246. Hu għalhekk li bosta studjużi moderni jaħsbu li l-Manuskritt 1046 ta' Perugia ġie ikkupjat minn xi materjal ieħor eqdem minnu li jiddataw bejn l-1246-1260.

It-traduzzjoni tagħna tal-CA saret minn fuq l-edizzjoni kritika ta' Marino Bigaroni.

# COMPILATIO ASSISIENSIS

[1 – Ma għandux jingħata l-preċett ta' l-ubbidjenza għal xejn b'xejn]

[609] [Hu kien tal-fehma li wieħed għandu jirrikorri għall-preċett ta' l-ubbidjenza rarament; għax dik li għandha tkun l-arma li tintuża f'każi estremi, ma għandhiex titħaddem għal xejn b'xejn. Hu kien jgħid: "Wieħed ma għandux jaqbad f'idu x-xabla mall-ewwel". Imma dak li ma jħaffifx biex iwettaq il-preċett ta' l-ubbidjenza, juri li *ma jibża' la minn Alla u lanqas mill-bnedmin* (cfr. Lq 18,4). Xejn ma hu aktar veru minn dawn il-kelmiet. Għax xi tkun l-awtorità f'idejn superjur prudenti, jekk mhux xabla f'idejn wieħed] li malajr jitlilgħulu? Imma wkoll, x'hemm aktar tal-biki fir-reliġjuż jekk mhux li hu jkun iddisprezza l-ubbidjenza? [2C 153].

[2 – Franġisku jara minn qabel il-ġejjieni ta' l-Ordni]

[610] San Franġisk kien iħobb itenni: "*Għad jiġi żmien* (cfr. Eżek 7,12) li fih din ir-Reliġjon maħbuba ta' Alla tant taqa' f'ilsien in-nies, minħabba l-abbużi li jkunu nibtu fiha, li tibda tistħi saħansitra li tidher fil-pubbliku. Il-ftit li jibdew deħlin fl-Ordni jkunu misjuqin biss mill-ħidma qaddisa ta' l-Ispirtu ta' Alla, u jkunu ħielsa mit-*tbajja' fir-ruħ u fil-ġisem* (cfr. Sir 11,33; Mt 16,17), u jkunu tassew *imberkin mill-Mulej* (cfr. S 113,15). Huma, għalkemm ma jkollhomx il-mertu ta' għemejjel ta' l-għaġeb, minħabba li tkun *birdet l-imħabba* (cfr. Mt 24,12), li twassal lill-qaddisin biex jaħdmu bil-ħeġġa, imma jiġi fuqhom tiġrib kbir; u min minnhom joħroġ rebbieħ ikun meqjus aħjar minn dawk li jkun ġew qablu. Imma ħażin għal min jiftaħar biss li minn barra jidher li hu reliġjuż, filwaqt li jogħnos fil-għażż, mingħajr ma jħabbel rasu biex jibqa' sħiħ fit-tentazzjonijiet u l-provi li huma mwiegħda lill-magħżulin. Għaliex huma biss *dawk li jgħaddu mill-prova li jirċievu l-kuruna tal-ħajja* (cfr. Ġak 1,12), jiġifieri dawk li jkunu sofrew il-qerq tal-ħżiena". [2C 157; SP 70]

[3 – Jiġi muri lilu meta jkun tassew qaddej ta' Alla]

[611] Kien jgħid ukoll: "*Jiena tlabt lill-Mulej* (cfr. 2Kor 12,8), l-aħwa, biex lili jogħoġbu jurini meta *nkun qaddej tiegħu* (cfr. S 118,125), u meta ma nkunx. Għaliex jiena ma rrid inkun xejn aktar ħlief qaddej tiegħu. U l-Mulej fit-tjieba kbira tiegħu għoġbu jweġibni b'dan il-mod: Qis lilek innifsek tassew bħala qaddej tiegħi, meta inti taħseb, titkellem u taġixxi b'mod qaddis. Għalhekk jiena ġbartkom, l-aħwa tiegħi, għaliex jiena rrid nistħi quddiemkom tad-drabi li fihom jiena inqast f'waħda minn dawn it-tliet ħwejjeġ". [2C 159]

[4 – Dwar li ġismu kellu jiġi miqjum wara mewtu]

[612] Jum minnhom, waqt li l-imqaddes Franġisku kien mixħut marid fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, wieħed mill-aħwa, raġel spiritwali u qaddis, qallu, donnu ried jiċċajta u bi tbissima: "Naħseb li din l-ixkora li liebes tbiegħha bi prezz għoli lill-Mulej! Għad jasal jum li fuq dan il-

ġisem tiegħek, li issa liebes l-ixkejjer, għad jiddendlu baldakkini u drappijiet tal-ħarir". Dak iż-żmien San Franġisk, minħabba l-marda tiegħu, kellu fuq rasu kapoċċ tal-ġild li kien miksi bl-istess xkora tat-tonka. L-imqaddes Franġisku, mhux hu, imma l-Ispirtu s-Santu li tkellem permezz tiegħu, mimli ħeġġa u ferħ fl-ispirtu wieġbu: "Tassew dak li qiegħed tgħid, għax se jiġri proprju kif qed tgħid int". [SP 109]

[5 – Ibierek il-belt ta' Assisi meta jkunu qegħdin iġorruh lejn Santa Marija tal-Porziuncola]

[613] Meta l-imqaddes Franġisku kien f'dak il-palazz u ra li l-marda tiegħu kienet dejjem aktar issir gravi, talab lill-aħwa biex jeħduh fuq il-friex lejn Santa Marija tal-Porziuncola, għax minħabba l-uġiegħ u d-dgħufija tal-marda serja tiegħu ma setax jirkeb aktar fuq xi bhima. Meta dawk li kienu jġorruh għaddew mit-triq qrib il-lażżarett[346], talabhom jieqfu u jmidduh ma' l-art. U billi minħabba l-marda twila u gravi li kellu f'għajnejh ma kien għoddu jista' jara xejn aktar, talabhom biex idawwru l-friex li fuqu kien mimdud, biex hu jkun jista' jdawwar ħarstu lejn il-belt t'Assisi. Hu intrefa' kemm kemm 'il fuq minn friexu u bierek il-belt ta' Assisi b'dawn il-kelmiet: "Mulej, naħseb li fil-qedem din il-belt kienet kenn u bejta għal nies qarrieqa u ħżiena, li kienu magħrufin minn kulħadd f'dawn l-inħawi. Imma issa qiegħed nara li, għall-ħniena kbira tiegħek, meta għoġob lilek, int ujrejt fiha l-għana ta' *tjubitek* (cfr. Sir 36,1) fiha, hekk li issa saret il-post li fih jgħammru nies li jridu jagħrfuk u *jagħtu glorja lill-isem tiegħek* (cfr. S 113,1), biex isiru fwieħa ta' ħajja u tagħlim u mġieba tajba lill-poplu nisrani kollu. Għalhekk nitolbok, Mulej Ġesù Kristu, *Missier il-ħniena* (cfr. 2Kor 1,3), biex ma tħarisx lejn l-ingratitudni tagħna, imma ftakar dejjem fil-milja tal-ħniena tiegħek, li inti urejt fiha, sabiex hi tkun dejjem il-post fejn jgħammru dawk li jridu jagħrfuk u jigglorifikaw *lill-isem imbierek u mqaddes tiegħek għal dejjem ta' dejjem* (cfr. Dan 3,26). Amen". U wara li tenna dawn il-kelmiet, ġie meħud lejn Santa Marija tal-Porziuncola. [SP 124]

[6 – Meta ħabbrulu li kien qorob lejn it-tmiem riedhom ikantawlu l-Għanja tal-ħlejjaq]

[614] L-imqaddes Franġisku, minn meta ikkonverta sal-jum tal-mewt tiegħu kien dejjem moħħu biex, kemm jekk f'saħħtu u kemm jekk marid, jagħraf u jimxi wara *r-rieda tal-Mulej* (cfr. Rum 12,2).

[7]

Jum minnhom, wieħed mill-aħwa qal lill-imqaddes Franġisku: "Missier, il-ħajja u l-imġieba tiegħek huma dawl u mera[347] mhux biss għall-aħwa tiegħek, imma għall-Knisja ta' Alla fid-dinja kollha, u hekk ukoll se tkun il-mewt tiegħek. Għax, għalkemm għall-aħwa u għal bosta

[346] Dan kien il-lażżarett ta' San Salvatore delle Pareti tal-Crocigeri, li kien l-eqdem wieħed tal-belt, u li diġà jissemma' f'dokument ta' l-1193 fl-Arkivju ta' San Rufino. Kien qiegħed fejn illum tinsab il-Casa Gualdi, fit-triq li minn Assisi tinżel Santa Maria degli Angeli. Wieħed mill-aħwa ta' San Franġisk, frate Morico, kien qabel wieħed mill-Crocigeri ta' dan il-lażżarett. Hu tfejjaq minn San Franġisk li tah jiekol biċċa ħobż imbilla fiż-żejt tal-lampa ta' Santa Marija tal-Porziuncola (LM IV,8).
[347] It-tema ta' San Franġisk, mera ta' perfezzjoni, jidher l-aktar fl-isem ta' *Speculum Perfectionis* li jingħata lil waħda mill-*Fontes* li tixbah ħafna lill-CA.

oħrajn il-mewt tiegħek se tkun ta' niket u mrar, imma għalik se tkun ta' faraġ u ferħ bla tmiem, għaliex inti se toħroġ mit-tbatija ta' ħidma kbira għal mistrieħ mill-akbar, minn bosta tbatijiet u tentazzjonijiet għall-hena bla tmiem, mill-faqar kbir li fih għext, u li dejjem ħabbejtu u li ġarrejtu minn jeddek mill-bidu tal-konverżjoni tiegħek sa jum mewtek, għall-għana tassew kbira u bla tarf, mill-mewt tal-ġisem għall-ħajja li ma tintemmx, fejn *se tara dejjem* lill-Mulej *Alla* tiegħek *wiċċ imb'wiċċ* (cfr. Ġen 32,30; 1Kor 13,12), int li b'tant ħeġġa, qima u mħabba ikkontemplajtu f'din id-dinja". U wara li kellu b'dan il-mod, qallu bil-miftuħ: "Missier, kun af fis-sewwa li, jekk il-Mulej ma jidħolx għalik mis-sema u jfejjaqlek bil-mediċina tiegħu lil ġismek, il-marda li għandek ma hemmx fejqan għaliha, u ftit fadallek żmien biex tgħix, kif għadhom kemm qalu t-tobba. Jiena għidtlek dan biex infarraġlek l-ispirtu tiegħek, sabiex *inti tifraħ dejjem fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4) minn ġewwa u minn barra, sabiex l-aħwa kollha tiegħek u l-oħrajn, li jiġu biex iżuruk, isibuk dejjem *ferħan fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4), għalkemm jafu u jemmnu li inti dalwaqt se tmut, u sabiex meta jarawk hekk u dawk l-oħrajn li jisimgħu b'dan il-ferħ, wara l-mewt tiegħek, jibqgħu jiftakru x'mewta għamilt, u kemm kienet ta' eżempju għal kulħadd il-ħajja u l-imġieba tiegħek".

L-imqaddes Franġisku, minkejja li issa kien mirbuħ u magħdur sewwa mill-mard, b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu u bil-ferħ tal-ġisem, beda jfaħħar lill-Mulej u wieġbu: "Ara mela, jekk jiena se mmut dalwaqt, sejjaħli lil frate Angelo u lil frate Leone[348], sabiex ikantawli dwar oħti l-mewt". Dawk iż-żewġ aħwa marru ħdejh u b'ħafna dmugħ bdew ikantawlu l-Għanja ta' *frate Sole* u tal-ħlejjaq l-oħrajn tal-Mulej[349], li l-qaddis innifsu kien kiteb meta kien marid għat-tifħir tal-Mulej u għall-faraġ tar-ruħ tiegħu u ta' l-oħrajn. Ma' din il-għanja, qabel l-aħħar strofa, żied il-versett dwar oħtu l-mewt, b'dawn il-kelmiet:

Ħa tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem,
Li jaħrab minnha qatt ma jista' l-bniedem.
Ħażin għalih min imut fid-dnub il-mejjet.
Hieni min imut fis-sliem u niedem, għax jiġi ġo saltnatek,
Il-mewt l-oħra titwarrab minnu bla tagħmillu ħsara[350].

---

[348] Fil-*Fontes* insibu almenu tliet patrijiet li kellhom l-isem ta' Angelo: Angelo Tancredi, kavallier minn Assisi; Angelo da Rieti, u Angelo da Borgo San Sepolcro. L-ewwel tnejn mhux l-ewwel darba li ġew imħawwdin wieħed ma' l-ieħor, hekk li hu diffiċli nkunu nafu għal min minnhom eżattament ikunu jitkellmu l-*Fontes*. X'aktarx li frate Angelo li hu wieħed mit-*tre compagni* u li kien qrib San Franġisk fl-aħħar ta' ħajtu, hu Angelo da Rieti. Nafu li kien ma' San Franġisk fuq La Verna, kif ukoll fil-Porziuncola meta miet il-qaddis. Fra Leone t'Assisi hu wieħed mill-aktar aħwa importanti, għax kellu familjarità kbira ma' San Franġisk, hekk li kien il-konfessur u s-segretarju tiegħu. Franġisku kien iħobb isejjaħlu "pecorella di Dio", u kien faħħar is-safa tal-qalb u s-sempliċità tiegħu. X'aktarx li kien saċerdot qabel ma daħal fl-Ordni, jew ġie ordnat ftit wara li daħal. Fra Leone hu l-awtur tal-famużi *rotuli* u dokumenti oħrajn ta' storja Franġiskana. Wara l-mewt ta' San Franġisk sar punt ta' riferiment biex l-aħwa jkunu jafu l-intenzjonijiet ġenwini tal-qaddis. Miet f'Assisi fil-15 ta' Novembru ta' l-1271(?) jew l-1278 (cfr. *Chronica XXIV Generalium*, in *Analecta Franciscana* III, 65-74).

[349] Id-dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-*Cantico di Frate Sole*, jew *delle creature*, jinsabu fl-istess CA 78.

[350] Inġibu l-forma poetika bil-Malti ta' l-Għanja tal-ħlejjaq ta' Marjanu Vella OFM, li hi kapolavur ta' letteratura fil-kapaċità tal-poeta li jrendi s-sens oriġinali tal-Kantiku mirqum bil-lirika Maltija.

[8 – Donna Iacopa tiġi minn Ruma bil-meħtieġ għad-difna tal-qaddis]

[615] Jum minnhom l-imqaddes Franġisku ġabar madwaru lil ħutu u qalilhom: "Intom tafu kemm Donna Iacopa dei Settesoli[351] għandha qima u mħabba lejja u lejn ir-Reliġjon tiegħi. Jiena nemmen, għaldaqstant, li jekk intom tgħarrfuha bil-qagħda tiegħi, hi jkollha grazzja u faraġ kbir. Għidulha fuq kollox biex tibgħatilkom id-drapp għat-tonka tad-difna tiegħi, li jkun ta' lewn l-irmied, drapp li jilbsu l-irħieb Ċisterċensi fl-inħawi 'l hemm mill-muntanji[352]. Għidulha wkoll tibgħatli ftit minn dak il-ħelu li kienet tagħmilli meta kont inkun għandha Ruma". Dak il-ħelu r-Rumani jsejjħulu "mostaccioli", u kien ikun maħdum mill-lewż, zokkor, għasel u ingredjenti oħrajn[353].

Dik il-mara qaddisa kienet armla u mimlija qima lejn Alla, u kienet ġejja minn waħda mill-familji l-aktar nobbli u għonja ta' Ruma. Tant kienet irċeviet grazzji minn Alla għall-merti u l-predikazzjoni ta' l-imqaddes Franġisku, li kienet tidher qisha Maddalena oħra, dejjem ixxerred id-dmugħ u tgħix b'qima kbira għall-imħabba ta' Alla.

Wara li kitbu l-ittra, skond dak li qalilhom il-missier imqaddes, wieħed mill-aħwa kien qiegħed jipprova jsib lil xi ħadd ieħor mill-aħwa biex ikun jista' jwassalhielha, meta f'daqqa waħda, semgħu min qiegħed iħabbat fuq il-bieb. Wieħed mill-aħwa mar jiftaħ il-bieb, u quddiemu ra lil Donna Iacopa li kienet ġiet *tħaffef* (cfr. Lq 1,39) minn Ruma biex tara lil Franġisku. B'ferħ kbir fuqu dak mar mall-ewwel għand Franġisku biex iħabbarlu li Donna Iacopa kienet ġiet biex iżżuru flimkien ma' binha u bosta nies oħrajn, u staqsieh: "Missier, x'se nagħmlu? Inħalluha tidħol ħdejk?". Għax bir-rieda ta' l-imqaddes Franġisku, sa mill-bidunett kien ġie deċiż li, għar-rispett u l-qima ta' dak il-post, ma setgħet tidħol l-ebda mara fil-klawsura. U l-imqaddes Franġisku wieġbu: "Ma għandniex inħarsu din ir-regola fil-każ ta' din il-mara, li b'fidi u qima tant kbira ġiet mill-bogħod u waslet sa hawn". U hekk ħallewha tidħol. Malli rat quddiemha lil Franġisku, hi infexxet f'bikja kbira quddiemu.

U ħaġa tassew ta' l-għaġeb, hi kienet ġabet magħha id-drapp għat-tkeffin, jiġifieri d-drapp ta' lewn l-irmied, u dak kollu li kienu kitbulha fl-ittra. U għalhekk baqgħu miblugħin l-aħwa li kienu hemmhekk, meta qiesu l-qdusija ta' San Franġisk. U mbagħad Donna Iacopa qalet lill-aħwa: "Waqt li kont qiegħda nitlob ħassejt leħen fl-ispirtu tiegħi, li qalli: Mur u żur lil missierek, l-imqaddes Franġisku, u ħaffef u la tiddawwarx, għax ara, jekk iddum ma tmur, ma ssibux ħaj. Ħu miegħek ukoll id-drapp għat-tonka tiegħu, kif ukoll l-ingredjenti li bihom inti tagħmel dak il-ħelu; ħu miegħek ukoll kotra ta' xemgħa u inċens". Għax tassew, Franġisku ma kienx talab l-inċens fl-

---

[351] Iacopa dei Settesoli, sinjura nobbli ta' Ruma, kienet ġejja minn familja Normanna, miżżewġa lill-patrizju ruman Graziano Ancio Frangipani, konti ta' Marino o proprjetarju tas-*Septizonium*. Minnu kellha żewġ itfal: Giovanni u Graziano (Giacomo?). Kienet sfat armla fl-1217. Ma nafu kważi xejn la dwar it-twelid u lanqas dwar il-mewt tagħha. Il-CA tgħid li hi marret tiġri għall-mewt tal-qaddis, akkumpanjata minn binha Giovanni li, skond Celano, ta xhieda fil-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. Wara l-1230 hi irtirat f'Assisi, fejn mietet f'età avvanzata. Indifnet fil-basilica inferiore ta' San Franġisk. Illum il-fdalijiet tagħha jinsabu int u nieżel fil-kripta, faċċata tal-qabar ta' San Franġisk.

[352] Id-drapp aħrax li ried il-qaddis kien ta' lewn l-irmied, fis-sens li kien bla lewn (*sine colore*). Kien jintlibes mill-irħieb u wkoll mill-bdiewa ta' l-Umbria, u kien jintiseġ minn taħlita ta' suf ta' nagħaġ suwed ma' nagħaġ bojod. Ir-riferiment għall-irħieb Ċisterċensi *in ultramontanis partibus* jindika l-Ewropa 'il fuq mill-Alpi, u l-inħawi l-oħrajn ta' *oltremare*, jiġifieri r-reġjun ta' l-orjent.

[353] L-isem "mostaccioli" hu dak li uża Paul Sabatier biex ittraduċa l-kelma latina *mortariolum*. Hu ħelu li għadu jsir b'tifkira ta' San Franġisk.

ittra, imma kien il-Mulej li ried inebbaħha biex tieħdu għall-ħniena u l-faraġ ta' ruħu, u sabiex ikun magħruf aħjar il-kobor ta' dak li, fqajjar, Alla ried jimlieh b'ġieħ hekk kbir fil-jum ta' mewtu.

Dak li nebbaħ lis-slaten, sabiex imorru jiġru bir-rigali f'idejhom ħalli jagħtu qima lill-maħbub Ibnu tarbija meta twieled f'tant faqar, ried ukoll inebbaħ lil din il-mara nobbli li ġiet mill-bogħod, sabiex tmur tħaffef bir-rigali tagħha ħalli tqim u tagħti ġieħ lill-ġisem glorjuż u qaddis tal-qaddej tiegħu, li tant kienet ħabbitu bil-ħeġġa fil-ħajja u fil-mewt, għax hu kien mexa wara l-faqar ta' Ibnu l-maħbub.

Imbagħad jum minnhom dik il-mara hejjiet dak il-ħelu li l-missier qaddis kien xtaq li jiekol; imma hu kemm kemm daq ftit minnu, għaliex ġismu, minħabba l-marda gravi li kellu, kien dejjem sejjer għall-agħar u riesaq lejn il-mewt. Għamlet ukoll bosta xemgħa biex, wara l-mewt, jinxtegħlu madwar il-ġisem mejjet tiegħu. Bid-drapp li ġabet l-aħwa għamlulu tonka biex biha jkunu jistgħu jidfnuh. Franġisku kien jikkmanda lill-aħwa biex iħitu fuq barra biċċiet ta' l-ixkejjer, bħala sinjal u xhieda ta' l-umiltà u l-faqar qaddis. U ġara kif għoġob lil Alla, li f'dik il-ġimgħa stess, li fiha ġiet Donna Iacopa, Franġisku għadda minn din il-ħajja għand il-Mulej. [3C 37-39; LM VIII,7; SP 112; Fior: IV Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati]

[9 – Bħala xhieda ta' umiltà u faqar irid li l-aħwa jaqdu lill-lebbrużi]

[616] L-imqaddes Franġisku, mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu, bl-għajnuna ta' Alla, bħal raġel għaref, waqqaf *id-dar tiegħu*, jiġifieri r-Reliġjon, *fuq il-pedament ta' blata* (cfr. Mt 7,24) soda, jiġifieri fuq l-umiltà u l-faqar ta' l-Iben ta' Alla, u sejjaħ lil din ir-Reliġjon bħala dik tal-Patrijiet Minuri[354]. Waqqafha fuq l-ogħla umiltà: hekk fil-bidunett tar-Reliġjon, meta l-aħwa bdew jiżdiedu, ried li huma jgħixu fl-ospizi tal-lebbrużi biex jaqduhom. Dak iż-żmien kienu jidħlu fl-Ordni kemm nobbli kif ukoll nies sempliċi, u fost ħwejjeġ oħrajn li kienu jiġu mitluba jagħmlu, kien hemm ukoll din il-ħtieġa li jaqdu lill-lebbrużi u li jgħixu fl-ospizi tagħhom[355]. Waqqafha fuq l-ogħla faqar: kif jingħad fir-Regola, li l-aħwa, *bħala barranin u għorba* (cfr. 1Pt 2,11) għandhom jibqgħu fid-djar fejn jiġu milqugħin, u li ma għandhom ikollhom xejn aktar taħt is-sema, ħlief il-faqar imqaddes, li bih jiġu mitmugħin mill-Mulej bl-ikel tal-ġisem u bil-virtujiet f'din il-ħajja, sakemm jiksbu l-wirt ta' dejjem li hemm imħejji għalihom fis-sema. Hu bena lilu nnifsu fuq l-ogħla faqar u umiltà: għaliex, għalkemm kien meqjus bħal prelat kbir fil-Knisja ta' Alla, hu ried u għażel li jkun mistmerr mhux biss fil-Knisja ta' Alla, imma wkoll fost l-aħwa. [SP 44]

[10 – Jumilja ruħu quddiem l-isqof ta' Terni]

[617] Jum minnhom, meta kien qiegħed jippriedka lill-poplu ta' Terni fil-pjazza quddiem il-palazz ta' l-isqof, l-isqof ta' dik il-belt[356], li kien raġel prudenti u spiritwali, kien qiegħed jisma'

---

[354] Il-kelma latina *Religio* tirreferi għal Ordni reliġjuż, mela l-espressjoni *Religionem Fratrum Minorum* tindika l-isem uffiċjali Ordni tal-Patrijiet Minuri (cfr. 1C 37).

[355] Nistgħu ngħidu li, qabel ma l-Papa Onorju III, bil-Bulla *Cum secundum consilium* (22 ta' Settembru 1220) obbliga lill-Ordni li jagħmel is-sena tan-novizzjat lill-aħwa ġodda li kienu jidħlu, San Franġisk kien diġà jitlob taħriġ għal kull wieħed mill-aħwa, indistintament mill-kundizzjoni soċjali tiegħu, billi jitolbu jagħmel żmien jaqdi lill-lebbrużi.

[356] L-isqof ta' Terni kien Rainerio (1218-1253), li kien ġie maħtur għal dik is-sede mill-Papa Onorju III fl-1218. Terni kienet ilha bla isqof għal 5 sekli sħaħ. Mix-xeħta Rainerio ried li San Franġisk iwaqqaf kunvent tal-patrijiet f'dik il-

dik il-priedka. Meta intemmet il-priedka l-isqof qam u, fost kliem oħrajn ta' Alla li beda jkellimhom bihom, qalilhom ukoll: "Il-Mulej mill-bidunett, waqqaf u *bena l-Knisja tiegħu* (cfr. Mt 16,18) u dejjem idawwalha b'irġiel qaddisa, li jreġuha bil-kelma u l-eżempju. Issa għalhekk, *f'din l-aħħar siegħa* (cfr. 1Ġw 2,18) dawwalha b'dan ir-raġel fqajjar, bla ebda bixra li tolqtok, u bla skola – u wera lill-poplu b'sebgħu lil Franġisku – sabiex, minn issa 'l quddiem, intom miżmuma li tħobbu u tqimu lill-Mulej u tħarsu rwieħkom mid-dnub, għaliex Hu *ma għamel hekk ma' ebda poplu*" (cfr. S 149,20).

Meta temm il-priedka tiegħu, l-imqaddes Franġisku niżel mill-post fejn kien ippriedka, u flimkien ma' l-isqof daħal fil-knisja episkopali. Hemmhekk l-imqaddes Franġisku miel ruħu quddiem is-sinjur isqof u *niżel ibuslu riġlejh* (cfr. Mk 5,22) filwaqt li qallu: "Sinjur isqof, tassew ngħidlek li ħadd għadu qatt ma tani l-ġieħ li tajtni inti illum. Għaliex l-oħrajn jgħidu: dan hu bniedem qaddis! U hekk jagħtu l-glorja u l-qdusija lill-ħlejqa u mhux lill-Ħallieq. Imma inti *fridt dak li jiswa minn dak li hu bla siwi* (cfr. Ġer 15,19), għaliex inti raġel prudenti".

Għax ta' spiss, meta l-imqaddes Franġisku kien jiġi imfaħħar, hu ta' spiss kien iwieġeb b'dawn il-kelmiet: "Jiena għadni minix żgur jekk jistax ikolli ulied subien u bniet". U kien jgħid: "Għax ara, meta l-Mulej ikun irid jeħodli t-teżor tiegħu, li ħalla f'idejja, x'jibqagħli, ħlief biss il-ġisem u r-ruħ, li wkoll l-infidili għandhom? Imma jiena rrid nemmen bil-qawwa li, jekk il-Mulej jagħti lil ħalliel u lil bniedem bla fidi l-istess tjieba u grazzji li ta lili, dan ikun aktar fidil lejh milli jiena jien". U tenna: "Kif fix-xbieha tal-Mulej u tal-Verġni mqaddsa li hi mpittra fuq l-injam, aħna nweġġħu lil Alla u l-Verġni mbierka u nagħmlu t-tifkira tagħhom, għalkemm dak l-istess injam u pittura ma huma xejn aktar għajr xbieha mpittra fuq l-injam, hekk ukoll il-qaddej ta' Alla hu bħal pittura, jiġifieri ħolqien ta' Alla, li fih Alla jiġi mweġġaħ minħabba t-tjieba tiegħu. Imma l-bniedem ma jista' jattribwixxi xejn għalih innifsu, bħal injama jew pittura, imma biss jagħti *ġieħ u glorja lil Alla waħdu* (cfr. 1Tim 1,17), u lilu nnifsu l-mistħija u t-tiġrib, sakemm idum ħaj, għaliex dejjem, sakemm ikun ħaj, il-ġisem jeħodha kontra t-tjieba ta' Alla". [2C 133. 141; SP 45]

[11 – Jiċħad għat-tmexxija ta' l-Ordni u jkun irid joqgħod dejjem għall-ubbidjenza ta' gwardjan tiegħu]

[618] Fost l-aħwa, l-imqaddes Franġisku kien irid ikun umli, u sabiex iħares aħjar din l-umiltà, ftit snin wara l-konverżjoni tiegħu, waqt kapitlu li sar f'Santa Marija tal-Porziuncola, irriżenja mill-uffiċċju ta' prelat quddiem l-aħwa kollha, filwaqt li qalilhom: "Minn issa 'l quddiem qisuni mejjet għalikom; imma, araw, hawn fra Pietro Cattanio, li jiena u intom issa nibdew nobduh". L-aħwa mela ilkoll bdew jitolbuh b'leħen għoli u b'ħafna dmugħ. Imma l-imqaddes Franġisku miel quddiem fra Pietro u wiegħdu l-ubbidjenza u l-qima; u *sal-mewt* (cfr. Fil 2,8) baqa sudditu tiegħu, bħallikieku kien wieħed mill-aħwa l-oħrajn[357].

---

belt. L-aħwa marru joqogħdu fil-kampanja barra l-belt, ħdejn l-oratorju ta' San Cassiano, fejn aktar tard inbniet il-knisja ta' San Franġisk.

[357] Dan l-episodju importanti fil-ħajja ta' San Franġisk seħħ waqt il-Kapitlu Ġenerali li sar f'Santa Marija tal-Porziuncola fid-29 ta' Settembru 1220, wara li Franġisku ġie lura mill-vjaġġ tiegħu fl-Orjent. Pietro Cattanio, jew Cattani, kien ġurista tal-kurja ta' Assisi, u x'aktarx kanonku tal-kattidral, qabel daħal fl-Ordni, immedjatament wara Bernardo da Quintavalle. Kien sieħeb lil San Franġisk fil-vjaġġ tiegħu fl-Orjent. Franġisku ħatru bħala mexxej ta' l-Ordni, eżattament bħala Vigarju tiegħu (it-titlu Ministru Ġeneral jingħata biss minn wara l-mewt tal-fundatur, u l-ewwel Ministru kien fra Giovanni Parenti). Dam Vigarju ta' l-Ordni għal ftit xhur, mid-29 ta' Settembru 1220 sa l-

Hu mhux biss ried jobdi lill-ministru ġeneral u lill-ministri provinċjali, imma f'kull provinċja li kien jgħix fiha jew li kien jgħaddi minnha jippriedka, hu kien jobdi lill-ministru ta' dik il-provinċja. U wkoll, biex jikber dejjem aktar fil-perfezzjoni u fl-umiltà, minn żmien twil qabel ma miet, darba minnhom qal lill-ministru ġeneral: "Jiena rrid li inti tħaddem l-awtorità tiegħek fuqi permezz ta' wieħed mill-aħwa, li jiena nobdih f'ismek; għaliex minħabba l-eżempju tajjeb u l-virtù ta' l-ubbidjenza jiena rrid li, fil-ħajja u fil-mewt, hu dejjem ikun qrib tiegħi". Minn dak il-ħin *sal-mewt* (cfr. Fil 2,8) dejjem kellu wieħed mill-aħwa bħala gwardjan tiegħu, u kien jobdih daqs li kieku kien il-ministru ġeneral. Mhux biss, imma talli darba qal lill-aħwa: "L-Aktar Għoli tani din il-grazzja, fost ħafna oħrajn, li jiena bil-qalb kollha nobdi lil novizz, li jidħol illum fir-Reliġjon, kieku hu jitqiegħed bħala gwardjan tiegħi, daqs li kieku nobdi lil wieħed li hu l-ixjeħ u l-ewwel fost l-aħwa fl-Ordni. Għaliex is-sudditu jrid jara fil-prelat[358] tiegħu mhux il-bniedem, imma lil Alla, li għall-imħabba tiegħu hu jkun lest li jobdih". L-istess kien jgħid: "Ma hemmx prelat fid-dinja kollha, li tant jibżgħu minnu s-sudditi u l-aħwa tiegħu, daqskemm il-Mulej jista' jagħmel li l-aħwa jibżgħu minni, kieku nkun irrid. Imma l-istess l-Aktar Għoli tani din il-grazzja, li jiena irrid inkun kuntent li nkun meqjus minn kulħadd bħala l-iżgħar wieħed[359] fl-Ordni". [2C 143. 144; SP 39. 46]

Aħna li għexna miegħu[360], u li *rajna b'għajnejna* (cfr. 1Ġw 1,1) dan kollu, jiġifieri kif hu kien jgħix skond dawn il-kelmiet. Meta wkoll xi ħadd mill-aħwa ma kienx juri ruħu sensibbli għalih fil-bżonnijiet li seta' kellu, jew kien jgħidlu xi kelma iebsa, li biha l-bnedmin soltu jitfixklu, hu mall-ewwel kien jirtira biex jitlob u meta kien jerġa' lura ma kienx ikun irid jiftakar dak li ġralu billi jgħid: Ara, dak ma riedx jaqdini fil-ħtieġa tiegħi, jew: Ara, dak kellimni iebes. U aktar ma bdiet riesqa l-mewt, aktar hu kiber fil-ħerqa li jilħaq il-perfezzjoni u kien iqis b'liema mod ikun jista' jgħix u jmut f'kull umiltà u faqar.

## [12 – Kif bierek lil fra Bernardo qabel miet u ħabbarlu l-mewt qaddisa tiegħu]

[619] Fil-jum li fih Donna Iacopa ħejjietlu l-ħelu, l-imqaddes Franġisku ftakar f'patri [fra] Bernardo[361], u qal lill-aħwa: "Dan il-ħelu naħseb li jogħoġbu lil fra Bernardo". U sejjaħ lejh

---

10 ta' Marzu 1221, meta miet fil-Porziuncola. Fuq il-ħajt tal-kappella tal-Poziuncola għad hemm iskrizzjoni antika biex tfakkru: *Anno Domini MCCXXI IV Idus martii corpus fratris Petri Catanii quod hic requiescit migravit ad Dominum. Animam cuius benedicat Dominus. Amen*. Wara l-mewt tiegħu sar Vigarju ta' l-Ordni fra Elia, li baqa' jmexxi l-Ordni sa l-1227.

[358] Il-latin juża l-kelmiet *prelatus* u *subditus*. Għalkemm hemm min joġġezzjona li dawn il-kelmiet ma jikkorispondux għas-sensibilità ta' San Franġisk, li ma riedx li l-aħwa jissejħu *prior* (pirjol), imma *ministri* (ministri, qaddejja) ta' ħuthom, nippreferu nżommu l-kliem oriġinali "prelat" u "sudditu", għaliex, fil-fatt, San Franġisk innifsu jużahom fit-*Twissija* 4, biex jispjega eżattament x'ifissru għalih: jiġifieri li l-aħwa prelati jaħsu riġlejn ħuthom. Il-kelma *guardianus* (gwardjan), jew ukoll *custos* (kustodju), tirreferi għas-superjur lokali, fis-sens evanġeliku ta' dak li jaqdi u jħares lill-aħwa.

[359] *Sicut qui minor est in Religione*.

[360] Għall-ewwel darba niltaqgħu mal-famuża espressjoni: *nos, qui cum eo fuimus*, jew *nos, qui fuimus cum illo*, li hi tipika fil-CA u li hi oġġett ta' studju profond fil-ktieb ta' Raoul Manselli, *Nos qui cum eo fuimus. Contributo alla Questione Francescana* (cfr. Introduzzjoni).

[361] Bernardo da Quintavalle kien ġej minn familja sinjura ta' Assisi, u hu meqjus bħala l-ewwel wieħed li mexa wara San Franġisk, anke jekk Celano jgħid li kien hemm raġel ieħor qablu, li ma nafux min kien (1C 24). Dante jsemmi lil Bernardo fid-*Divina Commedia, Paradiso* XI,79-81: *il venerabile Bernardo / si scalzò prima e dietro a tanta pace /*

wieħed mill-aħwa tiegħu u qallu: "Mur u għid lil fra Bernard biex jiġi għandi issa stess". Dak mar mall-ewwel u ġab miegħu lil fra Bernardo għand San Franġisk. Dak qagħad bilqiegħda maġenb il-friex li fuqu kien mixħut Franġisku, u qallu: "Missier, nitolbok, sabiex inti tberikni u turini l-imħabba tiegħek, għaliex jekk inti tħobbni b'imħabba ta' missier, jiena nemmen li l-istess Alla u l-aħwa l-oħrajn kollha jħobbuni aktar".

L-imqaddes Franġisku ma setax jarah, għaliex għal bosta ġranet kien tilef id-dawl ta' għajnejh; imma hu *firex idu l-leminija u qiegħda fuq ras* (cfr. Ġen 48,14) fra Egidio[362], li kien it-tielet wieħed fost l-ewwel aħwa u li kien jinsab maġenb fra Bernardo. Hu ħaseb li dik kienet ir-ras ta' fra Bernardo, imma meta ħass ras fra Egidio, bħal bniedem li ma jarax, intebaħ mall-ewwel bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u qal: "Imma din mhijiex ir-ras ta' fra Bernardo tiegħi"[363]. Fra Bernardo, mela, resaq aktar qrib tiegħu. L-imqaddes Franġisku *qiegħed idejh fuq rasu* (cfr. Ġen 48,14.17) u bierku. Imbagħad qal lil wieħed mill-aħwa: "Ikteb dak li se ngħidlek. L-ewwel wieħed fost l-aħwa li tani l-Mulej kien fra Bernardo, u kien hu l-ewwel wieħed li ħaddan sa l-aħħar il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, billi qassam ġidu kollu lill-foqra. Minħabba f'hekk u minħabba ħafna grazzji oħrajn li rċieva jiena rrid inħobbu aktar mill-aħwa l-oħrajn kollha ta' dan l-Ordni. Għaldaqstant irrid u nikkmanda, kif nista', li ikun min ikun ministru ġeneral, għandu jħobbu u jqimu daqslikieku qiegħed iħobb u jqim lili, u wkoll il-ministri provinċjali l-oħrajn u l-aħwa kollha ta' din ir-Reliġjon għandhom iqimuh f'ismi". Fra Bernardo imtela b'faraġ kbir, kif ukoll l-aħwa l-oħrajn li kienu qegħdin jaraw dak li kien qed jiġri.

Darba oħra, meta l-imqaddes Franġisku qies il-perfezzjoni għolja ta' fra Bernardo, tenna dwaru din il-profezija quddiem l-aħwa kollha u qal: "Ngħidilkom li madwar fra Bernardo daru eżerċti kbar u mill-aktar qarrieqa ta' xjaten, li iħabbtuh b'ħafna tentazzjonijiet u tiġrib, imma l-ħniena tal-Mulej, qabel ma tasal il-mewt tiegħu, għad teħilsu minn kull prova u tiġrib fir-ruħ u fil-ġisem u tqiegħed fl-ispirtu u fil-ġisem tiegħu paċi kbira, ferħ u faraġ, li l-aħwa kollha li jarawh u jisimgħuh, jibqgħu mistagħġbin u jqisu dan kollu bħala miraklu kbir. U f'dak is-sliem, ferħ u faraġ tal-bniedem ta' ġewwa u ta' barra, hu għad jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Mulej".

---

*corse, e correndo gli parve esser tardo*. Skond il-*Chronica XXIV Generalium* (*Analecta Franciscana* III,36) Bernardo ingħaqad ma' Franġisku fis-16 ta' April 1208 (1209?), wara li kien qara' l-kelmiet ta' l-Evanġelju flimkien ma' Franġisku u Pietro Cattanio fil-knisja ta' San Nicolò. Il-*Fontes* li ġejjin minn sħab San Franġisk, inkluża l-CA, juru lil Bernardo bħala dak li kien maħbub b'mod partikulari minn San Franġisk, u li lilu l-missier serafiku ta barka speċjali qabel miet. Interessanti li 1C 108 jgħid li Franġisku bierek lil fra Elia qabel miet. Għandna l-każ ta' żewġ barkiet, waħda lill-Vigarju tiegħu, fra Elia, u l-oħra lill-ewwel dixxiplu, fra Bernardo? Jew inkella hu l-każ li l-CA turi li, quddiem l-aħwa, fra Bernardo kien ġibed aktar simpatija minħabba l-fedeltà assoluta tiegħu lejn San Franġisk? Niftakru li, fl-1246, meta t-*Tre Compagni* bagħatu l-materjal dokumentarju tagħhom minn Greccio, fra Elia kien għadu taħt skomunika u barra mill-Ordni, li ġie maħlul minnha biss fl-1253, ftit qabel ma miet, liebes it-tonka Franġiskana.

[362] Egidio kien żagħżugħ minn Assisi, li meta sema' bil-ġest kuraġġuż ta' Bernardo da Quintavalle, Pietro Cattanio u Silvestro, nhar it-23 ta' April 1208 (1209?) wara li sema' l-quddiesa fil-knisja ta' San Giorgio, niżel fil-bosk tal-Porziuncola u ingħaqad ma' l-ewwel aħwa. Salimbene jgħid li l-bijografija ta' fra Egidio inkitbet minn fra Leone; imma minnha fadal biss frammenti fil-*Chronica XXIV Generalium* (*Analecta Franciscana* III,74s), *Documenta Antiqua Franciscana*, ed. L. Lemmens, Ad Claras Aquas, 1900-1902, I,37; u fl-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. Baqgħu magħrufin id-*Dicta Fratris Aegidii*, kelmiet li kien jgħid dan il-fra sempliċi, miġburin minn sħabu. Miet fl-1262, wara li kien ilu żmien twil fil-kunvent ta' Monteripido f'Perugia, u indifen fil-knisja ta' San Francesco al Prato (V. Gamboso, *Il Beato Egidio d'Assisi, compagno di san Francesco*, Padova 1962; R. Brooke, *The Life of Brother Giles*, Oxford 1970).

[363] Din is-silta wieħed jista' jqabbilha mal-kapitlu 6 tal-*Fioretti*, fejn l-isem ta' fra Egidio jinbidel f'dak ta' fra Elia. Il-bdil ta' l-isem hu sinjal ċar ta' l-ambjent li fih twieldu l-*Fioretti*, li hu deċiżament ostili għal fra Elia.

L-aħwa li kienu preżenti baqgħu mistagħġbin, meta aktar tard seħħ quddiemhom tassew ħaġa b'ħaġa dak li l-qaddis kien ħabbar imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu. Għax fra Bernardo, meta marad u wasal biex imut, tant inġabar fi sliem u ħemda ta' l-ispirtu, li lanqas ried joqgħod mimdud. Jekk kienu jgħidulu jimtedd, kien joqgħod donnu jrid joqgħod bilqiegħda, sabiex lanqas l-iċken duħħan ta' l-immaġinazzjoni ma jitlagħlu għal rasu u jqajjem fih xbihat u ħolm li setgħu ifixkluh milli jiffissa ħsibijietu fuq Alla. U jekk kien jiġri hekk, mall-ewwel kien iqum dritt bilqiegħda, u jipprova jiġi f'tiegħu billi jgħid: "X'qiegħed jiġrili? Xi ħsieb hu dan?" U billi kien imdorri li jressaq lejn imnieħru l-*acquarosa* biex jieħu n-nifs aħjar, meta bdiet riesqa l-mewt, ma riedx lanqas dan il-faraġ, sabiex hu jkun jista' jingħata għall-meditazzjoni kontinwa ta' Alla. U lil min kien joffrihulu, kien jgħidlu: "Ħallini kwiet".

Biex ikun jista' jmut aktar ħieles fis-sliem u fil-ħemda tar-ruħ, hu ħalla l-kura ta' ġismu f'idejn wieħed mill-aħwa li kien tabib u li seta' jgħinu, filwaqt li qallu: "Jiena ma rridx nieħu ħsieb biex niekol u nixrob, imma nħalli dan kollu f'idejk; jekk tagħtini jiena nieħu, imma jekk le, ma jimpurtax". U meta marad sew, dejjem ried li jkollu ħdejh wieħed mill-aħwa saċerdoti sal-ħin li fih miet. U meta kien jgħaddilu xi ħsieb minn moħħu li dwaru l-kuxjenza setgħet iċċanfru, mall-ewwel kien jistqarru u jtenni l-ħtija tiegħu. Wara li miet, ġismu sar bajdani u laħmu sar artab, u kien jidher donnu qiegħed jitbissem, hekk li ta' mejjet deher isbaħ milli kien meta kien għadu ħaj. Min kien iħares lejh kien jitgħaxxaq bih aktar minn meta kien għadu ħaj, għax kien jidher donnu qaddis li jitbissem. [2C 48; SP 107]

[13 – Qabel ma miet bagħat ittra lil Santa Klara u żguraha li hi kellha terġa' tarah]

[620] F'dik l-istess ġimgħa li fiha miet l-imqaddes Franġisku, is-sinjura Klara, l-ewwel xitla[364] ta' l-Ordni tas-sorijiet, abbadessa tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, li kienet tixbaħ f'kollox lil San Franġisk fil-ħarsien dejjiemi tal-faqar ta' l-Iben ta' Alla, billi kienet marida ħafna u kienet tibża' li se tmut qabel l-imqaddes Franġisku, bdiet tibki ħafna b'ruħha kollha mrar u ma setgħetx titfarraġ, għax qabel tmut ma setgħetx aktar tara lil dak li wara Alla kien il-missier waħdieni tagħha, jiġifieri l-imqaddes Franġisku, li għaliha kien ta' faraġ fil-ġisem u fir-ruħ, kif ukoll kien dak li kien waqqafha fis-sod fil-grazzja ta' Alla. Għalhekk, permezz ta' wieħed mill-aħwa, għarrfet b'dan lill-imqaddes Franġisku. San Franġisk, meta sema' dan, billi hu kien iħobb lilha u lil ħutha s-sorijiet b'imħabba ta' missier minħabba l-ħajja qaddisa tagħhom, tqanqal bil-ħniena, l-aktar għaliex wara ftit snin li matulhom beda jkollu miegħu l-aħwa, bil-għajnuna tal-Mulej u bil-parir tiegħu, Klara wkoll kienet ingħatat lil Alla. Il-konverżjoni tagħha mhux biss kienet ta' eżempju kbir għall-Ordni ta' l-aħwa, imma wkoll għall-Knisja kollha ta' Alla.

Imma l-imqaddes Franġisku fehem li dak li hi xtaqet, jiġifieri li tarah, ma kienx jista' jseħħ, għaliex it-tnejn li huma kienu morda ħafna, u għalhekk biex ifarraġha kitbilha ittra bil-barka tiegħu u ħafrilha kull nuqqas li setgħet għamlet rigward dak li hu kien ikkmanda jew ried, kif ukoll rigward il-kmand u r-rieda ta' l-Iben ta' Alla. Fuq kollox, biex hi tkun tista' tneħħi kull niket u

---

[364] Klara tħobb issejjaħ lilha nnifisha *plantula*, "xitla ċkejkna", ta' San Franġisk (*Regola S. Klara*, I; *Testment S. Klara*, 37). L-espressjoni *domina Clara* u mhux *sancta Clara*, skond Sabatier, tista' tfisser li din is-silta inkitbet qabel ma Klara ġie iddikjarata qaddisa fl-1255. Klara kienet ilha marida, skond suor Pacifica di Guelfuccio (*Process tal-Kanonizzazzjoni ta' S. Klara* I) għal 29 sena qabel ma mietet fl-1253. Dan ifisser li hi mardet fl-1224, jiġifieri sentejn qabel ma miet San Franġisk.

titfarraġ fil-Mulej, mhux hu, imma l-Ispirtu s-Santu tkellem fih permezz ta' dawn il-kelmiet li hu qal lil dak il-patri li kienet bgħatitlu: "Mur u ħu din l-ittra lil oħtna Klara u għidilha biex twarrab minnha kull niket u tbatija, billi għalissa ma tistax tarani. Imma għidilha li għandha tkun taf fis-sewwa li, qabel ma tmut, kemm hi kif ukoll ħutha s-sorijiet, għad jarawni u jirċievu faraġ kbir minħabba fija".

U hekk seħħ ftit taż-żmien wara, meta Franġisku miet bil-lejl[365]. L-għada filgħodu malli sebaħ, il-poplu kollu irġiel u nisa tal-belt ta' Assisi, flimkien mal-kleru kollu, ġarrew il-ġisem qaddis tiegħu mill-post fejn kien miet, bl-innijiet u t-tifħir, u billi xejjru f'idejhom il-friegħi tas-siġar, u skond ir-rieda ta' Alla ħaduh f'San Damiano. Hekk tassew seħħ dak li l-Mulej kien qal bil-fomm tal-qaddis, biex ifarraġ lil dawn uliedu u qaddejja verġni tiegħu.

Meta neħħew il-grata tal-ħadid tat-tieqa li minnha soltu[366] s-sorijiet jitqarbnu u jisimgħu l-kelma ta' Alla, l-aħwa refgħu l-ġisem qaddis mill-katalett, u hekk merfugħ f'idejhom żammewh f'dik it-tieqa għal siegħa sħiħa, sabiex Klara u ħutha s-sorijiet ikunu jistgħu jitfarrġu għad-dehra tiegħu, kollhom maħsulin bid-dmugħ u bin-niket kif kienu, għaliex wara Alla hu kien l-uniku faraġ li kellhom f'din id-dinja. [1C 116-117; SP 108]

[14 – Qtajja' ta' *allodole*[367] jgħannu fuq l-għarix li fih miet San Franġisk]

[621] Is-Sibt filgħaxija, wara l-għasar, qabel ma daħal il-lejl, fil-ħin li fih miet fil-Mulej l-imqaddes Franġisku, qtajja' ta' għasafar li jissejħu *allodole*, bdew jittajjru fil-baxx fuq is-saqaf ta' l-għarix li fih kien mixħut l-imqaddes Franġisku, u bdew iduru u jgħannu.

Aħna, li *konna ninsabu* (cfr. 2Pt 1,18) ma' l-imqaddes Franġisku, u li *qegħdin niktbu dawn it-tifkiriet, nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) li diversi drabi smajnieh jgħid: "Kieku kelli xi darba nkellem lill-imperatur, nitolbu biex, għall-imħabba ta' Alla u għax-xewqat tiegħi, joħroġ editt bil-miktub, li l-ebda bniedem ma għandu jaqbad lil ħutna l-*allodole* jew jagħmlilhom ħsara. Nixtieq ukoll li l-ħâkem ta' kull belt u s-sinjuri tal-kastelli u ta' l-irħula[368], ta' kull sena għall-Milied tal-Mulej, jikkmandaw lill-bnedmin biex ixerrdu qamħ u żerriegħat oħrajn fit-toroq barra mill-ibliet u l-kastelli, biex l-għasafar u l-aktar ħutna *allodole* jkollhom x'jieklu f'jum daqshekk solenni. U wkoll li, b'sinjal ta' qima lejn l-Iben ta' Alla, li *tqiegħed fil-maxtura* (cfr. Lq 2,7) mill-Verġni mqaddsa ommu, bejn il-barri u l-ħmar, jiena rrid li f'dak il-lejl kulħadd għandu jagħti lil

---

[365] L-espressjoni *de nocte* tal-Latin ma rridux nifhmuha li San Franġisk miet "bil-lejl". Fit-*Tractatus de Miraculis* ta' Tommaso da Celano, 32, jingħad: *eo sero quo sanctus Franciscus de mundo transivit ad Christum, cum iam esset noctis secuturae crepusculum* ("dik l-istess lejla li fiha San Franġisk għadda minn din id-dinja għal għand Kristu, meta l-lejl kien għadu dieħel"), jiġifieri wara nżul ix-xemx.

[366] Il-Latin jgħid *communicare solent*, jiġifieri "soltu jitqarbnu". Dan ifisser li meta kienet qed tinkiteb din is-silta l-*Povere Dame* kienu għadhom jgħixu f'San Damiano. Issa huma damu hemm sa l-1260, meta mbagħad ġarrew fil-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi. Fi SP 108 insibu l-passat, *solebant*, "kienu soltu", għaliex SP inkiteb fl-1318.

[367] Inżommu l-isem ta' dawn l-għasafar bit-Taljan, *allodole*. Definizzjoni ta' dan l-għasfur f'N. Zingarelli, *Vocabolario della Lingua Italiana*, 12° ed. Zanichelli Editore, Bologna 1994, 70: "Uccello dei Passeriformi di color grigio bruno con macchie più scure, becco acuto, lunga unghia posteriore, il quale emette durante il volo un trillo armonioso" (*Alauda arvensis*). Bil-Malti dan l-għasfur jissejjaħ alwett.

[368] *Potestates civitatum* kienu l-ħakkiema, bit-Taljan *podestà* tal-bliet, filwaqt li l-espressjoni *domini castrorum et villarum* tirreferi għas-sinjuri nobbli fewdali li kienu proprjetarji tal-kastelli (irħula fortifikati) u ta' l-irħula l-oħrajn.

ħuna l-barri u lil ħuna l-ħmar ħafna aktar ikel mis-soltu. L-istess, imbagħad, irrid li fil-Milied il-foqra kollha jiġu mitmugħin sax-xaba' mill-għonja".

Għax Franġisku kien jiċċelebra l-Milied b'qima akbar milli kellu għal kull solennità oħra tal-Mulej, għaliex kien jgħid li, jekk fis-solennitajiet l-oħrajn il-Mulej wettaq is-salvazzjoni tagħna, fil-jum li fih *twieled għalina* (cfr. Is 9,6), kien jixraq li Hu jsalvana. Għaldaqstant kien irid li f'dak il-jum l-insara kollha jifirħu fil-Mulej u li għall-imħabba tiegħu li *offra ħajtu għalina* (cfr. Tit 2,14), kull bniedem kellu juri ġenerożità bil-ferħ mhux biss mal-foqra, imma wkoll mal-bhejjem u ma' l-għasafar.

Dwar l-*allodola* l-imqaddes Franġisku kien jgħid: "Oħtna *allodola* għandha l-kapoċċ bħar-reliġjużi, u hi għasfur umli, għaliex tmur bil-qalb fuq it-triq biex tfittex xi żerriegħa jew qamħa, u wkoll jekk issibha fil-ħmieġ tal-bhejjem, hi tnaqqiha u tiekolha. Meta ttir tfaħħar lill-Mulej, kif jagħmlu r-reliġjużi tajbin li jiċħdu l-ħwejjeġ tad-dinja, biex jitkellmu dejjem fuq *il-ħwejjeġ tas-sema* (cfr. Fil 3,20). Mhux biss, imma l-ilbies tagħha, jiġifieri r-rix, għandu l-lewn tal-ħamrija, u hekk hi ta' eżempju għar-reliġjużi li ma għandhomx jitħabtu biex jiksbu ħwejjeġ delikati u ta' lwien jgħajjtu, imma ta' lewn mitfi, bħal dak tal-ħamrija". U għalhekk ġara li, meta l-imqaddes Franġisku kien jinnota dan kollu li semmejna fl-*allodole*, hu kien iħobbhom ħafna, u kien jieqaf bil-qalb biex iħares lejhom. [2C 200; 3C 32; SP 113-114]

[15 – Kien iqisu bħala serq li wieħed jilqa' karità aktar milli jkun jeħtieġ]

[622] L-imqaddes Franġisku kien ta' spiss itenni dawn il-kelmiet lill-aħwa: "Jiena qatt ma sraqt xejn, jiġifieri qatt ma ħadt iż-żejjed, mill-karità li hi l-wirt tal-foqra, imma dejjem ilqajt inqas milli kont neħtieġ, li ma mmurx nisraq lill-foqra l-oħrajn mis-sehem tagħhom. Li wieħed jagħmel bil-maqlub ta' dan hu serq". [SP 12]

[16 – L-aħwa ma jkollhom xejn la fil-komun u lanqas għalihom waħedhom]

[623] Meta l-aħwa ministri riedu jipperswaduh biex jippermetti li l-aħwa jkollhom almenu xi ħaġa tagħhom flimkien, għax billi kienu ħafna kien jista' jkollhom xi ħażna li setgħu jieħdu minnha, San Franġisk, waqt li kien qiegħed jitlob dar lejn Kristu biex jagħtih parir. Hu mall-ewwel wieġbu li l-aħwa ma setgħu jkollhom xejn la individwalment u lanqas flimkien, għaliex Hu dejjem kellu jieħu ħsieb biex jipprovdi lill-familja tiegħu, tkun kemm tkun kbira, u li dejjem kellu jħarisha sakemm hi tibqa' tqiegħed il-fiduċja tagħha fih. [SP 113]

[17 – Dwar kif wieġeb lil fra Elia u lill-oħrajn li ma riedux jintrabtu bir-Regola li kien qiegħed jikteb ġewwa Fonte Colombo]

[624] Meta l-imqaddes Franġisku kien jgħix fuq muntanja flimkien ma' fra Leone ta' Assisi u fra Bonizio ta' Bologna biex jikteb ir-regola[369], li qabel kienet intilfet, u li Kristu kien għallmu

---

[369] Din il-"muntanja" hi l-għolja ta' Fonte Colombo, jew kif kienet tissejjaħ dak iż-żmien, Monte Rainerio, qrib il-belt ta' Rieti. Hu l-post li fih San Franġisk fl-1223 kiteb ir-*Regola Bullata* tal-Patrijiet Minuri, li ġiet ikkonfermata mill-

kien għandu jiktibha, inġabru ħafna ministri madwar fra Elia, li kien il-vigarju ta' l-imqaddes Franġisku[370], u qalulu: "Smajna li dan ħuna Franġisku qiegħed jikteb regola ġdida; nibżgħu li se jagħmilha iebsa, hekk li ma jkunux nistgħu nosservawha. Irridu li inti tmur għandu u tgħidlu li aħna ma rridux inkunu obbligati minn dik ir-regola; jekk irid jiktibha għalih u mhux għalina".

Fra Elia weġibhom li hu ma riedx imur, għaliex kien jibża' li Franġisku jċanfru. Imma meta dawk baqgħu jinsistu, qalilhom li kien lest li jmur, basta huma jmorru miegħu. U hekk marru lkoll flimkien. U meta fra Elia flimkien mal-ministri l-oħrajn qorob lejn il-post fejn kien jinsab l-imqaddes Franġisku, sejjaħlu. Dan wieġbu, u meta ra dawk il-ministri miġburin, l-imqaddes Franġisku qallu: "Xi jridu dawn l-aħwa?" U Elia wieġbu: "Huma l-ministri, li semgħu li inti trid tagħmel regola ġdida, u jibżgħu li jekk inti tagħmilha iebsa ħafna, huma se jgħidu u jistqarru li ma jridux ikunu obbligati għall-ħarsien tagħha. Għaldaqstant, iktiba għalik, u mhux għalihom".

Franġisku, għal dan il-kliem, għolla wiċċu lejn is-sema u kellem hekk lil Kristu: "Mulej, ma għidtlekx sewwa jien li mhux se jemmnuk?" Dak il-ħin instema' leħen Kristu ġej mis-sema li wieġbu: "Franġisku, ma hemm xejn fir-regola li hu tiegħek, imma kollox ġej minni, dak kollu li hemm miktub. U jien irrid li r-regola tiġi mħarsa kelma b'kelma, kelma b'kelma, kelma b'kelma, mingħajr kummenti, mingħajr kummenti, mingħajr kummenti"[371]. U żied jgħid: "Jiena naf, kemm hi dgħajfa l-qawwa tal-bnedmin, u kemm jien irrid ngħinhom. Min ma jridx jaqdini, joħroġ mill-Ordni". Allura l-imqaddes Franġisku dar lejn dawk l-aħwa u qalilhom: "Smajtu issa? Smajtu

---

Papa Onorju III fid-29 ta' Novembru ta' l-istess sena. Fra Bonizio kien ġurista, u għen lil San Franġisk fl-isteżura tal-lingwaġġ ġuridiku tar-Regola. Kien minn Bologna, fejn dejjem kien hemm l-università famuża għall-istudju tal-liġi ċivili u ekkleżjastika.

[370] Fra Elia minn Assisi (minn Cortona?) daħal fl-Ordni fl-1211. Kien maħtur ministru tal-Provinċja ta' Oltremare fl-1217 u laqa' lil Franġisku fl-Orjent fl-1219. Kien Vigarju tal-qaddis minn wara l-mewt ta' Pietro Cattanio fl-1221 sa ftit xhur wara l-mewt ta' San Franġisk, fl-1227. Ħa ħsieb personalment il-bini tal-bażilika ta' San Franġisk, fuq kmand tal-Papa Girgor IX. Fl-1232 ġie elett Ministru Ġeneral ta' l-Ordni, kariga li dam fiha sa l-1239. F'dik is-sena ġie depost mill-Papa Girgor IX minħabba tensjoni kbira ġewwa l-Ordni, u għadda għal ma' l-imperatur Federiku II ta' Svevia, li dak iż-żmien kien skomunikat mill-Papa. Hekk ġie skomunikat u mkeċċi mill-Ordni. Imma ftit qabel miet talab maħfra u reġa' ġie milqugħ fl-Ordni. Miet f'Cortona fit-22 ta' April 1253 u jinsab midfun fil-knisja ta' San Franġisk fl-istess belt.

[371] L-espressjoni ta' Kristu *ad litteram, sine glossa*, riferita għar-*Regola Bullata* tal-Patrijiet Minuri, turi t-tensjoni kbira li kien hemm fl-Ordni rigward l-osservanza tar-Regola. Ir-*Regola Bullata* kienet il-frott ta' żvilupp twil ta' leġislazzjoni li jibda mill-*forma vitae* primittiva ta' l-1209 li Franġisku ippreżenta quddiem il-Papa Innoċenz III, li approvahielu bil-fomm. L-iżvilupp ta' din il-*forma vitae* matul il-perjodu 1210-1221 kellu x'jaqsam l-aktar ma' bżonnijiet dejjem ġodda li beda jħabbat wiċċu magħhom l-Ordni, l-aktar fil-Kapitli Ġenerali, fil-ftuħ tiegħu għall-evanġelizzazzjoni, u fid-disponibilità li jkun ta' servizz għall-Knisja wara l-Konċilju Lateran IV (1215). Din il-leġislazzjoni kollha inġabret fir-*Regola non Bullata* ta' l-1221, li kif juri isimha, ma rċevitx is-siġill papali, imma li hi dokument ta' valur spiritwali kbir fl-istorja tal-bidu ta' l-Ordni. Kien għalhekk li Franġisku irtira Fonte Colombo fl-1223 biex sawwar ir-*Regola Bullata*, li hi r-Regola Franġiskana definittiva. Fost il-kurrent taż-*Zelanti*, jiġifieri ta' l-aħwa li kienu dixxipli ta' l-ewwel aħwa ta' San Franġisk, u li ma kienux japprovaw il-progress li għamel l-Ordni fit-tieni nofs tas-seklu 13, bdiet tidħol il-fehma li r-Regola ġiet dettata minn Kristu direttament lil San Franġisk, u li għalhekk l-aħwa kienu obbligati jħarsuha *ad litteram*, u *sine glossa*. Dan hu l-ambjent li fih jidher li twieldet din is-silta tal-CA u l-oħra, tixbaħha, ta' SP 1. Xi verità dwar dak li jingħad, iżda, hi aktar milli possibbli, jekk San Bonaventura innifsu, fil-*Legenda Maior* IV,11, jgħid li fra Elia, il-vigarju ta' Franġisku, "tilef" ir-Regola li kien kiteb il-fundatur, u dan kellu jerġa' jiktibha mill-ġdid skond kif nebbħu Alla. Għal informazzjoni aktar dettaljata li ġejja mill-kurrent taż-*Zelanti*, cfr. *Verba Sancti Francisci* (*Documenta Antiqua Franciscana*, ed. Lemmens, Pars I: *Scripta Fratris Leonis socii s.p. Francisci*, Ad Claras Aquas, 1901, 101-103; Angelo Clareno, *Chronicon seu Historia Septem Tribulationum Ordnis Minorum*, ed. A. Ghinato, Roma 1958, I Trib., XII-XIIb).

issa? Tridu li nerġa' nsemmgħalkom dak li smajtu?" Il-ministri libtu, u kollhom imħawwdin għal dak li għamlu, telqu minn hemm. [SP 1]

[18 – Dwar kif wieġeb lill-Kardinal Ugolino u lill-aħwa li tawh il-parir biex jagħżel waħda mir-Regoli li kienu diġà jeżistu]

[625] Meta l-imqaddes Franġisku kien fil-kapitlu ġenerali f'Santa Marija tal-Porziuncola, li jissejjaħ il-kapitlu "tal-ħsajjar"[372], u kienu nġabru għalih madwar ħamest elef mill-aħwa, li bosta minnhom kienu magħrufin għall-għerf u t-tagħlim tagħhom, dawn talbu lis-sinjur Kardinal, li wara kellu jsir Papa Girgor, u li kien preżenti għall-kapitlu, biex jikkonvinċi lill-imqaddes Franġisku, biex jimxi fuq il-pariri ta' l-aħwa għorrief li semmejna, u jħalli lilhom imexxuh. Huma rieduh li jagħżel li jintrabat mar-regola ta' San Benedittu, jew ma' dik ta' Santu Wistin, jew ma' dik ta' San Bernard, li jgħallmu kif għandha tiġi ordnata l-ħajja regolari.

Wara li l-imqaddes Franġisku sema' t-twissija tal-Kardinal dwar dan kollu, qabdu minn idejh u ħadu miegħu quddiem l-aħwa miġburin għall-kapitlu, u kellem lill-aħwa: "L-aħwa tiegħi, l-aħwa tiegħi, Alla sejjaħli fit-triq tas-sempliċità u urieni t-triq tas-sempliċità. Ma rridx li intom issemmuli r-regola u la ta' Santu Wistin, u la ta' San Bernard, u lanqas ta' San Benedittu. Il-Mulej qalli li hu jrid li jiena nkun bħal iblah ġdid fid-dinja[373]. Il-Mulej ma jridx jeħodna fi triq oħra, ħlief f'dik ta' dan il-għerf; għax hu proprju minħabba fit-tagħlim u l-għerf tagħkom li Alla iħawwadkom. Jiena nafda fil-*castaldi*[374] ta' Alla, li b'idejhom hu jikkastigakom, u hekk, tridu jew ma tridux, ikollkom terġgħu lura għall-mistħija tagħkom". Il-Kardinal baqa' mbikkem u ma wieġbu xejn, u l-aħwa l-oħrajn kollha siktu. [SP 68]

[19 – Dwar kif l-aħwa għandhom iġibu ruħhom mal-kleru sekulari]

[626] Għalkemm l-imqaddes Franġisku kien irid li uliedu *jgħixu fil-paċi mal-bnedmin kollha* (cfr. Rum 12,18), u li kellhom iġibu ruħhom ta' nies umli ma' kulħadd; imma b'mod partikulari

---

[372] Il-kapitlu ġenerali kien istituzzjoni fi ħdan l-Ordnijiet monastiċi u kavallereski, u kien kungress tar-reliġjużi kollha. Fost il-Franġiskani, fil-bidu ta' l-Ordni, dan kien isir darbtejn fis-sena: f'Pentekoste u fil-festa ta' San Mikiel Arkanġlu (29 ta' Settembru). Imma mbagħad beda jsir biss għal Pentekoste, tant li jissejjaħ, ħafna drabi, il-Kapitu ta' Għid il-Ħamsin. Ir-*Regula Bullata* ta' l-1223, fil-kapitlu 10, tgħid li l-Kapitlu Ġenerali jsir darba kull tliet snin nhar Pentekoste. Il-kapitlu li jisemma' hawnhekk issejjaħ "tal-ħsajjar" (*delle stuoie*), għaliex, minħabba n-numru kbir ta' aħwa li kienu marru għalih, dawn kellhom jistkennu f'għarajjex magħmula mill-qasab. Ma hemmx qbil fost l-istudjużi dwar id-data ta' dan il-Kapitlu. Bosta huma tal-fehma li dan kien il-Kapitlu tat-30 ta' Mejju 1221, meta ġie approvata r-*Regola non Bullata*. L-CA tgħid li kien preżenti għalih il-Kardinal Protettur ta' l-Ordni Ugolino. Imma dan fl-1221 kien jinsab Legat fil-Lombardija u l-Veneto, u dik is-sena kien ħa sehem fil-Kapitlu l-Kardinal mill-Ordni taċ-Ċisterċensi Rainerio Capocci da Viterbo. Għal din ir-raġuni hemm xi studjużi li jsostnu li l-kapitlu "tal-ħsajjar" seta' kien dak ta' l-1219.

[373] L-espressjoni Latina, li baqgħet famuża, hi: *quod ego essem unus novellus pazzus in mundo*. Franġisku jirrifletti t-tagħlim ta' San Pawl f'1Kor 1,27: "Alla għażel il-boloh tad-dinja biex iħawwad il-għorrief". Hu l-iskandlu tas-salib is-sigriet tal-"bluha" ta' Franġisku, li ssir dehra ta' għerf veru li jħawwad il-għerf tar-raġunamenti umani.

[374] N. Zingarelli, *Vocabolario della Lingua Italiana*, 12° ed. Zanichelli Editore, Bologna 1994, 313: "*Castaldo (Gastaldo)*. In epoca longobarda, dignitario con funzioni di amministratore per conto del re. Maggiordomo, ministro, famiglio. Giustiziere. Fattore, lavoratore agricolo". San Franġisk x'aktarx li qiegħed juża l-isem *castaldi* fis-sens ta' dawk li jagħmlu ġustizzja. Għal San Franġisk, il-*castaldo* ta' Alla hu x-xitan. Cfr. 2C 120; CA 117; SP 67.

għallimhom, bil-kelma u bl-eżempju, li kellhom juru qima umli lejn il-kjeriċi. Kien għalhekk jgħid: "Aħna ġejna mibgħutin *biex ngħinu* (cfr. S 69,2; Dan 10,13) lill-kjeriċi ħalli *jsalvaw l-erwieħ* (cfr. 1Pt 1,9), hekk li aħna nkunu nistgħu nimlew il-vojt li jista' jkun hemm fil-ħidma tagħhom. *Kull wieħed se jitħallas* mhux skond l-awtorità li għandu, imma *skond ħidmietu* (cfr. 1Kor 3,8). Għandkom tkunu tafu, l-aħwa, li lil Alla jogħoġbu aktar il-ġid li jġib 'il quddiem l-erwieħ, u dan jista' jseħħ aktar fil-qbil milli fin-nuqqas ta' qbil mal-kleru. Jekk huma jfixklu s-salvazzjoni tal-poplu, hu *Alla li jikkastiga, u dan hu jagħmlu fi żmienu* (Dt 32,35). Għalhekk *oqogħdu dejjem* (cfr. 1Pt 2,13) għall-awtorità tal-prelati, u sakemm *ikollkom x'taqsmu intom* (cfr. Rum 12,18), ma għandkomx tqajjmu l-ebda għira. *Jekk intom tkunu ulied is-sliem* (cfr. Lq 10,6), intom tirbħu l-kleru u l-poplu; u din tkun ħaġa aktar għażiża għal Alla milli li intom issalvaw il-poplu u tqajjmu skandlu bin-nuqqas ta' qbil mal-kleru. Għattulhom in-nuqqasijiet tagħhom, idħlu intom biex issewwu d-difetti tagħhom, u *waqt li tagħmlu dan* (cfr. Lq 17,10), kunu attenti li tibqgħu umli ħafna"[375]. [2C 146; SP 54]

[20 – Jiċħad li jitlob privileġġi lill-Kurja Rumana]

[627] Ukoll xi wħud mill-aħwa qalu lill-imqaddes Franġisku: "Missier, mintix qiegħed tara kif xi isqfijiet ma jagħtuniex il-permess nippriedkaw, u għal bosta ġranet ikollna nibqgħu nistennew f'dak il-post u ma nistgħu nagħmlu xejn, qabel ma jħalluna nippriedkaw lill-poplu? Ikun aħjar kieku inti titlob li l-aħwa jkollhom xi privileġġ mis-Sinjur Papa, għax dan ikun ta' ġid għall-erwieħ". Hu weġibhom b'ċanfira kbira u qalilhom: "Intom, Patrijiet Minuri, ma tagħrfux ir-rieda ta' Alla, u lanqas ma triduni li nikkonverti d-dinja kollha, skond kif irid Alla. Għax jiena rrid li, permezz ta' l-umiltà u r-rispett tiegħi, l-ewwel nikkonverti lill-prelati, u meta huma mbagħad jaraw il-ħajja qaddisa tagħna u l-qima li nuru lejhom, imbagħad huma jibdew jitolbuna, biex aħna nippriedkaw u nikkonvertu lill-poplu. U dan għalikom ikun ħafna aħjar mill-privileġġi li tridu titolbu, li jwasslukom biss biex titkabbru. U kieku intom iżżommu ruħkom 'il bogħod *minn kull xeħħa* (cfr. Lq 12,15) u twissu lin-nies biex jagħtu lill-membri tal-kleru dak li hu tagħhom bi dritt, huma stess jibdew jitolbukom biex tisimgħu l-qrar tan-nies tagħhom; għalkemm lanqas dwar dan ma hemm għalfejn tħabblu raskom, għax jekk il-qassisin ikkunu ikkonvertew, dawk isibu konfessuri kemm iridu. Jiena, ngħid għalija, privileġġ wieħed biss nitlob mingħand il-Mulej, jiġifieri li ma jkolli l-ebda privileġġ, ħlief li nagħmel kollox bil-qima għall-ubbidjenza tar-regola qaddisa u li nikkonverti lil kulħadd mhux bil-kliem, iżda bl-eżempju". [SP 50]

---

[375] Dan il-paragrafu hu meħud kelma b'kelma minn 2C 146. Forsi l-kuntest tiegħu hu tassew dak ta' żmien San Franġisk, meta l-movimenti lajkali *pauperistici* u evanġeliċi, bħalma kienu l-Valdesi, il-Katari, l-Albiġiżi, eċċ, kienu jħammġu lill-kleru sekulari fil-predikazzjoni tagħhom. Franġisku ried iħares lill-aħwa minn dan il-periklu, billi l-Patrijiet Minuri kienu meqjusin ukoll bħala moviment *pauperistico* (jgħix il-faqar) u evanġeliku, u kien magħmul prevalentement minn aħwa lajċi. Jekk dan il-paragrafu, iżda, narawh fil-kuntest ta' meta kiteb Tommaso da Celano fl-1247, jista' jkun li jindika wkoll tensjoni li, fil-fatt, kienet kibret ħafna f'ċertu ambjenti, bejn il-kleru sekulari u l-Ordnijiet mendikanti (Dumnikani u Franġiskani), l-aktar minħabba li dawn ta' l-aħħar kienu daħlu fil-bliet fi knejjes kbar konventwali, u kienu ġibdu bosta nies għal warajhom. L-istess ġara fl-ambjent universitarju ta' Pariġi, fejn il-*magistri* kjeriċi sekulari ħaduha kontra l-mendikanti, li kienu wkoll daħlu sewwa fl-ambjent akkademiku. Fi ħdan l-Ordni tal-Minuri dan beda jseħħ flimkien mal-proċess ta' klerikalizzazzjoni ta' l-Ordni, mill-1240 'il quddiem, u laħaq il-quċċata tiegħu fit-tensjoni li kien hemm f'Pariġi fi żmien San Bonaventura (1257-1274).

[21 – Kristu juri lil fra Leone l-ingratitudni ta' l-aħwa]

[628] Darba minnhom il-Mulej Ġesù Kristu qal lil fra Leone, sieħeb l-imqaddes Franġisku: "Jiena minix kuntent bl-aħwa". U fra Leone staqsih: "Għaliex, Mulej?" U l-Mulej wieġbu: "Minħabba tliet affarijiet: jiġifieri għax ma jagħrfux id-doni li jiena nqassmilhom b'idejja miftuħa kuljum, kif taf, għalkemm huma *la jiżirgħu u lanqas jaħsdu* (cfr. Lq 12,24). Imbagħad, għax *il-jum kollu* jgorru u *ma jagħmlu xejn* (cfr. Mt 20,6); u fl-aħħarnett għax ta' spiss jitlewwmu, ma jafux jgħixu fis-sliem u lanqas jaħfru t-tagħjir li jirċievu". [SP 52]

[22 – Meta ħaseb li kien wasal biex imut, Franġisku bierek lill-aħwa u qassmilhom il-ħobż imbierek]

[629] Lejl minnhom l-imqaddes Franġisku tant kien imħabbat mill-marda tiegħu, li ma setax la jistrieħ u lanqas jorqod bl-ebda mod. Meta sebaħ, u t-tbatijiet tiegħu taffew ftit, sejjaħ lejh lill-aħwa kollha li kienu f'dak il-post, u dawn inġabru madwaru, u meta ħares lejhom ra fihom il-persuni ta' l-aħwa l-oħrajn kollha. U hu beda mill-ewwel wieħed iberikom, *billi qiegħed idu l-leminija fuq ir-ras* (cfr. Ġen 48,17) ta' kull wieħed minnhom; bierek lil dawk kollha, li kienu fl-Ordni u *lil dawk li kellhom jiġu sa l-aħħar taż-żmien* (cfr. Ġw 1,15; Dan 7,18); u kien jidher kemmxejn imnikket għaliex ma setax jara lil uliedu u lil ħutu aktar qabel imut.

Imbagħad talab li jġibhulu ftit *ħobż* li *berikhom* (cfr. Mt 26,26), u billi minħabba l-mard ma setax jaqsamhom, qabbad lil wieħed mill-aħwa biex *jaqsamhom* f'ħafna biċċiet, u wara li ħadhom mingħandu maqsumin beda jnewwel biċċa lil kull wieħed mill-aħwa, sabiex ilkoll *jieklu* (cfr. Mk 14,22; 1Kor 11,24) minnhom. Għax kif il-Mulej ried jiekol ma' l-appostli nhar Ħamis ix-Xirka qabel ma miet, hekk ukoll dawk l-aħwa miġburin hemmhekk deher li fehemu li l-imqaddes Franġisku qabel ma jmut ried iberikhom, u fihom ibierek lill-aħwa l-oħrajn kollha, u li talabhom biex jieklu minn dak il-ħobż imbierek, bħallikieku hu xtaq jieklu ma' l-aħwa l-oħrajn kollha. U kemm dan hu minnu jidher mill-fatt li, għalkemm dak il-jum ma kienx il-Ħamis, hu qal lill-aħwa li kien ħaseb li kien il-Ħamis. Wieħed mill-aħwa żamm b'għożża biċċa minn dak il-ħobż. U wara l-mewt ta' l-imqaddes Franġisku, xi morda li kielu minnu ġew mill-ewwel meħlusin mill-marda tagħhom. [2C 217; SP 88]

[23 – Dwar kif hu ried li jkunu l-postijiet fejn jgħixu l-aħwa]

[630] Hu kien jgħallem lill-aħwa biex ikollhom postijiet foqra fejn jgħammru; riedhom jibnu dwejriet sempliċi ta' l-injam u mhux tal-ġebel. Lanqas ma ried li l-aħwa jgħammru fihom għal żmien twil, li ma jmurx jidher żgur li dawk kienu tagħhom bħala proprjetà. Għal uliedu hu dejjem talab il-*liġi tal-pellegrini* (cfr. Eż 12,49). [2C 56.59; SP 5]

[24]

Mhux talli kien raġel li kien jistmerr fuq kollox il-kobor tal-bini, imma wkoll li dan ikun imżejjen b'ħafna għamara u kumditajiet. Xejn fil-mejda jew fir-reċipjenti ta' l-ikel ma kien ikun

irid li jfakkru dak li qabel kien iħobb fid-dinja, sabiex kollox kien ikun għanja għall-qagħda ta' l-aħwa bħala pellegrini u għorba. [2C 60; SP 5]

[25]

Rigward il-kotba hu kien iwissi biex fihom wieħed ifittex *xhieda ta' Alla* (cfr. S 18,8) u mhux kemm jiswew, jew kemm huma tajbin jew kemm huma sbieħ. Ried li l-aħwa jkollhom ftit kotba, u li jkunu tajbin biex jaqdu l-ħtieġa ta' l-aħwa foqra. [2C 62; SP 5]

[26]

Fil-friex u s-sodod imbagħad ried li l-aħwa jħarsu faqar mill-akbar, u min fuq it-tiben seta' jqiegħed xi biċċiet nofshom mherrijin kien iqis li kellu sodda ta' tieġ. [2C 63; SP 5]

[27 – Kien jistmerr il-flus u kien irid li l-aħwa jagħmlu hekk ukoll]

[631] Dan il-veru ħabib ta' Alla kien *jistmerr dak kollu li hu tad-dinja* (cfr. 1Kor 7,33.34), u fuq kollox kellu stmerrija lejn il-flus. Sa mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu kien jistmerrhom, u kien iwissi lid-dixxipli tiegħu biex jaħarbu minnhom daqs li kieku jaħarbu lix-xitan. Hekk kien dejjem jgħidilhom bl-ikbar ħeġġa: li wieħed għandu jqis il-flus daqs li kieku kienu demel.

*Ġara jum fost l-oħrajn* (cfr. Ġen 39,11) li wieħed sekular daħal biex jitlob fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, u ħalla ftit flus karità ħdejn is-salib. Meta hu ħareġ, wieħed mill-aħwa ħa l-flus f'idejh bis-sempliċità kollha u qiegħdhom f'ħoġor it-tieqa. Dak li għamel dan għadda minn għala widnejn il-qaddis. Meta ntebaħ li nkixef dak mar jiġri biex jistqarr il-ħtija tiegħu, u intasab għal tulu fl-art filwaqt li stenna s-swat. Il-qaddis tah ċanfira sewwa talli hu mess il-flus. Ikkmandah biex jieħu minn ħoġor it-tieqa dawk il-flus f'ħalqu u jmur jixħethom barra fuq il-ħmieġ ta' ħmar. Imbagħad dak mar jobdi dan il-kmand bil-ferħ, imma l-oħrajn kollha li semgħu bil-fatt beżgħu. Hekk kulħadd aktar beda jistmerr il-flus u jqishom bħad-demel, u ta' kuljum kienu jitħeġġu b'eżempji ġodda għall-istmerrija tal-flus. [2C 65; SP 14]

[28 – Kien iwissi biex wieħed iħares ruħu mill-irtubija ta' l-ilbies u biex bil-ferħ joqgħod għal kull nuqqas ta' kumdità]

[632] Dan il-bniedem *tlibbes bil-qawwa* (cfr. Lq 24,49), u kien jaqbad minn ġewwa bin-nar divin aktar milli kien jissaħħan bil-ħwejjeġ tal-ġisem. [2C 69; SP 15]

[29]

Hu kien jistmerr lil min kien jilbes tliet ilbiesi, u lil min, mingħajr ħtieġa vera, kien juża ilbies artab fl-Ordni. Kien jgħid li l-ħtieġa, li tkun imqanqla mhux mir-raġuni imma mill-kilba,

kienet turi sinjal ta' *spirtu li jitmewwet* (cfr. 1Tes 5,19). Kien jgħid: "L-ispirtu li jibred, bil-mod il-mod jibda' jiksaħ mill-grazzja, u bilfors li jkun meħtieġ li *l-ġisem u d-demm ifittxu dak li hu tagħhom* (cfr. Gal 1,16; Mt 16,17; Fil 2,21). Meta r-ruħ ma ssibx aktar dak li jagħtiha gost, allura x'jifdal li l-ġisem jibda jkun irid il-pjaċiri tiegħu? U hekk il-kilba tas-sensi tibda' tgħatti kull ma tara bil-maskra tal-ħtieġa, u mbagħad *il-ħsibijiet tal-ġisem* (cfr. Kol 2,18) jiffurmaw il-kuxjenza". U kien iżid jgħid ukoll: [2C 69; SP 15]

[30]

"Nammettu li xi ħadd mill-aħwa tiegħi jkollu ħtieġa vera, u jkun imqanqal minn nuqqas kbir li jħoss: jekk iħaffef biex jissodisfa dak il-bżonn ħalli jbiegħdu minnu, *xi ħlas jista' jkollu*? (cfr. Ġen 29,15). Hu kien iltaqa' ma' l-okkażjoni biex jikseb mertu, imma mbagħad juri bil-provi li ma tkunx għoġbitu". B'dawn il-kliem u ieħor jixbħu kien iniggeż bil-ħlewwa lil min kien ibati min-nuqqas ta' xi ħaġa, għaliex li wieħed ma jsofrix bis-sabar il-ħtieġa, kien ifisser li wieħed jerġa' jibda jibki dak li kellu fl-Eġittu. Għall-ebda raġuni ma kien ikun irid li l-aħwa jkollhom aktar minn żewġ ilbiesi, li iżda kien iħallihom iraqqgħuhom minn taħt, b'biċċiet meħjutin magħhom. Kien irid li l-aħwa jibżgħu mid-drapp fin u kien iċanfar quddiem kulħadd lil min kien jagħmel kontra. Biex iħawwad lil dawn l-aħwa bl-eżempju tiegħu, dejjem kien jagħmel it-tonka tiegħu mid-*drapp goff ta' l-ixkejjer* (cfr. Ġob 16,16). Ukoll meta miet ried li t-tonka li jindifen biha tkun imraqqa' bil-biċċiet ta' l-ixkejjer. Imma lil dawk l-aħwa li kienu jkunu morda jew ikollhom xi ħtieġa oħra, kien iħallihom li, minn taħt, fuq il-laħam, jilbsu tonka ratba, basta li minn barra kienu jħarsu l-preċett tat-tonka goffa u ħarxa. Kien jgħid: "Min ma jħarisx dan il-preċett iebes, jiġrilu li jibda jintelaq; għaliex l-ulied ta' missier fqir mhux se jħabblu rashom li jilbsu lbies tal-ħarir, basta jbiddlulhom il-lewn tagħhom". [2C 69; SP 15]

[31 – Jiċċaħħad mill-mantell biex jagħtih lil waħda mara fqira]

[633] Ġara li meta kien Celano, fix-xitwa, San Franġisk kien issellef biċċa pannu li kien jużah bħal mantell, u li kien selifulu wieħed raġel ħabib ta' l-aħwa. U meta kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Marsica[376], ġiet għandu waħda mara anzjana biex *titolbu jagħtiha karità* (cfr. Atti 3,2). Hu mall-ewwel qala' dak il-mantell minn fuqu, u għalkemm ma kienx tiegħu, qal lil dik il-mara fqira: "Mur u ħit libsa għalik minn dan il-pannu, għax tassew teħtieġ waħda". Il-mara anzjana baqgħet mistagħġba, u filwaqt li wiċċha xegħel bi tbissima la taf jekk hux ta' ferħ jew ta' biża', ħadet il-pannu minn idejn il-qaddis u telqet tiġri kemm tiflaħ. Biex ma tmur ikollha terġa' tagħtih lura dik il-biċċa pannu, qatgħetha mall-ewwel bl-imqass. Imma, billi rat li dik il-biċċa drapp ma kienetx biżżejjed biex biha tagħmel libsa, u billi diġà kienet daqet it-tjubija ta' qalb tiegħu, hi reġgħet lura għand il-qaddis biex tgħidlu li dak il-pannu ma kienx biżżejjed. Allura l-qaddis xeħet għajnejh fuq sieħbu, li wkoll kellu biċċa pannu fuqu, u qallu: "Ħija, qiegħed tisma' x'inhi tgħidilna din il-mara fqajra? Ejjew insofru l-bard għall-imħabba ta' Alla, u agħtiha l-pannu tiegħek, biex hi tkun tista' tagħmel libsa għaliha". Sieħbu mela għamel dak li kien għamel hu, u hekk it-tnejn baqgħu neqsin mill-ilbies, biex ilibbsu lil dik il-mara fqira. [2C 86; SP 29]

---

376 F'2C 86 jingħad li r-raġel li silef il-mantell lil San Franġisk kien joqgħod Tivoli. San Franġisk seta' għadda minn din il-belt biex imur fl-Abbruzzo lejn Celano. L-isqof li jisemma' kien Ingheramo, u kien joqgħod Pescina.

[32 – Hu hu rieġa' lura minn Siena, jagħti l-mantell lil raġel fqir]

[634] Darba oħra, meta kien ġej lura minn Siena, iltaqa' ma' raġel fqir, u qal lil sieħbu: "Ħija, jixraq li nerġgħu nagħtu lura l-mantell lil dan ir-raġel fqir, għaliex dan issa hu tiegħu. *Aħna rċevejnieh b'self* (cfr. Lq 6,34) sakemm ma niltaqgħux ma' xi ħadd li hu ifqar minna". Sieħbu, billi kien jaf il-ħtieġa tal-missier imqaddes li kien marid, beda jinsisti li din ma kienetx ħaġa xierqa li jagħmilha, għaliex filwaqt li kien se joffri l-mantell lil dak il-fqir kien se jittraskura lilu nnifsu. Allura l-qaddis wieġbu: "Jiena ma rridx *inkun ħalliel* (cfr. Ġw 12,6). Aħna nkunu ħatja ta' serq, jekk ma nagħtux dan il-mantell lil min hu ifqar minna". U hekk dak sieket, filwaqt li Franġisku ta l-mantell tiegħu[377]. [2C 87; SP 30]

[33 – F'Celle di Cotona l-aħwa jkollhom jerġgħu jixtru lura l-mantell tiegħu mingħand raġel fqir]

[635] Ġrajja oħra bħal din seħħet f'Celle di Cortona. L-imqaddes Franġisku kien liebes mantell ġdid, li l-aħwa kienu ittallbu għalih b'ħafna kura. Wasal f'dak il-post raġel fqir, li beda jibki li martu kienet mietet u li l-familja tiegħu kienet *mitluqa f'faqar kbir* (cfr. S 10,14). U l-qaddis qallu: "Ara, ħa nagħtik dan il-mantell għall-imħabba ta' Alla, bil-patt li inti ma tagħtih lil ħadd, jekk qabel ma jkunx ħallsek tajjeb tiegħu". L-aħwa marru jiġru biex jerġgħu jieħdu l-mantell, u riedu jwaqqfuh milli jagħtihulu. Imma dak il-fqir, *mimli bil-kuraġġ* (cfr. 2Kron 17,6) u jħares f'wiċċ il-qaddis, beda jipprova li b'idejh u b'difrejh jżommu għandu. Fl-aħħar l-aħwa kellhom jixtru lura l-mantell, u dak ir-raġel fqir, wara li laqa' l-prezz tiegħu, telaq minn hemm. [2C 88; SP 31]

[34 – Jagħti l-mantell lil wieħed fqir, bil-patt li hu jaħfer lil sidu]

[636] Darba minnhom San Franġisk, ħdejn Colle fl-inħawi ta' Perugia[378], iltaqa' ma' wieħed fqir li kien jafu qabel il-konverżjoni tiegħu. Meta rah staqsih: "Kif int, ħija?" U dak, b'qalbu mimlija mrara, *beda jisħet* (cfr. Num 5,19.23) lil sidu li kien ħadlu ħwejġu kollha: "Għall-grazzja ta' sidi, li jalla *Alla li jista' kollox jisħtu* (cfr. Apk 1,8; Ġen 5,29), *ninsab f'dil-qagħda ħażina*" (cfr. Mt 4,24). Franġisku ħass ħafna għar-ruħ miżera tiegħu aktar milli għall-ġisem imsejken tiegħu, għaliex hu ra li dan ir-raġel kien ibejjet fih mibegħda li twassal għall-mewt, u qallu: "Ħija, aħfer lil sidek għall-imħabba ta' Alla, sabiex inti tkun tista' *teħles lil ruħek* (cfr. Est 4,13), u jista' jkun li dak jerġa' *jroddlok lura dak li ħadlek* (cfr. Eż 22,12). Inkella tista' *titlef ruħek* (cfr. Lq 9,24) flimkien ma' ġidek.". U dak qallu: "Ma nistax naħfirlu bil-qalb, jekk qabel ma jroddlix dak li ħadli". L-imqaddes Franġisku kien liebes mantell, u qallu: "Hawn, ara, ħa nagħtik dan il-mantell; imma nitolbok bil-ħniena li taħfer lil sidek għall-imħabba ta' Alla". Dak rattab il-korla tiegħu meta rċieva dak id-don, u ħafer il-ħtija ta' sidu. [2C 89; SP 32]

---

[377] Din il-ġrajja, u dik li ġejja warajha, x'aktarx li seħħet waqt l-aħħar vjaġġ li għamel Franġisku minn Siena, ftit xhur qabel ma miet. Cfr. 1C 105.

[378] Il-fatt seħħ f'Collestrada, bejn Assisi u Perugia, fejn fl-1202 Franġisku kien ħa sehem fil-famuża battalja li fiha inqabad priġunier. Il-qagħda ta' dan ir-raġel fqir li s-sinjur tiegħu jeħodlu ħwejġu turi l-inġustizzja soċjali tas-sistema fewdali, u b'mod partikulari hi ritratt ta' dik l-istituzzjoni soċjali, hekk imsejħa *hominitium*, li fiha s-sid kellu dritt jesiġi dmirijiet u ħwejjeġ mingħand dawk li jaqgħu taħt il-protezzjoni tiegħu, anke jekk dawn mhux neċessarjament kienu skjavi tiegħu. Kemm aktar kienet tkun iebsa l-qagħda ta' min kien fqir u bla ebda drittijiet, bħal dan ir-raġel!

[35 – Jispjega silta minn Eżekjel lil wieħed mill-aħwa Predikaturi]

[637] Meta kien jgħix ħdejn Siena, wasal hemmhekk patri mill-Ordni tal-Predikaturi[379], *raġel spiritwali* (cfr. Ħos 9,7) ħafna u duttur tat-tejoloġija mqaddsa. Dan mar iżur lill-imqaddes Franġisku, filwaqt li hu u l-qaddis bdew jiddiskutu bil-ħeġġa *l-kelma ta' Alla* (cfr. Ġw 3,34). [2C 103; SP 53]

[36]

Dan l-imgħallem allura għamillu mistoqsija dwar silta minn Eżekjel, li fiha dawn il-kelmiet: *Jekk inti ma ċċanfarx lill-ħażin għall-ħażen tiegħu, jiena nitlob kont ta' ruħu minn idejk* (cfr. Eżek 3,18). U staqsieh: "Missier twajjeb, jiena naf bosta li għalkemm naf li jinsabu fid-dnub il-mejjet, imma mhux dejjem inċanfarhom għall-ħażen tagħhom. Dan ifisser li jiena jkolli nagħti kont ta' ruħhom?" Għal din il-mistoqsija l-imqaddes Franġisku wieġeb li ma kellux tagħlim, u li aktar kien jeħtieġ li jitgħallem minnu milli li jgħallmu, billi hu kien jaf iwieġeb għall-kliem ta' l-Iskrittura. Dan it-tejologu bl-umiltà reġa' tennielu: "Ħija, għalkemm jiena smajt l-ispjega ta' dawn il-kelmiet minn fomm xi tejoloġi għorrief, imma nixtieq ħafna li nkun naf inti x'taħseb dwarhom". L-imqaddes Franġisku qallu: "Jekk dawn il-kelmiet trid tifhimhom b'mod ġenerali, jiena hekk nispjegahom, jiġifieri li *l-qaddej ta' Alla* (cfr. Dan 6,20) jrid ikun tant *imħeġġeġ* fil-ħajja u fil-qdusija, li *bid-dawl ta' l-eżempju ta' ħajtu* (cfr. Ġw 5,35; 1Tim 4,12) u bi kliemu jkun jista' jċanfar lill-ħżiena kollha. Naħseb li, b'dan il-mod, id-dija tal-ħajja tiegħu u l-fwieħa tal-fama tiegħu, ikunu ta' ċanfira għal kulħadd u *jħabbrulhom il-ħażen* (cfr. Eżek 3,19) tagħhom". Dak il-bniedem baqa' ħafna edifikat u qabel telaq minn hemm qal lil sħab l-imqaddes Franġisku: "L-aħwa, it-tejoloġija ta' dan il-bniedem, li għandha qawwa kbira fis-sempliċità ta' ħajtu u fil-kontemplazzjoni tiegħu, *ittir qisha ajkla* (cfr. Ġob 9,26); filwaqt li l-għarfien u r-raġunamenti tagħna *jitkaxkru għal żaqqhom ma' l-art*" (cfr. Ġen 1,20.22; 3,14). [2C 103; SP 53]

[37 – Tixbiha dwar il-ħars mhux safi]

[638] Hekk kien soltu *jolqot u jħawwad* (cfr. 1Kor 13,12; S 118,120) lil min ma kienx safi fil-mod kif iħares. "Kien hemm sultan twajjeb imma qawwi li bagħat żewġ messaġġiera għand is-sultana, wieħed wara l-ieħor. L-ewwel wieħed reġa' lura u qallu x'kienet it-tweġiba tagħha biss, billi hu *kellu għajnejn ta' għaref* (cfr. Qoħ 2,14) u ma kienx ixerridhom 'l hawn u 'l hemm. Reġa' lura l-ieħor u, wara li ta t-tweġiba qasira tas-sultana, beda jintilef f'ħafna tifħir dwar is-sbuħija tagħha: 'Sinjur, tassew li jiena rajt mara mill-isbaħ. Hieni hu dak li jgawdiha'. U s-sultan wieġbu: 'Ja *qaddej ħażin* (cfr. Mt 18,32) kif ażżardajt tixħet għajnejk mhux safja fuq il-mara tiegħi? Jidher ċar li ridt tagħmel tiegħek lil dik li int ħarist lejha daqshekk fit-tul'. Imbagħad sejjaħ lill-ewwel wieħed u staqsih: 'X'jidhirlek mis-sultana?' U dak wieġbu: 'Mara mill-aħjar, għax qagħdet tismagħni bil-qalb, u weġbitni bil-għerf'. U s-sultan tennielu: 'U x'jidhirlek minn sbuħitha?' Hu wieġbu: 'Sinjur tiegħi, dik affari tiegħek; jiena kelli biss id-dmir li ngħidilha kliemek'. Hekk is-

---

[379] San Franġisk kien jinsab fi Siena f'April 1226, ftit xhur qabel ma miet. Dan it-tejologu kien patri Dumnikan, ġej appuntu mill-*Ordo Praedicatorum,* Ordni tal-Predikaturi, imwaqqaf minn San Dumniku Guzman, kontemporanju ta' San Franġisk.

sultan ta l-ħaqq tiegħu u qal: 'Int, li għandek ħarstek safja, u inti aktar safi f'ġismek, ibqa' fil-palazz tiegħi. Imma l-ieħor jitlaq 'il barra minn dari, li ma jmurx iniġġisli s-sodda tat-tieġ tiegħi'. U l-qaddis kien jgħid: 'Min ma għandux jibża' li jħares lejn għarusa ta' Kristu?'" [2C 113-114; SP 86]

[38 – Xi mindaqqiet kien jinfexx ikanta bil-franċiż u jintilef f'estasi]

[639] Għax tassew kien jagħmel [ħwejjeġ bħal dawn li se ngħidu]. Il-melodija mill-aktar ħelwa li kien jgħanni ġewwa fih kienet iġġiegħelu jinfexx ikanta bil-franċiż[380]; u meta *widnejh kienu jisimgħu ħjiel ta' ħoss* (cfr. Ġob 4,12) ta' l-ispirazzjoni divina li kienet tinżel fihom, hu mall-ewwel kien jinfexx fil-għana ta' ferħ. Mhux l-ewwel darba li kien jiġbor xi zokk mill-art, kif rajna aħna b'għajnejna stess, u jmiddu fuq driegħu tax-xellug, filwaqt li b'idu l-leminija kien jieħu zokk ieħor, kemmxejn mgħawweġ qisu ark, u kien jgħaddih fuq iz-zokk mifrux bħallikieku kien *viella*[381], u kien imexxih skond kif suppost wieħed idoqq l-istrument, filwaqt li kien jibda jgħanni lil Alla bil-franċiż. Din il-għana li fiha kien jinfexx kienet tintemm fid-dmugħ, u kien jispiċċa f'biki ta' ferħ u tqanqil ta' ħniena lejn il-passjoni ta' Kristu. Imbagħad il-qaddis kien jintelaq jolfoq u jitniegħed mill-qiegħ ta' qalbu, u filwaqt li kien jinsa dak li kien qiegħed iżomm f'idejh, kien jintilef f'estasi. [2C 127; SP 93]

[39 – Jitlob għall-Ordni tiegħu]

[640] Biex jaqdi aħjar il-virtù ta' l-umiltà qaddisa, ftit snin wara l-konverżjoni tiegħu, waqt kapitlu, quddiem l-aħwa kollha ta' l-Ordni, irriżenja mill-uffiċċju tiegħu[382] filwaqt li qalilhom: "Minn issa 'l quddiem qisuni bħal wieħed mejjet għalikom. Imma ara, hawn fra Pietro Cattanio, li lilu aħna lkoll irridu nobdu". U dak il-ħin stess inxteħet għal tulu fl-art quddiemu, u wegħedu ubbidjenza u qima. L-aħwa kollha nfaqgħu jibku, u bdew jitniehdu u juru t-tbatija li kellhom fl-ispirtu tagħhom, għaliex bdew jaraw li issa kienu se jisfaw orfni minn missier bħal dak. L-imqaddes Franġisku qam, filwaqt li b'idu magħqudin flimkien u b'għajnejh fis-sema, qal: "Mulej, nirrikmandalek din il-familja, li sa issa inti fdajtli f'idejja. Għax issa, minħabba l-mard li għandi, inti taf, Mulej l-aktar ħelu, li ma niflaħx *nieħu ħsieb tagħha* (cfr. Lq 10,35) aktar, u għalhekk issa nħalliha f'idejn il-ministri. Huma jkunu miżmuma quddiemek, Mulej, biex *f'jum il-ħaqq jagħtuk kont* (cfr. Mt 12,36), jekk xi ħadd mill-aħwa jintilef, bi traskuraġni jew b'eżempju ħażin, jew inkella b'korrezzjoni iebsa żżejjed tagħhom. Minn dak il-ħin sal-mewt hu baqa' dejjem sudditu, u kien iġib ruħu b'umiltà akbar minn dik ta' kull wieħed ieħor mill-aħwa. [2C 143; SP 39]

[40 – Jiċħad li jkollu aħwa biex jieħdu ħsiebu]

[641] Darba oħra lill-vigarju tiegħu reġa' bagħatlu lura lil dawk l-aħwa li kienu jaqduh, u qallu: "B'dan il-privileġġ ta' libertà ma rridx nidher li jiena speċjali, imma l-aħwa jistgħu jibgħatuni

---

[380] Franġisku kien ikanta bid-djalett *provençal,* li kien tgħallem minn ommu Pica.

[381] Il-*viella* kien strument b'ħames kordi, jixbaħ ħafna l-vjola, u kien jindaqq mit-*troubadours* jew *giullari*, li kienu jgħannu l-għajnjiet kavallereski li Franġisku, ta' żagħżugħ, kien jafhom bl-amment.

[382] Cfr. Par. 11.

minn post għal ieħor, skond kif il-Mulej inebbaħhom". U żied jgħid: "Darba kont rajt raġel għama li kien qiegħed imexxih kelb żgħir fit-triq". Din kienet il-glorja tiegħu, li jevita kull bixra ta' bniedem singulari u ta' ħafna pretensjonijiet, biex hekk *tgħammar fih il-qawwa ta' Kristu* (cfr. 2Kor 12,9). [2C 144; SP 40]

[41 – Dwar kif l-aħwa tajbin kienu jikkastigaw ruħhom minħabba xi ħtija kontra l-karità]

[642] Kien iħobb itenni li l-Mulej bagħat lill-Patrijiet Minuri *fl-aħħar żminijiet* (cfr. Ġuda 18), sabiex lill-midinbin li huma mitlufin fid-dlam juruhom id-dawl bl-eżempju tagħhom. Kien jgħid li *jimtela' bl-iktar fwieħa ħelwa* (cfr. Eż 29,18; Ġw 12,3), u *bid-dilka tal-fwejjaħ jiswew ħafna* (cfr. Mt 26,7), kull darba li kienu jgħidulu bil-virtujiet ta' l-aħwa qaddisin li f'bosta postijiet *kien jisma' li jagħmlu għeġubijiet* (cfr. Atti 2,11).

Darba minnhom ġara li wieħed mill-aħwa[383] kien qal *kelma iebsa li biha weġġa'* (cfr. Ġob 18,2) lil wieħed mill-aħwa quddiem raġel nobbli mill-gżira ta' Ċipru. Dan meta ntebaħ li dak ħuh kien weġġa' bil-kelma li qallu, ħa ftit ħmieġ ta' ħmar, u biex jagħmel vjolenza fuqu nnifsu, beda jogħmodu u jgħid: "Ħa jomgħod il-ħmieġ dak l-ilsien li *minnu ħareġ il-velenu* (cfr. Prov 23,32) tal-korla kontra ħija". Meta dak ir-raġel ra dan kollu baqa' edifikat ħafna, u minn dak iż-żmien sar ħafna midħla ta' l-aħwa. L-aħwa kollha kienu jimxu fuq din id-drawwa, hekk li jekk xi ħadd minnhom kien jgħid lill-ieħor xi kelma li biha jweġġgħu, kien mall-ewwel *jinxteħet għal tulu fl-art* (cfr. 2Mak 10,4), u kien jiksi bil-bews ir-riġlejn ta' dak li jkun weġġa'. Il-qaddis, meta kien jisma' jingħadu dawn l-affarijiet, kien jimtela' bil-ferħ, għaliex kien jintebaħ li l-aħwa, waħedhom, kien jixirqilhom ħafna jagħtu dawn l-eżempji ta' qdusija, u kien jimla' *b'kull barka mill-aktar xierqa* (cfr. 1Tim 1,15) lil dawk l-aħwa, li *bil-kelma jew bl-eżempju* (cfr. Kol 3,17) kienu jwasslu lill-midinbin lura għall-imħabba ta' Kristu. Billi hu kien *mimli bil-ħeġġa* (cfr. Atti 5,17) b'mod perfett, kien ikun irid li uliedu jkunu jixbħuh b'mod sħiħ. [2C 155; SP 51]

[42 – Kif għandu jkun il-Ministru Ġeneral]

[643] Meta kien qrib li jsejjaħlu l-Mulej għal għandu, wieħed mill-aħwa qallu: "Missier, inti issa tħallina u l-familja li mxiet warajk *f'dan il-wied tad-dmugħ* (cfr. S 83,7) tisfa' waħedha. Urina jekk għandekx lil xi ħadd fl-Ordni, li inti tafu u li għandek fiduċja fih, u li f'idejh tista' tħalli fiż-żgur l-uffiċċju ta' ministru ġeneral". San Franġisk, filwaqt li tnieħed ma' kull kelma li lissen, hekk wieġbu: "Ibni, jiena ma nilmaħx mexxej daqshekk kapaċi għal dan l-eżerċtu kbir, jew ragħaj għal din il-merħla hekk kotrana. Imma nixtieq nurik mudell, li fih ikun jidher dak li għandu jkun il-missier ta' din il-familja". U komplu jgħidlu: "Jeħtieġ li jkun raġel ta' ħajja mill-aktar serja, li jkollu sens kbir ta' dixxerniment, u ħajja li dwarha ma ssib xejn xi tgħid. Irid ikun bniedem li ma jagħmilx preferenzi, li ma jmurx jiġri li, filwaqt li jħobb aktar lil xi wħud, iqajjem skandlu f'kulħadd. Irid ikun bniedem lijkun midħla ta' l-impenn tat-talb, u li jkun jaf iħalli ħin biex jieħu ħsieb ta' ruħu, u l-kumplament tal-ħin biex jieħu ħsieb tal-merħla li tkun fdata f'idejh. Filgħodu kmieni jieħu ħsieb li, qabel xejn, jiċċelebra l-quddiesa, u li jitlob fit-tul u bil-qalb għalih innifsu u

[383] F'2C 155 jingħad li dan kien fra Barbaro. Kien wieħed mill-ewwel tnax l-aħwa tal-qaddis, u kien mill-inħawi ta' Assisi, għalkemm ma nafu xejn aktar dwaru. Il-*Franceschina* I,187-188 issemmih u tgħid li miet f'Santa Marija tal-Porziuncola (1233?).

għall-merħla li tkun imħollija f'idejh. Meta jispiċċa mit-talb, għandu jidher fost l-aħwa u jkun lest li jilqagħhom u jismagħhom, u li jwieġeb lil kulħadd bil-ħlewwa u bl-umiltà kollha. Irid ikun bniedem li, *billi jħares lejn l-uċuħ* (cfr. Rum 2,11; Atti 10,34), joqgħod f'rokna mhix tant nadifa, li minnha jieħu ħsieb taċ-ċkejknin u tas-sempliċi, mhux inqas milli kif jieħu ħsieb ta' l-għorrief u tal-kbar. Jekk ikun bniedem li lilu jingħata li jiddi fuq l-oħrajn għad-don ta' l-istudju, bl-imġieba tiegħu għandu aktar joħroġ ix-xbieha tas-sempliċità qaddisa, u jitħarreġ fil-virtujiet. Għandu jkun bniedem li jismterr il-flus, li huma l-ewwel ħtija tad-dekadenza fil-professjoni reliġjuża tagħna. Bħala mexxej ta' l-Ordni tagħna, għandu joffri eżempju għal kulħadd fil-mod kif jistmerr il-flus". [2C 184. 185; SP 80]

[43]

Franġisku qal ukoll: "Għandhom ikunu biżżejjed għall-użu personali tiegħu t-tonka u reġistru, u biex imexxi lill-aħwa, klamar u siġill. Ma għandux jaħżen kotba, u lanqas ma jiddedika ħin żejjed għall-qari, u lanqas ma jittraskura l-uffiċċju tiegħu minħabba l-ħin li fih jingħata għall-istudju. Għandu jkun dak li jfarraġ lill-imħabbtin, li jkun *l-aħħar kenn* (cfr. S 31,7; 45,2) għall-imġarrbin, hekk li, jekk il-morda ma jibqagħlomx mediċini, ma jiġux maħkumin mill-marda tad-disperazzjoni. Biex ireġġa' lura lil dawk li huma arroganti, ma għandux jaħsibha darbtejn li jumilja ruħu u jiċħad għal xi dritt tiegħu, basta *jirbaħ l-erwieħ għal Kristu* (cfr. Fil 3,8). Lil dawk li jħallu l-Ordni, bħal *nagħaġ li jintilfu* (cfr. Lq 15,4.6) ma *għandux jagħlaq il-qalb ħanina tiegħu* (cfr. 1Ġw 3,17), għaliex hu jaf liema tiġrib iltaqgħu miegħu biex waslu fejn waslu. Jiena rrid li l-ministru ġeneral ikun miqjum flok Kristu u li jipprovdulu għall-ħtiġijiet kollha tiegħu bit-tjubija ta' Kristu. Hu ma għandux jitbissem lill-unuri, u lanqas lill-favuri aktar milli jitbissem lill-offiżi li jirċievi. Jekk xi mindaqqiet ikollu bżonn ta' xi ikel aktar xieraq għal saħħtu, dan għandu jieklu mhux waħdu, imma quddiem l-oħrajn, sabiex dawn ma jħossux mistħija li, meta jkunu fil-ħtieġa, huma wkoll jieħdu ħsieb tas-saħħa ta' ġisimhom meta jkun dgħajjef. Għandu fuq kollox jagħmel dixxerniment tal-kuxjenzi moħbija, u joħroġ il-verità minn kull kuxjenza mgħawwġa li trid taħbiha. Ma għandu qatt jippretendi xejn b'qawwa ta' raġel mill-forma tal-ġustizzja, u għandu jħoss aktar it-toqol milli l-ġieħ ta' l-uffiċċju importanti tiegħu. Għandu joqgħod attent li ma jqanqalx it-telqa fl-oħrajn minħabba li jħalli kollox jgħaddi mingħajr ma jħaddem id-dixxiplina. Filwaqt li hu għandu jkun maħbub minn kulħadd, imma fl-istess ħin għandu jbeżża' mhux ftit *lil dawk li jagħmlu l-ħażen* (cfr. Prov 10,29). Irrid ukoll li jkollu miegħu aħwa onesti, li bħalu, *jkunu ta' eżempju tajjeb għal kulħadd* (cfr. Tit 2,7); ikunu deċiżi li jaffrontaw bla biża' d-diffikultajiet, u fl-istess ħin ikunu ta' min iħobbhom, u li kull min jirrikorri għandhom, huma għandhom jilqgħuh bil-ferħ qaddis. Hekk għandu jkun il-ministru ġeneral ta' l-Ordni"[384]. [2C 185. 186; SP 8]

---

[384] Din id-deskrizzjoni idejali tal-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni turi xi elementi li ħarġu fi żmien meta l-Ordni kien żviluppa fuq linji ta' klerikalizzazzjoni, l-aktar wara l-1240. Dawn l-elementi jinkludu ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, li tindika li l-Ministru kien saċerdot, u l-kotba li jindikaw li kien midħla ta' l-istudju tat-tejoloġija. Din ma kienetx il-qagħda ta' l-Ordni fi żmien San Franġisk, u lanqas fi żmien fra Elia (1232-1239), li ma kienx saċerdot, imma saret deċiżament vera mill-ġeneralat ta' Haymo of Faversham.

[44 – Iwieġeb lil wieħed mill-aħwa li staqsieh għaliex ħalla t-tmexxija ta' l-Ordni]

[644] Meta darba minnhom wieħed mill-aħwa flimkien ma' l-aħwa l-oħrajn kollha staqsieh għaliex kien ħalla t-tmexxija ta' l-aħwa f'idejn ħaddieħor, hekk li donnhom ma kienux aktar tiegħu, hu wieġbu: "Ibni, jiena nħobb lill-aħwa kif nista'; imma kieku huma *jimxu fuq il-passi tiegħi* (cfr. 1Pt 2,21), jiena nħobbhom aktar, u ma nkunx barrani għalihom. Naf li hemm xi prelati li jridu jiġbduhom lejn direzzjoni oħra, billi jindikawlhom mudelli u eżempji antiki tal-ħajja monastika, u ftit jagħtu kas tat-twissijiet tiegħi. Imma fl-aħħar għad jaraw ir-riżultat tal-ħidma tagħhom". U ftit wara, għalkemm kien maħkum minn marda kerha, *bil-qawwa ta' l-ispirtu* (cfr. S 47,8) qam dritt fi friexu u qal: "Min huma dawk li *jridu jaħtfu minn idejja* (cfr. Ġw 10,28) l-Ordni tiegħi u ta' l-aħwa? Jekk immur fil-kapitlu ġenerali, nurihom x'inhi r-rieda tiegħi"[385]. [2C 188; SP 41]

[45 – Ma kienx jistħi li jittallab il-laħam b'karità għall-aħwa morda]

[645] L-imqaddes Franġisku ma kienx jistħi li jmur fost in-nies tal-belt u jittallab il-laħam għal xi ħadd mill-aħwa li jkun marid. Kien iħeġġeġ iżda lill-aħwa morda biex jilqgħu bis-sabar il-mard tagħhom, u biex ma jitilfux il-kalma jekk xi drabi ma jiġux moqdija f'dak kollu li jkunu jeħtieġu. F'waħda mir-Regoli tiegħu hu kiteb dawn il-kelmiet: "Nitlob għaldaqstant lill-aħwa tiegħi morda kollha, li fil-mard tagħhom ma jitlagħlhomx u lanqas jitħawwdu kontra l-Mulej, jew kontra l-aħwa. U lanqas ma għandhom jitolbu b'insistenza li jingħataw il-mediċini; u lanqas ma għandhom iħabblu rashom iż-żejjed biex ifejjqu l-ġisem, li dalwaqt imut, u li hu għadu tar-ruħ. *Għandhom iroddu ħajr f'kollox* (cfr. 1Tes 5,18), u għandhom jixtiequ li jkunu kif il-Mulej iridhom. Lil dawk li l-Mulej *sejħilhom minn qabel għall-ħajja ta' dejjem* (cfr. Atti 13,48), Hu jhejjijhom permezz tal-flaġell tal-mard, kif hu stess jgħid: *lil dawk li nħobb jiena nwiddibhom u nsaffihom*"[386] (cfr. Lhud 12,6; Apk 3,19). [2C 175; SP 42]

[46 – Tifħir tar-Regola]

[646] Kellu ħeġġa mill-akbar għall-ħajja komuni u l-professjoni tar-Regola, u kien ibierek b'mod speċjali lil dawk li kienu jħarsuha bil-ħeġġa. Kien jgħid li r-Regola hi *l-ktieb tal-ħajja* (cfr. Sir 24,32; Apk 3,5), *it-tama tas-salvazzjoni* (cfr. 1Tes 5,8), il-midullun ta' l-Evanġelju, it-triq tal-perfezzjoni, il-muftieħ tal-ġenna, *il-patt ta' dejjem* (cfr. Ġen 17,13). Ried li kulħadd ikollu kopja tagħha, li kulħadd ikun jafha, u li kullimkien, biex l-aħwa jneħħu l-għażż ta' l-apatija u b'tifkira tal-wegħda li ħalfu, kellhom jimmeditawha *fil-bniedem ta' ġewwa* (cfr. Rum 7,22; Ef 3,16). Kien jgħallem lil kulħadd biex dejjem iżommha quddiem għajnejh bħala turija ta' kif kellu jgħix fil-komunità u, fuq kollox, biex imutu mħaddnin magħha.

---

[385] F'dawn il-kelmiet ta' San Franġisk diġà tinħass it-tensjoni tal-kurrent doppju fi ħdan l-Ordni: kontra l-idejal ta' faqar rigoruż u kontra l-ħajja fl-eremitaġġi tidher ir-rieda li xi aħwa jorganizzaw l-Ordni fuq linji monastiċi. Din it-tensjoni kibret ħafna fis-seklu XIV, meta l-Ispiritwali fl-eremitaġġi kienu ħarġu b'idejal rigoruż ħafna tal-faqar, li mhux dejjem kien ortodoss, u li wara l-inkwiet ta' l-ewwel kwart tas-seklu XIV ġiet mogħtija struttura aktar ortodossa mill-moviment ta' l-Osservanza.

[386] L-aċċenn hu għall-kapitlu 10 tar-*Regula non Bullata* ta' l-1221.

Meta żamm dan kollu quddiem għajnejh, wieħed mill-aħwa lajċi[387], li aħna nemmnu li għandu jiġi meqjum fost il-martri, laqa' l-palma tar-rebħa glorjuża. Waqt li kien qiegħed jinħaqar għall-mewt mis-Saraċini, hu żamm ir-Regola f'idejh, u filwaqt li niżel għarkubbtejh bl-umiltà kollha, qal lil sieħbu: "Ħija l-aktar għażiż, quddiem *l-għajnejn ta' Alla* (cfr. Is 3,8) u quddiemek, jiena nistqarr il-ħtija tiegħi dwar dak kollu li għamilt kontra din ir-Regola". Wara din l-istqarrija qasira laqa' x-xabla li ħasditlu ħajtu bil-martirju, u wara hu beda jiddi *bil-mirakli u l-għeġubijiet* (cfr. 2Kor 12,12). Kien daħal fl-Ordni meta kien għadu tant żagħżugħ li bil-ħniena kien jiflaħ għas-sawm li hemm preskritt fir-Regola; imma, għalkemm kien daqshekk żagħżugħ, kien iġib iċ-ċilizzju fuq il-laħam. Żagħżugħ hieni, li *ta bidu* għal din il-ħajja b'tant ferħ, u *temmha* (cfr. Sir 18,6) aktar hieni. [2C 208; SP 76. 77]

[47 – Kif ried li l-aħwa jingħataw għall-istudju]

[647] Il-missier imqaddes kien jitnikket ħafna jekk l-aħwa kienu jittraskuraw il-virtù biex jingħataw għat-tfittxija ta' l-għarfien, l-aktar fil-każ ta' dawk li *ma kienux jibqgħu sħaħ fis-sejħa li kienu irċevew* (cfr. 1Kor 7,20.24) fil-bidunett. Kien jgħid: "L-aħwa tiegħi li jħallu lilhom infushom jitkaxkru għall-kurżità ta' l-għarfien, għad isibu ruħhom b'idejhom vojta *fil-jum tat-tiġrib* (cfr. Ħos 9,7). Jiena nixtieq bil-ħerqa narahom jissaħħu fil-virtujiet, sabiex meta jiġi fuqhom *iż-żmien tat-tigrib* (cfr. S 36,39), *fid-djieqa* tagħhom ikollhom magħhom *lill-Mulej* (cfr. 2Kron 15,4). Għax *għad jiġu jiem ta' tiġrib* (cfr. S 21,12; Prov 1,27) li fihom il-kotba li ma jiswew għal xejn, jintelqu fl-armadji u l-irkejjen moħbijin". Ma kienx jgħid hekk għax kien kuntrarju għall-istudju ta' l-Iskrittura, imma biex iżomm lil kulħadd 'il bogħod mill-kilba tat-tagħrif fieragħ, u għaliex kien jippreferi li l-aħwa jkunu tajbin fil-karità aktar milli li jkunu ħbieb tal-kurżità. Kien ħabbar minn qabel ukoll li kellu jiġi żmien, mhux wisq fil-bogħod, li fih l-għarfien tax-xjenzi kellu jkun okkażjoni ta' tiġrif. Wara l-mewt deher waqt viżjoni lil wieħed mill-aħwa li xi mindaqqiet kien jingħata għall-predikazzjoni, u ma ħalliehx ikompli, filwaqt li ikkmandah jissokta fit-triq tas-sempliċità. [2C 195; SP 69]

[48 – Kien jobgħod il-għażż u kien irid li l-aħwa kollha jaħdmu]

[648] Kien jgħid li *l-għażżenin* li qatt ma jingħataw għal xi biċċa xogħol tajba, il-Mulej malajr *jirriġettahom minn ħalqu* (cfr. Apk 3,16). L-ebda għażżien ma seta' jidher quddiemu, li ma kienx jagħtih ċanfira kbira. Hu nnifsu kien eżempju ta' kull perfezzjoni, u kien jaħdem u jingħata għax-*xogħol ta' l-idejn* (cfr. 1Kor 4,12; 1Tes 4,11), u kien dejjem ħsiebu li ma jħalli xejn jinħela mid-don prezzjuż taż-żmien. Darba minnhom qal: "Irrid li l-aħwa tiegħi jaħdmu u jingħataw għal xi ħidma, u dawk li ma jafux iħaddmu xi sengħa, għandhom jitgħallmu biex hekk ikunu ta' piż inqas fuq il-bnedmin, u l-ilsien jew il-qalb ma jinfexxux fil-għażż li jġib il-vizzju". Il-qliegħ jew ħlas tax-xogħol ma kienx jitħalla f'idejn min jaħdem biex jagħmel bih li jrid, imma kien jitħalla f'idejn il-gwardjan jew il-fraternità. [2C 161; SP 75]

---

[387] Fil-*Chronica XXIV Generalium*, (*Analecta Franciscana* III,224), insibu wkoll riferiment għal din is-silta, fejn jingħad li dan il-patri kien jismu fra Eletto; għalkemm 2C 208, minn fejn tittieħed l-informazzjoni, ma jsemmi l-ebda isem. L-istess isem insibuh ukoll fil-*Liber de Conformitatum* ta' Bartolomeo da Pisa u fil-*Franceschina* II,256. Il-martirju ta' fra Eletto seħħ fl-1225.

[49 – San Franġisk u San Duminku jiltaqgħu għand il-Kardinal Ugolino]

[649] Fil-belt ta' Ruma, fid-dar tas-Sinjur ta' Ostia, li wara sar Papa, kienu darba jinsabu ż-żewġ kwiekeb ileqqu tad-dinja, jiġifieri San Franġisk u San Duminku[388]. Dak l-isqof, li kien jismagħhom jitkellmu flimkien b'mod ta' l-għaġeb dwar Alla, qalilhom: "Fil-Knisja tal-bidunett ir-ragħajja kienu foqra, kienu bnedmin imħeġġin mill-imħabba u mhux mill-kilba għall-ġid. Għaliex, mela, ma naħtrux bħala isqfijiet u prelati lil dawk fost l-aħwa tagħkom li, minħabba *t-tagħlim u l-eżempju* (cfr. Tit 2,7) jgħaddu lill-oħrajn?"

*Qamet diskussjoni* (cfr. Lq 22,24) bejn iż-żewġ qaddisin dwar min iwieġbu l-ewwel, mhux għax wieħed ried jasal qabel l-ieħor, imma biex jistiednu wieħed lill-ieħor biex jibda jwieġeb.

[388] Duminku Guzman twieled qrib is-sena 1175 fir-raħal ta' Caleruega, provinċja ta' Burgos u djoċesi ta' Osma, fi Spagna. Bl-għajnuna ta' l-isqof ta' Osma Martin de Bazan, sar saċerdot u kanonku tal-kapitlu tal-kattidral. Fl-1201 sar isqof ta' Osma Diego de Acebes, li r-re Alfonso VIII ta' Castiglia bagħatu flimkien ma' Duminku fuq missjoni fid-Danimarka. Wara t-tieni missjoni, fl-1205 Diego u Duminku marru Ruma għand Innoċenz III biex jitolbu l-permess li jmorru missjunarji fost il-Cumani ta' l-Ewropa ta' fuq. Meta l-Papa ma ħallihomx, qabdu triqthom lura lejn Spanja, imma waqfu fl-abbazija ta' Citeaux u fl-1206 waslu Montpellier. Hemmhekk jintebħu bl-ereżija ta' l-Albiġiżi, li kienu qed jagħmlu ħerba fi Franza, u jiddeċiedu li jingħataw għall-predikazzjoni biex jikkonvertu l-eretiċi. Wara l-falliment tal-Legati tal-Papa Duminku jintebaħ li l-uniku mod biex jikkonverti l-eretiċi kellu jkun dak li jgħix fuq il-mudell ta' faqar u predikazzjoni itineranti ta' Kristu u l-Appostli. Duminku jgħaddi fil-belt ta' Toulouse, fejn isib għajnuna kbira mill-isqof Folco fil-ħidma tiegħu ta' predikazzjoni. F'Novembru 1215 jieħu sehem fil-Konċilju Lateran IV flimkien ma' l-isqof Folco. F'Ruma Duminku jerġa' jiltaqa' mal-Papa Innoċenz III, li jagħti l-approvazzjoni tiegħu lil Duminku fis-17 ta' Novembru 1206, filwaqt li dan jagħżel għalih u għall-ewwel aħwa tiegħu r-Regola ta' Santu Wistin. F'Toulouse Duminku u l-aħwa jirċievu l-knisja ta' Saint-Romain. Il-Papa Onorju III fil-21 ta' Jannar 1217 japprova l-Ordni l-ġdid imwaqqaf minn San Duminku, bl-isem ta' *Ordo Praedicatorum*, Ordni tal-Predikaturi. Il-laqgħa bejn San Franġisk u San Duminku għand il-Kardinal Ugolino dei Conti di Segni, skond ir-rakkonti tal-vjaġġi li għamlu f'ħajjithom, setgħet seħħet bejn it-tmiem ta' l-1220 u l-bidu ta' l-1221, jew forsi wkoll bejn l-aħħar xhur ta' l-1217 u s-7 ta' April 1218. Huma biss dawn id-dati li fihom it-tlieta li huma setgħu kienu preżenti Ruma flimkien. It-tradizzjoni li tgħid li San Franġisk u San Duminku iltaqgħu flimkien fil-Konċilju Lateran IV f'Novembru 1215 ma ssibx provi storiċi konvinċenti. Fil-*Fioretti* XVIII, jingħad li San Duminku kien preżenti fil-famuż Kapitlu "tal-ħsajjar" tat-30 ta' Mejju 1221, flimkien mal-Kardinal Ugolino. Anke din il-ġrajja storika ma ssibx dokumenti li jippruvawha. Mill-1220 'il quddiem, l-Ordni tal-Predikaturi beda jiċċelebra l-Kapitlu nhar Pentekoste. Fil-Kapitlu ta' l-1220 saru l-ewwel Kostituzzjonijiet, u l-aħwa Predikaturi intbagħatu għall-evanġelizzazzjoni ta' l-Ewropa kollha kemm hi. Il-metodu ta' predikazzjoni Dumnikana kien dak dottrinali, u l-bijografi tal-qaddis jgħidu li hu dejjem kien jinsisti li l-Patrijiet Predikaturi jistudjaw l-Evanġelju u l-Ittri ta' San Pawl. F'Pentekoste Duminku jiċċelebra t-tieni Kapitlu f'Bologna. Wara li marad minħabba l-vjaġġi twal ta' predikazzjoni tiegħu, Duminku miet f'Bologna fis-6 ta' Awissu 1221. Il-Papa Girgor IX, li kien jafu meta kien għadu Kardinal Ugolino, iddikjarah qaddis bil-Bulla *Fons Sapientiae* fl-1234. L-istess Papa iddikjara: "F'Duminku jiena sibt bniedem li wettaq bis-sħiħ il-ħajja ta' l-Appostli". Il-fdalijiet tiegħu huma meqjumin fil-Bażilika ta' San Duminku f'Bologna. Il-*Fontes* Dumnikani jinkludu l-ħajja ta' San Duminku miktuba mis-suċċessur tiegħu, Jordan of Saxony, *Libellus de principiis Ordinis Praedicatorum* (1233). Hemm rabta kbira bejn San Franġisk u San Duminku. Fil-*Canto XI del Paradiso* tad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri, jingħad: *La provedenza, che governa il mondo / con quel consiglio nel quale ogne aspetto / creato è vinto pria che vada al fondo, / però che andasse ver' lo suo diletto / la sposa di colui ch'ad alte grida / disposò lei col sangue benedetto, / in sé sicura e anche a lui più fida, / due principi ordinò in suo favore, / che quinci e quindi le fosser per guida. / L'un fu tutto serafico in ardore; / l'altro per sapienza in terra fue / di cherubica luce uno splendore*. Dante jgħid li l-Providenza divina, bi pjan li l-moħħ tal-bniedem ma jistax jifhmu, bagħatet fid-dinja *żewġ prinċipji*, Franġisku u Duminku, *għall-ġid* tal-Knisja, għarusa ta' Kristu, biex ikunu *mexxejja* li jgħinuha fil-mixja tagħha lejn l-għarus divin. Franġisku kien jaħraq bl-imħabba bħal Serafin. Duminku kien jiddi bil-għerf bħal Kerubin: it-tifħir ta' l-ewwel wieħed jintrabat mat-tifħir tat-tieni, għaliex il-ħidma tat-tnejn kellha l-istess skop. Dante jqiegħed il-kliem tat-tifħir ta' Franġisku fuq il-fomm tad-Dumnikan San Tumas d'Aquino, filwaqt li jqiegħed it-tifħir ta' San Duminku, fil-*Canto XII*, fuq il-fomm tal-Franġiskan San Bonaventura minn Bagnoregio.

Wieħed beda jrid lill-ieħor iwieġeb qablu, għax it-tnejn kellhom qima kbira wieħed lejn l-ieħor. Fl-aħħar rebħet l-umiltà ta' Franġisku li ma jweġibx l-ewwel wieħed, u Duminku, billi wieġeb l-ewwel wieħed, obda bl-umiltà. Għaldaqstant wieġeb l-imqaddes Duminku u qal lill-isqof: "Sinjur, l-aħwa tiegħi, jekk jifhmu dan, diġà ġew mgħollijin għal ġieħ kbir, u jiena min-naħa tiegħi ma nħallihomx li jilħqu dinjità aktar għolja". Wara din it-tweġiba qasira, l-imqaddes Franġisku miel quddiem l-isqof u qallu: "Sinjur, l-aħwa tiegħi jissejħu minuri biex ma jmur ifettlilhom li *jkunu kbar* (cfr. Mt 20,26). Is-sejħa tagħhom tgħallimhom jibqgħu dejjem fl-umiltà u *jimxu fuq il-passi ta' Kristu* (cfr. 1Pt 2,21) li ċekken lilu nnifsu, sabiex fl-aħħar imbagħad jiġu mgħollijin aktar minn kulħadd *quddiem il-qaddisin* (cfr. Għerf 3,13). Jekk inti trid li jagħmlu frott fil-*Knisja ta' Alla* (cfr. Fil 3,6), ħallihom fis-sejħa tagħhom, mhux biss, imma niżżilhom dejjem aktar 'l isfel ukoll kontra r-rieda tagħhom. U la tħalli qatt li huma jogħlew għall-uffiċċji ta' prelati".

Din kienet it-tweġiba taż-żewġ qaddisin. Meta temmew it-tweġibiet tagħhom, is-Sinjur ta' Ostia ħassu edifikat ħafna mill-kliem li t-tnejn li huma qalulu, u *radd ħajr kbir lil Alla* (cfr. Atti 27,35). Qabel ma telaq l-imqaddes Duminku talab lill-imqaddes Franġisku sabiex jogħġbu jagħtih il-kurdun li kien imħażżem bih. Franġisku, minħabba l-umiltà, qajla kien lest li jagħmel dan, imma dak kompla jitolbu bil-karità kollha. Fl-aħħar rebaħ bl-insistenza tat-talb devot tiegħu, u wara li irċieva l-kurdun libsu b'qima kbira taħt it-tonka. Imbagħad ħadu b'idejn xulxin, u irrikmandaw lil xulxin b'mod mill-aktar ħelu wieħed lill-ieħor. San Duminku qal lil San Franġisk: "Ħija Franġisku, jiena nixtieq li nagħmlu Ordni wieħed mill-aħwa tiegħi u tiegħek, u li fil-Knisja aħna ngħixu taħt l-istess regola ta' ħajja". Meta infirdu minn xulxin, l-imqaddes Duminku qal lil ħafna li kienu hemm preżenti: "*Ngħidilkom is-sewwa* (cfr. Lq 4,25), ir-reliġjużi l-oħrajn għandhom jimxu wara dan ir-raġel qaddis Franġisku, tant hu perfett fil-qdusija tiegħu" [2C 148. 150; SP 43]

[50 – Kif il-Qaddis kien jgħakkes lilu nnifsu u dwar kemm kien juri ħniena ma' l-oħrajn]

[650] Darba minnhom, fil-bidunett ta' l-Ordni, jiġifieri fiż-żmien li fih l-imqaddes Franġisku beda jkollu l-aħwa, kien joqgħod magħhom f'Rivotorto[389]. Lejl minnhom, qrib nofs il-lejl, meta l-aħwa kienu kollha jistrieħu fuq friexhom, wieħed mill-aħwa beda jgħajjat: "Qed immut, qed immur!" L-aħwa kollha qamu b'ħasda fuqhom u bil-biża'. Qam ukoll l-imqaddes Franġisku u qal: "L-aħwa, qumu, u ixegħlu d-dawl". U wara li xegħelu d-dawl l-imqaddes Franġisku qal: "Min għajjat li qiegħed imut?" Dak li kien għajjat wieġeb: "Jiena". U l-imqaddes Franġisku qallu: "X'għandek, ħija? Qiegħed tassew tmut?" U dak: "Iva, qiegħed immut bil-ġuħ". L-imqaddes Franġisku, ta' bniedem mimli mħabba u ħniena delikata li kien, biex dak li kien bil-ġuħ ma jistħix li jkollu jiekol waħdu, mall-ewwel talab lill-aħwa biex iħejju ħalli jieklu lkoll flimkien miegħu. Dawk l-aħwa ftit kienu ilhom li bdew jgħixu dik il-ħajja ta' konverżjoni lejn il-Mulej, u kienu jgħakksu żżejjed lil ġisimhom. U wara li kielu l-imqaddes Franġisku qal lill-aħwa l-oħrajn kollha: "L-aħwa tiegħi, irrid ngħidilkom li kull wieħed minnkom għandu jqis il-ħtiġijiet tan-natura tiegħu; hekk li, jekk xi wħud minnkom jistgħu jmantnu lilhom infushom b'inqas ikel minn ħaddieħor, ma rridx li jimitawhom dawk li għandhom bżonn ta' aktar ikel biex jitrejjqu. Kull wieħed għandu jqis

[389] Rivotorto jinsab fil-pjanura ta' Assisi taħt il-Monte Subasio, ftit kilometri bogħod mill-Porzincola, u qrib ħafna tal-lebbrożarju ta' San Lazzaro d'Arce. X'aktarx li Franġisku u l-ewwel aħwa qagħdu f'Rivotorto fl-1209-1210, wara li ġew lura mill-ewwel laqgħa tagħhom mal-Papa Innoċenz III li approva l-*forma vitae* ta' l-Ordni ġdid. Damu hemm ftit xhur, u mbagħad marru joqogħdu definittivament fil-Porziuncola, li San Franġisk talabha lill-abbati tal-monasteru ta' San Benedetto tal-Monte Subasio (cfr. CA 56).

in-natura tiegħu, u jagħti lil ġisem dak li l-ġisem jeħtieġ. Kif aħna għandna nħarsu rwieħna mill-ikel żejjed, li jagħmel ħsara lill-ġisem u lir-ruħ, hekk ukoll irridu nħarsu rwieħna mis-sawm esaġerat, l-aktar għaliex, kif jgħid il-Mulej, *jiena ħniena nistenna u mhux sagrifiċċju* (cfr. Ħos 6,6; Mt 9,13; 12,7). U żied jgħid: "L-aħwa għeżież tiegħi, dak li llum għamilt, jiġifieri li għall-imħabba ta' dan ħuna aħna kilna flimkien biex hu ma jistħix li jkollu jiekol waħdu, ġejt imqanqal biex nagħmlu biss mill-ħtieġa kbira u mill-karità. Imma ngħidilkom li jiena ma rridx li dan il-fatt jerġa' jseħħ, għaliex ma jkunx jixraq lil dawk li jgħixu l-ħajja reliġjuża. Imma jiena rrid u nikkmandakom li, kull wieħed minnkom għandu jieħu ħsieb jipprovdi lill-ġismu fi spirtu ta' faqar, skond il-ħtieġa li jkun fiha".

Għax l-ewwel aħwa u dawk li ġew warajhom, għal żmien twil ħafna, kienu jgħakksu lil ġisimhom b'astinenza ħarxa mhux biss rigward l-ikel u x-xorb, imma wkoll fis-*sahriet bla rqad, fil-ksieħ u fit-taħbit* (cfr. 2Kor 11,27) u l-ħidma ta' l-id. Fuq il-laħam, taħt ħwejjiġhom, kienu jilbsu ċilizzji ħorox u ħadid iniggeż, meta kienu jistgħu jakkwistawhom. Għaldaqstant il-missier qaddis, meta qjies li b'dawn il-penitenzi ħorox l-aħwa setgħu jimirdu, u li fil-fatt kienu se jimirdu fi żmien qasir, waqt li kienu miġburin għall-kapitlu, hu ikkmanda li l-aħwa ma għandhom jilbsu xejn taħt it-tonka[390].

*Aħna li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 19,35; 21,24; 3 Ġw 12) li hu, minn meta beda jilqa' lill-aħwa, u għal kemm dam jgħix, kien juri ħniena u diskrezzjoni kbira ma' l-aħwa, sakemm huma, fl-ikel u fil-ħwejjeġ l-oħrajn kollha, ma kienux jitbiegħdu mill-għamla ta' faqar u modestja, li huma proprji għall-Ordni tagħna, u li l-aħwa tal-bidu kienu jħarsuhom bir-reqqa. Hu, iżda, sa minn qabel ma kellu l-aħwa, mill-bidu tal-konverżjoni tiegħu u għal ħajtu kollha, kien aħrax ħafna ma' ġismu, għalkemm meta kien żagħżugħ kien bniedem dgħajjef u delikat fin-natura tiegħu, u meta kien għadu jgħix fid-dinja ma setax jgħaddi mingħajr ħafna bżonnijiet u kumditajiet. Darba minnhom, meta qagħad iqis kif l-aħwa kienu tbiegħdu mill-għamla tal-faqar u tal-modestja fl-ikel u f'bosta ħwejjeġ oħrajn, waqt priedka li għamel quddiem l-aħwa kollha miġburin, qalilhom: "Jaqaw l-aħwa jaħsbu li ġismi ma għandux bżonn tal-pjetanza?[391] Imma billi jiena jixraq li nkun ta' eżempju għall-aħwa rigward il-forma ta' ħajja tagħna, jiena rrid nagħmel użu u nkun kuntent mill-ikel fqir u li ma nkunx mogħti li nfittex il-kumdità f'dak li jkolli bżonn". [2C 21. 22; SP 27]

[51 – Dwar kif ikkonvinċa lill-aħwa biex imorru għaċ-ċirka]

[651] Meta l-imqaddes Franġisku beda jkollu l-aħwa, kien jifraħ bil-kbir għall-konverżjoni tagħhom, għaliex bihom il-Mulej kien tah kumpanija tajba. Għall-imħabba u l-qima kbira li kien juri lejhom ma kienx jgħidilhom biex imorru għall-karità, għaliex kien jaħseb li huma jistħu. Imma għalkemm hu kien iħenn għalihom għax jistħu, hu nnifsu kien joħroġ waħdu ta' kuljum għaċ-ċirka[392]. B'dan il-mod hu kien jgħejja ħafna f'ġismu, l-aktar għax meta kien għadu fid-dinja kien

---

[390] Skond il-*Fioretti* XVIII din il-projbizzjoni San Franġisk għamilha fil-Kapitlu "tal-ħsajjar".

[391] Il-"pjetanza", fl-użu monastiku, kienet tikkonsisti fi platt sostanzjuż, li kien ikun magħmul mill-bajd, jew ħut, jew laħam, u li l-irħieb kienu jżiduh ma' l-ikel ordinarju, magħmul minn ħxejjex.

[392] Franġisku kien iħares lejn iċ-ċirka bħala eżerċizzju ta' umiltà, u mhux biss bħala mod kif l-aħwa jipprovdu għall-għajxien tagħhom. Fir-*Regola Bullata* VI, hu jgħid lill-aħwa li għandhom joħorġu "jittallbu bit-tama". Iċ-ċirka hi "l-quċċata ta' l-ogħla faqar" li tagħmel lill-aħwa "werrieta tas-saltna tas-smewwiet". Fil-leġislazzjoni ta' l-Ordnijiet

bniedem delikat u dgħajjef fin-natura tiegħu, kif ukoll minħabba li sar aktar dgħajjef biċ-ċaħdiet kbar u l-ħidma iebsa li kien isofri sa mill-jum li fih kien ħareġ mid-dinja. Għalhekk hu intebaħ li ma setax ikompli jiflaħ għal dik il-ħidma iebsa, u billi l-aħwa kienu ġew imsejħin għal dan id-dmir, anke jekk kienu jistħu, u anke jekk huma ma kienux jagħarfu b'mod sħiħ dak li hu kien qiegħed jagħmel għalihom, imma min-naħa tagħhom huma lanqas kienu prudenti biżżejjed biex jgħidulu: "Aħna wkoll irridu noħorġu nittallbu l-karità". Għalhekk hu qalilhom: "Ħuti u uliedi l-aktar għeżież, ma għandkomx tistħu li toħorġu għall-karità, għaliex minħabba fina *l-Mulej sar fqir* (cfr. 2Kor 8,9) f'din id-dinja. Aħna, fuq l-eżempju tiegħu, għażilna li ngħixu fit-triq tal-faqar mill-aktar veru tiegħu u ta' l-omm l-aktar qaddisa tiegħu. Dan hu l-wirt tagħna li akkwistalna u ħallielna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, lilna u lil dawk kollha li jridu jgħixu fuq l-eżempju tal-faqar qaddis tiegħu". U qalilhom ukoll: "Tassew ngħidilkom li għad jiġu għandna ħafna nobbli u għorrief ta' din id-dinja u jidħlu fl-Ordni tagħna, u jibdew iqisuh ta' ġieħ kbir għalihom li joħorġu jittallbu l-karità. Għalhekk, morru bil-fiduċja u b'qalbkom ferħana biex tittallbu karità bil-barka tal-Mulej Alla. Għandkom tmorru b'qalb aktar ħielsa u ferħana minn dik ta' min imur joffri l-interess tal-mija fil-wieħed, għaliex intom qegħdin toffru l-imħabba ta' Alla lil dawk li tittallbu l-karità mingħandhom. Għidulhom: Agħtuna karità għall-imħabba tal-Mulej Alla, li miegħu xejn, la fis-sema u lanqas fl-art, ma nistgħu inqabbluh". Dak iż-żmien kienu għadhom ftit, u ma setax *jibgħathom tnejn, tnejn* (cfr. Lq 10,1), imma kien jibgħathom wieħed, wieħed fil-kastelli u l-irħula. U ġara li meta kienu jerġgħu lura, kull wieħed kien juri lill-imqaddes Franġisku l-karità li jkun irċieva, u kienu jgħidu wieħed lill-ieħor: "Ara, jiena qlajt karità aħjar minn tiegħek". U hekk l-imqaddes Franġisku kien jifraħ meta kien jarahom daqshekk mimlijin hena u kuntenti. U minn dakinhar kull wieħed minnhom beda jitlob bil-qalb il-permess li jmur jittallab il-karità. [2C 74; SP 18]

[52 – Ma kienx irid li l-aħwa jaħsbu għall-għada]

[652] F'dak l-istess żmien, meta Franġisku kien flimkien ma' l-aħwa li kellu, tant kien mimli safa tal-qalb li, minn dak il-ħin li fih il-Mulej urieh kif kellu jgħix, hu u l-aħwa tiegħu, skond il-għamla ta' l-Evanġelju mqaddes, hu ried u kien jimpenja ruħu biex josserva l-Evanġelju kelma b'kelma matul ħajtu kollha. Lil dak fost l-aħwa li kien jieħu ħsieb tal-kċina ma kienx iħallih li, meta jgħaddi l-fażola lill-aħwa biex jiekluha, din iħalliha fl-ilma fietel mil-lejl ta' qabel, kif suppost li jagħmel, sabiex hekk l-aħwa josservaw dawk il-kliem ta' l-Evanġelju mqaddes: *La toqogħodux titħassbu għall-għada* (cfr. Mt 6,34). Hekk, wara li l-aħwa kienu jispiċċaw il-matutin, dak kien imur jixħethom fl-ilma biex jirtabu. Għal ħafna żmien, bosta mill-aħwa li kienu jinsabu f'postijiet diversi, fejn kienu jgħixu, u l-aktar fl-ibliet, kienu jħarsu din id-drawwa, u ma kienux iridu li jiksbu karità jew jilqgħu aktar minn dak li jkunu jeħtieġu għal dak il-jum. [SP 19]

---

monastiċi kien hemm projbizzjoni li l-irħieb joħorġu jittallbu. Din il-projbizzjoni reġgħet saret waqt il-Konċilju ta' Pariġi fl-1213-1214.

[53 – Id-delikatezza li kellu l-Qaddis lejn wieħed mill-aħwa li marad]

[653] Darba fost l-oħrajn, meta l-imqaddes Franġisku kien jinsab fl-istess post[393], kien hemm miegħu wieħed mill-aħwa li kien raġel spiritwali u li kien anzjan fl-Ordni, u li kien dgħajjef u marid ħafna. Meta l-imqaddes Franġisku kien iħares lejh, kien *jitqanqal bil-ħniena lejh* (cfr. Lq 7,13). Għax billi l-aħwa, kemm dawk morda kif ukoll dawk b'saħħithom, kienu jilqgħu kollox bil-ferħ u s-sabar, u kienu jħaddnu l-faqar bħallikieku għana, u ma kienux joqgħodu jitkarrbu għall-mediċini fil-mard tagħhom, imma x'aktarx kienu jagħmlu bil-qalb dak li ma jaqbilx lill-ġisem, allura l-imqaddes Franġisku qal bejnu u bejn ruħu: "Jekk għada filgħodu kmieni dan ħija jkun jiekol ftit għeneb misjur, naħseb li jagħmillu tajjeb". Hekk, jum minnhom, qam bil-moħbi filgħodu kmieni u sejjaħ lil dak ħuh, u ħadu miegħu f'għalqa tad-dwieli li kien hemm qrib il-knisja, u għażel fergħa li kien fiha għenieqed ta' għeneb misjur u tajjeb għall-ikel. *Qagħad bilqiegħda ħdejn id-dielja* (cfr. Mik 4,4) ma' dak ħuh u beda jiekol l-għeneb, biex hekk dak ma jistħix li jkollu jiekol waħdu. Waqt li kienu jieklu dak ħuh beda jfaħħar lill-Mulej Alla. U dak il-ġest ta' ħniena li għamel miegħu l-missier imqaddes, hu baqa' jiftakru għall-kumplament ta' ħajtu, sakemm dam jgħix, u b'ħafna tqanqil tal-qalb u dmugħ kien ta' spiss jirrakkontah lill-aħwa. [2C 176; SP 28]

[54 – L-isqof ta' Assisi, li daħal bla prudenza fiċ-ċella tal-Qaddis, ħassu jitwaddab 'il barra b'qawwa misterjuża]

[654] Darba oħra, meta l-imqaddes Franġisku kien jinsab fl-istess post, hu kien jirtira biex jitlob fiċ-ċella, li kien hemm wara d-dar. Meta jum minnhom kien jinsab ġewwa fiha, ara ġie l-isqof ta' Assisi biex jarah. Malli wasal u daħal fid-dar, ħabbat mal-bieb taċ-ċella li fiha kien jinsab l-imqaddes Franġisku biex jidħol ġewwa. U ġara li hu fetaħ il-bieb mall-ewwel u daħal fiċ-ċella, li fiha kien hemm ċella iżgħar magħmula mill-qasab, u li fiha kien miġbur l-imqaddes Franġisku[394]. U billi hu kien jaf li l-missier imqaddes kien dejjem jurih familjarità u mħabba, hu baqa' sejjer bil-libertà kollha lejn iċ-ċella ċkejkna tal-qasab, biex jarah. U ġara li, hekk kif daħħal rasu f'dik iċ-ċella, ħabta u sabta, mingħajr ma jaf kif, ħassu mbuttat 'il barra bil-qawwa *tar-rieda tal-Mulej* (cfr. Atti 21,14; S 50,20), għaliex hu ma kienx jistħoqqlu li jara lil Franġisku hemm ġew. Għalhekk reġa' lura fuq il-passi tiegħu u ħareġ minn dik iċ-ċella jitriegħed u mistagħġeb, u quddiem l-aħwa stqarr il-ħtija tiegħu, u li kien nidem li kien ġie dakinhar biex jara lil San Franġisk. [2C 100; LM X,5]

---

[393] Il-kelma Latina *locus* tindika eremitaġġ, u fiż-żmien li fih inkitbet il-CA din kienet kelma li tiddistingwi l-postijet imwarrbin fejn kienu jgħixu l-aħwa mill-*conventus*, li kien ikun il-post li fih l-aħwa jgħixu fil-belt. Il-*locus* li normalment jissemma' b'mod ġeneriku rridu nifhmu neċessarjament għall-Porziuncola, fejn Franġisku ta' spiss kien joqgħod. Eremitaġġi oħrajn soltu jissemmew b'mod espliċitu.

[394] Interessanti dan id-dettall dwar iċ-ċella ta' San Franġisk. Il-qaddis, milli jidher, biex ikun aktar ħieles waqt it-talb u ma jagħtix fil-għajn fil-mumenti li fihom kien jintilef f'Alla, kien talab lill-aħwa biex jibnulu ċella ċkejkna bil-qasab fiċ-ċella tiegħu stess, ħalli jkun jista' jinħeba fiha. Forsi wkoll iċ-ċella li kienu għamlulu l-Klarissi f'San Damiano, u li fiha kien jinsab meta ikkompona l-*Għanja tal-ħlejjaq*, setgħet kienet ċella ta' dan it-tip (*semper in domo et in cellula illa manebat*, CA 78).

[55 – Jeħles lil wieħed mill-aħwa minn tentazzjoni kbira tax-xitan]

[655] Wieħed mill-aħwa, raġel spiritwali u minn ta' l-ewwel li daħal fl-Ordni, kien familjari ħafna ma' l-imqaddes Franġisku[395]. Ġara għalhekk, li darba minnhom hu kien imħabbat għal bosta ġranet minn tentazzjonijiet mill-aktar kbar u ħorox tax-xitan, hekk li kien donnu se jintelaq għal disperazzjoni profonda. Tant kien imħabbat ta' kuljum li kien jistħi iqerr. U kien jgħakkes lilu nnifsu biċ-ċaħdiet, bis-sahriet bla rqad, bid-dmugħ u bid-dixxiplina. Waqt li għal bosta ġranet dam għaddej minn dan it-tiġrib, hekk hu li, skond il-pjan divin ta' Alla, wasal f'dak il-post l-imqaddes Franġisku. Jum minnhom Franġisku kien miexi mhux tant 'il bogħod minn dak il-post, fil-kumpanija ta' wieħed ieħor mill-aħwa u ta' dan li kien imġarrab. Allura Franġisku twarrab minn ħuh l-ieħor u mar jilħaq lil dan li kellu t-tentazzjoni, u qallu: "Ħija l-aktar għażiż, jiena rrid u nobbligak li ma għandekx tħossok marbut li toqgħod tqerr għand ħadd dawk it-tentazzjonijiet u l-ħsibijiet tax-xitan. *La tibżax* (cfr. Mt 1,20), għaliex huma ma jistgħux jagħmlulek ħsara f'ruħek. Bil-permess tiegħi għid seba' *Missierna* kull meta inti *tiġi mġarrab* (cfr. S 106,6). Dak feraħ mhux ftit għall-kliem li qallu, u l-aktar li ma kienx obbligat joqgħod iqerr kull darba, l-aktar għax hu kien iħossu jistħi ħafna kull meta kien ikollu jqerr, u dan kien għalih il-kawża ta' niket spiritwali akbar. U baqa' mistagħġeb bil-qdusija tal-missier imqaddes, għaliex bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu hu sar jaf bit-tentazzjonijiet tiegħu, għalkemm hu ma kien tkellem ma' ħadd dwarhom ħlief mas-saċerdoti; mhux biss, imma ta' spiss kien ibiddel il-konfessur minħabba l-mistħija, għax kien jistħi li saċerdot wieħed ikun jaf kull miżerja u tentazzjoni tiegħu. U minn dak il-ħin stess, li fih kien kellmu l-imqaddes Franġisku, hu safa' meħlus minn kull tiġrib minn ġewwa u minn barra, li kien ilu jsofri għal tant żmien. U għall-grazzja ta' Alla u għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, reġa' ħass kalma u paċi kbira fir-ruħ u fil-ġisem. [2C 124; SP 106]

[56 – Dwar kif ingħata l-knisja tal-Porziuncola]

[656] Meta l-imqaddes Franġisku beda jara li l-Mulej *ried ikabbar il-għadd* (cfr. Atti 6,7) ta' l-aħwa, qalilhom: "Ħuti u uliedi l-aktar għeżież, qiegħed nara li l-Mulej irid ikattarna; għaldaqstant jidhirli lit kun ħaġa tajba u qaddisa li nitolbu lill-isqof, jew lill-kanoniċi ta' San Rufino, jew lill-abbati tal-monasteru ta' San Benedetto biex jagħtuna xi knisja ċkjekna u fqajra fejn l-aħwa jistgħu jitolbu s-sigħat ta' l-Uffiċċju Divin. Maġenb il-knisja huma jistgħu jkollhom xi dwejriet żgħar u foqra mibnijin mit-tajn u mill-qasab, li fihom l-aħwa jistgħu jistrieħu u jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom: għaliex dan il-post mhuwiex xieraq[396], u hu dejjaq wisq biex fih joqgħodu l-aħwa, l-aktar jekk il-Mulej jogħoġbu jżidna fil-għadd, u l-aktar għaliex hawnhekk ma għandniex knisja fejn l-aħwa jistgħu jitolbu l-Uffiċċju Divin. U jekk xi ħadd mill-aħwa jiġri li jmut, ma tkunx ħaġa xierqa li nidfnuh hawnhekk u lanqas f'xi knisja tal-kleru sekular". L-aħwa l-oħrajn *għoġobhom il-kliem li qal* (cfr. Atti 6,5).

Għalhekk l-imqaddes Franġisku qam u mar għand l-isqof ta' Assisi u dawk il-kelmiet li hu kien tenna lill-aħwa, qalhom ukoll lill-isqof. L-isqof wieġbu u qallu: "Ħija, jiena ma għandix l-ebda knisja li nista' nagħtik". Hu mar għand il-kanoniċi ta' San Rufino u qalilhom l-istess kliem; huma weġbuh kif kien wieġbu l-isqof. Tela' mela lejn il-monasteru ta' San Benedetto tal-Monte

[395] Mid-dettalji jidher li hu fra Bernardo da Quintavalle. Imma ma nafux fiż-żgur.
[396] Franġisku qiegħed jirreferi għad-dwejra ta' Rivotorto, li kienet żgħira wisq biex l-aħwa jkollhom spazju fejn jistrieħu u jitolbu.

Subasio[397], u quddiem l-abbati qal l-istess kliem, li kien tenna qabel quddiem l-isqof u l-kanoniċi: għarrfu wkoll dwar dak li kienu weġbuh l-isqof u l-kanoniċi. L-abbati, imqanqal mill-ħniena, ħa l-parir wara li laqqa' l-irħieb għall-kapitlu, u hekk, kif kienet *ir-rieda ta' Alla* (cfr. Atti 21,14; S 50,20), ħallew f'idejn l-imqaddes Franġisku l-aħwa tiegħu l-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, għax din kienet l-ifqar knisja li huma kellhom. Fil-fatt, kienet l-ifqar knisja li kienet teżisti fil-*contado*[398] tal-belt ta' Assisi; proprju kif kien xtaq l-imqaddes Franġisku.

L-abbati qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, aħna tajna widen għal dak li inti tlabt minna; imma rridu li jekk il-Mulej jogħoġbu li l-kongregazzjoni tagħkom tikber, dan il-post għandkom tqisuh bħala r-ras u l-bidu tal-kunventi kollha tagħkom". *Dan il-kliem għoġob* (cfr. Atti 6,5) lill-imqaddes Franġisku u lill-aħwa kollha tiegħu. L-imqaddes Franġisku feraħ bil-kbir li ingħata dak il-post u l-aktar minħabba l-isem tal-knisja ta' Omm Kristu, għax dik il-knisja kienet fqira ħafna u minħabba l-laqam li kienu jafuha bih in-nies: fil-fatt kienu jsejħulha Porziuncola, isem li kellu jħabbar minn qabel li dik il-knisja kellha ssir l-omm u r-ras tal-Patrijiet Minuri fqajrin. L-isem Porziuncola kellu x'jaqsam ma' l-inħawi li fihm kienet mibnija fik il-knisja, li mill-qedem kienet tissejjaħ Porziuncola[399].

Għalhekk l-imqaddes Franġisku kien soltu jgħid: "Il-Mulej ried li l-aħwa ma tingħatalhom l-ebda knisja oħra, u li l-aħwa ma jibnux knisja ġdida u li ma jkollhom l-ebda waħda oħra, għaliex din il-knisja kienet il-profezija li twettqet fil-miġja tal-Patrijiet Minuri". U għalkemm din kienet knisja mill-aktar fqira u kienet għoddha mġarrfa għal żmien twil, in-nies tal-belt ta' Assisi u ta' l-inħawi ta' madwar dejjem kellhom devozzjoni kbira lejn dik il-knisja, u din iktar kibret sallum. Għaliex malli l-aħwa marru joqgħodu hemmhekk, il-Mulej *kattarhom fil-għadd* (cfr. Atti 6,7) u l-

---

[397] L-abbazija ta' San Benedetto al Monte Subasio tinsab xi 6 kilometri 'l barra minn Assisi, ftit 'l isfel mill-Eremo delle Carceri. Il-fondazzjoni ta' din l-abbazija hi antika u mitlufa fiż-żmien. L-ewwel dokument li jitkellem fuqha jġib id-data 1051, u jsemmi li kien monasteru jiddependi mill-abbazija ta' Farfa. Fis-seklu 13, meta kien jgħix San Franġisk, dan il-monasteru kien laħaq il-quċċata ta' l-iżvilupp tiegħu. L-abbazija ta' San Benedetto kienet proprjetarja ta' artijiet kbar, ta' sptar, ta' 10 knejjes u 23 kappelli fit-territorju ta' Assisi, fosthom il-Porziuncola. Fi tmiem is-seklu 14 il-monasteru ġie abbandonat mill-irħieb u sar ċentru ta' difiża taċ-ċittadini maħrubin minn Assisi u mmexxijin mill-familja Fiumi. Fl-1391 l-abbazija ġiet attakkata mit-truppi ta' Perugia u fl-1399 il-*Comune* ta' Assisi abbandunaha u qeridha. Damet għal sekli sħaħ mitluqa u abbandunata. Fl-1405 ingħatat bħala kommenda, u damet hekk sa l-1834, meta għaddiet f'idejn il-Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*. Wara l-1860 saret proprjetà privata, imma fl-1945 il-Benedittini, li sadanittant kienu, u għadhom jinsabu, fil-monasteru ta' San Pietro, f'Assisi, akkwistawha u irrestawraw il-fdalijiet tagħha. Għad hemm il-fdalijiet ta' l-abside tal-knisja abbazjali tas-seklu 11 u kripta romanika, forsi antika aktar, tas-sekli 7-8.

[398] Il-*contado* kien it-territorju agrikolu immedjatament barra mill-ħitan tal-belt, li kien idawwarha dawramejt, u li minnu kien jiddependi ħafna l-għajxien taċ-ċittadini. Cfr. A. Fortini, *Nova Vita di San Francesco*, I/1,9.

[399] Tradizzjoni lokali, li ma ssib l-ebda prova f'dokumenti storiċi, tgħid li l-kappella iddedikata lill-Verġni Marija ta' l-Anġli tal-Porziuncola ġiet mibnija fis-seklu 4 minn xi eremiti li kienu ġejjin mill-Palestina, u li kienu ġabu magħhom xi ġebel mill-qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat. Fis-sena 576 San Benedettu ħa l-kappella għall-irħieb tiegħu. Imma din hi biss leġġenda u tradizzjoni. Arnaldo Fortini, fin-*Nova Vita di San Francesco*, jgħid li l-isem *Porzuncle* jidher fl-arkivji tal-kattidral ta' Assisi għall-ewwel darba fl-1045, u li l-kappella kienet mibnija ċertament fl-1145. Fi żmien San Franġisk kienet kappella tiddependi direttament mill-abbazija ta' San Benedetto tal-Monte Subasio. Franġisku wasal fil-Porziuncola fl-1205-1206, u sewwieha, wara li kien sewwa lil San Damiano o San Pietro della Spina. Il-CA issejjaħ il-Porziuncola *mater et caput pauperum Minorum fratrum*. Dan it-titlu mhux uffiċjali jidher li, b'xi mod, irid ikun komplementari, jekk mhux ukoll, jirrejaġixxi għat-titlu uffiċjali ta' *caput et mater Ordinis Minorum*, li l-Papa Girgor IX kien ta lill-bażilika ta' San Franġisk fl-1230. L-aħwa li kienu qrib San Franġisk kienu jiddefendu l-Porziuncola bħala l-post li fih tassew twieled l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, u li għalhekk kien jixraqlu l-ewwel dinjità fit-tifkira ta' l-aħwa, kif il-post fejn indifen San Franġisk kien jixraqlu l-ewwel dinjità fil-kult uffiċjali mogħti lilu mill-Knisja.

aħbar tal-fama tagħhom infirxet mal-Valle Spoletana kollha kemm hi. Fil-qedem dik il-knisja kienet tissejjaħ Santa Marija ta' l-Anġli, imma n-nies kienu jafuha bħala Santa Marija tal-Porziuncola. Imma wara li l-aħwa bdew isewwuha, l-irġiel u n-nisa ta' dawk l-inħawi kienu jgħidu: "Imxu mmorru Santa Marija ta' l-Anġli".

Għalkemm l-abbati u l-irħieb kienu taw lill-imqaddes Franġisku u lill-aħwa tiegħu dik il-knisja mingħajr l-ebda ħlas jew ċens annwali, imma l-imqaddes Franġisku, bħala għalliem tajjeb u mħarreġ li *ried jibni daru fuq blata soda* (cfr. Mt 7,24), jiġifieri l-fraternità tiegħu fuq il-faqar l-aktar għoli, darba fis-sena kien jibgħat lill-irħieb kannestru ta' ħut li jissejħu *lasche*, bħala sinjal ta' umiltà u faqar, u sabiex l-aħwa qatt ma jkollhom xejn tagħhom li ma jkunx proprjetà ta xi ħaddieħor, u sabiex l-aħwa ma jkollhomx dritt li jbiegħu jew iparrtu xi post bl-ebda mod. U meta l-aħwa kienu jmorru darba fis-sena biex jieħdu l-ħut lill-irħieb, dawk, minħabba l-umiltà ta' l-imqaddes Franġisku, li kien jagħmel dan il-ġest bir-rieda ħielsa tiegħu, kienu jagħtu lilu u lill-aħwa ġarra żejt[400].

*Aħna, li għexna ma'* (cfr. 2Pt 1,18) l-imqaddes Franġisku, *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) li hu kien jgħid, filwaqt li jinsisti fuq il-kelma tiegħu dwar dik il-knisja, li minħabba l-ħafna grazzji li l-Mulej kien urieh f'dak il-post, kien ġie rivelat lilu li l-imqaddsa Verġni kienet tħobb dik il-knisja fost il-knejjes l-oħrajn kollha ta' din id-dinja. Għaldaqstant matul ħajtu kollha hu kien juri lejn dak il-post l-akbar qima u devozzjoni. Sabiex l-aħwa dejjem jibqgħu jgħożżu fit-tifkira ta' qalbhom dik il-knisja, ftit qabel ma miet, fit-Testment tiegħu kiteb li l-aħwa kellhom jagħmlu hekk huma wkoll.

Għax ftit qabel ma miet, quddiem il-ministru ġeneral u l-aħwa l-oħrajn qal: "Il-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola irrid nordna u nħallih lill-aħwa tiegħi bħala testment[401], sabiex l-aħwa juru dejjem lejh l-ogħla qima u devozzjoni. Għaliex hekk kienu jagħmlu l-aħwa mill-bidunett: billi dan il-post hu post qaddis, huma kienu jħarsu l-qdusija tiegħu bit-talb bla head bin-nhar u bil-lejl u billi kienu jħarsu dejjem is-skiet, bl-akbar qima u onestà. Jekk kien jiġri li, xi mindaqqiet, kien ikollhom jitkellmu, dan kienu jagħmluh biex jitkellmu dwar it-tifħir ta' Alla u dwar dak li għandu x'jaqsam *mas-salvazzjoni ta' ruħhom* (cfr. 1Pt 1,9). U jekk kien jiġrilhom, u dan biss darba kultant, li hemmhekk jibdew *jitkellmu bi kliem* bla siwi jew *fieragħ* (cfr. Mt 12,36), huma mall-ewwel kienu jikkoreġu wieħed lill-ieħor. Kienu jgħakksu lil ġisimhom mhix biss *bis-sawm*, imma wkoll *b'ħafna sahriet bla rqad, fil-ksieħ u fil-għera* (cfr. 2Kor 11,27), u *bil-ħidma ta' idejhom* (cfr. S 127,2; Tob 2,19). Bosta minnhom, sabiex ma jkunux għażżenin, kienu jmorru

---

[400] Il-ħut li kienu jieħdu l-aħwa, imsejjħin *lasche,* kienu jistaduhom fix-xmara Tescio. Id-drawwa baqgħet sallum, meta l-Patrjiet Minuri tal-Porziuncola jitilgħu Assisi darba fis-sena, fl-abbazija ta' San Pietro, għand il-Benedittini, biex issir din iċ-ċerimonja, bħala tifkira tal-fedeltà ta' San Franġisk u l-aħwa lejn il-preċett tar-Regola, li l-aħwa ma jkollhom l-ebda proprjetà u bħala turija tal-qima ta' l-irħieb Benedittini lejn l-umiltà ta' San Franġisk.

[401] Raoul Manselli, "Dal Testamento ai testamenti di San Francesco", *Collectanea Franciscana* 46 (1976) 121-129, hu tal-fehma li dawn il-kliem fil-CA huma fdalijiet ta' l-aħħar rieda li San Franġisk kien ħalla rigward il-Porziuncola. Imma nafu li fl-ebda post fit-*Testment* tiegħu San Franġisk ma jsemmi l-Porziuncola u jħalliha bħala wirt lill-aħwa. Għalhekk dan l-istudjuż hu tal-fehma li, x'aktarx, San Franġisk kien iddetta aktar minn żewġ dokumenti (*Testment ta' Siena,* u *Testment ta' San Franġisk*) li jistgħu jitqiesu bħala l-aħħar rieda tiegħu. Imma barra minn dawn iż-żewġ dokumenti ma għandniex ħjiel ta' xi testment ieħor tal-qaddis. Jista' jkun li dawn il-kliem li jġibu l-aħwa sħab ta' San Franġisk jirriflettu prassi li kienet komuni fil-fraternità Franġiskana tal-bidu, rigward il-postijiet fejn l-aħwa kienu jgħixu fl-eremitaġġi. San Franġisk, fil-fatt, ħalla regola ċkejkna msejħa *Regola pro eremitoriis data* (*Regola għall-eremitaġġi*), li n-normi ta' mġieba li tagħti rigward talb u silenzju setgħu kienu meħudin mill-osservanza idejali ta' din l-għamla ta' ħajja fil-Porizuncola.

jgħinu lill-bdiewa foqra fl-għelieqi tagħhom, sabiex dan bħala ħlas jagħtuhom il-ħobż għall-imħabba ta' Alla. B'dawn il-virtujiet u oħrajn bħalhom kienu jqaddsu lilhom infushom u l-post, u dawk kollha li kienu jiġu warajhom, għalkemm mhux bl-istess ħeġġa, kienu wkoll jagħmlu bħalhom għal żmien twil.

Wara, imbagħad, minħabba l-għadd kbir ta' aħwa u nies oħrajn li bdew soltu jiġu f'dan il-post, li fih kienu jirrikorru l-aħwa kollha ta' l-Ordni, u l-aktar dawk li kienu jkunu jridu jidħlu fl-Ordni, ġara li l-aħwa birdu fit-talb u fl-għemejjel tajbin u naqsu fid-dixxiplina u ingħataw għall-*kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36) u li ma jiswa għal xejn u bdew jiġru wara kull ħaġa ġdida tad-dinja, hekk li dan il-post kemm l-aħwa li jgħixu fih kif ukoll ir-reliġjużi l-oħrajn ma għadhomx iżommuh fl-istess qima u devozzjoni li jixraqlu u li jiena nixtieq nara.

Irrid għaldaqstant li dan il-post dejjem jibqa' jiddependi mill-awtorità tal-ministru ġeneral u li hu jimpenja ruħu b'aktar kura u jgħasses biex jipprovdi għal dan il-post fraternità mill-aktar tajba u qaddisa. Il-kjeriċi għandhom jintagħżlu fost dawk l-aħwa li huma l-aktar qaddisin u ta' ħajja li ma ssib xejn xi tgħid fiha, u li jkunu jafu jitolbu l-Uffiċċju bl-aħjar mod fost ħuthom kollha li jinsabu fl-Ordni, u li mhux biss il-bnedmin l-oħrajn, imma wkoll l-aħwa għandhom jisimgħuhom b'qima kbira. L-aħwa lajċi għandhom ikunu qaddisin, u għandhom jintagħżlu bħala irġiel prudenti u onesti, sabiex joffru l-qadi tagħhom f'dak il-post. Irrid ukoll li l-ebda wieħed mill-aħwa jew l-ebda persuna oħra ma tidħol f'dak il-post ħlief il-ministru ġeneral u l-aħwa li jgħixu hemmhekk. U huma ma għandhom jitħaddtu ma' eba persuna oħra ħlief ma' l-aħwa li jgħixu magħhom u mal-ministru, meta hu jżurhom. Irrid ukoll li l-aħwa lajċi li jgħixu hemmhekk ikunu obbligati li ma jgħaddux lill-aħwa l-oħrajn l-ebda kelma jew ħwejjeġ li jqanqlu l-kurżità tal-ġdid li huma jkunu semgħu meta joħorġu fid-dinja, u li ma jkunux ta' ġid għal ruħhom. U għalhekk b'mod speċjali rrid li ħadd ma jidħol f'dan il-post, sabiex l-aħwa jħarsu s-safa u l-qdusija aħjar, u li f'dan il-post ma għandhomx jingħadu kliem fieragħ u li mhux meħtieġ għar-ruħ, imma li kulħadd għandu jaqdi u jżomm ruħu safi u qaddis fl-innijiet u t-tifħir lil Alla. U jekk xi ħadd mill-aħwa li jgħix hawn [imut, il-ministru ġeneral għandu jġib f'dan il-post wieħed ieħor mill-aħwa, ikun minn fejn ikun, sabiex jieħu post dak li jkun miet. Għaliex jekk jiġi żmien li fih l-aħwa u l-postijiet fejn huma jgħixu jonqsu mis-safa u l-qdusija u l-onestà li jixirqu lill-postijiet li fihom joqgħodu, jiena irrid li dan il-post ikun mera u eżempju tajjeb għall-Ordni kollu u jkun bħal kandelabru *quddiem it-tron ta' Alla* (cfr. Apk 4,5) u quddiem il-Verġni mqaddsa, li bih il-Mulej jaħfer id-difetti u l-ħtijiet ta' l-aħwa u jħares dejjem u jiddefendi l-Ordni u x-xitla ċkejkna tiegħu"].

[Darba minnhom, qabel ma beda l-kapitlu ġenerali, li dak iż-żmien kien isir ta' kull sena f'Santa Marija tal-Porziuncola, meta n-nies ta' Assisi intebħu li bil-grazzja tal-Mulej il-għadd ta' l-aħwa kien żdied ħafna, u li billi dawk kollha li kellhom jinġabru hemmhekk għall-kapitlu ma kellhomx ħlief dar fqira u ċkejkna, imsaqqfa bit-tiben, u li l-ħitan tagħha kienu mibnijin mill-qasab u t-tajn, skond kif kienu jibnu l-aħwa meta marru joqogħdu hemmhekk fil-bidunett, wara li sejħu kunsill ġenerali, fi ftit jiem u b'ħeffa u devozzjoni kbira huma bnew hemmhekk dar kbira bil-ġebel u t-tikħil mal-ħajt, u dan mingħajr il-permess ta' l-imqaddes Franġisku, għax hu ma kienx jinsab hemmhekk.

Meta l-imqaddes Franġisku reġa' lura minn xi provinċja fejn kien jinsab u ġie għall-kapitlu u ra dik id-dar mibnija hemmhekk, baqa' mistagħġeb ħafna. U beda jqis u jaħseb li, minħabba dik id-dar, l-aħwa kollha, fil-postijiet li fihom kienu jgħixu u li kellhom jgħixu fihom fil-ġejjieni,

jibdew jibnu jew jikkmandaw li jinbnewlhom djar kbar. Hu kien irid b'mod qawwi li dak il-post ikun il-forma u l-eżempju tal-postijiet l-oħrajn kollha li jgħixu fihom l-aħwa. Għalhekk, qabel ma ntemm il-kapitlu, qam jum minnhom u *tela' fuq il-bejt* (cfr. Lq 5,19) ta' dik id-dar u ikkmanda lill-aħwa biex jitilgħu miegħu, u flimkien ma' l-aħwa beda jwaddab lejn l-art il-madum li kien jgħatti s-saqaf tagħha, għax ried li dik id-dar jeqridha. Meta xi kavallieri minn Assisi u nies oħrajn, li kienu mibgħutin hemmhekk mill-*comune* ta' l-istess belt sabiex iħarsu dak il-post mis-sekulari u mill-barranin, l-aktar għaliex kienu jiġu bi ħġarhom minn kull post biex jaraw lill-aħwa miġburin għall-kapitlu, meta raw li l-imqaddes Franġisku u l-aħwa l-oħrajn riedu jeqirdu dik id-dar, mall-ewwel qalulhom: "Ħuna, dik id-dar hi proprjetà tal-*comune* ta' Assisi, u aħna ninsabu hawnhekk biex inħarsu l-proprjetà tal-*comune*; għalhekk nitolbuk biex ma teqridx id-dar tagħna". L-imqaddes Franġisku qal: "Mela jekk din hi darkom, jiena ma rridx immissha". U mall-ewwel niżel minn fuq il-bejt, flimkien ma' l-aħwa l-oħrajn li kienu telgħu miegħu. Minn dak iż-żmien il-poplu tal-belt ta' Assisi, u għal żmien twil wara, kien iddeċieda li l-*podestà* kellu l-obbligu li jieħu ħsieb tas-saqaf ta' dik id-dar u tat-tiswijiet li hi tkun teħtieġ.

Darba oħra, il-ministru ġeneral ried jibni hemmhekk dar żgħira għall-aħwa li kienu jgħixu f'dak il-post, sabiex huma jkollhom fejn jistrieħu u jitolbu l-Uffiċċju Divin, l-aktar għaliex dak iż-żmien l-aħwa kollha ta' l-Ordni kienu jiġu hemmhekk, u dawk li kienu jkunu jridu jidħlu fl-Ordni kienu wkoll jiġu, hekk li l-aħwa ta hemmhekk kienu mħabbtin ħafna ta' kuljum; u minħabba l-għadd kbir ta' aħwa li kienu jiltaqgħu u jiġu f'dak il-post minn kullimkien, ma kellhomx spazju li fih ikunu jistgħu jistrieħu u jitolbu l-Uffiċċju Divin, hekk li kull wieħed mill-aħwa li kienu jgħixu hemm kien ikollu joffri r-rokna tiegħu li fiha kien jistrieħ lill-aħwa li kienu jiġu. Hekk l-aħwa kienu jbatu minn bosta tiġrib, għaliex wara l-ħidma iebsa tagħhom lanqas kien ikollhom biex jissoddisfaw il-ħtiġijiet tal-ġisem u jieħdu ħsieb tal-ħtiġjiet tar-ruħ.

Meta dik id-dar kienet għoddha inbniet, reġa' lura f'dak il-post l-imqaddes Franġisku, u waqt li kien qiegħed jistrieħ f'ċelltu lejl minnhom u l-għada filgħodu sema' l-istorbju ta' l-aħwa li] kienu jaħdmu hemmhekk, beda jistagħġeb dwar x'seta' kien dak l-istorbju, u mar jistaqsi lil sieħbu u qallu: "*X'inhu dan il-ħoss li qiegħed nisma'* (cfr. 1Slat 4,14) X'inhuma jagħmlu l-aħwa hawnhekk?" U sieħbu irrakkontalu ħaġa, ħaġa dak li huma kienu qegħdin jagħmlu.

Franġisku mall-ewwel sejjaħ għandu lill-ministru u qallu: "Ħija, dan il-post għandu jkun il-forma u l-eżempju għall-Ordni kollu, u għalhekk jiena aktar irrid li l-aħwa li jgħixu hawnhekk ibatu t-tiġrib u l-ħtiġijiet tal-ġisem għall-imħabba tal-Mulej Alla, u li l-aħwa kollha ta' l-Ordni li jiġu hawnhekk għandhom jieħdu eżempju tajjeb dwar kif għandhom ikunu l-postijiet fejn jgħixu meta jaraw il-faqar ta' dan il-post, aktar milli kieku jsibu dak li hu meħtieġ u li jista' jfarraġ lill-ġisem. L-aħwa l-oħrajn ta' l-Ordni, meta jaraw l-eżempju ta' l-aħwa li qegħdin jibnu f'dan il-post jibdew jgħidu: "Fil-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola, li hu l-ewwel post ta' l-aħwa, issa qegħdin itellgħu bini tant kbir u sabiħ, li aħna wkoll nistgħu nibnu djar għalina, għaliex il-post li fih aħna noqogħdu mhux tajjeb biex ngħixu fih". [2C 18-19; SP 7-8. 55]

[57 – Il-qaddis ma kienx irid li jkollu ċ-ċella tiegħu]

[657] Wieħed mill-aħwa, raġel spiritwali, li kien midħla ħafna ta' l-imqaddes Franġisku, kien jgħix f'eremitaġġ[402]. U beda jqis li dalwaqt kien se jasal hemmhekk l-imqaddes Franġisku [u hemmhekk ma kellux post xieraq biex jistkenn fih], u għaldaqstant ħa ħsieb iħejji daqsxejn ta' ċella, f'post maqtugħ għalih waħdu, mhux bogħod mill-eremitaġġ, sabiex l-imqaddes Franġisku [meta jasal ikun jista' jitlob] fiha. U ġara li, ftit jiem wara, wasal l-imqaddes Franġisku. Meta dak ħa lill-imqaddes Franġisku biex jara dik iċ-ċella, dan qallu: "Jidhirli li din iċ-ċella hi sabiħa wisq. Jekk inti trid li jiena noqgħod fiha għal ftit jiem, trid tgħattiha minn ġewwa u minn barra bil-ġebel mhux minġur u miz-zkuk tas-siġar". Dik iċ-ċella ma kienetx tal-ġebel, imma kienet mibnija bl-injam. Imma l-injam kien twavel li kienu ġew inċanati u maqtugħin bis-serrieq u bil-mannara, u għalhekk għal Franġisku deheret li kienet sabiħa wisq. U għalhekk dak il-patri irranġaha mall-ewwel kif kien qallu l-imqaddes Franġisku.

Għax aktar ma ċ-ċelel u d-djar ta' l-aħwa kienu jkunu fqajrin u li fihom tinġabar, aktar Franġisku kien iħossu li għandu jsib il-kenn fihom bil-qalb. Meta kien ilu f'dik iċ-ċella jitlob għal xi ġranet, jum minnhom, waqt li hu kien jinsab barra miċ-ċella u qrib il-post fejn kienu jgħixu l-aħwa, ġie wieħed mill-aħwa u mar fiċ-ċella ta' l-imqaddes Franġisku. U l-imqaddes Franġisku staqsieh: "Minn fejn ġej ħija?" U dak wieġbu: "Ġej miċ-ċella tiegħek". Allura l-imqaddes Franġisku qallu: "Talli għidtli li dik hi ċ-ċella tiegħi, minn issa 'l quddiem irid joqgħod fiha xi ħadd ieħor u mhux jien".

*Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), aktar minn darba konna nisimgħuh jgħid dawk il-kliem ta' l-Evanġelju qaddes: *Il-volpijiet għandhom l-għerien u l-għasafar tas-sema l-bejtiet, imma Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu* (cfr. Mt 8,20; Lq 9,58). U kien jgħid: "Meta l-Mulej kien jinġabar magħluq waħdu f'postijiet imwarrba[403], fejn kien jitlob u *jsum għal erbgħin jum u erbgħin lejl* (cfr. Mt 4,2), hu ma beniex għaliex l-ebda ċella jew dar, imma kien jistkenn fil-blat tal-muntanji". U għalhekk fuq l-eżempju tiegħu, Franġisku ma riedx ikollu la dar u lanqas ċella f'din id-dinja, u lanqas kien irid li jibnuhom għalih. Jekk kien jiġri li xi mindaqqiet jgħid lill-aħwa: "Irranġawli din iċ-ċella", imbagħad wara ma kienx ikun irid joqgħod fiha, minħabba l-kliem ta' l-Evanġelju mqaddes: *La tħabblux raskom* (cfr. Mt 6,24; Lq 12,22). Meta kien qorob lejn il-mewt tiegħu, fit-Testment tiegħu ried li jinkiteb li ċ-ċelel u d-djar kollha ta' l-aħwa kellhom jinbnew biss mit-tajn u z-zkuk, sabiex fihom l-aħwa jħarsu aħjar il-faqar u l-umiltà. [2C 59; SP 9]

---

[402] Skond 2C 59, dan l-eremitaġġ kien dak ta' Sarteano, fit-territorju ta' Siena, fejn imbagħad inbena l-kunvent ta' San Bartolomeo.

[403] L-espressjoni Latina hi *stetit in carcere*, li ma tfissirx li l-Mulej kien magħluq fil-ħabs, imma li kien jinsab maqtugħ waħdu fi spazju limitat biex jitlob. Ir-riferiment għall-kelma latina *carcere* jfakkarna f'wieħed mill-eremitaġġi Franġiskani l-aktar famużi, jiġifieri l-eremitaġġ ta' Le Carceri, li jinsab fuq il-Monte Subasio, ftit 'il bogħod minn Assisi, u li minn dejjem kien jismu *Sancta Maria ad Carcerces*, fis-sens li hu post maqtugħ u xieraq għall-kontemplazzjoni.

[58 – Kif kien irid li jkunu d-djar li jinbnew għall-aħwa]

[658] Darba oħra, meta kien qrib Siena minħabba l-marda ta' għajnejh u kien jibqa' fiċ-ċella, li wara mewtu ġiet mibdula f'kappella minħabba l-qima lejh[404], *messer* Bonaventura, li kien offra dik l-art lill-aħwa, sabiex fiha jibnu l-kunvent, qallu: "X'jidhirlek minn dan il-post?" L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Inti tridni ngħidlek kif għandhom jinbnew il-postijiet li fihom jgħixu l-aħwa?" U dak wieġbu: "Missier, iva, irrid".

Franġisku qallu hekk: "Meta l-aħwa jmorru f'xi belt, li fiha ma għandhomx post fejn joqogħdu, u jsibu lil xi ħadd li jkun lest li jagħtihom biċċa art kemm tkun meħtieġa biex jibnu l-post u jkollhom naqra ta' ġnien tal-ħxejjex u dak li hu meħtieġ għalihom, qabel xejn huma jridu jqisu kemm għandhom bżonn art għall-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-faqar imqaddes, li aħna wegħedna, u l-eżempju tajjeb li huma obbligati li juru lill-oħrajn".

Il-missier imqaddes kien jgħid hekk, għax hu ma ried li għal ebda raġuni l-aħwa, fil-bini tal-kunventi, tal-knejjes, tal-ġonna u ta' ħtiġijiet oħrajn li kellhom jużaw, imorru 'il bogħod minn dak li jitlob minnhom il-faqar, u li għal ebda raġuni ma setgħu ikollhom il-proprjetà ta' dak il-post, imma li fih kellhom jgħixu dejjem *bħal pellegrini u barranin* (cfr. 1Pt 2,11). U għaldaqstant kien irid li l-aħwa ma jkunux numerużi f'kull post li fih jgħixu, għaliex meta l-għadd ta' l-aħwa jkun kbir ikun diffiċli ħafna li wieħed iħares il-faqar. U din kienet ir-rieda tiegħu mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu sa l-aħħar jum qabel miet, sabiex hekk l-aħwa josservaw bil-fedeltà l-faqar imqaddes.

"Imbagħad huma għandhom imorru għand l-isqof ta' dik il-belt u jitolbuh: Sinjur, wieħed raġel għall-imħabba tal-Mulej Alla u għas-salvazzjoni ta' ruħu irid jagħtina biċċa art biex fiha nibnu post fejn ngħixu; imma aħna qed nirrikorru għandek qabel kulħadd, l-aktar għaliex inti l-missier u s-sid ta' l-erwieħ tal-merħla kollha li hi fdata f'idejk, kif ukoll tagħna u ta' l-aħwa l-oħrajn li jixtiequ joqgħodu f'dan il-post. Aħna għalhekk irridu li bil-barka tal-Mulej Alla u tiegħek, inkunu nistgħu nibnu post fejn ngħixu".

Hekk kien jgħid il-qaddis, għaliex il-ġid ta' l-erwieħ li l-aħwa jridu, jista' jseħħ aħjar jekk huma jżommu l-paċi ma' l-isqfijiet, u hekk jiġbdu t-tjieba tagħhom u tal-poplu, aktar milli jiskandalizzaw lill-prelati u lill-kjeriċi, u hekk ma jagħmlux ġid lill-poplu. U kien jgħid: "Il-Mulej sejħilna biex ngħinu l-fidi tal-prelati u tal-kjeriċi ta' ommna l-Knisja mqaddsa; għaldaqstant aħna obbligati li, kemm nistgħu, dejjem inħobbuhom, nagħtuhom ġieħ u nqimuhom. Għalhekk nissejħu Patrijiet Minuri, sabiex kif jgħid isimna, hekk ukoll bl-eżempju u b'għemilna aħna nidhru umli aktar mill-bnedmin l-oħrajn kollha ta' din id-dinja. Sa mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħi, meta infridt mid-dinja u minn missieri skond il-ġisem, il-Mulej *qiegħed il-kliem tiegħu fuq il-fomm* (cfr. Eż 4,15; Is 51,16) ta' l-isqof ta' Assisi sabiex jagħtini pariri tajbin fil-qadi ta' Kristu, u jkun ta' faraġ għalija. U minħabba f'hekk jiena nqis bosta ħwejjeġ oħrajn aktar tajbin fil-prelati,u mhux biss fl-isqfijiet, imma wkoll fis-saċerdoti fqajrin li lilhom irrid inħobb u nqim u nżommhom bħallikieku huma s-sidien tiegħi.

---

[404] Dan kien l-aħħar vjaġġ ta' Franġisku fi Siena, f'April 1226. L-eremitaġġ hu dak ta' Ravacciano jew Alberino, ftit 'il barra minn Siena.

Meta mbagħad jaqilgħu l-barka ta' l-isqof, għandhom imorru u jħaffru gandott wiesgħa[405] madwar l-art li huma jkunu laqgħuha biex jibnu fuqha, u fih għandhom iħawwlu ħajt taz-zkuk u tal-ħaxix, bħala sinjal tal-faqar imqaddes u ta' l-umiltà. Imbagħad għandhom jibnu djar ċkejknin u fqajrin bit-tajn u z-zkuk, u xi ċelel żgħar, li fihom l-aħwa jkunu jistgħu jinġabru biex jitolbu u jaħdmu b'mod onest, filwaqt li jħarsu rwieħom mill-*kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36). Għandhom ukoll jibnu knisja; imma l-aħwa ma għandhomx jibnu knejjes kbar minħabba l-ħtieġa li jippriedkaw lill-poplu jew għal xi ħtieġa oħra, għaliex l-aħwa jkunu aktar umli u jagħtu eżempju aħjar jekk imorru jippriedkaw fil-knejjes l-oħrajn, sabiex iħarsu l-faqar imqaddes u l-umiltà u l-onestà ta' l-istat tagħhom[406]. U jekk xi prelati jew kjeriċi, reliġjużi jew sekulari, kellhom jaslu fil-postijiet ta' l-aħwa biex jippriedkawlhom, u jaraw id-djar foqra u ċ-ċelel u l-knejjes li jkollhom f'dak il-post, huma jibqgħu edifikati ħafna. Għax ta' spiss l-aħwa jibnu kunventi kbar, u hekk jiksru l-wegħeda tal-faqar imqaddes tagħna, u jqajjmu ħafna eżempji ħżiena u skandli fost l-oħrajn. U wara dan, bl-iskuża li jsibu postijiet aħjar u aktar qaddisin, huma jħallu dawk il-postijiet li jkunu bnew, hekk li dawk li jkunu tawhom il-karità, meta jaraw u jisimgħu dan kollu, jibqgħu skandalizzati ħafna u jitħawwdu bil-kbir. U għaldaqstant ikun aħjar li l-aħwa jibnu postijiet żgħar u fqajrin, li fihom josservaw il-professjoni tal-ħajja tagħhom, u jagħtu eżempju tajjeb lill-proxxmu, milli li, kontra dak li ipprofessaw, juru eżempju ħażin quddiem l-oħrajn. Għax kif jiġri xi kultant, l-aħwa jagħtu eżempju ħażin u skandlu meta jħallu l-postijiet ċkejknin u foqra tagħhom, biex imorru jgħixu f'kunventi aktar komdi u kbar". [2C 146; SP 10]

[59 – It-Testment ta' Siena]

[659] Fl-istess ġranet u fl-istess ċella li fiha l-imqaddes Franġisku qal dawn il-kelmiet lil *messere* Bonaventura, lejl minnhom, minħabba l-marda li kellu fl-istonku, billi ried jirremetti, ġralu li, minħabba l-isforz kbir li għamel fuqu nnifsu, irremetta d-demm, u hekk baqa' jirremetti l-lejl kollu, sa ma sebaħ l-għada. Meta l-aħwa li kienu miegħu raw li minħabba d-dgħufija kbira u l-uġiegħ tal-marda tiegħu kien wasal f'xifer il-mewt, tnikktu ħafna u kollha dmugħ bdew jgħidulu: "Missier, issa x'se nagħmlu? Bierek lilna u lill-aħwa l-oħrajn tiegħek. Nitolbuk ukoll biex tħalli lill-aħwa tiegħek xi kliem ta' tifkira ta' l-aħħar rieda tiegħek sabiex, jekk il-Mulej irid isejjaħlek minn din id-dinja, l-aħwa jkollhom dejjem it-tifkira tiegħek u jkunu jistgħu jgħidu: Missierna ħallielna dawn il-kelmiet tiegħu qabel miet, bħala uliedu u ħutu".

---

[405] M. Bigaroni, fl-edizzjoni kritika tal-CA, p. 149, jgħid li s-sens tal-kelma Latina *carbonaria* fil-medjevu kien dak ta' foss li jdur madwar il-ħitan ta' fortizza jew belt. Fl-istorja ta' Foligno ta' l-1280 jingħad: *fuerunt facte nove carbonarie circa civitatem Fulginie* (A. Muratori, *Antiquitates Italicae*). Naturalment, l-użu tal-kelma *carbonaria* fil-kuntest tal-CA ma jirreferix għal foss madwar xi kunvent, għax l-eremitaġġi ta' l-aħwa ma kienux monasteri tal-Benedittini! Jindika pjuttost gandott wiesgħa biex fih l-aħwa jħawlu "ħajt naturali" madwar l-eremitaġġ, permezz ta' zkuk ta' siġar żgħar.

[406] Analiżi bir-reqqa ta' dawn il-*Verba Sancti Francisci* (Kliem ta' San Franġisk), li huma attribwiti lill-pinna ta' fra Leone, turi sitwazzjoni li żviluppat fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri wara l-mewt ta' San Franġisk. Jidher li, min qiegħed jikteb, iqiegħed fuq il-fomm ta' Franġisku kliem li jirreferi għal sitwazzjoni ta' żvilupp kbir li seħħ fl-Ordni, l-aktar permezz tal-proċess ta' klerikalizzazzjoni, li bih l-aħwa ma baqgħux jgħix biss fl-eremitaġġi, imma bl-għajnuna ta' benefatturi bdew jibnu knejjes u kunventi fl-ibliet. Hekk il-ħidma pastorali ta' l-aħwa bdiet issir fil-knejjes tagħhom, li akkwistaw privileġġi ta' knejjes konventwali. Jidher ċar li, min qiegħed jirreferi dan il-kliem ta' San Franġisk, ma kienx japprova dan l-iżvilupp li kien qiegħed iseħħ fl-Ordni, li mhux l-ewwel darba ġab lill-Patrijiet Minuri f'konflitti mal-kleru sekular.

Franġisku għaldaqstant qalilhom: "Sejħuli lil fra Benedetto de Pirato"[407]. Dan kien wieħed mill-aħwa saċerdoti, raġel prudenti u qaddis, li kien fost l-ewwel aħwa li daħlu fl-Ordni, u li kien jiċċelebra l-quddiesa fiċ-ċella ta' l-imqaddes Franġisku; għaliex, għalkemm hu kien marid ħafna, dejjem u sakemm seta', kien ikun irid jisma' l-quddiesa bil-qalb. Malli dak wasal ħdejh, l-imqaddes Franġisku qallu: "Ikteb li jiena nbierek l-aħwa kollha tiegħi, li jinsabu fl-Ordni u li għad iridu jidħlu fih sa l-aħħar taż-żminijiet". Għaliex meta l-aħwa kienu jinġabru għall-kapitlu, l-imqaddes Franġisku dejjem kien ibierek u jassolvi l-aħwa kollha preżenti fi tmiem il-kapitlu, kif ukoll l-aħwa l-oħrajn kollha li kienu fl-Ordni, u kien ukoll ibierek lil dawk kollha li kellhom jidħlu f'dan l-Ordni; u dan kien jagħmlu mhux biss fil-kapitli imma wkoll ħafna drabi oħrajn kien ibierek lill-aħwa kollha li kien fl-Ordni u lil dawk li kellhom jiġu fil-ġejjieni.

L-imqaddes Franġisku kompla jgħidlu: "Billi minħabba d-dgħufija u l-uġiegħ tal-mard ma nistax nitkellem, bi kliem qasir sejjer inħalli lill-aħwa din l-aħħar rieda tiegħi fi tliet kelmiet, u jiġifieri: li bħala sinjal tat-tifkira tal-barka u tat-testment tiegħi dejjem iħobbu lil xulxin, dejjem juru mħabba u jħarsu bil-fedeltà lil *Madonna Povertà*, u dejjem ikunu ubbidjenti u fidili lejn il-prelati u l-kjeriċi l-oħrajn kollha ta' ommna l-Knisja mqaddsa".

Kien ukoll iwissi lill-aħwa biex jibżgħu u jħarsu ruħhom mill-eżempji ħżiena; u kien jisħet lil dawk kollha li, minħabba l-eżempju ħażin tagħhom iwasslu lill-bnedmin biex jidgħu kontra r-Reliġjon u l-ħajja ta' l-aħwa, u l-aktar ta' l-aħwa qaddisa u twajbin, li hekk kienu jiġu avviliti quddiem kulħadd minħabba l-kliem li jingħad. [SP 87]

[60 – Kellu rispett lejn il-knejjes foqra u kien imur inaddafhom]

[660] Fiż-żmien li fih l-imqaddes Franġisku kien jgħix f'Santa Marija tal-Porziuncola, u kienu għadhom ftit l-aħwa, xi mindaqqiet kien imur fl-irħula u l-knejjes ta' madwar Assisi, ixandar u jippriedka lill-bnedmin biex jagħmlu penitenza. Miegħu kien dejjem iġorr xkupa biex jiknes il-knejjes. L-imqaddes Franġisku kien jitnikket ħafna, meta kien jidħol f'xi knisja u kien isibha maħmuġa. Għaldaqstant dejjem, wara li kien jippriedka lill-poplu, xħin itemm il-priedka li jkun għamel, kien jiġbor lis-saċerdoti flimkien, li kienu jgħixu hemmhekk, f'post għalihom waħedhom, sabiex is-sekulari ma jisimgħuhx, u kien jippriedkalhom dwar is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, u l-aktar dwar il-kura u l-qima kbira li kellhom juru biex iżommu l-knejjes indaf, u l-altari u dak kollu li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. [SP 56]

[61 – Il-vokazzjoni ta' fra Giovanni il semplice]

[661] Jum minnhom, l-imqaddes Franġisku mar fi knisja f'ċertu raħal qrib Assisi[408], u beda jiknisha. Dak il-ħin stess in-nies ta' dak ir-raħal intebħu li kien wasal u bdew ixerrdu l-aħbar,

---

[407] Fra Benedetto da Pirato (jew "de Prato", jew "de Piratio") ma nafu xejn dwaru, għax qatt ma jissemma fil-*Fontes*. Il-fatt ġara fi Siena f'April 1226, sitt xhur qabel ma miet San Franġisk. Nafu li fi Siena kien hemm miegħu fra Pacifico (2C 137), u li malli sema' bil-qagħda gravi tal-qaddis, il-vigarju tiegħu fra Elia ħaffef lejn Siena. F'dak il-lejl San Franġisk iddetta dak li hu magħruf bħala t-*Testment ta' Siena*.

[408] Fra Agostino da Stroncone, fl-*Umbria Serafica,* hu l-uniku wieħed li jgħid li dan l-episodju seħħ f'Villa Altiana (forsi Nottiano).

għaliex dawk in-nies kienu jmorru bil-qalb biex jarawh u jisimgħuh. U kien hemm wieħed li sema' li wasal Franġisku, li kien jismu Giovanni[409], raġel ta' sempliċità mill-akbar, li kien qiegħed jaħrat f'għalqa li kellu qrib dik il-knisja, u dan ġie mall-ewwel għandu u sabu jiknes il-knisja; u qallu: "Ħija, agħtini l-ixkupa, għax jiena rrid ngħinek". U wara li ħa l-ixkupa minngħandu beda jiknes il-bqija tal-knisja. Imbagħad qagħad bilqiegħda u qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, jiena ili żmien twil nixtieq naqdi lil Alla, u l-aktar wara li smajt bil-fama tiegħek u ta' l-aħwa tiegħek; imma ma nafx kif niġi nfittxek. Imma issa li l-Mulej għoġbu li narak, jiena irrid nagħmel dak li inti tgħidli".

L-imqaddes Franġisku, meta qies il-ħeġġa tiegħu, feraħ fil-Mulej, l-aktar għaliex dak iż-żmien ftit kellu aħwa, u wkoll għax ra li, minħabba s-sempliċità u s-safa tiegħu, seta' jkun reliġjuż tajjeb. Għalhekk qallu: "Ħija, jekk inti trid tgħix magħna fil-fraternità tagħna, jeħtieġ li inti tħalli warajk *dak kollu li jista' jkollok* (cfr. Tob 1,3) mingħajr ma tagħti skandlu, u *agħtih lill-foqra* (cfr. Mt 19,21), skond il-parir ta' l-Evanġelju mqaddes, għaliex hekk jagħmlu l-aħwa li jiġu miegħi, meta jkunu jistgħu".

Dak, malli sema' dan il-kliem, telaq mall-ewwel fil-għalqa, fejn kien ħalla l-barrin, ħallhom u ġab wieħed minnhom għand l-imqaddes Franġisku filwaqt li qallu: "Ħija, jiena ili naqdi lil missieri u lin-nies ta' dari għal ħafna snin; għalkemm is-sehem tal-wirt li jmissni hu żgħir, irrid nieħu dan il-barri bħala sehemi u *nagħti* lilu *lill-foqra* (cfr. Mt 19,21), kif lilek jidhirlek l-aħjar skond Alla".

Iżda meta l-ġenituri tiegħu u ħutu, li kienu għadhom żgħar, raw li hu ried jitlaqhom, bdew ilkoll kemm huma jibku u jolfqu b'leħen tant għoli f'darhom li l-imqaddes Franġisku tqanqal mill-ġewwieni tiegħu bil-ħniena, l-aktar għax ra li dik kienet familja numeruża u fqira. Għalhekk l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Lestu xi ħaġa ta' l-ikel biex nieklu lkoll flimkien, u tkomplux tibku, għaliex jiena nagħmilkom henjin". Huma għaldaqstant hejjew l-ikel mall-ewwel, u kielu flimkien bil-ferħ. Wara li spiċċaw jieklu l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Dan binkom irid jaqdi lil Alla, u għalhekk ma għandkomx titnikktu, imma tifirħu; u dan mhux biss quddiem Alla, imma wkoll quddiem id-dinja, għaliex dan se jkun jiswielkom għall-ġieħ u l-ġid tar-ruħ u tal-ġisem tagħkom, għaliex intom se toffru parti minn ġisimkom stess biex tagħtu ġieħ lil Alla, u l-aħwa tagħna jsiru kollha uliedkom u ħutkom. Din il-ħlejqa ta' Alla trid taqdi lill-Ħallieq tagħha, u li taqdi lilu jfisser li ssaltan, u għalhekk jiena ma nistax u lanqas ma għandi nerġa' nroddulkom lura lil dan binkom u ħukom. Imma, biex intom ikollkom il-faraġ, irrid li dak li hu ħa minngħandkom, jiġifieri dan il-barri, billi intom foqra, għandu jerġa' jroddu lilkom, għax jixraq li *hu jagħtih lill-foqra* (cfr. Mt 19,21), skond il-parir ta' l-Evanġelju".

Hekk huma tfarrġu ħafna għall-kliem ta' l-imqaddes Franġisku, u l-aktar li ferħu għaliex dak il-barri reġa' ingħatalhom lura, għax tassew kienu foqra. U billi l-imqaddes Franġisku kien iħobbu ħafna [lil fra Giovanni] u kienet togħġbu s-sempliċità u s-safa li kien jara fih u fl-oħrajn, hekk kif hu xidd il-libsa tar-Reliġjon, dejjem kien jieħdu miegħu bħala sieħbu. Hu tant kien sempliċi, li kull ħaġa li kien jagħmel l-imqaddes Franġisku, kien jemmen li jrid jagħmel bħalu.

[409] Dan hu magħruf bħala fra Giovanni il Semplice. Fil-*Vitae SS. Fratrum Provinciae Saxoniae* (seklu XIV), *Archivum Franciscanum Historicum* 18(1925) 213-214, jingħad li miet u indifen fil-Porziuncola. Skond il-*Franceschina* I,106-107, il-konverżjoni tiegħu seħħet fl-1215-1216.

Hekk, meta l-imqaddes Franġisku kien joqgħod f'xi knisja jew xi post imwarrab biex jingħata għat-talb, hu kien ikun irid josservah u jħares lejh, hekk li kien jipprova jimita l-ġesti kollha li kien jagħmel. U jekk l-imqaddes Franġisku kien jinżel għarkubbtejh, jew jerfa' *idejh lejn is-sema* (cfr. Dt 32,40), jew inkella jitniehed jew jisgħol, hu kien jagħmel bħalu. U għalhekk l-imqaddes Franġisku b'ferħ kbir kien iċanfru għal din is-sempliċità tiegħu; imma hu kien iwieġbu: "Ħija, jiena wegħidt li nagħmel dak kollu li tagħmel int; u għalhekk irrid nagħmel dak kollu li narak tagħmel".

L-imqaddes Franġisku kien jistagħġeb u jifraħ meta jara fih dik is-sempliċità u s-safa tal-qalb. Beda jimxi 'l quddiem fil-virtujiet kollha u kien perfett fl-għemil it-tajjeb, hekk li l-imqaddes Franġisku u l-aħwa l-oħrajn kienu jistagħġbu ħafna bil-perfezzjoni tiegħu. Wara ftit taż-żmien hu miet f'dik il-perfezzjoni qaddisa. U l-imqaddes Franġisku, b'ħafna ferħ minn ġewwa u minn barra, kien jirrakkonta lill-aħwa l-oħrajn il-konverżjoni tiegħu, u kien isejjaħlu mhux aktar fra Giovanni, imma san Giovanni. [2C 190; SP 57]

[62 – Jibgħat lil postulant li ma kellux intenzjoni tajba]

[662] Darba minnhom, l-imqaddes Franġisku mar jippriedka fil-provinċja tal-Marche. Ġara li, jum minnhom, meta kien qiegħed jippriedka lin-nies ta' kastell, ġie għandu wieħed raġel u qallu: "Ħija, jiena rrid inħalli d-dinja u nidħol fl-Ordni tiegħek". L-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, jekk inti trid tidħol fl-Ordni ta' l-aħwa, jaqbel li qabel xejn tqassam dak kollu li għandek lill-foqra skond il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, u mbagħad trid tkun lest li tiċħad għal kollox, saħansitra għar-rieda tiegħek". Dak, meta sema' dawn il-kelmiet, telaq bil-għaġġla u, immexxi minn imħabba tal-ġisem u mhux tar-ruħ, qassam il-ġid kollu tiegħu lil niesu tal-familja. Imbagħad mar lura għand l-imqaddes Franġisku u qallu: "Ħija, ara jiena qassamt ġidi kollu". L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Kif għamilt dan?" U dak qallu: "Ħija, jiena qassamt kull ma kelli lil tal-familja, għaliex għandhom bżonn". L-imqaddes Franġisku mall-ewwel intebaħ bl-Ispirtu s-Santu li dak kien bniedem moħħu fil-ġisem, u għalhekk qallu: "Mur lura lejn triqtek, ħija dubbiena, għaliex inti ħallejt ġidek lil tal-familja u issa trid tgħix bil-karità fost l-aħwa". U dak mall-ewwel telaq lejn triqtu, għaliex ma riedx iqassam ġidu lill-foqra. [2C 81]

[63 – Kif Franġisku rebaħ fuq tentazzjoni qawwija]

[663] F'dak l-istess żmien, meta l-imqaddes Franġisku kien joqgħod f'Santa Marija tal-Porziuncola, ġara li, għall-ġid ta' ruħu, ġie maħkum minn tentazzjoni mill-aktar qawwija ta' l-ispirtu, hekk li fil-ġisem u fir-ruħ kien tant imħabbat, li kien saħansitra jaħrab mill-aħwa biex ma jitkellimx magħhom, l-aktar għaliex minħabba din it-tentazzjoni ma kienx jirnexxilu juri ruħu ferħan quddiemhom, kif kien soltu jagħmel. Hu kien jgħakkes lilu nnifsu, mhux biss billi jiċċaħħad mill-ikel, imma wkoll mill-kliem; kien imur ta' spiss biex jitlob fil-bosk li kien hemm qrib il-knisja, sabiex hemmhekk ikun jista' aħjar jisvoga t-tbatija tiegħu u jibki b'ħafna dmugħ quddiem il-Mulej, sabiex il-Mulej, li jista' kollox, jibgħatlu mis-sema xi duwa ta' fejqan minn dak it-tiġrib kollu. Billi kien ilu mġarrab lejl u nhar minn dik it-tentazzjoni għal aktar minn sentejn, ġara jum minnhom, li meta kien qiegħed jitlob fil-knisja ta' Santa Marija, fl-ispirtu tiegħu beda jtenni dawk il-kelmiet ta' l-Evanġelju mqaddes: *Kieku jkollkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-*

*mustarda, kieku tgħidu lil din il-muntanja biex tinqala' minn postha u tiċċaqlaq, u hi tisma' minnkom* (cfr. Mt 17,19). U l-imqaddes Franġisku beda jtenni: "Min hi din il-muntanja?" U sema' min jgħidlu: "Il-muntanja hi t-tentazzjoni tiegħek". U l-imqaddes Franġisku wieġeb: "Mela, *Mulej, ħa jsir minni* (cfr. Lq 1,38) skond il-kelma tiegħek". U mall-ewwel ġie meħlus, u beda jidhirlu illi hu qatt ma kellu dik it-tentazzjoni qabel. [2C 115; SP 99]

[64 – San Franġisk jiekol ma' lebbruż mill-istess skudella]

[664] Darba oħra, meta l-imqaddes Franġisku ġie lura lejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, sab hemmhekk lil fra Giacomo il Semplice[410] flimkien ma' wieħed lebbruż mimli grieħi, li kien ġie hemmhekk dakinhar. Il-missier imqaddes kien ħalla lil dak il-lebbruż u lebbrużi oħrajn li kellhom bosta ġrieħi f'idejn dan il-fra: għaliex dak iż-żmien l-aħwa kienu jaqdu lill-imġiddmin fil-lebbrożarji tagħhom. Dak fra Giacomo kien sar qisu t-tabib ta' dawk fosthom li kienu l-aktar gravi, u bil-qalb kollha kien imissilhom il-ġrieħi tagħhom, inaddafhomlhom u jdewwihomlhom.

L-imqaddes Franġisku qal lil fra Giacomo donnu irid iċanfru: "Inti ma għandekx iġġib lil ħutna kristjani hawnhekk, għaliex taf li dan ma jaqbilx la għalik u lanqas għalihom". L-imqaddes Franġisku kien isejjaħ il-lebbrużi "ħutna kristjani". Hekk qal mela l-missier imqaddes, għaliex għalkemm kien kuntent li l-aħwa jieħdu ħsieb tal-lebbrużi u jaqduhom, imma ma kienx irid li dawk fosthom li jkollhom ħafna ġrieħi joħorġuhom barra mil-lebbrożarju, l-aktar għaliex dan fra Giacomo kien sempliċi ħafna u ta' spiss kien imur fil-knisja ta' Santa Marija flimkien ma' xi lebbruż, u għaliex ukoll il-bnedmin soltu jistmerru u jibżgħu minn dawk il-lebbrużi li jkollhom ħafna ġrieħi. Imma malli qal hekk, l-imqaddes Franġisku mall-ewwel ċanfar lilu nnifsu u mar jistqarr il-ħtija tiegħu lil fra Pietro Cattanio, li dak iż-żmien kien ministru ġeneral, l-aktar għaliex l-imqaddes Franġisku fehem li b'dak il-kliem ta' ċanfir li qal lil fra Giacomo seta' offenda lil dak il-lebbruż. U għalhekk ma jistqarr il-ħtija tiegħu, biex jissoddisfa lil Alla u lil-lebbruż. Imbagħad l-imqaddes Franġisku qal lil fra Pietro: "Jiena irrid nagħmel din il-penitenza li se ngħidlek, u rrid li inti tikkonfermahieli u li *ma tnaqqasli xejn* (cfr. Sir 4,30), minnha". Qallu fra Pietro: "Ħija, agħmel dak li tixtieq". Issa fra Pietro tant kellu qima u tant kien jibża' mill-imqaddes Franġisku, u tant kien jobdih, li bl-ebda mod ma kien se jażżarda jbiddel l-ubbidjenza li ried jagħmel Franġisku, ukoll jekk kien jitnikket ħafna minn ġewwa u minn barra. L-imqaddes Franġisku mela qallu: "Din se tkun il-penitenza tiegħi, jiġifieri li niekol mill-istess skudella flimkien ma' ħuna kristjan".

U hekk ġara, li l-imqaddes Franġisku qagħad fuq il-mejda flimkien mal-lebbruż u ma' l-aħwa l-oħrajn, u ġabhulhom skudella waħda bejniethom it-tnejn. Issa l-lebbruż kien mimli ġrieħi ma' ġismu kollu, u l-aktar is-swaba, li bihom beda jiekol, kienu mimlijin ġrieħi u jqattru d-demm, hekk li, kull meta kien iqiegħdhom fl-iskudella, kien iqattar id-demm minnhom ġewwa fiha. Meta raw dan kollu fra Pietro u l-aħwa l-oħrajn tnikktu mhux ftit, imma ma ażżardaw jgħidulu xejn, minħabba l-biża' mill-missier imqaddes. *Min qiegħed jikteb dan, ra b'għajnejh u jagħti xhieda* (cfr. Ġw 19,35; 21,24). [SP 58]

---

[410] Rigward dan fra Giacomo ma nafu kważi xejn. La Bartolomeo da Pisa u lanqas il-*Franceschina* ma jgħidulna xejn dwaru.

[65 – Il-viżjoni li fra Pacifico kellu fil-knisja ta' Bovara]

[665] Darba fost l-oħrajn l-imqaddes Franġisku kien għaddej mill-Valle Spoletana, u kien miexi flimkien ma' fra Pacifico, li kien mill-Marca ta' Ancona, u li meta kien għadu fid-dinja kien magħruf bħala "re dei versi", għaliex kien raġel nobbli u ġentili, u kantant magħruf li kien ukoll duttur fit-tagħlim tal-kant[411]. Huma sabu kenn fil-lebbrożarju ta' Trevi. U l-imqaddes Franġisku qal lil fra Pacifico: "Ejja mmorru fil-knisja ta' San Pietro di Bovara[412], għaliex jiena rrid noqgħod hemm dal-lejl". Il-knisja ma kienetx tant bogħod mil-lebbrożarju[413], u kienet maqtugħa min-nies, l-aktar għaliex dak iż-żmien il-kastell ta' Trevi kien meqrud[414], hekk li f'dak il-kastell ma kien kważi għadu joqgħod ħadd. U ġara li, meta telaq biex imur fil-knisja, l-imqaddes Franġisku qal lil fra Pacifico: "Erġa' lura fil-lebbrożarju, għaliex jiena rrid noqgħod hawn waħdi dal-lejl, imbagħad għada filgħodu ejja sibni hawnhekk".

L-imqaddes Franġisku baqa' waħdu hemmhekk u beda jitlob il-kumpieta u t-talb l-ieħor tiegħu. Imbagħad ipprova jorqod, imma ma setax, għaliex l-ispirtu tiegħu beda jibża' u jħoss ħafna tentazzjonijiet tax-xitan. Hu qam mall-ewwel, ħareġ barra mill-knisja u immarka lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, filwaqt li qal: "Min-naħa ta' Alla li jista' kollox ngħidilkom, ja demonji, li dak kollu li jippermettielkom tagħmlu l-Mulej tagħna Ġesù Kristu biex tagħmlu ħsara lil ġismi, agħmluh, għaliex jiena mhejji biex nilqa' u nsofri kollox, ġaladarba l-agħar għadu li għandi hu l-ġisem tiegħi: hekk intom *tkunu qegħdin tgħinuni nagħmel ħaqq kontra l-għadu tiegħi* (cfr. Lq 18,3). U mall-ewwel waqfu dawk it-tentazzjonijiet. Hekk reġa' lura fil-*post* li fih kien *imtedd*, u straħ u *raqad* (cfr. 1Slat 3,2.9) fis-sliem.

*Meta sebaħ l-għada* (cfr. Ġw 21,4) fra Pacifico reġa' lura f'dak il-post. L-imqaddes Franġisku kien jinsab jitlob quddiem l-altar fuq ġewwa, fin-naħa tal-kor; fra Pacifico qagħad jistennieh barra mill-kor, billi hu wkoll qagħad jitlob quddiem il-Mulej imsallab. U malli beda jitlob fra Pacifico, ġie merfugħ'il fuq f'estasi, *jekk hux fil-ġisem jew barra mill-ġisem ma kienx jaf* (cfr. 2Kor 12,2.3), u *ra* bosta *tronijiet fis-sema* (cfr. Apk 4,1.4), li fosthom ra wieħed isbaħ mill-oħrajn kollha, glorjuż u mimli dija, *u mżejjen b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż* (cfr. Apk 21,19). Filwaqt li beda jammira s-sbuħija tiegħu, *beda jaħseb bejnu u bejn ruħu* (cfr. Dan 4,16) x'seta' kien dak it-tron u ta' min kien. U mall-ewwel *sema' leħen jgħidlu* (cfr. Atti 9,4): "Dak kien it-tron

---

[411] Il-konverżjoni ta' fra Pacifico "re dei versi" hi rakkuntata minn 2C 106. Qabel ma daħal fl-Ordni kien jismu Guglielmo Divini u kien twieled f'Lisciano d'Ascoli. Kien poeta imperjali, u kien ċertament magħruf ħafna, tant li kienu jsejħulu "re dei versi". San Franġisk ukoll kellu stima kbira tiegħu, tant li talbu jarmonizza r-ritmu ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq* man-noti mużikali u jgħallimha lill-aħwa. Fl-1217 San Franġisk bagħat lil fra Pacifico Franza, fejn hu kien l-ewwel ministru provinċjal, u fejn waqqaf bosta kunventi, fosthom dak ta' *La Cordelle* ta' Vezeley, fejn miet fl-1236. Fl-1223 kien reġa' lura fl-Italja u kien sieħeb San Franġisk fl-aħħar snin ta' ħajtu.

[412] Il-knisja ta' San Pietro di Bovara di Trevi, qrib il-Fonti del Clitunno, għadha teżisti sallum u tidher sewwa mit-triq li tgħaddi taħt Trevi u tibqa' sejra Spello u Assisi. Is-salib li talab quddiemu fra Pacifico x'aktarx hu l-istess wieħed li għad hemm illum fil-knisja, li għandha kurċifiss ta' l-injam tas-seklu XII.

[413] Fl-inħawi qrib ta' Santa Maria di Pietrarossa fuq il-Via Flaminia kien hemm il-lebbrożarji ta' San Tommaso u ta' San Lazzaro. F'xi wieħed minnhom kienu sabu kenn Franġisku u Pacifico. Il-knisja ta' San Pietro di Bovara kienet tinsab xi 3 kilometri bogħod mil-lebbrożarji.

[414] Trevi, fil-fatt, kienet ġiet meqruda fl-1213. Fl-1215 il-kastell kien ingħata lin-nies ta' Foligno, li reġgħu bnewh. B'hekk nafu li dan il-fatt li tirrakkonta l-CA seħħ bejn l-1213 (il-qerda ta' Trevi) u l-1217 (meta Pacifico intbagħat Franza). Jidher ċar fir-rakkont l-ispirtu tal-bidu ta' l-Ordni, meta l-aħwa kienu għadhom jaqdu lil-lebbrużi u jżuru ta' spiss il-lażżaretti anke biex isibu kenn matul il-lejl.

ta' Luċifru, u issa floku se joqgħod fuqu l-imqaddes Franġisku". U wara li ġie lura f'tiegħu, mall-ewwel l-imqaddes Franġisku ħareġ ħdejh. Hu kien pront *inxteħet għal tulu fl-art* f'għamla ta' salib *f'riġlejn* (cfr. Atti 10,25) l-imqaddes Franġisku, għax beda jqisu li qiegħed fil-ġenna, minħabba l-viżjoni li kien għadu kif ra dwaru, u qallu: "Missier, aħfirli dnubieti u itlob lill-Mulej biex jaħfirli u jkollu ħniena minni". U filwaqt *li tah idejh* (cfr. Mt 14,31) l-imqaddes Franġisku qajjmu, u *intebaħ li kellu xi dehra* (cfr. Lq 1,22) waqt li kien jitlob. Hu kien donnu mibdul u beda jitkellem ma' l-imqaddes Franġisku mhux bħallikieku kien ħaj fil-ġisem, imma bħallikieku kien qiegħed isaltan fis-sema. Imbagħad, mill-bogħod, għaliex ma riedx jirrakkonta l-viżjoni tiegħu lill-imqaddes Franġisku, fra Pacifico staqsa lill-imqaddes Franġisku u qallu: "Inti x'jidhirlek minnek innifsek, ħija?" L-imqaddes Franġisku wieġbu u qallu: "Jiena jidhirli li jiena l-aktar midneb kbir li jeżisti fid-dinja". U dak il-ħin stess fra Pacifico ħass min jgħidlu fl-ispirtu tiegħu: "B'dawn il-kelmiet tista' tagħraf kemm *kienet tassew il-viżjoni* (cfr. Dan 8,26) li inti rajt; għaliex, kif Luċifru fil-kburija tiegħu ġie mwaqqa' minn dak it-tron, hekk l-imqaddes Franġisku fl-umiltà tiegħu għad jistħoqqlu jitgħolla u joqgħod fuqu". [2C 122. 123; LM X,3; SP 59. 60]

[66 – Fid-dar ta' Teobaldo Saraceno, fi Rieti, Franġisku jisma' anġlu jdoqq iċ-ċetra]

[666] Darba oħra, meta l-imqaddes Franġisku kien jinsab Rieti, u kien ġie milqugħ fid-dar ta' Teobaldo Saraceno[415] għal ftit jiem minħabba l-marda ta' għajnejh, jum minnhom qal lil wieħed mill-aħwa tiegħu, li meta kien fid-dinja kien jaf idoqq iċ-ċetra[416]: "Ħija, *il-bnedmin ta' din id-dinja* (cfr. Lq 16,8) ma jifhmux il-ħwejjeġ ta' Alla; għaldaqstant, l-istrumenti bħaċ-ċetra, is-salterju ta' għaxar kordi u strumenti oħrajn, li l-bnedmin qaddisin tal-qedem kienu jużawhom biex ifaħħru lil Alla u għall-faraġ ta' ruħhom, issa l-bnedmin jużawhom għall-frugħa u d-dnubiet kontra r-rieda ta' Alla. Jiena irrid li inti, bil-moħbi, takkwista ċetra minngħand xi raġel twajjeb, u biha inti ddoqqli mużika tajba ħalli biha aħna nkantaw it-tifħir tal-Mulej, l-aktar għaliex ġismi tant hu maħqur mill-mard u l-uġiegħ. Jiena nixtieq li b'hekk l-istess tbatija ta' ġismi tinbidel fil-ferħ u fil-faraġ ta' l-ispirtu". Għax l-imqaddes Franġisku, meta kien marid, kien ikkompona xi Tifħir lill-Mulej, li xi mindaqqiet kien ikanta ma' l-aħwa biex ifaħħar lill-Mulej u biex ifarraġ lil ruħu, kif ukoll biex jedifika lill-proxxmu. Dak wieġbu u qallu: "Missier, jiena nistħi immur nakkwista ċetra, l-aktar għaliex in-nies ta' din il-belt jafu li jien kont indoqq iċ-ċetra meta kont għadni fid-dinja; nibża' li jibdew jaħsbu li jiena erġajt waqajt għat-tentazzjoni li ndoqq iċ-ċetra". Għalhekk l-imqaddes Franġisku qallu: "Mela, allura, ħija, ninsewha".

Imma dak il-lejl stess, qrib nofs il-lejl, meta l-imqaddes Franġisku kien għadu mqajjem, fl-inħawi tad-dar li fiha kien mimdud beda jisma' d-diwi tad-daqq ta' ċetra li xi ħadd kien qiegħed idoqqha b'melodija ħafna aktar ħelwa milli qatt sema' kemm kien ilu ħaj. Dak li kien idoqq iċ-ċetra kien jitbiegħed sakemm il-ħoss tad-daqq kemm kemm jinstema' u mbagħad jerġa' jersaq fil-qrib, dejjem għaddej idoqq iċ-ċetra. U dam sejjer hekk għal siegħa sħiħa. L-imqaddes Franġisku fehem li din kienet biċċa xogħol ta' Alla u mhux tal-bnedmin, u għalhekk imtela' b'ferħ kbir u b'hena tfur minn qalbu beda jfaħħar lill-Mulej, li għoġbu jżuru u jimlieh b'faraġ hekk kbir. U

[415] L-istudjuż A. Sacchetti-Sassetti, fl-*Analecta Franciscana*, wera li tassew kien hemm f'Rieti dak iż-żmien wieħed kanonku jismu Teobaldo Saraceno. Ma hemmx qbil, iżda, jekk il-qaddis kienx jinsab f'xi dar privata ta' dan il-kanonku, jew inkella fil-palazz ta' l-isqof ta' Rieti, forsi f'kamra li kienet ta' dan Teobaldo. Il-fatt ċertament ġara fit-tieni nofs ta' l-1225, wara l-operazzjoni ta' l-għajnejn li Franġisku għamel Fonte Colombo.

[416] Hemm min jgħid li dan kien fra Angelo da Rieti, imma jista' jkun ukoll li kien fra Pacifico "re dei versi".

malli qam l-għada filgħodu qal lil sieħbu: "Ħija, jiena tlabt lilek, u ma qdejtnix; imma l-Mulej li *jfarraġ* lil ħbiebu *fil-hemm tagħhom,* dan il-lejl għoġbu jiġi *biex ifarraġni* (cfr. 2Kor 1,4)". U irrakkontalu dak kollu li kien ġara. L-aħwa baqgħu mistagħġbin, għax intebħu li dan kien miraklu kbir. U għarfu li tassew kienet ħidma ta' Alla biex ifarraġ lill-imqaddes Franġisku, u l-aktar għaliex, mhux biss f'nofs il-lejl, imma mat-tielet tokk tal-qniepen[417], il-*podestà* kien ordna li ħadd ma seta' joħroġ fit-toroq tal-belt. U skond dak li irrakkonta l-imqaddes Franġisku, dik il-mużika, għall-ħin ta' aktar minn siegħa, bdiet ġejja u sejra fis-silenzju biex tfarraġlu l-ispirtu tiegħu, mingħajr ma xi ħadd lissen kelma waħda, u kienet tidher li tassew kienet ħidma ta' Alla. [2C 126; LM V,11; *Fioretti*, II Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati]

[67 – Il-miraklu tad-dielja tal-qassis ta' San Fabiano]

[667] Dejjem f'dak l-istess żmien l-imqaddes Franġisku, li kien marid f'għajnejh, kien jinsab fil-knisja ta' San Fabiano[418], li tinsab qrib l-istess belt [ta' Rieti], u li fiha kien jgħix qassis fqajjar. F'dak iż-żmien is-Sinjur Papa Onorju flimkien mal-kardinali kien jinsab f'dik il-belt. Għalhekk ħafna mill-kardinali u kjeriċi oħrajn li kienu mlaħħqin fil-kurja papali, minħabba l-qima u d-devozzjoni li kellhom lejn il-missier imqaddes, kienu ta' kuljum jiġu jżuruh.

Dik il-knisja kellha dielja ċkejkna, li kienet tinsab maġenb id-dar li fiha kien hemm l-imqaddes Franġisku. Dik id-dar kellha bieb għal ġod-dielja, li minnu kienu jgħaddu dawk kollha li kienu jmorru jżuruh, l-aktar għaliex dak iż-żmien l-għeneb kien beda jsir, u l-post kien sabiħ ħafna biex wieħed jieqaf fih. U ġara li, minħabba dawk in-nies kollha, dik id-dielja ġiet meqruda. Għaliex min kien jaqta' l-għeneb u jieklu, min kien jiġbru u jieħdu miegħu, u oħrajn kienu jirfsu ż-żraġen u l-għenieqed b'riġlejhom.

Minħabba f'hekk dak il-qassis tnikket u tħawwad ħafna, mhux biss, imma tilef ukoll is-sabar u qal: "Din is-sena tlift il-frott tad-dielja tiegħi. Għax għalkemm hi żgħira, imma kont niġbor minnha tant għeneb biex nagħmel l-inbid li hu meħtieġ għalija". Meta l-imqaddes Franġisku semgħu jgħid hekk, sejjaħlu għal ħdejh u qallu: "Titħawwadx u titlifx is-sabar, għaliex ma nistgħu nagħmlu xejn dwar dak li ġara. Imma *afda fil-Mulej* (cfr. S 10,2), għaliex Hu, minħabba fija l-qaddej tiegħu, jerġa' jroddlok lura bil-ġid id-danni li sofrejt. Issa għidli: kemm *some*[419] kont tiġbor mid-dielja tiegħek fl-aħjar annati?" U dak il-qassis wieġbu u qallu: "Missier, tlittax-il *soma*". L-imqaddes Franġisku qallu: "Issa toqgħod tinkwieta iżjed, u lanqas ma għandek tgħid kliem li bih turi nuqqas ta' sabar, u lanqas ma għandek toqgħod tgorr ma' ħadd, imma afda fil-Mulej u fil-kliem li qiegħed ngħidlek, u jekk id-dielja tagħtik inqas minn għoxrin *some*, jiena nieħu ħsieb li nroddlok dak li jifdallek".

---

[417] Ferdinand Delorme, fl-edizzjoni kritika tiegħu tal-*Legenda Perusina*, jinnota li din in-nota partikulari ta' l-ordni tal-*podestà* rigward il-*coprifuoco*, ma tistax tkun ħlief dettall li jkun jafu min ikun jgħix f'dak il-post, u jiġifieri li min jikteb dawn ir-rakkonti kien xi ħadd li kien tassew preżenti ma' San Franġisk u midħla tal-postijiet li fihom kien jgħix.
[418] Il-knisja ta' San Fabiano li kien fiha San Franġisk, għadha tidher fil-knisja li hemm fl-eremitaġġ Franġiskan ta' La Foresta. San Franġisk kien jinsab fl-inħawi ta' Rieti, fejn hemm erbgħa santwarji li jfakkru ħafna ġrajjiet ta' ħajtu fil-Valle Reatina: Fonte Colombo, fejn kiteb ir-Regola; Greccio, fejn iċċelebra l-Milied; Poggiobustone, fejn qala' l-maħfra ta' dnubietu; u San Fabiano della Foresta, fejn qagħad għal ftit żmien x'aktarx fis-sajf ta' l-1225. Il-Papa Onorju III u l-kurja papali kienu jinsabu Rieti mit-23 ta' Ġunju 1225 sal-31 ta' Jannar 1226 (cfr. A. Terzi, *Memorie Francescane della Valle di Rieti*, Roma 1955).
[419] *Some* tirreferi għal miżura li bih kien jitkejjel l-għeneb u prodotti oħrajn agrikoli.

Il-qassis ikkalma u żamm is-skiet. U ġara bil-grazzja tal-Mulej, li hu ġabar għoxrin *some* għeneb, mhux inqas minn kemm kien wiegħdu l-imqaddes Franġisku. U dak il-qassis stagħġeb mhux ftit, u n-nies l-oħrajn li semgħu b'din il-ġrajja, qisuha li kienet miraklu kbir, li seħħ għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, l-aktar għaliex dik id-dielja mhux biss kienet meqruda, imma anke kieku kienet f'qagħda tajba u mimlija għeneb, dik id-dielja qatt ma setgħet trodd għoxrin *some* inbid. Għalhekk *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) li kull meta hu kien jgħid: "Hekk hu", jew "hekk se jiġri", tassew hekk kien iseħħ; u aħna rajna bosta għemejjel oħrajn, li hu wettaq, meta kien ħaj, kif ukoll għeġubijiet li wettaq wara mewtu. [SP 104]

[68 – It-tabib joqgħod jiekol ma' l-aħwa Fonte Colombo, u l-Mulej jipprovdi l-ikel]

[668] Dak iż-żmien l-imqaddes Franġisku, minħabba l-marda li kellu f'għajnejh, kien jinsab fl-eremitaġġ ta' l-aħwa ta' Fonte Colombo[420], qrib Rieti. Jum minnhom ġie jżuru t-tabib li kienu jikkura l-għajnejn f'dik l-istess belt u baqa' miegħu għal ftit sigħat, kif kien soltu jagħmel. Meta kien wasal biex jitlaq, l-imqaddes Franġisku qal lil wieħed mill-aħwa: "Mur u offru lit-tabib ikla tajba". Dak wieġbu u qallu: "Missier, bil-mistħija jkolli ngħidlek li llum tant aħna foqra li nistħu li nistednuh biex nagħtuh jiekol". U l-imqaddes Franġisku qal lil dan ħuh: "*Ja nies ta' fidi ċkejkna* (cfr. Mt 8,26), terġgħux iġġiegħeluni ngħidilkom x'għandkom tagħmlu". Dak it-tabib qal lill-imqaddes Franġisku u lill-aħwa: "Ħija, proprju għaliex l-aħwa huma tant foqra, jiena rrid niekol magħhom bil-qalb kollha". Dak it-tabib kien għani ħafna, u għalkemm ta' spiss kienu jistednuh l-imqaddes Franġisku u l-aħwa tiegħu, hu qatt ma kien qagħad jiekol magħhom.

L-aħwa mela telqu u bdew iħejji l-mejda, u bil-mistħija kollha qiegħdu fuqha ftit ħobż u nbid li kellhom, u xi ftit ħxejjex li kienu hejjew għalihom. U malli qagħdu madwar il-mejda, kif kienu lanqas għadhom bdew jieklu, semgħu lil xi ħadd iħabbat fuq il-bieb ta' l-eremitaġġ. Ħareġ wieħed mill-aħwa biex jiftaħ il-bieb. U ara kien hemm mara li ġiebet qoffa kbira mimlija ħobż frisk u ħut: bil-gambli, għasel u żbib, li kienet bagħatithom lil Franġisku waħda mara mill-kastell li kien bogħod kważi seba' mili mill-eremitaġġ. Malli raw dak li ġara, kemm l-aħwa kif ukoll it-tabib stagħġbu mhux ftit meta qiesu s-sempliċità ta' l-imqaddes Franġisku. U t-tabib qal lill-aħwa: "Ħuti, la intom u lanqas jien ma nafu tassew il-qdusija ta' dan ir-raġel". [2C 44; SP 110]

[69 – Lil waħda mara mill-kastell ta' Limisiano jħabbrilha l-konverżjoni ta' żewġha]

[669] Darba minnhom, meta l-imqaddes Franġisku kien sejjer lejn Celle di Cortona, għadda minn triq taħt kastell, li kien jismu Limisiano, qrib l-eremitaġġ ta' l-aħwa fi Preggio[421], waħda mara

[420] CA 78 tgħid li San Franġisk dam f'San Damiano *usque ad quinquaginta dies et plus*, imbagħad fin-numru 81 tgħid: *Dum appropinquaret tempus congruum*, jiġifieri wara li għaddiet il-kesħa tax-xitwa; mela fi Frar-Marzu ta' l-1225, Franġisku mar Fonte Colombo, mhux f'San Fabiano, biex hemmhekk jagħmel il-kura għand tabib minn Rieti, mhux għand it-tobba tal-kurja pontifiċja, għax il-Papa kien għadu ma wasalx Rieti. L-operazzjoni f'għajnejh x'aktarx għamilha malli wasal Fonte Colombo, fi tmiem ir-rebbiegħa jew il-bidu tas-sajf.

[421] L-edituri ta' Quaracchi (*Analecta Franciscana* X,154) identifikaw dan il-post ta' Limisiano (Volusiano) fir-raħal ta' Lisciano Niccone, li mhux tant bogħod minn Passignano sul Trasimeno. Preggio hu kastell antik tal-*contado* ta' Perugia, illum frazzjoni tal-Comune di Umbertide (Perugia).

nobbli mill-istess kastell ħarġet bil-għaġġla kbira biex tiġi titkellem ma' l-imqaddes Franġisku. Meta wieħed mill-aħwa ta' l-imqaddes Franġisku ra lil dik is-sinjura ġejja tilgħeġ bil-ġiri biex tilħaqhom, mar jiġri hu wkoll biex javża lill-imqaddes Franġisku: "Missier, għall-imħabba ta' Alla ejja nistennew lil din is-sinjura, li ġejja warajna, għaliex tidher li ħadet battikata biex tiġi tilħaqna biex tkellimna".

L-imqaddes Franġisku, ta' bniedem mimli mħabba u tjieba li kien, qagħad jistennieha. Meta raha kif kienet waslet hekk bla nifs u b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu u devozzjoni biex tkellmu, qalilha: "X'għandek bżonn sinjura?" Dik il-mara weġbitu u qaltlu: "*Missier,* nitolbok *tberikni*" (cfr. Ġen 27,38). U l-imqaddes Franġisku reġa' qalilha: "Inti miżżewġa jew xebba?" U hi wieġbet: "Missier, ili żmien issa li l-Mulej tani rieda tajba biex naqdih. Jiena kelli u għad għandi xewqa kbira li nsalva ruħi, imma għandi żewġi li hu tant kattiv miegħi li sar għadu tiegħi li ma jħallinix naqdi lil Kristu; minħabba f'hekk ruħi hi mnikkta b'ħafna niket u nixtieq immut". Meta l-imqaddes Franġisku qies il-ħeġġa ta' l-ispirtu li kellha, u l-aktar għaliex kienet għadha żagħżugħa u ta' bixra ħelwa, hu tqanqal bil-ħniena lejha u berikha, filwaqt li qalilha: "Mur u fittex lil żewġek id-dar, u għidlu min-naħa tiegħi, li jiena nħeġġeġ lilek u lilu biex, għall-imħabba tal-Mulej li sofra l-passjoni fuq is-salib biex isalvana, intom *issalvaw irwieħkom* (cfr. Ġen 19,19) għalkemm tibqgħu f'darkom".

Meta dik marret lura u daħlet id-dar, sabet lil żewġha ġewwa, u qaltlu dak li kien qalilha l-imqaddes Franġisku. U żewġha staqsieha: "Minn fejn ġejja?" U hi weġbitu: "Ġejja mill-imqaddes Franġisku li berikni, u li fi kliemu jiena sibt il-faraġ u ruħu ferħet fil-Mulej. Fuq kollox hu qalli, biex min-naħa tiegħu ngħidlek u nitolbok biex aħna *nsalvaw irwieħna* (cfr. Ġen 19,19) ġewwa darna". Malli qaltlu dawn il-kelmiet, għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, niżlet fuqu l-grazzja ta' Alla. Hu weġibha b'ħafna tjubija u umiltà, donnu mibdul f'daqqa waħda mill-Mulej biex isir bniedem ġdid: "Sinjura, mela kif jogħġob lilek ejja naqdu lil Kristu biex *insalvaw irwieħna* (cfr. Ġen 19,19) kif qallek l-imqaddes Franġisku". U martu qaltlu: "Sidi, jiena jidhirli li tkun ħaġa tajba li aħna ngħixu fil-kastità, għaliex din hi virtù li togħġob ħafna lil Alla, u hi ta' mertu kbir". U żewġha weġibha: "Sinjura, lili jogħġobni dak li jogħġob lilek. F'din il-ħaġa u fil-kumplament jiena rrid li r-rieda tiegħi tkun taqbel ma' tiegħek".

Minn dak il-waqt għal diversi snin għexu fil-kastità, u kienu jqassmu ħafna karità lill-aħwa u lill-foqra l-oħrajn, hekk li mhux biss is-sekulari, imma wkoll ir-reliġjużi kienu jistagħġbu bil-qdusija tagħhom, l-aktar għaliex dak ir-raġel kien magħruf li kien bniedem moħħu fil-ħwejjeġ tad-dinja, u issa kien ikkonverta daqshekk malajr. U f'dawn il-ħwejjeġ kollha u f'ħafna għemejjel oħrajn *huma żammew sħiħ sal-mewt* (cfr. Mt 10,22), sakemm it-tnejn mietu ftit jiem wara xulxin. Bosta bkew bil-kbir fuqhom minħabba l-fwieħa tal-ħajja tajba tagħhom, għaliex għal ħajjithom kollha kienu *faħħru u bierku* (cfr. Lq 24,53) lill-Mulej, li kien tahom il-grazzja u s-safa u l-għaqda fl-imħabba biex joffru ħajjithom għall-qadi tiegħu; hekk li *f'mewthom ma nfirdux* (cfr. 2Sam 1,23), għax mietu wara xulxin. Sal-ġurnata tallum dawk li kienu jafuhom għadhom jiftakruhom u jitkellmu dwarhom bħala qaddisin. [2C 38; LM XI,6]

[70 – Ma jilqax fl-Ordni żagħżugħ minn Lucca]

[670] Fiż-żmien li fih ħadd ma kien jiġi milqugħ fl-Ordni mingħajr il-permess ta' l-imqaddes Franġisku[422], fost dawk li ġew biex jidħlu fl-Ordni ġie wkoll l-iben ta' wieħed nobbli minn Lucca[423]. L-imqaddes Franġisku kien marid u kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi[424]. Meta l-aħwa ippreżentaw quddiem l-imqaddes Franġisku dan l-iben tan-nobbli, iż-żagħżugħ miel quddiem l-imqaddes Franġisku, u beda jibki u jolfoq, u jitolbu biex jilqgħu. L-imqaddes Franġisku *intebaħ fin innifsu* x'kien, *u qallu* (cfr. Atti 13,9.10): "O żagħżugħ miżerabbli u moħħok fil-ħwejjeġ tal-ġisem, inti taħseb li *tista' tqarraq bl-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 5,3) u bija? Il-biki tiegħek hu biki skond il-ġisem, u mhux skond l-ispirtu. Malli qallu hekk, ġew il-qraba ta' dak iż-żagħżugħ biż-żwiemel barra l-palazz, u riedu jaħftuh ħalli jerġgħu jeħduh lura lejn id-dar. Malli hu sema' l-ħsejjes taż-żwiemel u ra lil qrabatu ġejjin minn waħda mit-twieqi tal-palazz, hu qam mall-ewwel u *ħareġ barra għandhom* (cfr. Ġw 18,29), u reġa' mar lura magħhom fis-seklu, kif l-imqaddes Franġisku kien għaraf bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. L-aħwa u dawk kollha li kienu preżenti baqgħu mistagħġbin u *bdew ifaħħru lil Alla fil-qaddis tiegħu* (cfr. S 150,1). [2C 40; SP 103]

[71 – Kif meta kien marid xtaq jiekol il-ħut]

[671] Darba oħra, meta kien jinsab fl-istess palazz[425], u kien marid ħafna l-aħwa bdew jitolbuh biex jitfarraġ billi jiekol. Hu għalhekk weġibhom: "L-aħwa, jiena ma għandix aptit niekol, imma jekk iġibuli minn dik il-ħuta li tissejjaħ *squalo*, forsi niekol". Malli qal dan il-kliem, ara ġie wieħed b'kannestru, li fih kien hemm tliet *squali* kbar lesti u magħhom platti bil-gambli, li l-missier imqaddes kien jiekolhom bil-qalb, u li kien bagħathomlu fra Gerardo, il-ministru ta' Rieti[426]. L-aħwa baqgħu mistagħġbin mhux ftit meta qjiesu l-qdusija tiegħu, u kienu jfaħħru lill-Mulej li xabba' lill-qaddej tiegħu, l-aktar għaliex ma kienx possibbli għalihom li jaqtgħulu xewqtu, għaliex kienet ix-xitwa u f'dak ir-reġjun ma setgħux isibu ħuta bħal dik. [SP 111]

---

[422] Din il-preċiżazzjoni, jiġifieri li fil-bidu ta' l-Ordni ma kien jidħol ħadd fil-fraternità mingħajr il-permess ta' San Franġisk, tiġi ripetuta diversi drabi mill-CA, mhux biss, imma talli jingħad li l-kandidati ġodda fl-Ordni kienu jiġu milqugħin fil-Porziuncola. B'mod indirett din il-ħaġa ssib konferma fir-*Regola mhux Bullata* ta' l-1221, kap. 7, imma hawnhekk il-permess jiġi mogħti wkoll lill-Ministri Provinċjali. Meta l-*Anonimo Perugino* jgħid li, fil-bidu, *unusquisque habebat a parte beati Francisci potestatem recipere quos volebat* ("kull wieħed mill-aħwa kellu minn San Franġisk is-setgħa li jilqa' fl-Ordni lil min irid), dawn il-kelmiet jidhru li kienu biss konċessjoni li kienet isseħħ fil-mumenti meta l-Ordni kien għadu nieqes minn kull struttura ġuridika.

[423] Il-Latin jgħid *de Lucam*, u għalhekk hemm min irid jgħid li dan hu l-isem tal-familja: "de Luca". Imma f'dokumenti li instabu Assisi jissemma post li kien qrib il-belt: *tribium Ugolini de Luccha*.

[424] Minn dak li rajna fin-nota 77 jidher li din il-waqfa ta' Franġisku fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi tirreferi għal qabel l-1221. Mela mhijiex dik tas-sajf ta' l-1226, ftit ġimgħat qabel ma miet. Jifher li San Franġisk kien qagħad għand l-isqof ta' Assisi aktar minn darba, meta kien marid. X'aktarx li l-isqof kien jitolbu jiġi għandu meta kien marid, għaliex fil-Porziuncola San Franġisk ma kellu l-ebda kenn u għajnuna tajba kontra l-mard. L-istess ġara meta mar San Damiano fi tmiem ix-xitwa ta' l-1225, forsi biex jeħles mill-umdità kiesħa tal-pjanura li fiha tinsab il-Porziuncola.

[425] Imma din id-darba ma tirreferix għall-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, imma għal dak ta' l-isqof ta' Rieti. Ir-raġuni hi sempliċi: kien ikun diffiċli li fra Gerardo minn Rieti jibgħat il-ħut frisk lil Franġisku, li kien Assisi.

[426] Dwar min kien dan fra Gerardo ma nafux aktar. Ma hemmx dettalji oħrajn dwaru la fi *Speculum Perfectionis* u lanqas fil-*Franceschina*, għalkemm Salimbene da Parma jsemmi lil ċertu fra Gerardo da Modena.

[72 – Jaqra fil-qlub ta' l-aħwa]

[672] Darba minnhom l-imqaddes Franġisku kien miexi flimkien ma' wieħed mill-aħwa minn Assisi, raġel spiritwali[427], li kien ġej minn familja nobbli u qawwija. L-imqaddes Franġisku, li kien raġel dgħajjef u marid, kien riekeb fuq ħmar. Dak, billi kien *għajjien mill-vjaġġ beda* jaħseb *bejnu u bejn ruħu* (cfr. Ġw 4,6; Lq 11,38) u jgħid: "Il-ġenituri tiegħu mhumiex nobbli bħall-ġenituri tiegħi, u ara hu riekeb, u jiena miexi warajh għajjien mejjet biex insuqlu l-bhima". Billi *intebaħ b'dak li dak kien qiegħed jaħseb* (cfr. Mt 1,20), l-imqaddes Franġisku mall-ewwel niżel mill-ħmar u qallu: "Ħija, mhix ħaġa ġusta u lanqas xierqa, li jiena riekeb u inti miexi, għaliex fis-seklu int kont aktar nobbli u qawwi minni". U dak beda jistħi mhux ftit u baqa' miblugħ, u bid-dmugħ f'għajnejh *inxteħet f'riġlejh* (cfr. Est 8,3) u stqarrlu dak li kien qed jaħseb, u qallu x'kienet il-ħtija tiegħu; u baqa' mistagħġeb ħafna bi qdusitu għaliex kien għaraf mall-ewwel dak li kien qiegħed jaħseb. Meta l-aħwa f'Assisi talbu lis-Sinjur Papa Girgor u lill-kardinali biex jikkanonizzaw lill-imqaddes Franġisku, hu ta xhieda ta' dan il-fatt quddiem is-Sinjur Papa u l-kardinali. [2C 31]

[73 – Fi Greccio jbierek miċ-ċella tiegħu lil wieħed mill-aħwa]

[673] Wieħed mill-aħwa[428], raġel spiritwali u ħabib ta' Alla, kien jgħix fil-post ta' l-aħwa fi Rieti; u qam jum minnhom u b'devozzjoni kbira ġie fl-eremitaġġ ta' l-aħwa fi Greccio, fejn kien jinsab l-imqaddes Franġisku, għaliex xtaq jarah u jirċievi l-barka tiegħu. L-imqaddes Franġisku kien diġà kiel u kien reġa' lura fiċ-ċella fejn kien jitlob u jistrieħ. Billi kien ir-Randan, ma kienx joħroġ miċ-ċella ħlief fil-ħin ta' l-ikel, u mbagħad kien jerġa' lura fiċ-ċella mall-ewwel. Tnikket mhux ftit dak ħuh, għax meta wasal ma sabux, u beda jaħseb li din kienet kollha ħtija ta' dnubietu, l-aktar għaliex kellu jerġa' lura lejn il-kunvent tiegħu dakinhar stess.

Għalhekk, wara li l-aħwa ta' l-imqaddes Franġisku farrġuh, hu nfired minn magħhom u tbiegħed minn dak il-post *daqs tefgħa ta' ġebla* (cfr. Lq 22,41) biex jerġa' lura lejn il-kunvent. Imma l-imqaddes Franġisku, *bir-rieda ta' Alla* (cfr. Atti 21,24; S 50,20), ħareġ barra miċ-ċella u sejjaħ lil wieħed mill-aħwa, li kien qiegħed jakkumpanja lil dak ħuh sal-Fonte del Lago, u qallu: "Għid lil dak ħija biex iħares lejja". Meta dak dawwar ħarstu fuq l-imqaddes Franġisku, dak immarkah bis-sinjal tas-salib u bierku. Hu imtela' bil-ferħ fir-ruħ u fil-ġisem, u beda jfaħħar lill-

[427] 2C 31 isemmih bħala fra Leonardo d'Assisi, li kien wieħed mill-aħwa tal-qaddis, anke jekk mhux wieħed minn tal-bidunett, u li xehed għall-estasi tal-qaddis waqt l-ikla ta' San Damiano (B. Bughetti, "Analecta de S. Francisco", in *Archivum Franciscanum Historicum* 20 (1927) 1066ss). Ma jidhirx li għandha fundament it-teżi ta' Arnaldo Fortini (*Nova Vita di San Francesco* II,146), li jgħid li dan kien Leonardo di Gislerio. Ir-riferiment għall-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk li tagħlaq biha s-silta hi prezzjuża bħala prova li, għalkemm ma għandniex l-atti tal-proċess kanoniku, fil-fatt dan sar quddiem il-Papa Girgor IX. Dan id-dettall dwar fra Leonardo li jixhed fil-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk juri li dan il-proċess seta' kien wieħed mid-dokumenti li ikkonsulta l-kompilatur tal-CA, flimkien ma' 2C u r-*rotuli* ta' fra Leone.

[428] Jidher li dan kien fra Riccerio, minħabba x-xebħ li hemm bejn din is-silta u oħra f'1C 49 u 2C 44bis. Riccerio kien ġej minn familja nobbli; kien ikkonverta Bologna, flimkien ma' fra Peregrino, meta iltaqa' mal-qaddis waqt li kien f'din il-belt biex jistudja (*Actus* 36). Aktar tard sar Ministru Provinċjal tal-Marche. Xi mindaqqiet jissemma' Riccerio "della Marca", xi drabi oħrajn Riccerio "di Muccia o Mucia", raħal fuq it-triq bejn Macerata u Foligno, fil-Marche. Ma għandniex inħalltuh ma' fra Riccerio da Todi. Il-*Martiroloġju* ta' Hueber jgħid li hu miet fl-1236. Jissemma wkoll fil-*Fioretti* 27.

Mulej li qatagħlu xewqtu, u imtela' b'faraġ kbir meta qjies li r-rieda ta' Alla kienet dik li l-qaddis ibierku, mingħajr ma hu talbu jew qallu xejn.

Hekk sħab l-imqaddes Franġisku u l-aħwa l-oħrajn ta' dak il-post stagħġbu; għaliex huma bdew iqisu li dak kien miraklu kbir, billi ħadd minnhom ma kien avża lill-imqaddes Franġisku bil-miġja ta' dak ħuh; u wkoll għaliex l-ebda wieħed minn sħab San Franġisk u l-ebda wieħed ieħor mill-aħwa ma kien jażżarda jmur għandu jekk hu ma jsejjaħlux. U mhux biss hemmhekk, imma kull fejn kien jgħix l-imqaddes Franġisku biex jingħata għat-talb, kien ikun irid jibqa' maqtugħ għalih waħdu, u ma kien ikun irid lil ħadd imur għandu jekk ma jsejjaħlux. [2C 45; LM XI,12]

[74 – Iċanfar lill-aħwa ta' Greccio għall-mejda li hejjew fil-Milied; iż-żjara tal-Kardinal Ugolino fil-Porziuncola; tifħir lin-nies ta' Greccio]

[674] Darba waħda ġie wieħed mill-ministri ta' l-aħwa għand l-imqaddes Franġisku, li kien qiegħed jgħix f'dak l-eremitaġġ [Greccio], biex jiċċelebra miegħu l-festa tal-Milied tal-Mulej[429]. U ġara li l-aħwa ta' dak il-post hejjew il-mejda, minħabba li kien il-Milied u għax kien hemm dak il-ministru, billi żejjnuha bi tvalji sbieħ u bojod li kienu iddubbaw u b'tazzi tal-ħġieġ biex jixorbu minnhom. L-imqaddes Franġisku niżel miċ-ċella tiegħu biex jiekol. Meta ra l-mejda merfugħa 'l fuq mill-art u mżejjna b'tant kura, ħareġ barra bil-moħbi ta' l-aħwa u ħa miegħu l-kappell u l-bastun li kien iġorr f'idejh wieħed raġel fqir li kien wasal hemmhekk dakinhar. Sejjaħ minn taħt l-ilsien lil wieħed mill-aħwa, u ħareġ barra mill-bieb ta' l-eremitaġġ, filwaqt li l-aħwa li kienu ġewwa ma ntebħu b'xejn.

Sadanittant l-aħwa daħlu għall-mejda biex jieklu, għaliex kienu imdorrijin li jekk il-missier imqaddes ma kienx jasal fil-ħin għall-ikel, meta l-aħwa kienu jinġabru għax riedu jieklu, hu kien iridhom li jibdew jieklu mingħajru. Sieħbu għalaq il-bieb u baqa' ġewwa, maġenb il-bieb.

L-imqaddes Franġisku ħabbat il-bieb u dak mall-ewwel fetaħlu, u hu daħal bil-kappell wara dahru u bil-bastun f'idejh bħallikieku kien pellegrin. Hekk ġie quddiem il-bieb tad-dar fejn l-aħwa kienu qegħdin jieklu, u beda jsejjaħ bħal wieħed fqir u jgħid lill-aħwa: "Għall-imħabba tal-Mulej Alla agħmlu karità ma' dan il-pellegrin fqir u marid".

Dak il-ministru u l-aħwa l-oħrajn għarfuh mall-ewwel. Il-ministru wieġbu u qallu: "Ħija, aħna foqra bħalek, u billi aħna ħafna, hu meħtieġ għalina l-ikel mogħti b'karità. Imma għall-imħabba ta' dak il-Mulej li inti semmejt ismu, idħol magħna u naqsmu miegħek mill-karità li l-Mulej ta lilna". Malli daħal u qagħad quddiem il-mejda ta' l-aħwa, il-ministru tah l-iskudella li minnha kien jiekol, u l-ħobż ukoll. Hu ħadhom minn idejh u ma jintasab ma' l-art ħdejn in-nar

[429] Din is-silta ma taqbilx ma' 2C 61, fejn jingħad li dan l-episodju seħħ għall-festa ta' l-Għid il-Kbir. Fin-nota tiegħu għal *Leggenda Perugina*, Delorme jikkonkludi li Celano f'dan il-każ ikkoreġa l-fonti li uża. Terzi, *Memorie Francescane della Valle di Rieti*, Roma 1955, 149, jinnota li fil-medjevu kien komuni li l-Milied jissejjaħ *Pascha Nativitatis*. Ukoll bil-Malti għandna nużaw espressjonijiet bħal "Għid ta' l-Imwiet", "Għid ta' l-Assunta", biex nindikaw solennitajiet kbar fil-kalendarju liturġiku. Fil-prologu ta' *Scala Paradisi*, tradotta mill-grieg minn Angelo Clareno, naqraw: "Fil-lejl ta' l-Għid tal-Milied" (L. Oliger, *Expositio Regulae*, Quaracchi 1912, XXXV), u fra Mariano da Firenze jikteb sempliċement: *Nocte Nativitatis Domini*. Jista' jagħti l-każ li Celano biddel l-isem tal-Milied f'dak ta' l-Għid biex jikkonkludi r-rakkont bir-riferiment għal Kristu irxuxtat, li jidher bħala pellegrin fqir lid-dixxipli ta' Għemmaws.

quddiem l-aħwa, li kienu bilqiegħda mal-mejda aktar fil-għoli, u filwaqt li tniegħed qal lill-aħwa: "Meta rajt din il-mejda imżejna b'tant ġieħ u kura, ħsibt li din mhijiex il-mejda ta' reliġjużi foqra, li ta' kuljum joħorġu jittallbu bieb, bieb. Aħna jaqblilna aktar mir-reliġjużi l-oħrajn li f'kollox nimxu fuq l-eżempju ta' l-umiltà u tal-faqar, għaliex għalhekk ġejna msejħin u dan aħna ipprofessajna li ngħixu quddiem Alla u l-bnedmin. Hawnhekk jidhirli li nista' noqgħod bilqiegħda bħala wieħed mill-aħwa".

L-aħwa bdew jistħu għaliex intebħu kemm kien veru dak li kien qiegħed jgħid l-imqaddes Franġisku. Xi wħud minnhom, meta rawh bilqiegħda ma' l-art, bdew jibku ħafna, għaliex intebħu b'liema mod qaddis u onest kien ikkoreġihom.

Hu kien jgħid ukoll li l-aħwa għandhom iħejju postijiet fejn jieklu li jkunu tant umli u fqajrin li s-sekulari jiġu edifikati. Jekk kienu jistiednu lil xi fqir biex jiekol magħhom, huma kienu jqiegħduh bilqiegħda magħhom, u mhux il-fqir ma' l-art u l-aħwa bilqiegħda fil-għoli. [2C 61; SP 20]

[675] Is-Sinjur Papa Girgor, meta kien isqof ta' Ostia, kien ġie fil-post ta' l-aħwa f'Santa Marija tal-Porziuncola[430]. Hu daħal fid-dar ta' l-aħwa u ra l-post li fih kienu jorqdu l-aħwa li kienu jgħixu hemmhekk, flimkien ma' ħafna kavallieri u rħieb u kjeriċi oħrajn, li kienu ġew miegħu. U meta ra li l-aħwa *kienu jimteddu għall-qiegħa ta' l-art* (cfr. Ġud 14,16) u li ma kellhomx imħaded u xejn aktar, ħlief ftit tiben u xi gvieret foqra u mherrijin, beda jibki ħafna quddiem kulħadd u jgħid: "Ara fejn jorqdu l-aħwa; u aħna msejknin irridu dejjem ikollna il-kumdità f'kollox. *X'se jiġri minna*?" (cfr. Mt 19,27). Hekk kemm hu kif ukoll l-oħrajn kienu edifikati ħafna. Hemmhekk raw li ma kienx hemm imwejjed, għaliex l-aħwa kienu jieklu fuq l-art. U għalkemm dak il-post, sa minn meta twaqqaf, baqa' dejjem għal żmien twil l-aktar post li kienu jiġu fih l-aħwa mill-Ordni kollu, għax dak iż-żmien l-aħwa kollha li kienu jidħlu fl-Ordni kienu jxiddu t-tonka hemmhekk, imma dejjem l-aħwa ta' dak il-post kienu jieklu ma' l-art, kemm jekk kienu jkun ftit kif ukoll jekk kienu jkunu ħafna. Sakemm dam jgħix il-missier imqaddes, bir-rieda u l-eżempju tiegħu, l-aħwa ta' dak il-post kienu joqgħodu bilqiegħda ma' l-art biex jieklu. [2C 63; SP 21]

[676] Meta l-imqaddes Franġisku ra li dak il-post ta' l-aħwa ta' Greccio kien post umli u fqajjar, u li n-nies ta' dak il-kastell, għalkemm kienu foqra u sempliċi, kienu jogħoġbu lil Franġisku aktar mill-oħrajn kollha ta' dik il-provinċja, hu ta' spiss kien jistrieħ u jgħix f'dak il-post, l-aktar għaliex hemmhekk kien hemm ċella, fqira u maqtugħa ħafna min-nies, li fiha kien iħobb jitlob il-missier imqaddes[431].

---

[430] Il-Papa Girgor kien għadu l-Kardinal Ugolino meta kien żar lil San Franġisk u lill-aħwa fil-Porziuncola. X'aktarx li hu mar hemm għall-Kapitlu "tal-ħsajjar", għalkemm me hemmx qbil dwar id-data ta' dan il-Kapitlu ġenerali. Mar ukoll drabi oħrajn waqt il-Kapitli, u għalhekk mhux faċli li nkunu nafu eżattament għal liema okkażjoni tirreferi l-CA.

[431] Il-Valle Reatina kienet post preferit għal San Franġisk, li dejjem kien jieqaf fiha hu u tiela' jew nieżel minn Ruma lejn Assisi. F'dan il-wied hemm tifkiriet tal-preżenza tal-qaddis, u l-aktar fis-santwarji ta' Greccio, Fonte Colombo, La Foresta u Poggio Bustone. Meta kien joqgħod Greccio fil-bidunett Franġisku kellu għarix fil-muntanja. Skond Luke Wadding, *Annales Minorum* I, an. 1217, hu ingħata post aktar qrib l-abitat, minn ħabibu Giovanni Velita, fejn bl-għajnuna tal-poplu, inbena eremitaġġ ċkejken għall-aħwa, u fejn fl-1223 iċċelebra l-Milied. Dan hu l-eremitaġġ li, b'żjiediet li seħħu wara, għadna naraw sallum. Kien minn dan l-eremitaġġ li fil-11 ta' Awissu 1246 fra Leone, Rufino u Angelo, bagħatu lill-Ministru Ġeneral fra Crescenzio da Iesi, il-famuż *florilegium*, imsieħeb ma' l-ittra tagħhom, u li x'aktarx hu l-fonti prinċipali tal-CA. Il-kastell medjevali ta' Greccio, ftit kilometri 'l fuq mill-eremitaġġ, għadu jeżisti sallum, u żamm il-karatteristika tipika ta' *castrum*, jew raħal fortifikat, appuntu kastell medjevali.

Hekk bl-eżempju tiegħu u bil-predikazzjoni ta' l-aħwa, għall-grazzja tal-Mulej kienu bosta dawk li daħlu fl-Ordni minn dak il-kastell, kif ukoll bosta nisa għamlu vot tal-verġinità, filwaqt li baqgħu jgħixu fi djarhom, u kienu jilbsu t-tonka tar-Reliġjon. Kull waħda minnhom kienet tibqa' f'darha, kienet tgħix flimkien ma' l-oħrajn fl-umiltà, u kienet tgħakkes lil ġisimha bis-sawm u bit-talb, hekk li, quddiem in-nies u quddiem l-aħwa, dawn in-nisa kienu jidhru li qed jgħixu mhux fost is-sekulari u fost qrabathom, imma fost persuni qaddisin u reliġjużi, li kienu ilhom jaqdu lill-Mulej għal żmien twil, għalkemm kienu għadhom żgħażagħ u kellhom sempliċità kbira. Hekk Franġisku ta' spiss kien jgħid mimli ferħ lill-aħwa tiegħu, meta kien jitkellem dwar l-irġiel u n-nisa ta' dak il-kastell: "Fl-ebda belt kbira ma rajt nies jingħataw għall-konverżjoni u l-penitenza daqs kemm rajt fi Greccio, għalkemm hi biss kastell ċkejken"[432].

Mhux l-ewwel darba kien jiġri li, meta filgħaxija l-aħwa kienu jfaħħru lill-Mulej, kif l-aħwa f'bosta postijiet oħrajn kienu jagħmlu dak iż-żmien, in-nies ta' dak il-kastell, żgħar u kbar, kienu joħorġu barra u joqogħdu fit-triq quddiem il-kastell tagħhom, u kienu jwieġbu lill-aħwa b'leħen għoli u jgħidu: "Ikun imbierek il-Mulej Alla!" Saħansitra t-tfal, li ma kienux għadhom jafu jitkellmu tajjeb, meta kienu jaraw lill-aħwa, kienu jfaħħru lill-Mulej kif jistgħu huma.

Dak iż-żmien in-nies ta' dan il-kastell kienu mħabbtin minn tiġrib kbir, li kienu ilhom għaddejjin minnu għal bosta snin: għaliex ilpup kbar kienu jieklu n-nies, u ta' kull sena s-silġ kien iħarbat l-għelieqi u d-dwieli tagħhom. Hekk l-imqaddes Franġisku, meta jum minnhom kien jippriedkalhom, qalilhom: *Jiena nħabbrilkom* (cfr. Atti 17,3) għall-ġieħ u t-tifħir ta' Alla li, jekk kull wieħed u waħda minnkom jindem minn dnubietu u dduru lejn Alla b'qalbkom kollha u billi twiegħedu li tibqgħu sħaħ fil-fehma tagħkom, *jiena għandi fiduċja fil-Mulej* (cfr. S 10,2) Ġesù Kristu li hu, għall-ħniena tiegħu jeħliskom minn dan il-kastig ta' l-ilpup u tas-silġ, li ilkom għal żmien twil imħabbtin bihom, u jagħmel li intom *tikbru u toktru* (cfr. Ġen 1,28; 8,17; 9,1) fil-ħwejjeġ spiritwali u f'dak materjali. Imma *inħabbrilkom ukoll* (cfr. Atti 17,3) li jekk intom, allaħares qatt, *terġgħu lura għall-ħażen tagħkom* (cfr. Prov 26,11), dan il-kastig jerġa' jiġi fuqkom mill-ġdid, u miegħu jiżdiedu ħafna kastigi oħrajn".

U ġara li, għall-grazzja divina u għall-merti tal-missier imqaddes, minn dik is-siegħa u minn dak iż-żmien 'il quddiem, dak it-tiġrib waqaf. Mhux biss, imma tassew b'miraklu kbir, meta s-silġ kien jinżel u jħarbat l-għelieqi ta' dawk li kienu joqgħodu fl-irħula tal-qrib, l-għelieqi tagħhom ma kien jiġrilhom xejn. Hekk huma bdew joktru u jikbru fil-ġid tar-ruħ u tal-ġisem sa qisu sittax jew għoxrin sena wara.

Imma mbagħad ġara li bdew jogħlew fil-ftaħir, u bdew jobogħdu lil xulxin u joqtlu lil xulxin bix-xwabel, bdew ukoll joqtlu bil-moħbi l-annimali, u bil-lejl bdew jisirqu nies u affarijiet, u bdew ikattru kull xorta ta' għemejjel ta' ħażen. Hekk meta l-Mulej qjies l-għemejjel ħżiena tagħhom u li ma kienux għadhom josservaw dak li Hu kien ħabbrilhom permezz tal-qaddej tiegħu,

[432] Din is-silta tal-CA hi indikazzjoni ta' stil ta' ħajja penitenzjali li Franġisku ippropona lil persuni lajċi. Ir-riferiment għal dawn in-nisa verġni li jgħixu fi djarhom mhuwiex ċertament indikazzjoni għall-*Povere Dame* ta' San Damiano, għaliex dawk kienu nisa verġni li jgħixu fil-monasteru. Il-lingwaġġ li jintuża mill-kompilatur (*conversi ad penitentiam*) jindika b'mod ċar li hawnhekk ninsabu quddiem persuni lajċi li kienu jagħmlu parti mill-Ordni ta' l-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Penitenza (III Ordni Franġiskan). Fil-kastell ta' Greccio jidher li kien hemm fraternità ta' *Poenitentes* li kienet għażiża ħafna għal Franġisku u l-aħwa.

imtela' bil-korla għalihom u warrab il-ħniena tiegħu minn fuqhom, u reġa' ġie fuqhom il-kastig ta' l-ilpup u tas-silġ, kif kien qalilhom il-missier imqaddes, u ma' dawn laħquhom ukoll bosta kastigi oħrajn agħar minnhom. Sa fl-aħħar l-istess kastell ġie maħruq bin-nar[433], u kulħadd tilef dak li kellu, u *bil-ħniena ħelsu ħajjithom* (cfr. Ġob 1,15). Hekk li l-aħwa u dawk kollha li semgħu l-kelmiet tal-missier imqaddes, kif hu kien iħabbar minn qabel il-ġid u d-deni, baqgħu mistagħġbin bil-qdusija tiegħu, għaliex raw li dak kollu li kien qal kien seħħ tassew. [2C 35. 36]

[75 – Jippriedka fil-pjazza ta' Perugia u xi kavallieri jfixkluh]

[677] Darba minnhom l-imqaddes Franġisku kien qiegħed jippriedka fil-*pjazza* ta' Perugia quddiem *folla* kbira *li inġabret* (cfr. Neħ 8,1; Dt 31,12) hemmhekk. U ara xi kavallieri minn Perugia bdew jiġru biż-żwiemel mal-pjazza, bl-armi f'idejhom, biex jagħmlu spettaklu, u hekk bdew ifixklu lill-qaddis fil-predikazzjoni tiegħu. U għalkemm l-irġiel u n-nisa, li kienu qegħdin jisimgħu l-priedka bl-attenzjoni, bdew iċanfruhom, huma ma riedux jieqfu[434]. Għalhekk l-imqaddes Franġisku dar lejhom u, mimli ħeġġa ta' l-ispirtu, qalilhom: "Isimgħu u ifhmu sewwa dak li l-Mulej qiegħed iħabbrilkom permezz tiegħi, qaddej tiegħu, u la toqogħdux tqisu u tgħidu li dan il-bniedem hu minn Assisi".

L-imqaddes Franġisku qal hekk, għaliex fil-qedem kien hemm il-mibegħda bejn il-poplu ta' Assisi u dak ta' Perugia. Għaldaqstant qalilhom hekk: *Il-Mulej refagħkom* (S 36,34) u takom ġieħ fuq dawk kollha li jinsabu madwarkom; hu għalhekk li intom għandkom tagħarfu aktar bil-qawwa l-Ħallieq tagħkom, u għandkom tumiljaw ruħkom mhux biss quddiem l-istess Alla li jista' kollox, imma wkoll quddiem dawk li huma qrib tagħkom. Imma *qalbkom tgħolliet* fil-ftaħir u *fis-suppervja* (cfr. Eżek 28,2.5; Dt 17,20) dwar il-qawwa tagħkom, u intom tħarbtu lil dawk li huma qribkom u toqtlu lil bosta. Għaldaqstant ngħidilkom li, jekk intom ma tikkonvertux malajr, u toffru soddisfazzjoni għall-offiżi tagħkom, il-Mulej, *li ma jħallix bla ħlas* (cfr. Mt 23,38; Ġob 24,12) lil dawk li jagħmlu l-ħażen, biex jagħmel vendetta akbar minnkom u jikkastigakom minħabba l-kefrija tagħkom, għad iqajjimkom wieħed kontra l-ieħor, u hekk iqum il-ġlied u l-gwerra bejnietkom stess, u jkollkom issofru tbatijiet li lanqas ma tistgħu iġġiegħelu lil dawk li huma qrib tagħkom isofruhom".

Għax l-imqaddes Franġisku, meta kien jippriedka, ma kienx jiskot dwar il-vizzji tal-poplu, biex jurihom dak kollu li bih huma offendew fil-pubbliku lil Alla u lill-proxxmu. Imma l-Mulej tah grazzja hekk kbira li, dawk kollha li kienu jarawh u jisimgħuh, żgħar jew kbar, tant kienu jibżgħu minnu u jqimuh minħabba fil-grazzja kotrana li kien irċieva minn Alla, li kull min kien jiġi mċanfar minnu, kien jimtela' bil-mistħija, u kien jiġi edifikat. Mhux biss, imma talli ġie li

---

[433] Dan il-fatt x'aktarx seħħ fl-1242, meta s-suldati ta' Federiku II ta' Svevia assedjaw il-belt ta' Rieti, li kienet belt papali u qerdu l-kampanja kollha ta' madwarha. Il-kastell ta' Greccio jinsab biss xi 10 kilometri bogħod minn Rieti.
[434] Ir-raġuni ta' dawn il-ġesti tal-kavallieri tista' tkun dik tal-ġlied li kien qam fl-1214, jew fl-1218, jew imbagħad b'mod aktar serju fl-1222-1223. Mhux tant faċli li naċċettaw l-aħħar data, għaliex imbagħad Franġisku kien sar magħruf u l-Perugini ma kienux jippermettu li xi ħadd itellfu milli jippriedka. Fl-istess ħin nistgħu naraw f'din il-ġrajja l-effett tal-mibegħda li kien hemm bejn in-nies ta' Perugia u dawk ta' Assisi. Dawk il-kavallieri kienu ċertament jiftakru lil Franġisku meta kien żagħżugħ u ġie jitqabad kontrihom flimkien mal-kavallieri ta' Assisi waqt il-battalja ta' Collestrada (1202). Il-CA, aktar 'l isfel, tirreferi għal din il-possibilità, meta tgħid: *quia antiquum odium fuit inter homines Assisinatos et Perusinos*. Kienu qegħdin jgħaddu biż-żmien lil Franġisku "minn Assisi" dawn il-kavallieri "minn Perugia"?

kien jiġri li meta l-qaddis kien jitlob bil-ħerqa lill-Mulej għal xi ħadd, dak kien jerġa' lura lejn il-Mulej.

U ġara li, wara ftit jiem, bil-permess divin, qam il-ġlied bejn il-kavallieri u n-nies, hekk li l-poplu keċċa lill-kavallieri 'l barra mill-belt[435]. Dawn il-kavallieri, flimkien mal-Knisja, li kienet tappoġġjahom, ħarbtu bosta għelieqi u dwieli u siġar, u għamlu wkoll ħafna deni kemm felħu. Il-poplu wkoll ħarbat l-għelieqi, id-dwieli u s-siġar tagħhom, u hekk dak il-poplu kollu ġie ikkastigat b'kastig akbar milli qatt kien għamel lill-ibliet u l-irħula ta' madwaru. Hekk seħħ kelma b'kelma dak li kien ħabbar l-imqaddes Franġisku. [2C 37; SP 105]

[76 – Franġisku jiltaqa' ma' abbati twajjeb]

[678] Meta l-imqaddes Franġisku kien għaddej minn provinċja, iltaqa' miegħu l-abbati ta' monasteru li kien hemm fl-inħawi[436], li kellu qima kbira lejh. L-abbati niżel miż-żiemel u qagħad jitkellem miegħu għal ftit sigħat dwar is-salvazzjoni ta' ruħu. U meta wasal il-ħin biex jinfirdu minn xulxin, l-abbati talab lill-imqaddes Franġisku b'turija kbira ta' qima, sabiex hu jogħoġbu jitlob il-Mulej għal ruħu. U l-imqaddes Franġisku wieġbu: "Bil-qalb kollha nitlob għalik". U malli dak l-abbati telaq minn ħdejn l-imqaddes Franġisku, dan qal lil sieħbu: "Ħija, ejja nieqfu ftit ieħor, għaliex jiena rrid nitlob għal dak l-abbati, kif wegħedtu". U waqaf hemm jitlob għalih. Għax l-imqaddes Franġisku kellu d-drawwa li, jekk xi ħadd bil-qima kbira li kellu lejh, kien jitolbu biex jiftakar f'ruħu fit-talb tiegħu quddiem il-Mulej, malli kien ikun jista', mill-aktar fis kien jieqaf jitlob għalih, li ma jmurx imbagħad jinsa. U dak l-abbati, hu u sejjer lura fi triqtu, mhux tant bogħod minn fejn kien iltaqa' ma' l-imqaddes Franġisku, mall-ewwel ħass li l-Mulej kien qiegħed iżur lil ruħu, u l-ħlewwa li ħass f'qalbu telgħetlu qisha vampa f'wiċċu, u għal ftit tal-ħin, baqa' donnu mitluf f'estasi. U *meta reġa' ġie f'tiegħu* (cfr. Lq 15,17; Atti 12,11) mall-ewwel għaraf li l-imqaddes Franġisku kien talab għalih. U beda jfaħħar lil Alla u jħoss ferħ kbir minn ġewwa u minn barra. U minn dak in-nhar kellu qima dejjem akbar lejn il-missier imqaddes, għax kien iqis il-kobor ta' qdusitu, u sakemm dam jgħix qies dik il-ġrajja bħala miraklu kbir, u diversi drabi kien jirrakkontaha lill-aħwa u lil bosta nies oħrajn. [2C 101]

[77 – Ma kienx jieħu ħsieb tal-marda tiegħu għall-imħabba tal-Passjoni tal-Mulej]

---

[435] Dawn il-kavallieri kienu membri ta' l-aristokrazija ta' Perugia, u kienu kollha membri ta' familji nobbli fewdatarji, li kienu qiegħdin jitħassbu serjament dwar l-organizzazzjoni tal-klassi popolari tal-merkanti u l-artiġġjani, li riedu jinħallu mis-sistema repressive fewdali. Hekk huma ingħaqdu flimkien fis-*societas militum*, biex jippruvaw iżommu l-ħakma tagħhom fuq iċ-ċittadini. Jidher li l-predikazzjoni ta' Franġisku ma kienetx togħġobhom, għas-sempliċi raġuni li Franġisku kien jiġbor nies mill-klassi popolari u nies foqra, u hu nnifsu kien membru tal-klassi tal-*minores*. Proprju l-battalja ta' Collestrada kienet motivata mill-mibegħda bejn il-*minores* u l-*maiores* ta' Assisi, għax dawn ta' aħħar, li kienu ġew eżiljati Perugia, sabu kenn qawwi f'din il-belt biex jiġġieldu liċ-ċittadini ta' Assisi ħalli jerġgħu jieħdu lura d-drittijiet fewdali li kienu tilfu. Ninnutaw li l-kompilatur tal-CA jgħid: *Ecclesia, que iuvabat eos* (*milites*). Hekk il-Knisja kienet tidher bħala sostenitur tal-kawża tal-klassi nobbli fewdatarja, għaliex fil-fatt, anke l-Knisja, flimkien mal-monasteri, kienet qawwa fewdatarja. Hawn nifhmu wkoll in-*novitas* (il-ġdid) tal-proposta kristjana ta' Franġisku ta' Assisi.

[436] L-episodju rakkontat f'2C 101, jispeċifika li l-monasteru kien dak ta' San Giustino Val d'Arna, fit-triq bejn Gubbio u Perugia, xi tliet kilometri bogħod mill-kunvent Franġiskan ta' Farneto. Fl-1237 dan il-monasteru, li kien għadda minn perjodu ta' dekadenza kbira, ingħata mill-Papa Girgor IX lill-Kavallieri Templari. Luke Wadding jiffissa din il-ġrajja fis-sena 1218, meta skond l-abbati kien ta l-art lill-aħwa biex jibnu l-kunvent ta' Farneto.

[679] Meta Franġisku kellu, għal żmien twil matul ħajtu, u sal-jum tal-mewt tiegħu, il-marda fil-fwied, fil-marrara u fl-istonku, u fl-istess żmien li fih mar fl-inħawi ta' *oltremare* biex jippriedka lis-Sultan ta' Babilonja u ta' l-Eġittu[437], li fih kien ukoll marad f'għajnejh, minħabba l-ħidma iebsa u t-tbatijiet tal-vjaġġ, u minħabba li, kemm hu u sejjer kif ukoll hu u ġej lura, sofra minn sħana kbira, hu ma riedx li jieħu ħsieb li jikkura l-ebda waħda mill-mard li kellu, minkejja li ġie mitlub jagħmel dan mill-aħwa u minn bosta nies oħrajn, li tqanqlu bil-ħniena u ħassew għalih. Minħabba l-ħeġġa ta' l-ispirtu li kellu sa mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu lejn Kristu, u minħabba l-ħlewwa u l-kompassjoni li kien iħoss ta' kuljum, u li kienet tiġbdu lejn l-umiltà ta' l-Iben ta' Alla, li ried jimxi fuq il-passi tiegħu, hu kien lest li jiflaħ għal dak kollu li hu morr għall-ġisem. Hekk kien ukoll isofri ta' kuljum u jiflaħ għall-istess tbatijiet u imrar li sofra Kristu għalina, u minħabba fihom kien jgħakkes lilu nnifsu minn ġewwa u minn barra, hekk li ma kienx jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. [SP 91]

[78 – Jitbekka l-Passjoni ta' Kristu]

[680] Jum fost l-oħrajn, ftit snin wara l-konverżjoni tiegħu, waqt li kien miexi waħdu fit-triq mhux tant 'il bogħod mill-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, kien għaddej jibki u *jitniehed b'leħen għoli* (cfr. Eżek 27,30). Kif kien miexi hekk, iltaqa' miegħu wieħed raġel spiritwali, li aħna nafuh u li smajna din il-ġrajja minn fommu, u li kien jagħmel miegħu ħafna għemejjel ta' ħniena u faraġ kemm qabel ma kellu l-aħwa kif ukoll wara. Dan, imqanqal mill-ħniena, staqsieh u qallu: "X'għandek, ħija?" Għax kien qed jaħseb li hu kien qiegħed isofri mill-uġiegħ ta' xi marda. U Franġisku wieġbu: "Jiena jeħtieġli nibki u nitniehed, mingħajr ma nistħi, u nxerred id-dmugħ mad-dinja kollha għall-Passjoni tal-Mulej tiegħi". U dak beda jibki u jolfoq bil-kbir flimkien miegħu. [2C 11; SP 92]

[79 – Kif wieġeb lil wieħed mill-aħwa li ħeġġu biex isib il-faraġ fl-Iskrittura]

[681] F'okkażjoni oħra, meta hu kien marid f'għajnejh, u kien imġarrab b'ħafna uġiegħ, wieħed mill-aħwa, li kien ministru, qallu: "Ħija, għaliex ma titlobx lil xi ħadd mill-aħwa biex jaqralek mill-profeti, jew xi silta oħra mill-Iskrittura, biex hekk *l-ispirtu tiegħek jifraħ fil-Mulej* (cfr. Lq 1,47), u hekk inti jkollok faraġ kbir?" Għax hu kien jaf li Franġisku kien jifraħ ħafna fil-Mulej,

---

[437] Franġisku mar fl-Orjent wara l-Kapitlu ġenerali tas-26 ta' Mejju 1219 (Kapitlu "tal-ħsajjar"?). Fil-fatt, Franġisku salpa minn Bari jew Brindisi fl-24 ta' Ġunju 1219. Fl-1217 kienet twaqqfet il-Provinċja ta' *Oltremare*, jew tas-Sirja, fl-inħawi tal-lvant nofsani (illum Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa). Franġisku mar fl-Orjent akkumpanjat minn fra Pietro Cattanio, fra Illuminato, u oħrajn. F'San Giovanni d'Acri ġie milqugħ minn fra Elia, li kien il-Ministru tal-provinċja ta' *Oltremare*. Imbagħad kompla triqtu lejn Damietta, fl-Eġittu, fejn kien hemm l-akkampament tal-ħames Kruċjata. Hemmhekk hu ra b'għajnejh it-telfa li l-Kruċjati sofrew fid-29 ta' Awissu 1219. Wara dik id-data kien hemm xahar ta' waqfien mill-ġlied, sas-26 ta' Settembru. Kien f'dan il-perjodu, li x'aktarx San Franġisk iltaqa' mas-Sultan Malik-al-Kamil, Sultan ta' l-Eġittu (1218-1238). Wara li l-ġlied reġa' beda mill-ġdid, u wassal sa ma l-Kruċjati ħatfu Damietta wara massakru sħiħ, fil-5 ta' Novembru 1219, Franġisku reġa' lura fis-Sirja (tradizzjoni li għadda fil-Postijiet Imqaddsa) u mbagħad irritorna fl-Italja fl-ewwel nofs ta' l-1220 (A. Ghinato, "Sanctus Franciscus in Oriente Missionarius ac peregrinus", *Acta Ordinis Minorum* 83 (1964) 164ss.). Bl-isem Babilonja l-kittieba medjevali kienu jindikaw ukoll l-Eġittu. Hawnhekk x'aktarx il-kompilatur irid jirreferi kemm għal Malik-al-Kamil, Sultan ta' l-Eġittu, kif ukoll għal ħuh, Malik-Moaddam, Sultan ta' Damasku, Ġerusalem u Sirja, magħruf bħala Corradino.

meta kien jisma' l-qari ta' l-Iskrittura mqaddsa. U dak wieġbu: "Ħija, jiena ta' kuljum insib ħlewwa u faraġ kbir meta niftakar u nimmedita fuq l-eżempji ta' umiltà ta' l-Iben ta' Alla, hekk li jekk nibqa' ngħix sa l-aħħar taż-żminijiet, jiena ma jkollix bżonn li nisma' jew nimmedita siltiet oħrajn mill-Iskrittura".

Għax hu ta' spiss kien itenni bl-amment u jgħid lill-aħwa dawk il-kelmiet ta' David: *Ma tridx taf b'faraġ qalbi* (S 76,3). U dan, għaliex kif ta' spiss kien jgħid lill-aħwa, hu kellu jkun forma u eżempju għall-aħwa kollha. Meta kien marid mhux biss kien irid jgħix mingħajr il-mediċini, imma saħansitra mingħajr l-ikel li kien jeħtieġ. U dan kollu hu kien jieħu ħsieb li jwettqu, mhux biss meta kien jidher f'saħħtu, għalkemm dejjem kien ikun dgħajjef u marid, imma wkoll waqt il-mard tiegħu, għax dejjem kien iebes ħafna ma' ġismu. [2C 105]

[80 – Kien jgħakkes lilu nnifsu wkoll waqt il-mard]

[682] Darba minnhom, meta kien qiegħed ifiq minn marda kiefra, beda jaħseb li, waqt dik il-marda kien kiel ftit ikel aktar mis-soltu, għalkemm hu kien kiel ftit, għax ma kienx jista' jiekol minħabba l-ħafna mardiet li kien mgħakkes bihom il-ħin kollu.

Hekk jum minnhom qam, malli fieq mill-*febbre quartana*[438], u ġabar lill-poplu ta' Assisi għal priedka fil-pjazza[439]. Meta temm il-priedka, talab lil kulħadd biex ma jiċċaqlaqx minn hemm sa ma hu jerġa' lura. U daħal fil-knisja ta' San Rufino sa taħt il-*confessione*[440], flimkien ma' fra Pietro Cattanio, li hu kien għażlu bħala ministru ġeneral[441], u flimkien ma' xi aħwa oħrajn, u ikkmanda lil fra Pietro biex jagħmel dak kollu li kien ser jitlob minnu, u li jobdih bla tlaqliq. U fra Pietro qallu: "Ħija, jiena la nista', u lanqas irrid xejn f'dak li għandu x'jaqsam miegħek, ħlief dak li jogħġob lilek".

L-imqaddes Franġisku neża' t-tonka u talab lil fra Pietro biex ikaxkru b'ħabel imdawwar ma' għonqu u joħorġu għeri quddiem in-nies, u lil wieħed ieħor mill-aħwa ordnalu li jieħu f'idejh skudella mimlija irmied, jitla' fuq il-post li minnu kien jippriedka, u jixħetlu dak l-irmied kollu fuq rasu. Imma dak, imqanqal mill-ħniena u għax kien iħoss għalih, ma riedx jobdih. U hekk qam fra Pietro u kaxkru 'l barra, kif kien ordnalu, filwaqt li hu u l-aħwa l-oħrajn infexxew jibku.

U ġara li meta ħaduh għeri quddiem in-nies fil-post fejn kien jippriedka, hu qal: "Intom taħsbu li jiena raġel qaddis, kif ukoll dawk li fuq l-eżempju tiegħi ħallew id-dinja, u daħlu fl-Ordni u fil-ħajja ta' l-aħwa. Imma quddiem Alla u quddiemkom nistqarr li, meta jiena kont marid, kilt il-laħam u l-brodu tat-tiġieġa". U dawk kollha li kienu hemm bdew jibku bil-qima u d-devozzjoni

---

[438] Il-*febbre quartana* hi tip ta' marda tal-malarja, li ttella' d-deni kull ftit jiem.
[439] Franġisku ġabar lin-nies fil-pjazza ta' San Rufino, li fil-fatt tissemma bħala knisja aktar tard fl-istess ġrajja. Din x'aktarx kienet l-ikbar pjazza fil-belt fi żmien San Franġisk, minħabba li l-bażilika ta' San Rufino mibnija mill-isqof Ugone kienet twaqqgħet biex flokha jinbena l-kattidral li naraw illum.
[440] Il-*confessione* tindika l-qabar ta' San Rufino, isqof u martri, patrun tal-belt ta' Assisi, li jinsab taħt l-altar prinċipali tal-kattidral, fil-kripta romanika. Nifhmu li San Franġisk daħal fil-kripta tal-kattidral il-ġdid li fiha, sa mill-1212, kienu tqiegħdu l-fdalijiet ta' San Rufino. Il-kattidral kien diġà qiegħed jintuża għall-uffiċjatura, għalkemm kien għadu ma ġiex ikkonsagrat (il-konsagrazzjoni saret fl-1222), għax kienet għadha qed tinbena l-faċċata.
[441] L-aċċenn għal fra Pietro Cattanio, li ġie magħżul vigarju ta' San Franġisk fl-1220 u li miet fl-10 ta' Marzu 1221, jindika li din il-ġrajja seħħet fix-xitwa ta' l-1221.

lejh, l-aktar għaliex kien qiegħed jagħmel bard kbir u kienet ix-xitwa, u hu kien għadu bil-ħniena kemm ġie mfejjaq mill-*febbre quartana*. U bdew iħabbtu fuq sidirhom u jakkużaw lilhom infushom u jgħidu: "Jekk dan il-bniedem qaddis qiegħed jakkuża lilu nnifsu u jistħi għax hu ħa ħsieb ġismu meta kien fi ħtieġa kbira, u dan ħajtu nafuha, għaliex minħabba ċ-ċaħdiet kbar u l-penitenzi li ilu jagħmel fuq ġismu mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu lejn Kristu, aħna qegħdin naraw li jgħix f'ġisem li donnu qiegħed imut; mela aħna imsejknin x'sejrin nagħmlu, aħna li għal ħajjitna kollha dejjem għexna u rridu ngħixu skond ir-rieda u *x-xewqat tal-ġisem*?" (cfr. Ef 2,3; Gal 5,16) [SP 61]

[81 – Kien jobgħod l-ipokrisija fl-ilbies u l-ikel]

[683] L-istess ġara darba oħra, meta kien jinsab f'eremitaġġ għar-randan ta' San Martin[442], u l-aħwa minħabba li hu kien marid, sajjrulu l-ikel bix-xaħam u tawhulu biex jieklu, l-aktar għaliex iż-żejt kien jagħmillu ħażin ħafna fil-marda tiegħu. Meta intemm ir-randan, waqt li kien qiegħed jippriedka lil ħafna *nies miġburin* (cfr. Dt 31,12; Neħ 8,1) mhux bogħod ħafna minn dak l-eremitaġġ, malli beda jippriedka qalilhom: "Intom ġejtu tisimgħuni b'devozzjoni kbira u taħsbu li jiena bniedem qaddis, imma quddiem Alla u quddiemkom irrid nistqarr li f'dan ir-randan, meta kont fl-eremitaġġ, jiena kilt ikel imsajjar bix-xaħam".

Mhux l-ewwel darba kien jiġri li l-aħwa, jew nies li jkunu ħbieb ta' l-aħwa, meta hu kien jiekol għandhom, billi kienu jkunu jafu kemm kien marid f'ġismu, kien jħejjulu ikel sustanzjuż, imma hu jew fid-dar stess inkella malli kien joħroġ mid-dar, quddiem l-aħwa u wkoll quddiem is-sekulari li ma kienux ikunu jafu, kien jgħid bil-miftuħ: "Jiena kilt minn dak l-ikel". Ma kienx irid iżomm moħbi mill-bnedmin dak li kien magħruf quddiem Alla.

Għax kull fejn kien ikun, jew quddiem reliġjużi jew quddiem sekulari, jekk l-ispirtu tiegħu mqar għal ftit kien jitqanqal għall-vanaglorja, jew ftaħir, jew xi vizzju ieħor, mall-ewwel kien jistqarr il-ħtija tiegħu quddiemhom bil-miftuħ u mingħajr ma jaħbi xejn. Hekk jum minnhom qal lil sħabu: "Jiena rrid ngħix quddiem Alla fl-eremitaġġi u fil-postijiet l-oħrajn, daqs li kieku n-nies ikunu qiegħdin jarawni; li ma jmorrux jaħsbuni li jiena raġel qaddis u mbagħad, meta jaraw li jiena ma ngħix ħajja li tixraq lil bniedem qaddis, nidher ipokrita quddiemhom".

Darba minnhom fix-xitwa minħabba l-mard li kellu fil-milza u fl-istonku, wieħed mill-aħwa li kien il-gwardjan tiegħu, iddubbalu biċċa ġild tal-volpi, u talbu sabiex iħallihom iħituhielu fuq ġewwa tat-tonka fejn din tmiss mal-milza u l-istonku, l-aktar għaliex kien qiegħed jagħmel bard kbir. Imma hu, sa minn meta beda jaqdi lil Kristu u sal-jum tal-mewt tiegħu qatt ma ried jilbes jekk mhux tonka waħda, imraqqa' skond il-ħtieġa. Għalhekk l-imqaddes Franġisku wieġbu: "Jekk inti trid li jiena nżomm dak il-ġild imwaħħal mat-tonka fuq ġewwa, ħitli ieħor bħalu fuq barra tat-tonka, biex tkun xhieda quddiem il-bnedmin li minn taħt jiena nilbes il-ġild tal-volpi". U

[442] Ir-randan ta' San Martin kien wieħed mill-perjodi penitenzjali li kien josserva San Franġisk u li jsemmi fir-regoli tiegħu. Kien ir-randan li jibda mill-festa tal-Qaddisin kollha u jibqa' sejjer sal-Milied, u kien jinbena fuq il-mudell tar-Randan li jwassal sa l-Għid il-Kbir. Paul Sabater iqiegħed dan l-episodju fix-xitwa ta' l-1220-1221. F'2C 131 jingħad: *apud eremitorium de Podio*, jiġifieri l-emermitaġġ ta' Poggio Bustone, fil-Valle Reatina.

hekk seħħ; imma hu ma damx wisq jilbisha, għalkemm kienet meħtieġa minħabba l-mard tiegħu. [2C 130. 131; SP 62]

[82 – Jakkuża lilu nnifsu b'vanaglorja għax ta l-mantell tiegħu lil waħda mara fqira]

[684] Darba oħra kien għaddej mill-belt ta' Assisi, u warajh kien hemm folla ta' nies; fosthom kien hemm mara anzjana u fqira li bdiet titolbu jagħtiha karità għall-imħabba ta' Alla, u hu mall-ewwel taha l-mantell li kellu fuqu. Imma mbagħad mall-ewwel stqarr quddiem kulħadd li kien ħass vanaglorja meta għamel dak il-ġest. *Aħna li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18) rajna u smajna bosta eżempji bħal dawn, imma ma nistgħux noqgħodu nirrakkontawhom, għax nieħdu wisq fit-tul. Franġisku kien joqgħod ħafna attent biex fuq kollox ma jurix ruħu ipokrita quddiem Alla. U għalkemm ġismu, minħabba l-mard, kellu bżonn ta' ikel sustanzjuż, hu kien jieħu ħsieb li jagħti dejjem eżempju tajjeb lill-aħwa u lill-oħrajn, li ma jmurx ikun għalihom okkażjoni ta' tgemgim jew ta' skandlu. Kien jippreferi li bis-sabar u bil-qalb it-tajba jbati l-ħtieġa fil-ġisem, kif għamel sal-jum tal-mewt tiegħu, milli jogħġob lilu nnifsu, ukoll meta dan seta' jagħmlu, mingħajr ma joffendi lil Alla u mingħajr ma jonqos mill-eżempju tajjeb. [2C 132; SP 63]

[83 – Il-kardinal Ugolino iħeġġu biex jikkura l-marda tiegħu. F'San Damiano jikkomponi l-Għanja tal-ħlejjaq]

[685] Meta l-isqof ta' Ostia, li mbagħad sar Papa, ra kemm Franġisku kien ikun dejjem iebes ma' ġismu, kemm fil-passat kif ukoll fil-preżent, u li, minkejja li kien qiegħed jitlef id-dawl ta' għajnejh ma riedx jikkura ruħu, mar iwissih b'ħafna devozzjoni u ħniena, filwaqt li qallu: "Ħija, mintix qiegħed tagħmel sew li ma tridx tgħin ruħek fil-marda li għandek f'għajnejk, għaliex kemm saħħtek kif ukoll ħajtek huma ta' ħtieġa kbira għalik u għall-oħrajn. Inti dejjem urejt lilek innifsek mimli ħniena lejn ħutek li jimirdu u dejjem kont mimli kura lejhom, u għaldaqstant ma għandekx tkun iebes miegħek innifsek meta għandek marda daqshekk kiefra. Għalhekk jiena nixtieq ħafna li inti tħalli min jgħinek u tikkura ruħek".

Sentejn qabel ma miet, meta kien mard ħafna u l-aktar bil-marda ta' għajnejh, hu kien qiegħed jgħix f'daqsxejn ta' ċella magħmula mill-qasab f'San Damiano[443], meta l-ministru ġeneral rah u qjies kemm kien maħqur mill-marda ta' għajnejh, hu talbu sabiex iħallihom jgħinuh u jikkurawh. Mhux biss, imma qallu li hu ried ikun preżenti meta t-tabib kellu jikkurah, biex ikun aktar żgur li hu jħallihom jikkurawh, u biex ifarrġu, għax kien jarah daqshekk maħqur. Imma billi kien għadu jagħmel ħafna bard, ma kienx l-aħjar żmien biex wieħed ifittex il-kura.

L-imqaddes Franġisku dam hemmhekk għal aktar minn ħamsin jum, u ma setax jara d-dawl ta' bin-nhar, u lanqas id-dawl tan-nar bil-lejl, imma dejjem kellu joqgħod ġewwa fid-dlam ta' dik iċ-ċella. Fuq kollox hu kellu uġiegħ kbir f'għajnejh bin-nhar u bil-lejl, u lanqas seta' jistrieħ jew jorqod. Dan kollu kien ikabbar il-marda gravi li kellu f'għajnejh u l-mard l-ieħor li

[443] L-isqof ta' Ostia hu l-kardinal Ugolino, li wara sar Papa Girgor IX. San Franġisk kien jinsab f'San Damiano, skond il-CA, "għal aktar minn ħamsin jum", fl-ewwel xhur ta' l-1225. Kien f'dan iż-żmien li l-vigarju tiegħu ("ministru ġeneral") fra Elia, jipprova jipperswadih biex jieħu ħsieb il-kura ta' għajnejh. Dan ir-rakkont jipprovdi l-isfond storiku tal-kompożizzjoni ta' l-ewwel taqsima tal-*Cantico di frate sole*, jew Għanja tal-ħlejjaq.

kien isofri minnu. Mhux biss, imma kull meta kien ikun irid jistrieħ jew jorqod, tant kien hemm ġrieden fil-kmajra li fiha kien hemm iċ-ċella tiegħu, għax din kienet mibnija mill-qasab f'waħda mill-kmamar ta' dak il-post, li dawn kienu jiġġerrew fuqu u madwaru, u ma kienux iħalluh jorqod. U kienu jfixkluh ħafna waqt il-ħin tat-talb; u mhux biss bil-lejl, imma wkoll bin-nhar kienu jħabbtuh, hekk li, meta kien jipprova jiekol, kienu jitilgħu mal-mejda. Kemm hu kif ukoll sħabu kienu jqisu li din kienet tentazzjoni tax-xitan, kif fil-fatt kienet.

Hekk, lejl minnhom, meta l-imqaddes Franġisku beda jqis b'liema tiġrib kien imħabbat, tqanqal bil-ħniena lejh innifsu u qal bejnu u bejn ruħu: "Mulej, *ħares lejja u għinni* (cfr. S 70,12) fil-marda tiegħi, biex jiena nkun niflaħ inġarrabha bis-sabar". U mall-ewwel ħass min jgħidlu fl-ispirtu tiegħu: "Għidli, ħija: jekk xi ħadd ikun irid jagħtik teżor kbir u prezzjuż għal dan il-mard u t-tiġrib kollu tiegħek, hekk li l-art kollha għalik issir *deheb* safi, *il-ħaġar* kollu jsiru *ħaġar prezzjużi*, u l-ilma kollu jsir balzmu, inti ma tibdiex tqis bħallikieku xejn it-tiġrib tiegħek, li hu art, ħaġar u ilma materjali, *meta tqabblu* (cfr. Għerf 7,9; S 18,11) ma' dan it-teżor kbir u prezzjuż li jingħatalek? Ma tifraħx b'ferħ kbir?" U l-imqaddes Franġisku wieġeb: "Mulej, tassew li dan hu teżor kbir u ta' siwi bla tarf, *prezzjuż* ħafna u ta' min iħobbu *u jixtiequ* (cfr. S 18,11)". U l-leħen wieġbu: "Mela, ħija, ifraħ u thenna bil-bosta fit-tiġrib u t-tbatijiet tiegħek, għaliex minn issa 'l quddiem trid tqis lilek innifsek fiż-żgur, daqs li kieku diġà qiegħed fis-saltna tiegħi".

U malli qam l-għada filgħodu qal lill-aħwa: "Jekk l-imperatur ikun irid jagħti saltna lil qaddej tiegħu, dan ma għandux jifraħ ħafna? Imma jekk irid jagħtih l-imperu kollu, allura ma jifraħx bil-kbir? Jiena rrid nifraħ ħafna *fit-tbatijiet tiegħi* (cfr. 2Kor 12,10) u fit-tiġrib, u rrid *nitfarraġ fil-Mulej* (cfr. Ef 6,10) u *nrodd dejjem ħajr lil Alla Missier* u lill-Ibnu *l-Mulej tagħna Ġesù Kristu* (cfr. Ef 5,20) u lill-Ispirtu s-Santu, talli għamlu miegħi tant grazzja u barka, jiġifieri li sakemm għadni ngħix fil-ġisem, għall-ħniena tiegħu għoġbu jiżgura lili qaddej tiegħu li ma jistħoqqlix, li jagħtini s-saltna tiegħu. Għalhekk irrid li għat-tifħir tiegħu u għall-faraġ tagħna u l-edifikazzjoni tal-proxxmu, nikkomponi *Lauda* ġdida lill-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, li ta kuljum jaqduna u li mingħajrhom ma nistgħux ngħixu, u li bihom ta' spiss il-bnedmin joffendu ħafna lill-Ħallieq u lil dak li jagħti kull ġid u ma nfaħħruhx kif jistħoqqlu".

U qagħad bilqiegħda, u inġabar fil-meditazzjoni, u mbagħad qal: "Twajjeb Mulej, int l-ogħla, tista' kollox". U ikkompona wkoll melodija fuq dawn il-kelmiet u għallimha lill-aħwa biex ikantawha. Għax l-ispirtu tiegħu kien jinsab f'tant ħlewwa u faraġ, li hu ried jibgħathom iġibulhu lil fra Pacifico, li fis-seklu kien jissejjaħ *re dei versi*, u li kien għalliem espert tal-kant, sabiex hu jindikalu xi aħwa twajbin u spiritwali, ħalli jkun jista' jibgħathom fid-dinja ħalli jippriedkaw u jfaħħru lil Alla bil-kant.

Kien irid u kien jgħid li, qabel ma l-aħwa li kienu jafu jippriedkaw kienu jibdew jippriedkaw lill-poplu, kif ukoll wara li jtemmu l-priedka, kellhom ikantaw it-Tifħir tal-Mulej bħala *giullari* tal-Mulej[444]. Meta jtemmu t-Tifħir, hu riedhom jippriedkaw lill-poplu u jgħidulu: "Aħna *giullari* tal-Mulej u rridu biss dan il-ħlas minngħandkom, jiġifieri li intom tgħixu fil-

[444] *Ioculatores Domini*, "giullari", jew "troubadours" tal-Mulej. San Franġisk juża l-istess metodoloġija tal-kantanti popolari medjevali, li kienu jduru minn belt għal oħra, jkantaw il-kanti kavallereski (*chanson de geste*), bħalma kienet dik ta' Roland u tar-Re Artur u l-kavallieri tal-mejda t-tonda. L-istil ta' kompożizzjoni ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq* hu dak ta' *Lauda*, jew kant popolari, ta' natura reliġjuża, komuni ħafna fil-medjuevu, li kien jiċċelebra xi fatti mill-ħajja ta' Kristu, tal-Verġni Marija u tal-qaddisin.

penitenza vera". U kien jgħid: "X'inhuma iżjed il-qaddejja tal-Mulej, jekk mhux il-*giullari* tiegħu, li għandhom iqanqlu l-qlub tal-bnedmin u jiftħuhom għall-ferħ spiritwali?" U dan b'mod speċjali kien jgħidu għall-Patrijiet Minuri, li ġew mogħtijin għall-poplu biex isalvawh.

It-Tifħir tal-Mulej li hu kiteb, jiġifieri: "Twajjeb, Mulej, int l-ogħla, tista' kollox", ried li jissejjaħ il-Għanja ta' oħtna x-Xemx, għaliex din hi isbaħ mill-ħlejjaq l-oħrajn kollha u l-aktar waħda fosthom li tixbah lil Alla. Għalhekk kien jgħid: "Filgħodu, meta titla' x-xemx, kull bniedem għandu jfaħħar lil Alla talli ħalaqha, għaliex permezz tagħha jiddawwlu l-għajnejn matul il-jum; filgħaxija meta jidħol il-lejl, kull bniedem għandu jfaħħar lil Alla minħabba l-ħlejqa l-oħra, ħuna n-nar, għaliex bih jiddawwlu l-għajnejn matul il-lejl. Aħna lkoll qisna għomja, u l-Mulej permezz ta' dawn iż-żewġ ħlejjaq idawwal l-għajnejn tagħna; għaldaqstant minħabba dawn iż-żewġ ħlejjaq, u oħrajn magħhom, li nagħmlu użu minnhom il-ħin kollu, aħna għandna nroddu ħajr ta' kuljum lil Ħallieq hekk glorjuż".

Għax hu, kemm jekk kien ikun f'saħħtu u kemm jekk kien ikun marid, kien jagħmel kollox u jħeġġeġ lill-oħrajn biex jagħmlu kollox, għat-tifħir tal-Mulej. Meta kien ikun maħkum mid-deni, kien jibda jkanta t-Tifħir tal-Mulej, u mbagħad l-aħwa kienu jkomplu jkantawh huma, sabiex meta jibda jqis it-tifħir tal-Mulej kien ikun jista' jinsa t-tbatijiet u l-mard kiefer li kellu. U hekk għamel sal-jum tal-mewt tiegħu. [2C 213; SP 91. 100. 119]

[84 – Iħabbeb flimkien lill-isqof u lill-*podestà* ta' Assisi]

[686] Fl-istess żmien li kien jinsab marid, wara li kien sawwar dan it-Tifħir[445], l-isqof tal-belt ta' Assisi skomunika lill-*podestà* ta' Assisi, u dan mixgħul bil-korla, ħabbar fil-belt ta' Assisi dan l-ordni kurjuż, li l-ebda bniedem ma seta' jbiegħ jew jixtri jew jagħmel kuntratti legali ma' l-isqof. Hekk twieldet mibegħda kbira bejniethom.

L-imqaddes Franġisku, li kien hekk marid, *tqanqal* bil-ħniena *għalihom it-tnejn* (cfr. Lq 7,13), l-aktar għaliex l-ebda reliġjuż jew secular ma indaħal bejniethom biex iħabbibhom flimkien mill-ġdid. U qal lill-aħwa: "Hi ta' mistħija kbira għalikom qaddejja ta' Alla, li l-isqof u l-*podestà* jobgħodu lil xulxin b'dan il-mod u ħadd ma jindaħal bejniethom biex iħabbibhom flimkien". U hekk f'dik l-okkażjoni żied dawn il-vrus fit-Tifħir tal-Mulej, jiġifieri:

"Mulejja, tkun imfaħħar f'dawk li jaħfru,
u f'dawk li jġorru l-mard u kull tbatija
bla jgemgmu xejn; imma dejjem għal imħabbtek:
tagħtihom int kuruna ta' tgawdija".

Imbagħad sejjaħ wieħed mill-aħwa tiegħu u qallu: "Mur, u għid lill-*podestà* li bgħattek jien, sabiex hu flimkien mall-kbarart tal-belt u oħrajn li jrid iġib miegħu, jiġu fil-palazz ta' l-isqof". U malli dak ħareġ qal lil tnejn oħra mill-aħwa: "Morru u quddiem l-isqof u l-*podestà* u oħrajn li

---

[445] Għalkemm il-CA tuża l-espressjoni *eodem tempore*, fil-fatt iċ-ċirkustanzi tal-kompożizzjoni ta' l-istrofa tal-maħfra fil-*Għanja tal-ħlejjaq*, huma diversi. Franġisku ma kienx San Damiano, imma x'aktarx fil-palazz ta' l-isqof Guido II ta' Assisi, f'Ġunju 1225, immedjatament qabel telaq Rieti għall-kura ta' għajnejh. Il-*podestà* jew ħâkem, ta' Assisi, f'dak iż-żmien kien Bernardino de Oportulo, li dam fil-kariga minn Mejju 1225 sa Mejju 1226.

jkunu hemm kantaw il-Għanja ta' ħuna x-Xemx, u *jiena nafda fil-Mulej* (cfr. S 10,2) li Hu iċekknilhom qlubhom u jagħmlu s-sliem bejniethom u jerġgħu lura għall-ħbiberija u l-imħabba ta' qabel".

Kulħadd inġabar fil-pjazza tal-kjostru tal-palazz ta' l-isqof, u dawk iż-żewġ aħwa qamu u wieħed minnhom qal: "L-imqaddes Franġisku fil-marda tiegħu kiteb xi Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu biex ifaħħar lill-Mulej u għall-edifikazzjoni tal-proxxmu. Għaldaqstant hu qiegħed jitlobkom, sabiex tisimgħuh b'devozzjoni kbira". U hekk bdew ikantaw. U mall-ewwel il-*podestà* qam u għaqqad idejh flimkien b'devozzjoni kbira qisu qiegħed jisma' l-Evanġelju tal-Mulej, u b'ħafna dmugħ qagħad jisma' dan it-tifħir. Għax hu kellu fidi u devozzjoni kbira lejn l-imqaddes Franġisku.

Meta l-aħwa temmew ikantaw it-Tifħir tal-Mulej, il-*podestà* qal quddiem kulħadd: "Fis-sewwa ngħidilkom, li mhux biss għandi nqis lis-sinjur isqof bħala s-sid tiegħi, imma wkoll bħala ħija, u għalhekk jiena rrid naħfirlu, u mhux biss lilu, imma wkoll lil min ikun qatilli lil ħija jew lil ibni". U hekk *inxteħet f'riġlejn* (cfr. Mt 15,30) is-sinjur isqof u qallu: "Jiena lest li noffri soddisfazzjon ta' kollox lilek, skond kif jogħġbok għall-imħabba tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u tal-qaddej tiegħu l-imqaddes Franġisku". L-isqof laqgħu f'dirgħajh, qajjmu u qallu: "Fl-uffiċċju tiegħi jiena għandi nkun umli, imma billi jiena min-natura tiegħi miġbud lejn il-korla, jaqbel li inti wkoll taħfirli". U hekk b'ħafna tjieba u mħabba ħaddnu u biesu lil xulxin.

Baqgħu mistagħġbin ħafna l-aħwa meta qjiesu l-qdusija ta' l-imqaddes Franġisku, għaliex seħħ għal kollox kelma b'kelma dak li kien ħabbrilhom dwar is-sliem u l-fethim tal-qlub l-imqaddes Franġisku; u dawk kollha li kienu hemmhekk jew li semgħu b'dawn il-ġrajja, bdew iqisuhom bħala miraklu kbir li seħħ għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, għaliex raw kif il-Mulej kien żarhom hekk malajr, u kif mingħajr ma qagħadu jfakkru xejn minn dak li kienu qalu, minn tant skandlu reġgħu lura għal tant qbil.

Hekk *aħna li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), ma' l-imqaddes Franġisku, *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12), li kull meta hu kien jgħid: "Hekk hu, jew hekk għad ikun", kien tassew iseħħ kelma b'kelma dak li jgħid; u aħna *b'għajnejna stess rajna* (cfr. 1Ġw 1,1) affarijiet li nieħdu wisq fit-tul biex noqgħodu niktbuhom jew nirrakkontawhom. [SP 101]

[85 – Jibgħat kliem ta' faraġ lil Klara u lis-sorijiet]

[687] Fl-istess jiem u fl-istess post, wara li l-imqaddes Franġisku sawwar it-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, kiteb ukoll xi kelmiet qaddisa bil-kant għall-faraġ tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano, l-aktar għal dawk fosthom li kienu imġarrbin ħafna fil-mard tagħhom[446].

U billi hu ma setax ifarraġhom jew iżurhom minħabba l-mard tiegħu, ried li jmorru l-aħwa sabiex ikantawlhom din il-għanja. Fiha hu ried li jurihom fi ftit kliem ir-rieda tiegħu, jiġifieri li kellhom ikunu magħqudin fehma waħda fil-ħajja ta' bejniethom, għaliex bl-eżempju u l-

[446] Dan hu riferiment ċar għall-kompożizzjoni tal-kantiku *Audite poverelle*, li Franġisku kiteb lil Klara u lis-sorijiet meta kien San Damiano.

predikazzjoni tiegħu, meta l-aħwa kienu għadhom ftit, huma kien ikkonvertew għal Kristu. Hekk il-konverżjoni u l-ħajja tagħhom mhix biss il-glorja ta' l-Ordni ta' l-aħwa, li tiegħu huma l-mixtla ċkejkna, imma wkoll tal-Knisja kollha ta' Alla. Billi Franġisku kien jaf, mill-bidunett tal-konverżjoni tagħhom, li huma kien jgħixu, kif għadhom jgħixu sallum, bl-akbar ferħ u fehma qawwija fil-ħajja ta' faqar, għalhekk bir-rieda kollha u mqanqal mill-ħtieġa, l-ispirtu tiegħu dejjem kien idur lejhom b'ħafna tjieba. F'dawk il-kelmiet hu talabhom biex, kif il-Mulej ġabarhom minn ħafna postijiet ilkoll flimkien sabiex jgħixu flimkien fl-imħabba, fil-faqar imqaddes u fl-ubbidjenza qaddisa; hekk huma kellhom jibqgħu jgħixu dejjem f'din il-ħajja sal-mewt. Ħeġġiġhom ukoll biex jieħdu ħsieb biex bil-ferħ u bir-radd ta' ħajr dejjem jirringrazzjaw lill-Mulej tal-karità li hu jogħġbu jibgħatilhom biex jipprovdilhom għal ġisimhom, u wkoll li s-sorijiet li kienu f'saħħithom kellhom juru sabar biex jgħinu lill-morda jġorru l-piż tal-mard, filwaqt li s-sorijiet morda kellhom juru sabar filli jkunu jafu jġarrbu l-ħtiġijiet u t-tbatijiet tagħhom. [SP 90]

[86 – Jittieħed Fonte Colombo biex issirlu l-operazzjoni f'għajnejh]

[688] Ġara mela li, meta qorob iż-żmien biex fih jikkura l-marda ta' għajnejh, Franġisku telaq minn dak il-post, għaliex kien marid ħafna f'għajnejh, u f'rasu kien jilbes kapoċċ kbir li kienu għamlulu l-aħwa, u għajnejh kienu mgħammdin b'biċċa drapp tas-suf u ta' l-għażel meħjuta mal-kapoċċ, għaliex minħabba l-uġiegħ kbir li kien gej minn dik il-marda ta' l-għajnejn hu ma setax jara d-dawl tal-jum. Hekk l-aħwa wassluh riekeb fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo qrib Rieti, sabiex hemmhekk issirlu konsulta ma' tabib ta' Rieti li kien speċjalista fil-mard ta' l-għajnejn.

Meta ġie dak it-tabib, qal lill-imqaddes Franġisku li kellu bżonn jaħraqlu minn fuq ħaddejh sa fuq dik għajnejh li kienet aktar marida mill-oħra; imma l-imqaddes Franġisku ma riedx jibda l-kura qabel ma jiġi fra Elia. Imma billi dak baqa' ma wasalx, għax minħabba l-bosta taħbit li kellu ma setax jiġi, Franġisku beda jiddubita jekk kellux jibda l-kura. Imma mġiegħel mill-ħtieġa, l-aktar minħabba l-ubbidjenza lejn is-sinjur isqof ta' Ostia u lejn il-ministru ġeneral, wiegħed illi jobdihom, għalkemm għalih kienet ħaġa iebsa li juri tant kura tiegħu nnifsu. U għalhekk kien irid li l-ministru tiegħu jgħidlu biex jibda l-kura.

Lejl minnhom, meta minħabba t-tbatijiet tal-mard tiegħu ma setax jorqod, hu ħass ħniena għalih innifsu u qal lill-aħwa: "Ħuti l-aktar għeżież u uliedi, la tħossuhiex ħaġa iebsa jew tqila li titħabtu minħabba l-marda tiegħi, għaliex il-Mulej permezz tiegħi qaddej tiegħu jroddilkom lura l-frott kollu tal-ħidma tagħkom f'din id-dinja u fid-dinja li għad trid tiġi, għall-kura kollha li tajtuni fil-marda tiegħi; mhux biss, imma se takkwistax qliegħ akbar li jgħin l-Ordni kollu u l-ħajja ta' l-aħwa kollha. Għiduli għalhekk: aħna nonfqu saħħitna fuqek u l-Mulej minħabba fik se jkun dak li jħallasna".

Il-missier imqaddes kien jgħid hekk biex jgħinhom u jqawwihom fil-biża' ta' l-ispirtu dgħajjef tagħhom, li ma jmorrux iħossuhom imġarrbin minħabba dik il-ħidma kollha u jgħidu: "Aħna ma nifilħux nitolbu aktar u lanqas ma nifilħu għal aktar ħidma bħal din", u hekk juru ruħhom imxebbgħin u bla ħeġġa, u jitilfu l-mertu tal-ħidma tagħhom.

U ġara li, jum minnhom ġie t-tabib bl-istrument li bih kellu jaħraq biex jikkuralu għajnejh[447]; hu talabhom jqabbdu n-nar biex isaħħan il-ħadida, u malli dan qabad ħalla l-istrument fih biex isir jikwi. L-imqaddes Franġisku, biex ifarraġ l-ispirtu tiegħu, u biex ma jħossux ħażin bil-biża', beda jkellem lin-nar u jgħidlu: "Ħija nar, inti nobbli u meħtieġ fost il-ħlejjaq l-oħrajn li ħalaq l-Aktar Għoli, nitolbok tkun ġentili miegħi f'din is-siegħa, għaliex jiena minn dejjem ħabbejtek u għadni nħobbok b'dik l-imħabba ta' l-istess Mulej li ħalqek; għalhekk minħabba l-Ħallieq tagħna li ħalaq lilek, nitolbok biex ittaffi l-qawwa tas-sħana tiegħek sabiex inkunu nista' niflaħ għaliha". U malli temm din it-talba, immarka lin-nar bis-sinjal tas-salib.

*Aħna, li konna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), ilkoll ħrabna minħabba l-ħniena u għax ma flaħniex narawh ibati, u baqa' biss miegħu t-tabib waħdu. U meta dan temm l-operazzjoni tal-ħruq, aħna rġajna lura ħdejh. U hu qalilna: "Ja beżżiegħin u *nies ta' fidi ċkejkna* (cfr. Mt 8,26), għaliex ħrabtu? Fis-sewwa ngħidilkom li jiena ma ħassejt l-ebda uġiegħ tal-ħruq tan-nar. Mhux biss, imma jekk il-ħruq ma kienx biżżejjed, għidu lit-tabib jerġa' jipprova biex jaħraq aħjar".

U tassew it-tabib baqa' mistagħġeb ħafna, u qies din il-ġrajja bħala miraklu kbir, għaliex hu tassew ma kien ħass xejn. U t-tabib qalilhom: "L-aħwa, ngħidilkom li mhux biss minn min hu dgħajjef u marid bħalu, imma wkoll minn min hu b'saħħtu u ġismu f'sikktu nibża', li ma jkunx jista' jiflaħ għal ħruq bħal dak, għalkemm issa jiena drajt sewwa f'din il-ħidma tiegħi".

Għax dak il-ħruq ma kienx żgħir, u kien jibda minn ħdejn widnejh sa fuq għajnejh, u dan minħabba l-ħafna likwidi li lejl u nhar kien jitlef minn għajnejh għal bosta snin. Minħabba f'hekk il-parir ta' dak it-tabib kien li kellu jaħraqlu l-vini kollha minn widnejh sa fuq għajnejh, għalkemm dan kollu kien kontra l-parir ta' tobba oħrajn; u fil-fatt hekk kien, għaliex ma servih għal ebda ġid. Bl-istess mod tabib ieħor taqqablu widnejh it-tnejn, imma anke dan kien għal xejn.

U ma għandniex għalfejn nistagħġbu, jekk in-nar u l-ħlejjaq l-oħrajn kienu jqimuh, għaliex kif rajna *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), hu kien juri mħabba u ħlewwa kbira lejhom u kien iqimhom, u fihom kien isib tant hena u tant tjubija u ħniena, hekk li kien jitqanqal l-ispirtu tiegħu lejhom, u kien jitħawwad ħafna meta xi ħadd kien jitrattahom ħażin. Hu kien jitkellem magħhom b'ferħ minn ġewwa u minn barra, bħallikieku huma kienu kapaċi jħossu, jifhmu u jitkellmu ma' Alla, hekk li għal bosta drabi kien jintilef fil-kontemplazzjoni ta' Alla.

Meta darba minnhom kien qiegħed imgeddes qrib in-nar, mingħajr ma ntebaħ, in-nar beda jqabbad biċċa mid-drapp ta' l-għażel li kellu fuq saqajh. Hu kien diġà beda jħoss il-ħruq, meta sieħbu li ra kif in-nar kien se jqabbadlu ħwejġu, kien pront biex jitfih. U hu qallu: "Ħija l-aktar għażiż, la tagħmilx ħsara lil ħuna n-nar". U ma ħalliehx jitfih bl-ebda mod. Hekk dak mall-ewwel mar għand dak li kien il-gwardjan tiegħu, u ġabu ħdejh, u hekk, kontra r-rieda tiegħu, kellu jħallihom jitfu n-nar.

---

[447] Dan it-tabib, skond Bughetti u Terzi, kien il-maestro Nicola, li jissemma' ħafna drabi fid-dokumenti tal-belt ta' Rieti bejn l-1203 u l-1233, imma ma hemm l-ebda prova għal dan. Il-marda ta' l-għajnejn ta' San Franġisk setgħet kienet *glaucoma* li ikkumplikat ruħha fi *tracoma*. Dan il-kirurgu jipprova jaħraq il-parti kollha mill-widna sa fuq in-ngħas, bit-tama li jipprova jikkontrolla l-likwidi li ta' spiss kienu jnixxu minn għajnejh. Ma hemmx għalfejn intennu li, bil-metodi użati dak iż-żmien, din l-operazzjoni tal-biża' ma serviet assolutament għal xejn, ħlief biex tkabbar it-tbatija ta' San Franġisk.

Hu ma kienx ikun irid jitfi x-xemgħa, jew il-musbieħ jew in-nar, kif wieħed soltu jagħmel skond il-ħtieġa; tant kien mimli ħlewwa ta' mħabba lejn in-nar. Ma kienx jiflaħ jara lil xi ħadd mill-aħwa jqalleb il-ġamar jew il-ħatab jaqbad, kif ħafna soltu jagħmlu, imma kien irid li wieħed iqiegħedhom bil-galbu ma' l-art, minħabba l-qima lejn Dak li tiegħu n-nar hu ħlejqa. [2C 166; SP 89. 115. 116]

[87 – Fuq La Verna ma riedx juża aktar biċċa ġild li ġiet meħlusa min-nar]

[689] Darba oħra, meta kien qiegħed jagħmel randan fuq il-Monte La Verna[448], jum minnhom, sieħbu qabbad in-nar għall-ħin ta' l-ikel fiċ-ċella li fiha l-aħwa kienu jieklu, u mbagħad ġie għand l-imqaddes Franġisku fiċ-ċella li fiha kien jitlob jew jistrieħ skond id-drawwa tiegħu, sabiex jaqralu l-Evanġelju mqaddes tal-quddiesa ta' dak il-jum; għaliex l-imqaddes Franġisku dejjem, meta ma setax jieħu sehem fil-quddiesa, kien ikun irid jisma' l-Evanġelju ta' dak il-jum qabel ma jiekol[449].

Meta l-imqaddes Franġisku ġie biex jiekol f'dik iċ-ċella li fiha kien hemm imqabbad in-nar, il-fjamma kienet diġà laħqet is-saqaf taċ-ċella, u kienet bdiet tqabbdu. Sieħbu ipprova jara kif jagħmel biex jitfih, imma waħdu ma setax; u l-imqaddes Franġisku lanqas ried jgħinu, imma ħa f'idejh ġild li kien jitgħatta bih bil-lejl u telaq fil-bosk. L-aħwa l-oħrajn li kienu joqogħdu f'dak il-post, xi ftit 'il bogħod minn dik iċ-ċella, għaliex dik iċ-ċella kienet tinsab kemmxejn 'il bogħod mill-post ta' l-aħwa, malli fehemu li ċ-ċella kienet qiegħda taqbad, ġew flimkien u tfew il-fjamma. Aktar tard l-imqaddes Franġisku ġie lura biex jiekol. Wara li kielu qal lil sieħbu: "Jiena din il-ġild ma rridux iżjed biex nitgħatta bih, għaliex minħabba x-xeħħa tiegħi ma tajtux lil ħuna n-nar biex jieklu". [SP 117]

[88 – L-imħabba ta' l-għaġeb li kellu lejn il-ħlejjaq]

[690] Hekk ukoll meta kien jaħsel idejh, kien irid jagħżel post li fih imbagħad ħadd ma jkun jista' jgħaffeġ l-ilma taħt riġlejh. Meta kien ikollu bżonn jimxi fuq il-ġebel, kien jimxi bil-biża' u bil-qima, għall-imħabba ta' Dak li jissejjaħ ġebla. Meta kien ilissen il-versett tas-salm: *Qegħidtli riġlejja fuq il-blat* (cfr. S 60,3), b'qima u devozzjoni kbira kien ibiddel il-kliem u jgħid: "Minn taħt riġlejn il-ġebel erfajtni".

Lil ħuh li kien ihejji l-ħatab għan-nar kien jgħidlu biex ma jaqtax is-siġra kollha kemm hi, imma jaqta' biss biċċa minnha, hekk li jħalli wieqfa l-parti l-oħra. L-istess ħaġa ikkmanda lil wieħed ieħor mill-aħwa ta' dak il-post. Lil ħuh li kienu jieħu ħsieb il-ġnejna kien jgħidlu biex ma jaħdimx l-art kollha biex ikabbar fiha ħxejjex għall-ikel, imma jħalli parti mill-art biex fiha

---

[448] Fuq La Verna San Franġisk kien iqatta' dak li hu kien isejjaħlu r-"randan ta' San Mikiel", li kien jibda fil-festa tal-Verġni Marija mtellgħa fis-sema (15 ta' Awissu) sal-festa ta' San Mikiel Arkanġlu (29 ta' Settembru).

[449] Li San Franġisk kellu din id-drawwa qaddisa nafuh ukoll minn rubrika miktuba fuq il-ġenb tal-brevjar li kien juża l-qaddis, minn idejn l-istess fra Leone, li kien għożż dan il-brevjar u ħallieh fil-ħarsien tal-Klarissi ta' Assisi: *die quo non posset audire missam occasione infirmitatis vel alio aliquo manifesto impedimento, faciebat sibi legi evangelium quod eo die dicebatur in ecclesia in missa* ("fil-jiem li fihom ma kienx ikun jista' jieħu sehem fil-quddiesa minħabba l-mard jew minħabba xi impediment ieħor li jidher, kien ikun irid li jaqrawlu l-Evanġelju li kien jinqara f'dak il-jum fil-knisja"). Cfr. W. Van Dijk, *The Origins of the modern Roman Liturgy*, London 1960, 129ss.

jipproduċi pjanti li fi żmienhom jipproduċu lil ħutna l-fjuri. Kien ukoll jgħid lil ħuh li jieħu ħsieb il-ġnejna biex jagħmel roqgħda żgħira biex fiha jħawwel ħxejjex ifuħu u minn kull tip ta' ħxejjex li jipproduċu fjuri sbieħ, ħalli fl-istaġun tagħhom jistiednu lil kull min iħares lejhom biex ifaħħar lil Alla, l-aktar għaliex kull ħlejqa tgħid u xxandar: "O bniedem, Alla ħalaqni għalik".

Għax *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18) dejjem konna narawh ifur bil-ferħ minn ġewwa u minn barra għad-dehra tal-ħlejjaq kollha, hekk li kien ikun irid imisshom u jarahom bil-qalb, hekk li l-ispirtu tiegħu kien jidher li qiegħed jgħix mhux fuq l-art imma fis-sema. U dan deher bħala veru, għaliex minħabba l-bosta faraġ li kellu fil-ħlejjaq ta' Alla, ftit snin qabel ma miet ikkompona u kiteb it-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, sabiex iqanqal il-qlub ta' dawk li jisimgħuh biex ifaħħru lil Alla u hekk il-Mulej ikun igglorifikat fil-ħlejjaq kollha tiegħu. [2C 165; SP 118]

[89 – Fi Rieti jgħin lil waħda marda fqira u marida b'għajnejha]

[691] Fl-istess żmien, waħda mara fqira minn Machilone[450] ġiet Rieti minħabba li kienet marida f'għajnejha. Jum minnhom ġie t-tabib għand l-imqaddes Franġisku u qallu: "Ħija, ġiet għandi waħda mara marida f'għajnejha; imma tant hi fqira li kelli ngħinha jien għall-imħabba ta' Alla u kelli wkoll nagħtiha tiekol". Malli sema' dawn il-kelmiet, l-imqaddes Franġisku *tqanqal bil-ħniena lejha* (cfr. Lq 7,13), sejjaħ lejh lil wieħed mill-aħwa li kien il-gwardjan tiegħu[451], u qallu: "Ħija gwardjan, jixraq li nroddu lil ħaddieħor dak li mhux tagħna". U dak staqsieh: "Xi jfisser dan il-kliem, ħija?" U hu wieġbu: "Ara, dan il-mantell, li aħna *ilqajnieh b'self* (cfr. Lq 6,34) minn dik il-mara fqira u marida f'għajnejha, jaqbel li nrodduhulha lura". U l-gwardjan tiegħu qallu: "Ħija, agħmel dak li inti jidhirlek l-aħjar". L-imqaddes Franġisku kollu ferħan sejjaħ lil wieħed raġel spiritwali li kien midħla ħafna tiegħu u qallu: "Ħu dan il-mantell u tnax-il ħbejżiet miegħu u mur, u għid lil dik il-mara fqira u marida li jurik it-tabib li qiegħed jikkuraha: Wieħed raġel fqir li inti kont sliftu dan il-mantell, jirringrazzjak talli għoġbok tislifulhu; *ħu dak li hu tiegħek*" (cfr. Mt 20,14). Dak mar u qalilha kollox skond ma kien qallu l-imqaddes Franġisku. Dik il-mara fqira, billi ħasbet li kienu qegħdin jgħadduha biż-żmien, bil-biża' u l-mistħija qaltlu: "*Ħallini kwieta, għax ma nafx x'inti tgħid*" (cfr. 1Sam 20,13; Mt 26,70). Imma hu ħalla l-mantell u t-tnax-il ħbejżiet f'idejha. Dik il-mara, meta intebħetli hu kien qiegħed jitkellem bil-verità, laqgħet kollox mingħandu bil-biża' u bil-ferħ tal-qalb, u billi bdiet tibża' li jerġgħu jieħdulha kollox minn idejha, qamet bil-moħbi bil-lejl u marret lura lejn darha mimlija ferħ. L-imqaddes Franġisku kien ukoll talab lill-gwardjan tiegħu sabiex ta' kuljum, sakemm dik il-mara kienet tgħix hemm, kellu jgħaddilha x'tiekol għall-imħabba ta' Alla.

*Aħna, li għexna* (cfr. 2Pt 1,18) ma' l-imqaddes Franġisku, *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) dwaru, li tant kellu mħabba u ħniena meta kien b'saħħtu u meta kien marid mhux biss lejn l-aħwa tiegħu, imma wkoll lejn il-foqra li kienu b'saħħithom jew morda; li l-meħtieġ għall-ġisem tiegħu, li l-aħwa xi mindaqqiet kienu jiddubbawlu b'tant kura u devozzjoni, b'ħafna ferħ minn ġewwa u minn barra kien ineħħihom minn fuq ġismu u jgħaddihom lill-oħrajn, ukoll jekk

[450] Machilone, illum Posta, raħal li jinsab 30 kilometru minn Rieti, fil-Valle del Velino.
[451] X'aktarx li l-gwardjan li jissemma' kien fra Angelo da Rieti, gwardjan personali ta' San Franġisk u ministru provinċjal ta' l-Umbria. Dan fra Angelo ma għandniex inħalltuh ma' fra Angelo Tancredi, li kien kavallier minn Assisi.

ikunu ħwejjeġ meħtieġa ħafna għalih, li ma jmurx juri li tant kienu jogħġbuh li ma riedx jinfired minnhom.

Minħabba f'hekk il-ministru ġeneral u l-gwardjan tiegħu kienu jikkmandawh li ma kellux jagħti t-tonka tiegħu lill-ebda wieħed mill-aħwa mingħajr il-permess tagħhom. Għaliex l-aħwa, minħabba l-qima li kellhom lejh, xi drabi kienu jitolbuh li jagħtihom it-tonka, u hu kien jagħtihielhom bil-qalb. Hekk ukoll, minn jeddu, meta kien jara lil xi ħadd mill-aħwa mhux liebes biżżejjed jew bi ħwejjeġ imċerċrin, kien mall-ewwel jagħtih it-tonka tiegħu, u xi drabi kien jaqsamha, billi biċċa jagħtiha lil ħuh u l-biċċa l-oħra jżommha għalih, għaliex hu ma riedx ikollu jekk mhux tonka waħda. [2C 92; SP 33]

[90 – Biex jgħin lill-foqra, kien ukoll jagħtihom it-tonka li jkun liebes]

[692] Darba oħra, meta kien għaddej minn ċerta provinċja jippriedka, ġara li żewġ aħwa franċiżi iltaqgħu miegħu, u mingħandu irċevew faraġ kbir. Fl-aħħarnett talbuh jagħtihom it-tonka tiegħu "għall-imħabba ta' Alla", għad-devozzjoni tagħhom. Hu mall-ewwel tahom widen għall-imħabba ta' Alla, neża' t-tonka, u baqa' għeri għal ċertu tul ta' ħin[452].

Għax kienet drawwa ta' l-imqaddes Franġisku li meta xi ħadd jgħidlu: "Għall-imħabba ta' Alla agħtini t-tonka jew il-kurdun", jew xi ħaġa oħra li kellu, hu kien jagħtihielu mall-ewwel minħabba l-qima lejn il-Mulej, li jissejjaħ imħabba. Imma kien jiddispjaċih ħafna u kien iċanfar lill-aħwa meta, għal kwalunkwe ħaġa, kien jismagħhom isemmu l-imħabba ta' Alla. Kien jgħid: "Tant hi għolja u profonda l-imħabba ta' Alla, li aħna għandna nsemmuha b'qima kbira biss darba kull tant, meta nkunu ninsabu fi ħtieġa kbira". Hekk wieħed mill-aħwa tiegħu neża' t-tonka li kellu fuqu u tahielu [biex ma jibqax għeri].

Ta' spiss, meta kien jagħti t-tonka tiegħu jew xi biċċa minnha, kien isofri minn ħtieġa kbira u tbatija; għaliex ma kienx ikun faċli li jsib min jagħmillu oħra kif ġieb u laħaq, u l-aktar għaliex hu dejjem ried li jkollu tonka fqira u kollha rqajja'. Xi drabi kien ikun iridha tkun imraqqa' minn ġewwa u minn barra: u kien biss rari ħafna, jekk mhux qatt, li kien jaċċetta tonka magħmula minn drapp ġdid, imma kien jippreferi jakkwista tonka mingħand xi ħadd mill-aħwa li kien ikun ilu jilbisha għal bosta ġranet, u ġie li wkoll kien jieħu biċċa tonka mingħand wieħed u biċċa oħra mingħand xi ħadd ieħor mill-aħwa. Minħabba l-mard li kellu u l-bard kbir li kien iħoss, xi kultant kien iraqqagħha b'biċċa drapp ġdida.

Hu ried josserva dan il-fqar fl-ilbies sa l-aħħar sena qabel telaq għand il-Mulej. Għaliex ftit jiem qabel ma miet, billi kien idopriku u kien għoddu sar għadma u ġilda minħabba l-ħafna mard li kellu, l-aħwa kienu għamlulu diversi tonok, sabiex bil-lejl u bin-nhar, skond il-ħtieġa, kien ikun jista' jbiddilhom. [2C 181; SP 34]

---

[452] Fra Thomas of Eccleston, *Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam* (*Analecta Franciscana* I,219) jgħidilna li Franġisku irregala t-tonka tiegħu lil fra Laurence de Bauvais, li mbagħad intbagħat l-Ingilterra. Forsi seta' kien wieħed minn dawn iż-żewġ aħwa?

[91 – Jipprova jgħin lil wieħed fqir b'biċċa mit-tonka tiegħu]

[693] Darba fost l-oħrajn, wieħed raġel fqir imlibbes bi lbies imċerċer, ġie f'wieħed mill-eremitaġġi ta' l-aħwa, u għall-imħabba ta' Alla talab lill-aħwa biċċa drapp fqajra. L-imqaddes Franġisku qal lil wieħed mill-aħwa, biex imur ifittex f'dak il-post, biex jara jekk isibx xi biċċa pannu jew drapp oħra biex jagħtihielu: dak fittex kullimkien, imma ma sabx. Biex ma jibgħatx lil dak il-*fqir* lura *b'idu f'idu* (cfr. Sir 29,12), l-imqaddes Franġisku, bil-moħbi, għaliex beża' li l-gwardjan tiegħu ma jħallihx, qabad sikkina, u qagħad bilqiegħda fejn ma jarawhx u beda jaqta' biċċa meħjuta mal-ġewwieni tat-tonka, biex jagħtiha bil-moħbi lil dak ir-raġel fqir. Imma l-gwardjan tiegħu mall-ewwel intebaħ b'dak li ried jagħmel, u mar għandu u ma ħalliehx jagħti dik il-biċċa tat-tonka tiegħu, l-aktar għaliex kien qiegħed jagħmel bard kbir u hu kien marid u kien dejjem jitriegħed bil-ksieħ. Allura l-imqaddes Franġisku qallu: "Jekk inti ma tridnix li nagħtih mit-tonka tiegħi, mela ara li xi ħadd ieħor jagħti biċċa drapp lil dan ħuna l-fqir". U hekk l-aħwa taw lil dak ir-raġel il-pannu tal-ħwejjeġ li kellhom huma, minħabba l-imqaddes Franġisku.

Meta l-aħwa kienu jagħmlulu xi mantell, jew meta kien imur fid-dinja jippriedka, bil-mixi jew riekeb fuq ħmar – għaliex meta beda jimrad ma felaħx aktar jimxi u xi mindaqqiet kien ikollu jirkeb fuq ħmar, għalkemm fuq żiemel bl-ebda mod ma ried jirkeb jekk mhux fi ħtieġa tassew kbira, u dan biss ftit qabel ma miet, meta l-qagħda tiegħu kienet saret gravi ħafna[453] – jew meta kien ikun f'xi post, qatt ma kien ikun irid jaċċetta bl-ebda mod li l-aħwa jagħtuh mantell, ħlief jekk kienu jagħtuh il-permess li, jekk jiltaqa' ma' xi raġel fqir li jiġi għandu, u li l-ispirtu tiegħu kien *jagħtih xhieda* (cfr. Ġw 1,7) li dak tassew kien ikun fil-ħtieġa, hu seta' jagħithulu. [2C 196; SP 35]

[92 – F'Rivotorto jitlob lil fra Egidio biex jagħti l-mantell tiegħu lil wieħed fqir]

[694] Fil-bidunett ta' l-Ordni, meta kien jgħix f'Rivotorto flimkien ma' l-uniċi żewġ aħwa li kellu, hekk hu li wasal it-tielet wieħed fost l-aħwa, li ġie mid-dinja biex jingħaqad mal-ħajja tagħhom[454]. U ġara li, għal diversi granet, hu baqa' liebes l-istess ilbies li kellu meta kien għadu fis-seklu, sakemm ġara li wieħed raġel fqir ġie fil-post ta' l-aħwa biex jitlob il-karità lill-imqaddes Franġisku. L-imqaddes Franġisku qal lil dan li kien it-tielet wieħed fost l-aħwa: "Agħti l-mantell tiegħek lil ħuna l-fqajjar". U dak b'ferħ kbir mall-ewwel qalgħu minn fuq spallejh u tahulu. U malli għamel hekk deherlu mall-ewwel li l-Mulej kien xeħet grazzja ġdida fil-qalb tiegħu f'dik l-okkażjoni, talli *ta bil-ferħ* (cfr. 2Kor 9,7) il-mantell tiegħu lill-fqir. [SP 36]

[93 – F'Santa Marija tal-Porziuncola jagħti l-ktieb ta' l-Evanġelji lil waħda omm ta' żewġ aħwa li ġiet tittallab il-karità]

---

[453] Nafu li meta Franġisku, nofsu mejjet, irritorna minn Bagnara lejn Assisi, skortat mill-kavallieri li kienu marru għalih, hu kellu jirkeb iż-żiemel, għaliex dawn naturalment ma kienux jużaw il-ħmir, imma ż-żwiemel.

[454] L-ewwel żewġ sħab ta' San Franġisk, kif nafu, kienu fra Bernardo da Quintavalle u fra Pietro Cattanio, li ingħaqdu miegħu fis-16 ta' April 1209. It-tielet wieħed kien fra Egidio, li ikkonverta fl-24 ta' April ta' l-istess sena. Imma filwaqt li hawnhekk jingħad, bl-istil spontanju ta' xi ħadd li hu xhud li ra b'għajnejh il-ġrajja, li fra Egidio ingħaqad ma' Franġisku f'Rivotorto, il-ħajja ta' fra Egidio tgħid li hu ġie milqugħ fil-Porziuncola. Skond Paul Sabatier din hi kuntradizzjoni li hi biss apparenti, għax hu tal-fehma li fil-bidunett il-Patrijiet Minuri kienu jgħixu Rivotorto biex jaqdu lil-lebbrużi, u fil-Porziuncola biex jitolbu.

[695] Darba oħra, meta kien qiegħed jgħix fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, waħda mara armla u fqajra, li kellha żewġ uliedha fl-Ordni ta' l-aħwa, ġiet fil-post ta' l-aħwa biex tittallab il-karità mingħand l-imqaddes Franġisku, l-aktar għaliex dik is-sena ma kellhiex biex tgħix. L-imqaddes Franġisku qal lil fra Pietro Cattanio li dak iż-żmien kien ministru ġeneral[455]: "Għandna xi ħaġa x'nagħtuha lil din ommna?" Għaliex hu kien jgħid li l-omm ta' kull wieħed mill-aħwa kienet ommu u omm l-aħwa kollha ta' l-Ordni. Fra Pietro wieġbu: "Fid-dar ma għandna xejn x'nistgħu nagħtuha, ukoll għaliex hi trid karità li biha tkun tista' takkwista dak li hu meħtieġ għall-ġisem. Fil-knisja għandna biss kopja waħda tat-Testment il-Ġdid, li minnu naqraw il-lezzjonijiet tal-matutin". Għax dak iż-żmien l-aħwa ma kellhomx brevarji, u lanqas ma kellhom ħafna salterji[456]. Allura l-imqaddes Franġisku qallu: "Agħti lil ommna t-Testment il-Ġdid, sabiex tkun tista' tbiegħu għall-ħtiġijiet tagħha; u għandek temmen bil-qawwa li dan aktar jogħġob lill-Mulej u lill-Verġni mbierka ommu milli li noqogħdu naqraw minnu". U hekk dak tahulha. Għax dwar l-imqaddes Franġisku wieħed jista' jgħid u jikteb l-istess kliem li jingħadu u jinqraw dwar l-imqaddes Ġob: *Mill-ġuf ta' ommi ħarġet u kibret miegħi il-ħniena* (cfr. Ġob 31,18). *Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), mhux biss fhimna dak li sirna nafu minn oħrajn dwar il-karità u t-tjieba tiegħu lejn il-foqra, imma *aħna nfusna rajna b'għajnejna stess* (cfr. 1Ġw 1,1) hekk li nieħdu fit-tul li niktbuh u nirrakkontawh. [2C 91; SP 38]

[94 – F'Sant'Elia bosta bhejjem jitfejqu minn marda wara li jintraxxu bl-ilma li kien ħasel l-istimmati tal-Qaddis]

[696] Dak iż-żmien li fih l-imqaddes Franġisku kien jinsab fl-eremitaġġ ta' San Franġisk [!] ta' Fonte Colombo[457], ġara li faqqgħet marda tal-baqar u l-barrin, li l-poplu kien isejħilha "basabove", u li minnha l-ebda bhima ma setgħet tinħeles. Din laqtet il-bhejjem tal-kastell ta' Sant'Elia, li jinsab qrib l-eremitaġġ, hekk li l-bhejjem bdew kollha jimirdu u jmutu. Lejl minnhom, waqt ħolma, wieħed raġel spiritwali minn dak ir-raħal sema' min jgħidlu: "Mur fl-eremitaġġ fejn qed jgħix l-imqaddes Franġisku u itlob lill-aħwa jagħtuk ilma li kien ħaslulu fih idejh u riġlejh, u dan l-ilma roxxu fuq il-bhejjem, u dawn jinħelsu mall-ewwel mill-marda tagħhom". Dak ir-raġel qam l-għada filgħodu, u mar fl-eremitaġġ, u qal dan kollu lil sħab l-imqaddes Franġisku. Dawk waqt il-ħin ta' l-ikel ġabru l-ilma li bih kien ħasel idu f'reċipjent, u filgħaxija talbuh biex iħallihom jaħslulu riġlejh, mingħajr ma qalulu x'kienet ir-raġuni. U hekk wara taw lil dak ir-raġel l-ilma li bih kienu ħaslu idejn u riġlejn l-imqaddes Franġisku u dan ħadu miegħu, u bħallikieku kien ilma mbierek beda jroxxu fuq il-barrin morda, li kienu mixħutin għoddhom mitluqin għall-mewt, kif ukoll fuq il-bhejjem l-oħrajn kollha. U mall-ewwel għall-grazzja tal-Mulej u għall-merti ta' l-

[455] Ninsabu mela bejn id-29 ta' Settembru 1220 u l-10 ta' Marzu 1221, iż-żmien li fih fra Pietro Cattanio kien vigarju ta' San Franġisk.

[456] Fir-*Regula non bullata* (1223), San Franġisk jgħid lill-aħwa biex, għar-reċita ta' l-Uffiċċju Divin, jużaw il-brevjarju ruman, jiġifieri ktieb liturġiku li kellu l-ġabra fil-qosor ta' l-Uffiċċju li kien jintuża fil-knejjes tal-monasteri. Dan il-brevjar kien diġà qed jintuża fil-Kappella pontifiċja għall-kurjali, professuri, universitarji u l-kleru li kien jingħata għall-apostolat fil-kampanja. Il-Franġiskani kellhom ikunu l-mezz l-aktar qawwi li jxerrdu l-liturġija rumana mal-Knisja kollha għaliex huma, b'differenza mill-Ordnijiet l-oħrajn reliġjużi, inklużi d-Dumnikani, ma kellhomx *ordo* liturġiku tagħhom proprju, imma kienu jinqdew, appuntu, bl-*ordo* tal-Knisja ta' Ruma.

[457] Hi ħaġa kurjuża li l-CA tgħid li San Franġisk kien jgħix fl-eremitaġġ "ta' San Franġisk". Imma dan nistgħu nifhmuh bħala mod normali kif seta' kiteb il-kompilatur, diversi snin wara li San Franġisk kien diġà sar qaddis, meta l-eremitaġġ ta' Fonte Colombo kien magħruf b'mod sempliċi bħala l-eremitaġġ "ta' San Franġisk", fejn hu kien kiteb ir-Regola fl-1223. Fl-antik il-post kien jissejjaħ Monte Rainerio.

imqaddes Franġisku inħelsu lkoll. Dak iż-żmien l-imqaddes Franġisku kellu l-ġerħat f'idejh, f'riġlejh u fil-kustat. [3C 18]

[95 – Il-fejqan tal-kanonku Gedeone ta' Rieti u kif imbagħad miet fil-miżerja]

[697] Fiż-żmien li fih l-imqaddes Franġisku kien marid bil-marda ta' għajnejh u għal xi ġranet kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Rieti, wieħed kjerku mid-djoċesi ta' Rieti, jismu Gedeone[458], u li kien raġel mogħti għall-ħwejjeġ tad-dinja, kien ilu mixħut għal bosta ġranet marid b'marda kiefra u b'uġiegħ kbir fil-kliewi, hekk li lanqas seta' jiċċaqlaq jew idur fis-sodda mingħajr ma jgħinuh u lanqas iqum jew jimxi jekk ma jkunx imwieżen minn bosta nies, u meta kienu jġorruh kien jiltewa u jitkgħawweġ minħabba l-uġiegħ fil-kliewi: u bl-ebda mod ma seta' jieqaf dritt. Jum minnhom talabhom jeħduh għand l-imqaddes Franġisku, *inxteħet f'riġlejh* (cfr. Rut 3,7.8; Mt 15,30), u beda jitolbu b'ħafna dmugħ biex jimmarkah bis-sinjal tas-salib. L-imqaddes Franġisku qallu: "Kif nista' jiena nimmarkak bis-salib, meta fl-imgħoddi int kont tgħix dejjem skond *ix-xewqat tal-ġisem* (cfr. Gal 5,16), u ma kontx tqis u lanqas tibża' *mill-ħaqq ta' Alla*?" (cfr. Sir 17,24). Imma meta rah kif kien mgħaffeġ b'dak it-tiġrib kbir u bl-uġiegħ, hu *tqanqal* bil-ħniena *lejh* (cfr. Lq 7,13), u qallu: "Jiena se nimmarkak f'isem il-Mulej. Imma jekk jogħġob lill-Mulej li jeħilsek, qis li ma terġax lura *għall-vomtu* tiegħek għaliex ngħidlek fis-sewwa li, jekk terġa' lura *għall-vomtu* (cfr. Prov 26,11) tiegħek, jilħquk *ħwejjeġ ħafna agħar* (cfr. Mt 12,45) u tidħol f'ħaqq ħafna aktar iebes, minħabba dnubietek u l-ingratitudni tiegħek, u minħabba li inti ma għaraftx it-tjubija tal-Mulej". U hekk l-imqaddes Franġisku immarkah bis-sinjal tas-salib u hu mall-ewwel qam dritt u ħassu meħlus minn ġewwa. Meta qam dritt, l-għadam ta' ħdejn il-kliewi tiegħu faqqgħu, qisu xi ħadd li jaqbad l-injam niexef u jaqsmu. Imma wara ftit snin hu reġa' lura għall-ħajja ħażina tiegħu u ma tax aktar widen ta' dak li l-Mulej kien qallu permezz tal-qaddej tiegħu Franġisku. Hekk ġara li jum minnhom, meta kien qiegħed għall-ikla ta' filgħaxija fid-dar ta' kanonku ieħor sieħbu, u baqa' għandu sabiex jorqod hemm f'dak il-lejl, ħabta u sabta waqa' s-saqaf ta' dik id-dar fuq dawk kollha li kienu jinsabu hemm ġew. L-oħrajn kollha irnexxielhom jaħarbu mingħajr ma ġralhom xejn, ħlief hu waħdu, li temm ħajtu mgħaffeġ b'mod miżerabbli. [2C 41]

[96 – Il-kavallieri ta' Assisi jmorru jġibuh minn Nocera]

[698] Wara li ġie lura minn Siena u minn Celle di Cortona, l-imqaddes Franġisku ġie fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, u mbagħad ħaduh biex joqgħod f'post jismu Bagnara, 'il fuq mill-belt ta' Nocera[459]: hemmhekk kien għadu kemm inbena post għall-aħwa, li fih kienu jgħixu l-aħwa. U hu dam hemmhekk għal bosta ġranet.

Imma meta riġlejh u rkubbtejh bdew jintefħulu, minħabba l-idropsija, hu beda jimrad ħafna. Għalhekk meta n-nies ta' Assisi ġew mgħarrfin b'dan, bagħatu malajr malajr xi kavallieri

---

[458] Skond 2C 41 dan Gedeone kien kanonku fi Rieti.

[459] Il-fatti li tirrakkonta l-CA seħħew minn April sa Awissu 1226. F'April Franġisku kien Siena, għall-kura ta' għajnejh (1C 105), fejn kien joqgħod fl-eremitaġġ ta' Alberino, illum Ravacciano. Wara taqliba tal-mewt, hu ittieħed l-ewwel lejn l-eremitaġġ ta' Celle di Cortona, u mbagħad kompla fi triqtu lejn Santa Marija tal-Porziuncola. Minħabba s-sħana kbira tax-xhur tas-sajf l-aħwa iddeċiedew li jeħduh f'Bagnara, fuq il-għoljiet qrib Nocera Umbra. Ninsabu f'Lulju-Awissu 1226. F'Nocera kien hemm kunvent Franġiskan, li ġie meqrud minn Francesco di Muzio fl-1318. F'Awissu marru għalih xi kavallieri mibgħutin mill-*Comune* ta' Assisi, biex iġibuh lura riekeb fuq żiemel.

minn Assisi f'dak il-post biex iġibuh lura lejn Assisi, għax kienu qegħdin jibżgħu li ma jmurx imut hemmhekk u għalhekk huma ma jkunux jistgħu jgħożżu għandhom il-ġisem l-aktar qaddis tiegħu. U ġara li dawn il-kavallieri, waqt li kienu qegħdin iġorruh marid kif kien, waqfu f'ċertu kastell fil-*contado* ta' Assisi[460], għaliex riedu jieklu. L-imqaddes Franġisku flimkien ma' l-aħwa tiegħu kien qiegħed jistrieħ fid-dar ta' wieħed raġel, li kien laqgħu għandu b'ferħ u karità kbira. Il-kavallieri sadanittant kienu marru jduru mal-kastell biex jixtru dak li kien meħtieġ għall-ġisem, imma ma sabu xejn. U reġgħu lura għand l-imqaddes Franġisku u qalulu kważi biex jiċċajtaw: "Ħuna, jaqbel li tagħtuna xi ftit mill-karità tagħkom, għaliex hawnhekk ma nistgħu nsibu xejn x'nixtru biex nieklu". U l-imqaddes Franġisku weġibhom b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu: "Ma sibtux x'tieklu, għaliex *intom tafdaw* fid-dubbien tagħkom, jiġifieri fil-flus, u mhux *f'Alla* (cfr. Mt 27,43); imma morru lura fid-djar li mortu fihom biex tixtru, u la tistħux, u ittallbu mingħandhom il-karità għall-imħabba ta' Alla, u l-Ispirtu s-Santu jispirakhom u ssibu bil-kotra". Dawk mela marru u bdew jittallbu l-karità, kif kien qalilhom il-missier imqaddes, u dawk l-irġiel u n-nisa b'ferħ kbir u b'ħafna kortesija bdew joffrulhom dak li kellhom. U reġgħu lura mimlijin ferħ għand l-imqaddes Franġisku u irrakkontawlu dak li kien ġralhom. Hekk qiesu li kien sar magħhom miraklu kbir, meta qiesu li kien seħħ kelma b'kelma dak kollu li hu kien ħabbrilhom.

Għax l-imqaddes Franġisku, minħabba n-nobbiltà kbira, id-dinjità u l-kortesija tiegħu, li kellu skond Alla u skond id-dinja, kien jittallab il-karità għall-imħabba tal-Mulej Alla: għaliex dak kollu, li l-Missier tas-sema kien ħalaq għall-ħtieġa tal-bnedmin, wara d-dnub, għall-imħabba ta' l-Iben tant denn tiegħu, jagħtih b'xejn u b'karità lil dawk li ma jistħoqqilhomx din il-grazzja. Hekk l-imqaddes Franġisku kien jgħid li l-qaddej ta' Alla għandu jittallab il-karità għall-imħabba tal-Mulej Alla b'aktar libertà u ferħ minn dak il-bniedem li, minħabba l-għana u l-qalb ġeneruża tiegħu, għax jaf li jista' jixtri xi ħaġa, jmur jgħid: "Min jagħtini din il-ħaġa li qed nitlob, nagħtih mitt marki tal-fidda, mhux biss, imma anke elf u fuqhom: għaliex il-qaddej ta' Alla joffri l-imħabba ta' Alla, li tmur għall-mertu ta' dawk li jagħti karità, u li *meta tqabbel* magħha kull ma hawn fid-dinja, jew anke dak li hemm fis-sema, *ma tiswa' xejn* (cfr. Għerf 7,8).

Hekk qabel ma l-aħwa kienu tkattru [kif imbagħad tkattru aktar tard], meta kien imur fid-dinja jippriedka l-imqaddes Franġisku, meta xi ħadd nobbli jew għani b'devozzjoni kbira kien jitolbu biex jieqaf jiekol f'daru jew biex isib kenn għandu, billi f'ħafna bliet u kastelli li fihom kien imur jippriedka dak iż-żmien ma kienux joqogħdu aħwa, għalkemm kien ikun jaf li, dak li stiednu, kien hejjielu dak kollu li hu meħtieġ għall-ġisem bl-akbar abbundanza għall-imħabba tal-Mulej Alla, imma hu biex jagħti eżempju tajjeb lill-aħwa u minħabba n-nobiltà u d-dinjità ta' *Madonna Povertà*, waqt il-ħin ta' l-ikel kien joħroġ jittallab, u xi mindaqqiet kien jgħid lil dak li kien ikun stiednu: "Jiena ma rridx niċħad għad-dinjità regali u għall-wirt tiegħi, u għall-vokazzjoni u l-professjoni tiegħi u tal-Patrijiet Minuri, jiġifieri, li mmur nittallab il-karità, b'tali mod li nġib lura miegħi sa tliet biċċiet ħobż; għaldaqstant, jiena dejjem irrid naqdi dan l-uffiċċju tiegħi".

U hekk, ukoll kontra r-rieda ta' min ikun stiednu, hu kien imur għall-karità, u mhux l-ewwel darba li min jistiednu kien joħroġ miegħu u jġib ukoll il-karità li jkun akkwista l-imqaddes Franġisku u mbagħad jiġborha bid-devozzjoni kollha u jerfagħha bħala tifkira għażiża. Min *qed jikteb* ra bosta ġrajjiet bħal dawn, *u jagħti xhieda* (cfr. Ġw 21,24). [2C 72. 77; SP 22]

---

[460] Minn 2C 77 nafu li dan kien il-kastell ta' Satriano, li għadu jeżisti sallum, u li jissemma' wkoll f'bulla pontifiċja tal-11 ta' Marzu 1244.

[97 – Meta kien mistieden għand il-Kardinal Ugolino, qabel ma kiel ħareġ jittallab il-karità]

[699] Darba minnhom, meta mar iżur lis-sinjur isqof ta' Ostia li mbagħad sar Papa, fil-ħin ta' l-ikel, bil-moħbi tas-sinjur isqof, ħareġ biex jittallab il-karità. Meta ġie lura, s-sinjur isqof kien diġà qiegħed bilqiegħda fuq il-mejda u beda jiekol, l-aktar għaliex kien stieden lil bosta kavallieri u nies oħrajn minn qrabatu biex jieklu miegħu. L-imqaddes Franġisku qiegħed il-karità tiegħu fuq il-mejda tas-sinjur isqof u mar bilqiegħda fuq il-mejda maġenb is-sinjur isqof, għaliex dan dejjem kien ikun irid li, meta l-imqaddes Franġisku jkun għandu għall-ikel, kellu joqgħod maġenbu. U s-sinjur isqof beda jistħi mhux ftit meta ntebaħ li l-imqaddes Franġisku kien ħareġ jittallab il-karità, imma dak il-ħin ma qallu xejn, l-aktar minħabba n-nies l-oħrajn li kienu għandu għall-ikel.

Wara li kiel ftit l-imqaddes Franġisku mar ħa mill-karità li kien ġabar u f'isem il-Mulej Alla mar iqassam biċċiet tal-ħobż li qala' lil kull wieħed mill-kavallieri u l-kappillani tas-sinjur isqof. Dawn kollha irċevewhom minn għandu b'devozzjoni kbira, xi wħud minnhom kieluhom, u oħrajn refgħuhom għad-devozzjoni tagħhom. Mhux biss, imma kien hemm min kixef rasu meta ħa l-karità mingħand l-imqaddes Franġisku, minħabba fid-devozzjoni li kellu lejh. U s-sinjur isqof feraħ bil-kbir minħabba d-devozzjoni li huma kienu juru, l-aktar għaliex dawk il-biċċiet ħobż ma kienux ħobż magħmul mill-qamħ.

Wara li intemmet l-ikla s-sinjur isqof qam u daħal fil-kamra tiegħu, u talab lill-imqaddes Franġisku biex imur miegħu, u filwaqt li refa' idejh 'il fuq ħaddan miegħu lill-imqaddes Franġisku b'ferħ kbir u mimli hena qallu: "Imma għaliex, ja ħija sempliċi, ġagħaltni nistħi f'dari stess, li taf li hi d-dar tiegħek u ta' l-aħwa, meta ħriġt barra biex tittallab il-karità?" L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Sinjur, anzi jiena lilek għamiltlek ġieħ kbir, għaliex meta s-suddditu jwettaq l-uffiċċju u l-ubbidjenza tiegħu lejn sidu, ikun qiegħed jagħti ġieħ lis-sinjur u lill-prelat tiegħu. Jiena jeħtieġ li *nkun forma* (cfr. 1Tes 1,7) u eżempju tal-foqra tiegħek, l-aktar għaliex naf li fil-ħajja u fl-Ordni l-aħwa huma u għandhom ikunu fl-isem u fl-għemil Patrijiet Minuri, li għall-imħabba tal-Mulej Alla u *għad-dilka ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. 1Ġw 2,20.27), li jgħallimhom kollox, huma għandhom jiċċekknu għal kull umiltà, u billi joqogħdu għall-aħwa u jaqduhom. Imma fosthom hemm u għad ikun hemm dawk li jew minħabba l-mistħija li żżommhom lura jew minħabba l-eżempju ħażin ma jkunux iridu jumiljaw ruħhom u jitbaxxew biex joħorġu jittallbu l-karità u jagħmlu ħidma oħra mistmerra. Għaldaqstant jaqbel li jiena lil dawn li huma u li għad iridu jiġu fl-Ordni ngħallimhom bl-għemil sabiex *ma jkollhomx skuża* (cfr. Rum 1,20) f'din id-dinja u lanqas fl-oħra quddiem Alla. Għalhekk meta jiena nkun għandek, li int is-sid apostoliku tagħna, u quddiem in-nobbli u dawk li huma għonja f'din id-dinja, li għall-imħabba tal-Mulej Alla mhux talli jilqgħuni b'ħafna devozzjoni fi djarhom, imma sa kważi jimbuttawni biex nidħol, jiena ma rridx nistħi li noħroġ biex nittallab il-karità. Jiena irrid li jkolli u nżomm sħiħ mar-rieda skond Alla minħabba n-nobblilità kbira irjali, u minħabba d-dinjità u l-ġieħ ta' dan is-sultan hekk għoli, li billi *hu l-Mulej ta' kulħadd* (cfr. Gal 4,1) għalina ried li jsir qaddej ta' kulħadd, u *għalkemm kien għani* (cfr. 2Kor 8,9) u glorjuż fil-majjestà tiegħu, hu ġie bħala bniedem fqir u mistmerr. Irrid għalhekk li l-aħwa jkunu jafu, dawk li hawn illum u dawk li għad iridu jiġu, li jkolli l-akbar faraġ tar-ruħ u tal-ġisem, meta noqgħod bilqiegħda għall-mejda fqajra ta' l-aħwa, u nara quddiemi l-karità fqajra li huma jkunu akkwistaw billi qagħdu jħabbtu bieb, bieb għall-imħabba tal-Mulej Alla, u dan inħossu aktar minn meta noqgħod fuq il-mejda tiegħek u tas-setgħanin l-oħrajn imhejjija bl-abbundanza ta' kull ikel, ħlief għall-fatt li inti turi dejjem lejja devozzjoni kbira. Il-ħobż tal-karità hu ħobż qaddis, għaliex

jitqaddes bit-tifħir u l-imħabba ta' Alla, għaliex meta l-aħwa jmorru jittallbu l-ewwel għandhom jgħidu: Ikun imfaħħar *u mbierek il-Mulej Alla* (cfr. S 112,1.2; Lq 24,53), u mbagħad għandhom jgħidu: Agħtuna karità għall-imħabba tal-Mulej Alla".

Is-sinjur isqof baqa' ħafna edifikat mill-kelmiet li kien qallu l-missier imqaddes. U hu qallu: "Ibni, *agħmel dak li f'għajnejk jidhirlek li hu tajjeb*, (cfr. 1Sam 14,36), *għaliex il-Mulej hu miegħek* (cfr. 2Sam 7,3; Lq 1,28) u inti miegħu". Għax ir-rieda ta' l-imqaddes Franġisku kienet, kif kien jgħid bosta drabi, li l-aħwa ma għandhomx joqgħodu għal żmien twil mingħajr ma joħorġu jittallbu, biex ma jmurx jiġri li mbagħad wara jibdew jistħu joħorġu. Aktar ma xi ħadd mill-aħwa seta' kien nobbli u kbir meta kien fid-dinja, hu aktar kien iħossu edifikat u jimtela' bil-ferħ, meta kien joħroġ jittallab u jwettaq xi ħidma ta' qadi minħabba l-eżempju tajjeb. Hekk kien isir fil-bidunett ta' l-aħwa.

[700] Hekk fil-bidu ta' l-Ordni, meta l-aħwa kienu jinsabu Rivotorto, kien hemm wieħed mill-aħwa li ftit kien jitlob u ma kienx jaħdem u lanqas ma kien ikun irid joħroġ għall-karità, għaliex kien jistħi, imma mbagħad kien il-ħin kollu moħħu biex jiekol. Meta l-imqaddes Franġisku qagħad iqis dan kollu, hu għaraf bl-Ispirtu s-Santu li dak kien bniedem mehdi bil-ġisem; u għaldaqstant qallu: "Mur lura minn mnejn ġejt, ħija dubbiena, għaliex inti trid tiekol mill-ħidma ta' ħutek, u trid tibqa' għażżien *fl-għemejjel* (cfr. 1Kor 15,58) ta' Alla, bħal ħuna żunżanu, li ma jridx jaħdem imma jrid igawdi mill-ġid tal-ħidma tan-naħal". U hekk dak mar lura lejn triqtu; u billi kien bniedem mehdi bil-ġisem ma stħaqqlux isib ħniena. [2C 73. 75; LM V,6. VII,7; SP 23-24]

[98 – Joħroġ jilqa' lil wieħed mill-aħwa li ġie lura miċ-ċirka u jbuslu spallejh li fuqha kien iġorr iċ-ċurniena]

[701] Darba oħra wieħed mill-aħwa, raġel spiritwali, kien ġej lura minn Assisi lejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, fejn kien jinsab l-imqaddes Franġisku, bil-karità li kien qala' dak il-jum. U meta wasal fit-triq ħdejn il-knisja, beda jfaħħar lill-Mulej b'leħen għoli u b'ferħ kbir. Meta semgħu l-imqaddes Franġisku mall-ewwel ħareġ barra fit-triq u mar jiltaqa' miegħu u b'ferħ kbir bieslu spalltu, li fuqha kien hemm imdendla ċ-ċurniena taċ-ċirka; imbagħad ħadlu ċ-ċurniena minn fuq spalltu u qiegħda fuq l-ispalla tiegħu u daħħalha miegħu fid-dar ta' l-aħwa, filwaqt li qal quddiem l-aħwa kollha: "Hekk irrid li l-aħwa tiegħi jmorru u *jiġu lura* kollhom ferħ u *jfaħħru* (cfr. Lq 10,17) lil Alla għall-karità li jagħtina". [2C 76; SP 25]

[99 – Kif stenna l-mewt bil-ferħ ta' l-ispirtu]

[702] Meta l-imqaddes Franġisku kien mixħut marid ħafna fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, f'dawk il-jiem li fihom kien ġie lura minn Bagnara, billi l-poplu ta' Assisi beda jibża' li, jekk il-qaddis imut bil-lejl mingħajr ma huma jkunu jafu, l-aħwa setgħu jieħdu l-ġisem tiegħu bil-moħbi u jqiegħduh f'xi belt oħra, iddeċidew li kull lejl ikun hemm l-irġiel barra l-ħitan tal-palazz dawramejt, biex hekk iħarsuh bir-reqqa.

L-imqaddes Franġisku, għalkemm kien ħafna marid, biex ifarraġ l-ispirtu tiegħu, ħalli hekk ma jintelaqx quddiem dawk il-ħafna mardiet differenti li kellu, kien ta' spiss matul il-jum flimkien

ma' sħabu jkanta t-Tifħir tal-Mulej, li hu nnifsu kien sawwar żmien qabel meta kien marid; l-istess kien jagħmel ukoll bil-lejl, l-aktar għall-edifikazzjoni ta' l-għassiesa li kienu jħarsu fuqu barra mill-palazz.

Meta fra Elia qagħad iqis li l-imqaddes Franġisku kien jitfarraġ u jifraħ fil-Mulej b'dan il-mod, għalkemm kien jinsab hekk marid, jum minnhom qallu: "Ħija l-aktar għażiż, jiena nħossni tassew imfarraġ u edifikat meta nqis il-ferħ li inti u sħabek turu fost tant tbatija u tiġrib, imma jixraq li fil-ħajja u fil-mewt in-nies ta' din il-belt iqimuk bħala bniedem qaddis, għaliex billi huma jemmnu bil-qawwa li minħabba l-marda kbira u inkurabbli tiegħek inti dalwaqt se tmut, meta jisimgħuk tkanta dan it-Tifħir, jistgħu jibdew jaħsbu bejnhom u bejn ruħhom: Kemm qiegħed juri lilu nnifsu ferħan dan li hu hekk qrib il-mewt? Hu għandu joqgħod aktar jirrifletti fuq il-mewt".

L-imqaddes Franġisku qallu: "Tiftakar meta kellek dik il-viżjoni Foligno[461], u kont għidtli li kont smajt xi jgħidlek li jiena ma kienx fadalli aktar minn sentejn ħajja? Qabel dik il-viżjoni li inti rajt, bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, li *jfakkar dak kollu* (cfr. Ġw 14,26) li hu tajjeb, u *jqiegħdu* fil-qalb u *fil-fomm* (cfr. Is 59,21) tal-fidili tiegħu, jiena ta' spiss, lejl u nhar, dejjem *ħsibt dwar il-mewt tiegħi* (cfr. S 38,5); imma minn dak il-ħin, li fih inti kellek dik il-viżjoni, ta' kuljum kont aktar mehdi biex inqis il-jum tal-mewt tiegħi". U b'qawwa mħeġġa ta' l-ispirtu għajjat: "Ħija, ħallini *nifraħ fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4) u fit-tifħir tiegħu, fil-mard li għandi bħalissa, għaliex għall-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu li tgħinni, jiena tant jien magħqud ħaġa waħda mal-Mulej tiegħi, li għall-ħniena tiegħu nista' tassew nifraħ fl-istess l-Aktar Għoli". [2C 217; SP 121]

[100 – "Merħba, oħti l-mewt"]

[703] Dejjem fl-istess ġranet wieħed tabib, jismu Bon Giovanni, mill-belt ta' Arezzo[462], li kien midħla u ħabib ta' l-imqaddes Franġisku, ġie jżuru fl-istess palazz. L-imqaddes Franġisku staqsieh dwar il-marda tiegħu, u qallu: "Ħija Gianni, inti x'jidhirlek mill-qagħda tas-saħħa tiegħi?" Għax l-imqaddes Franġisku ma kienx ikun irid isejjaħ lil xi ħadd "Bono", minħabba l-qima tiegħu lejn il-Mulej, li qal: *Ħadd ma hu tajjeb, ħlief Alla biss* (cfr. Lq 18,19). L-istess ma ried isejjaħ lil ħadd missier jew mgħallem meta kien jikteb l-ittri, minħabba l-qima tiegħu lejn il-Mulej, li qal: *U ssejħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, u lanqas ma għandkom issejħu lil xi ħadd mgħallem tagħkom* (cfr. Mt 23,9.10). It-tabib mela qallu: "Ħija, għall-grazzja tal-Mulej, *se tkun aħjar*" (cfr. Sir 1,13). Għax hu ma riedx jgħidlu li kellu jmut fi żmien qasir. U mill-ġdid l-imqaddes Franġisku qallu: "Għidli l-verità: inti kif tarani? La tibżax, għaliex għall-grazzja ta' Alla jiena ma nibżax mill-mewt, għaliex *bl-għajnuna ta' Alla* (cfr. Mk 16,20), għall-ħniena u l-grazzja tiegħu jiena tant jien magħqud ħaġa waħda mal-Mulej tiegħi, li l-istess inkunu kuntent li mmut daqs li kieku nkunu kuntent li ngħix". Dak it-tabib mela qallu bla ħabi: "Missier, skond l-għarfien tagħna t-tobba l-marda tiegħek ma hemmx fejqan għaliha u jew fi tmiem Settembru jew lejn l-erbgħa ta' Ottubru inti se tmut". L-imqaddes Franġisku, kif kien mixħut marid f'soddtu, b'qima kbira u devozzjoni,

---

[461] 2C 109 tirrakkonta fid-dettall din il-viżjoni li fra Elia kellu dwar il-mewt ta' San Franġisk, meta kien fil-belt ta' Foligno.

[462] Bongiovanni d'Arezzo. Arnaldo Fortini ried jidentifikah mat-tabib ta' Assisi (*Nova Vita di San Francesco*, II, 536). Ma tantx jista' jinstab is-sens ta' l-isem "Finiatu", jew skond li SP "Bemgnate".

*refa' 'l fuq* dirgħajh *u idejh lejn il-Mulej* (cfr. Esd 9,5) u b'ferħ kbir minn ġewwa u minn barra qal: "Merħba, oħti l-mewt"[463]. [SP 122]

[101 – Juri lil fra Riccerio l-aħħar rieda tiegħu]

[704] Fra Riccerio mill-Marca ta' Ancona, li kien nobbli mill-familja tiegħu u aktar nobbli fi qdusitu, u li l-imqaddes Franġisku kien iħobb b'imħabba kbira, jum minnhom ġie f'dak il-palazz biex iżur lill-imqaddes Franġisku. Fost kliem oħrajn hu tkellem ma' l-imqaddes Franġisku dwar l-Ordni u l-osservanza tar-Regola, u dwar dawn hu staqsieh u qallu: "Għidli, missier, x'inhi l-intenzjoni tiegħek li inti kellek sa mill-bidu meta beda jkollok l-aħwa, u l-intenzjoni tiegħek illum u dik li temmen li jkollok sa jum il-mewt tiegħek, għaliex jiena rrid inkun żgur dwar l-intenzjoni tiegħek u dwar ir-rieda tiegħek fil-bidu u fit-tmiem, l-aktar dwar jekk aħna l-aħwa kjeriċi, li għandna ħafna kotba, nistgħux inżommuhom, għalkemm ngħidu li dawn huma ta' l-Ordni".

L-imqaddes Franġisku qallu: "Ngħidlek, ħija, li din kienet u hi l-ewwel u l-aħħar intenzjoni u rieda tiegħi, jekk l-aħwa tiegħi jridu jemmnuni, li l-ebda wieħed mill-aħwa ma għandu jkollu ħlief il-ħwejjeġ, skond kif tħallih ir-Regola tagħna, bil-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt".

Darba minnhom qal: "L-Ordni u l-ħajja tal-Patrijiet Minuri hi bħal *merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32), li l-Iben ta' Alla *f'dawn l-aħħar żminijiet* (cfr. 1Ġw 2,18) talab mingħand il-Missier tiegħu tas-sema u qal: Missier, irrid li inti tagħtini poplu ġdid u umli f'*dan l-aħħar ż-żmien* (cfr. 1Ġw 2,18), li ma jkunx bħall-oħrajn kollha li ġew qablu fl-umiltà u fil-faqar, u li jkun kuntent li jkollu lili biss. U l-Missier qal lill-Iben maħbub tiegħu: Ibni, dak li tlabtni nagħtihulek".

Hekk l-imqaddes Franġisku kien jgħid li "l-Mulej irid li jissejħu Patrijiet Minuri, għaliex dan hu l-poplu li talab għalih l-Iben tal-Missier; l-istess Iben ta' Alla li fl-Evanġelju jgħid: *Xejn la tibża', merħla ċkejkna, għax il-Missier għoġbu jagħtik is-saltna* (cfr. Lq 12,32), u wkoll: *Dak li tkunu għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu għamiltuh miegħi* (cfr. Mt 25,40). U għalkemm xieraq li wieħed jifhem li l-Mulej qal dawn il-kelmiet għall-foqra kollha, qalu b'mod speċjali għar-Reliġjon tal-Patrijiet Minuri li kellha titnissel fil-Knisja tiegħu".

Kien għalhekk li ġie rivelat lill-imqaddes Franġisku li din kellha tissejjaħ l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, u hekk ridt li jinkiteb fl-ewwel Regola, li hu ħadha quddiem is-sinjur Papa Innoċenz III, li approvahielu, u li tahielu wara li ħabbarha quddiem il-konċilju[464].

Bl-istess mod il-Mulej urieh it-tislima li kellhom jgħidu l-aħwa, kif hu kiteb fit-Testment tiegħu, meta qal: "Il-Mulej nebbaħni din it-tislima, biex ngħiduha: *Il-Mulej jagħtik is-sliem*" (cfr. Num 6,26; 2Tes 3,16). Hekk fil-bidunett ta' l-Ordni, meta l-imqaddes Franġisku kien imur ma xi wieħed mill-ewwel tnax l-aħwa tiegħu, dak kien isellem lill-irġiel u lin-nisa fit-triq u lil dawk li

[463] Dan hu l-mument li fih Franġisku ikkompona l-aħħar taqsima ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq*, appuntu l-istrofa dwar *sora nostra morte corporale*.

[464] Jekk il-kelma Latina *consilio* nifhmuha fis-sens ta' "konċilju", kif fehemha Angelo Clareno, *Expositio Regulae*, allura jista' jkun li Innoċenz III, li kien approva bil-fomm il-*forma vitae* tal-Patrijiet Minuri fl-1210, ħabbar uffiċjalment fil-Konċilju Lateran IV ta' l-1215 li hu kien ta Regola ġdida lil San Franġisk. Il-*Chronica XXIV Generalium* (AF III,9) tgħid li San Franġisk kien preżenti f'Ruma għall-Konċilju Lateran IV. L-awtur ta' SP u t-3C jippreferu jittraduċu l-kelma *consilio* fis-sens ta' "konċistorju", tal-kardinali.

kienu fl-għelieqi, billi kien jgħidilhom: "*Il-Mulej jagħtikom is-sliem*". U billi l-bnedmin kienu għadhom qatt ma semgħu lil xi reliġjuż isellmilhom bi kliem bħal dak, kienu jibqgħu mistagħġbin ħafna. Mhux biss, imma talli xi wħud min-nies kważi b'bixra ta' korla fuq wiċċhom, kienu jgħidulhom: "Xi tridu tgħidu biha din *it-tislima tagħkom*?" (cfr. Lq 1,29). Hekk dak ħuh beda jħossu jistħi ħafna u qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, ħallini, nitolbok, nuża tislima oħra". Imma l-imqaddes Franġisku qallu: "Ħalliehom jgħidu li jridu, għaliex *huma ma jifhmux dak li hu ta' Alla* (cfr. 1Kor 2,14). Imma inti la tistħix, għaliex ngħidlek, ħija, li saħansitra n-nobbli u l-prinċpijiet ta' din id-dinja għad juru qima lejn din it-tislima tiegħek u ta' l-aħwa l-oħrajn". U reġa' qallu l-imqaddes Franġisku: "Mhix ħaġa kbira, li l-Mulej irid ikollu poplu daqshekk ċkejken fost dawk kollha li ġew qablu, poplu li hu kuntent biss li jkollu lilu bħala l-aktar għoli u glorjuż?"

Jekk imbagħad xi ħadd mill-aħwa jrid jgħid, għaliex l-imqaddes Franġisku, meta kien għadu jgħix, ma ikkmandax lill-aħwa biex iħarsu stil ta' faqar iebes fil-ħajja tagħhom, kif qal lil fra Riccerio, *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18) hekk inwieġbu, skond dak li smajna minn fommu stess, għaliex hu qal u ried jikteb fir-Regola dawn u bosta ħwejjeġ oħra għall-aħwa, li kien talabhom minn qabel mingħand il-Mulej wara talb bla heda u meditazzjoni għall-ġid ta' l-Ordni, filwaqt li kien jafferma li dik kienet ir-rieda tal-Mulej. Imma wara li hu ippreżentahom lill-aħwa, huma qiesuhom li kienu *iebsin u ma jifilħux għalihom* (cfr. Mt 23,4), għaliex huma ma kienux jafu x'se jiġri mill-Ordni tiegħu wara li hu jmut. U billi hu kien jibża' ħafna li jqajjem skandlu fih u fl-aħwa, ma riedx joqgħod iħaqqaqha magħhom; imma kien iċedi, għalkemm mhux skond qalbu, għar-rieda tagħhom, u kien imbagħad jiskuża ruħu quddiem il-Mulej. U sabiex *l-ebda waħda mill-kliem li qal ma terġa' lura vojta* (cfr. Is 55,11) għand il-Mulej, għax dan kien kliem li l-Mulej *qegħidlu fuq fommu* (cfr. Eżek 4,15) għall-ġid ta' l-aħwa, hu ried li jwettaqhom hu nnifsu, sabiex hekk ikun jistħoqqlu l-ħlas quddiem il-Mulej, u hekk fl-aħħar kien jikkalma u jfarraġ l-ispirtu tiegħu. [SP 2. 26]

[102 – Kontra l-kilba li wieħed jaħżen il-kotba]

[705] Hekk darba minnhom, meta kien ġie lura mill-inħawi ta' *oltremare*[465], wieħed mill-ministri tkellem miegħu dwar il-kapitlu li fir-Regola jitkellem dwar il-faqar, għaliex ried jagħraf ir-rieda tiegħu u l-mod kif kien jaħsibha, l-aktar għaliex fir-Regola kien hemm miktub kapitlu dwar din il-projbizzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, jiġifieri: *La tieħdu xejn magħkom għat-triq* (cfr. Lq 9,3)[466]. L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Jiena hekk irrid nifhem, li l-aħwa ma għandhom ikollhom xejn ħlief it-tonka, bil-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt, skond kif jingħad fir-Regola, u li dawk li jkunu mġiegħlin mill-ħtieġa, jistgħu jkollhom l-għata tar-riġlejn" U dak il-ministru qallu: "Mela allura jiena x'sejjer nagħmel, għaliex jiena għandi ħafna kotba, li jiswew aktar minn ħames mitt libbri?" Dan hu qalu biex iqiegħed fil-paċi l-kuxjenza tiegħu, l-aktar għaliex kien iħossha ċċanfru, hu li kellu dawk il-kotba kollha, meta kien jaf kemm l-imqaddes Franġisku kien jifhem b'mod strett il-kapitlu dwar il-faqar.

L-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, jiena ma nistax u lanqas għandi mmur kontra l-kuxjenza tiegħi u l-professjoni ta' l-Evanġelju mqaddes li aħna ipprofessajna". Meta sema' dan

---

[465] *Ultramarinis partibus*, "l-inħawi 'l hemm mill-baħar", tirreferi għall-provinċja li l-Ordni kellu fis-Sirja, jew it-Terra Santa, sa mill-1217. Franġisku mar fl-Orjent fl-1219-1220.
[466] Dan hu riferiment għar-*Regola non Bullata* (1221), kapitlu 16.

dak il-ministru tnikket. Meta l-imqaddes Franġisku rah kemm kien daqshekk imħawwad, bil-ħeġġa ta' l-ispirtu qallu quddiem l-aħwa l-oħrajn kollha: "Intom Patrijiet Minuri tridu *li l-bnedmin jarawkom* (cfr. Mt 23,5.7) u jsejħulkom bħala dawk li tosservaw l-Evanġelju mqaddes, imma fl-għemejjel tagħkom tridu *żżommu l-ħorġa*" (cfr. Ġw 12,6).

Il-ministri kienu jafu tajjeb li, skond ir-Regola l-aħwa huma miżmumin li josservaw l-Evanġelju mqaddes; minkejja dan, huma riedu jneħħu dak il-kapitlu fir-Regola li jgħid: *Tieħdu xejn magħkom għat-triq* (cfr. Lq 9,3); u hekk kienu jemmnu li ma jibqgħux marbutin għall-osservanza tal-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes. U billi l-imqaddes Franġisku għaraf dan bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, quddiem l-aħwa kollha hu qal: "L-aħwa jaħsbu li sejrin iqarrqu b'Alla jew bija". U kompla: "Imma biex ikunu jafu l-aħwa kollha li huma obbligati għall-osservanza tal-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, fil-bidu u fit-tmiem tar-Regola irrid li jiġi miktub li l-aħwa huma marbutin li josservaw l-Evanġelju mqaddes tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. U sabiex l-aħwa *ma jkollhomx skuża* (cfr. Rum 1,20) quddiem Alla, dak li l-Mulej għas-salvazzjoni u l-ġid ta' ruħi u ta' l-aħwa *qegħidli f'fommi* (cfr. Eżek 4,15; Is 51,16), u li jiena dawn l-istess kelmiet inħabbarhomlkom u nxandarhomlkom, jiena irrid li bl-għemil ukoll nurihom, u *bl-għajnuna tal-Mulej* (cfr. Mk 16,20), nosservawhom sa l-aħħar". Hekk hu kien josserva l-Evanġelju mqaddes kelma b'kelma mill-bidunett, sa minn meta beda jkollu l-aħwa, u sal-jum tal-mewt tiegħu. [2C 62; SP 3]

[103 – In-novizz li ried ikollu salterju]

[706] Fl-istess żmien kien hemm wieħed mill-aħwa, li kien novizz[467], u li kien jaf jaqra s-salterju, imma mhux tant tajjeb. Billi kien jaqrah bil-qalb, hu talab il-permess li jkollu salterju mingħand il-ministru ġeneral u l-ministru ħallieh. Imma hu ma riedx li jkollu dan il-permess, mingħajr ma qabel ikollu wkoll il-permess mingħand l-imqaddes Franġisku l-aktar għaliex kien sema', li l-imqaddes Franġisku ma kienx irid li l-aħwa jkollhom ħerqa żejda li jakkwistaw l-għerf u li jkollhom kotba; imma kien irid li l-aħwa jippriedkaw u jitħabtu biex ikollhom u jimitaw is-sempliċità pura u qaddis, it-talb qaddis u l-*Madonna Povertà*, li fuqhom kienu jibnu ħajjithom l-ewwel aħwa qaddisin, u dan hu kien jemmen li kienet it-triq l-aktar żgura għas-salvazzjoni tar-ruħ.

Mhux għax hu kien jistmerr jew jiċħad ix-xjenzi qaddisa; anzi dawk li kienu l-aktar għorrief fl-Ordni, u lejn l-għorrief kollha hu kien juri qima kbira, l-aktar għax hu stess jixhed fit-Testment tiegħu u jgħid: "U rridu inweġġħu u nqimu lit-tejoloġi kollha u lil dawk li jamministraw il-kelma ta' Alla, bħallikieku dawk li jgħaddulna *l-ispirtu u l-ħajja*" (cfr. Ġw 6,64).

Imma kien iħares fil-ġejjieni u kien jagħraf bl-Ispirtu s-Santu u kien jgħid ukoll lill-aħwa bosta drabi, li ħafna aħwa, bl-iskuża li jridu jedifikaw lill-oħrajn, jittraskuraw il-vokazzjoni tagħhom, jiġifieri s-sempliċità safja u qaddisa, it-talb qaddis u lill-*Madonna Povertà*. U jiġrilhom li, meta jkunu jaħsbu li sejrin jimtlew b'devozzjoni kbira u bl-imħabba ta' Alla minħabba l-

[467] Is-sena tal-prova, jew novizzjat, ġiet introdotta fl-Ordni bil-Bulla *Cum secundum consilium* tal-Papa Onorju III (22 ta' Settembru 1220). Għaldaqstant l-episodju rridu nqiegħduh wara din id-data, u forsi waqt iż-żmien li fih kien vigarju ta' l-Ordni fra Elia (mill-10 ta' Marzu 1221 sal-mewt ta' San Franġisk), li għalkemma ma kienx ministru ġeneral (għax skond il-*Chronica XXIV Generalium*, ħadd ma kien jissejjaħ ministru ġeneral dment li kien għadu ħaj San Franġisk), fil-prattika kellu l-istess dmirjiet ta' ministru ġeneral ta' l-Ordni.

għarfien ta' l-Iskrittura, imma minn ġewwa huma jibqgħu kesħin u donnhom vojta. Imma ma jkunux jistgħu jerġgħu lura għall-vokazzjoni tal-bidu, l-aktar għaliex ikunu tilfu s-sens ta' kif għandhom jgħixu skond il-vokazzjoni tagħhom; u kien jibża' li *dak li kienu jaħsbu li kellhom kien se jitteħdilhom* (cfr. Mt 25,29), għaliex kienu insew il-vokazzjoni tagħhom.

U kien jgħid: "Huma ħafna dawk li lejl u nhar iqegħdu l-istudju u l-ħerqa kollha tagħhom fix-xjenza, filwaqt li jinsew il-vokazzjoni qaddisa tagħhom u t-talb devot. U meta huma jippriedkaw lill-poplu u jaraw u jagħarfu li fost in-nies ikun hemm min hu edifikat jew li jikkonverti għall-penitenza, huma mall-ewwel jintefħu u jitgħollew bil-ħidma u l-gwadann ta' l-oħrajn, għaliex jaħsbu li dawk ġew edifikati bil-kliem tagħhom jew ġew konvertiti għall-penitenza, filwaqt li l-Mulej jedifika u jikkonverti bit-talb ta' l-aħwa qaddisin, għalkemm huma dan ma jafuhx, għaliex din hi r-rieda ta' Alla li huma ma jintebħux, ħalli hekk ma jitkabbrux. Dawn huma l-aħwa tiegħi kavallieri tal-mejda t-tonda, li huma moħbijin fid-deżert u fl-imkejjen imwarrbin, sabiex jingħataw bil-qima għat-talb u għall-meditazzjoni, filwaqt li jitolbu għad-dnubiet tagħhom u ta' l-oħrajn, u l-qdusija tagħhom hi magħrufa minn Alla, filwaqt li l-aħwa l-oħrajn u l-bnedmin ma jintebħux biha. U meta l-erwieħ tagħhom jidhru quddiem l-anġli tal-Mulej, allura l-Mulej juri l-frott tagħhom u *l-ħlas tal-ħidmiet tagħhom* (cfr. Għerf 10,17), jiġifieri l-bosta erwieħ li jkunu ġew salvati bit-talb tagħhom, u jgħidilhom: Uliedi, dawn huma l-erwieħ li ġew salvati bit-talb tagħkom, u *billi intom kontu fidili fil-ftit, jiena se nqiegħdkom fuq ħafna*" (cfr. Mt 25,21).

Kien għalhekk li l-imqaddes Franġisku kien dejjem jikkummenta hekk il-kelmiet li jgħidu: *Il-mara bla tfal wildet sebgħa, filwaqt li dik ta' bosta ulied tilfet saħħitha* (cfr. 1Sam 2,5), u kien jgħid li l-mara bla wlied tfisser ir-reliġjużi tajbin, li jedifikaw lill-oħrajn bit-talb u l-virtujiet qaddisin.

Dawn il-kliem hu kien ta' spiss itennihom quddiem l-aħwa fil-konferenzi tiegħu[468], u l-aktar waqt il-kapitlu ta' l-aħwa li kien isir fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola quddiem il-ministri u l-aħwa l-oħrajn. Hekk l-aħwa kollha, kemm il-ministri kif ukoll il-predikaturi, kien jiffurmahom għall-għemil it-tajjeb billi jgħidilhom li minħabba l-uffiċċju tagħhom ta' prelati u minħabba l-uffiċċju u l-ħerqa tal-predikazzjoni lil kulħadd ma kellhomx iħallu barra t-talb qaddis u devot, jew li jmorru jittallbu l-karità, jew *li jaħdmu b'idejhom* (cfr. 1Tes 4,11; Ef 4,28) bħall-aħwa l-oħrajn, biex jagħtu eżempju tajjeb għall-ġid ta' l-erwieħ tagħhom u ta' l-oħrajn. U kien jgħid: "Jiġu ħafna edifikati l-aħwa sudditi flimkien mal-ministri u l-predikaturi tagħhom meta dawn jingħataw bil-qalb għat-talb u jmilu ruħhom għall-umiltà". Hekk hu bħal wieħed imħeġġeġ bil-fedeltà lejn Kristu, meta kien f'saħħtu fil-ġisem, kien jaħdem u hekk kien irid jgħallem lill-aħwa.

Dak in-novizzi, mela, li semmejna aktar 'il fuq li kien jgħix f'dak l-eremitaġġ, meta ġara li jum minnhom ġie hemmhekk l-imqaddes Franġisku, mar ikellmu u qallu: "Missier, ikun ta' faraġ kbir għalija li jiena jkolli salterju; imma għalkemm il-ministru ġeneral tani permess li jkolli wieħed, jiena xorta nixtieq li jkolli l-permess mill-kuxjenza tiegħek".

---

[468] L-espressjoni Latina *in collatione verborum suorum*, tindika li San Franġisk kien jagħmel il-*collationes*, jew konferenzi spiritwali, fuq l-istil monastiku, x'aktarx waqt il-kapitli ġenerali. Nafu li l-*Admonitiones*, jew *Twissijiet* ta' San Franġisk, huma forma ta' *collationes* li hu kien jagħmel waqt il-kapitli.

U l-imqaddes Franġisku tah din it-tweġiba u qallu: "L-imperatur Charlemagne, Roland u Oliverius u l-paladini kollha u l-irġiel b'saħħithom, li kienu qawwijin ħafna fil-ġlied, kienu jippersegwitaw lill-infidili b'ħafna taħbit u għaraq sal-mewt u minn għandhom akkwistaw rebħa glorjuża u li tibqa' mfakkra u fl-aħħar mietu huma wkoll bħall-martri minħabba li kienu żgur fil-fidi tagħhom fi Kristu; u huma bosta dawk li biss għax joqogħdu jsemmu l-għemejjel glorjużi li huma għamlu, iridu jieħdu għalihom il-ġieħ u t-tifħir tal-bnedmin". U minħabba f'hekk hu daħħal it-tifsira ta' dawn il-kelmiet fit-Twissijiet tiegħu fejn qal: "Il-qaddisin għamlu għemejjel kbar, u aħna, billi noqogħdu nirrakkontaw dak li għamlu, irridu nieħdu l-ġieħ u l-glorja"[469]. U kien jgħid: *Il-għarfien jonfoħ,* imma *l-karità tedifika* (cfr. 1Kor 8,1). [2C 164; SP 4. 72. 73]

[104 – "Jiena l-brevjar, jiena l-brevjar!"]

[707] Darba oħra, meta l-imqaddes Franġisku kien bilqiegħda maġenb in-nar [biex jissaħħan], dak in-novizz reġa' kellmu dwar is-salterju. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Wara li jkollok is-salterju, tibda' tixtieq li jkollok il-brevjar; wara li jkollok il-brevjar, tibda' toqgħod bilqiegħda fuq il-kattedra, bħal xi prelat kbir u tgħid lil ħuk: Mur ġibli l-brevjar". U malli qal hekk, bil-ħeġġa kbira ta' l-ispirtu qabad f'idu l-irmied u xeħtu fuq rasu, u beda jogħorku ma' rasu billi jdawwar idu qisu qiegħed jaħsel rasu, filwaqt li beda jgħid: "Jiena l-brevajr! Jiena l-brevjar!" U hu u jgħid hekk beda jkompli jogħrok idu ġo rasu. U dak in-novizz baqa' għal kollox miblugħ u beda jistħi ħafna.

Imbagħad l-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, jiena wkoll kelli t-tentazzjoni li jkolli l-kotba; imma biex nagħraf x'inhi r-rieda tal-Mulej, ħadt f'idejja l-ktieb, li fih hemm miktubin l-Evanġelji tal-Mulej u tlabt lill-Mulej biex ma' l-ewwel darba li niftaħ il-ktieb jogħoġbu jurini r-rieda tiegħu dwar dan. Wara li temmejt it-talb, ma' l-ewwel darba li ftaħt il-ktieb ġew quddiem għajnejja dawn il-kelmiet ta' l-Evanġelju mqaddes: *Lilkom ingħata li tagħarfu l-misteru tas-saltna ta' Alla, filwaqt li l-oħrajn ikollhom kollox bil-parabboli*" (cfr. Lq 8,10; Mk 4,11). U qal: "Huma bosta dawk li, bil-qalb kollha jogħlew 'il fuq lejn l-għarfien, imma hieni hu min jagħmel lilu nnifsu sterili għall-imħabba tal-Mulej Alla". [2C 195; SP 4]

[105 – Mill-ġdid in-novizz li ried li jkollu salterju]

[708] Meta laħqu għaddew diversi xhur, u meta l-imqaddes Franġisku kien jgħix fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola fiċ-ċella li kellu wara d-dar, maġenb it-triq[470], dak in-novizz reġa' ġie għandu biex ikellmu dwar is-salterju. L-imqaddes Franġisku qallu: "Mur u agħmel skond dak li qallek il-ministru tiegħek". Dak, meta sema' dawk il-kelmiet, reġa' beda sejjer lura minn fejn kien ġie.

Imma l-imqaddes Franġisku baqa' fit-triq u beda jqis dak li kien qal lil dak ħuh, u mall-ewwel beda jsejjaħlu u jgħidlu: "Stennieni, ħija, stennieni!" U hekk mar jiġri sa ħdejh u qallu: "Ejja lura miegħi, ħija, u urini l-post, li fih jiena għidtlek, biex tagħmel bis-salterju dak li kien qallek il-ministru tiegħek". U waslu fil-post li fih hu kien qallu dawk il-kelmiet. L-imqaddes

[469] *Admonitiones* VI,3.
[470] Fiċ-ċella maġenb it-triq li tieħu lejn Foligno, fejn aktar tard inbniet il-*Cappella delle Rose*.

Franġisku inxteħet għal tulu fl-art quddiem dak ħuh u għarkubbtejh quddiemu qallu: "Ħtija tiegħi, ħija, ħtija tiegħi, għaliex kull min irid ikun patri minuri, ma għandux ikollu ħlief it-tonka kif jingħad fir-Regola flimkien mal-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt, u jekk imġiegħel mill-ħtieġa jew mard, jista' jkollu l-għata tar-riġlejn".

Kull darba li l-aħwa kienu jiġu għandu biex ikollhom il-parir tiegħu dwar ħwejjeġ bħal dawn, hu dejjem kien jagħtihom din it-tweġiba. Għaldaqstant kien jgħid: "Il-bniedem għandu għarfien daqs kemm iwettaq għemejjel tajba; u r-reliġjuż ikun predikatur tajjeb, daqskemm hu nnifsu jwettaq dak li jgħid". U kien jgħid ukoll: "*Siġra tajba tingħaraf* biss mill-*frott* (cfr. Mt 12,33; Lq 6,44) tagħha". [SP 4]

[106 – Dwar kif wieġeb lil wieħed mill-aħwa li staqsieh għaliex ma kienx jikkoreġi l-abbużi fl-Ordni]

[709] Meta l-imqaddes Franġisku kien għadu fl-istess palazz, jum minnhom wieħed mill-aħwa qallu: "Missier, nitolbok tiskużani, għaliex dak li se ngħidlek naf li diġà qaluhulek oħrajn qabli. Inti taf kif, fil-bidunett bil-grazzja ta' Alla l-Ordni kollu kien jgħix fis-safa u fil-perfezzjoni, kif l-aħwa kollha b'ħeġġa u impenn kienu f'kollox josservaw il-faqar imqaddes, jiġifieri fil-bini ċkejken u fqajjar, fir-reċipjenti żgħar u fqajrin, fil-ftit kotba foqra u fil-ħwejjeġ foqra li kienu jilbsu, u kif f'dawn il-ħwejjeġ, hekk ukoll fil-ħwejjeġ l-oħrajn li jidhru waħda kienet ir-rieda tagħhom, jiġifieri li josservaw bil-ħerqa dak kollu li għandu x'jaqsam mal-professjoni, u l-vokazzjoni u l-eżempju tajjeb tagħna; u kif huma kienu qalb waħda fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Imma issa minn ftit taż-żmien 'l hawn din is-safa bdiet titlef mill-perfezzjoni tagħha, u bosta huma dawk li jgħidu li jeħtieġ li jiġu skużati l-aħwa, minħabba l-għadd kbir tagħhom, li issa huma ma jistgħux josservaw dan kollu. Ukoll bosta mill-aħwa jaħsbu li b'dan kollu, aktar milli bl-osservanza tal-bidu, il-poplu jiġi edifikat, u huma jaraw li dan jaqbel ħafna aktar għall-onestà tal-ħajja tagħhom; hekk waslu biex iqisu bħallikieku ma hi xejn t-triq tas-sempliċità u tal-faqar li kienu l-bidu u l-pedament ta' l-Ordni tagħna. Għaldaqstant, meta aħna naraw u nqisu dan kollu, nemmnu li dan lilek inikktek; imma nibqgħu mistagħġbin li, għalkemm inti titnikket, inti tissaporti kollox u ma tikkoreġix dawn l-iżbalji".

L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Il-Mulej jaħfirlek, ħija, għaliex inti trid tkun kontrija u tieqafli u ddaħħalni fi kwestjonijiet li ma għandhomx x'jaqsmu ma' l-uffiċċju tiegħi. Sa minn meta kelli l-uffiċċju tal-ħarsien ta' l-aħwa, huma kien jibqgħu fil-vokazzjoni u l-professjoni tagħhom, għalkemm mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħi lejn Kristu jiena kont marid, imma bil-kura tiegħi jiena kont ngħinhom bl-eżempju u bil-kliem tiegħi. Imma meta wara bdejt inqis li l-Mulej ta' kuljum kattar il-għadd ta' l-aħwa u li huma, minħabba li bdew jibidru u jitnikkru fl-ispirtu, bdew jonqsu milli jimxu fit-triq iż-żgura li fiha soltu kienu jimxu, u kif għidtlek, bdew jippreferu jgħaddu mit-triq aktar wiesgħa, ma bdewx jagħtu aktar każ tal-professjoni u tal-vokazzjoni u ta' l-eżempju tajjeb, u lanqas ma riedu jkomplu jimxu fit-triq li jiena kont bdejt miexi fiha bil-predikazzjoni u bl-eżempju tiegħi, u għalhekk jiena iddeċidejt li nirrikmanda l-Ordni f'idejn il-Mulej u f'idejn il-ministri. Hekk ftit taż-żmien wara jiena ħallejt minn idejja l-uffiċċju tat-tmexxija ta' l-aħwa, u quddiem l-aħwa kollha fil-kapitlu ġenerali tlabt li dan jitneħħieli minn idejja, għax minħabba l-mard tiegħi jiena ma stajtx inkompli nieħu ħsiebhom aktar. Minkejja dan, kieku l-aħwa komplew jimxu u għadhom jimxu skond ir-rieda tiegħi, minħabba l-faraġ tagħhom,

jiena ma rridx li jkollhom ministru ieħor ħlief lili nnifsi, sa jum il-mewt tiegħi.  Għax meta sudditu li jkun fidil u tajjeb ikun jaf ir-rieda tas-superjur tiegħu u josservaha, il-prelat ftit ikollu jħabbel rasu biex jieħu ħsiebu.  Għalhekk jiena rrid nifraħ ħafna bit-tjubija ta' l-aħwa u nkun imfarraġ minħabba l-qliegħ spiritwali tiegħi u tagħhom, hekk li anke meta nkun mixħut marid fis-sodda, ma jkunx tqil għalija li nieħu ħsiebhom".

U kompla jgħid: "L-uffiċċju tiegħi hu spiritwali, jiġifieri dak ta' prelat fuq l-aħwa, u għalhekk jiena rrid naħkem il-vizzji u nġedded il-ħajja tagħhom.  Hekk, li jekk jiena ma nistax naħkem il-vizzji u nġedded il-ħajja tagħhom bil-predikazzjoni u bl-eżempju, jiena ma rridx insir biċċier li nuża l-bastun tad-daqqiet u tas-swat, kif jagħmlu n-nies qawwija ta' din id-dinja.  Għaliex *jiena nafda fil-Mulej* (cfr. S 10,2), li l-għedewwa li ma jidhrux, li huma l-*castaldi* tal-Mulej biex jikkastigaw f'din il-ħajja u fil-ħajja l-oħra lil dawk li jiksru l-kmandamenti ta' Alla, għad jitolbu vendetta minnhom, billi jikkoreġuhom permezz tal-bnedmin ta' din id-dinja li jgħajjruhom u jġiegħluhom jistħu, u hekk imorru lura għall-professjoni u l-vokazzjoni tagħhom.  Għax tassew, li sal-jum tal-mewt tiegħi, bl-eżempju u bl-għemil, jiena qatt ma jien se nieqaf ngħallem lill-aħwa *jimxu fit-triq* li *urieni* (cfr. 1Slat 8,36) il-Mulej, u li jiena urejthom u li fiha iffurmajthom biex *ma jkollhomx skuża* (cfr. Rum 1,20) quddiem il-Mulej, u jiena quddiem Alla ma nkunx marbut *li nagħti rendikont* (cfr. Mt 12,36; Lq 16,2) ieħor dwarhom u dwari".

Hekk fit-Testment tiegħu ried li jinkiteb, li d-djar kollha ta' l-aħwa kellhom jinbnew bit-tajn u bl-injam bħala sinjal tal-faqar imqaddes u ta' l-umiltà, u li l-knejjes li kellhom jinbnew għall-aħwa kellhom ikunu żgħar.  Fuq kollox ried li jibda jirriforma l-aħwa permezz tad-djar mibnijin mit-tajn u mill-injam, u fuq kull eżempju ieħor ried li juri l-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola, li kien l-ewwel post li fih bdew jgħixu l-aħwa, li fih *il-Mulej beda jkattar* (cfr. Dt 7,12.13) lill-aħwa, sabiex għal dejjem dan ikun post ta' tifkira għall-aħwa l-oħrajn kollha, li huma u li għad jidħlu fl-Ordni.

Imma kien hemm xi wħud li qalu li ma kienux jarawha ħaġa tajba, li d-djar ta' l-aħwa kellhom jinbnew mit-tajn u mill-injam, għaliex f'diversi postijiet u provinċji l-injam jiswa aktar mill-ġebel.  U l-imqaddes Franġisku ma riedx joqgħod iħaqqaqha magħhom, għaliex kien marid ħafna u kien jinsab qrib il-mewt, għax wara għex biss għal ftit żmien.  Għalhekk kiteb imbagħad fit-Testment: "Iħarsu ruħhom l-aħwa, li ma jaċċettawx knejjes jew djar u dak kollu li jinbena għalihom jekk dawn ma jkunux jixirqu l-faqar imqaddes li wegħedna fir-Regola, u li dejjem għandhom jgħixu hemmhekk bħala mistiedna, bħala *barranin u pellegrini* (cfr. 1Pt 2,11).

*Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 2,18), meta hu *kiteb* ir-Regola, u l-kitbiet l-oħrajn kollha tiegħu, *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12), li hu kiteb bosta ħwejjeġ fir-Regola u fil-kitbiet l-oħrajn tiegħu, li dwarhom l-aħwa kienu kuntrarji, u l-aktar il-prelati.  Hekk kien jiġri li f'dawk l-affarijiet li dwarhom l-aħwa kienu kuntrarji għall-imqaddes Franġisku matul ħajtu, wara mewtu dawn l-istess affarijiet baqgħu meħtieġa bil-bosta għall-Ordni kollu.  Imma billi hu kien jibża' ħafna li jqajjem skandlu, kien jagħlaq għajnejh, għalkemm kontra r-rieda tiegħu, u jċedi għar-rieda ta' l-aħwa.  Imma ta' spiss kien jgħid dawn il-kelmiet: "Ħażin għal dawk l-aħwa li huma kuntrarji għal dak li rrid jien, għaliex jiena nagħraf, li r-rieda ta' Alla hi aktar meħtieġa għall-Ordni, għalkemm jiena jkolli nċedi għar-rieda tagħhom kontra qalbi".

Hekk ta' spiss kien jgħid lill-aħwa: "F'dan jinsab in-niket tiegħi u t-tiġrib tiegħi, li dak kollu li jiena b'ħafna ħidma u talb u meditazzjoni qlajt mingħand Alla għall-ħniena tiegħu, għall-ħajja preżenti u għal dik futura ta' l-Ordni kollu, u dan nagħraf li jogħġob lilu, għaliex dawn il-ħwejjeġ huma kollha skond ir-rieda tiegħu, imma hemm l-aħwa l-oħrajn li bl-awtorità u b'dak li tipprovdilhom ix-xjenza tagħhom iridu jinqatgħu 'il barra u huma kontrija u jgħiduli: "Dawn il-ħwejjeġ wieħed jista' josservahom, imma dawn l-oħrajn le!". Imma, billi kif għidna, kien jibża' ħafna mill-iskandlu, kien iħalli ħafna affarijiet għaddejjin u kien imil għar-rieda tagħhom, għad li dan kollu kien jagħmlu kontra r-rieda tiegħu. [SP 11. 71]

[107 – Kif kien jikkastiga lil min jgħid kliem fieragħ]

[710] Il-missier l-aktar qaddis Franġisku, meta darba minnhom kien jgħix fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, ta' kuljum, wara l-ikel, biex jevita l-għażż, kien imdorri li jingħata għall-ħidma ta' l-id flimkien ma' l-aħwa, għaliex kien iqis li għalih u għall-aħwa l-ġid, li *bl-għajnuna tal-Mulej* (cfr. Mk 16,20) kienu akkwistaw fil-ħin tat-talb, wara t-talb, minħabba *l-kliem fieragħ* jew bla ħtieġa seta' jintilef, u hekk biex jevita li l-aħwa jaqgħu fi *kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36) jew bla ħtieġa, hekk kien jordna lill-aħwa biex josservaw: "Jekk xi ħadd mill-aħwa waqt il-ħin tal-mistrieħ jew tal-ħidma, jgħid quddiem l-aħwa l-oħrajn xi *kliem fieragħ*, jew bla ħtieġa, dak il-ħin stess hu obbligat li jgħid il-Missierna, flimkien mat-Tifħir ta' Alla fil-bidu u fit-tmiem ta' din it-talba[471]. Jekk hu jintebaħ mall-ewwel bil-ħtija li jkun wettaq, għandu jgħid hu stess il-Missierna għal ruħu flimkien mat-Tifħir ta' Alla, kif ingħad. Jekk imbagħad hu jkun irċieva l-korrezzjoni mingħand xi ħadd ieħor mill-aħwa, hu xorta marbut li jgħid il-Missierna għar-ruħ ta' dak ħuh li minnu irċieva l-korrezzjoni. Jekk hu jiġi korrett bil-qawwa, u ma jkunx irid jgħid il-Missierna, bl-istess mod hu obbligat li jgħid il-Missierna għal darbtejn għar-ruħ ta' dak l-istess wieħed li jkun ikkoreġih; jew inkella għal dak ħuh li jkun xhud li hu kontra l-ieħor kien qal dawk il-kliem bla sens jew *feragħ*. Għandu jgħid it-Tifħir ta' Alla, kif għidna, fil-bidu u fit-tmiem tat-talb tiegħu u għandu jgħidhom b'leħen għoli hekk li l-aħwa jkunu jistgħu jisimgħuh u jifhmuh; u l-aħwa, waqt li hu jkun qiegħed jgħid dan it-tifħir, iridu jisktu u jisimgħu. Jekk xi ħadd fosthom imur kontra dan u ma jiskotx, irid jgħid hu wkoll Missierna bl-istess mod, flimkien mat-Tifħir lil Alla, għar-ruħ ta' dak ħuh li kien obbligat li kien wettaq il-ħtija. U kull wieħed mill-aħwa, meta jidħol fiċ-ċella jew fil-post ta' l-aħwa, u hemmhekk isib lil ħuh jew aħwa oħrajn, irid dejjem ifaħħar lil Alla u għandu jbierek lill-Mulej bil-ħerqa kollha". Kienet drawwa tal-missier l-aktar qaddis li dejjem jgħid dan it-Tifħir, u kienet ir-rieda tiegħu mill-aktar ħerqana u x-xewqa tiegħu li l-aħwa wkoll kellhom jgħiduh bl-istess ħerqa u devozzjoni. [2C 160; SP 82]

[108 – Wara li jibgħat lill-aħwa għall-missjoni, jiddeċiedi li jitlaq lejn Franza. Ikeċċi x-xjaten minn Arezzo. Firenze jiltaqa' mal-Kardinal Ugolino, li jibgħatu lura Assisi]

[711] Fiż-żmien li fih f'dak l-istess post ġie iċċelebrat il-kapitlu ġenerali, li fih għall-ewwel darba l-aħwa intbagħtu fil-provinċja ta' *oltremare*[472], wara li ntemm il-kapitlu, l-imqaddes Franġisku

---

[471] Dan jidher li hu riferiment għal-*Laudes* qabel l-Uffiċċju divin, miktubin minn San Franġisk.

[472] Paul Sabatier jgħid li din is-silta għandha importanza mill-akbar, għaliex tindika ż-żmien li fih l-Ordni beda jorganizza l-missjonijiet kbar tiegħu barra mill-Italja. Il-kapitlu ġenerali kien dak ta' Pentekoste ta' l-14 ta' Mejju 1217, meta l-aħwa intbagħatu 'l fuq mill-Alpi (fil-Ġermanja) u fir-reġjun ta' *Oltremare*, jew is-Sirja. Franġisku

baqa' f'dak il-post flimkien ma' xi aħwa, u qalilhom: "L-aħwa l-aktar għeżież, jiena jaqbel li nkun forma u eżempju għall-aħwa kollha. Issa jekk jiena bgħatt lill-aħwa tiegħi f'reġjuni 'l bogħod għall-ħidma u għall-umiljazzjonijiet, għall-ġuħ u għal kull ħtieġa oħra li jridu jsofru, jidhirli li tkun ħaġa xierqa u tajba, li jiena wkoll bl-istess mod immur f'xi provinċja imbiegħda, l-aktar għaliex irrid inwieżen lill-aħwa fil-ħtiġijiet u t-tiġrib tagħhom, meta huma jsiru jafu li anke jiena qiegħed insofri t-tiġrib tiegħi. Għaldaqstant, morru u itolbu lill-Mulej, sabiex jgħinni nagħżel dik il-provinċja, li tkun l-aħjar għat-tifħir tal-Mulej u biex naħdem għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ u nagħti eżempju tajjeb lill-Ordni tagħna".

Għax kienet drawwa tal-missier l-aktar qaddis, mhux biss meta jmur biex jippriedka f'xi provinċja mbiegħda, imma wkoll meta jmur jippriedka fil-provinċji fil-qrib, li *jitlob lill-Mulej* u kien jibgħat lill-aħwa wkoll biex jitolbu, *sabiex* kull fejn ikun l-aħjar skond Alla, l-Mulej *imexxi* (cfr. Ġud 12,8) lil qalbu biex imur hemmhekk.

Marru mela l-aħwa biex jitolbu, u meta temmew it-talb, reġgħu lura għandu. U hu qalilhom: "*F'isem* il-Mulej tagħna *Ġesù Kristu* (cfr. Atti 3,6) u l-omm Verġni glorjuża tiegħu u l-qaddisin kollha, jiena nagħżel il-provinċja ta' Franza, li fiha hemm nies kattoliċi ħafna, u l-aktar għaliex fost il-pajjiżi kattoliċi tal-Knisja mqaddsa turi qima mill-aktar kbira lejn il-Ġisem ta' Kristu[473]: u dan lili jogħġobni ħafna. Hekk jiena bil-qalb kollha nixtieq immur ngħix magħhom".

Għax l-imqaddes Franġisku tant kellu qima u devozzjoni lejn il-Ġisem ta' Kristu, li hu ried jikteb fir-Regola, li l-aħwa, fil-provinċji li fihom jgħixu, għandu jkollhom kura u ħerqa, u jwissu u jippriedkaw fost il-kjeriċi u s-saċerdoti, sabiex il-Ġisem ta' Kristu jqiegħduh dejjem f'postijiet tajbin u xierqa; u jekk dan ma kienux jagħmluh, hu kien irid li l-aħwa infushom jagħmluh.

Kien hemm żmien li fih hu ried jibgħat lill-aħwa bil-pissidijiet fil-provinċji kollha tad-dinja, u kull fejn kienu jsibu l-Ġisem ta' Kristu mqiegħed mhux f'post xieraq, kellhom jerfgħuh f'post ta' ġieħ. Għax għall-qima lejn il-Ġisem u d-Demm l-aktar qaddis tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu hu bl-istess mod li jinkiteb fir-Regola, li l-kliem u l-ismijiet tal-Mulej miktubin, li bihom jiġi ikkonsagrat is-Sagrament l-aktar qaddis, kull fejn kienu jinstabu mill-aħwa f'postijiet mhux xierqa jew mhux ta' ġieħ, jew mitluqin u mitlufin, dawn kellhom jiġbruhom u jqiegħduhom f'post xieraq, filwaqt li jagħtu ġieħ lill-Mulej fil-kliem *li hu qal* (cfr. 1Slat 2,4): bosta ħwejjeġ, fil-fatt, *jiġu mqaddsin bil-kelma ta' Alla* (cfr. 1Tim 4,5), u bil-qawwa tal-kliem ta' Kristu fuq l-altar jiġi ikkonsagrat is-sagrament.

U għalkemm dawn il-kelmiet hu ma kitibhomx fir-Regola, l-aktar għaliex għall-aħwa ministri kien jidher mhux ħaġa tajba li l-aħwa jkollhom dawn il-kelmiet bi kmand, imma l-missier

---

jagħżel li jmur Franza. Imma nafu li dik is-sena, bil-bulla tat-23 ta' Jannar 1217, il-kardinal Ugolino kien intbagħat minn Onorju III bħala Legat fit-Toscana. Kien proprju ġewwa Firenze fejn hu jiltaqa' ma' San Franġisk fi triqtu lejn Franza, u jwaqqfu u jikkonvinċih biex jirritorna lejn Assisi.

[473] X'aktarx li San Franġisk kien jaf bil-kult ewkaristiku fi Franza minn Jacques de Vitry, li hu seta' iltaqa' miegħu f'Perugia waqt il-funerali ta' Innoċenz III (Thomas of Eccleston, *De Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 15). Damien Vorreux jagħti xi provi li jiddokumentaw din id-devozzjoni fi Franza: l-użu tal-musbieħ quddiem it-tabernaklu, li kien diġà drawwa ġenerali fi tmiem is-seklu XII (3C 7); l-użu ta' l-ostensorju (Digriet ta' Eudes de Silly, isqof ta' Pariġi, fl-1197); fjoritura ta' trattati dwar l-Ewkaristija; u bosta mirakli marbutin ma' l-Ewkaristija (cfr. "France", in *Dictionnaire de Spiritualité*, col. 873). L-istess San Franġisk hu awtur ta' diversi kitbiet b'tema ewkaristika: *Admonitio* I; *EpCler* I u II; *EpCust* I u II; *EpFid* I u II; *EpOrd*.

imqaddes l-istess kiteb fit-Testment tiegħu biex iħalli r-rieda tiegħu dwar dan lill-aħwa. Bl-istess mod hu kien irid jibgħat lill-aħwa l-oħrajn fid-diversi provinċji b'ħafna strumenti tal-ħadid tajbin u sbieħ biex huma jkunu jistgħu jagħmlu l-ostji bihom.

Meta mbagħad l-imqaddes Franġisku kien għażel lil dawk l-aħwa li hu ried jeħodhom miegħu, qalilhom: "F'isem il-Mulej morru *tnejn, tnejn* (cfr. Mk 6,7) b'mod onest fit-triq u l-aktar fis-skiet, u kull filgħodu sal-ħin tat-terza ibqgħu itolbu lill-Mulej *fil-qlub tagħkom* (cfr. Kol 3,16). U *l-ebda kelma fiergħa* (cfr. Mt 12,36) jew bla siwi *ma għandha tinstema minn fommkom* (cfr. Ef 5,3). Meta tkunu mexjin, il-kliem tagħkom għandu jkun onest, kemm jekk tkunu fl-eremitaġġ kif ukoll fiċ-ċella; għaliex kull fejn aħna nkunu u nimxu nġorru magħna ċ-ċella tagħna: ħuna l-ġisem hu ċ-ċella tagħna u r-ruħ hi l-eremita, li jgħix fiċ-ċella biex jitlob lil Alla u jimmedita. Għalhekk, jekk ir-ruħ ma tibqax fis-skiet u fil-ġabra maqtugħa għaliha fiċ-ċella tagħha, ikun kollu ta' xejn li reliġjuż joqgħod ġewwa ċella maħduma bl-idejn.

U hekk waslu Arezzo, imma mal-belt kollha kien hemm skandlu kbir u ġlied bil-lejl u bin-nhar minħabba żewġ partiti, li għal żmien twil kienu ilhom jobogħdu lil xulxin. Meta ra hekk l-imqaddes Franġisku u ra dak l-istorbju kollu u l-frakass lejl u nhar, għax hu kien qiegħed ġewwa ospizju fl-inħawi barra mill-ħitan tal-belt, hu ġie mnebbah li dawk kienu x-xjaten li kienu qegħdin jifirħu u jkesksu lin-nies kollha biex jeqirdu l-belt bin-nar u b'armi perikolużi oħrajn. Hekk, imqanqal mill-ħniena lejn dik il-belt, qal lil fra Silvestro, li kien saċerdot u bniedem ta' Alla, u li kellu fidi kbira, imma wkoll safa u qalb mill-aktar nadifa, u li l-missier imqaddes kien iqimu daqs li kien qaddis: "Mur quddiem il-bieb ta' din il-belt u b'leħen għoli ikkmanda lix-xjaten kollha, biex joħorġu lkoll 'il barra minn din il-belt". Qam fra Silvestro u mar quddiem il-bieb tal-belt filwaqt li beda jgħajjat b'leħen għoli: "Ikun imfaħħar u mbierek il-Mulej Ġesù Kristu. Minn naħa ta' Alla li jista' kollox u bil-qawwa ta' l-ubbidjenza qaddisa lejn il-missier l-aktar qaddis tagħna Franġisku jiena nikkmanda lilkom xjaten kollha, biex toħorġu kollha kemm intom minn din il-belt". U ġara li, għall-ħniena divina u għat-talb ta' l-imqaddes Franġisku, mingħajr l-ebda predikazzjoni ftit wara dawk in-nies reġgħu lura għall-paċi u l-għaqda. U billi dak il-ħin l-imqaddes Franġisku ma setax jippriedkalhom, darba oħra aktar tard meta kien qiegħed jippriedkalhom, qalilhom fl-ewwel predikazzjoni li kien għamel: "Jiena nkellimkom bħala persuni li intom mirbuħin mix-xjaten, għaliex intom ħallejtuhom jorbtukom u tajtu ruħkom għall-bejgħ bħall-bhejjem fis-suq, minħabba l-miżerja tagħkom, u hekk ħallejtu lix-xitan jaħkimkom bejn idejh, jiġifieri meta intom ħallejtu ruħkom tinkixfu għar-rieda tagħhom, li dejjem iridu jeqirdu u jibqgħu jeqirdu lilhom infushom u lilkom u l-belt kollha tagħkom. Imma intom bnedmin imsejknin u injuranti, għaliex intom ingrati lejn il-benefiċċji ta' Alla, għaliex Hu, għalkemm ħafna minnkom dan ma jafuhx, darba minnhom ħeles din il-belt għall-merti tal-wisq qaddis ħuna fra Silvestro". [2C 108; LM VI,9]

Meta l-imqaddes Franġisku wasal Firenze, hemmhekk sab lis-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia, li wara sar Papa, li kien intbagħat mill-Papa Onorju bħala Legat fid-Dukat tat-Toscana, u fil-Lombardia u fil-Marca Trevigiana sa Venezia. Is-sinjur isqof feraħ ħafna bil-miġja tiegħu. Imma meta sema' li l-imqaddes Franġisku ried imur Franza, ma ħalliehx ikompli fi triqtu, u qallu: "Ħija, jiena ma rridx li inti taqsam il-muntanji, għaliex hemm bosta prelati u oħrajn li bil-qalb kollha jfixklu l-ġid ta' l-Ordni tiegħek fil-kurja Rumana. Jiena għalhekk u l-kardinali l-oħrajn, li nħobbu r-Reliġjon tiegħek, irridu niddefenduha bil-qalb u ngħinuha, imma inti trid tibqa' fil-limiti ta' din il-provinċja".

L-imqaddes Franġisku qallu: "Sinjur, għalija hi ta' mistħija kbira, li l-imsejknin aħwa tiegħi jinsabu fi provinċji mbiegħda u maqtugħin, filwaqt li jiena nibqa' f'din il-provinċja". Imma s-sinjur isqof qallu, kważi biex iċanfru: "U għaliex bgħatt lill-aħwa tiegħek daqshekk 'il bogħod biex imutu bil-ġuħ u jsofru tant tiġrib ieħor?"

L-imqaddes Franġisku wieġbu b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu u *bl-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apk 19,10): "Sinjur, inti taħseb jew temmen li l-Mulej irid jibgħat lill-aħwa biss għal din il-provinċja? Imma jiena ngħidlek fis-sewwa, li l-Mulej għażel u bagħat lill-aħwa għas-salvazzjoni u l-ġid ta' l-erwieħ tal-bnedmin kollha tad-dinja kollha, u mhux biss se jilqugħuhom fl-artijiet ta' dawk li jemmnu, imma wkoll fl-artijiet ta' l-infidili. Sakemm huma jħarsu dak li wegħedu lill-Mulej, hekk il-Mulej jaqdihom b'dak li hu meħtieġ għalihom fl-artijiet ta' l-infidili, bl-istess mod li jagħmel fl-artijiet ta' dawk li jemmnu".

Is-sinjur isqof baqa' mistagħġeb għal dawn il-kelmiet tiegħu, għaliex għaraf li tassew kien hekk. Imma s-sinjur isqof ma ħalliehx ikompli sejjer fi Franza, u għalhekk l-imqaddes Franġisku bagħat lil fra Pacifico flimkien ma' aħwa oħrajn u hu reġa' lura fil-valle Spoletana[474]. [2C 108. 201; LM IX,2; SP 65]

[109 – Dwar il-ferħ perfett]

[712] Meta darba minnhom kien riesaq il-kapitlu ta' l-aħwa li kien isir fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, l-imqaddes Franġisku qal lil wieħed mill-aħwa: "Jiena ma narax lili nnifsi bħala patri Minuri, jekk mhux fl-istat li issa sejjer ngħidlek". U qallu: "Ara l-aħwa b'devozzjoni u qima kbira jiġu għandi u jistiednuni għall-kapitlu, u imqanqal mid-devozzjoni lejhom, jiena mmur magħhom fil-kapitlu. U, meta huma jkunu miġburin flimkien, jitolbu lili sabiex inxandrilhom il-kelma ta' Alla; u jiena inqum u nibda nippriedka skond ma *jgħallimni l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Lq 12,12). Meta ntemm il-priedka tiegħi, nimmaġinaw li joqgħodu bilqiegħda u jibdew jitkellmu kontrija u jgħiduli: *Aħna ma rridukx tmexxina* (cfr. Lq 19,14); għaliex inti ma tafx titkellem u inti sempliċi ħafna, u aħna nistħu li jkollna prelat daqshekk sempliċi u ta' min jistmerru fuqna; minn issa 'l quddiem ara ma jfettillekx tippretendi li tissejjaħ il-prelat tagħna. U hekk ikeċċuni 'l barra biż-żeblieħ. Jiena ma jidhirlix li nkun tassew patri Minuri, jekk ma nifraħx b'dak il-mod kif iġibu ruħhom miegħi, meta huma jgħajjruni u jkeċċuni 'l barra bil-mistħija, u ma jkunux iriduni nkun il-prelat tagħhom, daqslikieku huma jagħtuni ġieħ u qima, u jiena għandi nara l-qligħ fiż-żewġ modi kif iġibu ruħhom miegħi. Għaliex, jekk jiena nifraħ meta narahom mexjin 'il quddiem u meta nara l-qima tagħhom, meta huma jfaħħruni u jagħtuni ġieħ, u meta jista' jkun hemm għalija periklu għal ruħi, ħafna aktar jaqbel li għandi nifraħ u naqbeż bil-ferħ u nħoss li jkun ta' ġid u ta' salvazzjoni għal ruħi, meta huma jgħajjruni, meta jkeċċuni 'l barra bil-mistħija, u meta tassew ikun hemm għalija qligħ għal ruħi". [2C 145; SP 64]

---

[474] Fra Pacifico, l-ewwel ministru provinċjal ta' Franza, ġie mibgħut ma' l-ewwel aħwa fi Franza wara l-14 ta' Mejju 1217, wara l-kapitlu ġenerali li fih l-Ordni ġie maqsum fi ħdax-il provinċja: Umbria, Rumana, Terra del Lavoro (Napli), Sqallija, Marche, Toscana, Romagna, Spanja, Franza, Ġermanja-Ungerija, Oltremare (Sirja). (G. Golubovich, *Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa*, Quaracchi 1906-1927, II, 214-221).

[110 – L-episodju tal-werżieq]

[713] Darba minnhom fis-sajf, meta l-imqaddes Franġisku kien jgħix f'dak l-istess post u kien jibqa' fl-aħħar ċella li kien hemm mal-ħajt tal-ħaxix ta' dak il-post, wara d-dar ta' l-aħwa, fejn wara mewtu kien joqgħod fra Rainerio l-ġardinar, ġara darba minnhom li, hu u ħiereġ minn dik iċ-ċella, kien hemm werżieq fil-friegħi tas-siġra tat-tin, li kien hemm barra miċ-ċella, u kien wieqaf hekk li hu seta' jmissu. Hekk allura ħareġ idu, u qal: "Ejja għandi, ħija werżieq". U dak mall-ewwel tela' fuq subgħajh, u hu b'subgħajh ta' idu l-oħra beda jmelles il-werżieq u jgħidlu: "Kanta, ħija werżieq". U dak mall-ewwel obdieh u beda jkanta, u hekk l-imqaddes Franġisku imtela' b'faraġ kbir u beda jfaħħar lil Alla. U hekk dam iżommu f'idu għal sigħat sħiħa; u wara reġa' ħallieh fuq il-weraq tas-siġra tat-tin, minn fejn kien ġabru. U hekk għal tmint ijiem sħaħ, kull meta kien joħroġ miċ-ċella, kien dejjem isibu fl-istess post u kuljum kien jieħdu f'idejh, u mall-ewwel, malli kien jitolbu jibda jkanta, u kien jibda jmissu, dak kien ikanta. Wara tmint ijiem qal lill-aħwa: "Ejjew inħallu lil ħuna l-werżieq jitlaq issa, ħalli jmur fejn irid; għaliex aħna ġejna mfarrġin bil-bosta minnu; inkella l-ġisem tagħna jista' jibda jiftaħar b'hena fieragħ". U hekk ta l-permess lill-werżieq, u dan telaq minn hemm u ma deherx aktar. U l-aħwa tiegħu baqgħu mistagħġbin kif kien jobdih u kif kien juri daqstant ħlewwa miegħu. Għaliex l-imqaddes Franġisku kien jifraħ ħafna fil-ħlejjaq għall-imħabba lejn il-Ħallieq, li l-Mulej, għall-faraġ tal-ġisem u tar-ruħ, kien jagħmel li saħansitra l-ħlejjaq li kienu jgħixu fil-bosk, miegħu kienu jimmansaw. [2C 171; LM VIII,9]

[111 – Kien dejjem irid ikun mudell għall-aħwa l-oħrajn]

[714] Darba waħda, l-imqaddes Franġisku kien joqgħod fl-eremitaġġ ta' San Eleuterio[475] qrib Condigliano, fl-inħawi ta' Rieti. U billi hu ma kellux fuqu ħlief tonka waħda, jum minnhom minħabba l-bard kbir u l-ħtieġa kbira li kien jinsab fiha, raqqa' t-tonka tiegħu u ta' sieħbu minn ġewwa u minn barra b'biċċiet ta' drapp, hekk li ġismu beda jsib ftit tal-faraġ. Wara ftit taż-żmien, meta jum minnhom kien ġej lura mit-talb, b'ferħ kbir qal lil sieħbu: "Jiena jeħtieġ li nkun forma u eżempju għall-aħwa kollha, għaliex jekk il-ġisem tiegħi għandu l-ħtieġa li jkollu tonka mraqqa', hekk naħseb li jaqbel li jkollhom l-aħwa tiegħi, għaliex dan ukoll hu meħtieġ, u huma x'aktarx ma għandhomx u lanqas jista' jkollhom; għalhekk jeħtieġ li jiena nħoss għalihom u għall-ħtiġijiet tagħhom, u dak li huma jsofru jeħtieġ li jiena nsofri bħalhom, sabiex huma, meta jaraw dan, ikunu jistgħu jilqgħu kollox b'sabar ikbar".

*Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18) nistgħu ngħidu kemm hu kien ċaħad ħtiġijiet lil ġismu, fl-ikel u fl-ilbies, sabiex jagħti eżempju tajjeb lill-aħwa ħalli huma jkunu jistgħu jissapportu b'sabar ikbar il-ħtiġijiet tagħhom. Dan l-imqaddes Franġisku kien jitħabat biex iwettqu qabel kollox u dejjem, l-aktar wara li l-aħwa bdew jitkattru u hu ħalla warajh l-uffiċċju ta' prelat, sabiex hekk jgħallem lill-aħwa aktar bl-għemil milli bil-kliem, u jurihom kif għandhom iġibu ruħhom, u x'għandhom jevitaw. [SP 16]

---

[475] Skond Terzi dan l-eremitaġġ ta' San Eleuterio kien jinsab fil-lokalità msejħa Fonte di Cerro jew Forca di Cerro, li titfakkar f'dokument ta' l-1182, xi 17-il kilometru mit-triq ta' Rieti-Cottanello, f'post li llum jismu San Oliviero, li jista' jkun korruzzjoni ta' l-isem San Eleuterio.

[112 – "Għidli, min hu dak li waqqaf l-Ordni ta' l-aħwa?"]

[715] Darba oħra, meta kien qiegħed iqis u jisma' li xi aħwa kienu jagħtu eżempju ħażin fl-Ordni, u wkoll li l-aħwa bdew imorru lura mill-quċċata għolja tal-professjoni tagħhom, *hu imtela' b'niket kbir fil-ġewwieni tiegħu* (cfr. Ġen 6,6), u jum minnhom waqt it-talb qal lill-Mulej: "Mulej, inħalli f'idejk il-familja li inti tajtni". U sema' lill-Mulej jgħidlu: "Għidli ftit, għaliex inti qiegħed titnikket daqshekk, jiġifieri għaliex l-aħwa joħorġu mill-Ordni u għaliex oħrajn *mhumiex qegħdin jimxu fit-triq li jiena urejtek*? (cfr. 1Slat 8,36). Għidli wkoll: min ħawwel l-Ordni ta' l-aħwa? Min ikkonverta lill-bnedmin biex jagħmlu penitenza f'dan l-Ordni? Min jagħti l-virtù tal-perseveranza fl-Ordni? Mhux jiena?"

U *fl-ispirtu* (cfr. Atti 11,12; Apk 1,10) ħass min jgħidlu: "Jiena ma għażiltekx *fuq il-familja* (cfr. Lq 12,42) tiegħi għaliex inti bniedem ta' skola jew taf titkellem, imma jiena għażiltek għax inti sempliċi u rridek tkun taf, kemm lilek u kemm lill-oħrajn, li jiena rrid nishar fuq il-merħla tiegħi; imma jiena *qegħidtek bħala siġill* (cfr. Ħag 2,24) fuqhom, sabiex il-ħidma, li jiena bdejt fik, huma jħarsu lejk sabiex jippruvaw jimitawha fl-għemil tagħhom. *Min jimxi fi triqati* (cfr. S 127,1) *ikollu lili u jkollu kollox bil-kotra* (cfr. Ġw 10,10). Dawk li tassew ma jridux jimxu fi triqati, *jitteħdilhom saħansitra dak kollu li ħasbu li kellhom* (cfr. Mt 13,12; 25,29).

Għaldaqstant ngħidlek, toqgħodx titnikket, imma kompli wettaq dak li qed tagħmel; kompli aħdem il-ħidma li qiegħed tagħmel, għaliex jiena ħawwilt l-Ordni ta' l-aħwa *fl-imħabba li ma tintemmx* (cfr. Ġer 31,3). Hekk kun af li jiena tant iħobbu li, jekk xi ħadd mill-aħwa *jerġa' lura għall-vomtu tiegħu* (cfr. 2Pt 2,22; Prov 26,11), u jmut barra l-Ordni, jiena nerġa' ndaħħal ieħor floku fl-Ordni, biex jieħu hu l-kuruna tiegħu; u jekk jiġri li dan *lanqas ikun għadu twieled* (cfr. Mt 26,24), jiena nagħmel li jitwieled. U biex tkun taf li jiena nħobb minn jeddi l-ħajja u l-Ordni ta' l-aħwa, anke jekk jiġri li fil-ħajja kollha u fl-Ordni ta' l-aħwa ma jifdalx ħlief tliet aħwa, jiena ma nitlaqhom qatt waħedhom".

U hekk b'dawn il-kelmiet li sema' jidwu f'ruħu, l-imqaddes Franġisku kellu ħafna faraġ, l-aktar għaliex kien iħossu mnikket bil-bosta, meta kien jisma' b'xi eżempju ħażin li jkunu taw l-aħwa. U għalkemm ma setax iżomm dan kollu moħbi ġewwa fih, biex ma jitnikkitx meta jisma' b'xi ħaġa ħażina, wara li ġie mfarraġ mill-Mulej b'dan il-mod, kien jerġa' jiftakar f'dawk il-kelmiet u jgħidhom lill-aħwa.

Hekk l-imqaddes Franġisku ta' spiss kien jgħid lill-aħwa fil-kapitlu jew fil-konferenzi tiegħu dawn il-kelmiet: "Jiena *ħlift u iddeċidejt* (cfr. S 118,106) li nosserva r-Regola ta' l-aħwa u l-aħwa kollha bl-istess mod huma obbligati għal dan; hekk li, sa minn meta jiena ħallejt warajja l-uffiċċju tat-tmexxija ta' l-aħwa, mill-bqija, minħabba l-mard tiegħi u għall-akbar ġid ta' ruħi u ta' dawk l-aħwa kollha, jiena minix marbut ma' xejn aktar ħlief li nagħti *eżempju tajjeb* (cfr. Tit 2,7).

Għax jiena dan tgħallimt mill-Mulej, u naf bil-verità li, ukoll jekk ikun skużat minħabba fil-mard, l-akbar għajnuna li nkun nista' nagħti lill-aħwa ta' l-Ordni tiegħi tkun li ta' kuljum jiena nitlob għalihom quddiem il-Mulej, biex imexxihom hu, biex iżommhom sħaħ, biex jiddefendihom u jħarishom. F'dan jiena obbligajt ruħi quddiem il-Mulej u quddiem l-aħwa, jiġifieri li, jekk xi ħadd mill-aħwa jintilef bl-eżempju ħażin tiegħi, jiena nkun miżmum li *nagħti rendikont* (cfr. Mt 12,36) ta' dan quddiem il-Mulej".

Hekk, kull meta xi ħadd mill-aħwa kien jgħidlu li hu kellu jindaħal fi kwestjonijiet tat-tmexxija ta' l-Ordni, hu kien iwieġbu b'dawn il-kelmiet u jgħidlu: "L-aħwa għandhom ir-Regola tagħhom, dejjem kif huma wegħedu; u għalhekk huma ma għandhom l-ebda skuża, għaliex wara li l-Mulej għoġbu jaħtarni biex inkun prelat tagħhom, jiena quddiemhom bl-istess mod ħlift u irrid li dan kollu nosservah sa l-aħħar. Hekk, jekk l-aħwa jafu dak li għandhom jagħmlu u dak li għandhom jevitaw, ma jifdlilhom xejn aktar ħlief li jien ngħallimhom bl-għemil, għaliex għal dan jiena ingħatajt lilhom f'ħajti u wkoll wara mewti". [2C 158; SP 81]

[113 – Kien jistħi meta jiltaqa' ma' xi ħadd ifqar minnu]

[716] Darba minnhom, meta l-imqaddes Franġisku mar jippriedka fi provinċja, ġara li iltaqa' ma' raġel fqajjar; u meta qagħad iqis kemm kien kbir il-faqar tiegħu, hu qal lil sieħbu: "Hu ta' mistħija kbira għalina l-faqar ta' dan ir-raġel u hu wkoll ta' ċanfira għall-faqar tagħna". Sieħbu wieġbu u qallu: "Għaliex missier?" U hu wieġeb: "Hu ta' mistħija kbira għalija, meta jiena insib lil xi ħadd li hu ifqar minni, għaliex jiena għażilt il-faqar imqaddes bħala sid tiegħi u għall-ferħ u l-għana ta' ruħi u ta' ġismi; u mad-dinja kollha tiġri din il-vuċi, jiġifieri li jiena ipprofessajt il-faqar quddiem Alla u l-bnedmin. Għaldaqstant jiena irrid tassew nistħi, meta niltaqa' ma' bniedem li jkun ifqar minni". [2C 84; SP 17]

[114 – Kif ikkoreġa lil wieħed mill-aħwa li kien iġġudika ħażin lil wieħed fqir]

[717] Meta l-imqaddes Franġisku mar f'eremitaġġ ta' l-aħwa qrib Rocca di Brizio[476], biex hemmhekk jippriedka lin-nies ta' dik il-provinċja, ġara jum minnhom, li fih hu kellu jippriedka, li ġie għandu wieħed raġel fqir u marid. U meta hu raħ quddiemu beda jqis il-faqar u l-mard tiegħu, hekk li tqanqal bil-ħniena, u beda jitkellem ma' wieħed mill-aħwa dwar l-għera u l-mard tiegħu, filwaqt li kien jitħassru.

Sieħbu qallu: "Ħija, hu tassew li dak hu fqir ħafna, imma x'aktarx li fil-provinċja kollha ma hemm ħadd aktar għani minnu fix-xewqat". U l-imqaddes Franġisku ċanfru għax ma tkellimx is-sewwa, u dak imbagħad stqarr il-ħtija tiegħu. U qallu l-imqaddes Franġisku: "Trid issa tagħmilha l-penitenza li se nagħtik?" U dak wieġbu: "Bil-qalb kollha". U hu qallu: "Mur u inża' t-tonka tiegħek u mur quddiem dak ir-raġel għeri, u *inxteħet għal tulek fl-art f'riġlejh* (cfr. Mt 15,30), u għidlu li inti dnibt kontrih, għaliex iġġudikajtu ħażin; u għidlu biex hu jitlob għalik, ħalli Alla jaħfirlek".

Dak mela telaq u għamel kollox skond ma qallu l-imqaddes Franġisku. Meta għamel hekk, qam u reġa' libes it-tonka, u mar lura għand l-imqaddes Franġisku. U l-imqaddes Franġisku mar u qallu: "Tridni ngħidlek kif inti dnibt kontrieh, anzi kontra Kristu?" U qallu: "Meta inti tara bniedem fqir inti trid tara lil dak li hu ġie f'ismu, jiġifieri Kristu, li ġie biex jieħu fuqu l-faqar u l-mard tagħna. Għax il-faqar u l-mard ta' dak ir-raġel huma bħal mera għalina, li fiha nistgħu naraw

---

[476] Paul Sabatier identifika Rocca San Brizio bir-Rocchicciola jew Rocca Sant'Angelo, li tinsab lejn il-majjistral ta' Assisi, bejn il-kastelli ta' Sterpeto u San Gregorio, fejn kien hemm wieħed mill-ewwel kunventi Franġiskani, bi knisja antika imżejna b'affreski ta' l-iskola ta' Giotto jew ta' l-iskola tal-Perugino.

bil-qima kollha r-rifless tal-faqar u tal-mard tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu li ġarr fil-ġisem tiegħu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha". [2C 85; SP 37]

[115 – Jikkonverti l-ħallelin ta' Montecasale]

[718] Darba minnhom f'eremitaġġ ta' l-aħwa fuq Borgo San Sepolcro[477] ġew xi ħallelin biex jittallbu l-ħobż mingħand l-aħwa, għax huma kienu jgħixu moħbijin fil-boskijiet kbar ta' dik il-provinċja u xi kultant kienu joħorġu minnhom fit-toroq u fil-mogħdijiet biex jisirqu lill-bnedmin. Wieħed mill-aħwa li kienu f'dak il-post qalilhom: "Mhijiex ħaġa tajba li nagħtuhom il-karità, l-aktar għaliex dawn huma ħallelin u jagħmlu ħafna ħsara kbira lill-bnedmin". Oħrajn, li bdew iqisu li huma kienu qed jittallbu bl-umiltà u għax imġiegħlin minn ħtieġa kbira, kienu jagħtuhom xi ħaġa, imma dejjem iwissuhom, biex jikkonvertu għall-ħajja ta' penitenza.

Sadanittant wasal f'dak il-post l-imqaddes Franġisku; u l-aħwa staqsewh dwar dan, jiġifieri jekk kienetx ħaġa tajba li jagħtuhom il-ħobż, iva jew le. U l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Jekk tagħmlu dak li se ngħidilkom jien, *u tafdaw fil-Mulej* (cfr. S 10,2), intom tirbħu l-erwieħ tagħhom". U qalilhom: "Morru, akkwistaw ħobż tajjeb u inbid tajjeb, u morru fittxuhom fil-bosk, fejn tafu li huma jgħixu flimkien, filwaqt li tgħajjtulhom u tgħidulhom: L-aħwa ħallelin, ejjew għandna, għaliex aħna ħutkom u ġibnielkom ħobż tajjeb u inbid bnin. U huma mall-ewwel jiġu għandkom, u intom ifirxu t-tvalja ma' l-art, u qiegħdu fuqha l-ħobż u l-inbid, u aqduhom bl-umiltà u bil-ferħ, sakemm huma jieklu; u wara li jieklu għidulhom xi kliem tal-Mulej u fl-aħħarnett itolbuhom għall-imħabba tal-Mulej din l-ewwel talba tagħkom, jiġifieri li jwiegħedukom li ma jsawwtu lil ħadd, u li ma jagħmlu l-ebda deni lil ebda bniedem, għaliex, jekk intom titlolbuhom kollox f'daqqa f'darba biss, huma ma jisimgħux minnkom; u huma, minħabba l-umiltà u l-karità li intom tkunu urejtu magħhom, mall-ewwel iwiegħdukom. U jum ieħor qumu u minħabba l-wegħda tajba li huma jkunu għamlulkom, marru, u flimkien mal-ħobż u l-inbid, ħudulhom il-bajd u l-ġobon, u bl-istess mod qiegħdu kollox quddiemhom u servuhom, sakemm huma jieklu; u wara li jieklu għidulhom: *Għaliex toqogħdu hawnhekk il-jum kollu* (cfr. Mt 20,6) u tmutu bil-ġuħ, u ssofru minn ħafna tbatija, u bir-rieda tagħkom imbagħad tagħmlu bosta ħwejjeġ ħżiena, li bihom se titilfu ruħkom, jekk ma tikkonvertux? Ikun aħjar li taqdu lill-Mulej, u hu f'din il-ħajja jagħtikom dak li teħtieġu għall-ġisem tagħkom, u fl-aħħarnett *isalvalkom ruħkom* (cfr. Ġak 1,21). U l-Mulej jispirahom għall-ħniena tiegħu, u huma jikkonvertu minħabba l-umiltà u l-karità li intom tkunu urejtu magħhom".

L-aħwa mela qamu u għamlu kollox skond kif kien qalilhom l-imqaddes Franġisku, u huma *għall-ħniena ta' Alla* (cfr. Rum 12,1) u għall-grazzja tiegħu, li issawbet fuqhom, kelma b'kelma u tikka b'tikka semgħu u osservaw it-talbiet kollha li l-aħwa talbu minnhom; mhux biss, imma minħabba l-familjarità u l-karità li urew magħhom l-aħwa, bdew iġorrulhom l-injam fuq spallejhom lejn l-eremitaġġ. U *għall-ħniena ta' Alla* (cfr. Rum 12,1), u minħabba dik il-karità u l-familjarità li urew magħhom l-aħwa, xi wħud minnhom daħlu fl-Ordni, u oħrajn laqgħu li jgħixu

[477] Dan hu l-eremitaġġ ta' Montecasale, li għadu jeżisti sallum. Il-post, skond Agostino da Stroncone (*Umbria Serafica*, a. 1213) ġie mogħti lil San Franġisk mill-isqof Giovanni ta' Città di Castello.

ħajja ta' penitenza[478], filwaqt li bdew iwiegħdu f'idejn l-aħwa li huma ma riedux aktar jagħmlu għemejjel ħżiena fid-dinja, imma riedu jgħixu *bil-ħidma ta' idejhom* (cfr. 1Kor 4,12; Ef 4,28).

Hekk l-aħwa baqgħu mistagħġbin ħafna kif ukoll dawk kollha li semgħu u għarfu x'ġara, meta bdew iqisu l-qdusija ta' l-imqaddes Franġisku, għaliex hu kien ħabbar il-konverżjoni tagħhom, li qabel kienu irġiel hekk ħżiena u mill-agħar, u raw kif hekk malajr huma daru lura lejn il-Mulej. [SP 66; Fior 26]

[116 – Kif kixef il-qerq ta' wieħed mill-aħwa li kulħadd kien jaħsbu qaddis]

[719] Kien hemm wieħed mill-aħwa li kien jgħix ħajja onesta u qaddisa, u li lejl u nhar kien ikun mehdi fit-talb. Kien dejjem josserva s-skiet hekk li meta kien imur iqerr għand xi saċerdot ħuh, ma kienx iqerr bil-kliem imma bis-sinjali. F'kollox kien juri ruħu li kien devot u mħeġġeġ fl-imħabba lejn Alla, hekk li meta kien ikun fil-kumpanija ta' l-aħwa, għalkemm ma kienx jitkellem, kien jifraħ minn ġewwa u minn barra, meta kien jisma' xi kelma tajba, hekk li l-aħwa kollha u dawk li kienu jarawh kienu jinġibdu għall-qima lejn Alla: minħabba dan kollu l-aħwa u l-oħrajn kollha kienu bil-qalb jaraw fih kważi bniedem qaddis.

Wara li għal bosta snin hu dam jippersevera f'dan l-istil ta' ħajja, darba minnhom l-imqaddes Franġisku ġie fil-post li fih kien jgħix, u ġara li, waqt li kien qiegħed jisma' lill-aħwa jitkellmu dwaru, hu qal lill-aħwa: "*Kunu afu fis-sewwa* (cfr. Mt 22,16), li dan kollu hu qerq tax-xitan, għaliex hu ma jridx iqerr".

Sadanittant wasal hemmhekk il-ministru ġeneral biex iżur lill-imqaddes Franġisku, u beda jirrikmanda lil dak il-patri ma' l-imqaddes Franġisku. L-imqaddes Franġisku qallu: "Emminni, ħija, li dak ħuna hu mmexxi minn spirtu ħażin li jqarraq bih". Għal dan il-ministru ġeneral wieġeb u qallu: "Għalija tidher ħaġa ta' l-għaġeb u li ma titwemminx, kif fi bniedem, li fih jidhru tant sinjali ta' għemejjel qaddisa, jista' jkun hemm dak li qiegħed tgħid int". U l-imqaddes Franġisku qallu: "Qiegħdu fil-prova, u għidlu biex darbtejn jew almenu darba fil-ġimgħa jmur iqerr; u jekk ma jisimgħekx, inti tkun taf kemm hu veru dak li qiegħed ngħidlek".

Meta jum minnhom kien qiegħed jitkellem ma' dak il-patri l-ministru ġeneral qallu: "Ħija, jiena irrid li inti darbtejn fil-ġimgħa jew għallinqas darba tmur tqerr". Dak qiegħed subgħajh quddiem fommu, u biċ-ċaqliq ta' rasu u b'sinjali oħrajn beda juri li ma riedx jagħmel hekk bl-ebda mod. Il-ministru, għalhekk, għax beża' li se jiskandalizzah, bagħatu. *U wara mhux ħafna jiem* (cfr. Lq 15,13) hu ħareġ minn jeddu mill-Ordni u mar lura fid-dinja, u reġa' libes l-ilbies ta' sekular.

Ġara darba li tnejn mill-aħwa ta' l-imqaddes Franġisku kienu mexjin minn triq, u iltaqgħu miegħu, li kien miexi waħdu qisu pellegrin fqir. Huma ħennew għalih u qalulu: "O raġel imsejken, fejn hi issa l-ħajja qaddisa u l-onestà tiegħek? Inti ma ridtx turi ruħek lill-aħwa u titkellem magħhom, għaliex kont tgħid li tħobb il-ħajja maqtugħ għalik waħdek; u hekk issa qed ikollok timxi fid-dinja, bħal bniedem li ma jagħrafx lil Alla u lill-qaddejja tiegħu". Hu għalhekk beda

[478] Damien Vorreux hu tal-fehma li l-espressjoni Latina *alii acceperunt penitentiam*, tirreferi għall-fatt li uħud mill-ħallelin daħlu fl-Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza (III Ordni Franġiskan).

jkellimhom, u ta' spiss beda jaħlef fuq il-fidi tiegħu kif jagħmlu n-nies sekulari. U l-aħwa qalulu: "O raġel imsejken, għaliex fi kliemek taħlef fuq il-fidi tiegħek kif jagħmlu n-nies sekulari, inti li darba waħda meta kont fl-Ordni mhux biss kont tiskot *mill-kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36), imma saħansitra mill-kliem tajjeb?"

U dak weġibhom: "Ma stajtx nagħmel mod ieħor". U dawk ħallewh imur għal triqtu. U wara mhux ħafna ġranet hu miet. U l-aħwa u l-oħrajn kollha baqgħu mistagħġbin ħafna, meta bdew iqisu l-qdusija ta' l-imqaddes Franġisku li kien ħabbar dak li kellu jiġrilu, fl-istess żmien li mill-aħwa dan kien meqjus bħala bniedem qaddis. [2C 28; SP 102]

[117 – Meta kien Ruma fit-torri tal-Kardinal Leone di Santa Croce, jitħabat ħafna max-xitan]

[720] Darba minnhom l-imqaddes Franġisku mar Ruma biex iżur lis-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia, li mbagħad sar Papa, u baqa' għandu għal xi ġranet. Wara li telaq minn għand dan ir-raġel apostoliku, mar iżur lis-sinjur Leone, kardinal ta' Santa Croce[479]. Dak il-kardinal kien raġel mill-aktar twajjeb u ġentili, u kien jara bil-qalb lill-imqaddes Franġisku u kien iqimu bil-kbir. U hu talbu b'kull xorta ta' devozzjoni biex jibqa' għandu għal ftit ġranet, l-aktar għaliex kienet ix-xitwa u kien qed jagħmel bard kbir, u kważi kuljum kien hemm riħ qawwi u xita, kif soltu jagħmel f'dak l-istaġun.

U qallu: "Ħija, bħalissa mhux żmien tajjeb biex tivvjaġġa. Jiena rrid, jekk dan jogħġbok, li tibqa' għandi sakemm it-temp jaqleb għall-aħjar u tkun tista' tivvjaġġa; jiena kuljum inżomm xi foqra u nieħu ħsiebhom f'dari, u għalhekk ilqa' l-ikel minn għandi bħal wieħed mill-foqra". Hekk qal is-sinjur kardinal, għaliex kien jaf li l-imqaddes Franġisku minħabba l-umiltà dejjem kien ikun irid jiġi milqugħ u mogħti l-kenn bħal bniedem fqir, għalkemm tant kien magħruf għall-qdusija tiegħu, li kemm is-sinjur Papa kif ukoll il-kardinali u l-kbarat kollha ta' din id-dinja, li kienu jafuh, kienu jqisuh tassew u jqimuh bħal bniedem qaddis. U għalhekk qallu: "Jiena noffrilek post maqtugħ, li fih inti tkun tista' toqgħod titlob u tiekol, kif jogħġbok".

Flimkien mal-kardinal kien hemm fra Angelo Tancredi, wieħed mill-ewwel tnax l-aħwa. U dan qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, qrib il-ħajt tal-belt hemm torri sabiħ li hu kbir u spazjuż, u li fih disa' turretti, li fihom inti tista' toqgħod qisek qiegħed f'eremitaġġ".

L-imqaddes Franġisku qallu: "Imxu mmorru narawh". U meta rah għoġbu; u mar lura għand is-sinjur cardinal u qallu: "Sinjur, jiena bi ħsiebni noqgħod għandek għal ftit ġranet". U s-sinjur cardinal feraħ bil-kbir għal dawn il-kelmiet.

Fra Angelo mar għalhekk u ħejja kollox, sabiex l-imqaddes Franġisku flimkien ma' wieħed mill-aħwa jkun jista' joqgħod hemm lejl u nhar. Għax l-imqaddes Franġisku ma riedx jinżel minn hemm lejl u nhar, sakemm kellu jdum għand is-sinjur kardinal. Hu ftiehem ma' fra Angelo biex

---

[479] Il-Kardinal Leone Brancaleone di Santa Croce in Gerusalemme, sar kardinal fl-1202 u miet fl-1230. Hu kellu d-dar tiegħu maġenb il-knisja titolari tiegħu, u t-torri kien ftit 'il bogħod minnha. Dan il-vjaġġ ta' San Franġisk f'Ruma seta' kien dak ta' Novembru 1223, meta mar għall-approvazzjoni tar-*Regola Bollata* għand il-Papa Onorju III. L-istaġun li jissemma fir-rakkont jikkorrispondi għal tmiem il-ħarifa jew il-bidu tax-xitwa.

kuljum iġib minn barra l-ikel lill-imqaddes Franġisku u lil sieħbu, għaliex la hu u lanqas ħadd aktar ma kellu jidħol ħdejh.

L-imqaddes Franġisku mar mela hemmhekk biex joqgħod flimkien ma' sieħbu. Imma meta fl-ewwel lejl mar biex jorqod, ġew ix-xjaten u bdew iħabbtuh bil-qawwa. Hu mall-ewwel sejjaħ lil sieħbu, li kien jinsab ftit 'il bogħod minnu, u qallu: "Ejja għandi". U dak mall-ewwel qam u mar ħdejh. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, ix-xjaten qiegħdin iħabbtuni bil-kbir: għalhekk irridek toqgħod ħdejja, għaliex qiegħed nibża' noqgħod hawnhekk waħdi". U sieħbu baqa' ħdejh għal dak il-lejl kollu. Imma l-imqaddes Franġisku kien jitriegħed kollu kemm hu, qisu bniedem li kien maħkum minn deni qawwi; u t-tnejn li huma baqgħu jishru fit-talb għal dak il-lejl kollu.

Sadanittant l-imqaddes Franġisku tkellem ma' sieħbu u qallu: "Għaliex taħseb li x-xjaten ħabbtuni u għaliex *ingħatat lilhom is-setgħa* (cfr. Apk 9,3; 13,5.7) mill-Mulej biex jagħmluli ħsara?"

U beda jgħid: "Ix-xjaten huma l-*castaldi* tal-Mulej tagħna. Kif il-*podestà*, meta jiġi offiż minn xi ħadd, jibgħat il-*castaldo* tiegħu biex jikkastigah, hekk il-Mulej *lil dawk li jħobb* permezz tal-*castaldi* tiegħu, jiġifieri permezz tax-xjaten, li huma l-qaddejja tiegħu f'dan il-ministeru, *jikkoreġihom u jikkastigahom* (cfr. Prov 3,12; Lhud 12,6). Saħansitra r-reliġjuż perfett jidneb f'ħafna affarijiet mingħajr ma jkun jaf. Għalhekk, billi ma jkunx għaraf id-dnub tiegħu, jiġi ikkastigat mix-xitan, sabiex jara u jqis permezz ta' dak il-kastig bir-reqqa minn ġewwa u minn barra dak li bih ikun offenda lil Alla, għaliex lil dawk li jħobbhom il-Mulej f'din il-ħajja preżenti, ma jħalli xejn mhux ikkastigat mill-ħtijiet tagħhom. Jiena tassew *għall-ħniena* u għall-grazzja *ta' Alla* (cfr. Rum 12,1) ma naf li għamilt l-ebda nuqqas li jiena ma pattejtx għalih bil-qrar u bil-penitenza. Imma wkoll għall-ħniena tiegħu tani dan ir-rigal, li f'dak kollu li jiena rrid nogħoġbu u fil-fatt ma nogħoġbux, hu jagħtini l-għarfien waqt it-talb. Imma jiena jidhirli li l-Mulej, permezz tal-*castaldi* tiegħu qiegħed jikkastigani għaliex, għalkemm is-sinjur kardinal għamel miegħi din il-ħniena u l-ġisem tiegħi għandu bżonn jilqa' din it-tjubija bil-fiduċja mingħandu, imma l-aħwa tiegħi, li jmorru fid-dinja u jsofru l-ġuħ u bosta tiġrib u l-aħwa l-oħrajn li jgħixu fil-postijiet fqajrin u fl-eremitaġġi, meta jisimgħu li jiena qagħadt għand is-sinjur kardinal, jibda jkollhom l-okkażjoni li jgemgmu kontra tiegħi u jgħidu: Aħna nsofru dawk il-ħtiġijiet kollha u hu sab il-faraġ tiegħu. Għaldaqstant jiena dejjem miżmum li nagħti l-eżempju tajjeb, l-aktar għaliex għalhekk jiena ġejt mogħti lilhom. Għax l-aħwa jiġu aktar edifikati, jekk jiena nibqa' f'postijiet fqajrin fosthom, milli f'postijiet oħrajn; u huma aktar ikunu jistgħu jilqgħu bis-sabar it-tiġrib, meta jisimgħu u jkunu jafu li jiena wkoll qiegħed nilqgħu".

U għalkemm l-imqaddes Franġisku kien dejjem ikun marid, għaliex fid-dinja kien raġel fraġli u dgħajjef skond in-natura, ta' kuljum sal-jum tal-mewt tiegħu, hu li dejjem kien jimrad iżjed, kien iqis li juri eżempju tajjeb lill-aħwa sabiex ineħħilhom dejjem l-okkażjoni li jgemgmu, jiġifieri li ma jmorrux l-aħwa jgħidu: Hu għandu l-ħtiġijiet tiegħu, u aħna ma għandniex. Hekk kemm fis-saħħa kif ukoll fil-mard, sal-jum tal-mewt tiegħu, hu dejjem ried isofri l-ħtieġa, kif kienu jafu l-aħwa u kif konna nafu sal-jum tal-mewt tiegħu *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), u kieku aħna rridu nfakkru dawn il-ġrajjiet kollha, tassew ma jirnexxilniex inżommu lura d-dmugħ minn għajnejna, għaliex hu meta kien ikollu jsofri l-ħtieġa jew it-tiġrib, kien dejjem lest li jġarrabhom b'sabar dejjem ikbar.

U hekk filgħodu kmieni Franġisku niżel mit-torri u mar għand is-sinjur kardinal, u irrakkontalu dak kollu li kien ġralu u l-kliem kollu li kien qal lil sieħbu. Imbagħad qallu: "Il-bnedmin għandhom fiduċja kbira fija u jemmnu li jiena bniedem qaddis, u ara x-xjaten ħarġuni 'l barra mill-ħabs". Għax hu kien irid joqgħod maqtugħ 'il bogħod qisu f'ħabs u ma jitkellem ma' ħadd ħlief ma' sieħbu. U l-kardinal feraħ ħafna b'dak li qallu. Għax tassew hu kien jaf u kien iqimu bħala qaddis, u għalhekk kien kuntent li jara sseħħ ir-rieda tiegħu, wara li hu ma riedx jibqa' hemmhekk aktar. U hekk l-imqaddes Franġisku sellem lill-kardinal, u reġa' lura lejn l-eremitaġġ ta' San Franġisk [!] li hemm Fonte Colombo, qrib Rieti. [2C 119-120; LM VI,10; SP 67]

[118 – Fuq La Verna, waqt ir-randan ta' San Mikiel, ikollu d-dehra tas-Serafin bil-ġwienaħ]

[721] Darba minnhom l-imqaddes Franġisku mar fl-eremitaġġ tal-Monte della Verna[480]; u billi dak il-post kien maqtugħ ħafna, hu kien jogħoġbu biex jagħmel hemm ir-randan f'ġieħ San Mikiel. Wasal hemmhekk lejlet il-festa tal-glorjuża Verġni Marija mtellgħa fis-sema, u beda jgħodd il-ġranet mill-festa ta' Santa Marija sal-festa ta' San Mikiel, li huma erbgħin jum, u qal: "Għall-ġieħ ta' Alla u ta' l-imqaddsa Verġni Marija, ommu, u ta' San Mikiel, il-prinċep ta' l-anġli u ta' l-erwieħ, jiena rrid hawnhekk nagħmel ir-randan". U ġara li, meta daħal fiċ-ċella biex jibqa' dejjem magħluq fiha, talab lill-Mulej fl-ewwel lejl, biex jurih b'xi mod jekk kienetx ir-rieda tiegħu li hu jibqa' dejjem hemm.

Għax l-imqaddes Franġisku kien dejjem imħeġġeġ, kemm meta kien joqgħod f'xi post il-ħin kollu biex ikun mehdi fit-talb jew meta kien imur jimxi fid-dinja biex jippriedka, li jagħraf ir-rieda tal-Mulej, skond kemm kien jogħoġbu jurih; għaliex hu kien jibża' li, ma jmurx taħt ix-xewqa li jibqa' mehdi fit-talb, il-ġisem tiegħu joqgħod jistrieħ u jaħrab mill-ħidma li jmur fid-dinja jippriedka, għax għalhekk Kristu kien niżel mis-sema f'din id-dinja. Mhux biss, imma lil dawk li kien jarahom maħbubin b'mod partikulari minn Alla, kien jitlobhom biex jitolbu lill-Mulej ħalli jurih ir-rieda tiegħu, jiġifieri jekk hu kellux imur fid-dinja jippriedka, inkella kellux jibqa' f'xi post maqtugħ għalih waħdu u mehdi fit-talb[481].

U jum minnhom filgħodu mas-sebħ, meta kien qiegħed jitlob, ġew ħafna għasafar fuq iċ-ċella li fiha kien jinsab, imma ma nġabrux f'daqqa, għaliex l-ewwel kien jiġi wieħed u jkanta bil-melodija ħelwa tiegħu, u mbagħad kien imur 'l hemm; u mbagħad kienu jiġu oħrajn u jkantaw u jmorru lura; u hekk kollha kien jagħmlu. U l-imqaddes Franġisku kien qiegħed jistagħġeb ħafna b'dan kollu u kellu faraġ mill-akbar; imma beda jimmedita u jaħseb dwar dan x'kien. U sema' leħen mill-Mulej jgħidlu fl-ispirtu: "Dan hu sinjal li l-Mulej qiegħed jagħmel il-ġid miegħek f'din iċ-ċella u qiegħed jagħtik faraġ bil-bosta" U dan kien tassew; għaliex fost il-ħafna faraġ moħbi u li jidher li għoġbu jagħtih il-Mulej, urieħ ukoll id-dehra tas-Serafin, li fiha hu akkwista faraġ kbir

480 San Franġisk kien La Verna bejn il-15 ta' Awissu u d-29 ta' Settembru 1224, għar-randan ta' San Mikiel, meta irċieva l-istimmati *circa festum Sancti Crucis* ("qrib il-festa tas-Salib Imqaddes"), jiġifieri qrib l-14 ta' Settembru. Dan ir-randan kien isejjaħlu ta' San Mikiel, għax kien jibda mill-festa ta' l-Assunta u jintemm fil-festa ta' San Mikiel Arkanġlu.

481 Dawn il-kliem ifakkruna f'episodju importanti fil-ħajja ta' San Franġisk, li nsibuh fil-LM XII,2 u *Fjuretti* 16, meta hu jitlob lil fra Silvestro u lil sorella Chiara biex jitolbu għalih ħalli jara jekk Alla kienx qiegħed isejjaħlu għal ħajja ta' kontemplazzjoni, jew inkella għall-ħajja apostolika.

fir-ruħ tiegħu u fir-relazzjoni tiegħu mal-Mulej għall-kumplament ta' ħajtu. U ġara li, meta sieħbu mar jeħodlu l-ikel dak in-nhar, hu irrakontalu dak kollu li kien ġara.

U għalkemm hu kellu bosta faraġ f'dik iċ-ċella, imma bil-lejl ix-xjaten għamlulu ħafna tiġrib, kif kien jirrakkonta lil sieħbu. Hekk darba minnhom qal: "Kieku l-aħwa kellhom ikunu jafu liema tiġrib iġagħluni ngħaddi minnu x-xjaten, kieku ma jkunx hemm ħadd fosthom li ma jħossx ħniena kbira u jitqanqal biex iħoss għalija". U minħabba f'hekk kien jgħid bosta drabi lill-aħwa tiegħu, li hu ma setax jaqta' x-xewqa ta' l-aħwa u juri magħhom il-familjarità skond kif kienu jixtiequ l-aħwa. [SP 99]

[119 – L-episodju ta' l-imħadda tar-rix fi Greccio]

[722] Darba minnhom l-imqaddes Franġisku kien jinsab fl-eremitaġġ ta' Greccio. Bin-nhar u bil-lejl kien joqgħod jitlob fl-aħħar ċella wara ċ-ċella l-kbira. Lejl minnhom, waqt l-ewwel nagħsa, sejjaħ lil sieħbu, li kien jorqod maġenbu fiċ-ċella l-kbira u antika. Dak qam mall-ewwel u mar ħdejh, u qagħad fid-daħla taċ-ċella ċkejkna tiegħu maġenb il-bieb, fejn kien jinsab jistrieħ l-imqaddes Franġisku. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, jiena ma stajtx norqod dan il-lejl u lanqas ma nista' noqgħod nitlob; għax ara, rasi u rkubbtejja qegħdin jitriegħdu, qisni kilt il-ħobż tas-sikrana". U sieħbu qagħad jitkellem miegħu biex jipprova jfarrġu. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Jiena naħseb li hemm ix-xitan f'din l-imħadda li għandi taħt rasi". Dik l-imħadda, li kienet mimlija bir-rix, kien xtrahielu l-jum ta' qabel is-sinjur Giovanni ta' Greccio, li kien iħobb lill-qaddis b'affett kbir u kien juri familjarità kbira lejh tul iż-żmien kollu ta' ħajtu. Għax wara li ħareġ mid-dinja l-imqaddes Franġisku ma kienx aktar irid jistrieħ fuq saqqu u lanqas kien ikun irid ikollu imħadda tar-rix la meta jkun mard u lanqas fl-ebda okkażjoni oħra. Imma dik id-darba l-aħwa kienu ġagħaluh biex ikollu mħadda tar-rix kontra r-rieda tiegħu, minħabba l-mard li kellu f'għajnejh.

Hu qabad l-imħadda u xeħetha lejn sieħbu. Dak qam u qabad l-imħadda b'idu l-leminija u xeħetha fuq spalltu x-xellugija, u hekk baqa' jżommha b'idu l-leminija sakemm ħareġ 'il barra mill-bieb. U mall-ewwel ma setax jitkellem, u lanqas ma seta' jiċċaqlaq iżjed minn dak il-post u lanqas seta' jċaqlaq driegħu jew idu, u lanqas seta' jarmi l-imħadda minnu, imma baqa' hekk wieqaf; kien qisu bniedem li ħareġ minnu nnifsu, u ma beda jħoss xejn iżjed la fih innifsu u lanqas fl-oħrajn. U dam hekk għal kważi siegħa sħiħa, sakemm għall-ħniena divina, sejjaħlu għandu l-imqaddes Franġisku. Allura *reġa' lura f'tiegħu* (cfr. Lq 15,17; Atti 12,11) u rema' minnu l-imħadda. U wara mar lura għand l-imqaddes Franġisku u qallu b'dak kollu li kien ġralu.

U l-imqaddes Franġisku qallu: "Filgħaxija, waqt li kont qiegħed nitlob il-kumpieta, kelli s-sensazzjoni li x-xitan daħalli fiċ-ċella". Imbagħad wara, meta intebaħ li dak kien tassew ix-xitan, li kien fixklu, hekk li ma ħalliehx jorqod u lanqas joqgħod wieqaf biex jitlob, hu beda jgħid lil sieħbu: "Ara kemm hu fin u qarrieq ix-xitan: billi *għall-ħniena ta' Alla* (cfr. Rum 12,1) u għall-grazzja tiegħu hu ma jistax jagħmilli ħsara fir-ruħ, irid ifixkilni fil-ħtiġijiet tal-ġisem, hekk li ma nkunx nista' norqod u lanqas noqgħod wieqaf għat-talb, biex hekk ifixkilli d-devozzjoni u l-ferħ tal-qalb u jwassalni biex ingemgem fil-mard tiegħi".

Għax għalkemm għal bosta snin hu kien marid sewwa fl-istonku, fil-milza u fil-fwied, u wkoll bil-marda ta' għajnejh, tant kien mimli devozzjoni u tant kien jitlob bil-qima, li waqt il-ħin tat-talb ma kienx ikun irid iserraħ ġismu mal-ħajt, imma dejjem kien joqgħod bilwieqfa u mingħajr kapoċċ f'rasu, u xi mindaqqiet għarkubbtejh, l-aktar meta kien idum jitlob għal ħin twil bin-nhar u bil-lejl. U meta kien ikun miexi fit-toroq tad-dinja, dejjem kien jieqaf fil-ħin li jitlob is-sigħat ta' l-Uffiċċju; u jekk kien ikun riekeb fuq xi bhima għax kważi dejjem kien marid, kien jinżel minn fuqha biex jitlob is-sigħat ta' l-Uffiċċju. [2C 64. 96; LM V,2; X,6; SP 94. 98]

[120 – Kif kien jitlob l-Uffiċċju Divin u kif kien jitħabat biex iħares il-ferħ ta' l-ispirtu]

[723] Darba oħra, meta kien ġej lura mill-belt ta' Ruma, jiġifieri meta kien qagħad għal ftit ġranet għand is-sinjur kardinal Leone, f'dak il-jum li fih telaq minn Ruma niżlet ix-xita l-jum kollu; u billi hu kien marid ħafna kien riekeb; imma biex jitlob is-sigħat ta' l-Uffiċċju niżel miż-żiemel, u qagħad mal-ġenb tat-triq, għalkemm kienet nieżla xita bil-qliel u hu kien imxarrab għasra. U qal: "Jekk il-ġisem irid jiekol l-ikel tiegħu fis-sliem u l-kwiet, li mbagħad flimkien mal-ġisem isir ikel għad-dud, b'kemm aktar paċi u kalma jeħtieġ li r-ruħ tieħu l-ikel tagħha, li hu l-istess Alla!" U kien jgħid: "Ix-xitan jifraħ ħafna meta jkun jista' jitfi jew ifixkel id-devozzjoni u l-ferħ tal-qalb tal-qaddej ta' Alla, li jiġu mit-talb safi u mill-għemejjel tajbin l-oħrajn. Kull darba li x-xitan jirnexxilu jaħtaf għalih xi ħaġa li jsib fil-qaddej ta' Alla, jekk dak il-qaddej ta' Alla ma jkunx għaref u, kemm jista' jkun malajr, ma jħassrux jew jeqirdu minnu nnifsu, bl-indiema u fil-qrar u b'għemejjel ta' tpattija, fi żmien qasir ix-xitan minn xagħra waħda jagħmel travu, u dejjem iżid toqol fuq ieħor". U kien jgħid: "Il-qaddej ta' Alla, bl-ikel, fl-irqad jew fil-ħtiġijiet l-oħrajn ta' ġismu, għandu jieħu ħsieb li jwettaqhom bil-għaqal, sabiex ħuna l-ġisem ma joqgħodx igemgem u jgħid: Jiena ma nistax noqgħod wieqaf għat-talb bla heda, u lanqas ma nista' nifraħ fit-tiġrib tiegħi jew inwettaq xi ħidma oħra tajba, għaliex inti ma tieħux ħsiebi".

Kien jgħid ukoll li, jekk il-qaddej ta' Alla jkun ipprovda bil-għaqal għall-ħtiġijiet ta' ġismu bl-aħjar mod tajjeb u onest li seta', u ħuh il-ġisem ikun irid jitgħażżen fit-talb u fis-sahriet u fl-għemejjel tajbin tar-ruħ, u jkun irid jittraskura u jongħos, allura hu għandu jikkastigah bħala ħmar għażżien, li jrid jiekol imma ma jridx jaqla' ħobżu bix-xogħol u lanqas ma jkun irid iġorr toqol. U jekk minħabba n-nuqqas u l-faqar ħuna l-ġisem ma jkollux il-ħtiġijiet tiegħu fil-mard jew fis-saħħa, sakemm hu jkun qiegħed jitlob bl-onestà u bl-umiltà lil ħuh jew lill-prelat tiegħu dak li jeħtieġ għall-imħabba ta' Alla, u dan ma jingħatalux, għandu jġarrab kollox bis-sabar għall-imħabba tal-Mulej, u għandu jqis li dak hu l-martirju li l-Mulej qiegħed jitlob minnu. U meta jkun għamel dak li hu tiegħu, jiġifieri dak li talab minħabba l-ħtieġa, hu jkun skużat mid-dnub, ukoll jekk il-ġisem jimrad aktar.

L-imqaddes Franġisku kellu l-ogħla ħerqa u kura, mill-bidu tal-konverżjoni tiegħu sal-jum tal-mewt tiegħu, li jgħakkes bl-aħrax lil ġismu, jiġifieri li dejjem kellu l-ħerqa minn ġewwa u minn barra li jkollu u jħares fih il-ferħ spiritwali. Hu kien jgħid li, jekk il-qaddej ta' Alla jitħabat biex ikollu dejjem u jħares il-ferħ minn ġewwa u minn barra, li jiġi mis-safa tal-qalb, allura x-xjaten ma jkunux jistgħu jagħmlulu ħsara, u jgħidu: "Billi l-qaddej ta' Alla jaf iżomm ruħu hieni fir-riżq it-tajjeb u l-ħażin, aħna ma nafux kif nistgħu nsibu mnejn nidħlu fih, u lanqas nistgħu nagħmlulu ħsara".

Darba minnhom ċanfar lil wieħed mill-aħwa tiegħu, għaliex kien jarah li kien imdejjaq u kellu wiċċu mnikket. U qallu: "Għaliex inti mnikket u mdejjaq minħabba dnubietek? Mur u irranga mal-Mulej u itolbu għall-ħniena tiegħu biex *iroddlok l-hena tas-salvazzjoni* (cfr. S 50,14) tiegħu; u quddiemi u quddiem l-aħwa l-oħrajn ara li dejjem tkun ferħan, għaliex ma jixraqx li l-qaddej ta' Alla quddiem ħuh jew xi ħadd ieħor juri ruħu li wiċċu mqarras u bil-bixra ta' wieħed imġarrab.

"Jiena naf li x-xjaten lili jgħiru għalija minħabba l-benefiċċji li l-Mulej għamel miegħi fil-ħniena tiegħu. Lili ma jistgħux jagħmluli ħsara, u lanqas ma jistgħu jonsbuni jew jagħmluli ħsara fl-aħwa sħabi. Imma tassew li billi ma jistgħux jagħmlu ħsara la lili u lanqas lil ħuti, huma jitilqu 'l hemm imħawwdin ħafna. Imma kull darba li jiena nħossni imġarrab u bil-bixra ta' wiċċi imqarras, meta nqis il-ferħ ta' ħija u sieħbi, minħabba l-ferħ tiegħu jiena ndur lura mit-tentazzjoni u t-telqa ta' l-ispirtu u nerġa' nakkwista l-ferħ interjuri tiegħi". [2C 128; SP 95. 96]

# TOMMASO DA CELANO «MEMORIALE IN DESIDERIO ANIMAE»

## INTRODUZZJONI

Il-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum*, miktuba minn fra Arnald de Sarrant fl-1369-1374, turina ċ-ċirkustanzi li fihom inkitbet il-*Vita Secunda Sancti Francisci*, jew kif inhi magħrufa, il-*Memoriale Beati Francisci in Desiderio Animae* (2C), ta' fra Tommaso da Celano. Iċ-ċirkustanza storika kienet dik tal-Kapitlu Ġenerali ta' Genova, li ġie iċċelebrat fit-2 ta' Ottubru 1244, u li fih ġie elett bħala Ministru Ġeneral ta' l-Ordni fra Crescenzio da Iesi, mill-Marche (1244-1247):

"F'dan il-kapitlu, l-istess ġeneral ordna lill-aħwa kollha biex jibgħatulu bil-miktub dak kollu li huma setgħu jkunu jafu b'ċertezza dwar il-ħajja, il-mirakli u l-għeġubijiet ta' l-imqaddes Franġisku. Hekk imġiegħlin, fra Leone, Angelo u Rufino, li kienu sħab il-missier imqaddes, kitbu taħt forma ta' leġġenda, ħafna ġrajjiet li huma nfushom kienu raw, jew li kienu semgħuhom minn aħwa oħrajn ta' min jemminhom, bħalma kienu Filippo Longo, Illuminato, Masseo da Marignano, kif ukoll fra Giovanni, li kien sieħeb il-qaddis fra Egidio, u bagħatu kollox bil-fedeltà lill-istess ġeneral. Ġabru wkoll bosta ħwejjeġ oħrajn, li huma kienu saru jafu bihom, u hekk ġew ippubblikati bosta mirakli, li l-qaddis kien wettaq fid-diversi nħawi tad-dinja. Wara dan fra Tommaso da Celano, bil-mandat ta' dan il-ministru u tal-kapitlu ġenerali, sawwar l-ewwel trattat tal-Leġġenda ta' San Franġisk, jiġifieri, dak dwar ħajtu, dwar kliemu u dwar l-intenzjoni tiegħu rigward dak li għandu x'jaqsam mar-Regola; din tissejjaħ il-Leġġenda antika. Hu indirizzaha lill-imsemmi ġeneral u lill-kapitlu, permezz ta' prologu li jibda b'dawn il-kelmiet: *Placuit sanctae universitati vestrae* (Għoġob lill-miġemgħa qaddisa u lilek)" (*Analecta Franciscana* III,262).

Fil-Kronaka tiegħu, fra Salimbene di Adam minn Parma, li kiteb lejn tmiem is-seklu XIII, jgħid: "Fis-sena tal-Mulej 1244 miet fra Haymo l-ingliż [Haymo of Faversham], ministru ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, u floku l-aħwa għażlu lil fra Crescenzio mill-Marca ta' Ancona, li kien raġel anzjan. Dan ordna lil fra Tommaso da Celano, li kien diġà kiteb l-ewwel Leġġenda ta' San Franġisk, biex jikteb mill-ġdid leġġenda oħra, għaliex kienu instabu bosta fatti dwar l-imqaddes Franġisku li ma kienux għadhom inkitbu. U Tommaso sawwar ktieb mill-isbaħ, kemm dwar il-mirakli kif ukoll dwar il-ħajja, li tah it-titlu *Memoriale beati Francisci in desiderio animae* (It-Tifkira ta' l-imqaddes Franġisku fix-xewqa tar-ruħ)" (*Chronica fratris Salimbene de Adam Ordinis Minorum*, a cura di O. Holder-Egger, Hannover-Leipzig 1905-1913 [Monumenta Germaniae Historica, Scriptores, 32] 176).

Dawn iż-żewġ testi jipprovdu l-bażi ta' l-informazzjoni storika dwar 2C. Nafu li fil-11 ta' Awissu 1246, il-famużi *Tre Compagni*, fra Leone, Angelo u Rufino, mill-eremitaġġ ta' Greccio, bagħatu ittra lil Crescenzio da Iesi, flimkien mal-materjal dokumentarju li ġabru, magħruf bħala l-

*florilegium* ta' Greccio. Diġà rajna l-importanza ta' dan il-materjal dokumentarju fil-*Questione Francescana*, l-aktar b'riferiment għal-*Leggenda dei Tre Compagni*. Dak li jinteressana hawnhekk hu li l-*Chronica XXIV Generalium* tgħid li fra Tommaso da Celano ġie mqabbad mill-Kapitlu biex jagħmel użu minn dan il-materjal ħalli jsawwar il-*Memoriale*, jew *Vita Secunda* (2C) ta' San Franġisk. Tommaso inxteħet mill-ġdid, b'ruħu u ġismu, għall-ħidma li jsawwar ħajja ta' San Franġisk fis-snin 1246-1247. X'aktarx li l-Kapitlu Ġenerali ta' Lyon approva 2C fl-1247. Fil-fażi attwali tar-riċerka 2C, fil-fatt, hi dokument li inħoloq artifiċjalment minn żewġ manuskritti, l-uniċi li instabu wara l-qerda famuża tal-bijografiji ta' San Franġisk li seħħet fuq il-mandat tal-Kapitlu Ġenerali ta' Pariġi ta' l-1266, fi żmien San Bonaventura. Dawn huma l-Kodiċi 686 tas-Sacro Convento ta' Assisi (tmiem is-seklu XIV), u l-Kodiċi ta' Marseilles (c. 1300). 2C reġgħet ħarġet għad-dawl fil-bidu tas-seklu XIX, u minn dak iż-żmien, bil-ħidma ta' Michael Bihl, saret l-edizzjoni kritika tagħha fl-*Analecta Franciscana* X,127-268.

L-isem uffiċjali *Memoriale Beati Francisci in Desiderio Animae* hu meħud minn Isaija 26,8: *Nomen tuum et memoriale tuum in desiderio animae* ("ismek u t-tifkira tiegħek huma x-xewqa tar-ruħ"). Fil-prologu ta' 2C, Tommaso jispjega kif hu kellu intenzjoni li jisvolġi din it-tieni bijogafija ta' San Franġisk: "Dan il-ktieb qabel xejn fih xi ġrajjiet ta' l-għaġeb dwar il-konverżjoni ta' San Franġisk, li għadhom ma dehrux fil-Leġġendi li diġà inkitbu dwaru, għaliex ma kienux waslu għall-għarfien tagħna. Irridu wkoll nesprimu u niddikjaraw bi studju bir-reqqa, dak li l-missier l-aktar qaddis ried kemm għalih kif ukoll għall-aħwa tiegħu fir-*rieda tajba, li togħġob u li hi perfetta* (cfr. Rum 12,2), f'kull eżerċizzju tad-dixxiplina tas-sema u f'kull studju ta' l-ogħla perfezzjoni, li dejjem kellu quddiem Alla fl-imħabba qaddisa tiegħu, u quddiem il-bnedmin bl-eżempji tiegħu".

Il-prologu jitkellem minn Leġġendi fil-plural, u għalhekk jidher ċar li Tommaso qiegħed jirreferi mhux biss għall-1C, imma wkoll għal-*Legenda ad usum chori*, u *għal Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer. Meta Crescenzio talab lill-aħwa biex jibgħatulu bil-kitba t-tifkiriet tagħhom dwar San Franġisk, hu kellu f'moħħu li jimla l-vojt li kienet ħalliet 1C, li kif rajna, titqjies bħala *opus perfectibile*, jiġifieri dokument li ma qalx kollox dwar San Franġisk u li kellu bżonn jiġi ipperfezzjonat.

Fil-fatt, fl-1244 l-Ordni kien diġà għadda minn storja mqallba mhux ħażin, u l-figura ta' San Franġisk u l-kult lejh bħala qaddis kien ra żvilupp kbir. Biżżejjed insemmu fatti bħalma kienu l-Kapitlu Ġenerali ta' l-1230, li talab lill-Papa Girgor IX interpretazzjoni uffiċjali dwar ir-*Regula Bullata*, li l-Papa ta lill-Ordni fil-Bulla *Quo elongati*; il-ġeneralat ta' fra Elia (1232-1239), li immarka l-fiżjonomija ta' l-Ordni b'mod profond kemm fil-glorja kif ukoll fid-dekadenza tiegħu; il-proċess ta' klerikalizzazzjoni ta' l-istess Ordni, li beda fi żmien Haymo of Faversham u li kompla definittivament fil-ġeneralat ta' Crescenzio da Iesi. Sħab San Franġisk kienu bdew imutu, jew inkella kienu irtirati fl-eremitaġġi 'l bogħod mill-kunventi l-kbar li l-Ordni kien bena fil-bliet. L-istess Papa li kien jaf lil San Franġisk b'mod daqshekk intimu, jiġifieri Girgor IX, kien miet fl-1241. Dan il-proċess storiku kollu wassal lill-aħwa biex jitolbu bijografija ġdida dwar San Franġisk, li Tommaso da Celano kellu jwieġeb għaliha billi jipproduċi dokument li hu definittivament frott ta' dan l-iżvilupp storiku kollu. Naraw kemm Tommaso kien ġie kostrett mill-aħwa fl-istess kliem li hu kiteb fil-prologu ta' 2C: "It-tifkira tagħna hi bħal dik ta' raġel bla skola, li issa bdiet tnin minħabba li għadda ż-żmien minn fuqha, u jaħarbulha l-kliem fin u ma tafx tfittex aktar fl-għemejjel ta' l-għaġeb li ġew imħabbra, u li l-ħeffa tal-moħħ bil-ħniena jirnexxielha

tifhem dak li jitqiegħed quddiemu. Għaldaqstant tiskużana quddiem kulħadd in-nuqqas ta' kapaċità tagħna, li qed tilqa' l-ħafna talbiet li sarulha minn min hu mqiegħed fl-awtorità". Jekk fl-1228 Tommaso kien qiegħed iwieġeb għal rikjesta espliċita tal-Papa Girgor IX, imma kellu l-libertà li jagħmel hu stess it-tiftix tiegħu u jafda fuq l-esperjenza personali ta' ħbiberija ma' Franġisku, issa l-affarijiet kienu inbidlu. Il-pressjoni kienet ġejja mill-ministri provinċjali, li mix-xeħta riedu ritratt ta' San Franġisk aktar attwali għall-idejali tagħhom, u Tommaso kien kiber u ż-żmien kien beda jagħmel tiegħu fuq il-kapaċità tal-memorja tiegħu.

Meta neżaminaw l-għejjun ta' 2C nindunaw li hemm tliet ġabriet ta' materjal dokumentarju. Barra tliet episodji li jiddependu direttament minn 1C u ħamsa li jiddependu mill-*Anonimo Perugino*, hemm imbagħad 34 episodji li ġejjin mil-*Leggenda dei Tre Compagni*, 87 li ġejjin mill-*Compilatio Assisiensis*, u 131 li jidhru li huma oriġinali ta' Tommaso, fis-sens li ma nafux liema hi l-għajn dokumentarja li minnha ħarġu. B'kollox għandna 260 episodji narrativi. 2C hi maqsuma f'żewġ partijiet ta' daqs mhux l-istess. L-ewwel ktieb fih 17 kapitlu u jsegwi l-ordni kronoloġiku tal-fatti, l-aktar f'dipendenza mil-L3C. It-tieni ktieb fih 167 kapitlu u hu mibni fuq struttura tematika tal-virtujiet li ħaddan San Franġisk, b'ħafna episodji li, kif rajna, jinstabu wkoll fil-CA. L-aħħar kapitlu jikkonkludi l-opra b'talba mill-isbaħ lil San Franġisk magħmula mill-awtur.

Naturalment ir-ritratt ta' San Franġisk li joħroġ l-aktar fit-tieni taqsima ta' 2C juri l-intenzjoni ta' l-awtur. Fid-daħla għat-tieni taqsima Tommaso jikteb hekk: "Jiena nqis lill-imqaddes Franġisku bħala *l-mera* tal-qdusija tal-Mulej l-aktar qaddis u bħala *xbieha* tal-perfezzjoni *tiegħu*" (cfr. Għerf 7,26). Hi din it-tema ta' Franġisku bħala *speculum perfectionis* (mera tal-perfezzjoni) li tiddomina fit-tieni taqsima ta' 2C. Interessanti li din l-espressjoni kellha tipprovdi t-titlu ta' waħda mill-*Fontes* l-aktar magħrufin tal-bidu tas-seklu XIV, appuntu *Speculum Perfectionis* (datata 1318), li turi xebħ kbir kemm mal-CA kif ukoll ma' 2C.

Dak li jidher li hu tassew ħiereġ mill-pinna ta' Tommaso da Celano f'2C jirrigwarda l-attwalità ta' l-Ordni partikolarment wara l-1240. Jidher ċar fil-bijografu li hemm preokkupazzjoni li jippreżenta lil San Franġisk bħala fundatur li intelaq għal kollox fi ħdan il-Knisja mqaddsa Rumana. Biżżejjed wieħed jirreferi għall-ħolma ta' Innoċenz III rigward il-bażilika tal-Lateran, li wara kollox, tinstab ukoll fil-*Fontes* għall-ħajja ta' San Duminku. Celano jidher li jrid ifakkar lill-aħwa li, fil-bidunett, kemm Franġisku kif ukoll Duminku, ma riedux li huma jakkwistaw karigi għoljin ekkleżjastiċi (2C 149). Dan fi żmien meta, fl-1241, wieħed mill-aħwa, fra Leone da Perego, kien ġie elett arċisqof ta' Milan. Għoxrin sena kienu laħqu għaddew mill-1C, u Tommaso da Celano kien jaf li ma setax jappoġġja aktar fuq il-figura ta' fra Elia, li sadanittant kien skomunikat barra mill-Ordni. Fil-fatt, hemm skiet dwar fra Elia f'2C. Quddiem il-problema ta' l-istudji fl-Ordni Tommaso jassumi atteġġjament diplomatiku, li fih ifaħħar kemm il-preparazzjoni ta' l-aħwa *litterati* kif ukoll is-sempliċità ta' l-aħwa l-oħrajn (2C 191-192). U l-ideja ta' l-ewwel fraternità li jagħti ukoll tinbidel maż-żmien, hekk li l-Porziuncola, indikata bħala mudell ta' l-Ordni, tiġi ippreżentata aktarx bħala komunità mibnija fuq dixxiplina iebsa ta' tip monastiku, milli fraternità ta' libertà evanġelika. Anke l-istess żogħżija ta' Franġisku tinbidel, b'tonalità għal kollox ġdida rigward il-familja tiegħu, almenu rigward ommu, u rigward li ż-żagħżugħ Franġisku kien diġà ikkonverta meta kien għadu jiġġerra ma' sħabu fit-toroq ta' Assisi.

Imma dak li l-aktar jolqot il-għajn hu l-mod kif Tommaso da Celano jibda jħares lejn Franġisku taħt l-ottika ta' *alter Christus*, li twassal għal bidla radikali fil-mod ta' preżentazzjoni tal-qaddis, frott tal-kult li kien żviluppa, u li narawha tasal f'fażi aktar radikali fil-każ tat-*Tractatus de miraculis* u ta' *Fontes* oħrajn tardivi. Hu Franġisku li jibda jħawwad lil min iħares lejh, għax jibda jsir wisq idejalizzat u maqtugħ mill-istess aħwa li kitbu dwaru. Hekk jarah Celano f'din ix-xena klassika ta' 2C 219:

"Lil wieħed ieħor mill-aħwa, ta' ħajja ta'min ifaħħarha, waqt li kien mitluf fit-talb, fl-istess lejl u siegħa, deherlu l-missier glorjuż liebes dalmatika tal-porpra, u kienet miexja warajh folla kbira ta' rġiel. Ħafna minnhom kienu jinqatgħu mill-folla, biex jistaqsu lil dak il-patri: 'Ħuna, *dan* li hawn hawnhekk, *mhux Kristu*?' (cfr. Ġw 7,26). U hu kien iwieġeb: '*Iva, hu*' (cfr. Mt 26,48). Imma oħrajn kienu jistaqsuh mill-ġdid: 'Dan mhux San Franġisk?' U dak il-patri kien iwieġeb li kien tassew hu. Għax kien jidhirlu lilu u lil dik il-ġemgħa kollha, li Kristu u l-imqaddes Franġisku kienu l-istess persuna".

# TOMMASO DA CELANO «MEMORIALE IN DESIDERIO ANIMAE»

## PROLOGU

F'isem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Amen.
Lill-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri.

Jibda l-Prologu.

[724] 1 Għoġob lill-miġemgħa qaddisa ta' l-aħħar kapitlu ġenerali[482] u lilek, missier l-aktar miqjum, li mhux mingħajr il-parir tar-rieda divina, ridtu tordnaw lilna fiċ-ċokon tagħna, sabiex l-għemejjel jew il-kliem tal-glorjuż missier tagħna Franġisku, aħna, li miegħu għexna għal żmien twil u li kellna l-esperjenza li konna midħla sewwa tiegħu aktar minn bosta oħrajn, niktbu dawn it-tifkiriet għall-faraġ ta' dawk preżenti u għat-tifkira ta' dawk li għad iridu jiġu warajna. Għaldaqstant ħaffifna biex nobdu bl-umiltà kollha l-kmand qaddis, għaliex aħna ma nistgħux nittraskuraw dan l-ordni bl-ebda mod; imma, meta qagħadna nqisu l-forzi dgħajfin tagħna, ħassejna biża' ġust li f'materja hekk xierqa, jekk ma tkunx minsuġa kif jixraq, minħabba l-ħtija tagħna ma tkunx tista' togħġob lill-oħrajn. Għalhekk nibżgħu, li dan l-ikel li jixraqlu *togħma mill-aktar tajba* (cfr. Għerf 16,20), minħabba li jkun moqdi b'mod mhux xieraq, jispiċċa biex ikun bla togħma, u li l-isforz tagħna aktar jidher wieħed ta' presunzjoni milli għemil ta' ubbidjenza. Għax kieku kellha tkun biss it-tjieba tiegħek, missier qaddis, li teżamina din il-ħidma, u kieku din il-kitba ma kienetx indirizzata għall-widnejn tal-pubbliku, aħna nilqgħu bil-qalb kollha kull korrezzjoni u tagħlim tiegħek, kif ukoll il-ferħ li narawk tapprova din il-kitba. Għax, f'din id-diversità kollha ta' kliem u għemejjel, min jista' jaħseb li jista' jiżen kollox bil-miżien fin tal-preċiżjoni, hekk li *dak kollu* li jinstema' *jwassal għal qbil fil-fehma* (cfr. 2Mak 14,20) ta' kull min jaqra? Imma billi nixtiequ bis-sempliċità tar-ruħ il-ġid ta' kull wieħed, aħna nħeġġu, biex dawk li jaqraw jinterpretaw bil-ħlewwa, u li jissaportu s-sempliċità ta' dak li qiegħed nirreferi għalih, sabiex dak li sejrin nitkellmu dwaru, jibqa' jgawdi minn qima mhux imniġġsa. It-tifkira tagħna hi bħal dik ta' raġel bla skola, li issa bdiet tnin minħabba li għadda ż-żmien minn fuqha, u jaħarbulha l-kliem fin u ma tafx tfittex aktar fl-għemejjel ta' l-għaġeb li ġew imħabbra, u li l-ħeffa tal-moħħ bil-ħniena jirnexxielha tifhem dak li jitqiegħed quddiemu. Għaldaqstant tiskużana quddiem kulħadd in-nuqqas ta' kapaċità tagħna, li qed tilqa' l-ħafna talbiet li sarulha minn min hu mqiegħed fl-awtorità.

[725] 2 Dan il-ktieb qabel xejn fih xi ġrajjiet ta' l-għaġeb dwar il-konverżjoni ta' San Franġisk, li għadhom ma dehrux fil-Leġġendi li diġà inkitbu dwaru, għaliex ma kienux waslu

---

[482] Il-Kapitlu Ġenerali li għalih jirreferi Tommaso da Celano hu dak li ġie iċċelebrat f'Genova fit-2 ta' Ottubru 1244, u li fih ġie elett il-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi (1244-1247).

għall-għarfien tagħna. Irridu wkoll nesprimu u niddikjaraw bi studju bir-reqqa, dak li l-missier l-aktar qaddis ried kemm għalih kif ukoll għall-aħwa tiegħu fir-*rieda tajba, li togħġob u li hi perfetta* (cfr. Rum 12,2), f'kull eżerċizzju tad-dixxiplina tas-sema u f'kull studju ta' l-ogħla perfezzjoni, li dejjem kellu quddiem Alla fl-imħabba qaddisa tiegħu, u quddiem il-bnedmin bl-eżempji tiegħu. Daħħalna wkoll, 'l hawn u 'l hinn, xi mirakli, skond kif offriet ruħha l-ħtieġa. Dak li jaqbel sejrin niddeskrivu bi stil ta' studju sempliċi u mhux raffinat, bix-xewqa li jifhmuna dawk li moħħhom aktar tqil biex jifhem, imma wkoll li, kemm hu possibbli, nogħoġbu wkoll lil min hu għaref.

Nitolbuk, għaldaqstant, missier l-aktar twajjeb, li din il-ħidma mhix ċkejkna, li aħna ippruvajna nwettqu b'tant impenn u wara tiftix bir-reqqa, jogħoġbok tikkonsagraha bil-barka tiegħek, filwaqt li tikkoreġi dak li hu żbaljat u tneħħi minnha dak li hu żejjed, biex dak li skond il-ġudizzju għaref tiegħek jidher li jkun ippruvat bħala tajjeb, flimkien ma' l-isem tiegħek Crescenzio, *jikber* kullimkien *u jitkattar fi Kristu* (cfr. Ġen 1,28; Ef 2,20-21). Amen.

Tmiem tal-prologu.

# L-EWWEL KTIEB

Bidu tat-*Tifkira fix-xewqa tar-ruħ*[483] dwar l-għemejjel u l-kliem tal-wisq imqaddes missier tagħna Franġisku.

## Dwar il-konverżjoni tiegħu

### Kapitlu I

Dwar kif tawh l-isem ta' Giovanni, imbagħad dak ta' Franġisku; dwar kif ommu ħabbret dwaru, u uriet minn qabel il-ġejjieni tiegħu, u dwar is-sabar tiegħu fil-ħabs.

[726] 3 Franġisku, qaddej u ħabib ta' l-Aktar Għoli, kellu dan l-isem mill-providenza divina, sabiex permezz ta' dan l-isem uniku u mhux tas-soltu infirxet mad-dinja kollha l-fama tal-ministeru tiegħu. Ommu kienet semmietu Giovanni, meta *minn iben il-korla* (cfr. Ef 2,3), *twieled mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Ġw 3,5), u sar iben il-grazzja[484].

Din il-mara kienet kollha kemm hi ħabiba ta' l-onestà, u kienet tispikka fil-virtujiet qaddisa u fl-imġieba, hekk li kienet tixbaħ lil u tgawdi l-privileġġi ta' dik il-qaddisa *Eliżabetta*, kemm *fl-isem li tat lil binha* (cfr. Lq 1,57-63), kif ukoll għall-ispirtu ta' profezija. Meta l-qraba kienu jistagħġbu bil-qalb kbira u bl-imġieba qaddisa ta' Franġisku, donnha mgħallma minn tħabbira

[483] L-isem *Memoriale in desiderio animae*, li bih tiġi indikata l-*Vita Secunda Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano (2C), hu meħud minn Isaija 26,8: "Ismek u t-tifkira tiegħek huma x-xewqa tar-ruħ". Ix-xewqa tar-ruħ li għaliha jirreferi Tommaso da Celano tista' tiġi interpretata bħala riferiment għat-tifkira ta' l-isem ta' Franġisku li jsir ix-xewqa tar-ruħ ta' dawk kollha li jimxu warajh fit-triq evanġelika li hu fassal.

[484] Franġisku ġie mgħammed fil-knisja ta' Santa Maria del Vescovado, jew Santa Maria Maggiore, il-kattidral l-antik ta' Assisi. Il-battisteru li fih tgħammed Franġisku, u aktar tard Klara, ittieħed fil-kattidral il-ġdid ta' San Rufino, fejn għadu sallum.

divina, hekk kienet ittenni: "*X'taħsbu intom li għad ikun dan* ibni? (cfr. Lq 1,66). Għall-merti tal-grazzja, kunu afu li hu għad ikun *iben ta' Alla* (cfr. Mt 5,9).

Din kienet tassew ukoll il-fehma ta' oħrajn, meta hu kiber, u kienu jaraw b'għajnejn tajbin ħafna lil Franġisku li kien jogħġob lill-bnedmin. Kien ibiegħed 'il bogħod minnu dak kollu li seta' jinstema bħala offiża lil xi ħadd, u filwaqt li kien jikber bħala żagħżugħ ġentili f'kollox, kulħadd kien jara fih bniedem li ma kienx jidher l-iben tal-ġenituri tiegħu. L-isem Giovanni jaqbel mal-ministeru li hu laqa', filwaqt li l-isem Franġisku kellu x'jaqsam mat-tixrid tal-fama tiegħu, li bdiet tinfirex ftit wara l-konverżjoni tiegħu[485]. Fuq il-festi tal-qaddisin l-oħrajn kollha, kien jippreferi l-festa ta' Ġwanni l-Battista, li l-isem ta' ġieħ tiegħu kien ħalli fih il-marka tal-virtujiet mistiċi. Ġwanni kien dak *li ma qamx ieħor akbar minnu fost dawk imweldin minn nisa* (cfr. Mt 11,11), filwaqt li Franġisku fost il-fundaturi ta' l-ordnijiet reliġjużi ma qamx ieħor aktar perfett minnu. Din hi osservazzjoni li xieraq li nħabbruha. [AP 3; L3C 2]

[727] 4 Ġwanni kien ħabbar meta kien għadu magħluq fil-ġuf ta' ommu; Franġisku, magħluq fil-ħabs tad-dinja, meta kien għadu ma jagħrafx il-pjan ta' Alla għalih, ħabbar il-ġejjieni. Bejn il-belt ta' Perugia u l-belt ta' Assisi dak iż-żmien kienet qamet ġlieda mhix żgħira li wasslet għall-istraġi tal-gwerra, li fiha Franġisku inqabad flimkien ma' bosta oħrajn, u marbut fil-ktajjen flimkien magħhom ġie mixħut fil-miżerja tal-ħabs[486]. Filwaqt li l-ħabsin sħabu bdew jgħoddsu fin-niket, u bdew jibku b'mod miżerabbli l-ġrajja ta' kif inqabdu priġunieri, Franġisku *kien jifraħ fil-Mulej* (cfr. S 34,9), u kien jidħaq u jistmerr il-ktajjen li kien fihom. Billi huma kienu jbatu u jitnikktu, bdew iqisu li l-ferħ li hu kellu fil-ktajjen kien frott ta' bniedem iblaħ. Imma Franġisku weġibhom b'mod profetiku: "Dwar x'hiex qegħdin taħsbu li jiena qiegħed nifraħ? Il-ħsibijiet tiegħi huma fuq ħwejjeġ oħrajn: ara, minn hawn u ftit ieħor lili d-dinja kollha tibda tqimni bħal qaddis". U tassew hekk seħħ; eżattament bħalma kien ħabbar.

Fost il-priġunieri kien hemm wieħed kavallier li kien bniedem kburi u li ħadd ma seta' jilqa' l-karattru tiegħu, li filwaqt li kulħadd ħalef li jitbiegħed minnu, kien biss Franġisku li bis-sabar kollu baqa' maġenbu. Hekk hu issapporta lil dak li ħadd ma seta' jġerrgħu u sejjaħ lil kulħadd biex jgħix fil-paċi miegħu. Għax hu kien kapaċi *li jilqa' fih kull grazzja, u sar għodda magħżula ta' virtujiet* (cfr. Sir 24,25; Atti 9,15), li kien ixerred ma' kullimkien il-karżmi tiegħu. [L3C 4]

## Kapitlu II
## Dwar kif libbes kavallier fqir u dwar il-viżjoni li kellu fuq il-vokazzjoni tiegħu meta kien fis-seklu.

[728] 5 Wara ftit taż-żmien ġie meħlus mill-ktajjen tal-ħabs, u imtela' b'tjieba akbar lejn il-foqra. Għamel proponiment li *ma jdawwarx ħarstu mill-ebda fqir* (cfr. Tob 4,7), li jitolbu l-

---

[485] Rigward l-isem ta' Franġisku, cfr. M. Bihl, "De nomine sancti Francisci", *Archivum Franciscanum Historicum* 19 (1926) 469-529. Ta' min jinnota t-ton differenti li juża Tommaso da Celano rigward il-familja ta' San Franġisk, minn dak li kien uża fil-1C. Għal studju dwar il-konverżjoni ta' San Franġisk u l-ambjent taż-żogħżija tiegħu, cfr. M. De Beer, *La conversion de saint François d'Assise selon son premier biographe Thomas de Celano. Étude comparative des texts relatifs à la conversion en Vita I et Vita II*, Strasbourg 1963.

[486] Celano jirreferi għall-gwerra bejn Perugia u Assisi, li damet mill-1202 sa l-1209. Fl-1202 Franġisku inqabad priġunier waqt il-battalja ta' Collestrada, u ittieħed Perugia fejn dam sena maqful fil-ħabs.

karità għall-imħabba ta' Alla. Jum fost l-oħrajn iltaqa' ma' kavallier fqir u għoddu għeri, u mqanqal mill-ħniena lejh, għall-imħabba ta' Kristu bil-qalb kollha tah il-ħwejjeġ sbieħ li kien liebes. Forsi dan il-ġest kien inqas nobbli minn dak tal-wisq qaddis Martin[487], meta nqisu li għalkemm kien l-istess l-għemil ta' karità, imma kien biss differenti l-mod kif twettaq? Franġisku ta ħwejġu qabel ma qassam dak kollu li kellu; Martin, l-ewwel qassam kollox, u mbagħad ta wkoll ħwejġu. It-tnejn li huma għexu *fqajrin u umli* (cfr. Is 16,14) fid-dinja, u t-tnejn li huma daħlu għonja fis-sema[488]. Dak, kavallier imma fqir, libbes lill-fqir billi qata' biċċa minn ħwejġu; dan, li ma kienx kavallier imma kien għani, libbes lill-kavallier fqir bil-ħwejjeġ kollha li kellu. It-tnejn li huma, talli wettqu l-kmand ta' Kristu, stħaqqilhom li jżurhom Kristu waqt viżjoni, hekk li wieħed ġie mfaħħar għall-perfezzjoni tiegħu, filwaqt li l-ieħor ġie mistieden li jasal b'mod xieraq għal dak li kien jonqsu. [1C 17; L3C 3; LM I,1.2]

[729] 6 Għax Franġisku mall-ewwel kellu l-ħolma li fiha ra palazz mill-isbaħ, li fih kien hemm imdendlin armi minn kull tip u li fih ukoll lemaħ għarusa mill-aktar sabiħa. Fil-ħolm Franġisku *sema' min isejjaħlu b'ismu* (cfr. Ġen 4,17), u min iħajjru li jakkwista dak il-ġid kollu mwiegħed lilu. Hekk hu ipprova jinkiteb biex imur mal-kavallieri fil-Puglie, u wara li lesta bl-aħjar mezzi dak li kien jeħtieġ, telaq iħaffef biex jakkwista l-grad tad-dinjità ta' kavallier. L-ispirtu tiegħu qies dik il-ħolma skond il-ġisem u għamel interpretazzjoni tagħha skond il-ġisem, filwaqt li l-fehma moħbija *fit-teżor ta' l-għerf ta' Alla* (cfr. Kol 2,2-3) kienet ħafna aktar tiddi.

Waqt li kien rieqed lejl minnhom, għat-tieni darba kellu ħolma li fiha sema' min ikellmu, u dak il-leħen beda jistaqsih fejn ried imur b'tant ħerqa. Meta hu spjegalu x'kien il-pjan tiegħu, u kif kellu l-intenzjoni li jmur fil-Puglie ħa jsir kavallier, dak il-leħen *reġa' staqsieh bil-ħerqa* (cfr. Lq 7,4) dwar min kien ikun l-aħjar li jaqdi, il-qaddej jew is-sid. U Franġisku wieġeb: "Is-sid". U dak il-leħen reġa' tennielu: "Mela għaliex sejjer tfittex il-qaddej flok is-sid?" U Franġisku staqsa: "*Xi trid li jiena nagħmel, Mulej*?" (cfr. Atti 9,6). U l-Mulej qallu: "*Erġa' lura lejn art twelidek* (cfr. Ġen 32,9), għaliex id-dehra li kellek triq titwettaq b'mod spiritwali". Allura hu reġa' lura bla dewmien, għax issa *kien sar forma* (cfr. 1Pt 5,3) ta' ubbidjenza, u hekk ċaħad ir-rieda tiegħu minn dik ta' Sawlu għal dik ta' Pawlu. Dak ġie mixħut għal tulu fl-art, u l-kliem iebsin tiegħu biddilhom fi kliem kollhom ħlewwa; Franġisku biddel l-armi tal-ġisem fl-armi ta' l-ispirtu, u flok il-glorja ta' kavallier laqa' l-investitura tal-glorja divina. Hekk kienu bosta dawk li baqgħu mistagħġbin bil-ferħ tiegħu mhux tas-soltu, meta kien jgħidilhom li hu kien se jsir prinċep kbir. [1C 5; AP 5-7; L3C 5; LM I,3]

## Kapitlu III
Dwar kif sħabu ż-żgħażagħ għażluh mexxej u sid tagħhom, u dwar il-bidla tiegħu.

[730] 7 Hu beda jinbidel *fi bniedem perfett* (cfr. Ef 4,13), u sar donnu wieħed differenti minn dak li kien qabel. Hu reġa', mela, lura d-dar, u bdew jimxu warajh *ulied Babel* (cfr. Eżek

[487] Ix-xebħ bejn San Franġisk u San Martin, isqof ta' Tours, hu evidenti fl-aġjografija medjevali u b'mod partikulari f'Tommaso da Celano. Għall-ġest ta' San Martin, cfr. Sulpice Sévere, *Vita Sancti Martini*, a cura di J. Fontaine, Paris 1967 [Sources chrétiennes, 133], 248-316. Fil-*basilica inferiore* ta' Assisi hemm kappella iddedikata lil San Martin, biċ-ċiklu ta' affreski ta' Simone Martini, li turi fil-pittura x-xebħ bejn dan il-qaddis popolari u n-*novus miles Christi*, il-kavallier il-ġdid ta' Kristu, San Franġisk.
[488] Dawn il-kelmiet huma meħudin mil-liturġija tal-festa ta' San Martin (11 ta' Novembru), fl-antifona tal-*Benedictus*: *Martinus sinu Abrahae excipitur; Martinus pauper et modicus, dives caelum ingreditur, hymnis caelestibus honoratur.*

23,17), u bdew ikaxkruh fi triq oħra minn dik li hu ried jgħaddi minnha. Għax il-folla taż-żgħażagħ ta' Assisi, li qabel kellhom lilu bħala l-mexxej tal-frugħat tagħhom, mill-ġdid bdew jistednuh biex imur għall-ikliet tagħhom, li fihom dejjem kienu jispiċċaw f'ħafna għemejjel baxxi u bla rażan fl-imġieba. Għażluh bħala mexxej tagħhom, għaliex kienu jafu tajjeb kemm kellu idejh miftuħa, għaliex hu kien lest li jħallas minn butu l-ispejjeż għal dawk il-bluhat kollha. Saru ubbidjenti għalih *biex jimlew żaqqhom* (cfr. Lq 15,16), u qagħadu għalih f'kollox, basta jixbgħu. Franġisku ma ċaħadx il-ġieħ li offrewlu, li ma jmorrux jgħajjruh li kien xħieħ, u għalkemm issokta fil-meditazzjoni tiegħu, ipprova jkompli magħhom bil-kortesija kollha. Hekk hu ħejjielhom ikla mill-aktar abbundanti, b'ħafna ikel imħawwar, u meta kienu *mimlijin sal-punt li jirriġettaw dak li kielu* (cfr. Is 28,8; Prov 26,11), ħarġu jitferrxu *fil-pjazez tal-belt* (cfr. Ġen 10,11) ikantaw fis-sakra. Warajhom kien miexi Franġisku, u bħala mexxej kien iżomm *ħatar f'idejh* (cfr. Eż 12,11); imma ftit wara beda jinqata' 'l bogħod minnhom, għaliex *ruħu saret kollha kemm hi* (cfr. Mt 22,37) truxa għal dak l-istorbju, filwaqt li *beda jkanta lill-Mulej* (cfr. 1Kron 23,30) f'qalbu.

Allura, kif hu stess irrakkonta, tant ħassu mimli bi ħlewwa divina, li ma setax jitkellem, u lanqas seta' jiċċaqlaq minn fejn kien. Ħassu li ġie maħkum minn tant affett spiritwali, li l-ispirtu tiegħu ġie maħtuf għall-ħwejjeġ li ma jidhrux, u l-qawwiet kollha tad-dinja beda jarahom bħala xejn u beda jqishom bħala frugħa. Tassew hi qawwija t-tjieba ta' Kristu, li lil min iwettaq l-aktar ħwejjeġ umli *jimlieh bl-akbar doni* (cfr. 2Pt 1,4), u *lil dawk li huma tiegħu jsalvahom* (cfr. Ġw 17,10.12) u jġibhom 'il quddiem billi jeħlishom *mill-ħafna ilmijiet tad-dilluvju* (cfr. S 31,6). Għaliex Kristu xabba' *lill-folol bil-ħobż u bil-ħut* (cfr. Mt 14,15-21), u ma keċċiex lill-midinbin mill-ikla tiegħu. Meta huma talbuh biex isir *sultan* tagħhom, hu mall-ewwel ħarab *u tela' fuq il-għoljiet biex jitlob* (cfr. Mt 14,23; Ġw 6,15). Dawn huma *misteri ta' Alla* (cfr. Kol 2,2), li Franġisku qabel magħhom, u hekk mingħajr ma hu kien jaf, wasal għall-*għarfien perfett* (cfr. Ġob 22,2).

## Kapitlu IV

Dwar kif libes l-ilbies ta' wieħed fqir quddiem il-knisja ta' San Pietru, u kiel mal-foqra, u dwar kif xeħet hemmhekk l-offerta tiegħu.

[731] 8 Issa hu beda juri li kien iħobb il-foqra b'imħabba partikulari, u l-bidu ta' l-ispirazzjoni qaddisa tiegħu kien juri l-perfezzjoni li kellu jakkwista fil-ġejjieni. Ta' spiss meta kien joħroġ kien ilibbes lill-foqra bi ħwejġu, u kien jipprova jsir jixbaħhom, jekk mhux bl-għemejjel li kien iwettaq, imma almenu *b'qalbu kollha* (cfr. Mt 22,37; Lq 10,27). Darba minnhom mar bħala pellegrin fil-belt ta' Ruma, u għall-imħabba tal-faqar neħħa minn fuqu l-ilbies delikat li kellu, u flokhom xidd fuqu l-ilbies imċerċer ta' wieħed tallab fqir. Hu qagħad fid-daħla ta' quddiem il-knisja ta' San Pietru, mimli ferħ qalb it-tallaba foqra li kienu joqgħodu hemmhekk, u beda jqis lilu nnifsu bħala wieħed minnhom, u magħhom beda jiekol bil-qalb. Dawn l-għemejjel u oħrajn jixbħuhom hu kellu jwettaqhom drabi oħrajn, li kieku ma kienx jistħi minn dawk li kienu jafuh. Mimli stagħġib, meta resaq lejn l-altar tal-prinċep ta' l-Appostli, għax ra kemm kienu miżeri l-offerti li l-pellegrini kienu jixħtu, hu xeħet f'dak il-post il-flus kollha li seta' jżomm f'idu miftuħa, u hekk ried juri lil kulħadd kif kellhom iqimu b'mod speċjali lil dawk li Alla jagħtihom ġieħ fuq l-oħrajn kollha. Kien ukoll joffri ħafna ħwejjeġ sagri għall-knejjes tas-saċerdoti foqra, u wkoll lil dawk li kienu fl-aħħar grad kien jurihom *il-ġieħ li jixraq lil kulħadd* (cfr. Rum 13,7). Għax hu

kien ingħaqad kollu kemm hu mal-fidi kattolika, u billi kellu jieħu fuqu l-missjoni apostolika, kien mimli sa mill-bidunett bil-qima lejn il-ministri ta' Alla. [L3C 8-10; LM I,6]

Kapitlu V
Dwar kif meta kien jitlob ix-xitan urih mara mħattba, u dwar it-tweġiba li tah Alla, u dwar dak li għamel ma' wieħed lebbruż.

[732] 9 Għalkemm Franġisku kien għadu liebes ta' secular, imma fl-ispirtu kien iġorr sens reliġjuż, u kien ifittex postijiet maqtugħin min-nies, fejn kien ikollu żjarat spissi ta' l-Ispirtu s-Santu, li kien iwissih. Għax hu kien maqtugħ minn kollox u beda jħossu mdawwar bi ħlewwa liema bħalha, li bdiet tissawwab fih sa mill-bidunett, u li qatt ma ħallietu sakemm dam jgħix.

Imma, filwaqt li kien ifittex imkejjen imwarrbin u tajbin għat-talb, ix-xitan ipprova jfixklu permezz ta' bosta qerq. Kien ifakkru f'waħda mara, li kienet tgħix fil-belt tiegħu, u li tant kienet mħattba li kienet tbeżżà' lil dawk kollha li kienu jħarsu lejha. Hu kien jheddu li, jekk ma jieqafx minn dak li kien beda, jagħmlu bħalha fil-ġejjieni. Imma *hu ġie mfarraġ mill-Mulej* (cfr. Ef 6,10), għaliex mingħandu irċieva tweġiba ta' salvazzjoni u grazzja li mlietu bil-ferħ: "Franġisku", qallu Alla fl-ispirtu, "issa l-ħlewwiet tal-ġisem u l-frugħat, ibdilhom fil-ħlewwiet ta' l-ispirtu, u *l-morr jinbidel għalik fi ħlewwa* (cfr. Prov 27,7), biex hekk tiċħad lilek innifsek, jekk trid tagħraf lili; għaliex inti se tkun taf dak li ngħidlek, ukoll jekk kollox jidhirlek ta' taħt fuq". Hekk hu ħassu imbuttat biex mall-ewwel jobdi l-ordni divin, u twassal biex jagħmel esperjenza ta' dawn il-ħwejjeġ.

Għax fost il-kruhat kollha li jbeżżgħu fid-dinja, Franġisku kellu stmerrija naturali lejn il-lebbrużi. Imma jum minnhom iltaqa' ma' wieħed lebbruż fit-triq, meta kien riekeb iż-żiemel qrib Assisi. Hu ħass fih innifsu bħal xi ħaġa li timbuttah bil-qawwa, u kien imwerwer, imma fl-istess ħin ma riedx jonqos mill-wegħda tiegħu li jwettaq ir-rieda li kien urieh il-Mulej, u għalhekk, filwaqt li niżel miż-żiemel, ġera lejn dak ir-raġel biex ibusu. Dak il-lebbruż, malli *firex idu biex jirċievi xi ħaġa tal-karità* (cfr. Est 8,4; Atti 3,5), flimkien *mal-flus irċieva* (cfr. Ġen 43,21) wkoll bewsa. U mall-ewwel Franġisku *reġa' rikeb iż-żiemel* (cfr. S 75,7) u malli ħares madwaru, għalkemm sa fejn kienet iġġib il-ħarsa ta' għajnejh kien hemm għelieqi vojta, mingħajr xejn li jtellef ħarstu, lil dak il-lebbruż ma rah imkien aktar. Hekk *mimli bil-ferħ* (cfr. 2Kor 7,4) u kollu mistagħġeb, wara ftit ġranet ried itenni dak l-għemil tajjeb. Hekk mar fl-ospizju tal-lebbrużi, u filwaqt li ta l-flus lil-lebbrużi kollha li kien hemm, *biesilhom idejhom* (cfr. Sir 29,5) u fommhom. Hekk *il-morr inbidel għalih fi ħlewwa* (cfr. Prov 27,7), u b'ħila ta' raġel ħejja ruħu biex jaqdi l-kumplament tal-wegħdiet tiegħu. [1C 6.17; L3C 8.11.12; LM I,4-5; II,6]

Kapitlu VI
Dwar ix-xbieha tal-kurċifiss li kellmitu, u dwar kif hu urieh ġieħ.

[733] 10 Issa li inbidel b'mod perfett fil-qalb tiegħu, fi żmien qasir inbidel ukoll fil-ġisem. Jum minnhom kien miexi qrib il-knisja ta' San Damiano[489], li kienet għoddha mġarrfa u mitluqa

---

[489] Il-knisja ta' San Damiano kienet prijorat antik Benedittin, dokumentata fl-1030. Fl-1103, saret proprjetà tal-prijur tal-knisja ta' San Rufino. Il-knisja kif sabha Franġisku, li kienet uffiċjata minn qassis fqajjar, kellha navata ċentrali,

minn kulħadd. Hu, *immexxi mill-ispirtu* (cfr. Mt 4,1), daħal ġewwa biex jitlob, u inxteħet quddiem il-kurċifiss mimli qima u beda jehda fit-talb, filwaqt li beda jħoss fih iż-żjara tal-grazzja aktar missoltu, hekk li sab li sar bniedem ieħor minn dak li kien meta daħal fil-knisja. Hekk imqanqal b'affett kbir, *li qatt ma nstema' ieħor bħalu fiż-żminijiet ta' qabel* (cfr. Ġw 9,32), ix-xbieha ta' Kristu msallab, minn dik il-pittura, bdiet tħarrek xofftejha u tkellmu. *Sejjaħlu b'ismu* (cfr. Is 40,26) u qallu: "Franġisku, mur, sewwi d-dar tiegħi li, kif qiegħed tara, sejra tiġġarraf kollha". Franġisku beda jitriegħed u baqa' mistagħġeb mhux ftit, u għal dawn il-kelmiet kien għoddu intilef barra minn sensieh. Hekk hu ħejja ruħu biex jobdi, u inġabar kollu kemm hu biex jaqdi dak il-kmand. Imma tassew billi hu ħass fih innifsu dik il-bidla li ma setax jesprimiha, jaqbel li aħna nisktu dwarha. Minn dak il-ħin ġiet imnaqqxa f'ruħu x-xbieha tal-ħniena mqanqla lejn il-Kurċifiss, u kif nistgħu inqisu, l-istimmati mqaddsa tal-passjoni, għalkemm kienu għadhom mhux imnaqqxin f'ġismu, ġew stampati fil-qalb tiegħu. [L3C 13-14; 3C 2-3; LM I,5; II,1]

11 Tassew ħaġa ta' l-għaġeb li *qatt ma nstemgħet fiż-żminijiet ta' qabel*! (cfr. Ġw 9,32). Min ma jistagħġibx meta jismagħha? Min qatt fehem xi ħaġa bħalha? Għaliex Franġisku, issa li kien lest li jmur lura lejn belt twelidu, deher tassew imsallab, billi meta kien għadu ma ċaħadx għal kollox għad-dinja minn barra, imma b'miraklu ġdid u li qatt ma nstema' ieħor bħalu, mill-għuda tas-salib kellmu Kristu. Minn dak il-ħin għalhekk *ruħu inħallet għaliex il-maħbub tiegħu kien kellmu* (cfr. Għan 5,6). Aktar tard, l-imħabba tal-qalb kellha tidher minn barra permezz tal-ġrieħi li ġarr f'ġismu. Minn dakinhar hu ma setax iżomm lura d-dmugħ, u kien ta' spiss jitbekka b'leħen għoli l-passjoni ta' Kristu li dejjem kien iżomm quddiem għajnejh. Kien jimla bit-tnehid it-toroq, u ma kien ikun irid l-ebda faraġ meta kien jiftakar fil-pjagi ta' Kristu. Kien jieħu miegħu wieħed ħabib li kien ħafna qrib tiegħu, u meta hu urieh x'kienet ir-raġuni tan-niket tiegħu, dan il-ħabib ukoll mall-ewwel tqanqal biex ixerred id-dmugħ.

Sadanittant ma nesiex biex jieħu ħsieb ta' dik ix-xbieha qaddisa, u lanqas li jittraskura li jwettaq il-kmand li kien irċieva. Mall-ewwel hu *offra flus bħala karità* (cfr. Lq 19,15) lil dak is-saċerdot, sabiex jixtri musbieħ u żejt, ħalli dik ix-xbieha qaddisa ma tkunx nieqsa mill-ġieħ li jistħoqqilha li quddiemha jinxtegħel id-dawl. Imbagħad ingħata b'ruħu u ġismu biex iwettaq il-kumplament, billi beda jsewwi dik il-knisja b'ħidma bla taqta'. Għaliex, għalkemm *il-kliem* divin ta' Kristu kellu x'jaqsam ma' dik il-*Knisja* li Hu *akkwista bid-demm tiegħu* (cfr. Atti 20,28; Ġen 15,1), hu ma wasalx mall-ewwel għall-quċċata tal-ħidma tiegħu, imma għadda bil-mod il-mod mill-għemil *tal-ġisem* għal dak ta' *l-ispirtu* (cfr. Rum 8,9). [1C 18; 3C 3; L3C 13-14.24; LM I,5; II,7]

---

bi kripta u presbiterju merfugħ, skond l-istil monastiku. Fil-knisja kien hemm l-ikona tal-Kurċifiss biżantin, li llum tinsab imħarsa fil-kappella ta' San Giorgio, tal-bażilika ta' Santa Klara f'Assisi. L-ikona hi ta' stil romaniku u tirrappreżenta l-*Christus triumphans*, li fuqu hemm medaljun bl-Axxensjoni. Kristu hu mdawwar bil-persunaġġi tal-Kalvarju (Verġni Marija, San Ġwann, Marija Maddalena, Marija ta' Kleofa, ċenturjun), u bil-qaddisin taħt riġlejh (fosthom x'aktarx San Kożma u San Damjan, li lilhom hi iddedikata l-knisja). Kien f'San Damiano li Franġisku qiegħed lil Klara u l-ewwel *Povere Dame* fl-1212, fejn damu sa l-1260, meta l-knisja ġiet mogħtija lill-kapitlu tal-kattidral ta' Assisi, biex il-Klarissi telgħu joqogħdu f'San Giorgio, fejn bnew il-Protomonasteru ta' Santa Klara. Fl-1373 San Damiano ġie mogħti lill-Patrijiet Minuri Osservanti ta' Paoluccio Trinci, li damu sa l-1860. Fl-1879 il-knisja inxtrat minn Lord G. Robinson, markiż ta' Ripon u viċire ta' l-Indies, li ħalla lill-Patrijiet Minuri Osservanti jirritornaw biex jgħixu f'San Damiano. L-aħħar proprjetarju, Lord Peter Kerr, markiż ta' Lothian, ta lura l-knisja u l-kunvent ta' San Damiano lill-Patrijiet Minuri b'mod definittiv fl-1983.

Kapitlu VII
Dwar il-persekuzzjoni li sofra minn missieru u ħuh.

[734] 12 Imma meta missieru skond il-ġisem rah jippersevera *fl-għemejjel tat-tjieba* (cfr. 1Tim 2,10), u beda jqis li l-qadi ta' Kristu kien bluha min-naħa tiegħu, hu beda kullimkien jisħtu u jaħqru. Għaldaqstant il-qaddej ta' Alla sejjaħ lejh lil wieħed raġel mill-poplu u li kien sempliċi ħafna, sabiex jieħu post missieru, u kien jitolbu li kull meta missieru kien jimlieh bis-saħtiet, hu kellu għall-kuntrarju jimlieh bil-barkiet. Hekk hu wettaq fl-għemil il-kliem tal-profeta u beda juri dak li jfissru dawn il-kelmiet: *Huma jisħtu imma inti bierek* (cfr. S 108,28).

Lil missieru raddlu lura l-flus li *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,1.5) ried jonfoq biex isewwi dik il-knisja, wara li qagħad għall-parir ta' l-isqof ta' beltu, raġel tassew mimli tjieba, li qallu li ma kienx jixraq li hu jonfoq dak li seta' ġie akkwistat b'mod diżonest biex jagħmel opri qaddisa. U filwaqt li semgħuh *bosta nies li kienu inġabru flimkien* (cfr. Atti 10,27), hu qal: "*Mil-lum nista' ngħid* (cfr. Ġw 13,19) bil-libertà kollha: *Missierna li inti fis-smewwiet* (Mt 6,9), u mhux missieri Pietro Bernardone, li lilu mhux biss se nroddlu lura flusu, imma wkoll il-ħwejjeġ kollha li jiena liebes. Hekk irrid immur niltaqa' mal-Mulej tiegħi għeri". O ruħ nobbli ta' raġel ħili, li għalih Kristu kien biżżejjed! Intebħu dawk preżenti li *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) kien liebes ċilizzju taħt il-ħwejjeġ, u kien ferħan li mhux biss jidher imma li tassew ikun mimli bil-virtù.

Ukoll ħuh skond il-ġisem[490] kien jippersegwitah bil-kliem kif kien jagħmel missieru. Hekk darba filgħodu, meta kienet ix-xitwa, u lemaħ lil Franġisku mistur bi ftit ħwejjeġ imċerċrin filwaqt li kien jitlob u jitriegħed bil-bard kbir, dak il-bniedem ta' qalb kiefra sejjaħ wieħed raġel sieħbu mill-istess belt u qallu: "Mur u għid lil Franġisku biex ibiegħlek b'sold mill-għaraq tiegħu". Meta *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) sema' dawn il-kelmiet, imtela' bil-ferħ, u kien pront wieġbu: "Jiena nbiegħu lill-Mulej tiegħi bi prezz ħafna aktar għoli". Xejn ma seta' aktar veru minn dan il-kliem, għaliex f'din id-dinja hu qala' mhux biss *il-mija fil-wieħed* imma wkoll elf darba aktar, u fil-ġejjieni mhux biss għalih imma wkoll għal bosta oħrajn hu akkwista *l-ħajja ta' dejjem* (cfr. Mt 19,29). [1C 15; AP 9; L3C 19.23; LM II,4]

Kapitlu VIII
Dwar kif rebaħ il-mistħija, u l-profezija li għamel dwar il-verġni foqra.

[735] 13 Minn dak il-ħin ipprova jbiddel il-mod kif hu kien jgħix, minn wieħed delikat għal wieħed aħrax, u dwar kif seta' jreġġa' lill-ġisem tiegħu imdorri fl-irtubija għat-tjubija naturali. Jum minnhom ir-raġel ta' Alla mar Assisi biex jittallab iż-żejt ħalli jixgħel il-musbieħ fil-knisja ta' San Damiano, li dak iż-żmien kien qiegħed isewwiha. U meta ra ċorma rġiel li kienu jilgħabu quddiem dar li fiha hu xtaq jidħol, ħmar bil-mistħija u reġa' lura fuq il-passi tiegħu. Imma dak li mis-sema kien immexxi biex ikollu spirtu nobbli, ċanfar lilu nnifsu għal dak l-għemil ġwejjef, u *għamel ħaqq* (cfr. Ġak 3,1) minnu nnifsu. Reġa' lura mall-ewwel f'dik id-dar, u bil-libertà kollha beda juri quddiem kulħadd li kien staħa, u *donnu fis-sakra* (cfr. Ġer 23,9) ta' l-ispirtu beda jittallab bil-franċiż u qala' ż-żejt li ried. Imbagħad bil-ħeġġa kollha kien iqanqal lil kulħadd biex jgħinu

[490] Ħu San Franġisk kien jismu Angelo.

fil-ħidma ta' dik il-knisja, u fil-monasteru li hemmhekk kellu jitwaqqaf għall-verġni qaddisa ta' Kristu, li *quddiem dawk kollha li kienu jisimgħu* (cfr. Ġen 23,10), beda jħabbar b'leħen ċar profetiku u bl-ilsien franċiż. Għaliex meta kien ikun mimli *bil-ħeġġa* ta' l-Ispirtu *Qaddis* (cfr. Is 4,4), kien *jinfexx* bil-ħerqa *jitkellem* (cfr. S 44,1) bil-franċiż, donnu biex juri li minn dak il-poplu kellu jiġi muri qima u ġieħ speċjali. [1C 18; L3C 21.24; LM II,7]

Kapitlu IX
Dwar kif kien jittallab il-karità bieb, bieb.

[736] 14 Minn meta beda jaqdi lill-Mulej ta' kulħadd, kien dejjem iħobb iwettaq il-ħwejjeġ ordinarji, filwaqt li kien jaħrab dak kollu li jiġbed l-għajn, u dak kollu li jwassal għall-vizzju. Filwaqt li kien mehdi f'dik il-ħidma li jsewwi l-knisja, li bdieha wara li laqa' l-kmand ta' Kristu, hu kien għadda minn ħajja delikata għal waħda ħarxa u mimlija tbatija tax-xogħol. Il-qassis li kien jieħu ħsieb dik il-knisja, meta beda jintebaħ bil-ħidma iebsa u bla taqta' tiegħu, tqanqal bil-ħniena lejh, u ipprova li ta' kuljum jagħtih mill-ikel tiegħu, għalkemm dan ma kienx imħawwar kif jixraq, billi dak il-qassis kien fqir. Imma meta Franġisku intebaħ bil-kura u bil-ħniena li kien qiegħed juri lejh dak il-qassis qal bejnu u bejn ruħu: "Inti mintix se ssib qassis bħal dak kullimkien, li dejjem jaqdik billi jsiblek x'tiekol. Din mhijiex il-ħajja ta' raġel fqir li jonqsu kollox; ma jaqbillekx li inti tidra f'din il-kumditā; inkella wara ftit se terġa' lura minn dak li inti stmerrejt lejn ħajja delikata u ta' abbundanza. Qum, mela, malajr, u mur ħabbat bieb, bieb u ittallab l-ikel tiegħek!" Hekk beda jitla' Assisi jittallab xi ħaġa ta' l-ikel imsajra, u meta lemaħ il-ħafna taħwid ta' ikel li tawh fl-iskudella, għall-bidu *ħassu jitriegħed bil-biża' ta' stmerrija* (cfr. Ġob 7,14), imma mbagħad *ftakar fil-Mulej* (cfr. S 76,4) u rebaħ fuqu nnifsu u beda jiekol dik it-taħlita ta' ikel b'qalb ferħana. Għax l-imħabba twitti kollox u dak li hu morr tagħmlu mimli ħlewwa. [L3C 22]

Kapitlu X
Dwar kif fra Bernardo ċaħad għal ġidu kollu.

[737] 15 Bernardo, li kien ċittadin mill-belt ta' Assisi, u li wara sar iben il-perfezzjoni, ried jimxi wara *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) billi jimitah fl-eżempju perfett taċ-ċaħda tal-ġid tad-dinja, u għalhekk mar jitlob bl-umiltà l-parir tiegħu. Meta mar għandu biex jikkonsultah, hekk qallu: "Missier, jekk xi ħadd ikun ilu jgawdi għal żmien twil mill-ġid ta' xi sinjur, u mbagħad ma jkunx irid iżommu aktar għalih, x'jaqbillu jagħmel b'mod mill-aktar perfett?" Il-*bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) wieġbu li għandu jerġa' jagħti lura lil sidu dak kollu li kien ħallielu f'idejh. U Bernardo wieġbu: "Dak il-ġid kollu li jiena għandi, *u li* nagħraf li *irċevejtu minn Alla* (cfr. Rum 15,15), jiena bil-parir tiegħek irrid inħallih warajja u lest issa li nagħmel dan". U l-qaddis qallu: "Jekk inti tassew trid twettaq dan l-għemil, malli jisbaħ immorru fil-knisja, u nieħdu f'idejna l-ktieb ta' l-Evanġelji, u nfittxu fih il-parir ta' Kristu". Hekk *malli sebaħ* (cfr. Mt 27,1) daħlu fil-knisja, u wara li qagħdu jitolbu bil-qima, fetħu l-ktieb ta' l-Evanġelji, sabiex iwettqu l-ewwel parir li jsibu miktub quddiemhom. Malli fetħu l-ktieb, sabu dan il-parir ta' Kristu: *Jekk trid tkun perfett, mur, biegħ* dak kollu *li għandek, u agħtih lill-foqra* (cfr. Mt 19,21). Malli fetħuh għat-tieni darba, sabu: *Tieħdu xejn magħkom għat-triq* (cfr. Lq 9,3). U fit-tielet darba li fetħuh sabu: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu* (cfr. Mt 16,24; Lq 9,23). U hekk mingħajr l-ebda dewmien Bernardo mar iwettaq dawn il-kelmiet kollha, u dak il-parir hu wettqu mingħajr ma ħalla

barra minnu l-iċken tikka. Wara ftit taż-żmien bosta oħrajn ikkonvertew mill-ħsibijiet tad-dinja li jieklu l-qalb, lejn il-ġid ta' dejjem, u bi Franġisku bħala mexxej, *reġgħu lura lejn is-sema pajjiżhom* (cfr. Ġen 30,25). Imma nieħdu wisq fit-tul kieku kellna noqogħdu nirrakkontaw kif kull wieħed minnhom wasal *għall-premju tal-vokazzjoni divina* (cfr. Fil 3,14). [1C 24; AP 10-11; L3C 27-29; LM III,2]

Kapitlu XI
Dwar it-tixbiħa li irrakkonta quddiem is-sinjur Papa.

[738] 16 Meta mbagħad ġie ż-żmien biex jippreżenta ruħu quddiem il-Papa Innoċenz ħalli jitolbu japprovalu l-ħajja u r-regola tiegħu u ta' l-aħwa, meta l-Papa ra li l-proponiment ta' ħajja tiegħu kien 'il fuq mill-forzi umani, bħala raġel mimli prudenza mill-aktar fina, qallu: "Ibni, itlob lil Kristu, sabiex lilna jurina r-rieda tiegħu għalik, sabiex meta aħna nagħarfuha, inkunu nistgħu inwieġbu b'mod aktar ċar għax-xewqat tiegħek". Il-qaddis obda mall-ewwel għall-kmand tar-ragħaj suprem, u bil-fiduċja mar jiġri għand Kristu; beda mall-ewwel jitlob, u beda jħeġġeġ ukoll lill-aħwa biex jitolbu bil-qima kollha lil Alla. U xi ngħidu aktar? Waqt li kien qiegħed jitlob kellu din it-tweġiba li mbagħad wera lil uliedu rigward is-salvazzjoni ġdida li kien hemm merfugħa għalihom. Hekk saru jafu li Kristu, *permezz ta' tixbiħa* (cfr. Mt 13,3), hekk kien għarrfu: "Franġisku, għid dan lill-Papa. Kien hemm waħda mara fqajra imma sabiħa li kienet tgħix fid-deżert. Is-sultan issaħħar għal warajha minħabba sbuħitha; iżżewwiġha u minnha kellu bosta ulied mill-isbaħ. Meta dawn kibru u ġew edukati b'mod mill-aktar nobbli, ommhom kellmithom u qaltilhom: 'Għeżież uliedi, la tistħux li intom foqra, għaliex intom ulied tas-sultan il-kbir. Għalhekk morru fil-palazz tiegħu bil-ferħ, u ittallbu minn għandu dak li teħtieġu'. Meta semgħu dan huma stagħġbu u mtlew bil-ferħ, u billi tqawwew bil-wegħda u saru jafu li fil-ġejjieni kellhom ikunu werrieta, bdew *iqisu bħala għana* (cfr. Tob 5,25) il-faqar tagħhom. Hekk marru quddiem is-sultan bil-kuraġġ kollu, u ma beżgħux għaliex minn wiċċhom kienu jidhru li kienu jixbħuh. Meta s-sultan għaraf li kienu jixbħuh, hu staqsihom min kienet ommhom. U meta huma qalulu li ommhom kienet dik il-mara fqajra li kienet tgħix fid-deżert, is-sultan ħaddanhom miegħu, u qalilhom: '*La tibżgħux* (cfr. Mt 14,27; 17,7) għaliex intom *uliedi u werrieta tiegħi* (cfr. Rum 8,17)! Għax jekk mill-mejda tiegħi jieklu l-barranin, hi ħaġa ġusta li jieklu dak li għandhom id-dritt li jirtuni'. U hekk is-sultan bagħat jordna lil dik il-mara, sabiex tibgħat fil-palazz tiegħu lil uliedha kollha, sabiex irabbihom hu". Il-qaddis kien ifur bil-hena għal dik it-tixbiħa, u mar mall-ewwel jgħid lill-Papa b'dan l-oraklu qaddis. [AP 34-35; L3C 49-50; LM III,9-10]

17 Din il-mara tirrappreżenta lil Franġisku li minnu twieldu ħafna ulied, mhux għaliex hu kien artab f'imġiebtu; id-deżert ifisser id-dinja, li dak iż-żmien kienet mhix maħduma u ħawlija bin-nuqqas tat-tagħlim tal-virtù; l-ulied kotrana huma l-għadd kbir ta' aħwa li huma *għonja b'kull virtù* (cfr. 2Mak 3,26); is-sultan hu l-Iben ta' Alla, li lilu jixbħu dawk li jwieġbu għall-forma ta' ħajja tal-faqar imqaddes, u li jitmantnew *mill-mejda tas-sultan* (cfr. Dan 1,8) filwaqt li jistmerru kull mistħija li tiġi minn ħajja bla lġiem, u li biex jixbħu lil Kristu jgħixu billi jittallbu l-karità, għaliex jafu li jekk jistmerru d-dinja ta' issa għad jingħarfu fost il-qaddisin fil-ġejjieni.

Is-sinjur Papa stagħġeb meta sema' dik il-*parabbola li ipproponielu* (cfr. Mt 13,24) Franġisku, u għaraf bla ebda dubju li Kristu *kien tkellem fil-bniedem* (cfr. Atti 23,9). Hu ftakar fil-viżjoni li kien ra *ftit granet qabel dik il-ġrajja* (cfr. Atti 25,13), u *bit-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu*

(cfr. Lq 12,12) afferma li din kellha titwettaq ukoll f'dan ir-raġel[491]. *Fil-ħolm kien ra* (cfr. Ġen 28,12) l-bażilika tal-Lateran li kienet għoddha se tiġġarraf, imma wieħed reliġjuż, raġel *qasir u ta' bixra mistmerra* (cfr. Is 16,14; 53,3) kien iweżinha bi spallejh biex ma taqax. U l-Papa ħaseb: "Ara, dan hu dak li bl-għemil u bit-tagħlim ta' Kristu se jwieżen il-Knisja". Minħabba f'hekk is-sinjur Papa laqa' t-talba tiegħu bil-qalb; u minn dak il-waqt, mimli bil-qima lejn Alla, beda jħobb b'imħabba partikulari *l-qaddej ta' Kristu* (cfr. Rum 1,1; Ġoż 8,31). Hekk hu ta widen mall-ewwel għat-talbiet tiegħu, u wiegħdu bil-qima li kellu jagħtih ġieħ akbar fil-ġejjieni. Franġisku, mela, bl-awtorità li ġiet mogħtija lilu, beda jxerred iż-żerriegħa tal-virtujiet, u beda *jdur* mimli ħeġġa jippriedka *fil-bliet u l-kastelli* (cfr. Mt 9,35). [1C 33; AP 35-36; L3C 49-50; LM III,10; IV,1]

## Dwar Santa Marija tal-Porziuncola

### Kapitlu XII

Dwar l-imħabba tal-qaddis lejn dan il-post, dwar kif l-aħwa kienu jgħixu hemmhekk u dwar l-imħabba tal-Verġni mqaddsa lejn dan il-post.

[739] 18 *Il-qaddej ta' Alla* (cfr. 2Kron 24,9) Franġisku, raġel *qasir, umli* fl-ispirtu, *minuri* (cfr. Is 16,14; Mt 11,29; Lq 9,48) fil-professjoni, meta kien jgħix fid-dinja *għażel* għalih u għall-aħwa tiegħu porzjon ċkejken[492] *mid-dinja* (cfr. Ġw 15,19), għaliex inkella ma setax jaqdi lil Kristu, jekk ma jkunx jista' jinqeda b'biċċa ċkejkna mid-dinja. U ma kienx mingħajr tnebbieħ divin li mill-jiem tal-qedem dak il-post ġie msejjaħ Porziuncola, għax kellu *jingħata b'xorti* (cfr. Ġoż 17,8) lil dawk li minn din id-dinja ma kellhom l-ebda xewqa li jkollhom xejn. Hemmhekk kienet inbniet knisja lill-Verġni Omm, li għall-umiltà singulari tagħha stħaqqilha wara Binha li tkun ir-ras[493] tal-Qaddisin kollha. F'dik il-knisja ingħata bidu għall-Ordni tal-Minuri, u hemmhekk il-għadd kbir tagħhom ġie mwaqqaf fuq l-istruttura nobbli ta' *pedament stabbli* (cfr. Ef 2,20.21). Dan il-post il-qaddis kien iħobbu aktar minn kull post ieħor, u kien irid li l-aħwa jqimuh b'mod speċjali, u riedu jkun mera ta' l-Ordni u ried iħarsu dejjem fl-umiltà u *fl-ogħla faqar* (cfr. 2Kor 8,2), u filwaqt li ried li l-proprjetà tal-post tkun riservata għal ħaddieħor, hu u l-aħwa jżommu biss l-użu tal-post. [1C 44; AP 8; L3C 32.56; AC 56; LM II,8; SP 55]

19 Hemmhekk l-aħwa kienu jħarsu dixxiplina mill-aktar iebsa, kemm fis-skiet u fil-ħidma kif ukoll fir-regolamenti l-oħrajn tal-ħajja komuni. Ħadd ma kien jista' jidħol hemm ġew, jekk ma jkunx mogħti lilu b'mod speċjali mill-aħwa, għax kienu jiġu minn kullimkien, u l-qaddis kien ikun irid li huma jkunu tassew devoti lejn Alla u li jkunu perfetti f'kollox. Is-sekulari ma setgħux jidħlu f'dak il-post għal ebda raġuni. Ma kienx ikun irid li l-aħwa li jgħixu hemmhekk, li kellhom ikunu

---

[491] L-espressjoni Latina *et in hoc homine* ("ukoll f'dan ir-raġel") donnha trid tindika li Franġisku ma kienx l-uniku wieħed li l-Papa rah iwieżen il-bażilika tal-Lateran. Fil-fatt, nafu li l-Papa Innoċenz III kellu l-istess viżjoni wkoll fil-każ ta' San Duminku (cfr. *Analecta Franciscana* X, 141, nota 8). Imma l-konġunzjoni *et* tista' wkoll tindika li l-Papa ra l-viżjoni titwettaq "proprju f'dan ir-raġel" Franġisku.

[492] Celano jilgħab bil-kelma *portiunculam* ("porzjon ċkejken"), li jirreferi għal Santa Marija tal-Porziuncola.

[493] Il-Latin juża l-kelma *caput* ("ras"). Fit-22 ta' April 1230 il-Papa Girgor IX kien ta t-titlu ta' *caput et mater Ordinis Minorum* ("ras u omm ta' l-Ordni tal-Minuri") lill-bażilika ta' San Franġisk. Celano seta' għamel użu minn dan l-appellattiv *caput* u applikah għall-Porziuncola biex jikkuntenta lil kulħadd, l-aktar għaliex diġà l-CA 56 kienet tgħid: *cognominabatur enim de Portiuncula, in quo prefigurabatur quod futura esset mater et caput pauperum Minorum fratrum.*

ta' għadd limitat, ikollhom relazzjonijiet mas-sekulari u *widnejhom jiekluhom* (cfr. 2Tim 4,3) biex ikunu jafu l-ħwejjeġ tad-dinja, li ma jmorrux jaqtgħu l-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema u jitkaxkru biex jingħataw għall-ħwejjeġ tad-dinja. Ma kienx iħalli li hemmhekk xi ħadd jgħid *kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36), u lanqas li jirrepeti kliem fieragħ li jkun sema' minn ħaddieħor. Jekk xi ħadd kien jiġri li kien jonqos minn dan, *sabiex ma jfittixx aktar li jagħmel hekk* (cfr. 1Sam 27,4) kien jiġi ikkastigat bil-piena ħalli jitgħallmu *dawk li jiġu warajh* (cfr. Qoħ 4,13). *Mingħajr ma jaqtgħu* (cfr. Atti 12,5), *bin-nhar u bil-lejl* (cfr. Ġoż 1,8) dawk li kienu jgħixu f'dak il-post kienu jehdew fit-tifħir, u kienu jarmu fwieħa qaddisa, hekk li donnhom kienu jgħixu l-ħajja ta' l-anġli. U dan bix-xieraq. Għaliex dak il-post min-nies tal-qedem kien jissejjaħ *b'isem ieħor*, jiġifieri Santa Marija ta' l-Anġli. Il-missier qaddis kien jgħid li Alla kien urieh li l-Verġni mbierka, fost il-knejjes kollha li fid-dinja ġew mibnija b'ġieħ tagħha, kienet *tgħożż b'imħabba* (cfr. 1Pt 1,22) speċjali lil dik il-knisja; għaldaqstant il-qaddis ukoll *kien iħobbha aktar* mill-knejjes *l-oħrajn kollha* (cfr. 2Kor 12,13; Ġen 37,4). [AC 56; LM II,8; SP 55]

Kapitlu XIII
Dwar viżjoni li kellu.

[740] 20 Wieħed fost l-aħwa, raġel qaddis, qabel il-konverżjoni tiegħu, kellu viżjoni mingħand Alla dwar dik il-knisja li xieraq li nitkellmu dwarha. Hu ra għadd bla tarf ta' bnedmin, li wiċċhom kien imnikket għaliex *għajnejhom kienu mdallmin* (cfr. Ġen 19,11), u kienu jħarsu lejn is-sema, u *kienu għarkubbtejhom* (cfr. 2Kron 6,13) imdawwrin ma' dik il-knisja. U kollha kemm huma kienu jibku, *u jgħollu idejhom 'il fuq* (cfr. 2Mak 14,34) fil-għoli, *u jgħajjtu lil Alla* (cfr. S 54,17), filwaqt li jitolbuh il-ħniena u d-dawl. U hekk niżel mis-sema dawl qawwi, li beda jinfirex ma' kullimkien, u dak id-dawl ta lil kull wieħed minnhom li jara u tahom is-salvazzjoni li kienu jixtiequ. [L3C 56; LM II,8]

Dwar il-ħajja ta' San Franġisk u ta' l-aħwa.

Kapitlu XIV
Dwar id-dixxiplina iebsa tiegħu u ta' l-aħwa.

[741] 21 *Il-kavallier* qalbieni *ta' Kristu* (cfr. 2Tim 2,3) ma kellu l-ebda kura speċjali ta' ġismu, imma *bħal wieħed barra minnu nnifsu* (cfr. Lhud 11,9), kien jistmerru kemm bl-għemil kif ukoll bil-kliem. Min jipprova jsemmi ħaġa wara l-oħra dak li hu bata, jgħaddi dak li kiteb l-appostlu, meta jitkellem dwar kemm isofru l-qaddisin. Bl-istess mod l-aħwa kollha tiegħu għaddew minn dik l-iskola tiegħu ta' tbatija, hekk li kienu jqisuh dnub, jekk jieħdu n-nifs ta' dawk il-ħwejjeġ li fihom ma hemmx *faraġ ta' l-ispirtu* (cfr. Atti 9,31). Għax huma kienu jilbsu ċinturini tal-ħadid, kienu jgħaddu *minn ħafna sahriet u sawm* (cfr. 2Kor 11,27) biex jgħakksu lilhom infushom il-ħin kollu, u ma kienux jieqfu minn dawn il-ħafna penitenzi, kieku r-ragħaj twajjeb ma kienx iwissihom biex itaffu l-ħruxija ta' dik l-astinenza kollha.

Kapitlu XV
Dwar id-diskrezzjoni ta' San Franġisk.

[742] 22 Lejl minnhom, wieħed mill-merħla, waqt li l-aħwa l-oħrajn kienu reqdin, beda jgħajjat: "L-aħwa, qiegħed immut, qiegħed immut bil-ġuħ!" Ir-ragħaj għaref qam minnufih, u beda jħaffef biex jgħin kif jista' lil dik in-nagħġa li kienet issofri. Ikkmanda li jhejju l-mejda, ukoll jekk ma kellhomx ikel tajjeb, u fejn l-ilma, bħalma kien jiġri bosta drabi, kien jieħu post l-inbid. U beda hu l-ewwel wieħed jiekol, u minħabba l-karità ta' l-uffiċċju tiegħu, biex dak ħuh ma jiħmarx bil-mistħija, stieden lill-aħwa l-oħrajn biex jieklu miegħu. *Wara li kielu dak l-ikel bil-biża' ta' Alla* (cfr. Atti 2,46; 9,31), il-missier kellem lil uliedu fit-tul dwar il-virtù tal-prudenza bi kliem ta' tixbiħa. Ikkmandahom biex huma dejjem *imellħu bil-prudenza s-sagrifiċċju tagħhom lil Alla* (cfr. Lev 2,13), u wissihom bil-ħerqa biex kull wieħed minnhom *jagħti qima lil Alla* (cfr. Ġw 16,2) billi jqis il-qawwa tiegħu biex jagħmel penitenza. Qalilhom li hu dnub li wieħed iċaħħad bla kontroll lill-ġisem mill-meħtieġ, daqslikieku kien iħallih jaqa' fix-xaba' bla rażan, billi jagħtih dak li hu żejjed għalih. U kompla jżid: "Għeżież, dak li jiena għamilt meta kilt, kunu afu li ma għamiltux bir-rieda li nixxennaq għall-ikel, imma biss minħabba s-sens ta' dmir u għax kien meħtieġ nuża karità ma' dan ħija. Jalla tieħdu l-eżempju tal-karità, u mhux ta' l-ikel, għaliex filwaqt li dan ixabba' l-ġuħ, imma dik ixxabba' l-ispirtu". [AC 50; LM II,7; SP 27]

Kapitlu XVI
Dwar kif għaraf il-providenza tal-ġejjieni, u dwar kif ħalla l-Ordni tiegħu f'idejn il-Knisja Rumana, u dwar viżjoni li kellu.

[743] 23 Il-missier imqaddes kien dejjem jimxi 'l quddiem fil-merti u fil-virtù. U billi uliedu bdew jitkattru ma' kullimkien fil-għadd u fil-grazzja, u *bdew jitferrxu bħal friegħi sat-trufijiet ta' l-art* (cfr. Eżek 17,6; S 18,5), bil-frott ta' l-għaġeb ta' l-għemejjel tajba tagħhom, hu beda jaħseb dejjem aktar bil-ħerqa, dwar kif dik *ix-xitla ġdida* (cfr. S 143,12) seta' jsalvaha u jkabbar *ir-rabta ta' l-għaqda* (cfr. Ef 4,3) li torbotha flimkien. Hu kien jara li kontra *l-merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32) kellhom iqumu kotra ta' lpup, u li huma li kienu *xjaħu fil-ħażen* (cfr. Dan 13,52) kienu jakkwistaw l-okkażjoni li jagħmlu ħsara imqar minn ħaġa waħda ġdida. Hu ra minn qabel li fost dawk uliedu setgħu jqumu diffikultajiet li jkunu kuntrarji għall-paċi u l-għaqda, u kif ta' spiss jiġri fil-magħżulin, fil-ġejjieni setgħu jqumu ribelli li *jintefħu bl-għemejjel tal-ġisem* (cfr. Kol 2,18) u jkunu lesti fl-ispirtu għall-għemejjel ta' firda, u setgħu ukoll iwasslu għall-iskandlu.

[744] 24 Filwaqt li *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,1) kien qiegħed jaħseb dwar dan kollu fil-moħħ tiegħu, lejl minnhom, waqt li kien rieqed, *kellu din il-ħolma* (cfr. Dan 10,7). Hu ra *tiġieġa* żgħira u sewda, li kienet tixbaħ ħamiema tad-dar, u li kellha saqajha wkoll miksijin bir-rix. Kellha għadd kbir ta' *flieles*, li kienu jduru madwar din it-*tiġieġa*, biex jippruvaw *jinġabru* kollha *taħt ġwenħajha* (cfr. Mt 23,37) mingħajr ma setgħu. *Il-bniedem ta' Alla qam min-nagħsa tiegħu* (cfr. Mt 1,24; Imħ 13,6), u beda jħammem fil-ħsibijiet tiegħu, biex jipprova *jfisser dik il-ħolma* (cfr. Dan 8,27). U ħaseb: "Dik it-tiġieġa hija jiena, li min-natura tiegħi jiena żgħir u ta' lewn skur, u li rrid ngħaqqad ma' l-innoċenza tal-ħajja tiegħi s-sempliċità tal-ħamiema, li hi virtù li aktar ma hi rara fid-dinja, aktar tintrefa' 'l fuq malajr lejn is-sema. Il-flieles huma l-aħwa li issa tkattru fil-għadd u fil-grazzja, u li l-qawwa ta' Franġisku ma tistax aktar tħarishom *mit-taħwid tal-bnedmin u mill-qerq ta' l-ilsna* (cfr. S 30,21). Mela, ħa mmur u nħalli din il-familja f'idejn il-Knisja

mqaddsa Rumana, li bil-ħatar tal-qawwa tagħha tolqot lil dawk li għandhom fehma ħażina, u *l-ulied ta' Alla* (cfr. Mt 5,9), dejjem u kullimkien *jikbru* u jgawdu *l-ħelsien* (cfr. Kol 2,19; Gal 4,31; 2,4) tas-salvazzjoni. Hekk l-ulied jagħarfu l-ħlewwa tat-tjieba ta' l-omm, u jimxu b'devozzjoni partikulari l-passi miqjumin tagħha. Il-ħarsien tagħha jiddefendi lill-Ordni *mill-attakki tal-qarrieqi* (cfr. 1Slat 5,4), u *iben Beljal* (cfr. Dt 13,13) ma jkunx jista' aktar jgħaddi bla kastig *mid-dielja tal-Mulej* (cfr. Is 5,1-7). Għax hi, li hi qaddisa, togħġobha l-glorja tal-faqar tagħna, u ma tippermettix li t-tħabbira ta' l-umiltà tagħna tiġi mgħottija bis-sħaba tal-kburija. Hi *tħares* fina bla mittiefsa *r-rabta ta' l-imħabba u tal-paċi* (cfr. Kol 3,14; Ef 4,3), u tolqot bil-qawwa u bl-ebusija lil min ikun kawża ta' nuqqas ta' qbil. Quddiem il-ħarsa tagħha dejjem *twarrad* l-osservanza safja u qaddisa ta' l-Evanġelju, u hi ma tħallix li *l-fwieħa tal-ħajja* (cfr. S 91,13; 2Kor 2,15) tgħib imqar għal waqt wieħed". Din kienet l-unika intenzjoni li kellu l-qaddis ta' Alla meta ried jagħmel dan l-att ta' fiduċja, u dawn kienu l-argumenti l-aktar qaddisa li għaraf minn qabel il-bniedem ta' Alla rigward il-ħtieġa li jafda dejjem fil-Knisja għaż-żmien tal-ġejjieni. [L3C 63; SP 78]

Kapitlu XVII
Dwar kif talab mingħand il-Papa lis-sinjur Isqof ta' Ostia.

[745] 25 Hekk *il-bniedem ta' Alla* (cfr. Imħ 13,6) ġie Ruma għand is-sinjur Papa Onorju u ġie milqugħ b'devozzjoni kbira mill-kardinali kollha. U dan għaliex il-fwieħa tal-fama tiegħu kienet tixtered matul ħajtu, kienet tidwi fil-kliem, hekk li ma kienx possibbli li wieħed ma jqimux. Hu ippriedka quddiem il-Papa u l-kardinali bi kliem ħieles u b'ħeġġa kbira, *u kien ifur mill-milja tiegħu* (cfr. S 44,2; 143,13) *dak li* l-ispirtu *kien inebbħu* (cfr. Ġob 13,13). Għall-kelma tiegħu *kienu jitriegħdu l-muntanji* (cfr. S 17,8), u *mill-qiegħ* (cfr. S 129,1) tal-ġewwieni tiegħu kien joħroġ tnehid, u bid-dmugħ kien jaħsel *il-bniedem ta' ġewwa* (cfr. Rum 7,22; Ef 3,16). Meta temm il-priedka tiegħu u wara li waqaf jitkellem bil-familjarità kollha mas-sinjur Papa, imbagħad għarrfu bit-talba tiegħu: "Sinjur, kif inti taf tajjeb, mhuwiex faċli għal nies foqra u umli li jkunu jistgħu jersqu ta' spiss quddiem il-majjestà kbira tiegħek. Għalhekk, sinjur, jiena nitlob mingħand l-imħabba twajba tal-qdusija tiegħek li tagħtina bħala Papa[494] lis-sinjur ta' Ostia, hawnhekk preżenti, sabiex filwaqt li tibqa' dejjem bla mittiefsa d-dinjità tiegħek li tiġi qabel kulħadd, l-aħwa jkunu jistgħu dejjem jirrikorru għandu *fi żmien il-ħtieġa* (cfr. Sir 8,12), u jiġu minnu immexxijin bit-tjieba u mħarsin għall-ġid tagħhom". *Għoġbot lil għajnejn* (cfr. 2Slat 10,30) il-Papa din it-talba qaddisa, u mall-ewwel ħatar fuq l-Ordni, skond kif kien talab *il-bniedem ta' Alla* (cfr. Imħ 13,6) lis-sinjur Ugolino, li dak iż-żmien kien isqof ta' Ostia. Dak il-kardinal qaddis ħaddan miegħu lil dik il-merħla li ġiet fdata f'idejh, u sar dak li rabbieha bil-ħerqa, billi kien għaliha ragħaj u għalliem li ħa ħsiebha sat-tmiem. Din hi s-sottomissjoni partikulari li ġejja mill-imħabba u mill-kura li, minn dejjem, il-Knisja mqaddsa Rumana qatt ma naqset li turi u tixhed fl-Ordni tal-Minuri. [1C 73.100; AP 45; L3C 64]

Tmiem ta' l-ewwel taqsima.

---

[494] Is-sens tal-kelma Papa naturalment hu dak ta' mexxej ta' l-Ordni f'isem il-Papa. Giordano da Giano, fil-*Chronica*, 14, jikteb: "Inti tajtni bosta papi. Agħtini wieħed biss, li għandu, skond il-ħtieġa, inkun nista' mmur biex nitkellem u li flokok jismagħni u jsolvi l-problemi tiegħi u ta' l-Ordni". Il-laqgħa ta' Franġisku mal-Papa Onorju III x'aktarx li seħħet wara li hu ġie lura mill-Orjent fl-1220, u talab li l-Ordni jkollu kardinal protettur fil-persuna ta' Ugolino dei Conti di Segni, Isqof ta' Ostia u Velletri. L-istess kardinal Ugolino, wara l-mewt ta' San Franġisk, sar Papa Girgor IX (1227-1241). Kien hu li ikkanonizza lil San Franġisk fl-1228.

# IT-TIENI KTIEB

[746]   26   L-għemejjel insinji tal-missirijiet għandhom jitfakkru b'tifkira tagħhom, u għall-ġieħ tagħhom, u dan hu sinjal ta' mħabba vera lejhom. L-aktar dawk li ma kellhomx ix-xorti li jkunu jafuhom meta kienu preżenti fil-ġisem, bit-tifkira ta' l-għemejjel tagħhom jitqanqlu għat-tajjeb, iġibu 'l quddiem dak li hu aħjar, filwaqt li x-xhieda li ma tintesiex tagħmel li l-missirijiet li għexu 'l bogħod fiż-żmien jibqgħu ħajjin għall-ulied. Qabel xejn nistgħu nakkwistaw il-frott mhux żgħir ta' l-għarfien ta' kemm aħna ċkejknin, meta naraw l-għana kbira tagħhom u kemm huma foqra l-merti tagħna. Issa jiena nqis lill-imqaddes Franġisku bħala *mera* mill-aktar qaddisa tal-qdusija tal-Mulej u *xbieha* tal-perfezzjoni *tiegħu* (cfr. Għerf 7,26). Għax il-kliem u l-għemejjel kollha tiegħu jarmu minnhom bħal fwieħa divina, li min iqishom bir-reqqa u jsir dixxiplu umli tagħhom, jilħaq malajr din id-dixxiplina tas-salvazzjoni magħmula mill-ogħla filosofija. Hekk wara li, bi stil umli u kważi bil-ġirja, rajna xi ġrajjiet dwar il-persuna tiegħu, issa jidhirli li ma jkunx għal xejn li, fost il-ħafna fatti, nagħżlu xi wħud li bihom jiġi irrikmandat il-qaddis u li bihom inqajjmu min-nagħas l-imħabba mħeddla tagħna.

Dwar l-ispirtu ta' profezija li kellu l-imqaddes Franġisku

Kapitlu I

[747]   27   Il-missier qaddis kien jogħla 'l fuq mill-ħwejjeġ tad-dinja, u dak kollu li jgħix fid-dinja kien ħakmu bil-virtù tiegħu ta' l-għaġeb, meta kien dejjem jiffissa l-għajnejn ta' moħħu f'dak id-dawl l-aktar għoli, u hekk mhux biss kien jaf b'rivelazzjoni divina dak li kellu jagħmel, imma kien jara minn qabel *bi spirtu profetiku* (cfr. Apk 19,10) *dak li hu moħbi għall-qlub* (cfr. 1Kor 14,25), kien jagħraf dak li ma kienx preżenti quddiemu, u kien jara u jħabbar minn qabel dak li kellu jiġri fil-ġejjieni. Nagħtu ftit eżempji biex nippruvaw dak li qegħdin ngħidu. [LM I,3]

Kapitlu II
Dwar kif għaraf bħala qarrieq lil wieħed mill-aħwa li kulħadd kien jaħsbu qaddis.

[748]   28   Kien hemm wieħed mill-aħwa, li minn dak li jidher minn barra, kien jidher li kien jgħix ħajja mill-aktar qaddisa, jekk mhux ukoll singulari. Il-ħin kollu kien ikun *mehdi fit-talb* (cfr. 1Kor 7,5), u tant kien josserva s-skiet b'mod strett, li kien iqerr mhux bil-kliem imma bis-sinjali. Kien jitħeġġeġ bil-kbir għall-kliem ta' l-Iskrittura, u wara li kien jismagħhom kien jimtela bi ħlewwa liema bħalha. U x'ngħidu iżjed? Minn kulħadd kien meqjus qaddis għal tliet darbiet. Ġara li l-missier imqaddes ġie f'dak il-post, u ra lil dak li kulħadd kien iqisu bħala qaddis. Billi *kulħadd* beda jirrikmandah u *jagħtih ġieħ* (cfr. Lq 4,15), il-missier imqaddes hekk wieġeb lill-aħwa: "L-aħwa, isktu, u kunu afu, li intom qiegħdin tfaħħru l-qerq tax-xitan fih. *Kunu afu fis-sewwa* (cfr. Mt 22,16), li din hi tentazzjoni tax-xitan u qerq mill-agħar tiegħu. Jiena ċert minn dan, u l-akbar prova ta' dan kollu hi li hu ma jridx iqerr billi jistqarr dnubietu bil-fomm". L-aħwa *bil-ħniena riedu jilqgħu dan il-kliem* (cfr. Ġen 21,11), l-aktar il-vigarju tal-qaddis. U bdew jgħidu: "Kif jista' jkun li taħt is-sinjali tal-perfezzjoni jista' jinħeba l-qerq?" U l-missier qalilhom:

"Agħtuh twissija biex iqerr darba fil-ġimgħa; jekk hu ma jkunx irid jagħmel dan, *kunu afu li tassew* (cfr. Ġw 5,32) hu dak li qed ngħidilkom". Hekk il-vigarju *ħadu miegħu* (cfr. Lq 9,10) lil dak ħuh, u wara li beda jitkellem miegħu għal xi ħin b'mod familjari u bit-tbissim, fl-aħħar ikkmandah biex imur iqerr. U dak urieh li ma riedx, billi *qiegħed subgħajh fuq fommu* (cfr. Ġob 21,5; 29,9), u beda jċaqlaq rasu, biex jinsisti li ma riedx iqerr. L-aħwa siktu, għaliex bdew jibżgħu mill-iskandlu ta' dan il-qaddis falz. *Mhux wara bosta ġranet* (cfr. Lq 15,13) dan ħareġ minn jeddu mill-ħajja reliġjuża, mar lura fis-seklu, *u hekk reġa' lura għall-vomtu tiegħu* (cfr. Prov 26,11). Wieħed għandu dejjem joqgħod attent mis-singularità, għaliex ma hi xejn aktar ħlief dagħbien sabiħ. Dan turih l-esperjenza ta' bosta, li *għolew sas-smewwiet u waqgħu 'l isfel sa qiegħ l-abbiss* (cfr. S 106,26). Għaldaqstant qis il-valur ta' qrara devota, li mhux biss turi l-qdusija imma tagħmel li bniedem ikun qaddis. [CA 116; LM XI,10; SP 102]

## Kapitlu III
Każ ieħor jixbaħ lil dan, kontra s-singularità.

[749] 29 L-istess każ seħħ f'wieħed ieħor mill-aħwa li kien jismu Tommaso da Spoleto. Kulħadd kien jaħseb bil-qawwa li hu kien raġel qaddis. Imma l-ġudizzju tal-missier qaddis kien li dan kien bniedem qarrieq, u fl-aħħar deher kemm il-ġudizzju tiegħu kien veru għax għamel apostasija. Ma damx fit-tul, għaliex il-virtù li tkun mibnija fuq il-qerq ma tiflaħx iżżomm wieqfa. Ħareġ mill-Ordni u mieta barra minnu, u issa kulħadd intebaħdwar l-imġieba qarrieqa tiegħu.

## Kapitlu IV
Dwar kif ħabbar it-telfa ta' l-eżerċtu Kristjan meta kien Damiata.

[750] 30 Fiż-żmien li fih l-eżerċtu Kristjan kien qiegħed jassedja l-belt ta' Damiata[495], kien hemm *il-qaddis ta' Alla* (cfr. 2Slat 4,9; Mk 1,24) flimkien ma' l-aħwa: għax huma kienu qasmu l-baħar bix-xewqa tal-martirju. Meta mbagħad l-eżerċtu tagħna *kien qiegħed ihejji ruħu għall-jum tal-gwerra* (cfr. Prov 21,31), malli sema' dan, il-qaddis tnikket bil-bosta. U qal lil sieħbu: "Jekk il-battalja ssir f'dak it-tali jum, *il-Mulej urieni* (cfr. 2Slat 8,10), li l-Kristjani *ma tiġihomx tajba* (cfr. Num 14,41). Imma jekk immur ngħid dan fil-beraħ, jaħsbuni iblah; u jekk niskot, inħoss il-kuxjenza tniggiżni. X'jidhirlek li hu l-aħjar li nagħmel?" Sieħbu *wieġbu u qallu* (cfr. Lq 3,16): "Missier, inti *ma għandekx tagħti kas li tiġi iġġudikat* (cfr. 1Kor 4,3) mill-bnedmin, għax mhux l-ewwel darba li huma qiesuk bħala bniedem iblah. Ħaffef il-kuxjenza tiegħek, u ara *li tibża' aktar minn Alla milli mill-bnedmin*" (cfr. Lq 12,4-5; Atti 5,29). Allura l-qaddis qam bil-ħeġġa u beda

---

[495] Din il-ġrajja seħħet waqt il-ħames Kruċjata, li fiha ħa sehem San Franġisk. Kienet il-Kruċjata li ġiet ippriedkata mill-Papa Innoċenz III fil-Konċilju Lateran IV (1215) u li, taħt it-tmexxija tar-re ta' Ġersualem Jean de Brienne u tal-Kardinal Legati Pelagius Galvan, assedjat il-belt ta' Damiata, fid-delta tax-xmara Nil, fl-Eġittu. Franġisku mar fl-Orjent fl-24 ta' Ġunju 1219 mill-belt ta' Bari jew Brindisi, u wara li waqaf San Jean d'Acre, fuq il-kosta tal-Palestina, fejn laqgħu fra Elia, ministru tal-provinċja ta' *Oltremare*, jew tas-Sirja (imwaqqfa fl-1217), kompla fi triqtu lejn l-Eġittu. Il-fatt li jirrakkonta hawnhekk Tommaso da Celano seħħ fid-29 ta' Awissu 1219, meta l-eżerċtu kruċjat għamel assalt fuq il-belt, imma kellu telfa kbira. Wara din id-data, għal xahar, sar waqfien mill-ġlied, li fih x'aktarx li Franġisku, flimkien ma' fra Illuminato, għadda fil-kamp tas-Saraċini u iltaqa' mas-sultan ta' l-Eġittu Malik-al-Kamil. Damiata ġiet mirbuħa mill-Kruċjati fil-5 ta' Novembru 1219, wara li saret straġi mill-abitanti, li kienu morda bil-pesta. X'aktarx li Franġisku reġa' lura l-Italja f'dan iż-żmien, għalkemm l-istudjużi ma jaqblux meta eżattament reġa' lura, jekk hux qabel jew wara r-rebħa ta' Damiata, u lanqas dwar jekk għaddiex iżur is-santwarji tal-fidwa fil-Palestina.

jwissi lill-Kristjani biex ma jattakkawx battalja, beda jurihom li ma kellhomx imorru għall-gwerra, u beda jħabbrilhom it-telfa. Imma huma bdew jaħsbu li l-verità ta' kliemu kienet *ħrafa* (cfr. Tob 3,4), *webbsu qalbhom* (cfr. Ġw 12,40) u ma riedux jagħtuh widen. Ħarġu, attakkaw, u bdew jiġġieldu, imma l-eżerċtu tagħna ġie attakkat mill-għadu. Waqt dak il-ħin kollu, il-qaddis b'ruħu mdendla, kien jibgħat lil sieħbu biex *iqum u jittawwal* (cfr. Num 22,20.41) fuq il-battalja, imma wara li fl-ewwel u t-tieni darba ma ra xejn, reġa' bagħatu għat-tielet darba. U hekk hu! Kulħadd *kien qiegħed jaħrab* (cfr. Ġer 49,24) mill-eżerċtu kristjan, u l-battalja intemmet fil-mistħija, u mhux fir-rebħa. Tant kienet kbira l-istraġi li sofra l-eżerċtu tagħna, li bejn il-mejtin u l-maqbudin priġunieri kienu mas-sitt elef. Il-qaddis kien mimli ħniena lejhom, u mhux żgħir kien in-niket tagħhom għal dak li ġara. L-aktar li beka kien fuq l-Ispanjoli, għaliex kienu spiċċaw tassew ftit fil-għadd minħabba l-ħeġġa akbar li kellhom biex jiġġieldu. *Ħa jkunu jafu* dan *il-prinċpijiet tad-dinja kollha* (cfr. 1Kron 28,21; S 18,5), u ħa jkunu jafu *li mhix ħaġa faċli li wieħed jiġġieled kontra Alla* (cfr. Sir 46,8), jiġifieri kontra *r-rieda tal-Mulej* (cfr. 2Kor 8,5). L-ebusija tar-ras soltu twassal għal tmiem ta' tiġrif, għaliex min jafda fil-qawwa tiegħu, ma jistħoqqlux jakkwista l-għajnuna mis-sema. Għax jekk wieħed irid jittama li r-rebħa tiegħu tiġi mill-għoli, irid joħroġ għall-battalja biss wara ispirazzjoni divina. [LM XI,3]

Kapitlu V
Dwar kif għaraf dak li kien moħbi fil-qalb ta' wieħed mill-aħwa.

[751] 31 Fiż-żmien li fih il-qaddis ġie lura mill-inħawi ta' *Oltremare*, kellu bħala sieħbu lil fra Leonardo minn Assisi. Ġara li *ħassu għajjien mill-vjaġġ* (cfr. Ġw 4,6), u hekk rikeb fuq ħmar. Sieħbu, li kien miexi warajh, u li ma kienx għajjien inqas minnu, *beda jaħseb bejnu u bejn ruħu* (cfr. Lq 11,38), maħkum minn dgħufija umana: "Ma kienux jilgħabu pari passu l-ġenituri tiegħu mal-ġenituri tiegħi. U ara, hu riekeb u jiena rrid immexxilu l-ħmar". *Malli għaraf dak li kien qed jaħseb* (cfr. Mt 1,20), il-qaddis qabeż mill-ħmar, u qallu: "Ħija, mhux sewwa li jiena riekeb u inti miexi, għax meta kont fis-seklu int kont aktar nobbli u setgħani minni". Dak baqa' *miblugħ bil-għaġeb* (cfr. Est 7,6) u *wiċċu ħmar bil-mistħija* (cfr. Num 12,14), għax intebaħ li l-qaddis kien qralu ħsibijietu. *Inxteħet għal tulu fl-art f'riġlejh* (cfr. Est 8,3; Atti 10,25), u *maħsul bid-dmugħ* (cfr. Lq 7,38.44) kixiflu l-ħsibijiet kollha tiegħu, u talbu jaħfirlu. [CA 72; LM XI,8]

Kapitlu VI
Dwar kif lemaħ lix-xitan fuq dahar wieħed mill-aħwa; u dwar kif kien iġib ruħu ma' min kien jitbiegħed mill-għaqda ta' l-aħwa.

[752] 32 Kien hemm wieħed ieħor mill-aħwa li kien stmat ħafna mill-bnedmin, u kien aktar għani bil-grazzja quddiem Alla. Billi l-missier ta' kull għira kien jgħir għall-virtujiet tiegħu, hu ħaseb biex *iqaċċat is-siġra mill-għeruq* (cfr. Dan 4,11), għax deherlu li issa *kienet qed tilħaq is-sema* (cfr. Ġen 28,12), u hekk jaħtaflu l-kuruna minn idejh. Beda jdur miegħu, iħawwdu, iċaqilqu minn fehemtu u jgħaddi mill-għarbiel l-għemejjel tiegħu, biex hekk isib kif iqiegħdlu quddiemu xi tfixkil. Hekk daħħallu f'ruħu x-xewqa li jinqata' għalih waħdu taħt l-iskuża li jilħaq perfezzjoni akbar, u hekk jaqa' aktar faċilment meta hu jirkbu, u *billi kun waħdu ma jsibx min jerfgħu* (cfr. Qoħ 4,10). U x'għamillu iżjed? Inqata' mill-ħajja ta' l-aħwa fl-Ordni, u telaq fid-dinja bħala *pellegrin u barrani* (cfr. Lhud 11,13). Mit-tonka tiegħu għamel tonka iżgħar, bil-kapoċċ mhux

meħjut magħha[496], u hekk telaq jiġġerra għal għonq it-triq, u stmerr lilu nnifsu f'kollox. *Ġara, iżda, li hu u miexi* (cfr. Lq 2,1; 8,42) b'dan il-mod, ġie mċaħħad mill-faraġ divin, u sab ruħu fil-mewġ tal-maltemp tat-tentazzjonijiet. *L-ilmijiet laħqu sa griżmejh* (cfr. S 68,2), u spiċċa mitluq fil-ġisem u fir-ruħ, u kien sar *qisu għasfur li jħaffef biex jinqabad fin-nasba* (cfr. Prov 7,23). Issa kien qisu fuq ix-xifer ta' abbiss u kien għoddu se jaqa' għal isfel, meta l-providenza paterna ġietha ħniena minnu u *dawwret il-ħarsa twajba ta' għajnejha* (cfr. Sir 11,13) fuq dak l-imsejken. Ħares lejn *it-taħwid ta' ruħu* (cfr. Is 28,19), u hekk *reġa' lura fih innifsu* (cfr. Atti 12,11) u qal: "Erġa' lura, ja msejken, għall-ħajja reliġjuża tiegħek, għaliex hemmhekk issib *is-salvazzjoni tiegħek*" (S 34,3). U mingħajr ma qagħad jistenna aktar, qam mall-ewwel, u mar lura jħaffef lejn ġuf ommu.

[753] 33 Meta wasal Siena fil-post ta' l-aħwa, kien hemm ukoll San Franġisk. Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! *Malli rah* (cfr. Fil 2,23) il-qaddis *ħarab minnu* (cfr. Mk 14,52), u mar mall-ewwel jingħalaq fiċ-ċella tiegħu. L-aħwa tħawwdu, u bdew jistaqsu r-raġuni għala kien ħarab. U l-qaddis weġibhom: "Għaliex tistagħġbu li ħrabt, u ma tindunawx bir-raġuni? Jiena mort infittex il-kenn fit-talb biex neħles lil ħija mill-iżball tiegħu. Imma rajt f'dan ibni xi ħaġa li ġustament ġagħalitni jiddispjaċini: imma issa bil-grazzja ta' Kristu tiegħi kull qerq għab". Imbagħad dak *niżel għarkubbtejh* (cfr. 2Kron 6,13), u bil-mistħija beda jistqarr quddiem l-aħwa l-ħtija tiegħu. U l-qaddis qallu: "Ħija, il-Mulej jaħfirlek! Imma oqgħod attent biex fil-ġejjieni ma tinfiridx mill-Ordni u mill-aħwa minħabba l-iskuża tal-qdusija tiegħek". Minn dak il-jum dak sar *ħabib ta' l-aħwa kollha* (cfr. Prov 18,24) ta' l-Ordni, u l-aktar ta' dawk il-fraternitajiet li fihom l-aħwa kienu jgħixu l-osservanza regolari[497]. *Kbar huma l-għemejjel tal-Mulej fil-ġemgħat tat-tajbin flimkien miġbura* (cfr. S 110,1.2). F'dawn il-ġemgħat min hu *mħabbat* isib min iwieżnu, u *min jaqa' jerġa' jqum* (cfr. Għerf 3,5; S 144,14), u l-berdin jerġgħu jieħdu l-ħajja. F'dawn il-ġemgħat *il-ħadid iħabbat fuq il-ħadid* (cfr. Prov 27,17) u *l-aħwa jgħinu wieħed lill-ieħor bħal belt* mibnija *fis-sod* (cfr. Prov 18,19). U jekk hu tassew li *l-folla* tad-dinja *ma tħallikx tara lil Ġesù* (cfr. Lq 19,3), hu wkoll ċert li dan mhux se tfixklek fih il-ġemgħa ta' l-anġli fis-sema. Imma biss ma għandekx taħrab, *u jekk tibqa' fidil sal-mewt tikseb il-kuruna tal-ħajja* (cfr. Apk 2,10).

Każ ieħor jixbħu.

[754] 34 Ftit taż-żmien wara ġara fatt ieħor mhux tant differenti. Wieħed ieħor mill-aħwa ma riedx jobdi lill-vigarju tal-qaddis, imma ried jimxi wara wieħed ieħor mill-aħwa bħala superjur tiegħu. Il-qaddis, li kien preżenti, wissieh permezz ta' persuna oħra, u dan mall-ewwel *inxteħet f'riġlejn* (cfr. Mt 15,30) il-vigarju, u wara li ċaħad għas-superjur li ried jobdi, wiegħed l-ubbidjenza

---

[496] Hawnhekk Celano mhux ċar dwar l-interpretazzjoni tar-Regola. Jidher li l-kapoċċ kien soltu jkun meħjut ħaġa waħda mat-tonka. Imma f'2C 154 insibu l-oppost, għax jingħad li San Franġisk xeħet fin-nar il-kapoċċ ta' wieħed mill-aħwa diżubbidjenti.

[497] L-espressjoni Latina *regularis observantia* tfisser letteralment "l-osservanza tar-Regola". Interessanti li diġà fl-1247 niltaqgħu ma' din l-espressjoni f'2C, meta nafu l-importanza kbira li kellha takkwista l-Osservanza Regolari bħala familja ta' riforma fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri fis-seklu XIV, permezz tal-ħidma ta' fra Gentile da Spoleto (1334) u partikolarment permezz tal-ħidma ta' fra Paoluccio Trinci da Foligno (1368), bl-iżvilupp kbir tas-seklu XV, bil-ħidma ta' persuni qaddisin bħal San Bernardin minn Siena, San Ġwann Capistrano, San Ġakbu tal-Marche, u l-Beatu Alberto da Sarteano. Kien f'dan is-seklu li parti kbira mill-Ordni tal-Minuri bdiet tiġi magħrufa bl-isem Ordni tal-Patrijiet Minuri ta' l-Osservanza Regolari, bħala familja komplementari għall-parti l-oħra ta' l-Ordni li, almenu mill-1325 kienet magħrufa bl-isem Ordni tal-Patrijiet Minuri Konventwali. Dawn l-ismijiet ma kienux uffiċjali fis-seklu XV, meta l-Ordni kien għadu magħruf sempliċement bħala *Ordo Minorum*, u saru biss indikazzjoni ta' żewġ familji distinti fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri bil-Bulla *Ite vos* tal-Papa Ljun X (1517).

lil dak li l-qaddis riedu bħala prelat. Il-qaddis ħa nifs qawwi 'l ġewwa, u qal lil sieħbu, li hu kien bagħatu biex iwissi lil dak ħuh: "Ħija, jiena rajt lix-xitan riekeb fuq id-dahar ta' dan ħuna li ma riedx jobdi, u kien qiegħed jagħafsu minn għonqu. Dak billi kien taħt il-ħakma ta' rikkieb bħal dak, wara li ċaħad ir-rażan ta' l-ubbidjenza, ħallieh imexxih bir-rieda u l-kapriċċi tiegħu. U meta jiena *tlabt lill-Mulej* (cfr. 2Kor 12,8) għal dan ħija, mall-ewwel ix-xitan tħawwad u ħallieh". Tant kienet tidħol fil-fond il-ħarsa ta' dan il-bniedem, li għalkemm hu kellu għajnejh hekk dgħajfin biex jaraw il-ħwejjeġ materjali, imma kienu mill-aktar jaqtgħu fil-laħam il-ħaj rigward il-ħwejjeġ spiritwali. U għaliex nistagħġbu li jiġi mgħakkes minn toqol qarrieqi, dak li ma jridx iġorr *il-Mulej tal-glorja*? (cfr. Is 3,8). Jiena ngħid li ma hemmx mezz ieħor: jew wieħed jerfa' *t-toqol ħafif* (cfr. Mt 11,30), li mbagħad ikun hu stess li jġorru, inkella *jġorr il-ġebla tat-tħin imdendla ma għonqu bħal ħmar* (cfr. Mt 18,6) li tagħmel minnu lsir tal-ħażen, u li ssir aktar tqila minn *piż taċ-ċomb* (cfr. 1Sam 116,18). [LM XI,11; Fior 23]

Kapitlu VII
Dwar kif ħeles lin-nies ta' Greccio mill-ilpup u mis-silġ.

[755] 35 Il-qaddis kien jgħix bil-qalb it-tajba fil-post ta' l-aħwa fi Greccio, kemm għaliex kien jarah bħala post għani bil-faqar, kif ukoll għaliex hemmhekk kellu ċella maqtugħa għaliha, u mibnija taħt blata mdendla 'l barra, u għalhekk seta' jingħata b'ħelsien akbar għall-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema. Dan kien proprju l-post li fih, ftit qabel, kien fakkar it-twelid tat-*Tfajjel ta' Betleħem* (cfr. 1Sam 16,18), u kien sar tifel mal-Bambin. Ġara li n-nies ta' dak il-post kienu milqutin minn bosta saram; għaliex l-ilpup ħattafa kienu jattakkaw u joqtlu mhux biss il-bhejjem, imma saħansitra l-bnedmin, u ta' kull sena kien jinżel is-silġ u jħarbat il-ħsad u d-dwieli. Meta jum minnhom kien qiegħed jippriedka, l-imqaddes Franġisku qal: "Għall-ġieħ u t-tifħir ta' *Alla li jista' kollox* (cfr. Għerf 7,25), isimgħuni, għax lilkom *se nħabbrilkom il-verità* (cfr. S 29,10). Jekk kull wieħed u waħda minnkom *tistqarru dnubietkom* (cfr. 1Ġw 1,9), *u tagħmlu frott xieraq ta' penitenza* (cfr. Lq 3,8), nagħtikom il-kelma tiegħi li dan il-flaġell jitbiegħed minnkom darba għal dejjem, u *l-Mulej iħares* (cfr. Eż 14,24) lejkom, u jkattar il-ġid materjali tagħkom. *Imma tassew, isimgħu dan ukoll* (cfr. Ġer 28,7): jiena *nħabbrilkom* (cfr. Atti 17,3), li jekk tkunu ingrati għal dawn il-benefiċċji u *terġgħu lura għall-vomtu tagħkom* (cfr. Prov 26,11), jerġgħu jiġu fuqkom dawn il-kastigi, tiġi rduppjata l-piena, u *l-korla tiegħu taħkimkom* (cfr. Ġoż 22,18) aktar minn qabel".

36 Ġara għalhekk li għall-merti u t-talb tal-missier imqaddes, *minn dik is-siegħa* (cfr. Ġw 4,53) waqqfu l-flaġelli, u inqered it-tiġrib[498], u la l-ilpup u lanqas is-silġ *ma ħaqruhom iżjed* (cfr. Dan 3,50). Mhux biss, imma dak li l-aktar jgħaġġeb kien li, meta s-silġ kien iħarbat l-għelieqi ta' l-irħula tal-qrib, malli kien jasal fil-limiti ta' l-artijiet tagħhom, jew kien jieqaf jew kien imur band'oħra. *Meta ingħatalhom il-mistrieħ* (cfr. Għerf 11,4), *huma tkattru bil-bosta* (cfr. S 106,38), u *imtlew bil-ġid* (cfr. Tob 12,3) tad-dinja. Imma l-ġid materjali wassalhom għall-konsegwenzi tas-soltu: *kellhom wiċċhom miksi bix-xaħam* (cfr. Ġob 15,27), u *għamew* bil-ġid materjali jew aħjar *bil-ħmieġ* (cfr. Tob 2,11). Hekk waqgħu fi ħtijiet agħar minn ta' qabel, *u insew lil Alla li kien ħelishom* (cfr. S 105,21). Imma ma baqgħux bla kastig, għax il-ħaqq ġust tal-Mulej jolqot inqas

[498] L-espressjoni Latina *periere pericula* tidher li Tommaso da Celano ħadha mill-famuż responsorju lil Sant'Antnin ta' Padova, *Si quaeris miracula*, miktub minn fra Julian minn Speyer, li fih il-kelmiet: *Pereunt pericula* ("It-tiġrib jinqered").

lil min jaqa' fid-dnub darba biss milli lil min jerġa' jaqa' għal aktar minn darba. *Il-qilla* ta' Alla *qamet* (cfr. Sir 36,8) kontrihom, u flimkien mal-flaġelli ta' qabel żdied il-kastig tax-xabla u mis-sema niżlet fuqhom epidemija li qerdet lil bosta minnhom; u fl-aħħarnett il-kastell kollu *ġie maħruq* (cfr. Apk 8,7) u inqered minn nar[499]. Hekk kien ġust li min jagħti daharu lill-benefiċċji ta' Alla, jintemm fit-telfien. [CA 74; LM VIII,11]

Kapitlu VIII
Dwar kif meta ippriedka lin-nies ta' Perugia, ħabbar il-gwerra ċivili, u dwar kif kien ifaħħar il-għaqda tal-qlub.

[756] 37 Xi ftit ġranet wara l-missier imqaddes niżel miċ-ċella tiegħu li semmejna, u qal lill-aħwa li kienu hemmhekk b'leħen ta' niket: "L-irġiel ta' Perugia għamlu ħafna ħsara lill-irħula tal-qrib, u *qalbhom tkabbret imma għall-għajb* (cfr. Eżek 28,2; Ġer 8,11) tagħhom. Imma tassew hi qrib *il-korla ta' Alla*, u idejh diġà qiegħda *twieżen ix-xabla*" (cfr. Ġer 46,10; 15,2). Wara li għaddew ftit jiem oħrajn, qam bil-ħeġġa ta' l-ispirtu u telaq lejn id-direzzjoni tal-belt ta' Perugia. L-aħwa setgħu jaraw biċ-ċar li hu kellu xi viżjoni fiċ-ċella tiegħu. Malli wasal Perugia, *inġabar il-poplu* (cfr. Dt 31,12) u beda jippriedka; imma xi kavallieri fuq iż-żwiemel, kif soltu jagħmlu, bdew jiġru 'l hawn u 'l hinn bl-armi f'idejhom, u bdew itellfu lin-nies mis-smiegħ *tal-kelma ta' Alla* (cfr. Lq 11,28), hekk li l-qaddis *dar lejhom u ċanfarhom* (cfr. Lq 9,55; Mk 7,34) billi qalilhom: "O rġiel ta' min jitħassarkom u boloh, li ma tqisux, u lanqas ma tibżgħu *mill-ħaqq ta' Alla*! (cfr. Rum 2,3). Imma issa isimgħu dak li l-Mulej *se jħabbrilkom* permezz tiegħi *fqajjar* (cfr. Is 66,2; Ġw 16,13). *Il-Mulej għolliekom* (cfr. S 36,34) fuq dawk kollha *li jinsabu madwarkom* (cfr. Eżek 5,7; 11,12); għaldaqstant imisskom tkunu aktar twajba ma' dawk li huma qribkom, u jmisskom turu aktar gratitudni lejn Alla. Imma intom ingrati lejn il-grazzja tiegħu, u lil dawk li huma qribkom *tagħmlu għalihom bl-armi* (cfr. 2Slat 11,11), u toqtlu u tħarbtu. Jiena ngħidilkom, *li mintomx se teħilsuha ħafif* (cfr. Mt 23,38; Ġob 24,12), imma Alla se jwassalkom għal kastig akbar billi tagħmlu gwerra bejnietkom, hekk li tqumu wieħed kontra l-ieħor. Ikollkom titgħallmu mill-għadab, ġaladarba ma ridtux titgħallmu mit-tjieba". *U wara mhux ħafna ġranet* (cfr. Lq 15,13) qam il-ġlied bejniethom[500], qabdu f'idejhom l-armi kontra l-ġirien tagħhom, il-poplu qam kontra l-kavallieri, u n-nobbli użaw ix-xabla kontra l-poplu; fl-aħħarnett tant kienu kbar il-ħruxija u l-istraġi, li saħansitra l-irħula tal-qrib bdew jitħassru lin-nies ta' dik il-belt, għalkemm dawn kienu offendewhom bosta drabi. Hekk niżel fuqhom il-ħaqq ġust li kien jisthoqqilhom! Huma kienu tbiegħdu minn Alla Wieħed u l-Aktar Għoli, u għalhekk ma setax ikun li huma jibqgħu magħqudin bejniethom. Ma jistax ikun hemm fir-repubblika rabta aktar qawwija mill-imħabba qaddis lejn Alla, magħquda ma' *fidi* sinċiera *u bla ipokrisija* (cfr. 1Tim 1,5). [CA 75; SP 105]

---

[499] Il-fatt li jirreferi għalih Tommaso x'aktarx seħħ fl-1242, meta t-truppi ta' l-imperatur Federiku II assedjaw il-belt ta' Rieti, li kienet belt papali, u ħarbtu l-kampanja ta' madwar, fosthom il-kastell ta' Greccio, li hu bogħod biss xi 10 kilometri minn Rieti.

[500] Il-gwerra ċivili f'Perugia qamet diversi drabi: fl-1214, fl-1217 u fl-aħħarnett fl-1223-1225, u intemmet bl-eżilju tan-nobbli. Ma ninsewx li Franġisku kien daq l-imrar tal-gwerra bejn Assisi u Perugia waqt il-battalja ta' Collestrada fl-1202. Il-mibegħda bejn Perugia u Assisi damet sa l-1209, minkejja l-*charta pacis* li iffirmaw iż-żewġ bliet fl-1203. Forsi ta' min jara f'din il-ġrajja l-ħeġġa tipika ta' Franġisku, ċittadin ta' Assisi, li ma jiġix milqugħ meta jmur jippriedka fil-belt rivali Perugia.

Kapitlu IX
Dwar il-mara li ħabbrilha li żewġha kellu jikkonverti.

[757] 38 F'dawk il-ġranet meta *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) mar f'Celle di Cortona, kien hemm waħda mara nobbli mill-kastell ta' Volusiano, li malli semgħet bil-miġja tiegħu marret tħaffef biex tiltaqa' miegħu, tilgħeġ wara ġirja twila, għax *kienet mara raffinata u delikata ħafna* (cfr. Dt 28,56), u fl-aħħar waslet għand il-qaddis. Il-missier l-aktar qaddis meta raha hekk għajjiena u bla nifs, tħassarha u qalilha: "X'għandek bżonn, mara?" U hi weġbitu: "*Missier, berikni*" (cfr. Ġen 27,38). U l-qaddis staqsieha: "Inti miżżewġa jew xebba?" U dik qaltlu: "Missier, *jiena għandi raġel* (cfr. Ġw 4,17) li hu qalil ħafna, u li ma jħallinix naqdi lil Ġesù Kristu. U din hi t-tbatija kbira li tassew għandi, għaliex minħabba x-xkiel li jagħmilli żewġi, jiena ma nistax inwettaq *ir-rieda tajba* (cfr. Lq 2,14; 2Kor 5,8) li l-Mulej jispirani. Għaldaqstant nitolbok, ja raġel qaddis, biex titlob għalih, sabiex Alla fil-ħniena tiegħu *iċekkinlu qalbu*" (cfr. Dan 5,22). Il-missier baqa' mistagħġeb bil-kuraġġ ta' dik il-mara, li kellha tant għerf minkejja li kienet żagħżugħa ħafna, u mqanqal mill-ħniena qalilha: "Mur, *binti imbierka* (cfr. Ġud 12,23), u kun af li fil-ġejjieni żewġek se jkunlek ta' faraġ kbir". U żied jgħidilha: "Għidlu minn naħa ta' Alla u tiegħi, li issa hu *ż-żmien tas-salvazzjoni* (cfr. Sir 4,28; 40,7) imma mbagħad ikun żmien il-ħlas". Dik il-mara *laqgħet il-barka tiegħu* (cfr. S 23,5), u marret lura d-dar, sabet lil żewġha, u qaltlu dak li kien qalilha Franġisku. U f'daqqa waħda *niżel fuqu l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 10,44), u għamel minnu bniedem ġdid, u *bl-umiltà kollha* (cfr. Ef 4,2) weġibha: "Sinjura, *ejjew naqdu lill-Mulej* (cfr. Ġoż 22,27) *u hekk insalvaw ruħna* (cfr. Ġen 19,19) f'darna stess". U martu weġbitu: "Jiena jidhirli li rridu nqiegħdu l-kastità bħala *l-pedament* fir-ruħ tagħna, biex *fuqha* mbagħad *nibnu* (cfr. Ef 2,20) l-virtujiet l-oħrajn". U żewġha weġibha: "Jekk dan jogħġob lilek, jogħġob lili wkoll". Hekk għexu flimkien għal bosta snin fil-kastità, sakemm għaddew bil-ferħ minn din il-ħajja fl-istess jum, wieħed bħall-*offerta tal-ħruq ta' filgħodu*, u l-oħra bħas-*sagrifiċċju ta' filgħaxija* (cfr. 2Slat 16,15)[501]. Hienja din il-mara, li rnexxielha trattab qalb żewġha biex jasal għall-ħajja! Fiha seħħ dak li qal l-Appostlu: *Ir-raġel bla fidi jsalva permezz ta' martu li temmen* (cfr. 1Kor 7,14). Imma nisa bħal dawn, kif jgħid proverbju komuni, illum tgħoddhom fuq subgħajk. [CA 69; LM XI,6]

Kapitlu X
Dwar kif għaraf fl-ispirtu li wieħed mill-aħwa kien skandalizza lil ħuh, u dwar kif ħabbar li dan kellu joħroġ mill-Ordni.

[758] 39 Darba minnhom waslu żewġ aħwa minn Terra del Lavoro[502]. Dak li kien l-aktar kbir fl-età kien ta' spiss ta ħafna skandli lil ħuh aktar żagħżugħ. Hekk ma kienx sieħbu, imma tirann. Iż-żagħżugħ kien laqa' kollox bis-skiet minħabba Alla. Malli waslu Assisi, dak iż-żagħżugħ mar għand San Franġisk, għax kien ħafna midħla tiegħu. Fost affarijiet oħrajn il-qaddis staqsieh: "Kif ġab ruħu miegħek sieħbek waqt dan il-vjaġġ?" U dak wieġbu: "Ġab ruħu sewwa,

[501] Kien hemm min ried jara fil-figura ta' dawn il-miżżewġin il-koppja magħrufa ta' Lucchesio u Buonadonna minn Poggibonsi, li t-tradizzjoni franġiskana tqishom bħala l-ewwel Terzjarji, u hekk b'xi mod din is-silta titkellem dwar il-*continentes* jew *poenitentes*, l-Aħwa ta' l-Ordni tal-Penitenza Franġiskani. Ma hemm l-ebda dokument storiku li jipprova din it-tejorija.
[502] Il-provinċja ta' Terra del Lavoro kienet tkopri r-reġjun tal-Campania, fl-Italja ta' isfel, u tiġi identifikata mal-provinċja Franġiskana ta' Napli.

missier l-aktar għażiż". Imma l-qaddis qallu: "Oqgħod attent, ħija, li ma tmurx tgħid il-gideb għax taħseb li tkun umli. Jiena naf kif hu ġab ruħu miegħek, imma inti stenna ftit u tara x'se jiġrilu". Dak baqa' mistagħġeb ħafna dwar kif seta jagħraf *fl-ispirtu* (cfr. Atti 21,4) dak li ġara meta ma kienx preżenti. U ġara li *wara mhux ħafna ġranet* (cfr. Lq 15,13), dak li *kien ta skandlu lil ħuh* (cfr. Rum 14,13; Mt 5,22) ċaħad l-Ordni u ħareġ minnu. Mingħajr dubju hu sinjal ta' qerq u ta' *nuqqas ta' intenzjoni tajba* (cfr. Sir 19,21) li wieħed jivvjaġġa flimkien ma' sieħbu u ma jkollux rieda tajba li jagħmillu l-ġid. [LM XI,13]

Kapitlu XI
Dwar kif għaraf li wieħed żagħżugħ li daħal fl-Ordni ma kienx immexxi mill-Ispirtu ta' Alla.

[759] 40 Fl-istess żmien ġie f'Assisi wieħed żagħżugħ nobbli minn Lucca, u ried jidħol fl-Ordni. Dan mar quddiem San Franġisk, *niżel għarkubbtejh* (cfr. 2Kron 6,13), *u b'ħafna dmugħ beda jitolbu* (cfr. Lhud 5,7) biex jilqgħu. *Imma r-raġel ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) *beda jiflih bir-reqqa* (cfr. Atti 3,4), u mall-ewwel intebaħ *fl-ispirtu* li dak *ma kienx imqanqal mill-Ispirtu* (cfr. Atti 21,4; Rum 8,14). Għaldaqstant qallu: "Ja bniedem imsejken u moħħok fil-ġisem, għaliex taħseb li *tista' tqarraq bl-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 5,3) u bija? Inti qiegħed ixxerred dmugħ skond il-ġisem, u *qalbek hi 'l bogħod minn Alla* (cfr. Atti 8,21). Għalhekk mur, *għaliex fik ma hemm xejn skond l-ispirtu*" (cfr. Mk 8,33; Gal 5,10). Malli qal dawn il-kelmiet, *dehru fil-bieb* (cfr. Ġw 18,16) il-qraba ta' dak iż-żagħżugħ, *u bdew ifittxu* lil binhom *biex jeħduh* (cfr. Lq 11,54) lura lejn id-dar; u hu *ħareġ biex jiltaqa' magħhom* (cfr. Ġw 18,29), u hekk mar lura magħhom bir-rieda tiegħu. L-aħwa baqgħu mistagħġbin, u *bdew ifaħħru lill-Mulej fil-qaddis tiegħu* (cfr. S 150,1). [CA 70; SP 103]

Kapitlu XII
Dwar kif fejjaq lil wieħed kjeriku, u ħabbarlu li kellu jsofri kastigi akbar jekk jerġa' jaqa' fid-dnub.

[760] 41 Fiż-żmien li fih il-missier qaddis kien mixħut marid fil-palazz ta' l-isqof ta' Rieti, kien hemm kanonku jismu Gedeone[503], li kien raġel moħħu fil-ġisem u fid-dinja, li kien mikul mill-mard u mħabbat bl-uġiegħ f'ġismu kollu, u li ma setax jiċċaqlaq mis-sodda. Dan talabhom jeħduh għand San Franġisk, u beda jitolbu bid-dmugħ, sabiex jimmarkah bis-sinjal tas-salib. U l-qaddis qallu: "Kif nista' jiena nbierkek bis-sinjal tas-salib meta inti fl-imgħoddi kont tgħix *skond ix-xewqat tal-ġisem* u mhux *skond il-ħaqq ta' Alla*? (cfr. Sir 17,24). U kompla jgħidlu: "Ara, jiena se nbierkek *fl-isem ta' Kristu* (cfr. Atti 4,10); imma għandek tkun taf li, jekk wara li teħles mill-marda tiegħek terġa' lura *għall-vomtu* (cfr. Prov 26,11) ikollok tbati kastigi aktar ħorox". U fl-aħħarnett qallu: "Minħabba d-dnub ta' l-ingratitudni dejjem jaqgħu fuq il-bnedmin *kastigi agħar minn ta' qabel*" (cfr. Mt 12,45). Malli immarkah bis-sinjal tas-salib, dak li kien milwi f'soddtu, mall-ewwel qam dritt u f'saħħtu, u beda jgħajjat bil-ferħ: "Ara, jiena fiqt". Bosta minn dawk li kienu hemm semgħu lill-għadam tas-silsla ta' daharu jfaqqgħu, b'ħoss li jagħmel l-injam niexef meta wieħed jaqsmu b'idejh. Imma wara li għadda ftit taż-żmien, dak *nesa' lil Alla* (cfr. Imħ 3,7), u reġa' lura għad-dnubiet ta' nuqqas ta' safa tal-ġisem. Sakemm darba minnhom filgħaxija kien qiegħed għall-ikel fid-dar ta' wieħed kanonku ieħor sieħbu, u kellu jieqaf biex jorqod hemm bil-

[503] Il-kanonku Gedeone jissemma f'bosta dokumenti, l-aħħar darba fl-1236. Kien saċerdot u kanonku tal-kattidral ta' Rieti, fejn kien teżorier fis-snin 1213-1216.

lejl, meta f'daqqa waħda iġġarraf is-saqaf ta' dik id-dar fuq kulħadd. L-oħrajn kollha ħelsu mill-mewt, imma dak l-imsejken waħdu tgħaffeġ taħt il-ġebel u baqa' mejjet. U ma għandniex għax nistagħġbu, għax kif kien ħabbar il-qaddis, ġie milqut minn kastig *agħar minn ta' qabel* (cfr. Mt 12,45), għaliex wieħed irid ikun grat għad-don li jirċievi, u meta wieħed jerġa' jaqa' fid-dnub jagħmel ħtija doppja. [CA 95; LM XI,5]

Kapitlu XIII
Dwar it-tentazzjoni ta' wieħed mill-aħwa.

[761] 42 Waqt li l-qaddis *kien jgħix f'dak il-post* (cfr. Ġw 11,6), wieħed mill-aħwa mill-kustodja ta' Marsica, raġel spiritwali, kien imħabbat minn tentazzjoni qawwija, u qal *bejnu u bejn ruħu* (cfr. S 13,1): "Kieku kelli xi ħaġa ta' San Franġisk, imqar biċċa minn difrejgħ, kieku naħseb li din it-tempesta ta' tentazzjonijiet taħrab minni, u bl-għajnuna ta' Alla nerġa' nakkwista l-kalma". Wara li qala' l-permess, mar fil-post fejn kien jinsab San Franġisk, u spjega r-raġuni tal-miġja tiegħu lil wieħed mill-aħwa tal-missier qaddis. U dak wieġbu: "Ma naħsibx li hu possibbli li nagħtik biċċiet minn difrejh, għaliex ma naqtgħuhomlu hu jikkmandana bil-qawwa li narmuhom u li ma nżommu xejn". F'dak il-ħin stess sejħulu u qalulu biex imur għand il-qaddis, li kien qiegħed ifittxu. U Franġisku qallu: "Ibni, mur fittex imqass, biex tkun tista' taqtagħli difrejja issa". Dak ippreżentalu l-imqass, li kien diġà qiegħed iżomm f'idejh, u wara li qatgħulu difrejgħ, ġabru l-fdalijiet tagħhom u tawhom lil dawk li kien ġie jitlobhom. Dan ħadhom bil-qima kollha, u żammhom bil-għożża, u ġie meħlus mill-ewwel minn kull tentazzjoni.

Kapitlu XIV
Dwar ir-raġel li offra d-drapp li l-qaddis kien talab qabel lill-gwardjan tiegħu.

[762] 43 Meta kien joqgħod fl-istess post u kellu biss tonka mherrija, *missier il-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16) darba qal lil wieħed mill-aħwa, li hu kien għażel bħala gwardjan tiegħu: "Ħija, nixtieq li, jekk tista', issibli biċċa drapp biex inkun nista' nagħmel tonka". Dak, meta sema' din it-talba, beda jaħseb fuq li jaħseb biex jara kif jista' jakkwista dik id-drapp li l-qaddis kien talabha b'tant umiltà. *L-għada filgħodu* (cfr. Ġak 4,13.14), malli sebaħ, mar lejn il-bieb biex imur isib dik il-biċċa drapp fil-belt: u *ara kien hemm wieħed raġel* (cfr. Lq 22,10) bilqiegħda quddiem il-bieb, li qallu li xtaq ikellmu: "Għall-imħabba ta' Alla ilqa' mingħandi dan id-drapp għal sitt tonok; waħda żommha għalik, u l-oħrajn qassamhom kif jogħoġbok, għas-salvazzjoni ta' ruħi". Dak mar kollu ferħ għand fra Franġisku, u urieħ dik l-offerta li ġiet mis-sema. U l-missier qallu: "Ilqagħhom it-tonok, għaliex dak ġie mibgħut għal dan l-iskop, biex jgħinni fil-ħtieġa tiegħi". U żied jgħid: "Niżżu ħajr lil Dak li donnu ma *jieħu ħsieb* ta' ħadd aktar ħlief *tagħna*" (cfr. 1Sam 9,5; S 39,18). [3C 35]

Kapitu XV
Dwar kif stieden għall-ikel lit-tabib li kien jikkurah, u għalkemm l-aħwa ma kellhomx x'joffrulu, l-Mulej ipprovda mill-ewwel l-ikel meħtieġ, u dwar il-providenza ta' Alla lejn l-aħwa.

[763] 44 Meta r-raġel qaddis kien qed jgħix fl-eremitaġġ li jinsab qrib il-belt ta' Rieti[504], it-tabib kien iżuru kuljum għall-kura ta' għajnejh. Jum minnhom il-qaddis qal lill-aħwa: "Stiednu lit-tabib u agħtuh ikla tajba". Il-gwardjan tiegħu wieġbu u qallu: "Missier, *bil-mistħija* (cfr. Lq 14,9) ngħidlek, li aħna nistħu nistednuh, għaliex aħna foqra ħafna". Il-qaddis *wieġbu u qallu* (cfr. Ġw 1,26): "*Trid li nerġa' ntennilek dak li għidtlek*?" (cfr. Mt 20,32; Ġw 9,27). It-tabib, *li kien jinsab hemmhekk qalilhom* (cfr. Mk 14,70): "L-aħwa l-aktar għeżież, jiena nqis il-faqar tagħkom bħala ħlewwa". L-aħwa marru jħaffu, u qiegħdu fuq il-mejda dak kollu li kellhom maħżun, jiġifieri *ftit ħobż* (cfr. 2Kron 18,26), naqra nbid, u, biex l-ikla tkun kemm kemm aħjar, mill-kċina ġabu wkoll xi ftit ħaxix. Imma sadanittant *il-mejda tal-Mulej* (cfr. Mal 1,7) ġietha ħniena mill-mejda tal-qaddejja tiegħu; dak il-ħin *ħabbat il-bieb* (cfr. Lq 13,25), u marru jiġru jiftħu. U ara kien hemm waħda mara b'kannestru li kien mimli b'ħobż mill-isbaħ, bil-ħut u bil-ftajjar tal-gambli, bl-għasel u bl-għeneb. Dawk il-foqra fuq il-mejda ferħu mhux ftit għal dak li raw, u wara li ħallew għall-għada dik il-miżerja li kellhom, dak il-jum kielu minn dak l-ikel fin. It-tabib ħassu mqanqal u *beda jitkellem u jgħid* (cfr. Mt 14,27): "L-aħwa, la intom, u lanqas aħna sekulari ma nafu l-qdusija ta' dan ir-raġel". Għax tassew li dakinhar huma kienu xebgħu, imma aktar milli bl-ikel kienu imtlew bil-benna li ġab dak il-miraklu. Hekk *l-għajnejn* tal-Missier qatt *jistmerru* (cfr. Prov 30,17) lil uliedu; mhux biss, imma talli jgħin bil-providenza ġeneruża tiegħu lil dawk li huma l-aktar fil-ħtieġa. Il-fqir jitmantna fil-mejda aktar għanja minn dik tas-sultan, daqskemm Alla jiftaħ idejh b'mod ħafna aktar ġeneruż mal-bniedem. [CA 68; 3C 36; LM VII,11; SP 110]

Dwar kif ħeles lil fra Riccerio minn tentazzjoni.

[764] 44a Wieħed fost l-aħwa, li kien jismu Riccerio[505], li kien bniedem nobbli kemm minn twelidu kif ukoll minn għemilu, tant kellu stima lejn il-merti ta' l-imqaddes Franġisku, li kien jaħseb li kien ikun jistħoqqlu l-grazzja divina, kieku kellu jgawdi mit-tjieba tal-qaddis, u li, jekk għall-kuntrarju ma jkunx igawdi mit-tjieba tiegħu, seta' jaqa' fil-korla ta' Alla. Għal din ir-raġuni kellu ħerqa kbira li jakkwista l-familjarità tiegħu, imma *kien jibża' ħafna* (cfr. Ġen 32,7; Ġud 8,8) li l-qaddis seta' jsib fih xi ħaġa moħbija mhijiex tajba, u li għalhekk ibiegħdu aktar mill-grazzja tiegħu. Din il-biża' kienet tittorturah jum wara jum b'mod gravi, u hu lanqas ma seta' jikxef dak li kien iħoss ma' ħadd. Imma jum minnhom, meta kien imħabbat bħas-soltu, resaq lejn iċ-ċella li fiha kien qiegħed jitlob l-imqaddes Franġisku. Billi *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) għaraf fl-istess ħin il-wasla tiegħu u wkoll l-istat ta' ruħu, hu sejjaħlu għandu bil-ħlewwa u qallu: "Ibni, ma għandekx titħawwad qatt iżed bit-tentazzjoni ta' l-ebda biża', għaliex inti għalija ħija l-aktar għażiż, u fost dawk li huma l-aktar għeżież għalija, lilek inħobbok b'imħabba speċjali. Ejja għandi bla biża', kull meta jogħġbok, u mur minn ħdejja bil-libertà kollha meta jogħġob lilek". Dak baqa' miblugħ mhux ftit u mimli ferħ għall-kliem tal-missier imqaddes, u minn dak il-ħin, billi

[504] Dan kien l-eremitaġġ ta' Fonte Colombo, fejn Franġisku mar għall-operazzjoni ta' għajnejh fl-1225. It-tabib ġie li ġie identifikat ma' ċertu maestro Nicola, li hu mfakkar f'bosta dokumenti antiki lokali.
[505] Riccerio "della Marca", jew ukoll "di Muccia", kien ġie ikkonvertit mill-qaddis f'Bologna. Aktar tard sar ministru provinċjal tal-Marche. Cfr. 1C 49-50; CA 101; SP 2.

kien żgur mill-affett tiegħu, kiber aktar fil-konvinzjoni li kien jgħix fil-*grazzja tal-Feddej* (cfr. Tit 2,11). [1C 49-50; LM XI,9]

Kapitlu XVI
Dwar żewġ aħwa li l-qaddis ħareġ miċ-ċella biex iberikhom, wara li għaraf bl-Ispirtu x-xewqa tagħhom.

[765] 45 San Franġisk kien soltu jgħaddi l-jum kollu magħluq waħdu fiċ-ċella tiegħu, u ma kienx imur għand l-aħwa, jekk mhux meta jħoss il-bżonn li jiekol. Imma lanqas ma kien imur dejjem fil-ħin ta' l-ikel, għaliex ix-xewqa tal-kontemplazzjoni kienet ta' spiss taħkmu hekk li kienet tirbaħ il-ġuħ tal-ġisem. Jum minnhom waslu fl-eremitaġġ ta' Greccio żewġ aħwa li kienu ġew mill-bogħod, u *li kienu midħla* (cfr. 1Pt 2,12) xierqa ta' Alla. Huma kienu ġew bl-iskop li jaraw il-qaddis, u jirċievu mingħandu l-barka tiegħu li kienu ilhom jixtiequ. Meta waslu, iżda, *ma sabuhx* (cfr. Lq 2,45), għaliex kien diġà mar lura jingħalaq fiċ-ċella, u allura huma tnikktu mhux ftit; u billi damu ħafna jistennew hemmhekk, kellhom jaqbdu triqthom lura b'deżolazzjoni fuqhom, u bdew jgħidu li dak li ġralhom kien ħtija ta' dnubiethom. Sħab l-imqaddes Franġisku bdew jippruvaw ifarraġu lil dawn l-aħwa fin-niket tagħhom. Meta huma kienu tbiegħdu *daqs tefgħa ta' ġebla* (cfr. Lq 22,41), f'daqqa waħda semgħu lill-qaddis li kien warajhom u qiegħed isejħilhom, u li kien qiegħed jgħid lil wieħed mill-aħwa: "Mur u għid lil dawk ħuti, li ġew hawnhekk, biex iħarsu lejja". Dawk iż-żewġ aħwa dawwru ħarsithom lejh, filwaqt li hu immarkahom bis-sinjal bis-sinjal tas-salib u berikhom bl-akbar imħabba. U huma imtlew b'hena kbir, l-aktar għax raw li kienu laħqu l-iskop tagħhom permezz ta' miraklu, u hekk marru lura *ifaħħru u jbierku lill-Mulej* (cfr. Lq 24,53). [CA 73; LM XI,12]

Kapitlu XVII
Dwar kif talab u ħareġ l-ilma mill-blata biex jisqi lil wieħed raġel bidwi.

[766] 46 Meta l-imqaddes Franġisku ried imur f'eremitaġġ[506], sabiex hemmhekk jingħata b'mod aktar ħieles għall-kontemplazzjoni, billi hu kien dgħajjef ħafna, talab lil wieħed bidwi fqir biex jieħdu hemmhekk fuq il-ħmar tiegħu. Billi kien is-sajf, filwaqt li dak il-bidwi kien miexi wara *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,14.21) *u tielgħa l-muntanja* (cfr. Ġoż 2,16), beda *jħossu għajjien mill-vjaġġ* (cfr. Ġw 4,6) iebes u twil, sakemm f'ħin minnhom, qabel ma waslu fl-eremitaġġ, beda jħossu ħażin minħabba l-għatx kbir li kellu. Għalhekk beda jsejjaħ lill-qaddis mall-ewwel, u *jitolbu jkollu* ħniena (cfr. Dt 13,17) minnu; qallu li kien se jmut, jekk ma jsibx xi ftit ilma x'imkien. *Il-qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34), li dejjem kien iħoss ħniena lejn min ibati, mingħajr dewmien niżel mill-ħmar, u qagħad għarkubbtejh ma' l-art filwaqt li refa' idejh lejn is-sema, *u ma hediex mit-talb* (cfr. Kol 1,9), sakemm ħass li kien ġie mismugħ. U mbagħad qal lill-bidwi: "Mur ħaffef u hemmhekk se ssib l-ilma, għaliex Kristu fil-ħniena tiegħu f'dan il-ħin *se jagħtik* tixrob *l-ilma mill-blata*" (cfr. S 77,16). Hekk hi ta' l-għaġeb il-kura li biha Alla jogħoġbu jmil b'mod hekk faċli lejn il-qaddejja tiegħu! Dak il-bidwi xorob *l-ilma mill-blat* (cfr. S 77,16) bil-qawwa ta' min talab għalih, u qata' l-għatx tiegħu *mill-blata żonqrija* (cfr. Dt 32,13). L-ebda *nixxiegħa ta' ilma* (cfr. S 1,3) qatt ma dehret f'dak il-post, u lanqas wara ma dehret, għalkemm

[506] Skond Bartolomeo da Pisa, *Liber de Conformitate*, Franġisku kien sejjer fl-eremitaġġ ta' La Verna (*Analecta Franciscana* IV,38).

bosta marru jfittxuha bir-reqqa. X'għaġeb hu dan, meta bniedem *mimli bl-Ispirtu s-Santu* (cfr. Lq 4,1), jiġbor fih l-għemejjel kollha ta' l-għaġeb tan-nies ġusti? Għax tassew li ma kienetx ħaġa hekk kbira li hu jtenni l-istess għemejjel tal-qaddisin, meta kien magħqud ma' Kristu bi grazzja hekk speċjali. [3C 15; LM VII,12]

Kapitlu XVIII
Dwar kif kien imantni xi għasafar ċkejknin, u kif wieħed minnhom miet minħabba li kiel iż-żejjed.

[767] 47 Jum minnhom l-imqaddes Franġisku kien qiegħed bilqiegħda mal-mejda flimkien ma' l-aħwa; u ara daħlu għasfur u għasfura, li mbagħad bdew jiġi kuljum bil-ħerqa, ħalli jkunu jistgħu *inaqqru* l-frak *mill-mejda* (cfr. Mt 15,27) tal-qaddis. Il-qaddis feraħ meta rahom, u kien iżiegħel bihom kif kien dejjem jagħmel, u kien joffrilhom bil-qalb mill-ikel tiegħu ta' kuljum. Imma jum minnhom dawn iż-żewġ għasafar ġabu magħhom iż-żgħar tagħhom u offrewhom lill-aħwa, billi huma kienu rabbewhom bil-ħila tagħhom, u wara li ħallewhom fil-kura tagħhom ma dehrux aktar hemmhekk. Dawk l-għasafar ċkejknin baqgħu jgħixu ma' l-aħwa, u kienu jiġu f'idejhom, u kienu jduru mad-dar mhux bħal mistednin, imma bħal min hu ta' ġewwa. Kienu jevitaw in-nies sekulari, għaliex kienu jħossuhom f'posthom biss ma' l-aħwa. Il-qaddis kien jinnota dan u jibqa' mistagħġeb, u ta' spiss kien jistieden lill-aħwa biex jifirħu miegħu. U kien jgħidilhom: "Araw x'għamlu ħutna l-pettirossi, donnhom għandhom moħħ biex jifhmu. Qalulna: 'L-aħwa, aħna nipprezentawlkom iż-żgħar li twieldulna, u li kibru bil-frak li kontu tagħtuna. Agħmlu bihom dak li jidhrilkom tajjeb; u aħna se mmorru noqogħdu f'post ieħor'". Hekk dawk l-għasafar saru midħla u ħaġa waħda ma' l-aħwa, u kienu jmorru magħhom biex jieklu. Imma l-kilba malajr kisret l-għaqda tal-qlub, għaliex il-kbir fost l-għasafar beda jitkabbar u jaħqar lill-oħrajn iżgħar minnu. Kien jiekol sax-xaba' aktar minn kulħadd, u kien ikeċċi lill-oħrajn meta jersqu biex jieklu. Il-missier qal: "Araw dak li qed jagħmel dan l-għasfur mimli kilba; qiegħed jimtela' hu sax-xaba' u jgħir għal ħutu l-oħrajn li huma bil-ġuħ. Issa taraw kif ikollu mewta kerha". Il-kliem tal-qaddis malajr seħħu f'dan il-kastig. Dak l-għasfur li kien ħawwad il-paċi bejn l-aħwa tela' fuq ġarra ta' l-ilma biex jixrob, u mall-ewwel waqa' fl-ilma u miet mgħarraq, u lanqas instab qattus jew xi bhima oħra li azzarda jmiss dak l-għasfur misħut mill-qaddis. Hi tassew ħaġa tal-biża' x-xeħħa tal-bnedmin, meta din sabet kastig ukoll fil-każ ta' għasfur. U ta' min ukoll jibża' mill-ħaqq tal-qaddisin, għaliex warajh jasal b'ħeffa l-kastig.

Kapitlu XIX
Dwar kif dak kollu li ħabbar dwar fra Bernardo seħħ.

[768] 48 Darba oħra qal dawn il-kelmiet profetiċi dwar fra Bernardo, li kien it-tieni wieħed li daħal fl-Ordni[507]: "Ngħidilkom, li biex iġarrbu lil fra Bernardo hemm eżerċtu ta' xjaten mill-aktar fini fil-qerq tagħhom, u *aktar qarrieqa mill-ispirti l-oħrajn* (cfr. Mt 12,45), li dejjem jaħsbu fuq li jaħsbu kif jirnexxielhom iwaqqgħu *din il-kewkba mis-sema* (cfr. Apk 6,13; 9,1), imma *l-biċċa se tintemm* (cfr. Rut 3,18) mhux kif iridu huma. Hu jkollu jgħaddi minn ħafna tiġrib, u jiġi

[507] Il-ħajja ta' fra Bernardo da Quintavalle tinsab fil-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum* (*Analecta Franciscana* III,36s.). Bernardo hu meqjus bħala l-ewwel wieħed li issieħeb ma' Franġisku, għalkemm 1C 24 isemmi persunaġġ ieħor misterjuż li daħal qablu, imma li dwaru ma nafu xejn. 2C 109 isejjaħ lil Bernardo *Minorum Ordinis prima plantula* ("l-ewwel xitla ta' l-Ordni tal-Minuri").

maħqur, imma fl-aħħarnett jirnexxielu jirbaħ fuq kollox". U żied jgħid: "Meta toqrob il-mewt tiegħu, wara li jkun ħakem fuq kull tempesta u rebaħ fuq kull tentazzjoni, jibda jgawdi minn paċi u kalma ta' l-għaġeb, u *wara li jtemm il-ġirja tiegħu* (cfr. 2Tim 4,7), jgħaddi kollu hena għand Kristu". U tassew li hekk ġara: għax il-mewt tiegħu kienet tiddi b'bosta mirakli, u *dak li qal il-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,31) seħħ kelma b'kelma; hekk li l-aħwa fil-mewt tiegħu qalu: "*Tassew li qatt ma konna nafu* (cfr. Ġen 42,8) lil dan ħuna sakemm kien għadu ħaj". Imma ejjew inħallu lil ħaddieħor jinseġ it-tifħir ta' fra Bernardo. [CA 12; SP 107]

Kapitlu XX
Dwar wieħed mill-aħwa li kellu tentazzjoni qawwija u li xtaq xi kitba tal-qaddis.

[769] 49 Meta l-qaddis kien jinsab fuq il-Monte della Verna magħluq fiċ-ċella, wieħed mill-aħwa sħabu kellu xewqa kbira li jkollu xi kitba magħmula minn id San Franġisk li jkun fiha l-kliem tal-Mulej flimkien ma' xi ħaġa oħra miktuba minnu. Hu kien imħabbat minn tentazzjoni qawwija, mhux tal-ġisem imma ta' l-ispirtu, u kien jemmen li b'dik il-kitba seta' jbiegħdha minnu, jew almenu jiflaħ għaliha b'mod aktar ħafif. Imma għalkemm kellu dik ix-xewqa qawwija, kien jibża' jiftaħ qalbu mal-missier l-aktar qaddis; imma dak li l-bniedem ma setax jgħid, lil Franġisku *irrivelahulu l-Ispirtu* (cfr. 1Kor 2,10). Jum minnhom l-imqaddes Franġisku sejjaħlu għandu u qallu: "Ġibli l-*karta u l-klamar* (cfr. 2Ġw 12), għaliex jiena rrid nikteb il-kliem tal-Mulej u t-Tifħir tiegħu, li jiena *immeditajt fil-qalb tiegħi*" (cfr. S 76,7). U mall-ewwel dak ġablu dak li kien talab, u b'idejh stess kitiblu t-Tifħir ta' Alla u l-kliem li hu ried, u fl-aħħar kiteb kliem ta' barka lil dak ħuh, filwaqt li qallu: "*Ħu f'idejk* (cfr. Ġen 28,2) din il-parċmina, u sal-jum ta' mewtek ħarisha bir-reqqa". Minn dak il-ħin ħarbet minnu kull tentazzjoni; u dik il-kitba li ġiet imħarsa wara, wettqet bosta għeġubijiet[508]. [3C 3; LM XI,9; Fior. Kunsiderazzjoni 2 ta' l-Istimmati]

Kapitlu XXI
Dwar kif ta lill-istess wieħed mill-aħwa t-tonka tiegħu, kif dan kien xtaq.

[770] 50 Rigward dan l-istess patri, hemm episodju ieħor ta' l-għaġeb tal-missier qaddis. Għax meta kien marid u kien mixħut fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, dak l-istess patri beda *jaħseb bejnu u bejn ruħu u jgħid* (cfr. Għerf 2,1; Mt 16,7): "Ara l-missier qiegħed joqrob lejn il-mewt, u min jaf *kemm titfarraġ ruħi* (cfr. S 76,3) kieku wara mewtu nista' ngħożż it-tonka ta' missieri". Daqslikieku *x-xewqa ta' qalbu* (cfr. S 20,3) esprimiha bil-fomm, wara ftit taż-żmien Franġisku sejjaħlu u qallu: "Ara, ħa nagħtik din it-tonka; ilqagħha, u mil-lum 'il quddiem hi tiegħek; jiena se

---

[508] L-episodju hu dak ta' meta San Franġisk ta lil fra Leone l-*chartula* li fiha t-Tifħir ta' Alla l-Għoli u l-Barka ta' San Franġisk, u li llum hi mħarsa bħala relikwija fil-bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. L-episodju seħħ fuq La Verna f'Settembru 1224, meta San Franġisk irċieva l-istimmati. Fra Leone baqa' jgħożż din il-kitba tal-qaddis sa ma miet fl-1271. Fuq dik il-parċmina, sallum għadha tidher rubrika miktuba minn fra Leone nnifsu, li tkompli tikkonferma dak li jgħid Celano: "L-imqaddes Franġisku sentejn qabel ma miet għamel randan fil-post ta' La Verna f'ġieħ il-Verġni mqaddsa Omm Alla u San Mikiel Arkanġlu, mill-festa ta' l-Assunta ta' l-imqaddsa Verġni Marija sal-festa ta' San Mikiel tax-xahar ta' Settembru; u niżlet fuqu id il-Mulej: wara l-viżjoni u l-kliem li qallu s-Serafin li stampalu l-istimmati ta' Kristu f'ġismu hu kiteb dan it-tifħir fuq in-naħa l-oħra tal-parċmina, miktub b'idejh stess, u radd ħajr lil Alla għall-benefiċċju li hu kien irċieva". Taħt il-Barka meħuda minn Numri 6,24-26, fra Leone żied, dejjem bil-linka ħamra, din in-nota: "L-imqaddes Franġisku kiteb b'idu stess din il-barka lili fra Leone". U fejn il-qaddis iffirma bit-*Tau cum capite*, fra Leone kiteb: "Bl-istess mod għamel dan is-sinjal tat-*Tau cum capite* b'idejh stess".

nibqa' nilbisha sa ma mmut, imma wara li mmut rrid li jagħtuha lilek". Dak baqa' mistagħġeb bil-profondità ta' l-ispirazzjoni tal-missier, u laqa' dik it-tonka mimli bil-faraġ, li aktar tard ġiet meħuda Franza għad-devozzjoni[509].

Kapitlu XXII
Dwar kif talab li jġibulu ftit tursin, u sabuh bil-lejl qalb il-ħaxix ta' l-għelieqi.

[771] 51 Fl-aħħar żminijiet tal-marda tiegħu, lejl minnhom talab bl-umiltà li jiekol ftit tursin, għax kien qiegħed iħoss xewqa kbira tiegħu. Imma l-kok li sejħulu biex iġibhulu, qallu li dak il-ħin ma seta' jiġbor xejn fil-ġnien minħabba d-dlam, u *wieġbu hekk* (cfr. Ġw 8,14): "Fil-jiem li għaddew dejjem qtajt kwantità ta' tursin, u tant qtajt, li naħseb li lanqas fid-dawl tal-jum ma nsib werqa waħda fost il-ħaxix. Issa li hu d-dlam, ma jistax ikun li jiena nkun nista' nfittex it-tursin qalb il-ħaxix". U l-qaddis wieġbu: "Mur, ħija, u ma għandekx taqta' qalbek, imma ġibli l-ewwel ħaxixa li jirnexxilek taqta' b'idejk". Dak mar fil-ġnien u ġab lura ftit ħaxix ta' l-għelieqi, li kien irnexxielu jaqta' b'idejh mingħajr ma kien ra xejn. L-aħwa bdew iħarsu u jiflu bir-reqqa dak il-ħaxix ta' l-għelieqi, u f'nofsu sabu ħafna weraq tari tat-tursin. Wara li kiel ftit minnu l-qaddis ħassu jitfarraġ ħafna. U mbagħad qal lill-aħwa: "*Ħuti l-aktar għeżiez* (cfr. Fil 4,1), għandkom dejjem tobdu ma' l-ewwel kmand, mingħajr ma tistennew li dan jiġi mtenni lilkom. U taħsbux li xi ħaġa tkun impossibbli, għaliex ukoll jekk jiena nikkmandakom xi ħaġa li tmur 'il hemm mill-forzi tagħkom, l-ubbidjenza ma tonqosx li ssib il-qawwa meħtieġa. Dan hu l-punt li fih *l-ispirtu profetiku* (cfr. Apk 19,10) kien juri fih il-qawwa tad-doni ta' l-Ispirtu. [SP 47]

Kapitlu XXIII
Dwar kif ħabbar li kellu jiġi l-ġuħ fiż-żmien wara mewtu.

[772] 52 Il-bnedmin qaddisin xi minndaqqiet huma mmexxijin mill-Ispirtu s-Santu biex jikxfu xi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom, jew għaliex il-glorja ta' Alla titlob *li tiġi rivelata xi kelma* (cfr. 1Sam 3,7), jew biex jibnu lill-proxxmu minħabba d-dmir tal-karità. Għal din ir-raġuni l-missier imqaddes jum minnhom lil wieħed mill-aħwa, *li kien iħobbu ħafna* (cfr. Ġw 19,20), *qallu dawn il-kelmiet* (cfr. 1Mak 15,32), li kien ġabhom mill-familjarità moħbija tiegħu mal-Majjestà divina. Hu qallu: "Issa għadu jgħix fid-dinja l-qaddej ta' Alla, li minħabba fih, sakemm idum ħaj, il-Mulej ma jippermettix li fuq il-bnedmin *jaħkem il-ġuħ*" (cfr. Ġen 26,1), sakemm hu jdum ħaj". Ma hemm l-ebda kliem fieragħ f'dan kollu, imma hu rakkont qaddis li l-karità ippermettiet li jingħad għall-edifikazzjoni tagħna permezz ta' kliem qaddis, u umli, għaliex *il-karità* qaddisa *ma tfittixx dak li hu tagħha* (cfr. 1Kor 13,5). U lanqas ma nistgħu nżommu mistura fis-skiet dan kollu minħabba l-imħabba ta' l-għaġeb tal-merti ta' Kristu lejn il-qaddej tiegħu. Aħna fil-fatt *rajna b'għajnejna u fhimna* (cfr. Ġw 3,11) kif għaddew fis-skiet u s-sliem iż-żminijiet sakemm kien għadu jgħix il-qaddej ta' Kristu, u kemm kien hemm abbundanza ta' kull xorta ta' ġid. Ma kienx hemm *il-ġuħ tal-kelma ta' Alla* (cfr. Għam 8,11), għaliex il-predikaturi kienu fuq kollox mimlijin ħeġġa u l-qlub ta' dawk li kienu jisimgħu *kienu jogħoġbu lil Alla* (cfr. 2Tim 2,15). Il-ħajja reliġjuża kienet tiddi bl-eżempji ta' qdusija, u l-wiċċ b'ieħor ta' dawk li kienu donnhom

[509] Fra Leone miet fl-1271. Mhux faċli nimmaġinaw li telaq minn idu relikwa bħal dik. Forsi Celano, li qiegħed jikteb fl-1246-1247, meta fra Leone għadu ħaj, qiegħed iħallat dan il-fatt mal-fatt ta' tonka oħra tal-qaddis li kienet ittieħdet Franza skond 2C 181.

*oqbra mbajjda* (cfr. Mt 23,27) kienet għadha ma niġġsitx l-erwieħ qaddisin, u lanqas id-duttrina *ma kienet inbidlet* (cfr. 2Kor 11,13) fit-tfittxija fiergħa ta' l-għarfien li kaxkar bosta. Kien xieraq għalhekk li jkun hemm ġid materjali bil-kotra, ġaladarba kulħadd kien iħobb b'tant sinċerità l-ġid ta' dejjem.

53 Imma wara li miet, inqalbet għal kollox l-ordni ta' kollox, *u kollox inbidel* (cfr. Għerf 2,15); għax *il-gwerer u r-rewwixti* (cfr. Lq 21,9) nibtu kullimkien, u diversi epidemiji li ġabu l-mewt ħarbtu saltniet sħaħ. Ukoll il-biża' tal-ġuħ tferrex ma' kullimkien, u l-kefrija tiegħu, li tisboq id-deni kollu li jista' jiġi, kienet il-kawża ta' ħafna mwiet[510]. Il-ħtieġa li ġab miegħu il-ġuħ biddlet kollox f'ikel, u dak li l-bhejjem soltu lanqas ikunu jridu jieklu, l-bnedmin kellhom jogħmoduh bi snienhom u jibilgħuh. Għax fil-fatt kienu jagħmlu l-ħobż mill-qxur tal-ġewż u mill-qoxra tas-siġar. Kien hemm min qal bla ħabi li l-imħabba tal-missirijiet, minħabba l-ġuħ kbir li ħakem, baqgħet ma ħassitx niket, biex nużaw kliem mhux iebes, għall-mewt ta' l-ulied. Imma biex ikun dejjem ċar min kien dak *il-qaddej fidil* (cfr. Mt 24,45), li għall-imħabba tiegħu l-korla divina kienet żammet lura idha mill-vendetta, urieh il-missier imqaddes Franġisku, għaliex ftit ġranet wara mewtu, lil dak ħuh li meta kien għadu ħaj kien ħabbarlu dik it-traġedja, urieh ukoll b'mod ċar li kien hu l-qaddej ta' Alla. Lejl minnhom, meta dak ħuh kien rieqed, sema' min *isejjaħlu* (cfr. Ġw 11,28) b'leħen għoli: "Ħija, issa ġej *il-ġuħ* li, sakemm kont għadni ngħix jien, il-Mulej ma kienx ippermettielu li jiġi *fuq id-dinja*" (cfr. S 104,16). Dak il-patri qam meta sema' dak il-leħen, u wara irrakkonta kollox *ħaġa b'ħaġa* (cfr. Est 15,9). Tliet iljieli wara l-qaddis reġa' deherlu u tennielu l-istess kliem.

## Kapitlu XXIV
## Dwar kemm il-qaddis kien jara kollox ċar u kemm aħna ma għarafna xejn fl-injuranza tagħna.

[773] 54 Ħadd ma għandu jistagħġeb, jekk dan il-profeta ta' żminijietna kien jiddistingwi ruħu għal dawn il-privileġġi. Il-moħħ tiegħu, li kien ħieles miċ-ċpar oħxon tal-ħwejjeġ tad-dinja u li ma kienx skjav tax-xewqat tal-ġisem, kien jogħla ħafif lejn il-ħwejjeġ għolja, u kien jidħol safi fid-dawl. Hekk jiddi *bid-dawl ta' dejjem* (cfr. Għerf 7,26), kien ixerred id-dija tal-Verb divin f'dak kollu li kien jidwi fil-kliem tiegħu. U kemm aħna differenti minnu aħna llum, li ninsabu *mdawwrin mid-dlam* (cfr. Ġob 37,19), u li lanqas nintebħu bil-ħwejjeġ l-aktar meħtieġa! Liema taħseb li hi l-kawża, jekk mhux li aħna ħbieb tal-ġisem u nitmiegħku fit-trab tad-dinja? Għax kieku *nerfgħu l-qlub u l-idejn tagħna lejn is-sema* (cfr. Lam 3,41), jekk nagħżlu li noqgħodu dejjem maqtugħin f'dak li hu etern, kieku naslu biex nagħrfu dak li mhux qed nintebħu bih, jiġifieri Alla li jgħix fina. Min jgħix fit-tajn, bilfors li jara biss it-tajn; filwaqt li l-għajnejn li huma iffissati fis-sema ma jistax ikun li ma jarawx ħlief dak li hu tas-sema.

---

[510] Celano jidher li qiegħed jesaġera f'din id-deskrizzjoni. Imma nafu li fl-1227 bdiet il-ġlieda bejn l-Imperatur Federiku II ta' Svevia u l-Papa Girgor IX, b'ħafna straġi fl-ibliet ta' l-Italja ċentrali li kienu allejati mal-Papa. Il-kronaki ta' dak iż-żmien jitkellmu wkoll minn perjodu ta' ġuħ, li kien ikkawżat mill-ħerba li għamlu t-truppi imperjali fil-kampanja.

Dwar il-faqar.

Kapitlu XXV
Tifħir lill-faqar.

[774] 55 *Imqiegħed f'dan il-wied tad-dmugħ* (cfr. S 83,7), dan il-missier imqaddes kien jismterr il-ġid u l-għana li għandhom *ulied il-bnedmin* (cfr. S 30,20), u kien jixxennaq *b'qalbu kollha* (cfr. Sir 47,10) għall-faqar, billi kien jixtiequ aktar minn kull glorja oħra. U kien jara li *l-Iben ta' Alla* (cfr. Lhud 7,3) kien familjari ma' *Madonna Povertà* , u għalhekk filwaqt li hu kien ċaħad *id-dinja kollha* (cfr. Est 9,28), kien jieħu ħsieb biex jitgħarras magħha *b'imħabba dejjiema* (cfr. Ġer 31,3). Għaldaqstant, *hu sar il-maħbub tal-forma ta' ħajja tagħha* (cfr. Għerf 8,2), u ried *jingħaqad* bil-qawwa ma' din *l-għarusa tiegħu* u *t-tnejn jgħixu flimkien magħqudin fi spirtu wieħed* (cfr. Ġen 2,24; Mt 19,5), u hekk mhux biss *ħalla warajh lil missieru u lil ommu* (cfr. Ġen 2,24; Mk 10,7), imma wkoll inħall minn dak kollu li hawn fid-dinja. Minn dak il-ħin ħaddanha miegħu fis-safa, u *lanqas għal waqt wieħed biss* (cfr. Gal 2,5) ma ċaħad li jkun l-għarus tagħha. Kien itenni lil uliedu li din hi t-triq tal-perfezzjoni, li din hi r-rahan u l-garanzija ta' l-għana tal-ħajja ta' dejjem. Ħadd qatt ma kien jixxennaq għad-deheb bħalma hu ixxennaq għall-faqar, u lanqas ħadd ma kien jgħożż bil-ħerqa dan xi teżor daqs kemm hu għożż din il-*ġawhra* (cfr. Mt 13,45-46) ta' l-Evanġelju. Il-ħarsa tiegħu kienet tħossha mweġġa' l-aktar f'dan, jekk fl-aħwa kien jara xi ħaġa li tmur kontra l-faqar. Għax tassew, mill-bidu tal-ħajja reliġjuża tiegħu sal-mewt, kellu bħala l-unika ġid tiegħu tonka waħda, kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt, u xejn aktar ma ried li jkollu. Il-bixra tiegħu kienetturi li hu kien fqir, kif ukoll fejn kien jaħżen il-għana tiegħu. Hekk mimli ferħ, żgur u ħafif fil-ġirja tiegħu, hu kien igawdi li biddel il-ġid tad-dinja ma' ġid li jiswa mitt darba aktar mill-għana li għad tintemm fix-xejn. [LM VII,1]

Dwar il-faqar tad-djar ta' l-aħwa.

Kapitlu XXVI

[775] 56 Kien jgħallem lill-aħwa biex jibnu djar foqra u ċkejknin, ta' l-injam, u mhux tal-ġebel, jiġifieri jibnu kmamar żgħar li jkollhom dehra li ma tolqotx l-għajn. Ta' spiss kien jitkellem dwar il-faqar, u kien ifakkar lill-aħwa dwar dak li hemm fl-Evanġelju: *Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom u l-għasafar tas-sema l-bejtiet, imma Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu* (cfr. Mt 8,20; Lq 9,58). [LM VII,2; SP 5]

Kapitlu XXVII
Dwar kif beda jħott dar li inbniet lill-aħwa ħdejn il-Porziuncola.

[776] 57 Darba minnhom kellu jsir il-kapitlu f'Santa Marija tal-Porziuncola[511]. Meta *qorob iż-żmien* (cfr. 2Tim 4,6), in-nies ta' Assisi indunaw li hemmhekk ma kienx hemm dar għall-aħwa, u minghajr ma kien jaf *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 4,42), li kien assenti, malajr malajr bnew dar għall-aħwa miġburin fil-kapitlu. Meta l-missier ġie lura, beda jħares kollu mistagħġeb lejn dik id-

[511] Forsi kien il-Kapitlu Ġenerali ta' l-1221.

dar, u iddispjaċih u tnikket mhux ftit. Mall-ewwel kien l-ewwel wieħed li ried iħottha, u għalhekk *tela' fuq il-bejt*, u beda jaqla' x-xorok u l-*ġebel* (cfr. Lq 5,19) *b'id qawwija* (cfr. Eżek 20,34). Ikkmanda wkoll lill-aħwa biex jitilgħu miegħu, biex iħottu flimkien miegħu dak il-bini kbir li jmur kontra l-faqar. Qalilhom li jekk f'dak il-post kienu jħallu binja hekk kbira, malajr dik id-drawwa kienet tinfirex ma' l-Ordni kollu u l-aħwa kollha jibdew jaħsbuha bħala eżempju ta' dak li għandhom jagħmlu[512]. U kien lest li jħott dik id-dar sal-pedamenti, li kieku l-kavallieri li kienu hemm preżenti ma waqfulux bil-ħeġġa ta' l-ispirtu, billi qalulu li dak il-post ma kienx proprjetà ta' l-aħwa, imma tal-*Comune* ta' Assisi. [CA 56; LM VII,2; SP 7]

## Kapitlu XXVIII
Dwar kif ikkmanda saħansitra lill-aħwa morda biex joħorġu minn dar f'Bologna.

[777] 58 Darba minnhom kien ġej lura minn Verona, u ried jgħaddi minn Bologna, meta sema' li hemmhekk l-aħwa kienu għadhom kemm bnew dar ġdida. Billi min qallu dan semmielu "d-dar ta' l-aħwa", malli sema' dawn il-kelmiet, hu bidel triqtu, u ma riedx jgħaddi minn Bologna, imma għadda minn post ieħor. Imbagħad bagħat jgħid lill-aħwa biex joħorġu mall-ewwel minn dik id-dar bla dewmien. Minħabba f'hekk, l-aħwa kellhom jitilqu minn hemm, u saħansitra l-morda ma setgħux joqgħodu, imma kellhom joħorġu magħhom. U lanqas ma tahom il-permess li jerġgħu lura, sakemm is-sinjur Ugolino, li dak iż-żmien kien isqof ta' Ostia u legat fil-Lombardia, waqt li kien jippriedka fil-pubbliku, iddikjara li dik id-dar kienet tiegħu[513]. *Min qiegħed jagħti xhieda u jikteb dan* (cfr. Ġw 21,24) kien wieħed mill-aħwa morda li kellhom joħorġu minn dik id-dar. [LM VII,2; SP 6]

## Kapitlu XXIX
Ma riedx jidħol f'ċella li qalulu li kienet tiegħu.

[778] 59 Ma kienx irid li l-aħwa joqgħodu f'xi post, żgħir kemm hu żgħir, jekk qabel ma jkunux ċerti min hu l-proprjetarju tiegħu. Hu ried li uliedu jħarsu dejjem *il-liġi tal-pellegrini* (cfr. Eż 12,49), jiġifieri li jsibu kenn taħt is-saqaf ta' ħaddieħor, u li jgħaddu bis-sliem minn post għall-ieħor, filwaqt li jixxenqu għal darhom fis-sema. Ġara li fl-eremitaġġ ta' Sarteano[514], wieħed mill-aħwa staqsa lil ħuh minn fejn kien ġej. U dak wieġbu: "Miċ-ċella ta' fra Franġisku". Il-qaddis sema' din it-tweġiba, u qal: "Billi inti għidt li dik iċ-ċella hi tiegħi, u hekk għamiltha proprjetà tiegħi, sib lil xi ħadd ieħor biex joqgħod fiha, għax jiena ma rridx noqgħod fiha iżjed". U kompla jgħid: "Meta l-Mulej kien jinsab fid-deżert, fejn kien jitlob *u jsum għal erbgħin jum* (cfr. Mt 4,2),

---

[512] Il-Porziuncola tiġi indikata fil-*Fontes* bħala l-mudell ta' l-Ordni kollu. Kien għalhekk li San Franġisk ma kienx se jittollera li l-kunvent tal-Porziuncola jkun hekk kbir li jsir mudell ta' kif għandhom ikunu l-kunventi ta' l-aħwa. Ma ninsewx li Celano qiegħed jikteb fl-1246-1247, għoxrin sena wara l-mewt ta' San Franġisk. Il-Patrijiet Minuri dak iż-żmien kienu diġà bnew kunventi kbar fil-bliet u fl-universitajiet, u kienu wkoll akkwistaw privileġġi għall-knejjes tagħhom *conventuales*, jiġifieri għall-knejjes marbutin ma' kunventi kbar fil-bliet.

[513] L-episodju seta' seħħ fl-aħħar xhur tas-sena 1220, waqt il-vjaġġ tar-ritorn ta' Franġisku mill-Orjent. L-intervent tal-Kardinal Ugolino seta' sar fl-1221, meta hu kien Legat Pontifiċju fil-Lombardia. Ix-xhieda li tingħata mhijiex direttament dik ta' Tommaso da Celano, li dak iż-żmien kien jinsab il-Ġermanja, imma x'aktarx hi meħuda kelma b'kelma mill-materjal dokumentarju li Celano inqeda bih biex jikteb 2C, u li kien ġej direttament mill-pinna ta' sħab San Franġisk.

[514] Sarteano jinsab fil-provinċja ta' Siena.

hu ma bena għalih l-ebda ċella, u lanqas dar, imma kien jgħix fix-xquq tal-blat tal-muntanji. Aħna nistgħu nimxu warajh skond il-forma li għallimna[515], billi ma jkollna xejn tagħna, għalkemm mhux possibbli li ngħixu mingħajr ma nagħmlu użu minn postijiet fejn noqogħdu". [CA 57; LM VII,2; SP 9]

Dwar il-faqar ta' l-affarijiet.

Kapitlu XXX

[779] 60 Dan ir-raġel mhux biss kien jistmerr il-lussu ta' l-affarijiet, imma kien jitwerwer meta kien jara l-aħwa jitħabtu biex ikollhom affarijiet abbundanti u mill-aħjar. Ma kienx iħobb la l-lussu fuq il-mejda, u lanqas dak fir-reċipjenti, li seta' b'xi mod ifakkar f'ħajja skond id-dinja, u ried li kull ma jużaw l-aħwa juri li huma kienu qishom pellegini fl-eżilju. [SP 5]

Kapitlu XXXI

Dwar kif l-aħwa ta' l-eremitaġġ ta' Greccio ħejjew il-mejda f'jum l-Għid, u dwar kif fuq l-eżempju ta' Kristu Franġisku deher quddiemhom bħala pellegrin.

[780] 61 Darba minnhom fil-*festa ta' l-Għid* (cfr. Lq 2,41)[516], fl-eremitaġġ ta' Greccio l-aħwa ħejjew il-mejda b'kura aktar mis-soltu, billi firxu tvalji bojod u ġabu tazez tal-ħġieġ. Il-missier niżel miċ-ċella tiegħu biex jiekol, u induna li l-mejda kienet merfugħa mill-art, u kienet ukoll imżejna b'mod fieragħ; imma filwaqt li l-aħwa li kienu fuq il-mejda kienu kollha jidħqu, hu ma wera l-ebda tbissima. Bil-moħbi u bil-mod il-mod reġa' lura fuq il-passi tiegħu, libes il-kappell ta' wieħed tallab fqir, li kien jinsab hemmhekk dakinhar, ħa f'idejh ħatar u *ħareġ barra* (cfr. S 40,7). Qagħad jistenna *barra ħdejn il-bieb* (cfr. Ġw 18,16), sakemm l-aħwa bdew jieklu; għaliex huma mhux soltu kienu jistennewh meta ma kienx jasal fil-ħin miftiehem għall-ikel. Dawk kienu għadhom kemm bdew jieklu, meta hu beda *jgħajjat* fil-bieb bħal wieħed *fqir* (S 33,7) tassew u jgħidilhom: "Għall-imħabba tal-Mulej Alla, *agħtu karità* lil dan il-pellegrin fqir u marid". L-aħwa weġbuh: "Idħol hawn, sieħeb, għall-imħabba ta' dak li inti qiegħed issemmi". Dak daħal mall-ewwel quddiem l-aħwa li kienu jieklu. U liema stagħġib taħsbu li qajjem dak il-pellegrin lil dawk iċ-ċittadini komdi? Fuq it-talba tiegħu tawh skudella, u waqt li hu qagħad bilqiegħda ma' l-art, qiegħdha fuq l-irmied. U qal: "Issa, tassew li qiegħed bilqiegħda kif suppost li joqgħodu l-Patrijiet Minuri". Imbagħad qal lill-aħwa: "L-eżempji tal-faqar ta' *l-Iben ta' Alla* (cfr. Ġw 5,25) għandhom iqanqluna aktar minn reliġjużi oħrajn. Jiena rajt il-mejda mħejjija u mżejna, u ħsibt li ma kienetx il-mejda ta' nies fqajrin li jmorru jittallbu l-karità bieb, bieb". Dan il-fatt juri kif Franġisku sar jixbaħ lil dak *il-pellegrin* li dak in-nhar *kien waħdu f'Ġerusalem* (cfr. Lq 24,18), imma li xorta waħda *waqt li kien jitkellem ħeġġeġ il-qlub* (cfr. Lq 24,32) tad-dixxipli. [CA 74; LM VII,9; SP 20]

---

[515] Il-forma ta' ħajja li tgħallmu l-aħwa, li permezz tagħha ma seta' jkollhom xejn tagħhom, "u la dar, u la mkien u l-ebda ħaġa oħra", hi dik tar-*Regola Bullata* VI, u tar-*Regola non Bullata* IX.

[516] Skond CA 74 l-okkażjoni kienet dik tal-festa tal-Milied u kien hemm preżenti ministru provinċjal. Skond Terzi, *Memorie Francescane nella valle di Rieti*, Roma 1955, 149, il-Milied ġie li kien magħruf bl-isem *Pascha Nativitatis* ("Għid it-Twelid"). Celano jidher li biddel l-okkażjoni f'dik ta' l-Għid il-Kbir, billi qagħad attent ukoll li jneħħi d-dettall ta' San Franġisk li jinżel jiekol ma' l-art ħdejn in-nar. L-iskop tiegħu jidher fi tmiem ir-rakkont, fejn ifakkar lil Kristu irxuxtat li jidher lid-dixxipli ta' Għemmaws nhar Ħadd il-Għid filgħaxija taħt sura ta' pellegrin.

Kapitlu XXXII
Kontra x-xewqa żejda li l-aħwa jakkwistaw kotba.

[781] 62 Kien jgħallem li fil-kotba wieħed għandu jfittex *ix-xhieda tal-Mulej* (cfr. S 18,8), u mhux il-valur materjali; l-edifikazzjoni u mhux is-sbuħija. Hu kien irid li l-aħwa jkollhom ftit kotba, u li dawn dejjem ikunu għad-dispożizzjoni ta' l-aħwa u għall-ħtieġa ta' dawk li jkollhom bżonn jinqdew bihom. Hekk meta wieħed ministru talbu l-permess li jżomm xi kotba prezzjużi u li jiswew ħafna, hu sema' din it-tweġiba mingħandu: "Jiena ma rridx nitlef il-Ktieb ta' l-Evanġelji li wiegħedt li ngħixu minħabba l-kotba tiegħek. Inti *agħmel dak li trid* (cfr. 1Slat 24,12), imma ma rridx li l-permess tiegħi jkun għalik bħal xibka". [CA 102; SP 3]

Dwar il-faqar fis-sodod.

Kapitlu XXXIII
L-eżempju tas-Sinjur ta' Ostia u t-tifħir tiegħu.

[782] 63 Fil-friex u fis-sodod tant kien hemm abbundanza ta' faqar mill-aktar għani, li jekk xi ħadd mill-aħwa kien jirnexxilu jkollu xi biċċa drapp mherrija biex iqiegħdha fuq it-tiben, kien iqis li għandu sodda taż-żwieġ. Waqt li darba minnhom kien qiegħed jiġi iċċelebrat il-kapitlu f'Santa Marija tal-Porziuncola, is-Sinjur ta' Ostia ġie flimkien ma' folla ta' kavallieri u ta' kjeriċi biex iżur l-aħwa. Meta ra kif l-aħwa *kienu jimteddu ma' l-art* (cfr. Ġud 14,16) u meta beda jqis is-sodod tagħhom, li aktar kont tqishom postijiet fejn jimteddu l-bhejjem tal-bosk, beda jxerred id-dmugħ u jgħid quddiem kulħadd: "Ara fejn jorqdu l-aħwa". U żied jgħid: "U *x'se jiġri minna* (cfr. Mt 19,27) imsejkinin, li aħna imdorrijin b'tant għana fieragħ?" Dawk kollha li kienu hemm tqanqlu u bdew ixerrdu d-dmugħ, u telqu minn hemmhekk edifikati ħafna. Dan kien is-Sinjur ta' Ostia, li mbagħad sar *il-bieb il-kbir* (cfr. 1Kor 16,9) fil-Knisja, u li dejjem waqaf lill-għedewwa, sakemm radd lura lejn is-sema, bħal vittma qaddisa, ir-ruħ hienja tiegħu[517]. O qalb mill-aktar twajba, u mimlija karità sa mill-ġewwieni tagħha! Imqiegħed fil-għoli, kien jitnikket li ma kellux merti għoljin, filwaqt li kien tassew aktar għoli fil-virtujiet u fid-dinjità. [CA 74; SP 5]

Kapitlu XXXIV
Dwar dak li ġralu lejl minnhom minħabba mħadda tar-rix.

[783] 64 Billi għadna kemm semmejna s-sodod, xieraq li nirrakkontaw episodju ieħor li qiegħdin niftakru. Fiż-żmien li fih dan il-qaddis *ikkonverta lejn Kristu* (cfr. Atti 11,21), *hu kien nesa għal kollox* (cfr. Lam 2,6) *il-ħwejjeġ tad-dinja* (cfr. 1Kor 7,33), u ma riedx jimtedd fuq mitraħ, u lanqas ma jserraħ rasu fuq imħadda tar-rix. Din ir-regola tassew iebsa la seta' jwarrabhielu l-mard, u lanqas l-ospitalità li kienu joffulu l-oħrajn. Ġara li meta kien fl-eremitaġġ ta' Greccio, billi kien marid b'għajnejh aktar mis-soltu, kien imġiegħel li, kontra r-rieda tiegħu, jagħmel użu minn imħadda tar-rix. Waqt l-ewwel lejl, ftit qabel ma sebaħ, il-qaddis sejjaħ lil wieħed mill-aħwa

---

[517] Hemm logħob bil-kliem fl-oriġinali Latin: *Hic Ostiensis* (Ostia, is-sede episkopali tiegħu) *ille fuit qui tandem ostium* (bieb) *maximum in Ecclesia factus hostibus* (għedewwa) *semper obstitit, donec hostiam* (vittma) *sacram, animam illam beatam, caelo refudit.*

u qallu: “Ħija, dan il-lejl jiena ma stajtx norqod, u lanqas ma stajt nehda fit-talb. Rasi bdiet titriegħed, irkubbtejja jirtogħdu, u nħossni mifluġ f’ġismi kollu, qisni kilt il-ħobż tas-sikrana. Naħseb li hemm ix-xitan f’din l-imħadda li serraħt rasi fuqha. Neħħieha minn quddiemi, għaliex jiena ma rridx ikolli aktar ix-xitan taħt rasi”. Dak ipprova jfarraġ lill-missier, li kompla jitniehed minn taħt l-ilsien, u f’daqqa waħda qabad l-imħadda biex ineħħiha minn hemm. Malli wasal biex joħroġ, ħabta u sabta tilef l-użu tal-kliem, u intlaqat minn tant biża’ u baqa’ msammar b’tali mod li la seta’ jċaqlaq riġlejh minn dak il-post, u lanqas iħarrek dirgħajh bl-ebda mod. Wara ftit tal-ħin, il-qaddis intebaħ b’dak li ġralu u sejjaħlu, u dak inħeles u mar lura għandu, filwaqt li irrakkontalu *dak li għadda minn għalih* (cfr. Lhud 5,8). Imbagħad il-qaddis qallu: “Filgħaxija, waqt li kont qiegħed ngħid il-kumpieta, intbaħt b’mod ċar li x-xitan ried jidħol fiċ-ċella”. U kompla jgħid: “L-għadu tagħna hu fin fil-qerq u fil-mod kif jivvinta l-ħażen, hekk li meta ma jkunx jista’ jagħmel ħsara lir-ruħ, jipprova jara kif jagħmel il-ħsara lill-ġisem”. Jagħmlu tajjeb li jagħtu widen dawk li *jdawwru lilhom infushom bl-imħaded ma’ kullimkien* (cfr. Eżek 13,18), biex hekk dejjem ikunu fl-artab, iduru fejn iduru. Ix-xitan jimxi bil-qalb wara l-ħafna għana materjali, u l-ħena tiegħu hi li joqgħod maġenb is-sodod prezzjużi, l-aktar meta dak li jkun ma jkunx imġiegħel minħabba ħtieġa vera u hekk ikun jista’ jmur kontra dak li ipprofessa. Bil-maqlub, *is-serpent tal-qedem* (cfr. Apk 12,9) jaħrab mill-bniedem għeri, u jistmerr li jissieħeb mal-fqir, għaliex hu jitwerwer mill-faqar l-aktar għoli. Jekk l-aħwa jaħsbu li taħt l-imħadda tar-rix ikun hemm ix-xitan, għandhom ikunu kuntenti li jserrħu rashom fuq it-tiben. [CA 119; LM V,2; SP 98]

Dwar l-eżempji ta’ stmerrija tal-flus.

Kapitlu XXXV
Dwar il-kastig aħrax li ta lil wieħed mill-aħwa li kien mess il-flus b’idejh.

[784] 65 Dan il-veru ħabib ta’ Alla kien *jistmerr dak kollu li hu tad-dinja* (cfr. 1Kor 7,33.34), u fuq kollox kellu stmerrija lejn il-flus. Sa mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu kien jistmerrhom, u kien iwissi lid-dixxipli tiegħu biex jaħarbu minnhom daqs li kieku jaħarbu lix-xitan. Hekk kien dejjem jgħidilhom bl-ikbar ħeġġa: li wieħed għandu jqis il-flus daqs li kieku kienu demel. *Ġara jum fost l-oħrajn* (cfr. Ġen 39,11) li wieħed sekular daħal biex jitlob fil-knisja ta’ Santa Marija tal-Porziuncola, u ħalla ftit flus karità ħdejn is-salib. Meta hu ħareġ, wieħed mill-aħwa ħa l-flus f’idejh bis-sempliċità kollha u qiegħdhom f’ħoġor it-tieqa. Dak li għamel dan għadda minn għala widnejn il-qaddis. Meta ntebaħ li nkixef dak mar jiġri biex jistqarr il-ħtija tiegħu, u intasab għal tulu fl-art filwaqt li stenna s-swat. Il-qaddis tah ċanfira sewwa talli hu mess il-flus. Ikkmandah biex jieħu minn ħoġor it-tieqa dawk il-flus f’ħalqu u jmur jixħethom barra fuq il-ħmieġ ta’ ħmar. Imbagħad dak mar jobdi dan il-kmand bil-ferħ, imma l-oħrajn kollha li semgħu bil-fatt beżgħu. Hekk kulħadd aktar beda jistmerr il-flus u jqishom bħad-demel, u ta’ kuljum kienu jitħeġġu b’eżempji ġodda għall-istmerrija tal-flus. [CA 27; SP 14]

Kapitlu XXXVI
Dwar kif ikkastiga lil wieħed mill-aħwa li kien ġabar il-flus mill-art.

[785] 66 Darba minnhom żewġ aħwa kienu mexjin flimkien, u waslu qrib lażżarett tal-lebbruži. Fit-triq lemħu xi flus, u waqfu biex jiddiskutu bejniethom x’jaqbdu jagħmlu b’dak il-

ħmieġ. Wieħed minnhom, li beda jiddieħaq bl-iskrupli ta' ħuh, ried iġbor dawk il-flus, biex joffrihom lil dawk li kienu jaqdu lill-lebbrużi. Sieħbu ipprova jdawwru minn dak il-qerq ta' tjubija falza, u beda jfakkru bil-biża' fil-kliem tar-regola, li fiha hemm miktub ċar u tond li l-aħwa għandhom jgħaffġu l-flus taħt riġlejhom daqslikieku kienu trab[518]. Imma dak *kompla jwebbes rasu* (cfr. Eż 32,9), u ma tax kas tal-kliem tar-regola, hekk li tbaxxa biex jaqbad il-flus b'idejh. Imma ma ħarabx mill-ħaqq divin. Dak il-ħin stess baqa' mbikkem, *snienu bdew iħabbtu ma' xulxin* (cfr. S 34,16), u ma setax jitkellem bl-ebda mod. Hekk dak il-kastig wera fid-dawl il-bluha tiegħu, u fil-kburija tiegħu kellu jitgħallem il-liġi tal-missier. Fl-aħħar irnexxielu jarmi minn idejh dak il-ħmieġ jinten u jqażżek, u *x-xofftejn imniġġsa* (cfr. Is 6,5) tiegħu issaffew fl-ilmijiet tal-penitenza u inferrxu fit-tifħir. Hemm proverbju qadim li jgħid: Ikkoreġi l-iblaħ u jsir ħabib.

Kapitlu XXXVII
Iċanfar lil wieħed mill-aħwa li ried iwarrab il-flus minħabba fil-ħtieġa.

[786] 67 Meta l-vigarju tal-qaddis, fra Pietro Cattanio ra kif f'Santa Marija tal-Porziuncola kienu jaslu bosta aħwa barranin, u li l-għotjiet ta' karità ma kienux biżżejjed biex jipprovdu għall-ħtiġijiet, qal lil San Franġisk: "Ħija, *jiena ma nafx x'naqbad nagħmel* (cfr. Ġw 15,15), għaliex ma nistax nipprovdi kif jixraq lil tant aħwa li jiġu hawn minn kullimkien. Nitolbok li jogħġbok tippermetti li inżommu parti mill-ġid tan-novizzi, biex hekk ikollna minn fejn nirrikorru għall-infiq *fiż-żmien it-tajjeb* (cfr. S 144,15). Il-qaddis wieġbu: "Ħija l-aktar għażiż, il-Mulej jeħlisna minn tjieba bħal din, li minħabba fiha, għall-ġid tal-bnedmin, inġibu ruħna kontra dak li titlobna r-regola". U hu qallu: "Allura *x'ser nagħmel*?" (cfr. Ġw 15,15). U wieġbu: "Fil-każ neżża' l-altar tal-Verġni mbierka mit-tiżjin tiegħu, jekk inti ma tistax tissoddisfa b'mod ieħor għall-ħtiġijiet ta' l-aħwa fil-bżonn. Emminni, il-Verġni Marija tkun aktar ferħana li, biex inħarsu l-Evanġelju ta' Binha, aħna nneżżgħulha l-altar tagħha, milli li tara l-altar imżejjen, imma lil Binha mistmerr. Il-Mulej imbagħad jibgħat hu lil xi ħadd biex nerġgħu nroddu lura lil Ommna dak li Hi silfitna". [LM VII,4]

Kapitlu XXXVIII
Dwar il-flus li inbidlu f'serp.

[787] 68 Meta darba fost l-oħrajn *il-bniedem ta' Alla* (cfr. Imħ 13,6.8) kien għaddew flimkien ma' sieħbu mill-provinċja ta' Bari, fil-Puglie, fit-triq sabu borża kbira, mimlija għoddha se tinfaqa' bil-flus, li n-negozjani jsejħulha *fonda*. Dak mall-ewwel wera lill-qaddis dik il-borża u b'insistenza beda jitolbu biex iħallih jiġborha mill-art, biex hekk jagħtu l-flus lill-foqra. Hu beda jfaħħar it-tjieba lejn il-foqra u l-għemil tal-ħniena li setgħu jagħmlu kieku qassmu dik is-somma flus. Imma l-qaddis beda jiċħad b'mod qawwi dak li qallu, u tennielu li dik kienet biċċa qerq tax-xitan. U qallu: "Mhux sewwa, ibni, li nieħdu dak li hu ta' ħaddieħor. Li tqassam il-ħwejjeġ ta' ħaddieħor ma timmeritax glorja, imma hi dnub li jixraqlu l-kastig". Telqu minn hemmhekk, u ħaffew fi triqthom biex itemmu *l-vjaġġ li kienu bdew* (cfr. Imħ 19,14). Imma dak ħuh, imnikket minħabba t-tjieba fiergħa li kien wera, ma riedx joqgħod kwiet; *u baqa' jtenni* (cfr. 2Sam 5,22) li jipproponi li jikser dak li kien intqal lilu. Il-qaddis aċċetta li jerġa' lura miegħu f'dak il-post, mhux

---

518 *RegNB* VIII,6: *Et si in alquo loco inveniremus denarios, de his non curremus tamquam de pulvere, quem pedibus calcamus.*

biex *iwettaq dak li xtaq* (cfr. Num 15,8) ħuh, imma bieda lil dak l-iblaħ *jurih il-misteru* (cfr. Dan 2,29) divin. Sejjaħ lil wieħed żagħżugħ, li kien bilqiegħda fit-triq *fuq il-ħoġor ta' bir* (cfr. Ġw 4,6), sabiex *fuq il-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta* (cfr. Mt 18,16) jiġi rivelat il-misteru mit-Trinità. Hekk it-tlieta li huma reġgħu lura lejn dik il-*fonda*, u raw li kienet mimlija bil-flus. Il-qaddis ikkmanda li ħadd ma jersaq lejha, sabiex permezz tat-talb ikun jista' jikxef il-qerq tal-qawwa tax-xitan. Hekk hu tbiegħed *daqs tefgħa ta' ġebla* (cfr. Lq 22,41), u beda jehda fit-talb qaddis. Wara li ġie lura mit-talb, ikkmanda lil dak ħuh biex jerfa' dik il-*fonda*, li wara t-talb tiegħu kien hemm ġo fiha serp flok il-flus. Dak beda' jitriegħed u jitħawwad, u ma kienx jaf x'beda jħoss, u f'moħħu bdew għaddejjin ħsibijiet differenti minn dawk ta' qabel. Imma fl-aħħarnett, neħħa kull dubju minn qalbu, biex jirrispetta l-ubbidjenza qaddisa, u qabad il-*fonda* f'idejh. U ara ħareġ minn dik il-borża serp kbir u hekk dak seta' jintebaħ bil-qerq li kien nasablu x-xitan. U l-qaddis qallu: "Ħija, *għall-qaddejja ta' Alla* (cfr. Ġen 50,17), il-flus ma huma xejn aktar ħlief ix-xitan u serp velenuż". [LM VII,5]

Dwar il-faqar fl-ilbies.

Kapitlu XXXIX
Dwar kif il-Qaddis kien iċanfar bil-kelma u bl-eżempju lil min kien ikun irid jilbes b'mod komdu.

[788] 69 Dan il-bniedem *imlibbes bil-qawwa mill-għoli* (cfr. Lq 24,49), kien jaqbad minn ġewwa bin-nar divin, aktar milli kien iħossu sħun minn barra bl-ilbies tal-ġisem. Kien jistmerr lil dawk li fl-Ordni jkunu jridu jilbsu tliet *ilbiesi komdi* (cfr. Mt 11,8). Kien jgħid ukoll li min kien juri kilba għal ħafna lbies, ma kienx ikun misjuq mill-ħtieġa, imma kien ikun immexxi mhux mir-raġuni imma mix-xewqa, *li titfi l-ispirtu* (cfr. 1Tes 5,19). Kien jgħid: "Meta l-ispirtu jibred u jibda jiksaħ bil-mod il-mod, ikun meħtieġ li l-ġisem u d-demm *ifittxu dak li hu tagħhom* (cfr. Fil 2,21). X'jifdal fil-fatt, meta r-ruħ ma ssibx aktar il-pjaċiri tagħha, jekk mhux li l-ġisem idur lejn il-pjaċiri tiegħu? Allura l-istint naturali jibda jgħatti l-waqt tal-ħtieġa u *l-ħsieb tal-ġisem* (cfr. Kol 2,18) jifforma l-kuxjenza". U żied jgħid: "Ejjew nammettu li xi ħadd mill-aħwa jkun tassew fi ħtieġa, u li jiġi maħkum minn xi bżonn kbir: jekk hu jipprova jissoddisfa dawn il-ħtiġijiet u jwarrabhom minnu, *liema ħlas ikollu*? (cfr. Ġen 29,15). Hu iltaqa' ma okkażjoni ta' mertu, imma juri bid-dieher li ma jridx japprofitta ruħu minnha". B'dawn il-kelmiet u b'oħrajn bħalhom kien isammar lil dawk li ma kienux jissapportu li jonqoshom xi ħaġa, għaliex li wieħed ma jissapportix bis-sabar ma jfisser xejn aktar għajr li wieħed ikun irid jerġa' jmur lura lejn l-Eġittu. Hekk ukoll ma kienx irid li għal ebda raġuni l-aħwa jkollhom aktar minn żewġ tonok, imma kien jippermettilhom li jraqqgħuhom billi jħitu biċċiet magħhom. Kien jikkmandahom biex jitwerwru minn drapp fin u kien iċanfar b'mod mill-aktar iebes, u quddiem kulħadd, lil min kien imur kontra dan l-ordni. U biex iħawwad lil dawn it-talin bl-eżempju tiegħu, għamel tonka ħarxa *mid-drapp tax-xkejjer* (cfr. Ġob 16,16); u wkoll fil-mewt tiegħu, talab li t-tonka li biha jindifen tkun miksija bl-ixkejjer ħorox. Minkejja dan, lill-aħwa li kienu mġiegħlin mill-mard jew minn xi ħtieġa oħra, kien jippermettilhom li taħt it-tonka, tmiss mal-ġisem, jilbsu tonka aktar ratba, imma b'tali mod li minn barra jidhru li jkunu lebsin tonka ħarxa u bla valur. Kien jgħid għaldaqstant: "Tant għad tonqos l-ebusija tal-ħajja u tirbaħ l-apatija, li l-ulied ta' missier fqajjar ma jistħux aktar li jilbsu lbies ta' drapp skarlatt, filwaqt li jbiddlulu biss il-kulur tiegħu". Hekk, missier, minn dan naraw li *mhux kontrik nigdbu aħna l-ulied barranin* (cfr. S 17,46), imma x'aktarx *li jigdeb il-ħażen tagħna* (cfr.

S 26,12) kontra tiegħu nnifsu. Hekk hu li dan il-qerq qiegħed isir dejjem aktar ċar mid-dawl u ta' kuljum jikber dejjem iżjed. [LM V,2]

Kapitlu XL
Dwar kif min jitbiegħed mill-faqar, ikun ikkastigat mill-miżerja.

[789] 70 Xi mindaqqiet il-qaddis kien ukoll jitniehed u jgħid: "Aktar ma l-aħwa jitbiegħdu mill-faqar, aktar id-dinja titbiegħed minnhom, u *jfittxu, imma ma jsibux* (cfr. Apk 9,6). Imma jekk jibqgħu mħaddnin ma' *Madonna Povertà* tiegħi, id-dinja titmagħhom, għaliex huma ingħataw lid-dinja għas-salvazzjoni tagħha". U qalilhom ukoll: "Hemm patt bejn id-dinja u l-aħwa; huma għandhom jagħtu eżempju tajjeb lid-dinja, u d-dinja għandha tipprovdilhom dak li hu meħtieġ. Jekk huma jitbiegħdu milli jagħtu l-eżempju tajjeb u hekk jonqsu mill-fidi, id-dinja wkoll tbiegħed l-id ġeneruża tagħha bħala kastig". *Il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 1,9.10) kien jibża' mill-għadd kbir ta' aħwa, għaliex jekk mhux fil-verità imma almenu fid-dehera, dan hu sinjal ta' għana. Għalhekk kien jgħid: "*O li kieku jiġi l-jum* (cfr. Mk 14,35), ngħid jien, li fih id-dinja tara rarament lill-Patrijiet Minuri, u hekk ikollha stima lejhom minħabba l-għadd ċkejken tagħhom!" Marbut b'rabta li ma tinħallx ma' *Madonna Povertà*, ma kienx iħares lejn il-preżent imma lejn il-għana li għad trid tiġi. Kien ikanta aktar ta' spiss u b'ferħ aktar kbir dawk is-salmi li jitkellmu dwar il-faqar, bħal dak li jgħid: *It-tama tal-fqajrin ma tintemm qatt* (cfr. S 9,19), u: *Jaraw il-fqajrin u jifirħu* (cfr. S 68,33).

Dwar l-aħwa li jittallbu l-karità.

Kapitlu XLI
Tifħir lill-karità.

[790] 71 Il-missier qaddis kien juża aktar bil-qalb il-karità li jkun ittallab bieb, bieb milli dik li tkun ingħatat bħala offerta. Kien jgħid li l-mistħija li wieħed jittallab hi għadu tas-salvazzjoni; li meta wieħed jittallab hi qaddisa dik il-mistħija li ma tkunx taf treġġa' lura l-passi tagħha. Kien ifaħħar il-ħmura tal-mistħija li tfur fuq il-wiċċ sensibbli, imma mhux dik li tiġi mill-mistħija li wieħed jitħawwad għax ikun umiljat. Xi drabi, meta kien iħeġġeġ lill-aħwa biex jittallbu l-karità, *kien juża dawn il-kelmiet* (cfr. Sir 20,8): "Morru", kien jgħidilhom, "għaliex *f'din l-aħħar siegħa* (cfr. 1Ġw 2,18) il-Patrijiet Minuri *ġew mogħtija* (cfr. 1Sam 1,28) lid-dinja, sabiex il-magħżulin iwettqu lejhom għemejjel li jistħoqqilhom tifħir partikulari mill-Imħallef li jgħid: *Dak li għamiltu ma wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi*" (cfr. Mt 25,40). Għaldaqstant kien jgħid li l-Ordni kien irċieva privileġġ singulari mill-*Profeta l-Kbir* (cfr. Lq 7,16), li kien wera b'mod tant evidenti *t-titlu ta' l-isem tiegħu* (cfr. 2Sam 18,18). Hekk hu ried li l-aħwa jgħixu mhux biss fil-bliet, imma wkoll fl-eremitaġġi[519], sabiex ilkoll kemm huma jsibu okkażjoni li jakkwistaw merti, u hekk tittieħed mill-ħżiena *kull skuża moħbija* (cfr. 1Ġw 15,22; 2Kor 3,16). [LM VII,8]

---

[519] Filwaqt li fil-kunventi tal-bliet kien aktar faċli l-aħwa jgħixu bl-offerti spontanji tal-benefatturi, fl-eremitaġġi, li kienu maqtugħin min-nies, huma kellhom bilfors joħorġu jittallbu ċ-ċirka biex jgħixu.

Kapitlu XLII
L-eżempju tal-qaddis li kien jittallab il-karità.

[791] 72 Biex ma joffendix lanqas għal darba waħda biss l-għarusa tiegħu, *il-qaddej ta' Alla l-għoli* (cfr. Atti 16,17) kien soltu jagħmel hekk: jekk kien ikun mistieden minn persuni għonja, kien ikun jaf li dawn jitrattawh tajjeb waqt l-ikel, u għalhekk qabel kien imur jittallab *il-loqom tal-ħobż* (cfr. Mt 15,36-37) mid-djar fil-qrib, u hekk *għani fil-faqar* (cfr. 2Kor 8,9) kien imur lura jiġri għall-ikel. Kull meta kienu jistaqsuh għaliex kien jagħmel hekk, kien iweġibhom li għall-fewdu ta' siegħa waħda, ma riedx iħalli l-wirt stabbli. U kien jgħid: "Il-faqar jagħmilna *werrieta* u slaten *fis-saltna tas-smewwiet*[520] (cfr. Mt 5,3; Ġak 2,5), u mhux il-għana falza tagħkom". [LM VII,7]

Kapitlu XLIII
Il-mod kif ġab ruħu fid-dar tas-sinjur ta' Ostia u t-tweġiba li ta lill-isqof.

[792] 73 Jum minnhom San Franġisk mar iżur lill-Papa Girgor, ta' tifkira hienja, meta hu kien għadu jokkupa uffiċċju inferjuri[521]. Qabel il-ħin ta' l-ikel, hu ħareġ biex jittallab il-karità, u meta ġie lura, qiegħed fuq il-mejda ta' l-isqof dak il-ħobż iswed li kien ittallab. Meta ra dan, l-isqof ħassu imbarazzat, l-aktar minħabba xi mistednin ġodda li kellu. Il-missier qabad dak il-ħobż u b'wiċċu jilma bil-hena beda jqassmu lill-kavallieri u lill-kappillani li kienu qegħdin jieklu. Dawn kollha laqgħu dak il-ħobż b'devozzjoni partikulari, u xi wħud minnhom kieluh, filwaqt li oħrajn refgħuh bil-qima. Wara li intemmet l-ikla l-isqof qam u sejjaħ għandu lir-raġel ta' Alla, u filwaqt li fetaħ dirgħajh, *ħaddnu miegħu* (cfr. Ġen 33,4), u qallu: "Ħija, għaliex ġiegħeltni nistħi f'dari, li taf li hi d-dar tiegħek u ta' l-aħwa tieghek, u ħriġt biex tittallab il-karità?" U l-qaddis wieġbu: "Jiena lilek tajtek ġieħ, għaliex jiena kont qiegħed nagħti qima lill-Mulej li hu akbar minnek. Billi l-Mulej *isib il-għaxqa tiegħu* (cfr. S 67,17) fil-faqar, Hu l-aktar li togħoġbu hi l-karità li tingħata bil-qalb. Jiena nqis li hi dinjità rjali u nobbiltà mill-aktar għolja, li *nimxi wara l-Mulej* (cfr. Mt 19,21) li *għad li kien għani ftaqar minħabba fina*" (cfr. 2Kor 8,9). U żied jgħid: "Jiena nsib aktar gost f'mejda fqira, li tkun imhejjija bi ftit ikel miġbur b'karità, milli f'mejda għanja, li fiha wieħed *bilkemm ikun jista' jgħodd* (cfr. S 39,13) il-kwantità ta' ikel". L-isqof baqa' edifikat ħafna u qal lill-qaddis: "Ibni, *agħmel dak li jidhirlek li hu tajjeb f'għajnejk, għaliex il-Mulej hu miegħek*" (cfr. 1Sam 3,18; Ġoż 1,9). [CA 97; LM VII,7; SP 23]

Kapitlu XLIV
Iħeġġeġ lill-aħwa bl-eżempju u bil-kelma biex joħorġu jittallbu l-karità.

[793] 74 Fil-bidunett, kemm biex iħarreġ lilu nnifsu għall-mortifikazzjoni, kif ukoll biex l-aħwa ma jistħux, kien joħroġ ta' spiss waħdu biex jittallab il-karità. Imma darba minnhom intebaħ li bosta mill-aħwa ma kienux iħossu dan il-bżonn fil-vokazzjoni tagħhom, u qalilhom: "*Ħuti l-aktar għeżież, l-Iben ta' Alla* (cfr. Fil 4,1; Mt 4,3) kien ħafna aktar nobbli minna, imma minkejja dan *għalina hu sar fqir f'din id-dinja* (cfr. 2Kor 8,9). Għall-imħabba tiegħu aħna *għażilna t-triq* (cfr. S 118,30) tal-faqar; u għalhekk ma għandniex inħossuna umiljati li noħorġu nittallbu l-

[520] *Regula Bullata* VI,5.
[521] Jiġifieri meta kien Kardinal Protettur ta' l-Ordni. Il-Papa Girgor IX miet fl-1241, u għalhekk Tommaso da Celano, li jikteb fl-1246-1247, isejjaħlu *venerandae memoriae papam Gregorium*.

karità[522]. Ma jixraqx li *l-werrieta tas-sema* (cfr. Ġak 2,5) jistħu minħabba *r-rahan tal-wirt* (cfr. Ef 1,11.14) tas-sema. *Ngħidilkom* (cfr. Mt 5,22) *li bosta nobbli u għorrief* (cfr. 1Kor 1,26) għad jingħaqdu ma' l-Ordni tagħna, u jqisuh bħala ġieħ li joħorġu jittallbu l-karità. Intom ukoll, mela, li intom l-ewwel frott tagħhom, *ifirħu u thennew* (cfr. S 31,11; Mt 5,12), u tiċħdux li twettqu dak li intom tridu tgħaddu lil dawk il-bnedmin qaddisin". [CA 51; SP 18]

## Kapitlu XLV
Dwar kif ċanfar lil wieħed mill-aħwa li ma riedx joħroġ jittallab.

[794] 75 L-imqaddes Franġisku ta' spiss kien jgħid li l-veru patri Minuri ma għandux iħalli ħafna żmien jgħaddi li fih ma joħroġx jittallab. U kien jgħid: "Aktar ma wieħed minn uliedi jkun nobbli, aktar għandu jkun lest li jmur jittallab, għaliex b'dan il-mod hu jaħżen ħafna merti". Kien hemm post li fih wieħed mill-aħwa ma kienx ikun irid joħroġ jittallab il-karità, imma fuq il-mejda kien jiekol bl-abbundanza. Meta l-qaddis intebaħ li dan kien sar ħabib ta' żaqqu, u li ried jiekol mill-frott mingħajr ma *jieħu sehem fit-taħbit* (cfr. Lhud 5,13), darba minnhom wieġbu hekk: "Mur lejn triqtek, fra dubbiena, għaliex inti trid tiekol mill-għaraq ta' ħutek u trid titgħażżen *fil-ħidma ta' Alla* (cfr. 1Kor 15,58). Inti tixbaħ lil ħuna ż-żunżan, li jħalli lin-naħal jaħdmu, filwaqt li hu jrid ikun l-ewwel wieħed li jiekol l-għasel". Hekk dak ir-raġel li kien jgħix skond il-ġisem, meta ra kif inkixef fil-kilba tiegħu, reġa' lura lejn id-dinja, li qatt ma kien abbandunaha. Ħareġ mill-Ordni dak li, billi ma kienx tajjeb biex joħroġ jittallab il-karità, lanqas kien tajjeb biex jgħix ma' l-aħwa. Min fuq il-mejda jiekol għal ħafna, jispiċċa biex ikun leġjun ta' xjaten għall-oħrajn[523]. [CA 97; LM V,6; SP 24]

## Kapitlu XLVI
Dwar kif meta iltaqa' ma' wieħed mill-aħwa ġej lura miċ-ċirka, bieslu spallejh.

[795] 76 Darba oħra kien hemm wieħed mill-aħwa li kien ġej lura minn Assisi lejn il-Porziuncola iġorr il-karità li kien ħareġ jittallab. Meta qorob lejn dak il-post, beda jinfexx ikanta, u *jfaħħar lill-Mulej* (cfr. S 134,1) b'leħen għoli. Malli semgħu, il-qaddis qam fuq riġlejh, ħareġ jiġri barra, u mar ibus l-ispalla ta' dak ħuh, filwaqt li ħadlu l-ixkora u ġarra fuq spallejh. U qal: "Imbierek ikun dan ħija, li jmur hekk mimli ħeġġa biex jittallab il-karità bl-umiltà, u *jerġa' lura bil-ferħ*" (cfr. Lq 10,17). [CA 98; SP 25]

---

[522] Li toħroġ tittallab il-karità kien għal San Franġisk dmir li jgħin lill-aħwa jitħarrġu fl-umiltà. L-Ordnijiet monastiċi mhux biss ma kienux jgħixu bil-karità, imma talli l-Konċilju ta' Pariġi (1213-1214) kien ipprojbixxa formalment li huma jittallbu. Dak li għamel Franġisku u, sa ċertu punt, Ordnijiet mendikanti oħrajn, kien mod ġdid kif ir-reliġjużi jgħixu l-faqar.

[523] Il-Latin jgħid *plurimus demon*, jiġifieri leġjun ta' xjaten.

Kapitlu XLVII
Dwar kif ġiegħel lil xi kavallieri biex jittallbu l-karità.

[796] 77 Filwaqt li l-imqaddes Franġisku kien mimli mard u kien kważi qorob lejn il-mewt, u kien jinsab fil-belt ta' Nocera[524], il-poplu ta' Assisi bagħat ambaxxata solenni biex iġġibu lura, li ma jmurx jiġri *li jagħtu l-glorja tagħhom lil ħaddieħor* (cfr. Is 42,8) li jżomm għandu l-ġisem *tal-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,29). Il-kavallieri li kienu qiegħdin iġorruh bl-akbar qima fuq iż-żiemel, waslu f'raħal fqir ħafna jismu Satriano, proprju fil-ħin li fih qabadhom il-ġuħ u riedu jieklu. Imma għalkemm marru jfittxu *ma setgħu jsibu xejn* (cfr. Mt 21,19) x'jixtru. Għalhekk dawk il-kavallieri reġgħu lura għand l-imqaddes Franġisku u qalulu: "Jaqbel li inti tagħtina mill-karità tiegħek, għaliex hawnhekk ma *nistgħu nsibu xejn* (cfr. 2Kor 6,10) x'nixtru". Il-qaddis *weġibhom u qalilhom* (cfr. Ġw 4,13): "Għal din ir-raġuni ma tistgħux issibu, għaliex intom aktar *tafdaw* fid-dubbien tagħkom milli *f'Alla*" (cfr. Mt 27,43). Hu kien isejjaħ il-flus dubbien. U kompla jgħidilhom: "Erġgħu lura f'dawk id-djar fejn diġà kontu mortu, u ittallbu l-karità bl-umiltà, filwaqt li toffru l-imħabba ta' Alla flok il-flus! La tistħux, għaliex wara l-waqgħa fid-dnub, kollox ingħata lill-bniedem b'karità, u s-Sinjur il-kbir li jqassam il-karità[525], jagħti b'idejh miftuħa u bit-tjieba lil kulħadd, kemm lil dawk li jistħoqqilhom kif ukoll lil dawk li ma jistħoqqilhomx". Hekk dawk il-kavallieri warrbu minnhom il-mistħija, u marru mall-ewwel jittallbu l-karità u sabu x'jixtru ħafna aktar bl-imħabba ta' Alla milli bil-flus. Imbagħad ġew lura u bdew joffru l-ikel lil xulxin bil-ferħ, u hekk ma baqgħux ibatu *l-ġuħ* dawk li kienu *stagħnew* (cfr. Ġen 12,10) bil-għana tal-faqar. [CA 96; LM VII,10; SP 22]

Kapitlu XLVIII
Dwar kif f'Alessandria biddel il-laħam tal-kappun f'ħut.

[797] 78 Meta kien jittallab il-karità kien ifittex aktar il-ġid tar-ruħ ta' min joffrilu l-karità milli l-għajnuna għall-ħtiġijiet tal-ġisem, u dejjem ried ikun ta' eżempju għall-oħrajn, kemm filli *jagħti* kif ukoll filli *jirċievi* (cfr. Sir 4,36). Meta kien jinsab Alessandria, fil-Lombardia, *biex jippriedka l-kelma ta' Alla* (cfr. Atti 13,5), *wieħed raġel jibża' minn Alla* (cfr. Ġob 1,1; 2,3) u li kulħadd kien iqimu u jfaħħru, *laqgħu għandu* (cfr. 1Tim 5,10), u talbu sabiex josserva dak li jgħid l-Evanġelju u *jiekol minn dak kollu li jqiegħdulu quddiemu* (cfr. Lq 10,8). Hu aċċetta bil-qalb, mirbuħ mill-qalb twajba ta' dak li stiednu. Dak mar jiġri u bil-kura kollha ħejja lill-*bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 1,10) kappun li kellu seba' snin[526] sabiex jieklu. Waqt li l-patrijarka tal-fqajrin kien għall-mejda u jifraħ flimkien mal-familja kollha, f'daqqa waħda deher fil-bieb wieħed minn *ulied Beljal* (cfr. 1Sam 25,17), li kien qed jilgħabha li hu nieqes mill-meħtieġ, meta kien aktar fqir

---

[524] Nocera Umbra, li tinsab xi 20 kilometru bogħod minn Assisi. L-episodju li jirrakkonta Celano seħħ fil-kastell ta' Satriano, fit-triq lejn Nocera. Franġisku kien ittieħed Nocera fis-sajf ta' l-1226, ftit ġimgħat qabel ma miet, biex jeħles mis-sħana tal-pjanura fejn tinsab il-Porziuncola, u joqgħod għall-frisk ta' l-għoljiet ta' Nocera.

[525] Il-kelma Latina *eleemosynarius* tirreferi għall-prassi medjevali li fiha s-sinjur nobbli fewdali kien sid ta' l-iskjavi tiegħu, u dawn kienu jiddependu biss mill-ħniena u l-ġenerożità tiegħu. San Franġisk iqabbel lil Alla ma' sid fewdali, bid-differenza li filwaqt li n-nobbli tad-dinja kienu ta' spiss krudili mas-sudditi tagħhom, Alla hu *eleemosynarius* twajjeb li jqassam b'idejh miftuħin lill-fqajrin tiegħu. Ir-raġunament ta' San Franġisk, dwar kif wara l-waqgħa fid-dnub, Alla jagħti kollox b'karità lill-bnedmin, jidher evidenti fir-*Regola non Bullata* IX,8: *Et eleemosyna est hereditas et iustitia, quae debetur pauperibus, quam nobis acquisivit Dominus noster Jesus Christus*.

[526] Il-Latin jgħid *caponem septennem* ("kappun ta' seba' snin"). X'aktarx li dan hu żball, u li wieħed irid jaqra "kappun ta' seba' xhur", jew sempliċement "kappun imsemmen".

mill-grazzja. Hu uża l-isem ta' l-imħabba ta' Alla bil-qerq meta talab il-karità, u b'leħen kollu jitniehed beda jitlob li jgħinuh f'isem Alla. Il-qaddis malli sema l-isem *imbierek fuq kollox* (cfr. Rum 9,5) u għalih *aktar ħelu mill-għasel* (cfr. Imħ 14,18), qabad bil-qalb kollha koxxa mil-laħam li kienu servewlu u, wara li qiegħdha fuq platt, bagħatha lil dak li kien qiegħed jittallab. Imma x'ġara? Dak il-bniedem ħażin refa' l-karità li tawh biex imbagħad iwaqqa' lill-qaddis għaż-żufjett.

79 *L-għada* (cfr. Ġw 1,43; 12,12) il-poplu inġabar u l-qaddis bħas-soltu *ippriedka l-kelma ta' Alla* (cfr. Atti 13,5). U f'daqqa waħda dak ir-raġel qarrieq qabad jgħajjat, filwaqt li pprova juri *lin-nies kollha miġburin* (cfr. Atti 4,10) dik il-biċċa laħam tal-kappun. U beda jgħajjat: "Ara xi bniedem hu dan Franġisku li qiegħed hawn jippriedka, u li intom tqimuh bħala qaddis: araw il-laħam li tani l-bieraħ filgħaxija, meta kien qiegħed jiekol". Kulħadd beda jgħajjat ma' dak ir-raġel qarrieq, u bdew jinsultawh qisu wieħed imxajtan. Għax dak li hu beda juri bħala biċċa laħam tal-kappun, għan-nies kollha bdiet tidher li hi biċċa ħuta. Fl-aħħarnett dak il-miżerabbli, mistagħġeb bil-miraklu, kien imġiegħel jammetti li huma kellhom raġun. Hu beda jimtela bil-mistħija, u għamel penitenza għal dik *l-infamja li wettaq* (cfr. Ġoż 7,15). Quddiem kulħadd talab maħfra lill-qaddis, u kixef l-intenzjoni ħażina li kellu. Saħansitra l-biċċa laħam reġgħet ħadet l-aspett li kellha qabel, wara li *dak li akkuża inġustament reġa'* (cfr. Is 46,8) dar lura mill-ħażen tiegħu.

Dwar dawk li jiċħdu d-dinja.

Kapitlu XLIX
Il-qaddis iċanfar lil wieħed tali li qassam il-ġid tiegħu mhux lill-foqra imma lil qrabatu.

[798] 80 Il-qaddis kien jgħallem lil dawk li jiġu fl-Ordni li kellhom *jagħtu l-karta tad-divorzju* (cfr. Mt 5,31) qabel xejn lid-dinja, u mbagħad *joffru lilhom infushom lil Alla* (cfr. Lhud 9,14) minn ġewwa. Ma kienx idaħħal fl-Ordni jekk mhux lil min kien jiċħad għal ġidu kollu, mingħajr ma jżomm xejn għalih, minħabba l-kelma ta' l-Evanġelju mqaddes (cfr. Mt 19,21), u biex *ma jkunx ta' skandlu* (S 105,36) li wieħed iżomm għalih innifsu l-ġid. [LM VII,3]

[799] 81 Jum minnhom, wara li l-qaddis kien ippriedka fil-Marca ta' Ancona, ġie għandu wieħed li talbu bl-umiltà biex jilqgħu fl-Ordni. U l-qaddis qallu: "Jekk trid tingħaqad *mal-fqajrin ta' Alla* (cfr. Ġak 2,5), qabel xejn trid tmur *tqassam ġidek* (cfr. 1Kor 13,3) lill-fqajrin tad-dinja". Dak malli sema' dawn il-kelmiet telaq, u immexxi mill-imħabba tal-ġisem, *qassam* il-ġid tiegħu lil qrabatu, u ma ħalla xejn *għall-foqra* (cfr. S 111,9). U ġara li mar lura u beda juri lill-qaddis il-ġenerożità tiegħu, imma dan daħaq bih u qallu: "Mur fi triqtek, ħija dubbiena, għaliex inti għadek *ma ħriġtx minn darek u minn niesek* (cfr. Ġen 12,1). Inti tajt ġidek lil qrabatek u hekk *sraqt lill-foqra* (cfr. Sir 34,25), *u ma jistħoqqlokx* (cfr. Mt 8,8) li tkun mal-foqra qaddisin. La bdejt bil-ġisem, inti *bnejt il-pedament* (cfr. Għerf 4,3) tad-dar spiritwali tiegħek li se jiġġarraf". Dak *ir-raġel skond il-ġisem* (cfr. 1Kor 2,14) mar lura għand qrabatu u *reġa' ħa lura dak li kien tiegħu* (cfr. Lq 6,30), għaliex billi ma kienx ħalla ġidu lill-foqra, malajr abbanduna l-wegħda tiegħu ta' perfezzjoni. Kemm huma dawk li llum jitqarrqu biex jagħmlu dehra li attaparsi qegħdin iqassmu ġidhom u mbagħad iridu jagħtu bidu għall-ħajja ta' perfezzjoni b'imġieba hekk tad-dinja. Għaliex ħadd ma għandu *jikkonsagra ruħu lil Alla* (cfr. Imħ 16,17) *biex jagħni* (cfr. Prov 10,22) lil qrabatu, imma biex *jifdi* dnubietu *bil-prezz* (cfr. Eż 13,13) tal-ħniena, u hekk *jakkwista l-ħajja bil-frott ta' l-għemejjel tajba* (cfr. Rum 2,7; Fil 1,22). Kien ta' spiss ukoll jgħallem li jekk l-aħwa jsibu ruħhom

fil-ħtieġa kellhom jirrikorru għand nies barranin, u mhux għand dawk li jkunu deħlin fl-Ordni, l-ewwelnett minħabba l-eżempju, u mbagħad biex jevitaw kull għamla ta' interess qarrieqi. [CA 62; LM VII,3]

Dwar viżjoni li hu kellu rigward il-faqar.

Kapitlu L

[800] 82 Jixraq li hawnhekk inġibu viżjoni li kellu l-qaddis, u li jixraq li nfakkruha. Lejl minnhom, wara li kien temm ħin twil fit-talb, beda jitħeddel ftit ftit u mbagħad raqad. Dak il-ħin ruħu iddaħħlet *fit-tempju ta' Alla* (cfr. S 72,17), u *fil-ħolm* (cfr. Ġen 20,3) ra fost affarijiet oħrajn, waħda mara li kellha din id-dehra: kellha *rasha tad-deheb, sidirha u dirgħajha tal-fidda*, *żaqqha* ta' kristall fin, u riġlejha *tal-ħadid*; kienet *twila ħafna* (cfr. Dan 2,32-33), imma minkejja li din is-sinjura *kellha dehra hekk sabiħa* (cfr. Eżek 23,23), hi kienet liebsa biss mantell qadim u mqatta'. *Malli qam l-għada filgħodu* (cfr. Ġen 24,54) il-missier imqaddes irrakkonta din id-dehra tiegħu lill-imqaddes fra Pacifico, mingħajr ma spjegalu t-tifsira tagħha. Kienu bosta dawk li interpretaw din il-ħolma skond kif deherilhom huma. Imma naħseb li jaqbel li nżommu l-interpretazzjoni li l-*Ispirtu s-Santu issuġġerixxa* (cfr. Ġw 14,26) lill-istess fra Pacifico. Hu spjega: "Din is-sinjura *ta' dehra hekk sabiħa* (cfr. Eżek 23,23) hi r-ruħ ta' San Franġisk. *Ir-ras tad-deheb* hi l-kontemplazzjoni u l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema; *sidirha u dirgħajha tal-fidda* (cfr. Dan 2,32) *huma l-kliem tal-Mulej* (cfr. S 11,7), li *hi kienet timmedita f'qalbha* (cfr. S 118,11) u *twettaq bl-għemil* (cfr. Ġen 11,6). Il-kristall iebes u trasparenti jindika r-rażan u l-kastità; il-ħadid iebes hu sinjal tal-perseveranza; fl-aħħarnett il-mantell fqir u mqatta' jindika l-ġisem ċkejken u msejken li jlibbes *dik ir-ruħ prezzjuża* (cfr. Prov 6,26). Imma bosta oħrajn, *li għandhom fihom l-Ispirtu ta' Alla* (cfr. Dan 4,5; 1Kor 7,40), b'din il-mara jifhmu lil *Madonna Povertà* bħala għarusa tal-missier imqaddes. Huma jgħidu: "Din il-mara għandha d-deheb minħabba l-premju tal-glorja, għandha l-fidda minħabba l-fama tajba tagħha, għandha l-kristall minħabba l-professjoni li tgħix bla flus jew għana, u li żżomm sħiħ sa l-aħħar minn ġewwa u minn barra; fl-aħħarnett għandha l-ħadid minħabba l-perseveranza. Imma lil din il-mara nobbli *l-bnedmin li huma ħsiebhom fil-ġisem* (cfr. 1Kor 2,14) nisġulha mantell fqir u mqatta'". Ħafna oħrajn, f'għadd akbar, japplikaw din il-viżjoni għall-Ordni, billi jsegwu l-perjodi ta' l-istorja tiegħu wieħed wara l-ieħor skond kif jagħmel il-Ktieb ta' Danjel[527]. Imma li fuq kollox tirreferi għall-missier imqaddes jidher evidenti mill-fatt li hu ma riedx jinterpretaha bl-ebda mod, biex hekk ma jidnibx bil-ftaħir tiegħu nnifsu. Kieku kienet tirreferi għall-Ordni, ma kienx iħalliha tgħaddi fis-skiet.

---

[527] Danjel 2,36-45, il-ħolma ta' Nabukadnessar li tiġi interpretata mill-profeta Danjel. Celano ma jgħidx kif din il-ħolma tiġi interpretata għall-istorja Franġiskana mill-1226 sa l-1246, meta kiteb 2C, imma ċertament irridu nifhmuha bħala suċċessjoni ta' ġrajjiet li wasslu għal dekadenza fl-Ordni, bħal dil-każ tal-Ktieb ta' Danjel, mir-ras tad-deheb, għas-sider tal-fidda, għaż-żaqq tal-kristall, għar-riġlejn tal-ħadid. Ikun interessanti li nkunu nafu x'kellu eżattament f'rasu Celano, imma sfortunatament jidfen kollox fis-silenzju!

Dwar il-ħniena li San Franġisk kien iħoss lejn il-foqra.

Kapitlu LI
Dwar il-ħniena li kellu lejn il-foqra, u dwar kif kien jgħir għal min kien ifqar minnu.

[801] 83 Min jista' jesprimi bil-kliem liema ħniena kien iħoss dan il-bniedem lejn il-foqra? Hu kellu ċertament qalbu twajba minn twelidu, imma mbagħad irdoppja din it-tjieba minħabba l-karità li ġiet mogħtija lilu mill-għoli. Hekk *il-qalb* ta' Franġisku *kienet tinħall* (cfr. Għan 5,6) quddiem il-foqra, u dak li ma setax jagħtihom b'idejh kien jurihulhom b'imħabbtu. Kienet liema kienet il-ħtieġa li kien jara fl-oħrajn, kien mall-ewwel idawwar ruħu u moħħu biex jimmeditawha preżenti fi Kristu. Hekk fil-foqra kollha kien jagħraf lill-Iben ta' dik is-Sinjura fqajra u kien iġorr għeri f'qalbu lil Dak li Hi kienet ħaddnitu għeri ma' dirgħajha. Mhux biss, imma meta kien warrab minnu *kull għira* (cfr. 1Pt 2,1), ma setax jiċħad għall-unika għira li kellu lejn il-faqar. Għax meta kien jara lil xi ħadd li kien ifqar minnu, kien mall-ewwel iħossu jgħir għalih, u filwaqt li kien jitħabat biex qisu jtellaq miegħu ħa jilħaq lill-faqar, kien jibża' li hu jirbaħlu. [1C 76; LM VIII,5]

[802] 84 *Ġara jum fost l-oħrajn* (cfr. Ġen 39,11), li waqt li *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 2,27) kien qiegħed miexi fit-triq biex imur jippriedka, iltaqa' ma' bniedem fqir fit-triq. Meta rah kif kien għeri, tqanqal bil-ħniena lejh u kollu mnikket qal lil sieħbu: "Hi ta' mistħija kbira għalina l-miżerja ta' dan ir-raġel, u ċċanfar bil-kbir il-faqar tagħna". U sieħbu staqsieh: "Għaliex, ħija?" U l-qaddis b'ton ta' niket wieġbu: "Jiena għażilt bħala l-għana u s-sinjura tiegħi lil *Madonna Povertà*, imma ara hi aktar tiddi f'dak ir-raġel. Jew forsi ma tafx li mad-dinja kollha tferrxet il-fama li aħna l-aktar nies foqra għall-imħabba ta' Kristu? Imma dan il-fqir qiegħed jikkonvinċina li mhux hekk!" O għira qaddisa li qatt ma dehret bħalha! O qalb mimlija ħniena li l-ulied għandhom jimitawha! Għax din mhix l-għira ta' meta wieħed jitnikket għax ħaddieħor għandu l-ġid, u li tfittex li tinħeba malli tara r-raġġi tax-xemx; mhijiex dik l-għira li tieqaf lit-tjieba; u lanqas ma hi dik li titħawwad fil-ħdura tagħha. Jew inti taħseb li l-faqar evanġeliku ma għandu xejn fih li jqanqal il-għira? Għandu lil Kristu, u permezz tiegħu hu għandu *kollox f'kulħadd* (cfr. 1Kor 12,6). Għaliex mela inti għandek kilba għar-renti, kjeriku ta' żmienna? Għada tagħraf li Franġisku kien fqir, meta f'idejk jibqagħlek ir-renti tat-turmenti tiegħek. [CA 113; LM VII,6; SP 17]

Kapitlu LII
Dwar kif ikkoreġa lil wieħed mill-aħwa li iġġudika lil wieħed fqir.

[803] 85 Darba oħra meta kien qiegħed jippriedka, wieħed raġel fqir u wkoll marid, ġie fil-post fejn kien Franġisku[528]. Meta dan ra fih dik id-disgrazzja doppja tqanqal bil-ħniena lejh, u beda jitkellem ma' ħuh dwar il-faqar ta' dak ir-raġel. Lejn dak ir-raġel fqir mit-tqanqil tal-ħniena kien diġà *għadda għall-imħabba tal-qalb* (cfr. S 72,7), meta s-sieħeb tal-qaddis qallu: "Ħija, hu veru li dak hu fqir, imma x'aktarx li f'din il-provinċja ma hemm ħadd aktar minnu għani fix-xewqat". Il-qaddis ċanfru dak il-ħin stess, u lil dan ħuh li beda jistqarrlu l-ħtija tiegħu qallu: "*Ħaffef u inża'* (cfr. Is 5,19; Bar 5,1) t-tonka minn fuqek, u inżel f'riġlejn dak ir-raġel fqir u bid-dieher stqarr miegħu l-ħtija tiegħek! U mhux biss trid titolbu jaħfirlek, imma wkoll għidlu sabiex jitlob għalik!" Dak mar biex iwettaq dak li ikkmandah Franġisk u reġa' lura. U l-qaddis qallu: "Ħija, meta tara lil xi fqir, inti ssib quddiemek mera tal-Mulej u ta' l-Omm fqajra tiegħu. U bl-

[528] Skond CA 114 dan kien l-eremitaġġ ta' Rocca di Brizio.

istess mod fil-morda, għandek tqis *il-mard li minħabba fina* (cfr. Mt 8,17; Is 53,4) Hu sofra". Għax tassew, Franġisku dejjem *kien iġorr f'qalbu l-borża tal-mirra* (cfr. Għan 1,12), u dejjem *kien jiffissa ħarstu fuq il-wiċċ ta' Kristu* (cfr. S 83,10) tiegħu, u dejjem kien jibqa' ħaġa waħda *mal-bniedem tat-tbatijiet, li jaf xi tfisser it-tbatija* (cfr. Is 53,3). [1C 76; CA 114; LM VIII,5; SP 37]

Kapitlu LIII
Dwar kif ta mantell lil waħda mara fqira minn Celano.

[804] 86 Ġara li darba minnhom, meta kien Celano fix-xitwa, San Franġisk kien qiegħed iġorr, imkebbeb bħal mantell, biċċa pannu li kien silfu wieħed raġel ħabib ta' l-aħwa, minn Tivoli. Waqt li kien fil-palazz ta' l-isqof ta' Marisi[529], iltaqa' ma' waħda mara anzjana li *bdiet tittallab il-karità* (cfr. Atti 3,2). Mall-ewwel neħħa minn fuq għonqu dak il-pannu, u għalkemm dak kien ta' ħaddieħor, tah lil dik il-mara anzjana fqira u qalilha: "Mur, għamel libsa għalik, għax tassew għandek bżonn". Dik il-mara anzjana, mimlija stagħġib, u ma tafx jekk hux bil-biża' jew bil-ferħ, ħadet dak il-pannu minn idejh. Telqet tiġri kemm tiflaħ, u mall-ewwel qatgħetu bl-imqass li ma jmurx jiftillu jerġa' jiġi jitlobulha lura. Imma, billi rat li dik il-biċċa drapp, wara li qatgħetha, ma kienetx biżżejjed biex biha tagħmel libsa, għamlet kuraġġ bit-tjieba li kienet sperimentat ftit qabel, u reġgħet lura għand il-qaddis, filwaqt li urietu li dak il-pannu ma kienx biżżejjed. Il-qaddis dawwar għajnejh lejn sieħbu, li kien liebes il-pannu hu wkoll, u qallu: "Ħija, qiegħed tisma' dak li qed tgħidlek din il-mara fqajra? Għall-imħabba ta' Alla ejjew nissapportu l-bard, u agħti lil din il-mara fqira l-pannu, sabiex hi tispiċċa l-libsa tagħha". Hekk kif kien tahulha hu, sieħbu wkoll taha l-pannu tiegħu, u baqgħu it-tnejn għerja biex ilibbsu lil dik l-anzjana. [CA 31; SP 29]

Kapitlu LIV
Dwar kif ta l-mantell lil wieħed fqir ieħor.

[805] 87 Darba oħra, meta kien ġej lura minn Siena, iltaqa' ma wieħed fqir, u l-qaddis qal lil sieħbu: "Ħija, jaqbel li nagħtu l-mantell lil dan il-fqir, għaliex u tiegħu. *Lilna ġie mogħti b'self* (cfr. Lq 6,34), sakemm ma niltaqgħux ma' xi ħadd li hu ifqar minna". Dak sieħbu, li kien jaf kemm il-missier kien jeħtieġ dak il-mantell, beda jieqaflu bil-qawwa, għaliex ma riedux li, filwaqt li jipprovdi lil ħaddieħor, jittraskura lilu nnifsu. U l-qaddis wieġbu: "Jiena ma rridx *inkun ħalliel* (cfr. Ġw 12,6); u dan ikun għalina qisu serq jekk ma nagħtuhx lil xi ħadd li hu aktar fil-bżonn minna". Dak ċeda u hu tah il-mantell. [CA 32; LM VIII,5; SP 30]

Kapitlu LV
Dwar każ ieħor jixbħu.

[806] 88 Ġrajja oħra bħal din seħħet f'Celle di Cortona. L-imqaddes Franġisku kien liebes mantell ġdid, li l-aħwa kienu ittallbu għalih b'ħafna kura. Wasal f'dak il-post raġel fqir, li beda jibki li martu kienet mietet u li l-familja tiegħu kienet *mitluqa f'faqar kbir* (cfr. S 10,14). U l-qaddis qallu: "Ara, ħa nagħtik dan il-mantell għall-imħabba ta' Alla, bil-patt li inti ma tagħtih lil ħadd, jekk qabel ma jkunx ħallsek tajjeb tiegħu". L-aħwa marru jiġru biex jerġgħu jieħdu l-

[529] L-isqof kien jismu Ingheramo u kien jgħix Pescina, qrib Celano.

mantell, u riedu jwaqqfuh milli jagħtihulu. Imma dak il-fqir, *mimli bil-kuraġġ* (cfr. 2Kron 17,6) u jħares f'wiċċ il-qaddis, beda jipprova li b'idejh u b'difrejh jżommu għandu. Fl-aħħar l-aħwa kellhom jixtru lura l-mantell, u dak ir-raġel fqir, wara li laqa' l-prezz tiegħu, telaq minn hemm. [CA 33; SP 31]

Kapitlu LVI
Dwar kif ta l-mantell tiegħu lil wieħed, bil-patt li ma jobgħodx aktar lil sidu.

[807] 89 Darba minnhom San Franġisk, ħdejn Colle fl-inħawi ta' Perugia[530], iltaqa' ma' wieħed fqir li kien jafu qabel il-konverżjoni tiegħu. Meta rah staqsih: "Kif int, ħija?" U dak, b'qalbu mimlija mrara, *beda jisħet* (cfr. Num 5,19.23) lil sidu li kien ħadlu ħwejġu kollha: "Għall-grazzja ta' sidi, li jalla *Alla li jista' kollox jisħtu* (cfr. Apk 1,8; Ġen 5,29), *ninsab f'dil-qagħda ħażina*" (cfr. Mt 4,24). Franġisku ħass ħafna għar-ruħ miżera tiegħu aktar milli għall-ġisem imsejken tiegħu, għaliex hu ra li dan ir-raġel kien ibejjet fih mibegħda li twassal għall-mewt, u qallu: "Ħija, aħfer lil sidek għall-imħabba ta' Alla, sabiex inti tkun tista' *teħles lil ruħek* (cfr. Est 4,13), u jista' jkun li dak jerġa' *jroddlok lura dak li ħadlek* (cfr. Eż 22,12). Inkella tista' *titlef ruħek* (cfr. Lq 9,24) flimkien ma' ġidek.". U dak qallu: "Ma nistax naħfirlu bil-qalb, jekk qabel ma jroddlix dak li ħadli". L-imqaddes Franġisku kien liebes mantell, u qallu: "Hawn, ara, ħa nagħtik dan il-mantell; imma nitolbok bil-ħniena li taħfer lil sidek għall-imħabba tal-Mulej Alla". Dak rattab il-korla tiegħu meta rċieva dak id-don, u ħafer il-ħtija ta' sidu. [CA 34; SP 32]

Kapitlu LVII
Dwar kif irregala t-tarf tal-libsa tiegħu lil wieħed fqir.

[808] 90 Jum fost l-oħrajn wieħed raġel fqir talbu l-karità, u billi hu ma kellu xejn f'idu, qata' t-tarf tat-tonka tiegħu u taha lil dak il-fqir. Drabi oħrajn, għall-istess skop, kien saħansitra jneħħi l-ħwejjeġ ta' taħt. Tant kellu ħniena *mimlija tjieba ħierġa mill-ġewwieni tiegħu* (cfr. Kol 3,12) lejn il-foqra, u tant kien kbir l-affett tiegħu lejhom li kien jimxi wara *l-passi ta' Kristu* (cfr. 1Pt 2,21) fqir. [2C 196]

Kapitlu LVIII
Dwar kif lil omm ta' tnejn mill-aħwa taha l-ewwel Testment il-Ġdid li kellu l-Ordni.

[809] 91 Darba minnhom ġiet għand il-qaddis l-omm ta' tnejn mill-aħwa, u bil-fiduċja kollha *talbet il-karità* (cfr. Atti 3,2). Il-missier qaddis ħass niket ta' ħniena lejha, u qal lill-vigarju tiegħu fra Pietro Cattanio: "Nistgħu *nagħtu* xi ħaġa *b'karità* (cfr. Mt 6,2) lil din ommna?" Għaliex l-omm ta' kull wieħed mill-aħwa hu kien isejħilha ommu u omm ta' l-aħwa kollha. Fra Pietro wieġbu: "Ma għandna xejn fid-dar li nistgħu *nagħtuha minn dak li għandna ġewwa*" (cfr. Lq 11,41). U żied jgħidlu: "Għandna Testment il-Ġdid li fih, billi ma għandniex brevjarji, naqraw il-lezzjonijiet tal-matutin". U l-imqaddes Franġisku qallu: "Agħti lil ommna t-Testment il-Ġdid, biex tkun tista' tbiegħu għall-ħtiġijiet tagħha, għaliex fih aħna niġu mwissijin biex ngħinu lill-

---

[530] Illum il-post jismu Collestrada, ħdejn Ponte San Giovanni, fejn seħħet il-battalja ta' l-1202 bejn iċ-ċittadini ta' Assisi u n-nobbli ta' Perugia.

foqra. Nemmen bil-qawwa kollha li lil Alla aktar togħoġbu l-għotja ta' karità mill-qari". Hekk lil dik il-mara tawha l-ktieb, u hekk ukoll minħabba din il-karità qaddisa ġie mibjugħ l-ewwel Testment il-Ġdid li kellu l-Ordni. [CA 93; SP 38]

Kapitlu LIX
Dwar kif ta l-mantell lil waħda mara fqira marida f'għajnejha.

[810] 92 Fiż-żmien li fih San Franġisk kien qiegħed fil-palazz ta' l-isqof ta' Rieti għall-kura ta' għajnejh, waħda mara fqira minn Machilone[531] ġiet għand it-tabib, minħabba li kienet hi wkoll marida f'għajnejha bħall-qaddis. Il-qaddis, meta kien qiegħed jitkellem b'mod familjari mal-gwardjan tiegħu, beda jipprova jikkonvinċih bi kliem bħal dan: "Ħija gwardjan, jixraq li nroddu lil ħaddieħor dak li mhux tagħna". U dak wieġbu: "Missier, ċertament għandna nroddu lura jekk għandna xi ħaġa li mhix tagħna." U hu wieġbu: "Ara, dan il-mantell, li aħna *ilqajnieh b'self* (cfr. Lq 6,34) minn dik il-mara fqira u marida f'għajnejha, jaqbel li nrodduhulha lura, għax hi ma għandha xejn fil-ħorġa biex tixtri". Imma l-gwardjan għamel din l-oġġezzjoni: "Ħija, dan il-mantell hu tiegħi, u jiena ma silifuli ħadd. Inti użah sakemm jogħoġbok; imma mbagħad meta ma tkunx tridu iżjed, erġa' agħtih lura lili". Fil-fatt, ftit qabel il-gwardjan kien xtrah, għaliex kien meħtieġ ħafna għal San Franġisk. U l-qaddis qallu: "Ħija gwardjan, inti dejjem kont tuża kortesija miegħi, issa wkoll nitolbok biex tkun twajjeb miegħi". U l-gwardjan tiegħu qallu: "Ħija, agħmel dak li inti jidhirlek l-aħjar, *skond kif jurik l-Ispirtu*" (cfr. Ġw 14,26). L-imqaddes Franġisku kollu ferħan sejjaħ lil wieħed raġel spiritwali li kien midħla ħafna tiegħu u qallu: "Ħu dan il-mantell u tnax-il ħbejżiet miegħu u mur, u għid lil dik il-mara fqira u marida li jurik it-tabib li qiegħed jikkuraha: Wieħed raġel fqir li inti kont sliftu dan il-mantell, jirringrazzjak talli għoġbok tislifulhu; *ħu dak li hu tiegħek*" (cfr. Mt 20,14). Dak mar u qalilha kollox skond ma kien qallu l-imqaddes Franġisku. Dik il-mara fqira, billi ħasbet li kienu qegħdin jgħadduha biż-żmien, bil-biża' u l-mistħija qaltlu: "*Ħallini mmur fis-sliem, għax ma nafx x'inti tgħid*" (cfr. 1Sam 20,13; Mt 26,70). Imma hu ħalla l-mantell u t-tnax-il ħbejżiet f'idejha. Dik il-mara, meta intebħetli hu kien qiegħed jitkellem bil-verità, laqgħet kollox mingħandu bil-biża' u bil-ferħ tal-qalb, u billi bdiet tibża' li jerġgħu jieħdulha kollox minn idejha, qamet bil-moħbi bil-lejl u marret lura lejn darha bil-mantell mimlija ferħ, u mingħajr ma ħasbet aktar fil-kura ta' għajnejha. [CA 89; SP 33]

Kapitlu LX
Dwar kif deherulu tliet nisa fit-triq, u wara li sellmulu b'mod ġdid għebu.

[811] 93 Fi ftit kliem irrid nirrakkonta ġrajja ta' l-għaġeb, li tiddubita kif taqbad tfissirha, imma li hi mill-aktar ċerta rigward il-verità. Filwaqt li l-fqajjar ta' Kristu Franġisku kien sejjer minn Rieti lejn Siena għall-kura ta' għajnejh, kien qiegħed jaqsam il-pjanura li hemm qrib Rocca Campiglia[532], u bħala *sieħbu fil-vjaġġ* (cfr. Ġen 33,12) kellu tabib li kien ħafna marbut ma' l-Ordni. U ara deheru tliet nisa fqajrin fit-triq quddiem San Franġisk li kien għaddej minn hemm. Kienu kollha l-istess fid-daqs, fl-età, u fil-bixra ta' wiċċhom, hekk li wieħed seta' jaħsibhom tliet kopji

[531] Machilone, illum Posta, raħal li jinsab 30 kilometru minn Rieti, fil-Valle del Velino.
[532] Hemm żewġ postijiet li jġibu dan l-isem fit-triq minn Rieti għal Siena. X'aktarx li l-post li jsemmi Celano hu Campiglia d'Orcia. Il-fatt seħħ lejn il-bidu tar-rebbiegħa ta' l-1226, meta Franġisku mar minn Rieti lejn Siena, dejjem bl-iskop li jikkura għajnejh.

immudellati fuq l-istess forma. Meta San Franġisk resaq lejhom, huma baxxew rashom bil-qima, u sellmulu b'dawn il-kliem ta' l-għaġeb: "Merħba bik, *Madonna Povertà*!" Il-qaddis mall-ewwel *imtela' bil-ferħ* (cfr. S 125,2) li ma jitfissirx, għaliex għalih ma kienx hemm tislima aktar milqugħa bil-qalb minn dik li kienu għamlulu. U billi hu ħaseb li dawk in-nisa kienu tassew foqra, dar lejn it-tabib li kien jakkumpanjah u qallu: "Nitolbok, għall-imħabba ta' Alla, ara jekk tistax tagħti xi ħaġa lil dawn in-nisa fqajrin". Dak mall-ewwel ħareġ il-ħorġa tiegħu, u filwaqt li niżel mis-sella taż-żiemel, ta xi muniti lil kull waħda minnhom. Komplew mexjin ftit ieħor fit-triq li kienu qabdu, meta f'daqqa waħda dawru ħarsithom, u kemm Franġisku kif ukoll it-tabib lemħu l-pjanura kollha vojta, u ma kien fiha l-ebda sinjal ta' dawk in-nia. Filwaqt li baqgħu mistagħġbin, qiesu li din ukoll kienet ġrajja *fost l-għeġubijiet ta' Alla* (cfr. S 106,8.15), għaliex intebħu li ma setgħux ikunu nisa, dawk li *kienu taru b'ħeffa akbar* (cfr. Għerf 5,11) minn dik ta' l-għasafar. [LM VII,6]

Dwar il-ħeġġa ta' San Franġisk għat-talb.

Kapitlu LXI
Dwar il-ħin, il-postijiet u l-ħeġġa tat-talb tiegħu.

[812] 94 Franġisku, *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27), *filwaqt li fil-ġisem kien iħossu bħala pellegrin 'il bogħod mill-Mulej* (cfr. 2Kor 5,6), *bil-ħeġġa ta' l-ispirtu* (cfr. 1Kor 5,3) kien jipprova jilħaq is-sema, u bħala ċittadin flimkien ma' l-anġli, kien biss il-ħajt tal-ġisem li kien jifirdu minnha. *Ir-ruħ tiegħu kienet bil-għatx* (cfr. S 62,2) kollha kemm hi għal Kristu, u hu kien joffri lilu nnifsu Lilu kollu kemm hu fil-qalb u fil-ġisem tiegħu. Dwar it-talb tiegħu, nistgħu ngħaddu biss ftit *għeġubijiet li rajna b'għajnejna* (cfr. Sir 17,11), sakemm hu possibbli li wieħed jgħidhom *lill-widnejn tal-bnedmin* (cfr. 1Kor 2,9), biex hekk ikunu jistgħu jiġu imitati minn dawk li jiġu warajna. Kien jehda l-ħin kollu fil-ġabra qaddisa, li tnaqqax *l-għerf fil-qalb* (cfr. Sir 45,31), u kien jibża' li, jekk ma jimxix 'il quddiem, jispiċċa biex imur lura. Jekk xi mindaqqiet kien ikollu żjarat minn sekulari, jew kien ikollu jagħti kas ta' xi ħaġa li tinqala', kien aktarx jieqaf ħesrem minnhom milli jtemmhom b'mod sħiħ, biex hekk jerġa' jiġri fil-kenn tal-kontemplazzjoni. Għalih id-dinja kienet saret bla togħma, għaliex hu kien jiekol mill-ħlewwa tas-sema, u l-ħlewwiet qaddisa kienu jrendu l-gost tiegħu diffiċli biex iduq mill-ikel goff tal-bnedmin. Kien dejjem ifittex postijiet *moħbija* (cfr. Mt 6,4), fejn kien ikun jista' jingħaqad ma' Alla mhux biss bl-ispirtu, imma b'kull membru ta' ġismu. U jekk kien ikun quddiem l-oħrajn, u kien iħoss *li l-Mulej iżuru* (cfr. Lq 1,68), biex ma jibqax mingħajr ċella li jingħalaq fiha, kien idawwar miegħu l-mantell biex jinħeba fih. U jekk xi mindaqqiet ma kienx ikollu mantell, kien jgħatti wiċċu bil-komma tat-tonka, biex ma jikxifx *il-manna moħbija* (cfr. Apk 2,17). Dejjem kien jara kif jinfired minn dawk li jkunu madwaru b'xi ħaġa, biex hekk huma ma jintebħux *bil-kuntatt ma' l-għarus* (cfr. Għan 5,4), u b'dan il-mod kien kapaċi li jitlob mingħajr ma jindunaw bih, ukoll hekk ikun marsus fost elf ruħ, bħal f'xi rokna ta' ġifen[533]. Fl-aħħarnett, jekk ma kienx ikun possibbli għalih iwettaq dan kollu, kien joħloq tempju fil-qalb tiegħu. Mitluf kif kien f'Alla kien jinsa lilu nnifsu, u la kien jitniehed u lanqas jisgħol, in-nifs tiegħu kien jieħdu bil-kalma u kien jipprova jikkontrolla kull sinjal ieħor ta' distrazzjoni minn barra. [LM X,1.4]

---

[533] Il-Latin *in arcto navis plurimis insertus*, tista' wkoll tiġi tradotta, "marsus fost ħafna li huma mehdijin b'xogħolhom", jiġifieri, ukoll f'nofs dinja mgħaġġla, San Franġisk kien kapaċi jinqata' waħdu biex jehda fit-talb.

[813] 95 Hekk kien iġib ruħu meta jkun fid-dar. Imma meta kien jitlob fil-boskijiet u f'postijiet oħrajn maqtugħin min-nies, kien jimla' l-boskijiet bit-tnehid tiegħu, kien ixarrab l-art bid-dmugħ, kien iħabbat idu fuq sidru, u bħallikieku qiegħed japprofitta ruħu minn post aktar intimu u moħbi, kien jitkellem ta' spiss b'leħen għoli mal-Mulej tiegħu. Hemmhekk kien iwieġeb lill-imħallef, hemmhekk kien jitlob lill-Missier, hemmhekk kien jitkellem mal-ħabib, hemmhekk kien jiċċajta bil-ħlewwa ma' l-għarus. Għax tassew kien jagħmel bosta *offerti tal-ħruq tal-ġewwieni* (cfr. S 65,15) tal-qalb tiegħu, u kien *iqis b'mod differenti quddiem għajnejh* (cfr. Għerf 7,22; S 100,3) lil Dak li hu l-ogħla sempliċità. Ta' spiss, mingħajr ma kien iċaqlaq *xufftejh kien jimmedita fit-tul* (cfr. Għan 7,9) fil-ġewwieni tiegħu, u filwaqt li kien jikkonċentra fih innifsu l-qawwiet li huma barra minnu, bl-ispirtu tiegħu kien jogħla 'l fuq lejn is-sema. B'dan il-mod kien imexxi l-moħħ u l-affett tiegħu f'*dik il-ħaġa waħda li kien jitlob lill-Mulej* (cfr. S 26,4), hekk li kien sar kollu kemm hu mhux tant bniedem li jitlob, daqskemm talba fiha nnifisha[534]. Imma b'liema ħlewwa kien jimtela, meta kien tant imdorri li jintilef f'Alla b'dan il-mod? *Hu biss jaf dan* (cfr. Ġob 28,23), jiena ma nista' nagħmel xejn ħlief nammirah. Għax hu biss min għandu l-esperjenza li jkun jista' jaf dan, u dan l-għarfien mhux mogħti għal min hu bla esperjenza. Meta *l-ispirtu tiegħu kien fil-milja tal-ħeġġa tiegħu* (cfr. Ġob 41,22; Għerf 7,22), kull aspett u kull tqanqil *tar-ruħ kien jinħall* (cfr. Għan 5,6) u hu kien jingħata kollu kemm hu għall-ħwejjeġ għoljin *tas-saltna tas-smewwiet* (cfr. 2Tim 4,18). Il-missier qaddis kien soltu ma jittraskurax l-ebda żjara ta' l-Ispirtu, kull meta din kienet toffri ruħha, u kien jilqagħha u jagħmel il-frott tal-ħlewwa tagħha *sakemm il-Mulej kien jippermettilu* (cfr. 1Kor 16,7). Hekk, jekk kien iħossu mqar kemm kemm jintmess mill-grazzja filwaqt li jkun mehdi f'xi ħidma jew inkella jkun fil-vjaġġ, arah jiggosta dik il-manna l-aktar ħelwa f'mumenti differenti u spissi. Ukoll meta jkun fit-triq kien jieqaf, iħalli li l-aħwa jimxu qablu, biex jekk jiggosta u jagħmel frott mill-ispirazzjoni ġdida, sabiex *ma jġibx fix-xejn il-grazzja li jkun irċieva* (cfr. 2Kor 6,1). [LM X,2.4; Fioretti, Kunsiderazzjoni I ta' l-Istimmati]

Kapitlu LXII
Dwar kif kien jiċċelebra bil-qima s-sigħat kanoniċi.

[814] 96 Kien jitlob is-sigħat kanoniċi b'biża' qaddis u devot. U għalkemm kien marid f'għajnejh, fl-istonku, fil-milza u fil-fwied, hu qatt ma ried iserraħ ġismu ma' xi ħajt waqt it-talb, imma dejjem kien jitlob is-sigħat ta' l-Uffiċċju bilwieqfa u mingħajr kapoċċ, mingħajr ma jdawwar għajnejh 'l hawn u 'l hinn, u mingħajr l-ebda waqfien. Meta kien ikun miexi fid-dinja, dejjem kien jieqaf biex jitlob is-sigħat ta' l-Uffiċċju; u jekk kien ikun riekeb iż-żiemel, kien jinżel fl-art. Darba minnhomkien ġej lura minn Ruma u kienet nieżla xita bil-qliel. Hu niżel miż-żiemel biex jitlob l-Uffiċċju, u billi dam wieqaf għal żmien twil, ixxarrab għasra. Xi mindaqqiet kien jgħid: "Jekk il-ġisem jiekol bil-kwiet l-ikel tiegħu, meta hu għad isir ikel għad-dud, b'kemm aktar sliem u kalma għandha r-ruħ tieħu u tilqa' l-ikel tagħha, li hu Alla tagħha". [CA 119; LM X,6; SP 94]

[534] Espressjoni ta' Celano li baqgħet klassika: *totus non tam orans quam oratio factus*.

Kapitlu LXIII
Dwar kif kien iwarrab id-distrazzjoni mit-talb.

[815] 97 Kien jemmen li jidneb gravament, jekk waqt li jkun mehdi fit-talb, ikun imħabbat minn ħafna immaġinazzjonijiet li jtellfuh. Meta kien jiġrilu hekk, kien malajr imur iqerr biex jakkuża lilu nnifsu mall-ewwel, u jpatti tal-ħtija tiegħu. Tant kien imdorri f'din il-ħerqa tiegħu, li kienu rari d-drabi li fihom kien jiġi mħabbat minn dawn id-dubbien[535]. Darba minnhom, waqt ir-Randan, kien għamel vażun żgħir, biex hekk jehda fil-ħin li jkollu żejjed u ma jitlef l-ebda mument biex jehda fit-tajjeb. Imma jum minnhom, meta bil-qima kollha kien qiegħed jitlob it-Terza, għajnejh b'kumbinazzjoni waqfu fuq dak il-vażun, u intebaħ li *l-bniedem ta' ġewwa* (cfr. Rum 7,22) ġie mfixkel mill-ħeġġa. Imnikket għaliex il-leħen tal-qalb li jitla' lejn il-widnejn divini, ġie mfixkel, wara li temm it-Terza, qal lill-aħwa li kienu jisimgħuh: "Ara, x'ħidma bla fejda, li tant kellha qawwa fuqi li saħansitra fixklet l-ispirtu tiegħi! Mela issa jiena *se nissagrifikah lill-Mulej* (cfr. S 53,8), ġaladarba dan il-vażun fixkel is-sagrifiċċju tiegħu". U malli qal hekk, qabad il-vażun u *xeħtu fin-nar* (cfr. Eżek 22,20). U qal: "Imissna nistħu li nħallu lilna nfusna niġġarru minn ħsibijiet bla fejda, meta fil-ħin tat-talb aħna nitkellmu *mas-Sultan il-Kbir*" (cfr. S 94,3). [LM X,6]

Kapitlu LXIV
Dwar estasi li kellu.

[816] 98 Kien ta' spiss jibqa' donnu mdendel bejn sema u art b'tant ħlewwa ta' kontemplazzjoni, li kien jinħataf barra minnu nnifsu, u ma kien juri lil ħadd dak li kien iħoss fih barra minn kull sens uman. Imma wkoll minn fatt wieħed, li ġara darba biss quddiem kulħadd, jista' jkun ċar quddiemna f'liema ħlewwa tas-sema kien jintilef. Darba minnhom kien riekeb il-ħmar, u kien jeħtieġ li jgħaddi minn Borgo San Sepolcro[536]. Billi hu kellu jieqaf jistrieħ f'ospizju tal-lebbrużi, kienu ħafna li saru jafu li kien għaddej minn hemm *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 5,14). L-irġiel u n-nisa bdew jiġru minn kullimkien biex jarawh, u kellhom ħerqa kbira biex jarawh u jmissuh bid-devozzjoni kif soltu kienu jagħmlu. U xi ngħidu? Bdew imissuh u jiġbduh, u xi wħud minnhom bdew jaqtgħulu biċċiet mit-tonka biex iżommuhom. Imma hu kien jidher li ma kien qiegħed iħoss xejn minn dak li kienu jagħmlulu, u ġismu kien qisu mejjet għal dak kollu li kien qiegħed jiġri madwaru. Meta ħallew warajhom Borgo San Sepolcro, wara ħafna ħin, qisu wieħed li kien ġej minn x'imkien fil-bogħod, dan il-bniedem li kien jikkontempla l-ħwejjeġ tas-sema *beda jistaqsi kollu mħasseb* (cfr. Dt 13,14) meta kellhom jaslu f'Borgo San Sepolcro. [LM X,2]

Kapitlu LXV
Dwar kif kien iġib ruħu wara t-talb.

[817] 99 Meta kien jiġi lura mit-talb privat tiegħu, li fih hu *kien jinbidel qisu fi bniedem ieħor* (cfr. 1Sam 10,6), kien ifittex li jaqbel f'kollox f'imġibtu ma' l-oħrajn, li ma jmurx jidher b'wiċċu

[535] Is-soltu San Franġisk kien isejjaħ "dubbien" il-flus, imma hawnhekk il-kelma għandha t-tifsira ta' dak kollu li jfixkel u jiffitta lill-bniedem, f'dan il-każ, id-distrazzjonijiet waqt it-talb.
[536] X'aktarx li dan l-episodju seħħ fi tmiem Settembru 1224, meta San Franġisk, li kien għadu kif irċieva l-istimmati, kien nieżel lura minn La Verna fi triqtu lejn Assisi.

jilma bid-dija, u hekk il-glorja tal-fama li kienet tneħħilu l-grazzja *li jkun irċieva* (cfr. Mt 25,16). Ta' spiss kien itenni lil dawk li kienu familjari miegħu: "Meta *l-qaddej ta' Alla* (cfr. 2Kron 24,9) fit-talb *iżuru l-Mulej* (cfr. Lq 1,68) b'xi konsolazzjoni ġdida, qabel ma joħroġ mit-talb, għandu *jerfa' ħarstu lejn is-sema* (cfr. Lq 18,13; Ġw 6,5), u filwaqt li jgħaqqad idejh ma' xulxin, għandu jgħid lill-Mulej: 'Mulej, inti għoġbok *tibgħat mis-sema* (cfr. 1Pt 1,12) dan il-faraġ u din il-ħlewwa *lili midneb* (cfr. Lq 18,13) li ma jistħoqqlix, u jiena issa nerġa' nagħtihielek lura, sabiex *inti terfagħhieli* (cfr. Ġen 27,36), għaliex jiena ħalliel tat-teżor tiegħek'. U għandu jgħid ukoll: 'Mulej, ħudli t-tjieba li tuża miegħi *f'din id-dinja* u erfagħhieli *fid-dinja li ġejja*'" (cfr. Ef 1,21). Kien jgħid: "Hekk irid iġib ruħu, b'tali mod li, meta joħroġ mit-talb juri ruħu hekk fqajjar u hekk midneb quddiem l-oħrajn, daqslikieku ma kien kiseb l-ebda grazzja ġdida". Kien jgħid ukoll: "Minħabba ħlas daqshekk ħafif jista' jiġrilna li nitilfu l-ġid ta' siwi bla tarf, u hekk nipprovokaw lil Dak li tahulna biex ma jagħtihulniex iżjed". Fl-aħħarnett kellu d-drawwa li jqum biex jitlob b'mod hekk moħbi u mingħajr ħoss, li l-ebda wieħed mill-aħwa ma kien iqum mill-irqad jew jintebaħ li hu mar biex jitlob. Meta filgħaxija kien jidħol biex jorqod, kien jagħmel ħafna ħsejjes u storbju biex kulħadd ikun jaf li kien sejjer jorqod. [LM X,4]

## Kapitlu LXVI
Dwar kif l-isqof li daħal fuqu waqt li kien qiegħed jitlob ma setax jitkellem.

[818] 100 San Franġisk darba minnhom kien qiegħed jitlob fil-post tal-Porziuncola, u ġara li ġie l-isqof ta' Assisi biex, kif kien soltu jagħmel, iżuru u jitkellem miegħu bil-familjarità. Dan malli daħal baqa' sejjer dritt mingħajr ma qagħad iqis xejn lejn iċ-ċella fejn kien il-qaddis mingħajr dan ma sejjaħlu, u wara li ħabbat fuq il-bieb u fetħu kien għoddu se jidħol. U ara, malli deffes rasu fiċ-ċella, intebaħ li l-qaddis kien qiegħed jitlob, u waqt li *inħakem minn rogħda* (cfr. Ġob 21,6), ħass il-membri ta' ġismu jibbiesu u saħansitra ma setax jitkellem. Dak il-ħin stess, *bir-rieda tal-Mulej* (cfr. Atti 21,14; S 50,20) b'qawwa kbira ġie mbuttat 'il barra, u ittieħed mhux ftit 'il bogħod miexi b'lura. Jiena naħseb li jew hu ma kienx jistħoqqlu li jassisti għal dak il-misteru, jew inkella Franġisku kien jixraqlu li jgawdi aktar fit-tul dik il-grazzja li kien irċieva. Mimli stagħġib l-isqof mar lura għand l-aħwa, u malli stqarr magħhom il-ħtija tiegħu kif seta', ma' l-ewwel kliem li ipprova jlissen reġa' nħall ilsienu. [CA 54; LM X,5]

## Kapitlu LXVII
Dwar kif wieħed abbati ħass fih il-qawwa tat-talb tiegħu.

[819] 101 Darba oħra l-abbati tal-monasteru ta' San Giustino fid-djoċesi ta' Perugia[537] iltaqa' ma' San Franġisk. Hu niżel malajr minn fuq iż-żiemel, u waqaf hemm għal ftit tal-ħin biex jitkellem miegħu dwar is-salvazzjoni ta' ruħu. Meta ġie biex jinfired minn miegħu, talbu bl-umiltà biex jitlob għalih. U San Franġisk wieġbu: "Sinjur, nitlob għalik bil-qalb kollha". L-abbati kien tbiegħed biss xi ftit minn San Franġisk meta l-qaddis qal lil sieħbu: "Ħija, stennieni ftit, għaliex jiena jeħtieġ nissoddisfa d-dejn dwar dak li wiegħedt lil dak l-abbati". Għax hu dejjem kellu din id-drawwa, li *ma jixħetx wara spallejh* (cfr. Is 38,17) it-talb għal min kien jitolbu, imma li *jwettaq*

---

[537] Dan il-monasteru Benedittin, imsejjaħ San Giustino Val d'Arno, fit-triq bejn Gubbio u Perugia, fis-sena 1237 għadda f'idejn it-Templari, b'konċessjoni tal-Papa Girgor IX. Dan l-abbati x'aktarx li kien ta l-art biex jinbena l-kunvent Franġiskan ta' Farneto, qrib ħafna ta' San Giustino.

*mall-ewwel il-wegħda* (cfr. Prov 25,14) li jkun għamel. U filwaqt li l-qaddis kien qiegħed jitlob lil Alla, dak l-abbati *ħass* fih bħal sħana u ħlewwa *fl-ispirtu* (cfr. Rum 8,5) tiegħu li qatt ma kien ħasshom qabel, hekk li *inħataf f'estasi* (cfr. Atti 11,5), u kien jidhirlu li donnu se jħossu ħażin. Waqaf għal ftit tal-ħin, u *meta reġa' ġie f'tiegħu* (cfr. Lq 15,17) għaraf il-qawwa tat-talb ta' San Franġisk. Għalhekk beda jħoss imħabba dejjem aktar lejn l-Ordni, u irrakkonta lil bosta nies dan il-fatt bħala miraklu. Dawn huma r-rigali żgħar li jixraq li jagħtu lil xulxin il-qaddejja ta' Alla; dan hu l-mod li jixraq li lilhom *biex ikunu qalb waħda filli jagħtu u jirċievu* (cfr. Fil 4,15). Dik l-imħabba qaddisa, li xi mindaqqiet tissejjaħ imħabba spiritwali, hi kuntenta bil-frott tat-talb; l-imħabba ftit tagħti kas tar-rigali foqra li tista' tagħti d-dinja. Nemmen li hi l-istess imħabba qaddisa li tgħin lil wieħed biex imbagħad ikun megħjun fit-taqbida ta' l-ispirtu, li tirrikmandah biex jiġi irrikmandat *quddiem it-tribunal ta' Kristu* (cfr. 2Kor 5,10). Imma f'liema grad għoli ta' talb taħseb li kien jinsab dak li, għall-merti tiegħu, irnexxielu jagħmel li bniedem ieħor jitla' daqshekk fil-għoli? [CA 76; LM X,5]

Dwar kif il-qaddis kellu l-għarfien tal-Kotba mqaddsa u dwar il-qawwa tal-kliem tiegħu.

Kapitlu LXVIII
Dwar l-għarfien u l-memorja tiegħu.

[820] 102 Għalkemm dan il-bniedem qaddis ma kienx tħarreġ fl-istudju tax-xjenzi qaddisa, hu kien jagħraf *l-għerf li ġej minn Alla* (cfr. Kol 3,2; Ġak 1,17), u imdawwal bid-dija eternal kellu għarfien għoli ta' l-Iskrittura. Bl-intelligenza tiegħu ħielsa minn kull tebgħa, kien jidħol fil-fond *tal-misteri moħbija* (cfr. Kol 1,26), u dak li jibqa' barra mill-għarfien ta' l-imgħallmin, kien jidħol fl-affett tal-maħbub. Xi mindaqqiet kien jaqra l-Kotba mqaddsa, u dak li kien idaħħal f'moħħu imqar darba waħda biss, kien *jiktbu f'qabu* (cfr. Rum 2,15; 2 Kor 3,2) b'mod li ma jitħassarx. Għalih il-memorja kienet tieħu post il-kotba[538], għaliex dak li widnejh kienu jisimgħu u jilqgħu mhux għalxejn, kien imbagħad jimmeditah bid-devozzjoni fl-affett tiegħu. B'dan il-mod kien jgħid li kien jifhem u jaqra bl-uniku mod li jagħti frott, u mhux billi jikkonsulta eluf ta' trattati. Kien iqis li l-filosofu veru hu dak li ma jqiegħed xejn qabel ix-xewqa tal-ħajja ta' dejjem. Kien ukoll isostni li jista' jasal bil-ħeffa mix-xjenza tal-bnedmin għall-*għarfien ta' Alla* (cfr. Prov 2,5) dak li jifhem l-Iskrittura bl-umiltà u mhux bit-tfittix bir-reqqa tal-preżunzjoni. Ta' spiss kien iħoll bi ftit kliem kwestjonijiet dubji dwar l-Iskrittura, u għalkemm *mhux imħarreġ fil-kelma* (cfr. 2Kor 11,6) kien juri l-għarfien u l-qawwa li jidħol fil-ġewwieni tal-misteri. [LM I,1]

Kapitlu LXIX
Dwar kif wieħed mill-Patrijiet Predikaturi talbu jispjegalu xi kliem profetiku.

[821] 103 Meta kien jgħix ħdejn Siena, wasal hemmhekk patri mill-Ordni tal-Predikaturi[539], *raġel spiritwali* (cfr. Ħos 9,7) ħafna u duttur tat-tejoloġija mqaddsa. Dan mar iżur lill-imqaddes

---

[538] *Memoriam pro libris habebat.* Frażi li Tommaso da Celano ħadha mill-*Vita Sancti Antonii Abbatis,* miktuba minn Sant'Atanasju (*Patrologia Latina* 73,128).
[539] San Franġisk kien jinsab fi Siena f'April 1226, ftit xhur qabel ma miet. Dan it-tejologu kien patri Dumnikan, ġej appuntu mill-*Ordo Praedicatorum,* Ordni tal-Predikaturi, imwaqqaf minn San Dumniku Guzman, kontemporanju ta' San Franġisk.

Franġisku, filwaqt li hu u l-qaddis bdew jiddiskutu bil-ħeġġa *l-kelma ta' Alla* (cfr. Ġw 3,34). Dan l-imgħallem allura għamillu mistoqsija dwar silta minn Eżekjel, li fiha dawn il-kelmiet: *Jekk inti ma ċċanfarx lill-ħażin għall-ħażen tiegħu, jiena nitlob kont ta' ruħu minn idejk* (cfr. Eżek 3,18). U staqsieh: "Missier twajjeb, jiena naf bosta li għalkemm naf li jinsabu fid-dnub il-mejjet, imma mhux dejjem inċanfarhom għall-ħażen tagħhom. Dan ifisser li jiena jkolli nagħti kont ta' ruħhom?" Għal din il-mistoqsija l-imqaddes Franġisku wieġeb li ma kellux tagħlim, u li aktar kien jeħtieġ li jitgħallem minnu milli li jgħallmu, billi hu kien jaf iwieġeb għall-kliem ta' l-Iskrittura. Dan it-tejologu bl-umiltà reġa' tennielu: "Ħija, għalkemm jiena smajt l-ispjega ta' dawn il-kelmiet minn fomm xi tejoloġi għorrief, imma nixtieq ħafna li nkun naf inti x'taħseb dwarhom". L-imqaddes Franġisku qallu: "Jekk dawn il-kelmiet trid tifhimhom b'mod ġenerali, jiena hekk nispjegahom, jiġifieri li *l-qaddej ta' Alla* (cfr. Dan 6,20) jrid ikun tant *imħeġġeġ* fil-ħajja u fil-qdusija, li *bid-dawl ta' l-eżempju ta' ħajtu* (cfr. Ġw 5,35; 1Tim 4,12) u bi kliemu jkun jista' jċanfar lill-ħżiena kollha. Naħseb li, b'dan il-mod, id-dija tal-ħajja tiegħu u l-fwieħa tal-fama tiegħu, ikunu ta' ċanfira għal kulħadd u *jħabbrulhom il-ħażen* (cfr. Eżek 3,19) tagħhom". Dak il-bniedem baqa' ħafna edifikat u qabel telaq minn hemm qal lil sħab l-imqaddes Franġisku: "L-aħwa, it-tejoloġija ta' dan il-bniedem, li għandha qawwa kbira fis-sempliċità ta' ħajtu u fil-kontemplazzjoni tiegħu, *ittir qisha ajkla* (cfr. Ġob 9,26); filwaqt li l-għarfien u r-raġunamenti tagħna *jitkaxkru għal żaqqhom ma' l-art*" (cfr. Ġen 1,20.22; 3,14). [CA 35-36; LM XI,2; SP 53]

Kapitlu LXX
Dwar l-ispjegazzjoni li ta lil wieħed kardinal li staqsieh.

[822] 104 Darba oħra meta kien jinsab Ruma, fid-dar ta' wieħed mill-kardinali, dan staqsieh spjegazzjoni fuq xi siltiet mhux ċari ta' l-Iskrittura, u hu *ħareġ għad-dawl* (cfr. Għerf 6,24) dawk il-misteri profondi, hekk li wieħed seta' jqis li hu kien dejjem għex fil-qalba ta' l-Iskrittura. Is-sinjur kardinal qallu: "Jiena minix se nistaqsik bħala bniedem ta' skola, imma bħala bniedem *li fih jgħammar l-Ispirtu ta' Alla* (cfr. 1Kor 7,40). Għaldaqstant jiena nilqa' bil-qalb is-sens tat-tweġiba tiegħek, għaliex jiena naf li *din ħierġa biss minn Alla*" (cfr. Ġw 15,26; Mt 4,4).

Kapitlu LXXI
Dwar kif wieħed mill-aħwa ħeġġu għall-qari ta' l-Iskrittura.

[823] 105 Meta Franġisku kien marid u mimli uġiegħ ma' ġismu kollu, wieħed mill-aħwa qallu: "Missier, inti dejjem sibt faraġ fl-Iskrittura, u dejjem sibt fiha rimedju għat-tbatijiet tiegħek. Nitolbok, għaldaqstant, ħallini naqralek xi siltiet mill-profeti; forsi *l-ispirtu tiegħek jifraħ fil-Mulej*" (cfr. Lq 1,47). U l-qaddis wieġbu: "Hi ħaġa tajba li wieħed jaqra x-xhieda ta' l-Iskrittura, u hi ħaġa tajba li fil-Kotba mqaddsa nfittxu lill-Mulej Alla tagħna. Imma jiena, ngħid għalija, tant jiena midħla ta' l-Iskrittura, li issa għandi aktar milli neħtieġ għall-meditazzjoni u r-riflessjoni tiegħi. Ibni, jiena ma għandix bżonn ta' aktar minn hekk, għaliex *jiena naf lil Kristu* fqir *u msallab*" (cfr. 1Kor 2,2). [CA 79]

Kapitlu LXXII
Dwar ix-xwabel li fra Pacifico ra jiddu fuq il-ġisem ta' San Franġisk.

[824] 106 Fil-Marca ta' Ancona kien jgħix wieħed sekular, li kien nesa s-salvazzjoni tiegħu u ma kienx jagħraf lil Alla, u li kien mogħti kollu kemm hu għall-frugħa. Kien magħruf bħala *Re dei versi*, għaliex kien l-aktar wieħed famuż fost il-kantanti ta' għanjiet fiergħa, u kien hu stess awtur ta' bosta għanjiet tad-dinja. Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li l-glorja tad-dinja tant ienet għamlitu magħruf lil dan il-bniedem, li l-istess imperatur kien inkurunah bl-aktar mod solenni[540]. U waqt li *kien miexi* f'dan il-mod *fid-dlam* (cfr. Ġw 8,12) u kien *ikaxkar warajh il-qerq fix-xbiek tal-frugħat* (cfr. Is 5,18), it-tjieba divina, imqanqla biex tħenn għal dak l-imsejken, *ħasbet* li ssejjaħlu lura, *li ma jmurx jibqa' mixħut għal tulu fl-art u jintilef* (cfr. 2Sam 14,14). Skond ir-rieda tal-*providenza* divina, *iltaqgħu* (cfr. Għerf 6,7) l-imqaddes Franġisku u hu f'monasteru ta' nisa verġni fqajrin *recluse*[541]. Il-missier imqaddes kien mar hemmhekk flimkien ma' xi aħwa biex iżur lil dawk l-ulied xbejbiet; filwaqt li l-ieħor kien ġie hemmhekk mid-dar ta' xi ħadd jiġi minnu flimkien ma' bosta ħbieb.

*L-id ta' Alla niżlet* (cfr. S 79,18) fuqu, u bl-għajnejn tal-ġisem ra lil San Franġisk immarkat taħt għamla ta' salib b'żewġ xwabel, imqiegħdin waħda kontra l-oħra, u jiddu bid-dija. Waħda kienet tasal mir-ras sar-riġlejn, u l-oħra minn id għal oħra u taqsam quddiem sidru. Hu nnifsu ma kienx jafu lill-imqaddes Franġisku, imma wara li intwerielu dan il-miraklu, għarfu mall-ewwel. Malli rah minnufih baqa' mistagħġeb u beda jagħmel proponiment li jgħix ħajja aħjar, għalkemm dan ried jagħmlu fil-ġejjieni. Imma l-missier qaddis, meta beda jippriedka quddiem kulħadd, nifed lil dak ir-raġel *bix-xabla tal-kelma ta' Alla* (cfr. Lhud 4,12). Imbagħad ħadu f'post imwarrab, u bil-ħlewwa beda jwissieh dwar il-frugħa u l-istmerrija tad-dinja, u fl-aħħarnett nifidlu qalbu meta kellmu dwar il-ħaqq divin. Dak, mingħajr ma qagħad jistenna, qallu: "Xi bżonn hemm li żżid kliem ieħor? Ejjew niġu għall-fatti. Warrabni minn qalb il-bnedmin u erġa' agħtini lura lill-Imperatur il-Kbir!" L-għada l-qaddis libbsu t-tonka, u semmieh fra Pacfico[542], billi treġġa' lura għas-*sliem tal-Mulej* (cfr. Is 26,12; S 84,9). Il-konverżjoni tiegħu kienet ta' edifikazzjoni kbira għal bosta, l-aktar għaliex sħabu fil-frugħa kienu folla.

Billi kien igawdi l-kumpanija tal-missier imqaddes, fra Pacifico beda jħoss ħlewwiet kbar li qatt ma kien ħasshom qabel. Għax hu darba oħra ra dak li kien moħbi għall-oħrajn. Ftit wara hu ra *sinjal* kbir *tat-Tau fuq il-ġbin* (cfr. Eżek 9,4; Apk 7,3) ta' l-imqaddes Franġisku[543], li kien imdawwar b'ċirki ta' lwien diversi, u kien donnu jixbaħ is-sbuħija tal-pagun. [3C 3; LM IV,9]

Kapitlu LXXIII

---

[540] Dan il-persunaġġ kien Pacifico, *Re dei versi*. L-imperatur li inkurunah kien Federiku II ta' Svevia, għalkemm ma nafux eżattament x'kienet din l-"inkurunazzjoni"; forsi xi titlu ta' ġieħ?

[541] Dan kien il-monasteru tal-Klarissi ta' San Salvatore in Colpersito, qrib San Severino Marche. Cfr. 1C 78. Il-kelma *recluse* tindika nisa verġni "magħluqin ġewwa", appuntu sorijiet tal-klawsura.

[542] Pacifico kien twieled f'Lisciano d'Ascoli, u qabel ma daħal fl-Ordni kien jismu Guglielmo Divini. Miet fi Franza fl-1236.

[543] It-*Tau* hi ittra ta' l-alfabet grieg u lhudi li għandha l-għamla ta' salib. Fl-Iskrittura tissemma espliċitament f'Eżekjel 9,4 u tidher bħala s-siġill ta' Alla l-ħaj f'Apokalissi 7,3. Meta l-Papa Innoċenz III ta bidu għall-Konċilju tal-Lateran IV fil-11 ta' Novembru 1215, u ippriedka b'dawn il-kliem: "It-*Tau* hi l-aħħar ittra ta' l-alfabet ebrajk. Min iġorr dan is-siġill fuq ġbinu diġà qiegħed l-għemil tiegħu taħt il-qawwa tas-salib" (*Patrologia Latina* 217,675).

Dwar il-qawwa tal-kliem tiegħu u x-xhieda li ta dwaru wieħed tabib.

[825] 107 Franġisku, l-predikatur ta' l-Evanġelju, meta kien jippriedka lil nies bla skola, kien juża kliem sempliċi u materjali, għaliex kien jaf li l-virtù hi għemil aktar meħtieġ mill-kliem. Imma fost persuni spiritwali u aktar mgħallmin hu kien ifittex kliem profond mill-qalb, li kapaċi jagħti l-ħajja. Bi ftit kliem kien ifisser dak li mhux faċli tesprimih, u filwaqt li kien jgħaqqad flimkien ġesti u movimenti mħeġġin daqs in-nar, kien jaħtaf lil kull min jisimgħu u jtellgħu fis-sema. Ma kienx jinqeda bil-metodu tad-distinzjonijiet, għaliex hu ma kienx jagħti ordni lid-diskorsi tiegħu, u ma kienx jippjanahom hu. *Għal-leħen tiegħu kien jagħti leħen ta' qawwa* (cfr. S 67,34) vera *bil-virtù u l-qawwa ta' Kristu* (cfr. 1Kor 2,1.5). Wieħed tabib, li kien persuna edukata u jaf jitkellem, darba minnhom qal: "Għalkemm jiena niftakar kelma b'kelma l-priedki ta' l-oħrajn, imma dak li San Franġisk jgħid fil-ħeġġa ta' l-ispirtu tiegħu jaħrabli. U jekk nipprova nżomm xi kliem fil-memorja tiegħi, ma jidhirlix li jkunu l-istess kliem li qabel *qattru minn xufftejh*" (cfr. Għan 4,11; 5,13).

Kapitlu LXXIV
Dwar kif bil-qawwa tal-kliem tiegħu fra Silvestro keċċa x-xjaten minn Arezzo.

[826] 108 *Il-kliem* ta' Franġisku mhux biss kienu mimlijin bil-qawwa, meta kienu joħorġu minn fommu, imma talli wkoll meta kienu jingħadu permezz ta' ħaddieħor, *ma kienux jiġu lura vojta* (cfr. Is 55,11). Ġara li jum fost l-oħrajn hu wasal fil-belt ta' Arezzo, filwaqt li *l-belt kollha* (cfr. Mt 8,34) kienet ta' taħt fuq minħabba l-ġlied bejn iċ-ċittadini tagħha, u kienet tidher li dalwaqt tinqered. Il-bniedem ta' Alla sab il-kenn f'raħal barra mill-belt, u fuqha beda jilmaħ ix-xjaten jaqbżu bil-ferħ, filwaqt li kienu jkesksu lin-nies tagħha biex jeqirdu wieħed lill-ieħor. Għalhekk hu sejjaħ lil fra Silvestro, *raġel ta' Alla* (cfr. 1Sam 9,7) ta' sempliċità mill-aktar magħrufa, *u ikkmandah u qallu* (cfr. Ġen 28,1): "Mur quddiem il-bieb tal-belt, u min-naħa ta' *Alla li jista' kollox* (cfr. Għerf 7,25) ordna lix-xjaten biex *joħorġu 'l barra mill-belt* (cfr. Mt 10,11) mill-aktar fis!" Dak mar iħaffef bis-sempliċità qaddisa u bl-ubbidjenza, *u wara li infexx fit-tifħir quddiem wiċċ il-Mulej* (cfr. S 94,2), *beda jgħajjat bil-qawwa* (cfr. Dan 3,4) quddiem il-bieb u jgħid: "Min-naħa ta' Alla u bil-kmand tal-missier tagħna Franġisku, issa stess, intom xjaten kollha, oħorġu u morru 'l bogħod minn hawn!" U ftit tal-ħin wara l-belt reġgħet bdiet tgħix fis-sliem, u ċ-ċittadini bdew iħarsu d-drittijiet ta' xulxin b'kalma kbira. Aktar tard, meta l-imqaddes Franġisku kien qiegħed jippriedkalhom, fil-bidu tal-priedka tiegħu qalilhom: "Qiegħed inkellem lilkom bħala persuni li għamiltu żmien taħt il-ħakma u l-jasar tax-xjaten. Imma jiena naf li intom ġejtu meħlusa minnhom għat-talb ta' bniedem fqajjar". [CA 108; LM VI,9]

Kapitlu LXXV
Dwar il-konverżjoni ta' l-istess fra Silvestro, u dwar dehra li hu kellu.

[827] 109 Naħseb li hi ħaġa xierqa li ngħidu xi ħaġa hawnhekk dwar il-konverżjoni ta' dan fra Silvestro, u dwar kif ġie mqanqal mill-Ispirtu biex jidħol fl-Ordni. Silvestro kien qassis sekulari tal-belt ta' Assisi, li minn għandu darba minnhom *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 1,10) kien xtara xi ġebel biex isewwi knisja. F'dawk il-ġranet dan kien ra lil fra Bernardo, li wara *l-qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34) kien l-ewwel xitla ta' l-Ordni tal-Minuri, u li kien *ħalla warajh ġidu kollu u qassmu*

*lill-foqra* (cfr. Mt 19,21.29). Hu imtela' bil-kilba tal-ġid, u mar jilminta mal-bniedem ta' Alla dwar dawk il-ġebel, li ftit taż-żmien qabel kien biegħlu, u qallu li ma kienx ħallsu biżżejjed tagħhom. Franġisku beda jitbissem, għaliex ra r-ruħ ta' dak il-qassis imniġġsa bil-velenu tax-xeħħa. Imma billi xtaq li, b'xi mod, itaffi dik il-kilba misħuta, xeħetlu kemxa flus ġmielha f'idejh, mingħajr ma qagħad jgħoddhom. Il-qassis Silvestro feraħ għal dawk il-flus li qala', imma aktar beda jammira l-qalb ġeneruża ta' dak li tahomlu. Meta reġa' lura d-dar, beda jaħseb fuq li jaħseb dwar dak li ġara, u beda jċanfar lilu nnifsu ta' kemm *kien iħobb id-dinja* (cfr. 1Ġw 2,15), għad li kien raġel imdaħħal fiż-żmien, filwaqt li dak iż-żagħżugħ kien jistmerr kollox b'dak il-mod. Issa li kien *imtela' bil-fwieħa tajba* (cfr. 2Kor 2,15), Kristu fetaħlu s-sider tiegħu mimli ħniena.

Urieh *waqt dehra* (cfr. Atti 18,9) kemm kienu jiswew l-għemejjel ta' Franġisku, u kemm kienu jiddu b'qawwa ta' l-għaġeb quddiemu, u kemm id-dija tagħhom kienet timla d-dinja kollha. *Waqt il-ħolm ra* salib tad-deheb ħiereġ minn fomm Franġisku, li l-quċċata *tiegħu kienet tmiss is-sema* (cfr. Ġen 28,12), filwaqt li d-dirgħajn tiegħu kienu jinfirxu biex iħaddnu fihom id-dinja kollha ta' madwar. Il-qassis *tnikket għal dik id-dehra* (cfr. Sir 40,7), warrab minnu kull imġieba ta' ħsara, *ħalla d-dinja* (cfr. Ġw 16,28), u sar imitatur perfett tal-*bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 5,14). Hekk beda jgħix ħajja perfetta fi ħdan l-Ordni, u temmha bl-aktar mod perfett bil-grazzja ta' Kristu. Imma għaliex nistagħġbu li Franġisku deher imsallab, hu li dejjem kien ħaġa waħda mas-salib? Mhix ħaġa tassew ta' l-għaġeb li s-salib tant kellu għeruq fil-ġewwieni tiegħu, li hu wettaq ħwejjeġ kbar, u li *bħal minn art tajba* (cfr. Mt 13,8,23) nibbet il-fjuri, il-weraq u l-frott ta' l-għaġeb[544]? Xejn aktar ma seta' jinbet minn din l-art, issa li s-salib glorjuż sa mill-bidunett kien għamilha kollha kemm hi tiegħu. Imma ejja nerġgħu lura għall-argument li konna qegħdin nitrattaw. [AP 12-13; L3C 30-31; 3C 3; LM III,5; Fioretti 2]

Kapitlu LXXVI
Dwar kif wieħed mill-aħwa ġie meħlus mill-attakki tax-xitan.

[828] 110 Wieħed mill-aħwa kien ilu għal żmien twil imħabbat b'mod serju minn tentazzjoni ta' l-ispirtu, li hi aktar fina u qerrieda minn dik li tqanqal il-ġisem. Fl-aħħarnett mar quddiem San Franġisk, *inxteħet f'riġlejh* (cfr. Mt 15,30) bl-umiltà. Imma billi infaqa' f'bikja kbira u ta' mrar, ma seta' jlissen l-ebda kelma, għaliex kien qiegħed jolfoq il-ħin kollu. Il-missier ġietu ħniena minnu, u billi fehem li kien maħkum minn tqanqil li ġej mill-ħażin qallu: "*Jiena nordnakom* (cfr. Ġw 15,14), ja xjaten, *bil-qawwa ta' Alla* (cfr. 1Kor 2,5), biex mil-lum 'il quddiem ma tibqgħux iġġarrbu aktar lil dan ħija kif għamiltu sa issa". Dak il-ħin stess *inħallet dik id-dalma* (cfr. 2Pt 2,17), u dak qam meħlus, u qatt aktar ma ħass tiġrib ieħor, daqslikieku hu qatt ma kellu tiġrib bħal dak.

---

[544] Celano qiegħed jikkwota versett mill-innu liturġiku tal-Passjoni ta' Venanzio Fortunato *Pange lingua gloriosi, proelium certaminis*, li fih dawn il-kelmiet: *Nulla talem silva profert, fronde, flore, germine*.

Kapitlu LXXVII
Dwar il-ħanżira selvaġġa li gidmet u qatlet ħaruf.

[829] 111 Jidher ċar f'postijiet oħrajn li l-kelma tiegħu kellha qawwa ta' l-għaġeb ukoll fuq il-bhejjem[545]. Imma hawn ħa nsemmu ġrajja li tinsab f'idejja. *Il-qaddej ta' l-Aktar Għoli* (cfr. Atti 16,17) kien milqugħ lejl minnhom fil-monasteru ta' San Verecondo, fid-djoċesi ta' Gubbio[546], u f'dak il-lejl nagħġa welldet ħaruf. F'dan il-post kien hemm ħanżira selvaġġa u mill-aktar qalila, li ma uriet l-ebda ħniena għall-ħajja ta' dak il-ħaruf bla ħtija, u qatlitu billi gidmitu b'mod feroċi. Malli n-nies *qamu l-għada filgħodu* (cfr. Mk 16,9) sabu lil dak il-ħaruf mejjet, u *intebħu li tassew* (cfr. Ġw 17,8) kienet ħatja ta' dak il-ħażen dik il-ħanżira selvaġġa. Malli l-missier qaddis sema' dan kollu, hu tqanqal ħafna, u filwaqt li ftakar fil-Ħaruf l-ieħor, beda jibki minħabba dak il-ħaruf mejjet, u *quddiem kulħadd qal* (cfr. Gal 2,14): "Miskin, ħija ħaruf, annimal innoċenti, u sinjal dejjem meħtieġ għall-bnedmin. *Tkun misħuta* (cfr. Ġob 24,18) dik il-kattiva li qatlitek, u ħadd *ma jiekol mil-laħam tagħha* (cfr. Ġen 3,17), la bnedmin u lanqas bhejjem!" Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! Dik il-ħanżira misħuta bdiet timrad mill-ewwel, u wara li ħallset għall-ħtija tagħha bi tlitt ijiem ta' tbatija, fl-aħħar ħakmitha l-vendetta tal-mewt. Xeħtuha fil-foss tal-monasteru, fejn damet żmien twil, u nixfet u ibbieset daqs injama, hekk li l-ebda mġewwaħ ma kiel mil-laħam tagħha. [LM VIII,6]

Kontra l-familjarità man-nisa.

Kapitlu LXXVIII
Dwar kif l-aħwa għandhom jaħarbu l-familjarità man-nisa, u dwar kif għandhom jitkellmu magħhom.

[830] 112 Kien jikkmanda lill-aħwa biex jevitaw il-velenu ħelu daqs l-għasel tal-familjarità man-nisa li *jwassal fl-iżball saħansitra* (cfr. Mt 24,24) l-irġiel qaddisa. Għax hu kien jibża' li r-ruħ dgħajfa malajr tinqasam u dik f'saħħitha ta' spiss *tiddgħajjef fl-ispirtu* (cfr. Eżek 21,7). Kien itenni li, ħlief fil-każ ta' *raġel li jkun mill-aktar jiflaħ għat-tiġrib* (cfr. Ġak 1,12), li wieħed joqgħod jitkellem b'mod familjari man-nisa mingħajr ma jintmess minn din il-familjarità hu faċli daqskemm, kif tgħid l-Iskrittura, *timxi fuq in-nar mingħajr ma taħraq riġlejk* (cfr. Prov 6,28). U biex juri bil-fatti dak li kien qiegħed jgħid, kien *juri lilu nnifsu bħala eżempju* (cfr. Tit 2,7) ta' kull virtù. Ir-relazzjoni man-nisa fil-fatt tant kienet għalih okkażjoni ta' tħassib, li wieħed seta' jaħseb

---

[545] Cfr. 2C 167-171; 1C 56-61.

[546] Din kienet l-abbazija Benedittina ta' San Verecondo, illum Vallingegno, qrib Gubbio. Dan l-istess fatt jissemma fil-*Legenda de Passione Sancti Verecundi militis et martyris* (Leggenda di San Verecondo), miktuba minn awtur anonima fit-tieni nofs tas-seklu XIII (*Fonti Francescane* 2249-2251). Cfr. M. Faloci-Pulignani, "San Francesco e il monastero di San Verecondo", *Miscellanea Franciscana* 10 (1906). Din ix-xhieda dokumentarja, wara r-rakkont tal-martirju ta' San Verecondo, titkellem dwar San Franġisk: "Fost ġrajjiet aktar reċenti, l-imqaddes Franġisku fqajjar diversi drabi kien jitlob li jsib kenn fil-monasteru ta' San Verecondo. L-abbati u l-irħieb kienu jilqgħuh b'delikatezza u devozzjoni kbira. Hawnhekk seħħ il-miraklu tal-ħanżira selvaġġa li kienet ħatja li qatlet ħaruf". Dan il-monasteru ta' San Verecondo, minkejja li hawnhekk isir tifħir ta' l-ospitalità ta' l-irħieb Benedittini lejn San Franġisk, kien l-istess post fejn il-qaddis, fil-bidunett tal-konverżjoni tiegħu, wara li ċaħad għal ġidu quddiem l-isqof ta' Assisi, fi triqtu lejn Gubbio, talab kenn, imma ġiet mħolli nofsu għeri u bil-ġuħ fil-kċina, sakemm kellu jitlaq lejn Gubbio għand ħabibu Federico Spadalunga.

li hu ma riedx biss jagħti eżempju ta' attenzjoni, imma saħansitra ta' biża' u twerwir[547]. Meta l-ħafna kliem żejjed tagħhom kien jagħti okkażjoni ta' ġlied, hu kien jipprova jwassal għas-skiet permezz ta' *kliem imqassar* (cfr. Rum 9,28) u umli, u billi *jħares 'l isfel lejn l-art* (cfr. Dan 10,15). Drabi oħrajn kien *jerfa' ħarstu lejn is-sema* (cfr. Atti 7,55), biex donnu jara kif se jniżżel minn hemm dak li ried iwieġeb *lil dawk ta' ħafna tpaċpiċ* (cfr. Is 29,4). Imma lil dawk li kienu għamlu mir-ruħ tagħhom il-post fejn jgħammar il-għerf mad-devozzjoni qaddisa u mimlija perseveranza, kien iwissihom bi kliem meqjus imma ta' l-għaġeb. Meta kien jitkellem ma' xi mara, kien jitkellem b'leħen għoli, hekk li kulħadd seta' jisimgħu. Darba minnhom stqarr ma' sieħbu: "Nistqarrlek fis-sewwa, ħija l-aktar għażiż, li kieku kelli nħares lejn l-uċuħ tan-nisa, nagħraf biss tnejn. Ta' dawn jiena naf il-bixra tal-wiċċ, imma ta' l-oħrajn le"[548]. Din hi ħaġa mill-aħjar, missier, għaliex li wieħed iħares lejn in-nisa mhux okkażjoni ta' tqaddis; u nirrepeti li hi ħaġa mill-aħjar, għaliex il-preżenza tagħhom ma ġġib l-ebda vantaġġ, imma ħafna ħsara u ħela ta' żmien. Dawn huma ħwejjeġ li huma ta' tfixkil għal min irid jaffronta bil-kuraġġ vjaġġ iebes u jikkontempla *l-wiċċ mimli bil-grazzji* (cfr. Est 15,17). [LM V,5]

## Kapitlu LXXIX
Parabbola kontra l-ħars lejn in-nisa.

[831] 113 Hekk kien soltu *jolqot u jħawwad* (cfr. 1Kor 13,12; S 118,120) lil min ma kienx safi fil-mod kif iħares. "Kien hemm sultan twajjeb imma qawwi li bagħat żewġ messaġġiera għand is-sultana, wieħed wara l-ieħor. L-ewwel wieħed reġa' lura u qallu x'kienet it-tweġiba tagħha biss, billi hu *kellu għajnejn ta' għaref* (cfr. Qoħ 2,14) u ma kienx ixerridhom 'l hawn u 'l hemm. Reġa' lura l-ieħor u, wara li ta t-tweġiba qasira tas-sultana, beda jintilef f'ħafna tifħir dwar is-sbuħija tagħha: 'Sinjur, tassew li jiena rajt mara mill-isbaħ. Hieni hu dak li jgawdiha'. U s-sultan wieġbu: 'Ja *qaddej ħażin* (cfr. Mt 18,32) kif ażżardajt tixħet għajnejk mhux safja fuq il-mara tiegħi? Jidher ċar li ridt tagħmel tiegħek lil dik li int ħarist lejha daqshekk fit-tul'. Imbagħad sejjaħ lill-ewwel wieħed u staqsih: 'X'jidhirlek mis-sultana?' U dak wieġbu: 'Mara mill-aħjar, għax qagħdet tismagħni bil-qalb, u weġbitni bil-għerf'. U s-sultan tennielu: 'U x'jidhirlek minn sbuħitha?' Hu wieġbu: 'Sinjur tiegħi, dik affari tiegħek; jiena kelli biss id-dmir li ngħidilha kliemek'. Hekk is-sultan ta l-ħaqq tiegħu u qal: 'Int, li għandek ħarstek safja, u inti aktar safi f'ġismek, ibqa' fil-palazz tiegħi. Imma l-ieħor jitlaq 'il barra minn dari, li ma jmurx iniġġisli s-sodda tat-tieġ tiegħi'". U l-missier qaddis kien jgħid: "Meta wieħed ikun żgur iż-żejjed tiegħu nnifsu, ikun inqas prudenti quddiem l-għadu tiegħu. Jekk ix-xitan ikun jista' jieħu għalih imqar xahra waħda biss ta' raġel, malajr jirnexxielu jagħmel minnha travu. U ma jehdiex ukoll jekk għal żmien twil ma jirnexxilux iwaqqa' lil dak li jkun irid iġarrab, sakemm dan fl-aħħar iċedi. Għax din hi l-ħidma tiegħu, u lejl u nhar ma jaħdimx ħlief biex iwettaq dan". [CA 37; LM V,5; SP 86]

---

[547] Din hi ċertament preżentazzjoni pessimista ta' tip axxetika medjevali li kienet komuni fl-aġjografija, imma li naturalment hi aktar ħolqien ta' Tommaso da Celano milli ta' għażla kuxjenti ta' San Franġisk. Nafu li, fil-fatt, kellu relazzjonijiet pożittivi u qaddisa ma' nisa fil-ħajja tiegħu. Biżżejjed insemmu lil Santa Klara u lil Donna Jacopa dei Settesoli.

[548] Dawn iż-żewġ nisa x'aktarx li kienu Santa Klara u Donna Jacopa dei Settesoli.

Kapitlu LXXX
Eżempju tal-qaddis kontra l-familjarità żejda.

[832] 114 Ġara darba minnhom li San Franġisk kien sejjer lejn Bevagna, imma minħabba li kien dgħajjef ħafna għax kien sajjem ma setax jasal f'dak il-kastell. Sieħbu mela, bagħat jistaqsi bl-umiltà lil waħda sinjura devota u spiritwali biex tibgħat ftit ħobż u nbid għall-qaddis[549]. Dik, malli semgħet x'kellu bżonn, bħala verġni ikkonsagrata lil Alla, ħarġet tiġri għand il-qaddis, u ġabitlu dak li kien jeħtieġ. Meta l-qaddis kien kiel u reġa' ħa saħħtu lura, *min-naħa tiegħu* (cfr. Est 9,1) lil dik ommu u bintu beda jmantniha *bil-kelma ta' Alla* (cfr. Lq 4,4). Imma waqt li kien jippriedkalha, qatt *ma ħares lejn wiċċha* (cfr. S 83,10). Meta telqu minn hemmhekk, sieħbu qallu: "Ħija, għaliex ma ħaristx lejn dik il-verġni qaddisa, li ġiet għandek b'tant devozzjoni?" U l-missier wieġbu: "Min ma għandux jibża' li jħares lejn l-għarusa ta' Kristu? Jekk imbagħad wieħed jippriedka lill-oħrajn ukoll bl-għajnejn u bil-bixra tal-wiċċ, hi min-naħa tagħha setgħet tħares sewwa lejja, imma ma kienx hemm għalfejn inħares jiena lejha". Ta' spiss, meta kien jitkellem dwar dawn l-affarijiet, kien itenni li kull djalogu man-nisa hu fieragħ, ħlief fil-każ tal-qrar, jew, meta jkun meħtieġ xi parir mill-aktar qasir. U kien ukoll jgħid: "Dwar xhiex għandu jitkellem il-patri Minuri ma' xi mara, jekk mhux dwar il-penitenza jew dwar parir ta' ħajja aktar perfetta, meta din titolbu dan bil-qima kollha?" [CA 37; LM V,5; SP 86]

Dwar it-tentazzjonijiet li kellu l-qaddis.

Kapitlu LXXXI
Dwar it-tentazzjonijiet tal-qaddis u kif rebaħ fuq waħda minnhom.

[833] 115 Filwaqt li San Franġisk kiber dejjem aktar fil-merti, beda jikber ukoll in-nuqqas ta' qbil mas-*serp tal-qedem* (cfr. Apk 12,9). Aktar ma kienu *kbar il-kariżmi* (cfr. 1Kor 12,31) tiegħu, aktar kienu fini t-tentazzjonijiet, u aktar vjolenti l-attakki li kien jagħmillu x-xitan. U billi kien jaf ta' spiss li hu kien *bniedem li ma jibżax mill-ġlied* (cfr. Is 3,2), u li żgur ma kienx sejjer *iċedi mqar għal siegħa waħda* (cfr. Gal 2,5), minkejja kollox kien dejjem irid jiġġielidlu, għalkemm kien jaf li hu kien dejjem jisfa' mirbuħ. Darba minnhom il-missier qaddis ħass fih tentazzjoni qawwija ta' l-ispirtu, li ingħatatlu biex hekk jikseb il-kuruna tar-rebħa. Minħabba f'hekk kien *imħabbat u mimli tbatijiet, u kien jgħakkes* (cfr. Lhud 11,37; Ġob 7,4) lil ġismu, u jitlob u jxerred ħafna dmugħ. Dam snin sħaħ imħabat u jiġġieled kontra din it-tentazzjoni. Jum minnhom, waqt li kien qiegħed jitlob f'Santa Marija tal-Porziuncola, sema' dan il-leħen fl-ispirtu tiegħu: "Franġisku, *kieku kellek fidi daqs żerriegħa tal-mustarda, kieku tgħid lil din il-muntanja biex tiċċaqlaq minn postha, u din tisma' minnek*" (cfr. Mt 17,19). Il-qaddis wieġbu: "Mulej, liema hi l-muntanja li inti tridni nċaqlaq?" U mill-ġdid sema' din it-tweġiba: "Il-muntanja hi t-tentazzjoni tiegħek". U hu, b'għajnejh jilmgħu bid-dmugħ, qal: "*Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek*" (cfr. Lq 1,38). Dak il-ħin stess għabet kull tentazzjoni, u ħassu ħieles u għal kollox fis-sliem fil-qiegħ ta' qalbu. [CA 115; SP 99]

---

[549] Din is-sinjura spiritwali u devota setgħet kienet waħda mill-*continentes*, jew persuni ikkonsagrati lil Alla fid-dinja, li kienu jagħmlu parti mill-*Ordo Poenitentium*, jew Ordni ta' l-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Penitenza. Interessanti li skond il-*Fioretti*, kap. 16, San Franġisk beda jsejjaħ irġiel u nisa fl-Ordni tal-Penitenza fil-lokalità ta' Cannara, li hi qrib ħafna ta' Bevagna, fejn ukoll għamel il-famuża priedka ta' l-għasafar. Forsi hemm xi rabta bejn din il-mara u l-fatt li f'Cannara u Bevagna kien ingħata bidu għat-III Ordni Franġiskan?

Kapitlu LXXXII
Dwar kif ix-xitan sejjaħlu biex iġarrbu b'tentazzjoni tal-ġisem, u dwar kif il-qaddis rebaħlu.

[834] 116 Fl-eremitaġġ ta' l-aħwa ta' Sarteano, l-għadu qarrieqi li dejjem jgħir għall-progress spiritwali ta' *wlied Alla* (cfr. Rum 5,2) kellu saħansitra l-ardir li jġarrab lill-qaddis b'dan il-mod. Meta kien qiegħed jara li *l-qaddis kien qiegħed jaħdem bla heda għall-qdusija tiegħu* (cfr. Apk 22,11), u li ma kienx iħalli *l-qliegħ tallum* minħabba dak *ta' l-għada* (cfr. Ġak 4,13), waqt li lejl minnhom il-qaddis kien *mehdi fit-talb* (cfr. 1Kor 7,5) fiċ-ċella, *sejjaħlu għal tliet darbiet* (cfr. 1Sam 3,8) u qallu: "Franġisku, Franġisku, Franġisku!" U *dak wieġbu u qallu:* "*Xi trid*?" (cfr. Mk 9,37; Mt 20,21). U x-xitan qallu: "Fid-dinja ma hemm l-ebda midneb li ma jaqlax il-ħniena u l-maħfra tal-Mulej *jekk jikkonverti* (cfr. Eżek 33,9). Imma jekk bniedem jeqred lilu nnifsu minħabba penitenzi ħorox, *dan ma jsibx ħniena* (cfr. Dan 3,39) għal dejjem". Il-qaddis *bir-rivelazzjoni divina* mall-ewwel *intebaħ bil-qerq* (cfr. Gal 1,12; Sir 1,16) ta' l-għadu, jiġifieri dwar kif dan kien jipprova jkaxkru biex jibred fil-ħeġġa ta' l-ispirtu. U x'iżjed? L-għadu ma waqafx hawn, imma għamillu attakk ieħor. Billi intebaħ li ma setax jaħbi *x-xibka* tiegħu, hejja *xibka* (cfr. S 139,6) oħra, din id-darba dik tat-tqanqil tal-ġisem. Imma kien kollu ta' xejn, għaliex ma setax ikun imqarraq fil-ġisem dak li kien kixef il-qerq fl-ispirtu. Għalhekk ix-xitan bagħatlu tentazzjoni mill-aktar qawwija tal-pjaċir tal-ġisem. Malli l-missier imqaddes intebaħ b'dak li kien qed jiġrilu, mall-ewwel neża' t-tonka, u beda jsawwat lilu nnifsu bla ħniena bil-ħabel u jgħid: "Ejja, ħija ħmar, hekk ikollok toqgħod u ssofri dawn id-daqqiet. It-tonka hi ta' l-Ordni, u ma jixraqx li tisraqha għalik. Jekk *trid titlaq u tmur 'il barra, itlaq*!" (cfr. Is 40,4; 1Sam 30,13) [LM V,4]

117 Imma billi induna li, ukoll bid-daqqiet tas-swat tad-dixxiplina t-tentazzjoni ma riedetx titbiegħed, filwaqt li l-membri kollha ta' ġismu kienu ħomor bid-daqqiet li qalgħu, fetaħ il-bieb taċ-ċella, u *ħareġ barra* (cfr. Mk 14,68) fil-ġnejna, u għeri għal kollox kif kien, għodos fil-borra fonda. Imbagħad beda jaqbad is-silġ f'idejh, u *għamel* seba' *gzuz* (cfr. Ġob 38,38) ta' silġ marsus tajjeb f'forma ta' manikini. Imbagħad qagħad quddiemhom u beda jkellem lil ġismu b'dan il-mod u jgħid: "Ara, din il-kbira hi martek; dawn l-erba' l-oħrajn huma t-tfal tiegħek, żewġ subien u żewġt ibniet; it-tnejn li fadal huma l-qaddej u l-qaddejja, li jkollok bżonnhom biex iservuk. Issa ħaffef biex tara kif ser tlibbishom ilkoll, għax se jmutu bil-bard. Imma jekk dawn il-ħafna ħsibijiet huma wisq għalik, mur bil-ħeġġa u *aqdi lill-Mulej waħdu*!" (cfr. Mt 4,10). Dak il-ħin stess ix-xitan tħawwad u telaq 'l hemm, u l-qaddis *reġa' lura* fiċ-ċella *jagħti glorja lil Alla* (cfr. Lq 2,20). Kien hemm wieħed mill-aħwa, bniedem spiritwali, li *kien mehdi fit-talb* (cfr. 1Kor 7,5), u li *fid-dawl tal-qamar jiddi* (cfr. Ġob 31,36) ra dik il-ġrajja kollha. Meta mbagħad il-qaddis sar jaf li xi ħadd ieħor kien rah f'dak il-lejl, tnikket mhux ftit, u ikkmandah biex ma jgħid lil ħadd b'dak li kien ġara, sakemm *idum ħaj* (cfr. Tit 2,12) [LM V,4]

Kapitlu LXXXIII
Dwar kif ħeles lil wieħed mill-aħwa maħkum mit-tentazzjoni, u dwar il-ġid li jista' joħroġ mit-tentazzjoni.

[835] 118 Darba minnhom wieħed mill-aħwa, li kien isofri minn tentazzjoni, kien jinsab bilqiegħda waħdu maġenb il-qaddis, u qallu: "Missier twajjeb, *itlob għalija* (cfr. 1Slat 13,6; 1Tes

5,25), għaliex jiena nemmen bil-qawwa li nkun meħlus *mit-tentazzjonijiet tiegħi* (cfr. Lq 22,28) jekk inti jogħoġbok titlob għalija. Inħossni mħabbat aktar milli niflaħ, u naf li dan mhux moħbi minn għajnejk". U San Franġisk qallu: "*Emminni* (cfr. Ġw 4,21), ibni, għaliex b'hekk jiena nemmen li inti tassew *qaddej ta' Alla* (cfr. Atti 16,17), u kun af li aktar ma ssofri tentazzjonijiet aktar jiena nħobbok". U żied jgħidlu: "Ngħidlek fis-sewwa, li ħadd ma għandu jqis lilu nnifsu bħala *qaddej ta' Alla* (cfr. Atti 16,17), jekk hu *ma jgħaddix mit-tentazzjonijiet u t-tiġrib* (cfr. Ġdt 8,23). It-tentazzjoni mirbuħa hi ċ-ċurkett li bih il-Mulej jgħarras miegħu *lir-ruħ tal-qaddej tiegħu* (cfr. S 85,4). Huma bosta dawk li jiftaħru bil-merti li jkunu ħażnu matul snin twal, u jifirħu għaliex ma jkunux għaddew minn provi. Imma aħna nafu li l-Mulej qjies id-dgħufija ta' l-ispirtu tagħhom għaliex, saħansitra qabel ma jidħlu fil-prova, l-istess biża' minnha kienet tgħaffiġhom. Għaliex il-ġlidiet diffiċli huma merfugħin biss għal dawk li għandhom virtù perfetta".

Dwar kif ix-xjaten kien jħabbtuh.

Kapitlu LXXXIV
Dwar kif ix-xjaten kienu jħabbtuh u dwar kif kien jevita li joqgħod fil-palazzi.

[836] 119 Dan il-bniedem mhux biss li kien *jiġi mħabbat minn Satana* (cfr. Lq 22,31) bit-tentazzjonijiet, imma saħansitra x-xitan kien jitqabad miegħu driegħ kontra driegħ. Darba minnhom is-sinjur Leone, kardinal ta' Santa Croce[550], talbu biex joqgħod għal xi żmien fid-dar tiegħu f'Ruma. Hu għażel li joqgħod f'torri maqtugħ għalih waħdu, li minn ġewwa kellu s-saqaf għamla ta' volta, b'disa' qlugħ li kienu qishom kmamar żgħar ta' eremitaġġ. Fl-ewwel lejl, wara *li temm it-talb tiegħu lil Alla* (cfr. 2Kron 6,19), meta ried jistrieħ, ġew għalih ix-xjaten u bdew iħabbtu bla ħniena lill-*qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34). Damu jsawwtuh għal żmien twil, u fl-aħħar ħallewh *għoddu nofsu mejjet* (cfr. Lq 10,30). Meta dawk telqu l-qaddis fl-aħħar ħa nifs 'il ġewwa, u sejjaħ lil sieħbu li kien rieqed taħt volta oħra, u malli wasal ħdejh qallu: "Ħija, irridek tibqa' hawn ħdejja, għaliex jiena nibża' noqgħod waħdi. Ftit ilu ġew ix-xjaten u tawni xebgħa sewwa". Il-qaddis kien kollu jitriegħed f'ġismu kollu, qisu wieħed li għandu deni qawwi.

120 Hekk huma għaddew il-lejl kollu mqajjmin, u Franġisku qal lil sieħbu: "Ix-xjaten huma l-*castaldi*[551] tal-Mulej tagħna, li jibgħathom biex jikkastigaw il-ħtijiet tagħna. Hu sinjal ta' grazzja aktar kbira, jekk hu ma jħalli xejn minħajr kastig fil-qaddej tiegħu, sakemm dan jgħix fid-dinja. Tassew li jiena ma niftakar fl-ebda ħtija li għamilt, li *għall-ħniena ta' Alla* (cfr. Rum 12,1) ma pattejtx għaliha bl-indiema; għaliex Hu, fit-tjieba tiegħu ta' Missier, dejjem għoġbu jurini, waqt li nkun nitlob u nimmedita, dak li jogħoġbu u dak li joffendih. Imma forsi hu ippermetta li l-*castaldi* tiegħu jattakkawni, talli jiena ma tajtx eżempju tajjeb lill-oħrajn, billi waqaft biex noqgħod fil-palazzi tan-nobbli. L-aħwa tiegħi li jgħixu f'postijiet fqajrin, meta jisimgħu li jiena qagħadt mal-kardinali, jibdew jaħsbu li jiena ingħatajt biex *ngħum fil-ġid* (cfr. Lq 7,25). Għaldaqstant, ħija, jiena jidhirli li jkun aħjar li jaħrab mill-palazzi min irid *jagħti eżempju lill-oħrajn* (cfr. Ġob 17,6), u hekk jagħti kuraġġ lil dawk li *josfru minn nuqqas* (cfr. Prov 28,27), u jaqsam magħhom l-istess tbatijiet tagħhom". Meta *sebaħ l-għada* (cfr. Mk 16,2), huma irrakkontaw lill-kardinal dak li ġara

[550] Leone Brancaleone, kardinal bit-titlu ta' Santa Croce in Gerusalemme, li miet qrib is-sena 1230.
[551] Il-*castaldi* kienu l-ħarriesa tal-prinċep fil-liġi tal-Longobardi, u kellhom ukoll qawwa li jikkastigaw lill-ħatja.

u sellmulu. Ħalli jkunu mela jafu dawk l-aħwa li jgħixu fil-palazzi[552], u ħa jintebħu li huma wlied li twieldu mejtin u inħatfu barra *minn ġuf ommhom* (cfr. Lq 1,15). Jiena ma nikkundannax l-ubbidjenza, imma l-ambizzjoni, l-għażż u l-ħlewwiet tal-ħajja. Fuq kollox, qabel kull ubbidjenza oħra, inqiegħed l-ubbidjenza lejn Franġisku. Hekk jista' jitneħħa *dak li jogħġob lill-bnedmin*, imma *ma jogħġobx lil Alla* (cfr. Qoħ 5,3; S 52,6). [CA 117; LM VI,10; SP 67]

Kapitlu LXXXV
Eżempju ieħor ta' l-istess xorta.

[837] 121 Tiġini ġrajja oħra f'moħħi, li jidhirli li ma għandix naqbiżha. Wieħed mill-aħwa, meta ra li xi reliġjużi kienu jgħixu fil-palazzi, ġie hu wkoll maħkum minn sentiment ta' frugħa, u ried hu wkoll imur jgħix f'xi palazz bħalhom. U waqt li kien imħeġġeġ bix-xewqa għal dik il-ħajja fil-palazz, lejl minnhom *ra waqt il-ħolm* (cfr. Ġen 31,24) lil dawk l-aħwa, li kienu jinsabu jgħixu barra mill-post ta' l-aħwa l-oħrajn u li kienu mifrudin mill-fraternità tagħhom. Hu rahom qiegħdin f'post mill-aktar iqażżek u maħmuġ li fih kien hemm il-qżieqeż, jieklu l-ful, li kienu mħalltin mal-ħmieġ tal-bnedmin. Malli ra hekk, dak baqa' mistagħġeb ħafna, u *malli qam l-għada filgħodu* (cfr. Mk 1,35) ma tax aktar kas tax-xewqa tiegħu li jgħix fil-palazzi.

Kapitlu LXXXVI
It-tentazzjonijiet li sofra l-qaddis meta kien f'post maqtugħ għalih waħdu, u dwar dehra li kellu wieħed mill-aħwa.

[838] 122 Darba minnhom il-qaddis wasal flimkien ma' wieħed mill-aħwa fi knisja, li kienet tinsab maqtugħa 'l bogħod min-nies[553]. Billi hu xtaq *li joffri t-talb tiegħu* (cfr. Tob 12,12) waħdu, lil sieħbu wissieh u qallu: "Ħija, jiena nixtieq nibqa' hawnhekk waħdi dal-lejl. Mur fl-ospizju u ejja lura hawnhekk għada filgħodu". Malli baqa' waħdu u beda *jressaq lejn il-Mulej it-talb tiegħu* devot *u fit-tul* (cfr. S 141,3; Mt 23,14), fl-aħħarnett beda jħares madwaru, biex jara *fejn seta' jserraħ rasu* (cfr. Mt 8,20) biex jorqod. U mall-ewwel *ħassu mħawwad fl-ispirtu* (cfr. Ġw 13,21), *u beda jħoss biża' u dwejjaq* (cfr. Mk 14,33), filwaqt li ġismu beda jitriegħed kollu kemm hu. Beda jħoss b'mod ċar li x-xitan kien qiegħed iħejji kontra tiegħu l-attakki qawwija tiegħu, u beda jisma' folol ta' xjaten li kienu qiegħdin jiġru b'ħafna storjbu fuq il-bejt ta' dak il-bini. Hu qam mall-ewwel, *u ħareġ barra* (cfr. Mt 26,75), filwaqt li immarka ġbinu bis-sinjal tas-salib u qal: "Minn naħa ta' *Alla li jista' kollox* (cfr. Apk 16,14), ngħidilkom, xjaten, biex tagħmlu lil ġismi dak kollu li hu permess lilkom. Jiena nissaporti kollox bil-qalb, għaliex jiena ma għandix għadu akbar mill-ġisem tiegħi stess. Hekk *intom tgħinuni nivvendika ruħi mill-għadu* (cfr. Lq 18,3) tiegħi, u *tagħtuh il-kastig* (cfr. Num 33,4) floki. Dawk ix-xjaten, li kienu inġabru biex iwerwruh fir-ruħ tiegħu, intebħu li *l-ispirtu kien irid għalkemm il-ġisem kien dgħajjef* (cfr. Mt 26,41), u hekk *imħawwdin bil-mistħija* (cfr. S 70,13) għabu dak il-ħin stess. [CA 65; LM X,3; SP 59]

---

[552] Il-Latin jgħid *palatini*, jiġifieri aħwa li kienu jgħixu fil-palazzi tan-nobbli jew tal-prelati, b'servizzi varji, ta' kappillani jew konfessuri. Dan id-dettall juri l-qagħda ta' l-Ordni fiż-żmien meta Tommaso da Celano qiegħed jikteb, aktar milli fi żmien San Franġisk.

[553] Skond CA 65 u SP 59-60, is-sieħeb ta' Franġisku kien fra Pacifico. Il-knisja li tissemma għadha teżisti sallum, u hi dik ta' San Pietro in Bovara, qrib il-Fonti del Clitunno, mhux bogħod mill-belt ta' Trevi, u qrib it-triq li minn Spoleto tieħdok Assisi. Dak iż-żmien kienet mitluqa, għax Trevi kienet sfat meqruda fl-1213.

123 *Malli sebaħ l-għada* (cfr. Ġw 21,4), sieħbu reġa' lura għandu, u sab lill-qaddis mixħut għal tulu fl-art *quddiem l-altar* (cfr. 1Slat 8,31), filwaqt li hu qagħad jistennieh barra mill-kor, u fl-istess ħin hu wkoll beda jitlob bil-qalb quddiem salib[554]. U ara, intilef f'estasi, u *ra fis-sema* bosta *tronijiet* (cfr. Apk 4,1-4), li fosthom kien hemm wieħed aktar sabiħ, u imżejjen *bil-ħaġar prezzjuż* (cfr. Est 15,9), u jiddi bil-glorja. Hu kien qiegħed jammira *fih innifsu* dak it-tron nobbli, u *fis-skiet beda jaħseb* (cfr. Dan 4,16) ta' min kien. U fih innifsu *sema' bħal leħen ta' min jgħidlu* (cfr. Atti 9,4): "Dak it-tron kien ta' wieħed minn dawk li waqgħu[555], u issa hu riservat għall-umli Franġisku". Malli *reġa' f'tiegħu* (cfr. Atti 12,11) dak ra lill-imqaddes Franġisku ħiereġ mit-talb. Hu inxteħet f'riġlejh f'forma ta' salib, u beda jkellmu mhux bħal wieħed li qiegħed jgħix fid-dinja, imma bħala wieħed li diġà qiegħed isaltan fis-sema, u qallu: "Idħol għalija quddiem l-Iben ta' Alla, missier, *sabiex ma jqisx id-dnubiet tiegħi*!" (cfr. S 31,2). *Il-bniedem ta' Alla tah idejh* (cfr. Mt 14,31; 1Slat 13,4), *qajjmu* (cfr. Atti 3,7), u għaraf li hu kien irċieva xi dehra waqt it-talb. Meta mbagħad tbiegħdu minn dak il-post, dak *beda jistaqsi* lill-imqaddes Franġisku *u qallu* (cfr. Mt 21,41.42): "Missier, inti x'taħseb dwarek innifsek?" U dak wieġbu: "Jiena naħseb li jiena l-aktar midneb kbir, għaliex kieku Alla uża l-istess ħniena ma' bniedem mill-agħar kif urieha miegħi, kieku dak kien ikun għaxar darbiet aħjar minni fil-ħajja ta' l-ispirtu". Malli lissen dawn il-kelmiet, dak ħuh sema' l-Ispirtu li qallu dawn il-kelmiet f'qalbu: "Agħraf, li *dik id-dehra* li rajt *kienet ta' min jemminha* (cfr. Dan 8,26), għaliex dak it-tron li intilef minħabba l-kburija issa fih se jiġi merfugħ għall-umiltà tiegħu dan il-bniedem mill-aktar ċkejken". [CA 65; LM VI,6; SP 60]

Kapitlu LXXXVII
Dwar wieħed mill-aħwa li ġie meħlus minn tentazzjoni.

[839] 124 Wieħed mill-aħwa li kien bniedem spiritwali u li kien ilu jgħix fl-Ordni, kien maħkum *minn tiġrib* kbir *tal-ġisem* (cfr. 1Kor 7,28), hekk li kien jidher *se jegħreq fl-abbiss* (cfr. S 68,16) tad-disperazzjoni. Kuljum il-piena tiegħu kien iħossha tiżdied, filwaqt li l-kuxjenza tiegħu, li kienet aktar skrupluża milli delikata, kienet iġġiegħelu li jmur iqerr għal kull ħaġa ta' xejn. Għax tassew, wieħed ma għandux imur iqerr b'tant ħerqa li għandu tentazzjoni, imma aktarx li ċeda, imqar għal ftit, għat-tentazzjoni. Hu mbagħad tant kien iħossu jistħi, li bil-biża' li jmur iqerr kollox għand saċerdot wieħed, kien imur iqerr dawk l-iskrupli ta' xejn tiegħu biċċa, biċċa, ftit għand saċerdot wieħed u ftit għand l-ieħor. Imma jum minnhom, waqt li kien miexi ma' l-imqaddes Franġisku, il-qaddis qallu: "Ħija, jiena ngħidlek biex ma tmurx tqerr aktar it-tiġrib tiegħek għand ħadd. U ara li *ma tibżax* (cfr. Ġen 15,1; Mt 1,20), għaliex dak li jiġri madwarek, mingħajr ma inti tkun tridu, jkun mogħti lilek bħala mertu, u mhux bħala ħtija. Kull darba li inti *tħossok imħabbat* (cfr. S 106,6), bil-permess tiegħi għid seba' *Missierna*". Dak baqa' mistagħġeb dwar kif il-qaddis kien jaf kollox, u *mimli bil-hena* (cfr. Prov 15,13), wara ftit taż-żmien safa' meħlus minn kull tiġrib. [CA 55; SP 106]

---

[554] Dan il-Kurċifiss tas-seklu XII għadu meqjum sallum fil-knisja ta' San Pietro di Bovara.

[555] It-tradizzjoni nisranija, ibbażata fuq it-test Skritturistiku ta' Isaija 14,12: "kif waqajt mis-sema, Luċifru", dejjem iddiskreviet id-dnub ta' l-anġli l-ħżiena bħala att ta' suppervja kontra Alla. Minħabba f'hekk, Luċifru, "iben is-sebħ", waqa' fl-abbissi ta' l-infern flimkien ma' l-anġli tiegħu. San Franġisk jokkupa l-post ta' Luċifru minħabba l-umiltà kbira tiegħu.

Dwar il-ferħ veru ta' l-ispirtu.

Kapitlu LXXXVIII
Dwar il-ferħ spiritwali u t-tifħir tiegħu, u dwar il-ħażen tal-bruda ta' l-ispirtu.

[840] 125 Dan il-qaddis kien itenni li l-ferħ ta' l-ispirtu hu rimedju mill-aktar qawwi kontra l-*qerq* jew il-*ħażen* (cfr. Ef 6,11; 2Kor 11,3) ta' l-għadu. Kien iħobb jgħid: "Ix-xitan jifraħ ħafna, meta jkun jista' jaħtaf mill-qaddej ta' Alla *l-ferħ ta' l-ispirtu* (cfr. Gal 5,22). Hu dejjem iġorr miegħu t-trab, li jipprova jixħtu f'kull tiċrita, żgħira kemm hi żgħira, tal-kuxjenza, biex hekk iħammeġ is-safa tal-ħsieb u l-qdusija tal-ħajja". U kien iżid jgħid: "Imma jekk il-qalb tkun mimlija bil-ferħ ta' l-ispirtu, ta' xejn is-serp qattiel jipprova *jsawwab* fiha *l-velenu* (cfr. Prov 23,32) tiegħu. Ix-xjaten ma jistgħux jagħmlu ħsara lill-qaddej ta' Kristu, meta huma jarawh *mimli bil-ferħ* (cfr. Atti 2,28) qaddis. Imma jekk ruħu tkun intelqet għad-dwejjaq tal-bruda, u tkun dejjem tingħi u tibki, hu faċli ħafna li hu *jinħakem min-niket* (cfr. 2Kor 2,7), jew inkella li jingħata għall-ferħ tal-frugħat". Għaldaqstant il-qaddis kien jipprova jgħix dejjem fil-*ferħ* tal-qalb, u li jħares id-dilka ta' l-ispirtu biż-*żejt tal-ferħ* (cfr. S 44,8). Kien jaħrab bl-akbar attenzjoni mill-marda tal-bruda ta' l-ispirtu, bħala dik li hi l-agħar waħda fost il-ħażen kollu, hekk li kien imur iħaffef mall-ewwel biex jitlob, malli kien iħoss f'qalbu mqar ħjiel tagħha. Kien jgħid ukoll: "*Il-qaddej ta' Alla* (cfr. Dan 6,20), meta jkun imħabbat, kif xi kultant jista' jiġrilu, għandu jqum mall-ewwel biex jitlob, u għandu jibqa' fit-talb quddiem il-Missier l-aktar għoli, sakemm dan jerġa' jagħtih *il-ferħ tas-salvazzjoni* (cfr. S 50,14). Għaliex jekk hu *jibni daru* (cfr. Ħab 2,3) fuq id-dwejjaq, jikber fih il-ħażen ta' Babel[556], u fl-aħħarnett irabbi f'qalbu s-sadid li ma jitħassarx jekk mhux permezz tad-dmugħ ta' l-indiema". [CA 120; SP 95]

Kapitlu LXXXIX
Dwar kif sema' anġlu jdoqq iċ-ċetra.

[841] 126 Fiż-żmien li fih kien jgħix fi Rieti[557], minħabba l-kura ta' għajnejh, sejjaħ lil wieħed mill-aħwa, li meta kien fis-seklu kien idoqq iċ-ċetra u qallu: "Ħija, *l-ulied ta' din id-dinja* (cfr. Lq 16,8) ma jifhmux *is-sinjali divini* (cfr. Għerf 2,22). Għaliex, ukoll l-istrumenti mużikali, li darba kienu jintużaw biss għat-tifħir ta' Alla, issa bdew jintużaw mill-bnedmin biex ipaxxu l-gost tal-widnejn. Ħija, jiena nixtieq li inti bil-moħbi tmur tissellef ċetra u ġġibha hawnhekk, sabiex tagħti lil ħuna l-ġisem, li hu mimli tbatijiet, xi ftit faraġ b'xi melodija u vrus li jibnu r-ruħ"[558]. Imma dak wieġbu: "Missier, jiena nistħi mhux ftit, għax nibża' li jaħsbu li għandi tentazzjoni li nintelaq għall-frugħat". Il-qaddis, għal dawn il-kelmiet, qata' fil-qasir: "Mela ninsewha ħija! Aħjar inħallu bosta ħwejjeġ u noqogħdu mingħajrhom, basta nsalvaw il-fama tajba".

Imma dak il-lejl, waqt li l-qaddis kien imqajjem u kien jimmedita fuq Alla, f'daqqa waħda sema' jidwi l-ħoss ta' ċetra b'armonija ta' l-għaġeb u b'*melodija mill-aktar ħelwa* (cfr. Sir 40,21).

---

[556] Fl-Iskrittura Babel hi s-simbolu ta' kull ħażen.
[557] Skond CA 66 Franġisku kien jinsab fid-dar tal-kanonku Teobaldo Saraceno. L-episodju x'aktarx seħħ fil-ħarifa ta' l-1225. Il-*Fioretti* jqiegħdu dan l-episodju fuq La Verna.
[558] X'aktarx li dan sieħeb San Franġisk, li kellu jdoqqlu ċ-ċetra (jew forsi arpa) kien fra Pacifico "re dei versi". Oħrajn jgħidu li seta' kien fra Angelo Tancredi.

Ma kienet tidher l-ebda persuna, imma mid-*diwi tal-ħoss* (cfr. Eżek 10,13) ġej u sejjer, wieħed seta' jifhem li dak kien xi ħadd ġej u sejjer idoqq iċ-ċetra. Bl-*ispirtu* tiegħu *mehdi f'Alla* (cfr. Ġob 34,14), il-missier beda jħoss tant ħlewwa waqt li sema' dik il-melodija mill-aktar ħelwa, li stħajlu li qiegħed jgħix f'dinja oħra. *Malli qam l-għada filgħodu* (cfr. Ġen 28,18), il-qaddis sejjaħ lil dak ħuh, u wara li irrakkontalu kollox *ħaġa b'ħaġa* (cfr. Est 15,9), żied jgħidlu: "Il-Mulej *li jfarraġ* lill-imnikktin, ma ħallinix mingħajr *faraġ* (cfr. 2Kor 1,4). U ara li filwaqt li jiena ma stajtx nisma' d-daqq taċ-ċetra mill-bnedmin, Hu għoġbu jsemmagħli melodija ħafna aktar ħelwa". [CA 66; LM V,11; Fioretti: 2 Kunsiderazzjoni dwar l-Istimmati]

Kapitlu XC
Dwar kif meta kien jifraħ fl-ispirtu kien ikanta bil-franċiż.

[842] 127 Xi mindaqqiet kien iġib ruħu b'dan il-mod. Meta kien iħoss ġo sidru tbaqbaq il-melodija l-aktar ħelwa ta' l-ispirtu, kien jinfexx jesprimi ruħu bl-ilsien franċiż, u *jekk widnejh kienu jaqbdu bil-ħatfa l-ħoss ta' l-ispirazzjoni* (cfr. Ġob 4,12) divina, hu kien jinfexx ikanta bil-franċiż. Xi kultant, kif rajt b'għajnejja jiena stess, kien jaqbad biċċa zokk mill-art, u filwaqt li kien iżommu bi driegħu tax-xellug, b'idejh il-leminija kien iżomm arkett mgħawweġ b'biċċa ħabel u kien jgħaddih fuq iz-zokk, bil-ġesti li soltu jidhru meta wieħed idoqq il-*viella*[559], u kien ikanta bil-franċiż it-tifħir tal-Mulej. Mhux l-ewwel darba li dan il-kant kien itemmu fid-dmugħ, u l-ferħ tiegħu kien jinbidel fil-bikja tal-passjoni ta' Kristu. Imbagħad il-qaddis, filwaqt li kien jitniehed il-ħin kollu, u jolfoq bil-biki, kien jinsa għal kollox dak li kellu f'idu, u kien donnu jibqa' mdendel fl-ispirtu bejn sema u art. [SP 93]

Kapitlu XCI
Dwar kif ikkoreġa lil wieħed mill-aħwa li kien iħossu mdejjaq, u dwar kif għallmu kif kellu jġib ruħu.

[843] 128 Jum minnhom ra lil wieħed mill-aħwa li kellu wiċċu mdejjaq u mnikket, u billi din il-ħaġa ma felaħx jaraha, qallu: "Ma jixraqx lill-*qaddej ta' Alla* (cfr. Dan 6,20) li quddiem il-bnedmin juri ruħu *mnikket u mħawwad* (cfr. Is 42,4), imma dejjem hieni. Inti għandek taħseb fuq dnubietek *fil-kamra tiegħek ta' ġewwa* (cfr. Qoħ 10,20), u hemmhekk *quddiem Alla* (cfr. Ġen 6,8) għandek tibki u titniehed. Imma meta terġa' lura ma' l-aħwa, inti għandek twarrab in-niket tiegħek, u għandek tkun tixbaħ lill-oħrajn fl-imġieba tiegħek". U wara ftit qallu: "L-għedewwa tas-salvazzjoni tal-bnedmin jgħiru ħafna għalija, u billi ta' spiss ma jirnexxielhomx li jħawwduni direttament, jippruvaw dejjem li jagħmluli l-ħsara billi jħawwdu lill-aħwa". Tant kien iħobb lill-bniedem li jkun mimli bil-ferħ ta' l-ispirtu, li biex iwissi lill-aħwa kollha, waqt kapitlu ġenerali talabhom jiktbu dawn il-kelmiet: "L-aħwa għandhom iħarsu ruħhom biex minn barra ma jidhrux imdejjqim u imnikktin bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, imma għandhom juru lilhom infushom li *jifirħu fil-Mulej* (cfr. Is 61,10), ferħanin u hienja, u ta' bixra ħelwa ma' kulħadd"[560]. [CA 120; SP 96]

---

[559] Il-*viella* kienet strument b'ħames kordi tixbaħ lill-vjola, u kienu jużawha t-*troubadours*, jew *giullari*, li kienu jkantaw kanzunetti kavallereski bl-ilsien franċiż, jew aħjar, bid-djalett ta' Provençe. F'żogħżitu Franġisku kien jaf dan il-kant bl-amment.

[560] *Regola non bullata* VII,16.

Kapitlu XCII
Dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb ta' ġismu, biex dan ma jilmintax.

[844] 129 Il-qaddis darba oħra qal ukoll: "Lil ħuna l-ġisem jeħtieġ li nipprovdulu dak li jeħtieġ bil-qjies, biex hekk ma jqajjimx tempesta ta' ilmenti li twassalna għall-bruda. U biex ma jkunx iebes għalih li jishar u *jehda fit-talb* (cfr. Tob 3,11) bil-qima kollha, jeħtieġ li nwarrbulu kull okkażjoni li fiha jilminta. Għax jista' jgħid: '*Qed iħossni ħażin bil-ġuħ* (cfr. Lam 2,19), u ma niflaħx il-piż ta' din il-penitenza'. Imma jekk, imbagħad, wara li hu jkun kiel kemm jeħtieġ, ikompli jgorr, mela għandek tkun taf li dan il-ħmar tat-tagħbija għażżien għandu bżonn min jimbuttah bil-qawwa, u wkoll iniggżu biex iqajjmu mit-telqa tiegħu". Dan kien l-uniku tagħlim li fih l-imġieba tal-missier ma kienetx taqbel mal-kliem li kien jgħid. Għaliex lil ġismu, għalkemm kien bla ħtija, kien jikkastigah bis-swat u jgħakksu biċ-ċaħdiet, u kien ikattarlu *l-ġerħat mingħajr raġuni* (cfr. Prov 23,29). Għaliex is-sħana ta' l-ispirtu tant kienet tikkontrolla lil ġismu, li *ruħu kienet bil-għatx għal Alla u ġismu* l-aktar imqaddes *kien* b'ħafna modi *inin għalih* (cfr. S 62,2). [CA 120; LM V,6; SP 97]

Dwar il-ferħ fieragħ.

Kapitlu XCIII
Kontra l-ftaħir u l-wiċċ b'ieħor.

[845] 130 Filwaqt li kien iħaddan il-veru ferħ ta' l-ispirtu, kien iwarrab minnu bl-akbar reqqa l-ferħ fieragħ, għax kien konvint li wieħed għandu jħobb bil-ħerqa dak li jgħin fil-mixi 'l quddiem tar-ruħ u jevita mhux b'inqas ħeġġa dak li jkun ta' ħsara. Kien jipprova jeqred il-*glorja fiergħa* (cfr. Tob 3,11) meta tkun għadha żerriegħa, biex hekk ma jħallix li jifdal lanqas għal waqt wieħed dak li jista' *jweġġa' l-għajnejn* (cfr. Lam 2,19) tal-Mulej. Għaliex ta' spiss, meta kien jisma' min ifaħħru, kien jitnikket ħafna u kien jitniehed u juri bixra ta' wieħed mhux kuntent.

Darba minnhom fix-xitwa l-qaddis kien mistur f'ġismu biss b'tonka waħda, imraqqa' b'ħafna biċċiet goffi. Il-gwardjan tiegħu[561], li kien ukoll wieħed mill-ewlenin sħabu, xtara biċċa ġild tal-volpi u ħadhielu, filwaqt li qallu: "Missier, inti marid fil-milza u fil-fwied; għaldaqstant nitlob lill-karità tiegħek fil-Mulej, li tħallini nħitlek din il-biċċa ġilda fil-ġewwieni tat-tonka. Jekk ma jogħġbokx li nħitielek kollha, almenu aċċetta li nħitlek biċċa li tkun tmiss ma' l-istonku". L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Jekk inti trid li jiena nġorr din il-biċċa ġild fil-ġewwieni tat-tonka, ħallini nħit biċċa oħra bl-istess mod fuq barra, biex hekk il-bnedmin ikunu jafu li, fuq ġewwa, jiena għandi moħbija biċċa ġild". Dak ħuh ma approvax dak li kien qiegħed jisma', u ipprova jinsisti miegħu, imma kien kollu għal xejn. Fl-aħħar il-gwardjan ċeda, u ħietlu biċċa ġild fuq oħra, biex hekk Franġisku ma jidhirx li minn barra kien differenti milli kien minn ġewwa. O kemm kienu jaqblu l-ħajja u l-kliem tiegħu! Kemm kien irid li jkun l-istess minn ġewwa u minn barra, kemm bħala sudditu kif ukoll bħala prelat! Inti ma kontx tippreferi l-ebda glorja, la minn barra u lanqas dik privata, għaliex inti dejjem *kont tiftaħar biss fil-Mulej* (cfr. 1Kor 1,31). Imma għall-imħabba inti ma kontx trid toffendi lil min juża l-ġild, jekk nażżarda ngħid li *ġilda tiegħu post ġilda oħra*

[561] Il-gwardjan tal-qaddis kien fra Angelo da Rieti, wieħed mill-ewlenin sħab tiegħu.

(cfr. Ġob 2,4). Nafu, fil-fatt, li kienu jeħtieġu *l-ilbies tal-ġild* (cfr. Ġen 3,21) dawk li kienu tilfu l-innoċenza. [CA 81; SP 62]

Kapitlu XCIV
Dwar kif akkuża lilu nnifsu li kellu wiċċ b'ieħor.

[846] 131 Fiż-żmien li kien fl-eremitaġġ ta' Poggio Bustone, fil-festa tat-Twelid tal-Mulej, inġabar ħafna poplu biex jisimgħu jippriedka, u hekk beda l-priedka tiegħu: "Intom taħsbu li jiena bniedem qaddis, u għalhekk tiġu għandi bil-qima. Imma jkolli nistqarr magħkom li jiena, f'dan ir-randan[562] kilt ikel li kien imsajjar bix-xaħam". U hekk ta' spiss kien juri li kienet ħtija tal-kilba għall-ikel, filwaqt li fil-fatt kien ikollu bżonn dan l-ikel minħabba l-mard. [CA 81; SP 62]

Kapitlu XCV
Dwar kif akkuża lilu nnifsu bi ftaħir.

[847] 132 Bl-istess ħeġġa, kien mall-ewwel jikxef u jistqarr bis-sinċerità quddiem kulħadd kull sentiment ta' ftaħir, li xi kultant kien jaħkem lill-ispirtu tiegħu. Jum minnhom waħda mara anzjana marret tiltaqa' miegħu meta kien miexi fil-belt ta' Assisi, u *talbitu jagħtiha xi ħaġa* (cfr. Mt 20,20). Dak *ma kellu xejn* (cfr. 2Kor 6,10) ħlief il-mantell, u ħaffef biex jagħtihulha bil-qalb kollha. Imma billi ħass li dak il-ħin daħal fih sentiment ta' soddisfazzjon fieragħ, mall-ewwel stqarr quddiem kulħadd li kien ħassu jiftaħar bih innifsu. [CA 82; SP 63]

Kapitlu XCVI
Kliem tal-qaddis kontra dawk li jiftaħru bihom infushom.

[848] 133 Kien jitħabat biex *id-doni tal-Mulej* (cfr. S 26,13) jaħbihom bir-reqqa fil-qiegħ ta' qalbu, għax ma riedx li dawn ikunu għalih okkażjoni ta' glorja umana u mbagħad isiru kawża ta' tiġrif. Għax waqt li ta' spiss bosta kienu jqisuh bħala bniedem qaddis, hu kien iweġibhom *b'dawn il-kelmiet* (cfr. Ġen 39,10): "Jiena għadni jista' jkolli ulied subien u bniet; għaldaqstant toqgħodux tfaħħruni bħala li jiena żgur raġel qaddis! Ma għandniex infaħħru lil ħadd qabel ma nkunu ċerti minn kif kien it-tmiem tiegħu". U kien itenni: "Kemm il-darba dak li tani d-doni tiegħu jkun irid jeħodhomli lura, jifdalli biss il-ġisem u r-ruħ, l-istess kif għandhom l-infidili". Din kienet tkun it-tweġiba tiegħu lil dawk li kienu jfaħħruh. Imbagħad kien idur lejh innifsu u jgħid: "Kieku l-Aktar Għoli kien jagħti grazzji hekk kbar lil wieħed ħalliel, kieku dan kien ikun rikonoxxenti aktar minnek, Franġisku!" [CA 10; LM VI,6; SP 45]

---

[562] Ir-randan li għalih jirreferi Celano hu dak ta' San Martin, jew ta' l-Avvent, li kien itul mill-festa tal-Qaddisin kollha sal-Milied, skond ma jgħidu r-Regoli Franġiskani ta' l-1221 u 1223 fil-kapitlu 3. Dak iż-żmien, waqt il-perjodi tas-sawm, l-ikel ma seta' jissajjar b'xejn ħlief biż-żejt. Minħabba l-marda ta' l-istonku u l-fwied, Franġisku ma setax jieħu żejt.

Kapitlu XCVII
Kliem kontra dawk li jiftaħru bihom infushom.

[849] 134 Ta' spiss kien jgħid dawn il-kliem lill-aħwa: "Ħadd ma jista' joqgħod jitpaxxa bi ftaħir fieragħ għal dawk l-għemejjel li saħansitra bniedem midneb jista' jwettaq". U kien iżid jgħid: "Il-midneb jista' jsum, jitlob, jibki, u jgħakkes lil ġismu. Imma ħaġa waħda ma jistax jagħmel: jibqa' fidil lejn il-Mulej tiegħu. Għaldaqstant jeħtieġ li niftaħru biss b'dan, jiġifieri jekk *inroddu lil Alla l-glorja* (cfr. Sir 35,10; Ġw 9,25) li tixraq lilu, jekk bħala qaddejja fidili, aħna nroddu lura lilu l-ġid kollu li hu jagħtina. L-agħar għadu li għandu l-bniedem hu ġismu; għaliex ma jkunx irid jaħseb fl-imgħoddi biex jindem minnu, filwaqt li ma jibżax jaħseb kif se jgħix fil-preżent. L-unika ħerqa li għandu hu li jara kif jgħaddiha tajjeb fiż-żmien ta' issa. U dak li hu agħar hu li l-ġisem jisraq u jiftaħar b'dak li ma jagħmilx hu, imma li jkun mogħti lir-ruħ. Il-ġisem jiġbor il-ftaħir min-nies, minħabba l-virtujiet, is-sahriet bla rqad u t-talb. Imma lir-ruħ ma jħallilha xejn, u wkoll mid-dmugħ ta' l-indiema jara kif japprofitta ruħu. [LM VI,3]

Dwar kif kien jaħbi l-Istimmati.

Kapitlu XCVIII
Dwar kif wieġeb lil min kien jistaqsih dwar l-Istimmati, u dwar l-attenzjoni li biha kien jaħbihom.

[850] 135 Dawk is-sinjali veri tal-Kurċifiss, li jixirqilhom il-qima wkoll ta' dawk li huma l-aktar spiritwali, ma nistgħux inħallu fis-skiet il-mod kif hu kien jipprova jaħbihom bir-reqqa. *Fl-imgħoddi* (cfr. Is 9,1), meta l-imħabba vera ta' Kristu *kienet bidlet fl-istess xbieha* (cfr. 2Kor 3,18) lill-maħbub, tant kien beda jaħbi u jżomm mistur b'attenzjoni kbira dak it-teżor, li *għal żmien twil* (cfr. Għerf 4,13) lanqas l-aktar aħwa intimi ma kienu jafuh. Imma l-providenza divina ma ippermettietx li jibqa' għal dejjem moħbi u li qatt ma jinkixef għall-għajnejn ta' dawk li kienu l-aktar għeżież għalih. Mhux biss, imma billi dawn is-sinjali kienu jinsabu fil-partijiet ta' ġismu li kienu jidhru quddiem kulħadd, ma tantx kienu jippermettu li hu jżommhom dejjem moħbijin. Meta darba wieħed mill-aħwa ra l-istimmati f'riġlejh, staqsieh: "O ħija twajjeb, x'inhuma dawk?" U hu wieġbu: "*Aħseb f'dak li hu tiegħek*" (Sir 41,15; Ġak 1,25).

[851] 136 Darba oħra l-istess wieħed mill-aħwa talbu biex jinża' t-tonka ħalli hu jkun jista' jħabbatha biex ineħħilha t-trab. Billi raha imċappsa bid-demm, wara li taha lura lill-qaddis, staqsieh: "Dak x'demm hu, li bih tidher imtebba' t-tonka tiegħek?" Il-qaddis filwaqt li qiegħed sebgħu fuq għajnejh, qallu: "Staqsi x'inhi din, jekk ma tafx li din hi għajnek". Minħabba f'hekk ma kienx jaħsel idejh ta' spiss, imma kien ixarrab biss is-swaba', biex ma jurix idejh lil dawk li jkunu maġenbu. Riġlejh kien jaħsilhom rarament, u dan dejjem meta kien jista' jagħmlu fil-moħbi. Jekk xi ħadd kien jitolbu biex ibuslu idejh, kien jagħtih biss nofsha, billi jippreżentalu biss is-swaba' u kemm hu biżżejjed biex wieħed ikun jista' jqiegħed bewsa. Mhux l-ewwel darba li flok idejh kien jippreżenta l-komma tat-tonka. Biex ma jħallihomx jarawlu riġlejh, kien jilbes kalzetti tas-suf, wara li fuq il-ġerħat kien iqiegħed biċċa ġild biex inaqqas il-ħruxija tas-suf. Imma billi l-missier qaddis ma setax jaħbi għal kollox mill-aħwa l-istimmati ta' idejh u ta' riġlejh, kien jieħu paċenzja kontra qalbu, jekk xi ħadd minnhom kien joqgħod iħares lejhom. Għal din ir-raġuni l-

aħwa, mimlijin *bi spirtu ta' prudenza* (cfr. Eż 28,3), meta hu kien jikxef idejh jew riġlejh għal xi ħtieġa, *kienu jħarsu band'oħra* (cfr. S 118,37).

## Kapitlu XCIX
Dwar kif wieħed mill-aħwa irnexxielu jara l-Istimmati b'ingann qaddis.

[852] 137 Filwaqt li *r-raġel ta' Alla* (cfr. Imħ 13,5) kien jgħix fi Siena, ġara li hemmhekk ġie wieħed mill-aħwa minn Brescia. Dan kellu xewqa kbira li jara l-istimmati tal-missier imqaddes, u talab b'insistenza lil fra Pacifico biex jgħinu ħa jaqta' xewqtu. U dak wieġbu: "Meta tiġi biex titlaq minn dan il-post, nitolbu biex iħallik tbuslu idu, u malli hu jagħtihielek, *jiena nagħtik sinjal b'għajnejja* (cfr. Prov 10,10) u int tkun tista' tarahom". Meta t-tnejn kienu lesti biex imorru lura, marru għand il-qaddis, *niżlu għarrkobbtejhom* (cfr. Ef 3,14), u fra Pacifico qal lil San Franġisk: "Berikna, omm[563] mill-aktar għażiża, u ħallina nbusulek idejk!" U hu mall-ewwel bieslu idu, għalkemm dak tahielu b'nofs qalb, u għamel sinjal lil sieħbu biex iħares lejha. Imbagħad talab lill-qaddis jagħtih idu l-oħra, biesha u urieha lil sieħbu. Meta huma kienu sejrin minn hemm, il-missier qaddis ġieħ suspett li huma kienu ftiehmu flimkien b'ingann qaddis, kif fil-fatt kien ġara. U billi hu iġġudika bħala qerq dak li kien biss ingann qaddis, sejjaħ mall-ewwel lil fra Pacifico, u qallu: "Jaħfirlek il-Mulej, ħija, għaliex xi mindaqqiet inti *iġġibli niket kbir*" (cfr. 2Kor 2,4). Pacifico mall-ewwel *inxteħet għal tulu fl-art quddiemu* (cfr. Ġud 9,1) u bl-umiltà kollha *staqsieh u qallu* (cfr. Mt 22,2.4): "Liema niket ġibt fuqek, omm l-aktar għażiża?" L-imqaddes Franġisku ma wieġbu xejn, u din il-ġrajja intemmet fis-skiet. [1C 95; LM XIII,8]

## Kapitlu C
Wieħed mill-aħwa jara l-ġerħa tal-kustat.

[853] 138 Għalkemm il-ġerħat ta' idejh u ta' riġlejh setgħu jidhru quddiem kulħadd minħabba l-post li kienu fihom, imma l-ġerħa tal-kustat ma seta' jaraha ħadd sakemm il-qaddis dam jgħix, ħlief wieħed mill-aħwa u għal darba biss. Meta kien jagħtih it-tonka ħa jħabbatha biex ineħħilha t-trab, kien iżomm mgħottija b'idu l-lemenija l-ferita tal-kustat. Xi drabi oħrajn kien jgħatti b'idejh ix-xellugija dik il-ġerħa, sabiex hekk jaħbiha. Imma wieħed mill-aħwa[564], waqt li jum minnhom kien qiegħed jogħroklu fuq sidru, ħalla idu tiżloqlu fuq dik il-ġerħa u ikkawżalu uġiegħ kbir. Wieħed ieħor mill-aħwa[565], li beda jfittex bil-kurżità li jara dak li għall-oħrajn kien moħbi, qal lill-qaddis: "Missier, trid li infarfrulek it-tonka?" U l-qaddis wieġbu: "*Il-Mulej iħallsek* (cfr. S 17,21.25) ħija, għaliex tassew għandi bżonn ta' dan". Waqt li kien qiegħed jinża' t-tonka, dak *b'ħarsa attenta* (cfr. Lam 4,17) ra b'għajnejh b'mod ċar il-ferita tal-kustat. Dak hu l-uniku li raha meta l-qaddis kien għadu ħaj, filwaqt li ħadd mill-oħrajn ma raha jekk mhux wara l-mewt tal-qaddis. [1C 95; LM XIII,8]

---

[563] L-isem ta' "omm" li bih Pacifico jsejjaħ lil San Franġisk jindika l-ħlewwa ta' l-imħabba tal-missier imqaddes lejn l-aħwa, imma hu għal kollox jaqbel ma' l-ispirtu tar-Regola, li fiha Franġisku jitlob lill-aħwa biex iħobbu u jieħdu ħsieb xulxin "kif omm tħobb u tgħajjex lil binha". Fir-*Regola miktuba għall-Eremitaġġi*, li hawnhekk jidher li Franġisku qiegħed iħares għaliex jinsab f'eremitaġġ, l-aħwa li jieħdu ħsieb l-aħwa li jingħataw kollhom kemm huma għall-kontemplazzjoni jissejħu "ommijiet". Cfr. 1C 98.

[564] Fra Rufino. Cfr. 1C 95; 3C 4.

[565] Fra Elia. Cfr. 1C 95.

Kapitlu CI
Dwar kif il-virtujiet għandhom jibqgħu moħbijin.

[854] 139 Dan il-bniedem kien warrab minnu kull glorja, *li ma tkunx taf* (cfr. Fil 3,19) bi Kristu; u kien ċaħad b'mod qawwi bħala għadu tiegħu t-tifħir tal-bnedmin. Għax kien jaf tajjeb li l-prezz tal-fama inaqqas dak li hu moħbi fil-kuxjenza, u hu ħafna agħar li wieħed jabbuża mill-virtujiet milli li wieħed ma jkollu l-ebda virtù. Kien jaf ukoll li mhux għemil ta' inqas perfezzjoni li wieħed iħares il-virtujiet li jakkwista milli li wieħed jakkwista virtujiet ġodda. Imma, ara, lilna l-frugħa tqanqalna aktar mill-imħabba, u t-tifħir li tagħtina d-dinja jieħu post l-imħabba ta' Kristu. Ma nafux nagħżlu bejn l-affetti, u ma *nagħmlux dixxerniment ta' l-ispirtu* (cfr. 1Ġw 4,1). Naħsbu li tkun il-karità li trid dak li, bil-maqlub, hu frott ta' ftaħir tagħna nfusna. Għaldaqstant jekk inkunu għamilna imqar ftit tajjeb, *ma nkunux nifilħu nġorru t-toqol tiegħu* (cfr. Ġob 31,23), u hekk neħilsu lilna nfusna minn kollox matul il-ħajja, u nitilfuh matul il-vjaġġ tagħna lejn ix-xatt li fih irridu naslu. Aħna nippreferu nissaportu bis-sabar li ma nkunux tajbin, imma fl-istess ħin ma rridux naċċettaw li ma nidhrux tajbin u li l-oħrajn ma jqisuniex bħala tajbin. Hekk ngħixu għal kollox *għat-tifħir tal-bnedmin* (cfr. Rum 2,29), għaliex aħna ma *aħniex għajr bnedmin* (cfr. Mt 8,9).

Dwar l-umiltà.

Kapitlu CII
Dwar l-umiltà ta' San Franġisk fl-imġieba tiegħu, fis-sentimenti tiegħu u kif kien jeħodha kontra l-imħabba lejh innifsu.

[855] 140 L-umiltà hi l-ħarriesa u t-tiżjin tal-virtujiet kollha. Jekk hi ma titqiegħedx bħala l-pedament tal-binja spiritwali, meta din tidher li tibda tikber tkun qorbot għat-tiġrif tagħha. Għaldaqstant, biex dan il-bniedem ma jidhirx nieqes mit-tiżjin ta' tant doni, kien *jimtela sa jibda' jqattar bil-ġid* (cfr. S 64,12) ta' l-umiltà. Ma kellu l-ebda stima tiegħu nnifsu jekk mhux li hu kien bniedem midneb, filwaqt li tassew kien ta' ġieħ u jiddi b'kull qdusija. Fuq l-umiltà hu kien ifittex biex jibni lilu nnifsu, *biex iqiegħed pedament* (cfr. Lhud 6,1) skond kif għallmu Kristu. Hu kien jinsa *l-ġid li kiseb* (cfr. Mt 25,16.17), u *quddiem għajnejh kien iqiegħed* (cfr. S 100,3) biss id-difetti, filwaqt li kien iqis li kienu aktar il-virtujiet li kienu jonqsu fih milli dawk li diġà kellu. L-unika kilba li kellu kienet dik li jsir aħjar, b'tali mod li kien ikun jista' jżid virtujiet oħrajn, billi ma kienx kuntent biss b'dawk li kien kiseb. Kien umli f'imġiebtu, aktar umli fis-sentimenti tiegħu, mill-aktar umli fl-istima tiegħu nnifsu. Xejn ma kien juri li dan *il-prinċep ta' Alla* (cfr. Ġen 23,6) kien imqiegħed qabel kulħadd, jekk mhux din il-ġawhra mill-aktar tleqq, jiġifieri, li hu kien l-iċken wieħed fost il-minuri. Din kienet il-virtù, dan kien it-titlu, dan kien id-distintiv li kien jindikah bħala ministru ġeneral. Fommu ma kienx jaf bi kliem ta' ftaħir, l-imġieba tiegħu ma kienetx minfuħa bil-kburija, u l-għemejjel tiegħu ma kellhomx ix-xniexel tal-frugħa. Għalkemm bir-rivelazzjoni divina *kien tgħallem* (cfr. Sir 16,24; Għerf 9,18) kif iħoll ħafna kwestjonijiet li jħawwdu, imma dejjem kien iqiegħed qabel xejn il-parir ta' l-oħrajn. Kien jemmen li l-parir ta' l-aħwa kien l-aktar wieħed żgur u li l-mod kif kienu jaraw huma l-affarijiet kien l-aktar wieħed għaqli. Kien itenni li mhux veru li *ħalla kollox warajh* (cfr. Mt 19,27) għall-Mulej, min jibqa' marbut mal-mod tiegħu kif jaħseb u jara l-affarijiet. Għalih innifsu, imbagħad, kien jippreferi

*jisma' ż-żeblieħ* (cfr. S 30,14) milli kliem ta' tifħir, għaliex it-tifħir kien jimbuttah biex jaqa', filwaqt li ż-żeblieħ kien jobbligah biex ibiddel ħajtu. [LM VII,2]

Kapitlu CIII
Dwar l-umiltà li wera lejn l-Isqof ta' Terni u lejn wieħed bidwi.

[856] 141 Darba minnhom kien ippriedka quddiem il-poplu ta' Terni, u l-isqof ta' dik il-belt[566], u dan irrikmandah quddiem kulħadd meta temm jippriedka billi qal: "F'din *l-aħħar siegħa* (cfr. 1Ġw 2,18) Alla għoġbu jdawwal il-Knisja tiegħu b'dan il-bniedem *fqajjar u mistmerr* (cfr. Is 53,3; 66,2), sempliċi u bla skola; minħabba f'hekk aħna jeħtieġ li dejjem *infaħħru lill-Mulej* (cfr. S 146,1), filwaqt li nafu li hu *ma għamel hekk ma' ebda poplu*" (cfr. S 147,20). Malli l-qaddis *sema' dan il-kliem* (cfr. Ġen 50,17), hu laqa' b'imħabba kbira l-kelmiet li bihom l-isqof kien indikah bħala bniedem ta' min jistmerru. U meta daħal fil-knisja, *inxteħet f'riġlejn* (cfr. Mk 5,22) l-isqof, u qallu: "*Tassew ngħidlek* (cfr. S 110,8), sinjur isqof, li llum inti tajtni ġieħ kbir, għaliex filwaqt li oħrajn jeħduli dak li hu tiegħi, inti biss ħaristuli bla mimsus. Irrid ngħid li inti *fridt dak li jiswa minn dak li m'għandux siwi* (cfr. Ġer 15,19), bħala bniedem prudenti li int, filwaqt li *tajt it-tifħir lil Alla*, u lili *raddejtli* (cfr. Lq 18,43) l-miżerja tiegħi". [CA 10; SP 45]

[857] 142 *Il-bniedem ta' Alla* (cfr. Imħ 13,6) mhux biss kien juri ruħu umli ma' dawk li huma akbar minnu, imma wkoll ma' dawk li kienu daqsu jew ukoll inferjuri għalih, u kien aktar ikun lest li jħallihom iwissuh u jikkoreġuh, billi li hu jwissi lill-oħrajn. Jum minnhom kien riekeb fuq ħmar, għaliex minħabba li kien dgħajjef u marid ma setax jimxi aktar b'riġlejh, u kien qiegħed jaqsam għalqa ta' wieħed bidwi li kien hemmhekk jaħdem. Dan mar jiġri jiltaqa' miegħu u beda jistaqsih kollu ħeġġa jekk hu kienx fra Franġisk. *Il-bniedem ta' Alla* (cfr. Imħ 13,6) wieġbu bl-umiltà kollha li kien tassew hu. Il-bidwi mela, qallu: "Ara li tkun tassew tajjeb, skond kif kulħadd jgħid fuqek, għaliex ħafna *għandhom fiduċja fik* (cfr. Lhud 6,9). Għaldaqstant inħeġġek biex qatt ma ġġib ruħek b'mod differenti minn dak li kulħadd jittama u jistenna minnek". *Il-bniedem ta' Alla* (cfr. Imħ 13,6) Franġisku, għalhekk, malli sema' dawn il-kelmiet, niżel mill-ħmar fuq l-art, u *filwaqt li miel* quddiem dak il-bidwi, *bieslu riġlejh* (cfr. Lq 7,38) bl-umiltà, filwaqt *li raddlu ħajr* (cfr. Tob 11,7) talli kien wissieh b'dak il-mod. Meta fl-aħħarnett kien wasal biex il-fama tiegħu issir magħrufa minn kulħadd, hekk li kienu bosta dawk li kienu jqisuh bħala bniedem qaddis, imma hu baqa' jqis lilu nnifsu bħala bniedem li ma jiswa għal xejn *quddiem Alla u quddiem il-bnedmin* (cfr. Rum 12,17). Ma kienx jiftaħar la bil-fama tiegħu, u lanqas bil-qdusija li biha kien jiddi quddiem l-oħrajn, imma wkoll lanqas ma kien jiftaħar bil-bosta aħwa qaddisin *u ulied li* kienu mogħtija *lilu* bħallikieku kienu l-bidu tal-*ħlas* (cfr. 2Kor 6,13.18) tal-merti tiegħu. [Fioretti, Kunsiderazzjoni I ta' l-Istimmati]

[566] Kien jismu Rainerio (1218-1253). L-episodju seta' seħħ fl-1218.

Kapitlu CIV
Dwar kif waqt kapitlu ġenerali ċaħad għat-tmexxija ta' l-Ordni, u dwar it-talba tiegħu.

[858] 143 Biex ikun jista' jaqdi l-virtù qaddisa ta' l-umiltà, wara li għaddew ftit snin mill-konverżjoni tiegħu, f'wieħed mill-kapitli[567], quddiem l-aħwa kollha irriżenja mill-uffiċċju ta' prelat ta' l-Ordni, filwaqt li qalilhom: "Mil-lum 'il quddiem qisuni mejjet għalikom. Imma, araw, hawnhekk hawn fra Pietro Cattanio, li lilu jiena u intom irridu nobdu". U filwaqt li miel quddiemu, wiegħdu 'ubbidjenza u qima'. L-aħwa għalhekk bdew jibku, u infexxew f'biki ta' niket u f'ilfiq kbir, għaliex intebħu li huma kienu sfaw orfni minn missier hekk twajjeb. Għalhekk l-imqaddes Franġisku qam, għaqqad idejh flimkien u *refa' għajnejh lejn is-sema* (cfr. Ġw 17,1), filwaqt li qal: "Mulej, lilek nirrikmanda din il-familja, li inti lili ħallejtieli f'idejja sa issa. U issa billi jiena ma nistax *nieħu ħsiebha iżjed* (cfr. Lq 10,35), minħabba l-mard li inti taf li bih, Mulej l-aktar twajjeb, jiena nħalliha f'idejn il-ministri. Ħa jkunu miżmuma sabiex *f'jum il-ħaqq*, Mulej, quddiemek *jagħtu kont* (cfr. Mt 12,36), jekk xi wieħed mill-aħwa jinqered, minħabba t-traskuraġni jew l-eżempju ħażin tagħhom, jew ukoll minħabba li jkunu ikkoreġewh b'mod iebes iżżejjed". Minn dak il-ħin hu baqa' dejjem sudditu sal-jum tal-mewt, u kien iġib ruħu b'mod aktar umli mill-aħwa l-oħrajn kollha. [CA 11; SP 39]

Kapitlu CV
Dwar kif ċaħad ukoll għal sħabu.

[859] 144 Darba oħra ħalla f'idejn il-vigarju tiegħu lill-aħwa li kienu jaqduh, filwaqt li qallu: "Jiena ma rridx nidher partikulari b'dan il-privileġġ ta' ħelsien, imma l-aħwa għandhom jingħaqdu miegħi minn post għall-ieħor, skond kif il-Mulej inebbaħhom". U żied jgħidlu: "Jiena rajt raġel agħma li kellu biss kelb żgħir biex jakkumpanjah hu u miexi". Din kienet il-glorja tiegħu, li jqiegħed fil-ġenb kull dehra li kienet tagħmlu differenti mill-oħrajn, jew li tkun tidher li hi trattament speċjali, biex hekk *tgħammar fih il-qawwa ta' Kristu* (cfr. 2Kor 12,9). [SP 40]

Kapitlu CVI
Kliem kontra dawk li jħobbu jiksbu l-prelaturi, u deskrizzjoni tal-patri Minuri.

[860] 145 Meta kien jara kif xi wħud kellhom il-kilba li jilħqu l-kariga ta' prelati, li tagħha kienu indenji, jekk mhux għal ħaġa oħra, għall-ambizzjoni li kellhom li jridu jippresjiedu, kien jgħid li huma ma kienux patrijiet Minuri, imma li kienu *nsew is-sejħa li rċevew* (cfr. Ef 4,1), u *kienu waqgħu mill-grazzja* (cfr. Gal 5,4). Kien imbagħad iħawwad b'ħafna argumenti lil xi wħud li kienu msejkna, għaliex huma kienu bil-ħniena u kontra qalbhom jissaportu li jneħħuhom mill-uffiċċji tagħhom, u kienu aktar ifittxu l-ġieħ milli t-toqol tad-dmir.

---

[567] Il-Kapitlu ġenerali li sar fil-Porziuncola fid-29 ta' Settembru 1220, wara li Franġisku reġa' lura mill-Orjent. F'dik l-okkażjoni Franġisku għażel bħala l-ewwel vigarju tiegħu lil fra Pietro Cattanio. Qabel ma daħal fl-Ordni dan kien kanonku tal-kattidral ta' Assisi, u mar wara San Franġisk flimkien ma' Bernardo da Quintavalle. Kien studja l-liġi ċivili u ekkleżjastika fl-Università ta' Bologna, u minħabba din il-preparazzjoni u l-ħajja integra tiegħu kien kiseb l-istima u l-fiduċja ta' San Franġisk. Kien akkumpanja lil Franġisku meta dan mar l-Orjent. Dam bħala vigarju ta' Franġisku għal żmien qasir, jiġifieri mid-29 ta' Settembru 1220 sa ma miet fl-10 ta' Marzu 1221. Indifen fil-Porziuncola kif turi rħama b'kitba fuqha li għad hemm mal-ħajt ta' barra tal-kappella.

Jum minnhom qal lil wieħed mill-aħwa: "Ma jidhirlix li jiena nkun tassew patri Minuri jekk ma nkunx fil-qagħda li sejjer niddeskrivilek". U qallu: "Ara, billi jiena l-prelat ta' l-aħwa, jiena mmur fil-kapitlu, nippriedka u nwissi l-aħwa, u fl-aħħar jibdew jitkellmu kontrija u jgħiduli: 'Inti mintix tajjeb biex tmexxina għaliex inti bniedem bla skola u ta' min jistmerrek. Għaldaqstant, aħna *ma rridux li issaltan fuqna* (cfr. Lq 19,14), għaliex inti ma tafx titkellem u inti *sempliċi u bla skola*'[568] (cfr. Atti 4,13). Imbagħad ikeċċuni 'l barra bl-istmerrija, u kulħadd jibda jgħajjarni. Ngħidlek li jekk ma nismax dan il-kliem bl-istess *bixra ta' wiċċ,* bl-istess *ferħ* (cfr. S 15,10) tar-ruħ, u bl-istess proponiment ta' qdusija, jiena mhux veru li nkun patri Minuri". U kien iżid: "L-uffiċċju ta' prelat hu okkażjoni ta' waqgħa, u t-tifħir hu abbiss. L-umiltà tas-sudditu hi l-qliegħ tar-ruħ. Għaliex mela indawwru ruħna aktar għall-perikli milli għall-vantaġġi, meta għandna l-ħajja kollha biex nakkwistaw merti?" [CA 109; LM VI,5; SP 64]

Kapitlu CVII
Dwar kif kien irid li l-aħwa juru ubbidjenza lejn il-kjeriċi, u r-raġuni ta' dan.

[861] 146 Għalkemm l-imqaddes Franġisku kien irid li uliedu *jgħixu fil-paċi mal-bnedmin kollha* (cfr. Rum 12,18), u li kellhom iġibu ruħhom ta' nies umli ma' kulħadd; imma b'mod partikulari għallimhom, bil-kelma u bl-eżempju, li kellhom juru qima umli lejn il-kjeriċi. Kien għalhekk jgħid: "Aħna ġejna mibgħutin *biex ngħinu* (cfr. S 69,2; Dan 10,13) lill-kjeriċi ħalli *jsalvaw l-erwieħ* (cfr. 1Pt 1,9), hekk li aħna nkunu nistgħu nimlew il-vojt li jista' jkun hemm fil-ħidma tagħhom. *Kull wieħed se jitħallas* mhux skond l-awtorità li għandu, imma *skond ħidmietu* (cfr. 1Kor 3,8). Għandkom tkunu tafu, l-aħwa, li lil Alla jogħoġbu aktar il-ġid li jġib 'il quddiem l-erwieħ, u dan jista' jseħħ aktar fil-qbil milli fin-nuqqas ta' qbil mal-kleru. Jekk huma jfixklu s-salvazzjoni tal-poplu, hu *Alla li jikkastiga, u dan hu jagħmlu fi żmienu* (Dt 32,35). Għalhekk *oqogħdu dejjem* (cfr. 1Pt 2,13) għall-awtorità tal-prelati, u sakemm *ikollkom x'taqsmu intom* (cfr. Rum 12,18), ma għandkomx tqajjmu l-ebda għira. *Jekk intom tkunu ulied is-sliem* (cfr. Lq 10,6), intom tirbħu l-kleru u l-poplu; u din tkun ħaġa aktar għażiża għal Alla milli li intom issalvaw il-poplu u tqajjmu skandlu bin-nuqqas ta' qbil mal-kleru. Għattulhom in-nuqqasijiet tagħhom, idħlu intom biex issewwu d-difetti tagħhom, u *waqt li tagħmlu dan* (cfr. Lq 17,10), kunu attenti li tibqgħu umli ħafna"[569]. [CA 19; SP 54]

---

[568] Fit-*Testment* 29, ukoll insibu espressjoni simili: *Et quamvis sum simplex et infirmus*. Għall-użu ta' din l-espressjoni, cfr. *De vera et perfecta laetitia,* 11; 2C 141.145; LM VI,5; L3C 64; CA 109; SP (Sabatier) 64.81; SP (Lemmens) 38.
[569] Dan il-paragrafu hu meħud kelma b'kelma minn CA 19. Forsi l-kuntest tiegħu hu tassew dak ta' żmien San Franġisk, meta l-movimenti lajkali *pauperistici* u evanġeliċi, bħalma kienu l-Valdesi, il-Katari, l-Albiġiżi, eċċ, kienu jħammġu lill-kleru sekulari fil-predikazzjoni tagħhom. Franġisku ried iħares lill-aħwa minn dan il-periklu, billi l-Patrijiet Minuri kienu meqjusin ukoll bħala moviment *pauperistico* (jgħix il-faqar) u evanġeliku, u kien magħmul prevalentement minn aħwa lajċi. Jekk dan il-paragrafu, iżda, narawh fil-kuntest ta' meta kiteb Tommaso da Celano fl-1247, jista' jkun li jindika wkoll tensjoni li, fil-fatt, kienet tikbret ħafna f'ċertu ambjenti, bejn il-kleru sekulari u l-Ordnijiet mendikanti (Dumnikani u Franġiskani), l-aktar minħabba li dawn ta' l-aħħar kienu daħlu fil-bliet fi knejjes kbar konventwali, u kienu ġibdu bosta nies għal warajhom. L-istess ġara fl-ambjent universitarju ta' Pariġi, fejn il-*magistri* kjeriċi sekulari ħaduha kontra l-mendikanti, li kienu wkoll daħlu sewwa fl-ambjent akkademiku. Fi ħdan l-Ordni tal-Minuri dan beda jseħħ flimkien mal-proċess ta' klerikalizzazzjoni ta' l-Ordni, mill-1240 'il quddiem, u laħaq il-quċċata tiegħu fit-tensjoni li kien hemm f'Pariġi fi żmien San Bonaventura (1257-1274).

Kapitlu CVIII
Dwar il-qima li wera lejn l-Isqof ta' Imola.

[862] 147 Darba minnhom San Franġisk mar Imola, belt tar-Romagna, u ippreżenta ruħu quddiem l-isqof ta' dik id-djoċesi, biex jitolbu l-permess li jippriedka[570]. Imma l-isqof wieġbu: "Jiena biżżejjed, ħija, biex nippriedka lill-poplu tiegħi". San Franġisk mejjel rasu u bl-umiltà kollha *ħareġ 'il barra*, imma wara ftit tal-ħin, *reġa' daħal mill-ġdid* (cfr. Mt 26,75.58). U l-isqof reġa' staqsieh: "Xi trid ħija? X'ġejt titlob iżjed?" U l-imqaddes Franġisku wieġbu: "Sinjur, jekk il-missier ikeċċi lil ibnu minn bieb, dan bilfors irid jidħollu minn ieħor". L-isqof intrebaħ mill-umiltà tiegħu, u filwaqt li ħaddnu miegħu, b'wiċċu ferħan qallu: "Inti u l-aħwa tiegħek mil-lum 'il quddiem ippriedkaw fid-djoċesi tiegħi, bil-permess ġenerali tiegħi, għaliex l-umiltà qaddisa tiegħek immeritatlek din il-grazzja". [LM VI,8]

Kapitlu CIX
Dwar l-umiltà tiegħu lejn San Duminku u dwar l-imħabba li kellhom lejn xulxin.

[863] 148 Fil-belt ta' Ruma, fid-dar tas-Sinjur ta' Ostia, li wara sar Papa, kienu darba jinsabu ż-żewġ kwiekeb ileqqu tad-dinja, jiġifieri San Duminku u San Franġisk[571]. Dak l-isqof, li kien jismagħhom jitkellmu flimkien b'mod ta' l-għaġeb dwar Alla, qalilhom: "Fil-Knisja tal-bidunett ir-ragħajja kienu foqra, kienu bnedmin imħeġġin mill-imħabba u mhux mill-kilba għall-ġid. Għaliex, mela, ma naħtrux bħala isqfijiet u prelate lil dawk fost l-aħwa tagħkom li, minħabba *t-tagħlim u l-eżempju* (cfr. Tit 2,7) jgħaddu lill-oħrajn?"

*Qamet diskussjoni* (cfr. Lq 22,24) bejn iż-żewġ qaddisin dwar min iwieġbu l-ewwel, mhux għax wieħed ried jasal qabel l-ieħor, imma biex jistiednu wieħed lill-ieħor biex jibda jwieġeb. Wieħed beda jrid lill-ieħor iwieġeb qablu, għax it-tnejn kellhom qima kbira wieħed lejn l-ieħor. Fl-aħħar rebħet l-umiltà ta' Franġisku li ma jweġibx l-ewwel wieħed, u Duminku, billi wieġeb l-ewwel wieħed, obda bl-umiltà. Għaldaqstant wieġeb l-imqaddes Duminku u qal lill-isqof: "Sinjur, l-aħwa tiegħi, jekk jifhmu dan, diġà ġew mgħollijin għal ġieħ kbir, u jiena min-naħa tiegħi ma nħallihomx li jilħqu dinjità aktar għolja". Wara din it-tweġiba qasira, l-imqaddes Franġisku miel quddiem l-isqof u qallu: "Sinjur, l-aħwa tiegħi jissejħu minuri biex ma jmur ifettlilhom li *jkunu kbar* (cfr. Mt 20,26). Is-sejħa tagħhom tgħallimhom jibqgħu dejjem fl-umiltà u *jimxu fuq il-passi ta' Kristu* (cfr. 1Pt 2,21) li ċekken lilu nnifsu, sabiex fl-aħħar imbagħad jiġu mgħollijin aktar minn kulħadd *quddiem il-qaddisin* (cfr. Għerf 3,13). Jekk inti trid *li jagħmlu frott* (cfr. Ġw 15,2.8) fil-*Knisja ta' Alla* (cfr. Fil 3,6), ħallihom fis-sejħa tagħhom, mhux biss, imma niżżilhom dejjem aktar 'l isfel ukoll kontra r-rieda tagħhom. U għalhekk, missier, nitolbok sabiex ma tħallihomx li jkunu kburin imma foqra, u li ma juru qatt lilhom infushom imkabbrin fuq l-oħrajn, u għaldaqstant la tħalli qatt li huma jogħlew għall-uffiċċji ta' prelati". Din kienet it-tweġiba taż-żewġ qaddisin.

---

[570] L-isqof kien Mainardino Aldighieri, li mexxa d-djoċesi ta' Imola mill-1207 sa ma miet fl-1249.

[571] Il-laqgħa bejn San Franġisk u San Duminku għand il-Kardinal Ugolino dei Conti di Segni, skond ir-rakkonti tal-vjaġġi li għamlu f'ħajjithom, setgħet seħħet bejn it-tmiem ta' l-1220 u l-bidu ta' l-1221, jew forsi wkoll bejn l-aħħar xhur ta' l-1217 u s-7 ta' April 1218. Huma biss dawn id-dati li fihom it-tlieta li huma setgħu kienu preżenti Ruma flimkien. Għar-relazzjoni bejn San Franġisk u San Duminku fil-*Fontes* Franġiskani, cfr. *Compilatio Assisiensis*, nota 43.

149 Xi tgħidu intom, *ulied il-qaddisin*? (cfr. Tob 2,18). *Il-għira u l-firda* (cfr. 1Mak 8,16) jippruvaw li intom ulied qarrieqa, u mhux inqas dan turih l-ambizzjoni tagħkom lejn l-unuri. *Intom tigdmu u tieklu lil xulxin* (cfr. Gal 5,15), imma *l-gwerer u l-ġlied* ma jitwieldux ħlief *mill-konkupixxenza* (cfr. Ġak 4,1). *Il-ġlieda tagħkom hi kontra* l-qawwiet *tad-dlamijiet* (cfr. Ef 6,12), *hi ġlieda qalila* (cfr. Għerf 10,12) kontra l-eżerċti tax-xjaten, imma bejnietkom tiġġieldu wieħed kontra l-ieħor. Il-missirijiet, *mimlijin bil-għerf* (cfr. Rum 15,14), *iħarsu lejn xulxin* bil-familjarità *b'wiċċhom wieħed quddiem l-ieħor fuq l-għatu ta' l-arka tal-patt* (cfr. Eż 25,20)[572]. Imma l-ulied *huma mimlijin għira* (cfr. Rum 1,29), u *jħarsu lejn xulxin* (cfr. Għerf 2,15) b'wiċċ imqarras. Kif jista' jgħix il-ġisem, jekk ikollu *qalbu mifruda fih innifsu*? (cfr. Ħos 10,2). Għax tassew li, *mad-dinja kollha* (cfr. 2Mak 3,12), it-tagħlim tat-tjieba jimxi 'l quddiem u jagħmel il-frott, jekk *il-ministri tal-kelma ta' Alla* (cfr. Atti 6,4; Tit 2,5), jingħaqdu flimkien *bir-rabta ta' l-imħabba* (cfr. Kol 3,14). Għax dak li aħna nitkellmu dwaru jew ngħallmuh kulħadd jiddubita minnu minħabba din ir-raġuni, jiġifieri li fina nfusna nuru li hemm *sinjali mill-aktar ċari* (cfr. 2Mak 14,15) tal-ħmira tal-mibegħda. Naf li f'din il-ħaġa ma jidħlux il-ġusti, imma l-qarrieqa, li jmisshom jitqaċċtu mill-għeruq, biex ma jħassrux lill-qaddisin. U xi ngħid dwar dawk li jħarsu 'l fuq biex isiru *għorrief fil-għoli*? (cfr. Rum 12,16). Hi l-umiltà, u mhux it-triq tal-kburija, li biha l-missirijiet *waslu fis-saltna* (cfr. Lq 23,42). Imma l-ulied għadhom *mexjin fiċ-ċirku* (cfr. S 11,9) ta' l-ambizzjoni, *u ma jfittxux it-triq għal belt fejn jgħammru* (cfr. S 106,4). X'jifdal, ħlief li jekk ma jimxux minn din it-triq, huma lanqas se jilħqu l-glorja? *Mulej, ma jkun qatt li jiġri dan*! (cfr. Ġoż 24,16; Atti 10,14). Agħmel li d-dixxipli jkunu umli taħt il-ġwienaħ ta' mgħallmin hekk kbar fl-umiltà; agħmel li dawk li għandhom l-istess demm fl-ispirtu jkunu twajbin ma' xulxin, u jalla *tara ulied uliedek, u sliem għal Israel* (cfr. S 127,6)[573].

## Kapitlu CX
Dwar kif iż-żewġ qaddisin irrikmandaw lilhom infushom għat-talb ta' xulxin.

[864] 150 Wara li l-qaddejja ta' Alla, kif rajna, temmew it-tweġibiet tagħhom, is-Sinjur ta' Ostia ħassu edifikat ħafna mill-kliem li t-tnejn li huma qalulu, u *radd ħajr kbir lil Alla* (cfr. Atti 27,35). Qabel ma telaq l-imqaddes Duminku talab lill-imqaddes Franġisku sabiex jogħġbu jagħtih il-kurdun li kien imħażżem bih. Franġisku, minħabba l-umiltà, qajla kien lest li jagħmel dan, imma dak kompla jitolbu bil-karità kollha. Fl-aħħar rebaħ bl-insistenza tat-talb devot tiegħu, u wara li irċieva l-kurdun libsu b'qima kbira taħt it-tonka. Imbagħad ħadu b'idejn xulxin, u irrikmandaw lil xulxin b'mod mill-aktar ħelu wieħed lill-ieħor. San Duminku qal lil San Franġisk: "Ħija Franġisku, jiena nixtieq li nagħmlu Ordni wieħed mill-aħwa tiegħi u tiegħek, u li fil-Knisja aħna

---

[572] San Franġisk u San Duminku, il-missirijiet, jiġu raffigurati bħala ż-żewġ Kerubini fuq l-għatu ta' l-arka tal-patt, li fuqu l-qassis il-kbir kien jagħmel l-espjazzjoni tad-dnubiet. Fit-tradizzjoni nisranija l-Kerubini huma l-ispirti li jikkontemplaw il-misteru ta' Alla. San Duminku, minħabba l-għerf tal-Kelma ta' Alla li ikkontempla, ta' spiss ġie mqabbel mal-Kerubin, kif San Franġisk, minħabba l-ħeġġa taqbad ta' mħabbtu, ġie mqabbel mas-Serafin.

[573] Fl-1255, wara bosta rakkomandazzjonijiet, fra Giovanni da Parma, Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri (Franġiskani), u fra Humbert de Romains, Majjistru Ġeneral tal-Patrijiet Predikaturi (Dumnikani), indirizzaw ittri paterni lill-aħwa taż-żewġ Ordnijiet li fihom irrikmandaw il-ftehim, li kien naqas ħafna minħabba diverġenzi ta' natura dottrinali, l-aktar fl-Universitajiet. Celano hawnhekk qiegħed juri d-differenza bejn il-familjarità sinċiera li kien hemm fil-bidunett bejn San Franġisk u San Duminku, u r-relazzjonijiet ta' għira u kompetizzjoni fil-qasam akkademiku bejn l-Ordnijiet li żviluppaw meta hu kien qiegħed jikteb 2C. Minkejja kollox, ta' min isemmi wkoll, li ftit tas-snin wara, lejn l-1254, fl-Università ta' Pariġi nsibu ż-żewġ Ordnijiet mendikanti ewlenin jiddefendu flimkien id-duttrina tal-faqar kontra l-*magistri* sekulari, b'opri ta' nies qaddisin bħal San Tumas t'Aquino u San Bonaventura.

ngħixu taħt l-istess regola ta' ħajja". Meta infirdu minn xulxin, l-imqaddes Duminku qal lil ħafna li kienu hemm preżenti: "*Ngħidilkom is-sewwa* (cfr. Lq 4,25), ir-reliġjużi l-oħrajn għandhom jimxu wara dan ir-raġel qaddis Franġisku, tant hu perfett fil-qdusija tiegħu"[574] [CA 49; SP 43]

Dwar l-ubbidjenza.

Kapitlu CXI
Dwar kif, biex jgħix fl-ubbidjenza vera, ried dejjem ikollu l-gwardjan tiegħu.

[865] 151 Dan in-negozjant mill-aktar intelliġenti kien irid jaqla' l-veru ġid b'kull mod, u li ż-żmien kollu tal-ħajja preżenti jiksbu bħala mertu, u għalhekk ried li joqgħod għar-riedni ta' l-ubbidjenza f'kull ma jagħmel, u jkun sottomess għat-tmexxija ta' ħaddieħor. Għal din ir-raġuni mhux biss ċaħad għall-uffiċċju ta' ministru ġeneral, imma minħabba l-ġid aktar għoli ta' l-ubbidjenza, talab li jkollu gwardjan personali, li hu ried iqisu bħala l-prelat speċjali tiegħu[575]. Għaldaqstant hu qal lil fra Pietro Cattanio, li qabel kien wiegħdu ubbidjenza: "Nitolbok, għall-imħabba ta' Alla, li taħtar lil wieħed mill-aħwa biex għalija jkun il-vigarju tiegħek, u li jiena nobdih bil-qima daqslikieku qiegħed nobdi lilek". U qallu: "Jiena naf il-frott ta' l-ubbidjenza, u naf li ma jgħaddi l-ebda waqt mingħajr frott għal dak li *jqiegħed għonqu għall-madmad* (cfr. Sir 51,34) ta' l-ieħor". It-talba tiegħu ġiet milqugħa, u *sal-jum tal-mewt tiegħu* (cfr. Fil 2,8) hu baqa' dejjem suddittu għall-gwardjan tiegħu u dejjem kien jobdih bil-qima. Darba minnhom qal lill-aħwa: "Fost il-grazzji l-oħrajn li t-tjieba divina għoġobha tagħtini, tatni wkoll din il-grazzja, jiġifieri li jiena nobdi bil-ħeġġa lil novizz li jkun ilu siegħa biss fl-Ordni, jekk jingħata lili bħala gwardjan tiegħi, u kif nobdi lil xi ħadd ieħor mill-aħwa li jkun ilu żmien twil fl-Ordni u jkollu l-akbar prudenza u għaqal". U żied jgħid: "Is-suddittu jrid jara fil-prelat tiegħu mhux bniedem, imma lil Dak li għall-imħabba tiegħu hu sar suddittu. U għaldaqstant, aktar ma jkun ta' min jistmerru dak li jippresjiedi, aktar tkun togħġob lil Alla l-umiltà ta' min jobdi". [CA 11; LM VI,4; SP 46]

---

[574] Xhieda dokumentata tal-ħbiberija bejn San Franġisk u San Duminku jagħtihielna Pietro di Giovanni Olivi, *Lectura super Lucam*, (*Testimonia Minora*, 97-99), *Fonti Francescane* 2706: "Bħala konferma ta' dan, nirrakkonta dak li jiena stess smajt mingħand saċerdot mill-aktar qaddis u meqjum, u ta' min jemmnu, fra Bernardo Barravi, kanonku regolari tal-knisja ta' Carcassone u li mbagħad daħal mal-Patrijiet Minuri, f'żewġ priedki li hu għamel lin-novizzi f'Béziers, fejn jiena wkoll kont novizz u smajtu. Hu irrakkonta din il-ġrajja. Meta kien għadu kanonku u student tat-tejoloġija f'Pariġi, San Duminku, li kien kollega tiegħu bħala kanonku kif ukoll ħabib tiegħu, stqarrlu li hu u l-Ordni tiegħu kienu aċċettaw li jiċħdu kull għamla ta' proprjetà minħabba l-eżempju li kien tah Franġisku u l-aħwa tiegħu. Meta kien mar l-Italja fil-kurja rumana ħalli jaqla' l-approvazzjoni ta' l-Ordni tiegħu, kellu l-okkażjoni li jgħaddi minn Assisi u li jara lil Franġisku flimkien ma ftit eluf ta' aħwa li kienu inġabru hemmhekk għall-Kapitlu ġenerali. U hu kien imtela' b'ammirazzjoni meta ra li huma kienu jgħixu mingħajr ma jħabblu rashom għall-għada, u li l-providenza tal-Mulej kienet ta' kuljum tagħtihom dak li hu meħtieġ, permezz tad-devozzjoni ta' l-insara. Meta hu reġa' lura għand il-patrijiet tiegħu, qalilhom li huma setgħu jgħixu b'mod żgur mingħajr ma jkollhom l-ebda proprjetà, għaliex hu kien ra kemm dan kien possibbli, u kellu l-prova fl-imqaddes Franġisku u l-Ordni tiegħu". Il-Kapitlu ġenerali li għalih jirreferi Olivi hemm bosta li jaħsbu li kien il-Kapitlu "tal-ħsajjar" (tradizzjonalment 1221), għalkemm oħrajn jgħidu li x'aktarx kien il-Kapitlu ta' l-1218.

[575] Fit-*Testment* 27-28, insibu konferma ta' dan il-fatt: *Et firmiter volo obedire ministro generali huius fraternitatis et alio guardiano, quem sibi placuerit mihi dare. Et ita volo esse captus in manibus eius, ut non possim ire vel facere ultra obedientiam et voluntatem suam, quia dominus meus est.*

Kapitlu CXII
Dwar kif iddeskriva lil min tassew jobdi, u dwar it-tliet tipi ta' ubbidjenza.

[866] 152 Darba oħra, meta kien jinsab flimkien ma' l-aħwa, l-imqaddes Franġisku tniehed u qal dan il-kliem: "Bil-ħniena ssib reliġjuż fid-dinja kollha, li jobdi b'mod perfett lill-prelat tiegħu". L-aħwa, kollhom imħawwdin, qalulu: "Missier, mela għidilna liema hi l-ubbidjenza perfetta u l-aktar għolja". U hu beda jiddeskrivi lil dak li tassew jobdi bl-eżempju ta' ġisem mejjet: "Ħu ġisem mejjet u qiegħdu fejn jogħoġbok. Tara li hu ma jiċħadx li inti tieħdu x'imkien ieħor, ma jgorrx dwar il-post fejn ikun jinsab, u ma jilmintax jekk iċaqilquh minn hemmhekk. Jekk tqiegħdu fuq kattedra, ma jħarisx 'il fuq, imma rasu u ħarstu taqa' 'l isfel; jekk tlibbsu l-propra l-bjuda tal-mewt tiegħu aktar tispikka". U qal: "Ara, dan hu dak li tassew jobdi; dak li ma jiġġudikax għaliex ikunu ċaqilquh, li ma jimpurtahx fejn ikun qiegħed, u li ma jinsistix li jmur post ieħor. Jekk jiġi mgħolli għal uffiċċju, iżomm l-umiltà li jkollu s-soltu; aktar ma jirċievi ġieħ, aktar iqis lilu nnifsu li ma jistħoqqlux". Darba oħra, meta kien qiegħed jitkellem dwar l-istess argument, qal li huma proprjament permessi dawk li jingħataw wara li wieħed jitlobhom, filwaqt li huma ubbidjenzi qaddisa dawk li jiġu mogħtija b'obbligu u mhux mitlubin. It-tnejn huma tajbin, kien itenni, imma t-tieni waħda hi aktar żgura. Imma kien iqis li l-aktar waħda perfetta fosthom, li fiha ma jkollhomx sehem *il-ġisem u d-demm* (cfr. Mt 16,17), hi dik li permezz tagħha wieħed 'imnebbaħ minn Alla jmur fost l-infidili'[576], kemm għas-salvazzjoni tal-proxxmu, kif ukoll minħabba x-xewqa tal-martirju. Li wieħed jitlob għal din l-ubbidjenza, hu kien iqisha ħaġa *togħġob* ħafna *lil Alla* (cfr. Fil 4,18). [LM VI,4; SP 48]

Kapitlu CXIII
Dwar kif wieħed ma għandux jikkmanda bl-ubbidjenza għal xejn b'xejn.

[867] 153 Hu kien tal-fehma li wieħed għandu jikkmanda bl-ubbidjenza rarament, u li wieħed ma għandux iwaddab mall-ewwel il-vleġġa li tolqot, u li għandha tkun l-aħħar arma li wieħed juża. Kien jgħid: "Wieħed ma għandux jaqbad malajr ix-xabla f'idejh". Imma min ma jħaffifx biex iwettaq il-preċett ta' l-ubbidjenza, *la jibża' minn Alla u lanqas iqim lill-bnedmin* (cfr. Lq 18,4). Ma hemm xejn aktar veru minn dan. Għaliex x'inhi l-awtorità f'idejn dak li jħaddimha bla prudenza, jekk mhux xabla f'idejn bniedem miġnun? U mill-banda l-oħra, hemm każ aktar ta' disperazzjoni minn dak ta' reliġjuż li jiddisprezza l-ubbidjenza? [SP 49]

Kapitlu CXIV
Dwar kif xeħet fin-nar il-kapoċċ ta' wieħed mill-aħwa li kien ġie imqanqal bid-devozzjoni, imma mingħajr ma kellu l-ubbidjenza.

[868] 154 Darba minnhom neħħa l-kapoċċ lil wieħed mill-aħwa, li kien ġie mingħajr ubbidjenza, u ikkmanda li jixħtuhulu f'nar kbir. Ħadd ma iċċaqlaq biex ineħħi dak il-kapoċċ min-nar, għaliex kienu jibżgħu mill-bixra tal-wiċċ tal-missier, li kien jidher imħawwad u kemmxejn inkurlat. Għalhekk il-qaddis ikkmandahom li joħorġuh minn nar, u dak il-kapoċċ kien għadu sħiħ. X'aktarx li dan seħħ għall-merti tal-qaddis, imma x'aktarx ukoll għall-merti ta' dak li kien ġie biex

[576] Cfr. *Regola non bullata,* XVI u *Regola bullata,* XII.

jara l-missier l-aktar qaddis imqanqal biss minn xewqa ta' devozzjoni. Imma kien naqas mill-prudenza, li hi l-unika li tista' tmexxi l-virtujiet. [LM VI,11]

Dwar dawk li jagħtu eżempju tajjeb u dwar dawk li jagħtu eżempju ħażin.

Kapitlu CXV
Dwar l-eżempju tajjeb ta' wieħed mill-aħwa u dwar l-imġieba ta' l-ewwel aħwa.

[869] 155 Kien iħobb itenni li l-Mulej bagħat lill-patrijiet Minuri *fl-aħħar żminijiet* (cfr. Ġuda 18), sabiex lill-midinbin li huma mitlufin fid-dlam juruhom id-dawl bl-eżempju tagħhom. Kien jgħid li *jimtela' bl-iktar fwieħa ħelwa* (cfr. Eż 29,18; Ġw 12,3), u *bid-dilka tal-fwejjaħ jiswew ħafna* (cfr. Mt 26,7), kull darba li kienu jgħidulu bil-virtujiet ta' l-aħwa qaddisin li f'bosta postijiet *kien jisma' li jagħmlu għeġubijiet* (cfr. Atti 2,11).

Darba minnhom ġara li wieħed mill-aħwa kien qal *kelma iebsa li biha weġġa'* (cfr. Ġob 18,2) lil wieħed mill-aħwa quddiem raġel nobbli mill-gżira ta' Ċipru[577]. Dan meta ntebaħ li dak ħuh kien weġġa' bil-kelma li qallu, ħa ftit ħmieġ ta' ħmar, u biex jagħmel vjolenza fuqu nnifsu, beda jogħmodu u jgħid: "Ħa jomgħod il-ħmieġ dak l-ilsien li *minnu ħareġ il-velenu* (cfr. Prov 23,32) tal-korla kontra ħija". Meta dak ir-raġel ra dan kollu baqa' edifikat ħafna, u minn dak iż-żmien sar ħafna midħla ta' l-aħwa. L-aħwa kollha kienu jimxu fuq din id-drawwa, hekk li jekk xi ħadd minnhom kien jgħid lill-ieħor xi kelma li biha jweġġgħu, kien mall-ewwel *jinxteħet għal tulu fl-art* (cfr. 2Mak 10,4), u kien jiksi bil-bews ir-riġlejn ta' dak li jkun weġġa'. Il-qaddis, meta kien jisma' jingħadu dawn l-affarijiet, kien jimtela' bil-ferh, għaliex kien jintebaħ li l-aħwa, waħedhom, kien jixirqilhom ħafna jagħtu dawn l-eżempji ta' qdusija, u kien jimla' *b'kull barka mill-aktar xierqa* (cfr. 1Tim 1,15) lil dawk l-aħwa, li *bil-kelma jew bl-eżempju* (cfr. Kol 3,17) kienu jwasslu lill-midinbin lura għall-imħabba ta' Kristu. Billi hu kien *mimli bil-ħeġġa* (cfr. Atti 5,17) b'mod perfett, kien ikun irid li uliedu jkunu jixbħuh b'mod sħiħ. [CA 41; SP 51]

Kapitlu CXVI
Dwar l-eżempju ħażin li taw uħud mill-aħwa, u dwar kif il-qaddis seħithom u tahom kastig aħrax.

[870] 156 Lil dawk ukoll li kienu jniġġsu l-qdusija ta' l-Ordni *bl-għemejjel ħżiena* (cfr. 2Pt 2,8) jew bl-eżempju ħażin tagħhom, kien jixħet fuqhom is-sentenza tas-saħta mill-aktar qawwija tiegħu. Darba minnhom sar jaf li tnejn mill-aħwa kienu marru quddiem l-isqof ta' Fondi[578], u dawn, bhala sinjal ta' ċaħda tagħhom infushom kienu jħallu l-leħja tikber aktar milli jixraq. L-isqof kien wissihom u qalilhom: "Ara li ma tħassrux is-sbuħija ta' l-Ordni tagħkom bil-presunzjoni ta' drawwiet ġodda bħal dawn". Il-qaddis qam mall-ewwel, u *filwaqt li refa' idejh lejn is-sema* (cfr. 2Mak 14,34), mimli dmugħ, infexx f'din it-talba, jew aħjar, f'dawn il-kliem ta' saħta: "Mulej Ġesù Kristu, inti għażilt tnax l-Appostlu, li minnhom, ukoll jekk wieħed waqa', imma l-oħrajn baqgħu sħaħ ma' l-Evanġelju mqaddes, u ippriedkaw mimlijin bil-qawwa ta' *Spirtu wieħed* (cfr.

[577] Fra Barbaro kien wieħed mill-ewwel tnax l-aħwa tal-qaddis, li twieled qrib Assisi, imma li dwaru ma nafu xejn aktar. Ir-riferiment għall-gżira ta' Ċipru, minn xi wħud, jiġi interpretat bħala "isola di Scipio", u l-post jiġi identifikat ma' Limisano jew Limigiano, qrib Assisi.
[578] Fondi hi post qrib ta' Gaeta. L-isqof kien Roberto, mill-Ordni taċ-Ċisterċensi (1210-1227).

Ef 2,18). Inti, Mulej, f'*din l-aħħar siegħa* (cfr. 1Ġw 2,18), *ftakart fil-ħniena tiegħek tal-qedem* (cfr. S 88,50; Sir 51,11), u waqqaft l-Ordni ta' l-aħwa biex iwieżen il-fidi fik, u biex permezz tagħhom jitwettaq il-misteru ta' l-Evanġelju tiegħek. Min għalhekk jista' jpattilek għalihom, jekk dawk li inti bgħatt għal dan l-iskop mhux biss ma jurux lil kulħadd eżempji ta' dawl, imma x'aktarx juruhom *l-għemejjel tad-dlam*? (cfr. Rum 13,12). Minnek, Mulej l-aktar qaddis, mill-kori kollha ta' l-anġli u l-qaddisin fis-sema, u minni, qaddej ċkejken tiegħek, ħa jkunu misħutin dawk li bl-eżempju ħażin tagħhom iħawwdu u jeqirdu dak li darba inti bnejt permezz ta' l-aħwa qaddisa ta' dan l-Ordni, u li ma tehdiex li tkompli tibni sallum!" Fejn huma dawk li jħabbru lilhom infushom bħala ħenjin għaliex irċevew il-barka tiegħu, u jiftaħru li huma kienu midħla tal-ħbiberija tiegħu kull meta kienu jridu? Jekk, allaħares qatt, jinstab li huma urew *l-għemejjel tad-dlam*, bil-periklu lejn il-proxxmu tagħhom, mingħajr ma jindmu minn għemilhom, *ħażin għalihom* (cfr. Ġuda 11), għaliex huma jkunu mkeċċijin għall-kastig ta' dejjem![579] [LM VIII,3]

[871] 157 Kien jgħid: "L-aħwa li huma l-aktar tajbin jitħawwdu quddiem l-għemejjel ta' l-aħwa ħżiena, u wkoll jekk huma stess *ma dinbux, ikollhom iġorru* (cfr. Lam 5,7) l-ħaqq tan-nies minħabba l-eżempju tal-ħżiena. Minħabba f'hekk lili jniffduni b'xabla, u jgħadduhieli *l-jum kollu* (cfr. S 43,9,16) fil-ġewwieni tiegħi". Kien l-aktar minħabba din ir-raġuni li kien jibqa' maqtugħ mill-kumpanija ta' l-aħwa, li ma jmurx jiġrilu li jisma' dwar xi wieħed jew ieħor xi ħaġa li ma togħoġbux, u hekk fih jerġa' jiġġedded in-niket u l-uġiegħ tal-qalb.

U kien jgħid ukoll: "*Għad jiġi żmien* (cfr. Eżek 7,12) li fih dan l-Ordni li tant hu maħbub minn Alla tant ikollu fama ħażina minħabba l-eżempji ħżiena, li wieħed jibda jistħi joħroġ quddiem in-nies. Dawk li f'dak iż-żmien jiġu biex jiġu milqugħin fl-Ordni, jkunu immexxijin biss bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, u ma jiġux *imniġġsin mill-ġisem u mid-demm* (cfr. Mt 16,17; Sir 11,33), u jkunu tassew *imberkin mill-Mulej* (cfr. S 113,15). Huma ma jwettqux għemejjel li jkun jistħoqqilhom merti kbar, minħabba li *l-imħabba tibda tibred* (cfr. Mt 24,12) li biha l-qaddisin iwettqu għemejjel ta' ħeġġa. Imma fuqhom jiġu tentazzjonijiet mill-akbar, u dawk li f'dak iż-żmien jgħaddu mill-prova u jirbħuha, jkunu meqjusin aħjar minn dawk li ġew qabilhom. Imma ħażin għal dawk li jiftaħru biss bid-dehra tagħhom minn barra fil-ħajja reliġjuża, filwaqt li jongħosu fil-għażż tagħhom, u ma jibqgħux qawwijin biex jifilħu għat-tentazzjonijiet li huma permessi biex il-ġusti jgħaddu mill-prova! Għaliex huma biss dawk *li jkunu imġarrbin, li għad jiksbu l-kuruna tal-ħajja* (cfr. Ġak 1,12), wara li jkunu sfaw imħabbtin mill-qerq tal-ħżiena". [CA 2; SP 70]

## Kapitlu CXVII
Dwar kif Alla irrivelalu l-qagħda ta' l-Ordni, u dwar kif urieh li l-Ordni qatt ma kellu jispiċċa.

[872] 158 Il-qaddis kien jitfarraġ ħafna *meta Alla kien iżuru* (cfr. 1Pt 5,6), għaliex minn dawn iż-żjarat kien żgur li l-Ordni tiegħu kien se jibqa' wieqaf dejjem b'mod sħiħ. Kien ukoll jiġi

---

[579] Dawn il-kelmiet Celano jiktibhom fi żmien meta fra Elia, li kien ġie mneħħi minn Ministru Ġeneral ta' l-Ordni fl-1239, kien jinsab fi skomunika mill-Papa Girgor IX. Elia kien jista' tassew jiftaħar bil-ħbiberija tiegħu u l-fiduċja li kellu minn Franġisku, imma Celano jagħti x'wieħed jifhem li hu issa kien sar traditur tal-fundatur. Għalkemm ma jemmihx b'ismu, ninnutaw id-differenza ta' atteġġjament mill-1C, fejn Elia hu ippreżentat f'dawk pożittiv ħafna. Tassew li fra Elia, li miet rikonċiljat ma' l-Ordni fl-1253, jibqa' waħda mill-figuri l-aktar enigmatiċi ta' l-ewwel fraternità Franġiskana.

mwiegħed li l-għadd ta' l-aħwa li kienu jintilfu kien se jimtela' bil-għadd ta' dawk li jkunu magħżulin. Billi hu kien ikun imħawwad minħabba l-eżempji ħżiena u kien darba minnhom mar biex jitlob, imnikket kif kien fih innifsu, kellu x-xorti li jħoss lill-Mulej ifarrġu b'dan il-mod: "Ja raġel ċkejken, għaliex qiegħed titħawwad? Mhux jien kont li ħtartek ragħaj fuq l-Ordni tiegħi, u għalhekk ma għandekx tinsa li jiena dak li nħarsu qabel kulħadd? Għalhekk għażilt lilek, raġel sempliċi, sabiex dawk li jridu, jkunu jistgħu jimxu fuq l-għemejjel li jiena nwettaq fik u li jistgħu jiġu imitati mill-oħrajn. *Jiena sejjaħtilhom, inħarishom u mmexxihom* (cfr. Is 48,15; Apk 10,3), u jiena nimla b'reliġjużi ġodda l-vojt li jitħalla mill-oħrajn, hekk li *ukoll jekk ikunu għadhom ma twieldux* (cfr. Mt 26,24), jiena nagħmel li jitwieldu. Għaldaqstant la titħawwadx, imma *aħdem għas-salvazzjoni tiegħek* (cfr. Fil 2,12), għaliex ukoll jekk l-Ordni jkun magħmul biss minn tliet aħwa, l-għajnuna tiegħi tibqa' sħiħa u ma tiġi nieqsa qatt". Minn dak il-jum kien soltu jgħid li l-virtù ta' wieħed biss mill-aħwa li jkun qaddis tisboq bil-ħafna għadd kbir ta' aħwa imperfetti, kif raġġ wieħed ta' dawl jista' jirbaħ fuq l-aktar dlamijiet ħoxnin. [CA 112; LM VIII,3; SP 81]

Kontra l-għażż u l-aħwa għażżenin.

Kapitlu CXVIII
Dwar kif ġie rivelat lilu meta wieħed ikun qaddej ta' Alla u meta ma jkunx.

[873] 159 Minn meta dan il-bniedem beda jiċħad il-ħwejjeġ li jgħaddu, u *ingħaqad bis-sħiħ mal-Mulej* (cfr. Żak 13,17), ma riedx jitlef lanqas farka waħda miż-żmien li ingħatalu. Hu kien diġà *ħażen* l-abbundanza tal-ħafna merti *fit-teżor tal-Mulej* (cfr. Dan 1,2), u kien dejjem aktar lest biex jiġġedded għall-eżerċizzju tal-ħwejjeġ spiritwali. Kien iqisha offiża kbira jekk *ma jagħmilx il-ġid* (cfr. Rum 9,11), u kien iqis li wieħed imur lura jekk ma jimxix dejjem 'il quddiem. Meta darba waħda kien jgħix f'ċella fi Siena, lejl minnhom sejjaħ lejh lill-aħwa li kienu reqdin, u qalilhom: "L-aħwa, *jiena tlabt lill-Mulej* (cfr. 2Kor 12,8), biex jogħoġbu jurini, meta jiena *qaddej tiegħu* (cfr. S 118,125), u meta minix qaddej tiegħu". U tenna jgħidilhom: "Għaliex jiena ma rrid xejn aktar milli li dejjem inkun qaddej. U l-istess Mulej l-aktar twajjeb, fit-tjieba kbira tiegħu għoġbu jweġibni: 'Agħraf fis-sewwa li *inti qaddej tiegħi* (cfr. S 88,21; Ġob 1,8), meta inti taħseb, titkellem u twettaq ħwejjeġ qaddisa'. Għalhekk jiena sejjaħtilkom, l-aħwa, għaliex irrid nistħi quddiemkom, jekk xi drabi jiena stajt nonqos minn xi waħda minn dawn it-tliet ħwejjeġ". [CA 3; SP 74]

Kapitlu CXIX
Dwar il-penitenza li kienet tingħata fil-Porziuncola lil min jgħid kliem fieragħ.

[874] 160 Darba oħra, meta kien f'Santa Marija tal-Porziuncola, *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Tim 3,17) beda jqis li l-qliegħ spiritwali tat-talb jista' jiġi fix-xejn minħabba *kliem fieragħ* li jingħad wara t-talb, u għalhekk ordna li kontra l-ħtija *tal-kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36) l-aħwa kellhom jużaw dan ir-rimedju, u qal: "Jekk xi ħadd mill-aħwa *jgħid kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,35.36) jew kliem vojt, ikun miżmum li mall-ewwel jistqarr il-ħtija tiegħu, u li għal kull kelma fiergħa li jkun tenna jgħid *Missierna*. Irrid imbagħad li, jekk dak li jkun, jistqarr il-ħtija tiegħu minn jeddu, għandu jgħid *Missierna* għal ruħu; imma jekk jiġi imwissi qabel minn xi ħadd ieħor, għandu jitlob għar-ruħ ta' dak li jkun ikkoreġih". [CA 107; LM V,6; SP 82]

Kapitlu CXX
Dwar kif kien ikun mehdi fix-xogħol u dwar kif kien jistmerr lill-għażżenin.

[875] 161 Hu kien ta' spiss itenni li *l-berdin*, li ma jridux japplikaw ruħhom għall-ħidma b'riżq il-fraternità, *il-Mulej jirriġettahom minn ħalqu* (cfr. Apk 3,16). L-ebda wieħed mill-aħwa ma seta' jidher quddiemu jekk kien għażżien, mingħajr ma kien jikkoreġih bi kliem iebes. Għaliex hu, bħala mudell ta' kull perfezzjoni, kien jaħdem u *kien jingħata għall-ħidma ta' l-id* (cfr. 1Kor 4,12; 1Tes 4,11), mingħajr ma jippermetti lilu nnifsu li jaħli mqar mument wieħed minn dak id-don prezzjuż li hu ż-żmien. Darba minnhom qal: "Jiena rrid li l-aħwa kollha tiegħi jaħdmu u jingħataw għax-xogħol, u dawk li ma jafux, għandhom jitgħallmu xi sengħa"[580]. U żied ukoll ir-raġuni għaliex, u kompla jgħid: "Dan biex huma jkunu ta' inqas piż għall-bnedmin, u għaliex fil-għażż l-ilsien u l-qalb ma jmorrux jintilfu fost ħwejjeġ mhux onesti". Id-dħul jew il-paga tax-xogħol, imbagħad, ma kienx iħalliha fil-għażla ħielsa ta' min kien jaħdem, imma tal-gwardjan jew tal-familja reliġjuża tiegħu. [CA 48; LM V,6; SP 75]

Kapitlu CXXI
Talba ta' tnehid lill-qaddis kontra l-għażżenin u l-wikkiela.

[876] 162 Missier qaddis, ippermettili issa li nerfa' lejn is-sema t-tnehid tiegħi għal dawk li jgħidu li huma tiegħek. Dawn jobgħodu l-għemejjel tal-virtù, u jridu jistrieħu qabel ma jibdew jaħdmu, biex hekk juru li mhumiex ulied Franġisku imma ulied Luċifru. Għandna kotra ta' morda aktar milli ta' rġiel imhejjija għall-ġlied, filwaqt li dawn, *li twieldu biex jaħdmu* (cfr. Ġob 5,7), imisshom jafu li *fil-ħajja* jridu *jissieltu* (cfr. Ġob 7,1). Ma jħobbux li jimxu 'l quddiem fil-ħidma tagħhom; u għalhekk lanqas jistgħu jkunu tajbin għall-kontemplazzjoni. Wara li jkunu ħawwdu lil kulħadd bil-ħajja tagħhom għalihom waħedhom, u wara li jkunu ħaddmu aktar ix-xedaq milli idejhom, *huma jobogħdu lil min jaħtafhom quddiem il-bieb*[581] (cfr. Għam 5,10). Huma ma jħallu lil ħadd li jmisshom lanqas bil-ponta ta' subgħajh. Imma wkoll huma, skond il-kliem ta' l-imqaddes Franġisku, juru l-wiċċ sfiq tagħhom, għaliex kieku baqgħu d-dar kien ikollhom jgħixu *bl-għaraq ta' ġbinhom* (cfr. Ġen 3,19), u issa, mingħajr ma jaħdmu, iridu jirgħu bil-għaraq tal-fqajrin. X'eżempju ta' qerq! Ma jagħmlu qatt xejn u jidhru li huma dejjem okkupati. Jafu bl-amment il-ħin ta' l-ikel, u jekk xi drabi l-ġuħ jagħmel bihom, jibdew jakkużaw lix-xemx li baqgħet rieqda. Missier twajjeb, nista' jien inqis li dawn l-irġiel li donnhom mostri jixirqilhom il-glorja tiegħek? Imma lanqas it-tonka ma jixirqilhom! Inti dejjem għallimt biex f'dan iż-żmien mhux żgur u li malajr jgħaddi jeħtieġ li nakkwistaw il-għana tal-merti, biex hekk ma jiġrilniex li jkollna noħorġu nittallbu fil-ħajja li għad trid tiġi. Imma dawn lanqas gost li jridu jmorru fis-sema ma fadlilhom, u hekk għad jgħaddu biex imorru fl-eżilju. Din il-marda issa tattakka wkoll lis-sudditi,

---

[580] Dawn il-kelmiet huma rifless ta' dak li l-qaddis kiteb fit-*Testment* 20-21: *Et ego manibus meis laborabam, et volo laborare; et omnes alii fratres firmiter volo, quod laborent de laboritio, quod pertinet ad honestatem. Qui nesciunt, discant.*

[581] L-espressjoni Latina hi: *odiunt corripientem in porta*, li tfisser li "jobgħodu lil min jaħtafhom fil-pubbliku". Imma r-riferiment għall-"bieb" jista' jkun li jindika d-dmir li l-aħwa jmorru jittallbu bieb, bieb. Mela dawn l-aħwa għażżenin, li jridu jieklu u mhux jaħdmu, lanqas biss ikun jridu jiċċaqilqu biex imorru jittallbu l-għajxien tagħhom!

ġaladarba l-prelati jagħmlu ta' birruħom li mhux qed jaraw, u sakemm hu possibbli, isostnuhom fil-vizzji tagħhom bħallikieku mbagħad ma jkollhomx jaqsmu magħhom il-kastig."

Dwar il-ministri tal-kelma ta' Alla.

Kapitlu CXXII
Dwar kif għandu jkun il-predikatur.

[877] 163 Kien irid li *l-ministri tal-kelma ta' Alla* (cfr. Atti 6,4; 17,13), li huma mehdijin fl-istudji tal-ħwejjeġ qaddisa, ma għandhomx ikunu mfixklin mill-ebda uffiċċju ieħor. Hu kien jgħid li huma ġew magħżulin mis-sultan il-kbir biex ixandru lill-poplu l-liġijiet qaddisa li huma jisimgħu minn fommu. Kien jgħid ukoll: "Qabel xejn il-predikatur irid jixrob mill-misteri tat-talb dak li mbagħad irid ixerred fil-predikazzjoni tiegħu; l-ewwel irid jaqbad minn ġewwa, biex ma jxandarx minn barra kliem biered". Kien jgħid li dan l-uffiċċju jixraqlu kull qima, u li kulħadd għandu jqim lil dawk kollha li jamministrawh. Kien jgħid: "Huma jagħtu l-ħajja lill-ġisem, huma l-għedewwa tax-xjaten, huma *d-dawl tad-dinja*" (cfr. Mt 5,14).

Kien iqis li d-dutturi tat-tejoloġija mqaddsa jisħoqqilhom ġieħ partikulari. U għalhekk ried li bħala norma ġenerali l-aħwa jiktbu dawn il-kliem: "Għandna nqimu u nweġġħu lit-tejoloġi kollha u lil dawk li jgħaddulna l-kelma ta' Alla bħala dawk li jagħtuna *l-ispirtu u l-ħajja*"[582] (cfr. Ġw 6,64). U darba minnhom, meta kiteb lill-imqaddes Antonju, hekk beda l-ittra tiegħu: "Lil fra Antonju, isqof tiegħi"[583].

Kapitlu CXXIII
Kontra dawk li kienu bil-għatx tat-tifħir divin, u dwar kif spjega kliem profetiku.

[878] 164 Kien, iżda, jgħid ukoll li ta' min jitħassarhom dawk il-predikaturi li ta' spiss ibiegħu l-ministeru tagħhom minħabba li jridu jiftaħru bihom infushom b'mod fieragħ. U kien xi mindaqqiet jipprova jfejjaq il-kburija tagħhom b'dan ir-rimedju: "Għaliex intom tiftaħru bil-konverżjoni tal-bnedmin, meta huma ikkonvertew bit-talb ta' l-aħwa sempliċi tiegħi?" U hekk kien jikkummenta dawn il-kelmiet mill-Iskrittura: *Il-mara bla wlied welldet sebgħa* (cfr. 1Sam 2,5). Kien jgħid: "Ix-xbieha tal-mara bla wlied tindika lill-aħwa tiegħi fqajrin, li ma għandhomx id-dmir li jnisslu ulied fil-Knisja. Imma f'jum il-ħaqq jidhru li jkunu welldu bosta wlied għad-dawl, għaliex f'dak il-jum l-imħallef jgħidilhom li kienu għall-glorja tiegħu dawk li huma

[582] Dawn il-kelmiet huma meħudin mit-*Testment* 13: *Et omnes theologos et, qui ministrant sanctissima verba divina, debemus honorare et venerari, sicut qui ministrant nobis spiritum et vitam*.

[583] Meta Celano kien qiegħed jikteb 2C, Antnin ta' Padova kien diġà ġie dikjarat qaddis fit-30 ta' Mejju 1232. It-titlu ta' "isqof" ma jfissirx li Sant'Antnin kien isqof. Fil-medjuevu dan it-titlu kien jintuża bħala titlu ta' ġieħ għal dawk is-saċerdoti tejoloġi li kienu jgħinu lill-isqof fil-ministeru tal-predikazzjoni uffiċjali u fit-tagħlim tat-tejoloġija, u li kienu jiġu maħturin espliċitament bħala *praedicatores* (predikaturi) u *lectores* (letturi). Fl-ewwel seklu ta' l-eżistenza ta' l-Ordni niltaqgħu ma' bosta każi li fihom l-aħwa li kienu predikaturi jew letturi ma kienx jingħataw l-uffiċċju ta' Ministri Provinċjali jew uffiċċji oħrajn, bl-iskop li huma jkunu jistgħu jingħataw il-ħin kollu għall-istudju u l-predikazzjoni. Dan juri kemm mhix vera t-teżi ta' min isostni li San Franġisk kien kontra l-istudji, u juri wkoll b'liema ġieħ u sens ta' qima kienu jħarsu l-aħwa kollha lejn dawk fosthom li kellhom don partikulari tat-tagħlim, hekk li kienu jħalluhom ħielsa minn kull uffiċċju biex jingħataw għall-ħidma speċjalizzata tagħhom.

ikkonvertew bit-talb moħbi tagħhom. *Il-mara ta' bosta wlied tilfet saħħitha* (cfr. 1Sam 2,5), għaliex il-predikatur li jiftaħar li għandu bosta wlied, bħallikieku nissilhom hu bil-qawwa tiegħu, jintebaħ f'dak il-jum li fihom ma jsib xejn li hu tiegħu". Lil dawk, imbagħad, li għandhom kilba biex in-nies tfaħħarhom aktar bħala kelliema għorrief milli bħala predikaturi, u li jħobbu jitkellmu b'diskors imżejjen imma li ma jolqotx il-qalb, ma tantx kien iħobbhom. U kien jgħid li huma jagħmlu użu ħażin taż-żmien, għaliex jingħataw biss għall-predikazzjoni, imma kważi xejn għad-devozzjoni. Kien imbagħad ifaħħar lill-predikaturi li jaħsbu wkoll fihom infushom biex hekk jitmantnew ħafna drabi mit-togħma tajba tal-veru għerf. [1C 80; 3C 1; CA 103; LM VIII,8; SP 72]

Dwar il-kontemplazzjoni tal-Ħallieq fil-ħlejjaq.

Kapitlu CXXIV
Dwar l-imħabba tal-Qaddis lejn il-ħlejjaq kollha.

[879] 165 Billi kien jixtieq joħroġ malajr mid-dinja, bħallikieku kien ħiereġ mill-eżilju ta' pellegrinaġġ, dan il-vjaġġatur hieni kien isib għajnuna mhix ċkejkna fil-ħwejjeġ *li huma fid-dinja* (cfr. Ġw 17,11.16). Għaliex hu kien jinqeda bid-dinja bħallikieku kienet kamp tal-battalja kontra *l-qawwiet tad-dlamijiet* (cfr. Ef 6,12), u *mera* mill-aktar ċara *tat-tjieba* (cfr. Għerf 7,26) ta' Alla. F'kull ħlejqa kien ifaħħar lil Dak li għamilha, u dak kollu li kien isib fil-ħlejjaq, kien jerġa' jfakkru fil-Ħallieq[584]. *Kien jithenna fl-għemejjel kollha ta' id il-Mulej* (cfr. S 91,5; 8,7), u permezz ta' din id-dehra ta' ferħ kien jilmaħ il-kawża u r-raġuni li għaliha jgħixu. Fil-ħwejjeġ sbieħ kien jagħraf lill-Isbaħ Wieħed; u minn *dak kollu li hu tajjeb* (cfr. Ġen 1,31) kienet tintrefa' 'l fuq l-għajta: "*Dak li ħalaqna* (cfr. S 99,3) hu l-aktar tajjeb". Permezz tal-*passi* li huma stampati fil-*ħwejjeġ maħluqa kien jimxi wara l-maħbub* (cfr. Ġob 23,11; Għan 5,17) kullimkien, u minn kull ħaġa kien jagħmel taraġ biex bih *jilħaq it-tron tiegħu* (cfr. Ġob 23,3).

Kien jgħannaq miegħu l-ħlejjaq kollha b'imħabba u qima li qatt ma dehru oħrajn bħalhom, filwaqt li kien ikellimhom dwar il-Mulej u jħeġġiġhom għat-tifħir tiegħu. Kien iqim l-imsiebaħ, il-fjammi u x-xemgħa, u ma kienx ikun irid jitfi d-dija tagħhom b'idejh, għaliex huma kienu s-sinjali tad-*dawl ta' dejjem* (cfr. Għerf 7,26). Kien jimxi bil-qima fuq il-ġebel, b'tifkira ta' dak li jissejjaħ *Blata* (cfr. 1Kor 10,4). Meta kien jitlob dak il-versett li jgħid: *Fuq il-blat erfajtni* (cfr. S 60,3), kien ibiddel il-kelmiet biex juri qima akbar, u kien jgħid: "Taħt riġlejn il-blata inti erfajtni".

Meta l-aħwa kienu jaqtgħu z-zkuk għall-ħatab, hu ma kienx iħallihom iqaċċtu s-siġra kollha, sabiex hekk hi tkun tista' tarmi friegħi mill-ġdid. Lill-ġennien kien jikkmandah biex iħalli t-trufijiet ta' l-għalqa mhux maħduma, sabiex meta jiġi żmienhom il-ħaxix aħdar u l-fjuri sbieħ ixandru kemm hu tassew sabiħ il-*Missier ta' kulħadd* (cfr. Ef 4,6). Kien ukoll ikun irid li fil-ġnien ikun hemm roqgħa li fiha jikber ħaxix ifuħ u fjuri, sabiex ifakkru lil kull min jarahom fil-ħlewwa tal-fwieħa tal-ħajja ta' dejjem.

Kien saħansitra jiġbor id-dud mill-mogħdija, li ma jmorrux jgħaffġuh bir-riġlejn. Lin-naħal, biex ma jmutux bin-nuqqas ta' saħħa minħabba l-bard tax-xitwa, kien irid li jagħtuhom l-għasel u inbid mill-aħjar. Kien isejjaħ bl-isem ta' aħwa l-annimali kollha, għalkemm fosthom kien

[584] Cfr. Ant. V ta' l-*Officium Rhythmicum Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer: *Quidquid in rebus reperit / Delectamenti, regerit / In gloriam Factoris*.

l-aktar jgħożż dawk li huma ġwejdin. Imma *min jista' jirrakkonta kollox ħaġa, ħaġa*? (cfr. Sir 18,2). Dik it-tjubija li qisha għajn ta' ilma li tnixxi, u li għad tkun *kollox f'kulħadd* (cfr. 1Kor 12,6), għal dan il-qaddis kienet issa tidher tiddi f'kollox u f'kull ħaġa. [CA 88; LM IX,1; SP 118]

Kapitlu CXXV
Dwar kif il-ħlejjaq kienu jwieġbuh u jpattulu għall-imħabba tiegħu, u daw in-nar li ma ma għamillux ħsara.

[880] 166 Il-ħlejjaq kollha minn naħa tagħhom kienu jippruvaw ipattu l-imħabba tal-qaddis, u jħallsuh bil-gratitudni tagħhom. Kienu jitbissmulu meta kien iżiegħel bihom, kienu juruh li jweġbuh meta jistaqsihom xi ħaġa, u kienu jobduh meta kien jikkmandahom. Biżżejjed nagħtu xi eżempji. Fiż-żmien li fih *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) kien magħkus bil-marda ta' għajnejh, l-aħwa talbuh biex jaċċetta l-kura, u għalhekk sejħu lill-kirurgu fil-post fejn kienu jinsabu[585]. Dak ġab miegħu l-istrument tal-ħadid li bih kellu jaħraqlu madwar għajnejh, u talabhom iqiegħduh fin-nar, sakemm isir jikwi. Il-missier imqaddes, billi kien qiegħed iħossu mwerwer, beda jipprova jfarraġ lil ġismu, u dar fuq in-nar u qallu: "Ħija nar, *l-Aktar Għoli* (cfr. Sir 1,8.9) lilek ħalqek qawwi, sabi(cfr. Sir 1,8.9) lilek ħalqek qawwi, sabiħ u utli biex hekk inti iddawwal is-sbuħija tal-ħlejjaq l-oħrajn. *Nitolbok tkun ħanin miegħi* (cfr. Ġen 33,10) f'dan il-ħin, kun mimli kortesija miegħi, għaliex jiena dejjem ħabbejtek fil-Mulej! Nitlob *lill-Kbir Mulej li ħalqek* (cfr. S 47,2; Dt 32,6), biex inti ttaffi s-sħana tiegħek, sabiex jiena nkun nista' niflaħ għaliha bil-ħlewwa". Malli temm din it-talba, immarka lin-nar bis-sinjal tas-salib, u qagħad jistenna mimli kuraġġ. Malli l-kirurgu ħa f'idejh dik il-ħadida tikwi, l-aħwa kollha ħarbu mirbuħin mill-biża'; imma l-qaddis kollu ferħ u mingħajr dewmien qagħad għal dik il-ħadida. Il-ħadida tikwi u ċċaqċaq bdiet dieħla fil-laħam artab, u l-kirurgu għaddieha minn ħdejn widnejh sa fuq għajnejh biex jaħraq il-laħam u l-vini. Kemm dak in-nar ikkawżalu uġiegħ tixhed għalih il-kelma ta' dak stess li għadda minn dik l-operazzjoni. Fil-fatt, malli l-aħwa li kienu ħarbu reġgħu lura, il-missier bi tbissima qalilhom: "Ja beżżiegħin u nies ta' qalb dgħajfa, għalfejn ħrabtu? *Fis-sewwa ngħidilkom* (cfr. Lq 4,25), li la ħassejt il-qawwa tikwi tan-nar, u lanqas ħassejt uġiegħ f'ġismi". U mbagħad dar lejn it-tabib u qallu: "Jekk għadha ma ġietx mixwija biżżejjed, erġa' agħfas il-ħadida fuqha!" It-tabib, li kien espert fuq operazzjonijiet bħal dawn, beda jqis il-fatt bħala miraklu ta' l-għaġeb, u qal: "Ngħidilkom, l-aħwa, *li llum rajt ħwejjeġ ta' l-għaġeb*" (cfr. Lq 5,26). Kien reġa' mar lura għall-innoċenza tal-bidu dak li għar-rieda tiegħu kienu joqgħodu u jimmansaw il-ħlejjaq li jistgħu jkunu bla ħniena. [CA 86; 3C 14; LM V,9; SP 115]

Kapitlu CXXVI
Dwar l-għasfur li ried joqgħod f'idejh.

[881] 167 L-imqaddes Franġisku darba minnhom kien qiegħed jaqsam l-għadira ta' Rieti fuq dgħajsa żgħira, biex imur fl-eremitaġġ ta' Greccio. Wieħed sajjied offrielu għasfur tax-xmajjar, biex bih jifraħ fil-Mulej. Il-missier imqaddes laqgħu bil-ferħ u filwaqt li fetaħ idejh stiednu bil-ħlewwa biex itir ħieles. Hu ma riedx jitlaq, imma baqa' imgezzez f'idu qisu f'bejta. Il-qaddis, filwaqt li refa' għajnejh lejn is-sema, dam għal żmien twil jitlob. Wara dan il-ħin, donnu *reġa' ġie f'tiegħu* (cfr. Atti 12,11) wara estasi, bil-ħlewwa ikkmanda lill-għasfur biex, mingħajr biża', jmur

[585] Fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo fil-bidu tas-sajf ta' l-1225.

lura fil-ħelsien li kellu qabel. Malli dak l-għasfur irċieva l-permess u l-barka tiegħu, bil-ġisem tiegħu iċċaqlaq u tar ħieles u mimli ferħ. [3C 23; LM VIII,8]

Kapitlu CXXVII
Dwar is-seqer.

[882] 168 Meta l-imqaddes Franġisku kien jinsab f'eremitaġġ, fejn soltu kien imur jinħeba mill-bnedmin u mill-ħafna kliem tagħhom, kien hemm seqer li kellu l-bejta f'dak il-post u li miegħu intrabat b'patt ta' ħbiberija. Għaliex fil-ħin tal-lejl, meta soltu l-qaddis kien iqum għall-uffiċċju divin, is-seqer kien dejjem iqajjmu bil-kant u l-istorbju tiegħu. Il-qaddis kienet togħoġbu ħafna din il-ħaġa, għaliex hu b'ħerqa kbira kien iqajjmu bla dewmien. Iżda meta l-qaddis kien ikun marid aktar mis-soltu, is-seqer kien joqgħod kwiet u ma kienx iqajjmu daqshekk kmieni. Bħallikieku kien *mgħallem minn Alla* (cfr. Lq 4,34), fi sbieħ il-jum kien jibqa' jdoqq il-qanpiena tal-leħen tiegħu bil-ħlewwa kollha. Ma għandniex nistagħġbu, għalhekk, jekk il-ħlejjaq kollha kienu jqimu lil dan il-bniedem li tant kien iħobb lill-Ħallieq[586]. [3C 25; LM VIII,10]

Kapitlu CXXVIII
Dwar in-naħal.

[883] 169 Fuq muntanja kienet inbniet ċella ċkejkna, li fiha l-*qaddej ta' Alla* (cfr. Dan 14,36) kien qatta' erbgħin jum ta' *penitenza* (cfr. Imħ 21,15) mill-aktar ħarxa. Meta għadda dan iż-żmien, telaq minn hemmhekk, u dik iċ-ċella baqgħet battala mingħajr ma ħadd ma mar joqgħod floku, billi dak il-post kien maqtugħ ħafna. Baqgħet hemmhekk ġarra tal-fuħħar, li l-qaddis kien jinqeda biha biex jixrob. Jum minnhom marru xi nies f'dak il-post, minħabba l-qima li kellhom lejn il-qaddis, u sabu dik il-ġarra mimlija bin-naħal. Fiha dawk kienu qiegħdin jiffurmaw ċelel ċkejknin tax-xehda b'mod mill-aktar ta' l-għaġeb. Għax tassew dak in-naħal kien donnu jrid juri l-ħlewwa tal-kontemplazzjoni, li hemmhekk kien jixrob sax-xaba' minnha l-*qaddis ta' Alla* (cfr. Mk 1,24). [3C 28]

Kapitlu CXXIX
Dwar il-faġjan.

[884] 170 Wieħed raġel nobbli mill-*contado* ta' Siena, darba minnhom bagħat faġjan lill-imqaddes Franġisku, li kien marid. Dak laqgħu b'sens ta' radd il-ħajr, mhux għax ried jieklu, imma skond id-drawwa tiegħu li jifraħ dejjem bil-ħlejjaq għall-imħabba tal-Ħallieq. Imbagħad qal lill-faġjan: "Ikun imfaħħar il-Ħallieq tagħna, ħija faġjan!" U lill-aħwa qalilhom: "Ejjew naraw issa jekk ħuna l-faġjan iridx joqgħod magħna, inkella iridx imur joqgħod fil-postijiet tas-soltu li hu mdorri fihom". Wieħed mill-aħwa, bl-ordni tal-qaddis, mar jieħdu 'l bogħod u ħallieh f'dielja. Imma dak mall-ewwel tar bil-ħeffa, u reġa' lura lejn il-missier. Dan ordna li jeħduh aktar 'il bogħod. Imma l-għasfur, b'ħeffa kbira, reġa' lura fil-bieb taċ-ċella, u donnu bil-qawwa kollha, beda jidħol taħt it-tonok ta' l-aħwa, li kienu fid-daħla. Il-qaddis imbagħad ikkmandahom biex jitimgħuh bil-ħerqa, u beda jmellsu u jkellmu bil-ħlewwa. Kien hemm tabib, li kien devot ħafna

[586] Skond San Bonaventura, LM VIII,10, il-fatt ta' *frate falco* seħħ fuq La Verna, waqt ir-randan ta' San Mikiel.

tal-*qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34), u talab lill-aħwa biex jagħtuh dak l-għasfur, mhux biex jieklu, imma biex jieħu ħsiebu minħabba l-qima tiegħu lejn il-qaddis. U xi ngħidu iżjed? Hu ħadu miegħu d-dar; imma dak il-faġjan *donnu sofra offiża* (cfr. Sir 4,9) talli ħaduh 'il bogħod mill-qaddis, u sakemm dam maqtugħ minn miegħu ma ried jiekol xejn. Dak it-tabib baqa' miblugħ bl-istagħġib, u reġa' ħa lura lil dak il-faġjan għand il-qaddis, u irrakkontalu *ħaġa wara l-oħra* (cfr. Est 15,9) dak li kien ġara. Malli l-faġjan qiegħduh ma' l-art, malli ra quddiemu lill-missier, neħħa minnu kull niket, u beda jiekol kollu ferħ. [3C 26; LM VIII,10]

Kapitlu CXXX
Dwar il-werżieq.

[885] 171 Maġenb iċ-ċella ċkejkna tal-*qaddis ta' Alla* (cfr. Mk 1,24) ħdejn il-Porziuncola, kien hemm werżieq fuq siġra tat-tin, li ta' spiss kien joqgħod isaffar bil-ħlewwa kollha. Il-missier imqaddes, darba minnhom, ħareġ idu, u sejjaħlu bil-ħlewwa biex jiġi għandu, u qallu: "Ħija werżieq, ejja għandi!" U dak, donnu fehem dak li qallu, għaliex mall-ewwel tela' fuq idejh. U hu qallu: "Kanta, ħija werżieq, u faħħar lill-Mulej Ħallieq tiegħek bil-ferħ". U dak obdieh mingħajr l-ebda dewmien, u beda jkanta, u ma waqafx sakemm *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 4,9.16), filwaqt li beda wkoll ifaħħar lil Alla miegħu, tah il-permess biex imur lura fejn kien soltu joqgħod. U għal tmint ijiem sħaħ hu baqa' dejjem f'dak il-post qisu msammar hemmhekk. U l-qaddis, kull darba li kien joħroġ miċ-ċella, kien dejjem inewwillu idu, u kien jikkmandah biex ikanta, u l-werżieq kien dejjem ikun lest li jobdi t-talbiet tiegħu. U l-qaddis qal lil sħabu: "Ejjew issa nagħtu l-ħelsien lil ħuna l-werżieq, għaliex hu ferraħna biżżejjed bit-tifħir tiegħu, li ma jmurx *il-ġisem tagħna jiftaħar* bil-frugħa *minħabba* fih" (cfr. 1Kor 1,29; 2Kor 12,5). U l-werżieq mall-ewwel, meta ingħata l-ħelsien, telaq minn hemm u qatt aktar ma reġa' deher. L-aħwa kollha li raw dan il-fatt baqgħu mistagħġbin ħafna. [3C 27; LM VIII,9]

Dwar l-imħabba.

Kapitlu CXXXI
Dwar il-karità li kien juri għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ u dwar kif kien juri lilu nnifsu bħala eżempju.

[886] 172 Bil-qawwa ta' l-imħabba Franġisku kien sar ħu l-ħlejjaq l-oħrajn kollha, u għalhekk ma nistagħġbux li bl-*imħabba ta' Kristu* (cfr. 2Kor 5,14) hu sar ħu dawk kollha li huma immarkati bix-xbieha tal-Ħallieq. Għaliex hu kien isostni li xejn ma hu aktar meħtieġ mis-*salvazzjoni ta' l-erwieħ* (cfr. 1Pt 1,9), u dan kellu prova mill-fatt li l-*Iben il-Waħdieni ta' Alla* (cfr. Ġw 3,18) minħabba s-salvazzjoni tal-bnedmin ried li jkun imdendel ma' salib. Minn hawn kienet tiġih il-qawwa biex jitlob bla heda, biex jimxi minn post għall-ieħor ħalli jippriedka, u biex jitħeġġeġ ħalli jagħti l-eżempju tajjeb lill-oħrajn. Ma kienx iqis lilu nnifsu *ħabib ta' Kristu* (cfr. Ġw 15,14.15), jekk ma kienx *iħobb* lil dawk li Kristu nnifsu *ħabb* (cfr. 1Ġw 4,21). Din kienet ir-raġuni ewlenija li għaliha kien iqim lid-dutturi tat-tejoloġija[587], għaliex dawn huma *ħaddiema flimkien ma' Kristu* (cfr. Rum 16,9) biex jaqdu l-istess uffiċċju tiegħu. Imma *fuq kollox* (cfr. 2Kor 4,17) kien iħobb b'*imħabba* tassew *sħiħa* (cfr. Eżek 25,6) u intima lill-aħwa, bħala dawk li kienu *sħabu fil-fidi* (cfr.

[587] Cfr. 2C 163.

Gal 6,10) u magħqudin miegħu biex ikollhom sehem mill-*wirt ta' dejjem* (cfr. Lhud 9,15). [LM IX,4]

[887] 173 Meta kienu jgħidulu kemm kienet iebsa l-ħajja tiegħu, hu kien iwieġeb li hu kellu jingħata bħala eżempju għall-Ordni bħal *ajkla li tisseqqer fuq iż-żgħar tagħha* (cfr. Dt 32,11) biex tgħallimhom itiru. U għalkemm il-ġisem tiegħu bla ħtija, li kien minn jeddu joqgħod għall-ispirtu, ma kellux ħtieġa ta' l-ebda kastig għall-ħtijiet li seta' wettaq, imma hu kien ikattar il-penitenzi tiegħu biex jagħti eżempju, u kien *jgħaddi minn toroq iebsin* (cfr. S 16,4) biss biex iħares lill-oħrajn. U dan tassew kien jixraq, għaliex wieħed iħares aktar *lejn l-eżempju milli lejn il-kliem* (cfr. Sir 28,19.20; Ġdt 13,7) tal-prelati. Għax int, missier, kont tikkonvinċi aktar bil-ħlewwa bl-għemejjel, kont tipperswadi aktar bil-ħeffa u kont turi l-provi li l-aktar ikunu ċerti dwar għemilek. Għaliex jekk dawn il-prelati *jitkellmu bl-ilsien tal-bnedmin u ta' l-anġli,* imma ma jurux *eżempji ta' karità, għalija* jkunu jiswew ftit, u *xejn ma jkun jiswielhom* (cfr. 1Kor 13,1-3) għalihom infushom.

Għax tassew, meta min jikkoreġi ħadd ma jibża' minnu bl-ebda mod, u l-kapriċċi jieħdu post ir-raġuni, xi jkunu jiswew is-siġilli[588] għas-salvazzjoni? Minkejja dan wieħed irid iwettaq dak li huma jikkmandaw b'awtorità, sabiex hekk l-ilma jsaqqi l-ħxejjex u l-ward, ukoll jekk il-kanali tas-saqwi jibqgħu nexfin. Għax xi mindaqqiet il-ward *jinġabar* ukoll *mill-għollieq* (cfr. Mt 7,16), hekk li *l-kbir isir il-qaddej taż-żgħir* (cfr. Ġer 25,23; Rum 9,12). [LM IX,4]

## Kapitlu CXXXII
Dwar il-kura li kellu lejn l-aħwa sudditi tiegħu.

[888] 174 Imbagħad, min għandu l-istess kura li kellu Franġisku lejn is-sudditi tiegħu? Kien dejjem *jerfa' 'l fuq idu lejn is-sema* (cfr. Eż 17,11-13; Apk 10,5) għall-*ulied veri ta' Israel* (cfr. Eż 17,11-13; Ġw 1,47), u xi mindaqqiet kien jinsa lilu nnifsu biex jingħata għas-salvazzjoni ta' l-aħwa. Kien jinxteħet f'riġlejn il-Majestà divina, kien joffri għal uliedu *s-sagrifiċċju spiritwali* (cfr. S 50,19), u kien iżiegħel b'Alla ħalli jagħmlilhom il-ġid. Kien jgħasses mimli bil-biża' qaddis u bl-imħabba fuq *il-merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32) li kien ġibed għal warajh, li ma jmurx jiġrilu li, wara li jkun ħalla din id-dinja, jitlef ukoll is-sema. Kien konvint li fil-ġejjieni seta' jibqa' mċaħħad mill-glorja, jekk ma kienx jitħabat biex flimkien miegħu jieħdu sehem u jkun jistħoqqilhom jidħlu dawk li tħallew f'idejh, u li l-ispirtu tiegħu *kien welled* (cfr. Gal 4,19) bi tbatija akbar minn dik ta' omm li twelled mill-ġuf tagħha.

## Kapitlu CXXXIII
Dwar il-ħniena li kien juri lejn il-morda.

[889] 175 Kien juri ħniena mqanqla lejn il-morda, u kellu tjubija mill-aktar ħelwa lejn il-ħtiġijiet tagħhom. Jekk fit-tjieba tagħhom is-sekulari kienu jibgħatulu xi *electuaria*[589] għal saħħtu, hu kien joffrihom lil morda oħrajn. Kien jagħmel tiegħu t-tbatijiet tagħhom u kien ifarraġhom bi kliem ta' ħlewwa, meta ma kienx ikun kapaċi li jġibilhom għajnuna. Saħansitra kien jiekol fil-

---

[588] Is-siġilli, li bihom id-dokumenti uffiċjali jiġu awtentikati, huma sinjal ta' awtorità.
[589] L-*electuaria* kienu tip ta' mediċini li kienu jsiru taħt forma ta' ġulepp bil-għasel u ingredjenti oħrajn simili.

jiem tas-sawm, biex hekk l-aħwa morda ma jistħux; u lanqas ma kien jistħi jmur fil-postijiet pubbliċi tal-belt biex jittallab il-laħam għall-aħwa morda. Imma fl-istess ħin kien iwissi lill-aħwa li jbatu biex iġorru bis-sabar kull ċaħda li jkollhom jagħmlu, sabiex ma jinsistux hekk li jkunu ta' skandlu, jekk ma jkunux moqdijin f'kollox kif suppost. Għal din ir-raġuni f'waħda mir-Regoli tiegħu kiteb: "Nitlob lill-aħwa tiegħi kollha li huma morda, biex fik-mard tagħhom ma jitlagħlhomx u lanqas jitħawwdu kontra Alla u kontra l-aħwa. U ma għandhomx ikollhom ħerqa żejda biex jitolbu l-mediċini, u lanqas ikollhom xewqa li jeħilsu lil ġisimhom li dalwaqt imut, u li hu għadu tar-ruħ. *Għandhom iroddu ħajr f'kollox* (cfr. 1Tes 5,18), u skond kif Alla jkun jixtieqhom li jkunu, hekk huma għandhom jixtiequ li jkunu. Għaliex dawk li Alla *ippredestinahom għall-ħajja ta' dejjem* (cfr. Atti 13,48) jgħallimhom bin-niggieża tat-tbatija u tal-mard, kif jgħid Hu stess: *Jiena lil dawk li nħobbhom*, nikkoreġihom *u nwissihom* (cfr. Apk 3,19; Lhud 12,6)"[590]. [SP 42]

[890] 176 Darba minnhom sar jaf li wieħed mill-aħwa li kien marid kellu xewqa li jiekol ftit għeneb. Ħareġ miegħu f'dielja, u filwaqt li *qagħad taħt id-dielja* (cfr. Mik 4,4), biex jagħtih kuraġġ lil dak ħuħ, beda jiekol hu l-ewwel wieħed. [CA 53; SP 28]

## Kapitlu CXXXIV
Dwar il-ħniena li kien juri lil dawk li jkunu morda fl-ispirtu, u dwar dawk li jġibu ruħhom b'mod differenti.

[891] 177 Kien imbagħad iħobb b'imħabba u tjieba akbar u jieħu paċenzja kbira b'dawk l-aħwa li kien jaf li jkunu imħabbtin bit-tentazzjonijiet u li *jinfnew fl-ispirtu* (cfr. S 76,4) bħat-*tfal imħabbtin 'l hawn u 'l hinn* (cfr. Ef 4,14). Hekk hu kien jevita li jikkoreġi bl-aħrax, fejn ma kienx jara li hemm periklu, u kien *iżomm lura l-ħatar* (cfr. 1Mak 13,5) biex *isalvalhom lil ruħhom* (cfr. Prov 13,24). Kien imdorri jgħid li l-prelat għandu d-dmir li jkun missier u mhux tirann, u li għandu jara minn qabel l-okkażjoni tal-waqgħa, biex ma jħallix lil dak li jkun jaqa' fiha, għax imbagħad ikun aktar diffiċli *li jqum jekk ikun waqa'* (cfr. S 144,14). Kemm hi ta' min jitħassarha l-bluha tagħna! Għax aħna mhux biss ma nqajjmux u ma nweżnux lid-dgħajfin, imma xi mindaqqiet nimbuttawhom biex jaqgħu. Aħna jidhrilna li mhi ħaġa ta' xejn li naħtfu minn idejn ir-ragħaj il-kbir waħda minn nagħaġ li għaliha Hu fuq is-salib *offra talb b'leħen għoli u bid-dmugħ* (cfr. Lhud 5,7). Imma inti, missier qaddis, kont taħdem mod ieħor, u kont tippreferi li tgħin lil dawk li jiżbaljaw biex jerġgħu lura minn triqthom milli biex jaqgħu u jintilfu. Nafu, iżda, li l-ħażen tar-rieda proprja f'xi uħud tant ikun rabba l-għeruq li jkun hemm bżonn li wieħed iqaċċat il-ħażen, u mhux juża d-duwa. Għax jidher ċar li għal bosta hu aktar ta' salvazzjoni li *jiġu msawwta bix-xettru tal-ħadid* (cfr. S 2,9), milli li wieħed imellishom b'idejh. Imma *ż-żejt u l-inbid* (cfr. Lq 10,34), *il-ħatar u l-għasluġ* (cfr. S 22,4), il-ħeġġa u t-tjieba, is-samta u d-dlik, il-ħabs u l-ġuf, *hemm ħin għal kull waħda minnhom* (cfr. Qoħ 3,1). Dan kollu jitolbu *Alla li jaf jitħallas* (cfr. S 93,1) u l-*Missier ta' kull ħniena* (cfr. 2Kor 1,3), għalkemm Hu *jrid* aktar *il-ħniena* milli *s-sagrifiċċju* (cfr. Mt 9,13).

[590] *Regola non Bullata*, X,3. Il-kwotazzjoni hi magħmula b'mod liberu.

Kapitlu CXXXV
Dwar l-aħwa Spanjoli.

[892] 178 Dan ir-raġel mill-aktar qaddis kien *jinħataf f'Alla fir-ruħ tiegħu* (cfr. 2Kor 5,13) b'mod mill-aktar ta' l-għaġeb, u kien jimtela bil-hena fl-ispirtu, meta kien jisma' *bil-fwieħa tajba* (cfr. 2Kor 2,15) ta' qdusija ta' wliedu. Ġara darba li wieħed kjeriku Spanjol, li kien bniedem mill-aktar twajjeb, kellu x-xorti li jiltaqa' u jieqaf jitkellem ma' San Franġisk. Dan, fost ħwejjeġ oħrajn, kellmu dwar l-aħwa li kienu jgħixu fi Spanja, u lill-qaddis tah din l-aħbar li mlietu bil-ferħ. Hu qallu: "L-aħwa tiegħek fil-pajjiż tagħna jgħixu f'eremitaġġ fqajjar, u ingħataw għal stil ta' ħajja li jgħixuh b'dan il-mod, jiġifieri li nofshom jingħataw għall-ħidma tad-dar, filwaqt li n-nofs l-ieħor jingħataw għall-kontemplazzjoni. Kull ġimgħa, l-aħwa li jkunu għexu fil-ħajja attiva, jgħaddu għal dik kontemplattiva, u dawk li kienu għexu fil-kontemplazzjoni jgħaddu għall-ħajja attiva[591]. Jum minnhom, meta kienet diġà ġiet imħejjija l-mejda, u ingħata s-sinjal biex jinġabru l-aħwa li kienu għadhom ma ġewx, kulħadd inġabar flimkien ħlief wieħed, li kien fost l-aħwa li jingħataw għall-kontemplazzjoni. Wara ftit tal-ħin marru fiċ-ċella tiegħu, biex isejħulu għall-ikel, imma hu kien qiegħed jitmantna bl-ikel ħafna aktar għani tal-mejda tal-Mulej. Kien *mixħut għal tulu fl-art* (cfr. Tob 12,22), u idejh kienu mifruxin 'il barra f'għamla ta' salib, u ma kien qiegħed jagħti l-ebda sinjal ta' ħajja la bin-nifs u lanqas b'xi ċaqliqa ta' ġismu. Maġenb rasu u riġlejh kien hemm jixgħelu żewġ kandelabri, li bid-dija tgħammex tagħhom kienu jdawwlu b'mod ta' l-għaġeb dik iċ-ċella. *Huma ħallewh fis-sliem* (cfr. Lq 2,29), biex hekk ma jfixklux dik l-estasi, *u lanqas ma jqajjmu lill-maħbuba sakemm hi ma tkunx trid* (cfr. Għan 2,7). Imma dawk l-aħwa ippruvaw jittawwlu minn bejn ix-xquq ta' dik iċ-ċella, *u qagħdu wara l-ħajt u bdew jgħarrxu minn bejn il-gradi tal-ħadid* (cfr. Għan 2,9). U xi ngħid iżjed? Fil-qosor ngħid li *filwaqt li l-ħbieb kienu jisimgħu lil dik li kienet tgħix fil-ġnien* (cfr. Għan 8,13), f'daqqa waħda dak id-dawl għeb u dak li kien f'estasi reġa' ġie f'tiegħu. Qam mall-ewwel, u ġie għall-ikel, filwaqt li talab maħfra talli wasal tard". U dak il-kjeriku Spanjol kompla jgħid: "Hekk qiegħed jiġri f'pajjiżna". San Franġisk lanqas seta' jżomm fih dik il-hena, għax ħassu donnu fis-sakra *bil-fwieħa ta' wliedu* (cfr. Ġen 27,27). Mall-ewwel qam biex ifaħħar 'l Alla, u daqslikieku *din* biss *kienet l-unika glorja tiegħu* (cfr. 2Kor 1,12), jiġifieri li jisma' ħwejjeġ tajbin dwar uliedu, mill-qiegħ ta' qalbu tqanqal u qal: "Mulej, *inroddlok ħajr* (cfr. Lq 18,11), għaliex inti tqaddes u tmexxi lill-fqajrin, u lili imlejtni b'tant ferħ għal dak li jiena smajt dwar l-aħwa tiegħi! Nitolbok, bierek bl-aktar barka wiesgħa, u qaddes bi grazzja speċjali lil dawn l-aħwa, u lil dawk kollha li bl-eżempju tajjeb tagħhom ifewwħu l-professjoni reliġjuża!"

Kapitlu CXXXVI
Dwar dawk li jgħixu ħażin fl-eremitaġġi, u dwar kif kien ikun irid li kollox jinqasam flimkien.

[893] 179 Minn dawn il-ġrajjiet sirna nafu bil-karità li kellu l-qaddis, u li kienet virtù li biha kien jifraħ fis-suċċessi ta' l-aħwa li tant kien iħobb. Imma aħna nafu sewwa li fl-istess ħin kien iċanfar bl-aħrax lil dawk l-aħwa li kienu jgħixu b'mod differenti fl-eremitaġġi. Għaliex bosta jbiddlu l-post tal-kontemplazzjoni f'wieħed ta' għażż u l-ħajja ta' l-eremitaġġ, li hi l-mezz biex l-erwieħ jaslu għall-perfezzjoni, ibiddluha f'post li jħammġuh bil-pjaċiri tad-dinja. Għax illum din hi l-liġi ta' l-anakoreti[592] tagħna, jiġifieri li kull wieħed minnhom jgħix skond il-kapriċċi tiegħu.

[591] Dan kien l-istil ta' ħajja li San Franġisk innifsu kiteb dwar fir-*Regola ad eremitoriis data*.
[592] L-anakoreta hu l-eremita fis-sens klassiku tal-kelma.

Imma wkoll ngħidu li din iċ-ċanfira mhijiex għal kulħadd. Nafu li għad hemm qaddisin li *għadhom jgħixu fil-ġisem* (cfr. Gal 2,20) u li jgħixu tajjeb skond il-liġijiet qaddisa ta' l-eremitaġġi. Nafu wkoll li dawk il-missirijiet li ġew qabilhom kienu ward tal-ħajja solitarja. Jalla li l-eremiti ta' żminijietna ma jħallux dik id-dija tal-bidu, li għall-qdusija tagħha jixirqilha tikseb tifħir dejjiemi!

[894] 180 Mhux biss, imma meta San Franġisk kien iħeġġeġ lil kulħadd biex juri l-imħabba, kien jistieden biex l-aħwa juru familjarità bejniethom bil-ħlewwa u li jkunu mimlijin kortesija lejn xulxin. Kien jgħid: "Irrid li l-aħwa tiegħi juru ruħhom bħala ulied ta' l-istess omm, li jisilfu lil xulxin bil-qalb it-tonka jew il-kurdun, jew dak kollu li wieħed minnhom ikun talab mingħand ħuh. Għandhom iżommu flimkien il-kotba u dak kollu li hu meħtieġ u li jagħti hena fil-ħajja, mhux biss, imma li wieħed għandu jobbliga lil ħuh biex jagħmel użu minnhom". Ukoll f'din il-ħaġa hu kien l-ewwel wieħed li kien irid jagħti eżempju, sabiex hekk ma jgħid xejn *li qabel Kristu ma jkunx wettaq fih* (cfr. Rum 15,18).

Kapitlu CXXXVII
Dwar kif ta t-tonka tiegħu lil żewġ aħwa minn Franza.

[895] 181 Ġara li żewġ aħwa minn Franza, li kienu rġiel ta' qdusija kbira, iltaqgħu ma' San Franġisk. Meta rawh huma ħassew ferħ li ma jistax jitfisser, l-aktar għaliex kienu ilhom żmien twil bix-xewqa li jiltaqgħu miegħu. Wara li urewh imħabbithom u tkellmu miegħu bl-akbar ħlewwa, ġew imqanqlin mid-devozzjoni taħraq tagħhom biex jitolbu lil San Franġisk jagħtihom it-tonka tiegħu. Dan mall-ewwel neża' t-tonka minn fuqu, u baqa' nofsu għeri, filwaqt li tahielhom bl-akbar devozzjoni, u mbagħad libes bi tpartita qaddisa t-tonka ifqar li kellu fuqu wieħed minnhom[593]. Għax hu kien lest li jagħti mhux biss ħwejjeġ bħal dawn, imma saħansitra lilu nnifsu, u dak kollu li kienu jitolbuh, kien jagħtih bl-ikbar ferħ. [CA 90; SP 34]

Dwar dawk li jitkellmu kontra l-oħrajn.

Kapitlu CXXXVIII
Dwar kif kien ikun irid li jiġi ikkastigat min ipaċpaċ kontra l-oħrajn.

[896] 182 San Franġisk, bħal dawk kollha li għandhom ruħhom mimlija bil-karità, kien jistmerr lil dawk li *Alla jistmerrhom* (cfr. Rum 1,30). Imma fost dawk kollha li kellhom vizzji, kien jistmerr u jaħrab bl-akbar twerwir minn dawk li jqassu fuq l-oħrajn, u kien jgħid li huma għandhom *il-velenu taħt ilsienhom* (cfr. Ġak 3,8), li bih huma lesti li joqtlu lill-proxxmu tagħhom. Kien għalhekk jaħrab minn dawk li jitkellmu kontra l-aħwa u li jużaw kliem li bih jigdmu lill-oħrajn, kull meta kien jismagħhom jitkellmu, u kien idawwar widnejh lejn naħa oħra, kif rajna diġà f'postijiet oħrajn, ħalli hekk ma jkollux x'jaqsam mat-tpaċpiċ tagħhom. Jum minnhom sema' wieħed mill-aħwa li kien qiegħed iħammeġ il-fama tajba ta' wieħed ieħor, u dar lejn il-vigarju tiegħu fra Pietro Cattanio, u qallu dawn il-kelmiet tal-biża': "L-Ordni tagħna se jkollu mdendel fuqu periklu kbir jekk ma nsibux rimedju għal min ipaċpaċ kontra ħutu. Għaliex malajr malajr *il-*

[593] Skond Thomas of Eccleston, *Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 6, wieħed minn dawn iż-żewġ aħwa kien fra Lawrence de Beauvais, li mbagħad Franġisku kien bagħatu l-Ingilterra. It-tonka ittieħdet l-Ingilterra fl-1258-1259, imma f'qagħda mherrija għall-aħħar. Cfr. 2C 50.

*fwieħa mill-aktar ħelwa ta' xi wħud se tibda trejjaħ* (cfr. Lev 1,13; Eż 15,21), jekk *ma jingħalaqx il-fomm* (cfr. Est 13,17) ta' dawn il-bnedmin li jintnu. Qum mela, fittex bir-reqqa li titkixxef, u jekk issib li jkun bla ħtija dak fost l-aħwa li qiegħdin jakkużawh, lil dak li akkużah ikkastigah b'kastig iebes u li jkun ta' eżempju għall-oħrajn! Agħtih f'idejn il-ġellied bil-ponn ta' Firenze, jekk inti personalment ma tafx tikkastigah!" (Kien isejjaħ lil fra Giovanni minn Firenze bħala l-ġellied bil-ponn, għaliex kien raġel *bejjien* (cfr. Bar 3,26) u mżejjen b'qawwa kbira)[594]. U qallu: "Irrid li inti u l-ministri kollha tieħdu ħsieb bl-akbar reqqa li ma tinxteridx aktar din il-pesta qerrieda". Xi mindaqqiet kien saħansitra jqis li dak li jkun neżża' lil ħuħ mill-fama tajba, għandu jiġi mneżża' mit-tonka, u li ma kellux *jerfa' għajnejh* (cfr. Lq 18,13) lejn Alla, jekk qabel ma jkunx radd lura dak li kien seraq lil ħuħ. Minn dan kien ġej li f'dak iż-żmien, l-aħwa biex jevitaw dan il-vizzju, kienu iddeċidew li jagħmlu patt bejniethom li jaħarbu bir-reqqa minn dak kollu li seta' jkun ta' ħsara għall-ġieħ ta' l-oħrajn. Din kienet ħaġa tassew ġusta u mill-aħjar! Għaliex x'inhu l-bniedem li jqassas kontra l-oħrajn jekk mhux il-velenu tal-bnedmin, il-ħmira tal-ħażen, l-għajb tad-dinja? X'inhu l-bniedem ta' lsien qarrieq, jekk mhux skandlu għall-Ordni, velenu tal-kjostru tal-ħajja reliġjuża, u tħarbit ta' l-għaqda bejn l-aħwa? Imma ara, *il-wiċċ ta' l-art* (cfr. Eż 10,5) għandu kotra minn dawn il-bhejjem velenużi, u ma jistax ikun li persuna onesta taħrab mill-gidma ta' dawk li jqassu kontra għajrhom! Għax lil dawn il-qarrieqa jwegħeduhom premju, u hekk meqruda l-innoċenza, jingħata l-premju lil min jgħix bil-qerq. U ara, meta ma jirnexxilux jgħix mill-onestà tiegħu, jaqla' x'jiekol u x'jilbes billi jħarbat l-onestà ta' ħuħ. [LM VIII,4]

[897] 183 Minħabba dawn ir-raġunijiet San Franġisk kien ta' spiss itenni: "Dak li jqassas kontra għajru jgħid hekk: Il-ħajja tiegħi nieqsa mill-perfezzjoni, ma għandix il-prestiġju li nagħraf it-tajjeb, u lanqas ma għandi doni partikulari, u minħabba f'hekk la se nsib post quddiem Alla u lanqas quddiem il-bnedmin. *Ara naf x'se nagħmel: nixħet it-tajn f'wiċċ il-magħżulin* (cfr. Lq 16,4; Sir 11,33) u hekk nakkwista l-favuri tal-kburin. Jiena naf li l-prelat tiegħi hu bniedem, u li xi mindaqqiet hu wkoll jagħmel użu mill-istess uffiċċju tiegħi, jiġifieri jqaċċat *iċ-ċedri*, sabiex fil-bosk jibqa' jidher biss *l-għollieq* (cfr. Imħ 9,15). Ara kif jirraġuna dan il-miżerabbli! Hu jitmantna bil-laħam tal-bnedmin u jiekol il-ġewwieni ta' l-aħwa, billi ma jistax jgħix mod ieħor! Dawn in-nies jitħabtu biex l-oħrajn jarawhom tajbin, u mhux biex tassew isiru tajbin, u filwaqt li jakkużaw lill-oħrajn għall-vizzji, ma jridux ineħħu minnhom infushom il-vizzji tagħhom. Jafu jżiegħelu biss b'dawk li jafu li bl-awtorità tagħhom jistgħu jiddefenduhom, u jibqgħu siekta meta jaħsbu li t-tifħir tagħhom ma jaslux għand dak li jriduh jisimgħu. Huma jbiegħu bi prezz ta' tifħir fieragħ is-sfurija tal-*wiċċ tas-sawm* (cfr. Mt 6,16) tagħhom, *sabiex jidhru li huma nies spiritwali* (cfr. 1Kor 14,37; Mt 6,18), *li jagħmlu ħaqq minn kulħadd u li ħadd ma jagħmel ħaqq minnhom* (cfr. 1Kor 2,15). Jifirħu bil-fama li huma qaddisin, mingħajr ma għandhom l-għemejjel ta' qaddisin. Iqisu lilhom infushom li huma anġli, mingħajr ma għandhom il-virtujiet ta' l-anġli".

[594] Dan kien fra Giovanni *de Laudibus*, li jfakkruh li SP 85 u x'aktarx ukoll 1C 102. Kien bniedem ta' virtujiet qaddisa, għalkemm Salimbene, fil-*Cronica* tiegħu, isejjaħlu "spietato carnefice", għaliex kien jikkastiga lill-aħwa ħatja mingħajr ħniena.

Deskrizzjoni tal-Ministru Ġeneral u tal-Ministri l-oħrajn.

Kapitlu CXXXIX
Dwar kif għandu jġib ruħu ma' l-aħwa.

[898] 184 Meta Franġisku kien wasal qrib it-tmiem tal-vokazzjoni tiegħu biex jimxi wara l-Mulej, wieħed mill-aħwa li kien ħerqan għall-ħwejjeġ divini, u li kellu qima kbira lejn l-Ordni, staqsieh: "Missier, inti dalwaqt tħallina, u l-familja li imxiet warajk se tibqa' hawnhekk *f'dan il-wied tad-dmugħ* (cfr. S 83,7). Urina mela, wieħed mill-aħwa li inti taf fl-Ordni, li fih jistrieħ l-ispirtu tiegħek, u li jkun jista' bil-kalma kollha jerfa' fuqu t-toqol ta' ministru ġeneral". San Franġisk wieġbu hekk, filwaqt li sieħeb il-kliem tiegħu ma' ħafna tnehid: "Jiena ma naf lil ħadd li hu kapaċi li jkun mexxej ta' eżerċtu hekk kbir, u ta' merħla hekk kbira fil-għadd. Imma nixtieq inpinġilek, u kif ngħidu s-soltu, nurik id-dehra tal-figura ta' dak li jrid jiddi bħala l-missier ta' din il-familja". [SP 80]

185 Franġisku kompla jgħidlu: "Dan irid ikun bniedem li jgħix ħajja tassew serja, li jkollu sens ta' prudenza kbira, li jkun ta' fama li kulħadd ifaħħru. Irid ikun bniedem li ma jurix imħabbiet partikulari, li ma jmurx li, filwaqt li jħobb aktar lil xi wħud milli oħrajn, inissel skandlu f'kulħadd. Irid ikun bniedem li jkun ħabib ta' talb bla heda, u li jkun jaf iqassam ħin għal ruħu u ħin għall-merħla li tkun fdata f'idejh. L-ewwel ħaġa *filgħodu kmieni* (cfr. Mt 20,1) għandu jibda l-jum bis-sagrifiċċju tal-quddiesa[595], u jirrikmanda b'ħafna talb devot lilu nnifsu u lill-merħla tiegħu għall-ħarsien divin. Wara t-talb, imbagħad, għandu jkun lest li jilqa' lill-aħwa kollha, ukoll jekk dawn jeħdulu l-ħin kollu tiegħu, u għandu jkun lest li jwieġeb lil kulħadd b'mod ġwejjed u bil-ħlewwa. Irid ikun bniedem li *ma jagħmilx għażla bejn persuni* (cfr. Rum 2,11) hekk li jitrekken f'irkejjen mhumiex safja, u li għal dawk li huma minuri u sempliċi għandu jkollu kura mhux inqas milli jkollu ma' min hu għaref u kbir. Ukoll jekk hu jingħatalu li jkun bniedem imħarreġ fid-don tat-tagħlim li fih jispikka, għandu aktar ifittex li fl-imġieba tiegħu jagħti dehra ta' sempliċità mimlija bil-virtù. Għandu jkun bniedem li jitbiegħed bil-biża' mill-flus, li huma l-ħsara ewlenija tal-ħajja tagħna reliġjuża u tal-professjoni tagħna, u bħala dak li jmexxi Ordni fqajjar, għandu jkun hu l-ewwel mudell għall-oħrajn, u qatt ma jżomm il-ħorġa tal-flus. Għalih għandu jkun biżżejjed li jkollu t-tonka u r-reġistru, filwaqt li għall-aħwa jkollu l-*pennaiuolo* u s-siġill[596]. Ma għandux ikun wieħed li jaħżen il-kotba, u lanqas ma għandu jkun il-ħinb kollu mehdi fil-qari, biex hekk l-istudju ma jtellfux mill-ħin li fih irid iħaddem l-uffiċċju tiegħu għall-ġid ta' l-aħwa. Għandu jkun bniedem li jfarraġ lill-imġarrbin, u għandu jkun l-aħħar *kenn għall-imħabbtin* (cfr. S 31,7; 45,2), li ma jmurx jiġri li, jekk huma ma jsibux fih il-fejqan li jsalvahom, il-morda jiġu maħkumin mid-dwejjaq tad-disperazzjoni. Għandu jbaxxi lilu nnifsu, biex hekk imejjel lill-imkabbrin għall-umiltà, u għandu jċedi wkoll xi drittijiet tiegħu, basta *jirbaħ lil xi ħadd għal Kristu* (cfr. Fil 3,8). Lil dawk li jaħarbu mill-Ordni, bħal *nagħaġ mitlufin* (cfr. Lq 15,4.6), ma għandux *jagħlaq għalihom* il-ħniena *ħierġa mill-ġewwieni tiegħu* (cfr. 1Ġw 3,17), għaliex jaf li t-tentazzjonijiet li jimbuttaw lil dak li jkun biex jasal sa hawn huma qawwijin ħafna".

---

[595] Dan id-dettall dwar il-quddiesa juri b'mod ċar il-qagħda ta' l-Ordni fl-1246-1247, meta qiegħed jikteb Tommaso da Celano, fiż-żmien li fih l-Ordni kien għadda minn proċess ta' klerikalizzazzjoni u li allura l-ministri kienu bdew ikunu kollha saċerdoti. Din ma kienetx il-qagħda fil-bidunett, u sal-ġeneralat ta' fra Elia (1232-1239) l-ministri ġenerali u provinċjali mhux l-ewwel darba li kienu aħwa lajċi. Kien biss wara l-1240, fil-ġeneralat ta' fra Haymo of Faversham, li l-Ordni stabilixxa li s-superjuri kellhom ikunu kjeriċi.

[596] Barra mit-tonka u mir-reġistru biex fih jikteb, il-ministru jitħalla jżomm il-*pennaiuolo* li fih iqiegħed il-pinna u l-linka, kif ukoll is-siġill jew timbru għall-atti uffiċjali.

186 “Irrid li kulħadd iqimu bħallikieku qiegħed fil-post ta’ Kristu, u li għandhom jipprovdulu għall-ħtiġijiet tiegħu b’kull turija ta’ tjieba. Minn naħa tiegħu ma għandux iħalli lilu nnifsu jitqanqal għall-ġieħ, u lanqas jieħu pjaċir li jirċievi favuri aktar milli kieku jirċievi tmaqdir. Jekk xi mindaqqiet, minħabba li jkun dgħajjef jew għajjien, ikollu bżonn ta’ ikel aktar kotran, dan jaqbel li jieklu mhux għalih waħdu imma f’post fejn jidher quddiem kulħadd, biex l-oħrajn ma jistħux meta jkollhom jipprovdu għad-dgħufija tal-ġisem tagħhom. Hu dmir tiegħu fuq kollox li jagħmel dixxerniment fil-kuxjenzi moħbija, biex joħroġ il-verità mill-aktar irkejjen sigrieti, imma ma għandux jagħti widen għal min iħobb iqassas fuq l-oħrajn. Għandu jkun bniedem li ma jħalli bl-ebda mod li tittabba’ l-irġulija tal-ġustizzja minħabba l-kilba li jżomm il-ġieħ ta’ l-uffiċċju tiegħu, u għandu jħoss aktar bħala toqol milli bħala ġieħ l-uffiċċju għoli tiegħu. Għandu iżda jħares li t-tjubija żejda ma tnissilx it-telqa, u lanqas jagħlaq għajnejh għal kollox b’tali mod li qatt ma jagħmel dixxiplina lill-ħatja, biex hekk ikun maħbub minn kulħadd, imma fl-istess ħin *dawk li jagħmlu l-ħażen* (cfr. Prov 10,29) jibżgħu minnu. Irrid ukoll li jkollu bħala imseħbin miegħu li jgħinuh persuni onesti, u li bħalu *jidhru quddiem kulhadd bħala eżempju ta’ kull virtù* (cfr. Tit 2,7): għandhom ikunu iebsin kontra l-ġibdiet tad-dinja, qawwijin kontra kull tiġrib, u tant mimlijin ħlewwa kif jixraq, li jilqgħu bil-ferħ u bit-tjieba qaddisa lil kull min jiġi għandhom”. U hekk temm jgħid: “Ara, hekk għandu jkun il-ministru ġeneral ta’ l-Ordni”. [SP 80]

Kapitlu CXL
Dwar il-Ministri Provinċjali.

[899] 187 Il-missier hieni kien ikun irid jara dawn il-kwalitajiet fil-ministri provinċjali, għalkemm fil-ministru ġeneral kull waħda minn dawn il-kwalitajiet trid tispikka b’mod partikulari. Kien irid li huma jkunu tant ħelwin lejn dawk li huma inqas minnhom, u tant twajbin u mimlijin sliem li l-ħatja ma jkollhomx biża’ li jafdaw lilhom infushom fl-imħabba tagħhom. Kien iridhom ukoll li jkunu meqjusin f’dak li jikkmandaw, mimlijin ħniena quddiem dawk li jiżbaljaw, aktar lesti li jilqagħu milli li jiddefendu ruħhom mill-offiżi li jsirulhom, għedewwa tal-vizzju, u tobba għall-midinbin. Hekk riedhom, biex l-imġieba tagħhom tkun dik li fiha ħajjithom tkun mera ta’ dixxiplina għall-oħrajn kollha. Ried ukoll iżda li l-oħrajn juruhom ġieħ u mħabba, bħala dawk li jerfgħu *toqol akbar* (cfr. Mt 20,12) tal-kura u l-ħidma b’riżq l-aħwa. U kien jgħid li jixirqilhom li jkollhom premji mill-akbar quddiem Alla dawk li jmexxu lill-erwieħ fdati f’idejhom b’din il-qawwa u b’din ir-regola ta’ ħajja.

Kapitlu CXLI
Dwar kif il-qaddis wieġeb għal mistoqsija dwar il-ministri.

[900] 188 Darba minnhom wieħed mill-aħwa staqsieh għaliex hu kien ċaħad għat-tmexxija ta’ l-aħwa, u ħalliehom f’idejn ħaddieħor, bħallikieku ma kienux għadhom tiegħu bl-ebda mod. Hu wieġbu: “Ibni, jiena nħobb lill-aħwa skond kif nista’; imma kieku huma *jimxu fuq il-passi tiegħi* (cfr. 1Pt 2,21), jiena żgur li nħobbhom aktar, u lanqas inkun nidher barrani għalihom. Għax

hemm xi wħud mill-prelati, li jiġbduhom lejn toroq oħrajn, billi juruhom l-eżempji tal-qedem[597], u ma jagħtux kas tat-twissijiet tiegħi. Imma fl-aħħarnett naraw x'sejrin jagħmlu". U ftit taż-żmien wara, meta kien marid ħafna, *bil-qawwa ta' l-ispirtu* (cfr. S 47,8) qam dritt fis-sodda u qal: "Min huma dawn li *jridu jaħtfuli minn taħt idejja* (cfr. Ġw 10,28) ir-reliġjon tiegħi u ta' l-aħwa? Jekk immur fil-kapitlu ġenerali, nurihom x'inhi r-rieda tiegħi". U dak li staqsieh qallu: "Għaliex ma tbiddilx lil dawk il-ministri provinċjali li għal żmien twil abbużaw mil-libertà tagħhom?" Il-missier, bi tnehida kbira, tah din it-tweġiba tal-biża': "Ħallihom jgħixu kif iridu, għaliex aħjar jintilfu ftit milli jintilfu bosta!" Ma kienx qiegħed jirreferi għal kulħadd, imma għal xi wħud li minħabba t-tul żejjed taż-żmien li fih damu bħala ministri, kienu donnhom jippretendu li dan l-uffiċċju jibqa' f'idejhom bħala wirt. Imbagħad lil kull xorta ta' prelati kien dejjem jagħtihom fuq kollox din it-twissija, li ma jbiddlux id-drawwiet ta' l-aħwa jekk mhux għall-aħjar, li qatt ma jfittxu jew jittallbu favuri, li ma jħaddmux il-qawwa tagħhom, imma li jaqdu biss dmirhom. [CA 44; SP 41]

Dwar is-sempliċità qaddisa.

Kapitlu CXLII
Dwar x'inhi s-sempliċità vera.

[901] 189 Il-qaddis kien iħaddem bl-akbar reqqa fih innifsu u *kien iħobb* fl-oħrajn is-*sempliċità* (cfr. Għerf 1,1) qaddisa, li hi bint il-grazzja, oħt il-għerf, u omm il-ġustizzja. Mhux għax kien japprova kull tip ta' sempliċità, imma biss dik, li tkun kuntenta b'Alla waħdu, u li tistmerr il-ħwejjeġ l-oħrajn kollha. Hi dik li *tqiegħed il-glorja tagħha fil-biża' ta' Alla* (cfr. Sir 9,22), u li ma tafx tgħid jew tagħmel il-ħażen. Hi dik li tifli bir-reqqa lilha nnifisha, u li bil-ħaqq tagħha *ma tikkundanna lil ħadd* (cfr. Ġw 8,10), li ma tixtieqx li taħkem fuq l-oħrajn, imma li tħalli t-tmexxija f'idejn min hu l-aħjar. Hi dik li *ma tqisx bħala mill-aktar nobbli l-glorji tal-griegi* (cfr. 2Mak 4,15)[598], imma tippreferi aktar titgħallem milli *tgħallem* (cfr. Atti 1,1). Hi dik li fil-liġijiet divini kollha tħalli barra l-ħafna kliem żejjed biex tinterpretahom, il-ħafna tiżjin u xniexel, kif ukoll il-ftaħir fieragħ u l-kurżità ta' min irid jintilef, u tfittex mhux il-qarquċa imma l-mudullun, mhux il-qoxra ta' barra imma dak li hemm ġewwa, mhux il-ħafna ħwejjeġ, imma l-unika ħaġa, li hi t-tjieba l-aktar għolja u ta' dejjem. Din kienet is-sempliċità li l-missier l-aktar qaddis kien irid jara fl-aħwa kollha, kemm dawk ta' skola kif ukoll dawk bla skola, għaliex hu kien jemmen li hi mhijiex kontra l-għerf, imma hi oħt il-għerf, għalkemm kien jidhirlu li aktar jistgħu jakkwistawha bil-ħeffa u jwettquha dawk li ma jkollhomx ħafna tagħlim. Għalhekk fit-Tifħir li hu kien kiteb dwar il-virtujiet, qal: "Is-sliem għalik, sultan għerf! Il-Mulej iħarsek, flimkien ma' oħtok, is-sempliċità safja u qaddisa"[599].

Kapitlu CXLIII

---

[597] L-eżempji tal-qedem jirreferu għall-użanzi tal-ħajja reliġjuża li kienu preżenti fl-Ordnijiet monastiċi, u li mix-xeħta l-ministri ta' l-Ordni kienu jridu jdaħħlu kontra kull xewqa ta' Franġisku, bl-iskuża li huma kienu aktar imħejjijin minnu intellettwalment biex jiggvernaw l-Ordni.

[598] Dan hu l-eżempju meħud mit-Tieni Ktieb tal-Makkabin, li juri kif il-poplu ta' Israel beda jippreferi l-glorja tal-ħakkiema ellenistiċi fi żmien is-sultan Antjoku IV Epifane, milli l-glorja ta' Jaħweh. Tommaso da Celano japplika dan l-eżempju għall-aħwa.

[599] Huma l-ewwel kelmiet tas-*Salutatio Virtutum*.

Dwar fra Giovanni il semplice.

[902] 190 Meta darba minnhom San Franġisk kien għaddej qrib raħal ħdejn Assisi[600], mar jiltaqa' miegħu ċertu Giovanni, raġel mill-aktar sempliċi, li kien qiegħed jaħrat fil-għalqa, u qallu: "Jiena rrid li inti ddaħħalni ma' l-aħwa, għaliex *ili żmien twil* nixtieq bil-ħerqa *li naqdi lill-Mulej*" (cfr. Atti 14,3; Mt 6,24). Il-qaddis feraħ mhux ftit, u filwaqt li qies is-sempliċità tiegħu wieġbu skond dak li kien jixtieq, u qallu: "Ħija, *jekk inti trid* li ssir sieħeb tagħna, *mur u qassam lill-foqra dak li għandek* (cfr. Mt 19,21) u nilqgħuk fostna wara li tkun ħallejt kollox warajk". Dak mall-ewwel mar iħoll il-barrin u mar joffri wieħed lil San Franġisk. Qallu: "Dan il-barri nagħtuh lill-foqra! Għaliex dan hu s-sehem li għandi dritt nirċievi *mill-wirt ta' missieri*" (cfr. Lq 15,12). Il-qaddis tbissem u approvalu b'imħabba mhix żgħira dik is-sempliċità tiegħu. Imma malli l-ġenituri tiegħu u ħutu li kienu iżgħar minnu saru jafu x'għamel, ġew jiġru kollhom dmugħ, imnikktin għax kienu se jinfirdu mill-barri kif ukoll mill-iben il-kbir tagħhom. Il-qaddis mela qalilhom: "*Agħmlu kuraġġ* (cfr. Bar 4,27). Ara l-barri se nerġa' nroddulkom lura u nieħu lil dan ħija miegħi". Hekk ħadu miegħu, u wara li libbsu t-tonka tar-reliġjon, kien jieħdu miegħu bħala sieħbu partikulari minħabba l-grazzja tas-sempliċità tiegħu.

Kull meta San Franġisk kien joqgħod f'xi post biex jimmedita, dan Giovanni il semplice kien jirrepeti u jimita mall-ewwel l-istess ġesti jew ċaqliq li kien jagħmel il-qaddis. Jekk kien jobżoq, kien jagħmel bħalu, jekk kien jisgħol, kien jisgħol hu wkoll, u kien jitniehed u jibki miegħu. Jekk il-qaddis *kien jerfa' idejh lejn is-sema* (cfr. Dt 32,40), hu wkoll kien jerfagħhom 'il fuq, u kien joqgħod jiċċassa lejh bir-reqqa biex jagħmel kollox eżatt bħalu qisu l-mudell tiegħu. Il-qaddis intebaħ b'dan, u darba minnhom staqsieh għaliex kien qiegħed jagħmel hekk. U dak wieġbu: "Jiena wegħidt li nagħmel dak kollu li tagħmel int; ikun ta' periklu għalija li nħalli barra xi ħaġa milli tagħmel int". Il-qaddis feraħ mhux ftit għal dik is-sempliċità hekk sinċiera u safja, imma bil-ħlewwa ikkmandah biex ma jibqax jagħmel hekk fil-ġejjieni. Wara ftit taż-żmien dan ir-raġel sempliċi u safi għadda għand il-Mulej. U kull meta l-qaddis ta' spiss kien ifakkar lill-oħrajn dwar ħajtu biex l-aħwa jimitawh, kien bil-ferħ kollu jsejjaħlu mhux fra Giovanni imma San Giovanni. Kun af mela li s-sinjal li jimmarka s-sempliċità qaddisa hu li wieħed jgħix skond il-liġijiet ta' min hu kbir, u li jimxi dejjem fuq l-eżempji u t-tagħlim tal-qaddisin. *Min jagħti lill-għorrief ta' din id-dinja* (cfr. Ġob 6,8; 1Kor 2,4) li jimitaw b'tant ħerqa lil dak li issa qiegħed isaltan fis-sema, hu li kellu lil dan ħuħ biex jimitah fis-sempliċità meta kien jgħix fuq din l-art? Għaliex tassew, wara li hu mexa fuq il-passi tal-qaddis fil-ħajja, wasal qablu fil-ħajja ta' dejjem. [CA 61; SP 57]

Kapitlu CXLIV

Dwar il-ħerqa tiegħu għall-għaqda bejn uliedu, u dwar parabbola li darba irrakkonta.

[903] 191 Kienet ix-xewqa ħerqana u dejjiema tiegħu, kif ukoll il-kura tiegħu li jħares fost uliedu *r-rabta ta' l-għaqda* (cfr. Ef 4,3), biex dawk li *jiġbidhom* l-istess *spirtu* (cfr. Ġob 34,14) u li *tnisslu* mill-istess *missier* (cfr. Prov 23,22), jgħixu fil-ġuf ta' l-istess omm. Hu ried li jingħaqdu flimkien il-kbar maż-żgħar, li l-għorrief jingħaqdu b'imħabba ta' aħwa mas-sempliċi, li dawk li huma bogħod bejniethom iħossuhom magħqudin ħaġa waħda fl-imħabba. Darba minnhom irrakkonta lill-aħwa din il-parabbola li hi mimlija tifsir, u qalilhom: "Ara, ejjew nimmaġinaw li

---

[600] X'aktarx Nottiano, bejn il-Monte Subasio u l-għolja ta' Selva.

jsir kapitlu ġenerali tar-reliġjużi kollha li huma fil-Knisja! Billi għalih imorru għalliema u *nies bla skola* (cfr. Atti 4,13), għorrief u dawk li għalkemm bla tagħlim, *jogħoġbu lil Alla* (cfr. Lhud 11,6), jiġu inkarigati biex jitkellmu wieħed għaref u l-ieħor sempliċi. Il-għaref jieqaf jaħseb, għax mhux ta' b'xejn hu għaref, u *jgħid bejnu u bejn ruħu* (cfr. Mt 16,7): 'Dan mhux il-post li noqgħod nuri kemm naf tagħlim għaliex hawn xmux ta' għerf quddiemi, u lanqas għandi noqgħod nitkellem b'argumenti fini dwar ħwejjeġ għoljin fost persuni li għandhom kapaċità li jiflu b'mod fin kull tagħlim. X'aktarx li jkun aktar ta' ġid li nitkellem bis-sempliċità'. Meta wasal *il-jum miftiehem* (cfr. Est 10,11), *inġabru flimkien fil-ġemgħa ta' nies qaddisin* (cfr. Est 8,11; S 110,1), bil-għatx li jisimgħu l-priedka. Il-għaref ħareġ quddiemhom *liebes l-ixkejjer* (cfr. Ġona 3,5) u *bl-irmied imraxxax fuq rasu* (cfr. Lam 2,10), u filwaqt kulħadd stagħġeb quddiemu, beda jippriedka aktar bl-eżempju, u qal biss *dawn il-kelmiet imqassra* (cfr. Rum 9,28): 'Ħwejjeġ kbar wegħedna aħna, akbar twiegħdu lilna; inħarsu dawn u nixxenqu għall-oħrajn. Qasir il-pjaċir, bla tmiem il-kastig; ħafifa t-tbatija, il-glorja għal dejjem. Ħafna l-imsejħin, ftit il-magħżulin. Kulħadd jieħu l-ħlas li ħaqqu'. Dawk li semgħuh *infexxu fid-dmugħ* (cfr. Ġen 43,30), *b'qalb sogħbiena* (cfr. S 108,17), u bdew iqimu bħala qaddis lil dak l-għaref tassew. Is-sempliċi, *fil-qalb tiegħu* (cfr. S 13,1), beda jgħid: 'Ara, dan il-għaref seraqli dak kollu li kont beħsiebni nagħmel jew ngħid. Imma naf *x'se nagħmel* (cfr. Lq 16,4). Naf xi ftit vrus mis-salmi; nagħmel il-parti ta' l-għaref, la hu ried jagħmel il-parti tas-sempliċi'. Hekk waslet il-laqgħa tal-jum ta' l-għada, qam dak is-sempliċi, u ippropona salm bħala tema tad-diskors tiegħu. Tant tħeġġeġ bin-nifs ta' l-Ispirtu ta' Alla, tant beda jitkellem b'mod fin, b'tant ħlewwa, skond kif kien inebbħu Alla, li dawk li kienu preżenti *baqgħu mistagħġbin* (cfr. Atti 3,10), u bdew jgħidu: '*Il-Mulej jitkellem permezz tas-sempliċi*'" (cfr. Prov 3,32).

192 Wara li irrakkonta din il-parabbola, *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,1) spjegaha b'dan il-mod, u qal: "Din il-laqgħa kbira hi l-Ordni tagħna, li hu bħal sinodu ġenerali, li jiġbor aħwa minn kull naħa tad-dinja taħt l-istess għamla ta' ħajja. Fih l-għorrief jistgħu jiġbdu għalihom infushom il-kwalitajiet ta' l-aħwa sempliċi, għaliex jaraw persuni li ma għandhomx tagħlim imma li jfittxu bil-ħerqa l-ħwejjeġ tas-sema, u għalkemm *mhux mgħallmin mill-bnedmin* (cfr. S 93,10), *jagħrfu ħwejjeġ spiritwali bil-qawwa ta' l-Ispirtu* (cfr. Atti 11,28; Mt 16,23). F'dan l-Ordni wkoll is-sempliċi jiksbu dak li hu ta' l-għorrief bħala frott għalihom infushom, meta jaraw irġiel mill-aktar kapaċi u magħrufin jumiljaw ruħhom flimkien magħhom, għalkemm dawn setgħu jgħixu *fid-dinja bħala nies glorjużi* (cfr. Sir 44,1.2). Minn dan tidher is-sbuħija ta' din il-familja hienja, li minħabba l-bosta kwalitajiet li bihom hi mżejna, togħġob mhux ftit lill-missier tal-familja"[601]. [Fioretti 18]

## Kapitlu CXLV
## Dwar kif il-qaddis kien irid it-tonsura.

[904] 193 Meta San Franġisk kien jagħmel it-tonsura, ta' spiss kien jgħid lil dak li jaqtagħlu xagħaru: "Ara li ma tagħmillix tonsura kbira żżejjed! Għaliex jiena rrid li l-aħwa sempliċi tiegħi *jkollhom sehem* (cfr. Ġob 31,2) minn rasi"[602]. Kien għaldaqstant irid li l-Ordni jilqa' fih bl-istess

---

[601] Il-kelma Latina *paterfamilias* hi meħuda mill-kultura klassika u tindika l-ġieħ ta' l-antenat, f'dan il-każ, ta' San Franġisk.

[602] Franġisku kien irid li t-tonsura, jew kjerika, ma tkunx kbira bħal dik tad-dutturi u tal-prelati, imma li tkun żgħira, bħal dik ta' l-aħwa lajċi, li jew ma kienx ikollhom it-tonsura jew inkella kien ikollhom waħda żgħira, skond dak li

mod lill-aħwa foqra u bla skola, kif ukoll lill-għonja u għorrief. U kien jgħid: "*Quddiem Alla ma hemmx għażla bejn persuni* (cfr. Rum 2,11), u l-ministru ġeneral ta' l-Ordni, li hu *l-Ispirtu* s-Santu, *jistrieħ* bl-istess mod *fuq* (cfr. Is 11,2) il-fqajjar u fuq is-sempliċi". Kien jixtieq ukoll li jdaħħal dawn il-kelmiet fir-Regola, imma ma setax jagħmel dan għaliex din kienet ġiet approvata permezz ta' bulla tal-Papa.

Kapitlu CXLVI
Dwar kif ried li l-kjeriċi għorrief u nobbli li jidħlu fl-Ordni jħallu kollox warajhom.

[905] 194 Darba minnhom qal lil wieħed kjeriku ta' għerf kbir li ried jidħol fl-Ordni, li qabel kellu jiċħad b'xi mod ukoll għall-għerf tiegħu, biex hekk ikun jista' joffri lilu nnifsu għeri għal kollox f'dirgħajn l-Imsallab, wara li jkun ħalla warajh din ix-xorta ta' proprjetà. U kien jgħid: "Bosta huma dawk li minħabba t-tagħlim ma jkunux imhejjija għall-ħajja tal-perfezzjoni, għaliex huma jsiru iebsin u ma jkunux lesti li jmilu għat-taħriġ tal-ħajja ta' umiltà. Għaldaqstant irrid li l-bniedem imħarreġ fit-tagħlim qabel xejn *joffri din it-talba* (cfr. Lhud 5,7): 'Ara, ħija, jiena *għext għal żmien twil fid-dinja* (cfr. Tit 2,12), u *ma kontx nagħraf tassew lil Alla* (cfr. Ġw 1,10) tiegħi. Issa, ħallini mmur f'xi mkien li jkun 'il bogħod mill-ħsejjes tal-bnedmin, sabiex *inkun nista' noqgħod naħseb* fin-niket *dwar snini* (cfr. Is 38,15), u fejn inkun nista' *niġbor il-moħħ imxerred* (cfr. S 146,2; Lq 1,51) tiegħi, u inħarreġ lil ruħi għal ħajja aħjar'". U l-qaddis kompla jgħid: "Kif jidhrilkom li jsir dak li jibda b'dan il-mod? Għax tassew joħroġ bħal iljun li jinħall minn kull irbit tal-ktajjen, u li jkun jiflaħ għal kollox, u l-ilma spiritwali li jkun xorob fil-bidu jibqa' jikber fih biex hu jimxi dejjem 'il quddiem. Hekk fl-aħħarnett wieħed ikun jista' tassew jafdalu *l-ministeru tal-kelma* (cfr. Atti 6,4), għaliex hu jkun jista' jsawwab fuq l-oħrajn il-ħeġġa li tkun tbaqbaq fih minn ġewwa". Tassew tagħlim qaddis! X'inhu aktar meħtieġ għal min ikun ġej minn din ix-xorta ta' ħajja, jekk mhux li jneħħi minnu bit-taħriġ ta' l-umiltà dak kollu li kien jorbtu mad-dinja u li jkun ilu stampat fir-ruħ tiegħu għal żmien twil? Hekk dak li jidħol f'din l-iskola ta' perfezzjoni malajr isir hu wkoll bniedem perfett. [LM VII,2]

Kapitlu CXLVII
Dwar kif kien irid li l-aħwa għorrief japplikaw ruħhom għall-istudju, u dwar kif deher lil wieħed minn sħabu li kien ingħata għall-predikazzjoni.

[906] 195 Kien jitnikket ħafna jekk l-aħwa kienu jittraskuraw il-virtù biex jingħataw għat-tfittxija ta' l-għarfien, l-aktar fil-każ ta' dawk li *ma kienux jibqgħu sħaħ fis-sejħa li kienu irċevew* (cfr. 1Kor 7,20.24) fil-bidunett. Kien jgħid: "L-aħwa tiegħi li jħallu lilhom infushom jitkaxkru għall-kurżità ta' l-għarfien, għad isibu ruħhom b'idejhom vojta *fil-jum tat-tiġrib* (cfr. Ħos 9,7). Jiena nixtieq bil-ħerqa narahom jissaħħu fil-virtujiet, sabiex meta jiġi fuqhom *iż-żmien tat-tigrib* (cfr. S 36,39), *fid-djieqa* tagħhom ikollhom magħhom *lill-Mulej* (cfr. 2Kron 15,4). Għax *għad jiġu jiem ta' tiġrib* (cfr. S 21,12; Prov 1,27) li fihom il-kotba li ma jiswew għal xejn, jintelqu fl-armadji u l-irkejjen moħbijin". Ma kienx jgħid hekk għax kien kuntrarju għall-istudju ta' l-Iskrittura, imma biex iżomm lil kulħadd 'il bogħod mill-kilba tat-tagħrif fieragħ, u għaliex kien

---

ikkmandahom il-Papa Innoċenz III. Cfr. LM III,10; *Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum* (*Analecta Franciscana* III,7). Ir-Regola li għaliha jirreferi Celano f'dan il-paragrafu hi r-*Regola Bullata* approvata minn Onorju III bil-Bulla *Solet annuere* tad-29 ta' Novembru 1223.

jippreferi li l-aħwa jkunu tajbin fil-karità aktar milli li jkunu ħbieb tal-kurżità. Kien ħabbar minn qabel ukoll li kellu jiġi żmien, mhux wisq fil-bogħod, li fih l-għarfien tax-xjenzi kellu jkun okkażjoni ta' tiġrif, u bil-maqlub kien jgħid li t-tweżin ta' l-Ispirtu hu għajnuna għall-ħajja spiritwali. Wieħed mill-aħwa lajċi kien jixtieq li jkollu salterju u talab lil Franġisku biex jagħtih permess. Imma hu flok is-salterju ippreżentalu l-irmied. Wara l-mewt deher waqt viżjoni lil wieħed mill-aħwa li xi mindaqqiet kien jingħata għall-predikazzjoni, u ma ħalliehx ikompli, filwaqt li ikkmandah jissokta fit-triq tas-sempliċità. *Alla jagħti xhieda* (cfr. Rum 1,9) ta' din il-viżjoni, għax wara dak ħass tant ħlewwa fih innifsu, li għal diversi ġranet kien jaħseb li f'widnejh kienu jidwu dawk il-kelmiet iqattru n-nida li kien qallu l-missier tiegħu. [CA 47; SP 69]

Dwar id-devozzjonijiet speċjali li kellu l-qaddis.

Kapitlu CXLVIII
Dwar kif kien iħossu jitqanqal meta tissemma' l-imħabba ta' Alla.

[907] 196 Naħseb li mhix ħaġa fiergħa u lanqas ma tixraqx li nitkellmu fil-qosor u qisna ngħaddu bil-ħeffa fuq id-devozzjonijiet speċjali li kellu San Franġisk. Dan il-bniedem kien raġel devot f'kollox, għaliex hu kien igawdi mid-*dilka ta' l-Ispirtu* (cfr. Lq 4,18), imma kien ukoll jitqanqal b'imħabba partikulari lejn xi devozzjonijiet speċjali. Fost il-kliem l-ieħor li ta' spiss jinstema' waqt id-diskors, ma setax jisma' min jitkellem dwar l-imħabba ta' Alla mingħajr ma *jħossu jitqanqal mill-ġewwieni* (cfr. Ġob 14,14) tiegħu. Għax mall-ewwel, malli kien jisma' bl-imħabba ta' Alla, kien jitħeġġeġ, jitqanqal, jaqbad minn ġewwa, qisu xi ħadd messlu bil-leħen tiegħu l-kordi ġewwiena ta' qalbu. Kien itenni li meta wieħed joffri din il-għana meta jaqla' karità, hu jkun qiegħed juri qalb kbira, ġeneruża u nobbli, u kien jgħid ukoll li huma boloħ dawk li japprezzaw l-imħabba inqas milli japprezzaw il-flus. Minn naħa tiegħu hu osserva mingħajr qatt ma naqas, u sal-mewt, il-wegħda li kien għamel meta kien għadu fid-dinja, jiġifieri li qatt ma jibgħat lill-ebda bniedem fqir li jkun talbu l-karità għall-imħabba ta' Alla[603]. Darba minnhom wieħed fqir talbu l-karità għall-imħabba ta' Alla. Billi hu ma kellu xejn, qabad imqass bil-moħbi u kien lest li jaqtagħlu biċċa mit-tonka fqajra li kien liebes. U kien tassew jagħmel hekk kieku ma intebħux l-aħwa, li ma ħallewhx, imma li hu ikkmandahom biex jagħtu xi ħaġa oħra bħala karità lil dak il-fqir. U kien jgħid: "Jeħtieġ li nħobbu ħafna l-imħabba ta' Dak li lilna ħabbna ħafna"[604]. [CA 91; 2C 90; LM IX,1; SP 35]

Kapitlu CXLIX
Dwar id-devozzjoni tiegħu lejn l-anġli, u dak li kien jagħmel għall-imħabba ta' San Mikiel.

[908] 197 Hu kien juri l-akbar imħabba u qima lejn l-anġli, li jingħataw lilna bħala għajnuna fil-kamp tal-battalja, u li magħna *jimxu f'nofs id-dlamijiet u d-dell tal-mewt* (cfr. S 22,4; Is 9,2). Kien jgħid li għandna nqimu lil dawn sħabna li jimxu warajna kullimkien u fl-istess ħin għandna

---

[603] Cfr. 1C 17. 115; 2C 5.

[604] L-istess kunċett ta' l-imħabba ta' Alla nsibuh f'talba attribwita lil San Franġisk imsejħa *Absorbeat,* li fil-fatt ma ġietx miktuba minnu, imma li hi ġabra ta' testi patristiċi li forsi hu kien jafhom u jużahom, imma li l-kontenut tagħha wasal għandna biss fil-kitbiet ta' Ubertino da Casale (1305) u ta' San Bernardin minn Siena (1380-1444), li l-ebda wieħed minnhom ma jafferma li kitibha San Franġisk.

nitolbuhom bħala kustodji tagħna. Kien jgħallem li ma għandniex noffendu l-ħarsa tagħhom, u lanqas ma nażżardaw nagħmlu quddiemhom dak li ma nagħmlux *quddiem il-bnedmin* (cfr. Rum 12,17). U billi fil-kor l-aħwa *jitolbu s-salmi quddiem l-anġli* (cfr. S 137,1), hu kien irid li dawk kollha li jinġabru fl-oratorju[605], kellhom *jitolbu s-salmi bil-għerf u l-qima* (cfr. S 46,8). Kien ta' spiss itenni li l-aħwa kellhom iqimu b'mod mill-aktar solenni lil San Mikiel, għaliex hu għandu l-uffiċċju li jippreżenta lill-erwieħ quddiem Alla[606]. Minħabba f'hekk, għall-ġieħ ta' San Mikiel, bejn il-festa ta' l-Assunta u dik ta' dan l-arkanġlu, hu kien isum bl-ikbar qima għal erbgħin jum. Kien jgħid: "Kulħadd għandu *joffri lil Alla xi don* (cfr. Mt 5,23.24) speċjali u tifħir kbir minħabba għall-qima ta' dan il-prinċep hekk glorjuż". [LM IX,3]

Kapitlu CL
Dwar il-qima li kien juri lejn is-Sinjura tagħna, li fil-kura partikulari tagħha ħalla l-Ordni.

[909] 198 Kien iħaddan bi mħabba li ma titfissirx lil Omm Ġesù, għaliex permezz tagħha aħna ksibna bħala ħuna lill-*Mulej tal-glorja* (cfr. S 28,3). Għall-qima tagħha kien ikanta Tifħir speċjali, kien jerfa' t-talb tiegħu, kien joffri l-imħabba tiegħu, b'mod li l-ebda lsien tal-bnedmin ma jista' qatt ifisser[607]. Imma dak li l-aktar jimliena bil-ferħ hu l-fatt li hu ħatarha bħala avvukata ta' l-Ordni[608], u ħalla lil uliedu li kien se jħalli warajh taħt *ġwenħajha,* sabiex hemmhekk isibu l-*kenn tal-protezzjoni* (cfr. S 16,8) tagħha sat-tmiem. Ejja, mela, avvukata tal-fqajrin! Ħaddem fina l-uffiċċju tiegħek ta' ħarriesa *sat-tmiem taż-żmien li jkun fassal minn qabel il-Missier* (cfr. Gal 4,2). [LM IX,3]

Kapitlu CLI
Dwar id-devozzjoni tiegħu lejn it-Twelid tal-Mulej u kif ried li f'dak il-jum tingħata għajnuna lil kulħadd.

---

605 Il-kelma Latina *oratorium* tirreferi għal oratorju, bħala post li fih ir-reliġjużi fl-eremitaġġi kienu jinġabru biex jitolbu. Aktar tard fl-istorja ta' l-Ordni setgħet tiġi interpretata għall-kor fi stil konventwali u monastiku li l-aħwa fil-fraternitajiet kbar bdew jitolbu fih meta kellhom knejjes konventwali. Cfr. Bulla *Quia populares tumultus* ta' Girgor IX (4 ta' Mejju 1227), in *Bullarium Franciscanum* I,27, u Bulla *Nos attendentes* ta' Girgor IX (26 ta' Mejju 1228), in *Bullarium Franciscanum* I,41-42. San Franġisk kien jippreferi li l-aħwa jmorru jippriedkaw fil-knejjes tal-kleru sekulari, u li għalihom infushom ikollhom biss "oratorji", jiġifieri kappelli li fihom ikunu jistgħu jitolbu fl-eremitaġġi li fihom kienu jgħixu. Permezz ta' din il-Bulla jingħata l-privileġġ li l-aħwa setgħu jiċċelebraw l-Ewkaristija u jgħidu l-Uffiċċju divin f'dawn l-oratorji tagħhom. Fil-fatt, il-Papa Onorju kien diġà ta l-permess lill-aħwa li jiċċelebraw l-Uffiċċju divin fil-"knejjes tagħhom jekk jinzerta li jkollhom", għalkemm dan setgħu jagħmluh bil-bibien magħluqa, ma jdaħħlux persuni skomunikati u taħt forma mhux solenni, jekk jiġri li jkollhom bżonn waqt żmien ta' interdett ġenerali fir-reġjun li fih ikunu jinsabu (cfr. Bulla *Devotionis vestrae* tad-29 ta' Marzu 1222, imġedda minn Girgor IX fl-10 ta' Marzu 1233). Dan il-privileġġ kien diġà ingħata lil diversi Ordnijiet oħrajn. Privileġġ ieħor kien dak li l-aħwa setgħu jidfnu fil-"postijiet" fejn jgħixu (cfr. Bulla *Ita vobis* ta' Girgor IX, tas-26 ta' Lulju 1227).

606 Dan l-uffiċċju ta' San Mikiel jidher fit-testi liturġiċi tal-festa tiegħu tad-29 ta' Settembru, kif ukoll fil-quddiesa tal-mejtin. Fil-medjuevu l-qima lejn l-arkanġlu San Mikiel kienet qawwija ħafna, u kienu jiġu iċċelebrati żewġ festi solenni f'ġieħu, waħda fit-8 ta' Mejju u l-oħra fid-29 ta' Settembru. Is-santwarju ta' San Mikiel Arkanġlu fuq il-Monte Gargano fil-Puglie kien wieħed miċ-ċentri kbar ta' pellegrinaġġi. Cfr. W. Lampen, "De Sancti Francisci cultu Angelorum et Sanctorum", *Archivum Franciscanum Historicum* 20 (1927) 3-23.

607 Cfr. *Salutatio Beatae Mariae Virginis*.

608 It-titlu ta' *advocata nostra* li jingħata lill-Verġni Marija hu qadim ħafna fil-Knisja, u inxtered mis-seklu XI bil-kant ta' l-antifona *Salve Regina*. Cfr. K. Esser, *Temi Spirituali*, Milano 1973, 285-314.

[910] 199 Kien jiċċelebra b'qima mill-aktar speċjali fuq il-festi l-oħrajn kollha t-Twelid tat-tfajjel Ġesù, u kien jgħid li din hi l-festa tal-festi[609], għaliex hi l-jum li fih Alla, li sar tarbija ċkejkna, beda jerda' l-ħalib minn sider ta' omm. Kien ibus b'ħerqa u ħeġġa x-xbihat ta' dak it-tfajjel ċkejken, u kien jitqanqal bil-ħniena lejn il-Bambin Ġesù, li kien iżomm f'qalbu, hekk li kien ilissen qisu jtemtem kliem kollhom ħlewwa qishom ħerġin minn fomm ta' tifel ċkejken. Dan l-isem fil-fomm tiegħu kien għalih ħelu daqs *il-għasel u x-xehda ta' għasel* (cfr. Prov 16,24). Jum minnhom l-aħwa kienu qegħdin jitkellmu flimkien dwar jekk kienx hemm l-obbligu li ma jieklux laħam, billi dik is-sena l-Milied kien jaħbat fil-jum tal-Ġimgħa. Franġisku wieġeb lil fra Morico: "Ħija, inti tidneb jekk issejjaħ il-Ġimgħa l-jum li fih *it-Tfajjel twieled għalina* (cfr. Is 9,6)". U qal: "Irrid li f'dan il-jum saħansitra l-ħitan jieklu l-laħam, u li jekk dan ma jkunx possibbli, li jiġu mdellkin bil-laħam minn barra!" [CA 14; SP 114]

[911] 200 Kien irid li f'dan il-jum il-foqra u *dawk li huma bil-ġuħ jiġu mitmugħin* (cfr. 1Sam 2,5) mill-għonja, u li l-barrin u l-ħmir jingħatalhom ikel u tiben aktar mis-soltu. Kien jgħid: "Jekk inkun nista' nkellem lill-Imperatur, nitolbu biex joħroġ editt ġenerali, li dawk kollha li jistgħu, għandhom ixerrdu fit-toroq il-qamħ u ż-żerriegħat, sabiex f'jum ta' solennità bħal din l-għasafar u speċjalment ħutna l-*allodole* jkunu jistgħu jieklu bl-abbundanza". Ma kienx jista' jiftakar mingħajr ma jibki dwar il-faqar u l-ħtieġa li sabet ruħha fihom f'dak il-jum il-Verġni fqajra. Darba minnhom, waqt li kien qiegħed jiekol, wieħed mill-aħwa fakkru fil-faqar tal-Verġni mqaddsa u dwar il-ħtieġa li minħabba fiha kien ibati Kristu Binha. Mall-ewwel *qam minn fuq il-mejda* (cfr. 1Sam 20,24), infaqa' f'ħafna ilfiq ta' niket, u b'wiċċu maħsul bid-dmugħ kompla jiekol il-kumplament tal-ħobż tiegħu għall-qiegħa ta' l-art. Għalhekk hu kien isejjaħ lill-faqar bħala virtù irjali, għaliex deher jiddi b'tant dija fis-Sultan u fis-Sultana. Meta l-aħwa inġabru għall-kapitlu u staqsewh liema virtù tagħmel lil dak li jkun ħabib l-aktar intimu ta' Kristu, hu fetaħ is-sigriet tal-qalb tiegħu, u weġibhom hekk: "Uliedi, kunu afu li l-faqar hu *t-triq* speċjali *tas-salvazzjoni* (cfr. Atti 16,17), li l-frott tiegħu hu ta' ħafna xorta, imma li ftit huma li jagħarfuh". [L3C 15; CA 14; LM VII,1; SP 114]

## Kapitlu CLII
## Dwar il-qima li kellu lejn il-Ġisem tal-Mulej.

[912] 201 Kien jaqbad bl-imħabba bil-ħerqa kollha ta' qalbu lejn is-sagrament tal-Ġisem tal-Mulej, u kien jitkaxkar mill-istagħġib tiegħu lejn dak kollu li stħaqqilha tagħmel il-karità divina biex tkun hekk twajba u ġeneruża mal-bnedmin. Kien iqis li jkun sinjal kbir ta' disprezz, jekk ma jismax ta' kuljum il-quddiesa, anke jekk kienet tkun waħda biss, kull meta kien ikun jista'[610]. Kien

---

[609] Nafu li l-liturġija tal-Knisja tqis l-Għid il-Kbir bħala l-festa tal-festi kollha. Imma fit-tradizzjoni Franġiskana l-Milied dejjem kien meqjus bħala festa kbira fis-sens li Franġisku kellu ħafna għal qalbu l-aspett uman tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. L-iskop ta' Celano u tat-tradizzjoni Franġiskana mhux dak li jitkellmu b'lingwaġġ liturġiku, imma pjuttost bis-sentiment popolari. Hu ċert li fil-misteru tal-maxtura ta' Betleħem Franġisku kien jara wieħed mill-akbar sinjali tal-faqar li ħaddan l-Iben ta' Alla. Ta' l-istess fehma kienet Santa Klara, li fil-kitbiet tagħha, ta' spiss issemmi l-misteru tat-tarbija ta' Betleħem. Fl-ikonografija Franġiskana l-misteru tal-Milied hu dejjem preżenti. Biżżejjed nirreferu għaċ-ċikli ta' affreski mal-ħitan tat-transett tal-lemin ta' min iħares lejn l-altar fil-*basilica inferiore* ta' San Franġisk f'Assisi.

[610] Fl-*Epistula toti Ordini missa*, 30 jingħad: *Moneo propterea et exhortor in Domino, ut in locis, in quibus fratres morantur, una tantum missa celebretur in die secundum formam sanctae ecclesiae*. Din il-preskrizzjoni dwar quddiesa waħda fil-fraternità qajjmet diskussjoni fost l-istudjużi. Imma hawnhekk jidher li San Franġisk kien imdorri jisma' l-

jitqarben ta' spiss u b'tant devozzjoni li kien jgħin lill-oħrajn biex jitħeġġu huma wkoll bid-devozzjoni[611]. Hekk kien jimtela b'kull qima lejn dan is-sagrament imqaddes, u kien joffri s-sagrifiċċju tal-membri kollha ta' ġismu, u meta kien jirċievi *l-ħaruf issagrifikat* (cfr. 1Pt 1,19), kien joffri l-ispirtu tiegħu f'sagrifiċċju tal-ħruq *li kien dejjem jaqbad fuq l-altar* (cfr. Lev 6,12; Sir 23,22) tal-qalb tiegħu. Kien iħobb lil Franza, għaliex kienet art devota lejn il-Ġisem tal-Mulej, u dejjem kien jixtieq li jmut fiha minħabba l-qima li kellu lejn dan il-misteru qaddis[612]. Jum minnhom ried *jibgħat* lill-aħwa *fid-dinja* (cfr. Ġw 3,16) bil-pissidijiet prezzjużi, sabiex iqiegħdu fl-aktar postijiet xierqa li jsibu l-prezz tal-fidwa tagħna, kull fejn isibuh merfugħ f'postijiet mhux xierqa. Kien irid li l-aħwa juru rispett kbir lejn idejn is-saċerdot, għaliex lilu ġiet mogħtija l-qawwa divina li jikkonsagra dan is-sagrament. Ta' spiss kien jgħid: "Jekk jiġrili li niltaqa' ma' qaddis *li nieżel mis-sema* (cfr. Ġw 3,31) u ma' xi saċerdot fqajjar fl-istess waqt, l-ewwel insellem lill-qassis u mmur niġri *biex nurih il-qima tiegħi* (cfr. Rum 12,10), u nbuslu idejh. Imbagħad ngħid: "Nitolbok, stenna ftit San Lawrenz![613] Għaliex l-*idejn* ta' dan *imissu l-Kelma tal-ħajja* (cfr. 1Ġw 1,1), u għandhom qawwa li tmur 'il hemm minn dik tal-bnedmin". [CA 108; LM IX,2; SP 65]

Kapitlu CLIII
Dwar id-devozzjoni tiegħu lejn ir-relikwi tal-qaddisin.

[913] 202 Billi dan il-bniedem *maħbub minn Alla* (cfr. Sir 45,1) kien juri lilu nnifsu mill-aktar devot lejn il-kult divin, ma kien iħalli xejn mingħajr qima minn dawk il-ħwejjeġ *li huma ta' Alla* (cfr. Mt 22,21). Meta kien jinsab f'Monte Casale, fit-territorju ta' Massa[614], ikkmanda lill-aħwa biex iġibu bl-akbar qima r-relikwi qaddisin minn ġo knisja li kienet mitluqa għal kollox u jqiegħduhom fl-eremitaġġ ta' l-aħwa. Kien jiddispjaċih li għal żmien hekk twil dawk ir-relikwi kienu tħallew bla ebda qima. Imma billi hu kellu jitlaq minn hemm għal kawża urġenti, uliedu insew l-ordni li kien tahom il-missier, u ma tantx taw kas tal-mertu ta' l-ubbidjenza. Jum minnhom, meta l-aħwa kienu qed iħejju ruħhom biex jiċċelebraw il-quddiesa, neħħew, kif soltu kienu jagħmlu, l-vesperal li kien jgħatti l-altar, u sabu taħtu xi għadam mill-isbaħ, li minnu kienet

---

unika quddiesa li kienet titqaddes fil-post, jew eremitaġġ, ta' l-aħwa. Kajetan Esser jispjega din id-drawwa billi jgħid li, qabel xejn, wieħed ma għandux iqisha bħala kundanna tal-quddiesa privata li saċerdot iqaddes waħdu, kif kienet drawwa fil-medjuevu. L-istudjuż Van Dijk isostni li x'aktarx li hawn jirreferi għall-unika quddiesa tal-ġurnata li kienet tkun il-quddiesa konventwali. Fit-tradizzjoni monastika ta' Cluny kien hemm projbizzjoni li jiġu ċċelebrati l-quddies waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa konventwali. Li nafu fi żgur hu li fil-missal ta' Onorju III hemm rubrika li tgħid: "Jekk ikun hemm ħafna saċerdoti fl-istess post, jistgħu ikantaw il-quddiesa waħedhom meta jridu". Forsi l-uniku skop ta' San Franġisk b'dawn il-kelmiet hu li jiddefendi s-sens ta' fraternità umli, kif jingħad fil-versetti 31-33: *Si vero plures in loco fuerint sacerdotes, sit per amorem caritatis alter contentus auditu celebrationis alterius sacerdotis*. Imbagħad hu ried li l-quddiesa ssir dejjem skond ir-rit tal-Knisja mqaddsa. Jidher, iżda, li din ta' quddiesa waħda kuljum kienet il-prassi komuni fl-ewwel kunventi Franġiskani.

[611] Il-prassi tat-tqarbin ta' spiss ma kienetx komuni fil-medjuevu, tant li l-Konċilju Lateran IV kien ikkmanda li l-insara jitqarbnu għallinqas darba fis-sena għall-Għid il-Kbir. Nafu, per eżempju, li fir-*Regola Sanctae Clarae*, kap. 3, is-Sorijiet Klarissi kellhom il-privileġġ li jitqarbnu seba' darbiet fis-sena, fil-Milied, Ħamis ix-Xirka, Għid il-Kbir, Pentekoste, Assunta, San Franġisk u l-Qaddisin Kollha.

[612] Letteralment Celano jikteb li "Franza kienet ħabiba tal-Ġisem tal-Mulej". Jidher li Franġisku kien sar jaf b'din il-qima ewkaristika fil-Belġju u fi Franza minn Jacques de Vitry, li seta' iltaqa' miegħu f'Perugia waqt il-funerali ta' Innoċenz III, jew sempliċement kellu tifkiriet sbieħ ta' dan il-kult mir-rakkonti ta' ommu Pica, jew għax kien akkumpanja lil missieru waqt xi vjaġġ ta' kummerċ fi Franza.

[613] Jissemma San Lawrenz, li kien djaknu u mhux saċerdot.

[614] Mhijiex Massa Marittima, imma Massa Trabaria, reġjun tal-muntanji bejn il-Marche u l-Umbria, li tissejjaħ hekk għax ħdejha hemm il-wied li jaqsam il-muntanji u li jismu Bocca Trabaria. Monte Casale tinsab qrib San Sepolcro.

ħierġa fwieħa mill-aktar ħelwa, u baqgħu mistagħġbin għal dik id-dehra li qatt ma raw oħra bħalha. Wara ftit żmien *il-qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34) reġa' lura, u beda jistaqsi bir-reqqa jekk kienux wettqu l-kmand li kien tahom dwar ir-relikwi. Imma l-aħwa stqarrew bl-umiltà kollha l-ħtija tagħhom, jiġifieri li kienu ittraskuraw l-ubbidjenza, u mal-penitenza qalgħu wkoll il-maħfra. Il-qaddis qalilhom: "*Imbierek il-Mulej Alla tiegħi* (cfr. S 17,47) li wettaq hu nnifsu dak li suppost li kellkom twettqu intom!" Oqgħod qis bir-reqqa kemm kien devot Franġisku, ara *b'liema tjieba Alla* (cfr. S 68,14) jagħti ġieħ lit-trab tagħna, u *faħħar bil-għana* (cfr. S 68,31) l-ubbidjenza qaddisa. Għaliex jekk għal-leħen tal-qaddis ma mielux il-bniedmin, imma Alla għoġbu jobdi t-talb tiegħu. [LM VI,7]

Kapitlu CLIV
Dwar id-devozzjoni tiegħu lejn is-salib u dwar sinjal misterjuż.

[914] 203 Fl-aħħarnett min jista' jfisser jew jifhem kif hu *ma kienx jiftaħar jekk mhux bis-salib tal-Mulej*? (cfr. Gal 6,14). Jista' jkun jaf dan biss min kellu l-grazzja unika li jagħmel prova tiegħu. Għax tassew, ukoll jekk ikollna xi esperjenza ħafifa ta' dan, il-kliem tagħna, li huma mniġġsin bl-użu ta' ħwejjeġ komuni u bla siwi, ma jkunux fil-qagħda li jesprimu ħwejjeġ hekk ta' l-għaġeb. U x'aktarx li, proprju minħabba f'hekk, hu kellu jidher fil-ġisem, għaliex *qatt ma seta' jispjega dan kollu bil-kliem* (cfr. Qoħ 1,8). Mela ħalli jitkellem is-skiet, fejn *il-kelma tixxejjen* (cfr. Sir 43,29), għaliex fejn ma tkunx tista' tfisser il-kelma, jfissru s-sinjali. Dan biss il-widnejn tal-bnedmin jistgħu jisimgħu, jiġifieri li għadu mhux ċar għalihom, għaliex dak *il-misteru deher* (cfr. 1Tim 3,16) fil-bniedem qaddis; għax tassew li dak li ġie irrivelat lilu, wieħed ma jistax jifhmu jekk mhux b'riferiment għall-ġejjieni. Ikun tassew jgħid is-sewwa u ta' min jemmnu dak li x-xhieda tiegħu huma n-natura, *il-liġi u l-grazzja* (cfr. Ġw 1,17)[615]. [LM XIII,10]

Dwar il-*Povere Dame*.

Kapitlu CLV
Dwar kif ried li l-aħwa jġibu ruħhom magħhom.

[915] 204 Ma jixraqx li nittraskuraw it-tifkira tal-binja spiritwali, li hi ħafna aktar nobbli minn dik materjali, li l-missier imqaddes wara li sewwa dik il-knisja[616], bena f'dak il-post *taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu* s-Santu (cfr. Is 63,14), biex ikabbar il-belt tas-sema. U ma nistgħux nemmnu li Kristu kellmu mill-għuda tas-salib b'mod hekk ta' l-għaġeb *li qanqal* fih u f'dawk li semgħu *l-biża'* (cfr. 2Mak 12,22) u n-niket, biss biex hu jsewwi binja li kienet qed tiġġarraf, u li kienet għoddha se tinqered. Imma kif darba *kien ħabbar l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 1,16), hemmhekk kellu jitwaqqaf l-Ordni tal-verġni qaddisin, li kellhom jinġabru flimkien *bħal ġebel ħaj* (cfr. 1Pt 2,5) u magħżul biex imbagħad jgħaddu ħalli jsewwu d-dar tas-sema. Għax tassew, wara li f'dak

---

[615] Għal liema misteri qiegħed jirreferi Celano f'dan il-paragrafu kemmxejn diffiċli biex wieħed jifhmu? X'aktarx li qiegħed jirreferi għall-ħafna sigrieti li Franġisku żamm f'qalbu (cfr. LM XIII,4), jew għall-erba' sigrieti dwar il-futur ta' l-Ordni li jgħidilna bihom Thomas of Eccleston, *De Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 92. Hi ħaġa ċerta li kull meta l-*Fontes* jitkellmu dwar il-misteru ta' l-istimmati ta' San Franġisk, li hu intimament marbut mal-misteru tas-salib, dejjem hemm sens ta' misteru li wieħed ma jistax ma jirrispettahx. Cfr. 1C 90. 94-96; 2C 135-139.
[616] Il-knisja ta' San Damiano, fejn beda l-Ordni tal-*Povere Dame*. Cfr. 2C 10.11.13.14.

il-post bdew jinġabru l-*verġni ta' Kristu* (cfr. 2Kor 11,2), li kienu miġburin minn diversi nħawi tad-dinja, u hemmhekk għamlu l-professjoni ta' l-ogħla perfezzjoni billi ħarsu *l-ogħla faqar* (cfr. 2Kor 8,2), u *fis-sbuħija ta' kull virtù* (cfr. Ġud 10,4), il-missier bil-mod il-mod beda jwarrab minnhom *il-preżenza tal-ġisem tiegħu* (cfr. 2Kor 10,10), imma kompla jieħu ħsiebhom billi jħobbhom dejjem aktar *fl-Ispirtu s-Santu* (cfr. Mt 3,11). Għaliex, meta l-qaddis għaraf li huma, wara l-ħafna provi ta' perfezzjoni mill-aktar għolja li kienu taw, kienu lesti li jilqgħu *minħabba Kristu* (cfr. Fil 1,29) kull tiġrib tad-dinja u kull sagrifiċċju u xogħol iebes, u kienu iddeċiedew li qatt ma *jonqsu mir-rieda* (cfr. S 118,21) qaddisa tagħhom, wiegħed lilhom u lill-oħrajn, li kellhom jipprofessaw il-faqar fl-istess għamla ta' ħajja, li kellu jagħtihom l-għajnuna u l-pariri tiegħu u ta' l-aħwa tiegħu għal dejjem[617]. Hekk dejjem, sakemm dam ħaj, hu kien bil-kura kollha jżomm din il-wegħda, u ftit qabel ma miet, ikkmanda bil-ħerqa li din titkompla titwettaq għal dejjem: għaliex hu kien jgħid li kien *l-istess u l-uniku spirtu* (cfr. 1Kor 12,11) li ħareġ lill-aħwa u lill-*Povere Dame* minn *din id-dinja* (cfr. Gal 1,4). [CA 85; 2C 13; SP 90]

[916] 205 U billi l-aħwa jum minnhom kienu jidhru mistagħġbin, għaliex hu ma kienx għadu jżur lil dawk il-qaddejja verġni ta' Kristu billi *jkun preżenti fosthom bil-ġisem* (cfr. 2Kor 10,10), hu weġibhom hekk: "Għeżież tiegħi, la taħsbux li jiena ma nħobbhomx b'mod perfett. Kieku hi ħtija li wieħed jieħu ħsiebhom fi Kristu, ma tkunx ħtija akbar li wieħed jgħarrashom ma' Kristu? Jekk wieħed ma sejħilhomx ma kienetx ċertament tkun ħtija, imma li wieħed ma jieħux ħsiebhom wara li sejħilhom, din tkun ħaġa tassew kiefra għalihom. Imma *jiena rrid nagħtikom l-eżempju, biex intom tagħmlu kif għamilt jien* (cfr. Ġw 13,5). Jiena ma rrid lil ħadd li joffri minn jeddu li jmur iżurhom, imma nordna li għandhom jintbagħtu għall-qadi tagħhom dawk li l-aktar ma jkunux iridu dan is-servizz u li jmorru kontra r-rieda tagħhom, imma li jkunu *bnedmin spiritwali* (cfr. Ħos 9,7), u li jkunu ippruvati f'ħajja reliġjuża twila u xierqa".

## Kapitlu CLVI
Dwar kif ċanfar lil xi wħud mill-aħwa li kienu jmorru bil-qalb fil-monasteri tal-*Povere Dame*.

[917] 206 Wieħed mill-aħwa kellu fil-monasteru żewġ uliedu xebbiet li kienu mill-aktar perfetti fl-imġieba tal-ħajja reliġjuża tagħhom. Jum minnhom offra lilu nnifsu bil-qalb kollha biex iwassal fil-monasteru rigal ċkejken u fqajjar li kien bagħat il-qaddis, imma dan ċanfru bi kliem iebes ħafna, bi kliem li lanqas nista' nġibu hawnhekk. U hekk dak ir-rigal intbagħat permezz ta' wieħed ieħor mill-aħwa, li ma riedx imur bl-ebda mod, imma li mbagħad aċċetta. Wieħed ieħor mill-aħwa fix-xitwa, imqanqal bil-ħniena, mar f'monasteru ieħor, mingħajr ma qagħad iqis il-projbizzjoni iebsa li kien għamel il-qaddis. Meta Franġisku sar jaf b'dak li għamel, ġiegħelu jimxi bla tonka għal bosta mili, fil-bard mill-aktar kiefer u fis-silġ[618].

## Kapitlu CLVII

---

[617] San Franġisk kiteb lil Klara u lill-*Povere Dame* diversi biljetti ta' faraġ u pariri, li minnhom tnejn waslu għandha u li Klara daħħlithom fil-kapitlu 6 tar-Regola tagħha. Dawn huma l-*Forma Vitae* u l-*Ultima Voluntas* li San Franġisk ta lil Santa Klara.
[618] Jista' jkun li dan kien fra Stefano. Wara li stqarr il-ħtija tiegħu, Franġisku ordnalu li jidħol fl-ilma inġazzat tax-xmara, fix-xahar ta' Diċembru, u hekk imxarrab kif kien, mexa għal aktar minn żewġ mili, iterter bil-bard. (L. Oliger, "Descriptio Codicis S. Antonii de Urbe", *Archivum Franciscanum Historicum* 12 (1919) 384. Cfr. FF 2684).

Il-priedka li hu għamel aktar bl-eżempju milli bil-kliem.

[918] 207 Meta l-qaddis kien jinsab jgħix f'San Damiano, il-vigarju tiegħu[619] talbu għal bosta drabi biex lil uliedu xbejbiet jippriedkalhom *il-kelma ta' Alla* (cfr. Ġw 3,34), u fl-aħħar, mirbuħ minn dik l-insistenza, laqa' dik it-talba. Meta s-sorijiet inġabru kif kienu soltu jagħmlu *biex jisimgħu l-kelma ta' Alla* (cfr. Ġw 8,47), imma mhux inqas biex jaraw lill-missier, dan *refa' ħarstu lejn is-sema' fejn* dejjem kienet tistrieħ *qalbu* (cfr. Is 51,6; Mt 6,21), u beda jitlob lil Kristu. Imbagħad talab li jġibulu l-irmied, u raxxu dawra tond ma' l-art, filwaqt li *xeħet* il-kumplament *fuq rasu* (cfr. 1Mak 3,47). Dawk is-sorijiet kienu jistennew, u billi raw lill-missier ma jiċċaqlaqx f'nofs dik id-dawra tond ta' rmied, ħassew ruħhom timtela' bil-għaġeb. F'daqqa waħda l-qaddis qam, u fost l-istagħġib ta' kull min kien miġbur, flok il-priedka talab is-salm *Miserere mei Deus* (cfr. S 50,3ss). Malli spiċċa dak is-salm, malajr malajr *ħareġ 'il barra* (cfr. S 40,7). Għal din l-imġieba tiegħu siekta imma mimlija tifsir, dawk ix-xbejbiet qaddejja tal-Mulej ħassewhom mimlijin b'tant sogħba, li infexxew f'ħafna dmugħ u bil-ħniena setgħu jżommu lilhom infushom mid-dixxiplina fuq ġisimhom. B'dik l-imġieba hu kien għallimhom li kellhom iqisu lilhom infushom bħar-rmied, u fuq kollox li l-qalb tiegħu ma kienetx ħasset l-ebda sentiment lejhom li ma kienx jaqbel ma' dan il-ħsieb. Din kienet l-imġieba tiegħu mar-reliġjużi nisa; dawn kienu ż-żjarat l-aktar meħtieġa li kien jagħmel, li kienu rari u dejjem ġustifikati minħabba l-ħtieġa. Din kienet ir-rieda tiegħu għall-aħwa kollha, li huma kellhom jaqdu lis-sorijiet minħabba *Kristu, li tiegħu huma qaddejja* (cfr. Kol 3,24), imma dejjem billi jħarsu lilhom infushom, bħall-għasafar, minn *nasba* (cfr. Prov 1,17) li *kienet titqiegħed quddiemhom* (cfr. S 68,23).

Tifħir lir-Regola ta' l-aħwa.

Kapitlu CLVIII
Kliem ta' tifħir lir-Regola ta' l-imqaddes Franġisku u dwar wieħed mill-aħwa li dejjem kien iġorrha miegħu.

[919] 208 Franġisku kien mill-aktar imħeġġeġ lejn il-professjoni tal-ħajja komuni u lejn ir-Regola, u ħalla barka speċjali lil dawk li juru ħeġġa fl-osservanza tagħha[620]. Hu kien itenni li r-Regola hi *l-ktieb tal-ħajja* (cfr. Sir 24,32), *it-tama tas-salvazzjoni* (cfr. 1Tes 5,8), il-mudullun ta' l-Evanġelju, it-triq tal-perfezzjoni, il-muftieħ tal-ġenna, *il-patt tal-ħbiberija ta' dejjem* (cfr. Ġen 17,13). Kien irid li l-aħwa kollha jkollhom kopja tagħha, li jkunu jafuha tajjeb, u li kullimkien *jehdew bi ħsibijiethom* (cfr. Għerf 8,9) fuqha flimkien mal-*bniedem ta' ġewwa* (cfr. Rum 7,22) bħala tifkira tal-wegħdiet li ħalfu li jgħixu. Kien jgħallimhom biex dejjem iżommuha quddiem għajnejhom, bħala twissija dwar kif kellhom iġibu ruħhom, u dak li l-aktar kien importanti għalih, li jmutu mħaddnin magħha.

Wieħed mill-aħwa lajċi[621], li aħna jidhrilna li għandu jiġi miqjum ma' l-għadd tal-martri, ftakar f'dan it-tagħlim, u hekk kiseb il-palma ta' rebħa glorjuża. Għax meta kien qiegħed jinġarr mis-Saraċini għall-martirju, hu niżel għarkubbtejh bl-umiltà u, filwaqt li ħaddan miegħu b'idejh

[619] Il-vigarju tal-qaddis fl-1225 kien fra Elia.
[620] Hi l-barka tal-qaddis fi tmiem it-*Testment*.
[621] Dan kien fra Eletto, li sofra l-martirju meta kien għadu ħaj San Franġisk. Cfr. *Archivum Franciscanum Historicum* 4 (1911) 556 u L. Wadding, *Annales Minorum*, ad. An. 1219, n. 35.

ir-Regola, qal lil sieħbu: "Ħija l-aktar għażiż, jiena nistqarr lili nnifsi ħati quddiem *għajnejn il-Majestà divina* (cfr. Is 3,8) u quddiemek, minn dak kollu li għamilt kontra din ir-Regola". Wara dik l-istqarrija qasira laqa' x-xabla, li temmitlu ħajtu bil-martirju, u wara beda jiddi *bil-mirakli u l-għeġubijiet* (cfr. 2Kor 12,12). Hu kien daħal fl-Ordni meta kien għadu daqshekk żagħżugħ, li bil-ħniena kien jiflaħ għas-sawm li hu preskritt fir-Regola, imma għalkemm daqshekk żagħżugħ kien jitħażżem biċ-ċilizzju fuq il-laħam. Żagħżugħ hieni, li *beda* ħajtu daqshekk bil-ferħ, u *temmha* (cfr. Sir 18,6) b'mod aktar ferħan. [CA 46; SP 76-77]

Kapitlu CLIX
Dwar dehra li fiha ġiet igglorifikata r-Regola.

[920] 209 Darba minnhom il-missier l-aktar qaddis kellu mis-sema viżjoni, li għandha x'taqsam u tħabbar ħwejjeġ dwar ir-Regola. Fiż-żmien li fih l-aħwa kienu jiltaqgħu flimkien biex jitkellmu dwar il-konferma tar-Regola, il-qaddis, li kien imħasseb ħafna dwar dawn il-ħafna laqgħat, *kellu din il-ħolma* (cfr. Mt 1,20). Deherlu li kien qiegħed jiġbor mill-art ħafna frak żgħir tal-ħobż u li kien qiegħed iqassamhom lill-aħwa imġewwħin li kienu miġburin madwaru. U billi kien qiegħed jibża' li dak il-frak ċkejken qisu trab li kien qiegħed iqassam kien jista' jaħrablu minn idejh, sema' *leħen* nieżel mill-għoli *li qallu* (cfr. Dan 6,20): "Franġisku, minn dak il-ħafna frak agħmel ostja waħda, u agħtiha lil dawk li jridu jiekluha". Hu obda, u dawk li ma laqgħuhiex bid-devozzjoni, jew li stmerrew dak id-don li irċevew, ġew mall-ewwel milqutin mill-marda tal-ġdiem. L-għada filgħodu l-qaddis irrakkonta din il-ħolma lill-aħwa, imnikket għaliex ma setax jaqbad is-sens *tal-misteru ta' dik id-dehra* (cfr. Dan 2,19). Wara ftit żmien, waqt li kien *jishar fit-talb* (cfr. Tob 3,11), dak l-istess *leħen li niżel mis-sema* (cfr. 2Pt 1,17.18), qallu: "Franġisku, il-frak li rajt il-lejl li għadda huma l-kliem ta' l-Evanġelju, l-ostja hi r-Regola, u l-marda tal-ġdiem hi l-ħażen". Għal dak li għandu x'jaqsam imbagħad mal-fedeltà li kienu wiegħdu, l-aħwa ta' dak iż-żmien ma kienux iqisuha iebsa jew tqila, imma kienu dejjem lesti li jwettqu bla dewmien aktar mid-dmir tagħhom. Għax hu ċar li ma jistax ikun hemm bruda jew għażż fejn il-ħeġġa ta' l-imħabba timbotta lil dak li jkun biex jilħaq għanijiet aktar għoljin. [LM IV,11; XIV,1]

Dwar il-mard ta' San Franġisk.

Kapitlu CLX
Dwar kif tkellem ma' wieħed mill-aħwa rigward id-dmir tal-kura tal-ġisem.

[921] 210 Il-ħabbâr ta' Alla Franġisku, *mexa fuq il-passi* (cfr. Ġoż 3,13) ta' Kristu permezz ta' bosta mard kiefer u iebes, u qatt ma reġġa' lura l-pass tiegħu sakemm *temm għal kollox* b'mod mill-aktar perfett dak li hu kien *beda* (cfr. Lq 14,30) b'mod perfett. Għax, għalkemm kien *bla ebda saħħa* (cfr. Imħ 16,16) u ġismu kien imkisser bil-mard minn kullimkien, qatt ma heda fil-ġirja tiegħu lejn il-perfezzjoni, qatt ma ħalla li titrattab l-ebusija tad-dixxiplina. Tant hu veru dan li qed ngħidu, li wkoll meta ġismu kien għoddu intemm taħt it-tbatija, qatt ma kien iħoss li kellu jagħtih kura speċjali mingħajr ma jħoss ir-rimors tal-kuxjenza. Jum minnhom, meta kellu jtaffi kontra qalbu t-tbatija ta' ġismu billi jieħu l-mediċini, għaliex l-uġiegħ li kellu kien akbar minn kemm kien jista' jiflaħ hu, dar bil-fiduċja kollha lejn wieħed mill-aħwa, għaliex kien jaf li dan seta' jagħtih parir għaqli. "X'taħseb, ibni l-aktar għażiż, dwar li l-kuxjenza tiegħi iċċanfarni ta'

spiss minħabba li nieħu ħsieb ta' ġismi? Xi kultant naħseb li qiegħed nagħtih aktar milli jistħoqqlu għaliex jinsab marid, u hekk infittex li ngħinu b'mediċini li mhux faċli li ssibhom. Mhux għax ġismi qiegħed isib xi pjaċir f'xi ħaġa, għaliex issa qiegħed jitmermer minħabba l-marda twila u tilef kull gost".

211 Dak l-iben wieġeb bil-ħerqa kollha lill-missier, għaliex għaraf li kien il-Mulej li għarrfu dawk il-kelmiet: "Għidli, missier, jekk trid, ġismek mhux dejjem kien lest li jobdi bir-reqqa l-ordnijiet li tagħtih?" U dak wieġbu: "*Nagħtih xhieda* (cfr. Ġw 5,31), ibni, li *kien dejjem jobdini f'kollox* (cfr. Kol 3,20), u f'xejn ma kien joqgħod lura, imma kien dejjem iħaffef biex iwettaq mall-ewwel dak li nikkmandah. Qatt ma ħarab mill-ebda xogħol iebes, qatt ma ċaħad l-ebda sagrifiċċju, sakemm kien possibbli *li jwettaq dak li jiġi mitlub jagħmel* (cfr. Imħ 9,54). F'dan kollu jiena u hu naqblu b'mod sħiħ, u mingħajr l-ebda stmerrrija *irridu naqdu lil Kristu l-Mulej*" (cfr. Kol 3,24). U dak wieġbu: "Fejn hi, mela, missier, il-ġenerożità tiegħek, fejn hi t-tjieba u l-prudenza kbira tiegħek? Hi din ir-rikonoxxenza li wieħed għandu juri lill-*ħbieb fidili* (cfr. Sir 6,14), li jirċievi għemil tajjeb minn għandhom u ma jħallashomx fiż-żmien li fih ikunu fil-ħtieġa? Liema qadi stajt tagħmel lil *Kristu l-Mulej* (cfr. Kol 3,24) tiegħek sa issa kieku ma kellekx lil ġismek biex jgħinek? Kif inti stess tgħid, ma kontx tiġi wiċċ imb'wiċċ ma' kull periklu minħabba dan?" Il-missier qallu: "Iva, ibni, nammetti li dan kollu hu tassew veru". U l-iben tenna: "Mela allura hi ħaġa raġunata li inti tonqos fi ħtieġa kbira bħal din lejn *ħabib* li hu tant *fidil* (cfr. Ġen 18,25) lejk, u li għalik offra lilu nnifsu u s-saħħa kollha tiegħu sal-mewt? Missier, *jalla tbiegħed* minnek din l-għajnuna u dan il-bastun ta' min hu mġarrab, *jalla tbiegħed minnek dan id-dnub kontra l-Mulej*!" (cfr. 1Sam 12,23). U l-qaddis wieġbu: "*Jalla tkun imbierek ibni* (cfr. 1Sam 26,25), li tajtni l-għajnuna fid-dubji tiegħi b'rimedju hekk għaref u għaqli!" U hekk beda jkellem bil-ferħ lil ġismu: "Ifraħ, ġisem ħija, u *aħfirli* (cfr. Ġob 7,16), għax, ara, issa jiena lest li nissoddisfa x-xewqat tiegħek, u lest ukoll li nagħti widen għall-ilmenti tiegħek!" Imma x'seta' jagħti aktar faraġ lil dak il-ġisem imsejken u mitmum? X'seta' jagħtih biex ifarrġu, issa li kien imkisser minn kullimkien? Għax issa Franġisku *kien diġà mejjet għad-dinja*, imma *Kristu kien qiegħed jgħix fih* (cfr. Gal 2,19.20). Il-pjaċiri tad-dinja kienu għalih is-salib tiegħu, għaliex fil-qalb tiegħu hu kien iġorr *is-salib ta' Kristu* (cfr. Gal 6,14) li kien rabba' l-għeruq fih. U kien għalhekk li l-istimmati dehru jleqqu fuq ġismu minn barra, għaliex minn ġewwa dawn l-għeruq kienu niżlu fil-qiegħnett ta' ruħu.

## Kapitlu CLXI
## Dwar dak li l-Mulej wegħedu meta kien marid.

[922] 212 Għalkemm il-ġisem tiegħu kien imfarrak minn kullimkien, kienet ħaġa ta' l-għaġeb kif kien jiflaħ jirreżisti daqshekk. U minkejja dan it-tbatijiet tiegħu ma kienx isejħilhom kastigi imma ħutu. Kienu tassew bosta r-raġunijiet tat-tbatijiet tiegħu. Qabel xejn, biex jagħmlu aktar glorjuż fir-rebħa, l-Aktar Għoli fdali ħidmiet diffiċli mhux biss fil-bidunett tal-qadi tiegħu, imma kompla jagħtih okkażjoni li jimmerita l-glorja wkoll meta kien mexa ħafna 'l quddiem. Imbagħad f'dan kollu hu ħalla eżempju lil dawk li mxew warajh, għaliex hu ma kien għamel xejn b'inqas ħeġġa għax kien kiber fis-snin, u lanqas ma kien inqas iebes miegħu nnifsu għax kien marad. U lanqas mingħajr raġuni ma kienet it-tisfija perfetta tiegħu f'dan *il-wied tad-dmugħ* (cfr. S 83,7), għaliex biha hu *kien ħallas sa l-inqas ħabba* (cfr. Mt 5,26) jekk kien għad fadallu xi ħaġa fih innifsu biex tissaffa bin-nar ħalli b'hekk, imsoffi għal kollox, jasal fis-sema. Imma r-raġuni

ewlenija tat-tbatijiet tiegħu naħseb li kienet, kif hu kien imdorri jgħid fost affarjiet oħrajn, biex ikollu t-tama li jekk jiflaħ għalihom jirċievi *ħlas kbir* (cfr. S 18,2).

[923] 213 Lejl minnhom, meta kien iħossu bla saħħa aktar mis-soltu minħabba l-ħafna uġiegħ kiefer tal-mard li kien iħabbtu, beda mill-qiegħ ta' qalbu jitħassar lilu nnifsu. Imma sabiex *l-ispirtu* tiegħu *li kien dejjem imhejji* (cfr. Mt 26,41) ma jgħaddix lanqas għal waqt wieħed biss mid-dgħufija umana għall-ġisem tiegħu, talab lil Kristu u bl-għajnuna tiegħu żamm sħiħa t-tarka tas-sabar. Waqt li kien jinsab *jitlob f'din l-agunija* (cfr. Lq 22,43), il-Mulej *wiegħdu l-ħajja ta' dejjem* permezz ta' din *it-tixbiha* (cfr. Lhud 10,36; Ġw 6,69). "Jekk *il-muntanji ta' l-art* (cfr. Is 40,12) u d-dinja kollha jkunu tad-deheb mill-aktar prezzjuż u ta' *valur li ma jistax jitqies* (cfr. S 43,13), u wara li lilek titneħħielek kull tbatija, għal dak li tkun ġarrabt jingħatalek teżor ta' glorja hekk kbira, li *meta tqabblu magħha, d-deheb* (cfr. Għerf 7,9) ma jiswa xejn, u lanqas ikun jistħoqqlu li wieħed isemmih; inti ma tkunx kuntent u ma tilqax bil-qalb kollha dawn it-tbatijiet li malajr jgħaddu?" Il-qaddis wieġeb: "Inkun tassew ferħan u nithenna *b'hena bla qjies* (cfr. 2Kor 4,17)". Il-Mulej għalhekk qallu: "Ifraħ mela, għaliex il-mard tiegħek hu r-rahan tas-saltna tiegħi u għall-merti tas-sabar tiegħek tista' tistenna *fiċ-ċert u fiż-żgur* (cfr. Għerf 7,23) li *jkollok sehem fil-wirt tas-saltna*!" (cfr. Ef 5,5). Imma kemm ferħ taħseb li ħass dan il-bniedem, hekk ferħan għal wegħda hekk hienja? B'liema sabar, u mhux biss, imma b'liema imħabba seta' jħaddan miegħu dik it-tbatija tal-ġisem? Hu biss jaf dan issa b'mod perfett, għaliex dak iż-żmien hu ma setax jgħid dak li issa qiegħed iħoss. Minkejja dan hu ta xi ħjiel, kif seta', lill-aħwa tiegħu. F'dik iċ-ċirkustanza hu sawwar ukoll xi Tifħir tal-ħlejjaq, li fih jistedinhom biex ifaħħru, kif jafu huma, lill-Ħallieq[622]. [CA 83; SP 100. 119-120]

Dwar it-transitu tal-missier imqaddes.

Kapitlu CLXII
Dwar kif ħeġġeġ u bierek lill-aħwa qabel ma miet.

[924] 214 Il-għaref jgħid li *fil-mewt tal-bniedem jinkixfu l-għemejjel tiegħu* (cfr. Sir 11,29). Dan hu dak li naraw li seħħ b'mod sħiħ f'dan il-qaddis glorjuż. Filwaqt li *kien miexi* bil-ħeffa *mit-triq tal-kmandamenti ta' Alla* (cfr. S 118,32), permezz tal-gradi kollha tal-virtujiet wasal fl-ogħla quċċata, u bħal oġġett tal-metall li jinħadem, ġie ipperfezzjonat bis-sengħa permezz tad-daqqiet tal-martell tal-bosta tiġrib li għadda minnu, sakemm *fl-aħħar wasal biex jara l-milja ta' kollox* (cfr. S 118,96). Kien f'dan il-waqt li bdew jiddu fuq kollox l-għemejjel ta' l-għaġeb tiegħu, u deher b'mod ċar quddiem *id-dawl tal-verità* (cfr. S 110,7) li l-ħajja kollha tiegħu kienet divina, meta, wara li saħaq fuq dak kollu li jiġbed f'din il-ħajja li tintemm, ittajjar ħieles lejn is-sema. Għaliex hu wera li kien jistmerr *li jgħix fid-dinja* (cfr. Gal 2,20), u *filwaqt li ħabb lil dawk li kienu tiegħu sa l-aħħar* (cfr. Ġw 13,1), laqa' l-mewt bil-kant. Meta ħass li l-aħħar jiem ta' ħajtu kienu fil-qrib, li fihom wara d-dawl li jgħib kellu jidħol *id-dawl ta' dejjem* (cfr. Esd 2,35), wera bil-qawwa tal-virtujiet tiegħu li hu ma kellu xejn x'jaqsam mad-dinja. Mifni kif kien minn dik il-marda hekk kiefra, li kellha twassal fit-tmiem it-tbatijiet tiegħu, talab lill-aħwa biex imidduh għeri *għall-qiegħa ta' l-art* (cfr. Is 14,1) għerja, sabiex f'dik is-siegħa ta' l-aħħar, li fiha l-għadu kien għadu jista' jixħet fuqu l-qilla tiegħu, hu kien jista' jiġġieled għeri ma' l-għadu għeri tiegħu. Għax hu kien jistenna bil-kuraġġ kollu r-rebħa u b'idejh magħqudin flimkien kien iħaddan miegħu *l-*

[622] Dan hu l-*Canticum fratris solis*, jew *Għanja tal-ħlejjaq*.

*kuruna tal-ġustizzja* (cfr. 2Tim 4,8). *Imqiegħed* hekk *għall-qiegħa ta' l-art* (cfr. Ġob 20,4), u mneżża' mil-lbies tiegħu ta' l-ixkejjer, kif kien dejjem jagħmel *iffissa ħarstu lejn is-sema* (cfr. Ġob 11,15), u filwaqt li *lemaħ* lilu nnifsu kollu kemm hu *f'dik il-glorja* (cfr. Atti 7,55), b'idejh ix-xellugija beda jgħatti l-ġerħa f'ġenbu tal-lemin, biex ma tidhirx. Imbagħad qal lill-aħwa: "Jiena *għamilt dak li kelli nagħmel* (cfr. 1Slat 19,20), issa *Kristu jgħallimkom* (cfr. Ef 4,21) dak li intom tridu tagħmlu". [LM XIV,3]

[925] 215 Quddiem din id-dehra l-ulied infexxu fil-biki u xmajjar ta' dmugħ, u filwaqt li bdew jitniehdu mill-qiegħ ta' qalbhom, qishom kienu mirbuħin min-niket u mit-tqanqil tal-ħniena. Sadanittant, meta beda jiskot l-ilfiq tagħhom, il-gwardjan tiegħu[623], li b'ispirazzjoni divina kien fehem ix-xewqa tal-qaddis, qam malajr u ħa tonka f'idejh, flimkien mal-ħwejjeġ ta' taħt u l-għata tar-ras magħmula mid-drapp ta' l-ixkejjer, u qal lill-missier: "Kun af li din it-tonka, il-ħwejjeġ ta' taħt u l-għata ta' rasek jiena se nislifhomlok bl-ubbidjenza qaddisa! U biex ikun ċar għalik li ma tistax tiftaħar li għandek fuqhom l-ebda dritt, jiena nneħħilek kull qawwa li tagħtihom lil xi ħadd ieħor". Il-qaddis feraħ u imtela *bil-hena tal-qalb* (cfr. Għan 3,11), għaliex fehem li hu kien żamm sħiħ sa l-aħħar mal-patt li kien għamel ma' *Madonna Povertà*. Hu kien ġab ruħu b'dan il-mod għall-imħabba tal-faqar imqaddes, hekk li fil-ħin tal-mewt ma jkollux lanqas tonka li jsejħilha tiegħu, imma waħda li jkun silifhielu ħaddieħor. Imbagħad kellu d-drawwa li jżomm rasu mgħottija[624] bid-drapp ta' l-ixkejjer, biex hekk jgħatti l-feriti li kienu sarulu meta kien qagħad għall-kura ta' għajnejh. Fil-fatt hu kellu bżonn li jgħatti rasu bis-suf, ukoll jekk ikun komuni, imma basta li jkun mill-aktar fin u artab. [LM XIV,4]

[926] 216 Imbagħad il-qaddis *refa' idejh lejn is-sema* (cfr. 2Kron 6,13), u faħħar lil Kristu tiegħu, għaliex issa seta jitlaq ħieles għandu, u mingħajr l-ebda rbit ma' xejn. Imma biex juri li hu kien *jimita* għal kollox u b'mod perfett *lil Kristu* (cfr. 1Kor 4,16) Alla tiegħu, lill-aħwa u uliedu, *li kien ħabbhom* sa mill-bidunett, issa *ħabbhom għall-aħħar* (cfr. Ġw 13,1). Sejjaħ lejh lill-aħwa kollha li kienu preżenti f'dak il-post u ipprova jgħidilhom *kliem ta' faraġ* (cfr. Żak 1,13) u biex inaqqsilhom in-niket li kienu qiegħdin juru minħabba l-mewt tiegħu, ħeġġiġhom b'imħabba ta' missier għall-imħabba ta' Alla. Kellimhom fit-tul dwar il-virtù tas-sabar u dwar l-obbligu li jħarsu l-faqar, u irrikmandalhom fuq kull liġi oħra l-Evanġelju mqaddes. Imbagħad, filwaqt li l-aħwa kollha kienu jinsabu madwaru, *firex idejh il-leminija fuq ir-ras* (cfr. Ġen 48,14) ta' kull wieħed minnhom, billi beda mill-vigarju tiegħu. Qalilhom: "Saħħa uliedi kollha kemm intom, għixu *fil-biża' tal-Mulej* (cfr. Atti 9,31) u żommu sħaħ fiha dejjem! U billi fil-ġejjieni *riesqa t-tentazzjoni u t-tiġrib* (cfr. Sir 27,6), henjin huma dawk li jżommu sħaħ f'dak li huma bdew jgħixu. Jiena issa sejjer inħaffef lejn Alla, li fil-grazzja tiegħu nerħi lilkom ilkoll". U bierek fl-aħwa preżenti wkoll lill-aħwa l-oħrajn kollha, kull fejn *huma jgħixu fid-dinja* (cfr. 2Kor 1,12), u lil dawk *li kellhom jiġu* (cfr. Ġw 1,15) warajhom, *sa l-aħħar taż-żminijiet* (cfr. Dan 7,18). Ħadd ma għandu jaħtaf għalih din il-barka, li hu xerred fuq l-aħwa preżenti u fuq dawk li ma kienux jinsabu hemmhekk. Kif din il-barka ġiet murija x'imkien ieħor, ċertament għandha xi riferiment personali, imma dan għandna nifhmuh pjuttost għall-uffiċċju ta' min irċeviha[625]. [1C 108; CA 12; LM XIV,5; SP 107]

---

[623] Fra Angelo da Rieti.

[624] Il *cappellula* kienet forsi l-*cappellina* medjevali. F'xi *Fontes* oħrajn tissemma l-*infula*, jew kappoċċ tal-ġild miksi bid-drapp ta' l-ixkejjer, li flimkien ma' benda quddiem għajnejh li ma setgħux aktar jaraw id-dawl tax-xemx jew tan-nar, kienet tgħattilu rasu kollha, imma fl-istess ħin kienet is-sinjal tat-tbatijiet kbar li kien qiegħed isofri l-qaddis (Cfr. CA 86).

[625] Hawnhekk Tommaso da Celano juri l-kapaċità diplomatika tiegħu bħala bijografu ta' San Franġisk. F'1C 108, fl-1228-1229, hu kiteb li San Franġisk, qabel miet, bierek lill-aħwa kollha, imma b'mod partikulari bierek lil fra Elia, il-

Kapitlu CLXIII
Dwar il-mewt tiegħu u dwar dak li wettaq qabel ma miet.

[927] 217 Filwaqt li l-aħwa kienu jxerrdu ħafna dmugħ bl-imrar, u kienu jibku biki ta' niket kbir, il-missier imqaddes talabhom *iġibhulu ftit ħobż* (cfr. Mt 14,17.18). Imbagħad *bierku u qasmu* (cfr. Mt 26,26; Lq 24,30) u newwel biċċa lil kull wieħed minnhom biex jiekolha. Talabhom ukoll li jġibulu l-ktieb ta' l-Evanġelji, u riedhom jaqrawlu l-Evanġelju skond San Ġwann f'dak il-post li jibda bil-kliem: *Qabel il-festa ta' l-Għid* (cfr. Ġw 13,1). F'dak il-ħin ried ifakkar dik l-aħħar ċena l-aktar qaddisa, li l-Mulej iċċelebra *flimkien mad-dixxipli tiegħu* (cfr. Mt 26,20). Ried li jagħmel hekk b'mod sħiħ b'tifkira ta' qima lejha, u wera liema mħabba u ħlewwa hu kellu lejn l-aħwa.

Għadda l-ftit ġranet li kien għad fadallu qabel it-transitu tiegħu fit-tifħir, filwaqt li dejjem kien jistieden lill-aħwa l-aktar maħbubin tiegħu[626] biex miegħu jfaħħru lil Kristu. Imbagħad hu, kif seta', infexx f'dan is-salm: *B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob* (cfr. S 141,2-8). Kien jistieden ukoll lill-ħlejjaq kollha *biex ifaħħru lil Alla* (cfr. Lq 18,43), u b'ċerti kliem li darba kien ikkompona, kien iħeġġiġhom għall-imħabba divina[627]. Saħansitra l-mewt, li għal kulħadd hi tant kiefra u tal-biża', kien iħeġġiġha għat-tifħir, u *filwaqt li mar jiltaqa' magħha kollu hena* (cfr. Imħ 19,3), qalilha biex tkun il-mistiedna tiegħu: "Benvenuta, oħti l-mewt!" Lit-tabib[628] qallu: "Kuraġġ, ħija tabib, għidli bla biża' li l-mewt tiegħi qorbot, għaliex għalija hi l-bieb tal-ħajja!" U lill-aħwa qalilhom: "Meta tarawni li nkun wasalt fl-aħħar, midduni għeri għall-qiegħa ta' l-art, kif rajtu li ridt noqgħod il-bieraħt lura, u wara li nkun mitt ħalluni hemmhekk mimdud għal tul ta' ħin li hu meħtieġ biex wieħed ikun jista' jimxi distanza ta' mil bil-kumdità kollha". Fl-aħħarnett *waslet is-siegħa* (cfr. Ġw 4,21) tiegħu, u wara li intemmu fih għal kollox *il-misteri ta' Kristu* (cfr. Kol 4,3), ittajjar kollu hieni lejn Alla. [1C 109-110; L3C 68; CA 22; LM XIV,6; SP 88]

Dwar kif wieħed mill-aħwa ra r-ruħ tal-missier imqaddes fit-transitu tiegħu.

---

vigarju tiegħu, u saħansitra jġib il-kliem li Franġisku qallu. Dak iż-żmien Elia kien għadu rispettat bħala dak li kien vigarju tal-qaddis u li ħa ħsieb l-Ordni wara l-mewt ta' San Franġisk sa l-1227. Elia kien inkarigat mill-Papa Girgor IX biex jieħu ħsieb il-bini tal-bażilika ta' San Franġisk. Imma, meta kiteb 2C fl-1246-1247, Tommaso da Celano kellu quddiemu l-problema ta' fra Elia li, wara l-ġeneralat imqalleb tiegħu bejn l-1232-1239 kien ġie mneħħi mill-istess Girgor IX u saħansitra skomunikat flimkien ma' l-Imperatur Federiku II, talli mar ifittex kenn għandu kontra r-rieda tal-Papa. Celano allura ma jsemmix lil fra Elia b'ismu, imma biss bħala vigarju tal-qaddis. Imbagħad jinsisti li, għalkemm tassew Franġisku bierek lill-vigarju tiegħu, imma dan għamlu minħabba l-uffiċċju ta' awtorità li kellu u mhux minħabba xi privileġġ personali lejh bħala sieħbu. Fl-istess żmien tibda wkoll dieħla l-konvinzjoni li Franġisku aktar kien jippreferi jbierek b'mod speċjali lil fra Bernardo da Quintavalle, l-ewwel wieħed li ingħaqad miegħu fost l-aħwa, tant li CA 12 u SP 107 isemmu barka speċjali li l-qaddis ta lil fra Bernardo qabel ma miet. Interessanti u għal kollox differenti hu r-rakkont tal-barka li Franġisku jagħti qabel imut fil-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum* (*Analecta Franciscana* III,42-43), fejn insibu lill-qaddis jippreferi lil fra Bernardo għal fra Elia.

[626] Skond il-*Legenda Choralis Umbra*, 5 (*Analecta Franciscana* X, 545) dawn kien fra Angelo u fra Leone.

[627] Hu evidenti hawnhekk ir-riferiment għall-*Għanja tal-ħlejjaq*, u partikolarment għall-istrofa dwar *sorella morte corporale* li l-qaddis żied fi tmiem il-kantiku ftit qabel ma miet.

[628] It-tabib kien jismu Bongiovanni, u kien minn Arezzo jew, skond dokumenti oħrajn, minn Assisi, iben ta' Marangone Cristiano (cfr. A. Fortini, *Nova Vita di San Francesco*, II, 536).

[928] 217a Wieħed mill-aħwa u dixxipli tiegħu[629], li kien magħruf mhux ftit għall-fama tiegħu, ra r-ruħ tal-missier l-aktar qaddis *tiela'* dritt *lejn is-sema* (cfr. Ġoż 8,20) *bħal kewkba* (cfr. Sir 50,6), u kienet kbir daqs il-qamar, u tiddi daqs ix-xemx, u kienet meħuda 'l fuq minn *sħaba bajda* (cfr. Apk 14,14) u tittajjar *fuq ħafna ilmijiet* (cfr. S 28,3)[630]. F'dak il-ħin *inġabru folol kbar ta' nies* (cfr. Atti 21,30), *ifaħħru u jigglorifikaw l-isem tal-Mulej* (cfr. Lq 2,20). Ġriet bi ħġarha *l-belt kollha* ta' Assisi u n-nies *kollha* inġabru *mill-inħawi ta' madwar* (cfr. Mt 8,34; 3,5) biex jaraw *l-għeġubijiet ta' Alla* (cfr. Atti 2,11) li *l-Mulej wera* (cfr. Lq 2,15) fil-qaddej tiegħu. L-ulied sadanittant kienu jxerrdu dmugħ u jitniegħdu bl-affett tal-qalb tagħhom, għax kienu mnikktin li issa sfaw orfni minn missier bħal dak. Imma għad-dehra ta' dak il-miraklu ġdid il-biki tagħhom inbidel f'ferħ u n-niket tagħhom f'tifħir. Għaliex huma lemħu l-ġisem tal-missier imżejjen bl-istimmati ta' Kristu, jiġifieri fin-nofs ta' idejh u ta' riġlejh, fejn kien hemm mhux il-ħofor ta' l-imsiemer, imma l-istess imsiemer li kienu iffurmati mil-laħam tiegħu, u li kienu saru ħaġa waħda mal-laħam, u li kellhom il-lewn sewdieni tal-ħadid, filwaqt li ġenbu tal-lemin kien iħammar bid-demm. Il-ġisem tiegħu, li qabel kien skur min-natura tiegħu, issa beda jiddi bi bjuda ta' l-għaġeb, hekk li beda jħabbar minn qabel il-premju tal-qawmien hieni mill-imwiet. Il-membri ta' ġismu saru rotob u jiltwew mingħajr tbatija, u ma kienux iebsin kif ikunu dawk ta' bniedem mejjet, imma ġismu kien donnu nbidel fix-xbiha tal-ġisem ta' meta wieħed ikun tfajjel. [1C 110; L3C 68; LM XIV,6]

## Kapitlu CLXIV
Dwar il-viżjoni li ra fra Agostino qabel ma miet.

[929] 218 Dak iż-żmien kien ministru ta' l-aħwa ta' Terra del Lavoro fra Agostino[631]. Dan meta wasal fi tmiem ħajtu, wara li kien ilu żmien twil li tilef l-użu tal-kelma, *f'daqqa waħda, quddiem dawk kollha li kienu preżenti, beda jgħajjat u jgħid* (cfr. Atti 23,4; Lq 9,39; Ġw 12,44): "Stennieni, missier, stennieni! Arani, jiena ġej miegħek". L-aħwa kollha li semgħuh bdew jistaqsuh kollha mistagħġbin ma' min kien qiegħed jitkellem b'dak il-mod, u hu bil-kuraġġ kollu weġibhom u qalilhom: "Mintomx tarawh lill-missier tagħna Franġisku, li sejjer lejn is-sema?" U dak il-ħin stess, ruħu l-qaddisa, inħallet minn mal-ġisem, u marret tiġri wara l-missier l-aktar qaddis. [LM XIV,6]

## Kapitlu CLXV
Dwar kif il-missier qaddis deher lil wieħed mill-aħwa wara t-transitu tiegħu.

[930] 219 Fl-istess lejl u fl-istess siegħa, il-missier glorjuż deher lil wieħed ieħor mill-aħwa li kien jgħix ħajja ta' min ifaħħarha, filwaqt li dan kien mogħti għat-talb. Il-missier glorjuż kien liebes dalmatika tal-porpra[632], u kienet miexja warajh folla li ma tistax tgħoddha ta' bnedmin. Xi

---

[629] Skond Bernardo da Bessa, *Liber de Laudibus sancti Francisci*, 1 (*Analecta Franciscana* III, 668), dan kien fra Giacomo d'Assisi.

[630] Dawn il-kelmiet huma meħudin minn 1C 110, filwaqt li l-kumplament tal-kapitlu hu meħud kważi kollu minn 1C 112.

[631] Fra Agostino kien twieled f'Assisi u kien ministru provinċjal tal-Campania (Napli), li dak iż-żmien kienet tissejjaħ Terra del Lavoro. Jitfakkar flimkien ma fra Illuminato da Rieti minn Dante Alighieri, *Canto XII del Paradiso*, v. 130.

[632] Id-dalmatika hi l-libsa liturġika tad-djaknu. Fl-episodju ta' Greccio Celano wkoll jgħid li Franġisku kien liebes *leviticis ornamentis* (1C 86). F'waħda mill-erba' *vele* li hemm fuq l-altar papali tal-*basilica inferiore* ta' San Franġisk

wħud bdew jinqatgħu minn dik il-folla, u bdew jistaqsu lil dak li kien qiegħed jara dik id-dehra: "Ħija, jewwilla *dak mhux Kristu*?" (cfr. Ġw 7,26). U dak kien jgħid: "*Iva, hu*" (cfr. Mt 26,48). Imma oħrajn kienu jistaqsuh u jgħidulu: "Dak mhux San Franġisk?" U dak kien iweġibhom l-istess. Għaliex lilu u lil dawk kollha li kienu f'dik il-folla deherilhom li Kristu u Franġisku kienu l-istess persuna. Dan li qegħdin ngħidu ma għandux jiġi meqjus bħala xi ardir minn minn jaf l-affarijiet sewwa, għaliex *min jingħaqad ma' Alla jsir spirtu wieħed* (cfr. 1Kor 6,17) miegħu, u l-istess *Alla* għad ikun *kollox f'kulħadd* (cfr. 1Kor 12,6). Fl-aħħarnett il-missier imqaddes flimkien ma' dik il-folla kbira wasal f'post mill-aktar għammiel, li *kien imsoqqi b'ħafna ilmijiet* (cfr. Eżek 31,14), u li kien imżejjen u mimli bis-sbuħija ta' ħxejjex, fjuri u siġar ta' kull ġens, li jagħtu kull gost. Fin-nofs kien hemm palazz ta' kobor ta' l-għaġeb u ta' sbuħija li ma hawnx bħalha. Iċ-ċittadin il-ġdid tas-sema daħal mimli hena fih, u billi intebaħ li kien hemm bosta aħwa miġburin madwar mejda, li kienet imżejna b'mod mill-isbaħ, u li fuqha kien hemm kull xorta ta' ikel bnin, flimkien ma' dawn l-aħwa tiegħu beda jiekol mimli bil-hena.

Kapitlu CLXVI
Id-dehra ta' l-isqof ta' Assisi dwar it-transitu tal-missier imqaddes.

[931] 220 L-isqof ta' Assisi f'dak iż-żmien kien jinsab f'pellegrinaġġ lejn il-knisja ta' San Mikiel[633]. Filwaqt li kien ġej lura u kien waqaf Benevento, l-imqaddes missier Franġisku, lejl minnhom, deherlu f'viżjoni u qallu: "Ara, missier, *jiena ħallejt id-dinja u sejjer għand* (cfr. Ġw 16,28) Kristu". *Malli qam l-għada filgħodu* (cfr. Ġen 24,54), l-isqof irrakkonta lil sħabu dak li kien ra fid-dehra, u filwaqt li sejjaħ nutar, talbu biex jinnota l-jum u l-ħin tat-transitu. Hu tnikket ħafna, u xerred bosta dmugħ u beka għaliex kien tilef lil dak li kien sar jafu bl-aħjar missier. Meta *imbagħad reġa' lura lejn artu* (cfr. S 145,4), irrakkonta *kollox ħaġa b'ħaġa* (cfr. Est 15,9), u *radd ħajr lill-Mulej* (cfr. Atti 27,35) għad-doni tiegħu li ma jitfissrux. [LM XIV,6]

Dwar il-kanonizzazzjoni u t-translazzjoni ta' San Franġisk.

[932] 220a *F'isem il-Mulej Ġesù* (cfr. 1Kor 6,11). Amen. Fis-sena ta' l-inkarazzjoni tiegħu 1226, fl-4 ta' Ottubru[634], fil-jum li hu kien ħabbar, wara li għaddew għoxrin sena minn meta kien ingħaqad b'mod perfett ma' Kristu, u *beda jimxi fuq il-passi* (cfr. 1Pt 2,21) tal-ħajja ta' l-Appostli, il-bniedem apostoliku Franġisku, wara li inħall mill-irbit tal-ħajja tal-ġisem, għadda mimli ferħ għal għand Kristu, u ġie midfun qrib il-belt ta' Assisi[635], fejn mall-ewwel beda jiddi għal tant mirakli ta' kull xorta, li fi żmien qasir, il-parti kbira tad-dinja bdiet tammira dan is-seklu mġedded

---

f'Assisi, insibu l-affresk tal-*gloriosus Franciscus*, xogħol anonimu tal-*Maestro delle Vele*, li wkoll juri lil San Franġisk liebes dalmatika. It-tradizzjoni tal-qaddis li irċieva l-ordni tad-djakonat, iżda, hi llum miftuħa għal diskussjoni fost l-istudjużi, billi l-libsa liturġika tad-djakni kienet tintlibes ukoll minn min ma kienx djaknu fit-tradizzjoni monastika tal-medjuevu.

633 Dan hu s-santwarju ta' San Mikiel Arkanġlu, fuq il-Monte Gargano, fil-Puglie. L-isqof ta' Assisi kienu għadu Guido.

634 Il-Latin jgħid: *Quarto nonas octobris*, li jikkorrispondi għall-4 ta' Ottubru. Imma nafu li skond l-użanza liturġika ekkleżjastika l-jiem tal-festa jiġu meqjusin mill-I Għasar tal-jum ta' qabel sat-II Għasar ta' l-għada. San Franġisk miet filgħaxija tas-Sibt 3 ta' Ottubru 1226, meta kien diġà daħal il-Ħadd; għalhekk jingħad fl-4 ta' Ottubru.

635 Fil-knisja ta' San Giorgio, li dak iż-żmien kienet ftit distanza barra mill-ħitan tal-belt, imma li llum tinsab inglobata fil-bażilika ta' Santa Klara, li qiegħda fil-belt, għax minn dak iż-żmien Assisi kibret.

b'dan il-qaddis.  Billi mall-ewwel sar famuż f'ħafna partijiet għall-mirakli ġodda li kienu jiddu b'dawl kbir, u minn kullimkien kienu jiġu bi ħġarhom nies mimlijin ferħ għax kienu jafu li jiġu meħlusin bl-għajnuna tiegħu mit-tiġrib tagħhom, is-sinjur Papa Girgor, flimkien mal-kardinali u l-prelati l-oħrajn, meta kien jinsab Perugia, beda jieħu ħsieb li jibda l-proċess għall-kanonizzazzjoni tiegħu.  Kulħadd qabel miegħu f'dak li ried jagħmel.  Qraw u approvaw il-mirakli li l-Mulej kien wettaq permezz tal-qaddej tiegħu, u bdew jgħollu fil-ġieħ bl-akbar tifħir il-qdusija tal-ħajja tiegħu. Għal dik is-solennità kbira inġabru flimkien *il-prinċpijiet tad-dinja* (cfr. S 148,11), għadd kbir ta' prelati, flimkien ma' folla li ma tgħoddhiex ta' poplu, u fil-jum stabilit, daħlu flimkien mal-Papa fil-belt ta' Assisi, biex hemmhekk jiċċelebraw, għall-akbar ġieħ tal-qaddis, il-kanonizzazzjoni tiegħu.  Malli kulħadd inġabar fil-post imħejji għal dik iċ-ċelebrazzjoni hekk solenni, qabel xejn il-Papa Girgor ippriedka *quddiem il-poplu kollu* (cfr. Lhud 9,19), u b'imħabba kollha ħlewwa beda jħabbar *l-għeġubijiet ta' Alla* (cfr. Sir 18,5).  Imbagħad permezz ta' priedka mill-aktar nobbli beda jfaħħar lill-missier imqaddes Franġisku, u filwaqt li beda juri s-safa tal-ħajja tiegħu beda jinħasel bid-dmugħ, imqanqal kif kien bil-ferħ.  Meta temm il-priedka tiegħu, *filwaqt li refa' idejh lejn is-sema* (cfr. 2Mak 3,20; 14,34), b'leħen jidwi l-Papa Girgor iddikjara[636]...   [LM XV,7]

Talba ta' l-aħwa lill-istess qaddis.

Kapitlu CLXVII

[933]   221   Ara, missier qaddis tagħna, aħna ippruvajna fis-sempliċità li nfaħħru, kif nistgħu nagħmlu mill-aħjar tagħna, l-għemejjel tiegħek, u li nxandru għall-glorja tiegħek xi ftit mill-ħafna virtujiet qaddisa tiegħek.  Aħna nafu li l-kliem fqajjar tagħna neħħielek ħafna mill-kobor tiegħek, għaliex ma aħniex kapaċi nesprimu l-għeġubijiet tal-perfezzjoni tiegħek.  Nitolbuk, għalhekk, lilek u lill-qarrejja, li tqisu l-imħabba tagħna mill-impenn li aħna ħadna fuq spallejna, għaliex ferħanin li l-ħajja tiegħek daqshekk għolja u ta' l-għaġeb tisboq bil-kif il-pinna tal-bnedmin.  Min jista', o qaddis mill-aktar ta' ġieħ, iħoss jew jistampa fl-oħrajn *il-ħeġġa ta' l-ispirtu* (cfr. Is 4,4) tiegħek? Min jista' jqajjem għall-ħajja t-tqanqil li ma jitfissirx ta' l-imħabba, li minnek kienet toħroġ 'il ħin kollu lejn Alla?  Imma aħna ktibna dawn il-paġni, miġbudin mit-tifkira ħelwa li għandna tiegħek, bix-xewqa li ngħadduha lill-oħrajn, sakemm indumu ngħixu, imqar bit-temtim tagħna.  Inti issa *qiegħed titmantna bil-qamħ mill-aħjar* (cfr. S 80,17), li għalih kont imġewwaħ; issa *qiegħed tixrob mill-għejjun tal-ferħ* (cfr. S 35,9), li qabel kont bil-għatx għalihom.  Imma aħna nemmnu li *inti ma mtlejtx bil-milja tad-dar ta' Alla* hekk li issa *se tinsa lil uliedek* (cfr. Ħos 4,6), għaliex ukoll Dak li minnu tixrob inti, *dejjem jiftakar fina* (cfr. S 113,12).  Missier mill-aktar xieraq, *iġbidna warajk biex niġru wara l-fwejjaħ tad-dlik tiegħek* (cfr. Għan 1,3), għaliex inti taf kemm aħna berdin u bla ħeġġa, mitluqin u għażżenin, qisna mejtin minħabba t-traskuraġni tagħna!  *Il-merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32) issa timxi warajk b'pass li jogħtor, u għajnejna dgħajfin, li jitgħammxu bid-dija tiegħek, ma jifilħux ir-raġġi tal-perfezzjoni tiegħek.  *Ġedded l-għeġubijiet tiegħek, bħal fi żmien il-qedem* (cfr. Lam 5,21), kun mera u mudell tal-perfetti, u tħallix li ma jkunux jixbħuk fil-ħajja dawk li jridu jkunu ħaġa waħda miegħek fil-professjoni!

---

[636] In-numru 220a jonqos fil-kodiċi ta' Assisi, li serva bħala bażi għall-edizzjoni kritika ta' Quaracchi.  Il-kodiċi ta' Marseilles, li jġibu b'xi kliem maqbuż, hawnhekk jieqaf ħesrem, għaliex l-aħħar paġna tal-manuskritt hi mitlufa.  Għal aktar dettalji dwar ix-xena tal-kanonizzazzjoni, cfr. 1C 126.  Fil-każ tat-translazzjoni li tissemma fit-titlu, u li saret fil-25 ta' Mejju 1230, imma li fil-fatt tinsab irrakkontata fil-paġna mitlufa, cfr. LJS 76 u LM XV,8.

[934] 222 Issa aħna *ninxteħtu* (cfr. Dan 9,18) bl-umiltà tat-talb tagħna quddiem il-ħniena *tal-Majestà eterna* (cfr. S 71,19) għall-qaddej ta' Kristu, il-Ministru tagħna, li għandu l-wirt ta' l-umiltà tiegħek u li jimxi jarawk fil-faqar veru, u li *jieħu ħsieb* bil-ħerqa tal-*merħla* (cfr. Ġen 46,32) tiegħek, b'kull ħlewwa minħabba *l-karità ta' Kristu tiegħek* (cfr. Rum 8,35; S 83,10). Nitolbuk, o qaddis, li tmexxih 'il quddiem u twieżnu b'tali mod li hu dejjem jimxi fuq l-istess passi tiegħek, u hekk jista' jidħol biex jikseb għal dejjem *it-tifħir u l-glorja* (cfr. Fil 1,11) *li inti ksibt* (cfr. 1Tim 4,6).

[935] 223 Nitolbuk ukoll, missier mill-aktar twajjeb*, bil-ħlewwa* kollha *ta' l-imħabba tal-qalb* (cfr. S 72,7), għal dan ibnek, li illum bħal fl-imgħoddi, kiteb bil-qima kollha t-tifħir tiegħek[637]. Hu sawwar dan il-ktejjeb, mhux għax jixirqulu l-merti tiegħek, imma b'qima ta' iben u bl-aħjar ħila li seta', u flimkien magħna joffrihulek u jiddedikah lilek. Ikun jogħoġbok li tħarsu u *teħilsu minn* kull *deni* (cfr. Mt 6,13), u kabbar fih il-merti tal-qdusija, u bit-talb tiegħek agħmel li hu jingħaqad dejjem iżjed max-xirka tal-qaddisin fil-ħajja ta' dejjem.

[936] 224 Ftakar, o missier, f'uliedek kollha. Inti taf tajjeb kemm huma, imħabbtin minn tant perikli, mill-bogħod biss *jimxu fuq il-passi* (cfr. Ġen 33,14) tiegħek. Agħtihom il-qawwa biex iżommu sħiħ; saffihom biex jiddu; imliehom bil-hena biex jagħmlu ħafna frott. *Sawwab fuqhom l-ispirtu tal-grazzja u tat-talb* (cfr. Żak 12,10), sabiex ikollhom l-umiltà vera li kellek int, iħarsu l-faqar li inti dejjem imxejt warajh, u jistħoqqilhom jiksbu dik l-imħabba li biha inti dejjem ħabbejt lil *Kristu msallab* (cfr. 1Kor 1,23). Hu li mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu *jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.* (cfr. Apk 11,15).

[637] Celano jitkellem dwaru nnifsu u dwar l-opri li kien kiteb qabel 2C.

# TOMMASO DA CELANO «TRACTATUS MIRACULORUM SANCTI FRANCISCI»

## INTRODUZZJONI

Fil-kuntest ta' l-istudju tal-Fonti Franġiskani, it-*Tractatus de miraculis Sancti Francisci* (3C) dejjem ġie meqjus bħala opra li m'għandhiex bżonn tkun oġġett profond ta' studju. Imma din l-opinjoni llum intweriet kemm hi żbaljata u kemm 3C għandha importanza tagħha proprja fl-istudju tal-Fonti għall-ħajja ta' San Franġisk.

3C titkellem mhux dwar il-ħajja ta' San Franġisk, imma dwar ġabriet ta' mirakli li seħħew bl-interċessjoni tiegħu *post mortem* (wara mewtu). Illum il-ġurnata l-istudjużi jqisu 3C bħala l-quċċata tal-maturità letterarja ta' Tommaso da Celano, u ta' l-*opus* tiegħu.

Il-Ministru Ġeneral Giovanni da Parma (1247-1257), li kellu simpatiji lejn il-grupp taż-*zelanti*, jew dawk l-aħwa fl-Ordni li riedu interpretazzjoni stretta tar-*Regula Bullata* u tat-*Testment* ta' San Franġisk, u li ma kienux jaqblu mal-privileġġi papali li l-Ordni kien kiseb, kien dak li ta l-mandat lil Tommaso da Celano biex jikteb *Tractatus de miraculis*, Trattat dwar il-mirakli ta' San Franġisk. Diġà fil-Kapitlu Ġenerali ta' Genova ta' l-1244, Crescenzio da Iesi kien talab lil Tommaso da Celano biex jipprovdi dokument dwar is-*signa et prodigia* (mirakli u għeġubijiet) ta' San Franġisk. Imma f'2C Tommaso mhux biss kien naqqas drastikament il-preżenza tal-mirakli, imma wkoll ħalla barra dawk il-mirakli *post mortem* li kien diġà semmiehom fit-tielet taqsima ta' 1C.

Id-dokument li llum nafuh bl-isem ta' *Tractatus de miraculis* inkiteb minn Tommaso da Celano bejn l-1250 u l-1253, u ġie approvat mill-Kapitlu Ġenerali ta' Metz tal-31 ta' Mejju 1254. Din kienet it-tielet darba li Tommaso kellu jikteb dwar San Franġisk. Din id-darba ma kellux l-appoġġ tal-Papa Girgor IX, li kien miet fl-1241. Lanqas ma seta' jinħeba wara l-awtorità ta' Giovanni da Parma, għaliex il-Ministru Ġeneral kull ma kien għamel kien li ikkmandah biex iwieġeb għad-*desiderata* (xewqat) ta' l-aħwa ministri miġburin għall-Kapitlu. Hu kien jaf li l-grupp influwenti fl-Ordni kien qiegħed jitlob dehra aktar mirakoluża ta' San Franġisk, li kien sar oġġett ta' kult. Tommaso kellu jċedi għas-sensibilità popolari li kienet tara fil-qaddis it-tawmaturgu, dak li jwettaq bosta mirakli, u li għalhekk isir persunaġġ li wieħed irid jitolbu u jqimu. Ma ninsewx li din it-tendenza kienet diġà saret rejaltà fil-każ ta' Sant'Antnin ta' Padova, kanonizzat mill-Papa Girgor IX fit-30 ta' Mejju 1232, inqas minn sena mill-mewt tiegħu fit-13 ta' Ġunju 1231.

Diġà rajna fil-każ ta' 2C kif Arnald de Sarrant, fil-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum* (1369-1374) jurina ċ-ċirkostanzi li fihom Crescenzio da Iesi talab lil Tommaso da Celano biex jikteb bijografija ġdida ta' San Franġisk mill-materjal dokumentarju li sħab il-

qaddis kienu bagħatulu wara t-talba tal-Kapitlu ta’ Genova (1244). Imbagħad Arnald de Sarrant isemmi t-tieni żvilupp ta’ din l-istess ħidma ta’ Tommaso da Celano, din id-darba, taħt il-ġeneralat ta’ Giovanni da Parma:

“Dan il-ministru ġeneral ikkmanda lil fra Tommaso da Celano permezz ta’ ħafna ittri biex jipperfezzjona l-ħajja ta’ San Franġisk, li kienet magħrufa bl-isem ta’ *antiqua Legenda*, għaliex f’dan l-ewwel trattat li hu kien kiteb bil-mandat tal-ministru ġeneral fra Crescenzio, hu kien tkellem biss dwar il-fatt tal-ħajja u l-kliem ta’ San Franġisk, u kien ħalla barra l-mirakli. Għalhekk Tommaso kiteb trattat ieħor, li jitkellem dwar il-mirakli li wettaq il-missier imqaddes, u bagħatu lill-istess kapitlu ġenerali b’ittra li tibda bil-kelmiet *Religiosa nostra sollicitudo*” (*Analecta Franciscana* III,276).

Il-problema rigward dawn il-kelmiet ta’ Arnald de Sarrant, miktubin aktar minn mitt sena wara l-fatti, hi li f’3C ma nsibu l-ebda riferiment la għal Giovanni da Parma, la għall-“ħafna ittri” li suppost li bagħat lil Tommaso da Celano, u lanqas għall-ittra li tibda bil-kelmiet *Religiosa nostra sollicitudo*. Meta jikkonkludi din l-opra, f’3C 198, Tommaso jikteb: “Imma aħna ġejna mġiegħlin mit-talbiet bla jaqtgħu ta’ l-aħwa u mill-kmand li rċevejna mill-awtorità tal-prelati”. Issa l-kelma “prelati” f’dan il-kuntest tirreferi prinċipalment għall-ministri provinċjali miġburin fil-Kapitlu.

Salimbene de Adam da Parma, fil-*Chronica* tiegħu, li diġà qisnieha fil-każ ta’ 2C, jikteb: “U Tommaso sawwar ktieb mill-isbaħ, kemm dwar il-mirakli kif ukoll dwar il-ħajja, li tah it-titlu *Memoriale beati Francisci in desiderio animae*”. Il-problema hawnhekk għandha x’taqsam mal-kontenuti ta’ 2C. Billi fiha nsibu ftit mirakli ma jistax ikun li 2C hu l-“ktieb mill-isbaħ...dwar il-mirakli” ta’ San Franġisk. L-unika xhieda oħra dwar 3C, barra dawk li semmejna diġà, hi dik tal-*Chronica* ta’ Nicholas Glassberger (tmiem is-seklu XV), fejn jgħid li Tommaso “sawwar it-tieni trattat fuq il-mirakli tal-missier qaddis” (*Analecta Franciscana* II,73).

Fl-1898 il-prinċep Balthasar Compagnoni biegħ kodiċi antik li kellu u li kien fih materjal dokumentarju Franġiskan. Il-kodiċi xtraħ patri Kapuċċin, Antoine de Porrentruy, u llum jinsab imħares fil-bibljoteka tal-Collegio San Lorenzo da Brindisi tal-Patrijiet Kapuċċini, f’Ruma. Dan il-kodiċi studjah il-Bollandista François van Ortroy, li fl-1899 ippubblikah fl-*Analecta Bollandiana* bit-titlu *Traité des miracles de saint François d’Assise par Thomas de Celano*. Dan il-manuskritt hu magħruf bħala l-Kodiċi ta’ Marseilles (datat 1300). Imma fil-fatt, dan il-manuskritt mhux 3C kif nafuh illum, imma fih 2C flimkien ma’ ġabra ta’ mirakli li jibdew bil-kelmiet: *Incipiunt miracula beati Francisci* (Jibdew il-mirakli ta’ l-imqaddes Franġisku). Ninsabu fiż-żmien li fih Paul Sabatier kien ippubblika li *Speculum Perfectionis* (1894). Fost l-istudjużi kien hemm bħal kompetizzjoni biex jimtela l-vojt li kien hemm fil-lista ta’ *Fontes* Franġiskani li kienu għadhom mitlufin. Hekk twieled it-*Tractatus de miraculis* kif nafuh illum. Qabel l-1898 qatt ma nsibu l-isem *Tractatus de miraculis*, għalkemm kien hemm manuskritt ieħor li kien fih 2C flimkien ma’ ġabra ta’ mirakli, jiġifieri l-Kodiċi 686 tas-Sacro Convento ta’ Assisi.

Minn dan kollu li għidna jidher li ma hemmx distinzjoni ċara fit-tradizzjoni manuskritta bejn 2C u 3C. Donnu li kull ma hemm hi distinzjoni bejn iż-żewġ taqsimiet ta’ l-istess dokument (*Memoriale in desiderio animae*), imma li Tommaso ikkomponieh taħt żewġ Ministri Ġenerali distinti, jiġifieri Crescenzio de Iesi u Giovanni da Parma. Nistgħu mela nikkonkludu li hemm l-istess relazzjoni bejn 2C u 3C kif hemm bejn l-ewwel żewġ taqsimiet ta’ 1C u l-aħħar taqsima ta’

l-istess ħajja, li hi appendiċi dwar il-mirakli li xehdu dwarhom waqt il-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk fl-1228. Imma filwaqt li 1C inkitbet fi żmien qasir (1228-1229) u bil-kmand tal-Papa Girgor IX, fil-każ ta' 2C u 3C għandna perjodu itwal (1246-1253), li fih saret bidla fit-tmexxija ta' l-Ordni. Hekk 2C proprjament hu marbut ma' l-ordni ta' Crescenzio da Iesi u l-ġabra tal-mirakli li jiġu warajha, u li huma magħrufin bħala 3C, jintrabtu ma' Giovanni da Parma. B'dan il-mod spiċċaw żewġ dokumenti distinti.

3C turi li fiha żewġ taqsimiet distinti. L-ewwel sitt kapitli jintroduċu l-ktieb li għandu x'jaqsam mal-mirakli veri u proprji. Fil-fatt, dawn is-sitt kapitli jipprovdu l-isfond tejoloġiku għall-ġrajjiet mirakolużi li mbagħad jiżviluppa Tommaso da Celano. Dawn is-sitt kapitli jitkellmu dwar il-mod mirakoluż kif żviluppa l-Ordni; il-miraklu ta' l-istimmati; il-ħakma li kellu San Franġisk fuq il-ħlejjaq bla ruħ; fuq il-ħlejjaq bir-ruħ; kif il-ħniena divina kienet dejjem tilqa' x-xewqat tiegħu; dwar Donna Jacopa dei Settesoli. Il-kapitli 7-19, li jiffurmaw it-tieni taqsima, fihom mirakli li Celano kien diġà inkludihom f'1C, u li għalhekk seħħew qabel l-1228, u oħrajn li ġraw wara l-1229.

Ix-xena ġeografika li fiha jseħħu l-mirakli hi wkoll importanti. Hemm ġabriet ta'mirakli li jseħħu fl-inħawi madwar Assisi, filwaqt li bosta mirakli oħrajn iseħħu ħafna aktar 'il bogħod, saħansitra fil-Puglie u fi Sqallija. Filwaqt li l-mirakli li ġejjin minn 1C iseħħu madwar il-qabar ta' San Franġisk, fil-knisja ta' San Giorgio, bosta oħrajn li jseħħu 'l bogħod huma frott ta' wegħdi li kienu jsiru lil San Franġisk minn diversi kategoriji ta' morda.

Il-ġabra ta' mirakli turi li Tommaso kellu jagħmel għażla mill-volum kbir ta' materjali li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Għoxrin fil-mija tal-mirakli huma attribwiti lil San Franġisk *in vita*, filwaqt li l-kumplament huma attribwiti għall-interċessjoni tiegħu *post mortem*. Mill-mirakli ta' l-ewwel kategorija 20 huma meħudin minn 1C u 9 minn 2C. Minn dawk tat-tieni kategorija 40 jittieħdu minn 1C u seħħew bejn l-1226-1228, filwaqt li l-kumplament intagħżlu minn Celano mill-materjal li ingħatalu fl-1244, u naturalment seħħew wara l-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. L-episodju ta' fra Rufino li jmiss il-ġerħa tal-kustat ta' San Franġisk jinsab tliet darbiet fl-opri ta' Tommaso da Celano (1C 95; 2C 137-138; 3C 4).

Il-mirakli għandhom x'jaqsam ma' persuni b'diżabilità fiżika, għomja, torox, imbikkmin, lebbrużi u dawk maħkumin mix-xitan. Tidher preferenza lejn il-lebbrużi, li għalihom San Franġisk kellu qima speċjali. Imma nsibu wkoll ordni ġdida ta' mirakli, hekk imsejħin mhux terapewtiċi, għax ma għandhomx x'jaqsmu ma' fejqan mill-mard, imma ma' ħelsien ta' skjavi, baħrin li jsalvaw mill-għarqa, nisa tqal, u vittmi ta' inċidenti oħrajn.

Xi elementi partikulari li jqanqlu l-kurżità ta' l-istudjużi għandhom x'jaqsmu ma' ġrajjiet ta' nies mirakolati li kienu ġejjin mir-renju ta' Sqallija. Meta Tommaso qiegħed jikteb ninsabu fl-aħħar snin ta' l-imperatur Federiku II ta' Svevia, li kien ġie skomunikat minn Girgor IX u li kien sar l-għadu ta' l-Ordnijiet Mendikanti (fosthom il-Franġiskani), li kienu qed jiddefendu l-interessi tal-Papa fir-renju ta' Sqallija. Ma ninsewx li anke fra Elia, wara li ġie mneħħi minn Ministru Ġeneral fl-1239, sab kenn għand Federiku II u ġie skomunikat miegħu. Jidher li dawn il-mirakli fl-Italja ta' isfel iridu jaffermaw ir-rebħa tal-Mendikanti fuq l-imperatur, permezz tal-verità ta' l-istimmati ta' San Franġisk, li hu kien qiegħed jiċħadha biex iwaqqa' għaż-żufjett l-Ordni Franġiskan. Mhux ta' b'xejn li Tommaso jiddedika t-tieni kapitlu għall-verità tal-miraklu ta' l-

istimmati. Ma ninsewx li, skond Thomas of Ecclestion, waqt il-Kapitlu Ġenerali ta' l-1251, Giovanni da Parma talab lil fra Bonizo minn Bologna biex jafferma quddiem l-aħwa l-verità ta' l-istimmati, *quia multi de hoc per orbem dubitabant*, "għax kienu ħafna li kienu qed jiddubitaw minn dan fid-dinja kollha" (*De Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 91).

L-ewwel kapitlu ta' 3C juża espressjonijiet li donnhom iridu jiġbdu s-simpatija ta' Giovanni da Parma, li kien wieħed mill-aħwa *zelanti*, u li kien ċertament jaqbel mat-tejoloġija ta' l-istorja ta' Gioacchino da Fiore. Celano juża espressjonijiet bħal *novus homo* ("bniedem ġdid"); *apostolicae novitatis* ("tiġdid tal-ħajja apostolika"); *alicuius magni de proximo eventuri praesagium* ("tħabbira kbira minn qabel ta' dak li għad irid jiġri"). Franġisku u l-Ordni tiegħu jidhru bħala l-miraklu taż-żminijiet ġodda tal-Knisja, li kienu mħabbrin mill-profeti u li fihom kellha tibda l-era ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-kapitli dwar il-qawwa li San Franġisk kien juri fuq il-ħlejjaq, u li jiġu immedjatament wara l-kapitlu dwar l-istimmati, juri kif Tommaso da Celano jimxi fuq iż-żewġ elementi ewlenin tas-sensibilità spiritwali ta' Franġisku, jiġifieri Alla l-ħallieq u Kristu msallab.

Il-kapitlu 6 hu ta' interess partikulari. Hu iddedikat lill-figura simpatika ta' Jacopa dei Settesoli. X'għandha x'taqsam din in-nobbildonna Rumana li tiġi tħaffef fil-Porziuncola biex tqim lil San Franġisk qiegħed imut, ma' Trattat dwar il-mirakli? Jidher li Celano jqiegħed lil Donna Jacopa fir-rwol evanġeliku ta' Marija ta' Magdala ta' l-*alter Christus*, jiġifieri San Franġisk. Espressjonijiet bħal *profusio lacrimarum* ("dmugħ kotran"); *cinerei coloris pannum* ("drapp minn lewn l-irmied"); *tota madida lacrimis* ("maħsula kollha kemm hi bid-dmugħ"); *proiecto inter brachia amici corpore* ("il-ġisem tal-ħabib imqiegħed f'dirgħajha"), ifakkruna fil-ġrajjiet ta' l-Evanġelju li fihom Marija ta' Magdala, tradizzjonalment meqjusa bħala l-mara midinba fid-dar ta' Xmun l-imġiddem, tibki f'riġlejn Ġesù, u mbagħad jingħatalha l-ferħ li tiskopri l-qabar vojt tal-Mulej nhar Ħadd il-Għid. Jacopa issir l-ewwel xhud tal-miraklu ta' l-għaġeb ta' l-istimmati, u tal-ġisem igglorifikat ta' San Franġisk.

Biex nifhmu l-importanza ta' 3C bħala l-kurunament tal-ħidma ta' fra Tommaso da Celano irridu nqisu l-esperjenza tiegħu personali ta' San Franġisk fuq l-isfond storiku ta' l-Ordni fil-perjodu 1228-1254. Insibu li Tommaso ried iħabbat wiċċu mat-talbiet aktar insistenti ta' l-aħwa biex xi ħadd jurihom fejn kienet tinsab il-vera qdusija ta' Franġisku; mal-ħtieġa dejjem aktar urġenti li xi ħadd jipprova l-miraklu ta' l-istimmati; mal-firda dejjem akbar fi ħdan l-Ordni rigward l-idejali ta' Franġisku u l-interpretazzjoni tagħhom f'qagħda ekkleżjali u politika dejjem tinbidel, l-aktar fil-ġeneralati ta' Elia, Haymo of Faversham, Crescenzio da Iesi u Giovanni da Parma; id-dehra eskatoloġika ta' San Franġisk bħala profeta ta' żminijiet ġodda u oġġett ta' kult li sar internazzjonali.

Jekk Tommaso da Celano kien iqis lilu nnifsu bħala l-bijografu uffiċjali ta' San Franġisk fl-1228, ħajtu kien inbidlet ħafna fl-1250. 3C hi ċertament il-quċċata tal-maturità letterarja ta' Tommaso, imma l-figura ta' Franġisku li tidher fiha ma kienetx l-istess waħda li Tommaso kien jaf. 3C isir dokument li jitkellem dwar qaddis li kien sar ikona li tesprimi mitoloġija, li Tommaso kien jafu personalment tletin sena qabel, imma li issa, ta' raġel anzjan għaxar snin qabel ma miet, magħfus mill-aħwa, ma setax jagħrfu iżjed fl-esperjenza storika ta' ħajtu.

Il-konklużjoni ta' 3C tesprimi din it-tbatija psikoloġika ta' fra Tommaso da Celano: *Non possumus quotidie nova cudere, non rotundis quadrata mutare, non omnium temporum et voluntatum varietatibus tam multiplicibus quod in uno accepimus applicare* ("Ma nistgħux ta' kuljum inħabbtu biċċiet ġodda tal-ħadid fil-forġa, ma nistgħux inbiddlu dak li hu kwadru f'tond, u lanqas ma nistgħu napplikaw għall-varjetà tant kotrana taż-żminijiet u tar-rieda tal-bnedmin, dak li aħna rċevejna bħala ħaġa waħdanija" [3C 198]). Din kienet it-tbatija ta' Tommaso. Hu kien "irċieva" lil Franġisku kif kien jafu hu. Imma issa l-aħwa kienu qed jitolbuh "ibiddel il-kwadru f'tond". Min jaf kif ħassu? Kien wasal fi xjuħitu biex nesa lil ħabibu, jew ittradih biex jaqdi l-kawża tiegħu għal darba, tnejn, tlieta? (cfr. Jacques Dalarun, *La Malavventura di Francesco d'Assisi*, Edizioni Biblioteca Francescana [Fonti e Ricerche 10], Milano 1996, 97-119)

# TOMMASO DA CELANO «TRACTATUS MIRACULORUM SANCTI FRANCISCI»

Bidu tal-mirakli ta’ San Franġisk.

Kapitlu I
Il-bidu mirakoluż ta’ l-Ordni tiegħu.

[937] 1 Fl-ewwel post fl-ordni tar-rakkont li fih aħna se niktbu dwar il-mirakli tal-missier l-aktar qaddis tagħna Franġisku, dehrilna li ninnutaw qabel kull ħaġa oħra, dak il-miraklu solenni, li bih id-dinja ġiet imwissija, imqajjma u li triegħdet fil-għarfien tiegħu. Dan kien il-bidu ta’ l-Ordni, li jidher bħal mara sterili li tagħti l-ħajja, billi twelled bosta ġnus. Id-dinja li kienet qdiemet kienet taħseb fil-ħmieġ tal-vizzji tagħha, u kienet ittarxet lejn l-eżempji ta’ l-ordni ta’ l-appostli, u filwaqt li *l-lejl* tad-dnubiet *kien f’nofs il-mixja mgħaġġla tiegħu*, u fuq id-dixxiplina qaddisa kien jaħkem *is-skiet*, hekk hu li, f’daqqa waħda *fid-dinja deher* (cfr. Għerf 18,14.17) bniedem ġdid, u mad-dehra ta’ l-eżerċtu l-gdid tiegħu, il-ġnus baqgħu mistagħġbin bis-sinjali tal-ħajja ġdida apostolika[638]. F’daqqa waħda *ħarġet għad-dawl* (cfr. Ġob 28,11) il-perfezzjoni tal-Knisja tal-bidu, li kienet donnha midfuna, u li dwarha d-dinja kienet taqra l-għeġubijiet imma ma kienetx qed tara l-eżempji. Għaldaqstant kif ma jistax jingħad li *ta’ l-aħħar jiġu l-ewwel* (cfr. Mt 19,30), meta issa *l-qlub tal-missirijiet daru lejn uliedhom u l-ulied daru lejn missirijiethom* (cfr. Mal 4,6; Lq 1,17) b’mod hekk ta’ l-għaġeb? Forsi ma għandniex nagħrfu l-mandat hekk famuż taż-żewġ Ordnijiet daqstant ċelebri, u ma għandniex inqisuh bħala tħabbira kbira minn qabel ta’ dak li għad irid jiġri?[639] Għax minn żmien l-appostli qatt ma ġiet mogħtija twissija hekk unika u ta’ l-għaġeb lid-dinja.

---

[638] Ninnutaw mall-ewwel in-nota karatteristika tan-*novitas* (il-ġdid) li biha Tommaso da Celano jrid juri l-aspett mirakoluż tal-ħajja ta’ San Franġisk: *novus homo*, *novo exercitu*, *apostolicae novitatis*.

[639] Iż-żewġ Ordnijiet ċelebri li jirreferi għalihom Tommaso huma l-*Ordo Praedicatorum* (Ordni tal-Predikaturi), imwaqqaf minn San Duminku, u l-*Ordo Minorum* (Ordni tal-Minuri), imwaqqaf minn San Franġisk. Huma ż-żewġ movimenti paralleli ta’ riforma tal-Knisja tas-seklu XIII, li mhux l-ewwel darba kienu jidhru bħala sinjali ta’ l-aħħar żminijiet. Tommaso hekk jarahom fl-espressjoni *nec alicuius magni de proximo eventuri praesagium* (“tħabbira kbira minn qabel ta’ dak li għad irid jiġri”). Din l-interpretazzjoni tat-tejoloġija ta’ l-istorja kienet tipika fil-medjuevu, l-aktar bħala riżultat tat-tejorija trinitarja ta’ Gioacchino da Fiore (+1202). Mhux l-ewwel darba li ż-żewġ Ordnijiet mendikanti prinċipali kienu jiġu murija f’dawl apokalittiku bħala ż-żewġ xhieda ta’ Apk 11,1-13, li jidhru qabel l-antikrist u li tagħmlilhom gwerra l-bhima li titla’ mill-bir tal-qiegħ. “Imma jiena nagħmel li ż-żewġ Xhieda tiegħi, lebsin ilbies ta’ l-ixkejjer, iwettqu l-missjoni tagħhom ta’ profeti għal elf, mitejn u sittin jum. Dawn huma ż-żewġ siġar taż-żebbuġ u ż-żewġ kandelabri li jinsabu quddiem il-Mulej ta’ l-art kollha” (Apk 11,3-4). L-interpretazzjoni eskatoloġika taż-żewġ xhieda “lebsin ilbies ta’ l-ixkejjer” (il-faqar evanġeliku tal-Minuri u l-Predikaturi, li jidher ukoll f’ilbieshom) u n-numru simbolu tat-twettieq tal-profezija tagħhom, 1260, jindikaw li s-seklu XIII kien muri bħala l-bidu ta’ l-aħħar żminijiet. Ma ninsewx li, meta Tommaso kien qiegħed jikteb it-*Tractatus de miraculis*, fl-1252-1254, is-sena 1260 ma kienetx daqstant ‘il bogħod. Fl-istess ħin irridu noqgħodu attenti li ma nfittxux f’Tommaso da Celano l-interpretazzjoni apokalittika stretta li taw id-dixxipli ta’ Gioacchino da Fiore, fosthom diversi Franġiskani mill-familja taż-*zelanti*, bħal Gerardo di Borgo San Donnino (*Liber Introductorius in Evangelium Aeternum*), u li spiċċaw fl-ereżija minħabba t-tejorija tagħhom dwar l-*ecclesia spiritualis* (il-Knisja ta’ l-Ispirtu).

Ta' min jammira mela l-ħajja li tagħti dik il-mara sterili. Intenni li hi sterili u niexfa din ir-Reliġjon fqajra, għaliex twieldet 'il bogħod mill-art li fiha s-saqwi. Hi tassew sterili, għaliex *ma taħsadx, u ma tgezzizx fl-imħażen* (cfr. Mt 6,26), u hi u miexja *fit-triq tal-Mulej u ġġorrx ħorġa* (cfr. Lq 9,3; Atti 18,25). Minkejja kollox, dan il-qaddis *emmen u ittama meta ma seta' jara l-ebda tama* (cfr. Rum 4,18), għaliex hu *kellu jiret id-dinja* (cfr. Ġob 4,13), *u ma qiesx li ġismu kien għoddu mejjet u l-ġuf ta' Sara kien sterili* (cfr. Rum 4,19), għax kien ċert li l-qawwa divina proprju minnha kellha tnissel il-poplu Lhudi. Għax dan l-Ordni ma jitweżinx fuq *il-kantini* mimlijin, u lanqas fuq *l-imħażen* (cfr. Lq 12,24; Is 39,2) ifuru bil-ġid, u lanqas ma jaħkem fuq artijiet wesgħin, imma jitmantna b'mod ta' l-għaġeb fid-dinja b'dak l-istess faqar li jistħoqqlu l-premju tas-sema. *O dgħufija ta' Alla, li hi aktar qawwija mill-bnedmin* (cfr. 1Kor 1,25), u li tagħti glorja lis-salib tagħha u tqassam bil-kotra lill-foqra tagħha!

Hekk fi żmien qasir rajna din *id-dielja* tinfirex, u *minn baħar sa baħar tferrex iż-żraġen tagħha* (cfr. S 79,12). Minn kullimkien ġrew lejha l-kotra tal-ġnus, il-folol inġabru bi ħġarhom sabiex flimkien jinbnew b'mod xieraq *bħal ġebel ħaj* (cfr. 1Pt 2,5) *fil-binja ta' dan it-tempju* (cfr. Mk 13,1). U mhux biss ilmaħna dan l-Ordni jitkattar fi żmien qasir fil-għadd ta' wliedu, imma wkoll jiġi msebbaħ, għaliex bosta minn dawk li hu nissel ġewwa fih, stħaqqilhom jirbħu l-palma tal-martirju, u aħna nqimu lil bosta minnhom fil-katalgu tal-qaddisin minħabba l-istqarrija perfetta ta' qdusithom. Imma issa aħna irridu nagħtu bidu biex nitkellmu dwar il-mexxej tagħhom kollha, li dwaru għandna l-intenzjoni li nibdew niktbu.

Kapitlu II
Dwar il-miraklu ta' l-istimmati u dwar kif kellu d-dehra tas-Serafin.

[938] 2 *Il-bniedem ġdid* (cfr. Ef 4,24) Franġisku deher igglorifikat b'miraklu ġdid u ta' l-għaġeb, bi privileġġ singulari, li qatt ma ġie mogħti lil ħadd fis-sekli l-imgħoddija, u li bih deher immarkat, jiġifieri mżejjen bl-istimmati qaddisa, u *bil-ġisem tiegħu li jmut jixxiebaħ* (cfr. Fil 3,10; Rum 7,24) mal-ġisem ta' l-Imsallab. Dak kollu li jista' jlissen dwaru l-bniedem, hu dejjem inqas minn dak li jixraqlu. Mhux ta' min ifittex ir-raġuni, għax hi ta' għaġeb, u lanqas hu ta' min ifittex l-eżempju, għax hu singulari. Il-konċentrazzjoni kollha tal-moħħ tal-bniedem ta' Alla, kemm lejn l-oħrajn kif ukoll fih innifsu, kienet mifruxa fuq is-salib tal-Mulej, u mill-ewwel żminijiet li fihom hu beda jissielet taħt l-armi ta' l-Imsallab, madwaru bdew jiddu diversi misteri tas-salib. Meta fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu, kien iddeċieda li jħalli warajh il-frugħat kollha ta' din il-ħajja, filwaqt li hu kien mehdi fit-talb, kellmu Kristu mis-salib, u mill-fomm ta' l-istess xbieha sema' jidwi dan il-leħen, li qallu: "Franġisku, mur u sewwi d-dar tiegħi, li, kif qed tara, sejra tiġġarraf kollha kemm hi". Minn dak il-waqt ħass li fil-qiegħ tal-qalb tiegħu jiġi immarkat il-karattru tat-tifkira tal-passjoni tal-Mulej, u fit-twettieq mill-għoli tal-konverżjoni tiegħu nnifsu, *ir-ruħ tiegħu* bdiet *tinħall, għaliex il-maħbub tiegħu kien kellmu* (cfr. Għan 5,6). Hekk magħluq fil-kenn ta' l-istess salib, hu xidd fuqu t-tonka tal-penitenza, li kellha forma ta' salib. Dik it-tonka kienet tagħmel minnu dejjem aktar qaddej tal-faqar, u kienet tassew tixraq lill-proponiment tiegħu, għaliex fih kienet prova qawwija tal-misteru tas-salib. B'dan il-mod, filwaqt li ruħu, minn ġewwa, kienet imlibbsa bil-Mulej imsallab, hekk ġismu kollu minn barra libes *is-salib ta' Kristu* (cfr. Gal 6,14), u b'dan is-sinjal ta' Alla kellu jxejjen il-qawwiet ta' l-arja, u beda jiġġieled f'dak l-istess eżerċtu ta' Alla.

[939] 3 Hekk fra Silvestro, li kien wieħed mill-ewlenin aħwa, u raġel li offra ruħu għal ħajja tad-dixxiplina tal-virtù, ra ħiereġ minn fommu salib tad-deheb, li kien jifrex dirgħajh mad-dinja kollha. *Ġie miktub* (cfr. Mt 4,4) u ġie ippruvat minn xhieda ta' min jemminha, kif fra Monaldo, li kien famuż għall-ħajja u għat-taħriġ tiegħu fl-għemil it-tajjeb, meta l-imqaddes Antonju kien qiegħed jippriedka dwar is-salib, ra lill-imqaddes Franġisku b'ġismu donnu msallab. Kienet drawwa qaddisa ta' l-ewwel ulied tiegħu, li kull fejn kienu jiltaqgħu ma' xi xbieha tas-salib, huma kellhom juruha l-qima li jistħoqqilha.

Kien familjari mas-sinjal *Tau*[640] u kien jgħożżu fuq is-sinjali l-oħrajn, għax bih biss kien jiffirma l-ittri tiegħu u kien ipinġieh fuq il-ħitan taċ-ċelel. Hekk dak *ir-raġel ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,1) Pacifico, li kien jikkontempla dehriet tas-sema, lemaħ bl-għajnejn tal-ġisem sinjal kbir tat-*Tau* fuq il-ġbin tal-missier imqaddes, li kien ileqq b'dija dehbiena. Għax dak li hu xieraq li nakkwistaw bir-raġuni u bil-fidi kattolika, hekk li jsir ukoll oġġett ta' l-imħabba meta niffissaw ħarsitna fuq is-salib, isir ukoll ta' l-għaġeb minħabba l-ġieħ tas-salib. Għaldaqstant xejn ma hu aktar veru minn dak li jiġi ippriedkat dwar l-istimmati tas-salib.

[940] 4 Dan hu l-mod kif seħħet din id-dehra. Sentejn qabel ma radd ruħu lejn is-sema, fl-eremitaġġ li jissejjaħ La Verna fil-provinċja tat-Toscana, fejn kien irtira għall-kontemplazzjoni devota u kien mitluf kollu kemm hu *fil-glorja tas-sema* (cfr. 2Tim 2,10), *waqt dehra ra* (cfr. Eżek 8,2-3) Serafin imsammar ma' salib, li kellu *sitt ġwienaħ, li kienu mifruxin fuqu, b'idejh u riġlejh* imsammrin ma' salib. *Żewġ ġwienaħ* kienu jogħlew *fuq rasu*, *tnejn kienu mifruxin biex itir*, u *t-tnejn* l-oħrajn *kienu jgħattulu ġismu* (cfr. Is 6,2). Malli ra din id-dehra, stagħġeb bil-qawwa, imma billi ma setax ikun jaf x'kienet tfisser għalih, fil-qalb tiegħu ħass taħlita ta' mrar u ferħ. Kien jifraħ meta jara dik il-bixra ta' ħlewwa, li biha s-Serafin kien qiegħed iħares lejh, imma kien jimtela' bin-niket meta kien jarah imsammar mas-salib. Ipprova jaħseb bil-ħerqa, biex jifhem dak li kienet tfisser dik id-dehra, u l-ispirtu tiegħu kien kollu mehdi biex jifhem bil-moħħ it-tifsira tiegħu. U waqt li kien hekk barra minnu nnifsu, moħħu donnu ċeda għal kollox, imma s-sens ta' dik il-viżjoni beda jidher fil-ġisem tiegħu.

Mall-ewwel f'idejh u f'riġlejh bdew jidhru s-sinjali ta' l-imsiemer, li ftit qabel hu kien ra f'dak ir-raġel li deher fuqu msallab. Idejh u riġlejh fin-nofs *dehru* imtaqqbin bl-imsiemer, bl-irjus *ta' l-imsiemer* fuq in-naħa ta' ġewwa ta' *idejh* (cfr. Ġw 20,25) u fuq il-wiċċ ta' riġlejh, u bil-ponot tagħhom ħerġin minn naħa l-oħra. L-irjus ta' l-imsiemer f'idejh u f'riġlejh kienu tondi u suwed, filwaqt li l-ponot tagħhom kienu tawwalin u milwijin, hekk li kienu joħorġu mill-istess laħam u kienu iffurmati ħaġa waħda miegħu. Il-ġenb tiegħu tal-lemin, kien qisu ġie minfud b'lanza, u kellu

[640] L-ittra *TAU* hi l-aħħar ittra ta' l-alfabet Lhudi. Fl-Iskrittura tintuża bħala sinjal ta' salvazzjoni. "Għaddi minn nofs il-belt, minn nofs Ġerusalem, u immarka *Tau* fuq il-ġbin ta' l-irġiel li jitniehdu u jitbekkew" (Eżekjel 9,4). Fl-Apokalissi 7,2 jissemma s-siġill ta' Alla l-ħaj li l-anġlu li jitla' mil-lvant jimmarka bih lil dawk li kienu magħżulin. Fit-tradizzjoni kristjana dan is-sinjal *TAU* minn dejjem kien jiġi muri bħala simbolu tas-salib ta' Kristu. San Franġisk x'aktarx li sar jaf b'dan is-simbolu mill-irħieb ta' Sant'Anton Abbati, li kellhom lebbrożarju fuq il-Monte Celio, f'Ruma, fejn hu kien mar joqgħod meta mar għand il-Papa Innoċenz III. Dawn l-irħieb kienu jużaw it-*TAU* fil-libsa monastika tagħhom. Il-qima li kellu Franġisku lejn dan is-sinjal tidher b'mod ċar fil-*Chartula* li hu ta lil fra Leone fuq La Verna, li fiha hemm il-barka tiegħu. Fuq din il-parċmina jidher ċar impinġi s-sinjal *TAU cum capite* (is-salib fuq ir-ras tal-mewt, li hu simbolu kristjan li ġej mit-tradizzjoni lokali ta' Ġerusalem li tqiegħed taħt il-Kalvarju l-għar li fih indifen Adam, li rasu ġiet maħsula mid-demm ta' Kristu fuq is-salib). It-*TAU* jidher ukoll impitter fuq il-ħajt tal-kappella tal-Maddalena fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo.

ferita tħammar, li ta' spiss kienet tnixxi d-demm, hekk li kienet ixxarrab it-tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt b'dak id-demm qaddis[641].

Il-*bniedem ta' Alla* (cfr. 2Tim 3,17) Rufino, li kellu safa' ta' l-anġli, meta darba minnhom b'imħabba ta' iben kien idewwi l-ġisem tal-missier imqaddes, idu żelqitlu u mess b'mod li ħassha dik il-ferita. Malli messu l-qaddis ta' Alla weġġa' mhux ftit, u filwaqt li biegħdlu idu, beda jitlob lill-*Mulej biex jaħfirlu* (cfr. Ġen 19,16).

[941] 5 Wara li għaddew sentejn hu temm bil-ferħ dan il-wied tal-miżerja u biddlu fil-hena tas-sema. Meta din l-aħbar ta' l-għaġeb waslet f'widnejn il-bnedmin, *kien hemm bosta li ġew bi ħġarhom ifaħħru u jagħtu glorja lill-isem il-Mulej* (cfr. Lq 2,13.20; S 85,9). Ġiet bi ħġarha *l-belt kollha* ta' Assisi, u ħaffu f'dak il-post *nies minn kullimkien* (cfr. Mt 8,34; 3,5), kollhom ħerqana biex jaraw dan il-miraklu ġdid li Alla kien wettaq *f'din id-dinja* (cfr. 2Kor 1,12). Dan il-miraklu ġdid biddel id-dmugħ fil-ferħ, u ħataf il-ħarsa tal-ġisem fi stagħġib u estasi. Huma ikkontemplaw il-ġisem qaddis li kien imżejjen bl-istimmati ta' Kristu, u fl-idejn u fir-riġlejn raw mhux it-toqob ta' l-imsiemer, imma l-istess ponot li b'għemil ta' l-għaġeb divin ġew iffurmati mill-istess laħam, anzi li kienu ħaġa waħda ma' l-istess laħam, hekk li jekk wieħed kien jagħfashom minn kull naħa, kienu mall-ewwel jagħmlu rejazzjoni min-naħa l-oħra, permezz tan-nervituri li kien hemm fihom. Il-ġenb ukoll ikkontemplawh iħammar bid-demm.

*Aħna rajna* dak li qegħdin nirrakkontaw, *b'idejna messejna* (cfr. 1Ġw 1,1) dak li qegħdin niktbu dwaru, u dak li nixhdu għalih bix-xofftejn rajnieh b'għajnejna mdemmgħin, u filwaqt li aħna messejna dawn is-sinjal l-aktar qaddisa, *fl-istess ħin naħilfu* (cfr. S 88,36) għal dejjem dwar il-verità ta' dak li aħna għaddejna minnu darba biss[642]. Bosta mill-aħwa tagħna, meta kien għadu ħaj il-qaddis, rawhom b'għajnejhom, u fil-mewt tiegħu aktar minn erbgħin mill-aħwa qimuhom flimkien ma' għadd bla tarf ta' sekulari. Ma għandux ikun hemm post għall-inċertezza, u ma għandniex ikollna dubju dwar id-don ta' din it-tjieba eterna! Jalla l-Mulej jagħmel li għal din l-imħabba serafika hekk kbira *bosta membri* jibqgħu magħqudin *mar-ras li hu Kristu* (cfr. 1Kor 12,12; Ef 1,22), u li f'din il-ġlieda jinstabu jistħoqqilhom armi hekk xierqa bħal dawn, u fis-saltna jitgħollew lejn l-istess dinjità! Min hu dak li, *moħħu f'sikktu* (cfr. Mk 5,15), ma jkunx irid ikollu sehem mill-glorja ta' Kristu? Imma l-kastig li ingħata lil dawk li ma jemmnux hu diġà biżżejjed biex ikun ħlas ta' dawk li huma devoti u jagħmilhom aktar ċerti mill-verità.

[942] 6 Qrib Potenza, belt tas-saltna tal-Puglia, kien hemm kjeriku jismu Ruggero, bniedem miqjum minn nies u kanonku tal-knisja ewlenija tal-belt. Dan kien imħabbat minn marda twila, u jum minnhom daħal fi knisja biex jitlob għall-fejqan tiegħu. F'din il-knisja kien hemm pittura tax-xbieha ta' l-imqaddes Franġisku, li fiha kienu jidhru l-istimmati glorjużi. U ġara li hu resaq lejn dik ix-xbieha biex jitlob, u niżel għarkubbtejh bil-qima kollha. Imma meta iffissa għajnejh fl-istimmati tal-qaddis, ġewh ħafna ħsibijiet fiergħa, u ma setax iżomm bir-raġuni l-ħafna dubji li

---

[641] Ir-rakkont ta' l-għoti ta' l-istimmati lil San Franġisk isegwi bil-fedeltà dak li Tommaso da Celano diġà kien irrakkonta f'1C 94-95.

[642] Hawnhekk Tommaso da Celano qiegħed jikteb dik li tista' tidher bħala xhieda personali. Imma nafu li hu ma kienx preżenti fil-mewt ta' San Franġisk. Forsi hawnhekk qiegħed jikkopja bil-fedeltà dak li oħrajn li raw b'għajnejhom il-ġrajja kienu irrakkontaw jew kitbu. Ma nistgħux nagħtu tweġiba, minħabba li ma għandniex xhieda oħrajn, u lanqas ma nafu mija fil-mija jekk fl-1226 Tommaso kienx irritorna diġà mill-Ġermanja.

bdew iqumu fih. Billi ħalla lill-għadu l-qadim iqarraq bih,b'qalbu mħawwda, beda jgħid bejnu u bejn ruħu: "Imma tgħid veru li dan il-qaddis ġie igglorifikat b'miraklu bħal dan, jew forsi din hi immaġinazzjoni twajba ta' l-aħwa tiegħu? Setgħet kienet jew xi ħaġa li ivvintaha hu u kien jaħseb li kellu, inkella hi xi invenzjoni ta' qerq ta' l-aħwa. Għax dan il-miraklu hu aktar milli jiflaħ iħoss il-bniedem u jmur 'il bogħod minn kull ġudizzju tar-raġuni". O bluha tal-bniedem! Aktar kien imissek tqim bl-umiltà, ja bniedem bla għaqal, dak li inti ma tistax tifhmu bl-ebda mod. Inti kellek id-dmir lit kun taf, kieku kellek ir-raġuni, kemm hi ħaġa mill-aktar faċli għal Alla li jġedded ta' kuljum fid-dinja l-mirakli tiegħu, u li dejjem *jaħdem fina* (cfr. 2Kor 4,12) għall-glorja tiegħu dak li ma ħadimx f'ħaddieħor. U xi ngħidu iżjed? Filwaqt li kien qiegħed jaħseb b'dan il-mod fieragħ, ġie milqut minn Alla b'mod iebes bi pjaga, sabiex *jitgħallem minn dak li jbati* (cfr. Lhud 5,8) biex ma jidgħix. Ġie milqut fuq il-palma ta' idu x-xellugija, għaliex kien xellugi, filwaqt li sema' bħal ħoss ta' vleġġa li telqet mill-qaws. Ftit tal-ħin wara, mistagħġeb mill-*pjaga li ħass* (cfr. 2Mak 14,45) kif ukoll mill-ħoss li sema', neħħa l-ingwanta li kellu f'idu. Fejn qabel ma kellu l-ebda ferita, skopra f'nofs idejh bħal pjaga, donnha magħmula minn vleġġa, li tant kienet qegħda taħarqu, li kien għoddu qiegħed iħossu ħażin bl-uġiegħ. Ħaġa ta' l-għaġeb li ngħiduha! Ma kien jidher l-ebda sinjal ta' xi tiċrita fl-ingwanta, sabiex il-ġerħa moħbija li kellu f'qalbu jkollha t-tweġiba ta' l-uġiegħ ta' ġerħa moħbija f'idu.

7 Hu baqa' jitniehed għal jumejn sħaħ, u jgħajjat għall-ħniena minħabba dak l-uġiegħ li ma kienx jiflaħ għalih, filwaqt li beda juri lil kulħadd il-misteru tal-qalb tiegħu li ma riedetx temmen. Beda jistqarr li ried jemmen tassew li San Franġisk kellu l-istimmati qaddisa, u kien jaħlef u jiżgura lil kulħadd li kien għab minnu kull dell ta' dubju. Kien jitlob bil-ħniena *lill-qaddis ta' Alla* (cfr. Mk 1,24) sabiex jgħinu għall-merti ta' l-istimmati qaddisa tiegħu, u filwaqt li kien jitlob kien joffri wkoll is-sagrifiċċju tad-dmugħ tiegħu. Miraklu ċert! Meta għabet in-nuqqas ta' fidi, wara l-fejqan ta' l-ispirtu ġie l-fejqan tal-ġisem. Għabet kull tbatija, il-ħruq kesaħ għal kollox, u xejn ma baqa' mis-sinjali ta' dik il-ġerħa. Dak ir-raġel sar umli quddiem Alla, sar devot lejn il-qaddis, u intrabat bi ħbiberija dejjiema ma' l-Ordni ta' l-aħwa. Dan il-miraklu ġie dokumentat u iffirmat taħt ġurament, u fuq kollox ikkonfermat mill-isqof ta' dak il-post. Kemm hi ta' l-għaġeb f'kollox il-qawwa mbierka ta' Alla, li fil-belt ta' Potenza wettaq ħwejjeġ hekk ta' l-għaġeb!

[943] 8 Hi drawwa tan-nisa nobbli Rumani, kemm jekk huma romol kif ukoll jekk huma miżżewġin, l-aktar ta' dawk li jkollhom il-privileġġ tal-ġenerożità minħabba li jkunu għonja, u li Kristu jsawwab l-imħabba tiegħu fihom, li jkollhom fi djarhom xi kmajra jew xi post ta' kenn li jkun xieraq għat-talb, u li fih ikollhom xi xbieha impittra ta' dak il-qaddis li huma jqimu b'mod partikulari. Kien hemm waħda sinjura, li kienet nobbli kemm minħabba d-drawwiet qaddisa kif ukoll mill-familja tagħha, li kienet għażlet lil San Franġisk bħala l-protettur tagħha. Ix-xbieha impittra tiegħu kienet tinsab *fil-kamra ta' ġewwa*, fejn hi *kienet titlob fil-moħbi lill-Missier* (cfr. Ġud 8,5; Mt 6,6). Jum minnhom, filwaqt li kienet titlob bil-qalb, u b'attenzjoni kbira kienet timmedita dawk is-sinjali qaddisa, meta ma rathomx impittrin, stagħġbet u tnikktet bil-bosta. Imma ma kien hemm l-ebda raġuni li wieħed jistagħġeb, ġaladarba ma kienux fix-xbieha għax il-pittur ma kienx pinġihom. Għal bosta ġranet żammet *fil-qalb tagħha* (cfr. Lq 2,51) dan il-fatt, u ma tkellmet dwaru ma' ħadd, minkejja li kienet dejjem tibqa' tħares ta' spiss lejn ix-xbieha u dejjem tkun imnikkta. U ara, jum minnhom, f'daqqa waħda, dawk is-sinjali dehru b'mod ta' l-għaġeb fuq idejn il-qaddis, kif soltu jidhru impittrin fix-xbihat l-oħrajn, għaliex il-qawwa divina kienet għamlet tajjeb għal dak li l-arti umana kienet ittraskurat.

9 Dik il-mara bdiet titriegħed u tistagħġeb mhux ftit, u sejħet mall-ewwel lil bintha, li kienet timxi fuq id-drawwiet qaddisa ta' ommha biex turiha dak li kien ġara, u *staqsietha bir-reqqa* (cfr. Lq 15,8) jekk sa dak il-jum kienetx lemħet l-istimmati f'dik ix-xbieha. It-tifla qaltilha u ħalfitilha li sa dakinhar dik ix-xbieha kienet mingħajr l-istimmati, u li issa kienet tidher b'mod ċar li kellha l-istimmati. Imma billi l-moħħ tal-bniedem mhux l-ewwel darba li jitħawwad u jaqa', u jerġa' jibda jiddubita l-verità, fil-qalb ta' dik il-mara reġa' daħal dubju u ħsibijiet li ħawwduha, li forsi dik ix-xbieha *sa mill-bidunett* (cfr. Ġoel 2,2) minn meta tawhielha kienet hekk. Imma *l-qawwa ta' Alla* (cfr. Atti 8,10), biex hekk l-ewwel miraklu ma jkunx mhux magħruf, żiedet it-tieni wieħed. Fil-fatt dawk is-sinjali għabu għal kollox, u dik ix-xbieha baqgħet imneżża' mill-privileġġ ta' dawk is-sinjali, u hekk permezz ta' miraklu ieħor deher kemm kien veru dak li seħħ l-ewwel darba. Jiena stess rajt lil dik il-mara mimlija bil-virtù; nerġa' ngħid, rajt liebsa l-ilbies sekulari lil dik ir-ruħ li kienet ikkonsagrata lil Kristu l-Mulej.

[944] 10 Sa mit-twelid, ir-raġuni umana tant tħalli lilha nnifisha tiġi mqanqla minn ħsibijiet tal-ġisem u minn dehriet fiergħa, li tinħakem minn immaġinazzjoni li mhijiex stabbli, u xi drabi tkun imġiegħela li tqiegħed fid-dubju dak li suppost li temmen. Għaliex mhux biss aħna suġġetti għal dubji dwar ġrajjiet ta' l-għaġeb tal-qaddisin, imma bosta drabi l-istess fidi fil-ħwejjeġ tas-salvazzjoni isir oġġett ta' bosta dubji. Wieħed mill-aħwa ta' l-Ordni tal-Minuri, li kellu l-uffiċċju ta' predikatur, u li kien jgħix ħajja integra, kien persważ bil-qawwa dwar il-miraklu ta' l-istimmati qaddisa; sakemm jum minnhom inħakem minn tiġrib u dubju dwar il-miraklu tal-qaddis. Wieħed jista' jimmaġina l-ġlieda li tqanqlet f'ruħu, għax filwaqt li minn banda r-raġuni kienet trid tiddefendi l-verità, mill-banda l-oħra l-immaġinazzjoni kienet tissuġġerixxi l-kuntrarju. Ir-raġuni, imwieżna minn ħafna dettalji, tammetti li hu veru dak li jingħad, u meta ma jkollhiex argumenti oħrajn, titwieżen fuq il-verità li tiġi murija mill-Knisja mqaddsa. Minn naħa l-oħra, kontra t-twemmin tal-verità tal-miraklu jagħmlu konfoffa d-dellijiet tas-sensi, għaliex jaraw fiha xi ħaġa li tmur kontra l-liġijiet tan-natura, u fuq kollox, jaraw ħaġa li *qatt ma nstemgħet matul iż-żminijiet* (cfr. Ġw 9,32). Lejla minnhom, għajjien minn dawn il-ħsibijiet, daħal fiċ-ċella biex jorqod, u kien donnu mqabbad mad-dgħufija tar-raġuni, u x'aktarx maħkum mill-qawwa iebsa ta' l-immaġinazzjoni. Meta kien rieqed deherlu San Franġisk, li kellu riġlejh mimlijin tajn, u kellu l-bixra ta' wieħed ta' ebusija fl-umiltà u ta' korla fis-sabar. Hu qallu: "Għaliex dan il-kuntrast fik u dawn l-inċertezzi li jħawwdu dak li hu veru? Għaliex dawn id-dubji ta' bniedem komuni? *Ara idejja* (cfr. Ġw 20,27) u riġlejja!" Imma għalkemm seta' jara l-idejn minfudin, ma setax jara l-istimmati fir-riġlejn minħabba li kellhom it-tajn. U qallu: "Neħħi t-tajn minn riġlejja u agħraf *il-post ta' l-imsiemer*!" (cfr. Ġw 20,25). U hu ħa f'idejh ir-riġlejn tal-qaddis, u deherlu li kien qiegħed ineħħi t-tajn, u *jmiss b'idejh* (cfr. 1Ġw 1,1) il-post ta' l-imsiemer. U hu qam mall-ewwel, u ħasel fid-dmugħ id-dubji tiegħu, u saffa permezz ta' stqarrija pubblika dawk is-sentimenti li ftit qabel kienu ħammġulu l-qalb tiegħu.

[945] 11 Sabiex ma naħsbux li dawk l-istimmati qaddisa tal-*kavallier* rebbieħ *ta' Kristu* (cfr. 2Tim 2,3), ma jkollhomx qawwa speċjali, barra minn dik li jkunu sinjal ta' don speċjali u privileġġ ta' mħabba l-aktar għolja, hekk li bihom id-dinja kollha tistagħġeb; dwar kemm huma armi qawwija quddiem Alla dawk is-sinjali, nistgħu narawh permezz ta' fatt li seħħ fi Spanja, jiġifieri fis-saltna ta' Castiglia, sabiex hekk nistgħu nifhmu dan il-miraklu ġdid u evidenti. Kien hemm żewġ irġiel li kienu ta' spiss mifrudin minħabba ġlieda antika. Huma ma kienu jieqfu qatt mill-mibegħda tal-ġlieda li kienet toħroġ minn qalbhom, hekk li ma setax ikun hemm la paċi li ddum u lanqas rimedju tal-ħeġġa tagħhom jekk mhux meta xi wieħed minnhom seta' joqtol bil-ħruxija lill-

għadu tiegħu. It-tnejn li huma kienu armati u kellhom bosta nies jiddefenduhom, u kienu jippruvaw jonsbu ta' spiss wieħed lill-ieħor, għaliex ma setgħux iwettqu delitt fil-pubbliku. Darba minnhom, filgħaxija fit-tard, ġara li wieħed raġel ta' fama tajba u onest kellu jgħaddi minn dik it-triq, fejn wieħed minnhom kien ħejja nasba tal-mewt bil-moħbi għall-ieħor. Dak kien qiegħed iħaffef biex, kif kien soltu jagħmel, imur biex jitlob waqt l-ħin tal-kumpieta fil-knisja ta' l-aħwa, billi hu kien devot ħafna ta' l-imqaddes Franġisku; f'daqqa waħda *ulied id-dlam* inxteħtu fuq *bin id-dawl* (cfr. 1Tes 5,5), għax ħasbuh li kien dak l-għadu tagħhom li kienu ilhom ifittxu li joqtluh. Huma niffduh bix-xwabel minn kullimkien, u ħallewh nofsu mejjet. Fl-aħħar dak li kien l-għadu mill-aktar kiefer niffidlu x-xabla tiegħu fil-fond fil-gerżuma u, billi ma setax joħroġha, ħalliha mdeffsa fil-ferita.

12 In-nies ġew jiġru minn kullimkien, u filwaqt li l-għajjat beda tiela' lejn is-sema, kull min kien jafu mill-qrib beta jibki l-mewt ta' dak l-innoċenti. U billi *n-nifs tal-ħajja* (cfr. Għerf 5,11) kien għadu f'dak ir-raġel, it-tobba iddeċidew li ma jaqilgħux ix-xabla mill-gerżuma. X'aktarx li huma kienu qed jagħmlu dan bit-tama li hu jistqarr xi ħaġa, sabiex il-vittma, imqar b'xi sinjal, jikxef x'ġara. Hekk komplew jaħdmu l-lejl kollu sas-sebħ, biex iwaqqfu d-demm u jikkuraw il-feriti li hu kellu mill-ħafna daqqiet profondi; imma billi ma waslu għal ebda riżultat, waqqfu l-kura tagħhom. Il-Patrijiet Minuri flimkien mat-tobba kienu madwar is-sodda tiegħu, maħkumin minn niket kbir, filwaqt li kienu jistennew il-mewt tal-ħabib tagħhom. U ara, l-qanpiena ta' l-aħwa sejħitilhom għall-matutin. Mall-ħoss tal-qanpiena l-mara ta' dak ir-raġel ġriet lejn is-sodda titniehed u tgħid: "Sidi, *qum malajr* (cfr. Atti 12,7), mur għall-matutin, għaliex il-qanpiena tiegħek qed issejjaħlek!" U mall-ewwel dak li kulħadd ħaseb li kien se jmut, wara li tniehed bil-ħniena minn sidru, bit-tbatija ried jagħmel xi sinjal. U filwaqt li għolla idejh lejn ix-xabla minfuda fi griżmejh, donnu beda jindika lil xi ħadd biex ineħħiha. Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! Ix-xabla f'daqqa waħda donnha taret minn ġol-ferita, u quddiem għajnejn kulħadd donnha ġiet mixħuta minn idejn ta' raġel mill-aktar b'saħħtu lejn il-bieb tad-dar. Dak ir-raġel qam u reġa' ħa lura saħħtu qisu qatt ma ġralu xejn, bħallikieku qam minn raqda, u *beda jxandar l-għeġubijiet tal-Mulej* (cfr. S 25,7).

13 Tant kien kbir *l-istagħġib li ħakem il-qlub ta' kulħadd* (cfr. Lq 5,9; Atti 1,24), li donnhom barra minn moħħhom, bdew jaħsbu li kienu qegħdin joħolmu. F'dan il-ħin dak ir-raġel imfejjaq qalilhom: "*La tibżgħux* (cfr. Lq 2,10), u la taħsbux li dak li qed taraw hu ħolma! Għaliex San Franġisk, li tiegħu dejjem kont devot, għadu kif ħareġ minn hawn u lili fejjaqni qawwi u sħiħ minn kull ferita. Hu qiegħed l-istimmati l-aktar qaddisa tiegħu fuq il-ġerħat kollha tiegħi, u bil-ħlewwa tagħhom serraħni mill-ġerħat tiegħi. Kif qegħdin taraw, malli hu messni, kull ferita b'mod ta' l-għaġeb ingħalqet. Filwaqt li intom smajtu t-tnehid ħiereġ minn sidri, kien jidher li l-missier l-aktar qaddis wara li kien fejjaq bil-ħlewwa l-feriti kollha tiegħi, ried jitbiegħed minni u jħallili x-xabla fi griżmejja. U billi ma stajtx nitkellem, għamiltlu sinjal dgħajjef b'idejja biex jaqlagħli x-xabla, għaliex dak il-ħin kont fil-periklu li mmut. U hu qabadha mall-ewwel, kif intom kollha stajtu taraw, u waddabha 'l hemm bil-qawwa. U kif kien għamel qabel, messli u fejjaqli l-ferita ta' griżmejja bl-istimmati qaddisa tiegħu, u hekk fejjaqni għal kollox, mingħajr ma fadalli l-ebda sinjal ta' fejn ġismi ġie minfud". Min ma jibqax mistagħġeb meta jisma' r-rakkont ta' dawn il-fatti, u min jista' qatt jiddubita li dak li jingħad dwar l-istimmati mhuwiex kollu opra divina?

Kapitlu III
Dwar il-qawwa li hu kellu fuq il-ħlejjaq bla ħajja, u l-aktar fuq in-nar.

[946] 14 Fiż-żmien li fih *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Sam 2,27) kien magħkus bil-marda ta' għajnejh, l-aħwa talbuh biex jaċċetta l-kura, u għalhekk sejħu lill-kirurgu fil-post fejn kienu jinsabu[643]. Dak ġab miegħu l-istrument tal-ħadid li bih kellu jaħraqlu madwar għajnejh, u talabhom iqiegħduh fin-nar, sakemm isir jikwi. Il-missier imqaddes, billi kien qiegħed iħossu mwerwer, beda jipprova jfarraġ lil ġismu, u dar fuq in-nar u qallu: "Ħija nar, *l-Aktar Għoli* (cfr. Sir 1,8.9) lilek ħalqek qawwi, sabi(cfr. Sir 1,8.9) lilek ħalqek qawwi, sabiħ u utli biex hekk inti iddawwal is-sbuħija tal-ħlejjaq l-oħrajn. *Nitolbok tkun ħanin miegħi* (cfr. Ġen 33,10) f'dan il-ħin, kun mimli kortesija miegħi, għaliex jiena dejjem ħabbejtek fil-Mulej! Nitlob *lill-Kbir Mulej li ħalqek* (cfr. S 47,2; Dt 32,6), biex inti ttaffi s-sħana tiegħek, sabiex jiena nkun nista' nifla ħ għaliha bil-ħlewwa". Malli temm din it-talba, immarka lin-nar bis-sinjal tas-salib, u qagħad jistenna mimli kuraġġ. Malli l-kirurgu ħa f'idejh dik il-ħadida tikwi, l-aħwa kollha ħarbu mirbuħin mill-biża'; imma l-qaddis kollu ferħ u mingħajr dewmien qagħad għal dik il-ħadida. Il-ħadida tikwi u ċċaqċaq bdiet dieħla fil-laħam artab, u l-kirurgu għaddieha minn ħdejn widnejh sa fuq għajnejh biex jaħraq il-laħam u l-vini. Kemm dak in-nar ikkawżalu uġiegħ tixhed għalih il-kelma ta' dak stess li għadda minn dik l-operazzjoni. Fil-fatt, malli l-aħwa li kienu ħarbu reġgħu lura, il-missier bi tbissima qalilhom: "Ja beżżiegħin u nies ta' qalb dgħajfa, għalfejn ħrabtu? *Fis-sewwa ngħidilkom* (cfr. Lq 4,25), li la ħassejt il-qawwa tikwi tan-nar, u lanqas ħassejt uġiegħ f'ġismi". U mbagħad dar lejn it-tabib u qallu: "Jekk għadha ma ġietx mixwija biżżejjed, erġa' agħfas il-ħadida fuqha!" It-tabib, li kien espert fuq operazzjonijiet bħal dawn, beda jqis il-fatt bħala miraklu ta' l-għaġeb, u qal: "Ngħidilkom, l-aħwa, *li llum rajt ħwejjeġ ta' l-għaġeb*" (cfr. Lq 5,26). Kien reġa' mar lura għall-innoċenza tal-bidu dak li għar-rieda tiegħu kienu joqgħodu u jimmansaw il-ħlejjaq li jistgħu jkunu bla ħniena. [2C 166]

[947] 15 L-imqaddes Franġisku ried li xi kultant imur f'xi eremitaġġ, biex hemmhekk ikun jista' jingħata b'mod ħieles għall-kontemplazzjoni, billi kien iħossu dgħajjef ħafna, ingħata ħmar mingħand wieħed raġel fqir biex jirkeb fuqu. Dak, meta f'dak il-jum tas-sajf kien miexi wara *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 1Slat 13,14), minħabba li kellu *jitla' l-muntanja* ħarxa u t-triq kienet twila *beda jgħejja mill-vjaġġ* (cfr. Ġoż 2,16; Ġw 4,6), u qabel ma waslu f'dak il-post, mejjet bil-għatx kif kien ħassu ħażin u marrulu l-forzi. Għalhekk mall-ewwel beda jgħajjat lill-qaddis, u jitolbu sabiex *ikollu ħniena minnu* (cfr. Dt 13,17); beda jgħid li kien iħossu se jmut, jekk ma jsibx xi ftit ilma x'jixrob ħalli jerġa' jistejqer. *Il-qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34), li dejjem kienet tiġih ħniena minn dawk li jbatu, mingħajr dewmien niżel minn fuq il-ħmar, u qagħad għarkubbtejh ma' l-art, filwaqt li refa' *idejh lejn is-sema* (cfr. 2Kron 6,13), *u ma waqafx mit-talb* (cfr. Kol 1,9), sa ma fehem li kien ġie mismugħ. Imbagħad qal lil dak il-bidwi: "Ħaffef, u hemmhekk issib *ilma* ħaj, li f'din is-siegħa Kristu fil-ħniena tiegħu *ħariġlek mill-blata* (cfr. Is 48,21; S 77,16) biex tixrob". X'tjieba kbira ta' Alla, li kien imil daqshekk bil-ħeffa għat-talb tal-qaddej tiegħu! Il-bidwi *xorob l-ilma mill-blata* (cfr. Is 48,21; S 77,16) bil-qawwa tat-talb, u qata' l-għatx tiegħu *mill-blata żonqrija* (cfr. Dt 32,12). Dik *in-nixxiegħa ta' ilma* (cfr. S 1,3) ma kienetx teżisti hemmhekk qabel, u, għalkemm sar ħafna tiftix bir-reqqa, lanqas wara qatt ma reġgħet dehret. [2C 46]

[643] Fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo fil-bidu tas-sajf ta' l-1225.

[948] 16 Gagliano[644] hu kastell li fih ħafna nies u magħruf ħafna fid-djoċesi ta' Sulmona. Fih kienet tgħix waħda mara jisimha Maria li, wara li *daret lura lejn Alla* (cfr. Atti 14,14) mit-triqat imħarbtin tad-dinja, kienet ingħatat kollha kemm hi għall-qadi ta' San Franġisk. Jum minnhom kienet telgħet fuq muntanja, li kienet kollha niexfa minħabba li ma kellhiex ilma, u minħabba s-sħana qawwija u l-għatx bdiet iħossha ħażin. Billi ma setgħet tagħmel xejn, baqgħet mixħuta għal tulha fl-art bla saħħa, u bdiet titlob bil-qalb lill-patrun tagħha San Franġisk. Bla forzi kif kienet, wara ftit raqdet. U ara San Franġisk resaq lejha u *sejħilha b'isimha* (cfr. Is 40,26), u qalilha: "Qum, u ixrob l-ilma, li Alla qiegħed joffri lilek u lil bosta oħrajn bħala don tiegħu!" Dik il-mara ittewwbet malli semgħet dak il-leħen, u mirbuħa min-ngħas, reġgħet raqdet. Meta sejħilha għat-tieni darba, billi kienet għadha għajjiena ħafna, baqgħet mixħuta ma' l-art. Imma meta sejħilha għat-tielet darba, hi ħassitha mfarrġa mhux ftit bil-kmand tal-qaddis u qamet minnufih. Qabdet felċi li kien hemm maġenbha, u qalgħetha mill-art. Billi intebħet li l-għeruq kienu kollha imxarrbin, b'subgħajha u b'zokk żgħir bdiet tħaffer madwarha. Malajr dik il-ħofra imtliet bl-ilma, u dik il-qatra *kibret u saret għajn ta' ilma* (cfr. Est 10,6). Dik il-mara xorbot u meta xebgħet ħaslet għajnejha, li kienu iddgħajjfu minħabba marda twila, u li bihom ma setgħet tara xejn ċar. U ara *għajnejha wkoll ġew imdawwlin* (cfr. 1Sam 14,27), u għabet minnhom kull dalma li kellhom qabel, u kienu qishom imtlew b'dawl ġdid. Dik il-mara ħaffet lura lejn id-dar biex ixxandar ma' kulħadd dak il-miraklu ta' l-għaġeb u l-glorja ta' San Franġisk. *Xterrdet l-aħbar* (cfr. Mt 9,26) ta' dak il-miraklu, sa nħawi fil-bogħod u waslet f'widnejn kulħadd. Minn kullimkien ġew jiġru *bosta nies maħkumin mill-mard* (cfr. Mk 1,34; Ġw 5,4), u wara li qerrew dnubiethom għas-*salvazzjoni ta' ruħhom* (cfr. 1Pt 1,9), ġew meħlusin mill-mard tagħhom. Għax il-għomja reġgħu ħadu d-dawl, il-mifluġin reġgħu bdew jimxu, dawk li kienu minfuħin bl-ilma reġgħu irqaqu, u għal kull xorta ta' mard instab il-fejqan xieraq. Sallum għadu jnixxi l-ilma minn dik il-għajn mirakoluża, u hemmhekk inbniet kappella għall-ġieħ ta' San Franġisk.

[949] 17 Fiż-żmien li fih kien jinsab fl-eremitaġġ ta' Sant'Urbano u kien jinsab marid ħafna, kien qiegħed iħoss nixfa f'ħalqu u talabhom jagħtuh jixrob ftit inbid, imma l-aħwa weġbuh li hemmhekk ma kellhomx inbid. Għalhekk talabhom iġibulu ftit ilma, u malli ġabuh bierku bis-sinjal tas-salib. L-ilma mall-ewwel tilef it-togħma tiegħu, u ħa togħma oħra. Għaliex sar inbid mill-aktar bnin dak li qabel kien ilma safi, u dak li ma setax jipprovdi l-faqar, ipprovdietu l-qdusija. *Il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 1,10) wara li daq minn dak l-inbid reġa' ħa lura saħħtu hekk malajr, li dik il-bidla mirakoluża ta' l-ilma fl-inbid kienet tixhed għal dak il-fejqan mirakoluż.

[950] 18 Fil-provinċja ta' Rieti kienet faqqgħet marda gravi ħafna, li kienet qed teqred il-baqar u l-barrin kollha, hekk li bil-ħniena xi barra irnexxielu jibqa' ħaj. Wieħed *raġel jibża' minn Alla* (cfr. Ġob 1,1), lejl minnhom kellu ħolma li fiha sema min jgħidlu biex imur iħaffef fl-eremitaġġ ta' l-aħwa, biex hemmhekk jitlobhom jagħtuh l-ilma li bih kienu ħaslu idejn u riġlejn ta' l-imqaddes Franġisku, li dak iż-żmien kien jinsab hemmhekk, u biex imbagħad iroxx dak l-ilma fuq il-bhejjem morda. *Malli sebaħ* (cfr. Mk 16,9), dak ir-raġel, li kellu ħerqa kbira li jikseb dik il-grazzja, mar fil-post ta' l-aħwa, u mingħajr ma kien jaf il-qaddis, irnexxielu jaqla' mill-aħwa li jagħtuh dak l-ilma, li mbagħad mar iroxxu fuq il-baqar u l-barrin, skond kif kien ikkmandat lilu. Minn dak il-ħin stess, *għall-grazzja ta' Alla* (cfr. Rum 5,15), intemmet dik il-marda kiefra, u qatt aktar ma reġgħet ħakmet il-bhejjem ta' dawk l-inħawi.

---

[644] Illum jismu Gagliano-Aterno.

[951] 19 F'bosta nħawi n-nies kienu ta' spiss joffru bil-ħeġġa u l-qima kollha lil San Franġisk il-ħobż jew affarijiet oħrajn ta' l-ikel biex hu jberikhom. Dak l-ikel kien iżomm frisk għal żmien twil mingħajr ma jintemm, bl-għajnuna tal-grazzja divina, u meta kienu jieklu minnu, kien ifejjaq lil dawk li jkollhom xi marda f'ġisimhom. Jingħad ukoll fiż-żgur li, bil-qawwa ta' dawk l-affarijiet ġew imbiegħdin tempesti qawwija tas-silġ u sajjetti. Xi wħud qalu li indunaw li, bil-qawwa tal-kurdun li l-qaddis kien imħażżem bih, kif ukoll bil-biċċiet żgħar ta' drapp tat-tonka tiegħu, kien jitbiegħed il-mard u jinżel id-deni, u bosta kienu jerġgħu jiksbu s-saħħa mixtieqa. Meta darba l-qaddis iċċelebra fit-Twelid tal-Mulej t-tifkira tal-presepju tat-tfajjel ta' Betleħem, u fakkar b'mod mistiku dak kollu li għandu x'jaqsam mal-post li fih twieled il-Bambin Ġesù, deheru bosta għeġubijiet bl-interċessjoni divina. Fost dawn hemm dak tat-tiben li kien hemm fil-maxtura, li ittieħed biex jipprovdi fejqan lill-mard ta' bosta u li kien l-aktar meħtieġ fil-każ ta' nisa li kienu jwelldu fi tbatija kbira, jew inkella fil-mard li jittieħed tal-bhejjem kollha. Issa li irrakkontajna dan kollu dwar il-ħlejjaq bla ħajja, inżidu xi ħaġa oħra dwar l-ubbidjenza li kienu juruh il-ħlejjaq ħajjin.

Kapitlu IV
Dwar il-qawwa li kellu fuq il-ħlejjaq ħajjin.

[952] 20 L-istess ħlejjaq kienu jħossuhom imqanqalin bl-imħabba biex iwieġbu lil San Franġisk u jpattulu l-ġid li hu jagħmel magħhom. Darba fost l-oħrajn, meta kien qiegħed jaqsam il-Valle di Spoleto, u kien qrib Bevagna, wasal f'post fejn kien hemm miġburin f'għadd kbir ħafna kwalitajiet ta' għasafar. Malli *l-qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34) rahom, minħabba li hu kellu imħabba partikulari lejn il-Ħallieq, li biha hu kien iħobb il-ħlejjaq kollha, mar jiġri bil-ħeffa f'dak il-post, u sellem lil dawk l-għasafar bħas-soltu, bħallikieku kienu ħlejjaq bir-raġuni. Billi dawk ma tarux minn hemm, hu resaq lejhom, u seta' jidħol u jimxi f'nofshom, ġej u sejjer, u bit-tonka tiegħu beda jmissilhom l-irjus u l-iġsma tagħhom. Mimli bil-ferħ u kollu mistagħġeb, beda jwissihom biex jisimgħu l-kelma ta' Alla, u qalilhom: "Ħuti għasafar! Intom għandhom għalfejn tfaħħru ħafna lill-Ħallieq tagħkom u tħobbuh dejjem, għaliex hu libbiskom bir-rix u takom il-ġwienaħ biex ittiru. Għax fost il-ħlejjaq kollha hu għamilhom ħielsa, u lilkom takom l-arja safja biex timirħu fiha. Intom *ma tiżirgħux u lanqas taħsdu* (cfr. Lq 12,24), u madankollu Hu jitmagħkom u jieħu ħsiebkom mingħajr ma titħabtu intom". Għal dawn il-kelmiet l-għasafar, bil-mod kif jafu huma, bdew juru l-ferħ tagħhom biċ-ċaqliq, billi bdew itawwlu għonqhom, jifirxu ġwenħajhom, jiftħu ħalqhom, u jħarsu lejh bl-attenzjoni. U ma ċċaqilqux minn dak il-post, sakemm hu immarkahom bis-sinjal tas-salib, u tahom il-permess biex itiru u l-barka tiegħu. Meta reġa' lura ma' l-aħwa, beda jakkuża lilu nnifsu bi traskuraġni, talli qatt ma kien ippriedka lill-għasafar. U għalhekk minn dak il-jum hu beda jħeġġeġ lill-għasafar, lill-bhejjem u wkoll lill-ħlejjaq bla ruħ, biex ifaħħru u juru mħabba kollhom ħeġġa lejn il-Ħallieq.

[953] 21 Darba oħra kien mar f'kastell li jismu Alviano, sabiex jippriedka. Hemmhekk ġabar lin-nies u għamlilhom sinjal biex jisktu, imma ma setax jinstema' jitkellem minħabba li f'dak il-post kien hemm għadd kbir ta' ħuttaf li kellhom il-bejtiet tagħhom, u li kienu qed jagħmlu storbju sħiħ. Filwaqt li kulħadd kien jisimgħu, u kellem lill-għasafar u qalilhom: "Ħuti ħuttaf, *issa hu l-ħin* (cfr. Tob 12,20) li nitkellem jien, għaliex intom issa ilkom titkellmu biżżejjed! *Isimgħu l-kelma ta' Alla*, u żommu s-skiet, sakemm *intemm nippriedka l-kelma tal-Mulej*" (cfr. Eżek 6,3; 2Kron 36,21). U dawk l-għasafar, bħallikieku kienu jifhmu, mall-ewwel siktu, u lanqas ma

iċċaqilqu minn dak il-post, sakemm il-qaddis temm il-priedka tiegħu. Dawk kollha li kienu hemmhekk raw il-ġrajja u *imtlew bil-għaġeb u bdew jagħtu glorja lil Alla* (cfr. Atti 3,10; Mt 9,8).

[954] 22 Fil-belt ta' Parma, kien hemm student li tant kien imdejjaq mill-ħsejjes li kienet tagħmel ħuttafa, li ma seta' bl-ebda mod jimmedita u jagħmel l-istudju meħtieġ tiegħu. Hekk meta kien x'aktarx inkurlat, *beda jgħid* (cfr. Lq 4,21): "Din il-ħuttafa hi waħda minn dawk li, kif naqraw, ma kienux ħallew lil San Franġisk jippriedka, sakemm hu *ikkmandahom biex jisktu*" (cfr. Mt 22,34). U filwaqt li dar fuq il-ħuttafa qalilha: "F'isem San Franġisk nikkmandak li tħallini naqbdek". Dik mall-ewwel taret f'idejh. Dak l-istudent baqa' mistagħġeb u mall-ewwel reġa' ħalliha ttir fil-libertà, u qatt aktar ma semagħha iddejjqu.

[955] 23 L-imqaddes Franġisku darba minnhom kien qiegħed jaqsam l-għadira ta' Rieti fuq dgħajsa żgħira, biex imur fl-eremitaġġ ta' Greccio. Wieħed sajjied offrielu għasfur tax-xmajjar, biex bih jifraħ fil-Mulej. Il-missier imqaddes laqgħu bil-ferħ u filwaqt li fetaħ idejh stiednu bil-ħlewwa biex itir ħieles. Hu ma riedx jitlaq, imma baqa' imgezzez f'idu qisu f'bejta. Il-qaddis, filwaqt li refa' għajnejh lejn is-sema, dam għal żmien twil jitlob. Wara dan il-ħin, donnu *reġa' ġie f'tiegħu* (cfr. Atti 12,11) wara estasi, bil-ħlewwa ikkmanda lill-għasfur biex, mingħajr biża', jmur lura fil-ħelsien li kellu qabel. Malli dak l-għasfur irċieva l-permess u l-barka tiegħu, bil-ġisem tiegħu iċċaqlaq u tar ħieles u mimli ferħ. [2C 167]

[956] 24 Darba oħra fl-istess għadira, meta kien qed jaqsam fuq dgħajsa żgħira, wasal fil-port, fejn tawh ħuta kbira li kienet għadha ħajja. Hu, kif kien imdorri jagħmel, sejjaħ lil ħuta bl-isem ta' oħtu, u reġa' xeħetha fl-ilma ħdejn id-dgħajsa. Dik il-ħuta baqgħet tilgħab fl-ilma ħdejn il-qaddis, li mimli ferħ beda jfaħħar lil Kristu l-Mulej. Il-ħuta ma ċċaqalqitx minn dak il-post, sakemm ma tahiex il-permess li tagħmel dan il-qaddis.

[957] 25 Meta l-imqaddes Franġisku kien jinsab f'eremitaġġ, fejn soltu kien imur jinħeba mill-bnedmin u mill-ħafna kliem tagħhom, kien hemm seqer li kellu l-bejta f'dak il-post u li miegħu intrabat b'patt ta' ħbiberija. Għaliex fil-ħin tal-lejl, meta soltu l-qaddis kien iqum għall-uffiċċju divin, is-seqer kien dejjem iqajjmu bil-kant u l-istorbju tiegħu. Il-qaddis kienet togħoġbu ħafna din il-ħaġa, għaliex hu b'ħerqa kbira kien iqajjmu bla dewmien. Iżda meta l-qaddis kien ikun marid aktar mis-soltu, is-seqer kien joqgħod kwiet u ma kienx iqajjmu daqshekk kmieni. Bħallikieku kien *mgħallem minn Alla* (cfr. Lq 4,34), fi sbieħ il-jum kien jibqa' jdoqq il-qanpiena tal-leħen tiegħu bil-ħlewwa kollha. Ma għandniex nistagħġbu, għalhekk, jekk il-ħlejjaq kollha kienu jqimu lil dan il-bniedem li tant kien iħobb lill-Ħallieq[645]. [2C 168; LM VIII,10]

[958] 26 Wieħed raġel nobbli mill-*contado* ta' Siena, darba minnhom bagħat faġjan lill-imqaddes Franġisku, li kien marid. Dak laqgħu b'sens ta' radd il-ħajr, mhux għax ried jieklu, imma skond id-drawwa tiegħu li jifraħ dejjem bil-ħlejjaq għall-imħabba tal-Ħallieq. Imbagħad qal lill-faġjan: "Ikun imfaħħar il-Ħallieq tagħna, ħija faġjan!" U lill-aħwa qalilhom: "Ejjew naraw issa jekk ħuna l-faġjan iridx joqgħod magħna, inkella iridx imur joqgħod fil-postijiet tas-soltu li hu mdorri fihom". Wieħed mill-aħwa, bl-ordni tal-qaddis, mar jieħdu 'l bogħod u ħallieh f'dielja. Imma dak mall-ewwel tar bil-ħeffa, u reġa' lura lejn il-missier. Dan ordna li jeħduh aktar 'il bogħod. Imma l-għasfur, b'ħeffa kbira, reġa' lura fil-bieb taċ-ċella, u donnu bil-qawwa kollha, beda jidħol taħt it-tonok ta' l-aħwa, li kienu fid-daħla. Il-qaddis imbagħad ikkmandahom biex

[645] Skond San Bonaventura, LM VIII,10, il-fatt ta' *frate falco* seħħ fuq La Verna, waqt ir-randan ta' San Mikiel.

jitimgħuh bil-ħerqa, u beda jmellsu u jkellmu bil-ħlewwa. Kien hemm tabib, li kien devot ħafna tal-*qaddis ta' Alla* (cfr. Lq 4,34), u talab lill-aħwa biex jagħtuh dak l-għasfur, mhux biex jieklu, imma biex jieħu ħsiebu minħabba l-qima tiegħu lejn il-qaddis. U xi ngħidu iżjed? Hu ħadu miegħu d-dar; imma dak il-faġjan *donnu sofra offiża* (cfr. Sir 4,9) talli ħaduh 'il bogħod mill-qaddis, u sakemm dam maqtugħ minn miegħu ma ried jiekol xejn. Dak it-tabib baqa' miblugħ bl-istagħġib, u reġa' ħa lura lil dak il-fagjan għand il-qaddis, u irrakkontalu *ħaġa wara l-oħra* (cfr. Est 15,9) dak li kien ġara. Malli l-faġjan qiegħduh ma' l-art, malli ra quddiemu lill-missier, neħħa minnu kull niket, u beda jiekol kollu ferħ.

[959] 27 Maġenb iċ-ċella ċkejkna tal-*qaddis ta' Alla* (cfr. Mk 1,24) ħdejn il-Porziuncola, kien hemm werżieq fuq siġra tat-tin, li ta' spiss kien joqgħod isaffar bil-ħlewwa kollha. Il-missier imqaddes, darba minnhom, ħareġ idu, u sejjaħlu bil-ħlewwa biex jiġi għandu, u qallu: "Ħija werżieq, ejja għandi!" U dak, donnu fehem dak li qallu, għaliex mall-ewwel tela' fuq idejh. U hu qallu: "Kanta, ħija werżieq, u faħħar lill-Mulej Ħallieq tiegħek bil-ferħ". U dak obdieh mingħajr l-ebda dewmien, u beda jkanta, u ma waqafx sakemm *il-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 4,9.16), filwaqt li beda wkoll ifaħħar lil Alla miegħu, tah il-permess biex imur lura fejn kien soltu joqgħod. U għal tmint ijiem sħaħ hu baqa' dejjem f'dak il-post qisu msammar hemmhekk. U l-qaddis, kull darba li kien joħroġ miċ-ċella, kien dejjem inewwillu idu, u kien jikkmandah biex ikanta, u l-werżieq kien dejjem ikun lest li jobdi t-talbiet tiegħu. U l-qaddis qal lil sħabu: "Ejjew issa nagħtu l-ħelsien lil ħuna l-werżieq, għaliex hu ferraħna biżżejjed bit-tifħir tiegħu, li ma jmurx *il-ġisem tagħna jiftaħar* bil-frugħa *minħabba* fih" (cfr. 1Kor 1,29; 2Kor 12,5). U l-werżieq mall-ewwel, meta ingħata l-ħelsien, telaq minn hemm u qatt aktar ma reġa' deher. L-aħwa kollha li raw dan il-fatt baqgħu mistagħġbin ħafna. [2C 171]

[960] 28 Meta r-raġel qaddis kien jgħix f'post fqir kien jixrob fi sjuna tal-fuħħar. Wara l-mewt tiegħu, in-naħal fiha għamlu, skond il-kapaċità ta' l-għaġeb tagħhom, xehda għall-għasel, donnhom biex juru b'mod ta' l-għaġeb il-kontemplazzjoni divina li hemmhekk hu kien xorob bil-ferħ.

[961] 29 Meta kien Greccio lil San Franġisk ġabulu fenek selvaġġ li kien għadu ħaj u b'saħħtu. Hu reġa' tah il-ħelsien, u dak seta' jaħrab fejn irid, imma meta l-qaddis sejjaħlu, dak b'ġirja waħda mar jistkenn f'dirgħajh. Il-qaddis ħaddnu miegħu bit-tjieba u beda jwissih bil-ħlewwa biex ma jħalli lil ħadd aktar jaqbdu, imbagħad bierku u ikkmandah biex imur fil-bosk. [1C 60]

[962] 30 Każ ieħor bħal dan ġara meta l-qaddis tawh fenek, li hu annimal selvaġġ ħafna, waqt li hu kien qiegħed jgħix fuq gżira ta' l-għadira ta' Perugia.

[963] 31 Meta darba l-bniedem ta' Alla kien qiegħed jivvjaġġa minn Siena lejn il-Valle di Spoleto, wasal qrib għalqa li fiha kien hemm merħla mhux żgħira ta' nagħaġ jirgħu. Hu sellmilhom bil-ħlewwa, u bħas-soltu, dawk in-nagħaġ kollha ġrew lejh, *filwaqt li refgħu rashom* (cfr. Lq 21,28) u bdew jgħajjtu donnhom biex iwieġbu għat-tislima tiegħu. Il-vigarju tiegħu qagħad iqis b'attenzjoni kbira dak li kienu qed jagħmlu n-nagħaġ, u filwaqt li kien miexi aktar lura b'pass inqas mgħaġġel flimkien ma' sħabu, qalilhom: "Rajtu dak li għamlu n-nagħaġ lill-missier imqaddes? Tassew *kbir hu dan il-bniedem* (cfr. Ġob 1,1) li l-bhejjem iqimuh bħallikieku missierhom, u għalkemm ma għandhomx raġuni, jagħarfuh bħala l-ħabib tal-Ħallieq tagħhom".

[964] 32 L-alwett, li huma għasafar ħbieb tad-dawl tal-jum imma jibżgħu mid-dlam malli jibda dieħel il-lejl, f'dik l-istess lejla li fiha San Franġisk għadda minn din id-dinja għal għand Kristu, għalkemm kien għoddu beda jidlam, ġew fuq il-bejt tad-dar u bdew iduru b'ħafna storbju u jsaffru għal żmien twil, ma nafux jekk hux biex juru l-ferħ jew in-niket tagħhom. Huma kienu jkantaw bil-biki kollu ferħ u b'hena kollha niket, donnhom kienu qegħdin jibku għan-niket ta' l-ulied jew inkella riedu jħabbru li l-missier kien issa wasal biex jidħol *fil-glorja ta' dejjem* (cfr. Sir 31,10). Il-ħarriesa tal-belt li kienu qegħdin jgħassu dak il-post bl-attenzjoni, baqgħu miblugħin u bdew jistiednu lill-oħrajn biex jistagħġbu huma wkoll għal dik id-dehra.

Kapitlu V
Dwar kif il-ħniena divina kienet dejjem lest li tilqa' x-xewqat ta' San Franġisk.

[965] 33 Mhux biss il-ħlejjaq kienu jobdu għax-xewqat ta' dan il-bniedem, imma l-istess providenza tal-Ħallieq kienet dejjem tmil bil-ħlewwa għax-xewqat tiegħu. It-tjieba paterna kienet tiġi qabel ix-xewqat tiegħu u kienet tilqa' minn qabel bil-ħerqa kollha lil dawk li kien intelaq fi ħdanha. Fl-istess ħin kienu jidhru l-ħtieġa u l-grazzja, ix-xewqa u l-għajnuna.

Fis-sitt sena tal-konverżjoni tiegħu, imħeġġeġ bix-xewqa tal-martirju, ried jaqsam il-baħar u jmur fis-Sirja. Wara li tela' fuq ġifen li kien se jbaħħar lejn dawk l-inħawi, minħabba l-irjiħat kuntrarji, spiċċa fuq il-kosta ta' Schiavonia flimkien mal-baħrin l-oħrajn. Meta intebaħ li ma setax jaqta' dik ix-xewqa kbira tiegħu, wara ftit żmien talab li xi baħrin li kienu sejrin Ancona, biex iħalluh jaqsam lura l-baħar magħhom. Huma ċaħdu t-talba tiegħu bil-qawwa, għaliex ma kellhomx ikel biżżejjed, imma l-qaddis ta' Alla, filwaqt li afda fit-tjubija bla tarf tal-Mulej, tela' bil-moħbi fuq dak il-ġifen flimkien ma' sieħbu. Mall-ewwel, bil-qawwa tal-providenza divina, ġie wieħed raġel li ma kien jafu ħadd, u ġab miegħu l-ikel meħtieġ. Dan sejjaħ wieħed baħri tal-ġifen *li kien jibża' minn Alla* (cfr. Ġob 1,1.8) u qallu: "Ħu miegħek dan kollu u agħtih bil-fedeltà *fiż-żmien tal-ħtieġa* (cfr. Sir 8,12) lil dawk iż-żewġ fqajrin li hemm moħbija fuq il-ġifen". U ġara li ftit wara li telqu qamet tempesta qawwija, u għal bosta ġranet il-baħrin *kienu jaqdfu bi tbatija kbira* (cfr. Mk 6,48) u kielu l-ikel kollu li kellhom, u kien fadal biss l-ikel tal-fqajjar Franġisku. Dan l-ikel, bil-grazzja u l-qawwa divina, tkattar b'tali mod li, minkejja li kien fadal diversi ġranet ta' baħar, kien biżżejjed għal kulħadd li kien jinsab fuq il-ġifen sa ma dan wasal fil-port ta' Ancona. Meta l-baħrin raw li kienu salvaw mill-perikli tal-baħar għall-merti tal-qaddej ta' Alla Franġisku, u li kienu irċevew mingħandu dak li huma kienu ċaħdu lilu, raddew ħajr *lil Alla li jista' kollox* (cfr. Sir 50,19), li dejjem jidher ta' l-għaġeb u mimli mħabba fil-qaddejja tiegħu. [1C 55]

[966] 34 L-imqaddes Franġisku kien ġej lura minn Spanja, billi ma setax jasal fil-Marokk skond kif kien jixtieq, għax kien marad gravement. Għax maħkum bil-għejja mill-miżerja u mid-dgħufija u mkeċċi 'l barra b'mod goff mill-ospizju minn dak li kien talab li joqgħod għandu, għal tlitt ijiem ma setax jitkellem. Meta mbagħad, b'xi mod, reġa' ħa lura saħħtu, filwaqt li kien miexi fit-triq flimkien ma' fra Bernardo, qallu li kellu xewqa li jiekol għasfur, kieku kien isib wieħed. U ara li ġie mill-għelieqi wieħed kavallier, li kien qiegħed iġorr għasfur mill-aktar tajjeb. Dak qal lill-imqaddes Franġisku: "Qaddej ta' Alla, ilqa' bi pjaċir dak li tibgħatlek it-tjieba divina". Dak *laqa' bil-ferħ* (cfr. Tob 7,1) dak id-don, u billi fehem kemm Kristu kien jieħu ħsiebu, *bierku f'kollox* (cfr. Tob 13,1; 1Tes 5,23). [1C 56]

[967] 35 Meta kien jinsab marid fil-palazz ta' l-isqof ta' Rieti, kien liebes tonka fqira u qadima ħafna, u dan *il-missier tal-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16) darba qal lil wieħed minn sħabu, li kien ħatru bħala gwardjan tiegħu: "Ħija, nixtieq, jekk inti tista', li ssibli biċċa pannu biex nagħmel tonka". Dak beda jaħseb kif se jagħmel biex isiblu l-pannu li tant kien jeħtieġu u li kien talbu b'tant umiltà. *L-għada filgħodu* (cfr. Ġak 4,13.14), meta kien għadu kmieni ħafna, resaq lejn il-bieb, biex imur fil-belt ħalli jara jekk isibx il-pannu: u ara li quddiem il-bieb *kien hemm wieħed raġel* (cfr. Lq 22,10), li ried ikellmu. U dak ir-raġel qallu: "Għall-imħabba ta' Alla, ħija, ilqa' mingħandi dan il-pannu għal sitt tonok, u filwaqt li żżomm waħda minnhom għalik, qassam l-oħrajn skond kif jogħoġbok, għas-salvazzjoni ta' ruħi". Dak imtela' bil-ferħ u mar lura għand l-imqaddes Franġisku, u irrakkontalu kif kien ġie dak ir-rigal mis-sema. U l-missier wieġbu: "Ilqa' dawk it-tonok, għaliex dak ir-raġel ġie mibgħut għandna għal dik ir-raġuni, biex jgħinni fil-ħtieġa tiegħi. Inroddu ħajr mela lil dak li donnu *jieħu ħsieb tagħna* (cfr. 1Sam 9,5; S 39,18) biss". [2C 43]

[968] 36 Meta r-raġel qaddis kien jgħix f'eremitaġġ, kien jiġi jarah tabib kull jum minħabba l-kura ta' għajnejh. Jum minnhom il-qaddis qal lill-aħwa: "Stiednu lit-tabib u agħtuh ikla tajba". Il-gwardjan wieġbu: "Missier, *bil-mistħija* (cfr. Lq 14,9) ngħidlek, li nistħu nistednuh, daqs kemm aħna foqra bħalissa". Il-qaddis *wieġbu u qallu* (cfr. Ġw 1,26): "*Nies ta' fidi ċkejkna, tridu li nerġa' ngħidilkom mill-ġdid*?" (cfr. Mt 14,31; 20,32). It-tabib, *li kien jinsab hemmhekk qal* (cfr. Mk 14,70): "L-aħwa l-aktar għeżież, jiena nqis il-faqar tagħkom bħala ħaġa mill-aktar bnina". L-aħwa marru jħaffu, u qiegħdu fuq il-mejda dak kollu li kellhom maħżun, jiġifieri *ftit ħobż* (cfr. 2Kron 18,26), naqra inbid, u biex jieklu b'abbundanza akbar, mill-kċina ġabu wkoll ftit ħxejjex. Imma sadanittant *il-mejda tal-Mulej* (cfr. Mal 1,7) ħennet għall-mejda tal-qaddejja tiegħu; *ħabbat il-bieb* (cfr. Lq 13,25), mar jiġri jiftaħ wieħed mill-aħwa, u ara kien hemm mara ġġorr kannestru, li fih offriet lill-aħwa ħafna ħobż mill-isbaħ, ħut u torot tal-gambli, flimkien ma' għenieqed ta' għeneb u għasel. Għal dik id-dehra dawk il-fqajrin fuq il-mejda ferħu mhux ftit, u wara li refgħu l-ikel fqajjar tagħhom għall-għada, qiegħdu fuq il-mejda biex jieklu dak l-ikel mill-ifjen. It-tabib stagħġeb u ħa nifs qawwi *filwaqt li qalilhom* (cfr. Mt 14,27): "L-aħwa, la intom u lanqas aħna s-seklulari ma nafu kif jixraq kemm hu qaddis dan il-bniedem". Huma kienu jixbgħu b'dak l-ikel, imma fil-fatt kienu mxebbgħin aktar b'dak il-miraklu. Hekk dawk l-*għajnejn ta' missier* (cfr. Prov 30,17) qatt ma jħarsu bi stmerrija lejn dawk li jħobb; mhux biss, imma talli jmantni bil-providenza tiegħu lit-tallaba li l-aktar ikollhom ħtieġa tagħha. [2C 44]

## Kapitlu VI
## Dwar Donna Jacopa dei Settesoli.

[969] 37 Jacopa dei Settesoli[646], li kienet magħrufa fil-belt ta' Ruma għan-nobbiltà u l-qdusija tagħha, stħaqqilha l-mertu tal-privileġġ li l-qaddis juri mħabba partikulari lejha. Ma

---

[646] 646 Iacopa dei Settesoli, sinjura nobbli ta' Ruma, kienet ġejja minn familja Normanna, miżżewġa lill-patrizju ruman Graziano Ancio Frangipani, konti ta' Marino o proprjetarju tas-*Septizonium*. Minnu kellha żewġ itfal: Giovanni u Graziano (Giacomo?). Kienet sfat armla fl-1217. Ma nafu kważi xejn la dwar it-twelid u lanqas dwar il-mewt tagħha. Il-CA 8 tgħid li hi marret tiġri għall-mewt tal-qaddis, akkumpanjata minn binha Giovanni li, skond Celano, ta xhieda fil-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. Wara l-1230 hi irtirat f'Assisi, fejn mietet f'età avvanzata. Indifnet fil-basilica inferiore ta' San Franġisk. Illum il-fdalijiet tagħha jinsabu int u nieżel fil-kripta, faċċata tal-qabar ta' San Franġisk

hemmx bżonn li nkun jiena li ntenni, b'tifħir tagħha, id-dinjità nobbli tal-familja tagħha, l-għana kbir li kellha, u fuq kollox il-perfezzjoni ta' l-għaġeb tal-virtujiet tagħha, u l-kastità tagħha fiż-żmien twil li għexet bħala armla. Billi l-qaddis kien marid ħafna b'dik il-marda li kellha twasslu, permezz tal-mewt hienja, biex *itemm il-ġirja ta' ħajtu* (cfr. 2Tim 4,7), ftit ġranet qabel ma miet, ried li l-aħwa javżaw lil Donna Jacopa li kienet tinsab f'Ruma, u jgħidulha biex tiġi tħaffef jekk riedet tara lil dak li hi tant kienet ħabbitu bħala pellegrin fuq din l-art u li issa kien imhejji biex imur lejn is-sema pajjiżu. Hekk hu talab lill-aħwa jiktbu ittra[647], u wara li sabu lil xi ħadd biex iwassalha, dan telaq b'ġirja waħda. Imma f'daqqa waħda instema' barra mill-bieb il-ħoss ta' ħafna żwiemel, l-istorbju ta' kavallieri, u s-sinjali tal-wasla ta' xi ħadd nobbli. Wieħed mill-aħwa mar jiftaħ il-bieb, dak l-istess wieħed li kien qiegħed jispjega lil dak li kellu jwassal l-ittra, u malli resaq lejn id-daħla sab quddiemu lill-istess mara li l-aħwa kienu qegħdin ifittxuha. Hu baqa' miblugħ bil-għaġeb, u mar jiġri għand il-qaddis, u ma jiflaħx aktar iġorr fih *dak il-ferħ kbir* (cfr. Lq 24,41), qallu: "Missier, għandi aħbar mill-isbaħ x'nagħtik". Il-qaddis, li kien diġà jaf fl-ispirtu dak li ġara, ħaffef iwieġbu u qal: "*Imbierek Alla* (cfr. S 65,20) li wassal lil Donna *frate* Jacopa għandna! Iftħu l-bieb, u ħalluha tidħol hawn ġewwa, għaliex għal *frate* Jacopa ma għandux jiġi osservat id-digriet tal-klawsura li fiha ma jidħlux in-nisa!"

38 Fost dawk il-mistednin nobbli kien hemm ferħ kbir, kif ukoll ixxerred id-dmugħ tal-ferħ u tal-faraġ. Mhux biss, imma biex ikun jidher tassew veru dak il-miraklu, dik il-mara qaddisa ġabet lill-missier dak kollu li kien jeħtieġ għall-funeral tiegħu, skond kif hu kien ried li jiktbulha fl-ittra li ried jibgħatilha. Għaliex hi kienet ġabet magħha d-drapp ta' lewn l-irmied, biex bih tkeffen il-ġisem dgħajjef ta' dak li kien se jmut, flimkien ma' ħafna xemgħat, maktur biex bih tgħattilu wiċċu, imħadda għal taħt rasu, u ċertu ħelu li l-qaddis kien xtaq jiekol[648], u dak kollu li dan il-bniedem fl-ispirtu tiegħu kien talab u li Alla kien nebbaħha biex iġġiblu. Inkompli r-rakkont ta' dan il-pellegrinaġġ, għaliex hekk kien tassew, biex ma nħallix mingħajr faraġ lil din il-pellegrina nobbli. Dik il-kotra kollha, u l-aktar il-poplu devot tal-belt, kienu jistennew it-tluq tal-qaddis mill-mewt għall-ħajja, li kien se jseħħ minn mument għall-ieħor. Imma malli ġiet dik il-pellegrina minn Ruma l-qaddis donnu ġie ftit għall-aħjar u kulħadd beda jaħseb li kien se jtawwal. Dik il-mara ħasbet li titlob il-kumplament ta' dawk li akkumpanjawha biex imorru lura, u baqgħet waħedha, flimkien ma' uliedha u ftit kavallieri bit-tarki. Imma l-qaddis qalilha: "Tibgħathomx, għaliex jiena nhar is-Sibt li ġej nitlaq, u inti l-Ħadd tkun tista' tinżel lura Ruma ma' kulħadd". U hekk ġara tassew: fis-siegħa li kien ħabbar daħal fil-Knisja trijonfanti dak li kien tħabat b'tant kuraġġ fil-Knisja militanti. Hawnhekk inħalli r-rakkont tal-folol kbar li ġew bi ħġarhom, l-ilħna ferrieħa li kantaw, id-daqq solenni tal-qniepen, id-dmugħ li xtered. Inħalli r-rakkont ta' l-ulied li jibku, ta' l-ilfiq ta' dawk li kienu jħobbuh, tat-tnehid ta' l-aħwa. Nieqaf biss biex nirrakkonta kif din il-pellegrina, li issa ġiet imċaħħda mill-faraġ tal-missier, sabet il-konsolazzjoni meħtieġa.

---

647 Ir-rakkont ta' l-ittra li San Franġisk bagħat lil Jacopa dei Settesoli nsibuh f'CA 8; SP 112; *Fioretti*, 4 Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati. Imma l-kontenut ta' l-ittra nafu bih mill-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*, kap. 18: "*Domine Iacobe, serve Altissimi, fr. Franciscus, pauperculus Christi, salutem et societatem Spiritus Sancti in D. Ihesu Cristo. Scias, carissima, quod michi Cristus benedictus per suam gratiam vite mee terminum futurum in proximo revelavit. Quapropter si vis invenire me vivum, visis litteris, ad S. Mariam de Angelis venire festina. Nam si usque ad talem diem non veneris, me vivum invenire non poteris. Et porta tecum pannum cilicinum in quo corpus meum involvas, et ceram pro sepultura. Rogo etiam quod portes michi de illis comestibilibus que michi consuevisti dare quando infirmabar Romae*". L-ittra bid-djalett Toscan tinsab ukoll fil-*Fioretti*, 4 Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati.

648 *Ferculum quoddam*. Dan jirreferi għall-ispeċjalità tal-ħelu ruman imsejjaħ "mostaccioli", magħmul bil-lewż u l-għasel.

[970] 39 Donna Jacopa, maħsula kollha kemm hi bid-dmugħ, ġiet meħudha f'post għaliha waħedha, biex tkun qrib il-ġisem mejjet tal-qaddis, u filwaqt li l-vigarju ġabilha dan il-ġisem tal-ħabib f'dirgħajha, qalilha: "Ara, dak li inti ħabbejtu meta kien ħaj, issa li hu mejjet ħaddnu miegħek!" U hi, filwaqt li xerrdet dmugħ jaħraq fuq dak il-ġisem, bdiet tibki u tolfoq aktar minn qabel, u bdiet tgħannqu magħha u tbusu, filwaqt li neħħietlu l-velu biex tkun tista' tħares lejn wiċċu[649]. U xi ngħidu iżjed? Bdiet tikkontempla *dik il-ġarra* prezzjuża, li fiha kien hemm moħbi *teżor* (cfr. Prov 20,15; Mt 13,44) aktar prezzjuż, imżejjen b'ħames ġawhriet. Bdiet titgħaxxaq b'dawk il-ġrieħi, li jixirqilhom il-qima tad-dinja kollha, u li l-id ta' Dak li jista' kollox kienet naqqxet. Hekk hi, f'daqqa waħda, imtliet b'ferħ li qatt ma ħassitu qabel, u reġgħet ħadet il-ħajja malli ħarset lejn il-ħabib tagħha mejjet. Hi mall-ewwel qalet li dak it-teżor ma kellux jibqa' miżmum mistur minn kulħadd fit-tul, għax kien miraklu li qatt ma nstema' ieħor bħalu qabel, imma li l-aħwa kellhom b'deċiżjoni għaqlija juruh lil kulħadd. Hekk kulħadd mar jiġri biex jara dik id-dehra, u intebħu li Alla *ma għamel hekk ma' ebda poplu* (cfr. S 147,20), u baqgħu mistagħġbin ħafna. Hawnhekk ħa nieqaf nikteb, għaliex ma rridx nibda' ntemtem dwar dak li nixtieq nikteb. Giovanni Frigia Pennate[650], meta kien għadu tifel, u mbagħad sar prokonslu ta' Ruma u konti tas-Sacro Palazzo, dak li flimkien ma' ommu, *ra b'għajnejh u mess b'idejh* (cfr. 1Ġw 1,1) dawk il-ġerħat, bil-libertà ta xhieda taħt ġurament, u stqarr il-verità tal-miraklu kontra kull dubju. Il-pellegrina mbagħad marret lura lejn beltha, imfarrġa bil-privileġġ tal-grazzja li kisbet, u aħna, wara li issa tkellimna dwar il-mewt tal-qaddis, inkomplu d-diskors tagħna fuq mirakli oħrajn. [CA 8; SP 112; Fioretti, 4 Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati]

## Kapitlu VII
## Dwar il-mejtin li reġgħu lura għall-ħajja għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku.

[971] 40 Se nibda issa nitkellem dwar il-mejtin li, għall-merti tal-konfessur ta' Kristu, tqajjmu għall-ħajja, u nitlob lil dawk li jisimgħu u li jaqraw biex jagħtuni widen bl-attenzjoni. Fir-rakkonti tiegħi se nħalli barra bosta ċirkustanzi, minħabba l-qosor, u se niskot dwar it-tifħir ta' dawk li baqgħu mistagħġbin quddiemhom, biex nirrakkonta biss il-fatti mirakolużi.

Fil-kastell ta' Monte Marano, qrib Benevento, kien hemm mara ġejja minn familja nobbli, imma li kienet aktar nobbli fil-virtù, u li kienet inġibdet lejn San Franġisk b'devozzjoni speċjali, u kienet taqdih b'qima kbira. Hi kienet maħkuma minn marda u kienet waslet lejn tmiem ħajjitha, u hekk *imxiet fit-triq li jgħaddi minnha kull bniedem* (cfr. Ġoż 23,14). Billi mietet wara nżul ix-xemx, id-difna ħallewha għall-jum ta' l-għada, biex hekk il-kotra kbira ta' l-għeżież tagħha setgħu jieħdu sehem fid-difna. Matul il-lejl ġew il-kjeriċi bis-salterji biex ikantaw l-uffiċċju tal-vġili tal-

---

[649] Jacopa dei Settesoli tiġi mqabbla ma' Marja Maddalena taħt is-salib, fil-*Fontes* li jġibu dan ir-rakkont: *videtur quasi altera Madalena, plena semper lacrimis et devotione pro amore Dei* (CA 8); *semper plena lacrimis et devotione prae amore et dulcedine Christi videbatur quasi altera Magdalena* (SP 112); *Procidens autem illa ad illos pedes divinis caracteribus consignatos, tantam ibi accepit consolationem et gratiam et copiam lacrimarum, quod, sicut Magdalena pedes Domini lacrimis lavit, et devotissime amplexando et geminando oscula circumquaque quasi alterius Christi pedibus fidelia labia imprimebat, ita quod fratres a pedibus sancti non potuerunt illam avellere* (*Actus B. Francisci et Sociorum Eius*, kap. 18); *Madonna Iacopa s'inginocchiò a' piedi di santo Francesco, e prende que' santissimi piedi e segnati e ornati delle piaghe di Cristo e con si grande eccesso di divozione li baciava e bagnava di lagrime, che a' frati che stavano dintorno parea vedere propriamente la Maddalena a' piedi di Gesù Cristo* (*Fioretti*, 4 Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati).

[650] Giovanni Frangipane, jew dei Pennati, li kien l-iben il-kbir ta' Donna Jacopa dei Settesoli.

mejtin, u madwarhom *inġabret kotra kbira ta' rġiel u nisa* (cfr. 2Kron 31,18). U ara li, f'daqqa waħda, quddiem għajnejn kulħadd, dik il-mara qamet fuq is-sodda u fost dawk preżenti sejħet lil wieħed saċerdot, li kien il-parrinu tagħha, u qaltlu: "Missier, jiena rrid inqerr, nitolbok tisma' d-dnub tiegħi! Għax jiena ninsab mejta, u kont sejra mmur lejn ħabs kiefer, għaliex qabel ma kontx għadni qerrejt dan id-dnub li issa se nikxfu quddiemek. Imma billi jiena kont devota ħafna ta' San Franġisk, hu talab għalija, u hekk ġejt mogħtija l-grazzja li nerġa' lura fil-ħajja sabiex, wara li nkun qerrejt dan id-dnub, *jistħoqqli nikseb il-maħfra sħiħa* (cfr. Ġen 4,13). U ara li issa quddiemkom kollha li qegħdin tarawni, jiena se nqerr dnubi, u mbagħad immur inħaffef lejn il-mistrieħ imwiegħed". Hekk hi qerret bla dewmien għand dak is-saċerdot li kien jitriegħed, u wara li dan taha l-assoluzzjoni, reġgħet imteddet bil-kalma fuq is-sodda u *raqdet* kollha ferħ *fil-Mulej* (cfr. Atti 7,60). Min jista' jfaħħar b'tifħir xieraq il-ħniena ta' Kristu? Min ma jiċċelebrax il-virtujiet ta' din il-qrara u l-merti tal-qaddis b'tifħir xieraq?

[972] 41 Sejrin nuru kif kulħadd għandu jilqa' bl-imħabba d-don divin ta' l-għaġeb tal-qrar, u wkoll naraw kif hu xieraq li naraw b'mod ċar kif dan il-qaddis dejjem gawda mill-merti singulari quddiem Kristu. Għaldaqstant jaqbel li nirrakkontaw dak li, meta hu kien għadu ħaj f'din id-dinja, wera b'mod ta' l-għaġeb, u dak li wara l-mewt tiegħu wera fih Kristu b'mod aktar ta' l-għaġeb. Għax darba minnhom, meta l-imqaddes Franġisku mar jippriedka f'Celano, laqgħu għandu bid-devozzjoni wieħed kavallier, u bil-ħerqa kollha beda jistiednu biex imur jiekol għandu. Hu għall-ewwel ma riedx imur, imma fl-aħħar ikkonvinċa ruħu wara l-insistenza kbira ta' dak il-bniedem. Wasal il-ħin ta' l-ikel u ħejjewlu mejda mill-aħjar. Dak li laqgħu għandu flimkien mal-familja kollha tiegħu kien feraħ ħafna meta daħlu għandu dawk l-aħwa fqajrin. L-imqaddes Franġisku baqa' wieqaf u *filwaqt li refa' għajnejh lejn is-sema* (cfr. Dan 4,31), sejjaħ lejh lil dak li kien laqgħu għandu, u qallu: "Ara, ħija li lqajtni għandek, jiena ħallejt lili nnifsi niġi mirbuħ mit-talb tiegħek u *dħalt f'darek* (cfr. Lq 7,44) biex niekol. Issa isma' mall-ewwel din it-twissija tiegħim għaliex inti m'intix se tiekol hawnhekk, imma post ieħor. *Stqarr dnubietek* (cfr. 1Ġw 1,9) bl-indiema u bid-devozzjoni kollha, u tħalli xejn barra minn dak kollu li tista' tqerr. Illum il-Mulej *se jagħtik il-ħlas* (cfr. Is 59,18) talli inti lqajt għandek lill-fqajrin tiegħu b'tant devozzjoni". Dak ir-raġel *sema' mill-kliem* (cfr. 1Tim 6,3) tal-qaddis, u wara li sejjaħ lil wieħed minn sħab San Franġisk, li kien saċerdot, stqarr quddiemu waqt qrara sinċiera d-dnubiet tiegħu kollha. *Ħejja lin-nies ta' daru* (cfr. Is 38,1), u qagħad jistenna bla ebda dubju li jseħħu l-kliem tal-qaddis. Hekk huma daħlu għall-ikel, u kulħadd kien beda jiekol, u hu wkoll għamel is-sinjal tas-salib u firex idejh imriegħda lejn il-ħobż, imma qabel ma seta' jreġġagħha lura, *mejjel rasu u radd* ruħu (cfr. Ġw 19,30). O kemm għandna għaliex inħobbu l-qrar tad-dnubiet! Għax ara, biex tkun tista' tqerr, persuna waħda tqajjmet mill-mewt, u sabiex wieħed ħaj *ma jmurx jintilef għal dejjem* (cfr. Ġw 10,28), ġie meħlus bil-benefiċċju tal-qrar.

[973] 42 Wieħed tifel ta' seba' snin mill-belt ta' Ruma, li kien iben ta' nutar, ried imur flimkien ma' ommu, kif soltu jkunu jridu jagħmlu t-tfal, lejn il-knisja ta' San Mark għall-priedka, imma din ommu bagħtitu lura lejn id-dar. Dan, meta ra li ommu ma rieditux magħha, donnu maħkum minn istint ġej mix-xitan, inxteħet għal isfel mit-tieqa tal-palazz. Mat-tisbita li ħa meta waqa', hu miet tal-kolp. Ommu ma kienetx marret wisq 'il bogħod, u malli semgħet il-ħoss ta' ġisem li kien waqa', bdiet titħasseb dwar x'seta' ġara, u ġriet lura lejn id-dar, u hemm sabet lil binha mejjet. Hi mall-ewwel bdiet tagħfas wiċċha b'difrejha, u bdiet tixher u ssejjaħ lill-ġirien, kif ukoll ġew it-tobba ħdejn dak il-ġisem mejjet. Imma setgħu huma *jqajjmu għall-ħajja ġisem* mejjet? (cfr. Atti 26,8). Issa kienet kollha ta' xejn il-kura, u t-tobba setgħu biss jispjegaw, imma

mhux isibu rimedju għal li kien ġara, u kollox issa kien biss f'idejn Alla. Fil-fatt, it-tifel kien nieqes mis-sħana u mill-ħajja, minn kull sentiment, ċaqlieq jew saħħa, u hekk it-tobba iddikjaraw li kien mejjet. Fra Rao, mill-Ordni tal-Minuri, li kien predikatur mill-aktar magħruf fil-belt kollha ta' Ruma, kien ġie hemmhekk biex jippriedka, resaq lejn it-tifel u mimli bil-fidi qal lil missieru: "Inti temmen li l-qaddis ta' Alla Franġisku jista' *jqajjem lil ibnek għall-ħajja* (cfr. Atti 17,31), minħabba l-imħabba li dejjem kellu lejn *l-Iben ta' Alla l-Mulej Ġesù Kristu*?" (cfr. Atti 8,37; 11,17). Missieru wieġbu: "Nemmen bil-qawwa u nistqarr. Jiena nibqa' dejjem għas-servizz tiegħu u mmur inżur il-post qaddis fejn jinsabu l-fdalijiet tiegħu". Dak il-patri mela, flimkien ma' sieħbu, niżel għarkubbtejh, u ħeġġeġ lil kulħadd biex jitlob. Malli temm it-talb tiegħu, it-tifel bil-mod il-mod beda jittewweb, jgħolli dirgħajh 'il fuq u jqum. L-omm marret tiġri tħaddan lil binha, missieru *ma setax iżomm lilu nnifsu mill-ferħ* (cfr. Lq 24,41), u l-poplu kollu imtela' bi stagħġib kbir u beda jfaħħar lil Kristu u lill-qaddis tiegħu b'leħen għoli. It-tifel mall-ewwel beda jimxi quddiem kulħadd u reġa' kiseb lura saħħtu.

[974] 43 L-aħwa li kienu f'Nocera talbu lil wieħed raġel jismu Pietro biex jislifhom karru, għaliex kienu jeħtiġuh għal ftit taż-żmien, imma hu weġibhom ta' iblah u qalilhom: "Jiena nqaxxar tnejn minnkom flimkien ma' San Franġisk u mhux nislifkom il-karru". Imma dak ir-raġel mall-ewwel nidem li kien qal dik id-dagħwa hekk kbira, u filwaqt li beda jħabbat fuq fommu, beda jitlob il-ħniena. Għax hu kien jibża' minn kastig, kif fil-fatt ġara. Bil-lejl *waqt il-ħolm ra* (cfr. Ġen 28,12) d-dar tiegħu mimlija rġiel u nisa, li kienu qegħdin jiżfnu b'ferħ kbir. Ftit taż-żmien wara, ibnu li kien jismu Gafaro, marad, u wara mhux ħafna ġranet miet. Dak iż-żfin li hu kien ra fil-ħolm inbidel fin-niket, u l-ferħ inbidel fil-biki. Ftakar, mela, f'dik id-dagħwa li hu kien qal kontra San Franġisk, u filwaqt li beda jingħasar bin-niket, intebaħ kemm kienet gravi l-ħtija tiegħu. Hekk hu beda jitkagħweġ ma' l-art, u beda jsejjaħ u jitlob bla waqfien lil San Franġisk, u jgħid: "*Jiena hu l-ħati li dnibt* (cfr. 2Sam 24,17), u inti għandek tikkastiga lili. Nitolbok, qaddis, erġa' agħti lura l-iben lil dan ir-raġel penitenti, li kien qal dagħwa kontrik. Jiena nintelaq f'idejk, u għal dejjem noqgħod għax-xewqat tiegħek, għaliex lilek irrid dejjem noffri l-ewwel wild u ġid tiegħi". Ħaġa ta' l-għaġeb! Ma' dawn il-kelmiet l-iben tiegħu qam mill-mewt, u filwaqt li talab lil kulħadd biex jieqaf mill-biki, beda jirrakkonta kif ġrat il-mewt tiegħu. Hu qal: "Filwaqt li jiena kont mejjet ġie l-imqaddes Franġisku u mexxieni minn triq mudlama u twila ħafna. Imbagħad daħħalni u qiegħdni fi ġnien hekk sabiħ, u li jagħti tant pjaċir, li ma nistax inxebbaħ lid-dinja kollha miegħu. Imbagħad reġġagħni lura mill-istess triq, u qalli: 'Mur lura għand missierek u ommok, għaliex jiena ma rridx inżommok hawn aktar fit-tul'. U ara, jiena issa erġajt lura, skond kif għoġob lilu".

[975] 44 Fil-belt ta' Capua, filwaqt li wieħed tifel kien qiegħed jilgħab flimkien ma' tfal oħrajn fuq ix-xatt tax-xmara Volturno, aljena rasu u waqa' fl-ilma fond tax-xmara. *Ix-xmara ġarritu magħha* (cfr. S 45,5) bil-qawwa u bil-ħeffa, u difnitu mejjet taħt ir-ramel. Malli dawk it-tfal li kienu miegħu ħdejn ix-xmara bdew jgħajjtu, bosta irġiel u nisa ġew jiġru bil-ħbula, u meta indunaw x'kien ġralu t-tifel, bdew jitolbu bil-biki: "San Franġisk, erġa' ġib lura lit-tifel u agħtih lil missieru u lin-nannu, li tant ħadmu għas-servizz tiegħek!" Għaliex il-missier u n-nannu ta' dak it-tifel kienu ħadmu b'ħerqa kbira biex jibnu knisja f'ġieħ San Franġisk. Filwaqt, għalhekk, li l-poplu kollu kien jitlob bid-devozzjoni kollha l-merti ta' l-imqaddes Franġisku, wieħed għawwiem li ma kienx ħafna 'l bogħod, meta sema' dak l-għajjat, resaq fil-qrib. U malli sar jaf li kien hemm tifel li kien ilu aktar minn siegħa fix-xmara, wara li *sejjaħ l-isem* (cfr. Atti 22,16) ta' Kristu, u l-merti ta' l-imqaddes Franġisku, neża' ħwejġu u inxteħet fix-xmara. Billi ma kienx jaf il-post li fih it-tifel kien waqa', beda jipprova jgħarrex 'l hawn u 'l hemm bir-reqqa, kemm max-xtut kif ukoll

fil-qiegħ tax-xmara. Fl-aħħarnett, bir-rieda divina, sab il-post fejn it-tajn kien diġà għatta bħal f'qabar il-ġisem mejjet ta' dak it-tifel. Wara li ħaffer fit-tajn u ħareġ barra dak il-ġisem, intebaħ b'niket kbir li dak it-tifel kien mejjet. Imma għalkemm in-nies li kien hemm miġburin bdew jaraw li dak it-tifel kien mejjet, xorta waħda komplew jinsistu bi tnehid u għajjat: "San Franġisk, erġa' rodd lura dan it-tifel lil missieru!" U l-imqaddes Franġisku, kif deher fil-fatt minn dak li ġara, imqanqal mid-devozzjoni u mit-talb ta' dik il-kotra, mall-ewwel qajjem mill-mewt lil dak it-tifel. Dak qam, u fost il-ferħ u l-istagħġib ta' bosta, beda jitlobhom biex jeħduh fil-knisja ta' l-imqaddes Franġisku, u beda jinsisti li hu kien reġa' lura għall-ħajja bl-interċessjoni tiegħu.

[976] 45 Fil-belt ta' Sessa (Aurunca), fl-inħawi li huma magħrufin bl-isem ta' "Le Colonne", dak li jrid itellef lill-erwieħ mis-salvazzjoni u li jrid jeqred l-iġsma tal-bnedmin, jiġifieri x-xitan, waqqa' dar, u din iġġarrfet f'daqqa. Issa hu kien ipprova joqtol bosta tfal, li kienu qegħdin jilgħabu kollhom ferħanin madwar dik id-dar, imma irnexxielu jibla' biss wieħed żagħżugħ, li malli iġġarrfet dik id-dar, miet tal-kolp. Irġiel u nisa, malli inħasdu bil-ħoss ta' dik id-dar li iġġarrfet, ġew jiġru minn kullimkien, u wara li qalgħu t-travi u x-xorok li kienu ħerba, ħarġu lil dak iż-żagħżugħ bla ħajja u ħaduh għand l-imsejkna ommu. Dik bdiet tigref wiċċha u tqatta' xaharha, u mifnija minn ilfiq kollu mrar, u kollha dmugħ bil-biki, bdiet tgħajjat bil-qawwa tagħha kollha: "San Franġisk, San Franġisk, agħtini lura lil ibni!" U mhux hi biss, imma wkoll l-irġiel u n-nisa kollha li kienu inġabru madwarha, ilkoll bdew jolfqu u jgħajjtu: "San Franġisk, reġġa' lura lil dan l-iben għand l-imsejkna ommu!" Wara xi siegħa, dik l-omm, li reġgħet ġiet ftit f'tagħha wara dak l-ilfiq kollu ta' dik it-tbatija, għamlet din il-wegħda: "O San Franġisk, erġa' rodd lura lili msejkna lil ibni, u jiena nżejjen l-altar tiegħek bi gwarniċ tal-fidda u nżejjnu bi tvalja ġdida, u nixgħel ix-xemgħa madwar il-knisja kollha tiegħek!" Dak il-ġisem mejjet meddewh fuq is-sodda, għaliex issa kien daħal il-lejl, u stennew sa l-għada filgħodu biex jidfnuh. Imma għall-ħabta ta' nofs il-lejl, dak iż-żagħżugħ beda jittewweb, u waqt li bdew bil-mod il-mod isaħħnulu l-membri ta' ġismu, ftit qabel ma sebaħ, reġa' ħa lura l-ħajja għal kollox, u infexx f'ħafna kliem ta' tifħir. Il-poplu kollu u l-kleru, meta rawh f'saħħtu u salvat, bdew iroddu ħajr kbir lill-imqaddes Franġisku.

[977] 46 Fil-kastell ta' Pomarico, li jinsab fil-muntanji tal-Puglia, kien hemm missier u omm li kellhom bint waħdanija li kienet għadha żagħżugħa, u li kienu jħobbuha b'imħabba unika. U billi ma kien se jkollhom l-ebda werrieta fil-ġejjieni, hi għalihom kienet l-oġġett ta' l-imħabba kollha tagħhom, u r-raġuni tal-kura kollha tagħhom. Issa hi mardet u kienet fil-periklu tal-mewt, hekk li l-missier u l-omm ta' dik it-tifla kienu donnhom se jmutu huma wkoll. Kienu joqgħodu maġenbha u jgħinuha għal ġranet u ljieli sħaħ mingħajr ma jieqfu, imma darba minnhom filgħodu sabuha mejta. X'aktarx li huma kienu aljenaw rashom għal ftit mill-kura tagħha, għax minħabba li kienu għajjenin mejtin biex joqogħdu magħha, kien ħadhom in-ngħas. L-omm, meta rat li ġiet imċaħħda minn dik il-bint ħelwa tagħha, u issa li kienet tilfet kull tama li jkollha werrieta, kienet għoddha sejra tmut. Inġabru hemmhekk il-qraba u l-ġirien għal dak il-funeral tassew tan-niket, u bdew iħejju ruħhom biex jidfnu lil dak il-ġisem bla ħajja. Dik l-omm imnikkta kienet maħkuma minn tbatija li ma tistax tfissirha, u kienet mifnija b'niket hekk kbir, li lanqas kienet tintebaħ b'dak li kien qiegħed jiġri madwarha. Sadanittant San Franġisk, li kellu miegħu wieħed mill-aħwa, ġie jżur lil dik l-omm imnikkta u beda jfarraġha bi kliem kollhom ħlewwa u jgħidilha: "La tibkix, għaliex ara lill-*musbieħ* tiegħek, li issa għoddu *intefa'* (cfr. Lq 7,13; 2Sam 21,17), jiena se nerġa' nagħtih id-dawl". Dik il-mara qamet minnufih, u filwaqt li qalet lil kulħadd dak li kien qalilha San Franġisk, ma ħallithomx iġorru minn postu l-ġisem mejjet ta' bintha. L-omm mela daret lejn bintha, u bdiet issejjaħ l-isem tal-qaddis, u mbagħad qajjmitha ħajja u mimlija saħħa. Inħallu għall-

oħrajn li jiddeskrivu l-istagħġib li bih imtlew il-qlub ta' dawk li kienu preżenti u l-ferħ li ma jitfissirx tal-ġenturi.

[978] 47 Fi Sqallija, wieħed żagħżugħ jismu Gerlandino, li kien ġej mill-belt ta' Ragusa, mar mal-ġenituri tiegħu biex jaħdem fid-dielja, fiż-żmien tal-ġbir ta' l-għeneb. Filwaqt li hu kien daħal taħt il-magħsar, biex iferra' d-damiġġani fil-bittija, f'daqqa waħda, iċċaqilqu t-travi żgħar ta' l-injam, u l-ġebel kbir li bihom kienu jagħasru l-għeneb, inqalbu fuqu u laqtuh għall-mewt fuq rasu. Il-missier ħaffef lejn ibnu, u maħkum mid-disperazzjoni, ma setax jgħinu biex iċaqlaq dak il-piż, u ħallieh fil-qagħda li fiha kien waqa'. Miġbudin mill-għajjat iddisprat, dawk li kienu jagħasru l-għeneb ilkoll ġrew lejn dak il-post, u filwaqt li bdew jitħassru lil dak il-missier imsejken, ħarġu lil ibnu minn taħt il-piż li kien għaffġu. Imbagħad meddewh fil-ġenb, u keffnu lil dawk il-ġisem bla ħajja, filwaqt li bdew iħejju biex jidfnuh. Imma missieru inxteħet f'riġlejn Ġesù, sabiex jogħoġbu li, għall-merti ta' San Franġisk, li l-festa tiegħu kienet qorbot, jerġa' jagħtih lura ħaj lill-iben waħdieni tiegħu. Hu kattar it-talb tiegħu, għamel wegħda li jagħmel għemejjel ta' tjieba u ħniena, u wiegħed ukoll li jżur mill-aktar fis il-fdalijiet tal-qaddis. Sadanittant laħqet waslet omm dak iż-żagħżugħ, u mimlija disperazzjoni, inxteħtet fuq il-ġisem mejjet ta' binha u bil-biki tagħha bdiet tqanqal lill-oħrajn biex jibku huma wkoll. F'daqqa waħda dak iż-żagħżugħ qam, u filwaqt li beda jsejjaħ lil dawk li kienu qegħdin jibku, beda jifraħ li reġa' lura għall-ħajja, bl-għajnuna ta' San Franġisk. F'dak il-ħin, dawk in-nies kollha miġburin hemmhekk, bdew jerfgħu għajjat ta' ferħ lejn is-sema, u jfaħħru lil Alla, li għall-merti tal-qaddis tiegħu kien ħeles lil dak iż-żagħżugħ mix-xbiek tal-mewt.

[979] 48 Il-qaddis qajjem ukoll wieħed ieħor li kien miet fil-Ġermanja. Dwar dan il-miraklu l-Papa Girgor, permezz ta' ittra apostolika[651], fiż-żmien li fih saret it-translazzjoni ta' l-imqaddes Franġisku, ta xhieda ta' l-awtentiċità tiegħu quddiem l-aħwa kollha li kienu ġew għat-translazzjoni u għall-kapitlu. Jiena ma ktibtx l-istorja ta' dan il-miraklu, għax ma nafhiex, imma jiena żgur li dak li jistqarr il-Papa hu argument ta' valur akbar minn kull ma nista' nikteb jien. Ngħaddu issa biex naraw il-ġrajjiet ta' persuni oħrajn, li l-qaddis ħelishom minn ħalq il-mewt.

## Kapitlu VIII
## Dwar dawk li l-qaddis ħeles minn ħalq il-mewt.

[980] 49 Wieħed ċittadin ta' Ruma, li kien jismu Rodolfo, kellu torri li kien għoli mhux ħażin, u skond id-drawwa, fuq it-torri kien iżomm ħarries. Lejl minnhom, fuq il-quċċata ta' dan it-torri, filwaqt li l-ħarries kien rieqed fil-fond, mimdud fuq gozz injam li kien imqiegħed fuq ix-xifer taċ-ċint, ġara li f'daqqa waħda inħall l-irbit tiegħu, x'aktarx minħabba li ċeda xi injam ta' taħt, u dak ir-raġel tqabbeż 'il barra flimkien ma' dak l-injam kollu, u waqa' għal isfel minn dak il-għoli fuq il-bejt tal-palazz, u mbagħad minn fuq il-bejt għal isfel. Għal dak il-ħoss qawwi qamet il-familja kollha, u l-kavallier, li ħaseb li qam xi ġlied, qabad l-armi f'idejh u ħareġ barra. Hu silet ix-xabla u kien se jxejjirha fuq il-bniedem li kien hemm ma' l-art donnu rieqed, bl-intenzjoni li jolqtu, għax ma kienx għarfu. Imma mart dak il-kavallier, billi beżgħet li seta' kien ħuha stess, li żewġha kien jobgħodu għall-mewt, ma ħallietux jolqtu, u inxteħtet fuq dak ir-raġel mimdud, biex tiddefendih bit-tjieba. X'għaġeb kbir kellha dik ir-raqda! Dak ir-raġel donnu rieqed qam mhux għax kien waqa', imma minħabba l-ħafna storbju li beda jisma' madwaru. Fl-aħħarnett, bħal

---

[651] Il-Bulla *Mirificans* tas-16 ta' Mejju 1230, in *Bullarium Franciscanum* I, 64-65.

donnu mċaqlaq minn id ħerkiena, qam, u donnu qisu ġie f'tiegħu wara raqda fonda, u qal lil sidu: "Għaliex qajjimtni mill-irqad? Qatt ma rqadt daqshekk bil-ħlewwa, għaliex tassew jiena kont rieqed bl-akbar ħlewwa fi ħdan l-imqaddes Franġisku". Meta mbagħad l-oħrajn qalulu li hu kien waqa', u meta ntebaħ li kien jinsab ma' l-art, hu li kien raqad hekk fil-għoli, baqa' mistagħġeb b'dak li kien ġara u kif hu lanqas biss kien intebaħ b'dak li ġralu. Dak il-ħin stess, quddiem kulħadd, wiegħed li jibda jgħix fil-penitenza, u wara li talab il-permess lil sidu, ħejja ruħu biex imur pellegrinaġġ. Il-mara ta' dak ir-raġel, imbagħad, ħadet ħsieb li tibgħat lill-aħwa li kienu joqgħodu fil-kastell tagħha barra Ruma, apparat sabiħ saċerdotali, bħala rahan tal-qima u l-ġieħ li riedet tagħti lill-qaddis. Il-Kotba mqaddsa jfaħħru l-mertu kbir ta' l-ospitalità, u l-eżempji jippruvaw dan li qegħdin ngħidu. Dak is-sinjur, fil-fatt, dak il-lejl stess, kien laqa' għandu lil żewġ patrijiet Minuri, għall-imħabba lejn San Franġisk, u huma wkoll kienu niżlu jiġru ma' l-oħrajn biex jassistu għal dak li ġara.

[981] 50 Fil-kastell ta' Pofi, li jinsab fil-Campagna[652], kien hemm qassis li kien jismu Tommaso, li mar ma' bosta nies oħrajn biex isewwi mitħna li kienet proprjetà tal-knisja. Taħt din il-mitħna kien hemm bħal xaqq kbir li fih kien hemm kanal li minnu kien jgħaddi ilma bil-kotra. Dak il-qassis, waqt li kien qiegħed miexi mingħajr ma joqgħod attent mal-ġenb ta' dak il-kanal, f'daqqa waħda waqa' fih u minnufih beda jġorru l-ilma b'qawwa kbira kontra l-pali, li bil-qawwa tagħhom kienet taħdem dik il-mitħna. Hekk hu baqa' iebes fuq dak l-injam, u ma seta' jagħmel l-ebda movement. Fuq wiċċu, mimdud kif kien, kienet tħabbat il-qawwa ta' dak l-ilma, hekk li ma kienetx tħallih la jisma' u lanqas jara. Ma kienx fadalli ħila jitkellem, imma biss kien fadallu ħila fil-qalb, u biha beda jitlob, b'leħen ta' wieħed qiegħed jifga', lil San Franġisk. Għal żmien twil hu baqa' hekk bla ħajja, filwaqt li ħbiebu ġew lura bil-ġirja u bdew jiddispraw li jkunu kapaċi jsalvawh. Fl-aħħar dak li kien jieħu ħsieb il-mitħna qalilhom: "Ejjew indawwru bil-qawwa l-mitħna fid-direzzjoni kuntrarja, biex hekk tobżoq lill-mejjet 'il bogħod minnha". Hekk huma bdew jaħdmu bil-qawwa kollha tagħhom, u ġiegħelu lill-mitħna biex iddur kontra u ntebħu li dak ir-raġel waqa' fl-ilma imma kien għadu ħaj. Filwaqt li dak il-qassis, li kien ħaj, kien għadu jitgerbeb fl-ilma, deherlu wieħed mill-patrijiet Minuri, li kien liebes tonka bajda u kien imħażżem bil-ħabel, u bi ħlewwa kbira, qabdu bi driegħu u ħarġu 'l barra mix-xmara, filwaqt li qallu: "Jiena Franġisku, li inti sejjaħt fit-talb tiegħek". Dak mela, meta ra li ġie meħlus, beda jistagħġeb bil-kbir, u beda jiġri 'l hawn u 'l hemm u jgħajjat: "Ħija, ħija!" U dar lejn dawk li kienu madwaru, u staqsiehom: "Fejn hu? Liema triq ħa biex telaq minn hawn?" Dawk li kien hemm bdew jitriegħdu bil-biża', u *filwaqt li nxteħtu għal tulhom fl-art, bdew jagħtu glorja lil Alla* (cfr. Num 14,5; Lq 2,20) u lill-qaddis tiegħu.

[982] 51 Fil-provinċja ta' Capitanata, xi tfal li kienu ġejjin mir-raħal ta' Celano, kienu ħarġu flimkien biex jaħsdu l-ħaxix. F'dawk l-inħawi kien hemm bir antik, li x-xifer tiegħu kien moħbi minn ħafna ħaxix aħdar, u li fih kien hemm ilma fonda daqs erba' passi. Issa waqt li dawk it-tfal kienu jiġru 'l hemm u 'l hawn, f'daqqa waħda wieħed minnhom waqa' fil-bir. Fl-istess waqt li fih kien sar vittma ta' dik il-waqa', hu talab il-ħarsien mis-sema, u hu u nieżel beda jgħajjat: "San Franġisk, għinni!" L-oħrajn *bdew iħarsu madwarhom*, u billi raw li *dak it-tifel ma kien jidher imkien* (cfr. 1Slat 18,45; Ġen 37,30), bdew ifittxuh u bdew jgħajjtu filwaqt li jimxu 'l hemm u 'l hawn u jxerrdu d-dmugħ. Fl-aħħar waslu fuq il-fetħa tal-bir, u mill-passi li kienu jidhru fuq il-ħaxix ta' madwar, intebħu li dak it-tifel kien waqa' hemm ġew. Għalhekk marru jħaffu u jibku lejn ir-raħal, u sejjħu ċorma rġiel, u marru lura lejn ħabibhom, li issa stħajluh li kien miet. Wieħed

[652] Raħal bejn Ceprano u Ceccano, fiċ-Ciociaria, fin-nofsinhar tal-Lazio.

raġel niżel b'ħabel fil-bir; u ara, intebaħ li t-tifel kien wieqaf fuq wiċċ l-ilma, imma li ma kien ġralu xejn. Hekk tellgħu lil dak it-tifel mill-bir, u hu irrakkonta lil kull min kien hemm: "Waqt li jien f'daqqa waħda ħassejtni nieżel fil-bir, sejjaħt il-ħarsien ta' San Franġisk, li mall-ewwel ġie quddiemi waqt li kont qiegħed naqa', u filwaqt li tani idejh, qajjimni bil-ħlewwa u baqa' jweżinni, u ma telaqnix sakemm ma ġejtu intom, u flimkien magħkom, ħariġni mill-bir".

[983] 52 Waħda tifla minn Ancona, li kienet waslet fl-aħħar minħabba marda kiefra li kellha, kienu qatgħu qalbhom li setgħu jikkurawha iżjed, u kienu diġà qegħdin jagħmlu t-tħejjijiet għall-mewt u l-funeral tagħha. Meta kienet waslet biex tieħu l-aħħar nifs, deher quddiemha l-imqaddes Franġisku, u qalilha: "*Binti, imtela' bil-fiduċja* (cfr. Mt 9,22), għaliex bil-grazzja u l-interċessjoni tiegħi inti se tkun meħlusa. U ara li *ma tgħid lil ħadd* (cfr. Mt 8,4) sal-lejla li kont jien li tajtek saħħtek lura". *Meta wasal filgħaxija*, dik it-tifla f'daqqa waħda qamet fis-sodda, u *dawk kollha li kienu hemm* (cfr. Mt 20,8; Mk 14,70) baqgħu mistagħġbin u ħarbu. Għax huma ħasbu li kien xitan li ħakem il-ġisem tagħha li kienet qegħda tmut, u li, filwaqt li ruħha kienet sejra toħroġ minn ġisimha, flokha kien daħal spirtu ħażin. Imma ommha kellha l-kuraġġ li tmur tiġri maġenbha, u bdiet tagħmel ħafna talb kontra dak ix-xitan, u billi bdiet taħseb li hu kien il-ħtija ta' dak li kien qed jiġri, kienet tipprova tmiddha fuq is-sodda. Imma bintha qaltilha: "Nitolbok, ommi, la taħsibx li dan hu xitan, għaliex fit-tielet siegħa l-imqaddes Franġisku fejjaqni, imma ordnali li ma ngħid lil ħadd b'dan sa filgħaxija". Hekk l-isem ta' Franġisku sar kawża ta' stagħġib u ferħ għal dawk li l-biża' tax-xitan kienet ġagħalithom jaħarbu minn hemm. Imbagħad bdew jitolbu lil dik it-tifla biex tiekol ftit laħam tat-tiġieġ, imma hi ma riedetx tiekol, billi kien iż-żmien tar-randan il-kbir. U qaltilhom: "*La tibżgħux* (cfr. Mt 17,7). Mintomx qegħdin tarawh lil San Franġisk liebes l-abjad? Ara, hu qiegħed jgħidli biex ma niekolx laħam, għaliex hu r-randan, imma jordnali li noffri l-libsa tiegħi tal-funeral lil waħda mara li tinsab fil-ħabs. Araw, issa, araw, sejjer jitlaq minn hawn!"

[984] 53 Kienu joqogħdu f'dar, qrib Nettuno, tliet nisa, li waħda minnhom kienet devota ħafna lejn l-aħwa u lejn San Franġisk. *Riefnu kbir ħabat kontra dik id-dar* u din iġġarrfet, u *waqgħet fuq* (cfr. Ġob 1,19) tnejn minnhom, qatlithom u difnithom taħtha. Dik li baqgħet ħajja mall-ewwel bdiet titlob lill-imqaddes Franġisku, u dan deherilha u ma ħalliex li dik id-devota tiegħu tiġrilha l-ebda ħsara. Għaliex il-ħajt, li miegħu dik il-mara kienet qed tistrieħ, baqa' sħiħ sa l-għoli tagħha, u travu, li kien waqa' mill-għoli, niżel b'tali mod li felaħ iwieżen il-piż kollu ta' dak il-ġebel li waqa'. L-irġiel, li kienu ġew jiġru meta semgħu lil dik id-dar tiġġarraf, ma setgħu jagħmlu xejn ħlief li jibku għal dawk iż-żewġ nisa li kienu intradmu mejtin, u li jroddu ħajr lil San Franġisk għal dik li kienet baqgħet ħajja, u li kienet devota lejn l-aħwa.

[985] 54 Qrib Corneto[653], li hi belt kbira u qawwija fid-djoċesi ta' Viterbo, fil-post ta' l-aħwa kienu qegħdin jaħdmu fil-fonderija ta' qanpiena mdaqqsa, u kienu ġew bosta ħbieb ta' l-aħwa biex joffrulhom l-għajnuna, u meta temmew dik il-qanpiena, b'ferħ kbir bdew ilkoll jieklu flimkien. U ara, kien hemm tifel ċkejken li kien lanqas għadu għalaq tmien snin, jismu Bartolomeo, li missieru u z-ziju tiegħu kienu ħadmu fil-fonderija ta' dik il-qanpiena, u li kien qiegħed iġib l-ikel lil dawk li kienu fuq il-mejda. F'daqqa waħda, *qam riefnu qawwi, li riegħed dik id-dar* (cfr. Ġob 1,19), u sabbat f'wiċċ dak it-tifel il-bieb ta' dik id-dar, li kien kbir u tqil ħafna. Id-daqqa tant kienet qawwija li kulħadd beda jaħseb li hu, mgħaffeġ minn dak it-toqol kollu, kien baqa' milqut għall-mewt. Għaliex hu kien mixħut mgħotti għal kollox b'dak it-toqol fuqu, hekk li lanqas ħadd ma seta' jarah. Wara l-ferħ ta' dak ix-xogħol ġie n-niket, u *l-hena ta' dawk li kienu jieklu* (cfr. Ġuda

[653] Illum Tarquinia.

12) inbidel fin-niket ta' dawk li bkew dik it-telfa. Kulħadd qam minn fuq il-mejda, u z-ziju flimkien ma' l-oħrajn kollha, beda jsejjaħ lil San Franġisk u marru lkoll jiġru lejn dak il-bieb. Imma l-missier, li l-membri ta' ġismu kien ibbiesu bil-qatgħa u li ma setax jiċċaqlaq *minħabba fin-niket* (cfr. Is 65,14), beda jagħmel wegħdiet b'leħen għoli u joffri lil ibnu lil San Franġisk. Hekk neħħew dak it-toqol qattiel minn fuq it-tifel, u ara, dak li huma ħasbuh mejjet qam kollu ferħ, mingħajr l-ebda sinjal ta' daqqiet fuqu, u donnu kien qam minn raqda. Flok dak it-taħwid daħal il-ferħ mill-ġdid u dik l-ikla li kienet intemmet ħesrem issa reġgħet inbidlet *f'ferħ mill-aktar kbir* (cfr. Lq 1,14; Ġen 15,1).

Dak it-tifel innifsu kellu okkażjoni li jiżgurani li fih ma kien għad fadal l-ebda sinjal ta' ħajja, sakemm hu kien mimdud taħt dak it-toqol. Wara, meta kellu erbatax-il sena, daħal mal-patrijiet Minuri, u sar ukoll għaref ħafna u predikatur ta' kelma ħafifa fl-Ordni.

[986] 55 Lil wieħed tifel ieħor mill-istess post, li kien bela' bokkla żgħira tal-fidda li missieru kien tah biex iżommhielu, ġralu li weħlitlu fil-gerżuma, u ma seta' bl-ebda mod jieħu aktar in-nifs. Missieru beda jibki bl-imrar, għaliex beda jqis lilu nnifsu bħala l-qattiel ta' ibnu u *beda jitkgħawweġ ma' l-art* (cfr. Mt 9,19) bħal wieħed miġnun. Omm it-tifel kienet tħabbel xaharha u kienet tingiref kollha u tibki filwaqt li kienet tibki fuq dik il-ġrajja ta' diżgrazzja. Il-ħbieb kollha, li bdew jieħdu sehem f'dak in-niket, bdew jibku fuq dak iż-żagħżugħ li kien fl-aħjar ta' saħħtu, u li issa inħakem minn mewt zoptu. Missieru beda jitlob il-merti ta' San Franġisk, u għamel wegħda, sabiex hu jeħlislu lil ibnu. U ara li, mall-ewwel it-tifel qala' dik il-bokkla minn ħalqu, u flimkien ma' kulħadd beda jbierek l-isem ta' San Franġisk.

[987] 56 Wieħed raġel mill-kastell ta' Ceprano, li jismu Niccolò, jum minnhom waqa' f'idejn għedewwa ta' qattagħni. Huma, b'korla kbira fuqhom, bdew isawwtuh bla ħniena, u ma hedewx iżidu swat fuq swat fuq dak il-povru, sakemm ma rawhx li kien għoddu mejjet jew qrib il-mewt. Hekk *ħallewh nofsu mejjet* (cfr. Lq 10,30), u telqu 'l hemm b'idejhom imċappsin bid-demm. Issa dan Niccolò, meta beda jaqla' d-daqqiet, beda jgħajjat b'leħen għoli: "San Franġisk, għinni! Idħol għalija, San Franġisk!" Kienu bosta li semgħu mill-bogħod dan l-għajjat, imma huma ma setgħux jiġu biex jgħinuh. Hekk imbagħad ġarruh lejn id-dar, kollu maħsul bid-demm, imma hu beda jgħajjat li ma kienx sejjer imut, u li ma kienx qiegħed iħoss l-ebda tbatija, għaliex San Franġisk kien ġie jgħinu, billi kisiblu mingħand Alla żmien *biex jagħmel penitenza* (cfr. Mk 6,12). U hekk, imnaddaf mid-demm tassew, ġie mall-ewwel salvat, 'il hemm minn kull ma l-bnedmin setgħu jittamaw.

[988] 57 Xi rġiel minn Lentini kienu qegħdin jaqtgħu ġebla kbira mill-muntanja, li kienu se jqiegħduha fuq l-altar tal-knisja ta' l-imqaddes Franġisku, li kellha tiġi ikkonsagrata fi ftit ġranet. Issa, filwaqt li xi erbgħin raġel kienu moħħhom hemm biex iqiegħdu dik il-ġebla fuq il-karru, wara diversi drabi li ippruvaw, ara, dik il-ġebla waqgħet fuq wieħed minnhom u laqtitu u difnitu taħtha. Imħawwdin u mingħajr ma jafu x'jaqbdu jagħmlu, bosta minn dawk l-irġiel telqu 'l hemm iddisprati. L-għaxart irġiel li kienu baqgħu hemm, b'ħafna biki bdew jitolbu lil San Franġisk sabiex ma jippermettix li dak ir-raġel, li kien qiegħed jieħu ħsieb jaħdem għas-servizz tiegħu, imut b'mod daqshekk sfortunat. Dak ir-raġel midfun kien mixħut nofsu mejjet, u b'dak *il-ftit nifs tal-ħajja* (cfr. Għerf 15,11) li kien fadallu, beda jitlob lil San Franġisk biex jgħinu. Fl-aħħarnett, dawk l-irġiel għamlu kuraġġ, u irnexxielhom iċaqilqu b'tant ħeffa dik il-ġebla, li ħadd ma kellu dubju li magħhom kien hemm ukoll San Franġisk. Dak ir-raġel qam fuq riġlejh mingħajr ma ġralu xejn, u

dak *li kien għoddu mejjet reġa' ħa l-ħajja mill-ġdid* (cfr. Lq 15,24). Reġa' sab id-dawl ta' għajnejh, hu li qabel kien iddallam għal kollox, biex kulħadd ikun jista' jifhem kemm jiswew l-għajnuniet li jagħti San Franġisk fis-sitwazzjonijiet ta' disperazzjoni.

[989] 58 F'San Severino fil-Marche ġara fatt ieħor jixbaħ lil dan li semmejna, li jixraq li nsemmuh. Ġebla kbira ħafna, li kienu ġabuha minn Kostantinopli għall-fonti ta' San Franġisk, li kien qiegħed jinbena f'Assisi, kienet qegħda tinġarr b'qawwa u ħeffa kbira minn bosta rġiel. Wieħed minnhom waqa' taħt dik il-ġebla kbira, hekk li ħasbuh mhux biss li miet, imma li żgur li kien spiċċa mqatta' bċejjeċ. Imma f'daqqa waħda, skond kif deher lilu, u din il-verità ġiet ikkonfermata tabilħaqq minn dak li ġara, hu ra quddiemu lil San Franġisk li, filwaqt li refa' dik il-ġebla kbira, ħarġu minn taħtha mingħajr ma ġralu xejn. Hekk ġara li dak li quddiem għajnejn kulħadd kien fatt tal-biża' li wieħed jarah, sar għal kulħadd oġġett ta' ammirazzjoni.

[990] 59 Bartolomeo, li kien ċittadin ta' Gaeta, filwaqt li kien jaħdem bil-ħerqa fil-bini ta' knisja iddedikata lil San Franġisk, kien qiegħed jipprova jqiegħed travu f'postu. Imma dan it-travu, billi ma kienx tqiegħed sewwa, waqa' għal isfel, u laqtu għall-mewt fuq rasu. Allura, maħsul bid-demm kif kien, b'dik il-ħajta ħajja li kien fadallu, talab lil wieħed mill-aħwa biex jagħtih il-vjatku. Imma dak ma setax imur iġib il-vjtaku mall-ewwel, u billi kien ħaseb li dak il-bniedem kien se jmut minn ħin għall-ieħor, dar lejh bil-kliem ta' Santu Wistin, u qallu: "Agħmel kuraġġ fil-fidi, u dan ikun jiswielek daqslikieku tqarbint". Imma l-lejl ta' wara, deherlu l-imqaddes Franġisku li miegħu kellu ħdax l-aħwa u kien iġorr ħaruf żgħir mħaddan ma' sidru, u resaq lejn is-sodda tiegħu, *sejjaħlu b'ismu* u qallu: "Bartolomeo, *la tibżax*, u *mhux se jirbaħ fuqek* (cfr. Ġen 4,7; Ġer 1,19) l-għadu, li ipprova jfixklek milli twassal għat-tmiem il-qadi tiegħi, għaliex ara, jiena ngħidlek, inti se tqum qawwi u sħiħ! Dan hu l-Ħaruf li inti tlabt li jingħatalek u li inti ksibt bix-xewqa tiegħek. Għax tassew dak il-patri *tak parir tajjeb*" (cfr. 2Sam 17,14). U hekk, filwaqt li beda jgħaddi idu fuq il-ġrieħi tiegħu, ordnalu biex imur lura jkompli dak ix-xogħol li kien beda. Malli qam l-għada filgħodu u deher bħallikieku ma kien ġralu xejn quddiem dawk li kienu ħallewh nofsu mejjet, huma baqgħu miblugħin u mistagħġbin. Għax *huma ħasbu* tassew li minħabba dak il-fejqan li ma stennewhx, kienu qegħdin jaraw *ħares* (cfr. Mk 6,49) quddiemhom, u mhux bniedem; ħasbu li dak kien spirtu u mhux bniedem tad-demm u l-laħam. Billi semmejna l-knejjes li kienu qegħdin jinbnew għall-ġieħ ta' dan il-qaddis, jiena ħsibt li tkun ħaġa f'lokha li hawnhekk nirrakkonta din il-ġrajja hekk ta' l-għaġeb.

[991] 60 Darba minnhom, żewġ patrijiet Minuri kienu qegħdin jaħdmu fuq biċċa xogħol mhux żgħira, għax kienu qegħdin jibnu knisja f'ġieħ il-missier imqaddes Franġisku fil-kastell ta' Peschici, fid-djoċesi ta' Siponto, u ma kellhomx dak li kien meħtieġ biex itemmu dik il-binja. Lejl minnhom, waqt li huma *qamu mir-raqda tagħhom* (cfr. Imħ 16,14) biex jgħidu t-tifħir, bdew jisimgħu l-ħoss ta' ħafna ġebel li kien donnu nieżel bi gzuz waħda fuq l-oħra. Huma għamlu kuraġġ lil xulxin, u marru biex jaraw dak x'kien, u *meta ħarġu barra* (cfr. Mt 10,14) lemħu għadd kbir ħafna ta' rġiel, li kienu kollha jaħdmu għalenija biex jiġbru l-ġebel. Ilkoll kienu ġejjin u sejrin, u kienu lebsin ilbies abjad jiddi. Dawk il-gzuz tal-ġebel li kien hemm miġbur kien juri li dik il-ħaġa ma kienetx fantasija, għaliex dak il-ġebel kompla ġej sakemm ix-xogħol kollu kien mitmum. Għax tassew ma kienux irġiel *li kienu jgħixu fil-ġisem* (cfr. Gal 2,20) dawk li kienu qegħdin iwettqu dik il-ħidma. Fil-fatt, wara ħafna tiftix bir-reqqa, ma nstab ħadd li kien ħaseb biex itemm dak ix-xogħol b'dak il-mod.

[992] 61 Wieħed iben ta' raġel nobbli, minn Castel San Gimignano, kien milqut minn marda kiefra, u issa kien mingħajr l-ebda tama, u kien wasal fl-aħħar. Kien joħroġlu d-demm minn għajnejh, bħallikieku kien demm li joħroġ minn vina tad-driegħ. Mhux biss, imma kien hemm sinjali oħrajn veri li dak il-ġisem kien għoddu f'xifer il-mewt, hekk li kien jidher li diġà kien ħa l-aħħar nifs. Inġabru, skond id-drawwa, il-qraba u l-ħbieb biex jibku, u wara li ħejjew il-funeral, kulħadd beda jitkellem biss dwar id-difna. Sadanittant il-missier, imdawwar minn folla ta' bekkejja, ftakar f'dehra li kien sema' lil xi ħadd jirrakkonta. Mar mela jiġri lejn il-knisja ta' San Franġisk, li kienet ġiet mibnija f'dak il-post, b'ħabel imdawwar ma' għonqu, u bl-umiltà kollha *inxteħet għal tulu fl-art* (cfr. Ġdt 10,20) quddiem l-altar. Hekk *beda jkattar il-weghdiet u t-talb tiegħu* (cfr. 1Sam 1,11; Ġob 40,22), u fost il-ħafna biki u lfiq, stħaqqlu li San Franġisk ikun il-patrun tiegħu quddiem Kristu. Il-missier mall-ewwel ġie lura għand ibnu u sabu għal kollox imfejjaq, hekk li *n-niket tiegħu* inbidillu *f'ferħ* (cfr. Lam 5,15).

[993] 62 Fi Sqallija, fir-raħal ta' Piazza, kienu diġà bdew jiċċelebraw kif jixraq ir-riti tal-funerali ekkleżjastiċi għar-ruħ ta' wieħed żagħżugħ. Imma meta wieħed ziju tiegħu għamel wegħda lill-missier imqaddes, bl-interċessjoni tiegħu dak iż-żagħżugħ reġa' ġie msejjaħ lura għall-ħajja meta kien fuq l-għatba tal-mewt.

[994] 63 Fl-istess raħal, kien hemm żagħżugħ jismu Alessandro, li filwaqt li kien jiġbed ħabel flimkien ma' wieħed minn sħabu fuq preċipizzju għoli ħafna, il-ħabel inqasam u hu waqa' minn fuq blata għal isfel u ġabruh mejjet. Missieru, mimli bid-dmugħ u l-ilfiq, offrih lill-qaddis ta' Kristu Franġisku, u qala' l-grazzja li dan ibnu jingħatalu lura f'saħħtu u qisu ma kien ġralu xejn.

[995] 64 Waħda mara mill-istess raħal, li kienet marida bit-tuberkolożi, u li kienet waslet fl-aħħar, tawha l-griżma tal-morda; imma wara li dawk li kienu maġenbha sejjħu lill-missier l-aktar qaddis, hi f'daqqa *reġgħet ħadet saħħitha lura* (cfr. Mt 12,13).

[996] 65 Qrib Rete, fid-djoċesi ta' Cosenza, ġara li żewġt itfal mill-istess raħal, meta kienu l-iskola, bdew jiġġieldu, u wieħed minnhom ġie milqut mill-ieħor b'mod daqshekk gravi, minn ferita li hu irċieva fl-istonku, li kien joħroġlu l-ikel li ma setax jiddiġerih, u ma seta' jżomm l-ebda ikel. Għax kull meta kien jinżillu l-ikel fl-istonku, dan ma kienx iżommu fl-ebda parti, u kien joħroġlu mill-ferita kif ikun kielu. Ma kien hemm l-ebda tabib li seta' jikkurah. Il-ġenituri u dan it-tifel innifsu, fuq il-parir li kien tahom wieħed mill-aħwa, ħafru lil dak li kien għamillu dik il-ferita, u għamlu wegħda ma' l-imqaddes Franġisku, li jekk hu kien jeħles lil dak it-tifel li kien ferut għall-mewt, u li t-tobba kienu jqisu li ma jistax jitfejjaq, huma kienu jżejjnu l-knisja tiegħu billi jdawwruha bix-xemgħa. Malli għamlu dik il-wegħda, it-tifel ġie meħlus b'mod sħiħ u ta' l-għaġeb, hekk li skond it-tobba ta' Salerno, dan kien miraklu mhux inqas kbir milli kieku dak it-tifel kien ġie mqajjem mill-mewt.

[997] 66 Filwaqt li żewġ persuni kienu mexjin flimkien u resqin lejn Monte San Giuliano (Trapani) biex imorru għan-negozju tagħhom, wieħed minnhom marad hekk li kien jinsab *fil-periklu tal-mewt* (cfr. S 67,21). It-tobba li ssejjħu biex jikkurawh, indunaw x'kien se jiġrilu, imma ma rnexxilhomx jgħinuh ħa jħossu aħjar. Sieħbu li kien f'saħħtu, *għamel wegħda* (cfr. S 131,2) ma' San Franġisk u wiegħed li, jekk dak il-marid kien jitfejjaq għall-merti tal-missier imqaddes, hu kien dejjem iħares il-festa tiegħu darba fis-sena billi jmur għall-quddiesa solenni. Malli għamel

dik il-wegħda, u reġa' lura lejn id-dar, hu sab lil sieħbu li kien ħallieh bla vuċi u li kien tilef is-sensi, qawwi u sħiħ, għalkemm hu kien beża' li jsibu diġà mejjet.

[998] 67 Kien hemm tifel mill-belt ta' Todi li *kien ilu mixħut fis-sodda* (cfr. Mt 9,2) għal tmint ijiem sħaħ qisu wieħed mejjet, u kellu ħalqu magħluq, mingħajr id-dawl ta' għajnejh, u l-ġilda ta' wiċċu, ta' idejh u ta' riġlejh li kienet swiedet qisha borma mġemmda, hekk li kulħadd kien iddispra dwar saħħtu. Imma wara li ommu għamlet wegħda, f'daqqa waħda hu reġa' kiseb lura saħħtu. U, għalkemm kien għadu daqshekk ċkejken u *ma kienx jaf jitkellem* (cfr. Ġer 1,6), hu beda jtemtem u jipprova jgħidilhom li kien ġie mfejjaq mill-imqaddes Franġisku. [1C 139]

[999] 68 Wieħed żagħżugħ, li waqa' għal isfel minn post għoli ħafna, tilef l-użu tas-sensi tiegħu, ma setax jitkellem u baqa' paralizzat fil-membri kollha ta' ġismu. Għal tlitt ijiem sħaħ *la seta' jiekol, la jixrob* (cfr. Mt 11,18; Atti 9,9), u billi ma kien juri l-ebda sinjal ta' ċaqliq, kulħadd beda jqisu li kien mejjet. Imma ommu, mingħajr ma talbet l-ebda għajnuna lit-tobba, talbet lill-imqaddes Franġisku biex jidħol għaliha u jagħti l-grazzja tal-fejqan lil binha. Malli hi talbet hekk, reġgħet sabet lil binha ħaj u mfejjaq, u bdiet tfaħħar lill-Ħallieq li jista' kollox. [1C 140]

[1000] 69 Wieħed tifel minn Arezzo, li kien jismu Gualtiero, kien isofri minn deni kontinwu u minn aċċessjonijiet, u t-tobba kollha kienu jqisu li l-qagħda tiegħu ma kienx hemm fejqan għaliha. Imma wara li l-ġenituri tiegħu għamlu wegħda ma' San Franġisk, hu reġa' kiseb is-saħħa mixtieqa. [1C 140]

## Kapitlu IX
## Dwar l-idropiċi u l-paralitiċi.

[1001] 70 Fil-belt ta' Fano, kien hemm wieħed marid bl-idropsija, li għall-interċessjoni ta' l-imqaddes Franġisku stħaqqlu li jfiq għal kollox mill-marda tiegħu. [1C 141]

[1002] 71 Waħda mara mill-belt ta' Gubbio, li kienet *mixħuta fis-sodda* (cfr. Mt 9,2) paralizzata, wara li sejħet għal tliet darbiet lil San Franġisk biex jgħinha, ġiet meħlusa mill-marda tagħha u reġgħet kisbet saħħitha. [1C 142]

[1003] 72 Kien hemm tifla minn Arpino, fid-djoċesi ta' Sora, li kienet hekk paralizzata li kellha l-membri ta' ġisimha ma jiċċaqilqux u n-nervi iebsin, u ma setgħet tagħmel l-ebda ħidma. Kienet donnha ġiet maħkuma minn xitan u mhux tgħix bir-ruħ. Tant kienet magħdura minn dik il-marda tagħha, li kulħadd kien iqisha li reġgħet lura għall-istat ta' tifla ċkejkna. Fl-aħħarnett ommha, bl-ispirazzjoni li ġietha mis-sema, ġarritha fil-benniena lejn il-knisja ta' San Franġisk qrib Vicalvi, u hemmhekk bdiet ixxerred ħafna dmugħ u tkattar it-talb tagħha, sakemm qalgħet li bintha tiġi meħlusa minn kull sinjal ta' mard u reġgħet bdiet tgħix f'saħħitha bħal qabel.

[1004] 73 Fl-istess kastell, wieħed żagħżugħ milqut minn paraliżi, kellu ħalqu iebes u għajnejh imqabbżin 'il barra, u ommu ħaditu wkoll f'din il-knisja. Qabel dak iż-żagħżugħ ma kienx kapaċi jagħmel l-ebda moviment, imma wara li ommu kienet talbet lill-qaddis, qabel ma reġgħet lura lejn id-dar, dak binha reġa' kiseb lura saħħtu.

[1005] 74 F'Poggibonsi, waħda tifla jisimha Ubertina kienet marida b'mod gravi, għax kienet taqa' zoptu għal kull ħaġa ta' xejn, u ma kienetx tista' tfiq. Il-ġenituri tagħha kienu tilfu kull fiduċja fil-fejqan uman, u għalhekk kienu jitolbu bla jehdew l-għajnuna ta' l-imqaddes Franġisku. Flimkien kienu għamlu wegħda li jsumu ta' kull sena fil-vġili tiegħu, u li fil-jum tal-festa tal-qaddis, li jagħtu x'jieklu lil xi foqra, jekk hu kien ifejjaq lil binthom minn dik il-marda hekk kiefra. Malli huma għamlu l-wegħda tagħhom, dik it-tfajla ġiet imfejqa għal kollox, u minn dak in-nhar ma kienx fadal fiha l-ebda sinjal ta' dik il-marda kiefra.

[1006] 75 Pietro Mancanella, li kien ċittadin ta' Gaeta, minħabba paraliżi kien tilef l-użu ta' driegħ u ta' id, u kellu ħalqu miġbud sa widnejh. Hu intelaq f'idejn il-kuri tat-tobba, imma mbagħad tilef ukoll id-dawl ta' għajnejh u s-smiegħ. Kien għalhekk li dar lejn l-imqaddes Franġisku, u beda jitolbu bil-ħniena, u hekk tfejjaq minn kull marda, għall-merti tal-qaddis l-aktar hieni.

[1007] 76 Wieħed ċittadin ta' Todi tant kien magħkus minn artrite, li lanqas seta' jistrieħ bl-uġiegħ qawwi li kien ikollu. Fl-aħħarnett, billi hu wasal fl-estrem tal-forzi tiegħu u ma seta' jsib l-ebda faraġ mill-kuri tat-tobba, quddiem saċerdot hu dar lejn l-imqaddes Franġisku u sejjaħlu, u wara li għamel wegħda, reġa' kiseb saħħtu lura. [1C 141]

[1008] 77 Wieħed raġel jismu Bontadoso tant kellu uġiegħ f'riġlejh li ma setax jiċċaqlaq bl-ebda mod. Hu tilef ukoll l-aptit u l-irqad, sakemm ġie konvint minn waħda mara biex jagħmel wegħda ma' l-imqaddes Franġisku. Magħdur kif kien minn dak l-uġiegħ qawwi, beda jgħid li ma setax jemmen li dak kien qaddis; imma wara ċeda, u wara li dik il-mara kompliet twissih b'insistenza, hu għamel din il-wegħda u qal: "Jiena noffri lili nnifsi lil San Franġisk, u nemmen li hu tassew qaddis, jekk fi żmien tlitt ijiem hu jeħlisni minn din il-marda". U mall-ewwel seta' jqum fuq riġlejh u baqa' mistagħġeb, għaliex ħass li reġgħet ingħatatlu s-saħħa li kien tilef. [1C 42]

[1009] 78 Waħda mara, li għal ħafna snin kienet mimduda f'sodda minħabba l-mard tagħha, u li ma setgħetx tiċċaqlaq bl-ebda mod, ġiet imfejjqa mill-imqaddes Franġisku u hekk setgħet taqdi d-dmirijiet tal-ħajja tagħha. [1C 141]

[1010] 79 Wieħed żagħżugħ mill-belt ta' Narni kien ilu jsofri għal għaxar snin sħaħ minn marda, li biha kien jintefaħ hekk li ma setax ifiq bl-ebda mod. Ommu għamlet wegħda lil San Franġisk billi offrietu, u mall-ewwel qalgħet għalih il-grazzja tal-fejqan. [1C 141]

[1011] 80 Fl-istess belt waħda mara kienet ilha paralizzata għal tmien snin sħaħ, u kellha idha niexfa, hekk li ma setgħet tagħmel xejn. Deherilha San Franġisk *waqt viżjoni* (cfr. Dan 4,10), u firex idejh lejha, u hi setgħet taħdem biha kif kienet tagħmel b'idha li kienet f'saħħitha. [1C 141]

Kapitlu X
Dwar dawk li ġew meħlusin mill-għarqa.

[1012] 81 Xi baħrin kienu jinsabu f'periklu kbir fuq il-baħar, u kienu għaxar mili 'l barra mill-port ta' Barletta, meta sabu ruħhom f'maltempata kbira. Huma bdew jiddubitaw jekk kienux sejrin

isalvaw u niżżlu l-ankri. Imma billi *t-tempesta fil-baħar* (cfr. S 10,7) saret aktar qawwija, u l-mewġ beda dejjem aktar jikber, il-ħbula inqatgħu u l-ankri waqgħu fil-baħar, hekk li l-baħrin spiċċaw imħabbtin ‘l hawn u ‘l hinn qalb il-mewġ. Fl-aħħarnett, meta l-baħar siket bir-rieda divina, huma bdew jitħabtu bil-qawwa kollha tagħhom biex jerġgħu jtellgħu l-ankri, li l-ħbula tagħhom kienu jidhru fil-wiċċ. Huma sejħu l-għajnuna tal-qaddisin kollha, imma għalkemm tħabtu u mtlew bil-għaraq, ma rnexxielhomx itellgħu lanqas waħda matul dak il-jum kollu. Fosthom kien hemm baħri jismu Perfetto, imma li ma kienx perfett bl-ebda mod, anzi kien jistmerr dak kollu *li hu ta’ Alla* (cfr. Mt 22,21); u hu b’ton ta’ stmerrija qal lil sħabu: “Intom sejjaħtu l-għajnuna tal-qaddisin kollha u kif tistgħu taraw, l-ebda wieħed minnhom ma jista’ jgħinkom. Ejjew mela nsejħu lil dak San Franġisk, li hu qaddis ġdid, sabiex jogħdos fil-baħar u bil-kapoċċ tiegħu jtellgħalna l-ankri li tlifna. Noffru onċa tad-deheb lill-knisja tiegħu li qegħdin jibnu f’Ortona, jekk nintebħu li hu se jgħinna”. L-oħrajn semgħu minnu bil-biża’ u, minkejja li ma approvawx il-mod sgarbat li bih kien tkellem, imma ikkonfermaw il-wegħda li kien għamel. F’dak il-ħin l-ankri telgħu fil-wiċċ fuq l-ilma, bħallikieku dak il-ħadid tqil kien inbidel f’injam ħafif.

[1013] 82 Wieħed pellegrin, li kien dgħajjef f’ġismu u li ma kellux moħħu f’sikktu minħabba marda tal-moħħ li kien sofra fl-imgħoddi, kien ġej lura ma’ martu fuq ġifen, mill-inħawi ta’ *Oltremare*. Hu, billi kien għadu ma fieqx għal kollox, kien mejjet bil-għatx, imma ma kienx hemm ilma, u għalhekk beda jgħajjat b’leħen għoli: “Taqtgħux qalbkom, u imlewli tazza, għaliex l-imqaddes Franġisku mela l-flixkun tiegħu bl-ilma”. Ħaġa ta’ l-għaġeb! Sabu l-flixkun, li kienu ħallewh vojt, mimli bl-ilma. Xi ftit jiem wara, waqt maltempata, filwaqt li l-ġifen kien *jitħabat mal-mewġ* (cfr. Mt 8,24) u kien imħabbat minn mewġ għoli ħafna, hekk li kulħadd beda jibża’ mill-għarqa, l-istess raġel marid beda jgħajjat f’daqqa waħda: “Qumu lkoll kemm intom, u morru iltaqgħu ma’ l-imqaddes Franġisku li ġej. Araw hu qiegħed hawn biex isalvana”. U meta qal dan kollu b’ħafna biki u għajjat, *inxteħet fl-art iqimu* (cfr. Ġw 9,38). Malli ra l-qaddis, dak ir-raġel marid mall-ewwel reġa’ ħa saħħtu lura, u *l-baħar siket mill-qilla tiegħu* (cfr. Mt 18,6).

[1014] 83 Fra Giacomo minn Rieti ried jaqsam xmara fuq dgħajsa żgħira; u wara li ħa lill-aħwa fuq ix-xatt l-ieħor, hu ħejja ruħu biex jaqsam ix-xmara. Imma dik id-dgħajsa żgħira inqalbet u, filwaqt li l-barklor irnexxielu jgħum, dak il-fra baqa’ taħt l-ilma. L-aħwa l-oħrajn, li kienu diġà niżlu l-art, bdew jitolbu b’għajjat u ilħna mriegħda lill-imqaddes Franġisku biex donnhom jobbligawh, bil-biki u t-talb tagħhom, biex jgħin lil dak ibnu. Dak il-fra li kien qed jegħreq, minn taħt l-ilma, billi ma setax jitlob b’xofftejh, beda jitlob b’qalbu. U ara, il-missier ġie jgħinu, billi hu beda miexi fil-fond tax-xmara, donnu kien fuq art niexfa, u qabad id-dgħajsa mgħarrqa u biha wasal fuq ix-xatt. Ħaġa tassew ta’ l-għaġeb li ngħiduha! Il-ħwejjeġ tiegħu lanqas biss kienu imxarrbin: lanqas qatra waħda ilma ma kienet xarrbitlu t-tonka tiegħu.

[1015] 84 Żewġt irġiel u żewġ nisa, flimkien ma’ tifel, kienu qegħdin jaqsmu l-għadira ta’ Rieti. F’daqqa waħda d-dgħajsa li kienu fiha inqallbet, u mtliet bl-ilma, u hekk il-mewt tagħhom kienet tidher żgura. Filwaqt li kollha bdew jgħajjtu bil-biża’, mingħajr tama li jsalvaw, waħda min-nisa bdiet tgħajjat b’fiduċja kbira: “San Franġisk, inti li meta *kont ħaj fil-ġisem* (cfr. Fil 1,22) tajtni d-don li nsir ħabiba tiegħek, wassal issa fis-sema l-għajnuna li min se jimbela’ mill-mewt”. Mall-ewwel deher quddiemhom il-qaddis li ġie msejjaħ, u wassal fiż-żgur sal-port dik id-dgħajsa mimlija bl-ilma. Dawk in-nies kienu ħadu magħhom xabla, li baqgħet tgħum fil-wiċċ b’mod mirakoluż u fost il-mewġ bdiet riesqa wara d-dgħajsa.

[1016] 85 Xi baħrin minn Ancona, li kienu jinsabu mħabbtin minn maltempata qawwija, bdew iqisu li kienu waslu biex jegħerqu. Kienu qatgħu qalbhom li jsalvaw u kienu jitolbu bil-ħniena lil San Franġisk. Dak il-ħin fuq il-baħar deher dawl kbir, li miegħu ġab id-don divin tat-temp sabiħ. Hekk huma offrew b'wegħda *pallio* ta' valur kbir u raddew ħajr bla tarf lil dak li kien salvahom.

[1017] 86 Wieħed mill-aħwa, li kien jismu Bonaventura, kien qiegħed jaqsam għadira flimkien ma' żewġ irġiel oħrajn, meta d-dgħajsa nqasmet minn ġenb u beda dieħel l-ilma, u hekk bdiet tegħreq. Minn qiegħ l-għadira huma talbu lil San Franġisk, u dik id-dgħajsa, għalkemm mimlija bl-ilma, waslet fil-port b'dawk in-nies li kienu fiha. L-istess ġralu patri ieħor minn Ascoli, li wara li waqa' fix-xmara, ġie meħlus għall-merti ta' San Franġisk.

[1018] 87 Wieħed raġel minn Pisa, mill-parroċċa ta' San Kożma u San Damjan, għamel dikjarazzjoni li fiha ikkonferma li, waqt li kien flimkien ma' ħafna oħrajn fuq ġifen fuq il-baħar, dak il-ġifen inġarr minn maltempata qawwija, u kien riesaq biex jitfarrak kontra muntanja. Il-baħrin għalhekk bnew ċattra bis-siġar u l-planki u telgħu fuqha flimkien ma' l-oħrajn li kienu fuq il-ġifen, għax qisuha bħala kenn mill-periklu. Imma dak ir-raġel minn Pisa, billi ma kienx wieqaf fiż-żgur fuq dik iċ-ċattra, telgħet għalih mewġa kbira u *xeħtitu fil-baħar* (cfr. Mt 21,21). Billi hu ma kienx jaf jgħum, u l-oħrajn ma setgħux jgħinuh, baqa' nieżel bid-disperazzjoni f'qiegħ il-baħar. Hu ma setax jitkellem, imma irrikmanda ruħu b'fidi kbira lil San Franġisk. F'daqqa waħda ġie merfugħ bħal minn id u reġa' tqiegħed fuq dik iċ-ċattra, b'tali mod li flimkien ma' l-oħrajn seta' jsalva. Il-ġifen, imbagħad, tfarrak kontra dik il-muntanja ħierġa fil-baħar, u inqered għal kollox.

## Kapitlu XI
## Dwar il-ħabsin u l-priġunieri.

[1019] 88 Fir-Romania[654] ġara li wieħed grieg, li kien qaddej ta' wieħed sinjur, ġie akkużat bil-gideb li seraq. Il-prinċep ta' dawk l-inħawi ordna li dan jagħalquh f'ħabs dejjaq u jorbtuh bi ktajjen tqal, u fl-aħħarnett b'sentenza definittiva ordna li jaqtgħulu barra sieq waħda. Il-mara ta' dak ir-raġel bdiet tidħol għalih quddiem il-prinċep biex hu jeħles lil dak li kien bla ħtija; imma l-qalb iebsa ta' dak ir-raġel ma riedetx taf li ċċedi għal dak it-talb bla jaqta'. Kien għalhekk li dik il-mara marret titlob bil-ħniena lil San Franġisk, u irrikmandat fil-ħniena tiegħu b'wegħda lil żewġha li kien bla ħtija. Hekk deher quddiemu mingħajr dewmien il-patrun ta' l-imsejknin, u qabad minn idu lil dak il-priġunier, ħall il-ktajjen tiegħu, fetaħ il-ħabs, u ħareġ barra lil dak ir-raġel bla ħtija, filwaqt li qallu: "Jiena dak li martek irrikmandatek lili bid-devozzjoni". Dak il-priġunier kien maħkum minn twerwir, u beda jdur ħalli jara kif se jinżel mill-għoli ta' rdum mill-aktar wieqaf, imma f'daqqa waħda, mingħajr ma kien jaf kif, sab ruħu fil-qiegħ ta' l-irdum. Malli reġa' lura qal lil martu dwar il-verità ta' dak il-miraklu. Hi mall-ewwel wettqet il-wegħda tagħha, u ordnat li ssir xbieha tax-xemgħa ta' żewġha, li dendlitha qrib ix-xbieha tal-qaddis, biex hekk kulħadd ikun jista' jaraha. Imma dak *ir-raġel ħażin* (cfr. Prov 16,29) tħawwad għal dan u sawwat lil martu. Hu mela ġie milqut u marad b'mod gravi sakemm stqarr il-ħtija tiegħu, u beda jqim bid-devozzjoni lill-qaddis ta' Alla, Franġisku.

[1020] 89 F'Massa San Pietro wieħed fqir kellu d-dejn ta' somma flus ma' kavallier; imma billi hu, minħabba fil-miżerja tiegħu, ma seta' jħallsu bl-ebda mod, dak mar qaflu fil-ħabs. Dak

---
[654] L-isem Romania jirreferi għall-imperu latin tal-Lvant, li kien jissejjaħ Imperu tar-Romania.

il-fqajjar beda jitolbu biex ikollu ħniena minnu u talbu sabiex itawwallu ż-żmien li fih kellu jħallsu, għall-imħabba ta' San Franġisk, għaliex kien jemmen li dak il-kavallier ukoll kellu rispett lejn dak il-qaddis magħruf. Imma dak il-kavallier kburi ċaħadlu t-talba tiegħu u stmerr bħal wieħed iblah bħala ħaġa fiergħa l-imħabba lejn il-qaddis. U fil-fatt wieġbu bil-kburija: "Jiena nagħalqek f'post, *f'ħabs daqshekk dejjaq* (cfr. Ġen 41,10), li minnu la Franġisku u ħadd aktar ma jkun jista' jgħinek". U wettaq dik it-theddida tiegħu; għax sab ħabs mudlam u xeħet hemm ġew lil dak ir-raġel marbut bil-ktajjen. Imma ftit wara deher San Franġisk lil dak ir-raġel, u wara li kisser is-sokor tal-bieb tal-ħabs, qasamlu l-ktajjen li kellu f'riġlejh, u mexxieh qawwi u sħiħ lejn daru. U hu, biex juri lil kulħadd il-qawwa ta' l-għaġeb f'dak kollu li hu għadda minnu u li fih ra l-ħniena tal-qaddis, ġab il-ktajjen fil-knisja ta' San Franġisk, f'Assisi. Hekk il-qawwa ta' San Franġisk, li rebaħ lil dak il-kavallier kburi, *ħelset mid-deni* (cfr. Mt 6,13; 2Tim 4,18) lil dak il-ħabsi, li kien intelaq f'idejh.

[1021] 90 Kien hemm ħames uffiċjali ta' prinċep kbir, li kienu qabduhom b'suspett, u mhux biss rabtuhom bi ktajjen tqal imma wkoll għalquhom f'ħabs iebes. Billi huma kienu saru jafu bil-mirakli li kien qiegħed iwettaq San Franġisk, huma ntelqu f'idejh b'devozzjoni kbira. Hekk lejl minnhom San Franġisk deher lil wieħed fosthom, u wegħedu l-grazzja tal-ħelsien. Hu imtela' bil-ferħ, u irrakkonta lil sħabu l-ħabsin din il-wegħda ta' ħelsien li saritlu. Huma bkew u ferħu flimkien u, fid-dlam ta' dak il-ħabs, *offrew lilhom infushom* (cfr. 1Sam 1,11) u *kattru t-talb tagħhom* (cfr. Ġob 40,22). Wieħed minnhom beda, mingħajr dewmien, iħabbat b'biċċa għadma fuq il-ħajt ta' dak it-torri mill-aktar fortifikat. Dak il-ġebel iebes beda jċedi b'ħeffa hekk kbira, li kien donnu sar gozz irmied. Wara li temm dik il-fetħa fil-ħajt, hu ipprova joħroġ, u wara li inqasmu l-ktajjen li kienu marbutin bihom, ħarġu barra ħielsa. Imma kien għad fadlilhom jinżlu minn rdum kbir, jekk riedu jaħarbu; imma l-mexxej tagħhom il-kuraġġuż San Franġisk, tahom il-kuraġġ biex jinżlu. Hekk huma setgħu jitilqu minn hemm fiż-żgur, u bdew ifaħħru b'tifħir kbir u jxandru l-kobor tal-qaddis.

[1022] 91 Alberto minn Arezzo, li kien marbut bil-ktajjen minħabba li kien akkużat inġustament li kellu jħallas djun mhux tiegħu, irrikmanda ruħu bl-umiltà kollha lil San Franġisk, għax kien bla ħtija. Hu kien iħobb ħafna l-Ordni ta' l-aħwa u kien iqim b'devozzjoni speċjali lill-qaddis, fost il-qaddisin l-oħrajn kollha. Dak li kien qal li kellu jirċievi l-ħlas minn għandu kien ukoll sfidah b'dagħwa li la Alla u lanqas San Franġisk *ma setgħu qatt jeħilsuh minn taħt idejh* (cfr. Dan 3,17). Ġara mela li lejliet il-jum iddedikat lil San Franġisk, il-priġunier ma kienx mess ikel, mhux biss, imma għall-imħabba tal-qaddis, kien tah lil wieħed fqir. San Franġisk deherlu waqt dak il-lejl, fil-ħin li hu kien imqajjem jitlob, u malli deher quddiemu *waqgħu l-ktajjen minn idejh* (cfr. Atti 12,7) u minn riġlejh. Dak il-ħin stess *infetħu* (cfr. Atti 12,10) waħedhom il-bibien u waqgħu t-travi minn mas-saqaf, hekk li dak ir-raġel inħeles u seta' jitlaq minn hemm u jmur lura lejn daru. Minn dak il-jum baqa' jżomm il-wegħda tiegħu, u kien isum lejlet il-festa ta' San Franġisk, u flimkien max-xemgħa, li kien joffri ta' kull sena, kien iżid *oncia* kull darba.

[1023] 92 Wieħed żagħżugħ minn Città di Castello ġie akkużat li kien qabbad in-nar, u hekk ġie magħluq f'ħabs iebes. Imma hu bl-umiltà kollha intelaq f'idejn San Franġisk biex jiddefendih hu. Lejl minnhom, waqt li kien marbut bil-ktajjen u taħt l-għassa, *sema' leħen ta' xi ħadd jgħidlu*: "*Qum malajr* (cfr. Atti 9,4; 12,7) u mur fejn trid, għax, ara, il-ktajjen tiegħek inħallu!". Hu obda mingħajr dewmien għal dan il-kmand, u ħareġ barra mill-ħabs, u beda miexi lejn Assisi biex joffri *sagrifiċċju ta' tifħir* (cfr. S 49,14) lil dak li kien ħelsu.

[1024] 93 Fiż-żmien li fih kien fuq is-sedja ta' l-imqaddes Pietru s-Sinjur Papa Girgor IX, kien jeħtieġ li titwettaq f'diversi nħawi l-persekuzzjoni ta' l-eretiċi. F'dawk il-ġranet wieħed raġel li kien jismu Pietro, li kien minn Castello di Alife (Caserta), ġie akkużat b'ereżija, u flimkien ma' oħrajn qafluh il-ħabs f'Ruma. Il-Papa għaddieh f'idejn l-isqof ta' Tivoli, biex dan iżommu mgħasses tajjeb. L-isqof ħadu fil-ħabs tiegħu, taħt piena li jitlef l-episkopat jekk jiċħad li jagħmel hekk, u ordna li jiġi marbut bil-ktajjen. Imma billi s-sempliċità ta' l-imġieba ta' dak l-akkużat kienet turi li hu kien bla ħtija, bdew jitrattawh b'inqas ħruxija. Jingħad li xi nobbli mill-belt, billi kellhom mibegħda lejn l-isqof, u biex jaraw li hu jaqa' fil-piena li kien heddu biha l-Papa, offrew lil Pietro pjan moħbi biex hu jkun jista' jaħrab. Hu laqa' l-pjan tagħhom, u ħarab bil-lejl, u mar ħafna 'l bogħod. Meta sar jaf bil-fatt, l-isqof beda jinkwieta ħafna u qagħad jistenna l-kastig, imma l-aktar iddispjaċih għax il-pjan ta' l-għedewwa tiegħu kien seħħ. Għaldaqstant, bl-akbar reqqa bagħat spiji kullimkien, biex ifittxu lil dak l-imsejken; u dawn qabduh, u hu qaflu f'ħabs mill-aktar kiefer, bħala kastig ta' l-ingratitudni tiegħu. L-isqof ħejja ħabs mudlam, imdawwar minn ħitan ħoxnin; mhux biss, imma ġewwa ordna li lil dak il-fqajjar jagħafsuh bejn twavel kbar, marbutin b'ċappetti kbar tal-ħadid. Ordna li l-priġunier *jiġi marbut* (cfr. S 149,8) f'riġlejh bi ktajjen tal-ħadid li jiżnu ħafna libbri, u li jagħtuh ikel u xorb *biss kemm jitrejjaq* (cfr. Eżek 4,16).

Issa għalih kienet mitlufa kull tama li jinħeles, imma Alla, li ma jippermettix *li jintilef il-bniedem bla ħtija* (cfr. Ġob 4,7), fil-ħniena tiegħu, ġie biex jgħinnu mall-ewwel. Dak il-ħabsi beda jitlob lill-imqaddes Franġisku b'ħafna biki u talb sabiex jiġi jgħinu, għaliex kien sema' li kienet il-vġili tal-festa tiegħu. Hu kellu fiduċja kbira f'San Franġisk, għaliex kien jgħid, li sar jaf li l-eretiċi kienu nasbu fit-tul kontra San Franġisk. Fil-lejl tal-festa tiegħu, ftit wara li beda jidlam, l-imqaddes Franġisku niżel mimli ħniena fil-ħabs u sejjaħ lill-priġunier b'ismu, u ikkmandah biex iqum. Dak *beda jitwerwer bil-biża'* (cfr. 1Kron 10,4), u beda jistaqsih min kien, u semgħu jgħidlu li dak li kien hemm quddiemu kien San Franġisk. Allura dak il-ħabsi beda jgħajjat lill-għassies u qallu: "*Jiena qiegħed nibża' ħafna* (cfr. Ġen 45,3), għaliex hawn wieħed quddiemi li qiegħed jikkmandani biex inqum u qiegħed jgħidli li hu San Franġisk". Imma dak wieġbu u qallu: "Oqgħod hemm fis-sliem, bniedem imsejken, u orqod! Inti qiegħed toħlom, għax illum ma kiltx biżżejjed". Imma billi l-qaddis ta' Alla reġa' tennielu l-kmand biex iqum, meta reġa' ġie għandu għall-ħabta ta' nofs in-nhar, dak il-fqajjar intebaħ li l-ktajjen ta' riġlejh kienu waqgħu ma' l-art u kienu maqsumin. Intebaħ li dawk it-twavel li fihom kien magħluq fil-ħabs infetħu, filwaqt li ċ-ċappetti taru 'l barra, u hekk hu sab quddiemu passaġġ biex joħroġ minnu. Hekk kif kien maħlul, ma kienx jaf, għax kien donnu qed jistordi, kif se jagħmel biex jaħrab, u bl-għajjat tiegħu beda jbeżża' lill-għassiesa kollha. Huma marru jgħidu lill-isqof li dak ir-raġel kien ġie meħlus mill-ktajjen. L-isqof allura ħaseb li dak kien reġa' ħarab, u ma ntebaħx li dak kien miraklu. Mimli kif kien bil-biża', billi kien marid, waqa' fl-art fil-post fejn kien qiegħed bilqiegħda. Imbagħad qalulu kif kienu seħħew dawk il-ġrajjiet, u mar mimli qima lejn il-ħabs u *wara li fehem il-qawwa ta' Alla, beda jbierek lill-Mulej* (cfr.Mk 5,30; Ġen 24,26). Dawk il-ktajjen imbagħad ħaduhom għand il-Papa u l-kardinali, u huma *malli raw dak li kien seħħ* (cfr. Lq 23,47), imtlew bil-għaġeb *u bdew ibierku lill-Mulej* (cfr. Dan 13,60).

[1025] 94 Guidalotto minn San Gimignano ġie akkużat bil-qerq li kien qatel raġel bil-velenu u li kellu intenzjoni li joqtol bl-istess mod lill-iben ta' dak ir-raġel u l-familja kollha tiegħu. Hu ġie maqbud mill-*podestà* ta' dak il-post, u rabtuh bi ktajjen tqal, u xeħtuh f'torri li kien se jiġġarraf. Il-*podestà* beda jaħseb b'liema torturi seta' jġiegħelu jistqarr id-delitt li kien akkużat bih u fl-aħħarnett ikkmanda li jiġi mdendel ma' rota ddur tat-tortura. Qiegħdulu fuqu ħafna toqol tal-ħadid

hekk li hu tilef sensieh. Diversi drabi l-*podestà* ordna li jniżżluh u li jdendluh mill-ġdid, sabiex fost dawk it-torturi hu kien jistqarr id-delitt li għamel. Imma dak il-ħabsi, imwieżen mill-fatt li kien bla ħtija, kien juri wiċċ ferħan, ukoll meta t-tortura bdiet tiħrax. Imbagħad qabbdu nar kbir taħtu, imma għalkemm rasu kienet imdendla lejn l-art lanqas xahra waħda ma ġiet maħruqa. Fl-aħħarnett sawwbulu fuqu żejt jagħli, imma billi hu kien bla ħtija u sa mill-bidunett kien irrikmanda ruħu lill-imqaddes Franġisku, hu irnexxielu jiflaħ għal kull tortura bit-tbissima fuq fommu. Għaliex fil-lejl ta' qabel ma kellu jingħata l-kastig, kien żaru l-imqaddes Franġisku, li dawwru minn sħaba ta' dija ta' l-għaġeb, li baqa' mkebbeb fiha sa l-għada filgħodu, u kien *mimli ferħ* (cfr. S 125,2) u fiduċja kbira. *Imbierek Alla* (cfr. S 65,20), li ma jippermettix *li jinqered il-bniedem bla ħtija* (cfr. Ġob 4,7), *fid-dilluvju ta' ħafna ilmijiet* (cfr. S 31,6), u li *jgħin mingħajr dewmien* (cfr. 1Sam 12,13) lil dawk li jittamaw fih.

Kapitlu XII
Dwar dawk li ġew meħlusin mill-perikli tal-ħlas, u dwar dawk li ma ħarsux il-festa tal-qaddis.

[1026] 95 Waħda kontessa minn Schiavonia, li kienet magħrufa għan-nobbiltà tagħha u kienet tħobb it-tajjeb, kella devozzjoni kbira lejn San Franġisk, u kienet tgħożż ħafna lill-patrijiet. Meta kienet waslet biex twelled, inħakmet minn uġigħ kiefer, u tant tħabtet fil-ħlas li kulħadd beda jaħseb li t-twelid ta' binha kien ifisser il-mewt ta' l-omm. Ma kienx jidher li t-tifel seta' jara d-dawl jekk l-omm ma toħroġx mill-ħajja bit-taħbit tal-ħlas, u hekk tmut. Hi mela ftakret fil-qalb tagħha dwar kemm San Franġisk kien magħruf għall-*qawwa u l-glorja* (cfr. Apk 19,1) tiegħu; hekk hi imtliet bil-ħajja fil-fidi tagħha, u xegħlet bid-devozzjoni. Dik il-mara mela daret lejn dik l-għajnuna qawwija, lejn dak il-ħabib fidil, lejn dak li jagħti s-serħan lid-devoti tiegħu, lejn il-kenn ta' l-imħabbtin, u bdiet tgħajjat: "San Franġisk, *mill-ġewwieni tiegħi* (cfr. Filemon 12) kollu nitolbok il-ħniena, u bl-ispirtu tiegħi nwiegħdek dak li ma nistax nesprimi bil-kliem". Tassew li t-talb għandu effett qawwi! Malli hi temmet titkellem, l-uġigħ tagħha intemm, ma baqgħetx tħoss it-tbatijiet tal-ħlas, u hekk bdiet twelled. Intemm kull tħassib u biża', u hi bil-ferħ tat id-dawl lill-ħlejqa tagħha. Imbagħad ma insietx il-wegħda li kienet għamlet. Hi bniet knisja mill-isbaħ għall-ġieħ tal-qaddis u meta lestietha, tatha lill-aħwa ta' l-Ordni.

[1027] 96 Fl-inħawi qrib Ruma, kien hemm waħda mara jisimha Beatrice, li kienet waslet għall-ħlas. Hi kienet ilha ġġorr għal erbat ijiem lil binha mejjet fil-ġuf, u kienet imħabbta minn uġigħ bla tarf u tbatijiet mill-aktar kiefra. Dik it-tarbija mejta kienet se twassal ukoll lil ommha lejn il-mewt, u billi kienet għadha ma tweldítx, kienet qiegħda tqiegħed lil ommha f'periklu. Il-mara intelqet għall-għajnuna tat-tobba, imma kull sforz li sar kien kollu ta' xejn u kull rimedju tal-bnedmin deher *taħbit għal xejn* (cfr. S 126,1). Hekk is-saħta antika tad-dnub kienet se terġa' taqa' bit-toqol tagħha fuqha, u hi *li saret qabar għan-nisel tal-ġuf tagħha* (cfr. Ġer 20,17), kienet issa qegħda *tistenna l-qabar tagħha* (cfr. Ġon 3,21.22) li kien fil-qrib. Imma hi bagħatet lil xi ħadd biex jirrikmandaha bid-devozzjoni lill-patrijiet Minuri u, mimlija tama, hi talbet xi relikwa ta' San Franġisk. U ġara li, bir-rieda divina, instab biċċa ħabel, li bih xi kultant kien jitħażżem il-qaddis. Malli dak il-ħabel ittieħed għand dik il-mara li kienet tbati, kull uġigħ għab qisu b'mod ta' l-għaġeb; dik it-tarbija mejta, li kienet se tkun kawża ta' mewt, inbeżqet 'il barra, u hekk reġgħet lura s-saħħa ta' qabel.

[1028] 97 Il-mara ta' wieħed raġel nobbli minn Calvi, li kien jisimha Giuliana, kienet tgħix mimlija niket minħabba l-mewt ta' uliedha u dejjem kienet titbekka fuq in-niket tagħha. Uliedha kollha kienu mietu, u kull darba li kienet twelled uliedha dejjem kienu jitqaċċtu mill-minġel tal-mewt. Kienet ilha *li nisslet fil-ġuf* (cfr. Mt 1,23) erba' xhur, imma kienet maħkuma aktar mit-tbatija milli mill-ferħ, bil-biża' li kellha li l-ferħ li ssir omm iqarraq biha għax malli twelled kienet terġa' tinħakem mid-dwejjaq ta' telfa oħra. Imma lejl minnhom, waqt li kienet rieqda, *deheritilha fil-ħolm* (cfr. Mt 1,20) waħda mara li kienet qiegħda ġġorr f'idejha tifel mill-isbaħ, u ħallietu f'idejha bi tbissima ħelwa u qaltilha: "Mara, ilqa' dan it-tifel li qiegħed jibgħatlek San Franġisk!" Imma hi, donnha ma setgħetx tilqa' li tieħu għandha dak li kienet taf li dalwaqt titilfu, u bdiet tgħidilha: "Għaliex għandi nieħu dan it-tifel, meta naf li dalwaqt imutli bħall-oħrajn kollha?" U dik weġbitha: "Ħudu, għaliex dak li se jibgħatlek San Franġisk *se jibqa' ħaj*" (cfr. Eżek 18,9.19). Wara li tennew dawn il-kelmiet bejniethom għal tliet darbiet, dik il-mara fl-aħħar laqgħet lit-tifel fi ħdanha. Imbagħad hi qamet u irrakkontat dik il-ħolma lil żewġha. Huma ferħu flimkien b'ferħ kbir, u kattru l-wegħdiet tagħhom biex jiksbu dak it-tifel. *Meta għalqilha ż-żmien biex teħles* (cfr. Lq 1,57), fl-aħħar dik il-mara tat id-dawl lil tifel, li billi baqa' dejjem jgħix f'saħħtu, kien ta' faraġ wara dawk it-telfiet kollha li kellha qabel.

[1029] 98 Fl-inħawi ta' Viterbo kien hemm mara, li kienet waslet biex teħles, u kienet imħabbta mill-uġiegħ fil-ġewwieni tagħha u minn kull għamla ta' tiġrib li jiġri lin-nisa waqt il-ħlas. Issejħu t-tobba u l-qwiebel, imma billi huma ma setgħu jwasslu għal ebda riżultat, dik il-mara baqgħet waħedha fid-disperazzjoni. Dik l-imsejkna allura sejħet lill-imqaddes Franġisku, u fost affarijiet oħrajn, wegħditu li għal ħajjitha kollha tibqa' tiċċelebra l-festa tiegħu b'mod solenni. Dik il-mara ġiet mall-ewwel meħlusa mit-tbatijiet tagħha u wasslet għat-tmiem u bil-ferħ il-ħlas tagħha. Imma, wara li qalgħet dak li xtaqet, ma baqgħetx tħares il-wegħda li kienet għamlet. Fil-jum tal-festa ta' San Franġisk marret biex taħsel il-ħwejjeġ, mhux għax kienet insiet, imma għax bdiet tiddisprezza dik il-wegħda li kienet għamlet ftit qabel. F'daqqa waħda hi *inħakmet minn uġiegħ* (cfr. Ġob 20,22) mhux tas-soltu, u malli fehmet li dak kien kastig reġgħet lura lejn id-dar. Imma malli waqaf l-uġiegħ, billi hi kienet waħda minn dawk li jbiddlu l-fehma tagħhom għaxar darbiet fis-siegħa, meta intebħet li l-ġirien kienu għaddejjin fil-faċċendi tagħhom, reġgħet qabdet ix-xogħol bla biża' u bdiet tagħmel agħar minn qabel. F'daqqa waħda hi ma rnexxilhiex iddawwar id-driegħ tal-lemin li bih kienet taħdem, u ħassitu li ibbies u li kien paralizzat. Ippruvat tgħollih bid-driegħ l-ieħor, imma bl-istess saħta dak ukoll ibbies. Hekk dik l-imsejkna kellha titlob lil binha biex jitmagħha, u ma setgħet tagħmel xejn waħedha. Żewġha baqa' mistagħġeb, u waqt li beda jitħasseb fuq x'kienet setgħet tkun ir-raġuni ta' dak li ġralha, intebaħ li hi ma baqgħetx fidila ma' dak li kienet wiegħdet lil San Franġisk, u għalhekk ġie dak l-għawġ fuqha. Hekk mela dak ir-raġel u martu, *imtlew bil-biża'* (cfr. Atti 10,4), u mall-ewwel reġgħu għamlu l-wegħda tagħhom. Il-qaddis *ġietu ħniena minnhom*, għaliex hu dejjem *kien mimli ħniena* (cfr. Bar 3,2), u lil dik il-mara niedma reġa' taha lura l-użu tal-membri li ġiet imċaħħda minnhom meta kienet naqset mill-wegħda tagħha. B'dan il-mod, il-kastig kixef il-ħtija u hekk ġara li dik il-mara saret eżempju għal dawk kollha li ma jħarsux il-wegħdi tagħhom, u twissija għal dawk li jippretendu li ma jridux iħarsu l-festi tal-qaddisin.

[1030] 99 Fil-belt ta' Tivoli, kien hemm mart wieħed imħallef, li wara li kienet welldet sitt ibniet, billi kienet imħabbta *minn bosta tiġrib* (cfr. Est 1,12), iddeċidiet li ma jkollhiex aktar relazzjonijiet ma' żewġha, biex ma tkomplix ikollha frott li ma tkunx tridu minn din ir-relazzjoni. Għax dik il-mara ma riedetx tkompli ġġib ulied bniet fid-dinja, u fix-xewqa tagħha li twelled tifel,

kienet saħansitra teħodha kontra r-rieda ta' Alla. Imma wieħed ma għandx jirvilla fil-ħaqq, li bil-liġi *ta' Alla li jista' kollox* (cfr. Apk 16,14), jaqa' fuq il-bnedmin. Hi, b'korla kbira, għal sena sħiħa ma resqitx lejn żewġha. Imma ftit wara, *reggħet lura għall-indiema, u tħabbet ma' żewġha* (cfr. Mt 27,3; 1Kor 7,11), u l-konfessur tagħha ikkmandaha biex titlob tifel lil San Franġisk, għaliex hi setgħet tirċievi l-grazzji għall-merti tiegħu. Ftit taż-żmien wara, dik il-mara nisslet, u l-qaddis li kien ġie msejjaħ biex jagħtiha iben, taha l-grazzja li twelled tewmin subien. Lil wieħed semmietu Francesco u lill-ieħor Biagio.

[1031] 100 Fil-belt ta' Le Mans[655], waħda sinjura li kienet nobbli ħafna kellha qaddejja mhix nobbli li, ukoll fil-festa ta' San Franġisk, bl-ordni tas-sinjura tagħha kellha *tagħmel xogħol iebes* (cfr. Lev 23,7) xorta waħda. Dik l-imsejkna, li kienet aktar nobbli fl-ispirtu tagħha, ma kienetx taċċetta li taħdem, biex tħares dak il-jum qaddis. Imma fl-aħħar intrebħet mill-biża' mill-bnedmin fuq il-biża minn Alla, u dik il-qaddejja, għalkemm kontra qalbha, obdiet. *Meddet idejha għall-magħżel u subgħajha għad-dussies* (cfr. Prov 31,19). Imma mall-ewwel idejha ibbiesulha bl-uġiegħ u subgħajha donnhom bdew jaħarqu minħabba sħana kbira. Dik il-ħtija saret magħrufa minn kulħadd minħabba l-kastig li sofriet, billi t-tbatijiet ħorox ma setgħux jippermettulha li tibqa' siekta. Hekk dik il-qaddejja marret tiġri għand ulied San Franġisk, stqarret il-ħtija tagħha, uriethom il-kastig li kienet irċeviet, u talbet il-maħfra. L-aħwa mbagħad marru purċissjoni lejn il-knisja, u talbu l-ħniena ta' San Franġisk għas-salvazzjoni tagħha. F'daqqa waħda, filwaqt li l-ulied kienu jitolbu lil missierhom, hi fieqet, imma f'subgħajha baqa' jidher is-sinjal tal-ħruq li kienet ġarrbet.

[1032] 101 Fil-Campania ġrat xi ħaġa tixbaħ lil din li semmejna. Waħda mara, lejliet il-festa ta' San Franġisk, għalkemm il-ġirien tagħha bdew iċanfruha ħafna, għaliex lanqas f'dak il-jum ta' festa ma kienet tieqaf mix-xogħol, bir-ras iebsa tagħha tkompliet ix-xogħol tagħha bla heda, sa filgħaxija. Imma wara l-għejja, f'daqqa waħda ġiet paralizzata f'idejha u ma setgħetx taħdem iżjed. Bi baqgħet miblugħ u mnikkta. F'daqqa waħda qamet u bdiet tgħid bil-miftuħ li wieħed għandu jirrispetta dik il-festa solenni li hi kienet stmerritha. Għamlet wegħda quddiem saċerdot, li dejjem kellha tibqa' tħares b'mod solenni l-festa tal-qaddis. Malli għamlet din il-wegħda, ħaduha fil-knisja iddedikata lil San Franġisk, u fost ħafna biki u dmugħ, reġgħet ħadet lura saħħitha.

[1033] 102 Fil-belt ta' Olite[656], waħda mara ġiet imwissija mill-ġara biex tħares il-festa ta' San Franġisk billi tieqaf mix-xogħol, imma b'ton ta' kurija weġbitha: "Jekk ikun hemm qaddis għal kull tip ta' xogħol, il-għadd tal-qaddisin ikun akbar minn dak tal-jiem tas-sena". Malli lissnet dawn il-kelmiet, bl-indħil divin, mall-ewwel iġġennet, u baqgħet bla raġuni u bla memorja għal bosta ġranet, sakemm bit-talb li sar lil San Franġisk minn xi devoti tiegħu l-ġenn tagħha għab għal kollox.

[1034] 103 Fil-kastell ta' Piglio, fil-Campania (ta' Ruma), nhar il-festa ta' San Franġisk, waħda mara kienet mehdija bil-ħeffa fix-xogħol tagħha. Hi ġiet imċanfra minn waħda sinjura nobbli, billi kulħadd kien iħares dik il-festa b'qima mill-aktar eżatta, imma hi weġbitha: "Fadalli ftit biex intemm ix-xogħol tiegħi; *issa jara l-Mulej* (cfr. 2Kron 24,22) jekk inix qiegħda nidneb!" F'daqqa

---

[655] *In civitate Cenomanensi*, li normalment tissejjaħ Le Mans, fi Franza, lejn it-tramuntana ta' Tours.
[656] *In villa Oleti*. Tista' tkun Olite f'Navarra, fi Spanja. L-*Analecta Franciscana* I,307, nota 5, tgħid li wieħed jista' jaqra *Valle Oleti*, jiġifieri l-belt ta' Valladolid, ukoll fi Spanja.

waħda, fuq bintha, li kienet bilqiegħda maġenbha, rat it-twettieq tal-ħaqq divin. Għax fomm dik it-tifla tgħawweġ sa widnejha u għajnejha qabżu l-barra b'mod li jbeżżgħek. Ġew jiġru n-nisa minn kullimkien u bdew jitkellmu kontra l-ħażen ta' dik l-omm, li kienet il-kawża tad-diżgrazzja ta' bintha li kienet bla ħtija. Mingħajr dewmien hi inxteħet għal tulha fl-art titkgħawweġ u tixher bin-niket, u bdiet twiegħed li ta' kull sena tħares il-jum tal-festa tal-qaddis, u li f'dik l-okkażjoni, tagħti jieklu lill-foqra għall-qima tal-qaddis. Dak il-ħin stess it-tiġrib li kellha bintha għab għal kollox malli l-omm, li kienet dinbet, nidmet mill-ħtija tagħha.

[1035] 104 Matteo minn Tolentino kellu bint jisimha Francesca. Hu inkorla mhux ftit għax l-aħwa kienu marru f'post ieħor, u iddeċieda li jsejjaħ lil bintu Mattea, u jneħħilha l-isem ta' Francesca. Imma malli neħħielha isimha, dik bintu bdiet titlef ukoll saħħitha. Għaliex billi dan kien ġara bi stmerrija lejn il-missier u b'mibegħda lejn uliedu, dik it-tfajla mardet b'mod mill-aktar gravi hekk li kienet qrib il-periklu tal-mewt. Dak ir-raġel, maħkum minn niket mill-aktar kbir minħabba l-qagħda iddisprata ta' bintu, u wara li martu bdiet iċċanfru minħabba l-mibegħda li wera lejn il-qaddejja ta' Alla u l-istmerrija lejn l-isem tal-qaddis, mall-ewwel beda jirrikorri b'devozzjoni pronta lejn dak l-isem u reġa' libbes lil bintu b'dak l-ewwel isem, li kien neħħielha. Fl-aħħarnett, wara li dak il-missier kollu dmugħ ġarr lil bintu fil-post ta' l-aħwa, dik it-tifla flimkien ma' l-isem reġgħet kisbet lura saħħitha.

[1036] 105 Waħda mara minn Pisa, li ma kienetx taf li kienet tqila, filwaqt li fil-belt tagħha ingħata bidu għall-bini ta' knisja iddedikata lil San Franġisk, għal jum sħiħ ħadet sehem fix-xogħol bil-ħeġġa. Lilha San Franġisk, flimkien ma' żewġ aħwa li kienu mexjin maġenbu, *deherilha bil-lejl u qalilha* (cfr. 2Kron 1,7): "Binti, *ara inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben* (cfr. Lq 2,31). Se tifraħ ħafna bih, u se tagħtih ismi". Hekk wasal *żmien il-ħlas u hi wildet tifel* (cfr. Lq 1,57). Il-kunjata mela qaltilha: "Semmieh Enrico, b'tifkira ta' dak it-tali li jiġi minna". Imma *l-omm tenniet*: "*Bl-ebda mod, imma jissejjaħ* (cfr. Lq 1,60) Franġisku". Il-kunjata bdiet tiddisprezza dak l-isem nobbli, bħallikieku kien xi ħaġa baxxa. Għaddew għalhekk ftit ġranet, u t-tifel li kien wasal biex jirċievi l-magħmudija, f'daqqa waħda tant iddgħajjef li kien donnu se jmut. Il-familja kollha inħakmet min-niket, *u l-ferħ inbidel għalihom fid-dwejjaq* (cfr. Ġak 4,9). Imma bil-lejl, filwaqt li l-omm ma setgħetx torqod minħabba n-niket, reġa' ġie bħall-ewwel darba San Franġisk flimkien ma' żewġ aħwa u bħal wieħed imħawwad dar lejn dik il-mara u qalilha: "Ma kontx għidtlek jiena li inti ma tgawdix lil ibnek, jekk inti ma tagħtihx l-isem tiegħi?" Dik il-mara mela bdiet tgħajjat li lil binha ma kienetx sejra tagħtih l-ebda isem ieħor. Fl-aħħar dak iċ-ċkejken fieq, u ġie mgħammed bl-isem ta' Franġisku. Lil dak it-tfajjel ċkejken ġiet mogħtija l-grazzja li ma jibkix u li jgħaddi bil-ferħ is-snin tat-tfulija tiegħu.

[1037] 106 Waħda mara mill-inħawi ta' Arezzo fit-Toscana, wara li kienet ilha sebat ijiem tbati l-uġiegħ tal-ħlas, kienet sfaret għall-mewt u kulħadd kien qata' jiesu li sejra tgħix. Imma hi għamlet wegħda lil San Franġisk u għoddha mejta kif kienet bdiet titolbu l-għajnuna. Malli għamlet dik il-wegħda, mall-ewwel raqdet u dehrilha San Franġisk li sejħilha b'isimha, Adelasia, u staqsieha jekk kienetx għarfet lil wiċċu. U hi weġbitu: "Iva żgur, inti l-missier qaddis" U l-qaddis staqsieha: "Taf titlob is-*Sliem għalik Sultana, omm tal-ħniena*?" U hi weġbitu: "Iva, missier". Għalhekk il-qaddis qalilha: "Ibda issa, u qabel ma ttemm it-talba tkun ħlist bil-ferħ". Malli qalilha hekk il-qaddis *għajjat għajta kbira* (cfr.Mt 27,46), u malli għajjat għab minn quddiemha. Malli semgħet dik l-għajta dik il-mara qamet, u kollha mriegħda bdiet titlob: *Sliem*

*għalik, Sultana*. Malli waslet fil-kliem "dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena", f'daqqa waħda, qabel ma temmet it-talba tagħha, tat id-dawl lil tifel mill-aktar ħelu, b'ħafna ferħ u b'saħħitha.

[1038] 107 Fi Sqallija, waħda mara, għalkemm kienet taf li kienet qorbot il-festa ta' San Franġisk, ma ħaditx ħsieb li tistrieħ mill-ħidma tagħha, imma marret biex tagħġeb id-dqiq. Ferrgħet id-dqiq u bdiet taħdmu b'idejha, imma f'daqqa waħda dak id-dqiq beda jidher imxarrab bid-demm. Meta rat hekk, kollha mistagħġba, dik il-mara bdiet issejjaħ lill-ġirien. Aktar ma dawk bdew jiġu bi ħġarhom biex jaraw dik id-dehra, aktar bdiet tikber il-kwantità tad-demm fid-dqiq. Hekk dik il-mara iddispjaċiha minn dak li kienet għamlet, u għamlet wegħda li għall-ġejjieni ma kellha qatt aktar tagħmel ħidma ta' l-id fil-jum ta' festa ikkonsagrat lill-qaddis. Malli mbagħad ikkonfermat dik il-wegħda, waqaf id-demm li kien inixxi fid-dqiq.

[1039] 108 Meta kien għadu ħaj il-qaddis, waħda mara tqila li kienet toqgħod fl-inħawi ta' Arezzo, meta wasal il-jum tal-ħlas, ġiet maħkuma minn uġiegħ tal-biża' u damet għal bosta jiem f'dan il-ħlas iebes. L-imqaddes Franġisku proprju f'dak iż-żmien kellu jgħaddi minn hemm, għax kien sejjer lejn eremitaġġ, riekeb fuq żiemel, billi kien marid. Filwaqt li kulħadd kien jistenna li hu jgħaddi minn dak il-post, fejn kienet tinsab dik il-mara li kienet tbati, il-qaddis kien diġà wasal f'dak l-eremitaġġ. Wieħed mill-aħwa inzerta li kellu jgħaddi, biż-żiemel li fuqu kien qagħad bilqiegħda l-qaddis, proprju minn dak ir-raħal. In-nies kollha, mela, meta intebħu li dak ma kienx San Franġisk, *kollhom niket, bdew jistaqsu* (cfr. Tob 10,3; Lq 22,23) jekk kienx hemm xi ħaġa li l-qaddej tal-Mulej kien mess b'idejh. Huma sabu r-riedni taż-żiemel, li l-qaddis kien żamm f'idejh, u għalhekk neħħewhom malajr minn ħalq iż-żiemel. Malli dawk ir-riedni tqiegħdu fuq dik il-mara, twarrab minna kull periklu, u hi setgħet twelled bil-ferħ u b'saħħitha. [1C 63]

## Kapitlu XIII
## Dwar il-morda bil-ftuq li tfejjqu.

[1040] 109 Fra Giacomo minn Iseo[657], li hu raġel magħruf u ċelebri ħafna fl-Ordni tagħna, bħala xhieda ta' dak li ġralu u għall-glorja tal-missier tagħna, radd il-ħajr lill-qaddis ta' Alla għaddon tal-fejqan. Meta hu kien għadu tifel fid-dar ta' missieru, kellu f'ġismu ferita mill-aktar kerha, li minnha kienu joħorġu l-partijiet moħbijin tal-ġisem, li n-natura taħbihom, u bħala konsegwenza kien isofri ħafna minn dik il-ġerħa. Missieru u qrabatu kollu, li kienu jafu b'dik il-ħaġa, kienu imnikktin u, minkejja li kienu irrikorrew għal bosta rimedji, hu ma kienx jagħti sinjal li jiġi għall-aħjar. Dak iż-żagħżugħ, mela, bl-ispirazzjoni divina, beda jaħseb għas-*salvazzjoni ta' ruħu* (cfr. 1Pt 1,9), u beda jfittex bil-ħerqa kollha ta' l-ispirtu lil Alla, *li jfejjaq lil dawk ta' qalbhom niedma u jdewwi l-ġerħat tagħhom* (cfr. S 146,3). Hekk hu daħal bil-qima kollha fl-Ordni, mingħajr ma qal lil ħadd bil-marda li kellu. Imma wara li *kien ilu jgħix* fl-Ordni *għal xi ftit taż-żmien* (cfr. Mt 25,5) l-aħwa saru jafu bil-marda li kellu dak iż-żagħżugħ. Huma baqgħu mistagħġbin, u kieku riedu, għalkemm kontra qalbhom, jibgħatuh lura d-dar. Imma dak iż-żagħżugħ tant baqa' jinsisti li huma ma waslux biex jieħdu dik id-deċiżjoni tan-niket. Dawk l-aħwa, mela, ħadu ħsieb dak iż-

---

[657] Fra Giacomo minn Iseo (li kien ġej mill-provinċja ta' Brescia, fuq l-għadira Sebino jew ta' Iseo, jiġi mfakkar minn Salimbene, fil-*Kronaka* tiegħu, bħala viżitatur tas-sorijiet, ministru f'diversi provinċji, sieħeb fra Giovanni da Parma fil-missjoni għand l-imperatur biżantin Vattazio. L-istess Salimbene jirrakkonta fil-qosor dan il-miraklu, u jagħtina d-data preċiża ta' meta seħħ: 25 ta' Mejju 1230, fil-jum tat-translazzjoni tal-ġisem ta' San Franġisk. F'dak il-jum kien ġie wkoll iċċelebrat il-Kapitlu ġenerali ta' l-aħwa.

żagħżugħ, sakemm hu, *imfarraġ bil-grazzja* (cfr. Lq 2,40) u mimli bil-virtujiet nobbli, beda jieħu ħsieb ta' l-erwieħ u kien jispikka fost kulħadd għad-dixxiplina regolari tiegħu. Ġara imbagħad, li meta kien riesaq il-jum li fih il-ġisem ta' l-imqaddes Franġisku kellu jittieħed fil-post tal-mistrieħ definittiv tiegħu, hu kien preżenti għall-festa tat-translazzjoni flimkien mal-ġemgħat kbar. Meta hu resaq lejn il-qabar li fih kien jistrieħ il-ġisem tal-missier l-aktar qaddis, beda jitolbu fit-tul biex ifejjqu minn dik il-marda li kien ilu jġorr għal tant snin. F'daqqa waħda, b'mod ta' l-għaġeb, il-membri ta' ġismu sabu l-post naturali tagħhom, u hu, wara li ħassu mfejjaq, neħħa ċ-ċinturin li kellu mdawwar miegħu, u minn dak il-ħin stess ġie meħlus minn kull tbatija.

[1041] 110 Wieħed raġel minn Pisa, li kien ibattal l-imsaren mill-post tal-ġenitali, minħabba l-uġiegħ qawwi u l-mistħija kbira li kien ikollu, ħa kontra tiegħu nnifsu deċiżjoni ġejja mix-xitan. Billi hu inħakem minn disperazzjoni profonda, iddeċieda li ma jridx jgħix iżjed u ried joqtol lilu nnifsu bit-tgħallieq. Imma meta wasal għal dak il-waqt, beda jħossu mniggeż mir-romors tal-kuxjenza li kienet għadha mhix mitfija għal kollox, u beda jiftakar u jtenni b'fommu, għalkemm bi dgħufija kbira, l-isem ta' San Franġisk. Hu mall-ewwel kiseb il-konverżjoni minn dik id-deċiżjoni misħuta, kif ukoll il-fejqan mall-ewwel minn dik il-ġerħa kbira li kien iġorr.

[1042] 111 It-tifel ta' wieħed raġel minn Cisterna in Marittima[658] kien ibati minn ftuq tal-biża' fil-partijiet ġenitali, u ma seta' bl-ebda mod iżomm lill-imsaren milli joħorġulu barra. Għaliex ukoll iċ-ċinturin, li soltu jintuża bħala rimedju ta' din il-marda, kien iġiblu ġerħat ġodda u li kienu jweġġgħuh. Il-ġenituri mnikktin tiegħu kienu jgħixu dejjem fl-inkwiet u d-dehra tal-biża' ta' dik il-ġerħa kienet kawża ta' biki għall-qraba u għal kull min kien jafhom. Wara li kienu ippruvaw kull għamla ta' kura imma mingħajr qatt ma kisbu l-ebda riżultat, il-missier u l-omm offrew lit-tifel lil San Franġisk. Darba minnhom, fil-jum tal-festa ta' San Franġisk, ħaduh fil-knisja li kienet inbniet f'ġieħ il-qaddis qrib Velletri, u qiegħduh quddiem ix-xbieha tal-qaddis, u hemmhekk għamlu l-wegħda tagħhom u bdew għat-tifel flimkien ma' folla numeruża. U filwaqt li kien jitkanta l-Evanġelju u kienu jiġu mlissna dawk il-kelmiet: *Dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min hu għaref u lil min jifhem, u urejthom lil min hu ċkejken* (cfr. Mt 11,25), f'daqqa waħda ċ-ċinturin u r-rimedji li kienu kollha ta' xejn inqasmu. Dak il-ħin stess il-ġerħa ingħalqet u t-tifel reġa' kiseb is-saħħa mixtieqa. Hekk f'dak il-post kien hemm ħafna għajjat *ta' tifħir lill-Mulej* (cfr. Lq 2,13) u ta' devozzjoni lejn il-qaddis tiegħu.

[1043] 112 F'Ceccano, kastell fil-Campagna, is-sagristan li kien jismu Niccolò għodwa waħda kmieni ħafna kien dieħel fil-knisja, imma *minħabba dak li ġara f'daqqa waħda* (cfr. Eżek 26,16) tant waqa' marid, li l-imsaren bdew joħorġulu 'l barra minn taħt żaqqu. Xi kjeriċi u oħrajn li kienu fil-qrib ġew jiġru u, filwaqt li refgħuh, ħaduh lura lejn is-sodda. Dam hemmhekk għal tmint ijiem mingħajr ma jista' jiċċaqlaq, hekk li lanqas seta' jqum biex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. Għalhekk issejjħu t-tobba u għamlulu l-kuri kollha li jsiru f'dak il-każ, imma l-uġiegħ tiegħu kompla jiżdied u l-marda mhux biss ma fieqetx, imma talli marret għall-agħar. Dawk l-imsaren li kienu ħarġu mill-post proprju tagħhom, tant kienu jikkawżaw tbatija lil dak ir-raġel, li għal tmint ijiem dak l-imsejken ma rnexxielux lanqas jiekol. Dak ir-raġel, li issa kien tilef kull tama u kien jaf li kien sejjer imut, dar lejn San Franġisk. Hu talab lil bintu, li kienet mara *ta' fidi u tibża' minn Alla* (cfr. Atti 10,2), biex titlob għalih lil San Franġisk biex jgħinu. Dik *il-bint imbierek ħarġet barra* (cfr. Ġw 18,29; Rut 3,10), u bdiet tehda fit-talb, filwaqt li fost l-ilfiq bdiet titlob lill-missier ikollu ħniena minn missierha. X'qawwa ta' l-għaġeb tat-talb! F'daqqa waħda missierha sejħilha, waqt li hi

[658] Illum il-post jissejjaħ Cisterna di Latina, u jinsab qrib il-kosta tal-Lazio.

kienet għadha tibki, u ħabbrilha bil-ferħ *il-fejqan mhux mistenni* (cfr. Għerf 5,2). Kollox kien reġa' lura fil-post tas-soltu tiegħu, u hu kien qiegħed jibda jħossu aħjar minn kif kien iħossu qabel ma waqa'. Hekk hu għamel wegħda li jżomm dejjem bħala patrun tiegħu lill-imqaddes Franġisku, u li ta' kull sena jiċċelebra l-festa tal-jum ikkonsagrat lilu.

[1044] 113 Fil-kastell ta' Spello wieħed raġel kien ilu xahrejn isofri minn ftuq b'tali mod li l-imsaren kienu donnhom kollha ħarġulu taħt żaqqu. Għal żmien twil ma rnexxielux la jikkontrolla l-imsaren ħerġin, u lanqas li jerġa' jdaħħalhom fil-post naturali tagħhom bl-għajnuna tat-tobba. Wara li t-tobba bdew iqisu li ma kienx hemm aktar tama għalih, hu dar lejn l-għajnuna divina. Hekk hu talab il-merti ta' l-imqaddes Franġisku, u f'daqqa waħda intebaħ li dak li qabel kien maqsum kien issa reġa' ingħalaq, u dak li kien ħareġ barra kien issa reġa' daħal f'postu.

[1045] 114 Wieħed żagħżugħ li kien jismu Giovanni, mid-djocesi ta' Sora, kien maħkum minn ftuq fl-imsaren li ma seta' jfejjqu bl-ebda għajnuna tat-tobba. Jum minnhom ġara li martu marret fil-knisja ta' l-imqaddes Franġisku. Filwaqt li hi kienet titlob għall-fejqan ta' żewġha, wieħed mill-aħwa qalilha bis-sempliċità kollha: "Erġa' lura, u għid lil żewġek biex jagħmel wegħda ma' l-imqaddes Franġisku, u inti immarka bis-sinjal tas-salib il-post fejn hu marid!" Dik reġgħet lura, u qalet dan kollu lil żewġha. Hu għamel wegħda ma' l-imqaddes Franġisku, immarka bis-sinjal tas-salib il-post tal-ferita, u dak il-ħin stess l-imsaren reġgħu lura ġewwa fil-post li fih kienu qabel. Dak ir-raġel baqa mistagħġeb *bil-fejqan mhux mistenni* (cfr. Għerf 5,2), u biex ikun żgur li kien fieq għal kollox, billi dak kien fejqan li sar hekk f'daqqa, beda jitħabat ħafna fiżikament. L-imqaddes Franġisku *deher waqt il-ħolm* (cfr. Mt 1,20) lill-istess żagħżugħ li kien maħkum minn deni qawwi, u filwaqt li *sejjaħlu b'ismu* (cfr. Is 40,26), qallu: "*La tibżax*, Giovanni, għaliex inti se tfiq *mill-marda tiegħek*" (cfr. Lq 5,10; 13,12). Li dan il-miraklu hu ta' min jemmnu jidher mill-fatt li l-imqaddes Franġisku deher lil wieħed reliġjuż li kien jismu Roberto, u meta dan staqsieh min kien, hu wieġbu: "Jiena Franġisku, u ġejt biex infejjaq lil wieħed ħabib tiegħi".

[1046] 115 Fi Sqallija, San Franġisk fejjaq ukoll b'mod ta' l-għaġeb lil wieħed raġel jismu Pietro, li kien ibati minn ftuq kbir mal-qasba ta' wirku, meta hu għamel wegħda li jmur iżur il-qabar tiegħu.

Kapitlu XIV
Dwar il-għomja, it-torox u l-imbikkmin.

[1047] 116 Fil-kunvent ta' Napli, wieħed mill-aħwa li kien jismu Roberto, u li kien għama għal bosta snin, kellu fuq għajnejh biċċa laħam ħażina li ma kienetx tħallih iċaqlaq għajnejh bl-ebda mod. F'dak il-post darba minnhom inġabru bosta aħwa barranin, li kienu sejrin jitilqu għal diversi inħawi fid-dinja, u l-missier imqaddes Franġisku, li hu eżempju u mera ta' ubbidjenza qaddisa, biex jagħmlilhom il-qalb għall-vjaġġ bil-qawwa ta'miraklu ġdid, fejjaq lil dak ħuhom quddiemhom kollha b'dan il-mod. Lejl minnhom dan fra Roberto kien jinsab mixħut kważi fi tmiem ħajtu, u kienu diġà irrikmandawlu lil ruħu, meta f'daqqa waħda deher quddiemu l-imqaddes Franġisku flimkien ma' tliet aħwa, li kienu magħrufin għall-qdusija tagħhom, jiġifieri Sant'Antnin,

fra Agostino[659] u fra Giacomo minn Assisi. Dawn fil-ħajja kienu imitawh fit-triq ta' kull perfezzjoni, u issa kienu qiegħdin jimxu warajh bl-istess ħeġġa wara mewtu. Il-qaddis, filwaqt li ħa sikkina f'idejh, qata' dik il-biċċa laħam ħażina minn quddiem għajnejn fra Roberto, reġa' radd lura d-dawl lil dak il-marid, u biegħdu minn ħalq il-mewt, filwaqt li qallu: "Ibni Roberto, il-grazzja li jiena għamilt miegħek hi sinjal għall-aħwa li sejrin imorru lejn pajjiżi fil-bogħod, li jiena dejjem ngħaddi quddiemhom *u mmexxihom fi triqthom* (cfr. S 39,3)". U kompla jgħidlu: "Ħa jmorru, mela, bil-ferħ u jwettqu bil-ħeġġa tar-ruħ l-ubbidjenza li ingħatatilhom. Jalla l-ulied jifirħu bl-ubbidjenza, l-aktar dawk li, meta jħallu arthom, jinsew l-art li minnha jkunu ġew fid-dinja, għaliex huma għandhom mexxej kapaċi li jgħaddi quddiemhom bil-ħerqa".

[1048] 117 F'Zancato, li hu kastell qrib Anagni, wieħed kavallier li kien jismu Gerardo, kien tilef għal kollox l-użu ta' għajnejh. Ġara li żewġ patrijiet Minuri, li kienu ġejjin lura minn pajjiżi barranin, marru lejn id-dar tiegħu biex hu jilqagħhom għandu. Hekk huma ġew milqugħin bil-ġieħ kollu mill-familja kollha u ġie murijin kull tjieba, imma ma ntebħux li dak li laqagħhom għandu kienu għama. Għaldaqstant marru mbagħad fil-post ta' l-aħwa li kien jinsab xi sitt mili 'l bogħod u damu hemmhekk tmint ijiem. Lejl minnhom l-imqaddes Franġisku *deher waqt il-ħolm* lil wieħed minnhom *u qallu*: "*Qum* (cfr. Mt 2,13), u mur ħaffef ma' sieħbek lejn id-dar ta' dak li laqagħkom għandu, għaliex fil-persuna tagħkom hu ta ġieħ lili u kien f'ismi li hu laqagħkom f'daru! Morru ħallsuh lura tal-ferħ li bih laqagħkom u tal-ġieħ li bih hu ġab ruħu magħkom. Għaliex hu għama u ma jarax, u dan ġralu minħabba d-dnubiet li għadu ma qerrhomx. Lilu għadhom jistennewh *id-dlamijiet tal-mewt* (cfr. Ġob 3,5) ta' dejjem, u għad ikollu jbati turmenti bla tmiem. Dan kollu hu konsegwenza tal-ħtijiet li hu għadu ma ċaħadhomx". Meta l-missier għab minn quddiemhom, dak ibnu qam miblugħ u mar ma' sieħbu biex iħaffef iwettaq dak il-kmand. Iż-żewġ aħwa reġgħu lura għand dak li kien laqagħhom, u dak li kellu dik id-dehra irrakkontalu *kollox ħaġa, ħaġa* (cfr. Est 15,9). Dak ir-raġel baqa' miblugħ mhux ftit, u għaraf il-verità ta' dak kollu li kienu qalulu. Hu nidem sa silet id-dmugħ, qerr bil-qalb, u wiegħed li jikkoreġi ruħu. Hekk iġġedded fil-bniedem ta' ġewwa, u l-bniedem ta' barra reġa' kiseb is-saħħa f'għajnejh. L-aħbar tal-kobor ta' dan il-miraklu xterrdet ma' kullimkien, u ħeġġet lil dawk kollha li semgħuha biex jgħixu dejjem fid-don ta' l-ospitalità.

[1049] 118 F'Tebe, fir-Romania[660], waħda mara għamja, li kienet issum ħobż u ilma fil-vġili ta' San Franġisk, ġiet meħuda minn żewġha fl-ewwel sigħat tal-festa lejn il-knisja ta' l-aħwa. Hi mela, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, fil-ħin ta' l-elevazzjoni tal-ġisem ta' Kristu, fetħet għajnejha, u bdiet tara b'mod ċar u tadura bl-akbar devozzjoni. Fl-istess ħin ta' l-adorazzjoni tagħha bdiet tistqarr b'leħen għoli: "Inrodd ħajr lil Alla u lill-qaddis tiegħu, għaliex issa nista' nara l-ġisem ta' Kristu!" Dawk kollha li kienu hemm preżenti infexxew *f'għajjat ta' ferħ* (cfr. S 46,2), u wara li intemmet il-quddiesa dik il-mara *reġgħet lura lejn darha* (cfr. Lq 1,56) timxi fid-dawl stess ta' għajnejha. Għax Kristu kien dawl għal Franġisku sakemm dan kien jgħix, u kif issa ħallielu f'idejh kull qawwa ta' l-għaġeb tiegħu, hekk ukoll issa jrid li tingħata glorja lill-ġisem tiegħu.

---

[659] Fra Agostino kien ministru provinċjal ta' Terra di Lavoro, u miet fl-istess ħin li fih kien miet San Franġisk; cfr. 2C 218. Fra Giacomo minn Assisi jissemma f'2C 217a u IC 110. Bernardo da Bessa jidentifikah ma' dak li ra lir-ruħ ta' San Franġisk tiela' s-sema bħal kewkba tiddi; cfr. *Liber de Laudibus,* in *Analecta Franciscana* I,86, nota 10.

[660] Jiġifieri fil-Greċja, fl-imperu latin tal-Lvant.

[1050] 119 Fil-Campania, wieħed tfajjel ta' erbatax-il sena, mill-kastell ta' Pofi, minħabba disgrazzja li ġiet fuqu f'daqqa waħda, tilef id-dawl ta' għajnu x-xellugija. L-uġiegħ kiefer kien imbotta lil dik għajnu hekk 'il barra, li għal tmint ijiem sħaħ, din kienet imdendla fuq barra ma' biċċa laħam ħoxna daqs wieħed mis-swaba', u hekk nixfet għal kollox. Meta ma kien fadal xejn x'wieħed jagħmel ħlief li jaqtgħuhielu barra, skond il-parir tat-tobba, missieru mar jitlob *bil-qawwa tar-ruħ tiegħu kollha* (cfr. Mk 12,30) l-għajnuna ta' l-imqaddes Franġisku. Dan, li hu l-ħarries li qatt ma jgħejja ta' dawk li huma msejknin, reġa' qiegħed lil dik l-għajn imnixxfa fil-post tagħha, u reġa' ta lil dak iż-żagħżugħ li jara d-dawl mixtieq u b'mod ċar.

[1051] 120 F'dik l-istess provinċja, f'Castro (dei Volsci), travu kbir waqa' mill-għoli u ħabat b'mod qawwi mar-ras ta' wieħed qassis, hekk li dan tilef id-dawl ta' għajnu x-xellugija. Waqa' ma' l-art, u beda jitniehed b'leħen għoli u jitlob lil San Franġisk, filwaqt li jgħidlu: "Għinni, missier l-aktar qaddis, biex inkun nista' mmur għall-festa tiegħek, kif dejjem wegħidt lill-patrijiet tiegħek li nagħmel!" Dak in-nhar, fil-fatt, kienet lejliet il-festa tal-qaddis. Dak qam mall-ewwel, u tfejjaq b'mod tassew ta' l-għaġeb; hekk hu infexx f'ħafna għajjat ta' tifħir u ferħ, u biddel fi stagħġib u f'hena l-ħniena ta' dawk li kienu preżenti u li diġà kienu bdew jitħassruh minħabba dik id-disgrazzja. Hu mar fil-knisja u irrakkonta lil kulħadd it-tjieba u l-qawwa tal-qaddis, li hu kien sperimenta fih innifsu. Jalla kulħadd jitgħallem li għandu jqim bid-devozzjoni lil dak li huma jafu li jgħin b'tant ħeffa lil dawk li jqimuh.

[1052] 121 Meta kien għadu ħaj l-imqaddes Franġisku, waħda mara minn Narni, li kienet għamja, reġgħet kisbet id-dawl b'mod mirakoluż, wara li l-bniedem ta' Alla kien għamel is-sinjal tas-salib fuq għajnejha. [1C 67]

[1053] 122 Wieħed raġel mill-Monte Gargano, li kien jismu Pietro Romano, filwaqt li kien fid-dielja tiegħu u kien iqatta' l-injam bil-mannara, laqat għajnu u qasmu min-nofs hekk li parti minn għajnu baqgħet imdendla fuq barra. Hu iddispra għal dak li kien ġralu għax kien jaf li ħadd ma seta' jgħinu, u wiegħed li ma kienx se jmiss ikel fil-festa ta' San Franġisk, jekk dan kien jiġi biex jgħinnu. Mall-ewwel il-qaddis ta' Alla reġa' qiegħed f'postha dik il-għajn ta' dak ir-raġel, u reġa' għaqqadlu flimkien dak li kien inqasam, u raddlu d-dawl li kellu qabel.

[1054] 123 L-iben ta' wieħed raġel nobbli, li *kien għama mit-twelid* (cfr. Ġw 9,1), reġa' kiseb id-don tad-dawl li tant kien jixtieq, għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku. Hu mbagħad għażel li jieħu ismu minn dak il-miraklu li ġralu, u beda jissejjaħ Illuminato. Daħal imbagħad fl-Ordni ta' San Franġisk, u fl-aħħarnett temm il-ħajja qaddisa li kien beda bi tmiem ħafna aktar qaddis.

[1055] 124 Bevagna hu kastell nobbli, li jinsab fil-wied ta' Spoleto. Kienet tgħix fih waħda mara qaddisa, li kellha bintha verġni terġa' aktar qaddisa minnha, u neputija li kienet devota ħafna lejn Kristu. San Franġisk kien ta' spiss jagħti ġieħ lill-ospitalità tagħhom bil-preżenza tiegħu, għaliex dik il-mara kellha wkoll binha fl-Ordni, li kien raġel ta' virtù mill-aktar tispikka. Issa waħda minn dawn in-nisa, jiġifieri n-neputija, kienet tilfet id-dawl ta' għajnejha tal-ġisem, għalkemm l-għajnejn tar-ruħ, li bihom kienet tara lil Alla, kienu imdawwlin minn dija ta' l-għaġeb. Wara li talbu lil San Franġisk għal darba, sabiex ikollu ħniena mill-marda tagħha, u wkoll iħares lejn it-taħbit tagħhom, hu *xarrab għajnejn* il-għamja *bir-riq tiegħu* (cfr. Ġw 9,6), u f'isem it-Trinità reġa' raddilha lura id-dawl li xtaqet.

[1056] 125 F'Città della Pieve[661] kien jgħix wieħed żagħżugħ fqajjar li kien għal kollox trux u mnikkem *minn twelidu* (cfr. Ġw 9,1). Hu kellu lsienu tant qsajjar, li dawk kollha li kienu jħarsu lejh kienu jaraw li l-lsienu kien qisu maqtugħ. Wieħed raġel, jismu Marco, kien laqgħu f'daru għall-imħabba ta' Alla. Dak il-fqajjar, meta ra li kienu laqgħuh bl-imħabba, beda jgħix dejjem miegħu. Lejla minnhom, dak ir-raġel, filwaqt li kien qiegħed jiekol ma' martu, u kien preżenti dak iż-żagħżugħ, qal lil martu: "Jiena nqisu li jkun miraklu mill-akbar, jekk l-imqaddes Franġisku jerġa' jrodd is-smiegħ u l-kelma lil dan iż-żagħżugħ". U żied jgħid: "*Jiena nwiegħed lil Alla* (cfr. S 131,2), li jekk San Franġisk jogħoġbu jfejjqu, jiena nżomm dejjem bi spejjeż tiegħi dan iż-żagħżugħ, sakemm idum ħaj". Ħaġa ta' l-għaġeb mingħajr dubju! F'daqqa waħda lsien dak iż-żagħżugħ kiber, u hu *beda jitkellem u jgħid* (cfr. Ġen 8,15): "Viva San Franġisk, li jiena qiegħed narah fil-għoli, u li tani l-kelma u s-smiegħ. Issa x'sejjer ngħid lin-nies?" U dak li kien irabbieh qallu: "*Faħħar lill-Mulej u ssalva bosta bnedmin*" (cfr. S 68,31; 35,7). L-irġiel ta' dak il-post, li kienu jafuh kif kien qabel, kienu mimlijin b'għaġeb kbir.

[1057] 126 Waħda mara mill-inħawi tal-Puglie kienet ilha żmien twil li tilfet l-użu ta' lsienha, u ma setgħetx tieħu n-nifs bil-libertà. Meta lejl minnhom kienet rieqda, deheritilha l-Verġni Marija, li qaltilha: "Jekk trid tfiq, mur f'pellegrinaġġ lejn il-knisja ta' San Franġisk li hemm Venosa u hemmhekk terġa' tikseb is-saħħa li tixtieq!" Dik il-mara qamet u billi la setgħet tieħu n-nifs u lanqas titkellem, uriet bis-sinjali lill-familjari li riedet tmur Venosa. Dawk aċċettaw li jeħduha u bdew mexjin lejn dak il-post. Dik il-mara mela daħlet fil-knisja ta' San Franġisk, u waqt li bil-qalb imqanqla tagħha bdiet titlob dik il-grazzja, f'daqqa waħda irremettiet biċċa laħam ħażina, u quddiem l-istagħġib ta' dawk kollha li kienu preżenti, fieqet għal kollox.

[1058] 127 Fid-djoċesi ta' Arezzo, waħda mara li kienet imbikkma għal seba' snin sħaħ, kienet iddur b'tama li qatt ma tiġi nieqsa lejn il-widnejh divini, sabiex Alla jagħtiha l-grazzja li lsienha jinħall. U ara li, waqt li kienet rieqda, deherulha żewġ patrijiet li kienu lebsin ilbies aħmar u bil-ħlewwa tawha l-parir li tagħmel wegħda ma' San Franġisk. Dik obdiet bil-qalb għall-parir tagħhom, u ikkonsagrat ruħha fil-qalb tagħha, billi ma setgħetx tagħmel hekk b'ilsienha. Fl-istess ħin qamet mill-irqad u reġgħet intradditilha l-kelma.

[1059] 128 Wieħed imħallef, li kien jismu Alessandro, billi kien tkellem kontra l-mirakli ta' l-imqaddes Franġisku, għal sitt snin u fuqhom kien sar oġġett ta' stagħġib quddiem il-bnedmin għaliex tilef il-kapaċità li jitkellem. Billi hu *ġie ikkastigat f'dak il-membru li bih hu kien dineb* (cfr. Għerf 11,17), hu ftakar f'dak il-kastig u fit-tbatija li kellu, u tnikket li kien iddisprezza l-mirakli tal-Qaddis. Għaldaqstant, ma damitx aktar fuqu l-korla tal-Qaddis, li reġa' laqa' lura għandu lil dak li kien jitolbu bl-umiltà kollha, u reġa' raddlu l-kelma fuq fommu. Minn dak il-ħin dak l-imħallef, li issa kien sar ħafna aktar devot minħabba l-kastig iebes li kien qala', saffa l-ilsien li bih kien dagħa bit-tifħir tal-missier imqaddes.

[1060] 129 Billi diġà tkellimna dwar bniedem li dagħa, jidhrilna li għandna nirrakkontaw ħaġa oħra li qed tiġi quddiem għajnejna. Wieħed kavallier, li kien jismu Gineldo, minn Borgo (San Sepolcro) fil-provinċja ta' Massa, kien dejjem jiddisprezza b'ħafna ardir nieqes minn kull rispett l-għemejjel u l-mirakli ta' l-imqaddes Franġisku. Hu kien jixħet ħafna saħtiet lill-pellegrini li kienu jiġru biex iqimu t-tifkira tal-qaddis u kien jitkellem b'ħafna bluha kontra l-aħwa. Jum

---

[661] L-isem latin hu *Castrum Plebis*, fil-provinċja ta' Perugia. L-episodju hu irrakkontat b'ħafna aktar dettalji f'1C 147-148.

minnhom, meta kien qiegħed jilgħab id-dadi, mimli bluha u nuqqas ta' fidi, qal lil dawk li kienu preżenti: "Jekk Franġisku hu qaddis, mela ħalli jiġuni tmintax-il punt fid-dadi!" Mall-ewwel deher fid-dadi n-numru sitta multiplikat bi tlieta, u għal disa' darbiet wara xulxin, kull darba li kien jixħet id-dadi, kien jiġi n-numru sitta multiplikat bi tlieta. Imma dak l-iblah ma hedhiex, imma terġa' kompla jżid dnub fuq dnub u dagħwa fuq oħra. U filwaqt li stagħġeb qal: "Jekk hu veru li Franġisku hu qaddis, ħalli l-ġisem tiegħi llum jaqa' mejjet b'daqqa ta' xabla; imma jekk mhuwiex qaddis, mela ħa neħles qawwi u sħiħ!" *Il-korla ta' Alla ma ddawritx* (cfr. S 77,21.31), u għall-ħaqq divin, *id-diskors tiegħu ġie meqjus bħala dnub* (cfr. S 108,7). Meta temm il-logħob, billi hu offenda lil neputih, dan qabad xabla u ċappasha bid-demm billi deffisha f'żaqq zijuh. Hekk dak il-jum, ġara li dak il-bniedem ħażin, li kien ilsir ta' l-infern u *iben id-dlamijiet* (cfr. 1Tes 5,5) miet. Jalla jibżgħu dawk li jidgħu u ma jaħsbux li l-kliem jintilef fl-arja, jew li ma hemmx vendetta għal min joffendi lill-qaddisin.

[1061] 130 Waħda mara jisimha Sibilla, wara li kienet sofriet għal bosta snin għax ma setgħetx tara iżjed, talbuhom jeħduha, għamja kif kienet u mimlija imrar, fuq il-qabar tal-bniedem ta' Alla. Hi, wara li reġgħet kisbet id-dawl li kienet tilfitu għal xi żmien, marret lura d-dar mimlija ferħ u hena. [1C 136]

[1062] 131 Fil-kastell ta' Vicalvi, fid-djoċesi ta' Sora, waħda tifla, li kienet għamja mit-twelid, ittieħdet minn ommha f'oratorju iddedikat lil San Franġisk, fejn wara li sejħet l-isem ta' Kristu, stħaqqilha, għall-merti ta' San Franġisk, li terġa' takkwista d-dawl, li qabel kienet tgawdi.

[1063] 132 Fil-belt ta' Arezzo waħda mara, li kienet ilha għamja għal seba' snin, meta marret fil-knisja ta' San Franġisk, li kienet inbniet qrib il-belt, reġgħet kisbet lura d-dawl.

[1064] 133 Fl-istess belt, l-iben ta' waħda mara fqira, tfejjaq mill-għama tiegħu mill-imqaddes Franġisku, wara li ommu offrietu lill-qaddis.

[1065] 134 Wieħed raġel għama minn Spello, quddiem il-qabar li fih kien tqiegħed il-ġisem qaddis, reġa' kiseb lura d-dawl ta' għajnejh, li kien ilu li tilfu żmien twil. [1C 136]

[1066] 135 F'Poggibonsi, fid-djoċesi ta' Firenze, waħda mara għamja, immexxija minn dehra li kellha, bdiet iżżur oratorju iddedikat lill-imqaddes Franġisku. Hi, meta ittieħdet hemmhekk, waqt li kienet qiegħda titlob mixħuta quddiem l-altar, f'daqqa waħda, reġgħet kisbet id-dawl u setgħet tmur lura lejn darha mingħajr ħadd ma jmexxiha.

[1067] 136 Waħda mara minn Camerino li kienet għal kollox nieqsa mid-dawl ta' l-għajn il-leminija, qiegħdulha fuqha biċċa drapp li l-imqaddes Franġisku kien mess b'idejh, u wara li għamlet wegħda, ilkoll raddew ħajr b'rikonoxxenza lill-Mulej Alla u lil San Franġisk talli hi reġgħet kisbet id-dawl. [1C 136]

[1068] 137 Ħaġa tixbaħ lil din ġrat ukoll lil waħda mara minn Gubbio. Hi għamlet wegħda u kisbet id-dawl li kienet tilfet. [1C 136]

[1069] 138 Wieħed ċittadin minn Assisi, li kien tilef id-dawl ta' għajnejh għal ħames snin, u li meta kien għadu ħaj San Franġisk kien dejjem ħabib tiegħu, beda jitolbu u jfakkru f'dik il-ħbiberija

antika tagħhom, u malli mess il-qabar tiegħu, f'daqqa waħda ġie meħlus mid-deni li kellu. [1C 136]

[1070] 139 Albertino minn Narni, li kien tilef id-dawl ta' għajnejh u li kellu l-kpiepel ta' għajnejh li kienu jaqgħulu sa fuq ħaddejh, għamel wegħda ma' l-imqaddes Franġisku, u stħaqqlu li jerġa' jikseb id-dawl u li jfiq. [1C 136]

[1071] 140 Wieħed żagħżugħ, li kien jismu Villa, ma kienx jista' la jimxi u lanqas jitkellem. Għalih ommu għamlet xhieha tax-xemgħa biex toffriha b'wegħda, u ħaditha b'devozzjoni kbira fil-post fejn l-imqaddes Franġisku hu midfun. Malli reġgħet lura d-dar, sabet lit-tifel li kien jimxi u li kien jitkellem. [1C 149]

[1072] 141 Wieħed raġel mid-djoċesi ta' Perugia, li kien tilef għal kollox l-użu ta' lsien u tal-kliem, kien dejjem iżomm ħalqu miftuħ beraħ u kien jagħmel ħsejjes tal-biża'. Għaliex hu kellu gerżumtu li kienet minfuħa ħafna u donnha mimlija laħam. Malli wasal fil-post li fih kien hemm midfun il-ġisem mill-aktar qaddis, hu ried jitla' fuq it-taraġ tal-qabar, imma hemmhekk beda jirremetti kwantità ta' demm u hekk ġie meħlus b'mod ta' l-għaġeb, u reġa' beda jitkellem u jiftaħ u jagħlaq ħalqu b'mod naturali. [1C 149]

[1073] 142 Waħda mara, minħabba ġebla li kienet weħlitilha fi griżmejha, kellha infjammazzjoni kerha, u lsienha nixfilha, hekk li hi la setgħet titkellem, la tiekol, u lanqas tixrob. Hi, għalkemm kienet ippruvat bosta għamliet ta' kura, ma ħasset l-ebda rimedju jew serħan, u mbagħad offriet ruħha bil-qalb lill-imqaddes Franġisku, u hekk infetħitilha l-gerżuma, u qalgħet 'il barra dik il-ġebla li kienet għalqitha. [1C 150]

[1074] 143 Bartolomeo, mill-kastell ta' Arpino, fid-djoċesi ta' Sora, għal seba' snin sħaħ kien nieqes mis-smiegħ, u malli sejjaħ l-isem ta' l-imqaddes Franġisku, reġa' kiseb lura s-smiegħ.

[1075] 144 Fi Sqallija, waħda mara, mir-raħal ta' Piazza Armerina, tilfet l-użu tal-kelma, u daret bil-kliem u bil-qalb lejn l-imqaddes Franġisku, u reġgħet kisbet il-grazzja tal-kelma li kienet tixtieq.

[1076] 145 Fil-belt ta' Nicosia, wieħed qassis, skond id-drawwa, qam għall-matutin, u wara li wieħed lettur talbu l-barka bħas-soltu, tah tweġiba goffa. Hekk hu iġġennen, u meta ħaduh id-dar, tilef il-kelma kważi għal kollox għal xahar sħiħ. Hu, imbagħad, fuq suġġeriment ta' wieħed bniedem ta' Alla, għamel wegħda ma' San Franġisk u inħeles mid-deni, u kiseb mill-ġdid l-użu tal-kelma.

## Kapitlu XV
### Dwar il-lebbrużi u dawk li kienu jbatu bi tnixxija tad-demm.

[1077] 146 F'San Severino, wieħed żagħżugħ jismu Atto, kien ilu lebbruż u kien wasal fl-aħħar ta' ħajtu. Il-membri kollha ta' ġismu kienu intefħulu, u kien iħares lejn kulħadd b'ħarsa tal-biża. Hekk kien dejjem kważi fis-sodda, u lill-qrabatu kien iħallihom mimlijin b'niket profound. Jum minnhom missieru dar lejh, u ikkonvinċieh biex joffri ruħu lill-imqaddes Franġisku. Hu laqa' bil-

ferħ din il-proposta, u missieru ġab ftila ta' xemgħa, li biha kejjel it-tul taż-żagħżugħ. Hu għamel wegħda li ta' kull sena jġorr xemgħa twila daqs ibnu u jagħtiha lill-imqaddes Franġisku. Malli għamel din il-wegħda, dak il-marid qam mall-ewwel minn soddtu u sab ruħu mfejjaq mil-lebbra. [1C146]

[1078] 147 Wieħed raġel ieħor, li kien jismu Buonuomo, mill-belt ta' Fano, u li kien paralitiku u lebbruż, ittieħed mill-qraba fil-knisja ta' San Franġisk, u hemmhekk kiseb il-fejqan sħiħ miż-żewġ mardiet li kellu. [1C 146]

[1079] 148 Waħda mara nobbli, li kien jisimha Rogata, mid-djoċesi ta' Sora, kienet ilha għal tlieta u għoxrin sena *tbati bit-tnixxija tad-demm* (cfr. Mt 9,20). Jum minnhom semgħet wieħed żagħżugħ ikanta bl-ilsien tal-poplu l-mirakli li Alla kien wettaq f'dawk il-jiem permezz ta' l-imqaddes Franġisku. Imqanqla minn niket ġewwieni, bdiet tibki u kollha taqbad bil-fidi *bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha* (cfr. Lq 11,38): "O missier l-aktar qaddis Franġisku, li għall-merti tiegħek isiru mirakli jiddu u daqshekk kbar, ikun jogħoġbok teħlisni minn dawn it-tbatijiet! Sa issa għadek ma għamiltx miraklu daqshekk kbir!" Għaliex ta' spiss, minħabba li kien inixxilha ħafna demm, dik il-mara kienet tkun għoddha sejra tmut; u malli t-tnixxija kienet tieqaf, hi kienet tintefaħ f'ġisimha kollu. Wara li għaddew ftit ġranet, hi sabet ruħha mfejjqa għall-merti tal-wisq qaddis Franġisku. L-iben tagħha wkoll, li kien jismu Mario, u li kellu driegħ wieħed li kien niexef, malli għamel wegħda, ġie mfejjaq mill-qaddis ta' Alla.

[1080] 149 Waħda mara minn Sqallija, li kienet ilha maħkuma għal seba' snin sħaħ minn emorraġija, tfejjqet bl-istess mod mill-imqaddes Franġisku, li jġorr is-sinjali ta' Kristu.

Kapitlu XVI
Dwar l-imġienen u l-imxajtnin.

[1081] 150 Pietro minn Foligno, li kien mar biex iżur is-santwarju ta' San Mikiel, xorob l-ilma ta' għajn u donnu kien xorob ix-xjaten. Minn dak il-ħin, ġie maħkum mix-xitan għal tliet snin, u kien dejjem ibati f'ġismu, kien jgħid kliem tal-biża' u kien jagħmel għemejjel mill-agħar. Fl-aħħarnett, malli hu mess b'idejh il-qabar tal-missier imqaddes, u talab bl-umiltà l-qawwa tiegħu, ġie meħlus b'mod mirakoluż minn dawk ix-xjaten, li kienu ħabbtuh b'mod daqshekk vjolenti. [1C 137]

[1082] 151 Lil waħda mara mill-belt ta' Narni, li kienet maħkuma minn xitan, il-qaddis ikkmandaha *waqt il-ħolm* (cfr. Mt 2,13) biex timmarka lilha nnifisha bis-sinjal tas-salib. U hi, billi kienet tilfet l-użu ta' moħħha, ma kienetx għadha taf tagħmel dak is-sinjal, imma l-imqaddes Franġisku ġie jagħmel is-sinjal tas-salib fuqha, u hekk ħarrab minnha kull spirtu ħażin. [1C 138]

[1083] 152 Fil-Marittima[662], waħda mara, li kienet ilha ssofri minn ġenn għal ħames snin, baqgħet nieqsa mid-dawl u mis-smiegħ. Hi kienet tqatta' bi snienha l-ilbies tagħha, u ma kellha qatt biża' mill-periklu tan-nar u ta' l-ilma, u kienet taqa' waqt attakki terribbli ta' epilepsija. Lejl minnhom, meta l-ħniena divina riedet li magħha tintuża l-ħniena, din il-mara inħakmet minn nagħsa ħelwa. U hi *rat* lill-imqaddes Franġisku *qiegħed fuq tron mill-isbaħ* (cfr. Is 6,1), u hi,

[662] Il-*Marittima* hi r-reġjun tal-kosta tal-Lazio.

filwaqt li nxteħtet quddiemu, bdiet titolbu bil-ħniena li jfejjaqha. Billi l-qaddis ma riedx jisma' t-talbiet tagħha, dik il-mara għamlet wegħda, u skond kif setgħet wiegħditu li ma kienetx se tiċħad li tagħti karità lil min kien jitlobhielha għall-imħabba tiegħu. Mall-ewwel il-qaddis laqa' dik it-talba tagħha, li kienet tixbaħ dak il-ġest li hu stess kien għamel darba minnhom, u filwaqt li immarkaha bis-sinjal tas-salib, reġa' raddilha saħħitha għal kollox.

[1084] 153 Waħda tifla minn Norcia, li kienet ilha żmien twil tbati b'ħass ħażinijiet, fl-aħħar fehmet li kienet maħkuma mix-xitan. Għaliex hi kienet tgħażżeż snienha u kienet tigdem lilha nnifisha, u la kienet tibża' li taqa' mill-għoli u minn ebda periklu ieħor. Hi kienet tilfet il-kelma u l-użu tal-membri l-oħrajn ta' ġisimha, u ma kienx għad fadlilha d-dehra ta' ħlejqa li tirraġuna. Il-ġenituri tagħha, li kienu maħkumin min-niket minħabba l-qagħda mħawwda li kienet fiha din binthom, ħaduha Assisi, wara li kienu waħħlu l-friex tagħha fuq bhima tat-tagħbija. Fil-jum taċ-Ċirkonċiżjoni tal-Mulej[663], filwaqt li kienet qiegħda tiġi iċċelebrata l-quddiesa solenni u dik it-tfajla kienet mixħuta ma' l-art qrib l-altar ta' San Franġisk, f'daqqa waħda irremettiet xi ħaġa terribbli. Imbagħad qamet fuq riġlejha, bieset l-altar ta' San Franġisk, u meħlusa minn kull xorta ta' ħażen, bdiet tgħajjat b'leħen għoli: "*Faħħru lil Alla u lill-qaddis tiegħu*!" (cfr. S 150,1).

[1085] 154 It-tifel ta' wieħed raġel nobbli kien isofri mit-tbatija kbira ta' meta wieħed jaqa' zoptu. Meta kien jiġrilu hekk kien joħroġ ir-ragħwa minn ħalqu, kien iħares lejn kulħadd b'ħarsa tal-biża', u kien jabbuża l-membri tiegħu hekk li kien jobżoq 'il barra xi ħaġa ġejja mix-xitan. Il-ġenituri tiegħu kienu jitolbu lill-qaddis ta' Alla, sabiex dan ifejjqu u joffri lil dan binhom l-imsejken il-ħniena u l-kompassjoni tiegħu. U ara li, bil-lejl, deher lil omm it-tifel, li kienet rieqda, dan il-ħabib mimli ħniena u qalilha: "Ara, jiena ġejt issa biex insalvalek lil ibnek". Malli semgħet dawk il-kelmiet dik il-mara qamet kollha mriegħda u sabet lit-tifel tagħha li kien imfejjaq għal kollox.

[1086] 155 Jidhirli li jeħtieġ nirrakkonta dik il-qawwa ta' l-għaġeb fuq ix-xjaten li kellu l-qaddis meta kien għadu ħaj. Darba minnhom, fil-kastell ta' San Gimignano, il-bniedem ta' Alla, *waqt li kien qiegħed ixandar l-Evanġelju tas-saltna tas-smewwiet* (cfr. Lq 8,1; Mt 5,20), kien ġie mistieden għand *raġel jibża' minn Alla* (cfr. Atti 10,1.2), li martu, kif kien jaf kulħadd, *kienet imħabbta minn xitan* (cfr. Mt 15,22). L-imqaddes Franġisku talbuh biex jidħol għaliha, imma hu ried jaħrab mit-tifħir tal-bnedmin, u għalhekk ma riedx jindaħal. Imma mbagħad, imqanqal minn ħafna talb, talab lit-tliet aħwa li kienu miegħu biex joqogħdu fi tliet irkejjen tad-dar biex jitolbu, filwaqt li hu nnifsu mar qagħad fir-raba' rokna biex jitlob. *Meta temm it-talb* (cfr. Ġdt 6,16), resaq bil-fidi lejn dik il-mara, li kienet imħabbta b'mod tal-biża', u lix-xitan ordnalu *f'isem Ġesù Kristu* (cfr. Atti 3,6) biex joħroġ minnha. Dak mal-kmand tiegħu telaq b'tant korla u ħeffa li *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 4,9.16) ħaseb li kien qarraq bih, u mimli mistħija, telaq minn hemm. Imma meta darba oħra reġa' għadda mill-istess post, dik il-mara kienet tigri warajh fil-pjazza, *u kienet tgħajjat warajh u tbuslu l-marki ta' riġlejh* (cfr. Est 13,13), u titolbu biex jieqaf ikellimha. Il-qaddis, biss wara li kien ġie żgurat minn ħafna li dik il-mara kienet tassew fieqet, aċċetta li jitkellem magħha. [1C 69]

[1087] 156 Meta darba oħra l-qaddis kien jinsab f'Città di Castello, waħda mara li kienet *maħkuma mix-xitan* (cfr. Lq 4,33) ħaduha fid-dar fejn hu kien jinsab. Din kienet *barra minn sensiha* (cfr. Ġw 20,11), u kienet tgħażżeż snienha, filwaqt li kienet tfixkel lil kulħadd bl-għajjat

[663] Il-festa taċ-Ċirkonċiżjoni ta' Ġesù kienet issir fl-1 ta' Jannar.

tal-biża' tagħha. Issa ħafna kienu qiegħdin jitolbu bil-ħniena lill-qaddis ta' Alla għall-fejqan tagħha, u kienu jilmintaw miegħu li kienu ilhom wisq imħabbtin mill-marda tagħha. L-imqaddes Franġisku bagħat għandha wieħed mill-aħwa li kienu miegħu, biex jara jekk dak kienx tassew ix-xitan jew inkella l-qerq ta' dik il-mara. Imma hi, malli ntebħet li dak ma kienx San Franġisk, bdiet tgħajjru u qiesitu bħal xejn. Sadanittant il-missier imqaddes kien jinsab ġewwa jitlob. *Meta temm it-talb* (cfr. Ġdt 6,16), ħareġ barra jiltaqa' ma' dik il-mara. Hi, billi ma felħitx tara quddiemu l-preżenza tiegħu, bdiet titkgħawweġ ma' l-art u tagħmel vjolenza fuqha nnifisha. Il-qaddis ta' Alla ikkmanda b'ubbidjenza lix-xitan biex joħroġ minnha. Hu mall-ewwel warrab minn hemm, u fl-aħħarnett ħalla lil dik il-mara ħielsa.

Kapitlu XVII
Dwar dawk li kienu jsofru minn diżabilitajiet u ksur.

[1088] 157 Fil-*contado* ta' Parma, lil wieħed raġel twelidlu tifel li kellu riġlu milwi 'l ġewwa, jiġifieri bl-għarqub fuq quddiem u s-swaba' fuq wara. Dak ir-raġel kien fqir, imma kien devot ta' San Franġisk. Kien jitnikket ta' kuljum fit-talb tiegħu lill-qaddis, minħabba dak ibnu li kien f'qagħda hekk ta' ħasra, u kien jurih bla heda l-miżerja li kien jinsab fiha. F'qalbu kien jaħseb, u f'dan kienet taqbel miegħu wkoll l-imreddgħa tat-tifel, li jisforza r-riġel biex dan jerġa' lura f'post, wara li l-membri ta' dak it-tifel delikat kienu jirtabu fil-banju, u hu ħejja ruħu biex iwettaq dak li kien iddeċieda li jagħmel. Imma qabel ma beda jagħmel dik il-ħaġa ta' mingħajr ħsieb, meta neħħew il-faxxi lit-tifel sabu li, għall-merti ta' San Franġisk, dak kien tfejjaq daqslikieku qabel ma kellu l-ebda deformità f'ġismu.

[1089] 158 Fi Scoppito, qrib Amiterno, wieħed raġel u martu kellhom tifel uniku, imma ta' kuljum kienu jibku fuqu bħallikieku kien xi ħaġa ta' għajb għal dik il-familja. Għax dak it-tifel ma kienx donnu raġel, imma mostru, għaliex il-membri ta' quddiem ta' ġismu, bl-ordni tan-natura maqlub, kienu imdawwrin lura. Hekk, kellu dirgħajh imqabbdin ma' għonqu, idejh magħqudin fuq sidru u riġlejh marsusin mal-warrani, u kien donnu sfera, mhux bust ta' bniedem. Għal din ir-raġuni kienu jżommuh 'il bogħod mill-qraba u mill-ġirien, sabiex dawn ma jarawhx, u kienu jimtlew bin-niket u, aktar minn hekk, bil-mistħija. Mhux biss, imma r-raġel, billi kien jinħakem min-niket, kien iċanfar lil martu li ma kienetx kapaċi tnissel it-tfal bħan-nisa l-oħrajn, imma kienet tnissel mostri, li ma kontx tista' tqabbilhom lanqas ma' l-agħar speċi ta' annimali, u kien jaħqarha billi jakkużaha li dan il-ħaqq ta' Alla kien ġej kollu minħabba xi ħtija tagħha. Hi mela, kienet taqsam qalbha bin-niket u kienet tkun imħawwda bil-mistħija, u filwaqt li kienet tibki kienet titlob lil Kristu u tgħajjat lil San Franġisk biex jgħinna, u biex jogħoġbu jieqaf magħha, imnikkta kif kienet u mifnija b'dik it-tbatija. Lejl minnhom, waqt li kienet, mimlija niket, mitlufa f'nagħsa ta' tbatija, deherilha San Franġisk, u farraġha b'dan il-kelmiet ta' ħlewwa, filwaqt li ikkmandaha: "Qum u ħu lit-tifel fil-post li hu iddedikat lil ismi, u hemmhekk niżżlu fl-ilma li hemm f'dak il-bir. U meta inti tkun xħett dak l-ilma fuq it-tifel, hu jerġa' jieħu l-fejqan sħiħ". Imma dik il-mara ma għamlitx dak li kien ordnalha l-qaddis lit-tifel, u lanqas ma tat kas tat-tieni dehra li fiha l-qaddis ordnalha tagħmel l-istess ħaġa. Issa l-qaddis ħassu jitqanqal bil-ħniena minħabba s-sempliċità tagħha, u hekk ried juża *ħniena magħha b'mod akbar* (cfr. Ħos 1,6). Għaliex hu deherilha għat-tielet darba flimkien mal-Verġni glorjuża u mal-kumpanija l-aktar nobbli ta' l-Appostli qaddisin, u flimkien li weżinha flimkien mat-tifel ħadha f'waqt wieħed quddiem il-bieb ta' dak il-post li kien semmielha. Issa kien beda jisbaħ, u dik il-viżjoni kienet għabet għal kollox, u dik il-mara,

mistagħġba u miblugħa, ħabbtet dak il-bieb. Il-patrijiet ta' hemmhekk stagħġbu mhux ftit meta raw kemm hi kienet ilha tistenna bil-fiduċja l-fejqan ta' dak it-tifel, u li issa kienet twiegħdet lilha bit-tielet dehra. Ftit wara waslu bid-devozzjoni xi nisa nobbli mill-istess inħawi, u meta semgħu dak li kien ġara, baqgħu mistagħġbin ħafna. Dak il-ħin stess tellgħu bil-ħeffa l-ilma minn dak il-bir u l-aktar waħda nobbli fosthom meddet idejha biex taħsel lil dak it-tifel. F'daqqa waħda, il-membri tal-ġisem tiegħu reġgħu inġabru kollha fil-post naturali tagħhom, u t-tifel deher imfejjaq u l-kobor ta' dak il-miraklu xerred f'kulħadd ammirazzjoni kbira.

[1090] 159 Fil-kastell ta' Cori, fid-djoċesi ta' Ostia, wieħed raġel kien tilef għal kollox l-użu ta' riġel, u ma seta' bl-ebda mod la jimxi u lanqas jiċċaqlaq. Hu inħakem minn dwejjaq kbar u qata' qalbu minn kull għajnuna tal-bnedmin, u lejl minnhom, donnu kien qiegħed jara quddiemu lill-imqaddes Franġisku, beda jilminta quddiemu dwar il-qagħda tiegħu: "Għinni, San Franġisk, fit-tifkira tal-qima u tad-devozzjoni li jiena dejjem urejtek! Għaliex jiena ġarrejtek fuq il-ħmar tiegħi, jiena biestlek riġlejk u l-idejn qaddisa tiegħek, u jiena dejjem kont devot tiegħek, dejjem kont twajjeb miegħek; u ara, jiena issa qiegħed immut minħabba l-uġiegħ ta' dan id-deni li ma niflaħx għalih!" Imqanqal minn dan it-talb tal-ħniena, il-qaddis mall-ewwel ftakar fil-favuri li kien irċieva minn dak ir-raġel, u flimkien ma' wieħed mill-aħwa deher lil dak ir-raġel li ma setax jorqod. Hu qallu li kien ġie għaliex kien sejjaħlu, u kien lest li jġiblu rimedju għall-fejqan tiegħu. Mess il-parti ta' ġismu li kienet tbati b'bastun ċkejken, li fuqu kellu s-sinjal tat-*Tau*. Dak il-ħin stess, faqqa' dak ir-riġel u, wara li reġa' kiseb saħħtu, sallum il-ġurnata f'dak il-post tar-riġel baqa immarkat is-sinjal tat-*Tau*. B'din il-marka San Franġisk kien jiffirma l-ittri tiegħu, kull darba li kien jara l-ħtieġa jew minħabba raġunijiet ta' karità, u biha kien jibda xi kitbiet tiegħu.

[1091] 160 Waħda tifla ġabuha fuq il-qabar tal-qaddis. Din kienet ilha sena b'għonqha li kien milwi b'mod tal-biża' u b'rasha li kienet magħquda ma' spalla, hekk li ma setgħet tħares lejn ħadd jekk mhux la ġenbha. U filwaqt li hi meddet rasha taħt l-arka, li fiha kien magħluq il-ġisem l-aktar prezzjuż tal-qaddis, f'daqqa waħda idrittat għonqha, u billi tqanqlet b'dik il-bidla hekk ta' malajr li ħasset, bdiet taħrab u tibki. Fuq l-ispalla li r-ras kienet strieħet fuqha kienet għadha tidher bħal speċi ta' ħofra, li hi kienet żviluppat matul dik il-marda tagħha. [1C 127]

[1092] 161 Fil-*contado* ta' Narni, wieħed tifel kellu siequ tant milwija li ma setax jimxi bl-ebda mod jekk mhux bl-għajnuna ta' żewġ bsaten. Minħabba li kien ilu jsofri minn dik il-marda sa mill-bidu ta' tfulitu, hu kien sar tallâb u ma kienx jaf lanqas min kienu l-ġenituri tiegħu. Hu ġie mfejjaq għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, u seta' jimxi bil-libertà kollha fejn irid, u mingħajr il-bastun. [1C 128]

[1093] 162 Wieħed raġel jismu Niccolò, mill-belt ta' Foligno, kellu riġlu x-xellugija niexfa u kien isfori minħabba din id-disgrazzja kbira tiegħu. Hu kien nefaq flusu kollha fit-tobba biex jikseb is-saħħa hekk li kien spiċċa midjun u ma seta' bl-ebda mod iħallas lura l-flus li kien iddejjen. Billi ma kien sab l-ebda serħan mill-għajnuna tat-tobba, mifni b'dak l-uġiegħ kiefer hekk li bl-għajjat kontinwu tiegħu ma kienx iħalli lill-ġirien tiegħu jorqdu bil-lejl, fl-aħħar għamel wegħda ma' Alla u ma' San Franġisk u talabhom iġorruh fuq il-qabar tal-qaddis. Filwaqt li kien jitlob bil-lejl quddiem il-qabar, riġlu idrittatlu, u hu mimli bil-ferħ seta' jerġa' lura d-dar mingħajr ma juża l-bastun. [1C 129]

[1094] 163 Wieħed tifel ukoll, li kellu riġlu milwija hekk li l-irkobba kienet tmiss ma' sidru u l-għarqub kien imiss mal-warrani, ħaduh fuq il-qabar ta' l-imqaddes Franġisku. Kien mar iġorru missieru, li kien jaħqar lil ġismu b'ċilizzju u marret ukoll ommu li kienet tagħmel penitenza għalih. Hu fieq u reġa' kiseb is-saħħa tiegħu b'mod sħiħ. [1C 130]

[1095] 164 Fil-belt ta' Fano kien hemm raġel milwi, li riġlejh kienu miksijin bil-feriti u li kienu mqabbdin ma' koxxtejh, u li minnhom kienet toħroġ intiena hekk qawwija li t-tobba ma riedux jilqgħu fl-isptar. Hu, għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, għax kien talbu bil-ħniena, wara ftit taż-żmien feraħ bil-fejqan li kiseb. [1C 131]

[1096] 165 Waħda tifla minn Gubbio, li kellha idejha milwijin, u li kienet ilha żmien twil li tilfet l-użu tal-membri kollha ta' ġisimha, kienet akkumpanjata mill-imreddgħa tagħha bi xbieha tax-xemgħa, lejn il-qabar tal-qaddis, biex tikseb il-fejqan. Wara tmint ijiem li kienet ilha hemmhekk, kisbet mill-ġdid u għal kollox l-użu tal-membri kollha tagħha, u malajr tat xhieda tal-fejqan tagħha. [1C 132]

[1097] 166 Wieħed tifel ukoll, minn Montenero, kien ilu mixħut għal diversi ġranet quddiem il-bieb tal-knisja, li fiha jistrieħ il-ġisem ta' l-imqaddes Franġisku, għaliex hu ma setax jimxi u lanqas joqgħod bilqiegħda; għaliex minn qaddu 'l isfel kienu marrulu l-forzi u ma setax juża l-membri ta' ġismu. Jum minnhom daħal fil-knisja u malli sempliċement mess il-qabar tal-missier l-aktar qaddis, reġa' lura mfejjaq u qisu ma kellu xejn. Dan it-tfajjel imbagħad kien jirrakkonta li, filwaqt li kien jinsab quddiem il-qabar tal-qaddis glorjuż, deher quddiem il-qabar wieħed żagħżugħ, liebes bit-tonka tal-patrijiet u f'idejh kien qiegħed iġorr il-lanġas. Dan sejjaħlu b'ismu, u offrielu lanġasa u ħeġġu biex jiekolha. Hu laqa' dik il-lanġasa minn idu, u qallu: "Ara, jiena kollni milwi, u ma nistax inqum bilwieqfa". Imma hu xorta waħda kiel dik il-lanġasa li dak kien offrielu, u beda jtawwal idu biex jieħu lanġasa oħra li dak iż-żagħżugħ kien qiegħed joffrilu. Dak beda jħeġġu biex iqum, imma hu, maħkum minn dik il-marda tiegħu, ma rnexxielux. Filwaqt li dak it-tifel beda jtawwal idu lejn il-lanġasa, dak iż-żagħżugħ, wara li urieh dak il-frott, tah idu u ħarġu 'l barra minn hemm, filwaqt li għeb minn quddiem għajnejh. Dak ħassu mfejjaq għal kollox, u beda jgħajjat b'leħen għoli, u juri lil kulħadd dak li ġralu. [1C 133]

[1098] 167 Wieħed ċittadin ieħor minn Gubbio, li kien ġab f'qoffa lil ibnu, li kien kollu milwi, quddiem il-qabar tal-missier imqaddes, ħadu lura mfejjaq għal kollox. Dan kien milwi b'mod li jbeżżgħek, hekk li l-pxiexel ta' riġlejh kienu mwaħħlin mal-koxxa, u kienu donnhom nixfu għal kollox. [1C 134]

[1099] 168 Fid-djoċesi ta' Volterra, kien hemm raġel jismu Riccomagno, li lanqas biss kien jista' jitkaxkar ma' l-art b'idejh. Ommu wkoll, minħabba l-kruha tiegħu, kienet abbandunatu. Malli hu bl-umiltà kollha għamel wegħda ma' l-imqaddes Franġisku, reġa' ġie mfejjaq.

[1100] 169 Fl-istess djoċesi kien hemm żewġ nisa, li kien jisimhom Verde u Sanguigna, li kienu hekk milwijin li ma setgħux jiċċaqilqu jekk mhux għax imexxiehom xi ħadd ieħor, u kellhom idejhom kollha mqaxxrin, għax kienu jistrieħu fuqhom biex jiċċaqilqu. Malli huma għamlu wegħda ġew imfejjqin.

[1101] 170 Wieħed raġel jismu Giacomo minn Poggibonsi tant kien milwi b'mod li jbeżżgħek li kellu ħalqu jmiss ma' rkobbtejh. Ommu, li kienet armla, ħaditu fl-oratorju ta' l-imqaddes Franġisku, u wara li talbet lill-Mulej għall-fejqan tiegħu, reġgħet lura bih id-dar imfejjaq.

[1102] 171 F'Vicalvi, l-id niexfa ta' waħda mara, għall-merti tal-missier imqaddes, reġgħet saret tajba bħall-id l-oħra.

[1103] 172 Fil-belt ta' Capua waħda mara kienet għamlet wegħda li tmur personalment iżżur il-qabar ta' l-imqaddes Franġisku. Hi, minħabba t-tħassib għall-familja tagħha, insiet il-wegħda li kienet għamlet, u f'daqqa waħda tilfet l-użu tan-naħa l-leminija ta' ġisimha. Ma setgħetx iddawwar lejn l-ebda naħa rasha jew dirgħajha, minħabba li ibbiesulha n-nervituri. U hekk, kollha mimlija uġiegħ kienet tgħajji lill-ġirien tagħha bit-tnewwieħ tagħha li ma jaqtax. Darba minnhom żewġ aħwa għaddew minn quddiem id-dar tagħha, u dawn, wara li talabhom saċerdot, daħlu fid-dar ta' dik il-mara fqajra. Hi stqarret quddiemhom li kienet insiet tagħmel dik il-wegħda, u wara li laqgħet il-barka tagħhom, f'dak il-ħin stess qamet, u billi saret aktar għaqlija minħabba l-kastig li sofriet, wettqet bla dewmien il-wegħda tagħha.

[1104] 173 Bartolomeo minn Narni, waqt li kien rieqed għad-dell ta' siġra, minħabba l-qerq tax-xitan tilef l-użu ta' sieq u ta' riġel, u billi kien fqir ħafna ma kienx jaf għand min jirrikorri għall-għajnuna. Imma l-ħabib tal-foqra, Franġisku, li kien iġorr is-sinjal ta' Kristu, *deherlu waqt il-ħolm* (cfr. Mt 2,13) meta kien rieqed u ordnalu jmur lejn ċertu post. Hu ipprova jkaxkar lilu nnifsu sa hemmhekk, imma filwaqt li tfixkel fit-triq, *sema' leħen li kien jgħidlu*: "*Il-paċi miegħek*! (cfr. Atti 9,4; Dan 10,19). Jiena dak li inti intlaqt f'idejja!" U wasslu f'dak il-post, u deherlu li qiegħdlu id fuq siequ u l-oħra fuq riġlejh; b'dan il-mod reġa' raddlu lura l-użu ta' dawn il-membri, li kienu nixfulu. Dak *kellu bosta snin* (cfr. Ġoż 13,1), u kien ilu sitt snin ma jistax jitħarrek. [1C 135]

[1105] 174 San Franġisk wettaq bosta għeġubijiet oħrajn bħal dawn meta kien għadu ħaj. Hekk meta darba minnhom kien għaddej mid-djoċesi ta' Rieti, wasal f'raħal li fih waħda mara, maħsula bid-dmugħ, kienet qiegħda ġġorr f'dirgħajha lil binha li kellu tmien snin, u ġiet biex tqiegħdulu f'riġlejh. It-tfajjel kien ilu erba' snin hekk minfuħ li lanqas seta' jħares 'l isfel lejn riġleh. Il-qaddis laqgħu għandu bit-tjieba, u għadda l-idejn l-aktar qaddisa tiegħu fuq żaqqu. Malli messu, dik in-nefħa għaddietlu, it-tifel mall-ewwel tfejjaq, u flimkien ma' ommu, mimlija bil-ferħ, ma hediex irodd ħajr lil Alla u lill-qaddis tiegħu.

[1106] 175 Fil-belt ta' Toscanella, wieħed kavallier laqa' għandu lill-imqaddes Franġisku. Dan kellu *l-iben il-waħdieni* (cfr. Lq 7,12) tiegħu li kien zopp u kien dgħajjef f'ġismu kollu. Għalkemm kien diġà infatam minn ħalib ommu, imma xorta waħda kien għadu jorqod fil-benniena. Il-kavallier inxteħet bl-umiltà f'riġlejn ir-raġel qaddis u talbu bl-ilfiq biex irodd is-saħħa lil ibnu. Il-qaddis beda jqis lilu nnifsu u jgħid li ma kienx jistħoqqlu li jagħti grazzja hekk kbira, imma xorta waħda intrebaħ bl-insistenza tat-talbiet ta' dak ir-raġel. Wara li talab, immarka lit-tifel bis-sinjal tas-salib u bierku. U quddiem dawk kollha li kienu hemm u li mtlew bil-ferħ, it-tfajjel qam fuq riġlejh imfejjaq għal kollox u seta' jimxi kif ried. [1C 65]

[1107] 176 Darba oħra, il-qaddis wasal qrib Narni, fejn kien hemm raġel, jismu Pietro, *li kien magħtub u mixħut fis-sodda* (cfr. Mt 9,2). Dan, meta sema' li l-qaddis ta' Alla kien wasal

hemmhekk, talab lill-isqof tal-belt, biex jogħoġbu jibgħat għandu lill-qaddej ta' Alla l-Aktar Għoli, sabiex ifejjqu. Il-paralisi tal-membri ta' ġismu tant kienet kibret, li hu bil-ħniena kien jirnexxielu jċaqlaq xi ftit ilsienu u għajnejh. L-imqaddes Franġisku, resaq lejh, immarkah bis-sinjal tas-salib minn rasu sa riġlejh, u dak il-ħin stess, ħarab minnu kull deni, u reġa' raddlu s-saħħa li kellu qabel. [1C 66]

[1108] 177 F'Gubbio, waħda mara kellha idejha t-tnejn nexfin, u bihom ma setgħet tagħmel xejn. Meta saret taf li *l-bniedem ta' Alla* (cfr. 2Slat 4,9.25) kien daħal fil-belt, hi marret tħaffef għandu, kollha kiebja u tibki, u bdiet tittallab mingħandu l-ħniena u turih idejha nexfin. U hu, imqanqal mill-ħniena, messilha idejha u fejjaqha. Il-mara reġgħet lura mall-ewwel id-dar, u kollha ferħana, b'idejha stess ħejjiet torta tal-ġobon u marret toffrieha lill-bniedem qaddis. Hu, iżda, ħa biss ftit minħabba d-devozzjoni profonda ta' dik il-mara u ordnalha biex il-kumplament tieklu hi u l-familja tagħha. [1C 67]

[1109] 178 Darba minnhom il-qaddis wasal bħala mistieden fil-belt ta' Orte, fejn kien joqgħod wieħed tifel, jismu Giacomo, li kien ilu żmien twil milwi kollu kemm hu. Flimkien mal-ġenituri, quddiem il-qaddis, hu beda jitlob il-fejqan tiegħu. Minħabba l-marda twila tiegħu hu kellu rasu li kienet tħabbat ma' rkobbtejh u ħafna għadam kien miksur. Wara li rċieva s-sinjal tal-barka ta' San Franġisk, dak il-ħin stess beda jħossu jidritta, u hekk qam dritt fuq tiegħu b'mod sħiħ u ħass li kien imfejjaq għal kollox.

[1110] 179 Wieħed ieħor joqgħod fl-istess belt, li bejn l-għadam ta' dahru kellu nefħa kbira daqs ħobża, wara li tbierek minn San Franġisk, ġie meħlus għal kollox u ma baqgħalu l-ebda sinjal tagħha.

[1111] 180 Fl-isptar ta' Città di Castello, wieħed żagħżugħ li kien jafu kulħadd, kien paralizzat għal seba' snin sħaħ, u kien jitkaxkar ma' l-art qisu bhima. Ommu kienet ta' spiss titlob lil San Franġisk għalih, sabiex lil binha, li issa kien spiċċa jitkaxkar ma' l-art, jerġa' jagħtih il-qawwa li jimxi. Il-qaddis, filwaqt li laqa' l-wegħda u sema' l-krib ta' l-omm li kienet titolbu bil-ħniena, reġa' ħall dak it-tgħaqqid tal-membri ta' ġisem iż-żagħżugħ u reġa' raddlu lura ċ-ċaqliq naturali tal-membri ta' ġismu.

[1112] 181 Prassede kienet magħrufa mhux ħażin fost ir-reliġjużi nisa ta' Ruma u ta' l-inħawi tal-belt ta' Ruma. Sa minn meta kienet għadha ċkejkna, għall-imħabba ta' l-Għarus ta' dejjem, kienet ingħalqet f'ċella dejqa u hemmhekk kienet ilha għal erbgħin sena sħaħ. Ma' San Franġisk kellha l-grazzja ta' ħbiberija speċjali. Għaliex il-qaddis kien laqagħha fl-ubbidjenza[664], ħaġa li hu ma kien għamel ma' l-ebda mara oħra, u bil-qima kollha kien taha l-libsa tar-reliġjon, jiġifieri t-tonka u l-kurdun. Din jum minnhom telgħet għal xi ħtiġijiet tagħha fuq il-bejt taċ-ċella ċkejkna tagħha, u minħabba li għelbet rasha biha, waqgħet għal isfel. Kisret sieqha u riġel u żlugat spalla. Il-verġni ta' Kristu, f'ħafna snin imgħoddija, kienet dejjem trid titwarrab minn kulħadd u kienet għadha żżomm sħiħ dan l-impenn tagħha; imma billi issa kienet waqgħet ma' l-art bħal tronku ta' siġra u billi ma riedet il-faraġ ta' ħadd, ma kienetx taf għand min se ddur għall-għajnuna. Bl-ordni ta' kardinal u fuq il-parir ta' xi reliġjużi, hi ġiet imħeġġa biex ittemm dik il-klawsura, u li titlob l-għajnuna ta' xi mara twajba, u hekk tevita l-periklu tal-mewt, li setgħet tiġi fuqha jekk tkompli

[664] Fir-*Regola non bullata*, kap. 12, hemm projbizzjoni kategorika lill-aħwa li ma jilqgħux għall-ubbidjenza lill-ebda mara li tikkonsagra ħajjitha lil Alla, taħt xi għamla ta' ħajja eremitika.

tittraskura dak il-ksur u ma tikkurahx. Imma hi ma riedetx tisma' mit-talbiet tagħhom, u kienet tieqfilhom bil-qawwa kollha tagħha, li ma jmurx jiġrilha li għal ftit taż-żmien li kien fadlilha tgħix, tikser il-wegħda tagħha. Għaldaqstant hi daret fit-talb lejn riġlejn il-ħniena divina u *meta daħal filgħaxija* (cfr. Mk 6,47) bdiet titlob lill-imqaddes Franġisku bi tnehid ta' devozzjoni, u tgħidlu hekk: "O missier l-aktar qaddis tiegħi, li inti dejjem tgħin bit-tjieba u kullimkien il-ħtiġijiet ta' kulħadd, ukoll ta' dawk li inti lanqas kont tafhom meta kont ħaj, għaliex ma tridx tiġi tgħin lili, daqshekk imsejkna, lili li meta int kont għadek ħaj, kien stħaqqli, ukoll jekk ma jistħoqqlix, li jkolli d-don tal-ħbiberija l-aktar ħelwa tiegħek? Għaliex hu meħtieġ, kif inti stess tista' tara, o missier, li jiena nbiddel il-wegħda tiegħi, jew inkella jkolli mmut!" U filwaqt li bil-qalb u bil-fomm kienet qiegħda tgħid dawn il-kelmiet u kienet tittallab it-tjieba mimlija ħniena b'ħafna ilfiq, f'daqqa waħda inħakmet minn ngħasa, u *daħlet f'estasi* (cfr. Atti 11,5). U ara l-missier l-aktar qaddis, li kien liebes *l-ilbies abjad tal-glorja* (cfr. Is 52,1), niżel f'dik iċ-ċella mudlama, u beda jkellimha bi kliem mimli ħlewwa u qalilha: "*Qum, binti mbierka, qum u la tibżax*! (cfr. Rut 3,10; Lq 6,8; 1,30). Irċievi d-don tal-fejqan sħiħ u żomm il-wegħda li inti għamilt bla mittiefsa!" *Qabadha minn idha u qajjimha* (cfr. Mk 9,26), u mbagħad għab minn quddiemha. Hi mbagħad, bdiet iddur 'l hawn u 'l hinn fiċ-ċella, u ma setgħetx tifhem dak li kien ġralha, bil-qawwa tal-qaddej ta' Alla. Stħajlitha li kienet *għadha qiegħda tara viżjoni* (cfr. Atti 12,9). Imma mbagħad hi xirfet mit-tieqa, u għamlet il-ġest tas-soltu. Wieħed mill-irħieb ġie jiġri għandha b'ħafna ħerqa, u mimli stagħġib, staqsieha: "X'ġaralek, ja omm, li inti rnexxielek tqum fuq riġlejk?" Imma hi ħasbet li kienet għadha qiegħda toħlom, u billi ma intebħitx li kien hu, bdiet tistaqsi li jqabbdu n-nar. Malli ġabulha d-dawl, *reġgħet ġiet f'tagħha* (cfr. Atti 12,11), u ma ħassitx aktar l-ebda uġiegħ, u *ħaġa b'ħaġa* bdiet tirrakkonta *dak kollu* (cfr. Est 15,9) li kien ġralha.

## Kapitlu XVIII
Dwar diversi mirakli oħrajn.

[1113] 182 Fid-djoċesi ta' Magliano Sabino kien hemm mara anzjana li kellha tmenin sena, u li kellha żewġ ulied bniet; hi ħalliet li waħda minnhom li kienet għadha ħajja tredda' t-tifel ta' oħtha li kienet mietet. Imma meta hi wkoll nisslet minn żewġha, baqgħet bla ħalib. Ma kien hemm ħadd li seta' jgħin lil dak it-tifel ċkejken li baqa' orfni, l-ebda mara li setgħet tagħti qatra ħalib lil dak it-tifel bil-ġuħ. Ix-xwejħa bdiet titniehed u titbekka fuq in-neputi ċkejken, u maħkuma minn miżerja kbira, ma kienetx taf fejn sejra tagħti rasha. It-tifel beda dejjem inin f'saħħtu, u flimkien miegħu ukoll in-nanna kienet tidher li sejra tmut bin-niket. Ix-xwejħa *kienet iddur fl-isqaqien* (cfr. Għan 3,2) u fid-djar u ħadd ma seta' jeħles mill-biki u l-għajjat tagħha. Lejl minnhom, biex tikkalma l-biki ta' dik it-tarbija, ressqet lit-tifel ma' sidirha niexef u kollha dmugħ bdiet titlob b'insistenza l-għajnuna ta' San Franġisk u tgħidlu jidħol għaliha. Dak il-ħabib ta' l-età innoċenti mall-ewwel ġie maġenbha, u bil-ħniena li soltu kien juri lejn l-imnikktin, ħass kompassjoni għal dik ix-xwejħa u qalilha: "O mara, jiena dak Franġisku li inti qagħadt titolbu bid-dmugħ f'għajnejk". U kompla jgħidilha: "Ressaq sidrek ma' dawk ix-xofftejn tarjin, għaliex il-Mulej se jagħtik ħalib bil-kotra". Dik ix-xwejħa semgħet mill-kmand tal-qaddis u minnufih minn sider dik il-mara ta' tmenin sena beda ħiereġ il-ħalib bil-kotra. Dan il-fatt sar magħruf minn kulħadd, għaliex kien jidher b'mod ċar, u kulħadd stagħġeb, filwaqt li raw dik ix-xwejħa mgħawwġa ganċ terġa' tiġġedded bis-saħħa ta' waħda żagħżugħa. Bosta kienu jiġru biex jaraw; fosthom il-konti ta' dik il-provinċja, u dak li hu ma riedx jemmen meta semgħu minn ħaddieħor kellu jammettih bl-esperjenza personali tiegħu. Mhux biss, imma dik ix-xwejħa kollha tikmix saqqiet b'nixxiegħa

ta' ħalib lil dak il-konti li ried ikun jaf dwar dan il-fatt, u malli ħass dak il-ħalib ħarab minn hemm. *Kulħadd beda jbierek lill-Mulej, li waħdu jagħmel l-għeġubijiet* (cfr. S 102,20; 135,4), u bdew iqimu b'devozzjoni u riverenza lill-qaddej tiegħu San Franġisk. Dak it-tifel kiber malajr minħabba dak l-ikel ta' l-għaġeb li rċieva u fi żmien qasir ħareġ miċ-ċokon ta' dik l-età tiegħu.

[1114] 183 Wieħed raġel, jismu Martino, kien ħareġ xi barrin biex jirgħu barra mir-raħal tiegħu. Wieħed minnhom kiser siequ hekk li Martino ma seta' jirnexxilu jsib l-ebda rimedju. Waqt li hu kien qiegħed jaħseb kif se joqtlu, billi ma kellu lil ħadd miegħu, mar lura lejn id-dar, u ħalla dak il-barri fil-ħarsien ta' l-imqaddes Franġisku, sabiex hekk l-ilpup ma jmorrux jisbranawh qabel ma hu jerġa' lura ħdejh. Filgħodu kmieni, mar lura flimkien ma' dak li kellu jgħinu joqtol il-barri, u rħiela lejn il-bosk fejn kien ħallieh, imma sab li dik il-bhima kienet qed tirgħa bis-sliem u tant dehret li ma kellha xejn li hu ma kienx jaf jagħżel is-sieq miksura mill-oħra. Hekk hu radd ħajr *lir-ragħaj it-tajjeb* (cfr. Ġw 10,11), li *kien ħa ħsieb* (cfr. Lq 10,35) bir-reqqa tal-barri u li kien offrielu l-fejqan meħtieġ.

[1115] 184 Raġel ieħor minn Amiterno kien tilef għal tliet snin sħaħ bhima tat-tagħbija li kellu, għax kienu serquhielu. U għalhekk dar fit-talb lejn l-imqaddes Franġisku, u filwaqt li nxteħet quddiemu beda jitolbu b'ħafna biki. Lejl minnhom, waqt li kien rieqed, *sema' leħen li qallu*: "*Qum* (cfr. Atti 11,7) u mur Spoleto u ġib lura minn hemmhekk il-bhima tiegħek". Malli sema' dik it-twissija qam kollu mistagħġeb, imma mbagħad reġa' raqad. Mill-ġdid l-istess dehra reġgħet qajjmitu, u hu beda jistaqsi min kien dak li kien qiegħed ikellmu. Dak il-leħen wieġbu: "Jiena FranAtti 11,7) u mur Spoleto u ġib lura minn hemmhekk il-bhima tiegħek". Malli sema' dik it-twissija qam kollu mistagħġeb, imma mbagħad reġa' raqad. Mill-ġdid l-istess dehra reġgħet qajjmitu, u hu beda jistaqsi min kien dak li kien qiegħed ikellmu. Dak il-leħen wieġbu: "Jiena Franġisku, li inti tlabt". Billi hu ħaseb li kien qiegħed joħlom, ipprova ma jagħtix kas ta' dak il-kmand. Imma dak il-leħen sejjaħlu għat-tielet darba, u hu obda bid-devozzjoni. Mar lejn Spoleto u sab il-bhima tiegħu qawwija u sħiħa, u wara li reġa' kisbu lura bla ebda tbatija, ġabu lejn id-dar. Hu irrakkonta dan il-fatt kullimkien u lil kulħadd, u dejjem baqa' fil-qadi ta' San Franġisk.

[1116] 185 Wieħed raġel minn Interdoclo[665] kien xtara friskatur sabiħ ħafna u tah lil martu sabiex tħarsu bil-kura. Jum minnhom il-qaddejja ta' martu qabdet il-friskatur, u xeħtet fih xi ħwejjeġ għall-ħasil flimkien mas-soder. Imma kemm minħabba s-sħana tax-xemx kif ukoll minħabba s-soder, dak il-friskatur ixxaqqaq kollu, hekk li ma setgħux jużawh bl-ebda mod. Dik il-qaddejja beżgħet, u ħadet lura l-friskatur lil sidha, filwaqt li fissritilha, bid-dmugħ f'għajnejha, u bil-kliem, dak li kien ġara. Dik, li kienet mhux inqas imbeżżża' minnha, u mwerwra meta bdiet taħseb dwar kemm żewġha kien se jinkorla, bdiet tistenna li tirċievi s-swat. Sadanittant ħbiet dak il-friskatur bil-kura, u bdiet titlob il-merti ta' San Franġisk u tittallab mingħandu l-grazzja. U minnufih, għall-mertu ta' l-interċessjoni tal-qaddis, dak ix-xaqquf reġa' ingħaqad u dak il-friskatur, li kien ixxaqqaq, reġa' beda jidher sħiħ. Il-ġirien kienu kollhom ferħ, għax ftit qabel kienu mimlijin ħniena lejn dik il-mara msejkna. Imbagħad dik il-mara, qabel kulħadd, irrakkontat dak il-fatt ta' l-għaġeb lil żewġha.

[1117] 186 Jum minnhom, wieħed raġel minn Monte dell'Olmo fil-Marche, waqt li kien qiegħed idaħħal ix-xafra fil-moħriet, intebaħ li l-moħriet kien inkiser u sar bċejjeċ. Dak il-bidwi tnikket kemm għaliex dak il-moħriet inkiser, kif ukoll għal dak il-jum xogħol li kien se jitlef, u

---

665 Illum Antrodoco, raħal bejn Rieti u l'Aquila.

beda jibki mhux ftit. U beda jitniehed u jgħid: "O imqaddes Franġisku, ejja għinni, jiena li nafda fil-ħniena tiegħek! Jiena se nagħti ta' kull sena lill-aħwa tiegħek daqs siegħ qamħ u nieħu ħsieb tal-ħtiġijiet tagħhom, jekk issa inti tagħtini prova tal-ħniena tiegħek, li bosta nies oħrajn diġà irċevewha". Wara li temm dik it-talba tiegħu, il-moħriet reġa' issewwa, u l-ħadid reġa' ingħaqad flimkien mingħajr ma fadal l-ebda sinjal ta' qsim.

[1118] 187 Wieħed kjeriku minn Vicalvi, li kien jismu Matteo, *li xorob velenu li joqtol* (cfr. Mk 16,18), tant ġralu deni b'mod gravi, li ma setax iżjed jitkellem u kien qiegħed jistenna biss it-tmiem. Wieħed saċerdot li kien tah il-parir li jqerr għandu, ma rnexxielux iġiegħlu jitkellem. Imma dak beda jitlob *f'qalbu* (cfr. S 13,1) lil Kristu tiegħu bl-umiltà, sabiex jogħoġbu jeħilsu għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku. U malli hu lissen kif seta' b'dak il-leħen dgħajjef tiegħu, l-isem ta' l-imqaddes Franġisku, quddiem xhieda li kienu hemm, irremetta dak il-velenu.

[1119] 188 Is-sinjur Trasmondo Anibaldi, konslu ta' Ruma, fiż-żmien li kien jokkupa l-kariga ta' *podestà* ta' Siena fit-Toscana, kien iżomm miegħu lil ċertu Niccolò, li kien għażiż ħafna għalih u li kien attent għall-ħtiġijiet tal-familja. Imma f'daqqa waħda fix-xedaq tiegħu faqqgħetlu marda mill-agħar, u t-tobba ħabbru li l-mewt tiegħu kienet fil-qrib. Filwaqt li dak kien jinsab ftit imħeddel, deheritlu l-Verġni Omm ta' Kristu u ordnatlu biex jikkonsagra lilu nnifsu lill-imqaddes Franġisku u li jmur iżur mingħajr dewmien il-qabar tiegħu. *Malli qam filgħodu* (cfr. Ġen 24,54) irrakkonta dik id-dehra lil sidu li, kollu mistagħġeb, ried jagħmel prova tagħha mall-ewwel. Hu ħadu miegħu Assisi, quddiem il-qabar, u dak ħabibu mall-ewwel ġie lura mfejjaq. Kien fejqan ta' l-għaġeb, imma kien fuq kollox ħidma ta' l-għaġeb li għoġobha tagħmel il-Verġni mbierka, li għenet lil dak il-marid u kabbret il-merti tal-qaddis tagħna.

[1120] 189 Dan il-qaddis jaf jgħin sewwa *lil dawk kollha li jsejjħulu* (cfr. S 144,18), u ma jieqafx milli jgħin f'kull ħtieġa. Fi Spanja, f'San Facondo[666], wieħed raġel kellu ċirasa fil-ġnien tiegħu, li kienet tagħtih *frott bil-kotra* (cfr. Lq 12,16) ta' kull sena, u li kienet ukoll *tagħti l-għajxien* (cfr. Lq 2,52; Għerf 15,12) lil dan li kien jieħu ħsiebha. Jum minnhom is-siġra nixfet sa l-għeruq. Is-sid ried *jaħsadha,* biex *ma tibqax aktar tkidd l-art* (cfr. Lq 13,7), imma wieħed ġar tiegħu tah il-parir biex iħalli din il-ħaġa f'idejn l-imqaddes Franġisku, u hu sema' minn dan il-parir. Hekk *meta ma seta' jara l-ebda tama* (cfr. Rum 4,18), dik is-siġra, fi żmienha reġgħet ħadet il-ħajja, ħarġet il-fjuri, u l-weraq, *u għamlet il-frott* (cfr. Lq 21,30) bħal qabel. Minn dak il-jum b'radd ta' ħajr għal dik il-grazzja hekk kbira, dak ir-raġel kien dejjem jibgħat minn dak il-frott lill-aħwa.

[1121] 190 Meta qrib Villasilos, id-dwieli kienu inqerdu minħabba marda tad-dud, in-nies talbu l-parir ta' wieħed mill-aħwa ta' l-Ordni tal-Predikaturi biex ikollhom rimedju minn dik il-marda tad-dwieli. Dak issuġġerielhom li jagħżlu żewġ qaddisin li riedu huma u li jaħtru patrun biex ineħħi minnhom dik il-marda qerrieda; huma għażlu lil San Franġisk u lil San Duminku. Tellgħu x-xorti, *u x-xorti waqgħet fuq* (cfr. Atti 1,26) San Franġisk. Għalhekk dawk in-nies irrikorrew għall-għajnuna tiegħu u f'daqqa waħda dik l-invażjoni tad-dud tbiegħdet minnhom. Għaldaqstant taw qima lill-qaddis b'devozzjoni speċjali u bdew iqimu l-Ordni tiegħu b'affett kbir. Għaliex ta' kull sena, biex iroddu ħajr għal miraklu bħal dak, għadhom joffru lill-aħwa l-inbid bħala karità.

[1122] 191 F'Palencia, wieħed qassis kellu maħżen tal-qamħ, imma ta' kull sena dan il-maħżen kien jimtela bid-dud li jiekol il-qamħ. Il-qaddis, imħawwad minħabba d-deni kollu li dan kien

---

[666] Illum il-ġurnata Sahagún.

iġiblu, fittex rimedju, u afda lill-imqaddes Franġisku l-ħarsien ta' dak il-maħżen qamħ. Wara li għamel hekk, ftit taż-żmien wara, sab li dak id-dud kien inġabar mejjet gzuz, gzuz barra l-maħżen, u minn dak in-nhar qatt aktar ma kellu infestazzjoni bħal dik. Dak il-qassis, imbagħad, billi kien devot minħabba l-grazzja li rċieva, u billi ma kienx ingrat għal dak il-benefiċċju, għall-imħabba lejn San Franġisk ta' kull sena kien jagħti offerta ta' qamħ lill-foqra.

[1123] 192 Fiż-żmien li fih kien hemm invażjoni tad-dud li jiekol il-frott ta' l-art fis-saltna tal-Puglia, is-sid ta' kastell, li jismu Pietramala, irrikmanda fit-talb l-art tiegħu lill-imqaddes Franġisku. Dik l-art, għall-merti tal-qaddis, ġiet meħlusa minn dik l-invażjoni qerrieda, filwaqt *li fl-inħawi kollha ta' madwar* kollox *ittiekel* (cfr. Ġer 21,14) minn dik il-pjaga qerrieda.

[1124] 193 Waħda mara nobbli mill-kastell ta' Galete kienet issofri minn fistla bejn sidirha. Hi kienet maħkuma mill-uġiegħ u mill-intejjen tal-ferita, u ma setgħet issib l-ebda rimedju qawwi kontriha. Jum minnhom hi daħlet biex titlob fi knisja ta' l-aħwa, fejn sabet ktejjeb li kien fih il-ħajja u l-mirakli ta' San Franġisk, u billi kienet kurjuża li tkun taf x'kellu miktub fih, bdiet tqallbu bil-kura kollha. Meta intebħet bit-tifsira ta' dawk il-paġni, bdiet tibki, refgħet il-ktieb u żammitu miftuħ fuq il-parti marida, filwaqt li bdiet tgħid: "Daqs kemm huma veri dawn il-fatti, li huma miktubin f'dawn il-paġni, o San Franġisk, issa agħmel li għall-merti qaddisa tiegħek jiena niġi meħlusa minn din il-pjaga!" U għal ftit tal-ħin baqgħet tibki u tinsisti fit-talb; imma f'daqqa waħda, meta neħħiet il-faxex li kellha, sabet lilha nnifisha mfejjqa hekk li minn dak il-ħin lanqas biss baqa' sinjal ta' dik il-pjaga li kellha.

[1125] 194 Ħaġa oħra tixbaħ lil din ġrat ukoll fl-inħawi tar-Romania lil wieħed missier li talab bid-devozzjoni lil San Franġisk għal ibnu li kellu pjaga minn ulċera gravi. Hu beda jgħid: "Jekk huma tassew dawk il-ġrajjiet li jirrakkontaw dwarek mad-dinja kollha, o qaddis ta' Alla, jalla jiena nara f'dan ibni, għat-tifħir ta' Alla, il-ħniena tat-tjieba tiegħek". Mall-ewwel, il-faxex ta' ibnu infetħu, u quddiem għajnejn kulħadd ħarġet il-materja minn dik il-ferita u l-laħam tat-tifel reġa' ingħalaq hekk li ma fadallu l-ebda sinjal ta' dik il-marda li kellu.

[1126] 195 Meta l-imqaddes Franġisku kien għadu ħaj, wieħed mill-aħwa kien imħabbat minn marda hekk tal-biża' li l-membri ta' ġismu kienu jiltwew qishom ġo ċirku. Għaliex, xi kultant hu kien ikun kollu ibies u stirat, b'riġlejh li kienu jduru sa fuq rasu, u kien jitgħolla 'l fuq daqs tul ta' raġel u mbagħad f'daqqa waħda jistabat 'l isfel lejn l-art, *u kien jitkgħawweġ u joħroġ ir-ragħwa minn ħalqu* (cfr. Mk 9,19). Il-missier imqaddes imtela b'sens ta' ħniena mill-qiegħ ta' qalbu għal dik it-tbatija li kellu dak ħuh, u wara li talab għalih, bis-sinjal tas-salib, fejjqu b'mod daqshekk qawwi li dak il-marid imbagħad ma batiex l-ebda taħbit ieħor minn dik il-marda. [1C 68]

[1127] 196 Wara l-mewt tal-missier imqaddes, wieħed ieħor mill-aħwa kellu fin-naħa ta' isfel ta' żaqqu fistla hekk kbira, li ma kellu l-ebda tama ta' fejqan. Hu kien talab lill-ministru tiegħu l-permess li jmur iżur il-post li fih kien midfun l-imqaddes Franġisku, imma minħabba l-biża' tat-taħbit ta' dak il-vjaġġ li seta' jaggrava l-qagħda tiegħu, il-permess ma ġiex mogħti lilu. Dak mela tnikket mhux ftit. Imma lejl minnhom deherlu l-imqaddes Franġisku u qallu: "Ibni, la titnikkitx iżjed, imma armi minn fuqek il-ġild li inti liebes, neħħi l-medikazzjoni tal-pjaga; osserva r-regola tiegħek u ssib li tkun imfejjaq mall-ewwel". *Meta qam l-għada filgħodu*, (cfr. Ġen 19,27) dak għamel skond kif kien ordnalu l-qaddis u kiseb il-fejqan minnufih. [1C 145]

[1128] 197 Wieħed raġel, billi kien ferut gravement f'rasu minn vleġġa tal-ħadid, ma seta' jsib l-ebda għajnuna mit-tobba, għaliex il-vleġġa kienet daħlet fil-ħofra ta' għajnejh u kienet baqgħet imwaħħla f'rasu. Dak il-ferut, bid-devozzjoni kollha, beda jagħmel wegħda ma' l-imqaddes Franġisku. Darba minnhom, waqt li kien rieqed, sema' lill-imqaddes Franġisku *jgħidlu waqt il-ħolm* (cfr. Ġen 31,24) biex jgħidilhom joħorġulu dik il-vleġġa minn naħa ta' wara ta' rasu. L-għada hu għamel *skond kif kien sema' fil-ħolm* (cfr. Sir 13,17), u seta' jeħles minn dik il-vleġġa mingħajr ħafna tbatija.

Kapitlu XIX
Konklużjoni tal-mirakli ta' l-imqaddes Franġisku.

[1129] 198 Billi l-ħniena bla tarf ta' *Kristu l-Mulej* (cfr. Lq 2,11; Atti 15,11), *tikkonferma* li huma tassew veri *dawn is-sinjali* (cfr. Mt 16,20) tal-qaddis tiegħu u missier tagħna Franġisku, *li ktibna dwarhom* (cfr. Ġw 20,30) u xerridniehom, u billi jidhrilna li tkun ħaġa bla sens li *jiġi iġġudikat mill-bnedmin* (cfr. 1Kor 4,3) dak li hu approvat bil-miraklu divin, jiena, iben umli tal-missier, nitlob bil-ħniena lil ulied kollha tal-missier fid-dinja kollha, biex jilqgħu dawn il-mirakli li iddeskrivejna bid-devozzjoni. Għaliex għalkemm dawn irrakkontajniehom mhux b'mod xieraq, imma xorta waħda jistħoqqilhom u jixirqilhom kull qima. Wieħed ma għandux jistmerr in-nuqqas ta' kapaċità tal-kittieb, imma għandu pjuttost jagħraf il-fidi tiegħu, għandu jqis l-istudju li bih kitibhom u l-imħabba li wera f'din il-ħidma. Ma nistgħux ta' kuljum inħabbtu biċċiet ġodda tal-ħadid fil-forġa, ma nistgħux inbiddlu dak li hu kwadru f'tond, u lanqas ma nistgħu napplikaw għall-varjetà tant kotrana taż-żminijiet u tar-rieda tal-bnedmin, dak li aħna rċevejna bħala ħaġa waħdanija. Għax tassew, aħna ma ġejniex imbuttati biex niktbu dan kollu bil-frugħa, u lanqas ma ħallejna lilna nfusna negħerqu fl-istint tar-rieda tagħna fost tant espressjonijiet diversi, imma imbuttawna biex nidħlu għal din il-ħidma t-talbiet insistenti ta' l-aħwa u fuq kollox l-awtorità tal-prelati tagħna. Aħna nistennew il-ħlas mingħand *Kristu l-Mulej* (cfr. Rum 1,7), u lilkom, aħwa u missirijiet tagħna, nitolbukom mogħdrija u mħabba. Hekk ikun! Amen.

Il-ktieb hu mitmum. Jingħata tifħir u glorja lil Kristu.